**Parlament Ewropew**
2014-2019

*Dokument ta' sessjoni*

**A8-0200/2019**

23.5.2019

# ***I
# RAPPORT

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi regoli dwar l-appoġġ għall-pjanijiet strateġiċi li jridu jitfasslu mill-Istati Membri taħt il-Politika Agrikola Komuni (il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK) u ffinanzjati mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1305/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament (UE) Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill
(COM(2018)0392 – C8-0248/2018 – 2018/0216(COD))

Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

Rapporteur: Esther Herranz García

Rapporteur għal opinjoni (*):
Giovanni La Via, Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

(*) Kumitat assoċjat – Artikolu 54 tar-Regoli ta' Proċedura

## *Tifsira tas-simboli użati*

| | |
|---|---|
| * | Proċedura ta' konsultazzjoni |
| *** | Proċedura ta' approvazzjoni |
| ***I | Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari) |
| ***II | Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tieni qari) |
| ***III | Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tielet qari) |

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-abbozz ta' att.)

## *Emendi għal abbozz ta' att*

**Emendi tal-Parlament f'żewġ kolonni**

It-tħassir huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tax-xellug. Is-sostituzzjoni hija indikata permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fiż-żewġ kolonni. It-test ġdid huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tal-lemin.

L-ewwel u t-tieni linji tal-intestatura ta' kull emenda jidentifikaw il-parti tat-test ikkonċernata fl-abbozz ta' att inkwistjoni. Meta emenda tirrigwarda att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, l-intestatura jkun fiha wkoll it-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att.

**Emendi tal-Parlament li jieħdu l-forma ta' test konsolidat**

Il-partijiet tat-testi l-ġodda huma indikati permezz tat-tipa ***korsiva u grassa.*** Il-partijiet tat-test imħassra huma indikati permezz tas-simbolu ▌ jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni hija indikata billi t-test il-ġdid jiġi indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** u billi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit. Bħala eċċezzjoni, it-tibdil ta' natura strettament teknika magħmul mis-servizzi fil-preparazzjoni tat-test finali mhuwiex indikat.

## WERREJ

**Paġna**


ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW...........5

NOTA SPJEGATTIVA .....................................................................................................343

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-AMBJENT, IS-SAĦĦA PUBBLIKA U S-SIKUREZZA TAL-IKEL ..........................................................................................347

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-IŻVILUPP ..........................................................545

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-BAĠITS................................................................603

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-KONTROLL TAL-BAĠIT .....................................620

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-IŻVILUPP REĠJONALI .......................................649

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦAD-DRITTIJIET TAN-NISA U L-UGWALJANZA BEJN IS-SESSI ..............................................................................................................749

PROĊEDURA TAL-KUMITAT RESPONSABBLI ..........................................................786

VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI......787

## ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

**dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi regoli dwar l-appoġġ għall-pjanijiet strateġiċi li jridu jitfasslu mill-Istati Membri taħt il-Politika Agrikola Komuni (il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK) u ffinanzjati mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1305/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament (UE) Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (COM(2018)0392 – C8-0248/2018 – 2018/0216(COD))**

**(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)**

*Il-Parlament Ewropew*,

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament u lill-Kunsill (COM(2018)0392),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikoli 42 u 43(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C8-0024/2018),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 13 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-Att ta' Adeżjoni tal-1979, u b'mod partikolari l-paragrafu 6 tal-Protokoll Nru 4 dwar il-qoton mehmuż miegħu,

– wara li kkunsidra l-opinjoni motivata preżentata mill-Assemblea Nazzjonali Franċiża, fil-qafas tal-Protokoll Nru 2 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji ta' sussidjarjetà u proporzjonalità li tiddikjara li l-abbozz ta' att leġiżlattiv ma jimxix mal-prinċipju ta' sussidjarjetà (PE627.925 – 24/40/2018),

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tas-17 ta' Ottubru 2018[1],

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni tas-6 ta' Diċembru 2018[2],

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Qorti tal-Awdituri tal-25 ta' Ottubru 2018[3],

– wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali kif ukoll l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Ambjent, Saħħa Pubblika u Sikurezza tal-Ikel, il-Kumitat għall-Iżvilupp, il-Kumitat għall-Baġits, il-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit, il-Kumitat

[1] Għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali.
[2] Għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali.
[3] ĠU C 41, 1.2.2019, p 1.

għall-Iżvilupp Reġjonali u l-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi (A8-0200/2019),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

**Emenda 1**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 1a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(1a) Il-PAK għad għandha rwol ewlieni fl-iżvilupp taż-żoni rurali tal-Unjoni. Huwa għalhekk meħtieġ li jsir tentattiv biex jitnaqqas l-abbandun gradwali tal-attività agrikola billi tinżamm PAK b'saħħitha u b'riżorsi adegwati, sabiex jittaffa l-fenomenu ta' depopolazzjoni taż-żoni rurali u biex ikomplu jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet tal-konsumaturi f'dak li jirrigwarda l-ambjent, is-sikurezza tal-ikel u l-benesseri tal-annimali. Fid-dawl tal-isfidi li qed jiffaċċjaw il-produtturi tal-Unjoni biex jirrispondu għal rekwiżiti regolatorji ġodda, u għal livell ogħla ta' ambizzjoni ambjentali, f'kuntest ta' volatilità tal-prezzijiet u ftuħ akbar tal-fruntieri tal-Unjoni għall-importazzjonijiet minn partijiet terzi, jenħtieġ li l-baġit iddedikat għall-PAK jinżamm għall-inqas fl-istess livell bħal fil-perjodu 2014-2020.*** |

**Emenda 2**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 1b (ġdida)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***(1b) Sabiex tindirizza d-dimensjoni globali u l-implikazzjonijiet tal-PAK, jenħtieġ li l-Kummissjoni tiżgura l-koerenza u l-kontinwità mal-politiki u l-istrumenti esterni l-oħra tal-Unjoni, b'mod partikolari fil-kooperazzjoni għall-iżvilupp u fil-kummerċ. L-impenn tal-Unjoni għall-koerenza tal-politika għall-iżvilupp jirrikjedi l-kunsiderazzjoni tal-għanijiet u l-prinċipji tal-iżvilupp meta jitfasslu l-politiki.*** |

**Emenda 3**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 2**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| (2) Peress li hemm il-ħtieġa li l-PAK ittejjeb ir-rispons tagħha għall-isfidi u għall-opportunitajiet hekk kif jimmanifestaw ruħhom fil-livell tal-Unjoni, fil-livell internazzjonali, nazzjonali, reġjonali, lokali u fil-livell tal-azjendi agrikoli, huwa meħtieġ li tiġi ssimplifikata l-governanza tal-PAK u jitjieb ir-rendiment tagħha tal-objettivi tal-Unjoni u li jitnaqqas b'mod sinifikanti l-piż amministrattiv. Fil-PAK ibbażata fuq il-prestazzjoni ("il-mudell ta' implimentazzjoni"), l-Unjoni jenħtieġ tistabbilixxi l-parametri bażiċi ta' politika bħal pereżempju l-objettivi tal-PAK u rekwiżiti bażiċi, filwaqt li l-Istati Membri jenħtieġ jerfgħu responsabbiltà akbar għal kif jilħqu l-objettivi u kif jiksbu l-miri. Is-sussidjarjetà msaħħa tippermetti li jitqiesu aħjar il-kundizzjonijiet u l-bżonnijiet lokali, u ***jitfasslu*** apposta l-appoġġ biex jiġi massimizzat il-kontribut għall-objettivi tal-Unjoni. | (2) Peress li hemm il-ħtieġa li l-PAK ittejjeb ir-rispons tagħha għall-isfidi u għall-opportunitajiet hekk kif jimmanifestaw ruħhom fil-livell tal-Unjoni, fil-livell internazzjonali, nazzjonali, reġjonali, lokali u fil-livell tal-azjendi agrikoli, huwa meħtieġ li tiġi ssimplifikata l-governanza tal-PAK u jitjieb ir-rendiment tagħha tal-objettivi tal-Unjoni u li jitnaqqas b'mod sinifikanti l-piż amministrattiv ***għall-benefiċjarji, b'mod partikolari għall-benefiċjarji finali***. Fil-PAK ibbażata fuq il-prestazzjoni ("il-mudell ta' implimentazzjoni"), l-Unjoni jenħtieġ ***li*** tistabbilixxi l-parametri bażiċi ta' politika bħal pereżempju l-objettivi tal-PAK u rekwiżiti bażiċi, filwaqt li l-Istati Membri jenħtieġ ***li*** jerfgħu responsabbiltà akbar għal kif jilħqu l-objettivi u kif jiksbu l-miri***, filwaqt li jiżguraw ċertezza politika u sigurtà finanzjarja għas-settur***. Is-sussidjarjetà msaħħa tippermetti li jitqiesu aħjar il-kundizzjonijiet u l-bżonnijiet lokali, u ***jitfassal*** apposta l-appoġġ biex jiġi massimizzat il-kontribut għall-objettivi tal-Unjoni. ***Madankollu, sabiex din is-sussidjarjetà ma tissarrafx*** |

| | |
|---|---|
| | ***f'nazzjonalizzazzjoni mill-ġdid tal-PAK, dan ir-Regolament jenħtieġ li jkun fih korp sod ta' dispożizzjonijiet tal-Unjoni Ewropea maħsub biex jevita distorsjonijiet tal-kompetizzjoni u jiżgura trattament mhux diskriminatorju għall-bdiewa kollha tal-Unjoni fit-territorju kollu tal-Unjoni.*** |

**Emenda 4**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (3) ***L-użu ta' definizzjonijiet komuni stabbiliti bis-sħiħ fil-livell tal-Unjoni kkawża xi diffikultajiet għall-Istati Membri biex jindirizzaw l-ispeċifiċitajiet tagħhom stess fil-livell nazzjonali, reġjonali u lokali. Għalhekk*** jenħtieġ li l-Istati Membri jingħataw il-flessibbiltà biex jispeċifikaw ċerti definizzjonijiet fil-Pjan Strateġiku tal-PAK tagħhom. Madankollu, sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi, irid jiġi stabbilit qafas fil-livell tal-Unjoni li jikkostitwixxi l-elementi ***essenzjali*** meħtieġa li jridu jiġu inklużi f'dawk id-definizzjonijiet ("id-definizzjonijiet qafas"). | (3) Jenħtieġ li l-Istati Membri jingħataw il-flessibbiltà biex jispeċifikaw ċerti definizzjonijiet fil-Pjan Strateġiku tal-PAK tagħhom. Madankollu, sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi, irid jiġi stabbilit qafas fil-livell tal-Unjoni li jikkostitwixxi l-elementi ***komuni*** meħtieġa li jridu jiġu inklużi f'dawk id-definizzjonijiet ("id-definizzjonijiet qafas"). |

**Emenda 5**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (4) Sabiex jiġi żgurat li l-Unjoni tista' tirrispetta l-obbligi internazzjonali tagħha dwar l-appoġġ domestiku kif stabbiliti fil-Ftehim tad-WTO dwar l-Agrikoltura, u b'mod partikolari li l-appoġġ għall-introjtu bażiku għas-sostenibbiltà u t-tipi ta' interventi relatati jkomplu jiġu notifikati | (4) Sabiex jiġi żgurat li l-Unjoni tista' tirrispetta l-obbligi internazzjonali tagħha dwar l-appoġġ domestiku kif stabbiliti fil-Ftehim tad-WTO dwar l-Agrikoltura, u b'mod partikolari li l-appoġġ għall-introjtu bażiku għas-sostenibbiltà u t-tipi ta' interventi relatati jkomplu jiġu notifikati |

| | |
|---|---|
| bħala appoġġ tal-"Green Box" li ma għandu l-ebda effett ta' distorsjoni tal-kummerċ jew effett fuq il-produzzjoni, jew l-aktar l-aktar effett minimu, jenħtieġ li d-definizzjoni qafas għal "attività agrikola" tinkludi kemm il-produzzjoni tal-prodotti agrikoli kif ukoll il-manutenzjoni taż-żona agrikola. Fid-dawl tal-aġġustament għall-kundizzjonijiet lokali, jenħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu d-definizzjoni ***reali*** ta' attività agrikola fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom. | bħala appoġġ tal-"Green Box" li ma għandu l-ebda effett ta' distorsjoni tal-kummerċ jew effett fuq il-produzzjoni, jew l-aktar l-aktar effett minimu, jenħtieġ li d-definizzjoni qafas għal "attività agrikola" tinkludi kemm il-produzzjoni tal-prodotti agrikoli kif ukoll il-manutenzjoni taż-żona agrikola. Fid-dawl tal-aġġustament għall-kundizzjonijiet lokali, jenħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu d-definizzjoni ta' attività agrikola fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom***, li tirrispetta l-elementi komuni tad-definizzjoni qafas tal-Unjoni***. |

**Emenda 6**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (5) Sabiex jinżammu l-elementi ***essenzjali*** fl-Unjoni kollha biex ***tiġi żgurata*** l-komparabbiltà bejn id-deċiżjonijiet tal-Istati Membri, iżda mingħajr ma jiġu limitati l-Istati Membri fl-ilħuq tal-objettivi tal-Unjoni, jenħtieġ li tiġi stipulata definizzjoni qafas għal "żona agrikola". Jenħtieġ li d-definizzjonijiet qafas relatati għal "raba' li jinħadem", "għelejjel permanenti" u "bur permanenti" jiġu stipulati b'mod wiesa' biex l-Istati Membri jkunu jistgħu jispeċifikaw aktar id-definizzjonijiet skont il-kundizzjonijiet lokali tagħhom. Id-definizzjoni qafas għal "raba' li jinħadem" jenħtieġ li tiġi stipulata b'mod li tippermetti lill-Istati Membri jkopru forom differenti ta' produzzjoni, inkluż sistemi bħal pereżempju l-agroforestrija u r-raba' b'arbuxelli u siġar u li teħtieġ l-inklużjoni ta' żoni ta' art mistrieħa sabiex tiġi żgurata n-natura diżakkoppjata tal-interventi. Jenħtieġ li d-definizzjoni qafas ta' "għelejjel permanenti" tinkludi ż-żoni li realment jintużaw għall-produzzjoni u dawk li ma jintużawx għall-produzzjoni, kif ukoll il-mixtliet u l-imsajġar b'newba qasira li jridu | (5) Sabiex jinżammu l-elementi ***komuni*** fl-Unjoni kollha biex ***jiġu żgurati*** l-komparabbiltà bejn id-deċiżjonijiet tal-Istati Membri ***u t-trattament ugwali bejn il-bdiewa tal-Unjoni***, iżda mingħajr ma jiġu limitati l-Istati Membri fl-ilħuq tal-objettivi tal-Unjoni, jenħtieġ li tiġi stipulata definizzjoni qafas għal "żona agrikola". Jenħtieġ li d-definizzjonijiet qafas relatati għal "raba' li jinħadem", "għelejjel permanenti" u "bur permanenti" jiġu stipulati b'mod wiesa' biex l-Istati Membri jkunu jistgħu jispeċifikaw aktar id-definizzjonijiet skont il-kundizzjonijiet lokali ***u l-prattiki tradizzjonali*** tagħhom. Id-definizzjoni qafas għal "raba' li jinħadem" jenħtieġ li tiġi stipulata b'mod li tippermetti lill-Istati Membri jkopru forom differenti ta' produzzjoni, inkluż sistemi bħal pereżempju l-agroforestrija u r-raba' b'arbuxelli u siġar u li teħtieġ l-inklużjoni ta' żoni ta' art mistrieħa sabiex tiġi żgurata n-natura diżakkoppjata tal-interventi. Jenħtieġ li d-definizzjoni qafas ta' "għelejjel permanenti" tinkludi ż-żoni li realment jintużaw għall-produzzjoni u dawk li ma jintużawx għall-produzzjoni, |

| | |
|---|---|
| jiġu definiti mill-Istati Membri. Id-definizzjoni qafas ta' "bur permanenti" jenħtieġ li tiġi stipulata b'mod li tippermetti lill-Istati Membri jispeċifikaw aktar kriterji u ***tippermettihom*** jinkludu speċijiet għajr il-ħxejjex jew foraġġ erbaċew ieħor li jistgħu jintużaw għar-ragħa jew li jistgħu jipproduċu għalf għall-annimali, kemm jekk jintuża għall-produzzjoni reali u kemm jekk le. | kif ukoll il-mixtliet u l-imsajġar b'newba qasira li jridu jiġu definiti mill-Istati Membri. Id-definizzjoni qafas ta' "bur permanenti" jenħtieġ li tiġi stipulata b'mod li tippermetti lill-Istati Membri jispeċifikaw aktar kriterji u ***tippermettilhom*** jinkludu speċijiet għajr il-ħxejjex jew foraġġ erbaċew ieħor li jistgħu jintużaw ***esklussivament jew le*** għar-ragħa jew li jistgħu jipproduċu għalf għall-annimali, kemm jekk jintuża għall-produzzjoni reali u kemm jekk le. |

**Emenda 7**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 5a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(5a) Fil-futur, il-biedja jenħtieġ li tikkonċentra fuq il-produzzjoni ta' ikel ta' kwalità għolja, peress li dan huwa l-vantaġġ kompetittiv tal-Unjoni. L-istandards tal-Unjoni jenħtieġ li jinżammu u jissaħħu fejn ikun fattibbli, u jenħtieġ li jkunu previsti miżuri li jżidu aktar il-produttività u l-kompetittività fit-tul tas-settur tal-produzzjoni tal-ikel, u li jintroduċu teknoloġiji ġodda u użu aktar effiċjenti tar-riżorsi, u b'hekk isaħħu r-rwol tal-Unjoni bħala mexxej dinji.*** |

**Emenda 8**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 8**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (8) Fir-rigward taż-żoni użati għall-produzzjoni tal-qanneb, sabiex tiġi preservata s-saħħa pubblika u biex tiġi żgurata l-koerenza ma' korpi oħra ta' leġiżlazzjoni, jenħtieġ li l-użu tal- | (8) Fir-rigward taż-żoni użati għall-produzzjoni tal-qanneb, sabiex tiġi preservata s-saħħa pubblika u biex tiġi żgurata l-koerenza ma' korpi oħra ta' leġiżlazzjoni, jenħtieġ li l-użu tal- |

| | |
|---|---|
| varjetajiet taż-żrieragħ tal-qanneb b'kontenut ta' tetraidrokannabinol ta' inqas minn ***0,2 %*** ikun parti mid-definizzjoni ta' ettaru eliġibbli. | varjetajiet taż-żrieragħ tal-qanneb b'kontenut ta' tetraidrokannabinol ta' inqas minn ***0,3 %*** ikun parti mid-definizzjoni ta' ettaru eliġibbli. |

**Emenda 9**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 9**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (9) Fid-dawl tat-titjib ulterjuri tal-prestazzjoni tal-PAK, jenħtieġ li l-appoġġ għall-introjtu jiġi mmirat għall-bdiewa ***ġenwini***. Sabiex jiġi żgurat approċċ komuni fil-livell tal-Unjoni għat-tali mmirar tal-appoġġ, jenħtieġ li tiġi stipulata definizzjoni qafas għal "bidwi ***ġenwin***" li turi l-elementi ***essenzjali. Fuq il-bażi ta' dan il-qafas, jenħtieġ li fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom l-Istati Membri jiddefinixxu liema bdiewa mhumiex ikkunsidrati ġenwini fuq il-bażi ta' kundizzjonijiet bħal pereżempju t-testijiet tal-introjtu, l-inputs lavorattivi fuq l-azjenda agrikola, l-għanijiet tal-kumpanija u l-inklużjoni fir-reġistri.*** Jenħtieġ ***ukoll*** li ***din*** ma ***tirriżultax f'li ma jkunx jista' jingħata*** appoġġ lill-bdiewa pluriattivi, li huma attivi fil-biedja iżda li huma impenjati wkoll f'attivitajiet mhux agrikoli barra mill-azjenda agrikola tagħhom, minħabba li l-attivitajiet multipli tagħhom spiss isaħħu lin-nisġa soċjoekonomika taż-żoni rurali. | (9) Fid-dawl tat-titjib ulterjuri tal-prestazzjoni tal-PAK, jenħtieġ li l-appoġġ għall-introjtu jiġi mmirat għall-bdiewa ***attivi***. Sabiex jiġi żgurat approċċ komuni fil-livell tal-Unjoni għat-tali mmirar tal-appoġġ, jenħtieġ li tiġi stipulata definizzjoni qafas għal "bidwi ***attiv***" li turi l-elementi ***komuni***. Jenħtieġ li ma ***jiġix eskluż*** appoġġ lill-bdiewa pluriattivi, li huma attivi fil-biedja iżda li huma impenjati wkoll f'attivitajiet mhux agrikoli barra mill-azjenda agrikola tagħhom, minħabba li l-attivitajiet multipli tagħhom spiss isaħħu lin-nisġa soċjoekonomika taż-żoni rurali. ***Fi kwalunkwe każ, jenħtieġ li d-definizzjoni qafas tikkontribwixxi biex tippreserva l-mudell tal-biedja tal-familja li jeżisti fl-Unjoni Ewropea.*** |

**Emenda 10**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 9a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(9a) L-ugwaljanza bejn in-nisa u l-*** |

***irġiel hija prinċipju fundamentali tal-Unjoni u l-integrazzjoni ta' kwistjonijiet ta' ugwaljanza bejn is-sessi hija għodda importanti fl-integrazzjoni ta' dan il-prinċipju fil-PAK. Għalhekk jenħtieġ li jkun hemm enfasi partikolari fuq il-promozzjoni tal-parteċipazzjoni tan-nisa fl-iżvilupp soċjoekonomiku taż-żoni rurali. Id-daqs tal-azjendi agrikoli mħaddma min-nisa għandu t-tendenza li jkun iżgħar u x-xogħol imwettaq min-nisa, bħala konjuġi fl-azjendi agrikoli, mhux dejjem huwa rikonoxxut u viżibbli, fatt li jħalli impatt fuq l-indipendenza ekonomika tagħhom. Jenħtieġ li dan ir-Regolament jgħin jiżgura li l-ħidma tan-nisa ssir aktar viżibbli, aktar apprezzata u kkunsidrata fil-kuntest tal-objettivi speċifiċi li għandhom jipproponu l-Istati Membri fil-pjanijiet strateġiċi tagħhom. L-ugwaljanza bejn is-sessi kif ukoll il-prinċipji ta' nondiskriminazzjoni jenħtieġ li jkunu parti integrali mit-tħejjija, l-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni tal-interventi tal-PAK. Jenħtieġ ukoll li l-Istati Membri jsaħħu l-kapaċità tagħhom fl-integrazzjoni ta' kwistjonijiet ta' ugwaljanza bejn is-sessi u fil-ġbir tad-data diżaggregata skont is-sess.***

**Emenda 11**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 10**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (10) Sabiex tiġi żgurata l-konsistenza bejn it-tipi ta' interventi tal-pagamenti diretti u t-tipi ta' interventi tal-iżvilupp rurali meta jkun qed jiġi indirizzat l-objettiv tat-tiġdid ġenerazzjonali, jenħtieġ li tiġi stipulata definizzjoni qafas fil-livell tal-Unjoni għal "bidwi żagħżugħ" bl-elementi ***essenzjali***. | (10) Sabiex tiġi żgurata l-konsistenza bejn it-tipi ta' interventi tal-pagamenti diretti u t-tipi ta' interventi tal-iżvilupp rurali meta jkun qed jiġi indirizzat l-objettiv tat-tiġdid ġenerazzjonali, jenħtieġ li tiġi stipulata definizzjoni qafas fil-livell tal-Unjoni għal "bidwi żagħżugħ" bl-elementi ***komuni***. |

**Emenda 12**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 10a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(10a) Sabiex tiġi żgurata l-konsistenza bejn it-tipi ta' interventi tal-pagamenti diretti u t-tipi ta' interventi tal-iżvilupp rurali meta jkun qed jiġi indirizzat l-objettiv tal-iffaċilitar tal-iżvilupp tan-negozju, jenħtieġ li tiġi stipulata definizzjoni qafas fil-livell tal-Unjoni għal "bidwi żagħżugħ" bl-elementi komuni.*** |

**Emenda 13**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 11**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (11) Sabiex ***tingħata sustanza lill-objettivi*** tal-PAK kif stabbiliti fl-Artikolu 39 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), kif ukoll biex jiġi żgurat li l-Unjoni tindirizza b'mod xieraq l-aktar sfidi reċenti tagħha, huwa xieraq li jiġi previst sett ta' objettivi ġenerali li jirriflettu l-orjentazzjonijiet mogħtija fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar "Il-Ġejjieni tal-Ikel u tal-Biedja". Jenħtieġ li jiġi definit aktar sett ta' objettivi speċifiċi fil-livell tal-Unjoni u jiġi ***applikat*** mill-Istati membri fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom. Filwaqt li jinstab bilanċ bejn id-dimensjonijiet tal-iżvilupp sostenibbli, f'konformità mal-valutazzjoni tal-impatt, dawn l-objettivi speċifiċi jenħtieġ li jittraduċu l-objettivi ġenerali tal-PAK ***f'prijoritajiet*** aktar konkreti ***u jqisu l-leġislazzjoni rilevanti tal-Unjoni, b'mod partikolari fir-rigward tal-klima, l-enerġija*** u ***l-ambjent***. | (11) Sabiex ***jintlaħqu l-objettivi*** tal-PAK kif stabbiliti fl-Artikolu 39 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), kif ukoll biex jiġi żgurat li l-Unjoni tindirizza b'mod xieraq l-aktar sfidi reċenti tagħha, huwa xieraq li jiġi previst sett ta' objettivi ġenerali li jirriflettu l-orjentazzjonijiet mogħtija fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar "Il-Ġejjieni tal-Ikel u tal-Biedja". Jenħtieġ li jiġi definit aktar sett ta' objettivi speċifiċi fil-livell tal-Unjoni u jiġi ***segwit*** mill-Istati membri fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom. Filwaqt li jinstab bilanċ bejn id-dimensjonijiet tal-iżvilupp sostenibbli, f'konformità mal-valutazzjoni tal-impatt, dawn l-objettivi speċifiċi jenħtieġ li jittraduċu l-objettivi ġenerali tal-PAK ***fi prijoritajiet*** aktar konkreti ***fil-qasam ekonomiku u fl-oqsma ambjentali*** u ***soċjali***. |

**Emenda 14**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 13**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (13) Filwaqt li fil-mudell ta' implimentazzjoni tal-PAK jenħtieġ li l-Unjoni tistabbilixxi l-objettivi tal-Unjoni u tiddefinixxi t-tipi ta' interventi kif ukoll ir-rekwiżiti ***bażiċi*** tal-Unjoni applikabbli għall-Istati Membri, dawn tal-aħħar jenħtieġ li jkunu responsabbli għat-trasformazzjoni ta' dak il-qafas tal-Unjoni f'arranġamenti ta' appoġġ applikabbli lill-benefiċjarji. F'dak il-kuntest, jenħtieġ li l-Istati Membri jaġixxu b'mod konformi mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, mal-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni u jiżguraw li l-qafas legali għall-għoti tal-appoġġ tal-Unjoni lill-benefiċjarji jkun ibbażat fuq il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom u jkunu konformi mal-prinċipji u mar-rekwiżiti stabbiliti taħt dan ir-Regolament u [ir-Regolament Orizzontali]. | (13) Filwaqt li fil-mudell ta' implimentazzjoni tal-PAK jenħtieġ li l-Unjoni tistabbilixxi l-objettivi tal-Unjoni u tiddefinixxi t-tipi ta' interventi kif ukoll ir-rekwiżiti ***komuni*** tal-Unjoni applikabbli għall-Istati Membri, dawn tal-aħħar jenħtieġ li jkunu responsabbli għat-trasformazzjoni ta' dak il-qafas tal-Unjoni f'arranġamenti ta' appoġġ applikabbli lill-benefiċjarji. F'dak il-kuntest, jenħtieġ li l-Istati Membri jaġixxu b'mod konformi mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, mal-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni u jiżguraw li l-qafas legali għall-għoti tal-appoġġ tal-Unjoni lill-benefiċjarji jkun ibbażat fuq il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom u jkunu konformi mal-prinċipji u mar-rekwiżiti stabbiliti taħt dan ir-Regolament u [ir-Regolament Orizzontali]. |

**Emenda 15**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 13a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(13a) Il-prinċipji orizzontali stabbiliti fl-Artikolu 3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) u fl-Artikolu 10 tat-TFUE, inklużi l-prinċipji ta' sussidjarjetà u ta' proporzjonalità kif stabbiliti fl-Artikolu 5 tat-TUE, jenħtieġ li jiġu rispettati fl-implimentazzjoni tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK. Jenħtieġ li l-Istati Membri u l-Kummissjoni jirrispettaw ukoll l-obbligi tal-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità tan-NU u jiżguraw l-aċċessibbiltà f'konformità mal-Artikolu 9 tagħha u skont il-liġi tal-*** |

| | |
|---|---|
| | ***Unjoni li tarmonizza r-rekwiżiti tal-aċċessibbiltà għall-prodotti u s-servizzi. Jenħtieġ li l-Istati Membri u l-Kummissjoni jimmiraw biex jeliminaw l-inugwaljanzi u jippromwovu l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa u l-integrazzjoni ta' kwistjonijiet ta' ugwaljanza bejn is-sessi, kif ukoll jikkumbattu d-diskriminazzjoni fuq il-bażi tas-sess, l-oriġini razzjali jew etnika, ir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabbiltà, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali. Jenħtieġ li l-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u l-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) ma jappoġġawx azzjonijiet li jikkontribwixxu għal kwalunkwe forma ta' segregazzjoni, diskriminazzjoni jew esklużjoni. Jenħtieġ li l-objettivi ta' dawn il-fondi jiġu segwiti mill-perspettiva tal-iżvilupp sostenibbli u skont l-objettiv, promoss taħt il-Konvenzjoni ta' Aarhus u mill-Unjoni, li l-kwalità tal-ambjent tiġi ppreservata, protetta u mtejba u li ssir ġlieda kontra t-tibdil fil-klima kif stabbilit fl-Artikolu 11 u fl-Artikolu 191(1) tat-TFUE, filwaqt li jiġi applikat il-prinċipju li min iniġġes iħallas.*** |

**Emenda 16**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 13b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(13b) Il-mudell ta' implimentazzjoni jenħtieġ li ma jwassalx għal sitwazzjoni fejn ikollna 27 politika nazzjonali differenti fil-qasam agrikolu, u b'hekk jipperikola l-ispirtu komuni tal-PAK u jinħolqu distorsjonijiet. Jenħtieġ li jħalli lill-Istati Membri ċertu grad ta' flessibbiltà f'qafas regolatorju komuni b'saħħtu.*** |

**Emenda 17**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 15**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (15) Fil-kuntest ta' PAK aktar orjentata lejn is-suq, kif deskritt fil-Komunikazzjoni dwar "Il-Ġejjieni tal-Ikel u tal-Biedja", l-espożizzjoni tas-suq, it-tibdil fil-klima u l-frekwenza u s-severità ta' avvenimenti estremi tat-temp assoċjati ma' dan it-tibdil, kif ukoll il-kriżijiet sanitarji u fitosanitarji, jistgħu jwasslu għal riskji ta' volatilità tal-prezzijiet u pressjonijiet dejjem akbar fuq l-introjtu. Għalhekk, għalkemm il-bdiewa huma finalment responsabbli għat-tfassil tal-istrateġiji tagħhom fl-azjenda agrikola, jenħtieġ li jiġi stabbilit qafas sod biex tiġi żgurata ġestjoni xierqa tar-riskju. Għal dan l-għan, l-Istati Membri u l-bdiewa jkunu jistgħu jibbażaw ruħhom fuq pjattaforma fil-livell tal-Unjoni għall-ġestjoni tar-riskju biex jibnu l-kapaċitajiet tagħhom sabiex jipprovdu lill-bdiewa strumenti finanzjarji xierqa għall-investimenti u aċċess għall-kapital operatorju, it-taħriġ, it-trasferiment ***tal-għarifen*** u l-pariri. | (15) Fil-kuntest ta' PAK aktar orjentata lejn is-suq, kif deskritt fil-Komunikazzjoni dwar "Il-Ġejjieni tal-Ikel u tal-Biedja", l-espożizzjoni tas-suq, ***il-ftehimiet kummerċjali ma' pajjiżi terzi,*** it-tibdil fil-klima u l-frekwenza u s-severità ta' avvenimenti estremi tat-temp assoċjati ma' dan it-tibdil, kif ukoll il-kriżijiet sanitarji u fitosanitarji, jistgħu jwasslu għal riskji ta' volatilità tal-prezzijiet u pressjonijiet dejjem akbar fuq l-introjtu. ***L-inugwaljanzi fil-katina alimentari, prinċipalment għad-detriment tas-settur primarju, li huwa l-ħolqa l-aktar dgħajfa, jaffettwaw ukoll b'mod negattiv l-introjtu tal-produtturi.*** Għalhekk, għalkemm il-bdiewa huma finalment responsabbli għat-tfassil tal-istrateġiji tagħhom fl-azjenda agrikola, jenħtieġ li jiġi stabbilit qafas sod biex tiġi żgurata ġestjoni xierqa tar-riskju. Għal dan l-għan, l-Istati Membri u l-bdiewa jkunu jistgħu jibbażaw ruħhom fuq pjattaforma fil-livell tal-Unjoni għall-ġestjoni tar-riskju biex jibnu l-kapaċitajiet tagħhom sabiex jipprovdu lill-bdiewa strumenti finanzjarji xierqa għall-investimenti u aċċess għall-kapital operatorju, it-taħriġ, it-trasferiment ***tal-għarfien*** u l-pariri. |

**Emenda 18**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 16**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (16) ***It-tisħiħ tal-kura għall-ambjent u*** tal-azzjoni klimatika u l-kontribuzzjoni għall-kisba tal-objettivi relatati mal-ambjent u l-klima tal-Unjoni ***hija prijorità*** għolja ħafna fil-ġejjieni tal-agrikoltura u ***l-forestrija*** tal-Unjoni. Għalhekk jenħtieġ li l-arkitettura tal-PAK tirrifletti ambizzjoni | (16) ***L-appoġġ u t-titjib tal-protezzjoni ambjentali, tal-bijodiversità u tad-diversità ġenetika fis-sistema agrikola, kif ukoll*** tal-azzjoni klimatika u l-kontribuzzjoni għall-kisba tal-objettivi relatati mal-ambjent u l-klima tal-Unjoni ***huma prijoritajiet*** għolja ħafna fil-ġejjieni |

| | |
|---|---|
| akbar fir-rigward ta' dawn l-objettivi. Skont il-mudell ta' implimentazzjoni, jenħtieġ li l-azzjoni meħuda biex jiġu indirizzati d-degradazzjoni tal-ambjent u t-tibdil fil-klima tkun immexxija mir-riżultati u jenħtieġ li, għal dan l-iskop, l-Artikolu 11 tat-TFUE jitqies bħala obbligu ta' riżultat. | tal-agrikoltura, ***tal-ortikultura*** u ***tal-forestrija*** tal-Unjoni. Għalhekk jenħtieġ li l-arkitettura tal-PAK tirrifletti ambizzjoni akbar fir-rigward ta' dawn l-objettivi ***filwaqt li fl-istess ħin tirrifletti b'mod adegwat il-piż u r-rekwiżiti akbar quddiem il-produtturi***. Skont il-mudell ta' implimentazzjoni, jenħtieġ li l-azzjoni meħuda biex jiġu indirizzati d-degradazzjoni tal-ambjent u t-tibdil fil-klima tkun immexxija mir-riżultati u jenħtieġ li, għal dan l-iskop, l-Artikolu 11 tat-TFUE jitqies bħala obbligu ta' riżultat. |
| Billi ħafna żoni rurali fl-Unjoni jbatu minn problemi strutturali bħal nuqqas ta' opportunitajiet ta' xogħol attraenti, nuqqasijiet ta' ħiliet, nuqqas ta' investiment fil-konnettività, fl-infrastruttura u fis-servizzi essenzjali, kif ukoll eżodu taż-żgħażagħ, huwa fundamentali li tissaħħaħ in-nisġa soċjoekonomika f'dawk l-oqsma, b'mod konformi mal-Cork 2.0. Id-dikjarazzjoni, b'mod partikolari permezz tal-ħolqien tal-impjiegi u t-tiġdid ġenerazzjonali, billi l-impjiegi u t-tkabbir tal-Kummissjoni jinġiebu fiż-żoni rurali, bil-promozzjoni tal-inklużjoni soċjali, it-tiġdid ġenerazzjonali u l-iżvilupp ta' "rħula Intelliġenti" fil-kampanja Ewropea. Kif indikat fil-Komunikazzjoni dwar "Il-Ġejjieni tal-Ikel u tal-Biedja", il-ktajjen ta' valur rurali ġodda bħal pereżempju l-enerġija rinnovabbli, il-bijoekonomija emerġenti, l-ekonomija ċirkolari u l-ekoturiżmu jistgħu joffru potenzjal tajjeb għat-tkabbir u għall-impjiegi fiż-żoni rurali. F'dan il-kuntest, l-istrumenti finanzjarji ***u l-użu tal-garanzija InvestEU jistgħu*** jkollhom rwol kruċjali biex jiġi żgurat aċċess għall-finanzjament u biex tissaħħaħ il-kapaċità tat-tkabbir tal-azjendi agrikoli u tal-intrapriżi. Hemm il-potenzjal għal opportunitajiet ta' xogħol fiż-żoni rurali għaċ-ċittadini ta' pajjiż terz residenti legalment, u b'hekk tiġi promossa l-integrazzjoni soċjali u ekonomika tagħhom speċjalment fil-qafas tal-istrateġiji ta' Żvilupp Lokali Mmexxija mill-Komunità. | Billi ħafna żoni rurali fl-Unjoni jbatu minn problemi strutturali bħal nuqqas ta' opportunitajiet ta' xogħol attraenti, nuqqasijiet ta' ħiliet, nuqqas ta' investiment ***fil-broadband u*** fil-konnettività, fl-infrastruttura u fis-servizzi essenzjali, kif ukoll eżodu taż-żgħażagħ, huwa fundamentali li tissaħħaħ in-nisġa soċjoekonomika f'dawk l-oqsma, b'mod konformi mal-Cork 2.0. Id-dikjarazzjoni, b'mod partikolari permezz tal-ħolqien tal-impjiegi u t-tiġdid ġenerazzjonali, billi l-impjiegi u t-tkabbir tal-Kummissjoni jinġiebu fiż-żoni rurali, bil-promozzjoni tal-inklużjoni soċjali***, l-appoġġ għaż-żgħażagħ, parteċipazzjoni akbar tan-nisa fl-ekonomija rurali,*** it-tiġdid ġenerazzjonali u l-iżvilupp ta' "Irħula Intelliġenti" fil-kampanja Ewropea. ***Bil-għan li l-ekonomija rurali tiġi stabbilizzata u diversifikata, jenħtieġ li jiġu appoġġati l-iżvilupp, l-istabbiliment u ż-żamma ta' intrapriżi mhux agrikoli.*** Kif indikat fil-Komunikazzjoni dwar "Il-Ġejjieni tal-Ikel u tal-Biedja", il-ktajjen ta' valur rurali ġodda bħal pereżempju l-enerġija rinnovabbli, il-bijoekonomija emerġenti, l-ekonomija ċirkolari u l-ekoturiżmu jistgħu joffru potenzjal tajjeb għat-tkabbir u għall-impjiegi fiż-żoni rurali ***filwaqt li jiġu ppreservati r-riżorsi naturali***. F'dan il-kuntest, l-istrumenti finanzjarji ***jista'*** jkollhom rwol kruċjali biex jiġi żgurat aċċess għall-finanzjament u biex tissaħħaħ il-kapaċità tat-tkabbir tal- |

azjendi agrikoli u tal-intrapriżi rurali. Hemm il-potenzjal għal opportunitajiet ta' xogħol fiż-żoni rurali għaċ-ċittadini ta' pajjiż terz residenti legalment, u b'hekk tiġi promossa l-integrazzjoni soċjali u ekonomika tagħhom speċjalment fil-qafas tal-istrateġiji ta' Żvilupp Lokali Mmexxija mill-Komunità.

**Emenda 19**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 16a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(16a) Għas-sostenibbiltà soċjoekonomika taż-żoni rurali, il-Kummissjoni Ewropea jenħtieġ li tivverifika li fil-Pjan Strateġiku tal-PAK l-Istati Membri jiżguraw koerenza bejn l-applikazzjoni tad-Direttiva 2010/41/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1a] u l-approċċ fit-tul dwar l-użu tal-fondi għall-Iżvilupp Rurali.*** |
| | _______________ |
| | ***[1a] Id-Direttiva 2010/41/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2010 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali bejn l-irġiel u n-nisa li jeżerċitaw attività li fiha jaħdmu għal rashom u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 86/613/KEE (ĠU L 180, 15.7.2010, p. 1).*** |

**Emenda 20**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 17**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (17) Jenħtieġ li l-PAK tkompli tiżgura s-sigurtà tal-ikel, li jenħtieġ li tinftiehem bħala aċċess għal ikel biżżejjed, sikur u nutrittiv f'kull ħin. Barra minn hekk, | (17) Jenħtieġ li l-PAK tkompli tiżgura s-sigurtà tal-ikel, li jenħtieġ li tinftiehem bħala aċċess għal ikel biżżejjed, sikur u nutrittiv f'kull ħin. Barra minn hekk, |

| | |
|---|---|
| jenħtieġ li tkompli tgħin biex tittejjeb ir-reazzjoni tal-agrikoltura tal-Unjoni għal talbiet soċjetali ġodda fl-ikel u s-saħħa, inkluż il-produzzjoni agrikola sostenibbli, nutrizzjoni aktar tajba għas-saħħa, il-ħela tal-ikel u l-benessri tal-annimali. Jenħtieġ li l-PAK tkompli tippromwovi l-produzzjoni b'karatteristiċi speċifiċi u ta' valur, filwaqt li fl-istess ħin tgħin lill-bdiewa biex jaġġustaw b'mod proattiv il-produzzjoni tagħhom skont is-sinjali tas-suq u l-ħtiġijiet tal-konsumaturi. | jenħtieġ li tkompli tgħin biex tittejjeb ir-reazzjoni tal-agrikoltura tal-Unjoni għal talbiet soċjetali ġodda fl-ikel u s-saħħa, inkluż il-produzzjoni agrikola sostenibbli, nutrizzjoni aktar tajba għas-saħħa, ***produzzjoni ta' kwalità għolja u differenzjazzjoni tal-kwalità,*** il-ħela tal-ikel u l-benessri tal-annimali. Jenħtieġ li l-PAK tkompli tippromwovi l-produzzjoni ***sostenibbli*** b'karatteristiċi speċifiċi u ta' valur***, bħas-sistemi tal-biedja b'Valur Naturali Għoli***, filwaqt li fl-istess ħin tgħin lill-bdiewa biex jaġġustaw b'mod proattiv il-produzzjoni tagħhom skont is-sinjali tas-suq u l-ħtiġijiet tal-konsumaturi. |

**Emenda 21**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 17a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(17a) Filwaqt li l-Pjan ta' Azzjoni Ewropew "Saħħa Waħda" kontra r-reżistenza għall-antimikrobiċi jqis it-tilqim bħala intervent kosteffikaċi tas-saħħa pubblika biex tiġi miġġielda l-AMR, l-ispiża relattivament għolja tad-dijanjożi, tal-alternattivi għall-antimikrobiċi u tat-tilqim meta mqabbla ma' antibijotiċi konvenzjonali tippreżenta ostakolu biex tiżdied ir-rata tat-tilqim tal-annimali.*** |

**Emenda 22**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 22**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (22) Il-qafas tal-istandards tal-KAAT għandu l-għan li jikkontribwixxi għall-mitigazzjoni u l-adattament għat-tibdil fil-klima, l-indirizzar tal-isfidi tal-ilma, il-protezzjoni u l-kwalità tal-ħamrija u l- | (22) Il-qafas tal-istandards tal-KAAT għandu l-għan li jikkontribwixxi għall-mitigazzjoni u l-adattament għat-tibdil fil-klima, l-indirizzar tal-isfidi tal-ilma, il-protezzjoni u l-kwalità tal-ħamrija u l- |

protezzjoni u l-kwalità tal-bijodiversità. Il-qafas irid jissaħħaħ sabiex iqis b'mod partikolari l-prattiki stabbiliti sal-2020 taħt l-ekoloġizzazzjoni tal-pagamenti diretti, il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-ħtieġa li tittejjeb is-sostenibbiltà tal-azjendi agrikoli, u b'mod partikolari l-ġestjoni tan-nutrijenti. Huwa rikonoxxut li kull KAAT tikkontribwixxi għal objettivi multipli. Sabiex jiġi implimentat il-qafas, jenħtieġ li l-Istati Membri jiddefinixxu standard nazzjonali għal kull wieħed mill-istandards stabbiliti fil-livell tal-Unjoni filwaqt li ***iqisu*** l-karatteristiċi speċifiċi taż-żona kkonċernata, inkluż il-kundizzjonijiet tal-ħamrija u tal-klima, il-kundizzjonijiet eżistenti tal-biedja, l-użu tal-art, in-newba, il-prattiki tal-biedja u l-istrutturi tal-azjendi agrikoli. ***Barra minn hekk*** l-Istati Membri jistgħu wkoll jiddefinixxu ***standards nazzjonali oħra relatati mal-objettivi ewlenin stipulati fl-Anness III sabiex itejbu r-riżultati ambjentali u klimatiċi tal-qafas KAAT. Bħala pati mill-qafas KAAT, sabiex tiġi appoġġata l-prestazzjoni agronomika u ambjentali tal-azjendi agrikoli, se jiġu stabbiliti pjanijiet ta' ġestjoni tan-nutrijenti bl-għajnuna ta' Għodda għas-Sostenibbiltà tal-Azjendi Agrikoli elettronika apposta magħmula disponibbli mill-Istati Membri lill-bdiewa individwali. L-għodda jenħtieġ li tipprovdi appoġġ għad-deċiżjonijiet meħuda fl-azjendi agrikoli li jibda minn funzjonalitajiet minimi għall-ġestjoni tan-nutrijenti. Jenħtieġ li interoperabbiltà u modularità mifruxa jiżguraw il-possibbiltà li jiżdiedu applikazzjonijiet elettroniċi oħra fl-azjendi agrikoli u għall-governanza elettronika. Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi bejn il-bdiewa u fl-Unjoni kollha, il-Kummissjoni tista' tipprovdi appoġġ lill-Istati Membri fit-tfassil tal-Għodda kif ukoll fil-ħażna tad-data u fis-servizzi tal-ipproċessar meħtieġa.***

protezzjoni u l-kwalità tal-bijodiversità. Il-qafas irid jissaħħaħ sabiex iqis b'mod partikolari l-prattiki stabbiliti sal-2020 taħt l-ekoloġizzazzjoni tal-pagamenti diretti, il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-ħtieġa li tittejjeb is-sostenibbiltà tal-azjendi agrikoli. Huwa rikonoxxut li kull KAAT tikkontribwixxi għal objettivi multipli. Sabiex jiġi implimentat il-qafas, jenħtieġ li l-Istati Membri jiddefinixxu standard nazzjonali għal kull wieħed mill-istandards stabbiliti fil-livell tal-Unjoni filwaqt li ***jqisu*** l-karatteristiċi speċifiċi taż-żona kkonċernata, inkluż il-kundizzjonijiet tal-ħamrija u tal-klima, il-kundizzjonijiet eżistenti tal-biedja, ***il-karatteristiċi agronomiċi tal-produzzjonijiet differenti, id-differenza bejn għelejjel annwali, għelejjel permanenti u produzzjonijiet speċjalizzati oħra,*** l-użu tal-art, in-newba, il-prattiki tal-biedja ***lokali u tradizzjonali*** u l-istrutturi tal-azjendi agrikoli. L-Istati Membri jistgħu wkoll jiddefinixxu ***prattiki jew sistemi ta' ċertifikazzjoni ekwivalenti li jkollhom impatt pożittiv fuq il-klima u l-ambjent li jkun simili jew aħjar mill-impatt ta' prattika waħda jew aktar tal-KAAT.***

**Emenda 23**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 23**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (23) L-SMRs iridu jkunu implimentati bis-sħiħ mill-Istati Membri sabiex isiru operattivi fil-livell tal-azjendi agrikoli u sabiex jiġi żgurat it-trattament ugwali tal-bdiewa. Sabiex tiġi żgurata l-konsistenza tar-regoli dwar il-kundizzjonalità fit-tisħiħ tas-sostenibbiltà tal-politika, jenħtieġ li l-SMRs jinkludu l-leġiżlazzjoni ewlenija tal-Unjoni dwar l-ambjent, is-saħħa pubblika, is-saħħa tal-annimali, is-saħħa tal-pjanti u l-benessri tal-annimali li l-implimentazzjoni tagħha fil-livell nazzjonali timplika obbligi preċiżi għall-bdiewa individwali, inkluż obbligi skont id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE[11] u d-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[12] jew id-Direttiva tal-Kunsill 91/676/KEE[13]. Sabiex issegwi d-dikjarazzjoni konġunta magħmula mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill kif mehmuża mar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[14], id-dispożizzjonijiet rilevanti tad-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[15] u d-Direttiva 2009/128/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[16] huma inklużi bħala SMRs fil-kamp ta' applikazzjoni tal-kundizzjonalità u l-lista tal-istandards tal-KAAT hija adatta kif meħtieġ. | (23) L-SMRs iridu jkunu implimentati bis-sħiħ mill-Istati Membri sabiex isiru operattivi fil-livell tal-azjendi agrikoli u sabiex jiġi żgurat it-trattament ugwali tal-bdiewa. Sabiex tiġi żgurata l-konsistenza tar-regoli dwar il-kundizzjonalità fit-tisħiħ tas-sostenibbiltà tal-politika, jenħtieġ li l-SMRs jinkludu l-leġiżlazzjoni ewlenija tal-Unjoni dwar l-ambjent, is-saħħa pubblika, is-saħħa tal-annimali, is-saħħa tal-pjanti u l-benessri tal-annimali li l-implimentazzjoni tagħha fil-livell nazzjonali timplika obbligi preċiżi għall-bdiewa individwali, inkluż obbligi skont id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE[11] u d-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[12] jew id-Direttiva tal-Kunsill 91/676/KEE[13]. Sabiex issegwi d-dikjarazzjoni konġunta magħmula mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill kif mehmuża mar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[14], id-dispożizzjonijiet rilevanti tad-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[15] ***(id-Direttiva Qafas dwar l-Ilma)*** u d-Direttiva 2009/128/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[16] huma inklużi bħala SMRs fil-kamp ta' applikazzjoni tal-kundizzjonalità u l-lista tal-istandards tal-KAAT hija adatta kif meħtieġ. |
| 11. Id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal- habitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa (ĠU L 206, 22.7.1992, p. 7). | 11. Id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal- habitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa (ĠU L 206, 22.7.1992, p. 7). |
| 12. Id-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi (ĠU L 20, 26.1.2010, p. 7). | 12. Id-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi (ĠU L 20, 26.1.2010, p. 7). |
| 13. Id-Direttiva 91/676/KEE tal-Kunsill tat- | 13. Id-Direttiva 91/676/KEE tal-Kunsill tat- |

12 ta' Diċembru 1991 dwar il-protezzjoni tal-ilma kontra t-tniġġis ikkawżat min-nitrati minn sorsi agrikoli (ĠU L 375, 31.12.1991, p. 1).

[14]. Ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 352/78, (KE) Nru 165/94, (KE) Nru 2799/98, (KE) Nru 814/2000, (KE) Nru 1290/2005 u (KE) Nru 485/2008 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 549).

[15]. Id-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2000 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma (ĠU L 327, 22.12.2000, p. 1).

[16]. Id-Direttiva 2009/128/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja biex jinkiseb użu sostenibbli tal-pestiċidi (ĠU L 309, 24.11.2009, p. 71).

12 ta' Diċembru 1991 dwar il-protezzjoni tal-ilma kontra t-tniġġis ikkawżat min-nitrati minn sorsi agrikoli (ĠU L 375, 31.12.1991, p. 1).

[14]. Ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 352/78, (KE) Nru 165/94, (KE) Nru 2799/98, (KE) Nru 814/2000, (KE) Nru 1290/2005 u (KE) Nru 485/2008 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 549).

[15]. Id-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2000 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma (ĠU L 327, 22.12.2000, p. 1).

[16]. Id-Direttiva 2009/128/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja biex jinkiseb użu sostenibbli tal-pestiċidi (ĠU L 309, 24.11.2009, p. 71).

**Emenda 24**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 24**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| (24) Jenħtieġ li l-Istati Membri ***jistabbilixxu sistemi*** konsultattivi għall-azjendi agrikoli bl-iskop li jittejbu l-ġestjoni sostenibbli u l-prestazzjoni ġenerali tal-azjendi agrikoli u tan-negozji rurali, filwaqt li jkopru d-dimensjonijiet ekonomiċi, ambjentali u soċjali u biex jiġi identifikat it-titjib meħtieġ fir-rigward tal-miżuri kollha fil-livell tal-azjendi agrikoli previsti fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK. | (24) Jenħtieġ li l-Istati Membri ***jipprovdu servizzi*** konsultattivi ***ta' kwalità għolja*** għall-azjendi agrikoli bl-iskop li jittejbu l-ġestjoni sostenibbli u l-prestazzjoni ġenerali tal-azjendi agrikoli u tan-negozji rurali, filwaqt li jkopru d-dimensjonijiet ekonomiċi, ambjentali u soċjali u biex jiġi identifikat it-titjib meħtieġ fir-rigward tal-miżuri kollha fil-livell tal-azjendi agrikoli previsti fil- |

Jenħtieġ li dawn is-sistemi konsultattivi għall-azjendi agrikoli jgħinu lill-bdiewa u lil benefiċjarji oħra tal-appoġġ tal-PAK biex isiru aktar konxji tar-relazzjoni bejn il-ġestjoni tal-azjenda agrikola u l-ġestjoni tal-art minn naħa, u ċerti standards, rekwiżiti u informazzjoni inkluż dawk ambjentali u klimatiċi, min-naħa l-oħra. Il-lista ta' dawn tal-aħħar tinkludi standards li japplikaw għall-bdiewa u għal benefiċjarji oħra tal-PAK jew li huma neċessarji għalihom u li huma stabbiliti fil-Pjan Strateġiku tal-PAK, kif ukoll dawk li jirriżultaw mil-leġiżlazzjoni dwar l-ilma, dwar l-użu sostenibbli tal-pestiċidi, kif ukoll l-inizjattivi għall-ġlieda kontra r-reżistenza għall-antimikrobiċi u l-ġestjoni tar-riskji. Sabiex tissaħħaħ il-kwalità u l-effettività tal-pariri, jenħtieġ li l-Istati Membri jintegraw il-konsulenti fis-Sistemi tal-Għarfien u tal-Innovazzjoni Agrikoli (AKIS), sabiex ikunu jistgħu jagħtu informazzjoni teknoloġika u xjentifika aġġornata żviluppata mir-riċerka u l-innovazzjoni.

Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK. Jenħtieġ li dawn is-sistemi konsultattivi għall-azjendi agrikoli jgħinu lill-bdiewa u lil benefiċjarji oħra tal-appoġġ tal-PAK biex isiru aktar konxji tar-relazzjoni bejn il-ġestjoni tal-azjenda agrikola u l-ġestjoni tal-art minn naħa, u ċerti standards, rekwiżiti u informazzjoni inkluż dawk ambjentali u klimatiċi, min-naħa l-oħra. Il-lista ta' dawn tal-aħħar tinkludi standards li japplikaw għall-bdiewa u għal benefiċjarji oħra tal-PAK jew li huma neċessarji għalihom u li huma stabbiliti fil-Pjan Strateġiku tal-PAK, kif ukoll dawk li jirriżultaw mil-leġiżlazzjoni dwar l-ilma, dwar l-użu sostenibbli tal-pestiċidi, kif ukoll l-inizjattivi għall-ġlieda kontra r-reżistenza għall-antimikrobiċi u l-ġestjoni tar-riskji. Sabiex tissaħħaħ il-kwalità u l-effettività tal-pariri, jenħtieġ li l-Istati Membri jintegraw il-konsulenti fis-Sistemi tal-Għarfien u tal-Innovazzjoni Agrikoli (AKIS), sabiex ikunu jistgħu jagħtu informazzjoni teknoloġika u xjentifika aġġornata żviluppata mir-riċerka u l-innovazzjoni. ***Kwalunkwe inizjattiva tal-Unjoni dwar servizzi konsultattivi u sistemi ta' innovazzjoni jenħtieġ li tinbena, kull meta jkun possibbli, fuq dawk eżistenti fil-livell tal-Istati Membri.***

**Emenda 25**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 26**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (26) Jenħtieġ li l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni tipprevedi li l-Istati Membri jistabbilixxu rekwiżiti f'termini ta' erja minima għall-għotja ta' pagamenti diżakkoppjati fil-Pjan Strateġiku tal-PAK tagħhom. It-tali rekwiżiti jenħtieġ li jirrelataw mal-ħtieġa li jiġi evitat il-piż amministrattiv eċċessiv ikkawżat mill-ġestjoni ta' bosta pagamenti ta' ammonti żgħar u mal-ħtieġa li jiġi żgurat kontribut effettiv tal-appoġġ lejn l- | (26) Jenħtieġ li l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni tipprevedi li l-Istati Membri jistabbilixxu rekwiżiti f'termini ta' erja minima għall-għotja ta' pagamenti diżakkoppjati fil-Pjan Strateġiku tal-PAK tagħhom. It-tali rekwiżiti jenħtieġ li jirrelataw mal-ħtieġa li jiġi evitat il-piż amministrattiv eċċessiv ikkawżat mill-ġestjoni ta' bosta pagamenti ta' ammonti żgħar u mal-ħtieġa li jiġi żgurat kontribut effettiv tal-appoġġ lejn l- |

| | |
|---|---|
| objettivi tal-PAK li għalih jikkontribwixxu l-pagamenti diretti diżakkoppjati. Sabiex jiġi garantit livell minimu ta' appoġġ għall-introjtu agrikolu għall-bdiewa ***ġenwini*** kollha, kif ukoll għall-konformità mal-objettiv tat-Trattat biex jiġi żgurat standard ta' għajxien ġust għall-komunità agrikola, jenħtieġ li jiġi stabbilit pagament diżakkoppjat annwali abbażi tal-erja bħala t-tip ta' intervent "Appoġġ għall-Introjtu Bażiku għas-Sostenibbiltà". Sabiex jissaħħaħ l-immirar aħjar ta' dan l-appoġġ, l-ammonti ta' pagament jistgħu jkunu differenzjati, għal kull grupp ta' territorji, fuq il-bażi tal-kundizzjonijiet soċjoekonomiċi u/jew ***argronomiċi***. Biex jiġu evitati effetti ta' xkiel għall-introjtu tal-bdiewa, l-Istati Membri jistgħu jagħżlu li jimplimentaw l-appoġġ għall-introjtu bażiku għas-sostenibbiltà abbażi tal-intitolamenti għall-pagamenti. F'dan il-każ, jenħtieġ li l-valur tal-intitolamenti għall-pagamenti qabel kwalunkwe konverġenza jkun ***propozjonali*** għall-valur tagħhom kif stabbilit taħt l-iskemi ta' pagament bażiku skont ir-Regolament (UE) Nru 1307/2013, filwaqt li jitqiesu wkoll l-pagament għal prattiki agrikoli ta' benefiċċju għall-klima u l-ambjent. Jenħtieġ li l-Istati Membri jiksbu aktar konverġenza wkoll sabiex ***ikomplu*** jimxu progressivament ***lil hinn mill-valuri storiċi***. | objettivi tal-PAK li għalih jikkontribwixxu l-pagamenti diretti diżakkoppjati. Sabiex jiġi garantit livell minimu ta' appoġġ għall-introjtu agrikolu għall-bdiewa ***attivi*** kollha, kif ukoll għall-konformità mal-objettiv tat-Trattat biex jiġi żgurat standard ta' għajxien ġust għall-komunità agrikola, jenħtieġ li jiġi stabbilit pagament diżakkoppjat annwali abbażi tal-erja bħala t-tip ta' intervent "Appoġġ għall-Introjtu Bażiku għas-Sostenibbiltà". Sabiex jissaħħaħ l-immirar aħjar ta' dan l-appoġġ, l-ammonti ta' pagament jistgħu jkunu differenzjati, għal kull grupp ta' territorji, fuq il-bażi tal-kundizzjonijiet soċjoekonomiċi***, ambjentali*** u/jew ***agronomiċi***. Biex jiġu evitati effetti ta' xkiel għall-introjtu tal-bdiewa, l-Istati Membri jistgħu jagħżlu li jimplimentaw l-appoġġ għall-introjtu bażiku għas-sostenibbiltà abbażi tal-intitolamenti għall-pagamenti. F'dan il-każ, jenħtieġ li l-valur tal-intitolamenti għall-pagamenti qabel kwalunkwe konverġenza jkun ***proporzjonali*** għall-valur tagħhom kif stabbilit taħt l-iskemi ta' pagament bażiku skont ir-Regolament (UE) Nru 1307/2013, filwaqt li jitqiesu wkoll l-pagament għal prattiki agrikoli ta' benefiċċju għall-klima u l-ambjent. Jenħtieġ li l-Istati Membri jiksbu aktar konverġenza wkoll sabiex jimxu progressivament ***lejn konverġenza sħiħa sal-2026***. |

**Emenda 26**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 26a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(26a) L-appoġġ għall-introjtu permezz tal-PAK huwa kontributur ewlieni għall-istabbiltà u s-sostenibbiltà ta' ħafna azjendi agrikoli żgħar u tal-familja madwar l-Ewropa, u għalkemm l-aspettattivi fuq il-bdiewa żdiedu, il-*** |

| | |
|---|---|
| | ***benefiċċji monetarji ma żdidux. Is-sehem globali tal-PAK tal-UE qed jonqos, filwaqt li l-kriżijiet tas-suq fis-settur u t-tnaqqis fin-numru ta' bdiewa attivi jkomplu jheddu s-sopravivenza tas-settur. Il-mudell tal-azjenda agrikola tal-familja jenħtieġ li jiġi protett bħala Objettiv Ġenerali tal-PAK u permezz tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-Istati Membri, filwaqt li jagħti lok għar-rwol vitali li dan il-mudell għandu fil-kontribuzzjoni lejn in-nisġa soċjali tal-ħajja rurali, u l-għoti ta' stil ta' ħajja għal ħafna nies li jgħixu fiż-żoni rurali. L-azjendi agrikoli tal-familja jikkontribwixxu għall-produzzjoni sostenibbli tal-ikel, il-preservazzjoni tar-riżorsi naturali, il-ħtiġijiet ta' diversifikazzjoni u l-iżgurar tas-sigurtà tal-ikel. L-ewwel bdiewa li jsofru taħt il-pressjonijiet enormi tal-globalizzazzjoni se jkunu dawk li jsegwu l-mudell żgħir ta' azjenda agrikola tal-familja. Sitwazzjoni bħal din ovvjament tfixkel l-objettivi tal-PAK u ddgħajjef l-argument favur l-appoġġ tal-PAK fil-futur. Għalhekk, il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK jenħtieġ li jkollhom l-għan, permezz tal-objettivi speċifiċi tagħhom, li jipproteġu dan il-mudell ta' biedja.*** |

**Emenda 27**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 28**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (28) L-azjendi agrikoli żgħar jibqgħu l-qofol tal-agrikoltura tal-Unjoni minħabba li għandhom rwol vitali fl-appoġġ tal-impjiegi rurali u jikkontribwixxu għall-iżvilupp territorjali. Sabiex tiġi promossa distribuzzjoni aktar ibbilanċjata tal-appoġġ u sabiex jitnaqqas il-piż amministrattiv għall-benefiċjarji ta' ammonti żgħar, jenħtieġ li l-Istati Membri jkollhom l-għażla li joffru lill-bdiewa żgħar il-possibbiltà li jissosstitwixxu l-pagamenti | (28) L-azjendi agrikoli żgħar jibqgħu l-qofol tal-agrikoltura tal-Unjoni minħabba li għandhom rwol vitali fl-appoġġ tal-impjiegi rurali u jikkontribwixxu għall-iżvilupp territorjali. Sabiex tiġi promossa distribuzzjoni aktar ibbilanċjata tal-appoġġ u sabiex jitnaqqas il-piż amministrattiv għall-benefiċjarji ta' ammonti żgħar, jenħtieġ li l-Istati Membri jkollhom l-għażla li joffru lill-bdiewa żgħar il-possibbiltà li jissosstitwixxu l-pagamenti |

| | |
|---|---|
| diretti ***l-oħra*** billi jipprovdu pagament ta' somma f'daqqa għall-eqreb numru sħiħ għall-bdiewa żgħar. | diretti billi jipprovdu pagament ta' somma f'daqqa għall-eqreb numru sħiħ għall-bdiewa żgħar. ***Madankollu, bil-ħsieb li jkompli jitnaqqas il-piż amministrattiv, jenħtieġ li l-Istati Membri jiġu awtorizzati li jinkludu inizjalment u awtomatikament ċerti bdiewa fl-iskema simplifikata, u joffrulhom il-possibbiltà li jirtiraw mill-iskema f'perjodu ta' żmien speċifikat. F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità, l-Istati Membri jenħtieġ li jingħataw il-possibbiltà li jistabbilixxu sistema mnaqqsa ta' kontrolli tal-kundizzjonalità għall-bdiewa ż-żgħar li jipparteċipaw fl-iskema simplifikata.*** |

**Emenda 28**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 30a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(30a) Il-biedja organika qed tiżviluppa f'bosta Stati Membri u għandha rekord ippruvat li tipprovdi beni pubbliċi, tippreserva s-servizzi tal-ekosistema u r-riżorsi naturali, tnaqqas l-inputs, tattira lill-bdiewa żgħażagħ u lin-nisa b'mod partikolari, toħloq impjiegi, tesperimenta b'mudelli ta' negozju ġodda, tissodisfa l-eżiġenzi tas-soċjetà, u tagħti spinta liż-żoni rurali. Madankollu, iż-żieda fid-domanda għal prodotti organiċi tkompli tisboq it-tkabbir fil-produzzjoni. L-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li l-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom jinkludu objettivi li jżidu s-sehem ta' art agrikola b'ġestjoni organika sabiex tiġi ssodisfata d-domanda dejjem akbar għal prodotti organiċi, u tiġi żviluppata l-katina tal-provvista organika kollha. L-Istati Membri jenħtieġ li jkunu jistgħu jiffinanzjaw il-konverżjoni u l-manutenzjoni organiċi permezz ta' miżuri għall-iżvilupp rurali jew ekoskemi, jew permezz ta' taħlita tat-tnejn li huma, u jenħtieġ li jiżguraw li l-baġits allokati*** |

***jkunu fuq l-istess livell tat-tkabbir mistenni fil-produzzjoni organika.***

**Emenda 29**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 31**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (31) Jenħtieġ li l-PAK tiżgura li l-Istati Membri jtejbu r-riżultati ambjentali billi jirrispettaw il-ħtiġijiet lokali u ċ-ċirkostanzi reali tal-bdiewa. Taħt il-pagament diretti fil-Pjan Strateġiku tal-PAK, jenħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu Ekoskemi volontarji għall-bdiewa li jenħtieġ li jkunu koordinati bis-sħiħ mal-interventi rilevanti l-oħra. Dawn jenħtieġ li jiġu definiti mill-Istati Membri bħala pagament li jingħata jew għall-inċentivar u r-rimunerazzjoni tal-provvista ta' oġġetti pubbliċi mill-prattiki agrikoli ta' benefiċċju għall-ambjent u għall-klima ***jew bħala kumpens għall-introduzzjoni ta' dawn il-prattiki. Fiż-żewġ każijiet*** jenħtieġ li l-għan tagħhom ikun li tissaħħaħ il-prestazzjoni ambjentali u klimatika tal-PAK u konsegwentement jenħtieġ li jkunu maħsuba li jmorru lil hinn mir-rekwiżiti obbligatorji diġà preskritti mis-sistema ta' kundizzjonalità. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jistabbilixxu ekoskemi ***għall-prattiki agrikoli*** bħal pereżempju l-ġestjoni msaħħa tal-bur permanenti ***u l-karatteristiċi*** tal-pajsaġġ, u ***l-biedja*** organika. Dawn l-iskemi jistgħu ***wkoll jinkludu*** "skemi ta' livell ta' dħul" li tista' tkun kundizzjoni biex jittieħdu impenji tal-iżvilupp rurali aktar ambizzjużi. | (31) Jenħtieġ li l-PAK tiżgura li l-Istati Membri jtejbu r-riżultati ambjentali billi jirrispettaw il-ħtiġijiet lokali u ċ-ċirkostanzi reali tal-bdiewa. Taħt il-pagament diretti fil-Pjan Strateġiku tal-PAK, jenħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu Ekoskemi volontarji għall-bdiewa li jenħtieġ li jkunu koordinati bis-sħiħ mal-interventi rilevanti l-oħra. Dawn jenħtieġ li jiġu definiti mill-Istati Membri bħala pagament li jingħata jew għall-inċentivar u r-rimunerazzjoni tal-provvista ta' oġġetti pubbliċi mill-prattiki agrikoli ta' benefiċċju għall-ambjent u għall-klima***, u*** jenħtieġ li l-għan tagħhom ikun li tissaħħaħ il-prestazzjoni ambjentali u klimatika tal-PAK u konsegwentement jenħtieġ li jkunu maħsuba li jmorru lil hinn mir-rekwiżiti obbligatorji diġà preskritti mis-sistema ta' kundizzjonalità. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jistabbilixxu ekoskemi ***biex jippromwovu mudelli ta' produzzjoni li jkunu ta' benefiċċju għall-ambjent, b'mod partikolari t-trobbija estensiva ta' bhejjem, u l-promozzjoni ta' kull tip ta' prattika agrikola*** bħal pereżempju l-ġestjoni msaħħa tal-bur permanenti***, il-karatteristiċi*** tal-pajsaġġ, u ***skemi ta' ċertifikazzjoni ambjentali, bħall-biedja*** organika***, il-produzzjoni integrata jew l-agrikoltura ta' konservazzjoni***. Dawn l-iskemi jistgħu ***jinkludu miżuri ta' tip għajr l-impenji agroambjentali u klimatiċi tal-iżvilupp rurali, kif ukoll miżuri tal-istess natura li jistgħu jiġu kklassifikati bħala*** "skemi ta' livell ta' dħul" li tista' tkun kundizzjoni biex jittieħdu impenji tal- |

| | |
|---|---|
| | iżvilupp rurali aktar ambizzjużi. |

**Emenda 30**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 33**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(33) Jenħtieġ li tiġi żgurata l-konformità tal-appoġġ akkoppjat għall-introjtu mal-impenji internazzjonali tal-Unjoni. Dan jinkludi b'mod partikolari r-rekwiżiti tal-Memorandum ta' Qbil bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Istati Uniti tal-Amerika fuq iż-żerriegħa taż-żejt fi ħdan il-qafas tal-GATT,[17] kif applikabbli wara bidliet fiż-żona bażi separata tal-UE għaż-żerriegħa taż-żejt wara bidliet fil-kompożizzjoni tal-UE. Jenħtieġ li l-Kummissjoni jkollha s-setgħa li tadotta atti ta' implimentazzjoni għall-iskop li jiġu stipulati regoli dettaljati f'dan ir-rigward.*** | ***imħassar*** |
| ***[17] Memorandum of Understanding between the Economic Community and the United States of America on oil seeds under GATT (ĠU L147, 18/06/1993).*** | |

**Emenda 31**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 35**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (35) Huma meħtieġa tipi ta' interventi settorjali biex jikkontribwixxu għall-objettivi tal-PAK u jsaħħu s-sinerġiji ma' strumenti oħra tal-PAK. F'konformità mal-mudell ta' implimentazzjoni, ir-rekwiżiti minimi dwar il-kontenut u l-objettivi għat-tali tipi ta' interventi settorjali jenħtieġ li jiġu elaborati fil-livell tal-Unjoni sabiex | (35) Huma meħtieġa tipi ta' interventi settorjali biex jikkontribwixxu għall-objettivi tal-PAK u jsaħħu s-sinerġiji ma' strumenti oħra tal-PAK. F'konformità mal-mudell ta' implimentazzjoni, ir-rekwiżiti minimi dwar il-kontenut u l-objettivi għat-tali tipi ta' interventi settorjali jenħtieġ li jiġu elaborati fil-livell tal-Unjoni sabiex |

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi fis-suq intern u jiġu evitati kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni mhux ugwali u inġusta. Jenħtieġ li l-Istati Membri jiġġustifikaw l-inklużjoni tagħhom fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom u jiżguraw il-konsistenza ma' interventi oħrajn fuq il-livell settorjali. It-tipi wiesgħa ta' interventi li jridu jiġu stabbiliti fil-livell tal-Unjoni jenħtieġ li jkopru s-setturi tal-frott u l-ħaxix, l-inbid, il-prodotti tal-apikultura, iż-żejt taż-żebbuġa u ż-żebbuġ tal-mejda, il-ħops u prodotti oħra ***li jridu jiġu definiti***, li għalihom l-istabbiliment ta' programmi settorjali jitqies li għandu effetti ta' benefiċċju fuq ***għall-kisba*** tal-objettivi ġenerali u speċifiċi kollha tal-PAK segwiti b'dan ir-Regolament, jew ftit minnhom. | jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi fis-suq intern u jiġu evitati kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni mhux ugwali u inġusta. Jenħtieġ li l-Istati Membri jiġġustifikaw l-inklużjoni tagħhom fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom u jiżguraw il-konsistenza ma' interventi oħrajn fuq il-livell settorjali. It-tipi wiesgħa ta' interventi li jridu jiġu stabbiliti fil-livell tal-Unjoni jenħtieġ li jkopru s-setturi tal-frott u l-ħaxix, l-inbid, il-prodotti tal-apikultura, iż-żejt taż-żebbuġa u ż-żebbuġ tal-mejda, il-ħops u prodotti oħra ***definiti fl-Artikolu 39***, li għalihom l-istabbiliment ta' programmi settorjali jitqies li għandu effetti ta' benefiċċju ***il-kisba*** tal-objettivi ġenerali u speċifiċi kollha tal-PAK segwiti b'dan ir-Regolament, jew ftit minnhom. |

**Emenda 32**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 35a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(35a) Minħabba ż-żieda fl-allokazzjoni prevista għas-settur tal-apikultura u bħala rikonoxximent tar-rwol importanti li għandha fil-preżervazzjoni tal-bijodiversità u l-produzzjoni tal-ikel, jenħtieġ ukoll li jiżdied il-limitu massimu għall-kofinanzjament tal-Unjoni u jiżdiedu miżuri eliġibbli ġodda mmirati biex jippromwovu l-iżvilupp tas-settur.*** |

**Emenda 33**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 37**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (37) Għall-interventi għall-iżvilupp rurali, il-prinċipji huma definiti fil-livell tal-Unjoni, b'mod partikolari fir-rigward tar-rekwiżiti bażiċi biex l-Istati Membri | (37) Għall-interventi għall-iżvilupp rurali, il-prinċipji huma definiti fil-livell tal-Unjoni, b'mod partikolari fir-rigward tar-rekwiżiti bażiċi biex l-Istati Membri |

| | |
|---|---|
| japplikaw il-kriterji ta' għażla. Madankollu, jenħtieġ li l-Istati Membri jkollhom diskrezzjoni wiesgħa biex jiddefinixxu kundizzjonijiet speċifiċi skont il-ħtiġijiet tagħhom. It-tipi ta' interventi għall-iżvilupp rurali jinkludu pagamenti għall-impenji ambjentali, klimatiċi u ta' ġestjoni oħrajn li l-Istati Membri jenħtieġ li jappoġġaw fit-territorji tagħhom kollha, skont il-ħtiġijiet speċifiċi nazzjonali, reġjonali jew lokali tagħhom. Jenħtieġ li l-Istati Membri jagħtu pagamenti lill-bdiewa u maniġers tal-art oħrajn li, fuq bażi volontarja, jieħdu impenji ta' ġestjoni li jikkontribwixxu għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u ***l-adattament*** għalih u għall-protezzjoni u t-titjib tal-ambjent inkluż il-kwalità u l-kwantità tal-ilma, il-kwalità tal-arja, il-ħamrija, ***il-biodiversity*** u s-servizzi tal-ekosistema inkluż impenji volontarji fin-Natura 2000 u appoġġ għad-diversità ġenetika. L-appoġġ taħt il-pagamenti għall-impenji ta' ġestjoni jista' wkoll jingħata fil-forma ta' approċċi mmexxija lokalment, integrati jew kooperattivi u interventi bbażati fuq ir-riżultati. | japplikaw il-kriterji ta' għażla. Madankollu, jenħtieġ li l-Istati Membri jkollhom diskrezzjoni wiesgħa biex jiddefinixxu kundizzjonijiet speċifiċi skont il-ħtiġijiet tagħhom. It-tipi ta' interventi għall-iżvilupp rurali jinkludu pagamenti għall-impenji ambjentali, klimatiċi u ta' ġestjoni oħrajn li l-Istati Membri jenħtieġ li jappoġġaw fit-territorji tagħhom kollha, skont il-ħtiġijiet speċifiċi nazzjonali, reġjonali jew lokali tagħhom. Jenħtieġ li l-Istati Membri jagħtu pagamenti lill-bdiewa***, lill-gruppi ta' bdiewa*** u ***lil*** maniġers tal-art oħrajn li, fuq bażi volontarja, jieħdu impenji ta' ġestjoni li jikkontribwixxu għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u ***għall-adattament*** għalih u għall-protezzjoni u t-titjib tal-ambjent inkluż il-kwalità u l-kwantità tal-ilma, il-kwalità tal-arja, il-ħamrija, ***il-biodiversità*** u s-servizzi tal-ekosistema inkluż impenji volontarji fin-Natura 2000 ***u fiż-Żoni b'Valur Naturali Għoli*** u appoġġ għad-diversità ġenetika. L-appoġġ taħt il-pagamenti għall-impenji ta' ġestjoni jista' wkoll jingħata fil-forma ta' approċċi mmexxija lokalment, integrati***, kollettivi*** jew kooperattivi u interventi bbażati fuq ir-riżultati. |

**Emenda 34**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 38**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (38) L-appoġġ għall-impenji tal-ġestjoni jistgħu jinkludu primjums ***tal-bieda*** organika għall-manutenzjoni tal-art organika u l-konverżjoni tagħha; il-pagamenti għal tipi oħra ta' interventi li jappoġġaw sistemi ta' produzzjoni li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent ***bħall-agroekoloġija***, l-agrikoltura ta' konservazzjoni u l-produzzjoni integrata; is-servizzi forestali ambjentali u klimatiċi u l-konservazzjoni tal-foresti; il-primjums għall-foresti u l-istabbiliment tas-sistemi | (38) L-appoġġ għall-impenji tal-ġestjoni jistgħu jinkludu primjums ***tal-biedja*** organika għall-manutenzjoni tal-art organika u l-konverżjoni tagħha; il-pagamenti għal tipi oħra ta' interventi li jappoġġaw sistemi ta' produzzjoni li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent ***bħall-biedja ta' Valur Naturali Għoli, l-agroekoloġija***, l-agrikoltura ta' konservazzjoni u l-produzzjoni integrata; is-servizzi forestali ambjentali u klimatiċi u l-konservazzjoni tal-foresti; il-primjums għall-foresti u l- |

| | |
|---|---|
| tal-agroforestrija; il-benessri tal-annimali; il-konservazzjoni, l-użu sostenibbli u l-iżvilupp tar-riżorsi ġenetiċi. L-Istati Membri jistgħu jiżviluppaw skemi oħrajn taħt dan it-tip ta' interventi fuq il-bażi tal-ħtiġijiet tagħhom. Jenħtieġ li dan it-tip ta' ***pagamenti jkopri*** biss l-ispejjeż addizzjonali u l-introjtu mitluf li jirriżultaw mill-impenji li jmorru lil hinn mil-linja bażi tal-istandards u r-rekwiżiti obbligatorji stabbiliti fid-dritt tal-Unjoni u fil-liġi nazzjonali, kif ukoll il-kundizzjonalità, kif stabbilit fil-Pjan Strateġiku tal-PAK. L-impenji relatati ma' dan it-tip ta' ***interventi*** jistgħu jittieħdu għal perjodu annwali jew pluriennali prestabbilit u jistgħu jmorru lil hinn minn seba' snin fejn dan ikun debitament ġustifikat. | istabbiliment tas-sistemi tal-agroforestrija; ***il-protezzjoni ta' pajsaġġi agrikoli tradizzjonali,*** il-benessri tal-annimali; il-konservazzjoni, l-użu sostenibbli u l-iżvilupp tar-riżorsi ġenetiċi. L-Istati Membri jistgħu jiżviluppaw skemi oħrajn taħt dan it-tip ta' interventi fuq il-bażi tal-ħtiġijiet tagħhom ***u huma jistgħu jsaħħu l-miżuri agroambjentali speċifiċi għas-settur tat-trobbija tan-naħal li jeżistu diġà f'ċerti reġjuni tal-Unjoni, u jiżviluppaw aktar miżuri***. Jenħtieġ li dan it-tip ta' ***pagament ikopri*** biss l-ispejjeż addizzjonali u l-introjtu mitluf li jirriżultaw mill-impenji li jmorru lil hinn mil-linja bażi tal-istandards u r-rekwiżiti obbligatorji stabbiliti fid-dritt tal-Unjoni u fil-liġi nazzjonali, kif ukoll il-kundizzjonalità, kif stabbilit fil-Pjan Strateġiku tal-PAK. ***L-Istati Membri jenħtieġ li jipprovdu inċentivi finanzjarji lill-benefiċjarji.*** L-impenji relatati ma' dan it-tip ta' ***intervent*** jistgħu jittieħdu għal perjodu annwali jew pluriennali prestabbilit u jistgħu jmorru lil hinn minn seba' snin fejn dan ikun debitament ġustifikat. |

**Emenda 35**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 39**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (39) Jenħtieġ li l-miżuri tal-forestrija jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-Foresti tal-Unjoni, u jkunu bbażati fuq il-programmi tal-foresti nazzjonali jew subnazzjonali jew strumenti ekwivalenti tal-Istati Membri, li jenħtieġ li jibnu fuq l-impenji li jirriżultaw mir-Regolament ***dwar l-inklużjoni tal-emissjonijiet u l-assorbimenti ta' gassijiet serra mill-użu tal-art, mit-tibdil fl-użu tal-art*** u ***mill-forestrija [ir-Regolament LULUCF]*** u dawk li ttieħdu ***fil-Konferenzi*** Ministerjali dwar il-Protezzjoni tal-Foresti fl-Ewropa. Jenħtieġ li l-interventi jiġu | (39) Jenħtieġ li l-miżuri tal-forestrija jikkontribwixxu ***għaż-żieda tal-użu tas-sistemi tal-agroforestrija u*** għall-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-Foresti tal-Unjoni, u jkunu bbażati fuq il-programmi tal-foresti nazzjonali jew subnazzjonali jew strumenti ekwivalenti tal-Istati Membri, li jenħtieġ li jibnu fuq l-impenji li jirriżultaw mir-Regolament ***(UE) 2018/841 tal-Parlament Ewropew*** u ***tal-Kunsill***[1a] u dawk li ttieħdu ***mill-Konferenzi*** Ministerjali dwar il-Protezzjoni tal-Foresti fl-Ewropa. Jenħtieġ li l-interventi jiġu bbażati fuq il-pjanijiet ta' ġestjoni tal- |

| | |
|---|---|
| bbażati fuq il-pjanijiet ta' ġestjoni tal-foresti jew strumenti ekwivalenti u jistgħu jinkludu l-iżvilupp taż-żoni tal-foresti u l-ġestjoni sostenibbli tal-foresti, inkluż l-afforestazzjoni tal-art u l-ħolqien u r-riġenerazzjoni tas-sistemi agroforestali; il-protezzjoni, ir-restawr u t-titjib tar-riżorsi tal-foresti, filwaqt li jitqiesu l-ħtiġijiet tal-adattament; l-investimenti biex jiġu garantiti u msaħħa l-konservazzjoni u reżiljenza tal-foresti, u l-provvista ta' servizzi dwar il-klima u l-ekosistema tal-foresti; u miżuri u investimenti għall-appoġġ tal-enerġija rinnovabbli u tal-bijoekonomija. | foresti jew strumenti ekwivalenti u jistgħu jinkludu l-iżvilupp taż-żoni tal-foresti u l-ġestjoni sostenibbli tal-foresti, inkluż l-afforestazzjoni tal-art***, il-prevenzjoni tan-nirien*** u l-ħolqien u r-riġenerazzjoni tas-sistemi agroforestali; il-protezzjoni, ir-restawr u t-titjib tar-riżorsi tal-foresti, filwaqt li jitqiesu l-ħtiġijiet tal-adattament; l-investimenti biex jiġu garantiti u msaħħa l-konservazzjoni u reżiljenza tal-foresti, u l-provvista ta' servizzi dwar il-klima u l-ekosistema tal-foresti; u miżuri u investimenti għall-appoġġ tal-enerġija rinnovabbli u tal-bijoekonomija.<br>________________<br>***[1a] Ir-Regolament (UE) 2018/841 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar l-inklużjoni tal-emissjonijiet u l-assorbimenti ta' gassijiet serra minn użu tal-art, tibdil fl-użu tal-art u l-forestrija fil-qafas ta' politika għall-klima u l-enerġija għall-2030 u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 525/2013 u d-Deċiżjoni Nru 529/2013/UE (ĠU L 156, 19.6.2018, p. 1).*** |

**Emenda 36**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 40**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (40) Sabiex jiġi żgurat introjtu ġust u settur agrikolu reżiljenti fit-territorju kollu tal-Unjoni, l-Istati Membri ***jistgħu*** jagħtu appoġġ lill-bdiewa f'żoni li qed jiffaċċjaw restrizzjonijiet naturali u restrizzjonijiet oħra speċifiċi għaż-żona. Fir-rigward tal-pagamenti għall-ANC, id-deżinjazzjoni tal-politika ta' Żvilupp Rurali 2014–2020 jenħtieġ li tkompli tapplika. Biex il-PAK tagħti valur miżjud imsaħħaħ tal-Unjoni fuq l-ambjent u ***rinforza s-sinerġiji*** tagħha mal-finanzjament tal-investimenti fin-natura u l-bijodiversità, huwa meħtieġ li | (40) Sabiex jiġi żgurat introjtu ġust u settur agrikolu reżiljenti fit-territorju kollu tal-Unjoni, l-Istati Membri ***jistgħu*** jagħtu appoġġ lill-bdiewa f'żoni li qed jiffaċċjaw restrizzjonijiet naturali u restrizzjonijiet oħra speċifiċi għaż-żona***, inklużi żoni muntanjużi u reġjuni insulari***. Fir-rigward tal-pagamenti għall-ANC, id-deżinjazzjoni tal-politika ta' Żvilupp Rurali 2014–2020 jenħtieġ li tkompli tapplika. Biex il-PAK tagħti valur miżjud imsaħħaħ tal-Unjoni fuq l-ambjent u ***ssaħħaħ is-sinerġiji*** tagħha mal-finanzjament tal-investimenti fin- |

| | |
|---|---|
| jkun hemm miżura separata li l-mira tagħha tkun li l-benefiċjarji jiġu kkumpensati għall-iżvantaġġi relatati mal-implimentazzjoni tan-Natura 2000 u ***tad-Direttivi*** Qafas dwar l-Ilma. Għalhekk jenħtieġ li jibqa' jingħata l-appoġġ lill-bdiewa u lid-detenturi tal-foresti biex ikunu jistgħu jiġu indirizzati l-iżvantaġġi speċifiċi li jirriżultaw mill-implimentazzjoni tad-Direttiva 2009/147/KE u d-Direttiva 92/43/KEE u sabiex jikkontribwixxi għall-ġestjoni effettiva tas-siti tan-Natura 2000. Jenħtieġ li l-appoġġ ikun disponibbli wkoll għall-bdiewa biex jgħinhom jindirizzaw l-iżvantaġġi fiż-żoni tal-baċiri idrografiċi li jirriżultaw mill-implimentazzjoni tad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma. L-appoġġ jenħtieġ li jkun marbut ma' rekwiżiti speċifiċi deskritti fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK li jmorru lil hinn mill-istandards u r-rekwiżiti obbligatorji rilevanti. Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw ukoll li l-pagamenti lill-bdiewa ma jwasslux għal finanzjament doppju mal-ekoskemi. Barra minn hekk, jenħtieġ li jitqiesu l-ħtiġijiet speċjali taż-żoni tan-Natura 2000 mill-Istati Membri fit-tfassil kumplessiv tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom. | natura u l-bijodiversità, huwa meħtieġ li jkun hemm miżura separata li l-mira tagħha tkun li l-benefiċjarji jiġu kkumpensati għall-iżvantaġġi relatati mal-implimentazzjoni tan-Natura 2000 ***stabbilita mid-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE***[1a] u ***d-Direttiva*** Qafas dwar l-Ilma. Għalhekk jenħtieġ li jibqa' jingħata l-appoġġ lill-bdiewa u lid-detenturi tal-foresti biex ikunu jistgħu jiġu indirizzati l-iżvantaġġi speċifiċi li jirriżultaw mill-implimentazzjoni tad-Direttiva 2009/147/KE u d-Direttiva 92/43/KEE u sabiex jikkontribwixxi għall-ġestjoni effettiva tas-siti tan-Natura 2000. Jenħtieġ li l-appoġġ ikun disponibbli wkoll għall-bdiewa biex jgħinhom jindirizzaw l-iżvantaġġi fiż-żoni tal-baċiri idrografiċi li jirriżultaw mill-implimentazzjoni tad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma. L-appoġġ jenħtieġ li jkun marbut ma' rekwiżiti speċifiċi deskritti fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK li jmorru lil hinn mill-istandards u r-rekwiżiti obbligatorji rilevanti. Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw ukoll li l-pagamenti lill-bdiewa ma jwasslux għal finanzjament doppju mal-ekoskemi***, filwaqt li fl-istess ħin jippermettu biżżejjed flessibbiltà fil-Pjanijiet Strateġiċi biex tiġi ffaċilitata l-komplementarjetà bejn interventi differenti***. Barra minn hekk, jenħtieġ li jitqiesu l-ħtiġijiet speċjali taż-żoni tan-Natura 2000 mill-Istati Membri fit-tfassil kumplessiv tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom.<br>______<br>[1a] ***Id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-habitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa (ĠU L 206, 22.7.1992, p. 7).*** |

**Emenda 37**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 41**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| (41) Jenħtieġ li l-objettivi tal-PAK jiġu segwiti permezz ta' appoġġ għall-investimenti, produttivi kif ukoll mhux produttivi, ***fuq l-azjenda agrikola u barra minnha***. Investimenti bħal dawn jistgħu jikkonċernaw, inter alia, l-infrastrutturi relatati mal-iżvilupp, il-modernizzazzjoni jew l-adattament għat-tibdil fil-klima tal-agrikoltura u tal-forestrija, inkluż l-aċċess għall-art tal-azjendi agrikoli u l-art tal-foresti, il-konsolidazzjoni u t-titjib tal-art, il-prattiki agroforestali u l-provvista u l-iffrankar tal-enerġija u tal-ilma. Sabiex tiġi żgurata aħjar il-konsistenza tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK mal-objettivi tal-Unjoni, kif ukoll kundizzjonijiet ekwi bejn l-Istati Membri, lista negattiva ta' suġġetti ta' investiment hija inkluża f'dan ir-Regolament. | (41) Jenħtieġ li l-objettivi tal-PAK jiġu segwiti permezz ta' appoġġ għall-investimenti, produttivi kif ukoll mhux produttivi, ***li għandhom l-għan li jsaħħu r-reżiljenza tal-azjendi agrikoli***. Investimenti bħal dawn jistgħu jikkonċernaw, inter alia, l-infrastrutturi relatati mal-iżvilupp, il-modernizzazzjoni jew l-adattament għat-tibdil fil-klima tal-agrikoltura u tal-forestrija, inkluż l-aċċess għall-art tal-azjendi agrikoli u l-art tal-foresti, il-konsolidazzjoni u t-titjib tal-art, il-prattiki agroforestali**,** u l-provvista u l-iffrankar tal-enerġija u tal-ilma. Sabiex tiġi żgurata aħjar il-konsistenza tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK mal-objettivi tal-Unjoni, kif ukoll kundizzjonijiet ekwi bejn l-Istati Membri, lista negattiva ta' suġġetti ta' investiment hija inkluża f'dan ir-Regolament. |

**Emenda 38**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 42**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| (42) Fid-dawl tal-ħtieġa li tiġi ***indirizzata*** d-diskrepanza tal-investiment fis-settur agrikolu tal-Unjoni u sabiex jitjieb l-aċċess għall-istrumenti finanzjarji għall-gruppi prijoritarji, b'mod partikolari l-bdiewa żgħażagħ u l-bdiewa ġodda bi profili ta' riskju ogħla, jenħtieġ li jitħeġġeġ ***l-użu tal-garanzija InvestEU u l-kombinament*** tal-għotjiet u tal-istrumenti finanzjarji. Peress li l-użu tal-istrumenti finanzjarji fl-Istati Membri kollha jvarja b'mod konsiderevoli bħala riżultat tad-differenza f'termini tal-aċċess għall-finanzi, l-iżvilupp tas-settur bankarju, il-preżenza ta' kapital ta' riskju, il-familjarità tal-amministrazzjonijiet pubbliċi u l-firxa potenzjali ta' benefiċjarji, jenħtieġ li fil-Pjan Strateġiku tal-PAK l-Istati Membri jistabbilixxu miri xierqa, | (42) Fid-dawl tal-ħtieġa li tiġi ***indirizzata*** d-diskrepanza tal-investiment fis-settur agrikolu tal-Unjoni u sabiex jitjieb l-aċċess għall-istrumenti finanzjarji għall-gruppi prijoritarji, b'mod partikolari l-bdiewa żgħażagħ u l-bdiewa ġodda bi profili ta' riskju ogħla, jenħtieġ li jitħeġġeġ ***kombinament*** tal-għotjiet u tal-istrumenti finanzjarji. Peress li l-użu tal-istrumenti finanzjarji fl-Istati Membri kollha jvarja b'mod konsiderevoli bħala riżultat tad-differenza f'termini tal-aċċess għall-finanzi, l-iżvilupp tas-settur bankarju, il-preżenza ta' kapital ta' riskju, il-familjarità tal-amministrazzjonijiet pubbliċi u l-firxa potenzjali ta' benefiċjarji, jenħtieġ li fil-Pjan Strateġiku tal-PAK l-Istati Membri jistabbilixxu miri xierqa, benefiċjarji u |

beneficjarji u kundizzjonijiet preferenzjali, u regoli ta' eliġibbiltà oħra possibbli. | kundizzjonijiet preferenzjali, u regoli ta' eliġibbiltà oħra possibbli.

**Emenda 39**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 43**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (43) Il-bdiewa żgħażagħ u l-bdiewa ġodda għadhom qed jaffaċċjaw ostakoli sinifikanti rigward l-aċċess għall-art, prezzijiet għoljin u l-aċċess għall-kreditu. In-negozji tagħhom huma aktar mhedda mill-volatilità tal-prezzijiet (kemm għall-inputs kif ukoll għall-prodotti) u l-ħtiġijiet tagħhom f'termini ta' taħriġ fil-ħiliet intraprenditorjali u ta' ġestjoni tar-riskju huma għoljin. Għalhekk huwa essenzjali li jitkompla l-appoġġ għat-twaqqif ta' negozji u ta' azjendi agrikoli ġodda. Jenħtieġ li l-Istati Membri jipprevedu approċċ strateġiku u jidentifikaw sett ċar u koerenti ta' interventi għat-tiġdid ġenerazzjonali taħt l-objettiv speċifiku ***ddedkat*** għal din il-kwistjoni. Għal dan l-għan, fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom, l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu kundizzjonijiet preferenzjali għall-istrumenti finanzjarji għall-bdiewa żgħażagħ u l-bdiewa ġodda, u jenħtieġ li fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom jinkludu d-delimitazzjoni ta' mill-inqas ammont li jikkorrispondi għal 2 % tal-pakkett tal-pagamenti diretti annwali. Jenħtieġ li tiġi stabbilita żieda tal-ammont massimu tal-għajnuna għall-installazzjoni ta' bdiewa żgħażagħ u negozji ġodda rurali, sa EUR 100 000, li tista' tiġi aċċessata wkoll permezz tal-forma ta' appoġġ bi strument finanzjarju jew flimkien magħha. | (43) Il-bdiewa żgħażagħ u l-bdiewa ġodda għadhom qed jaffaċċjaw ostakoli sinifikanti rigward l-aċċess għall-art, prezzijiet għoljin u l-aċċess għall-kreditu. In-negozji tagħhom huma aktar mhedda mill-volatilità tal-prezzijiet (kemm għall-inputs kif ukoll għall-prodotti) u l-ħtiġijiet tagħhom f'termini ta' taħriġ fil-ħiliet intraprenditorjali***, prevenzjoni tar-riskju*** u ta' ġestjoni tar-riskju huma għoljin. Għalhekk huwa essenzjali li jitkompla l-appoġġ għat-twaqqif ta' negozji u ta' azjendi agrikoli ġodda. Jenħtieġ li l-Istati Membri jipprevedu approċċ strateġiku u jidentifikaw sett ċar u koerenti ta' interventi għat-tiġdid ġenerazzjonali taħt l-objettiv speċifiku ***ddedikat*** għal din il-kwistjoni. Għal dan l-għan, fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom, l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu kundizzjonijiet preferenzjali għall-istrumenti finanzjarji għall-bdiewa żgħażagħ u l-bdiewa ġodda, u jenħtieġ li fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom jinkludu d-delimitazzjoni ta' mill-inqas ammont li jikkorrispondi għal 2 % tal-pakkett tal-pagamenti diretti annwali ***fl-ewwel pilastru***. Jenħtieġ li tiġi stabbilita żieda tal-ammont massimu tal-għajnuna għall-installazzjoni ta' bdiewa żgħażagħ u negozji ġodda rurali, sa EUR 100 000, li tista' tiġi aċċessata wkoll permezz tal-forma ta' appoġġ bi strument finanzjarju jew flimkien magħha. |

**Emenda 40**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 44**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| (44) Fid-dawl tal-ħtieġa li jiġu żgurati għodod xierqa għall-ġestjoni tar-riskju, jenħtieġ li jinżammu l-primjums tal-assigurazzjoni u l-fondi mutwi, iffinanzjati mill-FAEŻR. Il-kategorija tal-fondi mutwi tinkludi kemm dawk marbutin mat-telf tal-produzzjoni, kif ukoll l-għodod ta' stabbilizzazzjoni tal-introjtu speċifiċi għal kull settur, marbuta mat-telf fl-introjtu. | (44) Fid-dawl tal-ħtieġa li jiġu żgurati għodod xierqa għall-ġestjoni tar-riskju, jenħtieġ li jinżammu l-primjums tal-assigurazzjoni u l-fondi mutwi, iffinanzjati mill-FAEŻR. Il-kategorija tal-fondi mutwi tinkludi kemm dawk marbutin mat-telf tal-produzzjoni, kif ukoll l-għodod ta' stabbilizzazzjoni tal-introjtu speċifiċi għal kull settur, marbuta mat-telf fl-introjtu. ***Sabiex jiġu adattati l-għodod tal-ġestjoni tar-riskji għall-isfidi li jħabbtu wiċċhom magħhom il-bdiewa, inkluż it-tibdil fil-klima, is-sett ta' għodod tal-PAK jenħtieġ li jinkludi kumpens għall-ispejjeż u t-telf imġarrba mill-bdiewa b'rabta mal-miżuri meħuda biex jiġu miġġielda l-mard tal-annimali u l-pesti tal-pjanti, jew għat-telf imġarrab mill-bdiewa organiċi minħabba kontaminazzjoni esterna li ma jkunux responsabbli għaliha. Madankollu, il-kompatibbiltà ta' interventi ffinanzjati mill-FAEŻR mas-sistemi nazzjonali tal-ġestjoni tar-riskju jenħtieġ li tiġi żgurata.*** |

**Emenda 41**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 45**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| (45) Jenħtieġ li l-appoġġ jippermetti l-istabbiliment u l-implimentazzjoni tal-kooperazzjoni bejn mill-inqas żewġ entitajiet fid-dawl tal-kisba tal-objettivi tal-PAK. L-appoġġ jista' jinkludi l-aspetti kollha ta' kooperazzjoni bħal din, bħal pereżempju t-twaqqif ta' skemi ta' kwalità; azzjoni ambjentali u klimatika kollettiva; il-promozzjoni ta' katina ta' provvista qasira u swieq lokali; proġetti pilota; Il-proġetti tal-Grupp Operattiv fi ħdan il-proġetti ta' żvilupp lokali tal-EIP għall- | (45) Jenħtieġ li l-appoġġ jippermetti l-istabbiliment u l-implimentazzjoni tal-kooperazzjoni bejn mill-inqas żewġ entitajiet fid-dawl tal-kisba tal-objettivi tal-PAK. L-appoġġ jista' jinkludi l-aspetti kollha ta' kooperazzjoni bħal din, bħal pereżempju t-twaqqif***, iċ-ċertifikazzjoni tal-ispejjeż u l-promozzjoni*** ta' skemi ta' kwalità; azzjoni ambjentali u klimatika kollettiva; il-promozzjoni ta' katina ta' provvista qasira u swieq lokali; proġetti pilota; Il-proġetti tal-Grupp Operattiv fi |

| | |
|---|---|
| produttività u s-sostenibbiltà fil-qasam agrikolu, l-Irħula Intelliġenti, il-klabbs tax-xerrejja u l-assoċjazzjonijiet għall-użu kollettiv tal-makkinarju agrikolu (machinery rings); sħubijiet tal-azjendi agrikoli; pjanijiet tal-ġestjoni tal-foresti; netwerks u raggruppamenti; biedja soċjali; agrikultura appoġġata mill-komunità; azzjonijiet fil-kamp ta' applikazzjoni tal-LEADER; u t-twaqqif ta' gruppi ta' produtturi u organizzazzjonijiet ta' produtturi, kif ukoll forom oħra ta' kooperazzjoni li jitqiesu meħtieġa biex jinkisbu l-objettivi speċifiċi tal-PAK. | ħdan il-proġetti ta' żvilupp lokali tal-EIP għall-produttività u s-sostenibbiltà fil-qasam agrikolu, l-Irħula Intelliġenti, il-klabbs tax-xerrejja u l-assoċjazzjonijiet għall-użu kollettiv tal-makkinarju agrikolu (machinery rings); sħubijiet tal-azjendi agrikoli; pjanijiet tal-ġestjoni tal-foresti; netwerks u raggruppamenti; biedja soċjali; agrikultura appoġġata mill-komunità; azzjonijiet fil-kamp ta' applikazzjoni tal-LEADER; u t-twaqqif ta' gruppi ta' produtturi u organizzazzjonijiet ta' produtturi, ***inklużi gruppi ta' produtturi rikonoxxuti skont ir-Regolament (UE) Nru 115/12,*** kif ukoll forom oħra ta' kooperazzjoni li jitqiesu meħtieġa biex jinkisbu l-objettivi speċifiċi tal-PAK.<br><br>***Bħala mezz ta' promozzjoni tat-tiġdid interġenerazzjonali, jenħtieġ li jitqies l-għoti ta' appoġġ speċifiku lill-bdiewa li jixtiequ jieqfu mill-biedja qabel ma jilħqu l-età statutorja tal-irtirar u li jkollhom il-ħsieb li jagħtu l-azjenda agrikola tagħhom lil bidwi żagħżugħ li jikkoopera.*** |

**Emenda 42**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 47**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (47) Jenħtieġ li l-FAEG ikompli jiffinanzja t-tipi ta' interventi fil-forma ta' pagamenti diretti u t-tipi ta' interventi settorjali, filwaqt li l-FAEŻR jenħtieġ li jkompli jiffinanzja t-tipi ta' interventi għall-iżvilupp rurali kif deskritt f'dan ir-Regolament. Jenħtieġ li r-regoli għall-ġestjoni finanzjarji tal-PAK jiġu stipulati b'mod separat għaż-żewġ fondi u għall-attivitajiet appoġġati minn kull wieħed minnhom, filwaqt li jitqies li l-mudell ta' implimentazzjoni l-ġdid jagħti aktar flessibbiltà u sussidjarjetà biex l-Istati Membri jilħqu l-objettivi tagħhom It-tipi ta' interventi taħt dan ir-Regolament jenħtieġ | (47) Jenħtieġ li l-FAEG ikompli jiffinanzja t-tipi ta' interventi fil-forma ta' pagamenti diretti u t-tipi ta' interventi settorjali, filwaqt li l-FAEŻR jenħtieġ li jkompli jiffinanzja t-tipi ta' interventi għall-iżvilupp rurali kif deskritt f'dan ir-Regolament. Jenħtieġ li r-regoli għall-ġestjoni finanzjarji tal-PAK jiġu stipulati b'mod separat għaż-żewġ fondi u għall-attivitajiet appoġġati minn kull wieħed minnhom, filwaqt li jitqies li l-mudell ta' implimentazzjoni l-ġdid jagħti aktar flessibbiltà u sussidjarjetà biex l-Istati Membri jilħqu l-objettivi tagħhom It-tipi ta' interventi taħt dan ir-Regolament jenħtieġ |

| | |
|---|---|
| li jkopru l-perjodu mill-1 ta' Jannar ***2021*** sal-31 ta' Diċembru 2027. | li jkopru l-perjodu mill-1 ta' Jannar ***2022*** sal-31 ta' Diċembru 2027. |

**Emenda 43**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 48**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (48) L-appoġġ għall-pagamenti diretti skont il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK jenħtieġ li jingħata fil-limitu tal-allokazzjonijiet nazzjonali li jridu jiġu stabbiliti f'dan ir-Regolament. Dawn l-allokazzjonijiet nazzjonali jenħtieġ li jirriflettu kontinwazzjoni tal-bidliet fejn l-allokazzjonijiet lill-Istati Membri bl-aktar livell baxx ta' appoġġ għal kull ettaru jiżdiedu b'mod gradwali biex jagħlqu 50 % tad-diskrepanza lejn 90 % tal-medja tal-Unjoni. Sabiex jitqies il-mekkaniżmu tat-tnaqqis tal-pagamenti u l-użu tal-prodott tiegħu fl-Istat Membru, l-allokazzjonijiet finanzjarji indikattivi totali kull sena fil-Pjan Strateġiku tal-PAK ta' Stat Membru jenħtieġ li jkun jista' jaqbeż l-allokazzjoni nazzjonali. | (48) ***Il-FAEG jenħtieġ li ma jipprovdix appoġġ għall-attivitajiet li jagħmlu ħsara lill-ambjent, jew li ma jkunux konsistenti mal-objettivi relatati mal-klima u l-ambjent skont il-prinċipji ta' ġestjoni agrikola sostenibbli.*** L-appoġġ għall-pagamenti diretti skont il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK jenħtieġ li jingħata fil-limitu tal-allokazzjonijiet nazzjonali li jridu jiġu stabbiliti f'dan ir-Regolament. Dawn l-allokazzjonijiet nazzjonali jenħtieġ li jirriflettu kontinwazzjoni tal-bidliet fejn l-allokazzjonijiet lill-Istati Membri bl-aktar livell baxx ta' appoġġ għal kull ettaru jiżdiedu b'mod gradwali biex jagħlqu 50 % tad-diskrepanza lejn 90 % tal-medja tal-Unjoni. Sabiex jitqies il-mekkaniżmu tat-tnaqqis tal-pagamenti u l-użu tal-prodott tiegħu fl-Istat Membru, l-allokazzjonijiet finanzjarji indikattivi totali kull sena fil-Pjan Strateġiku tal-PAK ta' Stat Membru jenħtieġ li jkun jista' jaqbeż l-allokazzjoni nazzjonali. |

**Emenda 44**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 49**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (49) Sabiex tiġi ffaċilitata l-ġestjoni tal-fondi tal-FAEŻR, jenħtieġ li tiġi stabbilita rata ta' kontribuzzjoni ***unika*** għall-appoġġ mill-FAEŻR b'rabta man-nefqa pubblika fl-Istati Membri. Sabiex jitqiesu l- | (49) Sabiex tiġi ffaċilitata l-ġestjoni tal-fondi tal-FAEŻR, jenħtieġ li tiġi stabbilita rata ta' kontribuzzjoni ***ġenerali*** għall-appoġġ mill-FAEŻR b'rabta man-nefqa pubblika fl-Istati Membri. Sabiex jitqiesu l- |

| | |
|---|---|
| importanza partikolari jew in-natura ta' ċerti tipi ta' operazzjonijiet, jenħtieġ li jiġu stabbiliti rati ta' kontribuzzjoni speċifiċi b'rabta magħhom. Sabiex jiġu mitigati r-restrizzjonijiet speċifiċi li jirriżultaw mil-livell ta' żvilupp, mid-distanza u l-insularità***, jenħtieġ li tiġi stabbilita rata ta' kontribuzzjoni xierqa tal-FAEŻR għar-reġjuni inqas żviluppati, għar-reġjuni ultraperiferiċi msemmija fl-Artikolu 349 tat-TFUE u għall-gżejjer żgħar tal-Eġew***. | importanza partikolari jew in-natura ta' ċerti tipi ta' operazzjonijiet, jenħtieġ li jiġu stabbiliti rati ta' kontribuzzjoni speċifiċi b'rabta magħhom. Sabiex jiġu mitigati r-restrizzjonijiet speċifiċi li jirriżultaw mil-livell ta' żvilupp, mid-distanza u l-insularità ***tar-reġjuni ultraperiferiċi msemmija fl-Artikolu 349 tat-TFUE u tal-gżejjer żgħar tal-Eġew kif iddefinit fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament (UE) Nru 229/2013***, ***jenħtieġ li tiġi stabbilita rata ta' kontribuzzjoni ogħla tal-FAEŻR għal dawk ir-reġjuni***. |

**Emenda 45**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 49a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(49a) Jenħtieġ li jiġu stabbiliti kriterji oġġettivi għall-kategorizzazzjoni tar-reġjuni u ż-żoni fil-livell tal-Unjoni għall-appoġġ mill-FAEŻR. Għal dan il-għan, l-identifikazzjoni tar-reġjuni u taż-żoni fil-livell tal-Unjoni jenħtieġ li tkun ibbażata fuq is-sistema komuni ta' klassifikazzjoni tar-reġjuni stabbilita mir-Regolament (KE) Nru 1059/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. Jenħtieġ li jintużaw l-aħħar klassifikazzjonijiet u l-aħħar data biex jiġi żgurat appoġġ adegwat, b'mod partikolari biex jiġu indirizzati reġjuni li jkunu baqgħu lura u d-disparitajiet interreġjonali ġo Stat Membru.*** |

**Emenda 46**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 50**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|

| | |
|---|---|
| (50) Jenħtieġ li l-FAEŻR ***ma jipprovdix*** appoġġ ***għall-investimenti*** li jagħmlu ħsara lill-ambjent. Għalhekk huwa neċessarju li f'dan ir-Regolament jiġi previst għadd ta' regoli ta' esklużjoni, kif ukoll il-possibbiltà li jiġu żviluppati aktar dawn il-garanziji f'atti delegati. B'mod partikolari, jenħtieġ li l-FAEŻR ma jiffinanzjax l-investimenti ***fl-irrigazzjoni li ma jikkontribwixxux lejn il-kisba, jew il-presevazzjoni tal-istatus tajjeb tal-korp tal-ilma jew korpi tal-ilma assoċjati u l-investimenti*** fl-afforestazzjoni li mhumiex konsistenti mal-objettivi klimatiċi u ambjentali f'konformità mal-prinċipji tal-ġestjoni sostenibbli tal-foresti. | (50) Jenħtieġ li l-FAEŻR ***jipprovdi*** appoġġ ***b'mod prijoritarju lill-investimenti*** li jiġġeneraw kemm benefiċċji ekonomiċi kif ukoll ambjentali filwaqt li ma jappoġġax investimenti li jagħmlu ħsara lill-ambjent. Għalhekk huwa neċessarju li f'dan ir-Regolament jiġi previst għadd ta' regoli ta' esklużjoni, kif ukoll il-possibbiltà li jiġu żviluppati aktar dawn il-garanziji f'atti delegati. B'mod partikolari, jenħtieġ li l-FAEŻR ma jiffinanzjax l-investimenti fl-afforestazzjoni li mhumiex konsistenti mal-objettivi klimatiċi u ambjentali f'konformità mal-prinċipji tal-ġestjoni sostenibbli tal-foresti. ***Barra minn hekk, jenħtieġ li l-FAEŻR ma jkoprix investimenti fl-irrigazzjoni li ma jikkontribwixxu xejn għall-kisba, jew il-preservazzjoni, ta status tajjeb tal-korp jew korpi tal-ilma assoċjati.*** |

**Emenda 47**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 51a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(51a) Sabiex l-Unjoni tkun tista' tkun indipendenti mill-importazzjonijiet tal-proteini veġetali, il-PAK għandha l-għan li tippromwovi, f'konformità mad-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli, l-użu ta' bijofjuwils miksuba mill-koprodotti taż-żrieragħ żejtnin minn għelejjel tal-proteini;*** |

**Emenda 48**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 54**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (54) Sabiex jissaħħaħ il-valur miżjud tal-Unjoni u biex jiġi preservat suq intern | (54) Sabiex jissaħħaħ il-valur miżjud tal-Unjoni u biex jiġi preservat suq intern |

| | |
|---|---|
| agrikolu li jiffunzjona, kif ukoll biex jiġu segwiti l-objettivi speċifiċi u ġenerali u speċifiċi msemmija hawn fuq, jenħtieġ li l-Istati Membri ma jieħdux deċiżjonijiet skont dan ir-Regolament b'mod iżolat iżda fil-qafas ta' proċess strutturat li jenħtieġ li jimmaterjalizza fi Pjan Strateġiku tal-PAK. ***Jenthieġ*** li r-regoli minn fuq għal isfel tal-Unjoni jistabbilixxu l-objettivi speċifiċi tal-PAK ***fl-UE*** kollha, it-tipi ta' interventi ewlenin, il-qafas ta' prestazzjoni u l-istruttura ta' governanza. Distribuzzjoni tal-kompiti bħal din timmira li tiġi żgurata korrispondenza sħiħa bejn ir-riżorsi finanzjarji investiti u r-riżultati miksuba. | agrikolu li jiffunzjona, kif ukoll biex jiġu segwiti l-objettivi speċifiċi u ġenerali u speċifiċi msemmija hawn fuq, jenħtieġ li l-Istati Membri ma jieħdux deċiżjonijiet skont dan ir-Regolament b'mod iżolat iżda fil-qafas ta' proċess strutturat li jenħtieġ li jimmaterjalizza fi Pjan Strateġiku tal-PAK. ***Jenħtieġ*** li r-regoli minn fuq għal isfel tal-Unjoni jistabbilixxu l-objettivi speċifiċi tal-PAK ***fl-Unjoni*** kollha, it-tipi ta' interventi ewlenin, il-qafas ta' prestazzjoni u l-istruttura ta' governanza. Distribuzzjoni tal-kompiti bħal din timmira li tiġi żgurata korrispondenza sħiħa bejn ir-riżorsi finanzjarji investiti u r-riżultati miksuba. |

**Emenda 49**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 55**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (55) ***Sabeix*** tiġi żgurata natura strateġika ċara ta' dawn il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK, u biex jiġu ffaċilitati r-rabtiet ma' politiki oħra tal-Unjoni, u b'mod partikolari ma' miri nazzjonali stabbiliti fit-tul li jirriżultaw mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni jew mill-ftehimiet internazzjonali bħal dawk relatati mat-tibdil fil-klima, mal-foresti, mal-bijodiversità u mal-ilma, huwa xieraq li jenħtieġ li jkun hemm Pjan Strateġiku tal-PAK wieħed għal kull Stat Membru. | (55) ***Sabiex*** tiġi żgurata natura strateġika ċara ta' dawn il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK, u biex jiġu ffaċilitati r-rabtiet ma' politiki oħra tal-Unjoni, u b'mod partikolari ma' miri nazzjonali stabbiliti fit-tul li jirriżultaw mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni jew mill-ftehimiet internazzjonali bħal dawk relatati mat-tibdil fil-klima, mal-foresti, mal-bijodiversità u mal-ilma, huwa xieraq li jenħtieġ li jkun hemm Pjan Strateġiku tal-PAK wieħed għal kull Stat Membru. ***Filwaqt li titqies l-istruttura amministrattiva tal-Istati Membri, jenħtieġ li l-Pjan Strateġiku, fejn xieraq, jinkludi interventi reġjonalizzati għall-Iżvilupp Rurali.*** |

**Emenda 50**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 55a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(55a) Huwa imperattiv li l-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK ikollhom qafas ċar, sempliċi u mhux ambigwu sabiex jiġi evitat li jkun hemm regolamentazzjoni żejda tal-politika fil-livell nazzjonali, reġjonali jew lokali.*** |

**Emenda 51**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 55b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(55b) Jenħtieġ li l-mudell ta' implimentazzjoni l-ġdid ma jiddubitax l-integrità tas-suq uniku jew in-natura storikament Ewropea tal-PAK, li jenħtieġ li tibqa' politika verament komuni, li tiżgura approċċ Ewropew u kundizzjonijiet ekwi.*** |

**Emenda 52**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 56**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (56) Fil-proċess ta' żvilupp tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom, jenħtieġ li l-Istati Membri janalizzaw is-sitwazzjoni u l-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom, jistabbilixxu miri marbuta mal-kisba tal-objettivi tal-PAK u jfasslu l-interventi li se jippermettu li jintlaħqu dawn il-miri, filwaqt li jiġu adattati għall-kuntesti nazzjonali u reġjonali speċifiċi, inkluż ir-reġjuni ultraperiferiċi skont l-Artikolu 349 tat-TFUE. It-tali proċess jenħtieġ li jippromwovi aktar sussidjarjetà f'qafas komuni tal-Unjoni, filwaqt li l-konformità mal-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni u l-objettivi tal-PAK jenħtieġ li jiġu żgurati. Għalhekk huwa xieraq li jiġu stabbiliti | (56) Fil-proċess ta' żvilupp tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom, jenħtieġ li l-Istati Membri janalizzaw is-sitwazzjoni u l-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom, jistabbilixxu miri ***li jkunu realistiċi,*** marbuta mal-kisba tal-objettivi tal-PAK u jfasslu l-interventi li se jippermettu li jintlaħqu dawn il-miri ***waqt li jipprovdu ċertezza lill-benefiċjarji finali***, filwaqt li jiġu adattati għall-kuntesti nazzjonali u reġjonali speċifiċi, inkluż ir-reġjuni ultraperiferiċi skont l-Artikolu 349 tat-TFUE. It-tali proċess jenħtieġ li jippromwovi aktar sussidjarjetà f'qafas komuni tal-Unjoni, filwaqt li l-konformità mal-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni u l-objettivi tal-PAK jenħtieġ li jiġu żgurati. |

| | |
|---|---|
| regoli dwar l-istruttura u l-kontenut tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK. | Għalhekk huwa xieraq li jiġu stabbiliti regoli dwar l-istruttura u l-kontenut tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK. ***Sabiex jiġi żgurat li l-istabbiliment tal-miri mill-Istati Membri u li t-tfassil tal-interventi jkunu xierqa u li jimmassimizzaw il-kontribut tal-objettivi tal-PAK, u filwaqt li tiġi żgurata n-natura komuni tal-politika, huwa meħtieġ li l-istrateġija tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tiġi bbażata fuq analiżi minn qabel tal-kuntesti lokali u valutazzjoni tal-ħtiġijiet b'rabta mal-objettivi tal-PAK. Fil-proċess tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK, jeħtieġ li jiġi żgurat l-involviment tal-bdiewa u tal-organizzazzjonijiet tal-bdiewa.*** |

**Emenda 53**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 57**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (57) Sabiex jiġi żgurat li l-istabbiliment tal-miri mill-Istati Membri u li t-tfassil tal-interventi huwa xieraq u li jimmassimizza l-kontribut tal-objettivi tal-PAK, huwa meħtieġ li l-istrateġija tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tiġi bbażata fuq analiżi minn qabel tal-kuntesti lokali u valutazzjoni tal-ħtiġijiet b'rabta mal-objettivi tal-PAK. | (57) Sabiex jiġi żgurat li l-istabbiliment tal-miri mill-Istati Membri u li t-tfassil tal-interventi huwa xieraq u li jimmassimizza l-kontribut tal-objettivi tal-PAK, huwa meħtieġ li l-istrateġija tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tiġi bbażata fuq analiżi minn qabel tal-kuntesti lokali u valutazzjoni tal-ħtiġijiet b'rabta mal-objettivi tal-PAK. ***Huwa importanti wkoll li l-pjanijiet strateġiċi tal-PAK ikunu jistgħu jirriflettu b'mod adegwat il-bidliet fil-kundizzjonijiet, fl-istrutturi (kemm interni kif ukoll esterni) u fis-sitwazzjonijiet tas-suq tal-Istati Membri u li jistgħu, għalhekk, ikunu aġġustati maż-żmien biex jirriflettuhom.*** |

**Emenda 54**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 58**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| (58) Jenħtieġ li l-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK ikollhom l-għan li jiżguraw koerenza msaħħa fost il-bosta għodod tal-PAK, peress li jenħtieġ li jkopru t-tipi ta' interventi fil-forma ta' pagamenti diretti, it-tipi ta' interventi settorjali u t-tipi ta' interventi għall-iżvilupp rurali. Jenħtieġ ukoll li jiżguraw u juru l-allinjament u l-adegwatezza tal-għażliet li jkunu għamlu l-Istati Membri għall-prijoritajiet u l-objettivi tal-Unjoni. Għalhekk huwa xieraq li jkun fihom strateġija ta' intervent orjentata lejn ir-riżultati u strutturata fuq l-objettivi speċifiċi tal-PAK, inkluż miri kwantifikati b'rabta ma' dawn l-objettivi. Sabiex ikun jista' jsir monitoraġġ tagħhom ***fuq bażi annwali***, huwa xieraq li dawn il-miri jkunu bbażati fuq l-indikaturi tar-riżultati. | (58) Jenħtieġ li l-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK ikollhom l-għan li jiżguraw koerenza msaħħa fost il-bosta għodod tal-PAK, peress li jenħtieġ li jkopru t-tipi ta' interventi fil-forma ta' pagamenti diretti, it-tipi ta' interventi settorjali u t-tipi ta' interventi għall-iżvilupp rurali. Jenħtieġ ukoll li jiżguraw u juru l-allinjament u l-adegwatezza tal-għażliet li jkunu għamlu l-Istati Membri għall-prijoritajiet u l-objettivi tal-Unjoni. Għalhekk huwa xieraq li jkun fihom strateġija ta' intervent orjentata lejn ir-riżultati u strutturata fuq l-objettivi speċifiċi tal-PAK, inkluż miri kwantifikati b'rabta ma' dawn l-objettivi. Sabiex ikun jista' jsir monitoraġġ tagħhom, huwa xieraq li dawn il-miri jkunu bbażati fuq l-indikaturi tar-riżultati. |

**Emenda 55**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 59a (ġdida)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***(59a) Minħabba li l-iskema tal-appoġġ għall-introjtu għandha rwol ewlieni fil-garanzija tal-vijabbiltà ekonomika tal-azjendi agrikoli, ikun xieraq li jitqiesu l-impatti soċjali, li l-PAK għandha biex tipprovdi impjiegi f'żoni rurali. Għal dik ir-raġuni l-Istati Membri jenħtieġ li jqisu wkoll fl-ippjanar tal-Pjanijiet Strateġiċi tagħhom l-impatt tal-impjiegi li stabbiliment ikollu f'qasam speċifiku. Il-miżuri u l-attivitajiet li joħolqu aktar opportunitajiet ta' impjieg għandhom jingħataw prijorità fit-tfassil u fl-implimentazzjoni tal-għodod ta' politika rispettivi.*** |

**Emenda 56**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 60**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (60) Meta jitqies li jenħtieġ li tingħata flessibbiltà lill-Istati Membri fir-rigward tal-għażla tal-parti li tiddelega tal-implimentazzjoni tal-Pjan Strateġiku tal-PAK fil-livell reġjonali ***fuq il-bażi*** ta' ***qafas*** nazzjonali, sabiex tiġi ffaċilitata l-koordinazzjoni fost ir-reġjuni fl-indirizzar ta' sfidi man-nazzjon kollu, huwa xieraq li l-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK jipprovdu deskrizzjoni tal-interazzjoni bejn l-interventi nazzjonali u reġjonali. | (60) Meta jitqies li jenħtieġ li tingħata flessibbiltà lill-Istati Membri fir-rigward tal-għażla tal-parti li tiddelega ***tad-disinn u*** tal-implimentazzjoni tal-Pjan Strateġiku tal-PAK fil-livell reġjonali ***permezz tal-programmi*** ta' ***intervent tal-Iżvilupp Rurali skont il-qafas*** nazzjonali, sabiex tiġi ffaċilitata l-koordinazzjoni fost ir-reġjuni fl-indirizzar ta' sfidi man-nazzjon kollu, huwa xieraq li l-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK jipprovdu deskrizzjoni tal-interazzjoni bejn l-interventi nazzjonali u reġjonali. |

**Emenda 57**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 69**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (69) Jenħtieġ li jkun hemm Awtorità ta' Ġestjoni responsabbli għall-ġestjoni u għall-implimentazzjoni ta' kull Pjan Strateġiku tal-PAK. Il-kompiti ***tagħha*** jenħtieġ li jkunu speċifikati f'dan ir-Regolament. Jenħtieġ li ***l-Awtorità*** ta' Ġestjoni ***tkun tista' tiddelega*** parti mill-kompiti ***tagħha*** filwaqt li ***żżomm ir-responsabbiltà*** għall-effiċjenza u l-korrettezza tal-ġestjoni. Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li fil-Ġestjoni u l-Implimentazzjoni tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK, jiġu protetti l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, skont ir-[Regolament, (UE, Euratom) X] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [ir-Regolament Finanzjarju l-ġdid] u r-Regolament (UE) X tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [ir-Regolament Orizzontali l-ġdid]. | (69) Jenħtieġ li jkun hemm Awtorità ta' Ġestjoni responsabbli għall-ġestjoni u għall-implimentazzjoni ta' kull Pjan Strateġiku tal-PAK. ***Madankollu, fil-każ tar-reġjonalizzazzjoni tal-elementi relatati mal-politika tal-Iżvilupp Rurali, l-Istati Membri jenħtieġ li jkunu jistgħu jistabbilixxu awtoritajiet ta' ġestjoni reġjonali.*** Il-kompiti ***tagħhom*** jenħtieġ li jkunu speċifikati f'dan ir-Regolament. Jenħtieġ li ***l-Awtoritajiet*** ta' Ġestjoni ***jkunu jistgħu jiddelegaw*** parti mill-kompiti ***tagħhom*** filwaqt li ***jżommu r-responsabbiltà*** għall-effiċjenza u l-korrettezza tal-ġestjoni. Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li fil-Ġestjoni u l-Implimentazzjoni tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK, jiġu protetti l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, skont ir-[Regolament, (UE, Euratom) X] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [ir-Regolament Finanzjarju l-ġdid] |

| | |
|---|---|
| | u r-Regolament (UE) X tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [ir-Regolament Orizzontali l-ġdid]. |

**Emenda 58**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 70**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (70) Skont il-prinċipju tal-ġestjoni konġunta, il-Kummissjoni hija assistita mill-kumitati ffurmati mir-rappreżentanti tal-Istati Membri fl-implimentazzjoni tal-PAK. Biex tiġi simplifikata s-sistema u l-pożizzjoni tal-Istati Membri, Kumitat ta' Ġestjoni wieħed huwa stabbilit għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, li jgħaqqad il-Kumitat għall-"Iżvilupp Rurali" mal-Kumitat għall-"Pagamenti Diretti", li kienu ġew stabbiliti fil-perjodu tal-ipprogrammar 2014-2020. Ir-responsabbiltà tal-assistenza lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK hija maqsuma bejn l-Awtorità ta' Ġestjoni u l-Kumitat ta' Monitoraġġ tagħha. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tkun assistita wkoll mill-Kumitat tal-"Politika Agrikola Komuni", skont id-dispożizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament. | (70) Skont il-prinċipju tal-ġestjoni konġunta, il-Kummissjoni hija assistita mill-kumitati ffurmati mir-rappreżentanti tal-Istati Membri fl-implimentazzjoni tal-PAK. Biex tiġi simplifikata s-sistema u l-pożizzjoni tal-Istati Membri, Kumitat ta' Ġestjoni wieħed huwa stabbilit għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, li jgħaqqad il-Kumitat għall-"Iżvilupp Rurali" mal-Kumitat għall-"Pagamenti Diretti", li kienu ġew stabbiliti fil-perjodu tal-ipprogrammar 2014-2020. Ir-responsabbiltà tal-assistenza lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK hija maqsuma bejn l-Awtorità ta' Ġestjoni u l-Kumitat ta' Monitoraġġ tagħha. ***Madankollu, fil-każ tar-reġjonalizzazzjoni tal-elementi relatati mal-politika tal-iżvilupp rurali, l-Istati Membri jenħtieġ li jkunu jistgħu jistabbilixxu kumitati ta' monitoraġġ reġjonali.*** Jenħtieġ li l-Kummissjoni tkun assistita wkoll mill-Kumitat tal-"Politika Agrikola Komuni", skont id-dispożizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament. |

**Emenda 59**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 71**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (71) Jenħtieġ li l-FAEŻR, permezz ta' assistenza teknika u fuq l-inizjattiva tal- | (71) Jenħtieġ li l-FAEŻR, permezz ta' assistenza teknika u fuq l-inizjattiva tal- |

| | |
|---|---|
| Kummissjoni, jappoġġa l-azzjonijiet relatati mat-twettiq tal-kompiti msemmija fl-[Artikolu 7 tar-Regolament Orizzontali]. Tista' tiġi pprovduta wkoll assistenza teknika, fuq l-inizjattiva tal-Istati Membri, biex jitlestew il-kompiti meħtieġa għall-amministrazzjoni u l-implimentazzjoni effettivi tal-appoġġ fir-rigward tal-Pjan Strateġiku tal-PAK. Żieda tal-assistenza teknika fuq l-inizjattiva tal-Istati Membri hija disponibbli biss ***għal*** Malta. | Kummissjoni, jappoġġa l-azzjonijiet relatati mat-twettiq tal-kompiti msemmija fl-[Artikolu 7 tar-Regolament Orizzontali]. Tista' tiġi pprovduta wkoll assistenza teknika, fuq l-inizjattiva tal-Istati Membri, biex jitlestew il-kompiti meħtieġa għall-amministrazzjoni u l-implimentazzjoni effettivi tal-appoġġ fir-rigward tal-Pjan Strateġiku tal-PAK. Żieda tal-assistenza teknika fuq l-inizjattiva tal-Istati Membri hija disponibbli biss ***għal-Lussemburgu u*** Malta. |

**Emenda 60**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 74**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (74) L-orjentazzjoni lejn ir-riżultati li jġib miegħu l-mudell ta' implimentazzjoni teħtieġ qafas ta' prestazzjoni b'saħħtu, b'mod partikolari minħabba li l-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK jikkontribwixxu għal objettivi ġenerali wiesgħa għal politiki oħrajn ġestiti b'mod konġunt. Politika bbażata fuq il-prestazzjoni timplika ***valutazzjoni annwali u pluriennali*** fuq il-bażi ta' outputs magħżulin, indikaturi tar-riżultati u tal-impatti**,** , kif definit fil-qafas għall-monitoraġġ u għall-evalwazzjoni tal-prestazzjoni. Għal dan l-għan, jenħtieġ li jingħażel sett limitat u mmirat ta' indikaturi b'mod li jirrifletti kemm jista' jkun jekk l-intervent appoġġat jikkontribwixxix għall-kisba tal-objettivi ppjanati. L-indikaturi tar-riżultati u tal-output li jirrigwardaw l-objettivi relatati mal-klima u mal-ambjent jistgħu jinkludu interventi stabbiliti fi strumenti nazzjonali għall-ippjanar ambjentali u klimatiku li jirriżultaw mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni. | (74) L-orjentazzjoni lejn ir-riżultati li jġib miegħu l-mudell ta' implimentazzjoni teħtieġ qafas ta' prestazzjoni b'saħħtu, b'mod partikolari minħabba li l-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK jikkontribwixxu għal objettivi ġenerali wiesgħa għal politiki oħrajn ġestiti b'mod konġunt. Politika bbażata fuq il-prestazzjoni timplika ***valutazzjonijiet*** fuq il-bażi ta' outputs magħżulin, indikaturi tar-riżultati u tal-impatti, kif definit fil-qafas għall-monitoraġġ u għall-evalwazzjoni tal-prestazzjoni. Għal dan l-għan, jenħtieġ li jingħażel sett limitat u mmirat ta' indikaturi b'mod li jirrifletti kemm jista' jkun jekk l-intervent appoġġat jikkontribwixxix għall-kisba tal-objettivi ppjanati. L-indikaturi tar-riżultati u tal-output li jirrigwardaw l-objettivi relatati mal-klima u mal-ambjent jistgħu jinkludu interventi stabbiliti fi strumenti nazzjonali għall-ippjanar ambjentali u klimatiku li jirriżultaw mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni. |

**Emenda 61**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 75**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (75) Bħala parti mill-qafas ta' monitoraġġ u ta' evalwazzjoni tal-prestazzjoni, jenħtieġ li l-Istati Membri jimmonitorjaw u jirrappurtaw il-progress li sar ***lill-Kummissjoni kull sena***. L-informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri hija l-bażi li fuqha jenħtieġ li l-Kummissjoni tirrapporta dwar il-progress lejn il-kisba tal-objettivi speċifiċi fil-perjodu tal-ipprogrammar kollu bl-użu ta' sett ewlieni ta' indikaturi għal dan l-iskop. | (75) Bħala parti mill-qafas ta' monitoraġġ u ta' evalwazzjoni tal-prestazzjoni, jenħtieġ li l-Istati Membri jimmonitorjaw u jirrappurtaw il-progress li sar. L-informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri hija l-bażi li fuqha jenħtieġ li l-Kummissjoni tirrapporta dwar il-progress lejn il-kisba tal-objettivi speċifiċi fil-perjodu tal-ipprogrammar kollu bl-użu ta' sett ewlieni ta' indikaturi għal dan l-iskop. |

**Emenda 62**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 76**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (76) Jenħtieġ li jkun hemm mekkaniżmi fis-seħħ sabiex jiġu protetti l-interessi finanzjarji tal-Unjoni f'każ li l-implimentazzjoni tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tiddevja b'mod sinifikanti mill-miri stabbiliti. Għalhekk jista' jkun li l-Istati Membri jintalbu biex jissottomettu pjanijiet ta' azzjoni fil-każ ta' prestazzjoni insuffiċjenti sinifikanti u mhux ġustifikata. Dan jista' jwassal għal sospensjonijiet u, fl-aħħar, tnaqqis tal-fondi tal-Unjoni jekk ir-riżultati ppjanati ma jinkisbux. ***Barra minn hekk, bonus ta' prestazzjoni ġenerali huwa stabbilit bħala parti mill-mekkaniżmu ta' inċentivi bbażat fuq l-allokazzjoni tal-bonus ta' prestazzjoni, bil-ħsieb li jitħeġġu prestazzjonijiet ambjentali u klimatiċi tajbin.*** | (76) Jenħtieġ li jkun hemm mekkaniżmi fis-seħħ sabiex jiġu protetti l-interessi finanzjarji tal-Unjoni f'każ li l-implimentazzjoni tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tiddevja b'mod sinifikanti mill-miri stabbiliti. Għalhekk jista' jkun li l-Istati Membri jintalbu biex jissottomettu pjanijiet ta' azzjoni fil-każ ta' prestazzjoni insuffiċjenti sinifikanti u mhux ġustifikata. Dan jista' jwassal għal sospensjonijiet u, fl-aħħar, tnaqqis tal-fondi tal-Unjoni jekk ir-riżultati ppjanati ma jinkisbux. |

**Emenda 63**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 80a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(80a) Ftehimiet kummerċjali ffirmati ma' pajjiżi terzi marbutin mas-settur agrikolu jenħtieġ li jipprevedu arranġamenti u jkun fihom klawżoli ta' salvagwardja biex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi bejn il-bdiewa fl-Unjoni u dawk mhux fl-Unjoni u jiġu protetti l-konsumaturi.*** |

**Emenda 64**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 81**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (81) Id-data personali miġbura għall-iskopijiet tal-applikazzjoni ta' kwalunkwe dispożizzjoni ***stabbilit*** f'dan ir-Regolament jenħtieġ li tiġi pproċessata b'mod li huwa kompatibbli ma' dawk l-iskopijiet. Jenħtieġ li din tkun anonima, tiġi aggregata meta tiġi pproċessata għall-iskopijiet ta' monitoraġġ jew evalwazzjoni, u tiġi protetta skont id-dritt tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tal-individwi fir-rigward tal-ipproċessar tad-data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, b'mod partikolari r-Regolament (KE) ***Nru 45/2001*** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[19] u r-Regolament (UE) Nru 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[20]. Is-suġġetti tad-data jenħtieġ li jiġu infurmati dwar tali pproċessar u dwar id-drittijiet tagħhom fir-rigward tal-protezzjoni tad-data. | (81) Id-data personali miġbura għall-iskopijiet tal-applikazzjoni ta' kwalunkwe dispożizzjoni ***stabbilita*** f'dan ir-Regolament jenħtieġ li tiġi pproċessata b'mod li huwa kompatibbli ma' dawk l-iskopijiet. Jenħtieġ li din tkun anonima, tiġi aggregata meta tiġi pproċessata għall-iskopijiet ta' monitoraġġ jew evalwazzjoni, u tiġi protetta skont id-dritt tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tal-individwi fir-rigward tal-ipproċessar tad-data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, b'mod partikolari r-Regolament (KE) ***Nru 2018/1725*** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[19] u r-Regolament (UE) Nru 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[20]. Is-suġġetti tad-data jenħtieġ li jiġu infurmati dwar tali pproċessar u dwar id-drittijiet tagħhom fir-rigward tal-protezzjoni tad-data. |
| [19] Ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni tal-individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu ta' | [19] Ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni tal-individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu ta' |

dik id-data (ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1).

[20] Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1-88).

dik id-data (ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1).

[20] Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1-88).

**Emenda 65**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 83**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| (83) Sabiex tiġi garantita ċertezza legali, jiġu protetti d-drittijiet tal-bdiewa u jiġi garantit funzjonament bla xkiel, koerenti u effiċjenti tat-tipi ta' interventi fil-forma ta' pagamenti diretti, jenħtieġ li s-setgħa li jiġu adottati ċerti atti tiġi delegata lill-Kummissjoni fir-rigward tar-regoli li jagħmlu l-għoti ta' pagamenti soġġett għall-użu ta' żerriegħa ċertifikata ta' ċerti varjetajiet ta' qanneb u l-proċedura għad-determinazzjoni tal-varjetajiet ta' qanneb u l-verifika tal-kontenut ta' tetraidrokannabinol tagħhom; ir-regoli għall-kundizzjoni agrikola u ambjentali tajba u ċerti elementi relatati fir-rigward tar-rekwiżiti ta' eliġibbiltà; ***u l-kontenut tad-dikjarazzjoni u r-rekwiżiti għall-attivazzjoni tal-intitolamenti għall-pagament; aktar regoli dwar l-ekoskemi;*** il-miżuri biex jiġi evitat li l-benefiċjarji tal-appoġġ akkoppjat għall-introjtu li jbatu minn żbilanċi strutturali tas-suq f'settur, inkluż id-deċiżjoni li t-tali appoġġ jista' jkompli jitħallas sal-2027 fuq il-bażi tal-unitajiet ta' produzzjoni li għalihom ingħata f'perjodu referenzjarju fl-imgħoddi; ir-regoli u l-kundizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni tal-art u tal-varjetajiet għall-iskopijiet tal-pagament speċifiku | (83) Sabiex tiġi garantita ċertezza legali, jiġu protetti d-drittijiet tal-bdiewa u jiġi garantit funzjonament bla xkiel, koerenti u effiċjenti tat-tipi ta' interventi fil-forma ta' pagamenti diretti, jenħtieġ li s-setgħa li jiġu adottati ċerti atti tiġi delegata lill-Kummissjoni fir-rigward tar-regoli li jagħmlu l-għoti ta' pagamenti soġġett għall-użu ta' żerriegħa ċertifikata ta' ċerti varjetajiet ta' qanneb u l-proċedura għad-determinazzjoni tal-varjetajiet ta' qanneb u l-verifika tal-kontenut ta' tetraidrokannabinol tagħhom; ir-regoli għall-kundizzjoni agrikola u ambjentali tajba u ċerti elementi relatati fir-rigward tar-rekwiżiti ta' eliġibbiltà***, l-istabbiliment ta' kriterji għad-determinazzjoni ta' miżuri ekwivalenti u r-rekwiżiti xierqa applikabbli għall-iskemi ta' ċertifikazzjoni nazzjonali jew reġjonali***; ***L-istabbiliment ta' katalogu ta' eżempji ta' prattiki agrikoli li huma ta' benefiċċju għall-klima, għall-ambjent u għall-benessri tal-annimali.*** il-miżuri biex jiġi evitat li l-benefiċjarji tal-appoġġ akkoppjat għall-introjtu li jbatu minn żbilanċi strutturali tas-suq f'settur, inkluż id-deċiżjoni li t-tali appoġġ jista' jkompli jitħallas sal-2027 fuq il-bażi tal-unitajiet ta' produzzjoni li |

| | |
|---|---|
| għall-għelejjel għall-qoton u r-regoli għall-għoti ta' dak il-pagament. | għalihom ingħata f'perjodu referenzjarju fl-imgħoddi; ir-regoli u l-kundizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni tal-art u tal-varjetajiet għall-iskopijiet tal-pagament speċifiku għall-għelejjel għall-qoton u r-regoli għall-għoti ta' dak il-pagament. |

**Emenda 66**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 84**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (84) Sabiex jiġi żgurat li t-tipi ta' interventi settorjali jikkontribwixxu għall-objettivi tal-PAK u jsaħħu s-sinerġiji ma' strumenti oħra tal-PAK u sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi fis-suq intern u tiġi evitata kompetizzjoni mhux ugwali jew inġusta, jenħtieġ li s-setgħa li jiġu adottati ċerti atti tiġi delegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-kriterji għall-approvazzjoni tal-organizzazzjonijiet interprofessjonali u r-regoli li jirregolaw is-sitwazzjoni fejn l-organizzazzjoni interprofessjonali approvata ma' tissodisfax it-tali kriterji u obbligi għall-produtturi; ir-regoli għall-funzjonament tajjeb tat-tipi ta' interventi settorjali, il-bażi tal-kalkolu tal-assistenza finanzjarja mill-Unjoni, inkluż il-perjodi referenzjarji u l-kalkolu tal-valur tal-produzzjoni kummerċjalizzata, u l-livell massimu tal-assistenza finanzjarja mill-Unjoni għall-irtirar mis-suq; ir-regoli għall-istabbiliment ta' limitu massimu għan-nefqa fuq it-tħawwil mill-ġdid tal-vinji; ***u r-regoli*** li permezz tagħhom il-produtturi jkollhom jirtiraw il-prodotti sekondarji tal-produzzjoni tal-inbid, u dwar l-eċċezzjonijiet għal dak l-obbligu sabiex ikun evitat piż amministrattiv addizzjonali, u r-regoli għaċ-ċertifikazzjoni volontarja tad-distillaturi. b'mod partikolari, sabiex jiġi żgurat l-użu effettiv u effiċjenti tal-fondi ***tla-Unjoni*** għall-interventi fis-settur tal-apikultura, jenħtieġ li s-setgħa li jiġu adottati ċerti atti tiġi delegata lill- | (84) Sabiex jiġi żgurat li t-tipi ta' interventi settorjali jikkontribwixxu għall-objettivi tal-PAK u jsaħħu s-sinerġiji ma' strumenti oħra tal-PAK u sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi fis-suq intern u tiġi evitata kompetizzjoni mhux ugwali jew inġusta, jenħtieġ li s-setgħa li jiġu adottati ċerti atti tiġi delegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-kriterji għall-approvazzjoni tal-organizzazzjonijiet interprofessjonali u r-regoli li jirregolaw is-sitwazzjoni fejn l-organizzazzjoni interprofessjonali approvata ma' tissodisfax it-tali kriterji u obbligi għall-produtturi; ir-regoli għall-funzjonament tajjeb tat-tipi ta' interventi settorjali, il-bażi tal-kalkolu tal-assistenza finanzjarja mill-Unjoni, inkluż il-perjodi referenzjarji u l-kalkolu tal-valur tal-produzzjoni kummerċjalizzata, u l-livell massimu tal-assistenza finanzjarja mill-Unjoni għall-irtirar mis-suq; ir-regoli għall-istabbiliment ta' limitu massimu għan-nefqa fuq it-tħawwil mill-ġdid tal-vinji; ***ir-regoli*** li permezz tagħhom il-produtturi jkollhom jirtiraw il-prodotti sekondarji tal-produzzjoni tal-inbid, u dwar l-eċċezzjonijiet għal dak l-obbligu sabiex ikun evitat piż amministrattiv addizzjonali, u r-regoli għaċ-ċertifikazzjoni volontarja tad-distillaturi ***u r-regoli relatati mal-qafas ta' prestazzjoni, monitoraġġ u evalwazzjoni. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati dwar derogi temporanji dwar regoli ta'*** |

Kummissjoni fir-rigward ta' rekwiżiti addizzjonali dwar l-obbligu ta' notifika u l-istabbiliment ta' kontribut minimu tal-Unjoni għan-nefqa biex jiġu implimentati dawk it-tipi ta' interventi.

***kundizzjonalità matul kundizzjonijiet ħżiena ħafna bħal avvenimenti katastrofiċi jew epidemiji. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tingħata wkoll is-setgħa li tiddetermina prattiċi ekwivalenti għal prattiċi agrikoli u ambjentali u skemi ta' ċertifikazzjoni ambjentali nazzjonali jew reġjonali***. B'mod partikolari, sabiex jiġi żgurat l-użu effettiv u effiċjenti tal-fondi ***tal-Unjoni*** għall-interventi fis-settur tal-apikultura, jenħtieġ li s-setgħa li jiġu adottati ċerti atti tiġi delegata lill-Kummissjoni fir-rigward ta' rekwiżiti addizzjonali dwar l-obbligu ta' notifika u l-istabbiliment ta' kontribut minimu tal-Unjoni għan-nefqa biex jiġu implimentati dawk it-tipi ta' interventi. ***Bil-ħsieb li jitfasslu l-pjanijiet strateġiċi tal-PAK, is-setgħa li jiġu adottati ċerti atti jenħtieġ li tiġi ddelegata lill-Kummissjoni biex tistabbilixxi kodiċi ta' kondotta fl-organizzazzjoni ta' sħubija bejn l-Istat Membru u l-awtoritajiet reġjonali u lokali kompetenti kif ukoll sħab oħra.***

**Emenda 67**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 85**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (85) Sabiex tiġi żgurata ċ-ċertezza legali u biex jiġi garantit li l-interventi għall-iżvilupp rurali jiksbu l-objettivi tagħhom, is-setgħa tal-adozzjoni ta' ċerti atti jenħtieġ li tiġi delegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-appoġġ ***għall-impenji tal-ġestjoni, għall-investimenti u għall-kooperazzjoni***. | (85) Sabiex tiġi żgurata ċ-ċertezza legali u biex jiġi garantit li l-interventi għall-iżvilupp rurali jiksbu l-objettivi tagħhom, is-setgħa tal-adozzjoni ta' ċerti atti jenħtieġ li tiġi delegata lill-Kummissjoni fir-rigward ***taż-żieda tal-ammonti minimi u massimi*** tal-appoġġ ***għal ċerti tipi ta' interventi***. |

**Emenda 68**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 86**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|

| | |
|---|---|
| (86) Sabiex jiġu emendati ċerti elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li s-setgħa li jiġu adottati atti skont l-Artikolu 290 tat-TFUE tiġi delegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-allokazzjonijiet tal-Istati Membri għat-tipi ta' interventi fil-forma ta' pagamenti diretti ***u tar-regoli dwar il-kontenut tal-Pjan Strateġiku tal-PAK***. | (86) Sabiex jiġu emendati ċerti elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li s-setgħa li jiġu adottati atti skont l-Artikolu 290 tat-TFUE tiġi delegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-allokazzjonijiet tal-Istati Membri għat-tipi ta' interventi fil-forma ta' pagamenti diretti. |

**Emenda 69**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 87**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (87) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament u biex tiġi evitata kompetizzjoni inġusta jew diskriminazzjoni bejn il-bdiewa, jenħtieġ li s-setgħat ta' implimentazzjoni jiġu delegati lill-Kummissjoni rigward l-iffissar ta' żoni ta' referenza għall-appoġġ għaż-żerriegħa taż-żejt, ir-regoli għall-awtorizzazzjoni tal-art u l-varjetajiet għall-finijiet tal-pagament speċifiku għall-għelejjel għall-qoton u n-notifiki relatati, il-kalkolu tat-tnaqqis meta l-erja eliġibbli tal-qoton taqbeż l-erja bażi, l-assistenza finanzjarja mill-Unjoni għad-distillazzjoni tal-prodotti sekondarji tal-produzzjoni tal-inbid, it-tqassim annwali għal kull Stat Membru tal-ammont totali tal-appoġġ tal-Unjoni għat-tipi ta' interventi għall-iżvilupp rurali, ***ir-regoli dwar il-preżentazzjoni tal-elementi li jridu jiġu inklużi fil-Pjan Strateġiku*** tal-PAK, ir-regoli dwar il-proċedura u l-limiti ta' żmien għall-approvazzjoni tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK u l-preżentazzjoni u l-approvazzjoni tar-rekwiżiti għall-emenda tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK, il-kundizzjonijiet uniformi għall-applikazzjoni tar-rekwiżiti dwar l-informazzjoni u r-reklamar relatati mal-possibbiltajiet offruti mill-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK, ir-regoli ***relatati mal-*** | (87) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament u biex tiġi evitata kompetizzjoni inġusta jew diskriminazzjoni bejn il-bdiewa, jenħtieġ li s-setgħat ta' implimentazzjoni jiġu delegati lill-Kummissjoni rigward l-iffissar ta' żoni ta' referenza għall-appoġġ għaż-żerriegħa taż-żejt, ir-regoli għall-awtorizzazzjoni tal-art u l-varjetajiet għall-finijiet tal-pagament speċifiku għall-għelejjel għall-qoton u n-notifiki relatati, il-kalkolu tat-tnaqqis meta l-erja eliġibbli tal-qoton taqbeż l-erja bażi, l-assistenza finanzjarja mill-Unjoni għad-distillazzjoni tal-prodotti sekondarji tal-produzzjoni tal-inbid, it-tqassim annwali għal kull Stat Membru tal-ammont totali tal-appoġġ tal-Unjoni għat-tipi ta' interventi għall-iżvilupp rurali, ***il-forma standardizzata tal-pjanijiet strateġiċi*** tal-PAK, ir-regoli dwar il-proċedura u l-limiti ta' żmien għall-approvazzjoni tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK u l-preżentazzjoni u l-approvazzjoni tar-rekwiżiti għall-emenda tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK, il-kundizzjonijiet uniformi għall-applikazzjoni tar-rekwiżiti dwar l-informazzjoni u r-reklamar relatati mal-possibbiltajiet offruti mill-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK, ir-regoli għall-preżentazzjoni tal-kontenut tar-rapport |

***qafas ta' monitoraġġ u ta' evalwazzjoni tal-prestazzjoni, ir-regoli*** għall-preżentazzjoni tal-kontenut tar-rapport annwali dwar il-prestazzjoni***, ir-regoli dwar l-informazzjoni li trid tinbagħat lill-Istati Membri għall-valutazzjoni tal-prestazzjoni mill-Kummissjoni u r-regoli dwar il-ħtiġijiet tad-data u s-sinerġiji bejn is-sorsi potenzjali tad-data, u l-arranġamenti li jiżguraw approċċ konsistenti għad-detereminazzjoni tal-attribuzzjoni tal-bonus ta' prestazzjoni lill-Istati Membri***. Dawk is-setgħat jenħtieġ li jiġu eżerċitati b'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.[22] .

[22] Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

annwali dwar il-prestazzjoni. Dawk is-setgħat jenħtieġ li jiġu eżerċitati b'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [22].

[22] Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13)

**Emenda 70**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 92a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(92a) Ir-reġjuni insulari tal-Unjoni jiffaċċjaw diffikultajiet speċifiċi fit-twettiq tal-attivitajiet agrikoli u l-iżvilupp taż-żoni rurali. Jenħtieġ li titwettaq valutazzjoni tal-impatt tal-PAK f'dawk ir-reġjuni u jenħtieġ li tiġi esplorata l-idea li l-miżuri stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 229/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill jiġu estiżi għar-reġjuni insulari kollha tal-Unjoni.*** |

**Emenda 71**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 93**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (93) Sabiex jiġu żgurati ċ-ċertezza legali u l-kontinwità, id-dispożizzjonijiet speċjali għall-Kroazja dwar l-introduzzjoni gradwali tal-pagamenti diretti u l-pagamenti diretti nazzjonali komplementari fil-qafas tal-mekkaniżmu ta' introduzzjoni gradwali jenħtieġ li jkomplu japplikaw ***sal-1 ta' Jannar 2021***. | (93) Sabiex jiġu żgurati ċ-ċertezza legali u l-kontinwità, id-dispożizzjonijiet speċjali għall-Kroazja dwar l-introduzzjoni gradwali tal-pagamenti diretti u l-pagamenti diretti nazzjonali komplementari fil-qafas tal-mekkaniżmu ta' introduzzjoni gradwali jenħtieġ li jkomplu japplikaw***. Il-Kroazja se tkun intitolata għal ammont skont it-Trattat tal-Adeżjoni fl-2022, inkluż pakkett addizzjonali għar-riżerva nazzjonali għat-tneħħija tal-mini f'art fil-Kroazja, u dak id-dritt jenħtieġ li jkun inkluż fil-kalkolu tal-pakkett nazzjonali għall-2022***. |

**Emenda 72**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) it-tipi ta' interventi u r-rekwiżiti komuni biex l-Istati Membri jsegwu dawn l-objettivi kif ukoll l-arranġamenti finanzjarji relatati; | (b) it-tipi ta' interventi u r-rekwiżiti komuni biex l-Istati Membri jsegwu dawn l-objettivi ***billi jiżguraw kundizzjonijiet ekwi*** kif ukoll l-arranġamenti finanzjarji relatati; |

**Emenda 73**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK li jridu jitfasslu mill-Istati membri, l-istabbiliment tal-miri, id-definizzjoni tal-interventi u l-allokazzjoni tar-riżorsi finanzjarji, f'konformità mal-objettivi | (c) il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK li jridu jitfasslu mill-Istati Membri, ***u, fejn xieraq, f'kollaborazzjoni mar-reġjuni tagħhom,*** l-istabbiliment tal-miri, id-definizzjoni tal-interventi u l-allokazzjoni |

speċifiċi u l-ħtiġijiet identifikati;

tar-riżorsi finanzjarji, f'konformità mal-objettivi speċifiċi u l-ħtiġijiet identifikati ***u b'mod konformi mas-suq intern tal-Unjoni***;

**Emenda 74**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Dan ir-Regolament japplika għall-appoġġ tal-Unjoni ffinanzjat mill-FAEG u mill-FAEŻR għall-interventi speċifikati fi Pjan Strateġiku tal-PAK imfassal mill-Istati Membri u approvat mill-Kummissjoni, li jkopri l-perjodu mill-1 ta' Jannar ***2021 sal-31 ta' Diċembru 2027***. | 2. Dan ir-Regolament japplika għall-appoġġ tal-Unjoni ffinanzjat mill-FAEG u mill-FAEŻR għall-interventi speċifikati fi Pjan Strateġiku tal-PAK imfassal mill-Istati Membri u approvat mill-Kummissjoni, li jkopri l-perjodu mill-1 ta' Jannar ***2022***. |

**Emenda 75**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Il-Kapitolu III tat-Titolu II, il-Kapitolu II tat-Titolu III u l-Artikoli 41 u 43 tar-Regolament (UE) [ir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[26] għandhom japplikaw għall-appoġġ iffinanzjat mill-FAEŻR skont dan ir-Regolament. | 2. ***Sabiex tiġi żgurata koerenza bejn il-fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (FSIE) u l-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK,*** il-Kapitolu III tat-Titolu II, il-Kapitolu II tat-Titolu III u l-Artikoli 41 u 43 tar-Regolament (UE) [ir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[26] għandhom japplikaw għall-appoġġ iffinanzjat mill-FAEŻR skont dan ir-Regolament. |
| [26] Ir-Regolament (UE) […/…] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' [data] [titolu sħiħ] (ĠU L ). | [26] Ir-Regolament (UE) […/…] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' [data] [titolu sħiħ] (ĠU L ). |

**Emenda 76**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) "bidwi" tfisser persuna fiżika jew ġuridika, jew grupp ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi, ikun xi jkun l-istatus ġuridiku mogħti lil tali grupp u l-membri tiegħu bil-liġi nazzjonali, li l-azjenda tagħha/tagħhom tkun fil-kamp ta' applikazzjoni territorjali tat-Trattati, kif definit fl-Artikolu 52 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) flimkien mal-Artikoli 349 u 355 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), u li teżerċita/jeżerċitaw attività agrikola kif definita mill-Istati Membri; | (a) "bidwi" tfisser persuna fiżika jew ġuridika, jew grupp ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi, ikun xi jkun l-istatus ġuridiku mogħti lil tali grupp u l-membri tiegħu bil-liġi nazzjonali, li l-azjenda tagħha/tagħhom tkun fil-kamp ta' applikazzjoni territorjali tat-Trattati, kif definit fl-Artikolu 52 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) flimkien mal-Artikoli 349 u 355 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), u li teżerċita/jeżerċitaw attività agrikola ***fis-sens ta' prattika agrikola tajba*** kif definita mill-Istati Membri; |

**Emenda 77**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ba) "Beni pubbliċi" tfisser prodotti jew servizzi li mhumiex remunerati mis-suq u jagħtu riżultati ambjentali u soċjetali superjuri minn dak li tipprevedi l-leġiżlazzjoni statutorja ambjentali, klimatika u tal-benessri tal-annimali.*** |

**Emenda 78**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt bb (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(bb) "Beni pubbliċi Ewropej" tfisser beni jew servizzi pubbliċi li jistgħu jiġu pprovduti biss b'mod effettiv fil-livell tal-Unjoni permezz ta' intervent biex tiġi żgurata l-koordinazzjoni bejn l-Istati*** |

| | |
|---|---|
| | ***Membri u kundizzjonijiet ekwi fis-suq agrikolu tal-Unjoni. Il-beni pubbliċi Ewropej jinkludu b'mod partikolari l-konservazzjoni tal-ilma, il-protezzjoni tal-bijodiversità, il-protezzjoni tal-fertilità tal-ħamrija, il-protezzjoni tad-dakkara, u l-benessri tal-annimali;*** |

**Emenda 79**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt e**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (e) "fond mutwu" tfisser skema akkreditata mill-Istat Membru skont il-liġi nazzjonali tiegħu għall-bdiewa affiljati biex ***jassiguraw lilhom infushom, fejn il-pagamenti kumpensatorji jsiru lill-bdiewa affiljati li jesperjenzaw*** telf ekonomiku. | (e) "fond mutwu" tfisser skema akkreditata mill-Istat Membru skont il-liġi nazzjonali tiegħu għall-bdiewa affiljati biex ***jissalvagwardjaw kontra r-riskji u biex jirċievu pagamenti ta' kumpens fil-każ ta'*** telf ekonomiku ***jew tnaqqis fl-introjtu***. |

**Emenda 80**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt f – punt i**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (i) proġett, kuntratt, azzjoni jew grupp ta' proġetti magħżula ***fil-programmi kkonċernati***; | (i) proġett, kuntratt, azzjoni jew grupp ta' proġetti magħżula ***fil-pjan strateġiku kkonċernat***; |

**Emenda 81**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt f – punt ii**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (ii) fil-kuntest tal-istrumenti finanzjarji, kontribuzzjoni ***tal-programm*** għal strument finanzjarju u l-appoġġ finanzjarju sussegwenti provdut lir-riċevituri finali | (ii) fil-kuntest tal-istrumenti finanzjarji, kontribuzzjoni ***tal-pjan strateġiku*** għal strument finanzjarju u l-appoġġ finanzjarju sussegwenti provdut lir-riċevituri finali |

| | |
|---|---|
| permezz ta' dak l-istrument finanzjarju; | permezz ta' dak l-istrument finanzjarju; |

**Emenda 82**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt h – punt i**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (i) korp irregolat bil-liġi pubblika jew privata, entità li għandha personalità ġuridika ***jew*** li ma għandhiex jew persuna fiżika, responsabbli għall-bidu tal-operazzjonijiet jew għall-bidu u l-implimentazzjoni tal-operazzjonijiet; | (i) korp irregolat bil-liġi pubblika jew privata, entità li għandha personalità ġuridika***,*** li ma għandhiex jew persuna fiżika ***jew grupp ta' persuni fiżiċi jew ġuridiki***, responsabbli għall-bidu tal-operazzjonijiet jew għall-bidu u l-implimentazzjoni tal-operazzjonijiet; |

**Emenda 83**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt h – punt ii**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (ii) fil-kuntest tal-iskemi tal-għajnuna mill-Istat, ***il-korp*** li ***jirċievi*** l-għajnuna; | (ii) fil-kuntest tal-iskemi tal-għajnuna mill-Istat, ***l-entità*** li ***tirċievi*** l-għajnuna; |

**Emenda 84**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt i**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (i) "miri" tfisser valuri miftiehma minn qabel li jridu jinkisbu ***fi*** tmiem il-perjodu ***b'rabta*** mal-indikaturi tar-riżultati inklużi f'objettiv speċifiku; | (i) "miri" tfisser valuri miftiehma minn qabel li jridu jinkisbu ***sa*** tmiem il-perjodu ***tal-Pjan Strateġiku tal-PAK b'rabta*** mal-indikaturi tar-riżultati inklużi f'objettiv speċifiku; |

**Emenda 85**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt j**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (j) "stadji importanti" tfisser miri intermedji li jridu jinkisbu f'mument speċifiku matul il-perjodu tal-Pjan Strateġiku tal-PAK b'rabta ***mal-indikaturi*** inklużi f'objettiv speċifiku. | (j) "stadji importanti" tfisser miri intermedji li jridu jinkisbu ***minn Stat Membru*** f'mument speċifiku matul il-perjodu tal-Pjan Strateġiku tal-PAK ***sabiex jiġi żgurat progress f'waqtu*** b'rabta ***mar-riżultati tal-indikaturi*** inklużi f'objettiv speċifiku. |

**Emenda 86**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 1 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Fil-Pjan Strateġiku tal-PAK tagħhom l-Istati Membri għandhom jipprovdu d-definizzjonijiet tal-attività agrikola, iż-żona agrikola, l-ettaru eliġibbli, bidwi ***ġenwin*** u bidwi żagħżugħ: | 1. Fil-Pjan Strateġiku tal-PAK tagħhom l-Istati Membri għandhom jipprovdu d-definizzjonijiet tal-attività agrikola, iż-żona agrikola, l-ettaru eliġibbli, bidwi ***attiv*** u bidwi żagħżugħ ***u bidwi ġdid***: |

**Emenda 87**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt b – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) "żona agrikola" għandha tiġi definita b'mod li tkun magħmula mir-raba' li jinħadem, l-għelejjel permanenti u l-bur permanenti. It-termini "raba' li jinħadem", "għelejjel permanenti" u "bur permanenti" għandhom jiġu speċifikati aktar mill-Istati Membri fil-qafas li ġej: | (b) "żona agrikola" għandha tiġi definita b'mod li tkun magħmula mir-raba' li jinħadem, l-għelejjel permanenti u l-bur permanenti ***u s-sistemi agroforestrali. Il-karatteristiċi tal-pajsaġġ għandhom jiġu inklużi bħala komponenti taż-żona agrikola***. It-termini "raba' li jinħadem", "għelejjel permanenti" u "bur permanenti" ***u "sistemi agroforestali"*** għandhom jiġu speċifikati aktar mill-Istati Membri fil-qafas li ġej: |

**Emenda 88**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt b – punt i**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (i) "raba' li jinħadem" għandha tkun l-art ikkultivata għall-produzzjoni tal-għelejjel jew iż-żoni disponibbli għall-produzzjoni tal-għelejjel iżda li tkun art mistrieħa, u għandha tinkludi ż-żoni mwarrba skont l-Artikoli 22, 23 u 24 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1257/1999[28], l-Artikolu 39 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005[29], l-Artikolu 28 tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013 jew l-Artikolu 65 ta' dan ir-Regolament; | (i) "raba' li jinħadem" għandha tkun l-art ikkultivata għall-produzzjoni tal-għelejjel jew iż-żoni disponibbli għall-produzzjoni tal-għelejjel iżda li tkun art mistrieħa, u ***tista' tinkludi taħlita ta' għelejjel ma' siġar u/jew arbuxelli biex tiġi fformata sistema agroforestali silvikulturali, u*** għandha tinkludi ż-żoni mwarrba skont l-Artikoli 22, 23 u 24 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1257/1999[28], l-Artikolu 39 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005[29], l-Artikolu 28 tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013 jew l-Artikolu 65 ta' dan ir-Regolament; |
| [28] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1257/1999 tas-17 ta' Mejju 1999 dwar is-sostenn għal żvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Gwida u Garanzija (FAEGG) u jemenda u jħassar ċerti Regolamenti (ĠU L 160, 26.6.1999, p. 80). | [28] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1257/1999 tas-17 ta' Mejju 1999 dwar is-sostenn għal żvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Gwida u Garanzija (FAEGG) u jemenda u jħassar ċerti Regolamenti (ĠU L 160, 26.6.1999, p. 80). |
| [29] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005 tal-20 ta' Settembru 2005 dwar appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) (ĠU L 277, 21.10.2005, p. 1). | [29] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005 tal-20 ta' Settembru 2005 dwar appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) (ĠU L 277, 21.10.2005, p. 1). |

**Emenda 89**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt b – punt iii**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (iii) "bur permanenti u mergħa permanenti" (li flimkien jissejħu "bur permanenti") ***għandha tiġi definita bħala art*** li ma ***tkunx*** inkluża fin-newba ***tal-*** | (iii) "bur permanenti u mergħa permanenti" (li flimkien jissejħu "bur permanenti") ***tfisser art li tintuża sabiex jitkabbar il-ħaxix jew foraġġ erbaċew*** |

| | |
|---|---|
| ***azjenda*** għal ***ħames*** snin jew aktar, ***li tintuża biex jitkabbar il-ħaxix jew foraġġ erbaċeju ieħor b'mod naturali (li jinżergħu waħedhom)*** jew ***permezz tal-kultivazzjoni (jinżergħu bl-idejn).*** Tista' tinkludi speċijiet oħra bħal pereżempju l-arbuxelli u/jew is-siġar li jistgħu jintużaw għar-ragħa jew ***għall-produzzjoni tal-għalf*** tal-annimali***;*** | ***ieħor b'mod naturali (li jitla' waħdu) jew permezz ta' kultivazzjoni (li jkun inżera') u*** li ma ***ġietx*** inkluża fin-newba ***tal-uċuħ tar-raba' tal-impriża*** għal ***seba'*** snin jew aktar, ***kif ukoll, fejn l-Istati Membri jiddeċiedu hekk, li ma tkunx inħartet għal ħames snin*** jew ***aktar;*** Tista' tinkludi speċijiet oħra bħal pereżempju l-arbuxelli u/jew is-siġar li jistgħu jintużaw għar-ragħa jew***, fejn l-Istati Membri jiddeċiedu hekk, speċijiet oħra bħal arbuxelli u/jew siġar li jipproduċu għalf*** tal-annimali***, sakemm il-ħaxix u foraġġ erbaċeju ieħor jibqgħu predominanti. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu wkoll li jikkunsidraw dawn li ġejjin bħala merghat permanenti:***<br><br>***(i) art li tista' tintuża għar-ragħa u li tifforma parti minn prattiki lokali stabbiliti fejn il-ħaxix u foraġġ erbaċeju ieħor ma jkunux tradizzjonalment predominanti fiż-żoni tar-ragħa; u/jew***<br><br>***(ii) art li tista' tintuża għar-ragħa fejn il-ħaxix u foraġġ erbaċeju ieħor ma jkunux predominanti jew ma jkunux jeżistu fiż-żoni tar-ragħa;*** |

**Emenda 90**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt b – punt iiia (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(iiia) "sistema agroforestali" tfisser sistemi ta' użu tal-art fejn jitkabbru s-siġar fuq l-istess art fejn jitwettqu l-prattiki agrikoli;*** |

**Emenda 91**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt c – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) għall-iskop tat-tipi ta' interventi fil- | (c) għall-iskop tat-tipi ta' interventi fil- |

| | |
|---|---|
| forma ta' pagamenti diretti, "ettaru eliġibbli" għandha tiġi definita b'mod li tinkludi kull żona agrikola tal-azjenda: | forma ta' pagamenti diretti, "ettaru eliġibbli" għandha tiġi definita b'mod li tinkludi kull żona agrikola tal-azjenda***, inklużi installazzjonijiet teknići temporanji mobbli jew stazzjonarji, b'mod partikolari passaġġi agrikoli interni u ħwat tal-ilma kif ukoll balal tas-silaġġ u żoni mxarrba mill-ġdid użati għall-kultivazzjoni tal-għadajjar***: |

**Emenda 92**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt c – punt i**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (i) li, matul is-sena li għaliha qed jintalab appoġġ, tintuża għal attività agrikola jew, meta ż-żona tintuża wkoll għall-attivitajiet mhux agrikoli, tintuża b'mod predominanti għal attivitajiet agrikoli, u li tkun għad-dispożizzjoni tal-bidwi. Fejn ikun debitament ġustifikat għal raġunijiet ambjentali, l-ettari eliġibbli jistgħu wkoll jinkludu ċerti żoni li jintużaw għall-attivitajiet agrikoli darba kull ***sentejn*** biss. | (i) li, matul is-sena li għaliha qed jintalab appoġġ, tintuża għal attività agrikola jew, meta ż-żona tintuża wkoll għall-attivitajiet mhux agrikoli, tintuża b'mod predominanti għal attivitajiet agrikoli, u li tkun għad-dispożizzjoni tal-bidwi. Fejn ikun debitament ġustifikat għal raġunijiet ambjentali, l-ettari eliġibbli jistgħu wkoll jinkludu ċerti żoni li jintużaw għall-attivitajiet agrikoli darba kull ***tliet snin*** biss. |

**Emenda 93**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt c – subparagrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Iż-żoni użati għall-produzzjoni tal-qanneb għandhom ikunu biss ettari eliġibbli jekk il-varjetajiet użati jkollhom kontenut ta' tetraidrokannabinol ta' mhux aktar minn ***0,2*** %; | Iż-żoni użati għall-produzzjoni tal-qanneb għandhom ikunu biss ettari eliġibbli jekk il-varjetajiet użati jkollhom kontenut ta' tetraidrokannabinol ta' mhux aktar minn ***0,3*** %; |

**Emenda 94**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt d**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (d) "bdiewa ***ġenwini"*** għandha tkun definita ***b'mod*** li jiġi żgurat li l-ebda appoġġ ma jingħata lil dawk li l-attività agrikola tagħhom tifforma parti insinifikanti biss tal-attivitajiet ekonomiċi tagħhom ***jew li l-attività ta' negozju ewlenija tagħhom mhijiex agrikola***, filwaqt li ma jiġux esklużi mill-appoġġ il-bdiewa pluriattivi. Id-definizzjoni għandha ***tippermetti li jiġi determinat liema bdiewa mhumiex ikkunsidrati bdiewa ġenwini fuq il-bażi ta' kundizzjonijiet bħal pereżempju t-testijiet tal-introjtu***, ***l-inputs lavorattivi*** fuq ***l-azjenda agrikola***, ***l-għanijiet tal-kumpanija u/jew l-inklużjoni fir-reġistri***. | (d) "bdiewa ***attivi"*** għandha tkun definita ***mill-Istati Membri b'tali mod*** li jiġi żgurat li l-ebda appoġġ ma jingħata lil dawk li l-attività agrikola tagħhom tifforma parti insinifikanti biss tal-attivitajiet ekonomiċi tagħhom, filwaqt li ma jiġux esklużi mill-appoġġ il-bdiewa pluriattivi. Id-definizzjoni għandha***, fi kwalunkwe każ, tippreżerva l-mudell tal-biedja tal-familja tal-Unjoni b'karattru individwali jew assoċjattiv, irrispettivament mid-daqs tagħha u tista' tqis, jekk meħtieġ***, ***il-partikolaritajiet tar-reġjuni ddefiniti fl-Artikolu 349 tat-TFUE. L-Istati Membri jistgħu jeskludu minn din id-definizzjoni individwi jew kumpaniji li jwettqu l-ipproċessar*** fuq ***skala kbira ta' prodotti agrikoli***, ***bl-eċċezzjoni ta' gruppi ta' bdiewa***. |

**Emenda 95**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt e – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (e) "bidwi żagħżugħ" għandha tiġi definita b'mod li tinkludi: | (e) "bidwi żagħżugħ" għandha tiġi definita b'mod li tinkludi ***limitu fl-età ta' 40 sena u***: |

**Emenda 96**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt e – punt i**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(i) limitu massimu fl-età li ma jistax jaqbeż l-40 sena;*** | ***imħassar*** |

**Emenda 97**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt e – punt iii**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (iii) it-taħriġ xieraq u/jew ħiliet ***rikjesti***. | (iii) it-taħriġ xieraq u/jew ħiliet ***xierqa***. |

**Emenda 98**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt e – subparagrafu 2 (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Meta jevalwaw il-konformità mal-kundizzjonijiet biex wieħed ikun il-kap tal-azjenda, l-Istati Membri għandhom iqisu l-ispeċifiċitajiet ta' arranġamenti ta' sħubija.*** |

**Emenda 99**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt ea (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ea) "bidwi ġdid" għandu jiġi definit b'mod li jinkludi:*** |
| | ***(i) il-kundizzjonijiet biex wieħed ikun "il-kap tal-azjenda";*** |
| | ***(ii) it-taħriġ xieraq u/jew il-ħiliet xierqa;*** |
| | ***(iii) limitu fl-età ta' aktar minn 40 sena.*** |
| | ***"bidwi ġdid" skont din id-definizzjoni m'għandux jiġi rikonoxxut bħala "bidwi żagħżugħ" kif definit fl-Artikolu 4(e).*** |

**Emenda 100**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (2) Il-Kummissjoni għandha s-setgħa tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 138 li jissumplementaw dan ir-Regolament b'regoli li jagħmlu l-għoti ta' pagamenti soġġett għall-użu ta' żrieragħ iċċertifikati ta' ċerti varjetajiet ta' qanneb u l-proċedura għad-determinazzjoni tal-varjetajiet tal-qanneb u l-verifika tal-kontenut ta' tetraidrokannabinol tagħhom imsemmija fil-punt (c) tal-paragrafu 1 biex tiġi ppreservata s-saħħa pubblika. | (2) Il-Kummissjoni għandha s-setgħa tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 138 li jissumplementaw dan ir-Regolament b'regoli li jagħmlu l-għoti ta' pagamenti soġġett għall-użu ta' żrieragħ iċċertifikati ta' ċerti varjetajiet ta' qanneb u l-proċedura għad-determinazzjoni tal-varjetajiet tal-qanneb u l-verifika tal-kontenut ta' tetraidrokannabinol tagħhom imsemmija fil-punt (c) tal-paragrafu 1 ***ta' dan l-Artikolu*** biex tiġi ppreservata s-saħħa pubblika. |

**Emenda 101**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 1 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-appoġġ mill-FAEG u mill-FAEŻR għandu jkollu l-għan li jtejjeb aktar l-iżvilupp sostenibbli tal-biedja, tal-ikel u taż-żoni rurali u għandu jikkontribwixxi biex jintlaħqu l-objettivi ġenerali li ġejjin: | ***Flimkien mal-objettivi tal-PAK stabbiliti fl-Artikolu 39 tat-TFUE,*** l-appoġġ mill-FAEG u mill-FAEŻR għandu jkollu l-għan li jtejjeb aktar l-iżvilupp sostenibbli tal-biedja, tal-ikel u taż-żoni rurali u għandu jikkontribwixxi biex jintlaħqu l-objettivi ġenerali li ġejjin ***fil-qasam ekonomiku, ambjentali u soċjali***: |

**Emenda 102**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) li jitrawwem settur agrikolu ***intelliġenti***, reżiljenti u diversifikat li jiżgura s-sigurtà tal-ikel; | (a) li jitrawwem settur agrikolu ***modern, kompetittiv***, reżiljenti u diversifikat li jiżgura s-sigurtà tal-ikel ***fit-tul filwaqt li jissalvagwardja l-mudell tal-azjenda agrikola tal-familja***; |

**Emenda 103**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) li ***jissaħħu*** l-ħarsien ambjentali u l-azzjoni klimatika u jingħata kontribut lill-objettivi tal-Unjoni relatati mal-ambjent u mal-klima; | (b) li ***jiġu appoġġati u mtejba*** l-ħarsien ambjentali***, il-bijodiversità*** u l-azzjoni klimatika u jingħata kontribut lill-objettivi tal-Unjoni relatati mal-ambjent u mal-klima; |

**Emenda 104**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) li tissaħħaħ in-nisġa soċjoekonomika taż-żoni rurali. | (c) li tissaħħaħ in-nisġa soċjoekonomika taż-żoni rurali***, sabiex jingħata kontribut għall-ħolqien u ż-żamma tal-impjiegi, billi jiġi ggarantit introjtu vijabbli għall-bdiewa, filwaqt li jiġi segwit standard tal-għajxien ġust għall-popolazzjoni agrikola kollha u tiġi indirizzata d-depopolazzjoni rurali, b'enfasi partikolari fuq ir-reġjuni inqas popolati u inqas żviluppati, u żvilupp territorjali bilanċjat***. |

**Emenda 105**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Dawk l-objettivi għandhom jiġu kkomplementati mill-objettiv trasversali tal-modernizzazzjoni tas-settur billi ***jitrawmu*** u ***jiġu kondiviżi l-għarfien***, l-innovazzjoni u d-diġitalizzazzjoni fl-agrikoltura u fiż-żoni rurali, u jitħeġġeġ l-użu tagħhom. | Dawk l-objettivi għandhom jiġu kkomplementati mill-objettiv trasversali tal-modernizzazzjoni tas-settur***, u interkonnessi miegħu,*** billi ***jiġi żgurat li l-bdiewa jkollhom aċċess għar-riċerka, it-taħriġ*** u ***l-kondiviżjoni tal-għarfien u s-servizzi tat-trasferiment tal-għarfien***, l-innovazzjoni u d-diġitalizzazzjoni fl- |

| | |
|---|---|
| | agrikoltura u fiż-żoni rurali, u jitħeġġeġ l-użu tagħhom. |

**Emenda 106**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) jiġu ***appoġġati*** l-introjtu vijabbli tal-azjendi agrikoli u r-reżiljenza ***tagħhom*** fl-Unjoni kollha biex ***tissaħħaħ is-sigurtà*** tal-ikel; | (a) jiġu ***żgurati*** l-introjtu vijabbli tal-azjendi agrikoli u r-reżiljenza ***tas-settur agrikolu*** fl-Unjoni kollha biex ***jissaħħu s-sigurtà*** tal-ikel ***u d-diversità agrikola fit-tul, filwaqt li jiġi pprovdut ikel sikur u ta' kwalità għolja bi prezzijiet ġusti bl-għan li jitreġġa' lura t-tnaqqis fl-għadd tal-bdiewa u tiġi żgurata s-sostenibbiltà ekonomika tal-produzzjoni agrikola fl-Unjoni***; |

**Emenda 107**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) ***tissaħħaħ*** l-orjentazzjoni lejn is-suq u ***tiżdied il-kompetittività inkluż permezz*** ta' ***aktar*** enfasi fuq ir-riċerka, it-teknoloġija u d-diġitalizzazzjoni; | (b) ***jissaħħu*** l-orjentazzjoni lejn is-suq***, fis-swieq lokali, nazzjonali, tal-Unjoni*** u ***internazzjonali, kif ukoll l-istabbilizzazzjoni tas-suq u l-ġestjoni tar-riskju u ta' kriżijiet, u jiżdiedu l-kompetittività tal-azjendi agrikoli fit-tul, il-kapaċitajiet tal-ipproċessar u tal-kummerċjalizzazzjoni*** ta' ***prodotti agrikoli, b'aktar*** enfasi fuq ***id-differenzjazzjoni tal-kwalità,*** ir-riċerka, ***l-innovazzjoni,*** it-teknoloġija***, it-trasferiment u l-iskambju tal-għarfien*** u d-diġitalizzazzjoni***, u l-iffaċilitar tal-aċċess tal-bdiewa għal dinamika tal-ekonomija ċirkolari***; |

**Emenda 108**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) tittejjeb il-pożizzjoni tal-bdiewa ***fil-katina*** tal-valur; | (c) tittejjeb il-pożizzjoni ***ta' negozjar*** tal-bdiewa ***fil-katini*** tal-valur ***billi jitħeġġu forom assoċjattivi, organizzazzjonijiet tal-produtturi u negozjati kollettivi, kif ukoll bil-promozzjoni ta' ktajjen tal-provvista qosra u t-titjib tat-trasparenza tas-suq***; |

**Emenda 109**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt d**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (d) jingħata kontribut lill-mitigazzjoni u ***l-adattament għat-tibdil fil-klima***, kif ukoll ***lill-enerġija*** sostenibbli; | (d) jingħata kontribut lill-mitigazzjoni ***tat-tibdil fil-klima*** u ***l-adattament għat-tisħin globali***, kif ukoll ***tiġi ffavorita l-inkorporazzjoni tal-enerġija*** sostenibbli ***filwaqt li tiġi żgurata s-sigurtà tal-ikel fil-futur, billi jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra tas-settur agrikolu u tal-ikel, inkluż permezz tas-sekwestru tal-karbonju fil-ħamrija u l-protezzjoni tal-foresti, b'mod konformi mal-ftehimiet internazzjonali rilevanti***; |

**Emenda 110**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt e**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (e) jitrawwem l-iżvilupp sostenibbli u l-ġestjoni effiċjenti tar-riżorsi naturali bħall-ilma, il-ħamrija u l-arja; | (e) jitrawwem l-iżvilupp sostenibbli u l-ġestjoni effiċjenti tar-riżorsi naturali bħall-ilma, il-ħamrija u l-arja***, filwaqt li titnaqqas id-dipendenza kimika bl-għan li jintlaħqu l-għanijiet previsti fl-istrumenti leġiżlattivi rilevanti u jiġu ppremjati prattiki u sistemi tal-biedja li jwasslu għal benefiċċji ambjentali multipli, inkluż it-twaqqif tad-deżertifikazzjoni***; |

**Emenda 111**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt f**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (f) jingħata kontribut ***lill-protezzjoni*** tal-bijodiversità, ***jissaħħu s-servizzi tal-ekosistema*** u ***jiġu preservati l-ħabitats*** u l-pajsaġġi; | (f) jingħata kontribut ***lit-treġġigħ lura tat-tnaqqis*** tal-bijodiversità, ***inkluż billi jiġu protetti l-fawna ta' benefiċċju, inklużi speċijiet dakkara, il-promozzjoni tal-agrobijodiversità, is-servizzi ambjentali, il-konservazzjoni tan-natura u l-agroforestrija, kif ukoll il-kontribuzzjoni għall-prevenzjoni ta' diżastri naturali u l-kisba ta' reżiljenza akbar, ir-restawr*** u ***l-preservazzjoni tal-ħamrija, il-korpi tal-ilma, il-ħabitats*** u l-pajsaġġi***, u l-appoġġ tas-sistemi tal-biedja ta' Valur Naturali Għoli (HNV)***; |

**Emenda 112**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt g**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (g) jiġu attirati bdiewa żgħażagħ u ***jiġi ffaċilitat*** l-iżvilupp tan-negozju fiż-żoni rurali; | (g) jiġu attirati ***u appoġġati*** bdiewa żgħażagħ u ***bdiewa ġodda u tiġi promossa l-parteċipazzjoni tan-nisa fis-settur agrikolu, b'mod partikolari fiż-żoni l-aktar depopolati u żoni b'restrizzjonijiet naturali; jiġu ffaċilitati t-taħriġ u l-esperjenza fl-Unjoni kollha,*** l-iżvilupp tan-negozju ***sostenibbli u l-ħolqien tal-impjiegi*** fiż-żoni rurali; |

**Emenda 113**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt h**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| (h) jiġu promossi ***l-impjiegi***, it-tkabbir, l-inklużjoni soċjali u ***l-iżvilupp*** lokali ***fiż-żoni rurali***, ***inkluż*** il-bijoekonomija u l-forestrija sostenibbli; | (h) jiġu promossi ***l-koeżjoni soċjali u territorjali f'żoni rurali inkluż permezz tal-ħolqien tal-impjiegi***, it-tkabbir, ***l-investiment,*** l-inklużjoni soċjali***, il-ġlieda kontra l-faqar rurali*** u ***permezz tal-iżvilupp lokali, inklużi servizzi lokali ta' kwalità għolja għal komunitajiet*** lokali***, b'enfasi fuq żoni b'limitazzjonijiet naturali; jiġu promossi kundizzjonijiet ta' għajxien, ta' xogħol u ekonomiċi deċenti; diversifikazzjoni tal-attivitajiet u tal-introjtu, inklużi l-agrituriżmu,*** il-bijoekonomija***, l-ekonomija ċirkolari*** u l-forestrija sostenibbli***, filwaqt li tiġi żgurata l-ugwaljanza bejn is-sessi; jiġu promossi opportunitajiet ugwali fiż-żoni rurali permezz ta' miżuri speċifiċi ta' appoġġ, u r-rikonoxximent tal-ħidma tan-nisa fl-agrikoltura, l-artiġjanat, it-turiżmu u servizzi lokali;*** |

**Emenda 114**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt i**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| (i) tittejjeb ir-reazzjoni tal-agrikoltura tal-UE għad-domandi soċjetali għall-ikel u għas-saħħa, inkluż ikel sikur, nutrittiv u sostenibbli, il-ħela tal-ikel, kif ukoll ***il-benessri*** tal-annimali. | (i) tittejjeb ir-reazzjoni tal-agrikoltura tal-UE għad-domandi soċjetali għall-ikel u għas-saħħa, inkluż ikel sikur, nutrittiv***, ta' kwalità għolja*** u sostenibbli, ***l-agrikoltura organika,*** il-ħela tal-ikel, kif ukoll ***is-sostenibbiltà ambjentali, ir-reżistenza għall-antimikrobiċi u t-titjib tas-saħħa u l-benessri*** tal-annimali***, kif ukoll iż-żieda fis-sensibilizzazzjoni soċjali tal-importanza taż-żoni agrikoli u rurali filwaqt li jingħata kontribut għall-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli***. |

**Emenda 115**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. ***Meta jsegwu l-objettivi*** speċifiċi l-Istati Membri għandhom jiżguraw ***is-simplifikazzjoni*** u ***l-prestazzjoni tal-appoġġ tal-PAK***. | 2. ***Bl-għan li jiksbu objettivi*** speċifiċi***,*** l-Istati Membri ***u l-Kummissjoni*** għandhom jiżguraw ***il-prestazzjoni tal-appoġġ tal-PAK*** u ***s-simplifikazzjoni għall-benefiċjarji finali billi jnaqqsu l-piż amministrattiv filwaqt li jiżguraw in-nondiskriminazzjoni fost il-benefiċjarji***. |

**Emenda 116**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 7 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-kisba tal-objettivi msemmija fl-Artikoli 5 u 6(1) għandha tiġi vvalutata fuq il-bażi ta' indikaturi komuni relatati mal-output, mar-riżultat u mal-impatt. Is-sett ta' indikaturi komuni għandu jinkludi: | Il-kisba tal-objettivi msemmija fl-Artikoli 5 u 6(1) għandha tiġi vvalutata fuq il-bażi ta' indikaturi komuni relatati mal-output, mar-riżultat u mal-impatt ***u għandha tkun ibbażata fuq sorsi uffiċjali ta' informazzjoni***. Is-sett ta' indikaturi komuni għandu jinkludi: |

**Emenda 117**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 7 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) l-indikaturi tar-riżultati relatati mal-objettivi speċifiċi kkonċernati u li ntużaw għall-istabbiliment ta' stadji importanti u miri kwantifikati b'rabta ma' dawn l-objettivi speċifiċi fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK u li jivvalutaw il-progress lejn il-miri. L-indikaturi rigward l-objettivi relatati mal-klima u mal-ambjent jistgħu jkopru l-interventi ***inklużi fi strumenti nazzjonali rilevanti għall-ippjanar ambjentali u*** | (b) l-indikaturi tar-riżultati relatati mal-objettivi speċifiċi kkonċernati u li ntużaw għall-istabbiliment ta' stadji importanti u miri kwantifikati b'rabta ma' dawn l-objettivi speċifiċi fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK u li jivvalutaw il-progress lejn il-miri. L-indikaturi rigward l-objettivi relatati mal-klima u mal-ambjent jistgħu jkopru l-interventi ***li jikkontribwixxu għall-impenji*** li jirriżultaw mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni |

| | |
|---|---|
| ***klimatiku*** li jirriżultaw mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni elenkata fl-Anness XI; | elenkata fl-Anness XI; |

**Emenda 118**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 7 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) l-indikaturi tal-impatt relatati mal-objettivi stabbiliti fl-Artikoli 5 u 6(1) u li jintużaw fil-kuntest tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK ***u tal-PAK;*** | (c) l-indikaturi tal-impatt relatati mal-objettivi stabbiliti fl-Artikoli 5 u 6(1) u li jintużaw fil-kuntest tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK***, filwaqt li jitqiesu l-fatturi esterni lil hinn mill-PAK.*** |

**Emenda 119**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 7 – paragrafu 1 – subparagrafu 2a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***L-Istati Membri jistgħu jaqsmu l-indikaturi tal-output u l-indikaturi tar-riżultati stabbiliti fl-Anness I f'aktar dettall fir-rigward ta' karatteristiċi nazzjonali u reġjonali partikolari fil-Pjanijiet Strateġiċi tagħhom.*** |

**Emenda 120**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 7 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 138 li jemendaw l-Anness I biex jiġu adattati l-indikaturi komuni ***tal-output, tar-riżultati u tal-impatti biex titqies l-esperjenza bl-applikazzjoni tagħhom u, fejn meħtieġ, biex jiżdiedu indikaturi oħrajn ġodda***. | 2. ***Il-Kummissjoni għandha twettaq valutazzjoni sħiħa dwar l-effikaċja tal-indikaturi tal-output, tar-riżultati u tal-impatt stabbiliti fl-Anness I sal-aħħar tat-tielet sena tal-applikazzjoni tal-Pjanijiet Strateġiċi.***<br><br>***Wara dik il-valutazzjoni,*** il-Kummissjoni |

għandha s-setgħa li tadotta atti delegati, skont l-Artikolu 138, li jemendaw l-Anness I biex jiġu adattati, ***jekk ikun meħtieġ,*** l-indikaturi komuni ***filwaqt li titqies l-esperjenza miksuba matul l-implimentazzjoni tal-politika ta' dan ir-Regolament.***

**Emenda 121**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 8 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri għandhom isegwu l-objettivi stabbiliti fit-Titolu II billi jispeċifikaw l-interventi bbażati fuq it-tipi ta' interventi stabbiliti fil-Kapitoli II, III u IV ta' dan it-Titolu skont ir-rekwiżiti komuni stabbiliti f'dan il-Kapitolu. | L-Istati Membri***, u, fejn applikabbli, ir-reġjuni tagħhom,*** għandhom isegwu l-objettivi stabbiliti fit-Titolu II billi jispeċifikaw l-interventi bbażati fuq it-tipi ta' interventi stabbiliti fil-Kapitoli II, III u IV ta' dan it-Titolu skont ir-rekwiżiti komuni stabbiliti f'dan il-Kapitolu. |

**Emenda 122**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri għandhom ifasslu l-interventi tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom ***f'konformità*** mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u l-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni. | L-Istati Membri għandhom ifasslu***, f'kollaborazzjoni, fejn applikabbli, mar-reġjuni tagħhom,*** l-interventi tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom ***f'konformità*** mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u l-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni. |

**Emenda 123**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l- | L-Istati Membri ***f'kollaborazzjoni, fejn*** |

| | |
|---|---|
| interventi jkunu stabbiliti fuq il-bażi ta' kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji, ***li jkunu kompatibbli mas-suq intern*** u li ma ***joħolqux distorsjoni tal-kompetizzjoni***. | ***applikabbli, mar-reġjuni tagħhom,*** għandhom jiżguraw li l-interventi jkunu stabbiliti fuq il-bażi ta' kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji, u li ma ***jfixklux il-funzjonament xieraq tas-suq intern***. |

**Emenda 124**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu l-qafas legali li jirregola l-għoti tal-appoġġ mill-Unjoni lill-benefiċjarji fuq il-bażi tal-Pjan Strateġiku tal-PAK u skont il-prinċipji u r-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament u fir-Regolament (UE) [ir-Regolament Orizzontali]. | L-Istati Membri ***f'kollaborazzjoni, fejn applikabbli, mar-reġjuni tagħhom,*** għandhom jistabbilixxu l-qafas legali li jirregola l-għoti tal-appoġġ mill-Unjoni lill-benefiċjarji fuq il-bażi tal-Pjan Strateġiku tal-PAK u skont il-prinċipji u r-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament u fir-Regolament (UE) [ir-Regolament Orizzontali]. |

**Emenda 125**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 9a*** |
| | ***Integrazzjoni tal-perspettiva tal-ugwaljanza bejn is-sessi*** |
| | ***L-Istati Membri għandhom jiżguraw l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ugwaljanza bejn is-sessi matul it-tħejjija, l-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom, bil-għan li tiġi promossa l-ugwaljanza bejn is-sessi u tiġi miġġielda d-diskriminazzjoni.*** |

**Emenda 126**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 10 – paragrafu -1 (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***-1. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-Pjanijiet Strateġiċi tal-Istati Membri jikkonformaw mal-impenji tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO).*** |

**Emenda 127**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 10 – paragrafu 1 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***L-Istati Membri għandhom jiżguraw li*** l-interventi bbażati fuq it-tipi ta' interventi li huma elenkati fl-Anness II ta' dan ir-Regolament, inklużi d-definizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 3 u d-definizzjonijiet li jridu jiġu formulati fil-Pjanijiet Strateġiji tal-PAK stabbiliti fl-Artikolu 4, jirrispettaw id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1 tal-Anness 2 tal-Ftehim tad-WTO dwar l-Agrikoltura. | L-interventi bbażati fuq it-tipi ta' interventi li huma elenkati fl-Anness II ta' dan ir-Regolament, inklużi d-definizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 3 u d-definizzjonijiet li jridu jiġu formulati fil-Pjanijiet Strateġiji tal-PAK stabbiliti fl-Artikolu 4, ***għandhom*** jirrispettaw id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1 tal-Anness 2 tal-Ftehim tad-WTO dwar l-Agrikoltura. |

**Emenda 128**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 10 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-interventi bbażati fuq il-pagament speċifiku għall-għelejjel għall-qoton previsti fis-Subtaqsima 2 tat-Taqsima 3 tal-Kapitolu II, ta' dan it-Titolu jirrispettaw id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 6(5) tal-Ftehim tad-WTO dwar l-Agrikoltura.*** | ***imħassar*** |

**Emenda 129**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom, l-Istati Membri għandhom jinkludu sistema ta' kundizzjonalità, li ***taħtha għandha tiġi imposta penali amministrattiva fuq il-benefiċjarji li jirċievu pagamenti diretti skont il-Kapitolu II ta' dan it-Titolu jew il-primjums annwali skont l-Artikoli 65, 66 u 67, u li ma jikkonformawx mar-rekwiżiti*** statutorji ta' ġestjoni skont id-dritt tal-Unjoni u l-istandards għall-kundizzjoni agrikola u ambjentali tajba tal-art ***stabbiliti fil-Pjan Strateġiku tal-PAK*** kif elenkati fl-Anness III, relatati mal-oqsma speċifiċi li ġejjin: | 1. Fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom, l-Istati Membri għandhom jinkludu sistema ta' kundizzjonalità, li ***tikkorrispondi għar-rekwiżiti*** statutorji ta' ġestjoni skont id-dritt tal-Unjoni u l-istandards għall-kundizzjoni agrikola u ambjentali tajba tal-art***,*** kif elenkati fl-Anness III***, stabbiliti fil-Pjan Strateġiku tal-PAK***, relatati mal-oqsma speċifiċi li ġejjin: |

**Emenda 130**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) il-klima u l-ambjent; | (a) il-klima u l-ambjent***, inklużi l-kwalità tal-ilma, il-konservazzjoni tal-ħamrija u l-bijodiversità***; |

**Emenda 131**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 11 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Ir-regoli dwar ***il-penali*** amministrattivi ***li jridu jiġu inklużi fil-Pjan Strateġiku tal-PAK għandhom jirrispettaw ir-rekwiżiti stabbiliti*** fil-Kapitolu IV tat-Titolu IV tar-Regolament (UE) [ir-Regolament Orizzontali]. | 2. Ir-regoli dwar ***sistema effettiva ta' penali*** amministrattivi***, kif stabbilit*** fil-Kapitolu IV tat-Titolu IV tar-Regolament (UE) [ir-Regolament Orizzontali]***, għandhom japplikaw għall-benefiċjarji kollha li jirċievu pagamenti diretti skont*** |

| | |
|---|---|
| | ***il-Kapitolu II ta' dan it-Titolu jew primjums annwali skont l-Artikoli 65, 66 u 67 meta ma jikkonformawx mar-regoli ta' kondizzjonalità stabbiliti fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu***. |

**Emenda 132**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 11 – paragrafu 2a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2 a. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati b'mod konformi mal-Artikolu 138 li jissupplimentaw dan ir-Regolament rigward derogi temporanji dwar regoli ta' kundizzjonalità matul epidemiji ta' mard, avvenimenti klimatiċi avversi, avvenimenti katastrofiċi jew diżastri naturali.*** |

**Emenda 133**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 12 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li ż-żoni agrikoli kollha, inkluża l-art li ma tkunx għadha tintuża għal skopijiet ta' produzzjoni, tinżamm f'kundizzjoni agrikola u ambjentali tajba. L-Istati Membri għandhom jiddefinixxu, fuq il-livell nazzjonali jew reġjonali, l-istandards minimi għall-benefiċjarji għall-kundizzjoni agrikola u ambjentali tajba tal-art f'konformità mal-objettiv ewlieni tal-istandards kif imsemmi fl-Anness III, billi jqisu l-karatteristiċi speċifiċi taż-żoni kkonċernati, inklużi l-ħamrija u l-kundizzjoni klimatika, is-sistemi eżistenti tal-biedja, l-użu tal-artijiet, in-newba, il-prattiki tal-biedja u l-istrutturi tal-azjendi agrikoli. | 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li ż-żoni agrikoli kollha, inkluża l-art li ma tkunx għadha tintuża għal skopijiet ta' produzzjoni, tinżamm f'kundizzjoni agrikola u ambjentali tajba. L-Istati Membri għandhom jiddefinixxu, ***f'konsultazzjoni ma' partijiet ikkonċernati rilevanti*** fuq il-livell nazzjonali jew***, fejn xieraq,*** reġjonali, l-istandards minimi għall-benefiċjarji għall-kundizzjoni agrikola u ambjentali tajba tal-art f'konformità mal-objettiv ewlieni tal-istandards kif imsemmi fl-Anness III, ***sal-punt applikabbli,*** billi jqisu l-karatteristiċi speċifiċi taż-żoni kkonċernati, inklużi l-ħamrija***, l-ilma,*** u l-kundizzjoni klimatika, ***il-karatteristiċi agronomiċi u ekoloġiċi speċifiċi ta' produzzjonijiet differenti, id-*** |

| | |
|---|---|
| | ***differenzi bejn għelejjel annwali, għelejjel permanenti u produzzjonijiet speċjalizzati oħra,*** is-sistemi eżistenti tal-biedja, l-użu tal-artijiet, in-newba, il-prattiki ***lokali u tradizzjonali*** tal-biedja u l-istrutturi tal-azjendi agrikoli***, billi jiġi żgurat li l-art tikkontribwixxi għall-objettivi speċifiċi stabbiliti fil-punti (d), (e) u (f) tal-Artikolu 6(1)***. |

**Emenda 134**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 12 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. ***Fir-rigward*** tal-objettivi ewlenin stipulati fl-Anness III, l-Istati Membri ***jistgħu*** jippreskrivu standards addizzjonali minbarra dawk stipulati ***f'dak*** l-Anness skont dawn l-objettivi ewlenin. ***Madankollu***, l-Istati Membri ma għandhomx jiddefinixxu standards minimi għal objettivi ewlenin għajr l-objettivi ewlenin stipulati fl-Anness III. | 2. ***Sabiex tkun protetta l-komunalità tal-PAK u jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi, u fir-rigward*** tal-objettivi ewlenin stipulati fl-Anness III, l-Istati Membri ***ma għandhomx*** jippreskrivu standards addizzjonali minbarra dawk stipulati ***f'dak*** l-Anness skont dawn l-objettivi ewlenin***, fi ħdan is-sistema tal-kundizzjonalità***. ***Barra minn hekk***, l-Istati Membri ma għandhomx jiddefinixxu standards minimi għal objettivi ewlenin għajr l-objettivi ewlenin stipulati fl-Anness III. |

**Emenda 135**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 12 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***3. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu sistema li tipprovdi l-Għodda għas-Sostenibbiltà tal-Azjendi Agrikoli għan-Nutrijenti msemmija fl-Anness III, bil-kontenut u l-funzjonalitajiet minimi kif definit hemmhekk, lill-benefiċjarji li se jużaw l-Għodda.*** <br><br> ***Il-Kummissjoni tista' tappoġġa lill-Istati Membri fit-tfassil ta' dik l-Għodda kif*** | ***imħassar*** |

*ukoll fir-rekwiżiti tas-servizzi ta' ħżin tad-data u tal-ipproċessar tad-data.*

**Emenda 136**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 12 – paragrafu 3a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3a. L-Istati Membri jistgħu japprovaw prattiki ekwivalenti għal dawk speċifikati fil-paragrafu 1, li għandhom jiġu determinati b'mod konformi mal-kriterji stabbiliti permezz ta' att delegat, kif previst fil-paragrafu 4, sakemm jagħtu livell ta' benefiċċju għall-klima u l-ambjent ekwivalenti jew superjuri għal dak ta' waħda jew aktar mill-prattiki msemmija fil-paragrafu 1. Dawk il-prattiki ekwivalenti għandhom jinkludu:*** |
| | ***(a) impenji magħmula b'mod konformi mal-Artikolu 65, jew l-Artikolu 28(2) tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013;*** |
| | ***(b) impenji magħmula b'mod konformi mal-Artikolu 28 ta' dan ir-Regolament;*** |
| | ***(c) skemi ta' ċertifikazzjoni ambjentali nazzjonali jew reġjonali, li jinkludu dawk għaċ-ċertifikazzjoni tal-konformità mal-leġiżlazzjoni ambjentali nazzjonali, li jmorru lil hinn mill-istandards obbligatorji stabbiliti skont l-Anness III għal dan ir-Regolament, li għandhom l-għan li jilħqu l-objettivi relatati mal-kwalità tal-ħamrija u tal-ilma, il-bijodiversità, il-preservazzjoni tal-pajsaġġ u l-adattament għat-tibdil fil-klima u l-mitigazzjoni tiegħu.*** |

**Emenda 137**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 12 – paragrafu 3b (ġdid)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***3b. Il-bdiewa li jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 2018/848 dwar il-biedja organika għandhom b'hekk, jitqiesu li qed jikkonformaw mar-regoli 1, 8 u 9 dwar standards għall-kundizzjonijiet agrikoli u ambjentali tajbin tal-art (KAAT), kif stabbilit fl-Anness III għal dan ir-Regolament.*** |

**Emenda 138**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 12 – paragrafu 3c (ġdid)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***3c. Ir-reġjuni ultraperiferiċi tal-Unjoni, definiti skont l-Artikolu 349 tat-TFUE u l-gżejjer minuri tal-Eġew, kif definiti fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament (UE) Nru 229/2013, għandhom ikunu eżentati mir-rekwiżiti dwar l-istandards tal-kundizzjonijiet agrikoli u ambjentali tajbin 1, 2, 8 u 9, kif stabbilit fl-Anness III għal dan ir-Regolament.*** |

**Emenda 139**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 12 – paragrafu 3d (ġdid)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***3d. L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-benefiċjarji kkonċernati, fejn xieraq, permezz tal-użu tal-mezzi elettroniċi, lista tar-rekwiżiti u l-istandards li għandhom jiġu applikati fil-livell tal-azjenda agrikola, kif ukoll informazzjoni ċara u preċiża dwarhom.*** |

**Emenda 140**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 12 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 138 li jissupplimentaw dan ir-Regolament b'regoli ***għall-kundizzjoni agrikola u ambjentali tajba, inkluż l-istabbiliment tal-elementi*** tas-sistema tal-proporzjon ta' bur permanenti, ***is-sena ta' referenza*** u r-rata ta' konverżjoni skont il-KAAT 1 kif imsemmi fl-Anness III, ***il-format u l-elementi u l-funzjonalitajiet minimi addizzjonali tal-Għodda għas-Sostenibbiltà tal-Azjendi Agrikoli għan-Nutrijenti.*** | 4. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 138 li jissupplimentaw dan ir-Regolament b'regoli ***rigward:*** |
| | ***(a) aktar*** elementi tas-sistema tal-proporzjon ta' bur permanenti u r-rata ta' konverżjoni skont il-KAAT 1 kif imsemmi fl-Anness III, |
| | ***(b) kriterji għad-determinazzjoni tal-miżuri ekwivalenti,*** |
| | ***(c) regoli li jistabbilixxu r-rekwiżiti xierqa applikabbli għall-iskemi ta' ċertifikazzjoni nazzjonali jew reġjonali msemmija fil-punt (c) tal-paragrafu 3a, inkluż il-livell ta' garanzija offrut minn dawk l-iskemi.*** |

**Emenda 141**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 13 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Fil-Pjan Strateġiku tal-PAK, l-Istati Membri għandhom jinkludu sistema għall-provvista ta' servizzi għall-għoti ta' pariri lill-bdiewa u lil benefiċjarji oħrajn tal-appoġġ tal-PAK dwar il-ġestjoni tal-art u l-ġestjoni tal-azjenda agrikola ("servizzi konsultattivi għall-azjendi agrikoli"). | 1. Fil-Pjan Strateġiku tal-PAK, l-Istati Membri għandhom jinkludu sistema għall-provvista ta' servizzi ***ta' kwalità u indipendenti*** għall-għoti ta' pariri lill-bdiewa u lil benefiċjarji oħrajn tal-appoġġ tal-PAK dwar il-ġestjoni tal-art u l-ġestjoni tal-azjenda agrikola ("servizzi konsultattivi għall-azjendi agrikoli") ***li, meta xieraq,*** |

| | |
|---|---|
| | ***għandhom jibnu fuq sistemi diġà eżistenti fil-livell tal-Istati Membri. L-Istati Membri għandhom jallokaw baġit xieraq għall-finanzjament ta' dawk is-servizzi u deskrizzjoni qasira ta' dawk is-servizzi għandha tiġi inkluża fil-Pjanijiet Strateġiċi nazzjonali tal-PAK.*** |

**Emenda 142**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 13 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Is-servizzi konsultattivi għall-azjendi agrikoli għandhom ikopru d-dimensjonijiet ekonomiċi, ambjentali u soċjali u jagħtu informazzjoni teknoloġika u xjentifika aġġornata żviluppata mir-riċerka u l-innovazzjoni. Dawn għandhom jiġu integrati fis-servizzi interrelatati ta' ***konsulenti*** għall-azjendi agrikoli, riċerkaturi, ***organizzazzjoijiet*** tal-bdiewa u partijiet ikkonċernati oħra li jiffurmaw is-Sistemi tal-Għarfien u tal-Innovazzjoni Agrikoli (AKIS). | 2. Is-servizzi konsultattivi għall-azjendi agrikoli għandhom ikopru d-dimensjonijiet ekonomiċi, ambjentali u soċjali u jagħtu informazzjoni teknoloġika u xjentifika aġġornata żviluppata mir-riċerka u l-innovazzjoni***, filwaqt li jqisu prattiki u tekniki tradizzjonali tal-biedja***. Dawn għandhom jiġu integrati fis-servizzi interrelatati ta' ***netwerks konsultattivi*** għall-azjendi agrikoli, riċerkaturi, ***organizzazzjonijiet*** tal-bdiewa***, kooperattivi*** u partijiet ikkonċernati oħra li jiffurmaw is-Sistemi tal-Għarfien u tal-Innovazzjoni Agrikoli (AKIS). |

**Emenda 143**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 13 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-parir mogħti ***lil-azjendi*** agrikoli jkun imparzjali u li l-konsulenti ma jkollhom l-ebda kunflitt ta' interess. | 3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-parir mogħti ***lill-azjendi*** agrikoli jkun imparzjali***, adattat għall-firxa sħiħa ta' mezzi ta' produzzjoni u azjendi agrikoli*** u li l-konsulenti ma jkollhom l-ebda kunflitt ta' interess. |

**Emenda 144**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 13 – paragrafu 3a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li s-servizzi konsultattivi għall-azjendi agrikoli jkunu mgħammra biex jipprovdu parir dwar kemm il-produzzjoni kif ukoll il-provvista ta' beni pubbliċi.*** |

**Emenda 145**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 13 – paragrafu 4 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Is-sistemi konsultattivi għall-azjendi agrikoli għandhom ikopru mill-inqas dan li ġej: | 4. Is-sistemi konsultattivi għall-azjendi agrikoli ***stabbiliti mill-Istat Membru*** għandhom ikopru mill-inqas dan li ġej: |

**Emenda 146**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 13 – paragrafu 4 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) ir-rekwiżiti, il-kundizzjonijiet u l-impenji ta' ġestjoni kollha li japplikaw għall-bdiewa u għall-benefiċjarji l-oħra stabbiliti fil-Pjan Strateġiku tal-PAK, inkluż ir-rekwiżiti u l-istandards taħt il-kundizzjonalità u l-kundizzjonijiet għall-iskemi ta' appoġġ kif ukoll informazzjoni dwar l-istrumenti finanzjarji u l-pjanijiet ta' negozju stabbiliti fil-Pjan Strateġiku tal-PAK; | (a) ir-rekwiżiti, il-kundizzjonijiet u l-impenji ta' ġestjoni kollha li japplikaw għall-bdiewa u għall-benefiċjarji l-oħra stabbiliti fil-Pjan Strateġiku tal-PAK, inkluż ir-rekwiżiti u l-istandards taħt il-kundizzjonalità***, l-ekoskemi, l-impenji ambjentali, klimatiċi u ta' ġestjoni oħra skont l-Artikolu 65*** u l-kundizzjonijiet għall-iskemi ta' appoġġ kif ukoll informazzjoni dwar l-istrumenti finanzjarji u l-pjanijiet ta' negozju stabbiliti fil-Pjan Strateġiku tal-PAK; |

**Emenda 147**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 13 – paragrafu 4 – punt d**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (d) ***il-ġestjoni*** tar-riskju ***kif imsemmi fl-Artikolu 70***; | (d) ***il-prevenzjoni u l-ġestjoni*** tar-riskju; |

**Emenda 148**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 13 – paragrafu 4 – punt fa (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(fa) tekniki biex tiġi ottimizzata l-prestazzjoni ekonomika ta' sistemi tal-produzzjoni, it-titjib tal-kompetittivita, l-orjentazzjoni tas-suq, ktajjen tal-provvista qosra u l-promozzjoni tal-intraprenditorjat;*** |

**Emenda 149**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 13 – paragrafu 4 – punt fb (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(fb) konsulenza speċifika għall-bdiewa li jistabbilixxu ruħhom għall-ewwel darba;*** |

**Emenda 150**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 13 – paragrafu 4 – punt fc (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(fc) l-istandards ta' sikurezza u l-benessri fil-komunitajiet tal-bdiewa;*** |

**Emenda 151**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 13 – paragrafu 4 – punt fd (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(fd) il-ġestjoni sostenibbli tan-nutrijenti;*** |

**Emenda 152**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 13 – paragrafu 4 – punt fe (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(fe) it-titjib ta' prattiki u t-tekniki agroekoloġiċi u agroforestrali fuq artijiet kemm agrikoli kif ukoll tal-foresti;*** |

**Emenda 153**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 13 – paragrafu 4 – punt ff (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ff) il-konċentrazzjoni fuq l-organizzazzjonijiet tal-produtturi u gruppi oħra ta' bdiewa;*** |

**Emenda 154**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 13 – paragrafu 4 – punt fg (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(fg) l-assistenza lill-bdiewa li jixtiequ jbiddlu l-produzzjoni, b'mod partikolari minħabba tibdil fid-domanda tal-konsumatur, b'parir dwar il-ħiliet u t-tagħmir il-ġodda meħtieġa;*** |

**Emenda 155**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 13 – paragrafu 4 – punt fh (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(fh) il-mobilità tal-art u s-servizzi tal-ippjanar tas-suċċessjoni;*** |

**Emenda 156**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 13 – paragrafu 4 – punt fi (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(fi) il-prattiki agrikoli kollha li jagħmluha possibbli li jitnaqqas l-użu tal-fertilizzanti u l-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti billi jippromwovu metodi naturali tat-titjib tal-fertilità tal-ħamrija u l-kontroll tal-organiżmi ta' ħsara; kif ukoll*** |

**Emenda 157**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 13 – paragrafu 4 – punt fj (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(fj) it-titjib tar-reżiljenza u l-adattament għat-tibdil fil-klima.*** |

**Emenda 158**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 13 – paragrafu 4a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***4a. Mingħajr preġudizzju għal-liġi nazzjonali u dispożizzjonijiet rilevanti oħra tal-liġi tal-Unjoni, il-persuni u l-entitajiet inkarigati minn servizzi*** |

| | |
|---|---|
| | ***konsultattivi m'għandhom jiżvelaw lil ebda persuna oħra għajr il-bidwi jew il-benefiċjarju li jkun ingħata parir, kwalunkwe informazzjoni jew data personali jew kummerċjali relatata mal-bidwi jew il-benefiċjarju inkwistjoni, li tkun ġiet akkwistata matul l-assenjament konsultattiv tagħhom, bl-eċċezzjoni ta' ksur soġġett għal rapportar obbligatorju lill-awtoritajiet pubbliċi skont il-liġi nazzjonali jew tal-Unjoni.*** |

**Emenda 159**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 14 – paragrafu 4b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***4b. L-Istati Membri għandhom jiżguraw ukoll, permezz ta' proċedura pubblika xierqa, li l-konsulenti li jaħdmu fi ħdan is-sistema konsultattiva għall-azjendi agrikoli jkunu kwalifikati kif xieraq u mħarrġa regolarment.*** |

**Emenda 160**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 14 – paragrafu 2 – punt d**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (d) l-iskemi għall-klima ***u*** għall-ambjent. | (d) l-iskemi għall-klima***,*** għall-ambjent u ***għall-benessri tal-annimali; kif ukoll*** |

**Emenda 161**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 14 – paragrafu 2 – punt da (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(da) l-iskemi għat-tisħiħ tal-kompetittività;*** |

**Emenda 162**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 15 – paragrafu 1 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri għandhom inaqqsu l-ammont tal-pagamenti diretti li jridu jingħataw lil bidwi skont dan il-Kapitolu għal sena kalendarja speċifika ***li jaqbżu s-EUR 60 000 kif ġej***. | 1. L-Istati Membri għandhom inaqqsu l-ammont tal-pagamenti diretti li jridu jingħataw lil bidwi skont dan il-Kapitolu għal sena kalendarja speċifika ***meta dak l-ammont jaqbeż livell limitu ta' EUR 100 000***. |
| ***(a) b'mill-inqas 25 % għall-firxa bejn EUR 60 000 u EUR 75 000;*** | |
| ***(b) b'mill-inqas 50 % għall-firxa bejn EUR 75 000 u EUR 90 000;*** | |
| ***(c) b'mill-inqas 75 % għall-firxa bejn EUR 90 000 u EUR 100 000;*** | |
| ***(d) b'100 % għall-ammont li jaqbeż EUR 100 000.*** | |

**Emenda 163**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 15 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Qabel ma japplikaw il-paragrafu 1, l-Istati Membri ***għandhom inaqqsu*** mill-ammont tal-pagamenti diretti li jridu jingħataw lil bidwi skont dan il-Kapitolu f'sena kalendarja speċifika: | Qabel ma japplikaw il-paragrafu 1, l-Istati Membri ***jistgħu jnaqqsu*** mill-ammont tal-pagamenti diretti li jridu jingħataw lil bidwi skont dan il-Kapitolu f'sena kalendarja speċifika: |

**Emenda 164**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 15 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) ***is-salarji*** marbuta ma' attività agrikola ddikjarata mill-bidwi, inkluż it-taxxi u l-kontribuzzjonijiet soċjali relatati | (a) ***50 % tas-salarji*** marbuta ma' attività agrikola ddikjarata mill-bidwi, inkluż it-taxxi u l-kontribuzzjonijiet soċjali |

| | |
|---|---|
| mal-impjiegi; ***kif ukoll*** | relatati mal-impjiegi; |

**Emenda 165**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 15 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(b) l-ispiża ekwivalenti ta' xogħol regolari u mhux imħallas marbut ma' attività agrikola pprattikata minn persuni li jaħdmu fl-azjenda agrikola kkonċernata li ma jirċevux salarju, jew li jirċievu inqas rimunerazzjoni mill-ammont normalment imħallas għas-servizzi mogħtija, iżda jiġu ppremjati permezz tar-riżultat ekonomiku tan-negozju agrikolu.*** | ***imħassar*** |

**Emenda 166**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 15 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt ba (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ba) l-għajnuna diretta msemmija fl-Artikoli 27 u 28;*** |

**Emenda 167**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 15 – paragrafu 2 – subparagrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Sabiex jikkalkulaw l-ammonti msemmija fil-punti ***a) u b)***, l-Istati Membri għandhom jużaw ***l-ispiża*** reali ***tax-xogħol u s-salarji*** marbuta ma' attività agrikola ***jew ma' attività*** relatata fil-livell nazzjonali jew reġjonali mmultiplikati bin-numru ta' unitajiet annwali ta' xogħol iddikjarati mill-bidwi kkonċernat. | Sabiex jikkalkulaw l-ammonti msemmija fil-punti ***(a)***, l-Istati Membri għandhom jużaw ***l-ispejjeż*** reali ***tas-salarji jew is-salarji standard medji*** marbuta ma' attività agrikola ***u*** relatata fil-livell nazzjonali jew reġjonali mmultiplikati bin-numru ta' unitajiet annwali ta' xogħol iddikjarati mill-bidwi kkonċernat. ***L-Istati Membri jistgħu jużaw indikaturi dwar spejjeż standard tas-salarji assoċjati mad-diversi tipi ta'*** |

| | |
|---|---|
| | ***azjendi agrikoli u data ta' referenza dwar il-ġenerazzjoni tal-impjiegi skont it-tip ta' azjenda agrikola.*** |

**Emenda 168**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 15 – paragrafu 3 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Il-prodott*** stmat tat-tnaqqis tal-pagamenti ***għandu jintuża prinċipalment biex jikkontribwixxi għall-finanzjament tal-appoġġ għall-introjtu*** ridistributtiv komplementarju għas-sostenibbiltà u wara għall-finanzjament ta' interventi oħra li jappartjenu għall-pagamenti diretti diżakkoppjati. | ***Il-prijorità tal-użu tal-prodott*** stmat tat-tnaqqis tal-pagamenti ***għandha tkun il-finanzjament tal-introjtu*** ridistributtiv komplementarju għas-sostenibbiltà u wara għall-finanzjament ta' interventi oħra li jappartjenu għall-pagamenti diretti diżakkoppjati. |

**Emenda 169**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 15 – paragrafu 3 – subparagrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri jistgħu wkoll jużaw il-prodott kollu jew parti minnu biex jiffinanzjaw it-tipi ta' interventi taħt ***l-FAEŻR*** kif speċifikat fil-Kapitolu IV permezz ta' trasferiment. Trasferiment lill-FAEŻR bħal dan għandu jkun parti mit-tabelli finanzjarji tal-Pjan Strateġiku tal-PAK u jista' jiġi rieżaminat ***fl-2023*** skont l-Artikolu 90. ***Dan ma għandux ikun soġġett għal-limiti massimi għat-trasferimenti ta' fondi mill-FAEG għall-FAEŻR stabbiliti fl-Artikolu 90.*** | L-Istati Membri jistgħu wkoll jużaw il-prodott kollu jew parti minnu biex jiffinanzjaw it-tipi ta' interventi taħt ***il-FAEŻR*** kif speċifikat fil-Kapitolu IV permezz ta' trasferiment. Trasferiment lill-FAEŻR bħal dan għandu jkun parti mit-tabelli finanzjarji tal-Pjan Strateġiku tal-PAK u jista' jiġi rieżaminat ***fl-2024*** skont l-Artikolu 90. |

**Emenda 170**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 15 – paragrafu 3a (ġdid)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***3a. Fil-każ ta' persuna ġuridika, jew grupp ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi, l-Istati Membri jistgħu japplikaw it-tnaqqis imsemmi fil-paragrafu 1 fil-livell tal-membri ta' dawk il-persuni jew gruppi ġuridiċi fejn il-liġi nazzjonali tipprevedi li l-membri individwali jassumu d-drittijiet u l-obbligi komparabbli għal dawk ta' bdiewa individwali li għandhom l-istatus ta' kap ta' azjenda, b'mod partikolari fir-rigward tal-istatus ekonomiku, soċjali u tat-tassazzjoni, bil-kundizzjoni li huma jkunu kkontribwixxew għat-tisħiħ tal-istrutturi agrikoli tal-persuni jew gruppi ġuridiċi kkonċernati.*** |

**Emenda 171**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 15 – paragrafu 3b (ġdid)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***3b. Meta Stat Membru jagħti appoġġ għall-introjtu ridistributtiv komplementarju għall-bdiewa skont l-Artikolu 26 u għal dak l-għan juża tal-anqas 10 % tal-allokazzjoni tiegħu għal pagamenti diretti stabbiliti fl-Anness IV, jista' jiddeċiedi li jirrinunzja l-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu.*** |

**Emenda 172**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 15 – paragrafu 3c (ġdid)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***3c. L-ebda vantaġġ li jikkonsisti fl-evitar tat-tnaqqis tal-pagamenti ma għandu jingħata lil dawk il-bdiewa li dwarhom jiġi stabbilit li jkunu ħolqu artifiċjalment il-kundizzjonijiet biex*** |

| | |
|---|---|
| | ***jevitaw l-effetti ta' dan l-Artikolu.*** |

**Emenda 173**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 15 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***4. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 138 li jissupplementaw dan ir-Regolament b'regoli li jistabbilixxu bażi armonizzata għall-kalkolu tat-tnaqqis tal-pagamenti stabbilit fil-paragrafu 1 sabiex tiġi żgurata distribuzzjoni korretta tal-fondi lill-benefiċjarji intitolati.*** | ***imħassar*** |

**Emenda 174**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 16 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri għandhom jagħtu pagamenti diretti diżakkoppjati skont il-kundizzjonijiet stabbiliti f'din it-Taqsima u kif speċifikat aktar fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom. | 1. L-Istati Membri għandhom jagħtu pagamenti diretti diżakkoppjati ***lill-bdiewa attivi*** skont il-kundizzjonijiet stabbiliti f'din it-Taqsima u kif speċifikat aktar fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom. |

**Emenda 175**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 16 – paragrafu 2 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu livell limitu tal-erja u ***jagħtu*** pagamenti diretti ***diżakkoppjati*** biss lill-bdiewa ***ġenwini*** li l-erja ***eliġibbli tal-azjenda tagħhom li għaliha qed jintalbu l-pagamenti diretti diżakkoppjati taqbeż dan il-limitu tal-erja***. | L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu livell limitu tal-erja u***/jew limitu minimu ta'*** pagamenti diretti ***u jagħtu pagamenti diretti*** biss lill-bdiewa ***attivi*** li l-erja ***u/jew volumi ta' pagamenti diretti tagħhom ikunu daqs jew jaqbżu dawk il-livelli limitu***. |

**Emenda 176**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 16 – paragrafu 2 – subparagrafu 2 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Meta jistabbilixxu l-livell limitu tal-erja, l-Istati Membri għandhom jimmiraw li jiżguraw li l-pagamenti diretti ***diżakkoppjati*** jistgħu biss jingħataw lill-bdiewa ***ġenwini*** jekk: | Meta jistabbilixxu l-livell limitu tal-erja ***jew il-limitu minimu għall-pagamenti***, l-Istati Membri għandhom jimmiraw li jiżguraw li l-pagamenti diretti jistgħu biss jingħataw lill-bdiewa ***attivi*** jekk: |

**Emenda 177**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 16 – paragrafu 2 – subparagrafu 2 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) il-ġestjoni tal-pagamenti korrispondenti ma tikkawżax piż amministrattiv eċċessiv, u | (a) il-ġestjoni tal-pagamenti korrispondenti ***li jkunu daqs jew jaqbżu dawk il-livelli limitu*** ma tikkawżax piż amministrattiv eċċessiv, u |

**Emenda 178**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 16 – paragrafu 2 – subparagrafu 2 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) l-ammonti ***korrispondenti*** jagħmlu kontribut effettiv għall-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 6(1) li għalihom il-pagamenti diretti diżakkoppjati jikkontribwixxu. | (b) l-ammonti ***rċevuti li jaqbżu l-livell limitu stabbilit*** jagħmlu kontribut effettiv għall-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 6(1) li għalihom il-pagamenti diretti diżakkoppjati jikkontribwixxu. |

**Emenda 179**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 16 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. L-Istati Membri kkonċernati jistgħu jiddeċiedu li ma japplikawx ***il-paragrafu 1 lir-reġjuni*** ultraperiferiċi u ***lill-Gżejjer*** minuri tal-Eġew. | 3. L-Istati Membri kkonċernati jistgħu jiddeċiedu li ma japplikawx ***dan l-Artikolu għar-reġjuni*** ultraperiferiċi u ***għall-Gżejjer*** minuri tal-Eġew ***u għall-arċipelagu Baleariku***. |

**Emenda 180**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 17 – paragrafu 2a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2a. F'sitwazzjonijiet speċifiċi fejn, minħabba n-natura tas-sistema agrikola, il-bdiewa ma jkollhomx art iżda jkunu ngħataw għajnuna fil-forma ta' pagament bażiku mad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, appoġġ għall-introjtu bażiku għandu jkun ammont għal kull azjenda.*** |

**Emenda 181**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 17 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 19 sa 24, l-appoġġ għall-introjtu bażiku għandu jingħata għal kull ettaru eliġibbli ddikjarat minn bidwi ***ġenwin***. | 3. Mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 19 sa 24, l-appoġġ għall-introjtu bażiku għandu jingħata għal kull ettaru eliġibbli ddikjarat minn bidwi ***attiv***. |

**Emenda 182**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 18 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jiddistingwu l-ammont tal-appoġġ għall-introjtu ***bażiku għal kull ettaru fost il-gruppi ta' territorji differenti*** li ***jiffaċċjaw*** | 2. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jiddistingwu l-ammont ***għal kull ettaru*** tal-appoġġ għall-introjtu ***skont il-gruppi differenti ta' żoni skont il-kundizzjonijiet*** |

*kundizzjonijiet soċjoekonomiċi* jew *agronomiċi simili*.

***soċjoekonomiċi, ambjentali jew agronomiċi. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jżidu l-ammonti għar-reġjuni bi żvantaġġi naturali jew speċifiċi għaż-żona, u żoni depopolati.***

**Emenda 183**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 18 – paragrafu 2a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2a. L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu mekkaniżmi li jillimitaw in-numru ta' ettari nazzjonali eliġibbli li jistgħu jibbenefikaw minn appoġġ, abbażi ta' perjodu ta' referenza deċiż mill-Istat Membru.*** |

**Emenda 184**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 19 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Meta l-Istati Membri li jkunu applikaw l-iskema ta' pagament bażiku kif stabbilit fit-Taqsima 1 tal-Kapitolu I tat-Titolu III tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013, jiddeċiedu li ma jagħtux l-appoġġ għall-introjtu bażiku fuq il-bażi ta' intitolamenti għal pagament, l-intitolamenti għal pagament allokati skont ir-Regolament (UE) Nru 1307/2013 għandhom jiskadu fil-31 ta' Diċembru ***2020***. | 2. Meta l-Istati Membri li jkunu applikaw l-iskema ta' pagament bażiku kif stabbilit fit-Taqsima 1 tal-Kapitolu I tat-Titolu III tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013, jiddeċiedu li ma jagħtux l-appoġġ għall-introjtu bażiku fuq il-bażi ta' intitolamenti għal pagament, l-intitolamenti għal pagament allokati skont ir-Regolament (UE) Nru 1307/2013 għandhom jiskadu fil-31 ta' Diċembru ***2022. L-Istati Membri li diġà lestew il-proċess ta' aġġustament intern tal-intitolamenti għal pagament jistgħu jiddeċiedu li jirrinunzjaw l-intitolamenti għal pagament aktar kmieni.*** |

**Emenda 185**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 20 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw il-valur unitarju għall-intitolamenti għal pagament qabel il-konverġenza skont dan l-Artikolu billi jaġġustaw il-valur tal-intitolamenti għal pagament b'mod proporzjonali għall-valur tagħhom kif stabbilit skont ir-Regolament (UE) Nru 1307/2013 għas-sena tat-talba ***2020*** u l-pagament relatat għall-prattiki agrikoli li huma ta' benefiċċju għall-klima u għall-ambjent previsti fil-Kapitolu III tat-Titolu III ta' dak ir-Regolament għas-sena tat-talba ***2020***. | 1. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw il-valur unitarju għall-intitolamenti għal pagament qabel il-konverġenza skont dan l-Artikolu billi jaġġustaw il-valur tal-intitolamenti għal pagament b'mod proporzjonali għall-valur tagħhom kif stabbilit skont ir-Regolament (UE) Nru 1307/2013 għas-sena tat-talba ***2021*** u l-pagament relatat għall-prattiki agrikoli li huma ta' benefiċċju għall-klima u għall-ambjent previsti fil-Kapitolu III tat-Titolu III ta' dak ir-Regolament għas-sena tat-talba ***2021***. |

**Emenda 186**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 20 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Meta l-valur tal-intitolamenti għal pagament kif determinat skont il-paragrafu 1 ma jkunx uniformi fi Stati Membru jew fi grupp ta' territorji kif definit skont l-Artikolu 18(2), l-Istati Membri għandhom jiżguraw konverġenza tal-valur tal-intitolamenti għal pagament lejn valur unitarju uniformi l-aktar tard sas-sena tat-talba 2026. | 4. Meta l-valur tal-intitolamenti għal pagament kif determinat skont il-paragrafu 1 ma jkunx uniformi fi Stati Membru jew fi grupp ta' territorji kif definit skont l-Artikolu 18(2), l-Istati Membri għandhom jiżguraw konverġenza ***sħiħa*** tal-valur tal-intitolamenti għal pagament lejn valur unitarju uniformi l-aktar tard sas-sena tat-talba 2026. |

**Emenda 187**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 20 – paragrafu 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. Għall-finijiet tal-paragrafu 4, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li, l-aktar tard għas-sena tat-talba ***2026***, l-intitolamenti għal pagament kollha jkollhom valur ta' mill-inqas 75 % tal- | 5. Għall-finijiet tal-paragrafu 4, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li, l-aktar tard għas-sena tat-talba ***2024***, l-intitolamenti għal pagament kollha jkollhom valur ta' mill-inqas 75 % tal- |

| | |
|---|---|
| ammont unitarju medju ppjanat għall-appoġġ għall-introjtu bażiku għas-sena tat-talba ***2026*** kif stabbilit fil-Pjan Strateġiku tal-PAK trażmess skont l-Artikolu 106(1) għall-Istat Membru jew għat-territorji kif definit skont l-Artikolu 18(2). | ammont unitarju medju ppjanat għall-appoġġ għall-introjtu bażiku għas-sena tat-talba ***2024*** kif stabbilit fil-Pjan Strateġiku tal-PAK trażmess skont l-Artikolu 106(1) għall-Istat Membru jew għat-territorji kif definit skont l-Artikolu 18(2). |

**Emenda 188**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 20 – paragrafu 5a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***5a. Għall-finijiet tal-paragrafu 4, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li, l-aktar tard għall-aħħar sena tat-talba tal-perjodu ta' programmazzjoni, l-intitolamenti għal pagament kollha jkollhom valur ta' 100 % tal-ammont unitarju medju ppjanat għall-appoġġ għall-introjtu bażiku għas-sena tat-talba 2026 kif stabbilit fil-Pjan Strateġiku tal-PAK trażmess b'mod konformi mal-Artikolu 106(1) għall-Istat Membru jew għat-territorji kif definit b'mod konformi mal-Artikolu 18(2).*** |

**Emenda 189**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 20 – paragrafu 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 7. It-tnaqqis imsemmi fil-paragrafu 6 għandu jkun ibbażat fuq kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji. Mingħajr preġudizzju għas-sett minimu skont il-paragrafu 5, it-tali kriterji jistgħu jinkludu l-iffissar ta' tnaqqis massimu li ma jistax ikun aktar baxx minn 30 %. | 7. It-tnaqqis imsemmi fil-paragrafu 6 għandu jkun ibbażat fuq kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji. Mingħajr preġudizzju għas-sett minimu skont il-paragrafu 5, it-tali kriterji jistgħu jinkludu l-iffissar ta' tnaqqis massimu li ma jistax ikun aktar baxx minn 30 % ***kull sena***. |

**Emenda 190**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 21 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri għandhom jagħtu lill-bdiewa ***ġenwini*** li għandhom intitolamenti għal pagament bi sjieda jew b'kirja, appoġġ għall-introjtu bażiku mal-attivazzjoni ta' dawk l-intitolamenti għal pagament. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li għall-iskop tal-attivazzjoni tal-intitolamenti għal pagament il-bdiewa ***ġenwini*** jiddikjaraw l-ettari eliġibbli li jakkumpanjaw kull intitolament ta' pagament. | 1. L-Istati Membri għandhom jagħtu lill-bdiewa li għandhom intitolamenti għal pagament bi sjieda jew b'kirja, appoġġ għall-introjtu bażiku mal-attivazzjoni ta' dawk l-intitolamenti għal pagament. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li għall-iskop tal-attivazzjoni tal-intitolamenti għal pagament il-bdiewa ***attivi*** jiddikjaraw l-ettari eliġibbli li jakkumpanjaw kull intitolament ta' pagament. |

**Emenda 191**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 22 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Kull Stat Membru li jiddeċiedi li jagħti l-appoġġ għall-introjtu bażiku fuq il-bażi tal-intitolamenti għal pagament għandu ***jamministra*** riżerva nazzjonali. | 1. Kull Stat Membru li jiddeċiedi li jagħti l-appoġġ għall-introjtu bażiku fuq il-bażi tal-intitolamenti għal pagament għandu ***jistabbilixxi*** riżerva nazzjonali***, ekwivalenti għal rata massima ta' 3 % tal-allokazzjonijiet stabbiliti fl-Anness VII***. |

**Emenda 192**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 22 – paragrafu 2a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2a. L-Istati Membri jistgħu jaqbżu l-perċentwal imsemmi fil-paragrafu 1 fejn dan ikun meħtieġ biex jiġu koperti r-rekwiżiti tal-allokazzjoni skont il-punti (a) u (b) tal-paragrafu 4 u tal-paragrafu 5.*** |

**Emenda 193**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 22 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-intitolamenti għal pagament mir-riżerva jiġu allokati lill-bdiewa ***ġenwini*** biss. | 3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-intitolamenti għal pagament mir-riżerva jiġu allokati lill-bdiewa ***attivi*** biss. |

**Emenda 194**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 22 – paragrafu 4 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) bdiewa żgħażagħ li jkunu għadhom kif jistabbilixxu azjenda għall-ewwel darba; | (a) bdiewa żgħażagħ li jkunu għadhom kif jistabbilixxu azjenda għall-ewwel darba; ***jew*** |

**Emenda 195**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 22 – paragrafu 4 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) bdiewa li jkunu għadhom kif jistabbilixxu azjenda għall-ewwel darba, bħala kap tal-azjenda u b'taħriġ xieraq jew bil-ħiliet ***meħtieġa miksuba kif definit mill-Istati Membri għall-bdiewa żgħażagħ***. | (b) bdiewa li jkunu għadhom kif jistabbilixxu azjenda għall-ewwel darba, bħala kap tal-azjenda u b'taħriġ xieraq jew bil-ħiliet ***u l-għarfien meħtieġa miksuba***. |

**Emenda 196**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 22 – paragrafu 4 – punt ba (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ba) Fil-każ tal-punti (a) u (b) tal-ewwel subparagrafu, l-Istati Membri jistgħu jagħtu prijorità lin-nisa bil-ħsieb li*** |

| | |
|---|---|
| | ***jgħinu fil-kisba tal-objettiv imsemmi fil-punt (h) tal-Artikolu 6(1).*** |

**Emenda 197**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 22 – paragrafu 4a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***4a. L-Istati Membri jistgħu jidentifikaw ukoll, permezz ta' kriterji oġġettivi u nondiskriminatorji, każijiet oħra li, skont il-valutazzjoni tal-ħtiġijiet deskritta fl-Artikolu 96, huma aktar vulnerabbli jew aktar rilevanti biex jinkisbu l-objettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 6, kif ukoll bdiewa li qed jibdew jagħmlu użu minn żoni ġestiti b'mod kollettiv.*** |

**Emenda 198**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 22 – paragrafu 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. L-Istati Membri għandhom jallokaw intitolamenti għal pagament lil, jew iżidu l-valur tal-intitolamenti għal pagament eżistenti tal-bdiewa ***ġenwini*** li huma intitolati permezz ta' deċiżjoni definittiva tal-qorti jew permezz ta' att amministrattiv definittiv tal-awtorità kompetenti ta' Stat Membru. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li dawk il-bdiewa ***ġenwini*** jirċievu l-għadd u l-valur tal-intitolamenti għal pagament stabbiliti f'dik id-deċiżjoni jew l-att f'data li trid tiġi stabbilita mill-Istat Membru. | 5. L-Istati Membri għandhom jallokaw intitolamenti għal pagament lil, jew iżidu l-valur tal-intitolamenti għal pagament eżistenti tal-bdiewa ***attivi*** li huma intitolati permezz ta' deċiżjoni definittiva tal-qorti jew permezz ta' att amministrattiv definittiv tal-awtorità kompetenti ta' Stat Membru. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li dawk il-bdiewa ***attivi*** jirċievu l-għadd u l-valur tal-intitolamenti għal pagament stabbiliti f'dik id-deċiżjoni jew l-att f'data li trid tiġi stabbilita mill-Istat Membru. |

**Emenda 199**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 22 – paragrafu 5a (ġdid)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***5a. L-Istati Membri jistgħu jużaw ir-riżerva nazzjonali biex iżidu l-appoġġ bażiku għall-introjtu jew bil-ħsieb li jilħqu objettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 6(1), abbażi ta' kriterji nondiskriminatorji, dment li kwantitajiet suffiċjenti jibqgħu disponibbli għall-allokazzjonijiet stabbiliti fil-paragrafi 4 u 5 ta' dan l-Artikolu.*** |

**Emenda 200**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 23**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| ***Artikolu 23*** | ***imħassar*** |
| ***Setgħat delegati*** | |
| ***Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 138 li jissuplimentaw dan ir-Regolament b'regoli dwar:*** | |
| ***(a) l-istabbiliment tar-riżerva;*** | |
| ***(b) l-aċċess għar-riżerva;*** | |
| ***(c) il-kontenut tad-dikjarazzjoni u r-rekwiżiti għall-attivazzjoni tal-intitolamenti għal pagament.*** | |

**Emenda 201**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 24 – paragrafu 1**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| 1. Ħlief fil-każ ta' trasferiment permezz ta' wirt proprju jew antiċipat, l-intitolamenti għal pagament għandhom jiġu trasferiti ***lil-bidwi ġenwin*** biss. | 1. Ħlief fil-każ ta' trasferiment permezz ta' wirt proprju jew antiċipat, l-intitolamenti għal pagament għandhom jiġu trasferiti ***lill-bidwi attiv*** biss. |

**Emenda 202**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 24 – paragrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. L-intitolamenti għall-pagamenti ma jistgħux jingħataw valur tas-suq.*** |

**Emenda 203**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 25 – titolu**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Pagamenti ta' somma f'daqqa għall-eqreb numru sħiħ*** għall-bdiewa żgħar | ***Skema simplifikata*** għall-bdiewa żgħar |

**Emenda 204**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 25 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri ***jistgħu jagħtu pagamenti lill-bdiewa*** żgħar ***kif definit mill-Istati Membri permezz*** ta' ***somma f'daqqa għall-eqreb numru sħiħ***, li ***tissosstitwixxi*** l-pagamenti diretti taħt din it-Taqsima u t-Taqsima 3 ta' dan il-Kapitolu. L-Istati Membri għandhom ifasslu l-intervent korrispondenti fil-Pjan Strateġiku tal-PAK bħala wieħed fakultattiv għall-bdiewa. | L-Istati Membri ***għandhom jintroduċu skema simplifikata għall-bdiewa*** żgħar ***li jitolbu għajnuna fir-rigward ta' ammont*** ta' ***mhux aktar minn EUR 1 250. Dik l-iskema tista' tikkonsisti minn somma f'daqqa***, li ***tissostitwixxi*** l-pagamenti diretti taħt din it-Taqsima u t-Taqsima 3 ta' dan il-Kapitolu***, jew f'pagament għal kull ettaru, li jista' jkun differenti għal territorji differenti, definit b'mod konformi mal-Artikolu 18(2)***. L-Istati Membri għandhom ifasslu l-intervent korrispondenti fil-Pjan Strateġiku tal-PAK bħala wieħed fakultattiv għall-bdiewa. |

**Emenda 205**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 25 – paragrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. Il-bdiewa li jixtiequ jipparteċipaw fl-iskema simplifikata għandhom jippreżentaw applikazzjoni, mhux aktar tard minn data li għandha tiġi ddeterminata mill-Istat Membru, mingħajr preġudizzju għall-fatt li l-Istati Membri jkunu jistgħu awtomatikament jinkludu bdiewa li jissodisfaw il-kundizzjonijiet u li joffrulhom il-possibbiltà li jirtiraw minnha sa skadenza speċifika.*** |

**Emenda 206**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 25 – paragrafu 1b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1b. Għal bdiewa li jipparteċipaw f'din l-iskema simplifikata, l-Istati Membri jistgħu japplikaw kontrolli ta' kundizzjonalità simplifikati, kif stabbilit fl-Artikolu 84 tar-Regolament (UE) [Ir-Regolament Orizzontali].*** |

**Emenda 207**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 25 – paragrafu 1c (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1c. L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu regoli u servizzi għat-tnaqqis tal-ispejjeż amministrattivi, u b'hekk jappoġġaw lill-bdiewa żgħar sabiex jikkooperaw.*** |

**Emenda 208**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 25 – paragrafu 1d (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1d. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li ma jingħata l-ebda vantaġġ previst f'dan l-Artikolu lill-bdiewa jekk ikun stabbilit li jkunu ħolqu b'mod artifiċjali, wara l-1 ta' Ġunju 2018, il-kundizzjonijiet għall-irċevuta tal-pagamenti għall-bdiewa żgħar.*** |

**Emenda 209**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 26 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw distribuzzjoni mill-ġdid tal-appoġġ mill-azjendi agrikoli kbar għal dawk żgħar jew medji billi jipprevedu appoġġ għall-introjtu ridistributtiv fil-forma ta' pagament diżakkoppjat annwali għal kull ettaru eliġibbli lill-bdiewa li huma intitolati għal pagament taħt l-appoġġ għall-introjtu bażiku msemmi fl-Artikolu 17. | 2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw distribuzzjoni mill-ġdid ***ġusta*** tal-appoġġ mill-azjendi agrikoli kbar għal dawk żgħar jew medji billi jipprevedu appoġġ għall-introjtu ridistributtiv fil-forma ta' pagament diżakkoppjat annwali għal kull ettaru eliġibbli lill-bdiewa li huma intitolati għal pagament taħt l-appoġġ għall-introjtu bażiku msemmi fl-Artikolu 17. |

**Emenda 210**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 26 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu ammont għal kull ettaru jew ammonti differenti għal firxiet differenti ta' ettari***, kif ukoll in-numru massimu ta' ettari għal kull bidwi li għalih għandu jitħallas l-appoġġ għall-introjtu ridistributtiv***. | 3. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu ***pagament ekwivalenti għal*** ammont għal kull ettaru jew ammonti differenti għal firxiet differenti ta' ettari***. Huma jistgħu jiddifferenzjaw dawk l-ammonti b'mod konformi mat-territorji definiti skont l-Artikolu 18(2)***. |

**Emenda 211**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 26 – paragrafu 3a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3a. L-ammont tal-pagament ridistributtiv għal kull ettaru ma għandux jaqbeż il-65 % tal-appoġġ bażiku għall-introjtu għas-sostenibbiltà, b'mod konformi mal-medja nazzjonali jew territorjali, immultiplikata bin-numru ta' ettari eliġibbli.*** |

**Emenda 212**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 26 – paragrafu 3b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3b. In-numru ta' ettari eliġibbli għal kull bidwi ma għandux jaqbeż id-daqs medju nazzjonali tal-azjendi, jew id-daqs medju b'mod konformi mat-territorji definiti skont l-Artikolu 18(2). L-Istati Membri għandhom jagħtu aċċess għal dak il-pagament billi jibdew mill-ewwel ettaru eliġibbli tal-azjenda.*** |

**Emenda 213**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 26 – paragrafu 3c (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3c. L-Istati Membri għandhom jidentifikaw kriterji nondiskriminatorji, bl-objettiv stabbilit fil-punt (a) tal-Artikolu 6(1) għall-kalkolu tal-ammont li għandu jingħata għad-distribuzzjoni mill-ġdid, komplementari tal-introjtu għal sostenibbiltà fil-kuntest tal-Pjanijiet*** |

| | |
|---|---|
| | ***Strateġiċi tal-PAK, u għandhom jistabbilixxu wkoll limitu massimu finanzjarju li 'l fuq minnu l-azjendi agrikoli ma jkunux intitolati għall-pagament ridistributtiv. L-Istati Membri għandhom jikkunsidraw il-livell medju tal-introjtu tal-azjendi agrikoli fil-livell nazzjonali jew reġjonali. Fil-kriterji ta' distribuzzjoni, huma għandhom jikkunsidraw ukoll ir-restrizzjonijiet naturali u speċifiċi ffaċċjati minn ċerti reġjuni, inklużi reġjuni insulari, fl-iżvilupp tal-attività agrikola tagħhom.*** |

**Emenda 214**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 26 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***4. L-ammont għal kull ettaru ppjanat għal sena tat-talba partikolari ma għandux jaqbeż l-ammont medju nazzjonali tal-pagamenti diretti għal kull ettaru għal dik is-sena tat-talba.*** | ***imħassar*** |

**Emenda 215**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 26 – paragrafu 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***5. L-ammont medju nazzjonali tal-pagamenti diretti għal kull ettaru huwa definit bħala l-proporzjon tal-limitu massimu nazzjonali għall-pagamenti diretti għal sena tat-talba partikolari kif stabbiliti fl-Anness IV u l-outputs ippjanati totali għall-appoġġ għall-introjtu bażiku għad-dħul għas-sena tat-talba għal sena tat-talba partikolari, espress f'numru ta' ettari.*** | ***imħassar*** |

**Emenda 216**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 26 – paragrafu 5a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***5a. Fil-każ ta' persuna ġuridika, jew grupp ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi, l-Istati Membri jistgħu japplikaw in-numru massimu ta' ettari msemmi fil-paragrafu 3 fil-livell tal-membri ta' dawn il-persuni jew gruppi ġuridiċi fejn il-liġi nazzjonali tipprevedi li l-membri individwali jassumu d-drittijiet u l-obbligi komparabbli għal dawk ta' bdiewa individwali li għandhom l-istatus ta' kap ta' azjenda, b'mod partikolari fir-rigward tal-istatus ekonomiku, soċjali u tat-tassazzjoni tagħhom, sakemm ikunu kkontribwew għat-tisħiħ tal-istrutturi agrikoli tal-persuni jew gruppi ġuridiċi kkonċernati.*** |

**Emenda 217**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 26 – paragrafu 5b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***5b. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li ma jingħata l-ebda benefiċċju pprovdut skont dan il-kapitolu lill-bdiewa li għalihom jidher li dawn jaqsmu l-azjendi agrikoli tagħhom bl-uniku għan li jibbenefikaw mill-pagament ridistributtiv. Dan għandu japplika wkoll għall-bdiewa li l-azjendi tagħhom ikunu r-riżultat ta' dak il-qsim.*** |

**Emenda 218**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 27 – paragrafu 1**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri jistgħu jipprevedu appoġġ għall-introjtu komplementarju għall-bdiewa żgħażagħ bil-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u kif speċifikat aktar fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom. | 1. L-Istati Membri jistgħu jipprevedu appoġġ għall-introjtu komplementarju għall-bdiewa żgħażagħ***, definit b'mod konformi mal-kriterji stabbiliti fil-punt (d) tal-Artikolu 4(1),*** bil-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u kif speċifikat aktar fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom. |

**Emenda 219**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 27 – paragrafu 2**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| 2. Bħala parti mill-obbligi tagħhom biex ***jikkontribwixxu għall-objettiv speċifiku "nattiraw*** il-bdiewa żgħażagħ ***u niffaċilitaw l-iżvilupp tan-negozju fiż-żoni rurali"*** stabbilit fil-punt (g) tal-Artikolu 6(1) u biex jiddedikaw mill-inqas 2 % tal-allokazzjonijiet tagħhom tal-pagamenti diretti għal dan l-objettiv skont l-Artikolu 86(4), l-Istati Membri jistgħu jipprovdu appoġġ għall-introjtu komplementarju għall-bdiewa żgħażagħ li għadhom kif twaqqfu għall-ewwel darba u li huma intitolati għal pagament taħt l-appoġġ għall-introjtu bażiku kif imsemmi fl-Artikolu 17. | 2. Bħala parti mill-obbligi tagħhom biex ***jattiraw*** il-bdiewa żgħażagħ ***f'konformità mal-objettiv*** stabbilit fil-punt (g) tal-Artikolu 6(1) u biex jiddedikaw mill-inqas 2 % tal-allokazzjonijiet tagħhom tal-pagamenti diretti għal dan l-objettiv***,*** skont l-Artikolu 86(4), l-Istati Membri jistgħu jipprovdu appoġġ għall-introjtu komplementarju għall-bdiewa żgħażagħ li għadhom kif twaqqfu għall-ewwel darba ***bħala kap tal-azjenda*** u li huma intitolati għal pagament taħt l-appoġġ għall-introjtu bażiku kif imsemmi fl-Artikolu 17. |

**Emenda 220**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 27 – paragrafu 3**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| 3. L-appoġġ għall-introjtu komplementarju għall-bdiewa żgħażagħ għandu jieħu l-forma ta' pagament diżakkoppjat annwali għal kull ettaru | 3. L-appoġġ għall-introjtu komplementarju għall-bdiewa żgħażagħ għandu ***jingħata għal perjodu massimu ta' 7 snin, li jibda mid-data tal-preżentazzjoni tal-applikazzjoni għall-pagament għall-*** |

eliġibbli.

***bdiewa żgħażagħ, u għandu*** jieħu l-forma ta' pagament diżakkoppjat annwali għal kull ettaru eliġibbli. ***Jista' jiġi kkalkolat fil-livell nazzjonali jew abbażi tat-territorji definiti b'mod konformi mal-Artikolu 18(2).***

**Emenda 221**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 27 – paragrafu 3a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3a. Il-bdiewa żgħażagħ li fl-aħħar sena ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) 1307/2013 ikunu rċevew l-appoġġ imsemmi fl-Artikolu 50 ta' dak ir-Regolament jistgħu jirċievu l-appoġġ previst f'dan l-Artikolu għal perjodu totali massimu msemmi fil-paragrafu 3.*** |

**Emenda 222**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 27 – paragrafu 3b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3b. Il-pagament għandu jingħata għal numru ta' ettari li ma jaqbiżx id-daqs medju tal-azjendi agrikoli fil-livell nazzjonali jew skont it-territorji definiti fl-Artikolu 18(2).*** |

**Emenda 223**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 27 – paragrafu 3c (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3c. L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu dispożizzjonijiet speċifiċi relatati ma' bdiewa żgħażagħ li jappartjenu għal gruppi ta' bdiewa,*** |

***organizzazzjonijiet tal-produtturi jew kooperattivi bl-għan li jiżguraw li ma jitilfux l-appoġġ skont dan l-Artikolu meta jissieħbu ma' dawn l-entitajiet.***

**Emenda 224**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 28 – titolu**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Skemi għall-klima u ***għall-ambjent*** | Skemi għall-klima***, għall-ambjent*** u ***għall-benessri tal-annimali*** |

**Emenda 225**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 28 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri għandhom ***jipprevedu*** appoġġ għall-iskemi volontarji għall-klima u ***għall-ambjent*** ("ekoskemi") bil-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u kif speċifikat aktar fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom. | 1. L-Istati Membri għandhom ***jistabbilixxu u jipprovdu*** appoġġ għall-iskemi volontarji għall-klima***, għall-ambjent*** u ***għall-benessri tal-annimali*** ("ekoskemi") bil-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u kif speċifikat aktar fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom. |

**Emenda 226**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 28 – paragrafu 1 – subparagrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Dak l-appoġġ għandu jkollu l-għan li jippreserva l-prattiki ta' benefiċċju u/jew jippromwovi l-konverżjoni meħtieġa lejn prattiki u tekniki li jikkontribwixxu b'mod qawwi għall-ambjent u l-klima.*** |
| | ***L-appoġġ jista' jiġi dirett lejn impenji għal prattiki agrikoli f'setturi speċifiċi u/jew żoni ġeografiċi definiti mill-Istati Membri.*** |

| | |
|---|---|
| | ***Żoni magħżula skont id-Direttivi 92/43/KEE jew 2009/147/KE, għandhom jitqiesu eliġibbli għall-iskema b'mod awtomatiku.*** |

**Emenda 227**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 28 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Taħt dan it-tip ta' intervent l-Istati Membri għandhom jappoġġaw lill-bdiewa ***ġenwini*** li jieħdu impenji biex josservaw, ***fuq ettari eliġibbli, il-prattiki agrikoli*** li huma ta' benefiċċju għall-klima u ***għall-ambjent***. | 2. Taħt dan it-tip ta' intervent l-Istati Membri għandhom jappoġġaw lill-bdiewa ***attivi jew gruppi ta' bdiewa*** li jieħdu impenji biex josservaw, ***il-prattiki agrikoli u skemi ċċertifikati*** li huma ta' benefiċċju għall-klima***, għall-ambjent*** u ***għall-benessri tal-annimali, li jwasslu għall-kisba ta' wieħed jew aktar mill-objettivi speċifiċi definiti fil-punti (d), (e), (f) u (i) tal-Artikolu 6(1), u huma mfasssla apposta biex jindirizzaw ħtiġijiet nazzjonali jew reġjonali speċifiċi***. |

**Emenda 228**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 28 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. ***L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu l-lista*** ta' ***prattiki agrikoli*** li ***huma*** ta' benefiċċju għall-klima u ***għall-ambjent***. | 3. ***Il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati, fi żmien [xahrejn wara d-dħul fis-seħħ*** ta' ***dan ir-Regolament], b'mod konformi mal-Artikolu 138,*** li ***jissupplimentaw dan ir-Regolament billi tistabbilixxi katalogu ta' eżempji ta' prattiki agrikoli*** ta' benefiċċju għall-klima***, għall-ambjent*** u ***għall-benessri tal-annimali, filwaqt li jitqiesu l-kundizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu***. |
| | ***L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu, f'kooperazzjoni mal-partijiet ikkonċernati nazzjonali, reġjonali u lokali, listi*** |

| | |
|---|---|
| | ***nazzjonali komplementarji jew imfassla mill-eżempji fil-katalogu msemmi fil-paragrafu preċedenti biex jitqiesu l-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom.*** <br> ***Dawn il-listi jistgħu jikkonsistu minn miżuri ta' natura differenti għal dawk koperti mill-Artikolu 65, jew miżuri tal-istess natura iżda b'livell ta' ambizzjoni differenti. Il-bdiewa jistgħu jagħżlu tal-anqas waħda minnhom sabiex ikunu eliġibbli għall-għajnuna.*** |

**Emenda 229**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 28 – paragrafu 3a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3a. L-Istati Membri għandhom, tal-anqas, jinkludu f'dawk il-listi ekoskemi biex jiġi stabbilit sehem minimu ta' żona agrikola ddedikat għal karatteristiċi jew żoni mhux produttivi, l-użu ta' għodda tal-azjendi agrikoli għall-ġestjoni sostenibbli tan-nutrijenti, u, fejn applikabbli, il-manutenzjoni xierqa ta' art mistagħdra u torbiera.*** |

**Emenda 230**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 28 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. ***Dawk*** il-prattiki ***għandhom jitfasslu*** biex ***jissodisfaw*** wieħed jew aktar mill-objettivi speċifiċi relatati mal-ambjent u ***mal-klima*** stipulati fil-punti (d), (e) u (***f***) tal-Artikolu 6(1). | 4. ***Kull waħda minn dawk*** il-prattiki ***għandha titfassal*** biex ***tissodisfa*** wieħed jew aktar mill-objettivi speċifiċi relatati mal-ambjent***, mal-klima*** u ***mal-benessri tal-annimali*** stipulati fil-punti (d), (e)***, (f)*** u (***i***) tal-Artikolu 6(1). |

**Emenda 231**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 28 – paragrafu 5 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) jmorru lil hinn mir-rekwiżiti minimi ***għall-użu*** tal-fertilizzanti u l-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, ***il-benessri tal-annimali,*** kif ukoll kull rekwiżit obbligatorju stabbilit ***mill-liġi nazzjonali u*** mid-dritt tal-Unjoni; | (b) jmorru lil hinn mir-rekwiżiti minimi ***għall-benessri tal-annimali u għat-tnaqqis tal-użu*** tal-fertilizzanti u l-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, kif ukoll kull rekwiżit obbligatorju stabbilit mid-dritt tal-Unjoni; |

**Emenda 232**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 28 – paragrafu 5 – punt d**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (d) huma differenti ***mill-impenji*** li fir-rigward tagħhom jingħataw il-pagamenti skont l-Artikolu 65. | (d) huma differenti ***minn jew komplementari għall-impenji*** li fir-rigward tagħhom jingħataw il-pagamenti skont l-Artikolu 65. |

**Emenda 233**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 28 – paragrafu 5 – punt da (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(da) jikkontribwixxu għaż-żamma tal-prattiki li huma ta' benefiċċju għall-ambjent.*** |

**Emenda 234**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 28 – paragrafu 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. L-appoġġ għall-ekoskemi għandu jieħu l-forma ta' pagament annwali għal | 6. L-appoġġ għall-ekoskemi għandu jieħu l-forma ta' pagament annwali għal |

| | |
|---|---|
| kull ettaru eliġibbli u għandu jingħata ***jew:*** | kull ettaru eliġibbli u***/jew pagament għal kull azjenda agrikola, u*** għandu jingħata ***bħala pagamenti ta' inċentiv li jmorru lil hinn mill-kumpens ta' spejjeż addizzjonali mġarrba u l-introjtu mitluf, li jistgħu jikkonsistu minn somma f'daqqa.*** |
| ***(a) bħala pagamenti addizzjonali għall-appoġġ għall-introjtu bażiku kif stabbilit fis-Subtaqsima 2 ta' din it-Taqsima; jew*** | |
| ***(b) bħala pagamenti li jikkumpensaw lill-benefiċjarji għall-ispejjeż addizzjonali mġarrba kollha jew parti minnhom u l-introjtu mitluf bħala riżultat tal-impenji, kif stabbilit skont l-Artikolu 65.*** | |

**Emenda 235**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 28 – paragrafu 6 – subparagrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Il-livell tal-pagamenti għandu jvarja skont il-livell ta' ambizzjoni ta' sostenibbiltà ta' kull intervent jew sett ta' interventi, abbażi ta' kriterji nondiskriminatorji, sabiex jiġi offrut inċentiv effettiv għall-parteċipazzjoni.*** |

**Emenda 236**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 28 – paragrafu 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 7. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-interventi skont dan l-Artikolu jkunu konsistenti ma' dawk mogħtija skont l-Artikolu 65. | 7. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-interventi skont dan l-Artikolu jkunu konsistenti ma' dawk mogħtija skont l-Artikolu 65***, filwaqt li jiżguraw id-delimitazzjoni adegwata bejn iż-żewġ tipi ta' interventi. Meta d-distinzjoni bejn l-interventi deċiżi skont iż-żewġ Artikoli tkun il-livell tal-ambizzjoni ambjentali, l-Istat Membru għandu jevita l-*** |

| | |
|---|---|
| | ***finanzjament doppju.*** |

**Emenda 237**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 28 – paragrafu 8**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***8. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 138 li jissuplimentaw dan ir-Regolament b'regoli oħra dwar l-ekoskemi.*** | ***imħassar*** |

**Emenda 238**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 28a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 28a*** |
| | ***Skemi għat-tisħiħ tal-kompetittività*** |
| | ***1. L-Istati Membri għandhom jipprovdu appoġġ għall-iskemi volontarji għat-tisħiħ tal-kompetittività (skemi li jsaħħu l-kompetittività) taħt il-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u kif speċifikat aktar fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom.*** |
| | ***2. Taħt dan it-tip ta' intervent l-Istati Membri għandhom jappoġġaw lill-bdiewa attivi li jimpenjaw infiq li jkun ta' benefiċċju għat-tisħiħ tal-kompetittività agrikola tal-bidwi.*** |
| | ***3. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu l-lista eliġibbli ta' kategoriji ta' nfiq li jkun ta' benefiċċju għat-tisħiħ tal-kompetittività agrikola tal-bidwi.*** |
| | ***4. Dawk il-prattiki għandhom jitfasslu biex jissodisfaw wieħed jew aktar mill-objettivi ekonomiċi speċifiċi stabbiliti fil-punti (a), (b) u (c) tal-Artikolu 6(1) u jikkontribwixxu għall-objettiv orizzontali*** |

***kif stabbilit fl-Artikolu 5.***

***5. Taħt dan it-tip ta' interventi, l-Istati Membri għandhom jipprovdu biss pagamenti li jkopru l-impenji li ma jirriżultawx f'finanzjament doppju fir-rigward ta' dan ir-Regolament.***

***6. L-appoġġ għall-iskemi li jsaħħu l-kompetittività għandu jieħu l-forma ta' pagament annwali u għandu jingħata jew:***

***(a) bħala pagamenti bbażati fuq ettari eliġibbli addizzjonali għall-appoġġ għall-introjtu bażiku kif stabbilit fis-Subtaqsima 2 ta' din it-Taqsima; jew***

***(b) pagamenti li jikkumpensaw lill-benefiċjarji għall-ispejjeż imġarrba kollha jew parti minnhom; jew***

***(c) ibbażati fuq output rilevanti għal dan it-tip ta' intervent***

***7. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-interventi skont dan l-Artikolu jkunu konsistenti ma' dawk mogħtija skont l-Artikoli 27, 28, 65, 68, 69, 70, 71 u 72.***

***8. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 138 li jissuplimentaw dan ir-Regolament b'regoli oħra dwar l-iskemi li jsaħħu l-kompetittività.***

**Emenda 239**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 29 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri jistgħu ***jipprevedu*** appoġġ għall-introjtu akkoppjat lill-bdiewa ***ġenwini*** bil-kundizzjonijiet stabbiliti f'din is-Subtaqsima u kif speċifikat aktar fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom. | 1. L-Istati Membri jistgħu ***jagħtu*** appoġġ għall-introjtu akkoppjat lill-bdiewa ***attivi*** bil-kundizzjonijiet stabbiliti f'din is-Subtaqsima u kif speċifikat aktar fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom. |

**Emenda 240**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 29 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. L-interventi tal-Istati Membri għandhom jgħinu lis-setturi u lill-produzzjonijiet appoġġati jew it-tipi speċifiċi ta' biedja tagħhom elenkati fl-Artikolu 30 li jindirizzaw id-diffikultà jew id-diffikultajiet li jkollhom minħabba li jtejbu l-kompetittività tagħhom, is-sostenibbiltà tagħhom jew il-kwalità tagħhom. | 2. L-interventi tal-Istati Membri għandhom jgħinu lis-setturi u lill-produzzjonijiet appoġġati jew it-tipi speċifiċi ta' biedja tagħhom elenkati fl-Artikolu 30 li jindirizzaw id-diffikultà jew id-diffikultajiet li jkollhom minħabba li jtejbu l-kompetittività tagħhom, ***l-istrutturar tagħhom,*** is-sostenibbiltà tagħhom jew il-kwalità tagħhom. ***Barra minn hekk, dawn l-interventi jridu jkunu konsistenti mal-objettivi speċifiċi rilevanti stabbiliti fl-Artikolu 6(1).*** |

**Emenda 241**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 29 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. L-appoġġ ***għall-introjtu akkoppjat għandu jieħu*** l-forma ta' pagament annwali ***għal kull ettaru*** jew għal kull ***annimal***. | 3. L-appoġġ ***akkoppjat huwa skema li tillimita l-produzzjoni li għandha tieħu*** l-forma ta' pagament annwali ***ibbażat fuq żoni u rendimenti fissi*** jew ***fuq numru fiss ta' annimali u għandu jirrispetta l-limiti massimi finanzjarji li għandhom jiġu determinati mill-Istati Membri*** għal kull ***miżura u nnotifikati lill-Kummissjoni***. |

**Emenda 242**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 29 – paragrafu 3a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3a. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jpoġġu fil-mira jew iżidu l-għajnuna akkoppjata skont l-impenn tal-benefiċjarju li jtejjeb il-kompetittività, il-*** |

| | |
|---|---|
| | ***kwalità jew l-istrutturar tas-settur tiegħu.*** |

**Emenda 243**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 30 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-appoġġ għall-introjtu akkoppjat jista' biss jingħata lis-setturi u lill-produzzjonijiet li ġejjin jew tipi speċifiċi ta' biedja ***fihom fejn dawn ikunu importanti għal raġunijiet ekonomiċi, soċjali jew ambjentali***: ċereali, żrieragħ taż-żjut, għelejjel li fihom il-proteini, legumi tal-qamħ, kittien, qanneb, ross, ġewż, patata tal-lamtu, ħalib u prodotti tal-ħalib, żrieragħ, laħam tan-nagħaġ u laħam tal-mogħoż, ċanga u vitella, żejt taż-żebbuġa, dud tal-ħarir, foraġġ niexef, ħops, pitravi, kannamiela u ċikwejra, frott u ħxejjex, msajġar b'newba qasira ***u għelejjel oħra mhux tal-ikel, esklużi s-siġar, li jintużaw għall-produzzjoni tal-prodotti li għandhom il-potenzjal li jissosstitwixxu l-materjali fossili***. | L-appoġġ għall-introjtu akkoppjat jista' biss jingħata lis-setturi u lill-produzzjonijiet li ġejjin jew tipi speċifiċi ta' biedja: ċereali, żrieragħ taż-żjut, għelejjel li fihom il-proteini, legumi tal-qamħ, kittien, qanneb, ross, ġewż, patata tal-lamtu, ħalib u prodotti tal-ħalib, żrieragħ, laħam tan-nagħaġ u laħam tal-mogħoż, ċanga u vitella, żejt taż-żebbuġa, dud tal-ħarir, foraġġ niexef, ħops, pitravi, kannamiela u ċikwejra, frott u ħxejjex, msajġar b'newba qasira. |

**Emenda 244**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 31 – paragrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. Bħala deroga mill-paragrafu 1, l-appoġġ akkoppjat jista' jingħata lill-bdiewa li m'għandhomx ettari eliġibbli għad-dispożizzjoni tagħhom.***<br>***Meta jagħtu l-appoġġ akkoppjat, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kundizzjonijiet li ġejjin ikunu ssodisfati:***<br>***(a) ikun hemm ħtieġa jew benefiċċju ambjentali, jew soċjoekonomiku ċar;***<br>***(b) l-appoġġ ma joħloqx tfixkil*** |

***maġġuri fis-suq intern; kif ukoll***

***(c) l-appoġġ għall-produzzjoni tal-bhejjem għandu jkun konsistenti mad-Direttiva 2000/60/KE.***

**Emenda 245**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 33**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***[...]*** | ***imħassar*** |

**Emenda 246**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 34 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri għandhom jagħtu pagament speċifiku għall-qoton lill-bdiewa ***ġenwini*** li jipproduċu l-qoton li jaqa' taħt il-kodiċi NM 5201 00 bil-kundizzjonijiet stipulati f'din is-Subtaqsima. | L-Istati Membri għandhom jagħtu pagament speċifiku għall-qoton lill-bdiewa ***attivi*** li jipproduċu l-qoton li jaqa' taħt il-kodiċi NM 5201 00 bil-kundizzjonijiet stipulati f'din is-Subtaqsima. |

**Emenda 247**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 36 – paragrafu 3 – inċiż 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| – Il-Bulgarija: EUR ***624,11***, | – Il-Bulgarija: EUR ***X***, |

**Emenda 248**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 36 – paragrafu 3 – inċiż 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| – Il-Greċja: EUR ***225,04***, | – Il-Greċja: EUR ***X***, |

**Emenda 249**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 36 – paragrafu 3 – inċiż 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| – Spanja: EUR ***348,03***, | – Spanja: EUR ***X***, |

**Emenda 250**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 36 – paragrafu 3 – inċiż 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| – Il-Portugall: EUR ***219,09*** | – Il-Portugall: EUR ***X***, |

**Emenda 251**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 39 – paragrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) is-settur tal-frott u l-ħaxix, kif imsemmi fil-punt (i) tal-Artikolu 1(2) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013; | (a) is-settur tal-frott u l-ħaxix, kif imsemmi fil-punt (i) tal-Artikolu 1(2) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 ***u tali prodotti bħal dawk li huma allokati għall-ipproċessar***; |

**Emenda 252**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 39 – paragrafu 1 – punt f**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (f) setturi oħrajn imsemmijin fil-punti (a) sa (h), (k), (m), (o) sa (t) u (w) tal-Artikolu 1(2) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013. | (f) setturi oħrajn imsemmijin fil-punti (a) sa (h), (k), (m), (o) sa (t) u (w) tal-Artikolu 1(2) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013***, kif ukoll għelejjel tal-*** |

| | |
|---|---|
| | ***proteina*.** |

**Emenda 253**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 40 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Fil-Pjan Strateġiku tal-PAK tagħhom l-Istati Membri jistgħu jagħżlu li jimplimentaw it-tipi ta' interventi settorjali msemmija fil-punti (d), (e) u (f) tal-Artikolu 39**.** | 3. Fil-Pjan Strateġiku tal-PAK tagħhom l-Istati Membri jistgħu jagħżlu li jimplimentaw it-tipi ta' interventi settorjali msemmija fil-punti (d), (e) u (f) tal-Artikolu 39***, u għandhom jissostanzjaw l-għażla tas-setturi u t-tip ta' interventi tagħhom.*** |

**Emenda 254**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 41 – paragrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) l-iżgurar tal-funzjonament tajjeb tat-tipi ta' interventi stipulati f'dan il-Kapitolu; | (a) l-iżgurar tal-funzjonament tajjeb tat-tipi ta' interventi stipulati f'dan il-Kapitolu***, b'mod partikolari bil-ħsieb li jiġi evitat it-tfixkil fil-kompetizzjoni fis-suq intern***; |

**Emenda 255**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 41 – paragrafu 1 – punt aa (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(aa) il-provvista ta' appoġġ għal organizzazzjonijiet tal-produtturi fir-rigward tat-twettiq tagħhom tal-kompiti speċifiċi skont dan il-Kapitolu;*** |

**Emenda 256**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 41 – paragrafu 1 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) il-livell massimu tal-assistenza finanzjarja mill-Unjoni għall-irtirar mis-suq imsemmi fil-punt (a) tal-Artikolu 46(4) u għat-tipi ta' interventi msemmija fl-Artikolu 52(3); | (c) il-livell massimu tal-assistenza finanzjarja mill-Unjoni għall-irtirar mis-suq imsemmi fil-punt (a) tal-Artikolu 46(4) u għat-tipi ta' interventi msemmija fl-Artikolu 52(3)***, kif ukoll rati fissi għall-imballaġġ u t-trasport għal prodotti rtirati għal distribuzzjoni u proċessar mingħajr ħlas qabel il-konsenja għal dak il-għan***; |

**Emenda 257**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 41 – paragrafu 1 – punt ca (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ca) l-istabbiliment tal-kundizzjonijiet għat-twaqqif u l-ġestjoni tal-fond operattiv kif ukoll talbiet għal għajnuna u ħlasijiet bil-quddiem.*** |

**Emenda 258**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 42 – paragrafu 1 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Għandhom jiġu segwiti l-objettivi li ġejjin fis-settur tal-frott u l-ħaxix: | ***F'konformità mal-Artikoli 5 u 6,*** għandhom jiġu segwiti l-objettivi li ġejjin fis-settur tal-frott u l-ħaxix: |

**Emenda 259**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 42 – paragrafu 1 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) il-konċentrazzjoni tal-provvista u t-tqegħid fis-suq tal-prodotti tas-settur tal-frott u l-ħaxix, inkluż permezz tal- | (b) il-konċentrazzjoni tal-provvista u t-tqegħid fis-suq tal-prodotti tas-settur tal-frott u l-ħaxix, inkluż permezz tal- |

| | |
|---|---|
| kummerċjalizzazzjoni diretta; dawk l-objettivi huma relatati mal-objettivi speċifiċi stabbiliti fil-punti (a) u (c) tal-Artikolu 6(1); | kummerċjalizzazzjoni diretta ***u ktajjen tal-provvista qosra, kif ukoll il-promozzjoni tan-negozjar kollettiv ta' kuntratti***; dawk l-objettivi huma relatati mal-objettivi speċifiċi stabbiliti fil-punti (a***), (b)*** u (c) tal-Artikolu 6(1); |

**Emenda 260**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 42 – paragrafu 1 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) ir-riċerka u l-iżvilupp ta' metodi ta' produzzjoni sostenibbli, inkluż ir-reżiljenza għall-organiżmi ta' ħsara, ta' prattiki innovattivi li jsaħħu l-kompetittività ekonomika u l-iżviluppi tas-suq; dawk l-objettivi huma relatati mal-objettivi speċifiċi stabbiliti fil-punti (a), (c) u (i) tal-Artikolu 6(1); | (c) ***l-applikazzjoni,*** ir-riċerka u l-iżvilupp ta' metodi ta' produzzjoni sostenibbli, inkluż ir-reżiljenza għall-organiżmi ta' ħsara, ta' prattiki innovattivi li jsaħħu l-kompetittività ekonomika u l-iżviluppi tas-suq; dawk l-objettivi huma relatati mal-objettivi speċifiċi stabbiliti fil-punti (a), ***(b),*** (c) u (i) tal-Artikolu 6(1); |

**Emenda 261**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 42 – paragrafu 1 – punt d**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (d) l-iżvilupp, l-implimentazzjoni u l-promozzjoni ta' metodi ta' produzzjoni li jirrispettaw l-ambjent, prattiki ta' kultivazzjoni u tekniki ta' produzzjoni ambjentalment sani, l-użu sostenibbli tar-riżorsi naturali b'mod partikolari l-protezzjoni tal-ilma, tal-ħamrija u riżorsi naturali oħra; dawk l-objettivi huma relatati mal-objettivi speċifiċi stabbiliti fil-punti ***(e) u (f)*** tal-Artikolu 6(1); | (d) l-iżvilupp, l-implimentazzjoni u l-promozzjoni ta' metodi ta' produzzjoni li jirrispettaw l-ambjent, prattiki ta' kultivazzjoni u tekniki ta' produzzjoni ambjentalment sani, l-użu sostenibbli tar-riżorsi naturali b'mod partikolari l-protezzjoni tal-ilma, tal-ħamrija u riżorsi naturali oħra; dawk l-objettivi huma relatati mal-objettivi speċifiċi stabbiliti fil-punti ***(d), (e), (f) u (i)*** tal-Artikolu 6(1); |

**Emenda 262**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 42 – paragrafu 1 – punt f**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (f) it-tisħiħ tal-valur kummerċjali u tal-kwalità tal-prodotti, inkluż it-titjib ***tal-kwalità*** tal-prodotti u l-iżvilupp ta' prodotti b'Denominazzjoni tal-Oriġini Protetta, b'Indikazzjoni Ġeografika Protetta jew koperti bi skemi ta' kwalità ***nazzjonali***; dawk l-objettivi huma relatati mal-objettiv speċifiku stabbilit fil-punti (b) tal-Artikolu 6(1); | (f) it-tisħiħ tal-valur kummerċjali***,*** u tal-kwalità tal-prodotti, inkluż it-titjib tal-prodotti ***għall-ipproċessar,*** u l-iżvilupp ta' prodotti b'Denominazzjoni tal-Oriġini Protetta, b'Indikazzjoni Ġeografika Protetta***,*** jew koperti bi skemi ta' kwalità ***pubbliċi jew privati oħra***; dawk l-objettivi huma relatati mal-objettiv speċifiku stabbilit fil-punti (b) tal-Artikolu 6(1); |

**Emenda 263**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 42 – paragrafu 1 – punt g**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (g) il-promozzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti tas-settur tal-frott u l-ħaxix, fil-forma friska jew ipproċessata; dawk l-objettivi huma relatati mal-objettivi speċifiċi stabbiliti fil-punti (b) ***u*** (c) tal-Artikolu 6(1); | (g) il-promozzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti tas-settur tal-frott u l-ħaxix, fil-forma friska jew ipproċessata; dawk l-objettivi huma relatati mal-objettivi speċifiċi stabbiliti fil-punti (b)***,*** (c) ***u (i)*** tal-Artikolu 6(1); |

**Emenda 264**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 42 – paragrafu 1 – punt i**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (i) il-prevenzjoni tal-kriżijiet u l-ġestjoni tar-riskju, bl-għan li jiġu evitati l-kriżijiet u jiġu indirizzati dawn il-kriżijiet fis-swieq tal-frott u l-ħaxix; dawk l-objettivi huma relatati mal-objettivi speċifiċi stabbiliti fil-punti (a), (b) u (c) tal-Artikolu 6(1)***.*** | (i) il-prevenzjoni tal-kriżijiet u ***l-mitigazzjoni u*** l-ġestjoni tar-riskju***, inklużi aspetti fitosanitarji***, bl-għan li jiġu evitati l-kriżijiet u jiġu indirizzati dawn il-kriżijiet fis-swieq tal-frott u l-ħaxix; dawk l-objettivi huma relatati mal-objettivi speċifiċi stabbiliti fil-punti (a), (b) u (c) tal-Artikolu 6(1)***;*** |

**Emenda 265**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 42 – paragrafu 1 – punt ia (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ia) il-ġestjoni u t-tnaqqis tal-prodotti sekondarji u l-iskart;*** |

**Emenda 266**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 42 – paragrafu 1– punt ib (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ib) il-promozzjoni tad-diversità ġenetika.*** |

**Emenda 267**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 43 – paragrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) investimenti f'assi tanġibbli u intanġibbli, ***b'mod partikolari ffokati*** fuq l-iffrankar tal-ilma, l-iffrankar tal-enerġija, l-imballaġġ ekoloġiku u ***t-tnaqqis*** tal-iskart; | (a) investimenti f'assi tanġibbli u intanġibbli, ***inkluż dawk iffokati*** fuq l-iffrankar tal-ilma ***u l-kwalità tal-ilma***, ***il-ġenerazzjoni u*** l-iffrankar tal-enerġija, l-imballaġġ ekoloġiku***, it-tnaqqis tal-iskart*** u ***l-monitoraġġ tal-flussi*** tal-iskart; |

**Emenda 268**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 43 – paragrafu 1 – punt aa (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(aa) l-ippjanar u l-aġġustament tal-produzzjoni għad-domanda, b'mod partikolari f'termini ta' kwalità u kwantità, ta' prodotti tas-settur tal-frott u l-ħaxix;*** |

**Emenda 269**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 43 – paragrafu 1 – punt ab (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ab) azzjonijiet għaż-żieda fil-valur kummerċjali ta' prodotti;*** |

**Emenda 270**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 43 – paragrafu 1 – punt ac (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ac) il-ħżin kollettiv tal-prodotti magħmula mill-organizzazzjoni tal-produtturi jew mill-membri tal-organizzazzjoni tal-produtturi;*** |

**Emenda 271**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 43 – paragrafu 1 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) ir-riċerka u l-produzzjoni sperimentali, ***b'mod partikolari ffokati fuq l-iffrankar*** tal-ilma, l-iffrankar tal-enerġija, l-imballaġġ ekoloġiku, it-tnaqqis tal-iskart, ir-reżiljenza għall-organiżmi ta' ħsara, it-tnaqqis tar-riskji u l-impatti tal-użu tal-pestiċidi, il-prevenzjoni ta' ħsara kkawżata minn avvenimenti klimatiċi avversi u t-tisħiħ tal-użu tal-varjetajiet ta' frott u ħaxix adattati għall-kundizzjonijiet klimatiċi li jinbidlu; | (b) ir-riċerka u l-produzzjoni sperimentali, ***iffokati fuq miżuri bħall-iffrankar u l-kwalità*** tal-ilma, ***il-ġenerazzjoni u*** l-iffrankar tal-enerġija, l-imballaġġ ekoloġiku, it-tnaqqis tal-iskart, ir-reżiljenza għall-organiżmi ta' ħsara, ***il-Ġestjoni Integrata tal-Organiżmi ta' Ħsara (IPM),*** it-tnaqqis tar-riskji u l-impatti tal-użu tal-pestiċidi***, il-preservazzjoni tad-dakkara***, il-prevenzjoni ta' ħsara kkawżata minn avvenimenti klimatiċi avversi u t-tisħiħ tal-użu tal-varjetajiet ta' frott u ħaxix adattati għall-kundizzjonijiet klimatiċi li jinbidlu; |

**Emenda 272**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 43 – paragrafu 1 – punt ca (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ca) azzjonijiet immirati lejn it-titjib ambjentali u l-adattament għat-tibdil fil-klima u l-mitigazzjoni tiegħu;*** |

**Emenda 273**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 43 – paragrafu 1 – punt d**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (d) il-produzzjoni integrata; | (d) il-produzzjoni integrata***, il-promozzjoni tal-użu sostenibbli ta' riżorsi naturali filwaqt li titnaqqas id-dipendenza fuq il-pestiċidi u inputs oħrajn***; |

**Emenda 274**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 43 – paragrafu 1 – punt e**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (e) l-azzjonijiet biex tiġi konservata ***l-ħamrija*** u biex jissaħħaħ ***l-karbonju*** fil-ħamrija; | (e) l-azzjonijiet biex tiġi konservata ***u tinbena mill-ġdid l-istruttura tal-ħamrija*** u biex jissaħħaħ ***il-karbonju*** fil-ħamrija ***inkluż biex tiġi evitata d-degradazzjoni tal-ħamrija***; |

**Emenda 275**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 43 – paragrafu 1 – punt h**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (h) l-azzjonijiet li jtejbu r-reżiljenza għall-organiżmi ta' ħsara; | (h) l-azzjonijiet li jtejbu r-reżiljenza għall-organiżmi ta' ħsara ***u għall-mitigazzjoni tal-ħsara mill-organiżmi ta'*** |

| | |
|---|---|
| | ***ħsara, inkluż bil-promozzjoni ta' IPM***; |

**Emenda 276**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 43 – paragrafu 1 – punt ha (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ha) l-azzjonijiet biex jiġu introdotti s-sistemi tal-produzzjoni li jagħtu spinta b'mod speċjali lid-diversità bijoloġika u strutturali;*** |

**Emenda 277**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 43 – paragrafu 1 – punt k**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (k) l-azzjonijiet biex tiżdied is-sostenibbiltà u l-effiċjenza tat-trasport u tal-ħżin tal-prodotti tas-settur tal-frott u l-ħaxix; | (k) l-azzjonijiet biex tiżdied is-sostenibbiltà u l-effiċjenza tat-trasport u tal-ħżin tal-prodotti tas-settur tal-frott u l-ħaxix ***u biex jiġu promossi ktajjen tal-provvista qosra***; |

**Emenda 278**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 43 – paragrafu 1 – punt m**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (m) l-implimentazzjoni ta' skemi ta' kwalità tal-Unjoni u ***nazzjonali***; | (m) l-implimentazzjoni ta' skemi ta' kwalità tal-Unjoni u ***skemi pubbliċi u privati oħra, irregolati mis-settur pubbliku jew privat***; |

**Emenda 279**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 43 – paragrafu 1 – punt n**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (n) il-promozzjoni u l-komunikazzjoni, inklużi azzjonijiet u attivitajiet li jimmiraw għad-diversifikazzjoni u l-konsolidazzjoni tas-swieq tal-frott u l-ħaxix ***u*** għall-informazzjoni dwar il-vantaġġi tal-konsum tal-frott u l-ħaxix għas-saħħa; | (n) il-promozzjoni u l-komunikazzjoni, inklużi azzjonijiet u attivitajiet li jimmiraw għad-diversifikazzjoni u l-konsolidazzjoni tas-swieq tal-frott u l-ħaxix***, għat-tiftix ta' swieq ġodda, kif ukoll*** għall-informazzjoni dwar il-vantaġġi tal-konsum tal-frott u l-ħaxix għas-saħħa; |

**Emenda 280**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 43 – paragrafu 1 – punt o**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (o) is-servizzi konsultattivi u l-assistenza teknika, ***b'mod partikolari*** dwar it-tekniki sostenibbli għall-kontroll tal-organiżmi ta' ħsara, l-użu sostenibbli tal-pestiċidi l-adattament u l-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima; | (o) is-servizzi konsultattivi***,*** u l-assistenza teknika, ***inkluż dawk*** dwar it-tekniki sostenibbli għall-kontroll tal-organiżmi ta' ħsara, l-użu sostenibbli ***u t-tnaqqis*** tal-pestiċidi***, l-IPM,*** l-adattament u l-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima***, il-prattiki agroekoloġiċi, it-titjib tal-kwalità tal-prodotti u l-kundizzjonijiet tal-kummerċjalizzazzjoni, kif ukoll dawk relatati man-negozjar, u l-applikazzjoni tal-protokolli fitosanitarji għal esportazzjonijiet lejn pajjiżi terzi***; |

**Emenda 281**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 43 – paragrafu 1 – punt p**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (p) it-taħriġ u l-iskambju tal-aħjar prattiki ***b'mod partikolari*** dwar it-tekniki sostenibbli għall-kontroll tal-organiżmi ta' ħsara, l-użu sostenibbli tal-pestiċidi u l-kontribuzzjoni għall-adattament u għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima***.*** | (p) it-taħriġ u l-iskambju tal-aħjar prattiki ***inkluż dawk*** dwar it-tekniki sostenibbli għall-kontroll tal-organiżmi ta' ħsara, ***alternattivi għall-pestiċidi,*** l-użu sostenibbli ***u t-tnaqqis*** tal-pestiċidi u l-kontribuzzjoni għall-adattament u għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima***;*** |

**Emenda 282**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 43 – paragrafu 1 – punt pa (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(pa) azzjonijiet immirati lejn it-titjib tal-kwalità permezz tal-innovazzjoni;*** |

**Emenda 283**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 43 – paragrafu 1 – punt pb (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(pb) it-twaqqif ta' sistemi ta' traċċabbiltà/ċertifikazzjoni.*** |

**Emenda 284**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 43 – paragrafu 2 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) l-investimenti f'assi tanġibbli u intanġibbli li jagħmlu l-ġestjoni tal-volumi mqiegħda fis-suq aktar effiċjenti; | (b) l-investimenti f'assi tanġibbli u intanġibbli li jagħmlu l-ġestjoni tal-volumi mqiegħda fis-suq aktar effiċjenti***, inkluż għall-ħżin kollettiv***; |

**Emenda 285**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 43 – paragrafu 2 – punt d**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (d) l-irtirar mis-suq għad-distribuzzjoni ħielsa jew għal destinazzjonijiet oħra; | (d) l-irtirar mis-suq għad-distribuzzjoni ħielsa***, inkluż il-kost tal-ipproċessar ta' prodotti rtirati qabel id-distribuzzjoni ħielsa,*** jew għal destinazzjonijiet oħra; |

**Emenda 286**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 43 – paragrafu 2 – punt g**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (g) l-assigurazzjoni tal-ħsad li tikkontribwixxi għas-salvagwardja tal-introjti tal-produtturi meta jkun hemm telf bħala konsegwenza ta' diżastri naturali, avvenimenti klimatiċi avversi, mard jew infestazzjonijiet mill-organiżmi ta' ħsara u fl-istess ħin tiżgura li l-benefiċjarji jieħdu l-miżuri meħtieġa ta' prevenzjoni tar-riskju; | (g) l-assigurazzjoni tal-ħsad***, inklużi politiki ta' assigurazzjonijiet ibbażati fuq l-indiċi li jkopru l-okkorrenza tal-periklu miżurabbli,*** li tikkontribwixxi għas-salvagwardja tal-introjti tal-produtturi meta jkun hemm telf bħala konsegwenza ta' diżastri naturali, avvenimenti klimatiċi avversi, mard jew infestazzjonijiet mill-organiżmi ta' ħsara u fl-istess ħin tiżgura li l-benefiċjarji jieħdu l-miżuri meħtieġa ta' prevenzjoni tar-riskju; |

**Emenda 287**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 43 – paragrafu 2 – punt h**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (h) ***l-ikkowċjar lill-organizzazzjonijiet*** tal-produtturi u ***lill-assoċjazzjonijiet*** tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi skont ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 jew ***lil*** produtturi individwali; | (h) ***l-iskambji professjonali u/jew l-ikkowċjar ta' organizzazzjonijiet*** tal-produtturi u ***ta' assoċjazzjonijiet*** tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi ***oħra*** skont ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 jew ***ta'*** produtturi individwali; |

**Emenda 288**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 43 – paragrafu 2 – punt ha (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ha) il-promozzjoni tal-prodott u s-sensibilizzazzjoni dwar il-benefiċċji għas-saħħa tal-konsum tal-frott u l-ħaxix b'reazzjoni għall-kriżi tas-suq;*** |

**Emenda 289**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 43 – paragrafu 2 – punt i**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (i) ***l-implimentazzjoni*** u l-ġestjoni ta' protokolli fitosanitarji ta' pajjiżi terzi fit-territorju tal-Unjoni biex jiġi ***ffaċilitat*** l-aċċess għas-swieq ta' pajjiżi terzi; | (i) ***in-negozjati, l-implimentazzjoni*** u l-ġestjoni ta' protokolli fitosanitarji ta' pajjiżi terzi fit-territorju tal-Unjoni biex jiġi ***permess*** l-aċċess għas-swieq ta' pajjiżi terzi***, inklużi studji tas-suq***; |

**Emenda 290**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 43 – paragrafu 2 – punt ia (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ia) il-prevenzjoni u l-ġestjoni ta' kriżijiet fitosanitarji;*** |

**Emenda 291**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 43 – paragrafu 2 – punt k**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (k) is-servizzi konsultattivi u l-assistenza teknika, ***b'mod partikolari rigward*** tekniki sostenibbli għall-kontroll tal-organiżmi ta' ħsara u l-użu sostenibbli tal-pestiċidi***.*** | (k) is-servizzi konsultattivi u l-assistenza teknika, ***inkluż dawk li jikkonċernaw*** tekniki sostenibbli għall-kontroll tal-organiżmi ta' ħsara***, bħall-IPM*** u l-użu sostenibbli ***u t-tnaqqis*** tal-pestiċidi***;*** |

**Emenda 292**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 43 – paragrafu 2 – punt ka (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ka) miżuri ta' taħriġ u l-iskambju tal-aħjar prattiki.*** |

**Emenda 293**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 44 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Il-programmi operattivi għandu jkollhom tul minimu ta' tliet snin u tul massimu ta' seba' snin. Għandhom isegwu l-objettivi msemmija fil-punti ***(d)*** u (e) tal-Artikolu 42 u mill-inqas żewġ objettivi oħra msemmijin f'dak l-Artikolu. | 2. Il-programmi operattivi għandu jkollhom tul minimu ta' tliet snin u tul massimu ta' seba' snin. Għandhom isegwu l-objettivi msemmija fil-punti ***(b)***, (d) u (e) tal-Artikolu 42 u mill-inqas żewġ objettivi oħra msemmijin f'dak l-Artikolu. |

**Emenda 294**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 44 – paragrafu 5a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***5a. Il-programmi operattivi tal-assoċjazzjonijiet tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi jistgħu jkunu programmi operattivi parzjali jew programmi operattivi totali. Il-programmi operattivi totali għandhom jikkonformaw mal-istess regoli u kundizzjonijiet ta' ġestjoni bħall-programmi operattivi tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi.*** |

**Emenda 295**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 44 – paragrafu 6 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-programmi operattivi tal-assoċjazzjonijiet tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi ma għandhomx ikopru l-istess ***interventi*** bħal dawk tal-programmi operattivi tal-organizzazzjonijiet membri. L-Istati Membri għandhom iqisu l-programmi operattivi tal-assoċjazzjonijiet tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi flimkien mal-programmi operattivi tal- | Il-programmi operattivi tal-assoċjazzjonijiet tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi ma għandhomx ikopru l-istess ***operazzjonijiet*** bħal dawk tal-programmi operattivi tal-organizzazzjonijiet membri. L-Istati Membri għandhom iqisu l-programmi operattivi tal-assoċjazzjonijiet tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi flimkien mal-programmi operattivi tal- |

organizzazzjonijiet membri. | organizzazzjonijiet membri. ***L-assoċjazzjonijiet tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi jistgħu jippreżentaw programmi operattivi parzjali magħmula minn miżuri identifikati, iżda mhux imwettqa, mill-organizzazzjonijiet membri fil-programmi operattivi tagħhom.***

**Emenda 296**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 44 – paragrafu 6 – subparagrafu 2 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) ***l-interventi*** taħt il-programmi operattivi ta' assoċjazzjoni tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi jiġu ffinanzjati kollha mill-kontribuzzjonijiet ta' dawk l-organizzazzjonijiet membri ta' dik l-assoċjazzjoni u li tali finanzjament jinġabar mill-fondi operattivi ta' dawk l-organizzazzjonijiet membri; | (a) ***l-operazzjonijiet*** taħt il-programmi operattivi ta' assoċjazzjoni tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi jiġu ffinanzjati kollha mill-kontribuzzjonijiet ta' dawk l-organizzazzjonijiet membri ta' dik l-assoċjazzjoni u li tali finanzjament jinġabar mill-fondi operattivi ta' dawk l-organizzazzjonijiet membri; |

**Emenda 297**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 44 – paragrafu 7 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) mill-inqas ***20*** % tan-nefqa taħt il-programmi operattivi jkopri l-interventi marbuta mal-objettivi msemmijin fil-punti (d) u (e) tal-Artikolu 42; | (a) mill-inqas ***15*** % tan-nefqa taħt il-programmi operattivi jkopri l-interventi marbuta mal-objettivi msemmijin fil-punti (d) u (e) tal-Artikolu 42; |

**Emenda 298**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 44 – paragrafu 1 – punt aa (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(aa) il-programmi operattivi jinkludu 3 azzjonijiet jew aktar marbuta mal-objettivi msemmija fil-punti (d) u (e) tal-*** |

*Artikolu 42;*

**Emenda 299**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 44 – paragrafu 7 – punt b**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| (b) mill-inqas ***5*** % tan-nefqa taħt il-programmi operattivi jkopri l-interventi marbuta mal-objettivi msemmijin fil-punti (c) tal-Artikolu 42; | (b) mill-inqas ***1*** % tan-nefqa taħt il-programmi operattivi jkopri l-interventi marbuta mal-objettivi msemmijin fil-punti (c) tal-Artikolu 42; |

**Emenda 300**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 44 – paragrafu 7a (ġdid)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***7a. Il-programmi operattivi approvati qabel … [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] għandhom jiġu rregolati f'konformità mar-Regolamenti li skonthom ikunu ġew approvati sat-tlestija tagħhom, sakemm l-assoċjazzjoni tal-produtturi jew l-assoċjazzjoni tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi ma jiddeċidux volontarjament li jadottaw dan ir-Regolament.*** |

**Emenda 301**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 45 – paragrafu 1 – punt a**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| ***(a) kontribuzzjonijiet finanzjarji minn:*** | ***imħassar*** |
| ***(i) membri tal-organizzazzjoni tal-produtturi u/jew tal-organizzazzjoni tal-produtturi stess; jew*** | |
| ***(ii) l-assoċjazzjonijiet tal-*** | |

***organizzazzjonijiet tal-produtturi permezz tal-membri ta' dawk l-assoċjazzjonijiet;***

**Emenda 302**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 46 – paragrafu 1 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-organizzazzjonijiet tal-produtturi fis-settur tal-frott u l-ħaxix u/jew l-assoċjazzjonijiet tagħhom jistgħu jistabbilixxu fond operattiv. Il-fond għandu jkun iffinanzjat ***permezz ta':*** | 1. L-organizzazzjonijiet tal-produtturi fis-settur tal-frott u l-ħaxix u/jew l-assoċjazzjonijiet tagħhom jistgħu jistabbilixxu fond operattiv ***biex jiffinanzjaw programmi operattivi approvati mill-Istati Membri***. Il-fond għandu jkun iffinanzjat ***minn kontribuzzjonijiet mill-organizzazzjoni tal-produtturi nnifisha jew l-assoċjazzjoni tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi u/jew is-sħab tagħha, flimkien mal-assistenza finanzjarja pprovduta skont l-Artikolu 46.*** |

**Emenda 303**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 46 – paragrafu 2 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) 4,5 % tal-valur tal-produzzjoni kkummerċjalizzata ta' kull assoċjazzjoni tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi; | (b) 4,5 % tal-valur tal-produzzjoni kkummerċjalizzata ta' kull assoċjazzjoni tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi; ***u*** |

**Emenda 304**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 46 – paragrafu 2 – punt ba (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ba) 5 % tal-valur tal-produzzjoni kummerċjalizzata:*** |

| | |
|---|---|
| | ***- għal organizzazzjonijiet tal-produtturi li l-produzzjoni kummerċjalizzata u n-numru ta' membri tagħhom fis-sena tal-preżentazzjoni tal-programm operattiv tkun 25 % ogħla mill-produzzjoni kummerċjalizzata medja u n-numru medju ta' membri produtturi rreġistrati matul il-programm operattiv preċedenti tagħhom;*** |
| | ***- għall-ewwel programm operattiv ta' organizzazzjoni tal-produtturi li jirriżulta minn merger;*** |
| | ***- għal kull organizzazzjoni transnazzjonali tal-produtturi u assoċjazzjoni transnazzjonali tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi.*** |

**Emenda 305**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 46 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(c) 5 % tal-valur tal-produzzjoni kkummerċjalizzata ta' kull organizzazzjoni tal-produtturi transnazzjonali jew assoċjazzjoni tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi transnazzjonali;*** | ***imħassar*** |

**Emenda 306**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 46 – paragrafu 2 – subparagrafu 2 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| B'deroga mill-ewwel subparagrafu, l-assistenza finanzjarja mill-Unjoni tista' tiżdied ***kif ġej:*** | B'deroga mill-ewwel subparagrafu, l-assistenza finanzjarja mill-Unjoni ***prevista fil-punti (a), (b), u (ba)*** tista' tiżdied ***b'0,5 % tal-valur tal-produzzjoni kkummerċjalizzata, dment li dan il-perċentwal jintuża biss għal wieħed jew aktar mill-interventi marbuta mal-objettivi msemmija fil-punti (c), (d), (e), (g), (h) u*** |

***(i) tal-Artikolu 42;***

***(a) fil-każ tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi, il-perċentwali jista' jiżdied għal 4,6 % tal-valur tal-produzzjoni kkummerċjalizzata, sakemm l-ammont li jkun aktar minn 4,1 % tal-valur tal-produzzjoni kkummerċjalizzata jintuża biss għal intervent wieħed jew aktar marbut mal-objettivi msemmija fil-punti (c), (d), (e), (g), (h) u (i) tal-Artikolu 42.***

***(b) fil-każ tal-assoċjazzjonijiet tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi, il-perċentwali jista' jiżdied għal 5 % tal-valur tal-produzzjoni kkummerċjalizzata, sakemm l-ammont li jkun aktar minn 4,5 % tal-valur tal-produzzjoni kkummerċjalizzata jintuża biss għal intervent wieħed jew aktar marbut mal-objettivi msemmija fil-punti (c), (d), (e), (g), (h) u (i) tal-Artikolu 42 implimentat mill-assoċjazzjoni tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi f'isem il-membri tagħha;***

***(c) fil-każ ta' organizzazzjoni tal-produtturi transnazzjonali jew assoċjazzjoni tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi transnazzjonali, il-perċentwali jista' jiżdied għal 5,5 % tal-valur tal-produzzjoni kkummerċjalizzata, sakemm l-ammont li jkun aktar minn 5 % tal-valur tal-produzzjoni kkummerċjalizzata jintuża biss għal intervent wieħed jew aktar marbut mal-objettivi msemmija fil-punti (c), (d), (e), (g), (h) u (i) tal-Artikolu 42 implimentat mill-organizzazzjoni tal-produtturi transnazzjonali jew l-assoċjazzjoni tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi transnazzjonali f'isem il-membri tagħha.***

**Emenda 307**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 46 – paragrafu 3 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) l-organizzazzjonijiet tal-produtturi li joperaw fi Stati Membri differenti li jimplimentaw l-interventi marbuta mal-objettivi msemmijin fil-punti (b) u (e) tal-Artikolu 42 fil-livell transnazzjonali; | (a) l-organizzazzjonijiet tal-produtturi ***u l-assoċjazzjonijiet tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi*** li joperaw fi Stati Membri differenti li jimplimentaw l-interventi marbuta mal-objettivi msemmijin fil-punti (b) u (e) tal-Artikolu 42 fil-livell transnazzjonali; |

**Emenda 308**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 46 – paragrafu 3 – punt d**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (d) il-programm operattiv ikun implimentat għall-ewwel darba minn assoċjazzjoni tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi rikonoxxuti skont ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013; | (d) il-programm operattiv ikun implimentat għall-ewwel darba minn ***organizzazzjoni tal-produtturi jew*** assoċjazzjoni tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi ***attiva fi Stat Membru wieħed jew assoċjazzjoni ta' organizzazzjonijiet tal-produtturi li joperaw fi Stati Membri differenti*** rikonoxxuti skont ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013; |

**Emenda 309**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 46 – paragrafu 3 – punt fa (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(fa) l-organizzazzjonijiet tal-produtturi li joperaw f'żoni muntanjużi u reġjuni insulari;*** |

**Emenda 310**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 47 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|

| | |
|---|---|
| 1. Fir-reġjuni tal-Istati Membri fejn il-livell ta' organizzazzjoni tal-produtturi fis-settur tal-frott u l-ħaxix ikun taħt il-medja tal-Unjoni b'mod sinifikanti, l-Istati Membri jistgħu jagħtu lill-organizzazzjonijiet ***ta-produtturi*** rikonoxxuti skont ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 assistenza finanzjarja nazzjonali li ma taqbiżx it-80 % tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji msemmijin fil-punt (a) tal-Artikolu 45(1) u sa mhux aktar minn 10 % tal-valur tal-produzzjoni ***kkumerċjalizzata*** ta' kwalunkwe tali organizzazzjoni tal-produtturi. L-assistenza finanzjarja nazzjonali għandha tkun addizzjonali għall-fond operattiv. | 1. Fir-reġjuni tal-Istati Membri fejn il-livell ta' organizzazzjoni tal-produtturi fis-settur tal-frott u l-ħaxix ikun taħt il-medja tal-Unjoni b'mod sinifikanti ***u f'reġjuni insulari u ultraperiferiċi***, l-Istati Membri jistgħu jagħtu lill-organizzazzjonijiet ***tal-produtturi*** rikonoxxuti skont ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 assistenza finanzjarja nazzjonali li ma taqbiżx it-80 % tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji msemmijin fil-punt (a) tal-Artikolu 45(1) u sa mhux aktar minn 10 % tal-valur tal-produzzjoni ***kkummerċjalizzata*** ta' kwalunkwe tali organizzazzjoni tal-produtturi. L-assistenza finanzjarja nazzjonali għandha tkun addizzjonali għall-fond operattiv. |

**Emenda 311**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 48 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri għandhom isegwu ***mill-inqas wieħed mill-objettivi*** speċifiċi msemmija fl-Artikolu 6(1) fis-settur tal-apikultura. | L-Istati Membri għandhom isegwu ***objettivi*** speċifiċi ***rilevanti*** msemmija fl-Artikolu 6(1) fis-settur tal-apikultura. |

**Emenda 312**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 49 – paragrafu 1 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri għandhom jagħżlu fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom ***għal kull objettiv speċifiku stabbilit fl-Artikolu 6(1)*** tip ta' intervent wieħed jew aktar minn dawn li ġejjin fis-settur tal-apikultura: | 1. L-Istati Membri għandhom jagħżlu fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom tip ta' intervent wieħed jew aktar minn dawn li ġejjin fis-settur tal-apikultura: |

**Emenda 313**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 49 – paragrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) assistenza teknika għal min irabbi n-naħal u għall-organizzazzjonijiet ta' persuni li jrabbu n-naħal; | (a) assistenza teknika għal min irabbi n-naħal u għall-organizzazzjonijiet ta' persuni li jrabbu n-naħal***, inkluża l-promozzjoni ta' prattiki tajba, l-informazzjoni u l-pubbliċità, u l-edukazzjoni u t-taħriġ bażiċi u kontinwi***; |

**Emenda 314**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 49 – paragrafu 1 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) azzjonijiet għall-ġlieda kontra l-organiżmi invażivi tal-kaxxi tan-naħal u l-mard, b'mod partikolarment il-varroasi; | (b) azzjonijiet għall-ġlieda kontra l-organiżmi invażivi tal-kaxxi tan-naħal u l-mard, ***u l-prevenzjoni tagħhom,*** b'mod partikolari l-varroasi***, u biex tiżdied ir-reżiljenza għall-epidemiji***; |

**Emenda 315**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 49 – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ba) it-twaqqif u/jew l-iżvilupp ta' netwerks nazzjonali għas-saħħa tan-naħal;*** |

**Emenda 316**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 49 – paragrafu 1 – punt d**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (d) azzjonijiet għall-appoġġ tal- | (d) azzjonijiet għall-appoġġ tal- |

| | |
|---|---|
| laboratorji għall-analiżi tal-prodotti tal-apikultura; | laboratorji ***nazzjonali, reġjonali jew lokali*** għall-analiżi tal-prodotti tal-apikultura***, tat-telf ta' naħal jew tat-tnaqqis fil-produttività, u ta' sustanzi potenzjalment tossiċi għan-naħal***; |

**Emenda 317**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 49 – paragrafu 1 – punt e**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (e) ***ir-ripopolazzjoni tal-kaxxi tan-naħal fl-Unjoni***; | (e) ***azzjonijiet biex jinżamm jew jiżdied in-numru eżistenti ta' popolazzjonijiet tan-naħal***; |

**Emenda 318**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 49 – paragrafu 1 – punt f**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (f) il-kooperazzjoni ma' korpi speċjalizzati ***għall-implimentazzjoni*** ta' programmi ta' riċerka fil-qasam tat-trobbija tan-naħal u l-prodotti tal-apikultura; | (f) il-kooperazzjoni ma' korpi speċjalizzati ***għall-applikazzjoni*** ta' programmi ta' riċerka ***u sperimentali*** fil-qasam tat-trobbija tan-naħal u l-prodotti tal-apikultura; |

**Emenda 319**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 49 – paragrafu 1 – punt ha (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ha) investimenti f'assi tanġibbli u intanġibbli;*** |

**Emenda 320**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 49 – paragrafu 1 – punt hb (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(hb) azzjonijiet għall-ippjanar tal-produzzjoni u l-aġġustament tal-provvista għad-domanda;*** |

**Emenda 321**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 49 – paragrafu 1 – punt hc (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(hc) miżuri ta' prevenzjoni biex jindirizzaw kundizzjonijiet klimatiċi avversi;*** |

**Emenda 322**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 49 – paragrafu 1 – punt hd (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(hd) azzjonijiet għall-adattament għat-tibdil fil-klima u avvenimenti klimatiċi avversi;*** |

**Emenda 323**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 49 – paragrafu 1 – punt he (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(he) miżuri biex jippromwovu l-kooperazzjoni bejn dawk li jrabbu n-naħal u l-bdiewa, speċjalment bil-ħsieb li jitnaqqas l-impatt tal-użu tal-pestiċidi;*** |

**Emenda 324**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 49 – paragrafu 1 – punt hf (ġdid)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***(hf) l-iffrankar tal-enerġija, iż-żieda fl-effiċjenza fl-enerġija u l-imballaġġ ekoloġiku;*** |

**Emenda 325**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 49 – paragrafu 1 – punt hg (ġdid)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***(hg) it-tnaqqis fil-produzzjoni tal-iskart u l-użu u l-ġestjoni aħjar tal-prodotti sekondarji u tal-iskart;*** |

**Emenda 326**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 49 – paragrafu 1 – punt hh (ġdid)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***(hh) azzjonijiet biex jittejjeb id-dakkir tan-naħal tal-għasel u l-koeżistenza tagħhom ma' dakkara selvaġġi, inkluż billi jinħolqu u jinżammu ħabitats favorevoli;*** |

**Emenda 327**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 49 – paragrafu 1 – punt hi (ġdid)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***(hi) azzjonijiet biex tissaħħaħ id-diversità ġenetika;*** |

**Emenda 328**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 49 – paragrafu 1 – punt hj (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(hj) miżuri li jappoġġaw lil persuni li jrabbu n-naħal żgħażagħ jew ġodda.*** |

**Emenda 329**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 49 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. L-assistenza finanzjarja mill-Unjoni għall-interventi ***imsemmijin*** fil-paragrafu 2 għandha tkun massimu ta' ***50*** % tan-nefqa. Il-parti li jifdal tan-nefqa għandha tiġġarrab mill-Istati Membri. | 4. L-assistenza finanzjarja mill-Unjoni għall-interventi ***msemmijin*** fil-paragrafu 2 għandha tkun massimu ta' ***75*** % tan-nefqa***, bl-eċċezzjoni tar-reġjuni ultraperiferiċi, fejn il-limitu massimu għandu jkun 85 %***. Il-parti li jifdal tan-nefqa għandha tiġġarrab mill-Istati Membri. |

**Emenda 330**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 49 – paragrafu 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. Meta jfasslu l-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom l-Istati Membri għandhom jitolbu l-parir tar-rappreżentanti tal-organizzazzjonijiet fil-qasam tat-trobbija tan-naħal. | 5. Meta jfasslu l-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom l-Istati Membri għandhom jitolbu l-parir tar-rappreżentanti tal-organizzazzjonijiet fil-qasam tat-trobbija tan-naħal ***u tal-awtoritajiet kompetenti***. |

**Emenda 331**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 49 – paragrafu 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. Kull sena, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bin-numru ta' kaxxi tan-naħal fit-territorju tagħhom. | 6. Kull sena, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bin-numru ta' kaxxi tan-naħal ***u/jew kolonji tan-naħal*** fit-territorju tagħhom. |

**Emenda 332**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 49 – paragrafu 6a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***6a. Il-programmi nazzjonali kollha approvati qabel … [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] għandhom ikunu rregolati b'mod konformi mar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 sad-data prevista għall-finalizzazzjoni tiegħu.*** |

**Emenda 333**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 50 – paragrafu 1 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 138 li jissumplimentaw dan ir-Regolament b'rekwiżiti addizzjonali għal dawk stipulati f'din it-Taqsima rigward: | *(Ma taffettwax il-verżjoni Maltija.)* |

**Emenda 334**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 50 – paragrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) l-obbligu tal-Istati Membri li kull sena jinnotifikaw lill-Kummissjoni bin- | (a) l-obbligu tal-Istati Membri li kull sena jinnotifikaw lill-Kummissjoni bin- |

| | |
|---|---|
| numru ta' kaxxi tan-naħal fit-territorju tagħhom stipulat fl-Artikolu 49(6)**.** | numru ta' kaxxi tan-naħal ***u/jew kolonji tan-naħal*** fit-territorju tagħhom stipulat fl-Artikolu 49(6)***;*** |

**Emenda 335**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 50 – paragrafu 1 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) definizzjoni ta' kaxxa tan-naħal u l-metodi għall-kalkolu tan-numru ta' kaxxi tan-naħal; | (b) definizzjoni ta' kaxxa tan-naħal u l-metodi għall-kalkolu tan-numru ta' kaxxi tan-naħal ***u kolonji tan-naħal***; |

**Emenda 336**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 51 – paragrafu 1 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri għandhom isegwu objettiv wieħed jew aktar minn dawn li ġejjin fis-settur tal-inbid: | ***F'konformità mal-Artikoli 5 u 6,*** l-Istati Membri għandhom isegwu objettiv wieħed jew aktar minn dawn li ġejjin fis-settur tal-inbid: |

**Emenda 337**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 51 – paragrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) it-titjib tal-kompetittività tal-produtturi tal-inbid fl-Unjoni ***inkluż il-kontribuzzjoni għat-titjib tas-sistemi ta' produzzjoni sostenibbli u t-tnaqqis tal-impatt ambjentali tas-settur tal-inbid tal-Unjoni;*** dawk l-objettivi huma relatati mal-objettivi speċifiċi stabbiliti fil-punti (b) sa (f) u (h) tal-Artikolu 6(1); | (a) it-titjib ***tas-sostenibbiltà ekonomika u*** tal-kompetittività tal-produtturi tal-inbid fl-Unjoni ***f'konformità mal-punti (a),*** (b)***, u (c)*** tal-Artikolu 6(1); |

**Emenda 338**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 51 – paragrafu 1 – punt aa (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(aa) il-kontribut għall-adattament għat-tibdil fil-klima u l-mitigazzjoni tiegħu u għat-titjib tas-sistemi ta' produzzjoni sostenibbli u t-tnaqqis tal-impatt ambjentali tas-settur tal-inbid tal-Unjoni, inkluż billi l-produtturi tal-inbid jiġu appoġġati fit-tnaqqis tal-użu tal-inputs u l-implimentazzjoni ta' metodi u prattiki ta' kultivazzjoni ambjentalment sostenibbli, kif ukoll biex tiġi ppreservata d-diversità ta' varjetajiet tradizzjonali tal-Unjoni; dawk l-objettivi huma relatati mal-objettivi speċifiċi stabbiliti fil-punti (d), (e) u (f) tal-Artikolu 6(1);*** |

**Emenda 339**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 51 – paragrafu 1 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) it-titjib tal-prestazzjoni tal-intrapriżi tal-inbid tal-Unjoni u l-adattament tagħhom għad-domandi tas-suq, kif ukoll iż-żieda tal-kompetittività tagħhom fir-rigward tal-produzzjoni u tal-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti tad-dwieli, inkluż l-iffrankar fl-enerġija, l-effiċjenza fl-enerġija dinjija u l-proċessi sostenibbli; dawk l-objettivi huma relatati mal-objettivi speċifiċi stabbiliti fil-punti (a) sa (e), (g) u (h) tal-Artikolu 6(1); | (b) it-titjib tal-prestazzjoni tal-intrapriżi tal-inbid tal-Unjoni u l-adattament tagħhom għad-domandi tas-suq, kif ukoll iż-żieda tal-kompetittività ***fit-tul*** tagħhom fir-rigward tal-produzzjoni u tal-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti tad-dwieli, inkluż l-iffrankar fl-enerġija, l-effiċjenza fl-enerġija dinjija u l-proċessi sostenibbli; dawk l-objettivi huma relatati mal-objettivi speċifiċi stabbiliti fil-punti (a) sa (e), (g) u (h) tal-Artikolu 6(1); |

**Emenda 340**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 51 – paragrafu 1 – punt ca (ġdid)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
| --- | --- |
| | ***(ca) it-titjib tal-konċentrazzjoni tal-provvista fid-dawl tal-prestazzjoni ekonomika u l-istrutturar tas-settur, skont l-objettiv stabbilit fil-punt (b) tal-Artikolu 6(1);*** |

**Emenda 341**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 51 – paragrafu 1 – punt f**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
| --- | --- |
| (f) l-użu tal-prodotti sekondarji tal-produzzjoni tal-inbid għall-iskopijiet industrijali u tal-enerġija li jiżgura l-kwalità tal-inbid tal-Unjoni filwaqt li jitħares l-ambjent; dak l-objettiv huwa relatat mal-objettivi speċifiċi stabbiliti fil-punti (d) u (e) tal-Artikolu 6(1); | (f) l-użu tal-prodotti sekondarji ***u r-residwi*** tal-produzzjoni tal-inbid għall-iskopijiet industrijali u tal-enerġija ***jew agronomiċi*** li jiżgura l-kwalità tal-inbid tal-Unjoni filwaqt li jitħares l-ambjent; dak l-objettiv huwa relatat mal-objettivi speċifiċi stabbiliti fil-punti (d) u (e) tal-Artikolu 6(1); |

**Emenda 342**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 51 – paragrafu 1 – punt h**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
| --- | --- |
| (h) it-titjib tal-kompetittività tal-prodotti tad-dwieli tal-Unjoni fil-pajjiżi terzi; dak l-objettiv huwa relatat mal-objettivi stabbiliti fil-punti (b) u (h) tal-Artikolu 6(1); | (h) it-titjib tal-kompetittività tal-prodotti tad-dwieli tal-Unjoni fil-pajjiżi terzi***, bl-inklużjoni tal-ftuħ, id-diversifikazzjoni u l-konsolidazzjoni tas-swieq tal-inbid***; dak l-objettiv huwa relatat mal-objettivi stabbiliti fil-punti (b) u (h) tal-Artikolu 6(1); |

**Emenda 343**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 51 – paragrafu 1 – punt ia (ġdid)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***(ia) l-iżgurar tas-sostenibbiltà ekonomika u l-profitabbiltà tal-vitikultura f'żoni b'restrizzjonijiet naturali sinifikanti, żoni wieqfa u żoni inqas żviluppati skont l-għanijiet speċifiċi stabbiliti fil-punti (a), (b) u (h) tal-Artikolu 6(1);*** |

**Emenda 344**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 52 – paragrafu 1 – punt a**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| (a) ir-ristrutturar u l-konverżjoni tal-vinji, inkluż it-tħawwil mill-ġdid ta' vinji fejn meħtieġ wara l-qlugħ obbligatorju tad-dwieli għal raġunijiet ta' saħħa jew fitosanitarji fuq istruzzjoni tal-awtorità kompetenti tal-Istat Membru, iżda eskluż it-tiġdid normali tal-vinji li jikkonsisti mit-tħawwil mill-ġdid tal-istess roqgħa art bl-istess varjetà ta' għeneb u bl-istess sistema ta' kultivazzjoni tad-dwieli, meta d-dwieli jkunu waslu fi tmiem il-ħajja naturali tagħhom; | (a) ir-ristrutturar u l-konverżjoni tal-vinji, inkluż it-tħawwil mill-ġdid ta' vinji fejn meħtieġ wara l-qlugħ obbligatorju tad-dwieli għal raġunijiet ta' saħħa jew fitosanitarji fuq istruzzjoni tal-awtorità kompetenti tal-Istat Membru, ***jew wara l-qlugħ volontarju tad-dwieli għat-tħawwil mill-ġdid għal raġunijiet ta' adattament għat-tibdil fil-klima u għat-tisħiħ tad-diversità ġenetika,*** iżda eskluż it-tiġdid normali tal-vinji li jikkonsisti mit-tħawwil mill-ġdid tal-istess roqgħa art bl-istess varjetà ta' għeneb u bl-istess sistema ta' kultivazzjoni tad-dwieli, meta d-dwieli jkunu waslu fi tmiem il-ħajja naturali tagħhom; |

**Emenda 345**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 52 – paragrafu 1 – punt aa (ġdid)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***(aa) it-tħawwil ta' dwieli fuq l-art mogħtija skont l-iskema tal-awtorizzazzjonijiet stabbilita fit-Taqsima 1, Kapitolu 3 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013, f'żoni tradizzjonali*** |

| | |
|---|---|
| | ***tal-produzzjoni tal-inbid f'riskju li jisparixxu, li għandu jiġi definit mill-Istati Membri, bħala miżura biex tiġi protetta d-diversità tal-produzzjoni tal-inbid;*** |

**Emenda 346**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 52 – paragrafu 1 – punt ab (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ab) ir-riċerka u l-produzzjoni sperimentali u miżuri oħra, b'mod partikolari fl-oqsma tal-konservazzjoni, l-istudju u t-tisħiħ tal-varjabbiltà intervarjetali u intravarjetali ta' varjetajiet tal-vinji Ewropej u attivitajiet biex jiġi promoss l-użu ekonomiku tagħhom;*** |

**Emenda 347**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 52 – paragrafu 1 – punt ac (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ac) azzjonijiet biex jitnaqqas l-użu tal-pestiċidi;*** |

**Emenda 348**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 52 – paragrafu 1 – punt ad (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ad) azzjonijiet biex jitnaqqis it-teħid tar-riskju għall-produtturi tal-inbid li jimpenjaw ruħhom biex ibiddlu b'mod radikali l-prattiki tagħhom u s-sistema tagħhom ta' prodotti għal produzzjoni b'mod aktar sostenibbli, inkluża ż-żieda fid-diversità strutturali u bijoloġika;*** |

**Emenda 349**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 52 – paragrafu 1 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) investimenti tanġibbli u intanġibbli fil-faċilitajiet tal-ipproċessar u fl-infrastruttura għall-fabbriki tal-inbid, kif ukoll fl-istrutturi u fl-għodod ta' kummerċjalizzazzjoni; | (b) investimenti tanġibbli u intanġibbli ***fl-azjendi tal-produzzjoni tal-inbid, inkluż f'żoni wieqfa u mtarrġa, bl-eċċezzjoni ta' operazzjonijiet li jaqgħu taħt it-tip ta' intervent deskritt fil-punt (a) tal-Artikolu 52(1), u*** fil-faċilitajiet tal-ipproċessar u fl-infrastruttura għall-fabbriki tal-inbid, kif ukoll fl-istrutturi u fl-għodod ta' kummerċjalizzazzjoni; ***dawk l-investimenti jista' jkollhom l-għan li jipproteġu l-vinji kontra perikli klimatiċi u l-adattamenti ta' azjendi agrikoli għal rekwiżiti legali ġodda tal-Unjoni;*** |

**Emenda 350**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 52 – paragrafu 1 – punt d**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (d) l-assigurazzjoni tal-ħsad kontra telf fl-introjtu bħala konsegwenza tal-avvenimenti klimatiċi avversi assimilati ma' diżastri naturali, avvenimenti klimatiċi avversi, annimali, mard tal-pjanti jew infestazzjonijiet mill-organiżmi ta' ħsara***;*** | (d) l-assigurazzjoni tal-ħsad kontra telf fl-introjtu bħala konsegwenza tal-avvenimenti klimatiċi avversi assimilati ma' diżastri naturali, avvenimenti klimatiċi avversi, annimali, mard tal-pjanti jew infestazzjonijiet mill-organiżmi ta' ħsara***, filwaqt li jiġi żgurat li l-benefiċjarji jieħdu l-miżuri ta' prevenzjoni ta' riskju meħtieġa.*** |

**Emenda 351**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 52 – paragrafu 1 – punt e**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (e) investimenti tanġibbli u intanġibbli fl-innovazzjoni li jikkonsistu fl-iżvilupp ta' | (e) investimenti tanġibbli u intanġibbli ***fid-diġitalizzazzjoni u*** fl-innovazzjoni li |

| | |
|---|---|
| prodotti innovattivi u ***prodotti*** sekondarji tal-produzzjoni tal-inbid, proċessi u teknoloġiji, investimenti oħrajn li jżidu l-valur fi kwalunkwe stadju tal-katina tal-provvista, inkluż għall-iskambju tal-għarfien; | jikkonsistu fl-iżvilupp ta' prodotti innovattivi u ***proċessi teknoloġiċi, konnessi mal-prodotti msemmija fil-Parti II tal-Anness VII għar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 jew mal-prodotti*** sekondarji tal-produzzjoni tal-inbid, proċessi u teknoloġiji, investimenti oħrajn li jżidu l-valur fi kwalunkwe stadju tal-katina tal-provvista, inkluż għall-iskambju tal-għarfien***, u/jew li jikkontribwixxu għall-adattament għat-tibdil fil-klima***; |

**Emenda 352**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 52 – paragrafu 1 – punt fa (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(fa) l-investimenti tanġibbli u intanġibbli fl-installazzjoni u l-proċeduri għall-metanizzazzjoni u l-ikkompostjar tar-residwi tal-vinifikazzjoni;*** |

**Emenda 353**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 52 – paragrafu 1 – punt g**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (g) azzjonijiet ta' informazzjoni dwar l-inbejjed tal-Unjoni mwettqa fl-Istati Membri li jinkoraġġixxu l-konsum responsabbli tal-inbid ***jew li jippromwovu l-iskemi ta' kwalità tal-Unjoni li jkopru d-Denominazzjonijiet ta' Oriġini u l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi***; | (g) azzjonijiet ta' informazzjoni dwar l-inbejjed tal-Unjoni mwettqa fl-Istati Membri li jinkoraġġixxu l-konsum responsabbli tal-inbid; |

**Emenda 354**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 52 – paragrafu 1 – punt ga (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ga) azzjonijiet immirati lejn it-titjib tal-għarfien tas-suq, bħal studji ekonomiċi u regolatorji dwar is-swieq eżistenti, kif ukoll azzjonijiet biex jiġi promoss it-turiżmu tal-inbid, biex tissaħħaħ ir-reputazzjoni tal-vinji Ewropej;*** |

**Emenda 355**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 52 – paragrafu 1 – punt h – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (h) il-promozzjoni mwettqa mill-pajjiżi terzi, li tikkonsisti f'waħda jew aktar ***minn dawn*** li ġejjin: | (h) il-promozzjoni ***u l-komunikazzjoni*** mwettqa mill-pajjiżi terzi, li tikkonsisti f'waħda jew aktar ***mill-azzjonijiet u l-attivitajiet*** li ġejjin ***immirati lejn it-titjib tal-kompetittività tas-settur tal-inbid, u l-ftuħ, il-ħolqien, id-diversifikazzjoni jew il-konsolidazzjoni tas-swieq***: |

**Emenda 356**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 52 – paragrafu 1 – punt h – punt iv**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (iv) studji ta' swieq ġodda, meħtieġa għat-tkabbir tas-swieq disponibbli; | (iv) studji ta' swieq ġodda ***jew eżistenti***, meħtieġa għat-tkabbir ***u l-konsolidazzjoni*** tas-swieq disponibbli; |

**Emenda 357**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 52 – paragrafu 1 – punt h – punt vi**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (vi) it-tħejjija ta' fajls tekniċi, inkluż it-testijiet u l-valutazzjonijiet tal-laboratorji, dwar il-prattiki enoloġiċi, ir-regoli | (vi) it-tħejjija ta' fajls tekniċi, inkluż it-testijiet u l-valutazzjonijiet tal-laboratorji, dwar il-prattiki enoloġiċi, ir-regoli |

| | |
|---|---|
| fitosanitarji u tal-iġjene, kif ukoll rekwiżiti oħra ta' pajjiżi terzi għall-importazzjoni tal-prodotti tas-settur tal-inbid, biex jiġi ***ffaċilitat*** l-aċċess għas-swieq ta' pajjiżi terzi; | fitosanitarji u tal-iġjene, kif ukoll rekwiżiti oħra ta' pajjiżi terzi għall-importazzjoni tal-prodotti tas-settur tal-inbid, biex ***tiġi pprevenuta r-restrizzjoni, jew*** jiġi ***permess*** l-aċċess għas-swieq ta' pajjiżi terzi; |

**Emenda 358**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 52 – paragrafu 1 – punt ia (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ia) azzjonijiet biex jittejbu l-użu u l-ġestjoni tal-ilma;*** |

**Emenda 359**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 52 – paragrafu 1– punt ib (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ib) il-produzzjoni organika;*** |

**Emenda 360**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 52 – paragrafu 1 – punt ic (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ic) il-produzzjoni integrata;*** |

**Emenda 361**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 52 – paragrafu 1 – punt id (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(id) il-produzzjoni ta' preċiżjoni jew diġitalizzata;*** |

**Emenda 362**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 52 – paragrafu 1 – punt ie (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ie) il-konservazzjoni tal-ħamrija u t-tisħiħ tal-karbonju fil-ħamrija;*** |

**Emenda 363**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 52 – paragrafu 1 – punt if (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(if) il-ħolqien jew il-preservazzjoni tal-ħabitats favorevoli għall-bijodiversità jew għaż-żamma tal-pajsaġġ, inkluża l-konservazzjoni tal-karatteristiċi storiċi tiegħu;*** |

**Emenda 364**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 52 – paragrafu 1 – punt ig (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ig) it-titjib tar-reżiljenza għall-organiżmi ta' ħsara u l-mard tad-dwieli;*** |

**Emenda 365**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 52 – paragrafu 1 – punt ih (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ih) it-tnaqqis tal-produzzjoni tal-iskart u t-titjib tal-immaniġġjar tal-iskart.*** |

**Emenda 366**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 52 – paragrafu 1 – subparagrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Il-miżuri ta' promozzjoni msemmija fil-punt (h) tal-ewwel subparagrafu għandhom japplikaw biss għal inbejjed b'denominazzjoni tal-oriġini protetta jew b'indikazzjoni ġeografika protetta jew għal inbejjed b'indikazzjoni tal-varjetà ta' għeneb tal-inbid.*** |

**Emenda 367**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 52 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom l-Istati membri għandhom jissostanzjaw l-għażla tagħhom tal-objettivi u tat-tipi ta' intervent fis-settur tal-inbid. Fi ħdan it-tipi ta' intervent magħżula, l-Istati Membri għandhom jiddefinixxu l-interventi. | 2. Fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom l-Istati Membri għandhom jissostanzjaw l-għażla tagħhom tal-objettivi u tat-tipi ta' intervent fis-settur tal-inbid. Fi ħdan it-tipi ta' intervent magħżula, l-Istati Membri għandhom jiddefinixxu l-interventi. ***L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu dispożizzjonijiet speċifiċi għall-azzjonijiet ta' informazzjoni u ta' promozzjoni mill-korpi ta' ġestjoni tad-denominazzjoni tal-oriġini protetta u indikazzjonijiet ġeografiċi protetti, f'isem l-intrapriżi kollha kkonċernati, b'mod partikolari fir-rigward tat-tul massimu tal-azzjonijiet.*** |

**Emenda 368**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 53 – paragrafu 1 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-assistenza finanzjarja mill-Unjoni għar-ristrutturar u l-konverżjoni tal-vinji | L-assistenza finanzjarja mill-Unjoni għar-ristrutturar u l-konverżjoni tal-vinji |

| | |
|---|---|
| msemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 52(1) ma għandhiex taqbeż il-50 % tal-ispejjeż reali għar-ristrutturar u l-konverżjoni tal-vinji jew 75 % tal-ispejjeż reali tar-ristrutturar u l-konverżjoni ***tal-vinji fir-reġjuni inqas żviluppati***. | msemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 52(1) ma għandhiex taqbeż il-50 % tal-ispejjeż reali għar-ristrutturar u l-konverżjoni ***volontarji*** tal-vinji jew 75 % tal-ispejjeż reali tar-ristrutturar u l-konverżjoni ***volontarji tal-vinji***. |

**Emenda 369**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 53 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) 50 % tal-ispejjeż ta' investiment eliġibbli fir-reġjuni inqas żviluppati; | (a) 50 % tal-ispejjeż ta' investiment eliġibbli fir-reġjuni inqas żviluppati***, dwieli fuq inklinazzjonijiet wieqfa u fir-reġjuni insulari għajr dawk imsemmija fil-punti (c) u (d) ta' dan il-paragrafu***; |

**Emenda 370**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 53 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) ***75*** % tal-ispejjeż ta' investiment eliġibbli fir-reġjuni ultraperiferiċi msemmija fl-Artikolu 349 tat-TFUE; | (c) ***85*** % tal-ispejjeż ta' investiment eliġibbli fir-reġjuni ultraperiferiċi msemmija fl-Artikolu 349 tat-TFUE; |

**Emenda 371**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 53 – paragrafu 3a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3a. L-assistenza finanzjarja tal-Unjoni għall-objettivi msemmija fil-punti (aa), (ab), (ac), (fa), (j), (k), (l), (m), (n), (o), (p), u (q) tal-Artikolu 52(1) m'għandhiex taqbeż il-50 % tal-ispejjeż diretti jew eliġibbli.*** |

**Emenda 372**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 53 – paragrafu 5 – subparagrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) 50 % tal-ispejjeż ta' investiment eliġibbli fir-reġjuni inqas żviluppati; | (a) 50 % tal-ispejjeż ta' investiment eliġibbli fir-reġjuni inqas żviluppati***, dwieli fuq inklinazzjonijiet wieqfa u f'reġjuni insulari għajr dawk imsemmija fil-punti (c) u (d) ta' dan il-paragrafu***; |

**Emenda 373**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 53 – paragrafu 5 – subparagrafu 1 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) ***75*** % tal-ispejjeż ta' investiment eliġibbli fir-reġjuni ultraperiferiċi msemmija ***fl-Artikolu*** 349 tat-TFUE; | (c) ***85*** % tal-ispejjeż ta' investiment eliġibbli fir-reġjuni ultraperiferiċi msemmija ***fil-paragrafu 1 tal-Artikolu*** 349 tat-TFUE; |

**Emenda 374**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 53 – paragrafu 5 – subparagrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***L-assistenza finanzjarja mill-Unjoni bir-rata massima, imsemmija fl-ewwel subparagrafu, għandha tapplika biss għall-intrapriżi mikro, żgħar u medji skont it-tifsira tar-Rakkomandazzjoni 2003/361/KE; madankollu, tista' tapplika għall-intrapriżi kollha fir-reġjuni ultraperiferiċi msemmija fl-Artikolu 349 tat-TFUE u fil-Gżejjer Minuri tal-Eġew kif iddefinit fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament (UE) Nru 229/2013.*** | ***imħassar*** |

**Emenda 375**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 53 – paragrafu 5 – subparagrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Għall-intrapriżi mhux koperti mill-Artikolu 2(1) tat-Titolu I tal-Anness għar-Rakkomandazzjoni 2003/361/KE b'anqas minn 750 impjegat jew b'fatturat ta' anqas minn EUR 200 miljun, il-limitu massimu għall-għajnuna msemmi*** fl-ewwel subparagrafu ***għandu jinqasam b'nofs***. | ***Il-limiti massimi stabbiliti*** fl-ewwel subparagrafu ***jistgħu jitnaqqsu għal investimenti magħmula minn intrapriżi oħra għajr mikrointrapriżi u intrapriżi żgħar u ta' daqs medju. Madankollu, tista' tapplika għall-intrapriżi kollha fir-reġjuni ultraperiferiċi msemmija fl-Artikolu 349 tat-TFUE u fil-Gżejjer Minuri tal-Eġew kif iddefinit fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament (UE) Nru 229/2013.*** |

**Emenda 376**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 53 – paragrafu 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. L-assistenza finanzjarja mill-Unjoni għall-azzjonijiet ta' informazzjoni u għall-promozzjoni msemmija fil-punti (g) u (h) tal-Artikolu 52(1) ma għandhiex taqbeż il-50 % tan-nefqa eliġibbli. | 6. L-assistenza finanzjarja mill-Unjoni għall-azzjonijiet ta' informazzjoni u għall-promozzjoni msemmija fil-punti (g) u (h) tal-Artikolu 52(1) ma għandhiex taqbeż il-50 % tan-nefqa eliġibbli. ***L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu differenzjazzjoni skont id-daqs tal-intrapriżi, bl-għan li jimmassimizzaw l-appoġġ għal intrapriżi żgħar u ta' daqs medju.*** |

**Emenda 377**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 54 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom, l-Istati Membri kkonċernati għandhom ***jistabbilixxu perċentwal minimu ta' nefqa għall-azzjonijiet immirati lejn*** il-protezzjoni tal-ambjent, l- | 4. Fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom, l-Istati Membri kkonċernati għandhom ***jiżguraw li tal-anqas 5 % tan-nefqa hija allokata jew tal-anqas azzjoni waħda hija adottata biex jiġu ssodisfati l-*** |

| | |
|---|---|
| adattament għat-tibdil fil-klima, it-titjib tas-sostenibbiltà tas-sistemi u l-proċessi tal-produzzjoni, it-tnaqqis tal-impatt ambjentali tas-settur tal-inbid tal-Unjoni, l-iffrankar tal-enerġija u t-titjib fl-effiċjenza enerġetika fis-settur tal-inbid. | ***objettivi favur*** il-protezzjoni tal-ambjent, l-adattament għat-tibdil fil-klima, it-titjib tas-sostenibbiltà tas-sistemi u l-proċessi tal-produzzjoni, it-tnaqqis tal-impatt ambjentali tas-settur tal-inbid tal-Unjoni, l-iffrankar tal-enerġija u t-titjib fl-effiċjenza enerġetika fis-settur tal-inbid***, f'konformità mal-għanijiet stabbiliti fil-punti (aa), (b) u (f) tal-Artikolu 51***. |

**Emenda 378**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 54 – paragrafu 4a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***4a. Il-programmi nazzjonali kollha approvati qabel ... [id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] għandhom ikunu rregolati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 sad-data prevista għall-finalizzazzjoni tiegħu.*** |

**Emenda 379**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 55 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Fil-Pjan Strateġiku tal-PAK tiegħu, l-Istat Membru msemmi fl-Artikolu 82(3) għandu jiddefinixxi tip ta' intervent wieħed jew aktar minn dawk imsemmija fl-Artikolu 60 biex isegwi l-objettivi magħżula kif stipulat fil-paragrafu 1. Fi ħdan it-tipi ta' intervent magħżula l-Istati Membri għandhom jiddefinixxu l-interventi. Fil-Pjan Strateġiku tal-PAK tiegħu, l-Istat Membru msemmi fl-Artikolu 82(3) għandu jissostanzja l-għażla tal-objettivi, tat-tipi ta' intervent u tal-interventi biex jissodisfa dawk l-objettivi. | 2. Fil-Pjan Strateġiku tal-PAK tiegħu, l-Istat Membru msemmi fl-Artikolu 82(3) għandu jiddefinixxi tip ta' intervent wieħed jew aktar minn dawk imsemmija fl-Artikolu 60 biex isegwi l-objettivi magħżula kif stipulat fil-paragrafu 1. Fi ħdan it-tipi ta' intervent magħżula l-Istati Membri għandhom jiddefinixxu l-interventi. Fil-Pjan Strateġiku tal-PAK tiegħu, l-Istat Membru msemmi fl-Artikolu 82(3) għandu jissostanzja l-għażla tal-objettivi, tat-tipi ta' intervent u tal-interventi biex jissodisfa dawk l-objettivi***, iżda ma għandux ikun obbligat li jikkompleta r-rapport ta' evalwazzjoni ex-ante jew ir-rapport tal-Valutazzjoni*** |

| | |
|---|---|
| | ***Ambjentali Strateġika (SEA) imsemmi fl-Artikolu 103(1), u lanqas ma għandu jkun obbligat li jlesti l-analiżi SWOT imsemmija fl-Artikolu 103(2)***. |

**Emenda 380**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 56 – paragrafu 1 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) it-tnaqqis tal-impatt ambjentali tal-azzjoni klimatika ***mill-kultivazzjoni taż-żebbuġ*** u ***l-kontribut għaliha***; dawk l-objettivi huma relatati mal-objettivi speċifiċi stabbiliti fil-punti (d) u (e) tal-Artikolu 6(1); | (c) it-tnaqqis tal-impatt ambjentali tal-azzjoni klimatika ***u l-kontribut għaliha, u l-adattament*** u ***l-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima permezz tal-kultivazzjoni taż-żebbuġ***; dawk l-objettivi huma relatati mal-objettivi speċifiċi stabbiliti fil-punti (d) u (e) tal-Artikolu 6(1); |

**Emenda 381**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 56 – paragrafu 1 – punt d**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (d) it-titjib tal-kwalità ***taz-żejt*** taż-żebbuġa u ***taz-żebbuġ*** tal-mejda; dak l-objettiv huwa relatat mal-objettiv speċifiku stabbilit ***fil-punt*** (f) tal-Artikolu 6(1); | (d) it-titjib tal-kwalità ***taż-żejt*** taż-żebbuġa u ***taż-żebbuġ*** tal-mejda; dak l-objettiv huwa relatat mal-objettiv speċifiku stabbilit ***fil-punti (b) u*** (f) tal-Artikolu 6(1); |

**Emenda 382**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 56 – paragrafu 1 – punt f**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (f) il-prevenzjoni u l-ġestjoni tal-kriżijiet, bl-għan li tittejjeb ir-reżiljenza għall-organiżmi ta' ħsara, u li jiġu evitati u indirizzati l-kriżijiet fis-swieq taz-żejt taż-żebbuġa u taz-żebbuġ tal-mejda; dak l-objettiv huwa relatat mal-objettiv speċifiku | (f) il-prevenzjoni u l-ġestjoni tal-kriżijiet, bl-għan li tittejjeb ir-reżiljenza għall-pesti, u li jiġu evitati u indirizzati l-kriżijiet fis-swieq taż-żejt taż-żebbuġa u taż-żebbuġ tal-mejda***, inkluż it-titjib tal-prevenzjoni u r-reżiljenza għall-pesti***; dak |

| | |
|---|---|
| stabbiliti ***fil-punt (h)*** tal-Artikolu 6(1). | l-objettiv huwa relatat mal-objettiv speċifiku stabbilit ***fil-punti (a), (b) u (c)*** tal-Artikolu 6(1); |

**Emenda 383**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 57 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Sabiex jiġu segwiti l-objettivi msemmija fl-Artikolu 56, fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom l-Istati Membri msemmija fl-Artikolu 82(4) għandhom jagħżlu tip ta' intervent wieħed jew aktar minn dawk imsemmija fl-Artikolu 60. Fi ħdan it-tipi ta' intervent magħżula, l-Istati Membri għandhom jiddefinixxu l-interventi. | 1. Sabiex jiġu segwiti l-objettivi msemmija fl-Artikolu 56, fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom l-Istati Membri msemmija fl-Artikolu 82(4) għandhom jagħżlu tip ta' intervent wieħed jew aktar minn dawk imsemmija fl-Artikolu 60***, li għandhom jiġu ddefiniti fil-livell tal-Istati Membri***. Fi ħdan it-tipi ta' intervent magħżula, l-Istati Membri għandhom jiddefinixxu l-interventi. |

**Emenda 384**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 57 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. L-interventi definiti mill-Istati Membri msemmija fl-Artikolu 82(4) għandhom jiġu implimentati permezz ta' programmi operattivi approvati tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi u/jew tal-assoċjazzjonijiet tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi rikonoxxuti skont ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013. Għal dan l-iskop għandhom japplikaw l-Artikoli 61 u 62 ta' dan ir-Regolament. | 2. L-interventi definiti mill-Istati Membri msemmija fl-Artikolu 82(4) għandhom jiġu implimentati permezz ta' programmi operattivi approvati tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi u/jew tal-assoċjazzjonijiet tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi ***u/jew tal-organizzazzjonijiet interprofessjonali*** rikonoxxuti skont ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013. Għal dan l-iskop għandhom japplikaw l-Artikoli 61 u 62 ta' dan ir-Regolament. |

**Emenda 385**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 57 – paragrafu 2a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2a. B'deroga mill-paragrafu 2, l-Istati Membri msemmija fl-Artikolu 82(4) jistgħu jafdaw l-implimentazzjoni ta' programmi operattivi lill-organizzazzjonijiet interprofessjonali rikonoxxuti skont l-Artikolu 157 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013, jekk tali organizzazzjonijiet diġà jkollhom fis-seħħ programm simili skont ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013.*** |

**Emenda 386**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 58 – paragrafu 1 – punt d**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (d) ***75*** % tan-nefqa reali mġarrba għat-tipi ta' intervent imsemmija fil-punti (f) u (h) tal-Artikolu 60(1) fejn il-programm operattiv huwa implimentat f'mill-inqas tliet pajjiżi terzi jew Stati Membri mhux produtturi permezz tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi minn mill-inqas żewġ Stati Membri produtturi, 50 % tan-nefqa reali meta din il-kundizzjoni ma tiġix issodisfata għal dan it-tip ta' intervent. | (d) ***85***% tan-nefqa reali mġarrba għat-tipi ta' intervent imsemmija fil-punti (f) u (h) tal-Artikolu 60(1) fejn il-programm operattiv huwa implimentat f'mill-inqas tliet pajjiżi terzi jew Stati Membri mhux produtturi permezz ***tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi jew assoċjazzjonijiet*** tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi minn mill-inqas żewġ Stati Membri produtturi, 50 % tan-nefqa reali meta din il-kundizzjoni ma tiġix issodisfata għal dan it-tip ta' intervent. |

**Emenda 387**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 58 – paragrafu 1 – punt da (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(da) Fil-każ ta' reġjuni insulari l-perċentwal imsemmi fil-punti (a) sa (d) għandu jiżdied b'10 %.*** |

**Emenda 388**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 58 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw finanzjament komplementarju sa 50 % tal-ispejjeż mhux koperti mill-assistenza finanzjarja mill-Unjoni.*** | ***imħassar*** |

**Emenda 389**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 59 – paragrafu 1 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri għandhom isegwu objettiv wieħed jew aktar minn dawn li ġejjin fis-setturi l-oħrajn imsemmijin fil-punt (f) tal-Artikolu 39: | ***Skont l-Artikoli 5 u 6,*** l-Istati Membri għandhom isegwu objettiv wieħed jew aktar minn dawn li ġejjin fis-setturi l-oħrajn imsemmijin fil-punt (f) tal-Artikolu 39: |

**Emenda 390**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 59 – paragrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) l-ippjanar tal-produzzjoni, l-aġġustament tal-produzzjoni għad-domanda, b'mod partikolari f'termini ta' kwalità u kwantità, l-ottimizzazzjoni tal-ispejjeż tal-produzzjoni u r-redditi fuq l-investiment u l-istabbilizzazzjoni tal-prezzijiet tal-produtturi; dawk l-objettivi huma relatati mal-objettivi speċifiċi stabbiliti fil-punti (a), (b), (c) u (i) tal-Artikolu 6(1); | (a) l-ippjanar tal-produzzjoni, l-aġġustament tal-produzzjoni għad-domanda, b'mod partikolari f'termini ta' kwalità***,*** kwantità u ***diversità***, l-ottimizzazzjoni tal-ispejjeż tal-produzzjoni u r-redditi fuq l-investiment u l-istabbilizzazzjoni tal-prezzijiet tal-produtturi; dawk l-objettivi huma relatati mal-objettivi speċifiċi stabbiliti fil-punti (a), (b), (c) u (i) tal-Artikolu 6(1); |

**Emenda 391**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 59 – paragrafu 1 – punt b**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| (b) il-konċentrazzjoni tal-provvista u t-tqegħid fis-suq tal-prodotti kkonċernati; dawk l-objettivi huma relatati mal-objettivi speċifiċi stabbiliti fil-punti (a) u (c) tal-Artikolu 6(1); | (b) il-konċentrazzjoni tal-provvista u t-tqegħid fis-suq tal-prodotti kkonċernati***, u l-promozzjoni tan-negozjati kollettivi tal-kuntratti***; dawk l-objettivi huma relatati mal-objettivi speċifiċi stabbiliti fil-punti (a) u (c) tal-Artikolu 6(1); |

**Emenda 392**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 59 – paragrafu 1 – punt c**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| (c) ir-riċerka u l-iżvilupp ta' metodi ta' produzzjoni sostenibbli, ***inkluż ir-reżiljenza*** għall-organiżmi ta' ħsara, ta' prattiki innovattivi u tekniki ta' produzzjoni li jsaħħu l-kompetittività ekonomika u l-iżviluppi tas-suq; dawk l-objettivi huma relatati mal-objettivi speċifiċi stabbiliti fil-punti (a), (c) u (i) tal-Artikolu 6(1); | (c) ***l-applikazzjoni,*** ir-riċerka u l-iżvilupp ta' metodi ta' produzzjoni sostenibbli, ***inklużi r-reżistenza*** għall-organiżmi ta' ħsara ***u għall-mard tal-annimali u r-reżiljenza għall-klima***, ***id-diversità ġenetika, il-protezzjoni tal-ħamrija, it-titjib tal-bijosikurezza u t-tnaqqis ta' sustanzi antimikrobiċi, kif ukoll*** ta' prattiki innovattivi u tekniki ta' produzzjoni li jsaħħu l-kompetittività ekonomika ***fit-tul*** u l-iżviluppi tas-suq; dawk l-objettivi huma relatati mal-objettivi speċifiċi stabbiliti fil-punti (a), (c)***, (d), (e), (f)*** u (i) tal-Artikolu 6(1); |

**Emenda 393**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 59 – paragrafu 1 – punt d**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| (d) il-promozzjoni, l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' metodi ta' produzzjoni li jirrispettaw l-ambjent, l-istandards tal-benessri tal-annimali, prattiki ta' kultivazzjoni ***u tekniki ta' produzzjoni*** ambjentalment sani u reżiljenti għall-organiżmi ta' ħsara, l-użu u l-ġestjoni ambjentalment sani tal-prodotti sekondarji | (d) il-promozzjoni, l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' metodi ta' produzzjoni li jirrispettaw l-ambjent, l-istandards tal-benessri tal-annimali, prattiki ta' kultivazzjoni ambjentalment sani u reżiljenti għall-organiżmi ta' ħsara***, ir-reżistenza għall-mard tal-annimali, it-tekniki ta' produzzjoni***, l-użu u l-ġestjoni |

| | |
|---|---|
| u tal-iskart, l-użu sostenibbli tar-riżorsi naturali b'mod partikolari l-protezzjoni tal-ilma, tal-ħamrija u riżorsi naturali oħra; dawk l-objettivi huma relatati mal-objettivi speċifiċi stabbiliti fil-punti (e) u (f) tal-Artikolu 6(1); | ambjentalment sani tal-prodotti sekondarji u tal-iskart, l-użu sostenibbli tar-riżorsi naturali b'mod partikolari l-protezzjoni tal-ilma, tal-ħamrija u riżorsi naturali oħra***; it-tnaqqis tal-emissjonijiet u ż-żieda fl-effiċjenza enerġetika;*** dawk l-objettivi huma relatati mal-objettivi speċifiċi stabbiliti fil-punti (e) u (f) tal-Artikolu 6(1); |

**Emenda 394**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 59 – paragrafu 1 – punt e**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (e) il-kontribuzzjoni għall-mitigazzjoni u l-adattament għat-tibdil fil-klima, kif stabbilit fil-punt (d) tal-Artikolu 6(1); | (e) il-kontribuzzjoni għall-mitigazzjoni u l-adattament għat-tibdil fil-klima, ***inklużi l-prevenzjoni u l-ġestjoni ta' mard tropikali u żoonotiku,*** kif stabbilit fil-punt (d) tal-Artikolu 6(1); |

**Emenda 395**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 59 – paragrafu 1 – punt f**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (f) it-tisħiħ tal-valur kummerċjali u tal-kwalità tal-prodotti, inkluż it-titjib tal-kwalità tal-prodotti u l-iżvilupp ta' prodotti ***b'Denominazzjoni*** tal-Oriġini Protetta, ***b'Indikazzjoni*** Ġeografika Protetta jew koperti bi skemi ta' kwalità nazzjonali; dawk l-objettivi huma relatati mal-objettiv speċifiku stabbilit fil-punti (b) tal-Artikolu 6(1); | (f) it-tisħiħ tal-valur kummerċjali u tal-kwalità tal-prodotti, inkluż it-titjib tal-kwalità tal-prodotti u ***s-segmentazzjoni tas-suq u*** l-iżvilupp ta' prodotti ***b'Denominazzjoni*** tal-Oriġini Protetta, ***b'Indikazzjoni*** Ġeografika Protetta jew koperti bi skemi ta' kwalità nazzjonali; dawk l-objettivi huma relatati mal-objettiv speċifiku stabbilit fil-punti (b) tal-Artikolu 6(1); |

**Emenda 396**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 59 – paragrafu 1 – punt g**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (g) il-promozzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti f'settur wieħed jew aktar minn dawk imsemmija fil-punt (f) tal-Artikolu ***40***; dawk l-objettivi huma relatati mal-objettivi speċifiċi stabbiliti fil-punti (b) u (c) tal-Artikolu 6(1); | (g) il-promozzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti f'settur wieħed jew aktar minn dawk imsemmija fil-punt (f) tal-Artikolu ***39***; dawk l-objettivi huma relatati mal-objettivi speċifiċi stabbiliti fil-punti (b) u (c) tal-Artikolu 6(1); |

**Emenda 397**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 59 – paragrafu 1 – punt h**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (h) il-prevenzjoni u l-ġestjoni tar-riskju, bl-għan li jiġu evitati u indirizzati l-kriżijiet fis-swieq f'settur wieħed jew aktar minn dawk imsemmija fil-punt (f) tal-Artikolu 39; dawk l-objettivi huma relatati mal-objettivi speċifiċi stabbiliti fil-punti (a), (b) u (c) tal-Artikolu 6(1); | (h) il-prevenzjoni u ***l-mitigazzjoni u*** l-ġestjoni tar-riskju, bl-għan li jiġu evitati u indirizzati l-kriżijiet fis-swieq f'settur wieħed jew aktar minn dawk imsemmija fil-punt (f) tal-Artikolu 39; dawk l-objettivi huma relatati mal-objettivi speċifiċi stabbiliti fil-punti (a), (b) u (c) tal-Artikolu 6(1); |

**Emenda 398**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 59 – paragrafu 1 – punt ha (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ha) il-prevenzjoni ta' attakki fuq it-trobbija tal-bhejjem minn speċijiet predatorji;*** |

**Emenda 399**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 59 – paragrafu 1 – punt hb (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(hb) il-kontribuzzjoni għall-istrateġija tal-Unjoni għall-promozzjoni tal-għelejjel tal-proteina, b'mod partikolari l-foraġġ u l-legumi.*** |

**Emenda 400**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 60 – paragrafu 1 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Fir-rigward tal-objettivi msemmijin fil-punti (a) sa (g) tal-Artikolu 59, l-Istati Membri għandhom jagħżlu fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom tip ta' intervent wieħed jew aktar minn dawn li ġejjin: | 1. Fir-rigward tal-objettivi msemmijin fil-punti (a) sa ***(f) tal-Artikolu 56 u l-punti (a) sa*** (g) tal-Artikolu 59, l-Istati Membri għandhom jagħżlu fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom tip ta' intervent wieħed jew aktar minn dawn li ġejjin: |

**Emenda 401**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 60 – paragrafu 1 – punt a – punt i**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (i) il-konservazzjoni tal-ħamrija, ***inkluż it-tisħiħ*** tal-karbonju fil-ħamrija; | (i) il-konservazzjoni tal-ħamrija, ***inklużi l-prevenzjoni tad-degradazzjoni tal-ħamrija u t-tisħiħ tas-sekwestru*** tal-karbonju fil-ħamrija; |

**Emenda 402**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 60 – paragrafu 1 – punt a – punt ii**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (ii) it-titjib tal-użu u l-ġestjoni tal-ilma, inkluż l-iffrankar u l-iskular tal-ilma; | (ii) it-titjib tal-użu u l-ġestjoni ***tajba*** tal-ilma, inkluż l-iffrankar u l-iskular ***tal-ilma, li jikkontribwixxu għal status tajjeb ta' baċiri*** tal-ilma; |

**Emenda 403**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 60 – paragrafu 1 – punt a – punt iv**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (iv) l-iffrankar tal-enerġija u ż-żieda fl-effiċjenza tal-enerġija; | (iv) l-iffrankar tal-enerġija u ż-żieda fl-effiċjenza tal-enerġija***, inkluż l-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli, bħall-użu sostenibbli ta' residwi agrikoli***; |

**Emenda 404**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 60 – paragrafu 1 – punt a – punt iva (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(iva) it-tnaqqis ta' gassijiet li jniġġsu u gassijiet serra;*** |

**Emenda 405**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 60 – paragrafu 1 – punt a – punt v**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (v) l-imballaġġ ekoloġiku; | (v) l-imballaġġ ekoloġiku ***u t-tnaqqis tal-iskart mill-imballaġġ***; |

**Emenda 406**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 60 – paragrafu 1 – punt a – punt vi**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (vi) ***is-saħħa*** u l-benessri tal-annimali; | (vi) ***il-bijosigurtà, il-protezzjoni tas-saħħa*** u l-benessri tal-annimali; |

**Emenda 407**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 60 – paragrafu 1 – punt a – punt viia (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(viia) il-prevenzjoni u l-ġestjoni ta' mard tropikali u żoonotiku;*** |

**Emenda 408**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 60 – paragrafu 1 – punt a – punt viii**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (viii) it-titjib tar-reżiljenza għall-organiżmi ta' ħsara; | (viii) it-titjib tar-reżiljenza għall-organiżmi ta' ħsara ***permezz ta' prattiki ta' ġestjoni u l-ġlieda kontra l-mard tal-annimali***; |

**Emenda 409**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 60 – paragrafu 1 – punt a – punt ix**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (ix) it-tnaqqis tar-riskji u l-impatti tal-użu tal-pestiċidi; | (ix) it-tnaqqis tar-riskji u l-impatti tal-użu tal-pestiċidi ***u d-dipendenza fuqhom***; |

**Emenda 410**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 60 – paragrafu 1 – punt a – punt x**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (x) il-ħolqien u ż-żamma tal-ħabitats favorevoli għall-bijodiversità; | (x) il-ħolqien u ż-żamma tal-ħabitats favorevoli għall-bijodiversità***, u l-promozzjoni ta' varjetajiet lokali***; |

**Emenda 411**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 60 – paragrafu 1 – punt a – punt xa (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(xa) it-tnaqqis tal-użu ta' sustanzi antimikrobiċi;*** |

**Emenda 412**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 60 – paragrafu 1 – punt a – punt xb (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(xb) it-titjib tal-kundizzjonijiet għat-tkabbir, il-ħsad u l-konsenja tal-produzzjoni;*** |

**Emenda 413**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 60 – paragrafu 1 – punt a – punt xc (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(xc) l-azzjonijiet ta' monitoraġġ, għarfien u sorveljanza tas-suq;*** |

**Emenda 414**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 60 – paragrafu 1 – punt a – punt xd (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(xd) il-prevenzjoni ta' attakki fuq il-bhejjem minn speċijiet predatorji.*** |

**Emenda 415**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 60 – paragrafu 1 – punt b**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| (b) is-servizzi konsultattivi u l-assistenza teknika, b'mod partikolari fir-rigward ***tal-adattament*** għat-tibdil fil-klima u l-mitigazzjoni tiegħu; | (b) is-servizzi konsultattivi u l-assistenza teknika, b'mod partikolari fir-rigward ***tal-bijodiversità, l-adattament*** għat-tibdil fil-klima u l-mitigazzjoni tiegħu***, il-ġlieda kontra r-reżiljenza għall-organiżmi ta' ħsara u l-mard tal-annimali u t-titjib tagħha, kif ukoll it-tisħiħ tal-kwalità tal-prodott***; |

**Emenda 416**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 60 – paragrafu 1 – punt da (ġdid)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***(da) il-produzzjoni integrata;*** |

**Emenda 417**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 60 – paragrafu 1 – punt e**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| (e) l-azzjonijiet biex jiżdiedu s-sostenibbiltà u l-effiċjenza tat-trasport u tal-ħżin tal-prodotti ta' settur wieħed jew aktar minn dawk imsemmija fil-punt (f) tal-Artikolu ***40.*** | (e) l-azzjonijiet biex jiżdiedu s-sostenibbiltà u l-effiċjenza tat-trasport u tal-ħżin tal-prodotti ta' settur wieħed jew aktar minn dawk imsemmija fil-punt (f) tal-Artikolu ***39;*** |

**Emenda 418**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 60 – paragrafu 1 – punt h**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| (h) l-implimentazzjoni ta' sistemi ta' traċċabbiltà u ċertifikazzjoni, b'mod partikolari l-monitoraġġ tal-kwalità tal-prodotti mibjugħa lill-konsumaturi finali**.** | (h) l-implimentazzjoni ta' sistemi ta' traċċabbiltà u ċertifikazzjoni ***tul il-katina tal-produzzjoni kollha***, b'mod partikolari l-monitoraġġ tal-kwalità tal-prodotti mibjugħa lill-konsumaturi finali***, inkluża t-*** |

| | |
|---|---|
| | ***traċċabbiltà tal-oriġini taż-żebbuġ u ż-żejt fid-diversi stadji tal-katina tal-produzzjoni, kif ukoll informazzjoni dwar il-metodi ta' produzzjoni;*** |

**Emenda 419**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 60 – paragrafu 1 – punt ha (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ha) l-implimentazzjoni ta' protokolli fitosanitarji u veterinarji ta' pajjiżi terzi.*** |

**Emenda 420**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 60 – paragrafu 2 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Fir-rigward tal-objettiv imsemmi fil-punt (h) tal-Artikolu 59, fil-Pjan Strateġiku tal-PAK tagħhom l-Istati Membri għandhom jagħżlu tip ta' intervent wieħed jew aktar minn dawn li ġejjin: | 2. Fir-rigward tal-objettiv imsemmi ***fil-punt (f) tal-Artikolu 56 u*** fil-punt (h) tal-Artikolu 59, fil-Pjan Strateġiku tal-PAK tagħhom l-Istati Membri għandhom jagħżlu tip ta' intervent wieħed jew aktar minn dawn li ġejjin: |

**Emenda 421**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 60 – paragrafu 2 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) l-investimenti f'assi tanġibbli u intanġibbli li jagħmlu l-ġestjoni tal-volumi mqiegħda fis-suq aktar effiċjenti; | (b) l-investimenti f'assi tanġibbli u intanġibbli li jagħmlu l-ġestjoni tal-volumi mqiegħda fis-suq aktar effiċjenti ***u l-aġġustament aħjar għall-provvista u d-domanda***; |

**Emenda 422**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 60 – paragrafu 2 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) il-ħżin kollettiv tal-prodotti magħmula mill-organizzazzjoni tal-produtturi jew mill-membri tal-organizzazzjoni tal-produtturi; | (c) il-ħżin kollettiv tal-prodotti magħmula mill-organizzazzjoni tal-produtturi jew mill-membri tal-organizzazzjoni tal-produtturi***, kif ukoll it-trattament ta' prodotti biex jiġi ffaċilitat il-ħżin tagħhom***; |

**Emenda 423**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 60 – paragrafu 2 – punt d**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (d) it-tħawwil mill-ġdid ta' msaġar fejn meħtieġ wara li s-siġar jinqalgħu b'mod obbligatorju għal raġunijiet ta' saħħa jew fitosanitarji fuq istruzzjoni tal-awtorità kompetenti tal-Istat Membru jew għall-adattament għat-tibdil fil-klima; | (d) it-tħawwil mill-ġdid ta' msaġar ***jew imsaġar taż-żebbuġ*** fejn meħtieġ wara li s-siġar jinqalgħu b'mod obbligatorju għal raġunijiet ta' saħħa jew fitosanitarji fuq istruzzjoni tal-awtorità kompetenti tal-Istat Membru jew għall-adattament għat-tibdil fil-klima; |

**Emenda 424**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 60 – paragrafu 2 – punt da (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(da) l-appoġġ ta' miżuri għas-saħħa u l-benessri tal-annimali;*** |

**Emenda 425**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 60 – paragrafu 2 – punt db (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(db) ripopolazzjoni tal-bhejjem wara qtil obbligatorju għal raġunijiet ta' saħħa*** |

| | |
|---|---|
| | ***jew telf li jirriżulta minn diżastri naturali;*** |

**Emenda 426**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 60 – paragrafu 2 – punt dc (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(dc) it-titjib tar-riżorsi ġenetiċi;*** |

**Emenda 427**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 60 – paragrafu 2 – punt dd (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(dd) l-estensjoni tal-waqfa sanitarja obbligatorja f'azjendi li tirriżulta minn kriżijiet li ġejjin minn mard tal-annimali;*** |

**Emenda 428**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 61 – paragrafu 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 7. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-interventi marbuta mal-objettiv imsemmi fil-punt (h) tal-Artikolu 59 ma jaqbżux ***terz min-nefqa*** totali taħt il-programmi operattivi tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi jew tal-assoċjazzjonijiet tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi. | 7. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-interventi marbuta mal-objettiv imsemmi fil-punt (h) tal-Artikolu 59 ma jaqbżux ***50 % tan-nefqa*** totali taħt il-programmi operattivi tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi jew tal-assoċjazzjonijiet tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi. |

**Emenda 429**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 62 – titolu**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| Fondi operattivi | Fondi operattivi ***minn organizzazzjonijiet tal-produtturi*** |

**Emenda 430**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 63 – paragrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***1a. Il-limitu ta' 50 % previst fil-paragrafu 1 għandu jiżdied għal 60 % għal organizzazzjonijiet tal-produtturi jew assoċjazzjonijiet tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi rikonoxxuti skont ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 għall-ewwel ħames snin wara s-sena tar-rikonoxximent, u għal organizzazzjonijiet tal-produtturi li joperaw esklussivament f'żoni b'restrizzjonijiet naturali.*** |

**Emenda 431**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 64 – paragrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| (a) impenji ***għall-ġestjoni ambjentali, klimatika u oħrajn***; | (a) ***miżuri ta' sostenibbiltà agroambjentali, mitigazzjoni u adattament għat-tibdil fil-klima u*** impenji ***oħrajn relatati mal-ġestjoni***; |

**Emenda 432**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 64 – paragrafu 1 – punt e**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| (e) l-installazzjoni ***tal-bdiewa*** | (e) l-installazzjoni ***ta' bdiewa*** żgħażagħ, ***bdiewa ġodda u l-bidu u l-*** |

| | |
|---|---|
| żgħażagħ ***u*** l-bidu ***tan-negozji*** rurali; | ***iżvilupp ta' negozji*** rurali ***sostenibbli***; |

**Emenda 433**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 64 – paragrafu 1 – punt ea (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ea) in-nisa fiż-żoni rurali;*** |

**Emenda 434**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 64 – paragrafu 1 – punt h**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (h) l-iskambju tal-għarfien u l-informazzjoni; | (h) l-iskambju tal-għarfien u l-informazzjoni; ***u*** |

**Emenda 435**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 64 – paragrafu 1 – punt ha (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ha) l-installazzjoni ta' teknoloġiji diġitali;*** |

**Emenda 436**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 65 – titolu**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Impenji għall-ġestjoni ambjentali, klimatika u oħrajn*** | ***Miżuri ta' sostenibbiltà agroambjentali, mitigazzjoni u adattament għat-tibdil fil-klima u impenji oħrajn relatati mal-ġestjoni*** |

**Emenda 437**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 65 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri jistgħu jagħtu pagamenti għall-impenji għall-ġestjoni ***ambjentali, klimatika*** u oħrajn bil-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u kif speċifikat aktar fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom. | 1. L-Istati Membri jistgħu jagħtu pagamenti għal ***prattiki agroambjentali sostenibbli***, ***għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih, inkluża l-prevenzjoni ta' riskji naturali,*** u impenji għall-ġestjoni oħrajn, ***bħall-forestrija, il-protezzjoni u t-titjib tar-riżorsi ġenetiċi, u s-saħħa u l-benessri tal-annimali,*** bil-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u kif speċifikat aktar fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom. |

**Emenda 438**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 65 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. L-Istati Membri ***jistgħu*** jagħmlu l-appoġġ taħt dan it-tip ta' interventi disponibbli fit-territorji tagħhom kollha, skont il-ħtiġijiet speċifiċi nazzjonali, reġjonali jew lokali tagħhom. | 3. L-Istati Membri ***għandhom*** jagħmlu l-appoġġ taħt dan it-tip ta' interventi disponibbli fit-territorji tagħhom kollha, skont il-ħtiġijiet speċifiċi nazzjonali, reġjonali jew lokali tagħhom. ***Dak l-appoġġ għandu jkun limitat għall-ammonti massimi stabbiliti fl-Anness IXaa.*** |

**Emenda 439**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 65 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. L-Istati Membri għandhom jagħtu pagamenti biss lill-bdiewa u lil ***benefiċjarji*** oħra li, fuq bażi volontarja, jieħdu impenji ta' ġestjoni li jitqiesu ta' benefiċċju ***għall-kisba*** tal-objettivi speċifiċi stabbiliti fl- | 4. L-Istati Membri għandhom jagħtu pagamenti biss lill-bdiewa***, lil gruppi ta' bdiewa u lil maniġers tal-art*** oħra li, fuq bażi volontarja, jieħdu impenji ta' ġestjoni, ***bħall-protezzjoni xierqa ta' artijiet*** |

| | |
|---|---|
| Artikolu 6(1). | ***mistagħdra u ħamrija organika,*** li jitqiesu ta' benefiċċju ***għall-ksib*** tal-objettivi speċifiċi ***rilevanti*** stabbiliti fl-Artikolu 6(1). ***Tista' tingħata prijorità lil skemi li jkunu speċifikament immirati lejn l-indirizzar ta' kundizzjonijiet u ħtiġijiet ambjentali lokali u li jikkontribwixxu, meta xieraq, biex jintlaħqu l-objettivi stabbiliti fil-leġiżlazzjoni elenkata fl-Anness XI.*** |

**Emenda 440**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 65 – paragrafu 5 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) imorru lil hinn mir-rekwiżiti minimi għall-użu tal-fertilizzanti u l-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, il-benessri tal-annimali, kif ukoll kull rekwiżit obbligatorju stabbilit mill-liġi ***nazzjonali u*** mid-dritt tal-Unjoni; | (b) imorru lil hinn mir-rekwiżiti minimi ***rilevanti*** għall-użu tal-fertilizzanti u l-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, il-benessri tal-annimali, ***il-prevenzjoni tar-reżistenza għall-antimikrobiċi,*** kif ukoll kull rekwiżit obbligatorju ***rilevanti*** stabbilit mid-dritt tal-Unjoni; |

**Emenda 441**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 65 – paragrafu 5 – punt d**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (d) huma differenti ***mill-impenji*** li fir-rigward tagħhom jingħataw il-pagamenti skont l-Artikolu 28. | (d) ikunu differenti minn ***jew komplementari mal-impenji*** li fir-rigward tagħhom jingħataw il-pagamenti skont l-Artikolu 28***, filwaqt li jiżguraw li ma jkun hemm l-ebda finanzjament doppju***. |

**Emenda 442**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 65 – paragrafu 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. L-Istati Membri għandhom jikkumpensaw lill-benefiċjarji għall-ispejjeż imġarrba u l-introjtu mitluf minħabba l-impenji meħuda. Fejn meħtieġ, dawn jistgħu jkopru ukoll l-ispejjeż tat-tranżazzjoni. Fil-każijiet debitament ġustifikati, l-Istati Membri jistgħu jagħtu appoġġ bħala rata fissa jew bħala pagament ta' darba għal kull unità. Il-pagamenti għandhom jingħataw darba fis-sena. | 6. L-Istati Membri għandhom jikkumpensaw lill-benefiċjarji għall-ispejjeż imġarrba u l-introjtu mitluf minħabba l-impenji meħuda. ***L-Istati Membri għandhom jipprovdu wkoll inċentiv finanzjarju lill-benefiċjarji u,*** meta meħtieġ, dawn jistgħu jkopru wkoll l-ispejjeż tat-tranżazzjoni. Fil-każijiet debitament ġustifikati, l-Istati Membri jistgħu jagħtu appoġġ bħala rata fissa jew bħala pagament ta' darba għal kull unità***, jew għal kull annimal, kaxxa tan-naħal jew unità oħra identifikata***. Il-pagamenti għandhom jingħataw darba fis-sena. |

**Emenda 443**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 65 – paragrafu 6a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***6 a. Il-livell ta' pagamenti għandu jvarja skont il-livell ta' ambizzjoni tas-sostenibbiltà ta' kull prattika jew sett ta' prattiki, abbażi ta' kriterji mhux diskriminatorji, sabiex jingħata inċentiv effettiv għall-parteċipazzjoni. L-Istati Membri jistgħu wkoll jiddifferenzjaw il-pagamenti skont in-natura tar-restrizzjonijiet li jaffettwaw l-attivitajiet agrikoli bħala riżultat tal-impenji meħuda, u skont is-sistemi differenti ta' biedja.*** |

**Emenda 444**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 65 – paragrafu 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 7. L-Istati Membri jistgħu jippromwovu u jappoġġaw l-iskemi | 7. L-Istati Membri jistgħu jippromwovu u jappoġġaw l-iskemi |

| | |
|---|---|
| kollettivi u l-iskemi ta' pagamenti bbażati fuq ir-riżultati sabiex iħeġġu lill-bdiewa jsaħħu b'mod sinifikanti l-kwalità tal-ambjent fuq skala akbar u b'mod li jista' jitkejjel. | kollettivi ***volontarji, u taħlita ta' impenji għall-ġestjoni fl-għamla ta' skemi mmexxija fuq livell lokali,*** u l-iskemi ta' pagamenti bbażati fuq ir-riżultati***, inkluż permezz ta' approċċ territorjali,*** sabiex iħeġġu lill-bdiewa u lil ***gruppi ta' bdiewa*** jsaħħu b'mod sinifikanti l-kwalità tal-ambjent fuq skala akbar u b'mod li jista' jitkejjel. ***Huma għandhom idaħħlu fis-seħħ il-mezzi kollha meħtieġa f'termini ta' pariri, taħriġ u trasferiment ta' għarfien biex jgħinu lill-bdiewa li jibdlu s-sistemi ta' produzzjoni tagħhom.*** |

**Emenda 445**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 65 – paragrafu 8**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 8. L-impenji għandhom jittieħdu għal perjodu ta' minn ħames sa seba' snin. Madankollu, fejn ikun meħtieġ biex jinkisbu jew jinżammu ċerti benefiċċji ambjentali mixtieqa, l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu perjodu itwal fil-Pjan Strateġiku tal-PAK għal tipi ta' impenji partikolari, inkluż billi tiġi prevista l-estensjoni annwali tagħhom wara t-terminazzjoni tal-perjodu inizjali. F'każijiet ***eċċezzjonali u*** debitament ġustifikati, u għal impenji ġodda li jittieħdu eżatt wara l-impenn imwettaq fil-perjodu inizjali, l-Istati Membri jistgħu jiddeterminaw perjodu iqsar fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom. | 8. L-impenji għandhom ***normalment*** jittieħdu għal perjodu ta' minn ħames sa seba' snin. Madankollu, meta jkun meħtieġ biex jinkisbu jew jinżammu ċerti benefiċċji ambjentali mixtieqa***, inkluż billi titqies in-natura tal-forestrija fit-tul,*** l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu perjodu itwal fil-Pjan Strateġiku tal-PAK għal tipi ta' impenji partikolari, inkluż billi tiġi prevista l-estensjoni annwali tagħhom wara t-terminazzjoni tal-perjodu inizjali. F'każijiet debitament ġustifikati, u għal impenji ġodda li jittieħdu eżatt wara l-impenn imwettaq fil-perjodu inizjali, l-Istati Membri jistgħu jiddeterminaw perjodu iqsar fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom. |

**Emenda 446**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 65 – paragrafu 9**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 9. Meta l-appoġġ taħt dan it-tip ta' | 9. Meta l-appoġġ taħt dan it-tip ta' |

| | |
|---|---|
| interventi jingħata lill-impenji agroambjentali klimatiċi, lill-impenji għall-konverżjoni jew għaż-żamma tal-prattiki u l-metodi tal-biedja organika kif definiti fir-Regolament (KE) Nru 834/2007 u lis-servizzi ambjentali u klimatiċi tal-foresti, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu pagament għal kull ettaru. | interventi jingħata lill-impenji agroambjentali klimatiċi, ***inkluż*** lill-impenji għall-konverżjoni jew għaż-żamma tal-prattiki u l-metodi tal-biedja organika kif definiti fir-Regolament (KE) Nru 834/2007***, il-ġestjoni integrata tal-organiżmi ta' ħsara, il-protezzjoni tas-sistemi agroforestali*** u s-servizzi ambjentali u klimatiċi tal-foresti, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu pagament għal kull ettaru. |

**Emenda 447**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 65 – paragrafu 10**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 10. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-persuni li jkunu qed iwettqu operazzjonijiet taħt dan it-tip ta' interventi jkollhom ***aċċess għall-għarfien*** u għall-informazzjoni meħtieġa biex jiġu implimentati tali operazzjonijiet. | 10. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-persuni li jkunu qed iwettqu operazzjonijiet taħt dan it-tip ta' interventi jkollhom l-għarfien ***rilevanti*** u l-informazzjoni meħtieġa biex jiġu implimentati tali operazzjonijiet***, u li jkun disponibbli taħriġ xieraq għal dawk li jirrikjeduh, kif ukoll aċċess għall-għarfien espert sabiex jgħin lill-bdiewa li jimpenjaw ruħhom li jibdlu s-sistemi tal-produzzjoni tagħhom***. |

**Emenda 448**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 66 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri jistgħu jagħtu pagamenti għar-restrizzjonijiet naturali jew restrizzjonijiet speċifiċi oħrajn taż-żona bil-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u kif speċifikati aktar fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom bl-għan li jikkontribwixxu ***għall-kisba*** tal-objettivi speċifiċi msemmija fl-Artikolu 6(1). | 1. L-Istati Membri jistgħu jagħtu pagamenti għar-restrizzjonijiet naturali jew għal restrizzjonijiet territorjali speċifiċi oħra, ***inkluż għal żoni muntanjużi u reġjuni insulari,*** bil-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u kif speċifikati aktar fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom bl-għan li jikkontribwixxu biex jintlaħqu l-objettivi speċifiċi ***rilevanti*** |

msemmija fl-Artikolu 6(1).

**Emenda 449**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 66 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Dawn il-pagamenti għandhom jingħataw lill-bdiewa ***ġenwini*** fir-rigward taż-żoni deżinjati skont l-Artikolu 32 tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013. | 2. Dawn il-pagamenti għandhom jingħataw lill-bdiewa ***attivi*** fir-rigward taż-żoni deżinjati, skont l-Artikolu 32 tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013***, kif ukoll fir-rigward ta' żoni affettwati mill-gwerra fir-Repubblika tal-Kroazja***. |

**Emenda 450**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 66 – paragrafu 2a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2a. Fil-każ ta' persuna ġuridika, jew grupp ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi, l-Istati Membri jistgħu japplikaw l-appoġġ fil-livell tal-membri ta' dawk il-persuni jew gruppi ġuridiċi meta l-liġi nazzjonali tipprevedi li l-membri individwali jassumu d-drittijiet u l-obbligi komparabbli għal dawk ta' bdiewa individwali li jkollhom l-istatus ta' kap ta' azjenda, b'mod partikolari fir-rigward tal-istatus ekonomiku, soċjali u tat-tassazzjoni tagħhom, bil-kundizzjoni li jkunu kkontribwew għat-tisħiħ tal-istrutturi agrikoli tal-persuni jew gruppi ġuridiċi kkonċernati.*** |

**Emenda 451**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 66 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. L-Istati Membri jistgħu biss jagħtu pagamenti taħt dan it-tip ta' interventi sabiex jikkumpensaw lill-benefiċjarji għall-ispejjeż addizzjonali kollha jew parti minnhom u għall-introjtu mitluf relatati mar-restrizzjonijiet naturali jew ir-restrizzjonijiet speċifiċi oħrajn taż-żona kkonċernata. | 3. L-Istati Membri jistgħu biss jagħtu pagamenti taħt dan it-tip ta' interventi sabiex jikkumpensaw lill-benefiċjarji għall-ispejjeż addizzjonali kollha jew parti minnhom u għall-introjtu mitluf relatati mar-restrizzjonijiet naturali jew ir-restrizzjonijiet speċifiċi oħrajn taż-żona kkonċernata. ***Dawn jistgħu jipprovdu wkoll inċentiv finanzjarju għall-benefiċjarji biex ikomplu l-biedja f'dawn iż-żoni. L-ammont ta' appoġġ jista' jiġi aġġustat biex titqies is-severità tal-limitazzjonijiet naturali li jaffettwaw l-attività agrikola u s-sistema agrikola. Il-pagamenti jistgħu wkoll, meta rilevanti, iqisu fatturi soċjoekonomiċi u ambjentali. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kalkoli jkunu adegwati, preċiżi u stabbiliti minn qabel abbażi ta' metodu ta' kalkolu ġust.*** |

**Emenda 452**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 66 – paragrafu 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. Il-pagamenti għandhom jingħataw kull sena għal kull ettaru taż-żona. | 5. Il-pagamenti għandhom jingħataw kull sena għal kull ettaru taż-żona ***u għandhom ikunu limitati għall-ammonti minimi u massimi stabbiliti fl-Anness IXaa***. |

**Emenda 453**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 67 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri jistgħu jagħtu pagamenti għall-iżvantaġġi speċifiċi għaż-żona imposti minn rekwiżiti li jirriżultaw | 1. L-Istati Membri jistgħu jagħtu pagamenti għall-iżvantaġġi speċifiċi għaż-żona imposti minn rekwiżiti li jirriżultaw |

| | |
|---|---|
| mill-implimentazzjoni tad-Direttivi 92/43/KEE u 2009/147/KE jew id-Direttiva 2000/60/KE bil-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u kif speċifikati aktar fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom bl-għan li jikkontribwixxu ***għall-kisba*** tal-objettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 6(1). | mill-implimentazzjoni tad-Direttivi 92/43/KEE u 2009/147/KE jew id-Direttiva 2000/60/KE bil-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u kif speċifikati aktar fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom bl-għan li jikkontribwixxu ***għall-ksib*** tal-objettivi speċifiċi ***rilevanti*** stabbiliti fl-Artikolu 6(1). |

**Emenda 454**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 67 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Dawn il-pagamenti jistgħu jingħataw ***lil-bdiewa***, ***lid-detenturi tal-foresti u*** maniġers tal-art oħra ***fir-rigward taż-żoni bi żvantaġġi msemmija fil-paragrafu 1***. | 2. Dawn il-pagamenti jistgħu jingħataw ***lill-bdiewa***, ***lill-gruppi ta' bdiewa, lis-sidien ta' foresti u lill-gruppi ta' sidien ta' foresti***. ***F'każijiet debitament ġustifikati jistgħu jingħataw ukoll lil*** maniġers tal-art oħra. |

**Emenda 455**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 67 – paragrafu 2a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2a. Fil-każ ta' persuna ġuridika, jew grupp ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi, l-Istati Membri jistgħu japplikaw l-appoġġ fil-livell tal-membri ta' dawk il-persuni jew gruppi ġuridiċi meta l-liġi nazzjonali tipprevedi li l-membri individwali jassumu d-drittijiet u l-obbligi komparabbli għal dawk ta' bdiewa individwali li jkollhom l-istatus ta' kap ta' azjenda, b'mod partikolari fir-rigward tal-istatus ekonomiku, soċjali u tat-tassazzjoni tagħhom, bil-kundizzjoni li jkunu kkontribwew għat-tisħiħ tal-istrutturi agrikoli tal-persuni jew gruppi ġuridiċi kkonċernati.*** |

**Emenda 456**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 67 – paragrafu 5 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) fir-rigward tar-restrizzjonijiet li jirriżultaw mid-Direttiva 2000/60/KE, b'rabta mal-iżvantaġġi li jirriżultaw mir-rekwiżiti li jmorru lil hinn mir-rekwiżiti statutorji rilevanti ta' ġestjoni, għajr għall-SMR ***2*** kif imsemmi fl-Anness III, u mill-istandards ta' kundizzjoni agrikola u ambjentali tajba stabbiliti fit-Taqsima 2 tal-Kapitolu I ta' dan it-Titolu kif ukoll il-kundizzjonijiet stabbiliti għaż-żamma taż-żona agrikola f'konformità mal-punt (a) tal-Artikolu 4(1) ta' dan ir-Regolament. | (b) fir-rigward tar-restrizzjonijiet li jirriżultaw mid-Direttiva 2000/60/KE, b'rabta mal-iżvantaġġi li jirriżultaw mir-rekwiżiti li jmorru lil hinn mir-rekwiżiti statutorji rilevanti ta' ġestjoni, għajr ***għall-RSĠ 1*** kif imsemmi fl-Anness III, u mill-istandards ta' kundizzjoni agrikola u ambjentali tajba stabbiliti fit-Taqsima 2 tal-Kapitolu I ta' dan it-Titolu kif ukoll il-kundizzjonijiet stabbiliti għaż-żamma taż-żona agrikola f'konformità mal-punt (a) tal-Artikolu 4(1) ta' dan ir-Regolament. |

**Emenda 457**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 67 – paragrafu 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. Il-pagamenti għandhom jingħataw kull sena għal kull ettaru taż-żona. | 6. Il-pagamenti għandhom jingħataw kull sena għal kull ettaru taż-żona ***u għandhom ikunu limitati għall-ammonti massimi stabbiliti fl-Anness IXaa***. |

**Emenda 458**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 68 – paragrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. Sabiex l-operazzjonijiet ta' investiment ikunu eliġibbli għal appoġġ mill-FAEŻR, dawn għandhom ikunu ppreċeduti minn valutazzjoni tal-impatt ambjentali mistenni f'konformità mal-liġi speċifika għal dak it-tip ta' investiment meta l-investiment x'aktarx li jkollu effetti negattivi fuq l-ambjent.*** |

**Emenda 459**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 68 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. L-Istati Membri jistgħu biss jagħtu appoġġ taħt dan it-tip ta' interventi għall-investimenti tanġibbli u/jew intanġibbli, li jikkontribwixxu ***għall-kisba*** tal-objettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 6. L-appoġġ lis-settur tal-forestrija għandu jkun ibbażat fuq pjan ta' ġestjoni tal-foresti jew strument ekwivalenti. | 2. L-Istati Membri jistgħu biss jagħtu appoġġ taħt dan it-tip ta' interventi għall-investimenti tanġibbli u/jew intanġibbli, ***inkluż fil-forma kollettiva,*** li jikkontribwixxu ***għall-ksib*** tal-objettivi speċifiċi ***rilevanti*** stabbiliti fl-Artikolu 6. L-appoġġ lis-settur tal-forestrija għandu jkun ibbażat fuq pjan ta' ġestjoni tal-foresti ***li jinkludi l-ħtieġa li jitħawlu speċijiet adattati għall-ekosistemi lokali,*** jew strument ekwivalenti ***fil-każ ta' azjendi li jaqbżu ċertu daqs li għandu jiġi ddeterminat mill-Istat Membru***. |

**Emenda 460**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 68 – paragrafu 2a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2a. L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu prijorità għall-investimenti li jitwettqu mill-bdiewa żgħażagħ skont dan l-Artikolu.*** |

**Emenda 461**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 68 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt d**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (d) ix-xiri ta' annimali, ***pjanti annwali u t-tħawwil tagħhom għajr għall-iskop ta' restawr tal-potenzjal agrikolu jew forestali wara diżastru naturali u avvenimenti katastrofiċi;*** | (d) ix-xiri ta' annimali, ***ħlief dawk użati minflok magni għall-konservazzjoni tal-pajsaġġ u għall-protezzjoni kontra predaturi kbar.*** |

Emenda 462

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 68 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt da (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(da) ix-xiri ta' pjanti annwali u t-tħawwil tagħhom għajr għall-iskop ta' restawr tal-potenzjal agrikolu jew forestali wara diżastru naturali u avvenimenti katastrofiċi;*** |

Emenda 463

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 68 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt f**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(f) l-investimenti fl-irrigazzjoni li ma jkunux konsistenti mal-kisba ta' status tajjeb tal-korpi tal-ilma, kif stabbilit fl-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2000/60/KE, inkluż l-espansjoni tal-irrigazzjoni li taffettwa l-korpi tal-ilma li l-istatus tagħhom ikun ġie definit bħala inqas minn tajjeb fil-pjan ta' ġestjoni tal-baċiri idrografiċi rilevanti.*** | ***imħassar*** |

Emenda 464

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 68 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt g**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (g) l-investimenti f'infrastrutturi kbar li ma jkunux parti mill-istrateġiji ta' żvilupp lokali; | (g) l-investimenti f'infrastrutturi kbar li ma jkunux parti mill-istrateġiji ta' żvilupp lokali. ***L-Istati Membri jistgħu jipprevedu wkoll derogi speċifiċi għal investimenti fil-broadband meta jiġu previsti kriterji ċari li jiżguraw il-komplementarjetà mal-appoġġ taħt strumenti oħra tal-Unjoni***; |

**Emenda 465**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 68 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt ha (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ha) investimenti li ma jkunux konsistenti mal-leġiżlazzjoni dwar is-saħħa u l-benessri tal-annimali jew mad-Direttiva 91/676/KEE.*** |

**Emenda 466**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 68 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt hb (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(hb) investimenti fil-produzzjoni tal-bijoenerġija li ma jkunux konsistenti mal-kriterji tas-sostenibbiltà tad-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli.*** |

**Emenda 467**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 68 – paragrafu 3 – subparagrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***B'deroga mill-punti (a) sa (h) tal-ewwel subparagrafu, l-Istati Membri jistgħu jipprevedu derogi f'reġjuni insulari, inklużi r-reġjuni ultraperiferiċi, biex jiġu indirizzati l-iżvantaġġi marbuta mal-insularità u l-periferiċità.*** |

**Emenda 468**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 68 – paragrafu 4 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri għandhom jillimitaw l- | L-Istati Membri għandhom jillimitaw l- |

| | |
|---|---|
| appoġġ għar-rata massima ta' ***75 %*** tal-ispejjeż eliġibbli. | appoġġ għar-rata massima tal-ispejjeż eliġibbli ***stabbiliti fl-Anness IXaa***. |

**Emenda 469**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 68 – paragrafu 4 – subparagrafu 2 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) investimenti għall-afforestazzjoni u mhux produttivi marbuta mal-objettivi speċifiċi relatati mal-ambjent u mal-klima stabbiliti fil-punti (d), (e) u (f) tal-Artikolu 6(1); | (a) investimenti għall-afforestazzjoni***, il-ħolqien ta' sistemi agroforestali u investimenti*** mhux produttivi, ***inkluża l-konsolidazzjoni tal-art,*** marbuta mal-objettivi speċifiċi relatati mal-ambjent u mal-klima stabbiliti fil-punti (d), (e) u (f) tal-Artikolu 6(1); |

**Emenda 470**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 68 – paragrafu 4 – subparagrafu 2 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) investimenti fir-restawr tal-potenzjal agrikolu jew forestali wara diżastri naturali jew avvenimenti katastrofiċi u investimenti f'azzjonijiet preventivi xierqa fil-foresti u fl-ambjent rurali**.** | (c) investimenti fir-restawr tal-potenzjal agrikolu jew forestali ***li tkun saritlu ħsara*** wara ***nirien u*** diżastri naturali jew avvenimenti katastrofiċi ***oħra, inklużi maltempati, għargħar, organiżmi ta' ħsara u mard, kif ukoll ir-restawr tal-foresti permezz tat-tneħħija tal-mini,*** u investimenti f'azzjonijiet preventivi xierqa fil-foresti u fl-ambjent rurali***, kif ukoll investimenti biex tinżamm is-saħħa tal-foresti;*** |

**Emenda 471**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 68 – paragrafu 4 – subparagrafu 2 – punt ca (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ca) investimenti f'tekniki u sistemi ta' produzzjoni innovattivi li jikkontribwixxu*** |

|  |  |
|---|---|
|  | ***simultanjament għall-objettivi msemmija fil-punti (a), (b), (d), (e) u (f) tal-Artikolu 6(1);*** |

**Emenda 472**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 68 – paragrafu 4 – subparagrafu 2 – punt cb (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
|  | ***(cb) l-investimenti fil-protezzjoni tal-merħliet kontra l-predaturi;*** |

**Emenda 473**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 68 – paragrafu 4 – subparagrafu 2 – punt cc (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
|  | ***(cc) investimenti fir-reġjuni ultraperiferiċi u ż-żoni b'restrizzjonijiet naturali, inklużi r-reġjuni muntanjużi u insulari;*** |

**Emenda 474**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 68 – paragrafu 4 – subparagrafu 2 – punt cd (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
|  | ***(cd) investimenti marbuta mal-benessri tal-annimali.*** |

**Emenda 475**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 68a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
|  | ***Artikolu 68a*** |

***Investimenti fl-irrigazzjoni***

***1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 68 ta' dan ir-Regolament, fil-każ ta' irrigazzjoni f'żoni ta' irrigazzjoni u skulati ġodda u eżistenti, l-investimenti li jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu biss għandhom jitqiesu bħala nefqa eliġibbli.***

***2. Pjan ta' ġestjoni tal-baċir ta' xmara, kif meħtieġ skont it-termini tad-Direttiva 2000/60/KE, kellu jkun innotifikat lill-Kummissjoni għaż-żona kollha li fiha se jsir l-investiment, kif ukoll fi kwalunkwe żona oħra fejn l-ambjent tagħha jista' jiġi affettwat mill-investiment. Il-miżuri li jidħlu fis-seħħ taħt il-pjan ta' ġestjoni tal-baċir tax-xmara skont l-Artikolu 11 ta' dik id-Direttiva u tar-rilevanza għas-settur agrikolu kellhom jiġu speċifikati fil-programm ta' miżuri rilevanti;***

***3. Ikun fis-seħħ l-użu ta' arloġġi tal-ilma li jippermetti l-kejl tal-użu tal-ilma fil-livell tal-investiment appoġġat jew ikollu jitpoġġa fil-prattika bħala parti mill-investiment.***

***4. Investiment f'titjib ta' installazzjoni ta' irrigazzjoni eżistenti jew f'element ta' infrastruttura ta' irrigazzjoni, għandu jkun eliġibbli biss jekk jiġi vvalutat ex ante li joffri ffrankar potenzjali fl-użu tal-ilma ta' minimu ta' bejn 5 % u 25 % skont il-parametri tekniċi tal-installazzjoni jew l-infrastruttura eżistenti.***

***Jekk l-investiment jaffettwa korpi ta' ilma ta' taħt l-art jew tal-wiċċ li l-istatus tagħhom ikun ġie identifikat bħala anqas minn tajjeb fil-pjan ta' ġestjoni rilevanti tal-baċir ta' xmara biss għal raġunijiet marbuta mal-kwantità tal-ilma:***

***(a) l-investiment għandu jiżgura tnaqqis effettiv fl-użu tal-ilma, fil-livell tal-investiment, li jammonta minn tal-anqas għal 50 % tal-iffrankar potenzjali tal-ilma li jkun sar possibbli permezz tal-***

***investiment;***

***(b) fil-każ ta' investiment f'azjenda agrikola waħda, huwa għandu wkoll jirriżulta fi tnaqqis għall-użu totali ta' ilma mill-azjenda li jammonta minn tal-anqas għal 50 % tal-iffrankar potenzjali tal-ilma li jkun sar possibbli fil-livell tal-investiment. L-użu totali ta' ilma mill-azjenda għandu jinkludi l-ilma mibjugħ mill-azjenda.***

***L-ebda waħda mill-kundizzjonijiet fil-paragrafu 4 ma għandha tapplika għal investiment f'installazzjoni eżistenti li taffettwa biss l-effiċjenza enerġetika jew għal investiment fil-ħolqien ta' ġiebja jew għal investiment fl-użu ta' ilma rriċiklat li ma jaffettwax massa ta' ilma ta' taħt l-art jew ta' ilma tal-wiċċ.***

***5. Investiment li jirriżulta f'żieda netta taż-żona irrigata li taffettwa korp partikolari ta' ilma ta' taħt l-art jew tal-wiċċ għandu jkun eliġibbli biss jekk:***

***(a) fil-pjan ta' ġestjoni tal-baċir tax-xmara rilevanti, l-istatus tal-korp tal-ilma ma jkunx ġie identifikat li huwa anqas minn tajjeb biss minħabba raġunijiet marbuta mal-kwantità tal-ilma; u***

***(b) analiżi ambjentali ex ante turi li l-investiment ma jkun se jħalli l-ebda impatt negattiv sinifikanti fuq l-ambjent; tali analiżi tal-impatt ambjentali għandha titwettaq jew tkun approvata mill-awtorità kompetenti u tista' wkoll tirreferi għal gruppi ta' azjendi.***

***Iż-żoni mingħajr irrigazzjoni iżda li fihom kien hemm installazzjoni ta' irrigazzjoni attiva fil-passat, li jridu jiġu stabbiliti jew ġustifikati fil-programm, jistgħu jitqiesu bħala żoni b'irrigazzjoni għall-fini tad-determinazzjoni taż-żieda netta taż-żona b'irrigazzjoni.***

***6. Permezz ta' deroga mill-punt (a) tal-paragrafu 5, l-investimenti li jirriżultaw f'żieda netta taż-żona ta' irrigazzjoni jistgħu xorta jkunu eliġibbli***

***jekk:***

***(a) l-investiment jiġi kkombinat ma' investiment f'installazzjoni ta' irrigazzjoni jew element ta' infrastruttura ta' irrigazzjoni eżistenti vvalutat ex ante li joffri ffrankar potenzjali tal-ilma ta' mill-anqas bejn 5 % u 25 % skont il-parametri tekniċi tal-installazzjoni jew infrastruttura eżistenti u***

***(b) l-investiment jiżgura tnaqqis effettiv fl-użu tal-ilma, fil-livell tal-investiment inġenerali, li jammonta għal tal-anqas 50 % tal-iffrankar potenzjali tal-ilma possibbli permezz tal-investiment fl-installazzjoni tal-irrigazzjoni jew l-element ta' infrastruttura eżistenti.***

***7. L-Istati Membri għandhom jillimitaw l-appoġġ għar-rata massima ta' 75 % tal-ispejjeż eliġibbli. Ir-rata massima ta' appoġġ tista' tiżdied għal investimenti fir-reġjuni ultraperiferiċi u ż-żoni b'restrizzjonijiet naturali, inklużi r-reġjuni muntanjużi u insulari.***

**Emenda 476**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 68b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 68b*** |
| | ***Installazzjoni ta' teknoloġiji diġitali*** |
| | ***1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 68 ta' dan ir-Regolament, l-Istati Membri jistgħu jagħtu appoġġ favur l-installazzjoni ta' teknoloġiji diġitali f'żoni rurali bil-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u kif speċifikat aktar fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom bil-għan li jikkontribwixxu għall-ksib tal-objettiv trasversali stabbilit fl-Artikolu 5 u tal-objettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 6.*** |
| | ***2. L-Istati Membri jistgħu jagħtu appoġġ taħt dawn it-tipi ta' interventi biex*** |

| | |
|---|---|
| | ***jgħinu l-installazzjoni ta' teknoloġiji diġitali biex jiġu appoġġati, inter alia, il-biedja bi preċiżjoni, intrapriża rurali tal-Irħula Intelliġenti kif ukoll l-iżvilupp ta' infrastrutturi tal-ICT fil-livell tal-farms.*** |
| | ***3. L-Istati Membri għandhom jillimitaw l-appoġġ għall-installazzjoni ta' teknoloġiji diġitali għar-rata massima tal-ispejjeż eliġibbli stabbiliti fl-Anness IXaa.*** |

**Emenda 477**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 69 – titolu**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Installazzjoni tal-bdiewa żgħażagħ ***u*** l-bidu tan-negozji rurali | Installazzjoni ta' bdiewa żgħażagħ***, bdiewa ġodda,*** bidu ***u żvilupp*** ta' negozji rurali sostenibbli |

**Emenda 478**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 69 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri jistgħu jagħtu appoġġ għall-installazzjoni tal-bdiewa żgħażagħ u l-bidu tan-negozji rurali bil-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u kif speċifikat aktar fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom bl-għan li jikkontribwixxu ***għall-kisba*** tal-objettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 6. | 1. L-Istati Membri jistgħu jagħtu appoġġ għall-installazzjoni tal-bdiewa żgħażagħ ***jew l-inkorporazzjoni tagħhom f'negozji agrikoli eżistenti, il-bdiewa ġodda,*** u l-bidu ***u l-iżvilupp*** tan-negozji rurali, ***inkluż għad-diversifikazzjoni tal-attivitajiet agrikoli,*** bil-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u kif speċifikat aktar fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom bl-għan li jikkontribwixxu ***għall-ksib*** tal-objettivi speċifiċi stabbiliti ***fl-Artikolu 6***. ***L-appoġġ skont dan l-Artikolu għandu jkun soġġett għall-preżentazzjoni ta' pjan ta' direzzjoni tan-negozju.*** |

**Emenda 479**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 69 – paragrafu 2 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. L-Istati Membri jistgħu biss jagħtu appoġġ taħt dan ***it-tip ta' interventi*** biex jgħinu: | 2. L-Istati Membri jistgħu biss jagħtu appoġġ taħt dan ***l-Artikolu*** biex jgħinu biss: |

**Emenda 480**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 69 – paragrafu 2 – punt aa (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(aa) l-installazzjoni ta' bdiewa ġodda.*** |

**Emenda 481**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 69 – paragrafu 2 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) fil-bidu tan-negozju rurali marbut mal-agrikoltura ***u*** l-forestrija jew fid-diversifikazzjoni tal-introjtu ***tal-unitajiet domestiċi agrikoli***; | (b) fil-bidu ***u l-iżvilupp*** tan-negozju rurali marbut mal-agrikoltura, il-forestrija, ***il-bijoekonomija, l-ekonomija ċirkolari u l-agrituriżmu*** jew id-diversifikazzjoni tal-introjtu; |

**Emenda 482**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 69 – paragrafu 2 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) fil-bidu tan-negozju ta' attivitajiet mhux agrikoli fiż-żoni rurali li jkunu parti minn strateġiji ta' żvilupp lokali. | (c) fil-bidu tan-negozju ta' attivitajiet mhux agrikoli fiż-żoni rurali li jkunu parti minn strateġiji ta' żvilupp lokali***, min-naħa ta' bdiewa li jiddiversifikaw l-attivitajiet tagħhom, kif ukoll mikrointrapriżi u persuni fiżiċi minn żoni rurali***. |

**Emenda 483**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 69 – paragrafu 2a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2a. L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu dispożizzjonijiet speċifiċi biex jiżguraw li bdiewa żgħażagħ u bdiewa ġodda li jingħaqdu ma' gruppi ta' bdiewa, organizzazzjonijiet ta' produtturi jew strutturi kooperattivi ma jitilfux l-għajnuna għall-istabbiliment. Tali dispożizzjonijiet għandhom jikkonformaw mal-prinċipju tal-proporzjonalità u jidentifikaw il-parteċipazzjoni tal-bdiewa żgħażagħ u tal-bdiewa ġodda fl-istruttura.*** |

**Emenda 484**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 69 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. L-Istati Membri għandhom jagħtu appoġġ fil-forma ta' somom f'daqqa. L-appoġġ għandu jkun limitat għall-ammont massimu ***ta' EUR 100 000*** u jista' jkun kombinat ma' strumenti finanzjarji. | 4. L-Istati Membri għandhom jagħtu appoġġ fil-forma ta' somom f'daqqa, ***li jistgħu jiġu differenzjati skont kriterji oġġettivi***. L-appoġġ għandu jkun limitat għall-ammont massimu ***stabbilit fl-Anness IXaa*** u jista' jkun kombinat ma' strumenti finanzjarji. |

**Emenda 485**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 69 – paragrafu 4a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***4a. L-għajnuna skont dan l-Artikolu tista' titħallas f'ħafna pagamenti.*** |

**Emenda 486**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 70 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri ***għandhom*** jagħtu appoġġ għall-għodod għall-ġestjoni tar-riskju bil-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u kif speċifikat aktar fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom. | 1. L-Istati Membri ***jistgħu*** jagħtu appoġġ għall-għodod għall-ġestjoni tar-riskju***, filwaqt li jqisu l-ħtiġijiet tagħhom u l-analiżijiet SWOT,*** bil-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u kif speċifikat aktar fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom. ***L-Istati Membri għandhom jiżguraw li din id-dispożizzjoni ma tkunx ta' detriment għall-għodod privati jew pubbliċi għall-ġestjoni tar-riskju.*** |

**Emenda 487**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 70 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. ***L-Istati Membri għandhom jagħtu*** appoġġ taħt dan it-tip ta' interventi ***sabiex*** jippromwovu l-għodod għall-ġestjoni tar-riskju, li jgħinu lill-bdiewa ***ġenwini*** jiġġestixxu r-riskji tal-produzzjoni u tal-introjtu marbuta mal-attività agrikola tagħhom li jmorru lil hinn mill-kontroll tagħhom u li jikkontribwixxu ***għall-kisba*** tal-objettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 6. | 2. Appoġġ taħt dan it-tip ta' interventi ***jista' jingħata*** sabiex jippromwovu l-għodod għall-ġestjoni tar-riskju, li jgħinu lill-bdiewa ***attivi*** jiġġestixxu r-riskji tal-produzzjoni u tal-introjtu marbuta mal-attività agrikola tagħhom li jmorru lil hinn mill-kontroll tagħhom u li jikkontribwixxu ***għall-ksib*** tal-objettivi speċifiċi ***rilevanti*** stabbiliti fl-Artikolu 6. ***Dawn l-istrumenti jistgħu jikkonsistu minn sistemi ta' ġestjoni ta' ħafna riskji.***<br>***Barra minn hekk, għandhom jiġu mħeġġa strateġiji għall-mitigazzjoni tar-riskju biex tiżdied ir-reżiljenza tal-azjendi agrikoli kontra r-riskji naturali u relatati mat-tibdil fil-klima u jitnaqqas l-esponiment għall-instabbiltà tal-introjtu.*** |

**Emenda 488**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 70 – paragrafu 3 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) kontribuzzjonijiet finanzjarji ***bħala*** primjums għal skemi ta' assigurazzjoni; | (a) kontribuzzjonijiet finanzjarji ***għal*** primjums għal skemi ta' assigurazzjoni***, billi jkopru telf ikkawżat minn avvenimenti klimatiċi avversi, diżastri naturali jew avvenimenti katastrofiċi, minn tifqigħ ta' mard tal-annimali jew tal-pjanti, minn inċident ambjentali, minn kontaminazzjoni ta' għelejjel organiċi, jew minn miżura adottata skont id-Direttiva 2000/29/KE biex jinqerdu jew jiġu kkontrollati organiżmi ta' ħsara jew marda tal-pjanti***; |

**Emenda 489**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 70 – paragrafu 3 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) kontribuzzjonijiet finanzjarji għall-fondi mutwi, inkluż l-ispiża amministrattiva tal-istabbiliment; | (b) kontribuzzjonijiet finanzjarji għall-fondi mutwi, inkluża l-ispiża amministrattiva tal-istabbiliment***, bil-ħsieb li jsir ħlas ta' kumpens finanzjarju lill-bdiewa għal telf ikkawżat minn avvenimenti klimatiċi avversi, diżastri naturali jew avvenimenti katastrofiċi, minn tifqigħ ta' mard tal-annimali jew tal-pjanti, minn inċident ambjentali, minn kontaminazzjoni ta' għelejjel organiċi, jew minn miżura adottata skont id-Direttiva 2000/29/KE biex jinqerdu jew jiġu kkontrollati organiżmi ta' ħsara jew marda tal-pjanti***; |

**Emenda 490**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 70 – paragrafu 3 – punt ba (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ba) kontribuzzjonijiet finanzjarji għal għodda ta' stabbilizzazzjoni tal-introjtu li tieħu l-forma ta' fond reċiproku u tipprovdi:*** |
| | ***(i) kumpens għall-bdiewa tas-setturi kollha f'każ ta' tnaqqis qawwi fl-introjtu tagħhom;*** |
| | ***(ii) kumpens għall-bdiewa ta' settur speċifiku fil-każ ta' tnaqqis qawwi fl-introjtu tagħhom;*** |

**Emenda 491**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 70 – paragrafu 3a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3a. L-Istati Membri għandhom jillimitaw il-kontribuzzjonijiet finanzjarji għal fondi mutwi msemmija fil-punti (b) u (c) tal-paragrafu 3 għall-elementi li ġejjin:*** |
| | ***(a) l-ispejjeż amministrattivi għall-istabbiliment tal-fond mutwu, mifruxin fuq perjodu massimu ta' tliet snin b'mod rigressiv;*** |
| | ***(b) l-ammonti mħallsa mill-fond mutwu bħala kumpens finanzjarju lill-bdiewa. Barra minn hekk, il-kontribuzzjoni finanzjarja tista' tkun marbuta mal-imgħax fuq is-self kummerċjali meħud mill-fond mutwu għall-finijiet tal-ħlas tal-kumpens finanzjarju lill-bdiewa f'każ ta' kriżi;*** |
| | ***(c) is-supplimentar tal-pagamenti annwali fil-fond;*** |
| | ***(d) l-istokk kapitali inizjali tal-fond mutwu.*** |

**Emenda 492**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 70 – paragrafu 4 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) it-tipi u l-kopertura tal-iskemi ta' assigurazzjoni u tal-fondi mutwi eliġibbli; | (a) it-tipi u l-kopertura tal-iskemi ta' assigurazzjoni u tal-fondi mutwi eliġibbli ***u l-għodod ta' stabbilizzazzjoni tal-introjtu***; |

**Emenda 493**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 70 – paragrafu 4 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) il-metodoloġija għall-kalkolu tat-telf u l-fatturi ta' attivazzjoni għall-kumpens; | (b) il-metodoloġija għall-kalkolu tat-telf u l-fatturi ta' attivazzjoni għall-kumpens***, inkluż permezz ta' indiċijiet bijoloġiċi, klimatiċi jew ekonomiċi applikati fil-livell tal-azjenda, jew fil-livell lokali, reġjonali jew nazzjonali***; |

**Emenda 494**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 70 – paragrafu 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. L-Istati Membri għandhom jillimitaw l-appoġġ għar-rata massima ***ta' 70 % tal-ispejjeż*** eliġibbli. | 6. L-Istati Membri għandhom jillimitaw l-appoġġ għar-rata massima tal-ispejjeż eliġibbli ***stabbiliti fl-Anness IXaa***. |

**Emenda 495**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 70 – paragrafu 7a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***7a. Kwalunkwe Stat Membru li jintroduċi skemi nazzjonali għall-ġestjoni tar-riskju, jew li diġà jkollu skemi bħal*** |

***dawn qabel id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, jista' juża l-istrumenti stabbiliti f'dan l-Artikolu biex ikopri kwalunkwe tip ta' riskju li ma jkunx kopert minn dawn l-iskemi.***

**Emenda 496**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 71 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri jistgħu jagħtu appoġġ għall-kooperazzjoni bil-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u kif speċifikat aktar fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom biex iħejju u jimplimentaw il-proġetti tal-Grupp Operattiv tas-Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni għall-produttività u s-sostenibbiltà fil-qasam agrikolu kif imsemmi fl-Artikolu 114 u l-LEADER, imsejjaħ żvilupp lokali mmexxi mill-komunità fl-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) [ir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni] u biex jippromwovu l-iskemi ta' kwalità, l-organizzazzjonijiet tal-produtturi jew il-gruppi tal-produtturi jew forom oħra ta' kooperazzjoni. | 1. L-Istati Membri jistgħu jagħtu appoġġ għall-kooperazzjoni bil-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u kif speċifikat aktar fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom biex iħejju u jimplimentaw il-proġetti tal-Grupp Operattiv tas-Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni għall-produttività u s-sostenibbiltà fil-qasam agrikolu kif imsemmi fl-Artikolu 114 u l-LEADER, imsejjaħ żvilupp lokali mmexxi mill-komunità fl-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) [ir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni] u biex jippromwovu l-iskemi ta' kwalità, l-organizzazzjonijiet tal-produtturi jew il-gruppi tal-produtturi***,*** jew forom oħra ta' kooperazzjoni ***inklużi dawk li l-prodotti tagħhom ikunu koperti mir-Regolament (UE) Nru 1151/2012***. |

**Emenda 497**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 71 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. L-Istati Membri jistgħu biss jagħtu appoġġ taħt dan it-tip ta' interventi biex jippromwovu forom ta' kooperazzjoni li tinvolvi mill-inqas żewġ entitajiet u li tikkontribwixxi ***għall-kisba*** tal-objettivi | 2. L-Istati Membri jistgħu biss jagħtu appoġġ taħt dan it-tip ta' interventi biex ***isostnu forom ta' kooperazzjoni eżistenti*** u jippromwovu forom ta' kooperazzjoni li tinvolvi mill-inqas żewġ entitajiet***, li minnhom mill-inqas waħda tkun involuta*** |

speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 6. | ***fil-produzzjoni agrikola,*** u li tikkontribwixxi ***għall-ksib*** tal-objettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 6.

**Emenda 498**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 71 – paragrafu 2a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2a. B'deroga mill-paragrafu 2, l-Istati Membri jistgħu jagħtu appoġġ mill-FAEŻR lil Gruppi ta' Azzjoni Lokali li jimplimentaw strateġija ta' żvilupp lokali li tikkontribwixxi għall-ksib tal-objettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 6.*** |

**Emenda 499**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 71 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Taħt dan it-tip ta' interventi l-Istati Membri jistgħu jkopru l-ispejjeż relatati mal-aspetti kollha tal-kooperazzjoni. | 3. Taħt dan it-tip ta' interventi l-Istati Membri jistgħu jkopru l-ispejjeż relatati mal-aspetti kollha ***meħtieġa*** tal-kooperazzjoni***, inklużi spejjeż ta' ċertifikazzjoni relatati mal-parteċipazzjoni fi skema ta' kwalità tal-Unjoni***. |

**Emenda 500**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 71 – paragrafu 4 – subparagrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***L-Istati Membri jistgħu jagħtu appoġġ maħsub biex jinkoraġġixxu skemi ta' kwalità, organizzazzjonijiet tal-produtturi jew gruppi ta' produtturi jew forom oħra ta' kooperazzjoni, fl-għamla ta' somma f'daqqa.*** |

**Emenda 501**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 71 – paragrafu 8**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 8. L-Istati Membri għandhom jillimitaw l-appoġġ għal massimu ta' seba' snin għajr għall-azzjonijiet ambjentali u klimatiċi kollettivi f'każijiet debitament ġustifikati biex jinkisbu l-objettivi speċifiċi relatati mal-ambjent u mal-klima msemmija fil-punti (d), (e) u (f) tal-Artikolu 6(1). | *(Ma taffettwax il-verżjoni Maltija.)* |

**Emenda 502**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 71 – paragrafu 8a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***8a. Il-Gruppi ta' Azzjoni Lokali jistgħu jitolbu l-ħlas bil-quddiem mill-aġenziji tal-ħlas kompetenti jekk din il-possibbiltà tkun inkluża fil-pjan strateġiku. L-ammont tal-ħlas bil-quddiem ma jistax jaqbeż il-50 % tal-appoġġ pubbliku allokat għall-ispejjeż tal-funzjonament u l-animazzjoni.*** |

**Emenda 503**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 71 – paragrafu 8b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***8b. L-appoġġ għall-iskemi ta' kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel, inklużi azzjonijiet għall-informazzjoni u l-promozzjoni, u l-għajnuna għall-istabbiliment ta' gruppi u*** |

***organizzazzjonijiet tal-produtturi għandhom ikunu limitati għall-ammont massimu stabbilit fl-Anness IXb.***

**Emenda 504**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 71a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 71a*** |
| | ***Subprogrammi tematiċi għal skemi ta' kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel*** |
| | ***L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu subprogramm tematiku dwar l-iskemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel previsti mir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 li jikseb l-għanijiet speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 6(1).*** |

**Emenda 505**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 72 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri jistgħu jagħtu appoġġ għall-iskambju tal-għarfien ***agrikolu, forestali u tan-negozju rurali*** u l-informazzjoni dwarhom bil-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u kif speċifikat aktar fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom. | 1. L-Istati Membri jistgħu jagħtu appoġġ għall-iskambju tal-għarfien u l-informazzjoni dwarhom ***fuq bażi individwali jew kollettiva*** bil-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u kif speċifikat aktar fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom ***għall-agrikoltura, il-forestrija, inklużi l-agroforestrija, l-ambjent u l-protezzjoni tal-klima, in-negozju rurali, l-Irħula Intelliġenti u l-interventi tal-PAK***. |

**Emenda 506**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 72 – paragrafu 2**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| 2. Taħt dan it-tip ta' interventi, l-Istati Membri jistgħu jkopru l-ispejjeż ta' kwalunkwe azzjoni rilevanti li tippromwovi l-innovazzjoni, l-aċċess għat-taħriġ u għall-pariri u l-iskambju u t-tixrid tal-għarfien u l-informazzjoni li jikkontribwixxu ***għall-kisba*** tal-objettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 6. | 2. Taħt dan it-tip ta' interventi, l-Istati Membri ***u l-Unjoni*** għandhom ikopru l-ispejjeż ta' kwalunkwe azzjoni rilevanti li tippromwovi l-innovazzjoni, l-aċċess għat-taħriġ u għall-pariri***, il-ħolqien ta' pjanijiet u studji,*** u l-iskambju u t-tixrid tal-għarfien u l-informazzjoni li jikkontribwixxu ***għall-ksib*** tal-objettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 6. |

**Emenda 507**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 72 – paragrafu 3 – subparagrafu 1**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| L-Istati Membri ***għandhom jillimitaw*** l-appoġġ ***għal massimu ta' 75 % tal-ispejjeż eliġibbli***. | L-Istati Membri ***jistgħu jipprovdu*** appoġġ ***sar-rata massima stabbilita fl-Anness IXaa***. |

**Emenda 508**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 72 – paragrafu 3 – subparagrafu 2**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| B'deroga mill-ewwel subparagrafu, fil-każ tal-istabbiliment ta' servizzi konsultattivi għall-azjendi agrikoli, l-Istati Membri jistgħu jagħtu appoġġ ***fil-forma ta' ammont fiss ta'*** massimu ta' ***EUR 200 000***. | B'deroga mill-ewwel subparagrafu, fil-każ tal-istabbiliment ta' servizzi konsultattivi għall-azjendi agrikoli, l-Istati Membri jistgħu jagħtu appoġġ ***sal-ammont*** massimu ***stabbilit fl-Anness IXaa***. |

**Emenda 509**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 72 – paragrafu 4**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| ***4. B'deroga mill-paragrafu 3, fir-reġjuni ultraperiferiċi u f'każijiet oħra*** | ***imħassar*** |

***debitament ġustifikati l-Istati Membri jistgħu japplikaw rata ogħla jew ammont ogħla minn dak stabbilit f'dak il-paragrafu sabiex jiksbu l-objettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 6.***

**Emenda 510**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 72 – paragrafu 6a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***6a. L-appoġġ skont dan l-Artikolu ma jkoprix korsijiet ta' struzzjoni jew taħriġ li jkunu parti minn programmi ta' edukazzjoni normali jew sistemi ta' edukazzjoni sekondarja jew ogħla.*** |

**Emenda 511**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 72 – paragrafu 6b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***6 b. Il-korpi li jipprovdu servizzi ta' trasferiment tal-għarfien u informazzjoni għandhom ikunu mħarrġa sew f'termini ta' kwalifika tal-persunal u taħriġ biex iwettqu dak il-kompitu.*** |

**Emenda 512**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 72a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 72a*** |
| | ***Miżuri favur in-nisa rurali*** |
| | ***1. L-Istati Membri għandhom jadottaw azzjonijiet speċifiċi ffukati fuq il-promozzjoni ta' inklużjoni akbar tan-nisa fl-ekonomija rurali, permezz ta' interventi*** |

| | |
|---|---|
| | ***f'konformità mar-regolament attwali bil-għan li jkun hemm kontribuzzjoni għall-objettivi msemmija fl-Artikolu 6(1).*** |
| | ***2. L-Istati Membri jistgħu, fil-Pjanijiet Strateġiċi tagħhom tal-PAK, jagħtu appoġġ biex jippromwovu l-involviment tan-nisa, inter alia, fit-trasferiment tal-għarfien u l-azzjonijiet ta' informazzjoni, is-servizzi ta' konsulenza, l-investimenti f'assi fiżiċi, fil-bidu u l-iżvilupp ta' farm u negozju rurali, l-installazzjoni ta' teknoloġiji diġitali u l-kooperazzjoni.*** |

**Emenda 513**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 72b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 72b*** |
| | ***Żvilupp tal-Istrateġija għall-Irħula Intelliġenti*** |
| | ***1. Sabiex jiġu promossi d-diġitalizzazzjoni u l-innovazzjoni, jiġu faċilitati l-iżvilupp tan-negozju, l-inklużjoni soċjali u l-impjiegi fiż-żoni rurali, l-Istati Membri għandhom jiżviluppaw u jimplimentaw l-Istrateġija għall-Irħula Intelliġenti fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom, filwaqt li jqisu t-tipi ta' interventi stabbiliti fil-punti (a), (b), (d), (e), (g) u (h) tal-Artikolu 64 u l-elementi li jiżguraw il-modernizzazzjoni u l-istrateġiji kif stabbilit fl-Artikolu 102.*** |
| | ***2. Minbarra t-tipi ta' interventi stabbiliti fil-punt preċedenti, l-Istati Membri jridu jieħdu ħsieb partikolari tal-miżuri, billi jindirizzaw il-kwistjonijiet li ġejjin fiż-żoni rurali:*** |
| | ***(a) id-diġitalizzazzjoni tal-ekonomija rurali;*** |
| | ***(b) l-agrikoltura ta' preċiżjoni;*** |

| | |
|---|---|
| | ***(c)	l-iżvilupp ta' pjattaformi diġitali;*** |
| | ***(d)	il-mobbiltà rurali;*** |
| | ***(e)	l-innovazzjoni soċjali;*** |
| | ***(f)	l-iżvilupp ta' sistemi intelliġenti tal-enerġija, grids u ħżin fil-livell lokali, kif ukoll l-appoġġ tal-iżvilupp tal-kooperattivi tal-enerġija;*** |
| | ***3.	L-Istati Membri għandhom jieħdu nota partikolari tal-koordinazzjoni bejn il-FAEŻR u Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej oħra, kif stabbilit fil-punt (iii) tal-Artikolu 98(d).*** |
| | ***4.	L-Istati Membri jistgħu jinkludu l-Istrateġija għall-Irħula Intelliġenti tagħhom fl-istrateġiji integrati ta' żvilupp lokali mmexxi mill-Komunità kif stabbilit fl-Artikolu 25(c) tar-Regolament (UE) 2018/xxxx [ir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni l-ġdid].*** |

**Emenda 514**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 73 – paragrafu 1 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Awtorità ta' Ġestjoni tal-Pjan Strateġiku tal-PAK, jew korpi intermedji deżinjati oħra, għandha tiddefinixxi l-kriterji ta' għażla għall-interventi li huma relatati mat-tipi ta' interventi li ġejjin: l-investimenti, l-installazzjoni tal-bdiewa żgħażagħ u l-bidu tan-negozju rurali, il-kooperazzjoni, l-iskambju tal-għarfien u l-informazzjoni, wara konsultazzjoni mal-Kumitat għall-Monitoraġġ imsemmi fl-Artikolu 111. Il-kriterji ta' għażla għandu jkollhom l-għan li jiżguraw it-trattament ugwali tal-applikanti, l-użu aħjar tar-riżorsi finanzjarji u l-immirar tal-appoġġ skont l-iskop tal-interventi. | L-Awtorità ta' Ġestjoni tal-Pjan Strateġiku tal-PAK***, jew, meta applikabbli, l-awtoritajiet tal-ġestjoni reġjonali,*** jew korpi intermedji deżinjati oħra, għandha tiddefinixxi l-kriterji ta' għażla għall-interventi li huma relatati mat-tipi ta' interventi li ġejjin: l-investimenti, l-installazzjoni ta' bdiewa żgħażagħ u ***bdiewa ġodda*** u l-bidu tan-negozju rurali, il-kooperazzjoni, l-iskambju tal-għarfien u l-informazzjoni***, miżuri speċifiċi favur in-nisa rurali u l-installazzjoni ta' teknoloġiji diġitali***, wara konsultazzjoni mal-Kumitat għall-Monitoraġġ imsemmi fl-Artikolu 111. Il-kriterji ta' għażla għandu jkollhom l-għan li jiżguraw it-trattament ugwali tal-applikanti, l-użu aħjar tar-riżorsi finanzjarji u l-immirar tal-appoġġ skont l- |

| | |
|---|---|
| | iskop tal-interventi. |

**Emenda 515**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 73 – paragrafu 1 – subparagrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li ma japplikawx il-kriterji ta' għażla ***għall-interventi ta' investiment li jimmiraw b'mod ċar l-iskopijiet ambjentali jew li jitwettqu*** b'rabta mal-attivitajiet ta' restawr. | L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li ma japplikawx il-kriterji ta' għażla għall-investiment b'rabta mal-attivitajiet ta' restawr ***wara avvenimenti katastrofiċi***. |

**Emenda 516**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 73 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***4. Il-kriterji ta' għażla ma jistgħux jiġu definiti għall-operazzjonijiet li jkunu rċevew ċertifikazzjoni tas-Siġill ta' Eċċellenza taħt l-Orizzont 2020 jew Orizzont Ewropa jew ikunu ntgħażlu taħt il-Life +, bil-kundizzjoni li tali operazzjonijiet ikunu konsistenti mal-Pjan Strateġiku tal-PAK.*** | ***imħassar*** |

**Emenda 517**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 74 – paragrafu 5 – subparagrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Meta l-bdiewa jintlaqtu minn kundizzjonijiet klimatiċi severi u/jew kriżi tas-suq, il-pagamenti skont il-punt (a) ta' dan il-paragrafu jistgħu jiġu ggarantiti kontra l-kapital operatorju.*** |

**Emenda 518**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 74 – paragrafu 5a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***5a. Meta fondi taħt dan l-Artikolu ma jintużawx jew jiġu rritornati mill-Istrument Finanzjarju, dawn għandhom jinżammu għall-użu fil-parti tal-Iżvilupp Rurali tal-Pjan Strateġiku tal-PAK.*** |

**Emenda 519**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 75**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***[...]*** | ***imħassar*** |

**Emenda 520**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 78 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 138 biex tissupplimenta ***dan ir-Regolament b'rekwiżiti addizzjonali għal dawk stipulati f'dan*** il-Kapitolu ***dwar il-kundizzjonijiet għall-għoti ta' appoġġ għat-tipi ta' interventi għall-iżvilupp rurali li ġejjin***:<br><br>***(a) l-impenji ta' ġestjoni kif imsemmi fl-Artikolu 65;***<br><br>***(b) l-investimenti kif imsemmi fl-Artikolu 68;***<br><br>***(c) il-kooperazzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 71.*** | Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 138 biex tissupplimenta ***l-Anness IXa dwar il-limiti minimi u massimi għall-pagamenti skont dan*** il-Kapitolu. |

**Emenda 521**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 79 – titolu**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Nefqa*** tal-FAEG u tal-FAEŻR | ***Allokazzjoni finanzjarja*** tal-FAEG u tal-FAEŻR |

**Emenda 522**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 79 – paragrafu 1 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. ***Il-FAEG*** għandu jiffinanzja t-tipi ta' interventi relatati ma': | 1. ***Il-pakkett finanzjarju għall-FAEG għall-perjodu 2021-2027 għandu jkun ta' EUR 286 143 miljun fi prezzijiet tal-2018 (EUR 322 511-il miljun fi prezzijiet attwali).*** |
| | ***F'dan il-pakkett finanzjarju u minkejja d-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu I tat-Titolu II tar-Regolament (UE) [HzR], il-FAEG*** għandu jiffinanzja t-tipi ta' interventi relatati ma': |

**Emenda 523**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 79 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Il-FAEŻR għandu jiffinanzja t-tipi ta' interventi msemmija fil-Kapitolu IV tat-Titolu III. | 2. ***Il-pakkett finanzjarju għall-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali għall-perjodu 2021-2027 għandu jkun ta' EUR 96 712-il miljun fi prezzijiet tal-2018 (EUR 109 000 miljun fi prezzijiet attwali).*** |
| | Il-FAEŻR għandu jiffinanzja t-tipi ta' interventi msemmija fil-Kapitolu IV tat-Titolu III***, assistenza teknika fuq inizjattiva tal-Istati Membri msemmija fl-Artikolu 112 u assistenza teknika fuq inizjattiva tal-Kummissjoni msemmija fl-*** |

| | |
|---|---|
| | ***Artikolu 83(2).*** |

**Emenda 524**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 80 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. In-nefqa għandha tkun eliġibbli għall-kontribuzzjoni mill-FAEG u mill-FAEŻR ***mill-1 ta' Jannar tas-sena ta'*** wara ***s-sena tal-approvazzjoni*** tal-Pjan Strateġiku tal-PAK mill-Kummissjoni. | 1. In-nefqa għandha tkun eliġibbli għall-kontribuzzjoni mill-FAEG u mill-FAEŻR wara ***l-approvazzjoni*** tal-Pjan Strateġiku tal-PAK min-naħa tal-Kummissjoni. |

**Emenda 525**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 80 – paragrafu 2 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| In-nefqa li ssir eliġibbli bħala riżultat ta' emenda ta' Pjan Strateġiku tal-PAK għandha tkun eliġibbli għal kontribuzzjoni mill-FAEŻR mid-data tal-preżentazzjoni tat-talba għal emenda lill-Kummissjoni. | In-nefqa li ssir eliġibbli bħala riżultat ta' emenda ta' Pjan Strateġiku tal-PAK għandha tkun eliġibbli għal kontribuzzjoni mill-FAEŻR ***u mill-FAEG*** mid-data tal-preżentazzjoni tat-talba għal emenda lill-Kummissjoni. |

**Emenda 526**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 80 – paragrafu 2 – subparagrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| B'deroga mill-Artikolu 73(5) u l-ewwel subparagrafu, fil-każijiet ta' miżuri ta' emerġenza minħabba diżastri naturali, avvenimenti katastrofiċi jew avvenimenti klimatiċi avversi jew bidla sinifikanti u f'daqqa fil-kundizzjonijiet soċjoekonomiċi tal-Istat Membru jew tar-reġjun, il-Pjan Strateġiku tal-PAK jista' jipprevedi li l-eliġibbiltà tan-nefqa ffinanzjata mill-FAEŻR relatata mal-emendi tal-Pjan tista' | B'deroga mill-Artikolu 73(5) u l-ewwel subparagrafu, fil-każijiet ta' miżuri ta' emerġenza minħabba diżastri naturali, avvenimenti katastrofiċi***, inklużi nirien, nixfa u għargħar,*** jew avvenimenti klimatiċi avversi, ***epidemiji*** jew bidla sinifikanti u f'daqqa fil-kundizzjonijiet soċjoekonomiċi tal-Istat Membru jew tar-reġjun, il-Pjan Strateġiku tal-PAK jista' jipprevedi li l-eliġibbiltà tan-nefqa |

| | |
|---|---|
| tibda mid-data li fiha jkun seħħ l-avveniment. | ffinanzjata mill-FAEŻR relatata mal-emendi tal-Pjan tista' tibda mid-data li fiha jkun seħħ l-avveniment. |

**Emenda 527**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 80 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. In-nefqa għandha tkun eliġibbli għal kontribuzzjoni mill-FAEŻR jekk din tkun iġġarrbet minn benefiċjarju u tkun tħallset sal-31 ta' Diċembru [***2029***]. Barra minn hekk, in-nefqa għandha tkun eliġibbli biss għal kontribuzzjoni mill-FAEŻR jekk l-għajnuna rilevanti fil-fatt titħallas mill-aġenzija tal-pagamenti sal-31 ta' Diċembru [***2029***]. | 3. In-nefqa għandha tkun eliġibbli għal kontribuzzjoni mill-FAEŻR jekk din tkun iġġarrbet minn benefiċjarju u tkun tħallset sal-31 ta' Diċembru [***2030***]. Barra minn hekk, in-nefqa għandha tkun eliġibbli biss għal kontribuzzjoni mill-FAEŻR jekk l-għajnuna rilevanti fil-fatt titħallas mill-aġenzija tal-pagamenti sal-31 ta' Diċembru [***2030***]. |

**Emenda 528**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 82 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. L-assistenza finanzjarja mill-Unjoni għat-tipi ta' intervent fis-settur tal-ħops allokata lill-Ġermanja għandha tkun EUR ***2 188 000*** fis-sena. | 3. L-assistenza finanzjarja mill-Unjoni għat-tipi ta' intervent fis-settur tal-ħops allokata lill-Ġermanja għandha tkun EUR ***X*** fis-sena. |

**Emenda 529**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 82 – paragrafu 4 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) EUR ***10 666 000*** kull sena għall-Greċja; | (a) EUR ***X*** kull sena għall-Greċja; |

**Emenda 530**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 82 – paragrafu 4 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) EUR ***554 000*** kull sena għal Franza; u | (b) EUR ***X*** kull sena għal Franza; u |

**Emenda 531**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 82 – paragrafu 4 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) EUR ***34 590 000*** kull sena għall-Italja. | (c) EUR ***X*** kull sena għall-Italja. |

**Emenda 532**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 82 – paragrafu 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 7. ***Fl-2023,*** l-Istati Membri jistgħu jirrieżaminaw id-deċiżjonijiet tagħhom imsemmija fil-paragrafu 6 bħala parti minn talba għal emenda tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom, imsemmija fl-Artikolu 107. | 7. ***Sentejn wara d-data ta' applikazzjoni tal-Pjanijiet Strateġiċi tagħhom,*** l-Istati Membri jistgħu jirrieżaminaw id-deċiżjonijiet tagħhom imsemmija fil-paragrafu 6 bħala parti minn talba għal emenda tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom, imsemmija fl-Artikolu 107. |

**Emenda 533**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 83 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-ammont totali tal-appoġġ tal-Unjoni għat-tipi ta' interventi għall-iżvilupp rurali skont dan ir-Regolament | 1. L-ammont totali tal-appoġġ tal-Unjoni għat-tipi ta' interventi għall-iżvilupp rurali skont dan ir-Regolament |

| | |
|---|---|
| għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2021 sal-31 ta' Diċembru 2027 għandu jkun EUR ***78 811*** miljun fil-prezzijiet kurrenti skont il-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2021 sa 2027[38]. | għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2021 sal-31 ta' Diċembru 2027 għandu jkun EUR ***109 000*** miljun fil-prezzijiet kurrenti skont il-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2021 sa 2027[38]. |
| [38] Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027 Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat u lill-Kumitat tar-Reġjuni, COM(2018)322 final. | [38] Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027 Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat u lill-Kumitat tar-Reġjuni, COM(2018)322 final. |

**Emenda 534**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 85 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK għandhom jistabbilixxu ***rata ta'*** kontribuzzjoni unika mill-FAEŻR ***applikabbli għall-interventi kollha***. | 1. Il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK għandhom jistabbilixxu kontribuzzjoni unika mill-FAEŻR ***biex tappoġġa interventi f'reġjuni li jikkorrispondu għal-livell 2 tal-klassifikazzjoni komuni ta' unitajiet territorjali għall-istatistika ("reġjuni ta' livell 2 NUTS") stabbiliti mir-Regolament (KE) Nru 1059/2003***. |

**Emenda 535**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 85 – paragrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. Ir-riżorsi mill-FAEŻR għandhom jiġu allokati fost it-tliet kategoriji tar-reġjuni tal-livell 2 ta' NUTS li ġejjin:*** |
| | ***(a) ir-reġjuni inqas żviluppati, li l-PDG per capita tagħhom ikun ta' inqas minn 75 % tal-medja tal-PDG tal-UE-27 ("reġjuni inqas żviluppati");*** |

| | |
|---|---|
| | ***(b) ir-reġjuni fi tranżizzjoni, li l-PDG per capita tagħhom ikun ta' bejn 75 % u 100 % tal-medja tal-PDG tal-UE-27 ("reġjuni fi tranżizzjoni");*** |
| | ***(c) ir-reġjuni aktar żviluppati, li l-PDG per capita tagħhom ikun ta' aktar minn 100 % tal-medja tal-PDG tal-UE-27 ("reġjuni aktar żviluppati").*** |
| | ***Il-klassifikazzjoni tar-reġjuni taħt waħda mit-tliet kategoriji ta' reġjuni għandha tkun determinata abbażi ta' kif il-PDG per capita ta' kull reġjun, imkejjel bl-istandards tal-kapaċità tal-akkwist u kkalkolat abbażi taċ-ċifri tal-Unjoni għall-perjodu 2014-2016, ikun relatat mal-medja tal-PDG tal-UE-27 għall-istess perjodu ta' referenza.*** |

**Emenda 536**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 85 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) ***70 %*** tan-nefqa pubblika eliġibbli fir-reġjuni ultraperiferiċi u fil-Gżejjer Minuri tal-Eġew skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 229/2013; | (a) ***85 %*** tan-nefqa pubblika eliġibbli fir-reġjuni ultraperiferiċi u fil-Gżejjer Minuri tal-Eġew skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 229/2013; |

**Emenda 537**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 85 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) ***70 %*** tan-nefqa pubblika eliġibbli fir-reġjuni inqas żviluppati; | (b) ***85 %*** tan-nefqa pubblika eliġibbli fir-reġjuni inqas żviluppati; |

**Emenda 538**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 85 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt ba (ġdid)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***(ba) 65 % għar-reġjuni fi tranżizzjoni;*** |

**Emenda 539**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 85 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt c**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| (c) ***65 %*** tan-nefqa eliġibbli għall-pagamenti taħt l-Artikolu 66; | (c) ***75 %*** tan-nefqa eliġibbli għall-pagamenti taħt l-Artikolu 66; |

**Emenda 540**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 85 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt d**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| (d) ***43 %*** tan-nefqa pubblika eliġibbli fir-reġjuni l-oħra. | (d) ***53 %*** tan-nefqa pubblika eliġibbli fir-reġjuni l-oħra. |

**Emenda 541**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 85 – paragrafu 3 – punt a**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| (a) ***80*** % għall-impenji ta' ġestjoni msemmija fl-Artikolu 65 ta' dan ir-Regolament, għall-pagamenti skont l-Artikolu 67 ta' dan ir-Regolament, għall-investimenti ***mhux produttivi*** msemmija fl-Artikolu 68 ta' dan ir-Regolament, ***għall-appoġġ għas-Sħubija Ewropea*** għall-Innovazzjoni skont l-Artikolu 71 ta' dan ir-Regolament u għal-LEADER, imsejjaħ żvilupp lokali mmexxi mill-komunità fl-Artikolu 25 tar-Regolament (EU) [ir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni]***;*** | (a) ***90*** % għall-impenji ta' ġestjoni msemmija fl-Artikolu 65 ta' dan ir-Regolament, għall-pagamenti skont l-Artikolu 67 ta' dan ir-Regolament, għall-investimenti msemmija fl-Artikolu 68 ta' dan ir-Regolament, ***li huma marbuta mal-afforestazzjoni u l-objettivi ambjentali u klimatiċi speċifiċi msemmija fil-punti (d), (e) u (f) tal-Artikolu 6(1) għal operazzjonijiet koperti fil-punt (a) tal-Artikolu 69(2), għall-appoġġ lis-Sħubija*** għall-Innovazzjoni skont l-Artikolu 71 ta' dan ir-Regolament u għal-LEADER, imsejjaħ żvilupp lokali mmexxi mill- |

| | |
|---|---|
| | komunità fl-Artikolu 25 tar-Regolament (EU) [ir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni]***, operazzjonijiet skont l-Artikolu 72, għal operazzjonijiet li huma appoġġati permezz ta' strumenti finanzjarji, għall-miżuri skont l-Artikolu 72a (ġdid) u għal żoni spopolati.*** |

**Emenda 542**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 85 – paragrafu 3 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) 100 % għall-operazzjonijiet li qed jirċievu finanzjament minn fondi trasferiti lill-FAEŻR skont ***l-Artikoli 15 u*** 90 ta' dan ir-Regolament. | (b) 100 % għall-operazzjonijiet li jirċievu finanzjament minn fondi trasferiti lill-FAEŻR skont ***l-Artikolu*** 90 ta' dan ir-Regolament***, meta dawk l-operazzjonijiet jindirizzaw objettivi ambjentali u relatati mal-klima speċifiċi msemmija fil-punti (d), (e) u (f) tal-Artikolu 6(1)***. |

**Emenda 543**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 86 – paragrafu 2 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Mill-inqas 30 % tal-kontribuzzjoni totali tal-FAEŻR lill-Pjan Strateġiku tal-PAK kif stabbilit fl-Anness IX għandu jkun riżervat għall-interventi li jindirizzaw l-objettivi speċifiċi relatati mal-ambjent u mal-klima stabbiliti fil-punti (d), (e) ***u (f)*** tal-Artikolu 6(1) ta' dan ir-Regolament***, bl-eċċezzjoni tal-interventi bbażati fuq*** l-Artikolu 66. | Mill-inqas 30 % tal-kontribuzzjoni totali tal-FAEŻR lill-Pjan Strateġiku tal-PAK kif stabbilit fl-Anness IX għandu jkun riżervat għal interventi ***ta' kull tip*** li jindirizzaw l-objettivi speċifiċi relatati mal-ambjent u mal-klima stabbiliti fil-punti (d), (e)***, (f) u (i)*** tal-Artikolu 6(1) ta' dan ir-Regolament***.*** |
| | ***Jista' jitqies massimu ta' 40 % tal-pagamenti mogħtija skont*** l-Artikolu 66 ***għall-finijiet tal-kalkolu tal-kontribuzzjoni totali tal-FAEŻR imsemmija fl-ewwel subparagrafu***. |

**Emenda 544**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 86 – paragrafu 2a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2a. Mill-inqas 30 % tal-kontribuzzjoni totali tal-FAEŻR għall-Pjan Strateġiku tal-PAK kif stabbilit fl-Anness IX għandu jkun riżervat għal interventi skont l-Artikoli 68, 70, 71 u 72 li jindirizzaw l-objettivi speċifiċi li għandhom l-għan li jrawmu l-iżvilupp ta' settur agrikolu intelliġenti, reżiljenti u diversifikat kif definit fil-punti (a), (b) u (c) tal-Artikolu 6(1) ta' dan ir-Regolament.*** |

**Emenda 545**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 86 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. ***Għal kull Stat Membru l-ammont minimu stabbilit*** fl-Anness X ***għandu jkun riżervat għall-kontribut lejn l-objettiv speċifiku "Nattiraw il-bdiewa*** żgħażagħ ***u niffaċilitaw l-iżvilupp tan-negozju" stabbilit fil-punt (g) tal-Artikolu 6(1)***. ***Fuq il-bażi tal-analiżi tas-sitwazzjoni f'termini ta' qawwiet, dgħufijiet, opportunitajiet u theddid ("l-analiżi SWOT") u l-identifikazzjoni tal-ħtiġijiet li jridu jiġu indirizzati, l-ammont għandu jintuża għat-tipi ta' interventi li ġejjin:***<br>***(a) l-Appoġġ għall-Introjtu Komplementarju għall-Bdiewa Żgħażagħ kif stipulat fl-Artikolu 27;***<br>***(b) l-installazzjoni tal-bdiewa żgħażagħ imsemmija fl-Artikolu 69;*** | 4. ***L-Istati Membri għandhom jirriżervaw mill-inqas l-ammonti stabbiliti*** fl-Anness X ***għall-appoġġ għall-introjtu komplementari għall-bdiewa*** żgħażagħ kif ***stabbilit fl-Artikolu 27***. |

**Emenda 546**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 86 – paragrafu 4a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***4a. L-Istati Membri għandhom jirriżervaw mill-inqas 60 % tal-ammonti stabbiliti fl-Anness VII favur l-introjtu bażiku għas-sostenibbiltà u l-pagament ridistributtiv kif imsemmi fis-subtaqsimiet 2 u 3 tat-Taqsima 2 tal-Kapitolu II tat-Titolu III.*** |

**Emenda 547**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 86 – paragrafu 4b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***4b. L-Istati Membri għandhom jirriżervaw mill-inqas 5 % tal-ammonti stabbiliti fl-Anness VII favur il-pagament ridistributtiv imsemmi fl-Artikolu 26.*** |

**Emenda 548**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 86 – paragrafu 4c (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***4c. L-Istati Membri għandhom jirriżervaw mill-inqas 20 % tal-ammonti stabbiliti fl-Anness VII għall-interventi msemmija fl-Artikolu 28.*** |

**Emenda 549**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 86 – paragrafu 5 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-allokazzjonijiet finanzjarji indikattivi għall-interventi tal-appoġġ għall-introjtu akkoppjat imsemmija fis-Subtaqsima 1 tat- | L-allokazzjonijiet finanzjarji indikattivi għall-interventi tal-appoġġ għall-introjtu akkoppjat imsemmija fis-Subtaqsima 1 tat- |

| | |
|---|---|
| Taqsima 2 tal-Kapitolu II tat-Titolu III, għandha tkun limitata għal massimu ta' 10 % tal-ammont stabbilit fl-Anness VII. | Taqsima 2 tal-Kapitolu II tat-Titolu III, għandha tkun limitata għal massimu ta' 10 % tal-ammont stabbilit fl-Anness VII. ***L-Istati Membri jistgħu jittrasferixxu parti minnha biex iżidu l-allokazzjoni massima stabbilita fl-Artikolu 82(6) jekk din l-allokazzjoni ma tkunx biżżejjed biex tiffinanzja l-interventi koperti mit-Taqsima 7 tal-Kapitolu III tat-Titolu III.*** |

**Emenda 550**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 86 – paragrafu 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) [ir-Regolament Orizzontali], l-ammont massimu li jista' jingħata fi Stat Membru qabel l-applikazzjoni tal-Artikolu 15 ta' dan ir-Regolament skont is-Subtaqsima 1 tat-Taqsima 2 tal-Kapitolu II tat-Titolu III ta' dan ir-Regolament fir-rigward ta' sena kalendarja ma għandux jaqbeż l-ammonti stabbiliti fil-Pjan Strateġiku tal-PAK skont il-paragrafu ***6***. | 6. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) [ir-Regolament Orizzontali], l-ammont massimu li jista' jingħata fi Stat Membru qabel l-applikazzjoni tal-Artikolu 15 ta' dan ir-Regolament skont is-Subtaqsima 1 tat-Taqsima 2 tal-Kapitolu II tat-Titolu III ta' dan ir-Regolament fir-rigward ta' sena kalendarja ma għandux jaqbeż l-ammonti stabbiliti fil-Pjan Strateġiku tal-PAK skont il-paragrafu ***5***. |

**Emenda 551**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 86 – paragrafu 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 7. Fil-Pjan Strateġiku tal-PAK tagħhom l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jużaw ċertu sehem tal-allokazzjoni mill-FAEŻR bħala ingranaġġ għall-appoġġ u biex itejbu l-Proġetti Strateġiċi tan-Natura integrati kif definit fir-[Regolament LIFE] u biex jiffinanzjaw l-azzjonijiet fir-rigward tal-mobbiltà għat-tagħlim transnazzjonali tal-persuni fil-qasam tal-iżvilupp agrikolu u rurali b'attenzjoni fuq il-bdiewa | 7. Fil-Pjan Strateġiku tal-PAK tagħhom l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jużaw ċertu sehem tal-allokazzjoni mill-FAEŻR bħala ingranaġġ għall-appoġġ u biex itejbu l-Proġetti Strateġiċi tan-Natura integrati kif definit fir-[Regolament LIFE] ***meta l-komunitajiet tal-bdiewa jkunu involuti*** u biex jiffinanzjaw l-azzjonijiet fir-rigward tal-mobbiltà għat-tagħlim transnazzjonali tal-persuni fil-qasam tal-iżvilupp agrikolu u rurali b'attenzjoni fuq |

| | |
|---|---|
| żgħażagħ, skont ir-[Regolament Erasmus]. | il-bdiewa żgħażagħ, skont ir-[Regolament Erasmus]***, u fuq in-nisa rurali***. |

**Emenda 552**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 87 – paragrafu 2 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) 100 % għan-nefqa għall-interventi msemmija fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 86(2); | (c) 100 % għan-nefqa għall-interventi msemmija fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 86(2)***, bl-eċċezzjoni tan-nefqa msemmija fil-punt (d)***; |

**Emenda 553**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 87a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 87a*** |
| | ***It-traċċar tal-kompetittività li tagħti spinta lin-nefqa*** |
| | ***1. Abbażi tal-informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri, il-Kummissjoni għandha tevalwa l-kontribut tal-politika fl-għoti ta' spinta lill-objettivi tal-kompetittività bl-użu ta' metodoloġija sempliċi u komuni.*** |
| | ***2. Il-kontribut lejn il-mira tan-nefqa għandu jiġi stmat permezz tal-applikazzjoni ta'piżijiet speċifiċi differenzjati fuq il-bażi ta' jekk l-appoġġ jagħmilx kontribut sinifikanti jew moderat lejn il-promozzjoni tal-kompetittività kif inhi relatata mal-objettiv trasversali msemmi fl-Artikolu 5 u l-objettivi ekonomiċi fil-punti (a), (b) u (c) tal-Artikolu 6(1). Dawk il-fatturi ta' ponderazzjoni għandhom ikunu bbażati fuq sett ta' indikaturi li jkejlu dawk l-objettivi u għandhom jiġu żviluppati mill-Kummissjoni permezz ta' atti delegati*** |

*skont l-Artikolu 138.*

**Emenda 554**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 89 – paragrafu 1 – subparagrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-perċentwal tal-varjazzjoni huwa l-perċentwal li bih l-ammont unitarju medju jew uniformi realizzat jista' jaqbeż l-ammont unitarju medju jew uniformi ppjanat imsemmi fil-Pjan Strateġiku tal-PAK. | Il-perċentwal tal-varjazzjoni huwa l-perċentwal li bih l-ammont unitarju medju jew ***indikattiv*** uniformi realizzat jista' jaqbeż l-ammont unitarju medju jew ***indikattiv*** uniformi ppjanat imsemmi fil-Pjan Strateġiku tal-PAK. |

**Emenda 555**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 89 – paragrafu 1 – subparagrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Għal kull intervent fil-forma ta' pagamenti diretti, l-ammont unitarju medju jew uniformi reali ma għandu qatt ikun inqas mill-ammont unitarju ppjanat sakemm l-output miksub ma jaqbiżx l-output ippjanat kif stabbiliti fil-Pjan Strateġiku tal-PAK. | Għal kull intervent fil-forma ta' pagamenti diretti, l-ammont unitarju medju jew ***indikattiv*** uniformi reali ma għandu qatt ikun inqas mill-ammont ***indikattiv*** unitarju ppjanat sakemm l-output miksub ma jaqbiżx l-output ippjanat kif stabbiliti fil-Pjan Strateġiku tal-PAK. |

**Emenda 556**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 89 – paragrafu 1 – subparagrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Meta jkunu ġew definiti ammonti unitarji differenti fi ħdan intervent, dan is-subparagrafu għandu japplika għal kull ammont unitarju uniformi jew medju ta' dak l-intervent. | Meta jkunu ġew definiti ammonti ***indikattivi*** unitarji differenti fi ħdan intervent, dan is-subparagrafu għandu japplika għal kull ammont unitarju ***indikattiv*** uniformi jew medju ta' dak l-intervent. |

**Emenda 557**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 89 – paragrafu 2a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2a. L-Istati Membri jistgħu jallokaw mill-ġdid l-ammonti skont it-tipi ta' intervent.*** |

**Emenda 558**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 90 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) sa 15 % tal-allokazzjoni tal-pagamenti diretti tal-Istati Membri stabbilita fl-Anness IV wara tnaqqis tal-allokazzjoni għall-qoton stabbiliti fl-Anness VI għas-snin kalendarji ***2021*** sa 2026 lill-allokazzjoni tal-Istat Membru għall-FAEŻR fis-snin finanzjarji ***2022 – 2027***; ***or*** | (a) sa 15 % tal-allokazzjoni tal-pagamenti diretti tal-Istati Membri stabbilita fl-Anness IV wara tnaqqis tal-allokazzjoni għall-qoton stabbiliti fl-Anness VI għas-snin kalendarji ***2022*** sa 2026 lill-allokazzjoni tal-Istat Membru għall-FAEŻR fis-snin finanzjarji ***2023 – 2027, dment li l-Istati Membri jużaw iż-żieda korrispondenti għal interventi agroambjentali li l-benefiċjarji tagħhom ikunu l-bdiewa***; |

**Emenda 559**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 90 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) sa ***15 %*** tal-allokazzjoni għall-FAEŻR tal-Istat Membru fis-snin finanzjarji ***2022*** – 2027 lill-allokazzjoni tal-pagamenti diretti tal-Istat Membru stabbilita fl-Anness IV għas-snin kalendarji ***2021*** sa 2026. | (b) sa ***5 %*** tal-allokazzjoni għall-FAEŻR tal-Istat Membru fis-snin finanzjarji ***2023*** – 2027 lill-allokazzjoni tal-pagamenti diretti tal-Istat Membru stabbilita fl-Anness IV għas-snin kalendarji ***2022*** sa 2026***, dment li ż-żieda korrispondenti tkun allokata għal operazzjonijiet koperti mill-Artikolu 28***. |

**Emenda 560**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 90 – paragrafu 1 – subparagrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Il-perċentwal ta' trasferiment*** mill-allokazzjoni ***tal-pagamenti*** diretti ***tal-Istat Membru lill-allokazzjoni tiegħu għall-FAEŻR imsemmi fl-ewwel subparagrafu jista' jiżdied bi:*** | ***B'deroga mill-punt (b) tal-ewwel subparagrafu, il-Kroazja, il-Polonja, l-Ungerija u s-Slovakkja jistgħu jittrasferixxu sa 15 %*** mill-allokazzjoni ***tal-FAEŻR tagħhom għal pagamenti*** diretti ***stabbiliti fl-Anness IV, dment li 5 % jkun iddedikat għal operazzjonijiet koperti mill-Artikolu 28.*** |
| ***(a) sa 15-il punt perċentwali dejjem jekk l-Istati Membri jużaw iż-żieda korrispondenti għall-interventi ffinanzjati mill-FAEŻR li jindirizzaw l-objettivi speċifiċi relatati mal-ambjent u mal-klima msemmija fil-punti d), (e) u (f) tal-Artikolu 6(1);*** | |
| ***(b) sa 2 punti perċentwali dejjem jekk l-Istati Membri jużaw iż-żieda korrispondenti skont il-punt (b) tal-Artikolu 86(4).*** | |

**Emenda 561**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 90 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. ***Fl-2023***, l-Istati Membri jistgħu jirrieżaminaw id-deċiżjonijiet tagħhom imsemmija fil-paragrafu 1 bħala parti minn talba għal emenda tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom, imsemmija fl-Artikolu 107. | 3. ***Fl-2024***, l-Istati Membri jistgħu jirrieżaminaw id-deċiżjonijiet tagħhom imsemmija fil-paragrafu 1 bħala parti minn talba għal emenda tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom, imsemmija fl-Artikolu 107. |

**Emenda 562**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 91 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu l-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK skont dan ir-Regolament biex jimplimentaw l-appoġġ mill-Unjoni ffinanzjat mill-FAEG u mill-FAEŻR ***għall-kisba*** tal-objettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu ***6***. | L-Istati Membri ***u, meta xieraq, f'kollaborazzjoni mar-reġjuni,*** għandhom jistabbilixxu l-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK skont dan ir-Regolament biex jimplimentaw l-appoġġ mill-Unjoni ffinanzjat mill-FAEG u mill-FAEŻR ***għall-ksib*** tal-objettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu ***6(1)***. |

**Emenda 563**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 91 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Fuq il-bażi tal-analiżi SWOT imsemmija fl-Artikolu 103(2) u ***valutazzjoni*** tal-ħtiġijiet imsemmija fl-Artikolu 96, fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu strateġija ***tal-intervent*** kif imsemmi fl-Artikolu 97 li fiha għandhom jiġu stabbiliti miri kwantitattivi u stadji importanti ***għall-kisba*** tal-objettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 6. Il-miri għandhom jiġu definiti bl-użu ta' sett komuni ta' indikaturi tar-riżultati stabbilit fl-Anness I. | Fuq il-bażi tal-analiżi SWOT imsemmija fl-Artikolu 103(2) u ***tal-valutazzjoni*** tal-ħtiġijiet imsemmija fl-Artikolu 96, fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK l-Istati Membri ***u, meta xieraq, f'kollaborazzjoni mar-reġjuni,*** għandhom jistabbilixxu strateġija ***ta' intervent*** kif imsemmi fl-Artikolu 97 li fiha għandhom jiġu stabbiliti miri kwantitattivi u stadji importanti ***għall-ksib*** tal-objettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 6. Il-miri għandhom jiġu definiti bl-użu ta' sett komuni ta' indikaturi tar-riżultati stabbilit fl-Anness I. |

**Emenda 564**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 91 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Kull Pjan Strateġiku tal-PAK għandu jkopri l-perjodu mill-1 ta' Jannar ***2021*** sal-31 ta' Diċembru 2027. | Kull Pjan Strateġiku tal-PAK għandu jkopri l-perjodu mill-1 ta' Jannar ***2022*** sal-31 ta' Diċembru 2027. |

**Emenda 565**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 91 – paragrafu 4a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***L-approvazzjoni tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK u l-implimentazzjoni tagħhom min-naħa tal-Istati Membri ma għandhom jikkawżaw l-ebda dewmien la fil-perjodu ta' applikazzjoni għall-għajnuna għall-benefiċjarji u lanqas fil-ħlas f'waqtu lill-benefiċjarji tal-għajnuna.*** |

**Emenda 566**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 92 – titolu**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Aktar ambizzjoni fir-rigward tal-objettivi relatati mal-ambjent*** u ***mal-klima*** | ***Objettivi agroambjentali u klimatiċi aktar ambizzjużi*** |

**Emenda 567**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 92 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Permezz tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom u b'mod partikolari permezz tal-elementi tal-istrateġija tal-interventi msemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 97(2), l-Istati Membri għandhom jimmiraw li jagħmlu ***kontribut*** ġenerali akbar ***għall-kisba*** tal-objettivi speċifiċi ***relatati mal-ambjent*** u mal-klima stipulati fil-punti (d), (e) u (f) tal-Artikolu 6(1) b'paragun ***mal-kontribut*** ġenerali ***li jkun sar għall-kisba tal-objettiv*** stipulat fil-punt (b) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 110(2) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 permezz tal-appoġġ taħt il-FAEG u l-FAEŻR fil-perjodu mill-2014 sal-2020. | 1. Permezz tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom u b'mod partikolari permezz tal-elementi tal-istrateġija tal-interventi msemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 97(2), l-Istati Membri għandhom jimmiraw li jagħmlu ***kondiviżjoni*** ġenerali akbar ***tal-baġit allokat għall-ksib tal-objettivi speċifiċi agroambjentali u klimatiċi*** stipulati fil-punti (d), (e) u (f) tal-Artikolu 6(1) b'paragun ***mas-sehem*** ġenerali ***tal-baġit allokat biex jinkiseb l-objettiv*** stipulat fil-punt (b) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 110(2) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 permezz tal-appoġġ taħt il-FAEG u l-FAEŻR fil- |

perjodu mill-2014 sal-2020.

**Emenda 568**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 92 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom, l-Istati Membri għandhom jispjegaw, fuq il-bażi tal-informazzjoni disponibbli, kif għandhom l-intenzjoni jiksbu l-kontribut ġenerali akbar stabbilit fil-paragrafu 1. Dik l-ispjegazzjoni għandha tkun ibbażata fuq informazzjoni rilevanti bħal pereżempju l-elementi msemmija fil-punti (a) sa (f) tal-Artikolu 95(1) u ***fil-punt*** (b) tal-Artikolu 95(2). | 2. Fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom, l-Istati Membri għandhom jispjegaw, fuq il-bażi tal-informazzjoni disponibbli, kif għandhom l-intenzjoni jiksbu l-kontribut ġenerali akbar stabbilit fil-paragrafu 1. Dik l-ispjegazzjoni għandha tkun ibbażata fuq informazzjoni rilevanti bħal pereżempju l-elementi msemmija fil-punti (a) sa (f) tal-Artikolu 95(1) u ***fil-punti (a) u*** (b) tal-Artikolu 95(2). |

**Emenda 569**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 93 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Kull Stat Membru għandu jistabbilixxi Pjan Strateġiku tal-PAK uniku għat-territorju kollu tiegħu. | Kull Stat Membru ***u, meta applikabbli, f'kollaborazzjoni mar-reġjuni,*** għandu jistabbilixxi Pjan Strateġiku tal-PAK uniku għat-territorju kollu tiegħu. |

**Emenda 570**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 93 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Meta l-elementi tal-Pjan Strateġiku tal-PAK jiġu stabbiliti fil-livell reġjonali, l-Istat Membru għandu jiżgura l-koerenza u l-konsistenza mal-elementi tal-Pjan Strateġiku tal-PAK stabbilit fil-livell | Meta l-elementi tal-Pjan Strateġiku tal-PAK jiġu stabbiliti ***u/jew implimentati*** fil-livell reġjonali ***permezz tal-Programmi ta' Intervent Reġjonali***, l-Istat Membru għandu jiżgura l-koerenza u l-konsistenza mal-elementi tal-Pjan Strateġiku tal-PAK |

| | |
|---|---|
| nazzjonali. | stabbilit fil-livell nazzjonali. |

**Emenda 571**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 94 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Il-korp tal-Istat Membru responsabbli għat-tfassil tal-Pjan Strateġiku tal-PAK għandu jiżgura li l-awtoritajiet kompetenti għall-ambjent u l-klima jkunu involuti ***effettivament*** fit-tfassil tal-aspetti ambjentali u klimatiċi tal-Pjan. | 2. Il-korp tal-Istat Membru responsabbli għat-tfassil tal-Pjan Strateġiku tal-PAK għandu jiżgura li l-awtoritajiet ***pubbliċi*** kompetenti għall-ambjent u l-klima jkunu involuti ***bis-sħiħ*** fit-tfassil tal-aspetti ambjentali u klimatiċi tal-Pjan. |

**Emenda 572**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 94 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Kull Stat Membru għandu jorganizza sħubija mal-awtoritajiet kompetenti reġjonali u lokali. Is-sħubija għandha tinkludi mill-inqas is-sħab li ġejjin: | Kull Stat Membru għandu jorganizza sħubija mal-awtoritajiet kompetenti reġjonali u lokali ***kif ukoll ma' sħab oħra***. Is-sħubija għandha tinkludi mill-inqas is-sħab li ġejjin: |

**Emenda 573**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 94 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) is-sħab ekonomiċi u soċjali; | (b) is-sħab ekonomiċi u soċjali***, b'mod partikolari r-rappreżentanti tas-settur agrikolu, u inklużi l-Gruppi ta' Azzjoni Lokali fil-kuntest tal-programmi LEADER***; |

**Emenda 574**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 94 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) il-korpi rilevanti li jirrappreżentaw is-soċjetà ċivili u ***fejn*** rilevanti ***l-korpi*** responsabbli għall-promozzjoni tal-inklużjoni soċjali, id-drittijiet fundamentali, l-ugwaljanza bejn is-sessi u n-nondiskriminazzjoni. | (c) il-korpi rilevanti li jirrappreżentaw is-soċjetà ċivili ***relatati mal-objettivi kollha stabbiliti fl-Artikolu 5*** u ***l-Artikolu 6(1) u, meta*** rilevanti***, il-korpi*** responsabbli għall-promozzjoni tal-inklużjoni soċjali, id-drittijiet fundamentali, l-ugwaljanza bejn is-sessi u n-nondiskriminazzjoni. |

**Emenda 575**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 94 – paragrafu 3 – subparagrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri għandhom jinvolvu lil dawk is-sħab fit-tħejjija tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK. | L-Istati Membri għandhom jinvolvu ***bis-sħiħ*** lil dawk is-sħab fit-tħejjija tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK. |

**Emenda 576**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 94 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom ***jikooperaw*** sabiex jiżguraw koordinazzjoni effettiva fl-implimentazzjoni tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK, ***filwaqt li jqisu l-prinċipji*** ta' proporzjonalità u ***ta'*** ġestjoni kondiviża. | 4. L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom ***jikkooperaw*** sabiex jiżguraw koordinazzjoni effettiva fl-implimentazzjoni tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK, ***b'kunsiderazzjoni tal-prinċipji*** ta' proporzjonalità***,*** ġestjoni kondiviża u ***funzjonament tajjeb tas-suq uniku***. |

**Emenda 577**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 94 – paragrafu 4a (ġdid)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***4a. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta att delegat skont l-Artikolu 138 biex tistabbilixxi kodiċi ta' kondotta sabiex tappoġġa lill-Istati Membri fl-organizzazzjoni tas-sħubija msemmija fil-paragrafu 3. Il-kodiċi ta' kondotta għandu jistabbilixxi l-qafas li fih l-Istati Membri, skont il-liġi nazzjonali tagħhom u l-kompetenzi reġjonali, jridu jsegwu l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' sħubija.*** |

**Emenda 578**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 95 – paragrafu 1 – punt e**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| (e) mira u pjanijiet finanzjarji; | (e) mira u pjanijiet finanzjarji***, inklużi, meta xieraq, dawk dwar il-programmi ta' intervent reġjonali***; |

**Emenda 579**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 95 – paragrafu 2 – punt c**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| (c) l-Anness III dwar il-konsultazzjoni tas-sħab; | (c) l-Anness III dwar il-konsultazzjoni tas-sħab***, sommarju tal-kummenti mressqa mill-awtoritajiet reġjonali u lokali kompetenti u s-sħab kif imsemmi fl-Artikolu 94(3)***; |

**Emenda 580**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 95 – paragrafu 2 – punt d**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| (d) l-Anness IV dwar il-pagament | (d) l-Anness IV dwar il-pagament |

| | |
|---|---|
| speċifiku għall-għelejjel għall-qoton; | speċifiku għall-għelejjel għall-qoton***, meta applikabbli***; |

**Emenda 581**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 95 – paragrafu 2 – punt e**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (e) l-Anness V dwar ***il-finanzjament*** nazzjonali addizzjonali pprovdut fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Pjan Strateġiku tal-PAK. | (e) l-Anness V dwar ***l-għajnuna mill-Istat għall-Pjan Strateġiku mhux eżentata mill-Artikoli 107, 108 u 109 tat-TFUE, skont l-Artikolu 131(4), u l-finanzjament*** nazzjonali addizzjonali pprovdut ***għal kull intervent ta' żvilupp*** fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Pjan Strateġiku tal-PAK. |

**Emenda 582**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 95 – paragrafu 2 – punt ea (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ea) l-Anness VI dwar l-iskemi għall-klima, l-ambjent u l-benessri tal-annimali kif imsemmi fl-Artikolu 28.*** |

**Emenda 583**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 95 – paragrafu 2 – punt eb (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(eb) l-Anness VII dwar il-Programmi ta' Intervent Reġjonali; u*** |

**Emenda 584**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 95 – paragrafu 2 – punt ec (ġdid)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***(ec) l-Anness VIII dwar l-elementi tal-Pjanijiet Strateġiċi li jikkontribwixxu biex tiżdied il-kompetittività.*** |

**Emenda 585**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 96 – paragrafu 1 – punt b**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| (b) identifikazzjoni tal-ħtiġijiet għal kull objettiv speċifiku stabbilit fl-Artikolu 6 ***fuq il-bażi*** tal-evidenza mill-analiżi SWOT. Il-ħtiġijiet kollha għandhom jiġu deskritti, irrispettivament minn jekk humiex se jiġu indirizzati permezz tal-Pjan Strateġiku tal-PAK jew le; | (b) identifikazzjoni tal-ħtiġijiet għal kull objettiv speċifiku stabbilit fl-Artikolu 6***, inkluż il-benessri tal-annimali, abbażi*** tal-evidenza mill-analiżi SWOT. Il-ħtiġijiet kollha għandhom jiġu deskritti, irrispettivament minn jekk humiex se jiġu indirizzati permezz tal-Pjan Strateġiku tal-PAK jew le; |

**Emenda 586**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 96 – paragrafu 1 – punt d**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| (d) ***fejn*** applikabbli, analiżi tal-ħtiġijiet speċifiċi taż-żoni ġeografiċi vulnerabbli, bħal pereżempju r-reġjuni ultraperiferiċi; | (d) ***meta*** applikabbli, analiżi tal-ħtiġijiet speċifiċi taż-żoni ġeografiċi ***iżolati jew*** vulnerabbli, bħal pereżempju r-reġjuni ultraperiferiċi***, ir-reġjuni muntanjużi u r-reġjuni insulari***; |

**Emenda 587**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 96 – paragrafu 1 – punt e**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| (e) il-prijoritizzazzjoni u l-klassifikazzjoni tal-ħtiġijiet***, inkluż ġustifikazzjoni siewja tal-għażliet*** li jkunu | (e) il-prijoritizzazzjoni u l-klassifikazzjoni tal-ħtiġijiet ***skont l-għażliet*** li jkunu saru u jekk rilevanti, |

saru u jekk rilevanti, għaliex ċerti ħtiġijiet identifikati ma *jiġux* indirizzati jew parzjalment indirizzati fil-Pjan Strateġiku tal-PAK**.**

***ġustifikazzjoni tar-raġunijiet*** għaliex ċerti ħtiġijiet identifikati ma ***jkunux ġew*** indirizzati jew parzjalment indirizzati fil-Pjan Strateġiku tal-PAK***;***

**Emenda 588**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 96 – paragrafu 1 – punt ea (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ea) sommarju tal-oqsma fejn l-informazzjoni ta' referenza tkun nieqsa jew ma tkunx biżżejjed biex tingħata deskrizzjoni sħiħa tas-sitwazzjoni attwali fir-rigward tal-objettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 6 u għall-finijiet tal-monitoraġġ ta' dawk l-objettivi.*** |

**Emenda 589**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 96 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri għandhom jużaw l-aktar data reċenti u affidabbli għal din il-valutazzjoni. | L-Istati Membri għandhom jużaw l-aktar data reċenti u affidabbli għal din il-valutazzjoni ***u għandhom jużaw data diżaggregata skont is-sess, meta rilevanti***. |

**Emenda 590**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 97 – paragrafu 2 – punt aa (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(aa) spjegazzjoni tal-arkitettura soċjali u ekonomika tal-Pjan Strateġiku tal-PAK, li tiddeskrivi l-komplementarjetà u l-kundizzjonijiet bażiċi bejn l-interventi differenti mmirati lejn l-objettivi speċifiċi relatati mal-iżvilupp ekonomiku agrikolu u ż-żoni rurali definiti rispettivament fil-*** |

| | |
|---|---|
| | ***punti (a), (b), (c), (g), (h) u (i) tal-Artikolu 6(1);*** |

**Emenda 591**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 97 – paragrafu 2 – punt ba (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ba) meta rilevanti, ħarsa ġenerali lejn kif il-Pjan Strateġiku tal-PAK ikun qed jindirizza l-ħtiġijiet ta' sistemi ta' biedja ta' Valur Naturali Għoli, inklużi aspetti relatati mal-vijabbiltà soċjoekonomika tagħhom.*** |

**Emenda 592**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 97 – paragrafu 2 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) fir-rigward tal-objettiv ***speċifiku*** "nattiraw il-bdiewa żgħażagħ u niffaċilitaw l-iżvilupp tan-negozju" ***stabbilit fil-punt*** (g) tal-Artikolu 6(1), għandhom jiġu ppreżentati ħarsa ġenerali tal-interventi rilevanti tal-Pjan Strateġiku tal-PAK u l-kundizzjonijiet speċifiċi bħal pereżempju dawk speċifikati fl-Artikoli 22(4), 27, 69 u 71(7). B'mod partikolari, l-Istati Membri għandhom jirreferu għall-Artikolu 86(5) meta jippreżentaw il-pjan finanzjarju fir-rigward tat-tipi ta' interventi msemmija fl-Artikoli 27 u 69. Il-ħarsa ġenerali għandha wkoll tispjega l-interazzjoni mal-istrumenti nazzjonali bil-ħsieb li tittejjeb il-konsistenza bejn l-azzjonijiet tal-Unjoni u nazzjonali f'dan il-qasam. | (c) fir-rigward tal-objettiv "nattiraw il-bdiewa żgħażagħ u niffaċilitaw l-iżvilupp tan-negozju" ***f'konformità mal-punt*** (g) tal-Artikolu 6(1), għandhom jiġu ppreżentati ħarsa ġenerali tal-interventi rilevanti tal-Pjan Strateġiku tal-PAK u l-kundizzjonijiet speċifiċi bħal pereżempju dawk speċifikati fl-Artikoli 22(4), 27, 69 u 71(7). B'mod partikolari, l-Istati Membri għandhom jirreferu għall-Artikolu 86(5) meta jippreżentaw il-pjan finanzjarju fir-rigward tat-tipi ta' interventi msemmija fl-Artikoli 27 u 69. Il-ħarsa ġenerali għandha wkoll tispjega l-interazzjoni mal-istrumenti nazzjonali bil-ħsieb li tittejjeb il-konsistenza bejn l-azzjonijiet tal-Unjoni u nazzjonali f'dan il-qasam. |

**Emenda 593**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 97 – paragrafu 2 – punt f**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (f) deskrizzjoni tal-interazzjoni bejn l-interventi nazzjonali u reġjonali, ***inkluż*** id-distribuzzjoni tal-allokazzjoni finanzjarji għal kull intervent u għal kull fond. | (f) deskrizzjoni tal-interazzjoni bejn l-interventi nazzjonali u reġjonali, ***inkluża*** d-distribuzzjoni tal-allokazzjoni finanzjarji għal kull intervent u għal kull fond. ***u*** |

**Emenda 594**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 97 – paragrafu 2 – punt fa (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(fa) spjegazzjoni ta' kif il-Pjan Strateġiku tal-PAK huwa maħsub biex jikkontribwixxi għall-objettiv li jittejbu s-saħħa u l-benessri tal-annimali u titnaqqas ir-reżistenza għall-antimikrobiċi. L-Istati Membri għandhom, b'mod partikolari, jirreferu għat-tipi ta' interventi koperti mill-Artikoli 28 u 65.*** |

**Emenda 595**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 98 – titolu**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Elementi komuni f'bosta interventi | Elementi komuni f'bosta interventi ***fil-Pjanijiet Strateġiċi*** |

**Emenda 596**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 98 – paragrafu 1 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) deskrizzjoni tal-użu tal-"assistenza teknika" kif imsemmi fl-Artikoli 83(2), | (c) deskrizzjoni tal-użu tal-"assistenza teknika" kif imsemmi fl-Artikoli 83(2), |

| | |
|---|---|
| 86(3) u 112 u tan-netwerks tal-PAK kif imsemmi fl-Artikolu 113; | 86(3) u 112 u tan-netwerks tal-PAK kif imsemmi fl-Artikolu 113; ***u*** |

**Emenda 597**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 99 – paragrafu 1 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) id-disinn speċifiku jew ir-rekwiżiti ta' dak l-intervent li jiżguraw kontribut effettiv lill-objettiv(i) speċifiku(speċifiċi) stabbiliti fl-Artikolu 6(1). Għall-interventi ambjentali u klimatiċi, l-artikolazzjoni mar-rekwiżiti tal-kundizzjonalità għandha turi li ma jkunx hemm duplikazzjoni tal-prattiki; | (c) id-disinn speċifiku jew ir-rekwiżiti ta' dak l-intervent li jiżguraw kontribut effettiv lill-objettiv(i) speċifiku(speċifiċi) ***rilevanti*** stabbiliti fl-Artikolu 6(1). Għall-interventi ambjentali u klimatiċi, l-artikolazzjoni mar-rekwiżiti tal-kundizzjonalità għandha turi li ma jkunx hemm duplikazzjoni tal-prattiki; |

**Emenda 598**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 99 – paragrafu 1 – punt d**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (d) il-kundizzjonijiet tal-eliġibbiltà; | (d) il-kundizzjonijiet tal-eliġibbiltà ***f'konformità ma' dan ir-Regolament***; |

**Emenda 599**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 99 – paragrafu 1 – punt h**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (h) l-allokazzjoni finanzjarja annwali li tirriżulta għall-intervent, kif imsemmi fl-Artikolu 88. Fejn applikabbli, għandu jiġi provdut tqassim tal-ammonti ppjanati għall-għotjiet u l-ammonti ppjanati għall-istrumenti finanzjarji; | (h) l-allokazzjoni finanzjarja annwali li tirriżulta għall-intervent, kif imsemmi fl-Artikolu 88. Fejn applikabbli, għandu jiġi provdut tqassim tal-ammonti ppjanati għall-għotjiet u l-ammonti ppjanati għall-istrumenti finanzjarji; ***u*** |

**Emenda 600**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 99 – paragrafu 1 – punt i**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (i) indikazzjoni ta' jekk l-intervent jaqax barra l-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 42 tat-TFUE u huwiex soġġett għall-valutazzjoni tal-għajnuna mill-Istat. | (i) indikazzjoni ta' jekk l-intervent jaqax barra l-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 42 tat-TFUE u huwiex soġġett għall-valutazzjoni tal-għajnuna mill-Istat ***skont l-indikazzjoni mogħtija mill-Kummissjoni Ewropea fil-Linji Gwida dwar l-Għajnuna mill-Istat***. |

**Emenda 601**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 100 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Il-pjan tal-mira msemmi fil-punt (e) tal-Artikolu 95(1) għandu jikkonsisti f'tabella rikapitulattiva li turi l-miri kif imsemmi fil-punt (a) tal-Artikolu 97(1), li tindika t-tqassim fi stadji importanti annwali. | 1. Il-pjan tal-mira msemmi fil-punt (e) tal-Artikolu 95(1) għandu jikkonsisti f'tabella rikapitulattiva li turi l-miri kif imsemmi fil-punt (a) tal-Artikolu 97(1), li tindika t-tqassim fi stadji importanti annwali ***jew, meta xieraq, pluriennali u, meta meħtieġ, imqassma parzjalment skont ir-reġjuni***. |

**Emenda 602**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 100 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt e**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (e) tqassim tal-allokazzjonijiet għat-tipi ta' interventi settorjali msemmijin ***fit-Taqsima VII tal-Kapitolu*** III tat-Titolu III, għal kull intervent u b'indikazzjoni tal-outputs ippjanati u l-ammont unitarju medju; | (e) tqassim tal-allokazzjonijiet għat-tipi ta' interventi settorjali msemmijin ***fil-Kapitolu*** III tat-Titolu III, għal kull intervent u b'indikazzjoni tal-outputs ippjanati u l-ammont unitarju medju; |

**Emenda 603**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 100 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt f**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (f) tqassim tal-allokazzjonijiet tal-Istati Membri għall-iżvilupp rurali wara t-trasferimenti lill-pagamenti diretti u minnhom kif speċifikat fil-punt (b), għal kull tip ta' interventi u għal kull intervent, inkluż it-totali għall-perjodu, filwaqt li tiġi indikata ukoll ir-rata ta' kontribuzzjoni applikabbli tal-FAEŻR, imqassma għal kull intervent u għall kull tip ta' reġjun fejn applikabbli. Fil-każ ta' trasferiment ta' fondi mill-pagamenti diretti, għandhom ikunu speċifikati l-intervent(i) jew parti mill-intervent iffinanzjat mit-trasferiment. Din it-tabella għandha wkoll tispeċifika l-outputs ippjanati għal kull intervent u l-ammonti unitarji medji jew uniformi, kif ukoll, fejn applikabbli, tqassim tal-ammonti ppjanati għall-għotjiet u l-ammonti ppjanati għall-istrumenti finanzjarji. Għandhom ukoll jiġu speċifikati l-ammonti għall-assistenza teknika; | (f) tqassim tal-allokazzjonijiet tal-Istati Membri għall-iżvilupp rurali wara t-trasferimenti lill-pagamenti diretti u minnhom kif speċifikat fil-punt (b), għal kull tip ta' interventi u għal kull intervent, inkluż it-totali għall-perjodu, filwaqt li tiġi indikata ukoll ir-rata ta' kontribuzzjoni applikabbli tal-FAEŻR, imqassma għal kull intervent u għall kull tip ta' reġjun fejn applikabbli. Fil-każ ta' trasferiment ta' fondi mill-pagamenti diretti, għandhom ikunu speċifikati l-intervent(i) jew parti mill-intervent iffinanzjat mit-trasferiment. Din it-tabella għandha wkoll tispeċifika l-outputs ippjanati għal kull intervent u l-ammonti unitarji medji jew uniformi, kif ukoll, fejn applikabbli, tqassim tal-ammonti ppjanati għall-għotjiet u l-ammonti ppjanati għall-istrumenti finanzjarji. Għandhom ukoll jiġu speċifikati l-ammonti għall-assistenza teknika; ***u*** |

**Emenda 604**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 100 – paragrafu 2 – subparagrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-elementi msemmija f'dan il-paragrafu għandhom ikunu stabbilit għal kull sena. | L-elementi msemmija f'dan il-paragrafu għandhom ikunu stabbilit għal kull sena***, meta meħtieġ, u jistgħu jinkludu, meta xieraq, tabelli reġjonali***. |

**Emenda 605**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 100a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 100a*** |
| | ***Programmi ta' Intervent Reġjonali*** |
| | ***Kull Programm ta' Intervent Reġjonali għal żvilupp rurali għandu jinkludi, bħala minimu, it-taqsimiet li ġejjin:*** |
| | ***(a) sommarju tal-analiżi SWOT;*** |
| | ***(b) sommarju tal-valutazzjoni tal-ħtiġijiet;*** |
| | ***(c) strateġija tal-interventi;*** |
| | ***(d) deskrizzjoni operattiva tal-interventi ġestiti u implimentati fil-livell reġjonali b'mod konsistenti mal-Pjan Strateġiku nazzjonali kif stabbilit fl-Artikolu 99. B'mod aktar speċifiku, kull intervent speċifikat fl-istrateġija taħt il-punt c ta' dan l-Artikolu għandu jinkludi l-elementi li ġejjin:*** |
| | ***(i) deskrizzjoni tal-intervent;*** |
| | ***(ii) il-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà;*** |
| | ***(iii) rata tal-għajnuna;*** |
| | ***(iv) kalkolu tal-ammont tal-unità tal-għajnuna;*** |
| | ***(v) il-pjan finanzjarju;*** |
| | ***(vi) l-indikaturi tar-riżultat;*** |
| | ***(vii) il-miri;*** |
| | ***(viii) spjega dwar il-ksib tal-miri;*** |
| | ***(e) il-pjan finanzjarju pluriennali; u*** |
| | ***(f) deskrizzjoni tas-sistema ta' governanza u koordinazzjoni.*** |

**Emenda 606**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 102 – paragrafu 1 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Id-deskrizzjoni tal-elementi li jiżguraw il-modernizzazzjoni tal-PAK imsemmija fil-punt (g) tal-Artikolu 95(1) għandha tenfasizza l-elementi tal-Pjan Strateġiku tal-PAK li jappoġġaw il-modernizzazzjoni tas-settur agrikolu u ***tal-KAP*** u għandha tinkludi b'mod partikolari: | Id-deskrizzjoni tal-elementi li jiżguraw il-modernizzazzjoni tal-PAK imsemmija fil-punt (g) tal-Artikolu 95(1) għandha tenfasizza l-elementi tal-Pjan Strateġiku tal-PAK li jappoġġaw il-modernizzazzjoni tas-settur agrikolu u ***tal-PAK biex jilqgħu għall-isfidi ġodda, inkluża t-tranżizzjoni lejn mudelli aktar sostenibbli,*** u għandha tinkludi b'mod partikolari: |

**Emenda 607**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 102 – paragrafu 1 – punt a – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) ħarsa ġenerali ***ta'*** kif il-Pjan Strateġiku tal-PAK se jikkontribwixxi għall-objettiv ġenerali trasversali relatat mat-trawwim u l-kondiviżjoni tal-għarfien, l-innovazzjoni u d-diġitalizzazzjoni u ***t-tħeġġiġ*** tal-użu tagħhom imsemmi fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 5, b'mod partikolari permezz ta': | (a) ħarsa ġenerali ***lejn*** kif il-Pjan Strateġiku tal-PAK se jikkontribwixxi għall-objettiv ġenerali trasversali relatat mat-trawwim u l-kondiviżjoni tal-għarfien, l-innovazzjoni u d-diġitalizzazzjoni ***f'żoni agrikoli*** u ***rurali, it-tħeġġiġ u l-promozzjoni*** tal-użu tagħhom imsemmi fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 5, b'mod partikolari permezz ta': |

**Emenda 608**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 102 – paragrafu 1 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) deskrizzjoni tal-istrateġija għall-iżvilupp tat-teknoloġiji diġitali fl-agrikoltura u fiż-żoni rurali u ***għall-użu*** ta' dawn it-teknoloġiji għat-titjib tal-effettività u l-effiċjenza tal-interventi tal-Pjan Strateġiku tal-PAK. | (b) deskrizzjoni tal-istrateġija għall-iżvilupp tat-teknoloġiji diġitali fl-agrikoltura u fiż-żoni rurali***, l-Irħula Intelliġenti,*** u ***l-kundizzjonijiet tal-użu*** ta' dawn it-teknoloġiji***, kundizzjonijiet li għandhom jinkludu informazzjoni lill-bdiewa dwar id-drittijiet tagħhom fir-rigward tal-protezzjoni u l-użu tad-data personali tagħhom,*** għat-titjib tal-effettività u l-effiċjenza tal-interventi tal- |

| | |
|---|---|
| | Pjan Strateġiku tal-PAK. |

**Emenda 609**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 103 – paragrafu 2 – subparagrafu 3 – punt e**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (e) ***fejn*** rilevanti, analiżi tal-aspetti territorjali, b'enfasi fuq dawk it-territorji speċifikament fil-mira ta' interventi; | (e) ***meta*** rilevanti, analiżi tal-aspetti territorjali, b'enfasi fuq dawk it-territorji speċifikament fil-mira ta' interventi***, inklużi żoni agrikoli b'Valur Naturali Għoli***; |

**Emenda 610**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 103 – paragrafu 2 – subparagrafu 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Għall-objettiv speċifiku li jiġu attirati bdiewa żgħażagħ stabbilit fil-punt (g) tal-Artikolu 6(1), l-analiżi SWOT għandha tinkludi analiżi qasira tal-aċċess għall-art, għall-mobbiltà tal-art u għar-ristrutturar tal-art, tal-aċċess għall-finanzi u l-krediti u tal-aċċess għall-għarfien u għall-pariri. | Għall-objettiv speċifiku li jiġu attirati bdiewa żgħażagħ stabbilit fil-punt (g) tal-Artikolu 6(1), l-analiżi SWOT għandha tinkludi analiżi qasira tal-aċċess għall-art, għall-mobbiltà tal-art u għar-ristrutturar tal-art, tal-aċċess għall-finanzi u l-krediti u tal-aċċess għall-għarfien u għall-pariri***, kif ukoll tal-kapaċità biex tlaħħaq mar-riskju***. |

**Emenda 611**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 103 – paragrafu 5 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) deskrizzjoni qasira tal-finanzjament nazzjonali addizzjonali li huwa provdut fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Pjan Strateġiku tal-PAK, inkluż l-ammonti għal kull ***miżura*** u ***l-indikazzjoni*** tal-konformità mar-rekwiżiti skont dan ir-Regolament; | (a) deskrizzjoni qasira tal-finanzjament nazzjonali addizzjonali li huwa provdut fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Pjan Strateġiku tal-PAK, inkluż l-ammonti għal kull ***intervent*** u ***indikazzjoni*** tal-konformità mar-rekwiżiti skont dan ir-Regolament; |

**Emenda 612**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 103 – paragrafu 5a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***5a. L-Anness VI tal-Pjan Strateġiku tal-PAK għandu jipprovdi deskrizzjoni tal-iskemi għall-klima, l-ambjent u l-benessri tal-annimali kif imsemmi fl-Artikolu 28.*** |

**Emenda 613**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 103 – paragrafu 5b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***5b. L-Anness VII tal-Pjan Strateġiku tal-PAK għandu jinkludi deskrizzjoni tal-Programmi ta' Intervent Reġjonali.*** |

**Emenda 614**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 103 – paragrafu 5c (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***5c. L-Anness VIII tal-Pjan Strateġiku tal-PAK għandu jinkludi deskrizzjoni dwar l-elementi tal-Pjanijiet Strateġiċi li jikkontribwixxu biex tiżdied il-kompetittività.*** |

**Emenda 615**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 104**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| *Artikolu 104* | ***imħassar*** |
| ***Setgħat delegati għall-kontenut tal-Pjan*** | |

*Strateġiku tal-PAK*

***Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 138 li jemendaw dan il-Kapitolu fir-rigward tal-kontenut tal-Pjan Strateġiku tal-PAK u l-Annessi tiegħu.***

**Emenda 616**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 105 – titolu**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Setgħat ta' implimentazzjoni ***għall-kontenut*** tal-Pjan Strateġiku tal-PAK | Setgħat ta' implimentazzjoni ***għall-forma*** tal-Pjan Strateġiku tal-PAK |

**Emenda 617**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 105 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu ***regoli*** għall-preżentazzjoni tal-elementi deskritti fl-Artikoli 96 sa 103 fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 139(2). | Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu ***forma standardizzata u r-regoli*** għall-preżentazzjoni tal-elementi deskritti fl-Artikoli 96 sa 103 fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 139(2). |

**Emenda 618**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 106 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Kull Stat Membru għandu jippreżenta lill-Kummissjoni proposta għal Pjan Strateġiku tal-PAK, li jkun fiha l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 95 ***l-aktar tard*** fl-1 ta' Jannar ***2020].*** | 1. Kull Stat Membru għandu jippreżenta lill-Kummissjoni proposta għal Pjan Strateġiku tal-PAK, li jkun fiha l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 95 fl-1 ta' Jannar ***N+1 wara ...[id-data ta' dħul*** |

| | |
|---|---|
| | ***fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].*** |

**Emenda 619**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 106 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK proposti fuq il-bażi tal-kompletezza tal-pjanijiet, il-konsistenza u l-koerenza mal-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni, ma' dan ir-Regolament u mad-dispożizzjonijiet adottati skontu u skont ir-Regolament Orizzontali, il-kontribut effettiv tagħhom għall-objettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 6(1), l-impatt fuq il-funzjonament xieraq tas-suq intern u d-distorsjoni tal-kompetizzjoni, il-livell ta' piż amministrattiv fuq il-benefiċjarji u l-amministrazzjoni. Il-valutazzjoni għandha tindirizza, b'mod partikolari, l-adegwatezza tal-istrateġija tal-Pjan Strateġiku tal-PAK, l-objettivi speċifiċi korrispondenti, il-miri, l-interventi u l-allokazzjoni tar-riżorsi baġitarji biex jiġu ssodisfati l-objettivi speċifiċi tal-Pjan Strateġiku tal-PAK permezz tas-sett ta' interventi propost fuq il-bażi tal-analiżi SWOT u l-evalwazzjoni ex ante. | 2. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK proposti fuq il-bażi tal-kompletezza tal-pjanijiet, il-konsistenza u l-koerenza mal-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni, ma' dan ir-Regolament u mad-dispożizzjonijiet adottati skontu u skont ir-Regolament Orizzontali, il-kontribut effettiv tagħhom għall-objettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 6(1), l-impatt fuq il-funzjonament xieraq tas-suq intern u d-distorsjoni tal-kompetizzjoni, il-livell ta' piż amministrattiv fuq il-benefiċjarji u l-amministrazzjoni. Il-valutazzjoni għandha tindirizza, b'mod partikolari, l-adegwatezza tal-istrateġija tal-Pjan Strateġiku tal-PAK, ***inkluża l-kwalità tal-informazzjoni użata,*** l-objettivi speċifiċi korrispondenti, il-miri, l-interventi u l-allokazzjoni tar-riżorsi baġitarji biex jiġu ssodisfati l-objettivi speċifiċi tal-Pjan Strateġiku tal-PAK permezz tas-sett ta' interventi propost fuq il-bażi tal-analiżi SWOT u l-evalwazzjoni ex ante. |

**Emenda 620**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 106 – paragrafu 5 – subparagrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***L-approvazzjoni ma għandhiex tkopri l-informazzjoni msemmija fil-punt (c) tal-Artikolu 101 u fl-Annessi I sa IV tal-Pjan Strateġiku tal-PAK imsemmija fil-punti (a) sa (d) tal-Artikolu 95(2).*** | ***imħassar*** |

**Emenda 621**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 106 – paragrafu 7a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***7a. Il-Kummissjoni għandha tissottometti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport fil-qosor tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK nazzjonali fi żmien sitt xhur wara l-approvazzjoni tagħhom, akkumpanjati minn evalwazzjonijiet deskritti b'mod ċar sabiex tipprovdi informazzjoni dwar id-deċiżjonijiet meħuda mill-Istati Membri biex jindirizzaw l-objettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 6(1).*** |

**Emenda 622**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 106 – paragrafu 7b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***7b. Il-Kummissjoni għandha tittraduċi l-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK bl-Ingliż u tippubblikahom b'tali mod li jiżgura l-pubbliċità u t-trasparenza fil-livell tal-Unjoni.*** |

**Emenda 623**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 106 – paragrafu 7c (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***7c. L-approvazzjoni tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK u l-implimentazzjoni tagħhom min-naħa tal-Istati Membri ma għandhom jikkawżaw l-ebda dewmien – la fil-perjodu ta' applikazzjoni għall-għajnuna għall-benefiċjarji u lanqas fil-*** |

***ħlas f'waqtu tal-għajnuna – partikolarment fl-ewwel sena ta' implimentazzjoni.***

**Emenda 624**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 107 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri jistgħu jippreżentaw lill-Kummissjoni talbiet biex jemendaw il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom. | 1. L-Istati Membri jistgħu jippreżentaw lill-Kummissjoni talbiet biex jemendaw il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom***, inklużi, meta applikabbli, il-programmi ta' intervent reġjonali***. |

**Emenda 625**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 107 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. It-talbiet għall-emendi tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK għandhom ***ikunu debitament iġġustifikati u għandhom b'mod partikolari jistabbilixxu*** l-impatt mistenni tal-bidliet fil-pjan fuq ***il-kisba*** tal-objettivi speċifiċi, imsemmija fl-Artikolu 6(1). Għandhom ikunu akkumpanjati bil-pjan emendat inkluż l-annessi aġġornati kif xieraq. | 2. It-talbiet għall-emendi tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK għandhom ***jinkludu spjegazzjoni li tistabbilixxi*** l-impatt mistenni tal-bidliet fil-pjan fuq ***il-ksib*** tal-objettivi speċifiċi, imsemmija fl-Artikolu 6(1). Għandhom ikunu akkumpanjati bil-pjan emendat inkluż l-annessi aġġornati kif xieraq. |

**Emenda 626**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 107 – paragrafu 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 7. Talba għal emenda tal-Pjan Strateġiku tal-PAK tista' titressaq mhux aktar minn darba fis-sena kalendarja soġġett għal eċċezzjonijiet possibbli li jridu jiġu determinati mill-Kummissjoni skont l- | 7. Talba għal emenda tal-Pjan Strateġiku tal-PAK tista' titressaq mhux aktar minn darba fis-sena kalendarja soġġett għal eċċezzjonijiet possibbli li jridu jiġu determinati ***f'dan ir-Regolament u*** |

| | |
|---|---|
| Artikolu 109. | mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 109. |

**Emenda 627**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 107 – paragrafu 8**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 8. Kull emenda tal-Pjan Strateġiku tal-PAK għandha tiġi approvata mill-Kummissjoni permezz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni mingħajr ma tiġi applikata l-proċedura ta' kumitat imseemija fl-Artikolu 139. | 8. Kull emenda tal-Pjan Strateġiku tal-PAK għandha tiġi approvata mill-Kummissjoni permezz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni mingħajr ma tiġi applikata l-proċedura ta' kumitat imseemija fl-Artikolu 139. ***Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill għandhom jiġu infurmati kif xieraq.*** |

**Emenda 628**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 107 – paragrafu 9**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 9. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 80, il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK għandu jkollhom effetti legali biss wara l-approvazzjoni tagħhom mill-Kummissjoni. | 9. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 80, il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK għandu jkollhom effetti legali biss wara l-approvazzjoni tagħhom mill-Kummissjoni ***u għandhom jiġu ppubblikati***. |

**Emenda 629**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 108 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Dan il-limitu ta' żmien ma għandux jinkludi l-perjodu li jibda mid-data wara d-data li fiha l-Kummissjoni tibgħat l-osservazzjonijiet tagħha jew talba għal dokumenti riveduti lill-Istat Membru u jispiċċa fid-data li fiha l-Istat Membru jwieġeb lill-Kummissjoni.*** | ***imħassar*** |

**Emenda 630**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 109 – paragrafu 1 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) il-frekwenza li biha jridu jiġu sottomessi ***l-Pjanijiet*** Strateġiċi tal-PAK matul il-perjodu ta' pprogrammar, inkluż id-determinazzjoni ta' każijiet eċċezzjonali li għalihom l-għadd massimu ta' emendi msemmi fl-Artikolu 107(7) ma jgħoddx. | (c) il-frekwenza li biha jridu jiġu sottomessi ***emendi għall-Pjanijiet*** Strateġiċi tal-PAK matul il-perjodu ta' programmazzjoni ***tal-applikazzjoni tal-Pjanijiet Strateġiċi***, inkluż id-determinazzjoni ta' każijiet eċċezzjonali li għalihom l-għadd massimu ta' emendi msemmi fl-Artikolu 107(7) ma jgħoddx. |

**Emenda 631**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 110 – paragrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1, l-Istati Membri jistgħu wkoll jistabbilixxu awtoritajiet reġjonali għall-implimentazzjoni u l-ġestjoni tal-interventi ffinanzjati mill-FAEŻR fil-qafas tal-Pjanijiet Strateġiċi nazzjonali tagħhom meta dawn l-interventi jkollhom kamp ta' applikazzjoni reġjonali. F'dan il-każ, l-Awtorità ta' Ġestjoni nazzjonali għandha taħtar korp nazzjonali ta' koordinazzjoni għall-FAEŻR li se jiżgura l-applikazzjoni uniformi tar-regoli tal-Unjoni, li tiżgura konsistenza mal-elementi tal-Pjan Strateġiku stabbiliti fil-livell nazzjonali, skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 93.*** |

**Emenda 632**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 110 – paragrafu 2 – punt g**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (g) ir-rapport dwar il-prestazzjoni ***annwali*** jitfassal, inkluż it-tabelli ta' monitoraġġ aggregati, u, wara l-konsultazzjoni mal-Kumitat ta' Monitoraġġ, jitressaq lill-Kummissjoni; | (g) ir-rapport dwar il-prestazzjoni ***tal-monitoraġġ*** jitfassal, inkluż it-tabelli ta' monitoraġġ aggregati, u, wara l-konsultazzjoni mal-Kumitat ta' Monitoraġġ, jitressaq lill-Kummissjoni; |

**Emenda 633**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 110 – paragrafu 2 – punt h**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (h) jittieħdu azzjonijiet ta' segwitu rilevanti fuq l-osservazzjonijiet tal-Kummissjoni dwar ir-rapporti tal-prestazzjoni ***annwali***; | (h) jittieħdu azzjonijiet ta' segwitu rilevanti fuq l-osservazzjonijiet tal-Kummissjoni dwar ir-rapporti tal-prestazzjoni; |

**Emenda 634**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 110 – paragrafu 5 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-Kummissjoni ***għandu jkollha*** s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 138, li jissuplementaw dan ir-Regolament b'regoli dettaljati dwar l-applikazzjoni tar-rekwiżiti dwar l-informazzjoni, ir-reklamar u l-viżibbiltà msemmija fil-punti (j) u (k) tal-paragrafu 2. | Il-Kummissjoni ***għandha*** s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 138, li jissuplementaw dan ir-Regolament b'regoli dettaljati dwar l-applikazzjoni tar-rekwiżiti dwar l-informazzjoni, ir-reklamar u l-viżibbiltà msemmija fil-punti (j) u (k) tal-paragrafu 2. |

**Emenda 635**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 110 – paragrafu 5 – subparagrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Dawk l-atti ta' implimentazzjoni*** | ***imħassar*** |

***għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 139(2).***

**Emenda 636**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 110a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 110a*** |
| | ***Korp ta' Medjazzjoni*** |
| | ***Mingħajr preġudizzju għar-regoli nazzjonali dwar stħarriġ amministrattiv u ġudizzjarju, l-Istati Membri għandhom jaħtru Korp ta' Medjazzjoni funzjonalment indipendenti li jkun responsabbli mir-rieżami tad-deċiżjonijiet meħuda mill-awtoritajiet kompetenti. Dawk il-Korpi, fuq talba tal-benefiċjarji, għandhom jippruvaw jilħqu soluzzjonijiet miftiehma mill-partijiet ikkonċernati. Dawn għandhom jipprovdu l-għarfien espert u r-rappreżentanza meħtieġa tal-awtoritajiet u l-partijiet ikkonċernati.*** |

**Emenda 637**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 111 – paragrafu 1 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istat Membru għandu jwaqqaf kumitat biex jimmonitorja l-implimentazzjoni tal-Pjan Strateġiku tal-PAK ("il-Kumitat ta' Monitoraġġ") ***qabel is-sottomissjoni tal-Pjan Strateġiku tal-PAK***. | L-Istat Membru għandu jwaqqaf kumitat ***nazzjonali*** biex jimmonitorja l-implimentazzjoni tal-Pjan Strateġiku tal-PAK ("il-Kumitat ta' Monitoraġġ") ***u, meta applikabbli, Kumitati ta' Monitoraġġ reġjonali***. |

**Emenda 638**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 111 – paragrafu 1 – subparagrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Kull Kumitat ta' Monitoraġġ għandu jadotta r-regoli tiegħu ta' proċedura. | Kull Kumitat ta' Monitoraġġ għandu jadotta r-regoli tiegħu ta' proċedura. ***Il-Kumitat ta' Monitoraġġ nazzjonali għandu jadotta r-regoli tiegħu stess f'kooperazzjoni mal-Kumitati ta' Monitoraġġ reġjonali**.* |

**Emenda 639**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 111 – paragrafu 1 – subparagrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-Kumitat ta' Monitoraġġ għandu jiltaqa' mill-inqas darba fis-sena u għandu jirrieżamina l-kwistjonijiet kollha li jaffettwaw il-progress tal-Pjan Strateġiku tal-PAK lejn ***il-kisba*** tal-miri tiegħu. | Il-Kumitat ta' Monitoraġġ għandu jiltaqa' mill-inqas darba fis-sena u għandu jirrieżamina l-kwistjonijiet kollha li jaffettwaw il-progress tal-Pjan Strateġiku tal-PAK lejn ***il-ksib*** tal-miri tiegħu ***skont il-kompetenza rispettiva***. |

**Emenda 640**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 111 – paragrafu 1 – subparagrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istat Membru għandu jippubblika r-regoli tal-proċeduri ***tal-Kumitat*** ta' Monitoraġġ ***u d-data u l-informazzjoni kollha kondiviża mal-Kumitat ta' Monitoraġġ biss***. | L-Istat Membru għandu jippubblika r-regoli ta' proċedura ***u l-opinjonijiet tal-Kumitati ta'*** Monitoraġġ ***u jibgħathom lill-Kummissjoni***. |

**Emenda 641**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 111 – paragrafu 2 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istat Membru għandu jiddeċiedi dwar il-kompożizzjoni ***tal-Kumitat*** ta' Monitoraġġ | L-Istat Membru ***u, meta applikabbli, ir-reġjuni,*** għandhom jiddeċiedu dwar il- |

| | |
|---|---|
| u għandu jiżgura rappreżentanza bbilanċjata tal-awtoritajiet pubbliċi u l-korpi intermedjarji rilevanti u tar-rappreżentanti tas-sħab imsemmijin fl-Artikolu 94(3). | kompożizzjoni ***tal-Kumitati*** ta' Monitoraġġ ***fir-rigward tal-prevenzjoni tal-kunflitti ta' interess*** u għandhom jiżguraw rappreżentanza bbilanċjata tal-awtoritajiet pubbliċi u l-korpi intermedjarji rilevanti u tar-rappreżentanti tas-sħab imsemmijin fl-Artikolu 94(3) ***li jkunu rilevanti għall-implimentazzjoni tal-objettivi kollha tal-Artikolu 6(1)***. |

**Emenda 642**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 111 – paragrafu 2 – subparagrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istat Membru għandu jippubblika l-lista tal-membri tal-Kumitat ta' Monitoraġġ online. | L-Istat Membru għandu jippubblika l-lista tal-membri tal-Kumitat ta' Monitoraġġ online ***u l-Istati Membri għandhom jinnotifikawha lill-Kummissjoni***. |

**Emenda 643**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 111 – paragrafu 3 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. ***Il-Kumitat*** ta' Monitoraġġ għandu jeżamina b'mod partikolari: | 3. ***Il-Kumitati*** ta' Monitoraġġ għandhom jeżaminaw b'mod partikolari: |

**Emenda 644**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 111 – paragrafu 3 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) kwalunkwe kwistjoni li taffettwa l-prestazzjoni tal-Pjan Strateġiku tal-PAK u l-azzjonijiet meħuda biex jiġu indirizzati dawn il-kwistjonijiet; | (b) kwalunkwe kwistjoni li taffettwa l-prestazzjoni tal-Pjan Strateġiku tal-PAK u l-azzjonijiet meħuda biex jiġu indirizzati dawn il-kwistjonijiet ***inkluża l-kwalità u l-kwantità ta' data u indikaturi disponibbli għall-monitoraġġ***; |

**Emenda 645**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 111 – paragrafu 3 – punt da (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(da) informazzjoni rilevanti pprovduta min-netwerk nazzjonali tal-PAK;*** |

**Emenda 646**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 111 – paragrafu 3 – punt fa (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(fa) ir-rapporti dwar il-prestazzjoni;*** |

**Emenda 647**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 111 – paragrafu 3 – punt fb (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(fb) il-progress lejn is-simplifikazzjoni u t-tnaqqis tal-piż amministrattiv għall-benefiċjarji finali.*** |

**Emenda 648**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 111 – paragrafu 4 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(a) l-abbozz tal-Pjan Strateġiku tal-PAK;*** | ***imħassar*** |

**Emenda 649**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 111 – paragrafu 4 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) ir-rapporti ***annwali*** dwar il-prestazzjoni; | (c) ir-rapporti dwar il-prestazzjoni; |

**Emenda 650**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 111 – paragrafu 4a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***4a. Il-Kumitati ta' Monitoraġġ jistgħu jitolbu informazzjoni u analiżi relatati ma' interventi speċifiċi mingħand in-netwerk nazzjonali tal-PAK.*** |

**Emenda 651**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 113 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Kull Stat Membru għandu jistabbilixxi Netwerk nazzjonali tal-Politika Agrikola Komuni (netwerk nazzjonali tal-PAK) għan-netwerking tal-organizzazzjonijiet u l-amministrazzjonijiet, tal-konsulenti, tar-riċerkaturi ***u*** atturi oħra tal-innovazzjoni fil-qasam tal-agrikoltura u l-iżvilupp rurali fil-livell nazzjonali l-aktar tard 12-il xahar wara l-approvazzjoni tal-Pjan Strateġiku tal-PAK mill-Kummissjoni. | 1. Kull Stat Membru għandu jistabbilixxi Netwerk nazzjonali tal-Politika Agrikola Komuni (netwerk nazzjonali tal-PAK) għan-netwerking tal-organizzazzjonijiet***, ir-rappreżentanti tas-setturi agrikoli*** u l-amministrazzjonijiet, tal-konsulenti, tar-riċerkaturi***,*** atturi oħra tal-innovazzjoni ***u atturi oħra*** fil-qasam tal-agrikoltura u l-iżvilupp rurali fil-livell nazzjonali l-aktar tard 12-il xahar wara l-approvazzjoni tal-Pjan Strateġiku tal-PAK mill-Kummissjoni. ***In-netwerk nazzjonali tal-PAK għandu jibni fuq l-istrutturi ta' netwerking li diġà jeżistu fl-Istati Membri.*** |

**Emenda 652**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 113 – paragrafu 4 – punt j**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (j) fil-każ tan-netwerks nazzjonali tal-PAK, il-parteċipazzjoni fl-attivitajiet tan-netwerk Ewropew tal-PAK u l-kontribuzzjoni ***għalihom.*** | (j) fil-każ tan-netwerks nazzjonali tal-PAK, il-parteċipazzjoni fl-attivitajiet tan-netwerk Ewropew tal-PAK u l-kontribuzzjoni ***mogħtija lilhom;*** |

**Emenda 653**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 113 – paragrafu 4 – punt ja (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ja) fil-każ tan-netwerk Ewropew tal-PAK, il-parteċipazzjoni fl-attivitajiet tan-netwerks nazzjonali u l-kontribut mogħti lilhom;*** |

**Emenda 654**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 113 – paragrafu 4 – punt jb (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(jb) jipprovdu l-informazzjoni mitluba mill-kumitati ta' monitoraġġ imsemmija fl-Artikolu 111.*** |

**Emenda 655**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 114 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. L-għan tal-EIP għandu jkun li jistimola l-innovazzjoni u jtejjeb l-iskambju tal-għarfien. | 2. L-għan tal-EIP għandu jkun li jistimola innovazzjoni ***sostenibbli*** u jtejjeb l-iskambju tal-għarfien. |

**Emenda 656**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 114 – paragrafu 4 – subparagrafu 1 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) tippromwovi t-traspożizzjoni iżjed mgħaġġla u iżjed mifruxa ta' soluzzjonijiet innovattivi fil-prattika; u | (c) tippromwovi traspożizzjoni iżjed mgħaġġla u iżjed mifruxa ta' soluzzjonijiet innovattivi fil-prattika***, inklużi skambji minn bidwi għal ieħor***; u |

**Emenda 657**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 114 – paragrafu 4 – subparagrafu 1 – punt d**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (d) tinforma lill-komunità xjentifika dwar il-ħtiġijiet ta' riċerka dwar il-prattiki tal-biedja; | (d) tinforma lill-komunità xjentifika dwar il-ħtiġijiet ta' riċerka dwar il-prattiki tal-biedja ***u l-bdiewa***. |

**Emenda 658**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 114 – paragrafu 4 – subparagrafu 2 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-Gruppi Operattivi tal-EIP għandhom ***jiffurmaw parti mill-EIP***. Huma għandhom iħejju pjan għal proġetti innovattivi li jridu jiġu żviluppati, ittestjati, adattati jew implimentati u għandu jkun bbażat fuq il-mudell ta' innovazzjoni interattiv li għandu l-prinċipji ewlenin li ġejjin: | Il-Gruppi Operattivi tal-EIP ***għandhom jiġu ffurmati biex iservu l-EIP, u jistgħu jiġu ffurmati, inter alia, minn organizzazzjonijiet tal-produtturi u interprofessjonali, u jistgħu jiġu ffurmati minn membri minn Stati Membri differenti***. Huma għandhom iħejju pjan għal proġetti innovattivi li jridu jiġu żviluppati, ittestjati, adattati jew implimentati u għandu jkun bbażat fuq il-mudell ta' innovazzjoni interattiv li għandu l-prinċipji ewlenin li ġejjin: |

**Emenda 659**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 114 – paragrafu 4 – subparagrafu 2 – punt a**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| (a) jiżviluppa soluzzjonijiet innovattivi li jiffukaw fuq il-ħtiġijiet tal-bdiewa jew tal-forestiera filwaqt li jindirizza l-interazzjonijiet fil-katina tal-provvista kollha fejn ikun utli, | (a) l-iżvilupp ta' soluzzjonijiet innovattivi li jiffukaw fuq il-ħtiġijiet tal-bdiewa jew tal-forestiera filwaqt li jindirizza l-interazzjonijiet fil-katina tal-provvista kollha meta jkun utli***, kif ukoll billi jitqiesu l-interessi tal-konsumaturi***; |

**Emenda 660**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 114 – paragrafu 4 – subparagrafu 3**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| L-innovazzjoni prevista tista' tkun ibbażata fuq prattiki ġodda iżda wkoll dawk tradizzjonali f'kuntest ġeografiku jew ambjentali ġdid. | L-innovazzjoni prevista tista' tkun ibbażata fuq prattiki ġodda iżda wkoll dawk tradizzjonali ***u agroekoloġiċi*** f'kuntest ġeografiku jew ambjentali ġdid. |

**Emenda 661**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 114 – paragrafu 4 – subparagrafu 4**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| Il-Gruppi Operattivi għandhom ixerrdu l-pjanijiet u r-riżultati tal-proġett tagħhom, b'mod partikolari permezz tan-netwerk tal-PAK. | Il-Gruppi Operattivi għandhom ixerrdu l-pjanijiet u r-riżultati tal-proġett tagħhom, b'mod partikolari permezz tan-netwerk tal-PAK***, u għandhom ikunu jistgħu jkollhom membri minn aktar minn Stat Membru wieħed***. |

**Emenda 662**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 115 – paragrafu 2 – punt a**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| (a) sett ta' indikaturi komuni tal-kuntest, tal-output, tar-riżultati u tal-impatti, ***inkluż dawk*** imsemmija fl- | (a) sett ta' indikaturi komuni tal-kuntest, tal-output, tar-riżultati u tal-impatti ***kif*** imsemmija fl-Artikolu 7 li se jintużaw |

| | |
|---|---|
| Artikolu 7 li se jintużaw bħala l-bażi għall-rappurtar tal-monitoraġġ, tal-evalwazzjoni u tal-prestazzjoni ***annwali***; | bħala l-bażi għall-rappurtar tal-monitoraġġ, tal-evalwazzjoni u tal-prestazzjoni; |

**Emenda 663**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 115 – paragrafu 2 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) il-miri u l-istadji importanti annwali stabbiliti b'rabta mal-objettiv speċifiku rilevanti bl-użu tal-indikaturi tar-riżultati; | (b) il-miri u l-istadji importanti annwali ***jew, meta jkun rilevanti, pluriennali,*** stabbiliti b'rabta mal-objettiv speċifiku rilevanti bl-użu tal-indikaturi tar-riżultati; |

**Emenda 664**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 115 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Il-qafas ta' prestazzjoni għandu jkopri***:*** | 3. Il-qafas ta' prestazzjoni għandu jkopri ***l-kontenut tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK inklużi, meta xieraq, il-programmi ta' intervent reġjonali***. |
| ***(a) il-kontenut tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK;*** | |
| ***(b) il-miżuri tas-suq u interventi oħrajn previsti fir-Regolament (UE) Nru 1308/2013.*** | |

**Emenda 665**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 116 – paragrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) jivvaluta l-impatt, l-effettività, l-effiċjenza, ir-rilevanza, il-koerenza u l-valur miżjud tal-Unjoni tal-PAK; | (a) jivvaluta l-impatt, l-effettività, l-effiċjenza, ir-rilevanza, il-koerenza u l-valur miżjud tal-Unjoni tal-PAK ***kif ukoll is-simplifikazzjoni għall-benefiċjarji***; |

**Emenda 666**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 116 – paragrafu 1 – punt e**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (e) jappoġġa proċess ta' tagħlim komuni relatat mal-monitoraġġ u l-evalwazzjoni. | (e) jappoġġa proċess ta' tagħlim komuni relatat mal-monitoraġġ u l-evalwazzjoni***, billi jqis l-oqsma fejn id-data ta' referenza tkun nieqsa jew insuffiċjenti u li għalihom ikun jista' jiġi żviluppat indikaturi aktar rilevanti u preċiżi***. |

**Emenda 667**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 117 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu sistema elettronika ta' informazzjoni li fiha għandhom jirreġistraw u jżommu l-informazzjoni ewlenija dwar l-implimentazzjoni tal-Pjan Strateġiku tal-PAK li hija meħtieġa għall-monitoraġġ u l-evalwazzjoni, b'mod partikolari dwar kull intervent magħżul għall-finanzjament, kif ukoll dwar l-interventi mwettqa, inkluż informazzjoni dwar kull benefiċjarju u operazzjoni. | L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu sistema elettronika ta' informazzjoni***, jużaw waħda li diġà teżisti,*** li fiha għandhom jirreġistraw u jżommu l-informazzjoni ewlenija dwar l-implimentazzjoni tal-Pjan Strateġiku tal-PAK li hija meħtieġa għall-monitoraġġ u l-evalwazzjoni, b'mod partikolari dwar kull intervent magħżul għall-finanzjament, kif ukoll dwar l-interventi mwettqa, inkluż informazzjoni dwar kull benefiċjarju u operazzjoni. |

**Emenda 668**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 118 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-benefiċjarji tal-appoġġ taħt l-interventi tal-Pjan Strateġiku tal-PAK u l-gruppi ta' azzjoni lokali għandhom jimpenjaw | L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-benefiċjarji tal-appoġġ taħt l-interventi tal-Pjan Strateġiku tal-PAK u l-gruppi ta' azzjoni lokali għandhom jimpenjaw |

| | |
|---|---|
| ruħhom li jipprovdu l-informazzjoni kollha meħtieġa lill-Awtorità ta' Ġestjoni jew korpi oħra delegati biex iwettqu funzjonijiet f'isimha, għall-finijiet tal-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-Pjan Strateġiku tal-PAK. | ruħhom li jipprovdu l-informazzjoni kollha meħtieġa lill-Awtorità ta' Ġestjoni***, jew lil Awtoritajiet ta' Ġestjoni reġjonali*** jew korpi oħra delegati biex iwettqu funzjonijiet f'isimha, għall-finijiet tal-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-Pjan Strateġiku tal-PAK. |

**Emenda 669**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 118 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri għandhom jiżguraw li huma stabbiliti sorsi ta' data komprensiva, ***kompluta***, f'waqtha u affidabbli biex ikun jista' jsir segwitu effettiv tal-progress tal-politika lejn l-objettivi bl-użu tal-indikaturi tal-output, tar-riżultati u tal-impatt. | L-Istati Membri għandhom jiżguraw li huma stabbiliti sorsi ta' data komprensiva, f'waqtha u affidabbli, ***inklużi bażijiet tad-data***, biex ikun jista' jsir segwitu effettiv tal-progress tal-politika lejn l-objettivi bl-użu tal-indikaturi tal-output, tar-riżultati u tal-impatt. |

**Emenda 670**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 119 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Awtorità ta' Ġestjoni ***u*** l-Kumitat ta' Monitoraġġ għandhom jimmonitorajaw l-implimentazzjoni tal-Pjan Strateġiku tal-PAK u l-progress li jkun sar lejn ***il-kisba*** tal-miri tal-Pjan Strateġiku tal-PAK fuq il-bażi tal-indikaturi tal-output u tar-riżultati. | L-Awtorità ta' Ġestjoni ***kif ukoll*** il-Kumitat ta' Monitoraġġ għandhom jimmonitorjaw l-implimentazzjoni tal-Pjan Strateġiku tal-PAK u l-progress li jkun sar lejn ***il-ksib*** tal-miri tal-Pjan Strateġiku tal-PAK fuq il-bażi tal-indikaturi tal-output u tar-riżultati***, f'kollaborazzjoni, meta applikabbli, ma' Awtoritajiet ta' Ġestjoni reġjonali u Kumitati ta' Monitoraġġ reġjonali***. |

**Emenda 671**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 120 – titolu**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Setgħat ***ta' implimentazzjoni*** għall-qafas ta' prestazzjoni | Setgħat ***ta' delegazzjoni*** għall-qafas ta' prestazzjoni |

**Emenda 672**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 120 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-Kummissjoni għandha tadotta ***atti ta' implimentazzjoni dwar il-kontenut*** tal-qafas ta' prestazzjoni. It-tali atti għandhom jinkludu l-lista ta' indikaturi tal-kuntest, indikaturi oħra meħtieġa għall-monitoraġġ u għall-evalwazzjoni xierqa tal-politika, il-metodi għall-kalkolu tal-indikaturi u d-dispożizzjonijiet meħtieġa għall-garanzija tal-preċiżjoni u tal-affidabbiltà tad-data miġbura mill-Istati Membri. Dawk l-atti ***ta' implimentazzjoni*** għandhom jiġu adottati skont ***il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 139(2)***. | Il-Kummissjoni għandha tadotta ***atti delegati li jissupplimentaw dan ir-Regolament billi tiddetermina l-kontenut*** tal-qafas ta' prestazzjoni. It-tali atti għandhom jinkludu l-lista ta' indikaturi tal-kuntest, indikaturi oħra meħtieġa għall-monitoraġġ u għall-evalwazzjoni xierqa tal-politika, il-metodi għall-kalkolu tal-indikaturi u d-dispożizzjonijiet meħtieġa għall-garanzija tal-preċiżjoni u tal-affidabbiltà tad-data miġbura mill-Istati Membri. Dawn l-atti ***delegati*** għandhom jiġu adottati skont ***l-Artikolu 138***. |

**Emenda 673**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 121 – titolu**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Rapporti ***annwali*** dwar il-prestazzjoni | Rapporti dwar il-prestazzjoni |

**Emenda 674**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 121 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. ***Sal-15 ta' Frar 2023 u l-15 ta' Frar ta' kull sena sussegwenti sal-2030, din l-aħħar sena inkluża,*** l-Istati Membri | 1. L-Istati Membri għandhom jippreżentaw ***rapporti*** dwar il-prestazzjoni lill-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni |

għandhom jippreżentaw ***rapport annwali*** dwar il-prestazzjoni lill-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-Pjan Strateġiku tal-PAK ***fis-sena finanzjarja preċedenti***. ***Ir-rapport sottomess fl-2023 għandu jkopri s-snin finanzjarji 2021 u 2022. Għall-pagamenti diretti kif imsemmi fil-Kapitolu II tat-Titolu III, ir-rapport għandu jkopri s-sena finanzjarja 2022 biss***.

tal-Pjan Strateġiku tal-PAK ***skont l-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) [HzR]***.

**Emenda 675**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 121 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| 2. L-aħħar rapport ***annwali*** dwar il-prestazzjoni, li jrid jiġi sottomess ***sal-15 ta' Frar 2030***, għandu jinkludi sommarju tal-evalwazzjonijiet imwettqa matul il-perjodu ta' implimentazzjoni. | 2. L-aħħar rapport dwar il-prestazzjoni li jrid jiġi sottomess għandu jinkludi sommarju tal-evalwazzjonijiet imwettqa matul il-perjodu ta' implimentazzjoni. |

**Emenda 676**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 121 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| 3. Sabiex ikun ammissibbli, ir-rapport ***annwali*** dwar il-prestazzjoni għandu jkun fih l-informazzjoni kollha meħtieġa fil-paragrafi 4, 5 u 6. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istat Membru fi żmien 15-il jum mid-data tal-irċevuta tar-rapport ***annwali*** dwar il-prestazzjoni jekk mhuwiex ammissibbli, u jekk tonqos milli tagħmel dan, għandu jitqies bħala ammissibbli. | 3. Sabiex ikun ammissibbli, ir-rapport dwar il-prestazzjoni għandu jkun fih l-informazzjoni kollha meħtieġa fil-paragrafi 4, 5 u 6. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istat Membru fi żmien 15-il jum mid-data tal-irċevuta tar-rapport dwar il-prestazzjoni jekk mhuwiex ammissibbli, u jekk tonqos milli tagħmel dan, għandu jitqies bħala ammissibbli. |

**Emenda 677**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 121 – paragrafu 4 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Ir-rapporti ***annwali*** dwar il-prestazzjoni għandhom jagħtu informazzjoni kwalitattiva u kwantitattiva dwar l-implimentazzjoni tal-Pjan Strateġiku tal-PAK b'referenza għad-data finanzjarja, l-indikaturi tal-output u tar-riżultati u skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 118. Għandhom ukoll jinkludu informazzjoni dwar l-outputs imwettqa, in-nefqa mwettqa, ir-riżultati mwettqa u d-distanza għall-miri rispettivi. | Ir-rapporti dwar il-prestazzjoni għandhom jagħtu informazzjoni kwalitattiva u kwantitattiva ***dwar*** l-implimentazzjoni tal-Pjan Strateġiku tal-PAK b'referenza għad-data finanzjarja, l-indikaturi tal-output u tar-riżultati u skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 118. Għandhom ukoll jinkludu informazzjoni dwar l-outputs imwettqa, in-nefqa mwettqa, ir-riżultati mwettqa u d-distanza għall-miri rispettivi. |

**Emenda 678**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 121 – paragrafu 4 – subparagrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Għat-tipi ta' interventi li mhumiex soġġetti għall-Artikolu 89 ta' dan ir-Regolament, u meta l-proporzjon tal-output imwettaq u n-nefqa mwettqa jiddevja b'50 % mill-proporzjon tal-output u n-nefqa annwali ppjanati, l-Istat Membru għandu jippreżenta ġustifikazzjoni għal din id-devjazzjoni.*** | ***imħassar*** |

**Emenda 679**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 121 – paragrafu 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. Id-data trażmessa għandha tkun relatata mal-valuri miksuba għall-indikaturi għall-interventi implimentati parzjalment u bis-sħiħ. Għandhom ukoll jagħtu sinteżi dwar l-istat ta' implimentazzjoni tal-Pjan Strateġiku tal-PAK imwettqa ***matul is-sena finanzjarja preċedenti***, kwalunkwe kwistjoni li taffettwa l-prestazzjoni tal-Pjan Strateġiku tal-PAK, b'mod partikolari fir- | 5. Id-data trażmessa għandha tkun relatata mal-valuri miksuba għall-indikaturi għall-interventi implimentati parzjalment u bis-sħiħ. Għandhom ukoll jagħtu sinteżi dwar l-istat ta' implimentazzjoni tal-Pjan Strateġiku tal-PAK imwettqa, kwalunkwe kwistjoni li taffettwa l-prestazzjoni tal-Pjan Strateġiku tal-PAK, b'mod partikolari fir-rigward tad-devjazzjonijiet mill-istadji |

| | |
|---|---|
| rigward tad-devjazzjonijiet mill-istadji importanti, filwaqt li jagħtu r-raġunijiet u, fejn rilevanti, jiddeskrivu l-miżuri li ttieħdu. | importanti, filwaqt li jagħtu r-raġunijiet u, meta rilevanti, jiddeskrivu l-miżuri li ttieħdu. |

**Emenda 680**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 121 – paragrafu 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| *7.* ***Il-Kummissjoni għandha twettaq rieżami annwali tal-prestazzjoni u approvazzjoni annwali tal-prestazzjoni msemmija fl-Artikolu [52] tar-Regolament (UE) [ir-Regolament Orizzontali] fuq il-bażi tal-informazzjoni provduta fir-rapporti annwali dwar il-prestazzjoni.*** | ***imħassar*** |

**Emenda 681**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 121 – paragrafu 8 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Fir-rieżami annwali*** tal-prestazzjoni, ***il-Kummissjoni*** tista' tagħmel osservazzjonijiet ***dwar ir-rapporti annwali dwar il-prestazzjoni*** fi żmien xahar mis-sottomissjoni tagħhom. Meta l-Kummissjoni ma tipprovdix osservazzjonijiet fi żmien din l-iskadenza, ir-rapporti għandhom jitqiesu li huma aċċettati. | ***Il-Kummissjoni għandha twettaq rieżami*** tal-prestazzjoni ***bbażat fuq l-informazzjoni pprovduta fir-rapporti tal-prestazzjoni u*** tista' tagħmel osservazzjonijiet fi żmien ***massimu ta'*** xahar mis-sottomissjoni ***kompluta*** tagħhom. Meta l-Kummissjoni ma tipprovdix osservazzjonijiet fi żmien din l-iskadenza, ir-rapporti għandhom jitqiesu li huma aċċettati. |

**Emenda 682**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 121 – paragrafu 9**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 9. Meta l-valur irrapportat ta' indikatur tar-riżultati wieħed jew aktar juri | 9. Meta l-valur irrapportat ta' indikatur tar-riżultati wieħed jew aktar juri |

| | |
|---|---|
| diskrepanza ta' aktar minn 25 % mit-tragward rispettiv għas-sena ta' rappurtar ikkonċernata, il-Kummissjoni tista' titlob lill-Istat Membru biex jissottometti pjan ta' azzjoni skont l-Artikolu 39(1) tar-Regolament (UE) [ir-Regolament Orizzontali], filwaqt li jiddeskrivi l-azzjonijiet ta' rimedju maħsuba u l-iskeda ta' żmien mistennija. | diskrepanza ta' aktar minn 25 % mit-tragward rispettiv għas-sena ta' rappurtar ikkonċernata, ***l-Istati Membri għandhom jissottomettu ġustifikazzjoni għal din id-diskrepanza***. ***Meta jkun meħtieġ***, il-Kummissjoni tista' titlob lill-Istat Membru biex jissottometti pjan ta' azzjoni ***li għandu jiġi stabbilit b'konsultazzjoni mal-Kummissjoni*** skont l-Artikolu 39(1) tar-Regolament (UE) [ir-Regolament Orizzontali], filwaqt li jiddeskrivi l-azzjonijiet ta' rimedju maħsuba u l-iskeda ta' żmien mistennija ***għall-eżekuzzjoni tiegħu***. |

**Emenda 683**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 121 – paragrafu 10**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 10. Ir-rapporti ***annwali*** dwar il-prestazzjoni***, kif ukoll sommarju tal-kontenut tagħhom*** għaċ-ċittadini, ***għandhom jitqiegħdu*** għad-dispożizzjoni tal-pubbliku. | 10. ***Għandu jitħejja sommarju tal-kontenut tar-rapporti*** dwar il-prestazzjoni għaċ-ċittadini, ***u dan għandu*** jitqiegħed għad-dispożizzjoni tal-pubbliku. |

**Emenda 684**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 121 – paragrafu 11**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 11. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistipulaw regoli għall-preżentazzjoni tal-kontenut tar-rapport ***annwali*** dwar il-prestazzjoni. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 139(2). | 11. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistipulaw regoli għall-preżentazzjoni tal-kontenut tar-rapport dwar il-prestazzjoni. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 139(2). |

**Emenda 685**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 122 – titolu**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Laqgħat ta' rieżami ***annwali*** | Laqgħat ta' rieżami |

**Emenda 686**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 122 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Kull sena l-Istati Membri għandhom jorganizzaw laqgħa ta' rieżami mal-Kummissjoni, li għandu jkollha presidenza konġunta jew tiġi ppreseduta mill-Kummissjoni, li ssir mhux qabel xahrejn wara s-sottomissjoni tar-rapport ***annwali*** dwar il-prestazzjoni. | 1. Kull sena l-Istati Membri għandhom jorganizzaw laqgħa ta' rieżami mal-Kummissjoni, li għandu jkollha presidenza konġunta jew tiġi ppreseduta mill-Kummissjoni, li ssir mhux qabel xahrejn wara s-sottomissjoni tar-rapport dwar il-prestazzjoni. |

**Emenda 687**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 122 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Il-laqgħa ta' rieżami ***annwali*** għandu jkollha l-għan li teżamina l-prestazzjoni ta' kull pjan, inkluż il-progress li jkun sar ***lejn il-kisba tal-miri*** stabbiliti, kwalunkwe kwistjoni li taffettwa l-prestazzjoni u l-azzjonijiet fl-imgħoddi u futuri li jridu jittieħdu biex jindirizzawhom. | 2. Il-laqgħa ta' rieżami għandu jkollha l-għan li teżamina l-prestazzjoni ta' kull pjan, inkluż il-progress li jkun sar ***biex jinkisbu l-miri*** stabbiliti, kwalunkwe kwistjoni li taffettwa l-prestazzjoni u l-azzjonijiet fl-imgħoddi u futuri li jridu jittieħdu biex jindirizzawhom. ***Dawk il-laqgħat għandhom jintużaw biex jeżaminaw l-impatt, meta jkun fattibbli.*** |

**Emenda 688**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 123**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| ***Artikolu 123*** | ***imħassar*** |
| ***Bonus għall-prestazzjoni*** | |
| ***1. Jista' jiġi attribwit bonus lill-Istati Membri fis-sena 2026 biex tiġi ppremjata l-prestazzjoni sodisfaċenti fir-rigward tal-miri ambjentali u klimatiċi sakemm l-Istat Membru kkonċernat ikun ssodisfa l-kundizzjoni stabbilita fl-Artikolu 124(1).*** | |
| ***2. Il-bonus għall-prestazzjoni għandu jkun ugwali għal 5 % tal-ammont għal kull Stat Membru għas-sena finanzjarja 2027 kif stabbilit fl-Anness IX.*** | |
| ***Ir-riżorsi trasferiti bejn il-FAEG u l-FAEŻR skont l-Artikoli 15 u 90 huma esklużi fil-kalkolu tal-bonus għall-prestazzjoni.*** | |

**Emenda 689**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 124**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| ***Artikolu 124*** | ***imħassar*** |
| ***Attribuzzjoni tal-bonus għall-prestazzjoni*** | |
| ***1. Abbażi tar-rieżami tal-prestazzjoni tas-sena 2026, il-bonus għall-prestazzjoni miżmum mill-allokazzjoni ta' Stat Membru skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 123 għandu jiġi attribwit lil dan l-Istat Membru jekk l-indikaturi tar-riżultati applikati għall-objettivi speċifiċi relatati mal-ambjent u mal-klima stabbiliti fil-punti (d), (e) u (f) tal-Artikolu 6(1) fil-Pjan Strateġiku tal-PAK tiegħu jkunu kisbu mill-inqas 90 % tal-valur immirat tagħhom għas-sena 2025.*** | |
| ***2. Fi żmien xahrejn mill-wasla tar-rapport annwali dwar il-prestazzjoni fis-sena 2026, il-Kummissjoni għandha tadotta att ta' implimentazzjoni mingħajr*** | |

***ma tapplika l-proċedura ta' Kumitat imsemmi fl-Artikolu 139 biex tiddeċiedi għal kull Stat Membru jekk il-Pjanijiet Strateġiċi rispettivi jkunux kisbu l-valuri mmirati msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.***

***3. Meta l-valuri fil-mira msemmija fil-paragrafu 1 jintlaħqu, l-ammont tal-bonus għall-prestazzjoni għandu jingħata mill-Kummissjoni lill-Istati Membri kkonċernati u jitqies li jkun allokat definittivament għas-sena finanzjarja 2027 abbażi tad-deċiżjoni msemmija fil-paragrafu 2.***

***4. Meta l-valuri fil-mira msemmija fil-paragrafu 1 ma jintlaħqux, l-impenji għas-sena finanzjarja 2027 li jirrigwardaw l-ammont tal-bonus għall-prestazzjoni tal-Istati Membri kkonċernati ma għandux jingħata mill-Kummissjoni.***

***5. Meta jiġi attribwit il-bonus għall-prestazzjoni, il-Kummissjoni tista' tqis il-każijiet ta' force majeure u l-kriżijiet soċjoekonomiċi serji li jimpedixxu l-kisba tal-istadji importanti rilevanti.***

***6. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu l-arranġamenti dettaljati biex ikun żgurat approċċ konsistenti għad-determinazzjoni tal-attribuzzjoni tal-bonus għall-prestazzjoni lill-Istati Membri. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 139(2).***

**Emenda 690**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 125 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri għandhom iwettqu evalwazzjonijiet ex ante biex itejbu l-kwalità tat-tfassil tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom. | 1. L-Istati Membri***, u meta jkun applikabbli, ir-reġjuni,*** għandhom iwettqu evalwazzjonijiet ex ante biex itejbu l-kwalità tat-tfassil tal-Pjanijiet Strateġiċi |

tal-PAK tagħhom.

**Emenda 691**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 125 – paragrafu 1 – punt g**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (g) kemm huma addattati l-proċeduri għall-monitoraġġ tal-Pjan Strateġiku tal-PAK u għall-ġbir tad-data meħtieġa biex jitwettqu l-evalwazzjonijiet; | (g) kemm huma adatti l-proċeduri għall-monitoraġġ tal-Pjan Strateġiku tal-PAK u għall-ġbir tad-data***, inkluża d-data diżaggregata skont is-sessi, meta xieraq,*** meħtieġa biex jitwettqu l-evalwazzjonijiet; |

**Emenda 692**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 126 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri għandhom iwettqu evalwazzjonijiet tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK biex tittejjeb il-kwalità tat-tfassil u tal-implimentazzjoni tal-pjanijiet, kif ukoll biex jiġu vvalutati l-effettività, l-effiċjenza, ir-rilevanza, il-koerenza, il-valur miżjud tal-Unjoni u l-impatt tagħhom b'rabta mal-kontribut tagħhom lill-objettivi ġenerali u speċifiċi tal-PAK stabbiliti fl-Artikoli 5 u 6(1). | 1. L-Istati Membri***, u meta applikabbli, mar-reġjuni,*** għandhom iwettqu evalwazzjonijiet tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK biex tittejjeb il-kwalità tat-tfassil u tal-implimentazzjoni tal-pjanijiet, kif ukoll biex jiġu vvalutati l-effettività, l-effiċjenza, ir-rilevanza, il-koerenza, il-valur miżjud tal-Unjoni u l-impatt tagħhom b'rabta mal-kontribut tagħhom lill-objettivi ġenerali u speċifiċi tal-PAK stabbiliti fl-Artikoli 5 u 6(1). |

**Emenda 693**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 126 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. L-Istati Membri għandhom jafdaw l-evalwazzjonijiet lil esperti funzjonalment indipendenti. | 2. L-Istati Membri***, u meta applikabbli, ir-reġjuni,*** għandhom jafdaw l-evalwazzjonijiet lil esperti funzjonalment indipendenti. |

**Emenda 694**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 126 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li hemm fis-seħħ proċeduri biex tiġi prodotta u miġbura d-data meħtieġa għall-evalwazzjonijiet. | 3. L-Istati Membri***, u meta applikabbli, ir-reġjuni,*** għandhom jiżguraw li hemm fis-seħħ proċeduri biex tiġi prodotta u miġbura d-data meħtieġa għall-evalwazzjonijiet. |

**Emenda 695**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 126 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. L-Istati Membri għandhom ikunu responsabbli għall-evalwazzjoni tal-adegwatezza tal-interventi tal-Pjan Strateġiku tal-PAK biex jinkisbu l-objettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 6(1). | 4. L-Istati Membri***, u meta applikabbli, ir-reġjuni,*** għandhom ikunu responsabbli għall-evalwazzjoni tal-adegwatezza tal-interventi tal-Pjan Strateġiku tal-PAK biex jinkisbu l-objettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 6(1). |

**Emenda 696**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 126 – paragrafu 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. L-Istati Membri għandhom ifasslu pjan ta' evalwazzjoni li jipprovdi indikazzjonijiet dwar l-attivitajiet ta' evalwazzjoni maħsuba matul il-perjodu ta' implimentazzjoni. | 5. L-Istati Membri***, u meta applikabbli, ir-reġjuni,*** għandhom ifasslu pjan ta' evalwazzjoni li jipprovdi indikazzjonijiet dwar l-attivitajiet ta' evalwazzjoni maħsuba matul il-perjodu ta' implimentazzjoni. |

**Emenda 697**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 126 – paragrafu 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. L-Istati Membri għandhom jissottomettu l-pjan ta' evalwazzjoni lill-Kumitat ta' Monitoraġġ l-aktar tard sena wara l-adozzjoni tal-Pjan Strateġiku tal-PAK. | 6. L-Istati Membri***, u meta applikabbli, ir-reġjuni,*** għandhom jissottomettu l-pjan ta' evalwazzjoni lill-Kumitat ta' Monitoraġġ l-aktar tard sena wara l-adozzjoni tal-Pjan Strateġiku tal-PAK. |

**Emenda 698**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 127 – paragrafu 4a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***4a. Fir-rapporti ta' evalwazzjoni tagħha, il-Kummissjoni għandha tqis l-indikaturi elenkati fl-Anness I ta' dan ir-Regolament, kif ukoll fatturi esterni għall-PAK li kellhom impatt fuq il-prestazzjoni milħuqa.*** |

**Emenda 699**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 129 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Id-data meħtieġa għall-indikaturi tal-kuntest u tal-impatt għandha ***tiġu*** primarjament minn sorsi ta' data stabbiliti, bħan-Netwerk tad-Data tal-Kontabbiltà Agrikola u l-Eurostat. Meta d-data għal dawn l-indikaturi ma tkunx disponibbli jew ma tkunx kompluta, ***il-lakuni għandhom jiġu indirizzati*** fil-kuntest tal-Programm Ewropew tal-Istatistika stabbilit skont ir-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[40], il-qafas legali li jirregola n-Netwerk ta' Informazzjoni tal-Kontabbiltà Agrikola jew permezz ta' ftehimiet formali ma' fornituri oħra ta' data bħaċ-Ċentru Konġunt tar- | 2. Id-data meħtieġa għall-indikaturi tal-kuntest u tal-impatt għandha ***tiġi*** primarjament minn sorsi ta' data stabbiliti, bħan-Netwerk tad-Data tal-Kontabbiltà Agrikola u l-Eurostat. Meta d-data għal dawn l-indikaturi ma tkunx disponibbli jew ma tkunx kompluta, ***il-Kummissjoni għandha ssib soluzzjonijiet għal-lakuni*** fil-kuntest tal-Programm Ewropew tal-Istatistika stabbilit skont ir-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[40], il-qafas legali li jirregola n-Netwerk ta' Informazzjoni tal-Kontabbiltà Agrikola jew permezz ta' ftehimiet formali ma' fornituri oħra ta' data |

| | |
|---|---|
| Riċerka u tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent. | bħaċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka u tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent. |
| [40] Ir-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar l-Istatistika Ewropea u li jħassar ir-Regolament (KE, Euratom) Nru 1101/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-trażmissjoni ta' data suġġetta għall-kunfidenzjalità statistika lill-Uffiċċju tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 322/97 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 89/382/KEE, Euratom li tistabbilixxi Kumitat dwar il-Programmi tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 87, 31.3.2009, p. 164). | [40] Ir-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar l-Istatistika Ewropea u li jħassar ir-Regolament (KE, Euratom) Nru 1101/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-trażmissjoni ta' data suġġetta għall-kunfidenzjalità statistika lill-Uffiċċju tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 322/97 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 89/382/KEE, Euratom li tistabbilixxi Kumitat dwar il-Programmi tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 87, 31.3.2009, p. 164). |

**Emenda 700**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 129 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Ir-reġistri amministrattivi eżistenti ***bħall-SIAK***, l-LPIS, ir-reġistri tal-annimali u tad-dwieli għandhom jinżammu. ***L-SIAK*** u l-LPIS għandhom jiġu żviluppati aktar biex jissodisfaw aħjar il-ħtiġijiet statistiċi tal-PAK. Id-data mir-reġistri amministrattivi għandha tintuża kemm jista' jkun għall-finijiet statistiċi, b'kooperazzjoni mal-awtoritajiet tal-istatistika fl-Istati Membri u mal-Eurostat. | 3. Ir-reġistri amministrattivi ***aġġornati*** eżistenti ***bħas-SIAK***, l-LPIS, ir-reġistri tal-annimali u tad-dwieli għandhom jinżammu. ***Is-SIAK*** u l-LPIS għandhom jiġu żviluppati aktar biex jissodisfaw aħjar il-ħtiġijiet statistiċi tal-PAK. Id-data mir-reġistri amministrattivi għandha tintuża kemm jista' jkun għall-finijiet statistiċi, b'kooperazzjoni mal-awtoritajiet tal-istatistika fl-Istati Membri u mal-Eurostat. |

**Emenda 701**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 129 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***4. Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistipulaw regoli dwar l-informazzjoni li għandha*** | ***imħassar*** |

***tintbagħat mill-Istati Membri, b'kont meħud tal-ħtieġa li jiġi evitat kwalunkwe piż amministrattiv mhux meħtieġ, kif ukoll regoli dwar il-ħtiġijiet ta' data u s-sinerġiji bejn is-sorsi ta' data potenzjali. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 139(2).***

**Emenda 702**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 130 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Meta jingħata appoġġ skont it-Titolu III ta' dan ir-Regolament għal forom ta' ***kooperazzjoni*** bejn l-intrapriżi, dan għandu jingħata biss lil dawk il-forom ta' ***kooperazzjoni*** li jikkonformaw mar-regoli ta' kompetizzjoni kif japplikaw bis-saħħa tal-Artikoli 206 sa 209 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013. | Meta jingħata appoġġ skont it-Titolu III ta' dan ir-Regolament għal forom ta' ***ftehimiet, deċiżjonijiet u prattiki miftiehma*** bejn l-intrapriżi, dan għandu jingħata biss lil dawk il-forom ta' ***ftehimiet, deċiżjonijiet u prattiki miftiehma*** li jikkonformaw mar-regoli ta' kompetizzjoni kif japplikaw bis-saħħa tal-Artikoli 206 sa 209 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013. |

**Emenda 703**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 133 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***L-Artikoli*** 107, 108 u 109 tat-TFUE ma għandhomx japplikaw għall-miżuri fiskali nazzjonali fejn l-Istati Membri jiddeċiedu li jiddevjaw mir-regoli fiskali ġenerali billi jippermettu li l-bażi tat-taxxa fuq l-introjtu applikata għall-bdiewa tiġi kkalkolata fuq il-bażi ta' perjodu pluriennali. | ***Bil-għan li jiġu limitati l-effetti tal-varjabbiltà tal-introjtu, billi l-bdiewa jiġu mħeġġa jfaddlu matul is-snin tajba sabiex ikunu jistgħu jaffaċċjaw is-snin ħżiena,*** l-Artikoli 107, 108 u 109 tat-TFUE ma għandhomx japplikaw għall-miżuri fiskali nazzjonali fejn l-Istati Membri jiddeċiedu li jiddevjaw mir-regoli fiskali ġenerali billi jippermettu li l-bażi tat-taxxa fuq l-introjtu applikata għall-bdiewa tiġi kkalkolata fuq il-bażi ta' perjodu pluriennali***, fosthom permezz tar-riport ta' parti mill-bażi tat-taxxa, anki permezz tad-differiment ta'*** |

| | |
|---|---|
| | ***parti mill-bażi tat-taxxa, jew billi tiġi permessa l-esklużjoni ta' ammonti mdaħħla f'kont iddedikat għat-tfaddil agrikolu.*** |

**Emenda 704**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 135 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Għall-pagamenti diretti mogħtija fir-reġjuni ultraperiferiċi tal-Unjoni skont il-Kapitolu IV tar-Regolament (UE) Nru 228/2013, il-punti (a) u (b) tal-Artikolu ***3(2)***, il-punti (a), (b) u (d) tal-Artikolu 4(1), it-Taqsima 2 tal-Kapitolu I tat-Titolu III, l-Artikolu 16 u t-Titolu IX biss ta' dan ir-Regolament għandhom japplikaw. Il-punti (a), (b) u (d) tal-Artikolu 4(1), it-Taqsima 2 tal-Kapitolu I tat-Titolu III, l-Artikolu 16 u t-Titolu IX għandhom japplikaw mingħajr l-ebda obbligi relatati mal-Pjan Strateġiku tal-PAK. | 1. Għall-pagamenti diretti mogħtija fir-reġjuni ultraperiferiċi tal-Unjoni skont il-Kapitolu IV tar-Regolament (UE) Nru 228/2013, il-punti (a) u (b) tal-Artikolu ***3***, il-punti (a), (b) u (d) tal-Artikolu 4(1), it-Taqsima 2 tal-Kapitolu I tat-Titolu III, l-Artikolu 16 u t-Titolu IX biss ta' dan ir-Regolament għandhom japplikaw. Il-punti (a), (b) u (d) tal-Artikolu 4(1), it-Taqsima 2 tal-Kapitolu I tat-Titolu III, l-Artikolu 16 u t-Titolu IX għandhom japplikaw mingħajr l-ebda obbligi relatati mal-Pjan Strateġiku tal-PAK. |

**Emenda 705**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 135 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Għall-pagamenti diretti mogħtija fil-Gżejjer Minuri tal-Eġew skont il-Kapitolu IV tar-Regolament (UE) Nru 229/2013, il-punti (a) u (b) tal-Artikolu ***3(2)***, l-Artikolu 4, it-Taqsima 2 tal-Kapitolu I tat-Titolu III, it-Taqsimiet 1 u 2 tal-Kapitolu II tat-Titolu III u t-Titolu IX biss ta' dan ir-Regolament għandhom japplikaw. L-Artikolu 4, it-Taqsima 2 tal-Kapitolu I tat-Titolu III, it-Taqsimiet 1 u 2 tal-Kapitolu II tat-Titolu III u t-Titolu IX għandhom japplikaw mingħajr l-ebda obbligi relatati mal-Pjan Strateġiku tal- | 2. Għall-pagamenti diretti mogħtija fil-Gżejjer Minuri tal-Eġew skont il-Kapitolu IV tar-Regolament (UE) Nru 229/2013, il-punti (a) u (b) tal-Artikolu ***3***, l-Artikolu 4, it-Taqsima 2 tal-Kapitolu I tat-Titolu III, it-Taqsimiet 1 u 2 tal-Kapitolu II tat-Titolu III u t-Titolu IX biss ta' dan ir-Regolament għandhom japplikaw. L-Artikolu 4, it-Taqsima 2 tal-Kapitolu I tat-Titolu III, it-Taqsimiet 1 u 2 tal-Kapitolu II tat-Titolu III u t-Titolu IX għandhom japplikaw mingħajr l-ebda obbligi relatati mal-Pjan Strateġiku tal- |

| | |
|---|---|
| PAK. | PAK. |

**Emenda 706**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 138 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Is-setgħa li jiġu adottati l-atti delegati msemmija fl-Artikoli 4, 7, 12, 15, 23, 28, 32, 35, 36, 37, 41, 50,78, 81, 104 u 141 għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ***ta' seba' snin*** mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega tas-setgħa mhux aktar tard minn disa' xhur qabel it-tmiem tal-perjodu ta' seba' snin. Id-delega ta' setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perjodi ta' żmien identiċi, ħlief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għal dik l-estensjoni mhux aktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu. | 2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikoli 4, 7, ***11,*** 12, 28, 32, 35, 36, 37, 41, 50,78, 81, ***83, 94, 110, 120*** u 141 hija mogħtija lill-Kummissjoni għal perjodu ***mhux determinat*** mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega tas-setgħa mhux aktar tard minn disa' xhur qabel it-tmiem tal-perjodu ta' seba' snin. Id-delega ta' setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perjodi ta' żmien identiċi, ħlief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għal dik l-estensjoni mhux aktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu. |

**Emenda 707**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 138 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Id-delega tas-setgħat imsemmija fl-Artikoli 4, 7, 12, 15, 23, 28, 32, 35, 36, 37, 41, 50, 78, 81, 104 u 141 tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħat speċifikati f'dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fiha. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li diġà jkun fis-seħħ. | 3. Id-delega ta' setgħa msemmija fl-Artikoli 4, 7, ***11,*** 12, 28, 32, 35, 36, 37, 41, 50, 78, 81, ***83, 94, 110, 120*** u 141 tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħat speċifikati f'dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fiha. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li diġà jkun fis-seħħ. |

**Emenda 708**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 138 – paragrafu 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. Att delegat adottat skont l-Artikoli 4, 7, 12, 15, 23, 28, 32, 35, 36, 37, 41, 50, 78, 81, 104 u 141 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk la l-Parlament Ewropew u lanqas il-Kunsill ma jkunu esprimew xi oġġezzjoni f'perjodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, kemm il-Parlament Ewropew kif ukoll il-Kunsill ikunu infurmaw lill-Kummissjoni li ma għandhomx oġġezzjonijiet. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill. | 6. Att delegat adottat skont l-Artikoli 4, 7, ***11,*** 12, 28, 32, 35, 36, 37, 41, 50, 78, 81, ***83, 94, 110, 120*** u 141 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex sejrin joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill. |

**Emenda 709**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 139a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 139a*** |
| | ***Rieżami ta' nofs it-terminu*** |
| | ***Sa mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju 2026, il-Kummissjoni għandha twettaq rieżami ta' nofs it-terminu tal-PAK u tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, sabiex tevalwa l-operat tal-mudell ġdid ta' implimentazzjoni mill-Istati Membri u, fejn huwa xieraq, il-Kummissjoni għandha tippreżenta proposti leġiżlattivi.*** |

*(dan l-Artikolu għandu jiddaħħal fil-Kapitolu IV, qabel l-Artikolu 140)*

**Emenda 710**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 140 – paragrafu 1 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Regolament (UE) Nru 1305/2013 huwa mħassar b'effett mill-1 ta' Jannar ***2021***. | Regolament (UE) Nru 1305/2013 huwa mħassar b'effett mill-1 ta' Jannar ***2022***. |
| | ***Madankollu, mingħajr preġudizzju għall-Annessi IX u IXa ta' dan ir-Regolament, ir-Regolament (UE) Nru 1305/2013, għandu jibqa' applikabbli sal-31 ta' Diċembru 2022 għal:*** |
| | ***(a) operazzjonijiet implimentati skont programmi ta' żvilupp rurali approvati mill-Kummissjoni skont ir-Regolament (UE) Nru 1305/2013, u*** |
| | ***(b) programmi ta' żvilupp rurali approvati skont l-Artikolu 10(2) tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013 qabel l-1 ta' Jannar 2022.*** |

**Emenda 711**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 140 – paragrafu 2 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Regolament (UE) Nru 1307/2013 huwa mħassar b'effett mill-1 ta' Jannar ***2021***. | Regolament (UE) Nru 1307/2013 huwa mħassar b'effett mill-1 ta' Jannar ***2022***. |

**Emenda 712**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 140 – paragrafu 2 – subparagrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Madankollu, dan għandu jkompli japplika fir-rigward tal-applikazzjonijiet għall-għajnuna marbuta mas-snin ta' talba li jibdew qabel l-1 ta' Jannar ***2021***. | Madankollu, dan għandu jkompli japplika fir-rigward tal-applikazzjonijiet għall-għajnuna marbuta mas-snin ta' talba li jibdew qabel l-1 ta' Jannar ***2022***. |

**Emenda 713**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 140 – paragrafu 2 – subparagrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Artikoli 17 u 19 tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013, kif ukoll l-Anness I ta' dak ir-Regolament fejn rilevanti għall-Kroazja, għandhom ikomplu japplikaw sal-31 ta' Diċembru ***2021***. | L-Artikoli 17 u 19 tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013, kif ukoll l-Anness I ta' dak ir-Regolament fejn rilevanti għall-Kroazja, għandhom ikomplu japplikaw sal-31 ta' Diċembru ***2022***. |

**Emenda 714**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 141 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 138 li jissuplimentaw dan ir-Regolament b'miżuri li jipproteġu kwalunkwe dritt miksub u l-aspettattivi leġittimi tal-benefiċjarji sal-limitu meħtieġ għat-tranżizzjoni ***mill-arranġementi*** previsti fir-Regolamenti (UE) Nru 1305/2013 ***u*** (UE) Nru 1307/2013 għal dawk stabbiliti f'dan ir-Regolament. Dawk ir-regoli tranżizzjonali għandhom b'mod partikolari jistabbilixxu l-kundizzjonijiet li taħthom l-appoġġ approvat mill-Kummissjoni skont ir-Regolament (UE) Nru 1305/2013 jista' jiġi integrat fl-appoġġ previst skont dan ir-Regolament, inkluż għal assistenza teknika u għall-evalwazzjonijiet ex post. | Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 138 li jissupplimentaw dan ir-Regolament b'miżuri li jipproteġu kwalunkwe dritt miksub u l-aspettattivi leġittimi tal-benefiċjarji sal-limitu meħtieġ għat-tranżizzjoni ***mill-arranġamenti*** previsti fir-Regolamenti (UE) Nru 1305/2013***,*** (UE) Nru 1307/2013 ***u (UE) Nru 1308/2013*** għal dawk stabbiliti f'dan ir-Regolament. Dawk ir-regoli tranżizzjonali għandhom b'mod partikolari jistabbilixxu l-kundizzjonijiet li taħthom l-appoġġ approvat mill-Kummissjoni skont ir-Regolament (UE) Nru 1305/2013***, ir-Regolament (UE) Nru 1307/2013 u r-Regolament (UE) Nru 1308/2013*** jista' jiġi integrat fl-appoġġ previst skont dan ir-Regolament, inkluż għal assistenza teknika u għall-evalwazzjonijiet ex post. |

**Emenda 715**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 141a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 141a*** |
| | ***Rapporti*** |
| | ***Il-Kummissjoni Ewropea għandha tippreżenta, sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2025, rapport dwar l-impatt li l-PAK kellha fuq ir-reġjuni insulari separati minbarra dawk imsemmija fl-Artikolu 135. Dak ir-rapport għandu jkun akkumpanjat minn proposti għall-emenda tal-pjanijiet strateġiċi biex iqisu l-karatteristiċi partikolari ta' dawk l-oqsma u biex itejbu r-riżultati mistennija f'konformità mal-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 6(1).*** |

**Emenda 716**

**Proposta għal regolament**
**Anness I**

*Test propost mill-Kummissjoni*

| **Objettiv trasversali tal-UE: Modernizzazzjoni** | **Indikatur** | **Indikaturi tar-riżultati**<br>(abbażi biss tal-interventi appoġġati mill-PAK) | **Sistemi tal-Għarfien u tal-Innovazzjoni Agrikoli (AKIS)** | **Indikaturi tal-output** |
|---|---|---|---|---|
| ***It-trawwim*** tal-għarfien, tal-innovazzjoni u tad-diġitalizzazzjoni fl-agrikoltura u fiż-żoni rurali u t-tħeġġiġ tal-użu tagħhom | I.1 Il-kondiviżjoni tal-għarfien u tal-innovazzjoni: Is-sehem mill-baġit tal-PAK għall-kondiviżjoni tal-għarfien u tal-innovazzjoni | R.1 It-titjib tal-prestazzjoni permezz tal-għarfien u tal-innovazzjoni: Is-sehem tal-bdiewa li jirċievu appoġġ għal pariri, taħriġ, skambju ta' għarfien, jew il-parteċipazzjoni fi gruppi operattivi biex itejbu l-prestazzjoni ekonomika, ambjentali, klimatika u tal-effiċjenza tar-riżorsi.<br>R.2 Kollegament tas-sistemi tal-pariri u tal-għarfien: għadd ta' konsulenti integrati fl-AKIS (imqabbel mal-għadd totali ta' bdiewa)<br><br>R.3 Id-diġitalizzazzjoni tal-agrikoltura: Is-sehem ta' bdiewa li jibbenefikaw minn appoġġ għal teknoloġija agrikola ta' preċiżjoni permezz tal-PAK | **Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni għall-għarfien u l-innovazzjoni fil-qasam agrikolu (EIP)**** | O.1 Għadd ta' gruppi operattivi tal-EIP<br><br>O.2 Għadd ta' konsulenti li jistabbilixxu jew jipparteċipaw fi gruppi operattivi tal-EIP |

| **Objettivi speċifiċi tal-UE** | **Indikaturi tal-impatt** | **Indikaturi tar-riżultati**<br>(abbażi biss tal-interventi appoġġati mill-PAK) | **Tip ġenerali tal-intervent** | **Indikaturi tal-output**<br>(għal kull intervent) |
|---|---|---|---|---|

| Objettivi speċifiċi tal-UE | Indikaturi tal-impatt | Indikaturi tar-riżultati<br>(abbażi biss tal-interventi appoġġati mill-PAK) | Tip ġenerali tal-intervent | Indikaturi tal-output<br>(għal kull intervent) |
|---|---|---|---|---|
| L-appoġġ għall-introjtu vijabbli tal-azjendi agrikoli u r-reżiljenza tagħhom fl-Unjoni kollha biex tissaħħaħ ***is-sigurtà tal-ikel*** | I.2 Tnaqqis tal-inugwaljanzi fl-introjtu: L-evoluzzjoni tal-introjtu agrikolu meta mqabbel mal-ekonomija ġenerali | R.4 Kollegament tal-appoġġ għall-introjtu mal-istandards u l-prattika tajba: Is-sehem tal-erja agrikola użata kopert mill-appoġġ għall-introjtu u soġġett għal kundizzjonalità | **Appoġġ tal-PAK** | **O.3** Għadd ta' benefiċjarji tal-appoġġ tal-PAK |
| | I.3 Tnaqqis tal-varjabbiltà tal-introjtu tal-azjendi agrikoli: Evoluzzjoni tal-introjtu agrikolu | R.5 Ġestjoni tar-Riskju: Is-sehem tal-azjendi agrikoli b'għodod għall-ġestjoni tar-riskju tal-PAK | **Appoġġ dirett diżakkoppjat** | **O.4** Għadd ta' ettari għall-pagamenti diretti diżakkoppjati |
| | I.4 Appoġġ għall-introjtu vijabbli tal-azjendi agrikoli: L-evoluzzjoni tal-livell tal-introjtu agrikolu skont is-settur (meta mqabbel mal-medja fl-agrikoltura) | R.6 Ridistribuzzjoni lill-azjendi agrikoli iżgħar: Appoġġ addizzjonali b'perċentwal għal kull ettaru għall-azjendi agrikoli eliġibbli iżgħar mid-daqs medju tal-azjendi agrikoli (imqabbla mal-medja) | | **O.5** Għadd ta' benefiċjarji għall-pagamenti diretti diżakkoppjati |
| | I.5 Kontribut għall-bilanċ territorjali: L-evoluzzjoni tal-introjtu agrikolu f'żoni b'restrizzjonijiet naturali (imqabbel mal-medja) | R.7 Tisħiħ tal-appoġġ għall-azjendi agrikoli f'żoni bi ħtiġijiet speċifiċi: Perċentwal tal-appoġġ addizzjonali għal kull ettaru f'żoni bi ħtiġijiet akbar (imqabbla mal-medja) | | **O.6** Għadd ta' ettari soġġett għal aktar appoġġ għall-introjtu għall-bdiewa żgħażagħ<br><br>**O.7** L-għadd ta' benefiċjarji soġġett għal aktar appoġġ għall-introjtu għall-bdiewa żgħażagħ |
| Tissaħħaħ l-orjentazzjoni lejn is-suq u tiżdied il-kompetittività inkluż permezz ta' aktar enfasi fuq ir-riċerka, it-teknoloġija u d-diġitalizzazzjoni | I.6 Żieda fil-produttività tal-azjendi agrikoli: Produttività totali tal-fatturi | R.8 Immirar tal-azjendi agrikoli f'setturi fid-diffikultà: Is-sehem ta' bdiewa li jibbenefikaw minn appoġġ akkoppjat għat-titjib tal-kompetittività, tas-sostenibbiltà jew tal-kwalità | Għodod għall-ġestjoni tar-riskju | O.8 Għadd ta' bdiewa koperti minn strumenti appoġġati għall-ġestjoni tar-riskju |
| | I.7 Sfruttament tal-potenzjal tal-kummerċ agroalimentari: L-importazzjonijiet u l-esportazzjonijiet tal-kummerċ agroalimentari | R.9 Modernizzazzjoni tal-azjendi agrikoli: Is-sehem tal-bdiewa li jirċievu appoġġ ta' investiment biex jirristrutturaw u jimmodernizzaw, inkluż biex titteJJeb l-effiċjenza tar-riżorsi | Appoġġ akkoppjat | O.9 Għadd ta' ettari li jibbenefika minn appoġġ akkoppjat |
| Titjib tal-pożizzjoni tal-bdiewa fil-katina tal-valur | I.8 Titjib tal-pożizzjoni tal-bdiewa fil-katina tal-valur: Valur miżjud għall-produtturi primarji fil-katina alimentari | R.10 Organizzazzjoni aħjar tal-katina tal-provvista: Is-sehem tal-bdiewa li jipparteċipaw fi Gruppi tal-Produtturi, Organizzazzjonijiet tal-Produtturi, swieq lokali, ċirkwiti tal-katina tal-provvista qasira u skemi tal-kwalità | | **O.10** Għadd ta' ettari li jibbenefika minn appoġġ akkoppjat |

| Objettivi speċifiċi tal-UE | Indikaturi tal-impatt | Indikaturi tar-riżultati<br>(abbażi biss tal-interventi appoġġati mill-PAK) | Tip ġenerali tal-intervent | Indikaturi tal-output<br>(għal kull intervent) |
|---|---|---|---|---|
| | | R.11 Konċentrazzjoni tal-provvista: Is-sehem tal-valur tal-produzzjoni kummerċjalizzata minn Organizzazzjonijiet tal-Produtturi bi programmi operattivi | Pagamenti għal restrizzjonijiet naturali u restrizzjonijiet speċifiċi oħrajn tar-reġjun | O.11 Għadd ta' ettari li jirċievu pagament supplimentari ta' żona b'restrizzjonijiet naturali (3 kategoriji) |
| Kontribut għall-mitigazzjoni u l-adattament għat-tibdil fil-klima, kif ukoll għall-enerġija sostenibbli | I.9 Titjib tar-reżiljenza tal-azjendi agrikoli: Indiċi | R.12 Adattament għat-tibdil fil-klima: Is-sehem ta' art agrikola b'impenji biex jittejjeb l-adattament għall-klima | | O.12 Għadd ta' ettari li jirċievu appoġġ taħt Natura 2000 jew id-Direttiva Qafas dwar l-Ilma |
| | I.10 Kontribut għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima: Tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra mill-agrikoltura | R.13 Tnaqqis tal-emissjonijiet fis-settur tal-bhejjem: Is-sehem ta' unitajiet ta' bhejjem li għandhom appoġġ biex inaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra u/jew l-ammonijaka, inkluż il-ġestjoni tad-demel | Pagamenti għall-impenji tal-ġestjoni (ambjent-klima, riżorsi ġenetiċi, benessri tal-annimali) | O.13 Għadd ta' ettari (agrikoli) koperti minn impenji tal-ambjent/klima li jmorru lil hinn mir-rekwiżiti mandatorji |
| | I.11 Titjib tas-sekwestru tal-karbonju: Żieda fil-karbonju organiku fil-ħamrija | R.14 Il-ħżin tal-karbonju fil-ħamrija u l-bijomassa: Is-sehem tal-art ***agrikola*** b'impenji biex tnaqqas l-emissjonijiet, iżżomm u/jew ittejjeb il-ħżin tal-karbonju (bur permanenti, art agrikola fit-torbiera, fil-foresti, eċċ) | | |
| | I.12 Żieda tal-enerġija sostenibbli fl-agrikoltura: Produzzjoni ta' enerġija rinnovabbli mill-agrikoltura u l-forestrija | R.15 ***Enerġija ekoloġika*** mill-agrikoltura u l-forestrija: Investimenti fil-kapaċità tal-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli, inkluż dik b'bażi bijoloġika (MW) | | |
| | | R.16 Titjib tal-effiċjenza fl-enerġija: L-iffrankar enerġetiku fl-agrikoltura | | |
| | | R 17 Art afforestata: L-erja appoġġata għall-afforestazzjoni ***u l-ħolqien ta' msaġar***, inkluża l-agroforestrija | | |
| Trawwim tal-iżvilupp sostenibbli u ġestjoni effiċjenti tar-riżorsi naturali bħall-ilma, il- | I.13 Tnaqqis tal-erożjoni tal-ħamrija: Perċentwal ta' art b'erożjoni moderata u gravi fuq l-art agrikola | R.18 Titjib tal-ħamrija: Is-sehem tal-art agrikola b'impenji ta' ġestjoni ***b'benefiċċju għall-ġestjoni tal-ħamrija*** | | O.14 Għadd ta' ettari (forestrija) koperti minn impenji tal-ambjent/klima li jmorru lil hinn mir-rekwiżiti |

| Objettivi speċifiċi tal-UE | Indikaturi tal-impatt | Indikaturi tar-riżultati (abbażi biss tal-interventi appoġġati mill-PAK) | Tip ġenerali tal-intervent | Indikaturi tal-output (għal kull intervent) |
|---|---|---|---|---|
| ħamrija u l-arja | | | | mandatorji |
| | I.14 Titjib tal-kwalità tal-arja: Tnaqqis tal-emissjoni tal-ammonijaka mill-agrikoltura | R.19 Titjib tal-kwalità tal-arja: Is-sehem ta' art agrikola b'impenji għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-ammonijaka | | O.15 Għadd ta' ettari b'appoġġ għall-biedja organika |
| | I.15 Titjib tal-kwalità tal-arja: Il-bilanċ tan-nutrijenti gross fuq l-art agrikola | R.20 Protezzjoni tal-kwalità tal-ilma: Is-sehem tal-art agrikola b'impenji ta' ġestjoni għall-kwalità tal-ilma | | O.16 Għadd ta' unitajiet ta' bhejjem koperti b'appoġġ għal miżuri tat-trattament xieraq tal-annimali, tas-saħħa jew ta' bijosigurtà akbar. |
| | 1.16 Tnaqqis tat-tnixxija tan-nutrijenti: In-nitrati fl-ilma ta' taħt l-art - Il-perċentwal tal-istazzjonijiet tal-ilma ta' taħt l-art b'konċentrazzjoni ta' nitroġenu ogħla minn 50 mg/l skont id-Direttiva dwar in-Nitrati | R.21 Ġestjoni sostenibbli tan-nutrijenti: Is-sehem ta' art agrikola b'impenji biex ittejjeb il-ġestjoni tan-nutrijenti | | O.17 Għadd ta' proġetti li jappoġġaw ir-riżorsi ġenetiċi |
| | I.17 Tnaqqis tal-pressjoni fuq ir-riżorsi tal-ilma: L-Indiċi Aġġornat tal-Konsum tal-Ilma (Water Exploitation Index Plus, WEI+) | R.22 Użu sostenibbli tal-ilma: Is-sehem ta' art irrigata b'impenji biex jittejjeb il-bilanċ tal-ilma | Investimenti | O.18 Għadd ta' investimenti produttivi fl-azjendi agrikoli appoġġati |
| | | R.23 Prestazzjoni marbuta mal-ambjent/il-klima permezz ta' investiment: Is-sehem ta' bdiewa b'appoġġ f'investimenti relatati mal-kura tal-ambjent jew tal-klima | | O.19 Għadd ta' infrastrutturi lokali appoġġati |
| | | R.24 Prestazzjoni ambjentali/klimatika permezz tal-għarfien: Is-sehem tal-bdiewa li jirċievu appoġġ għal pariri/taħriġ marbuta mal-prestazzjoni ambjentali/klimatika | | O.20 Għadd ta' investimenti mhux produttivi appoġġati<br>O.21 Għadd ta' investimenti produttivi mhux fl-azjendi agrikoli |
| Kontribut għall-protezzjoni tal-bijodiversità, tisħiħ tas- | I.18 Żieda fil-popolazzjonijiet tal-għasafar tar-raba' agrikola: L-indiċi tal-għasafar tal-art agrikola | R.25 Appoġġ għall-ġestjoni sostenibbli tal-foresti: Is-sehem tal-art forestali b'impenji ta' ġestjoni għall-appoġġ tal-ħarsien u l-ġestjoni tal-foresti. | Għotjiet għall-installazzjoni | **O.22** Għadd ta' bdiewa li jirċievu għotjiet għall-installazzjoni |

| Objettivi speċifiċi tal-UE | Indikaturi tal-impatt | Indikaturi tar-riżultati<br>(abbażi biss tal-interventi appoġġati mill-PAK) | Tip ġenerali tal-intervent | Indikaturi tal-output<br>(għal kull intervent) |
|---|---|---|---|---|
| servizzi tal-ekosistema u preservazzjoni tal-ħabitats u l-pajsaġġi | I.19 Titjib tal-protezzjoni tal-bijodiversità: Il-perċentwali ta' speċijiet u ħabitats ta' interess Komunitarju marbuta mal-agrikoltura b'xejra stabbli jew pożittiva | R.26 Protezzjoni tal-ekosistemi forestali: Is-sehem tal-art forestali b'impenji ta' ġestjoni għall-appoġġ tal-pajsaġġ, tal-bijodiversità u tas-servizzi tal-ekosistema. | | **O.23** Għadd ta' imprendituri rurali li jirċievu għotjiet għall-installazzjoni |
| | I.20 Titjib fil-provvediment tas-servizzi tal-ekosistema: sehem ta' ***erja agrikola użata*** koperta b'karatteristiċi tal-pajsaġġ | R.27 Preservazzjoni tal-ħabitats u tal-ispeċijiet: Sehem tal-art agrikola b'impenji ta' ġestjoni li jappoġġaw il-konservazzjoni jew ir-restawr tal-bijodiversità | Kooperazzjoni | **O.24** Għadd ta' gruppi/organizzazzjonijiet tal-produtturi appoġġati<br>**O.25** Għadd ta' bdiewa li jirċievu appoġġ biex jipparteċipaw fl-iskemi tal-kwalità tal-UE |
| | | R.28 Appoġġ ta' Natura 2000: Erja fis-siti tan-Natura 2000 b'impenji għall-protezzjoni, il-manutenzjoni u r-restawr | | **O.26** Għadd ta' proġetti ta' tiġdid ġenerazzjonali (bdiewa żgħażagħ/mhux żgħażagħ) |
| | | R.29 Preservazzjoni tal-karatteristiċi tal-pajsaġġ: Sehem ta' art agrikola b'impenji għall-ġestjoni tal-karatteristiċi tal-pajsaġġ, inkluż ir-ringieli ta' sġajriet | | **O.27** Għadd ta' strateġiji lokali ta' żvilupp (LEADER)<br><br>**O.28** Għadd ta' gruppi oħrajn ta' kooperazzjoni (minbarra l-EIP rrappurtati taħt O.1) |
| Jiġu attirati l-bdiewa żgħażagħ u jiġi ffaċilitat l-iżvilupp tan-negozju fiż-żoni rurali | 1.21 Attrazzjoni ta' bdiewa żgħażagħ: Evoluzzjoni tal-għadd ta' bdiewa ġodda | R.30 Tiġdid ġenerazzjonali: Għadd ta' bdiewa żgħażagħ li qed jistabbilixxu azjenda agrikola b'appoġġ mill-PAK | Skambju tal-għarfien u l-informazzjoni | **O.29** Għadd ta' bdiewa li tħarrġu jew ingħataw pariri |
| Promozzjoni tal-impjiegi, it-tkabbir, l-inklużjoni soċjali u l-iżvilupp lokali fiż-żoni rurali, inkluż il- | I.22 Kontribut għall-impjiegi f'żoni rurali: Evoluzzjoni tar-rata tal-impjiegi fiż-żoni predominantement rurali | R.31 Tkabbir u impjiegi fiż-żoni rurali: Impjiegi ġodda fi proġetti appoġġati | | O.30 Għadd ta' persuni li mhumiex bdiewa li tħarrġu jew ingħataw pariri |

| Objettivi speċifiċi tal-UE | Indikaturi tal-impatt | Indikaturi tar-riżultati (abbażi biss tal-interventi appoġġati mill-PAK) | Tip ġenerali tal-intervent | Indikaturi tal-output (għal kull intervent) |
|---|---|---|---|---|
| bijoekonomija u l-forestrija sostenibbli | I.23 Kontribut għat-tkabbir f'żoni rurali: Evoluzzjoni tal-PDG per capita fiż-żoni predominantement rurali | R.32 Żvilupp tal-bijoekonomija rurali: L-għadd ta' negozji tal-bijoekonomija żviluppati bl-appoġġ | Indikaturi orizzontali | O.31 Għadd ta' ettari bi prattiki ambjentali (l-indikatur ta' sinteżi fiż-żona fiżika koperta bil-kundizzjonalità, l-ELS, l-AECM, miżuri tal-forestrija, il-biedja organika) |
| | 1.24 PAK iktar ġusta: Titjib tad-distribuzzjoni tal-appoġġ tal-PAK | R.33 Diġitalizzazzjoni tal-ekonomija rurali: Popolazzjoni rurali koperta minn strateġija appoġġata tal-Irħula Intelliġenti | | O.32 Għadd ta' ettari soġġetti għall-kundizzjonalità (imqassam skont il-prattika GAEP) |
| | I.25 Il-promozzjoni tal-inklużjoni rurali: Evoluzzjoni tal-indiċi tal-faqar fiż-żoni rurali | R.34 Nikkollegaw l-Ewropa rurali: Sehem tal-popolazzjoni rurali li tibbenefika minn aċċess imtejjeb għas-servizzi u l-infrastruttura permezz ta' appoġġ tal-PAK | Programmi settorjali | O.33 Għadd ta' organizzazzjonijiet tal-produtturi li waqqfu fond/programm operattiv |
| | | R.35 Il-promozzjoni tal-inklużjoni rurali: Għadd ta' persuni minn gruppi minoritarji u/jew vulnerabbli li jibbenefikaw minn proġetti appoġġati tal-inklużjoni soċjali | | O.34 Għadd ta' azzjonijiet ta' promozzjoni u informazzjoni, u monitoraġġ tas-suq |
| Titjib tar-reazzjoni tal-agrikoltura tal-UE għad-domandi soċjetali għall-ikel u għas-saħħa, inkluż ikel sikur, nutrittiv u sostenibbli, kif ukoll il-benessri tal-annimali. | I.26 Limitazzjoni tal-użu tal-antibijotiċi fl-agrikoltura: bejgħ/użu fl-annimali li jipproduċu l-ikel | R.36 Limitazzjoni tal-użu tal-antibijotiċi: Sehem mill-unitajiet ta' bhejjem ikkonċernati minn azzjonijiet appoġġati biex jiġi limitat l-użu tal-antibijotiċi (prevenzjoni/tnaqqis) | | O.35 Għadd ta' azzjonijiet għall-preservazzjoni/titjib tat-trobbija tan-naħal |
| | I.27 Użu sostenibbli tal-pestiċidi: Tnaqqis tar-riskji u l-impatti tal-pestiċidi** | R.37 Użu sostenibbli tal-pestiċidi: Sehem mill-art agrikola kkonċernata minn azzjonijiet speċifiċi appoġġati li jwasslu għall-użu sostenibbli tal-pestiċidi sabiex jitnaqqsu r-riskji u l-impatti tal-pestiċidi | | |
| | 1.28 Risposta għad-domanda tal-konsumaturi għal ikel ta' kwalità: Valur tal-produzzjoni taħt l-iskemi ta' kwalità tal-UE (inkluż l-ikel organiku) | R.38 Titjib tat-trattament xieraq tal-annimali: Sehem mill-unitajiet ta' bhejjem kopert minn azzjoni appoġġata għat-titjib tal-benessri tal-annimali | | |

| | | |
|---|---|---|
| ** Il-biċċa l-kbira tal-indikaturi tal-impatt diġà huma miġbura permezz ta' mezzi oħrajn (l-istatistika Ewropea, JRC, EEA...) u jintużaw fil-qafas ta' leġiżlazzjoni oħra tal-UE jew SDGs. Il-frekwenza tal-ġbir tad-data mhijiex dejjem annwali u jista' jkun hemm dewmien ta' sentejn/tlieta ** Id-Direttiva dwar l-użu sostenibbli tal-pestiċidi.* | ** Indikaturi tar-riżultati. Data notifikata kull sena mill-Istati Membri għall-monitoraġġ tal-progress lejn il-miri li stabbilixxew fil-pjanijiet tal-PAK.* | ** Indikaturi tar-riżultati. Data notifikata kull sena mill-Istati Membri għall-monitoraġġ tal-progress lejn il-miri li stabbilixxew fil-pjanijiet tal-PAK.* |

*Emenda*

| **Objettiv <u>trasversali</u> tal-UE: Modernizzazzjoni** | **Indikatur** | **Indikaturi tar-riżultati**<br>(abbażi biss tal-interventi appoġġati mill-PAK) | **Sistemi tal-Għarfien u tal-Innovazzjoni Agrikoli (AKIS)** | **Indikaturi tal-output** |
|---|---|---|---|---|
| ***Il-modernizzazzjoni tas-settur billi jiġi żgurat li l-bdiewa jkollhom aċċess għar-riċerka, it-taħriġ u l-kondiviżjoni*** tal-għarfien u ***servizzi ta' trasferiment tal-għarfien***, l-innovazzjoni u d-diġitalizzazzjoni fl-agrikoltura u fiż-żoni rurali, u l-promozzjoni tal-użu tagħhom***.*** | I.1 Il-kondiviżjoni tal-għarfien u tal-innovazzjoni: Is-sehem mill-baġit tal-PAK għall-kondiviżjoni tal-għarfien u tal-innovazzjoni | R.1 It-titjib tal-prestazzjoni permezz tal-għarfien u tal-innovazzjoni: Is-sehem tal-bdiewa li jirċievu appoġġ għal pariri, taħriġ, skambju ta' għarfien, jew il-parteċipazzjoni fi gruppi operattivi biex itejbu l-prestazzjoni ekonomika, ambjentali, klimatika u tal-effiċjenza tar-riżorsi<br><br>R.2 Kollegament tas-sistemi tal-pariri u tal-għarfien: għadd ta' konsulenti integrati fl-AKIS (imqabbel mal-għadd totali ta' bdiewa)<br><br>R.3 Id-diġitalizzazzjoni tal-agrikoltura: Is-sehem ta' bdiewa li jibbenefikaw minn appoġġ għal teknoloġija agrikola ta' preċiżjoni ***u intelliġenti*** permezz tal-PAK | **Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni għall-għarfien u l-innovazzjoni fil-qasam agrikolu (EIP)**** | O.1 Għadd ta' gruppi operattivi tal-EIP<br><br>O.2 Għadd ta' konsulenti li jistabbilixxu jew jipparteċipaw fi gruppi operattivi tal-EIP |

| Objettivi speċifiċi tal-UE | Indikaturi tal-impatt | Indikaturi tar-riżultati (abbażi biss tal-interventi appoġġati mill-PAK) | Tip ġenerali tal-intervent | Indikaturi tal-output (għal kull intervent) |
|---|---|---|---|---|
| Appoġġ favur l-introjtu vijabbli tal-azjendi agrikoli u r-reżiljenza ***tas-settur agrikolu*** fl-Unjoni kollha biex jissaħħu s-sigurtà tal-ikel ***u d-diversità agrikola fit-tul, filwaqt li jiġi pprovdut ikel sikur u ta' kwalità għolja bi prezzijiet ġusti bl-għan li jitreġġa' lura t-telf tal-bdiewa u tiġi żgurata s-sostenibbiltà ekonomika tal-produzzjoni agrikola fl-Unjoni***; | **I.2 Tnaqqis tal-inugwaljanzi fl-introjtu**: L-evoluzzjoni tal-introjtu agrikolu meta mqabbel mal-ekonomija ġenerali | R.4 Kollegament tal-appoġġ għall-introjtu mal-istandards u l-prattika tajba: Is-sehem tal-erja agrikola użata kopert mill-appoġġ għall-introjtu u soġġett għal kundizzjonalità | **Appoġġ tal-PAK** | **O.3** L-għadd ta' benefiċjarji tal-appoġġ tal-PAK, ***, inkluż tqassim skont it-tip ta' intervent.*** |
| | **I.3 Tnaqqis tal-varjabbiltà tal-introjtu tal-azjendi agrikoli**: Evoluzzjoni tal-introjtu agrikolu | R.5 Ġestjoni tar-Riskju: Is-sehem tal-azjendi agrikoli b'għodod għall-ġestjoni tar-riskju tal-PAK | **Appoġġ dirett diżakkoppjat** | **O.4** Għadd ta' ettari għall-pagamenti diretti diżakkoppjati |
| | I.4 Appoġġ għall-introjtu vijabbli tal-azjendi agrikoli: L-evoluzzjoni tal-livell tal-introjtu agrikolu skont is-settur (meta mqabbel mal-medja fl-agrikoltura) | R.6 Ridistribuzzjoni lill-azjendi agrikoli iżgħar: Appoġġ addizzjonali b'perċentwal għal kull ettaru għall-azjendi agrikoli eliġibbli iżgħar mid-daqs medju tal-azjendi agrikoli (imqabbla mal-medja). | | **O.5** Għadd ta' benefiċjarji għall-pagamenti diretti diżakkoppjati<br><br>***O.5a Għadd ta' benefiċjarji għal appoġġ bażiku għall-introjtu*** |
| | ***I.4a L-evitar tat-tnaqqis tal-popolazzjoni agrikola: l-evoluzzjoni tal-popolazzjoni agrikola skont is-setturi (meta mqabbla mal-aħħar sena qabel l-applikazzjoni tal-Pjanijiet Strateġiċi)*** | | | **O.6** Għadd ta' ettari soġġett għal aktar appoġġ għall-introjtu għall-bdiewa żgħażagħ |
| | I.5 Kontribut għall-bilanċ territorjali: L-evoluzzjoni tal-introjtu agrikolu f'żoni b'restrizzjonijiet naturali (imqabbel mal-medja) | R.7 Tisħiħ tal-appoġġ għall-azjendi agrikoli f'żoni bi ħtiġijiet speċifiċi: Perċentwal tal-appoġġ addizzjonali għal kull ettaru f'żoni bi ħtiġijiet akbar (imqabbla mal-medja) | | **O.7** Għadd ta' benefiċjarji soġġetti għal aktar appoġġ għall-introjtu għall-bdiewa żgħażagħ<br><br>***O.7b Għadd ta' benefiċjarji li jirċievu sostenn għall-ekoskemi*** |

| Objettivi speċifiċi tal-UE | Indikaturi tal-impatt | Indikaturi tar-riżultati (abbażi biss tal-interventi appoġġati mill-PAK) | Tip ġenerali tal-intervent | Indikaturi tal-output (għal kull intervent) |
|---|---|---|---|---|
| Jissaħħu l-orjentazzjoni lejn is-suq***, fis-swieq lokali, nazzjonali, tal-Unjoni u internazzjonali, kif ukoll l-istabbilizzazzjoni tas-suq u l-ġestjoni tar-riskju u ta' kriżijiet,*** u jiżdiedu l-kompetittività tal-azjendi agrikoli ***fit-tul, il-kapaċitajiet tal-ipproċessar u tal-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti agrikoli,*** b'aktar enfasi fuq id-differenzjazzjoni tal-kwalità, ir-riċerka, ***l-innovazzjoni,*** it-teknoloġija, ***it-trasferiment u l-iskambju tal-għarfien*** u d-diġitalizzazzjoni, ***u l-iffaċilitar tal-aċċess tal-bdiewa għal dinamika tal-ekonomija ċirkolari***; | I.6 Żieda fil-produttività tal-azjendi agrikoli: Produttività totali tal-fatturi | R.8 Immirar tal-azjendi agrikoli f'setturi fid-diffikultà: Is-sehem ta' bdiewa li jibbenefikaw minn appoġġ akkoppjat għat-titjib tal-kompetittività, tas-sostenibbiltà jew tal-kwalità | Għodod għall-ġestjoni tar-riskju | O.8 Għadd ta' bdiewa koperti minn strumenti appoġġati għall-ġestjoni tar-riskju |
| | I.7 Sfruttament tal-potenzjal tal-kummerċ agroalimentari: L-importazzjonijiet u l-esportazzjonijiet tal-kummerċ agroalimentari<br><br>***I.7aId-diversifikazzjoni u l-bini tas-swieq: l-evoluzzjoni meta mqabbla mal-aħħar sena qabel l-applikazzjoni tal-Pjanijiet Strateġiċi*** | R.9 Modernizzazzjoni tal-azjendi agrikoli: Is-sehem tal-bdiewa li jirċievu appoġġ ta' investiment biex jirristrutturaw u jimmodernizzaw, inkluż biex tittejjeb l-effiċjenza tar-riżorsi<br><br>***R.9a It-titjib tal-preżenza fis-swieq esterni: is-sehem ta' azzjonijiet ta' promozzjoni maħsuba għal swieq esterni***<br><br>***R.9b Id-diversifikazzjoni tas-setturi tal-produzzjoni: sehem taż-żona agrikola reġjonali użata għal kull settur ta' produzzjoni jew kultivazzjoni*** | Appoġġ akkoppjat | O.9 Għadd ta' ettari li jibbenefika minn appoġġ akkoppjat |
| Titjib tal-pożizzjoni ***ta' negozjar*** tal-bdiewa fil-ktajjen tal-valur ***billi jiġu inkoraġġiti forom assoċjattivi, organizzazzjonijiet tal-produtturi u negozjati kollettivi, kif ukoll billi*** | I.8 Titjib tal-pożizzjoni tal-bdiewa fil-katina tal-valur: Il-valur miżjud għall-produtturi primarji fil-katina alimentari | R.10 Organizzazzjoni aħjar tal-katina tal-provvista: Is-sehem tal-bdiewa li jipparteċipaw fi Gruppi tal-Produtturi, Organizzazzjonijiet tal-Produtturi, swieq lokali, ċirkwiti tal-katina tal-provvista qasira u skemi tal-kwalità | | O.10 Għadd ta' ettari li jibbenefika minn appoġġ akkoppjat<br><br>***O. 10a Għadd ta' ettari koperti minn impenji biex jitkabbru għelejjel leguminużi*** |

| Objettivi speċifiċi tal-UE | Indikaturi tal-impatt | Indikaturi tar-riżultati<br>(abbażi biss tal-interventi appoġġati mill-PAK) | Tip ġenerali tal-intervent | Indikaturi tal-output<br>(għal kull intervent) |
|---|---|---|---|---|
| ***jiġu promossi ktajjen tal-provvista qosra***; | | R.11 Konċentrazzjoni tal-provvista: Is-sehem tal-valur tal-produzzjoni kummerċjalizzata minn Organizzazzjonijiet tal-Produtturi bi programmi operattivi | Pagamenti għal restrizzjonijiet naturali u restrizzjonijiet speċifiċi oħrajn tar-reġjun | O.11 Għadd ta' ettari li jirċievu pagament supplimentari ta' żona b'restrizzjonijiet naturali (3 kategoriji) |
| Kontribut għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u għall-adattament ***għat-tisħin globali***, kif ukoll ***l-iffaċilitar tal-inkorporazzjoni*** tal-enerġija sostenibbli ***filwaqt li tiġi żgurata s-sigurtà tal-ikel fil-futur, billi jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra tas-settur agrikolu u alimentari, inkluż permezz tas-sekwestru tal-karbonju fil-ħamrija u l-protezzjoni tal-foresti, f'konformità mal-ftehimiet internazzjonali rilevanti.*** | I.9 Titjib tar-reżiljenza tal-azjendi agrikoli: Indiċi | R.12 Adattament għat-tibdil fil-klima: Is-sehem ta' art agrikola b'impenji biex jittejjeb l-adattament għall-klima | | O.12 Għadd ta' ettari li jirċievu appoġġ taħt Natura 2000 jew id-Direttiva Qafas dwar l-Ilma |
| | I.10 Kontributgħall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima: Tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra mill-agrikoltura | R.13 Tnaqqis tal-emissjonijiet fis-settur tal-bhejjem: Is-sehem ta' unitajiet ta' bhejjem li għandhom appoġġ biex inaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra u/jew l-ammonijaka, inkluż il-ġestjoni tad-demel | Pagamenti għall-impenji tal-ġestjoni (ambjent-klima, riżorsi ġenetiċi, benessri tal-annimali) | O.13 L-għadd ta' ettari (agrikoli) ***u l-għadd ta' unitajiet oħra*** koperti minn impenji ambjentali/klimatiċi li jmorru lil hinn mir-rekwiżiti mandatorji, ***inkluża l-ekoskema*** |
| | I.11 It-titjib tas-sekwestru tal-karbonju: Żieda fil-karbonju organiku fil-ħamrija | R.14 Il-ħżin tal-karbonju fil-ħamrija u l-bijomassa: Is-sehem tal-art b'impenji biex tnaqqas l-emissjonijiet, iżżomm u/jew ittejjeb il-ħżin tal-karbonju (bur permanenti, art agrikola fit-torbiera ***mistagħdra***, fil-foresti, eċċ) | | ***O. 13a Għadd ta' ettari koperti mill-impenji f'art b'Valur Naturali Għoli*** |
| | I.12 Żieda tal-enerġija sostenibbli fl-agrikoltura: Produzzjoni ta' enerġija rinnovabbli mill-agrikoltura, il-forestrija ***u l-agroforestrija***. | R.15 ***Enerġija rinnovabbli*** mill-agrikoltura u l-forestrija: Investimenti fil-kapaċità tal-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli, inkluż dik b'bażi bijoloġika (MW) | | |
| | | R.16 Titjib tal-effiċjenza fl-enerġija: L-iffrankar enerġetiku ***nett*** fl-agrikoltura | | |
| | | R 17 Art afforestata: Iż-żona appoġġata ***għar-restawr tal-afforestazzjoni u l-ħolqien ta' msaġar,*** inkluża l-agroforestrija | | |
| It-trawwim tal-iżvilupp sostenibbli u l-ġestjoni | I.13 It-tnaqqis tal-erożjoni tal-ħamrija ***u ż-żieda tar-reżiljenza kontra kundizzjonijiet estremi*** | R.18 Titjib tal-ħamrija: Is-sehem tal-art agrikola b'impenji ta' ġestjoni ***biex tittejjeb il-kwalità tal-ħamrija u l-abbundanza*** | | O.14 L-għadd ta' ettari (forestrija) koperti minn impenji tal- |

| Objettivi speċifiċi tal-UE | Indikaturi tal-impatt | Indikaturi tar-riżultati<br>(abbażi biss tal-interventi appoġġati mill-PAK) | Tip ġenerali tal-intervent | Indikaturi tal-output<br>(għal kull intervent) |
|---|---|---|---|---|
| effiċjenti tar-riżorsi naturali, bħall-ilma, il-ħamrija u l-arja***, filwaqt li titnaqqas id-dipendenza kimika bil-għan li jintlaħqu l-għanijiet previsti fl-istrumenti leġiżlattivi rilevanti u li jiġu ppremjati l-prattiki u s-sistemi tal-biedja li jipprovdu benefiċċji ambjentali multipli inkluż it-twaqqif tad-deżertifikazzjoni.*** | ***tat-temp***: Perċentwal ta' art b'erożjoni moderata u gravi fuq l-art agrikola | ***tal-bijota tal-ħamrija*** | | ambjent/klima li jmorru lil hinn mir-rekwiżiti mandatorji<br><br>***O.14a L-għadd ta' ettari koperti minn impenji b'appoġġ għall-Ġestjoni Integrata tal-Pesti*** |
| | I.14 Titjib tal-kwalità tal-arja: Tnaqqis tal-emissjonijiet tal-ammonijaka mill-agrikoltura | R.19 Titjib tal-kwalità tal-arja: Is-sehem ta' art agrikola b'impenji għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-ammonijaka | | O.15 Għadd ta' ettari b'appoġġ għall-biedja organika |
| | I.15 Titjib tal-kwalità tal-arja: Il-bilanċ tan-nutrijenti gross fuq l-art agrikola | R.20 Protezzjoni tal-kwalità tal-ilma: Is-sehem tal-art agrikola b'impenji ta' ġestjoni għall-kwalità tal-ilma ***għat-titjib tal-istatus tal-korpi tal-ilma***. | | O.16 Għadd ta' unitajiet ta' bhejjem koperti b'appoġġ għal miżuri tat-trattament xieraq tal-annimali, tas-saħħa jew ta' bijosigurtà akbar. |
| | 1.16 Tnaqqis tat-tnixxija tan-nutrijenti: In-nitrati fl-ilma ta' taħt l-art - Il-perċentwal tal-istazzjonijiet tal-ilma ta' taħt l-art b'konċentrazzjoni ta' nitroġenu ogħla minn 50 mg/l skont id-Direttiva dwar in-Nitrati | R.21 Ġestjoni sostenibbli tan-nutrijenti: Is-sehem ta' art agrikola b'impenji biex ittejjeb il-ġestjoni tan-nutrijenti | | O.17 L-għadd ta' proġetti ***u bdiewa*** li jappoġġaw ir-riżorsi ġenetiċi ***u d-diversità ġenetika, inkluża kategorizzazzjoni skont is-setturi***. |
| | I.17 Tnaqqis tal-pressjoni fuq ir-riżorsi tal-ilma: L-Indiċi Aġġornat tal-Konsum tal-Ilma (Water Exploitation Index Plus, WEI+) | R.22 Użu sostenibbli tal-ilma: Is-sehem ta' art irrigata b'impenji biex jittejjeb il-bilanċ tal-ilma | Investimenti | O.18 Għadd ta' investimenti produttivi fl-azjendi agrikoli appoġġati |
| | | R.23 Prestazzjoni marbuta mal-ambjent/il-klima permezz ta' investiment: Is-sehem ta' bdiewa b'appoġġ f'investimenti ***produttivi u mhux produttivi*** relatati mal-kura tal-ambjent jew tal-klima | | O.19 Għadd ta' infrastrutturi lokali appoġġati |

| Objettivi speċifiċi tal-UE | Indikaturi tal-impatt | Indikaturi tar-riżultati (abbażi biss tal-interventi appoġġati mill-PAK) | Tip ġenerali tal-intervent | Indikaturi tal-output (għal kull intervent) |
|---|---|---|---|---|
| | | R.24 Prestazzjoni ambjentali/klimatika permezz tal-għarfien: Is-sehem tal-bdiewa li jirċievu appoġġ għal pariri/taħriġ marbuta mal-prestazzjoni ambjentali/klimatika | | O.20 L-għadd ta' investimenti mhux produttivi appoġġati |
| | | | | O.21 L-għadd ta' investimenti produttivi mhux fl-azjendi agrikoli |
| Jingħata kontribut ***lit-treġġiegħ lura tat-tnaqqis*** tal-bijodiversità***, inkluż billi jiġu protetti l-fawna ta' benefiċċju, inklużi speċijiet dakkara, il-promozzjoni tal-agrobijodiversità, is-servizzi ambjentali, il-konservazzjoni tan-natura u l-agroforestrija, kif ukoll il-kontribuzzjoni għall-prevenzjoni ta' diżastri naturali u l-ksib ta' reżiljenza akbar, ir-restawr u l-preservazzjoni tal-ħamrija, il-korpi tal-ilma,*** il-ħabitats u l-pajsaġġi***, u l-appoġġ tas-sistemi tal-biedja ta' Valur Naturali Għoli;*** | I.18 Żieda fil-popolazzjonijiet tal-għasafar tar-raba' agrikola: L-indiċi tal-għasafar tal-art agrikola | R.25 Appoġġ għall-ġestjoni sostenibbli tal-foresti: Is-sehem tal-art forestali b'impenji ta' ġestjoni għall-appoġġ tal-ħarsien u l-ġestjoni tal-foresti. | Għotjiet għall-installazzjoni | Għadd ta' bdiewa ***żgħażagħ*** li jirċievu għotjiet għall-installazzjoni<br><br>***O.22a Għadd ta' bdiewa ġodda li jirċievu għotjiet għall-installazzjoni*** |
| | I.19 Titjib tal-protezzjoni tal-bijodiversità: Il-perċentwali ta' speċijiet u ħabitats ta' interess Komunitarju marbuta mal-agrikoltura b'tendenzi stabbli jew li qed jiżdiedu<br><br>***I.19a It-tnaqqis fid-deklin tad-dakkara fl-UE: Indiċi tad-dakkara tal-UE*[a]*** | R.26 Protezzjoni tal-ekosistemi forestali: Is-sehem tal-art forestali b'impenji ta' ġestjoni għall-appoġġ tal-pajsaġġ, tal-bijodiversità u tas-servizzi tal-ekosistema. | | O.23 Għadd ta' imprendituri rurali li jirċievu għotjiet għall-installazzjoni |
| | I.20 Titjib fil-provvediment tas-servizzi tal-ekosistema: is-sehem ta' ***erja agrikola*** koperta b'karatteristiċi tal-pajsaġġ | R.27 Preservazzjoni tal-ħabitats u tal-ispeċijiet: Sehem tal-art agrikola b'impenji ta' ġestjoni li jappoġġaw il-konservazzjoni jew ir-restawr tal-bijodiversità***, inkluża l-art agrikola HNV***. | Kooperazzjoni | O.24 L-għadd ta' gruppi/organizzazzjonijiet tal-produtturi appoġġati<br><br>O.25 L-għadd ta' bdiewa li jirċievu appoġġ biex jipparteċipaw fl-iskemi tal-kwalità tal-UE |

| Objettivi speċifiċi tal-UE | Indikaturi tal-impatt | Indikaturi tar-riżultati<br>(abbażi biss tal-interventi appoġġati mill-PAK) | Tip ġenerali tal-intervent | Indikaturi tal-output<br>(għal kull intervent) |
|---|---|---|---|---|
| | ***I.20a Iż-żieda fl-agrobijodiversità fis-sistema ta' biedja: żieda fid-diversità tal-varjetajiet*** | R.28 Appoġġ ta' Natura 2000: Erja fis-siti tan-Natura 2000 b'impenji għall-protezzjoni, il-manutenzjoni u r-restawr | | O.26 Għadd ta' proġetti ta' tiġdid ġenerazzjonali (bdiewa żgħażagħ/mhux żgħażagħ) |
| | | ***R.28a It-titjib tal-bijodiversità: Is-sehem ta' artijiet b'impenji li huma ta' benefiċċju għall-agrobijodiversità, imqassma skont it-tip ta' interventi.*** | | |
| | | R.29 Preservazzjoni tal-karatteristiċi tal-pajsaġġ: Sehem ta' art agrikola b'impenji għall-ġestjoni tal-karatteristiċi tal-pajsaġġ, inkluż ir-ringieli ta' sġajriet***, siġar u veġetazzjoni seminaturali***.<br><br>***R.29a Il-preservazzjoni tal-kaxxi tan-naħal Għadd ta' benefiċjarji għall-appoġġ biex irabbu n-naħal.*** | | O.27 Għadd ta' strateġiji lokali ta' żvilupp (LEADER)<br><br>O.28 Għadd ta' gruppi oħrajn ta' kooperazzjoni (minbarra l-EIP rrappurtati taħt O.1) |
| It-tħajjir ***u s-sostenn*** lill-bdiewa żgħażagħ ***u l-bdiewa ġodda, u l-promozzjoni tal-parteċipazzjoni tan-nisa fis-settur agrikolu, b'mod partikolari fl-iktar żoni spopolati u f'żoni b'restrizzjonijiet naturali; jiġu ffaċilitati t-taħriġ u l-esperjenza fl-Unjoni kollha, l-iżvilupp*** tan-negozju ***sostenibbli u l-ħolqien tal-impjiegi*** fiż-żoni rurali; | 1.21 Attrazzjoni ta' bdiewa żgħażagħ: ***bdiewa ġodda u ffaċilitar tal-iżvilupp tan-negozji:*** Evoluzzjoni tal-għadd ta' bdiewa ***żgħażagħ, bdiewa ġodda u SMEs f'żoni rurali***.<br><br>***I.21a Attrazzjoni tan-nisa: Evoluzzjoni ta' għadd ta' nisa li jistabbilixxu ruħhom bħala bdiewa żgħażagħ jew bdiewa ġodda.*** | R.30 Tiġdid ġenerazzjonali: Għadd ta' bdiewa żgħażagħ ***u bdiewa ġodda*** li jistabbilixxu azjenda agrikola b'appoġġ mill-PAK, ***inkluż tqassim skont il-ġeneru***. | Skambju tal-għarfien u l-informazzjoni | O.29 Għadd ta' bdiewa li tħarrġu jew ingħataw pariri |
| Promozzjoni ***tal-koeżjoni soċjali u territorjali f'żoni rurali inkluż*** | I.22 Kontribut għall-impjiegi f'żoni rurali: Evoluzzjoni tar-rata ta' impjieg f'żoni predominantement rurali, ***, inkluż tqassim*** | R.31 Tkabbir u impjiegi fiż-żoni rurali: Impjiegi ġodda fi proġetti appoġġati***, inkluż tqassim skont il-ġeneru.*** | | O.30 Għadd ta' persuni li mhumiex bdiewa li tħarrġu jew ingħataw |

| Objettivi speċifiċi tal-UE | Indikaturi tal-impatt | Indikaturi tar-riżultati<br>(abbażi biss tal-interventi appoġġati mill-PAK) | Tip ġenerali tal-intervent | Indikaturi tal-output<br>(għal kull intervent) |
|---|---|---|---|---|
| ***permezz tal-ħolqien*** tal-impjiegi, it-tkabbir, l-investiment, l-inklużjoni soċjali, ***il-ġlieda kontra l-faqar rurali*** u permezz tal-iżvilupp lokali, ***inklużi servizzi lokali ta' kwalità għolja għall-komunitajiet rurali, b'enfasi partikolari fuq żoni b'restrizzjonijiet naturali; promozzjoni ta' kundizzjonijiet ta' għajxien, ta' xogħol u ekonomiċi deċenti; diversifikazzjoni tal-attivitajiet u tal-introjtu,*** inklużi ***l-agrituriżmu,*** il-bijoekonomija, ***l-ekonomija ċirkolari*** u l-forestrija sostenibbli, ***filwaqt li tiġi rispettata l-ugwaljanza bejn is-sessi***; ***promozzjoni ta' opportunitajiet indaqs f'żoni rurali permezz ta' miżuri speċifiċi ta' appoġġ, u r-rikonoxximent tal-ħidma tan-nisa fl-agrikoltura, fl-artiġjanat, fit-turiżmu u fis-servizzi lokali*** | ***skont il-ġeneru.*** | | | pariri |
| | I.23 Kontribut għat-tkabbir f'żoni rurali: Evoluzzjoni tal-PDG per capita fiż-żoni predominantement rurali | R.32 Żvilupp tal-bijoekonomija rurali: L-għadd ta' negozji tal-bijoekonomija żviluppati bl-appoġġ | Indikaturi orizzontali | O.31 Għadd ta' ettari bi prattiki ambjentali (l-indikatur ta' sinteżi fiż-żona fiżika koperta bil-kundizzjonalità, l-ELS, l-AECM, miżuri tal-forestrija, il-biedja organika) |
| | 1.24 PAK iktar ġusta: Titjib tad-distribuzzjoni tal-appoġġ tal-PAK | R.33 Diġitalizzazzjoni tal-ekonomija rurali: ***Sehem*** tal-popolazzjoni rurali kopert ***mis-sostenn tad-diġitalizzazzjoni fil-biedja u sehem taż-żoni rurali koperti*** minn strateġija appoġġata tal-Irħula Intelliġenti | | O.32 Għadd ta' ettari soġġetti għall-kundizzjonalità (imqassam skont il-prattika GAEP) |
| | I.25 Il-promozzjoni tal-inklużjoni rurali: Evoluzzjoni tal-indiċi tal-faqar f'żoni rurali***, imqassma skont il-ġeneru***. | R.34 Nikkollegaw l-Ewropa rurali: Sehem tal-popolazzjoni rurali li tibbenefika minn aċċess imtejjeb għas-servizzi u l-infrastruttura permezz ta' appoġġ tal-PAK | Programmi settorjali | O.33 Għadd ta' organizzazzjonijiet tal-produtturi li waqqfu fond/programm operattiv |
| | | R.35 Il-promozzjoni tal-inklużjoni rurali: Għadd ta' persuni minn gruppi minoritarji u/jew vulnerabbli li jibbenefikaw minn proġetti appoġġati tal-inklużjoni soċjali | | O.34 Għadd ta' azzjonijiet ta' promozzjoni u informazzjoni, u monitoraġġ tas-suq |
| It-titjib tar-rispons tal-agrikoltura tal-UE għad- | I.26 Limitazzjoni tal-użu tal-antibijotiċi fl-agrikoltura: bejgħ/użu fl-annimali li jipproduċu | R.36 Limitazzjoni tal-użu tal-antibijotiċi: Sehem mill-unitajiet ta' bhejjem ikkonċernati minn azzjonijiet appoġġati biex jiġi | | O.35 Għadd ta' azzjonijiet għall- |

| Objettivi speċifiċi tal-UE | Indikaturi tal-impatt | Indikaturi tar-riżultati<br>(abbażi biss tal-interventi appoġġati mill-PAK) | Tip ġenerali tal-intervent | Indikaturi tal-output<br>(għal kull intervent) |
|---|---|---|---|---|
| domandi soċjetali għall-ikel u għas-saħħa, inkluż ikel sikur, nutrittiv, ***ta' kwalità għolja*** u sostenibbli, ***l-agrikoltura organika***, il-ħela tal-ikel, ***kif ukoll is-sostenibbiltà ambjentali, ir-reżistenza għall-antimikrobiċi u t-titjib tas-saħħa u l-benessri tal-annimali, kif ukoll iż-żieda fis-sensibilizzazzjoni soċjali tal-importanza taż-żoni agrikoli u rurali filwaqt li jingħata kontribut għall-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli.*** | l-ikel | limitat l-użu tal-antibijotiċi (prevenzjoni/tnaqqis) | | preservazzjoni/titjib tat-trobbija tan-naħal |
| | I.27 Użu sostenibbli ***u mnaqqas*** tal-pestiċidi: Tnaqqis tar-riskji***, użu*** u l-impatti tal-pestiċidi** | R.37 Użu sostenibbli ***u mnaqqas*** tal-pestiċidi: Sehem mill-art agrikola kkonċernata minn azzjonijiet speċifiċi appoġġati li jwasslu għall-użu sostenibbli tal-pestiċidi sabiex jitnaqqsu r-riskji u l-impatti tal-pestiċidi | | |
| | 1.28 Risposta għad-domanda tal-konsumaturi għal ikel ta' kwalità: Valur tal-produzzjoni taħt l-iskemi ta' kwalità tal-UE (inkluż l-ikel organiku) | R.38 Titjib tat-trattament xieraq tal-annimali: Sehem mill-unitajiet ta' bhejjem kopert minn azzjoni appoġġata għat-titjib tal-benessri tal-annimali<br><br>***R.38a Żieda fl-għadd ta' azjendi agrikoli organiċi: għadd ta' azjendi agrikoli li rċevew appoġġ biex iwettqu tranżizzjoni lejn il-biedja organika.*** | | |

| | | |
|---|---|---|
| ** Il-biċċa l-kbira tal-indikaturi tal-impatt diġà huma miġbura permezz ta' mezzi oħrajn (l-istatistika Ewropea, JRC, EEA...) u jintużaw fil-qafas ta' leġiżlazzjoni oħra tal-UE jew SDGs. Il-frekwenza tal-ġbir tad-data mhijiex dejjem annwali u jista' jkun hemm dewmien ta' sentejn/tlieta* *[a] ***L-indiċi tad-dakkara se jiġi implimentat wara li tiġi stabbilita l-metodoloġija tagħhom mill-Kummissjoni*** *** Direttiva dwar l-użu sostenibbli tal-pestiċidi.* | ** Indikaturi tar-riżultati. Data notifikata kull sena mill-Istati Membri għall-monitoraġġ tal-progress lejn il-miri li stabbilixxew fil-pjanijiet tal-PAK.* | ** Indikaturi tar-riżultati. Data notifikata kull sena mill-Istati Membri għall-monitoraġġ tal-progress lejn il-miri li stabbilixxew fil-pjanijiet tal-PAK.* |

**Emenda 717**

**Proposta għal regolament**

**Anness III**

*Test propost mill-Kummissjoni*

| Żoni | Kwistjoni Ewlenija | Rekwiżiti u standards | | Objettiv ewlieni tal-istandard |
|---|---|---|---|---|
| Il-klima u l-ambjent | Il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima (mitigazzjoni tiegħu u adattament għalih) | KAAT 1 | Il-manutenzjoni ta' bwar permanenti abbażi ta' proporzjon ta' bwar permanenti maż-żona agrikola | *Miżura ta' salvagwardja kontra l-konverżjoni għal użi agrikoli oħra biex tiġi ppreservata l-ħażna tal-karbonju* |
| | | KAAT 2 | ***Il-protezzjoni xierqa*** tal-art mistagħdra u tat-torbiera | *Il-protezzjoni tal-ħamrija b'livell għoli ta' karbonju* |
| | | KAAT 3 | Projbizzjoni fuq il-ħruq tal-qasbija fir-raba' tal-ħrit, ħlief għal raġunijiet fitosanitarji | *Il-manutenzjoni tal-materja organika fil-ħamrija* |
| | L-ilma | RSĠ 1 | Id-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2000 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma:<br>l-Artikolu 11(3)(e) u l-Artikolu 11(3)(h) rigward ir-rekwiżiti obbligatorji għall-kontroll tas-sorsi diffużi tat-tniġġis bil-fosfati | |
| | | RSĠ 2 | Id-Direttiva tal-Kunsill 91/676/KEE tat-12 ta' Diċembru 1991 dwar il-protezzjoni tal-ilma kontra t-tniġġis ikkawżat min-nitrati minn sorsi agrikoli (ĠU L 375, 31.12.1991, p. 1):<br>l-Artikoli ***4 u*** 5 | |

| Żoni | Kwistjoni Ewlenija | Rekwiżiti u standards | | Objettiv ewlieni tal-istandard |
|---|---|---|---|---|
| | | KAAT 4 | Stabbiliment ta' biċċiet art ta' lqugħ matul il-mogħdijiet tal-ilma[1] | *Il-protezzjoni tal-mogħdijiet tax-xmajjar mit-tniġġis u mit-tnixxijiet* |
| | | | | |
| | | KAAT 5 | ***L-użu tal-Għodda tas-Sostenibbiltà tal-Azjendi Agrikoli għan-Nutrijenti[2]*** | ***Il-ġestjoni sostenibbli tan-nutrijenti*** |
| | Ħamrija (protezzjoni u kwalità) | KAAT 6 | Il-ġestjoni tal-ħdim tar-raba' li tnaqqas ir-riskju tad-degradazzjoni tal-ħamrija, inkluż il-kunsiderazzjoni tal-inklinazzjoni | *Ġestjoni minima ta' artijiet li tirrifletti l-kondizzjonijiet speċifiċi tas-siti biex tiġi limitata l-erożjoni* |
| | | KAAT 7 | ***L-ebda ħamrija għerja fil-biċċa l-kbira tal-perjodu(i) sensittiv(i)*** | *Il-protezzjoni tal-ħamrija fix-xitwa* |
| | | KAAT 8 | In-newba tal-għelejjel | *Il-preservazzjoni tal-potenzjal tal-ħamrija* |
| | Il-bijodiversità u l-pajsaġġ (protezzjoni u kwalità) | RSĠ 3 | Id-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi (ĠU L 20, 26.1.2010, p. 7):<br>l-Artikolu 3(1), l-Artikolu 3(2)(b), l-Artikolu 4 (1), (2) u (4) | |

[1] [./.]
[2] [./.]

| Żoni | Kwistjoni Ewlenija | Rekwiżiti u standards | | Objettiv ewlieni tal-istandard |
|---|---|---|---|---|
| | | RSĠ 4 | Id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-ħabitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa (ĠU L 206, 22.7.1992, p. 7):<br>l-Artikolu 6(1) u (2) | |
| | | KAAT 9 | • ***Is-sehem minimu miż-żona agrikola ddedikata għal karatteristiċi jew żoni mhux produttivi***<br>• Iż-żamma tal-karatteristiċi tal-pajsaġġi<br>• Projbizzjoni fuq il-qtugħ tal-isġajriet u tas-siġar waqt l-istaġun tat-tgħammir u tat-trobbija tal-frieħ tal-għasafar<br>• Bħala opzjoni, miżuri biex jiġu evitati speċijiet ta' pjanti invażivi | *Il-manutenzjoni tal-karatteristiċi u tal-erja mhux produttivi biex titjieb il-bijodiversità fl-azjenda agrikola.* |
| | | KAAT 10 | ***Projbizzjoni fuq il-konverżjoni jew il-ħrit*** tal-bwar permanenti f'siti ta' Natura 2000 | *Il-protezzjoni tal-ħabitats u tal-ispeċijiet* |

| Żoni | Kwistjoni Ewlenija | Rekwiżiti u standards | | Objettiv ewlieni tal-istandard |
|---|---|---|---|---|
| Is-saħħa pubblika, is-saħħa tal-annimali u s-saħħa tal-pjanti | Sikurezza tal-ikel | RSĠ 5 | Ir-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabbilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel (ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1):<br><br>l-Artikoli 14 u 15, l-Artikolu 17(1)[1] u l-Artikoli 18, 19 u 20 | |
| | | RSĠ 6 | Id-Direttiva tal-Kunsill 96/22/KE tad-29 ta' April 1996 li tikkonċerna l-projbizzjoni tal-użu fl-istockfarming ta' ċerti sustanzi li jkollhom azzjoni ormonika u tyrostatika u ta' beta-agonists, u li tħassar id-Direttivi 81/602/KEE, 88/146/KEE u 88/299/KEE (ĠU L 125, 23.5.1996, p. 3):<br><br>l-Artikolu 3(a), (b), (d) u (e) u l-Artikoli 4, 5 u 7 | |
| | L-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-annimali | RSĠ 7 | Id-Direttiva tal-Kunsill 2008/71/KE tal-15 ta' Lulju 2008 dwar l-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-ħnieżer (ĠU L 213, 8.8.2005, p. 31):<br><br>l-Artikoli 3***, 4 u 5*** | |

[1] [./.]

| Żoni | Kwistjoni Ewlenija | Rekwiżiti u standards | | Objettiv ewlieni tal-istandard |
|---|---|---|---|---|
| | | RSĠ 8 | Ir-Regolament (KE) Nru 1760/2000 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Lulju 2000 li jistabbilixxi sistema għall-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-bhejjem tal-ifrat u dwar it-tikkettjar tal-laħam taċ-ċanga u tal-prodotti tal-laħam taċ-ċanga u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 820/97 (ĠU L 204, 11.8.2000, p. 1):<br><br>l-Artikoli ***4 u*** 7 | |
| | | RSĠ 9 | Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 21/2004 tas-17 ta' Diċembru 2003 li jistabbilixxi sistema għall-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-annimali ovini u kaprini u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1782/2003 u d-Direttiva 92/102/KEE u 64/432/KEE (ĠU L 5, 9.1.2004, p. 8):<br>l-Artikoli 3***, 4*** u 5 | |
| | Il-mard tal-annimali | RSĠ 10 | Ir-Regolament (KE) Nru 999/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2001 li jistabbilixxi regoli għall-prevenzjoni, kontroll u eradikazzjoni ta' ċertu enċefalopatija sponġiformi li tinxtered (ĠU L 147, 31.5.2001, p. 1):<br>l-Artikoli 7, 11, 12, 13 u 15 | |

| Żoni | Kwistjoni Ewlenija | Rekwiżiti u standards | | Objettiv ewlieni tal-istandard |
|---|---|---|---|---|
| | | RSĠ 11 | Ir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar il-mard trasmissibbli tal-annimali (ĠU L 84, 31.3.2016, p. 1)<br><br>l-Artikolu 18(1), limitat għall-marda tal-ilsien u d-dwiefer, il-marda vexxikulari tal-ħnieżer u l-marda tal-ilsien blu. | |
| | Prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti | RSĠ 12 | Ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 79/117/KEE u 91/414/KEE (ĠU L 309, 24.11.2009, p. 1):<br><br>l-Artikolu 55, l-ewwel u t-tieni sentenza | |
| | | RSĠ 13 | Id-Direttiva 2009/128/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja biex jinkiseb użu sostenibbli tal-pestiċidi (ĠU L 309, 24.11.2009, p. 71):<br><br>L-Artikolu 5(2) u l-Artikolu 8(1) sa (5)<br><br>l-Artikolu 12 fir-rigward tar-restrizzjonijiet dwar l-użu tal-pestiċidi fiż-żoni protetti definiti fuq il-bażi tad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma u l-leġiżlazzjoni tan-Natura 2000.<br><br>L-Artikolu 13(1) u (3) dwar l-immaniġġar u l-ħżin tal-pestiċidi u ir-rimi tal-fdalijiet. | |

| Żoni | Kwistjoni Ewlenija | Rekwiżiti u standards | | Objettiv ewlieni tal-istandard |
|---|---|---|---|---|
| Benessri tal-annimali | Benessri tal-annimali | RSĠ 14 | Id-Direttiva tal-Kunsill 2008/119/KE tat-18 ta' Diċembru 2008 li tistabbilixxi standards minimi għall-protezzjoni tal-għoġġiela (ĠU L 10, 15.1.2009, p. 7):<br><br>l-Artikoli 3 u 4 | |
| | | RSĠ 15 | Id-Direttiva tal-Kunsill 2008/120/KE tat-18 ta' Diċembru 2008 li tistabbilixxi standards minimi għall-protezzjoni tal-majjali (ĠU L 47, 18.2.2009, p. 5):<br><br>L-Artikolu 3 u l-Artikolu 4 | |
| | | RSĠ 16 | Id-Direttiva tal-Kunsill 98/58/KE tal-20 ta' Lulju 1998 dwar il-ħarsien ta' annimali miżmuma għal skopijiet ta' biedja (ĠU L 221, 8.8.1998, p. 23):<br><br>Artikolu 4 | |

*Emenda*

| Żoni | Kwistjoni Ewlenija | Rekwiżiti u standards | Objettiv ewlieni tal-istandard |
|---|---|---|---|

| Żoni | Kwistjoni Ewlenija | Rekwiżiti u standards | | Objettiv ewlieni tal-istandard |
|---|---|---|---|---|
| Il-klima u l-ambjent | Il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima (mitigazzjoni tiegħu u adattament għalih) | KAAT 1 | Il-manutenzjoni ta' bwar permanenti ***fil-livell reġjonali u f'dak nazzjonali*** abbażi ta' proporzjon ta' bwar permanenti maż-żona agrikola ***meta mqabbel ma' sena ta referenza qabel is-sena 2019***.<br><br>***Koeffiċjent massimu ta' varjazzjoni ta' 5 fil-mija*** | *Miżura ta' salvagwardja kontra l-konverżjoni għal użi agrikoli oħra biex tiġi ppreservata l-ħażna tal-karbonju* |
| | | KAAT 2 | ***Manutenzjoni*** tal-art mistagħdra u tat-torbiera ***f'żoni sensittivi ta' Natura 2000*** | *Il-protezzjoni tal-ħamrija b'livell għoli ta' karbonju* |
| | | KAAT 3 | Projbizzjoni fuq il-ħruq tal-qasbija fir-raba' tal-ħrit, ħlief għal raġunijiet fitosanitarji | *Il-manutenzjoni tal-materja organika fil-ħamrija,* ***li tnaqqas it-tniġġis tal-arja*** |
| | L-ilma | RSĠ 1 | Id-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2000 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma:<br>l-Artikolu 11(3)(e) u l-Artikolu 11(3)(h) rigward ir-rekwiżiti obbligatorji għall-kontroll tas-sorsi diffużi tat-tniġġis bil-fosfati | |
| | | RSĠ 2 | Id-Direttiva tal-Kunsill 91/676/KEE tat-12 ta' Diċembru 1991 dwar il-protezzjoni tal-ilma kontra t-tniġġis ikkawżat min-nitrati minn sorsi agrikoli (ĠU L 375, 31.12.1991, p. 1):<br><br>Artikolu 5 | |

| Żoni | Kwistjoni Ewlenija | Rekwiżiti u standards | | Objettiv ewlieni tal-istandard |
|---|---|---|---|---|
| | | KAAT 4 | Stabbiliment ta' biċċiet art ta' lqugħ matul il-mogħdijiet tal-ilma ***mingħajr l-użu ta' pestiċidi u ta' fertilizzanti*** | *Protezzjoni tal-mogħdijiet tax-xmajjar,* ***tal-provvisti tal-ilma u tal-ekosistemi*** *mit-tniġġis u mit-tnixxijiet* |
| | | | | |
| | | KAAT 5 | ***Imħassar*** | ***Imħassar*** |
| | Ħamrija, protezzjoni, kwalità<br><br>(tisħiħ tal-ħamrija u umifikazzjoni) | KAAT 6 | Ġestjoni ***xierqa*** tal-ħdim tar-raba' u tal-ħamrija li tnaqqas ir-riskju tad-degradazzjoni ***u t-telf*** tal-ħamrija, inkluża l-kunsiderazzjoni tal-inklinazzjoni | *Ġestjoni minima ta' artijiet li tirrifletti l-kondizzjonijiet speċifiċi tas-siti biex tiġi limitata l-erożjoni* |
| | | KAAT 7 | ***Kopertura minima ta' ħamrija jew protezzjoni biex tiġi limitata l-erożjoni fl-aktar perjodi sensittivi*** | Il-protezzjoni ***fiżika*** tal-ħamrija ***mill-erożjoni, filwaqt li tinżamm il-bijota tal-ħamrija*** |
| | | KAAT 8 | Rotazzjoni tal-uċuħ tar-raba' ***jew prattiki alternattivi f'art li tinħarat ħlief għal uċuħ tar-raba' mkabbra taħt l-ilma*** | *Il-preservazzjoni tal-potenzjal tal-ħamrija* |
| | Il-bijodiversità u l-pajsaġġ<br><br>(protezzjoni u kwalità) | RSĠ 3 | Id-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi (ĠU L 20, 26.1.2010, p. 7):<br><br>l-Artikolu 3(1), l-Artikolu 3(2)(b), l-Artikolu 4 (1), (2) u (4) | |

| Żoni | Kwistjoni Ewlenija | Rekwiżiti u standards | | Objettiv ewlieni tal-istandard |
|---|---|---|---|---|
| | | RSĠ 4 | Id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-ħabitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa (ĠU L 206, 22.7.1992, p. 7):<br>l-Artikolu 6(1) u (2) | |
| | | KAAT 9 | • Iż-żamma tal-karatteristiċi tal-pajsaġġi<br>• Projbizzjoni fuq il-qtugħ tas-sġajriet u tas-siġar waqt l-istaġun tat-tgħammir u tat-trobbija tal-frieħ tal-għasafar<br>• Bħala opzjoni, miżuri biex jiġu evitati speċijiet ta' pjanti invażivi | *Il-manutenzjoni tal-karatteristiċi u tal-erja mhux produttivi biex titjieb il-bijodiversità fl-azjenda agrikola.* |
| | | KAAT 10 | ***Protezzjoni xierqa*** tal-bwar permanenti f'siti tan-Natura 2000 ***rikonoxxuti bħala żoni sensittivi skont il-pjanijiet ta' ġestjoni speċifiċi għas-siti*** | *Il-protezzjoni tal-ħabitats u tal-ispeċijiet,* ***l-assorbiment tal-karbonju*** |
| Is-saħħa pubblika, is-saħħa tal-annimali u s-saħħa tal-pjanti | Sikurezza tal-ikel | RSĠ 5 | Ir-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabbilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel (ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1):<br>l-Artikoli 14 u 15, l-Artikolu 17(1)[1] u l-Artikoli 18, 19 u 20 | |

[1] [./.]

| Żoni | Kwistjoni Ewlenija | Rekwiżiti u standards | | Objettiv ewlieni tal-istandard |
|---|---|---|---|---|
| | | RSĠ 6 | Id-Direttiva tal-Kunsill 96/22/KE tad-29 ta' April 1996 li tikkonċerna l-projbizzjoni tal-użu fl-istockfarming ta' ċerti sustanzi li jkollhom azzjoni ormonika u tyrostatika u ta' beta-agonists, u li tħassar id-Direttivi 81/602/KEE, 88/146/KEE u 88/299/KEE (ĠU L 125, 23.5.1996, p. 3):<br>l-Artikolu 3(a), (b), (d) u (e) u l-Artikoli 4, 5 u 7 | |
| | L-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-annimali | RSĠ 7 | Id-Direttiva tal-Kunsill 2008/71/KE tal-15 ta' Lulju 2008 dwar l-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-ħnieżer (ĠU L 213, 8.8.2005, p. 31):<br>l-Artikoli 3 u 4 | |
| | | RSĠ 8 | Ir-Regolament (KE) Nru 1760/2000 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Lulju 2000 li jistabbilixxi sistema għall-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-bhejjem tal-ifrat u dwar it-tikkettjar tal-laħam taċ-ċanga u tal-prodotti tal-laħam taċ-ċanga u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 820/97 (ĠU L 204, 11.8.2000, p. 1):<br>Artikolu 7 | |

| Żoni | Kwistjoni Ewlenija | Rekwiżiti u standards | | Objettiv ewlieni tal-istandard |
|---|---|---|---|---|
| | | RSĠ 9 | Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 21/2004 tas-17 ta' Diċembru 2003 li jistabbilixxi sistema għall-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-annimali ovini u kaprini u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1782/2003 u d-Direttiva 92/102/KEE u 64/432/KEE (ĠU L 5, 9.1.2004, p. 8):<br>l-Artikoli 3 u 5 | |
| | Il-mard tal-annimali | RSĠ 10 | Ir-Regolament (KE) Nru 999/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2001 li jistabbilixxi regoli għall-prevenzjoni, kontroll u eradikazzjoni ta' ċertu enċefalopatija sponġiformi li tinxtered (ĠU L 147, 31.5.2001, p. 1).<br>l-Artikoli 7, 11, 12, 13 u 15 | |
| | | RSĠ 11 | Ir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar il-mard trasmissibbli tal-annimali (ĠU L 84, 31.3.2016, p. 1)<br>l-Artikolu 18(1), limitat għall-marda tal-ilsien u d-dwiefer, il-marda vexxikulari tal-ħnieżer u l-marda tal-ilsien blu. | |

| Żoni | Kwistjoni Ewlenija | Rekwiżiti u standards | | Objettiv ewlieni tal-istandard |
|---|---|---|---|---|
| | Prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti | RSĠ 12 | Ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 79/117/KEE u 91/414/KEE (ĠU L 309, 24.11.2009, p. 1):<br>l-Artikolu 55, l-ewwel u t-tieni sentenza | |
| | | RSĠ 13 | Id-Direttiva 2009/128/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja biex jinkiseb użu sostenibbli tal-pestiċidi (ĠU L 309, 24.11.2009, p. 71):<br>l-Artikolu 5(2) u l-Artikolu 8(1) sa (5)<br>L-Artikolu 12 fir-rigward tar-restrizzjonijiet dwar l-użu tal-pestiċidi fiż-żoni protetti definiti fuq il-bażi tad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma u l-leġiżlazzjoni tan-Natura 2000.<br>L-Artikolu 13(1) u (3) dwar l-immaniġġar u l-ħżin tal-pestiċidi u ir-rimi tal-fdalijiet. | |
| Benessri tal-annimali | Benessri tal-annimali | RSĠ 14 | Id-Direttiva tal-Kunsill 2008/119/KE tat-18 ta' Diċembru 2008 li tistabbilixxi standards minimi għall-protezzjoni tal-għoġġiela (ĠU L 10, 15.1.2009, p. 7):<br>l-Artikoli 3 u 4 | |

| Żoni | Kwistjoni Ewlenija | Rekwiżiti u standards | | Objettiv ewlieni tal-istandard |
|---|---|---|---|---|
| | | RSĠ 15 | Id-Direttiva tal-Kunsill 2008/120/KE tat-18 ta' Diċembru 2008 li tistabbilixxi standards minimi għall-protezzjoni tal-majjali (ĠU L 47, 18.2.2009, p. 5):<br>L-Artikolu 3 u l-Artikolu 4 | |
| | | RSĠ 16 | Id-Direttiva tal-Kunsill 98/58/KE tal-20 ta' Lulju 1998 dwar il-ħarsien ta' annimali miżmuma għal skopijiet ta' biedja (ĠU L 221, 8.8.1998, p. 23):<br>Artikolu 4 | |

**Emenda 718**

**Proposta għal regolament**
**Anness IV – tabella**

*Test propost mill-Kummissjoni*

ALLOKAZZJONIJIET TAL-ISTATI MEMBRI GĦALL-PAGAMENTI DIRETTI MSEMMIJA FL-EWWEL SUBPARAGRAFU TAL-ARTIKOLU 81(1)

(prezzijiet attwali f'EUR)

| Sena kalendarja | 2021 | 2022 | 2023 | 2024 | 2025 | 2026 | 2027 u s-snin ta' wara |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Il-Belġju | ***485 603 954*** | ***485 603 954*** | ***485 603 954*** | ***485 603 954*** | ***485 603 954*** | ***485 603 954*** | ***485 603 954*** |
| Il-Bulgarija | ***776 281 570*** | ***784 748 620*** | ***793 215 670*** | ***801 682 719*** | ***810 149 769*** | ***818 616 819*** | ***818 616 819*** |
| Ir-Repubblika Ċeka | ***838 844 295*** | ***838 844 295*** | ***838 844 295*** | ***838 844 295*** | ***838 844 295*** | ***838 844 295*** | ***838 844 295*** |
| Id-Danimarka | ***846 124 520*** | ***846 124 520*** | ***846 124 520*** | ***846 124 520*** | ***846 124 520*** | ***846 124 520*** | ***846 124 520*** |
| Il-Ġermanja | ***4 823 107 939*** | ***4 823 107 939*** | ***4 823 107 939*** | ***4 823 107 939*** | ***4 823 107939*** | ***4 823 107 939*** | ***4 823 107 939*** |
| L-Estonja | ***167 721 513*** | ***172 667 776*** | ***177 614 039*** | ***182 560 302*** | ***187 506 565*** | ***192 452 828*** | ***192 452 828*** |
| L-Irlanda | ***1 163 938 279*** | ***1 163 938 279*** | ***1 163 938 279*** | ***1 163 938 279*** | ***1 163 938 279*** | ***1 163 938 279*** | ***1 163 938 279*** |
| Il-Greċja | ***2 036 560 894*** | ***2 036 560 894*** | ***2 036 560 894*** | ***2 036 560 894*** | ***2 036 560 894*** | ***2 036 560 894*** | ***2 036 560 894*** |
| Spanja | ***4 768 736 743*** | ***4 775 898 870*** | ***4 783 060 997*** | ***4 790 223 124*** | ***4 797 385 252*** | ***4 804 547 379*** | ***4 804 547 379*** |
| Franza | ***7 147 786 964*** | ***7 147 786 964*** | ***7 147 786 964*** | ***7 147 786 964*** | ***7 147 786 964*** | ***7 147 786 964*** | ***7 147 786 964*** |
| Il-Kroazja | ***344 340 000*** | ***367 711 409*** | ***367 711 409*** | ***367 711 409*** | ***367 711 409*** | ***367 711 409*** | ***367 711 409*** |
| L-Italja | ***3 560 185 516*** | ***3 560 185 516*** | ***3 560 185 516*** | ***3 560 185 516*** | ***3 560 185 516*** | ***3 560 185 516*** | ***3 560 185 516*** |
| Ċipru | ***46 750 094*** | ***46 750 094*** | ***46 750 094*** | ***46 750 094*** | ***46 750 094*** | ***46 750 094*** | ***46 750 094*** |
| Il-Latvja | ***299 633 591*** | ***308 294 625*** | ***316 955 660*** | ***325 616 694*** | ***334 277 729*** | ***342 938 763*** | ***342 938 763*** |
| Il-Litwanja | ***510 820 241*** | ***524 732 238*** | ***538 644 234*** | ***552 556 230*** | ***566 468 227*** | ***580 380 223*** | ***580 380 223*** |

| Sena kalendarja | 2021 | 2022 | 2023 | 2024 | 2025 | 2026 | 2027 u s-snin ta' wara |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Il-Lussemburgu | ***32 131 019*** | ***32 131 019*** | ***32 131 019*** | ***32 131 019*** | ***32 131 019*** | ***32 131 019*** | ***32 131 019*** |
| L-Ungerija | ***1 219 769 672*** | ***1 219 769 672*** | ***1 219 769 672*** | ***1 219 769 672*** | ***1 219 769 672*** | ***1 219 769 672*** | ***1 219 769 672*** |
| Malta | ***4 507 492*** | ***4 507 492*** | ***4 507 492*** | ***4 507 492*** | ***4 507 492*** | ***4 507 492*** | ***4 507 492*** |
| In-Netherlands | ***703 870 373*** | ***703 870 373*** | ***703 870 373*** | ***703 870 373*** | ***703 870 373*** | ***703 870 373*** | ***703 870 373*** |
| L-Awstrija | ***664 819 537*** | ***664 819 537*** | ***664 819 537*** | ***664 819 537*** | ***664 819 537*** | ***664 819 537*** | ***664 819 537*** |
| Il-Polonja | ***2 972 977 807*** | ***3 003 574 280*** | ***3 034 170 753*** | ***3 064 767 227*** | ***3 095 363 700*** | ***3 125 960 174*** | ***3 125 960 174*** |
| Il-Portugall | ***584 824 383*** | ***593 442 972*** | ***602 061 562*** | ***610 680 152*** | ***619 298 742*** | ***627 917 332*** | ***627 917 332*** |
| Ir-Rumanija | ***1 856 172 601*** | ***1 883 211 603*** | ***1 910 250 604*** | ***1 937 289 605*** | ***1 964 328 606*** | ***1 991 367 607*** | ***1 991 367 607*** |
| Is-Slovenja | ***129 052 673*** | ***129 052 673*** | ***129 052 673*** | ***129 052 673*** | ***129 052 673*** | ***129 052 673*** | ***129 052 673*** |
| Is-Slovakkja | ***383 806 378*** | ***388 574 951*** | ***393 343 524*** | ***398 112 097*** | ***402 880 670*** | ***407 649 243*** | ***407 649 243*** |
| Il-Finlandja | ***505 999 667*** | ***507 783 955*** | ***509 568 242*** | ***511 352 530*** | ***513 136 817*** | ***514 921 104*** | ***514 921 104*** |
| L-Iżvezja | ***672 760 909*** | ***672 984 762*** | ***673 208 615*** | ***673 432 468*** | ***673 656 321*** | ***673 880 175*** | ***673 880 175*** |

*Emenda*

ALLOKAZZJONIJIET TAL-ISTATI MEMBRI GĦALL-PAGAMENTI DIRETTI MSEMMIJA FL-EWWEL SUBPARAGRAFU TAL-ARTIKOLU 81(1)

(prezzijiet attwali f'EUR)

| Sena kalendarja | 2021 | 2022 | 2023 | 2024 | 2025 | 2026 | 2027 u s-snin ta' wara |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Il-Belġju | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** |
| Il-Bulgarija | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** |
| Ir-Repubblika Ċeka | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** |
| Id-Danimarka | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** |
| Il-Ġermanja | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** |

| Sena kalendarja | 2021 | 2022 | 2023 | 2024 | 2025 | 2026 | 2027 u s-snin ta' wara |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| L-Estonja | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** |
| L-Irlanda | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** |
| Il-Greċja | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** |
| Spanja | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** |
| Franza | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** |
| Il-Kroazja | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** |
| L-Italja | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** |
| Ċipru | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** |
| Il-Latvja | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** |
| Il-Litwanja | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** |
| Il-Lussemburgu | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** |
| L-Ungerija | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** |
| Malta | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** |
| In-Netherlands | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** |
| L-Awstrija | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** |
| Il-Polonja | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** |
| Il-Portugall | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** |
| Ir-Rumanija | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** |
| Is-Slovenja | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** |
| Is-Slovakkja | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** |
| Il-Finlandja | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** |
| L-Iżvezja | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** |

**Emenda 719**

**Proposta għal regolament**
**Anness V – tabella**

*Test propost mill-Kummissjoni*

| ALLOKAZZJONIJIET ANNWALI TAL-ISTATI MEMBRI GĦAT-TIPI TA' INTERVENT FIS-SETTUR TAL-INBID KIF IMSEMMI FL-ARTIKOLU 82(1) | |
|---|---|
| | EUR (prezzijiet attwali) |
| Il-Bulgarija | ***25 721 000*** |
| Ir-Repubblika Ċeka | ***4 954 000*** |

| | |
|---|---|
| Il-Ġermanja | ***37 381 000*** |
| Il-Greċja | ***23 030 000*** |
| Spanja | ***202 147 000*** |
| Franza | ***269 628 000*** |
| Il-Kroazja | ***10 410 000*** |
| L-Italja | ***323 883 000*** |
| Ċipru | ***4 465 000*** |
| Il-Litwanja | ***43 000*** |
| L-Ungerija | ***27 970 000*** |
| L-Awstrija | ***13 155 000*** |
| Il-Portugall | ***62 670 000*** |
| Ir-Rumanija | ***45 844 000*** |
| Is-Slovenja | ***4 849 000*** |
| Is-Slovakkja | ***4 887 000*** |

*Emenda*

| ALLOKAZZJONIJIET ANNWALI TAL-ISTATI MEMBRI GĦAT-TIPI TA' INTERVENT FIS-SETTUR TAL-INBID KIF IMSEMMI FL-ARTIKOLU 82(1) | |
|---|---|
| | EUR (prezzijiet attwali) |
| Il-Bulgarija | ***X*** |
| Ir-Repubblika Ċeka | ***X*** |
| Il-Ġermanja | ***X*** |
| Il-Greċja | ***X*** |
| Spanja | ***X*** |
| Franza | ***X*** |
| Il-Kroazja | ***X*** |
| L-Italja | ***X*** |
| Ċipru | ***X*** |
| Il-Litwanja | ***X*** |
| L-Ungerija | ***X*** |
| L-Awstrija | ***X*** |
| Il-Portugall | ***X*** |

| | |
|---|---|
| Ir-Rumanija | ***X*** |
| Is-Slovenja | ***X*** |
| Is-Slovakkja | ***X*** |

**Emenda 720**

**Proposta għal regolament**
**Anness VI – tabella**

*Test propost mill-Kummissjoni*

ALLOKAZZJONIJIET TAL-ISTATI MEMBRI GĦALL-QOTON IMSEMMIJA FIT-TIENI SUBPARAGRAFU TAL-ARTIKOLU 81(1)

(prezzijiet attwali f'EUR)

| Sena kalendarja | 2021 | 2022 | 2023 | 2024 | 2025 | 2026 | 2027 u s-snin ta' wara |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Il-Bulgarija | ***2 509 615*** | ***2 509 615*** | ***2 509 615*** | ***2 509 615*** | ***2 509 615*** | ***2 509 615*** | ***2 509 615*** |
| Il-Greċja | ***180 532 000*** | ***180 532 000*** | ***180 532 000*** | ***180 532 000*** | ***180 532 000*** | ***180 532 000*** | ***180 532 000*** |
| Spanja | ***58 565 040*** | ***58 565 040*** | ***58 565 040*** | ***58 565 040*** | ***58 565 040*** | ***58 565 040*** | ***58 565 040*** |
| Il-Portugall | ***174 239*** | ***174 239*** | ***174 239*** | ***174 239*** | ***174 239*** | ***174 239*** | ***174 239*** |

*Emenda*

ALLOKAZZJONIJIET TAL-ISTATI MEMBRI GĦALL-QOTON IMSEMMIJA FIT-TIENI SUBPARAGRAFU TAL-ARTIKOLU 81(1)

(prezzijiet attwali f'EUR)

| Sena kalendarja | 2021 | 2022 | 2023 | 2024 | 2025 | 2026 | 2027 u s-snin ta' wara |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Il-Bulgarija | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Il-Greċja | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** |
| Spanja | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** |
| Il-Portugall | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** |

**Emenda 721**

**Proposta għal regolament**
**Anness VII – tabella**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*ALLOKAZZJONIJIET TAL-ISTATI MEMBRI GĦALL-PAGAMENTI DIRETTI MINGĦAJR QOTON U QABEL IL-LIMITAZZJONI TAT-TRASFERIMENT IMSEMMIJA FIT-TIELET SUBPARAGRAFU TAL-ARTIKOLU 81(1)*

(prezzijiet attwali f'EUR)

| Sena kalendarja | 2021 | 2022 | 2023 | 2024 | 2025 | 2026 | 2027 u s-snin ta' wara |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Il-Belġju | ***485 603 954*** | ***485 603 954*** | ***485 603 954*** | ***485 603 954*** | ***485 603 954*** | ***485 603 954*** | ***485 603 954*** |
| Il-Bulgarija | ***773 771 955*** | ***782 239 005*** | ***790 706 055*** | ***799 173 104*** | ***807 640 154*** | ***816 107 204*** | ***816 107 204*** |
| Ir-Repubblika Ċeka | ***838 844 295*** | ***838 844 295*** | ***838 844 295*** | ***838 844 295*** | ***838 844 295*** | ***838 844 295*** | ***838 844 295*** |
| Id-Danimarka | ***846 124 520*** | ***846 124 520*** | ***846 124 520*** | ***846 124 520*** | ***846 124 520*** | ***846 124 520*** | ***846 124 520*** |
| Il-Ġermanja | ***4 823 107 939*** | ***4 823 107 939*** | ***4 823 107 939*** | ***4 823 107 939*** | ***4 823 107 939*** | ***4 823 107 939*** | ***4 823 107 939*** |
| L-Estonja | ***167 721 513*** | ***172 667 776*** | ***177 614 039*** | ***182 560 302*** | ***187 506 565*** | ***192 452 828*** | ***192 452 828*** |
| L-Irlanda | ***1 163 938 279*** | ***1 163 938 279*** | ***1 163 938 279*** | ***1 163 938 279*** | ***1 163 938 279*** | ***1 163 938 279*** | ***1 163 938 279*** |

| Sena kalendarja | 2021 | 2022 | 2023 | 2024 | 2025 | 2026 | 2027 u s-snin ta' wara |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Il-Greċja | ***1 856 028 894*** | ***1 856 028 894*** | ***1 856 028 894*** | ***1 856 028 894*** | ***1 856 028 894*** | ***1 856 028 894*** | ***1 856 028 894*** |
| Spanja | ***4 710 171 703*** | ***4 717 333 830*** | ***4 724 495 957*** | ***4 731 658 084*** | ***4 738 820 212*** | ***4 745 982 339*** | ***4 745 982 339*** |
| Franza | ***7 147 786 964*** | ***7 147 786 964*** | ***7 147 786 964*** | ***7 147 786 964*** | ***7 147 786 964*** | ***7 147 786 964*** | ***7 147 786 964*** |
| Il-Kroazja | ***344 340 000*** | ***367 711 409*** | ***367 711 409*** | ***367 711 409*** | ***367 711 409*** | ***367 711 409*** | ***367 711 409*** |
| L-Italja | ***3 560 185 516*** | ***3 560 185 516*** | ***3 560 185 516*** | ***3 560 185 516*** | ***3 560 185 516*** | ***3 560 185 516*** | ***3 560 185 516*** |
| Ċipru | ***46 750 094*** | ***46 750 094*** | ***46 750 094*** | ***46 750 094*** | ***46 750 094*** | ***46 750 094*** | ***46 750 094*** |
| Il-Latvja | ***299 633 591*** | ***308 294 625*** | ***316 955 660*** | ***325 616 694*** | ***334 277 729*** | ***342 938 763*** | ***342 938 763*** |
| Il-Litwanja | ***510 820 241*** | ***524 732 238*** | ***538 644 234*** | ***552 556 230*** | ***566 468 227*** | ***580 380 223*** | ***580 380 223*** |
| Il-Lussemburgu | ***32 131 019*** | ***32 131 019*** | ***32 131 019*** | ***32 131 019*** | ***32 131 019*** | ***32 131 019*** | ***32 131 019*** |
| L-Ungerija | ***1 219 769 672*** | ***1 219 769 672*** | ***1 219 769 672*** | ***1 219 769 672*** | ***1 219 769 672*** | ***1 219 769 672*** | ***1 219 769 672*** |
| Malta | ***4 507 492*** | ***4 507 492*** | ***4 507 492*** | ***4 507 492*** | ***4 507 492*** | ***4 507 492*** | ***4 507 492*** |
| In-Netherlands | ***703 870 373*** | ***703 870 373*** | ***703 870 373*** | ***703 870 373*** | ***703 870 373*** | ***703 870 373*** | ***703 870 373*** |
| L-Awstrija | ***664 819 537*** | ***664 819 537*** | ***664 819 537*** | ***664 819 537*** | ***664 819 537*** | ***664 819 537*** | ***664 819 537*** |
| Il-Polonja | ***2 972 977 807*** | ***3 003 574 280*** | ***3 034 170 753*** | ***3 064 767 227*** | ***3 095 363 700*** | ***3 125 960 174*** | ***3 125 960 174*** |
| Il-Portugall | ***584 650 144*** | ***593 268 733*** | ***601 887 323*** | ***610 505 913*** | ***619 124 503*** | ***627 743 093*** | ***627 743 093*** |
| Ir-Rumanija | ***1 856 172 601*** | ***1 883 211 603*** | ***1 910 250 604*** | ***1 937 289 605*** | ***1 964 328 606*** | ***1 991 367 607*** | ***1 991 367 607*** |
| Is-Slovenja | ***129 052 673*** | ***129 052 673*** | ***129 052 673*** | ***129 052 673*** | ***129 052 673*** | ***129 052 673*** | ***129 052 673*** |
| Is-Slovakkja | ***383 806 378*** | ***388 574 951*** | ***393 343 524*** | ***398 112 097*** | ***402 880 670*** | ***407 649 243*** | ***407 649 243*** |
| Il-Finlandja | ***505 999 667*** | ***507 783 955*** | ***509 568 242*** | ***511 352 530*** | ***513 136 817*** | ***514 921 104*** | ***514 921 104*** |
| L-Iżvezja | ***672 760 909*** | ***672 984 762*** | ***673 208 615*** | ***673 432 468*** | ***673 656 321*** | ***673 880 175*** | ***673 880 175*** |

*Emenda*

*ALLOKAZZJONIJIET TAL-ISTATI MEMBRI GĦALL-PAGAMENTI DIRETTI MINGĦAJR QOTON U QABEL IL-LIMITAZZJONI TAT-TRASFERIMENT IMSEMMIJA FIT-TIELET SUBPARAGRAFU TAL-ARTIKOLU 81(1)*

(prezzijiet attwali f'EUR)

| Sena kalendarja | 2021 | 2022 | 2023 | 2024 | 2025 | 2026 | 2027 u s-snin ta' wara |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Il-Belġju | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** |
| Il-Bulgarija | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** |
| Ir-Repubblika Ċeka | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** |
| Id-Danimarka | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** |
| Il-Ġermanja | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** |
| L-Estonja | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** |
| L-Irlanda | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** |
| Il-Greċja | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** |
| Spanja | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** |
| Franza | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** |
| Il-Kroazja | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** |
| L-Italja | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** |
| Ċipru | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** |
| Il-Latvja | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** |
| Il-Litwanja | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** |
| Il-Lussemburgu | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** |

| Sena kalendarja | 2021 | 2022 | 2023 | 2024 | 2025 | 2026 | 2027 u s-snin ta' wara |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| L-Ungerija | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** |
| Malta | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** |
| In-Netherlands | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** |
| L-Awstrija | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** |
| Il-Polonja | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** |
| Il-Portugall | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** |
| Ir-Rumanija | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** |
| Is-Slovenja | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** |
| Is-Slovakkja | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** |
| Il-Finlandja | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** |
| L-Iżvezja | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** |

**Emenda 722**

**Proposta għal regolament**
**Anness IX – tabella**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*TQASSIM TAL-APPOĠĠ MILL-UNJONI GĦAT-TIPI TA' INTERVENTI GĦALL-IŻVILUPP RURALI (2021 sa 2027) IMSEMMIJA FL-ARTIKOLU 83(3)*

(prezzijiet attwali; f'EUR)

| Sena | 2021 | 2022 | 2023 | 2024 | 2025 | 2026 | 2027 | TOTAL 2021-2027 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Il-Belġju | ***67 178 046*** | ***67 178 046*** | ***67 178 046*** | ***67 178 046*** | ***67 178 046*** | ***67 178 046*** | ***67 178 046*** | ***470 246 322*** |
| Il-Bulgarija | ***281 711 396*** | ***281 711 396*** | ***281 711 396*** | ***281 711 396*** | ***281 711 396*** | ***281 711 396*** | ***281 711 396*** | ***1 971 979 772*** |
| Ir-Repubblika Ċeka | ***258 773 203*** | ***258 773 203*** | ***258 773 203*** | ***258 773 203*** | ***258 773 203*** | ***258 773 203*** | ***258 773 203*** | ***1 811 412 421*** |
| Id-Danimarka | ***75 812 623*** | ***75 812 623*** | ***75 812 623*** | ***75 812 623*** | ***75 812 623*** | ***75 812 623*** | ***75 812 623*** | ***530 688 361*** |
| Il-Ġermanja | ***989 924 996*** | ***989 924 996*** | ***989 924 996*** | ***989 924 996*** | ***989 924 996*** | ***989 924 996*** | ***989 924 996*** | ***6 929 474 972*** |
| L-Estonja | ***87 875 887*** | ***87 875 887*** | ***87 875 887*** | ***87 875 887*** | ***87 875 887*** | ***87 875 887*** | ***87 875 887*** | ***615 131 209*** |
| L-Irlanda | ***264 670 951*** | ***264 670 951*** | ***264 670 951*** | ***264 670 951*** | ***264 670 951*** | ***264 670 951*** | ***264 670 951*** | ***1 852 696 657*** |
| Il-Greċja | ***509 591 606*** | ***509 591 606*** | ***509 591 606*** | ***509 591 606*** | ***509 591 606*** | ***509 591 606*** | ***509 591 606*** | ***3 567 141 242*** |
| Spanja | ***1 001 202 880*** | ***1 001 202 880*** | ***1 001 202 880*** | ***1 001 202 880*** | ***1 001 202 880*** | ***1 001 202 880*** | ***1 001 202 880*** | ***7 008 420 160*** |
| Franza | ***1 209 259 199*** | ***1 209 259 199*** | ***1 209 259 199*** | ***1 209 259 199*** | ***1 209 259 199*** | ***1 209 259 199*** | ***1 209 259 199*** | ***8 464 814 393*** |
| Il-Kroazja | ***281 341 503*** | ***281 341 503*** | ***281 341 503*** | ***281 341 503*** | ***281 341 503*** | ***281 341 503*** | ***281 341 503*** | ***1 969 390 521*** |
| L-Italja | ***1 270 310 371*** | ***1 270 310 371*** | ***1 270 310 371*** | ***1 270 310 371*** | ***1 270 310 371*** | ***1 270 310 371*** | ***1 270 310 371*** | ***8 892 172 597*** |
| Ċipru | ***15 987 284*** | ***15 987 284*** | ***15 987 284*** | ***15 987 284*** | ***15 987 284*** | ***15 987 284*** | ***15 987 284*** | ***111 910 988*** |
| Il-Latvja | ***117 307 269*** | ***117 307 269*** | ***117 307 269*** | ***117 307 269*** | ***117 307 269*** | ***117 307 269*** | ***117 307 269*** | ***821 150 883*** |
| Il-Litwanja | ***195 182 517*** | ***195 182 517*** | ***195 182 517*** | ***195 182 517*** | ***195 182 517*** | ***195 182 517*** | ***195 182 517*** | ***1 366 277 619*** |
| Il-Lussemburgu | ***12 290 956*** | ***12 290 956*** | ***12 290 956*** | ***12 290 956*** | ***12 290 956*** | ***12 290 956*** | ***12 290 956*** | ***86 036 692*** |
| L-Ungerija | ***416 202 472*** | ***416 202 472*** | ***416 202 472*** | ***416 202 472*** | ***416 202 472*** | ***416 202 472*** | ***416 202 472*** | ***2 913 417 304*** |
| Malta | ***12 207 322*** | ***12 207 322*** | ***12 207 322*** | ***12 207 322*** | ***12 207 322*** | ***12 207 322*** | ***12 207 322*** | ***85 451 254*** |
| In-Netherlands | ***73 151 195*** | ***73 151 195*** | ***73 151 195*** | ***73 151 195*** | ***73 151 195*** | ***73 151 195*** | ***73 151 195*** | ***512 058 365*** |
| L-Awstrija | ***480 467 031*** | ***480 467 031*** | ***480 467 031*** | ***480 467 031*** | ***480 467 031*** | ***480 467 031*** | ***480 467 031*** | ***3 363 269 217*** |
| Il-Polonja | ***1 317 890 530*** | ***1 317 890 530*** | ***1 317 890 530*** | ***1 317 890 530*** | ***1 317 890 530*** | ***1 317 890 530*** | ***1 317 890 530*** | ***9 225 233 710*** |

| Sena | 2021 | 2022 | 2023 | 2024 | 2025 | 2026 | 2027 | TOTAL 2021-2027 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Il-Portugall | ***493 214 858*** | ***493 214 858*** | ***493 214 858*** | ***493 214 858*** | ***493 214 858*** | ***493 214 858*** | ***493 214 858*** | ***3 452 504 006*** |
| Ir-Rumanija | ***965 503 339*** | ***965 503 339*** | ***965 503 339*** | ***965 503 339*** | ***965 503 339*** | ***965 503 339*** | ***965 503 339*** | ***6 758 523 373*** |
| Is-Slovenja | ***102 248 788*** | ***102 248 788*** | ***102 248 788*** | ***102 248 788*** | ***102 248 788*** | ***102 248 788*** | ***102 248 788*** | ***715 741 516*** |
| Is-Slovakkja | ***227 682 721*** | ***227 682 721*** | ***227 682 721*** | ***227 682 721*** | ***227 682 721*** | ***227 682 721*** | ***227 682 721*** | ***1 593 779 047*** |
| Il-Finlandja | ***292 021 227*** | ***292 021 227*** | ***292 021 227*** | ***292 021 227*** | ***292 021 227*** | ***292 021 227*** | ***292 021 227*** | ***2 044 148 589*** |
| L-Iżvezja | ***211 550 876*** | ***211 550 876*** | ***211 550 876*** | ***211 550 876*** | ***211 550 876*** | ***211 550 876*** | ***211 550 876*** | ***1 480 856 132*** |
| TOTAL UE-27 | ***11 230 561 046*** | ***11 230 561 046*** | ***11 230 561 046*** | ***11 230 561 046*** | ***11 230 561 046*** | ***11 230 561 046*** | ***11 230 561 046*** | ***78 613 927 322*** |

| | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Assistenza teknika (0,25 %) | ***28 146 770*** | ***28 146 770*** | ***28 146 770*** | ***28 146 770*** | ***28 146 770*** | ***28 146 770*** | ***28 146 770*** | ***197 027 390*** |
| Totali | ***11 258 707 816*** | ***11 258 707 816*** | ***11 258 707 816*** | ***11 258 707 816*** | ***11 258 707 816*** | ***11 258 707 816*** | ***11 258 707 816*** | ***78 810 954 712*** |

---

*Emenda*

*TQASSIM TAL-APPOĠĠ MILL-UNJONI GĦAT-TIPI TA' INTERVENTI GĦALL-IŻVILUPP RURALI (2021 sa 2027) IMSEMMIJA FL-ARTIKOLU 83(3)*

(prezzijiet attwali; f'EUR)

| Sena | 2021 | 2022 | 2023 | 2024 | 2025 | 2026 | 2027 | TOTAL 2021-2027 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Il-Belġju | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** |
| Il-Bulgarija | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** |
| Ir-Repubblika Ċeka | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** |

| Sena | 2021 | 2022 | 2023 | 2024 | 2025 | 2026 | 2027 | TOTAL 2021-2027 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Id-Danimarka | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** |
| Il-Ġermanja | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** |
| L-Estonja | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** |
| L-Irlanda | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** |
| Il-Greċja | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** |
| Spanja | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** |
| Franza | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** |
| Il-Kroazja | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** |
| L-Italja | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** |
| Ċipru | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** |
| Il-Latvja | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** |
| Il-Litwanja | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** |
| Il-Lussemburgu | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** |
| L-Ungerija | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** |
| Malta | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** |
| In-Netherlands | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** |
| L-Awstrija | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** |
| Il-Polonja | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** |
| Il-Portugall | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** |
| Ir-Rumanija | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** |
| Is-Slovenja | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** |

| Sena | 2021 | 2022 | 2023 | 2024 | 2025 | 2026 | 2027 | TOTAL 2021-2027 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Is-Slovakkja | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** |
| Il-Finlandja | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** |
| L-Iżvezja | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** |
| TOTAL UE-27 | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** |

| | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Assistenza teknika (0,25 %) | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** |
| Totali | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** |

---

**Emenda 723**

**Proposta għal regolament**
**Anness IXa – tabella**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*TQASSIM TAL-APPOĠĠ MILL-UNJONI GĦAT-TIPI TA' INTERVENTI GĦALL-IŻVILUPP RURALI (2021 sa 2027) IMSEMMIJA FL-ARTIKOLU 83(3)*

(fi prezzijiet tal-2018[1]; f'EUR)

| Sena | 2021 | 2022 | 2023 | 2024 | 2025 | 2026 | 2027 | TOTAL 2021-2027 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Il-Belġju | ***63 303 373*** | ***62 062 131*** | ***60 845 226*** | ***59 652 182*** | ***58 482 532*** | ***57 335 815*** | ***56 211 584*** | ***417 892 843*** |

| Sena | 2021 | 2022 | 2023 | 2024 | 2025 | 2026 | 2027 | TOTAL 2021-2027 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Il-Bulgarija | ***265 462 940*** | ***260 257 785*** | ***255 154 691*** | ***250 151 658*** | ***245 246 723*** | ***240 437 964*** | ***235 723 494*** | ***1 752 435 255*** |
| Ir-Repubblika Ċeka | ***243 847 768*** | ***239 066 440*** | ***234 378 862*** | ***229 783 198*** | ***225 277 645*** | ***220 860 437*** | ***216 529 840*** | ***1 609 744 190*** |
| Id-Danimarka | ***71 439 928*** | ***70 039 145*** | ***68 665 828*** | ***67 319 440*** | ***65 999 451*** | ***64 705 344*** | ***63 436 611*** | ***471 605 747*** |
| Il-Ġermanja | ***932 828 433*** | ***914 537 679*** | ***896 605 568*** | ***879 025 067*** | ***861 789 281*** | ***844 891 452*** | ***828 324 953*** | ***6 158 002 433*** |
| L-Estonja | ***82 807 411*** | ***81 183 737*** | ***79 591 899*** | ***78 031 273*** | ***76 501 248*** | ***75 001 224*** | ***73 530 611*** | ***546 647 403*** |
| L-Irlanda | ***249 405 348*** | ***244 515 047*** | ***239 720 635*** | ***235 020 230*** | ***230 411 990*** | ***225 894 108*** | ***221 464 812*** | ***1 646 432 170*** |
| Il-Greċja | ***480 199 552*** | ***470 783 875*** | ***461 552 818*** | ***452 502 763*** | ***443 630 160*** | ***434 931 529*** | ***426 403 460*** | ***3 170 004 157*** |
| Spanja | ***943 455 836*** | ***924 956 702*** | ***906 820 296*** | ***889 039 505*** | ***871 607 358*** | ***854 517 018*** | ***837 761 782*** | ***6 228 158 497*** |
| Franza | ***1 139 511 952*** | ***1 117 168 580*** | ***1 095 263 314*** | ***1 073 787 562*** | ***1 052 732 904*** | ***1 032 091 083*** | ***1 011 854 003*** | ***7 522 409 398*** |
| Il-Kroazja | ***265 114 382*** | ***259 916 061*** | ***254 819 668*** | ***249 823 204*** | ***244 924 709*** | ***240 122 264*** | ***235 413 984*** | ***1 750 134 272*** |
| L-Italja | ***1 197 041 834*** | ***1 173 570 426*** | ***1 150 559 241*** | ***1 127 999 256*** | ***1 105 881 623*** | ***1 084 197 670*** | ***1 062 938 892*** | ***7 902 188 942*** |
| Ċipru | ***15 065 175*** | ***14 769 779*** | ***14 480 176*** | ***14 196 251*** | ***13 917 893*** | ***13 644 993*** | ***13 377 444*** | ***99 451 711*** |
| Il-Latvja | ***110 541 260*** | ***108 373 784*** | ***106 248 808*** | ***104 165 498*** | ***102 123 037*** | ***100 120 625*** | ***98 157 475*** | ***729 730 487*** |
| Il-Litwanja | ***183 924 845*** | ***180 318 475*** | ***176 782 819*** | ***173 316 489*** | ***169 918 127*** | ***166 586 399*** | ***163 319 999*** | ***1 214 167 153*** |
| Il-Lussemburgu | ***11 582 043*** | ***11 354 944*** | ***11 132 298*** | ***10 914 018*** | ***10 700 017*** | ***10 490 213*** | ***10 284 523*** | ***76 458 056*** |
| L-Ungerija | ***392 196 885*** | ***384 506 750*** | ***376 967 402*** | ***369 575 884*** | ***362 329 298*** | ***355 224 802*** | ***348 259 610*** | ***2 589 060 631*** |
| Malta | ***11 503 233*** | ***11 277 679*** | ***11 056 548*** | ***10 839 753*** | ***10 627 209*** | ***10 418 832*** | ***10 214 541*** | ***75 937 795*** |
| In-Netherlands | ***68 932 004*** | ***67 580 397*** | ***66 255 291*** | ***64 956 167*** | ***63 682 517*** | ***62 433 840*** | ***61 209 647*** | ***455 049 863*** |
| L-Awstrija | ***452 754 814*** | ***443 877 269*** | ***435 173 793*** | ***426 640 974*** | ***418 275 464*** | ***410 073 985*** | ***402 033 318*** | ***2 988 829 617*** |
| Il-Polonja | ***1 241 877 681*** | ***1 217 527 138*** | ***1 193 654 057*** | ***1 170 249 075*** | ***1 147 303 015*** | ***1 124 806 877*** | ***1 102 751 840*** | ***8 198 169 683*** |
| Il-Portugall | ***464 767 377*** | ***455 654 291*** | ***446 719 893*** | ***437 960 679*** | ***429 373 215*** | ***420 954 132*** | ***412 700 130*** | ***3 068 129 717*** |

| Sena | 2021 | 2022 | 2023 | 2024 | 2025 | 2026 | 2027 | TOTAL 2021-2027 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Ir-Rumanija | ***909 815 361*** | ***891 975 844*** | ***874 486 121*** | ***857 339 335*** | ***840 528 760*** | ***824 047 803*** | ***807 890 003*** | ***6 006 083 227*** |
| Is-Slovenja | ***96 351 317*** | ***94 462 075*** | ***92 609 878*** | ***90 793 998*** | ***89 013 723*** | ***87 268 356*** | ***85 557 212*** | ***636 056 559*** |
| Is-Slovakkja | ***214 550 513*** | ***210 343 640*** | ***206 219 255*** | ***202 175 740*** | ***198 211 510*** | ***194 325 010*** | ***190 514 716*** | ***1 416 340 384*** |
| Il-Finlandja | ***275 178 124*** | ***269 782 474*** | ***264 492 622*** | ***259 306 492*** | ***254 222 051*** | ***249 237 305*** | ***244 350 299*** | ***1 816 569 367*** |
| L-Iżvezja | ***199 349 116*** | ***195 440 310*** | ***191 608 147*** | ***187 851 124*** | ***184 167 769*** | ***180 556 636*** | ***177 016 310*** | ***1 315 989 412*** |
| TOTAL UE-27 | ***10 582 808 505*** | ***10 375 302 457*** | ***10 171 865 154*** | ***9 972 416 815*** | ***9 776 879 229*** | ***9 585 175 716*** | ***9 397 231 093*** | ***69 861 678 969*** |

| | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Assistenza teknika (0,25 %) | ***26 523 330*** | ***26 003 264*** | ***25 493 396*** | ***24 993 526*** | ***24 503 457*** | ***24 022 997*** | ***23 551 958*** | ***175 091 928*** |
| Totali | ***10 609 331 835*** | ***10 401 305 721*** | ***10 197 358 550*** | ***9 997 410 341*** | ***9 801 382 686*** | ***9 609 198 713*** | ***9 420 783 051*** | ***70 036 770 897*** |

[1] Iċ-ċifri fil-"prezzijiet tal-2018" huma inklużi għall-finijiet ta' informazzjoni; dawn huma indikattivi u mhumiex legalment vinkolanti.

*Emenda*

TQASSIM TAL-APPOĠĠ MILL-UNJONI GĦAT-TIPI TA' INTERVENTI GĦALL-IŻVILUPP RURALI (2021 sa 2027) IMSEMMIJA FL-ARTIKOLU 83(3)

(fi prezzijiet tal-2018[1]; f'EUR)

| Sena | 2021 | 2022 | 2023 | 2024 | 2025 | 2026 | 2027 | TOTAL 2021-2027 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Il-Belġju | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** |
| Il-Bulgarija | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** |

| Sena | 2021 | 2022 | 2023 | 2024 | 2025 | 2026 | 2027 | TOTAL 2021-2027 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Ir-Repubblika Ċeka | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** |
| Id-Danimarka | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** |
| Il-Ġermanja | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** |
| L-Estonja | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** |
| L-Irlanda | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** |
| Il-Greċja | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** |
| Spanja | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** |
| Franza | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** |
| Il-Kroazja | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** |
| L-Italja | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** |
| Ċipru | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** |
| Il-Latvja | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** |
| Il-Litwanja | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** |
| Il-Lussemburgu | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** |
| L-Ungerija | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** |
| Malta | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** |
| In-Netherlands | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** |
| L-Awstrija | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** |
| Il-Polonja | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** |
| Il-Portugall | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** |
| Ir-Rumanija | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** |

| Sena | 2021 | 2022 | 2023 | 2024 | 2025 | 2026 | 2027 | TOTAL 2021-2027 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Is-Slovenja | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** |
| Is-Slovakkja | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** |
| Il-Finlandja | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** |
| L-Iżvezja | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** |
| TOTAL UE-27 | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** |

| | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Assistenza teknika (0,25 %) | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** |
| Totali | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** |
| ___________________ | | | | | | | | |
| [1] Iċ-ċifri fil-"prezzijiet tal-2018" huma inklużi għall-finijiet ta' informazzjoni; dawn huma indikattivi u mhumiex legalment vinkolanti. | | | | | | | | |

**Emenda 724**

**Proposta għal regolament**
**Anness X – tabella**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*AMMONTI MINIMI RIŻERVATI GĦALL-OBJETTIV "NATTIRAW IL-BDIEWA ŻGĦAŻAGĦ U NIFFAĊILITAW L-IŻVILUPP TAN-NEGOZJI" KIF IMSEMMI FL-ARTIKOLU 86(5)*

(prezzijiet attwali, f'EUR)

| Sena kalendarja | 2021 | 2022 | 2023 | 2024 | 2025 | 2026 | 2027 u s-snin ta' wara |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Il-Belġju | ***9 712 079*** | ***9 712 079*** | ***9 712 079*** | ***9 712 079*** | ***9 712 079*** | ***9 712 079*** | ***9 712 079*** |
| Il-Bulgarija | ***15 475 439*** | ***15 644 780*** | ***15 814 121*** | ***15 983 462*** | ***16 152 803*** | ***16 322 144*** | ***16 322 144*** |
| Ir-Repubblika Ċeka | ***16 776 886*** | ***16 776 886*** | ***16 776 886*** | ***16 776 886*** | ***16 776 886*** | ***16 776 886*** | ***16 776 886*** |
| Id-Danimarka | ***16 922 490*** | ***16 922 490*** | ***16 922 490*** | ***16 922 490*** | ***16 922 490*** | ***16 922 490*** | ***16 922 490*** |
| Il-Ġermanja | ***96 462 159*** | ***96 462 159*** | ***96 462 159*** | ***96 462 159*** | ***96 462 159*** | ***96 462 159*** | ***96 462 159*** |
| L-Estonja | ***3 354 430*** | ***3 453 356*** | ***3 552 281*** | ***3 651 206*** | ***3 750 131*** | ***3 849 057*** | ***3 849 057*** |
| L-Irlanda | ***23 278 766*** | ***23 278 766*** | ***23 278 766*** | ***23 278 766*** | ***23 278 766*** | ***23 278 766*** | ***23 278 766*** |
| Il-Greċja | ***37 120 578*** | ***37 120 578*** | ***37 120 578*** | ***37 120 578*** | ***37 120 578*** | ***37 120 578*** | ***37 120 578*** |
| Spanja | ***94 203 434*** | ***94 346 677*** | ***94 489 919*** | ***94 633 162*** | ***94 776 404*** | ***94 919 647*** | ***94 919 647*** |
| Franza | ***142 955 739*** | ***142 955 739*** | ***142 955 739*** | ***142 955 739*** | ***142 955 739*** | ***142 955 739*** | ***142 955 739*** |
| Il-Kroazja | ***6 886 800*** | ***7 354 228*** | ***7 354 228*** | ***7 354 228*** | ***7 354 228*** | ***7 354 228*** | ***7 354 228*** |
| L-Italja | ***71 203 710*** | ***71 203 710*** | ***71 203 710*** | ***71 203 710*** | ***71 203 710*** | ***71 203 710*** | ***71 203 710*** |
| Ċipru | ***935 002*** | ***935 002*** | ***935 002*** | ***935 002*** | ***935 002*** | ***935 002*** | ***935 002*** |
| Il-Latvja | ***5 992 672*** | ***6 165 893*** | ***6 339 113*** | ***6 512 334*** | ***6 685 555*** | ***6 858 775*** | ***6 858 775*** |
| Il-Litwanja | ***10 216 405*** | ***10 494 645*** | ***10 772 885*** | ***11 051 125*** | ***11 329 365*** | ***11 607 604*** | ***11 607 604*** |
| Il-Lussemburgu | ***642 620*** | ***642 620*** | ***642 620*** | ***642 620*** | ***642 620*** | ***642 620*** | ***642 620*** |
| L-Ungerija | ***24 395 393*** | ***24 395 393*** | ***24 395 393*** | ***24 395 393*** | ***24 395 393*** | ***24 395 393*** | ***24 395 393*** |
| Malta | ***90 150*** | ***90 150*** | ***90 150*** | ***90 150*** | ***90 150*** | ***90 150*** | ***90 150*** |
| In-Netherlands | ***14 077 407*** | ***14 077 407*** | ***14 077 407*** | ***14 077 407*** | ***14 077 407*** | ***14 077 407*** | ***14 077 407*** |
| L-Awstrija | ***13 296 391*** | ***13 296 391*** | ***13 296 391*** | ***13 296 391*** | ***13 296 391*** | ***13 296 391*** | ***13 296 391*** |
| Il-Polonja | ***59 459 556*** | ***60 071 486*** | ***60 683 415*** | ***61 295 345*** | ***61 907 274*** | ***62 519 203*** | ***62 519 203*** |

| Sena kalendarja | 2021 | 2022 | 2023 | 2024 | 2025 | 2026 | 2027 u s-snin ta' wara |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Il-Portugall | ***11 693 003*** | ***11 865 375*** | ***12 037 746*** | ***12 210 118*** | ***12 382 490*** | ***12 554 862*** | ***12 554 862*** |
| Ir-Rumanija | ***37 123 452*** | ***37 664 232*** | ***38 205 012*** | ***38 745 792*** | ***39 286 572*** | ***39 827 352*** | ***39 827 352*** |
| Is-Slovenja | ***2 581 053*** | ***2 581 053*** | ***2 581 053*** | ***2 581 053*** | ***2 581 053*** | ***2 581 053*** | ***2 581 053*** |
| Is-Slovakkja | ***7 676 128*** | ***7 771 499*** | ***7 866 870*** | ***7 962 242*** | ***8 057 613*** | ***8 152 985*** | ***8 152 985*** |
| Il-Finlandja | ***10 119 993*** | ***10 155 679*** | ***10 191 365*** | ***10 227 051*** | ***10 262 736*** | ***10 298 422*** | ***10 298 422*** |
| L-Iżvezja | ***13 455 218*** | ***13 459 695*** | ***13 464 172*** | ***13 468 649*** | ***13 473 126*** | ***13 477 604*** | ***13 477 604*** |

*Emenda*

*AMMONTI MINIMI RIŻERVATI GĦALL-BDIEWA ŻGĦAŻAGĦ KIF IMSEMMI FL-ARTIKOLU 86(4)*

(prezzijiet attwali, f'EUR)

| Sena kalendarja | 2021 | 2022 | 2023 | 2024 | 2025 | 2026 | 2027 u s-snin ta' wara |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Il-Belġju | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** |
| Il-Bulgarija | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** |
| Ir-Repubblika Ċeka | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** |
| Id-Danimarka | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** |
| Il-Ġermanja | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** |
| L-Estonja | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** |
| L-Irlanda | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** |
| Il-Greċja | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** |
| Spanja | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** |

| Sena kalendarja | 2021 | 2022 | 2023 | 2024 | 2025 | 2026 | 2027 u s-snin ta' wara |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Franza | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** |
| Il-Kroazja | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** |
| L-Italja | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** |
| Ċipru | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** |
| Il-Latvja | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** |
| Il-Litwanja | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** |
| Il-Lussemburgu | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** |
| L-Ungerija | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** |
| Malta | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** |
| In-Netherlands | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** |
| L-Awstrija | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** |
| Il-Polonja | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** |
| Il-Portugall | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** |
| Ir-Rumanija | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** |
| Is-Slovenja | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** |
| Is-Slovakkja | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** |
| Il-Finlandja | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** |
| L-Iżvezja | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** | ***X*** |

**Emenda 725**

**Proposta għal regolament**
**Anness IXaa (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

/

*Emenda*

***ANNESS IXaa (ġdid)***

***AMMONTI TA' APPOĠĠ GĦAL ĊERTI TIPI TA' INTERVENTI GĦALL-IŻVILUPP RURALI***

| ***Artikolu*** | ***Suġġett*** | ***Ammonti minimi/massimi f'Eur jew rati*** | |
|---|---|---|---|
| ***Artikolu 65*** | ***Għajnuna għas-sostenibbiltà agroambjentali, il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u miżuri ta' adattament u impenji oħra ta' ġestjoni*** | ***600(*)*** | ***Massimu għal kull ettaru fis-sena għall-uċuħ tar-raba' annwali*** |
| | | ***900(*)*** | ***Massimu għal kull ettaru fis-sena għall-uċuħ tar-raba' perenni speċjalizzati*** |
| | | ***450(*)*** | ***Massimu għal kull ettaru fis-sena għal użi oħra tal-art*** |
| | | ***200(*)*** | ***Massimu għal kull unità ta' bhejjem*** |

| *Artikolu* | *Suġġett* | *Ammonti minimi/massimi f'Eur jew rati* | |
|---|---|---|---|
| | | | *("LU" – Livestock Unit) fis-sena għal speċijiet lokali fil-periklu li jintilfu għall-bdiewa* |
| | | *500* | *Massimu għal kull LU għal azzjonijiet li jippromwovu l-benessri tal-annimali* |
| | | *200(*)* | *Massimu għal kull ettaru fis-sena għal azzjonijiet li jikkonsistu f'servizzi forestali, ambjentali u klimatiċi u l-konservazzjoni tal-foresti* |
| *Artikolu 66* | *Appoġġ b'rabta ma' restrizzjonijiet naturali jew restrizzjonijiet oħra speċifiċi għaż-żona* | *25* | *Minimu għal kull ettaru fis-sena fuq il-medja taż-żona tal-benefiċjarju li qed jirċievi l-appoġġ* |
| | | *250(*)* | *Massimu għal kull ettaru fis-sena* |
| | | *450(*)* | *Massimu għal kull ettaru fis-sena f'żoni muntanjużi kif definiti fl-Artikolu 32(2) tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013.* |
| *Artikolu 67* | *Appoġġ għal żvantaġġi speċifiċi għaż-żoni li jirriżultaw minn ċerti rekwiżiti obbligatorji* | *500(*)* | *Massimu għal kull ettaru fis-sena matul il-perjodu inizjali li ma jaqbiżx il-ħames snin* |
| | | *200(*)* | *Massimu għal kull ettaru fis-sena* |
| | | *50(**)* | *Minimu għal kull ettaru fis-sena għal pagamenti skont id-Direttiva Qafas dwar l-ilma* |
| *Artikolu 68* | *Għajnuna għall-investimenti* | *55%* | *Rata massima tal-ammont ta' spejjeż* |

| *Artikolu* | *Suġġett* | *Ammonti minimi/massimi f'Eur jew rati* | |
|---|---|---|---|
| | | | ***eliġibbli. Din ir-rata tista' tiġi maqbuża skont l-Artikolu 68(4).*** |
| ***Artikolu 68a*** | ***Għajnuna għall-investimenti fl-irrigazzjoni*** | ***75%*** | ***Rata massima tal-ammont ta' spejjeż eliġibbli*** |
| *Artikolu 69* | *Għajnuna għall-installazzjoni tal-bdiewa żgħażagħ, il-bdiewa ġodda, l-istabbiliment u l-iżvilupp ta' negozji rurali sostenibbli* | *100 000* | *Massimu għal kull benefiċjarju* |
| ***Artikolu 69a*** | ***Għajnuna għall-installazzjoni ta' teknoloġiji diġitali*** | ***70%*** | ***Rata massima tal-ammont ta' spejjeż eliġibbli*** |
| *Artikolu 70* | *Għajnuna għall-għodod għall-ġestjoni tar-riskju* | ***70%*** | *Rata massima tal-ammont ta' spejjeż eliġibbli.* |
| *Artikolu 71* | *Koperazzjoni: Għajnuna għal skemi ta' kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel;* | *3 000* | *Massimu għal kull attività fis-sena* |
| | | *70%* | *tal-ispejjeż eliġibbli ta' azzjonijiet ta' informazzjoni u promozzjoni* |
| | *Koperazzjoni: Għajnuna għat-twaqqif ta' gruppi u organizzazzjonijiet ta' produtturi* | *10 %* | *Bħala perċentwal tal-produzzjoni kummerċjalizzata matul l-ewwel ħames snin wara r-rikonoxximent. L-għajnuna għandha tkun digressiva.* |
| | | *100 000* | *Ammont massimu fis-sena fil-każijiet kollha* |
| *Artikolu 72* | *Għajnuna għas-servizzi ta' konsulenza* | *1 500* | *Ammont massimu għal kull parir* |
| | | *200 000* | *Ammont massimu għal kull tliet snin* |

| *Artikolu* | *Suġġett* | *Ammonti minimi/massimi f'Eur jew rati* | |
|---|---|---|---|
| | | | ***għat-taħriġ tal-konsulenti*** |
| | ***Għajnuna għal servizzi oħra ta' skambju ta' għarfien u ta' informazzjoni*** | ***100%*** | ***Rata massima tal-ammont ta' spejjeż eliġibbli*** |

***(*) Dawn l-ammonti jistgħu jiżdiedu f'każijiet sostanzjati kif xieraq billi jitqiesu ċ-ċirkostanzi speċifiċi li għandhom jiġu ġġustifikati fil-programmi ta' żvilupp rurali.***
***(**) Dan l-ammont jista' jitnaqqas f'każijiet sostanzjati kif xieraq filwaqt li jitqiesu ċirkostanzi speċifiċi li għandhom jiġu ġġustifikati fil-programmi ta' żvilupp rurali.***

**Emenda 726**

**Proposta għal regolament**
**Anness XII – tabella**

*Test propost mill-Kummissjoni*

| Objettivi | Sett ewlieni ta' indikaturi |
|---|---|
| L-appoġġ għall-introjtu vijabbli tal-azjendi agrikoli u r-reżiljenza tagħhom fl-Unjoni kollha biex tissaħħaħ is-sigurtà tal-ikel; | O.3 Għadd ta' benefiċjarji tal-appoġġ tal-PAK |
| | R.6 Ridistribuzzjoni lill-azjendi agrikoli iżgħar: Appoġġ addizzjonali b'perċentwal għal kull ettaru għall-azjendi agrikoli eliġibbli iżgħar mid-daqs medju tal-azjendi agrikoli (imqabbla mal-medja) |

| Objettivi | Sett ewlieni ta' indikaturi |
|---|---|
| Tisħiħ tal-orjentazzjoni tas-suq u żieda fil-kompetittività inkluż permezz ta' aktar enfasi fuq ir-riċerka u l-użu tagħha, is-soluzzjonijiet innovattivi, it-teknoloġija u d-diġitalizzazzjoni; | R.9 Modernizzazzjoni tal-azjendi agrikoli: Is-sehem tal-bdiewa li jirċievu appoġġ ta' investiment biex jirristrutturaw u jimmodernizzaw, inkluż biex tittejjeb l-effiċjenza tar-riżorsi |
| Titjib tal-pożizzjoni tal-bdiewa fil-katina tal-valur; | R.10 Organizzazzjoni aħjar tal-katina tal-provvista: Is-sehem tal-bdiewa li jipparteċipaw fi Gruppi tal-Produtturi, Organizzazzjonijiet tal-Produtturi, swieq lokali, ċirkwiti tal-katina tal-provvista qasira u skemi tal-kwalità |
| Tikkontribwixxi għall-mitigazzjoni u l-adattament għat-tibdil fil-klima, kif ukoll għall-enerġija sostenibbli; | R.14 Il-ħżin tal-karbonju fil-ħamrija u l-bijomassa: Is-sehem tal-art agrikola b'impenji biex tnaqqas l-emissjonijiet, iżżomm u/jew ittejjeb il-ħżin tal-karbonju (bur permanenti, art agrikola fit-torbiera, fil-foresti, eċċ) |
| Trawwem l-iżvilupp sostenibbli u l-ġestjoni effiċjenti tar-riżorsi naturali bħall-ilma, il-ħamrija u l-arja; | O.13 Għadd ta' ettari (agrikoli) koperti minn impenji tal-ambjent/klima li jmorru lil hinn mir-rekwiżiti mandatorji |
| | R.4 Kollegament tal-appoġġ għall-introjtu mal-istandards u l-prattika tajba: Is-sehem tal-erja agrikola użata kopert mill-appoġġ għall-introjtu u soġġett għal kundizzjonalità |

| Objettivi | Sett ewlieni ta' indikaturi |
|---|---|
| Tikkontribwixxi għall-protezzjoni tal-bijodiversità, issaħħaħ is-servizzi tal-ekosistema u tippreserva l-ħabitats u l-pajsaġġi; | R.27 Preservazzjoni tal-ħabitats u tal-ispeċijiet: Sehem tal-art agrikola b'impenji ta' ġestjoni li jappoġġaw il-konservazzjoni jew ir-restawr tal-bijodiversità |
| L-attrazzjoni ta' bdiewa żgħażagħ u l-faċilitazzjoni tal-iżvilupp tan-negozju; | R.30 Tiġdid ġenerazzjonali: Għadd ta' bdiewa żgħażagħ li qed jistabbilixxu azjenda agrikola b'appoġġ mill-PAK |
| Tippromwovi l-impjiegi, it-tkabbir, l-inklużjoni soċjali u l-iżvilupp lokali fiż-żoni rurali, inkluż il-bijoekonomija u l-forestrija sostenibbli; | R.31 Tkabbir u impjiegi fiż-żoni rurali: Impjiegi ġodda fi proġetti appoġġati |
| | R.34 Nikkollegaw l-Ewropa rurali: Sehem tal-popolazzjoni rurali li tibbenefika minn aċċess imtejjeb għas-servizzi u l-infrastruttura permezz ta' appoġġ tal-PAK |
| Ittejjeb ir-reazzjoni tal-agrikoltura tal-UE għat-talbiet soċjetali għall-ikel u għas-saħħa, inkluż ikel sikur, nutrittiv u sostenibbli, kif ukoll l-benessri tal-annimali. | O.16 Għadd ta' unitajiet ta' bhejjem koperti b'appoġġ għal miżuri tat-trattament xieraq tal-annimali, tas-saħħa jew ta' bijosigurtà akbar. |

*Emenda*

| Objettivi | Sett ewlieni ta' indikaturi |
|---|---|

| Objettivi | Sett ewlieni ta' indikaturi |
|---|---|
| L-appoġġ għall-introjtu vijabbli tal-azjendi agrikoli u r-reżiljenza tagħhom fl-Unjoni kollha biex tissaħħaħ is-sigurtà tal-ikel; | O.3 L-għadd ta' benefiċjarji tal-appoġġ tal-PAK, ***, inkluż tqassim skont it-tip ta' intervent.*** |
| | R.6 Ridistribuzzjoni lill-azjendi agrikoli iżgħar: Appoġġ addizzjonali b'perċentwal għal kull ettaru għall-azjendi agrikoli eliġibbli iżgħar mid-daqs medju tal-azjendi agrikoli (imqabbla mal-medja) |
| Tisħiħ tal-orjentazzjoni tas-suq u żieda fil-kompetittività inkluż permezz ta' aktar enfasi fuq ir-riċerka u l-użu tagħha, is-soluzzjonijiet innovattivi, it-teknoloġija u d-diġitalizzazzjoni; | R.9 Modernizzazzjoni tal-azjendi agrikoli: Is-sehem tal-bdiewa li jirċievu appoġġ ta' investiment biex jirristrutturaw u jimmodernizzaw, inkluż biex tittejjeb l-effiċjenza tar-riżorsi |
| Titjib tal-pożizzjoni tal-bdiewa fil-katina tal-valur; | R.10 Organizzazzjoni aħjar tal-katina tal-provvista: Is-sehem tal-bdiewa li jipparteċipaw fi Gruppi tal-Produtturi, Organizzazzjonijiet tal-Produtturi, swieq lokali, ċirkwiti tal-katina tal-provvista qasira u skemi tal-kwalità |
| Tikkontribwixxi għall-mitigazzjoni u l-adattament għat-tibdil fil-klima, kif ukoll għall-enerġija sostenibbli; | R.14 Il-ħżin tal-karbonju fil-ħamrija u l-bijomassa: Is-sehem tal-art agrikola b'impenji biex tnaqqas l-emissjonijiet, iżżomm u/jew ittejjeb il-ħżin tal-karbonju (bur permanenti, art agrikola fit-torbiera ***mistagħdra***, fil-foresti, eċċ) |

| Objettivi | Sett ewlieni ta' indikaturi |
|---|---|
| Trawwem l-iżvilupp sostenibbli u l-ġestjoni effiċjenti tar-riżorsi naturali bħall-ilma, il-ħamrija u l-arja; | O.13 L-għadd ta' ettari (agrikoli) ***u l-għadd ta' unitajiet oħra*** koperti minn impenji ambjentali/klimatiċi li jmorru lil hinn mir-rekwiżiti mandatorji, ***inkluża l-ekoskema*** |
| | R.4 Kollegament tal-appoġġ għall-introjtu mal-istandards u l-prattika tajba: Is-sehem tal-erja agrikola użata kopert mill-appoġġ għall-introjtu u soġġett għal kundizzjonalità |
| Tikkontribwixxi għall-protezzjoni tal-bijodiversità, issaħħaħ is-servizzi tal-ekosistema u tippreserva l-ħabitats u l-pajsaġġi; | R.27 Preservazzjoni tal-ħabitats u tal-ispeċijiet: Sehem tal-art agrikola b'impenji ta' ġestjoni li jappoġġaw il-konservazzjoni jew ir-restawr tal-bijodiversità***, inkluża l-art agrikola HNV***. |
| L-attrazzjoni ta' bdiewa żgħażagħ u l-faċilitazzjoni tal-iżvilupp tan-negozju; | R.30 Tiġdid ġenerazzjonali: Għadd ta' bdiewa żgħażagħ ***u bdiewa ġodda*** li jistabbilixxu azjenda agrikola b'appoġġ mill-PAK***, inkluż tqassim skont il-ġeneru***. |
| Tippromwovi l-impjiegi, it-tkabbir, l-inklużjoni soċjali u l-iżvilupp lokali fiż-żoni rurali, inkluż il-bijoekonomija u l-forestrija sostenibbli; | R.31 Tkabbir u impjiegi fiż-żoni rurali: Impjiegi ġodda fi proġetti appoġġati***, inkluż tqassim skont il-ġeneru.*** |
| | R.34 Nikkollegaw l-Ewropa rurali: Sehem tal-popolazzjoni rurali li tibbenefika minn aċċess imtejjeb għas-servizzi u l-infrastruttura permezz ta' appoġġ tal-PAK |

| Objettivi | Sett ewlieni ta' indikaturi |
|---|---|
| Ittejjeb ir-reazzjoni tal-agrikoltura tal-UE għat-talbiet soċjetali għall-ikel u għas-saħħa, inkluż ikel sikur, nutrittiv u sostenibbli, kif ukoll l-benessri tal-annimali. | O.16 Għadd ta' unitajiet ta' bhejjem koperti b'appoġġ għal miżuri tat-trattament xieraq tal-annimali, tas-saħħa jew ta' bijosigurtà akbar. |

## NOTA SPJEGATTIVA

Il-proposta ta' riforma tal-Politika Agrikola Komuni (PAK) tal-Kummissjoni Ewropea tfisser bidla radikali paradigmatika mingħajr preċedent, peress li tipproponi li neqilbu minn sistema purament preskrittiva, li hija bbażata fuq qafas kumpless ta' regoli ta' eliġibbiltà, għal sistema bbażata fuq ***il-ksib*** ta' riżultati konkreti, b'komponent ambjentali b'saħħtu, fejn tingħata marġni wiesgħa ta' sussidjarjetà lill-Istati Membri biex jindirizzaw il-ħtiġijiet partikolari tagħhom. Il-Kummissjoni Ewropea ser tieqaf teżerċita kontroll fuq il-post tal-ġestjoni tal-għajnuna mogħtija taħt il-PAK u l-irwol tagħha ser ikun iċċentrat fuq il-monitoraġġ tal-livell ta' ***ksib*** tal-miri stabbiliti mill-Istati Membri, fuq il-bażi ta' objettivi speċifiċi komuni. Is-simplifikazzjoni hija waħda mill-motivazzjonijiet tal-proposta, skont dak li tafferma l-Kummissjoni Ewropea, kif ukoll it-tnaqqis tal-piż amministrattiv mill-Istati u mill-benefiċjarji.

Il-mudell il-ġdid tal-PAK jimplika l-fużjoni f'regolament wieħed tal-hekk imsejħa l-"ewwel" u t-"tieni" pilastri, minbarra l-inklużjoni fih ta' parti sostanzjali mill-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq (OKS) tal-prodotti agrikoli, dan kollu fi ħdan perspettiva aktar globali tal-pjanijiet strateġiċi nazzjonali ġodda.

It-tqassim mill-ġdid tal-għajnuna tal-PAK, il-modernizzazzjoni, l-innovazzjoni, u fuq kollox, agrikoltura b'impenn akbar lejn l-ambjent jinsabu fl-epiċentru tar-riforma.

Fil-fehma tiegħi, dan huwa proġett influwenzat ħafna mit-theddida tat-tnaqqis fil-baġit li ser tiffaċċja l-Unjoni Ewropea bħala konsegwenza tal-ħruġ tar-Renju Unit kif ukoll probabbilment bħala riżultat ta' politiki prijoritarji oħrajn.

Fil-mument tat-tfassil tal-abbozz tiegħi ta' rapport parlamentari, għadhom għaddejjin in-negozjati dwar il-qafas finanzjarju pluriennali ġdid għall-perjodu 2021-2027, u f'dan ir-rigward huwa xieraq li l-Kumitat tal-Agrikoltura tal-Parlament isejjaħ biex l-allokazzjoni baġitarja tal-PAK tinżamm ta' mill-inqas fl-istess livell bħal fil-perjodu ta' programmar fis-seħħ. Jenħtieġ li l-Gvernijiet Ewropej jiġu mfakkra dwar l-irwol importanti li tiżvolġi din il-politika bħala mutur ta' ħafna żoni rurali u biex tiggarantixxi lill-konsumatur Ewropew livell għoli ta' kwalità, sigurtà u suffiċjenza alimentari.

Ħafna mill-membri tal-kumitat Parlamentari tagħna esprimew it-tħassib tagħhom dwar il-piż qawwi ta' sussidjarjetà li jinsab fil-proposta, filwaqt li jaċċennaw għall-fantażma tar-rinazzjonalizzazzjoni li tant nibżgħu minnu. Għaldaqstant huwa importanti l-eżerċizzju li rridu nwettqu fix-xhur li ġejjin fil-Parlament Ewropew bil-għan li nagħtu direzzjoni ġdida lit-test li ġie intavolat sabiex insaħħu ċerti elementi komuni tal-PAK. Madankollu, nemmen li rridu nilħqu bilanċ xieraq bejn l-istabbiliment ta' dan il-qafas komuni u l-ħtieġa li tingħata marġni ta' diskrezzjoni lill-Istati Membri sabiex jadattaw ir-regoli tal-UE għas-sitwazzjoni partikolari tat-territorji tagħhom. Mingħajr ma rrid nikkontesta l-filosofija tal-mudell il-ġdid, li tidher li taċċetta sehem akbar tas-setturi involuti u l-gvernijiet, wieħed mill-għanijiet ewlenin tar-rapport tiegħi huwa li jinkiseb korpus sod ta' regoli tal-Unjoni Ewropea li jevita r-riskju ta' distorsjoni tal-kompetizzjoni bejn bdiewa minn Stati Membri jew reġjuni differenti.

Huwa paradossali li l-Kummissjoni Ewropea tipproponi, minn naħa waħda, li tinbena politika aktar issimplifikata, filwaqt li min-naħa l-oħra tipproponi mudell ġdid li ser joħloq aktar kumplessità, ta' mill-inqas fl-ewwel snin. It-tfassil u l-ġestjoni tal-pjanijiet strateġiċi ġodda

mhux ser ikunu kompitu sempliċi u għaldaqstant nipproponi li d-data meta jidħlu fis-seħħ titressaq għall-2023. Dan jimpedixxi dewmien fil-ħlasijiet lill-produtturi.

Huwa possibbli li l-Istati Membri jaffrontaw ħafna diffikultajiet biex jiksbu l-miri tagħhom, li huma marbuta ma' objettivi ambizzjużi fil-qasam ambjentali, ekonomiku u soċjali. Jidher li huwa ovvju li l-pjanijiet strateġiċi ser ikunu jixbhu, b'ċertu mod, matul l-ewwel snin, lil proġetti pilota, li probabbilment ser ikollhom jiġu mtejba maż-żmien. Madankollu, l-Istati Membri se jkunu obbligati jnaqqsu l-piż amministrattiv għall-bdiewa. Fil-prinċipju, dan għandu jkun jista' jsir bis-saħħa tal-użu mifrux tal-ġbir tad-data bis-satellita.

Minbarra l-bdil tal-mudell, il-proposta tippreżenta diversi elementi innovattivi, bħall-introduzzjoni ta' skema ekoloġika ġdida fi ħdan il-kapitolu tal-għajnuna diżakkoppjata, li tidher li tirrispondi għall-pressjoni li qiegħda tikber biex il-PAK tiġi lleġittimizzata mill-perspettiva ambjentali. Din l-iskema għandha tiġi eżaminata fi ħdan l-arkitettura ekoloġika ġdida kollha tal-proposta, li fiha hija prevista kundizzjonalità msaħħa u ż-żamma tal-miżuri ambjentali u klimatiċi li, sallum, ġew ikkunsidrati bħala t-"tieni pilastru" tal-PAK. Min-naħa l-oħra, l-ambizzjoni ambjentali tal-miżuri ta' Żvilupp Rurali ser tonqos b'mod konsiderevoli jekk jiġu esklużi ż-żoni b'limitazzjonijiet naturali mill-komputazzjoni ta' 30 fil-mija tal-fondi tal-FAEŻR, li b'mod obbligatorju ser ikollhom ikunu marbuta ma' impenji relatati mal-ambjent u l-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima.

Sabiex jiġi evitat li l-iskema ekoloġika ġdida jkollha impatt sostanzjali fuq id-dħul tal-produtturi, nipproponi li tkun tkopri ż-żamma ta' ċerti prattiki li mhumiex ta' benefiċċju għall-konservazzjoni taż-żoni rurali, bil-għan li jintlaħqu l-akbar numru possibbli ta' benefiċjarji. Barra minn hekk għandu jiġi żgurat li din l-iskema l-ġdida tkun tikkumplimenta perfettament il-miżuri ambjentali u klimatiċi ta' Żvilupp Rurali. Fir-rigward taż-żoni b'limitazzjonijiet naturali, nittama li matul id-dibattitu parlamentari jintwera l-irwol ambjentali importanti li jivżolġu, u li d-deċiżjoni finalment tkun kontra l-esklużjoni tal-komputazzjoni ta' 30 fil-mija, filwaqt li jitqies ukoll li l-istess proposta tal-Kummissjoni Ewropea, kif ukoll l-istima tal-impatt tagħha, jinkludu elementi li jikkontradixxu l-bażi li fuqha hija msejsa din l-esklużjoni.

Naħseb ukoll li l-bonus tal-prestazzjoni propost mill-Kummissjoni indirettament jifforma parti mill-arkitettura ambjentali tal-proposta. Fir-realtà, dan il-bonus ma jinvolvix żieda fil-fondi għall-pajjiżi li jiksbu l-aħjar riżultati, bħalma wieħed jista' jaħseb mal-ewwel daqqa t'għajn. Minflok, il-bonus jirriżulta f'penali għal pajjiżi li ma jilħqux tali riżultati. Fir-rapport tiegħi nipproponi li dan il-bonus jitneħħa għaliex il-mudell il-ġdid diġà kien jipprevedi sanzjonijiet finanzjarji għal dawk il-pajjiżi li ma jilħqux il-miri stabbiliti.

Pilastru ieħor tal-mudell il-ġdid huwa r-ridistribuzzjoni tas-sussidji tal-PAK. Il-Kummissjoni tipproponi tnaqqis tal-fondi li jirċievu l-impriżi agrikoli l-kbar u l-introduzzjoni ta' ħlas ridistributtiv obbligatorju li jkun ta' benefiċċju għall-impriżi agrikoli ta' daqs medju u żgħir. Fil-kuntatti li kelli mad-diversi atturi involuti fir-riforma, ikkonstatajt li għadd kbir jiddikjaraw li l-hekk imsejjaħ "capping" propost mill-Kummissjoni ma jqisx id-diversi strutturi produttivi li jeżistu fl-Istati Membri, li jagħti lok għal impatt ferm differenti bejn pajjiż u ieħor. L-emendi li nipproponi huma intiżi biex jindirizzaw dan it-tħassib billi tiġi proposta soluzzjoni à la carte, li tkun aktar aġġustata għar-realtà ta' kull pajjiż. Fir-rigward tal-ħlas ridistributtiv, il-proposta tal-Kummissjoni tħalli fl-arja ċerti aspetti ewlenin li għandhom, fil-fehma tiegħi, jiġu riflessi fl-att bażiku, bil-għan li ta' mill-inqas jiġu stabbiliti xi kriterji komuni ta' tqassim mill-ġdid tal-għajnuna tal-PAK.

Skont il-proposta, il-pjanijiet strateġiċi nazzjonali għandhom tendenza li jikkontribwixxu għall-ksib ta' disa' objettivi strateġiċi, li dwarhom huma fformulati d-diversi indikaturi tal-impatt, ta' riżultati u ta' implimentazzjoni proposti mill-Kummissjoni Ewropea sabiex jiġi segwit il-grad ta' ***ksib*** tal-miri li jiffissa kull pajjiż. Qaluli li, f'dak li jikkonċerna l-objettivi u l-indikaturi, ir-rapport ma jintroduċix bidliet sinifikanti fil-proposta tal-Kummissjoni. Dan sabiex l-implimentazzjoni tal-pjanijiet strateġiċi ma ssirx aktar ikkumplikata milli diġà hi, għalkemm ridt nikkompleta dawk l-objettivi u indikaturi biex nenfasizza, fuq kollox, il-problema tad-depopolazzjoni u l-ħtieġa li tittejjeb il-parteċipazzjoni tan-nisa fl-ekonomija rurali.

Il-mudell il-ġdid għandu jiggarantixxi, 'il fuq minn kull objettiv, iż-żamma ta' dħul adegwat għall-popolazzjoni agrikola Ewropea, rekwiżit li ma jistax jinfired mill-ambizzjoni ambjentali. Dħul insuffiċjenti jkollu effett negattiv fuq l-impenn tal-bdiewa lejn il-ħarsien tal-ambjent ta' madwarhom. Għal din ir-raġuni nikkunsidra li l-għajnuna bażika għad-dħul għas-sostenibbiltà għandu jkollha piż qawwi fuq l-għajnuniet diretti kollha lill-produtturi, u nipproponi li ammont minimu tal-pakketti nazzjonali ta' ħlasijiet diretti jkunu ddestinati għal dan l-appoġġ.

Fir-rigward tal-kapitolu diffiċli ta' definizzjonijiet, li fosthom għandu jiġi enfasizzat dak tal-bidwi ġenwin, nittama li d-dibattitu parlamentari jiċċara xi aspetti essenzjali. Xi definizzjonijiet proposti mill-Kummissjoni mhumiex ċari biżżejjed, bħall-"mergħa permanenti". Din ma tqisx id-definizzjoni miftiehma sentejn ilu biss bil-għan tar-reviżjoni intermedjarja tat-testi tal-PAK bl-iskop ta' rieżami ta' nofs it-terminu fil-qafas tar-regolament "Omnibus". Id-definizzjoni l-ġdida ma tkoprix b'mod adegwat il-każijiet differenti tal-Istati Membri, b'mod partikolari r-realtà tal-mergħat Mediterranji, u b'mod speċjali tal-hekk imsejħa "dehesas" (boskijiet Mediterranji fejn jirgħu l-annimali).

L-għajnuniet assoċjati mal-produzzjoni jikkostitwixxu wkoll kapitolu importanti tad-dibattitu. Ninsab konxju mill-grad safejn dawn l-għajnuniet huma neċessarji għall-impriżi agrikoli li jkunu jinsabu f'sitwazzjoni ta' fraġilità f'termini ambjentali jew ekonomiċi, u b'mod speċjali għat-trobbija ta' bhejjem mingħajr art, li ma jistgħux jirċievu għajnuna mill-PAK permezz ta' strumenti oħrajn. Nipproponi li tinżamm il-kwota ta' ħlasijiet diretti akkoppjati, filwaqt li nilqa' l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea biex tagħti lill-Istati Membri l-possibbiltà li jiddedikaw sa 3 fil-mija tal-pakketti ta' ħlasijiet diretti għall-implimentazzjoni ta' interventi settorjali ġodda, li jistgħu jikkontribwixxu wkoll biex jindirizzaw id-diffikultajiet ta' xi produzzjonijiet.

Fir-rigward tal-bdiewa żgħażagħ, għalkemm il-bidla ġenerazzjonali tinsab fost l-objettivi tar-regolament il-ġdid, m'hemmx bidliet sinifikanti fl-istrumenti tal-għajnuna li jeżistu attwalment fi ħdan il-proposta tal-Kummissjoni. Għalkemm l-objettiv huwa l-promozzjoni ta' inizjattivi sabiex iż-żoni rurali jingħataw ħajja ġdida, nemmen li huwa wkoll fl-ambitu tagħna li ntejbu r-regoli komuni tal-eliġibbiltà, billi ninvestu fiż-żgħażagħ, iżda wkoll billi nippromwovu l-appoġġ għal bdiewa ġodda, irrispettivament mill-età, kif ukoll billi nippromwovu l-parteċipazzjoni tan-nisa fl-ekonomija taż-żoni rurali.

Fil-kapitolu dwar l-Iżvilupp Rurali, it-tnaqqis tal-fondi propost huwa preokkupanti ħafna, kif huwa wkoll it-tnaqqis ta' aktar minn 10 fil-mija tar-rati ta' kofinanzjament Ewropew. Il-Kummissjoni tinsa l-problemi ta' likwidità li għandhom xi pajjiżi u reġjuni Ewropej, u li

jaffettwaw il-livell ta' eżekuzzjoni tal-programmi, li jistgħu jaggravaw jekk iseħħ dan it-tnaqqis.

B'mod ġenerali, il-kapitolu l-ġdid tal-Iżvilupp Rurali li tipproponi l-Kummissjoni Ewropea huwa konsiderevolment nieqes minn kontenut fuq il-karta, meta mqabbel mar-regolament il-ġdid, li jagħti aktar flessibbiltà lill-Istati Membri biex ifasslu l-interventi tagħhom. Għalkemm fil-prinċipju ċertu grad ta' flessibbiltà huwa meħtieġ, nemmen li t-test għandu jiġi kkompletat, billi jiġi ddefinit aħjar min huma l-benefiċjarji, filwaqt li jiġi stabbilit limitu massimu ta' appoġġ komuni għall-Istati Membri kollha għad-diversi interventi.

Fl-aħħar nett, nixtieq nenfasizza li għandna quddiemna proposta b'ambitu u importanza wiesgħa għall-kampanja tal-Ewropa, f'mument kruċjali ta' bidliet għall-futur tal-Unjoni Ewropea, u nemmen li l-Parlament Ewropew għandu rwol importanti x'jaqdi f'din ir-riforma. Għaldaqstant nixtieq nesprimi r-rieda soda tiegħi li naħdem sabiex niksbu progress sostanzjali fid-dibattiti fi ħdan din il-leġislatura

04.04.2019

## OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-AMBJENT, IS-SAĦĦA PUBBLIKA U S-SIKUREZZA TAL-IKEL

għall-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

dwar proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi regoli dwar l-appoġġ għall-pjanijiet strateġiċi li jridu jitfasslu mill-Istati Membri taħt il-Politika Agrikola Komuni (il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK) u ffinanzjati mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1305/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament (UE) Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(COM(2018)0392 – C8-0248/2018 – 2018/0216(COD))

Rapporteur għal opinjoni (*):Giovanni La Via

(*) Kumitat assoċjat – Artikolu 54 tar-Regoli ta' Proċedura

## ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Matul l-aħħar snin, il-PAK kienet is-suġġett ta' proċess ta' riforma sinifikanti. Din il-fażi kienet ta' importanza fundamentali biex jissawwar il-ġejjieni tal-akbar politika Ewropea, iżda sfortunatament ma rnexxilhiex tindirizza kif xieraq l-isfidi ewlenin li għandna quddiemna. Il-PAK għandha tiżgura beni pubbliċi essenzjali għall-komunità tagħna: is-sigurtà tal-ikel, it-tkabbir sostenibbli, u l-offerta ta' rispons konkret għall-kriżi ambjentali u klimatika. Biex jiġu garantiti dawn l-għanijiet, għandha tappoġġa b'mod adegwat id-dħul tal-bdiewa, u l-livell ta' impjieg fis-settur agrikolu, speċjalment f'żoni rurali.

Sabiex tagħmel dan, huwa ta' importanza assoluta li l-PAK iżżomm l-istess livell ta' finanzjament fil-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss. Wara l-Brexit u emerġenzi globali oħra li jeħtieġu appoġġ aktar b'saħħtu mill-baġit tal-UE, nifhem il-ħtieġa li jiġu ffinanzjati politiki ġodda, iżda dan ma għandux ikun ta' detriment għall-unika politika komuni tradizzjonali tal-UE, li tul għexieren ta' snin ġiet mitluba kompiti ġodda u ta' sfida.

Il-proposta l-ġdida tal-Kummissjoni tintroduċi mudell ġdid, ibbażat fuq disa' għanijiet u tqiegħed enfasi fuq l-għanijiet ta' politika relatati mal-ambjent u t-tibdil fil-klima. Nipproponi bidla ta' tnejn mid-disa' objettivi, biex isiru aktar konsistenti mal-leġiżlazzjoni ambjentali attwali. Il-proposta tiddefinixxi paradigma ġdida li toffri aktar flessibbiltà lill-Istati Membri permezz tal-Pjanijiet Strateġiċi tagħhom, u bidla lejn politika aktar ibbażata fuq il-prestazzjoni.

Iżda anke jekk nilqa' l-kundizzjonalità l-ġdida msaħħa, u l-potenzjal tal-ekoskema obbligatorja, li tista' jippremja lil dawk il-bdiewa li jagħtu kontribut konkret lejn l-objettivi klimatiċi u ambjentali tal-UE u l-miri nazzjonali, din il-proposta l-ġdida tħalli, fl-opinjoni tiegħi, ħafna diskrezzjoni lill-Istati Membri fl-infiq tar-riżorsi u fl-iffissar tal-livell ta' ambizzjoni. Dan sfortunatament jista' jwassal għal sitwazzjoni li fiha għandna 27 politika agrikola, u b'hekk nitilfu r-"ruħ" komuni tal-PAK. Din hija r-raġuni għaliex għandi l-intenzjoni li nsaħħaħ l-aspetti komuni tal-proposta, filwaqt li nżid xi elementi mal-att bażiku, u nnaqqas id-diskrezzjoni tal-Istati Membri. Naturalment, inqis li ċertu grad ta' flessibbiltà huwa pożittiv, u konformi mal-prinċipju tas-sussidjarjetà, iżda ma għandniex inħallu lill-Istati Membri jiffurmaw il-ġejjieni agrikolu billi jieħdu direzzjonijiet differenti, u jittrattaw lill-bdiewa b'modi kompletament differenti għall-impjiegi u l-attivitajiet identiċi tagħhom.

Barra minn hekk, il-PAK il-ġdida orjentata lejn il-prestazzjoni tirrikjedi qafas b'saħħtu li jkun kapaċi jivvaluta u jimmonitorja kif xieraq il-prestazzjoni tal-politika, b'rabta mal-objettivi speċifiċi stabbiliti f'kull Stat Membru. F'dan l-eżerċizzju, għandna noqgħodu ferm attenti, nevitaw il-lakuni, u b'hekk niggarantixxu responsabbiltà qawwija tal-ispejjeż u r-riżultati.

Barra minn hekk, il-proposta tipprevedi wkoll ċertu livell ta' flessibbiltà għall-Istati Membri għal trasferimenti bejn l-allokazzjonijiet, sa 15 % tal-pagamenti diretti jistgħu jiġu trasferiti għall-allokazzjoni tal-FAEŻR u viċi versa, u perċentwal ogħla jista' jiġi ttrasferit biss mill-ewwel għat-tieni pilastru għall-interventi li jindirizzaw l-objettivi ambjentali u klimatiċi. Inqis li huwa aktar effiċjenti li jsiru trasferimenti biss mill-ewwel għat-tieni pilastru.

Għandna dejjem inżommu f'moħħna li l-isfida tal-ġejjieni mhux se tkun biss li jiġu prodotti ammonti akbar ta' prodotti agrikoli sikuri u ta' kwalità għolja, iżda li l-ikel jiġi prodott b'mod aktar effiċjenti u sostenibbli filwaqt li tiġi żgurata l-kompetittività tal-bdiewa tagħna, u għalhekk li jingħatalhom kumpens ekonomiku ġust għas-servizzi ambjentali li jagħtu lill-komunità. F'din id-direzzjoni, nilqa' l-enfasi fuq iż-żgħażagħ. Nemmen bis-sħiħ li ż-żgħażagħ jeħtiġilhom ikunu fiċ-ċentru tal-PAK wara l-2020: mingħajr azzjoni aktar b'saħħitha f'din id-direzzjoni, l-agrikoltura Ewropea, u mhux biss, ma għandhiex futur.

Fl-aħħar nett, nixtieq nissottolinja li aħna msejħa niddeċiedu fi żmien meta dan il-Parlament qed joqrob lejn tmiem il-mandat tiegħu. Sintendi għandna l-intenzjoni li nagħlqu l-ħidma leġiżlattiva pendenti li tinkludi din il-biċċa leġiżlazzjoni importanti, minkejja ż-żmien limitat disponibbli u n-nuqqas ta' għarfien dwar ir-riżorsi li se jkunu disponibbli għall-PAK fil-Qafas Finanzjarju Pluriennali l-ġdid, b'kunsiderazzjoni tan-negozjati li għaddejjin bħalissa. Mhux kompitu faċli li wieħed jiddefinixxi d-dettalji ta' politika bħal din mingħajr ma jkun jaf l-ammont eżatt tar-riżorsi disponibbli. Għal dawn ir-raġunijiet, jidhirli li huwa xieraq li d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-regolament tiġi posposta għall-2023, sabiex ikun hemm tranżizzjoni mingħajr xkiel mill-PAK attwali għall-mudell il-ġdid tal-ġejjieni.

## EMENDI

Il-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel jistieden lill-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jieħu inkunsiderazzjoni l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

**Emenda 1**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (1) Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni intitolata "Il-Ġejjieni tal-Ikel u tal-Biedja" tad-29 ta' Novembru 2017 tistabbilixxi l-isfidi, l-objettivi u l-orjentazzjonijiet għall-Politika Agrikola Komuni ("PAK") wara l-2020. Dawn l-objettivi jinkludu, inter alia, il-ħtieġa li l-PAK tkun immexxija aktar mir-riżultati, li jissaħħu l-modernizzazzjoni u s-sostenibbiltà, inkluż is-sostenibbiltà ekonomika, soċjali, ambjentali u klimatika tal-agrikoltura, tal-forestrija u taż-żoni rurali u li tgħin biex jitnaqqas il-piż amministrattiv relatat mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni għall-benefiċjarji. | (1) Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni intitolata "Il-Ġejjieni tal-Ikel u tal-Biedja" tad-29 ta' Novembru 2017 tistabbilixxi l-isfidi, l-objettivi u l-orjentazzjonijiet għall-Politika Agrikola Komuni ("PAK") wara l-2020. Dawn l-objettivi jinkludu, inter alia, il-ħtieġa li l-PAK tkun immexxija aktar mir-riżultati, ***tkun orjentata lejn is-suq,*** li jissaħħu l-modernizzazzjoni u s-sostenibbiltà, inkluż is-sostenibbiltà ekonomika, soċjali, ambjentali u klimatika tal-agrikoltura, tal-forestrija u taż-żoni rurali u li tgħin biex jitnaqqas il-piż amministrattiv relatat mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni għall-benefiċjarji. ***Barra minn hekk, jenħtieġ li l-politika l-ġdida tikkostitwixxi simplifikazzjoni għall-benefiċjarji li jenħtieġ li jirċievu introjtu ġust. Sabiex il-PAK tilħaq dawn l-objettivi, huwa ta' importanza kbira li fil-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021–2027 jinżamm l-istess livell ta' finanzjament bħal fil-perjodu 2014-2020.*** |

**Emenda 2**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 1a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(1a) Il-PAK għad għandha rwol ċentrali fl-iżvilupp taż-żoni rurali tal-Unjoni Ewropea u l-livell ta' awtosuffiċjenza taċ-ċittadini tal-Unjoni*** |

| | |
|---|---|
| | ***jiddependi ħafna minnha. Huwa għalhekk meħtieġ li tipprova twaqqaf l-abbandun progressiv tal-attività agrikola billi żżomm PAK b'saħħitha, b'riżorsi adegwati, biex ittaffi l-fenomenu ta' depopolazzjoni taż-żoni rurali u biex tkompli tissodisfa l-ħtiġijiet tal-konsumaturi fi kwistjonijiet ambjentali u ta' sikurezza tal-ikel u t-trattament xieraq tal-annimali. Fid-dawl tal-isfidi li qed jiffaċċjaw il-produtturi fl-Unjoni biex jirrispondu għal rekwiżiti regolatorji ġodda, u għal ambizzjoni ambjentali aktar qawwija, f'kuntest ta' volatilità tal-prezzijiet u ftuħ akbar tal-fruntieri tal-Unjoni għall-importazzjonijiet ta' partijiet terzi, jenħtieġ li l-baġit iddedikat għall-PAK jinżamm, tal-inqas fl-istess livell bħal fil-perjodu 2014-2020.*** |

**Emenda 3**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (2) Peress li hemm il-ħtieġa li l-PAK ittejjeb ir-rispons tagħha għall-isfidi u għall-opportunitajiet hekk kif jimmanifestaw ruħhom fil-livell tal-Unjoni, fil-livell internazzjonali, nazzjonali, reġjonali, lokali u fil-livell tal-azjendi agrikoli, huwa meħtieġ li tiġi ssimplifikata l-governanza tal-PAK u jitjieb ir-rendiment tagħha tal-objettivi tal-Unjoni u li jitnaqqas b'mod sinifikanti l-piż amministrattiv. Fil-PAK ibbażata fuq il-prestazzjoni ("il-mudell ta' implimentazzjoni"), l-Unjoni jenħtieġ tistabbilixxi l-parametri bażiċi ta' politika bħal pereżempju l-objettivi tal-PAK u rekwiżiti bażiċi, filwaqt li l-Istati Membri jenħtieġ jerfgħu responsabbiltà akbar għal kif jilħqu l-objettivi u kif jiksbu l-miri. Is-sussidjarjetà msaħħa tippermetti li jitqiesu aħjar il-kundizzjonijiet u l-bżonnijiet lokali, u ***jitfasslu*** apposta l- | (2) Peress li hemm il-ħtieġa li l-PAK ittejjeb ir-rispons tagħha għall-isfidi u għall-opportunitajiet hekk kif jimmanifestaw ruħhom fil-livell tal-Unjoni, fil-livell internazzjonali, nazzjonali, reġjonali, lokali u fil-livell tal-azjendi agrikoli, huwa meħtieġ li tiġi ssimplifikata l-governanza tal-PAK u jitjieb ir-rendiment tagħha tal-objettivi tal-Unjoni u li jitnaqqas b'mod sinifikanti l-piż amministrattiv ***għall-benefiċjarji, b'mod partikolari għall-benefiċjarji finali***. Fil-PAK ibbażata fuq il-prestazzjoni ("il-mudell ta' implimentazzjoni"), l-Unjoni jenħtieġ tistabbilixxi l-parametri bażiċi ta' politika bħal pereżempju l-objettivi tal-PAK u rekwiżiti bażiċi, filwaqt li l-Istati Membri jenħtieġ jerfgħu responsabbiltà akbar għal kif jilħqu l-objettivi u kif jiksbu l-miri. Is-sussidjarjetà msaħħa***, filwaqt li tiżgura li l-*** |

| | |
|---|---|
| appoġġ biex jiġi massimizzat il-kontribut għall-objettivi tal-Unjoni. | ***komunalità tal-PAK ma tiddgħajjifx, jenħtieġ li*** tippermetti li jitqiesu aħjar il-kundizzjonijiet u l-bżonnijiet lokali, u ***jitfassal*** apposta l-appoġġ biex jiġi massimizzat il-kontribut għall-objettivi tal-Unjoni. |

*Ġustifikazzjoni*

*Trid issir simplifikazzjoni li tkun xierqa għall-bdiewa filwaqt li tinżamm politika komuni.*

**Emenda 4**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (3) L-użu ta' definizzjonijiet komuni stabbiliti bis-sħiħ fil-livell tal-Unjoni kkawża xi diffikultajiet għall-Istati Membri biex jindirizzaw l-ispeċifiċitajiet tagħhom stess fil-livell nazzjonali, reġjonali u lokali. Għalhekk jenħtieġ li l-Istati Membri jingħataw ***il-flessibbiltà*** biex jispeċifikaw ċerti definizzjonijiet fil-Pjan Strateġiku tal-PAK tagħhom. Madankollu, sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi, irid jiġi stabbilit qafas fil-livell tal-Unjoni li jikkostitwixxi l-elementi essenzjali meħtieġa li jridu jiġu inklużi f'dawk id-definizzjonijiet ("id-definizzjonijiet qafas"). | (3) L-użu ta' definizzjonijiet komuni stabbiliti bis-sħiħ fil-livell tal-Unjoni kkawża xi diffikultajiet għall-Istati Membri biex jindirizzaw l-ispeċifiċitajiet tagħhom stess fil-livell nazzjonali, reġjonali u lokali. Għalhekk jenħtieġ li l-Istati Membri jingħataw ***ċertu livell ta' flessibbiltà*** biex jispeċifikaw ċerti definizzjonijiet fil-Pjan Strateġiku tal-PAK tagħhom. Madankollu, sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi, irid jiġi stabbilit qafas fil-livell tal-Unjoni li jikkostitwixxi l-elementi essenzjali meħtieġa li jridu jiġu inklużi f'dawk id-definizzjonijiet ("id-definizzjonijiet qafas"). |

*Ġustifikazzjoni*

*L-Istati Membri jenħtieġ li jkollhom xi livell ta' flessibbiltà fl-implimentazzjoni tal-miżuri, iżda dan ma jridx jipperikola l-komunalità tal-politika. Il-PAK trid tkun ibbażata fuq regoli komuni tal-UE.*

**Emenda 5**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (5) Sabiex jinżammu l-elementi ***essenzjali*** fl-Unjoni kollha biex ***tiġi żgurata*** l-komparabbiltà bejn id-deċiżjonijiet tal-Istati Membri, iżda mingħajr ma jiġu limitati l-Istati Membri fl-ilħuq tal-objettivi tal-Unjoni, jenħtieġ li tiġi stipulata definizzjoni qafas għal "żona agrikola". Jenħtieġ li d-definizzjonijiet qafas relatati għal "raba' li jinħadem", "għelejjel permanenti" u "bur permanenti" jiġu stipulati b'mod wiesa' biex l-Istati Membri jkunu jistgħu jispeċifikaw aktar id-definizzjonijiet skont il-kundizzjonijiet lokali tagħhom. Id-definizzjoni qafas għal "raba' li jinħadem" jenħtieġ li tiġi stipulata b'mod li tippermetti lill-Istati Membri jkopru forom differenti ta' produzzjoni, inkluż sistemi bħal pereżempju l-agroforestrija u r-raba' b'arbuxelli u siġar u li teħtieġ l-inklużjoni ta' żoni ta' art mistrieħa sabiex tiġi żgurata n-natura diżakkoppjata tal-interventi. Jenħtieġ li d-definizzjoni qafas ta' "għelejjel permanenti" tinkludi ż-żoni li realment jintużaw għall-produzzjoni u dawk li ma jintużawx għall-produzzjoni, kif ukoll il-mixtliet u l-imsajġar b'newba qasira li jridu jiġu definiti mill-Istati Membri. Id-definizzjoni qafas ta' "bur permanenti" jenħtieġ li tiġi stipulata b'mod li tippermetti lill-Istati Membri jispeċifikaw aktar kriterji u tippermettihom jinkludu speċijiet għajr il-ħxejjex jew foraġġ erbaċew ieħor li jistgħu jintużaw għar-ragħa jew li jistgħu jipproduċu għalf għall-annimali, kemm jekk jintuża għall-produzzjoni reali u kemm jekk le. | (5) Sabiex jinżammu l-elementi ***komuni*** fl-Unjoni kollha biex ***jiġu żgurati*** l-komparabbiltà bejn id-deċiżjonijiet tal-Istati Membri***, it-trattament ugwali bejn il-bdiewa Ewropej***, iżda mingħajr ma jiġu limitati l-Istati Membri fl-ilħuq tal-objettivi tal-Unjoni, jenħtieġ li tiġi stipulata definizzjoni qafas għal "żona agrikola". Jenħtieġ li d-definizzjonijiet qafas relatati għal "raba' li jinħadem", "għelejjel permanenti" u "bur permanenti" jiġu stipulati b'mod wiesa' biex l-Istati Membri jkunu jistgħu jispeċifikaw aktar id-definizzjonijiet skont il-kundizzjonijiet lokali ***u l-prattiki tradizzjonali*** tagħhom. Id-definizzjoni qafas għal "raba' li jinħadem" jenħtieġ li tiġi stipulata b'mod li tippermetti lill-Istati Membri jkopru forom differenti ta' produzzjoni, inkluż sistemi bħal pereżempju l-agroforestrija u r-raba' b'arbuxelli u siġar u li teħtieġ l-inklużjoni ta' żoni ta' art mistrieħa sabiex tiġi żgurata n-natura diżakkoppjata tal-interventi. Jenħtieġ li d-definizzjoni qafas ta' "għelejjel permanenti" tinkludi ż-żoni li realment jintużaw għall-produzzjoni u dawk li ma jintużawx għall-produzzjoni, kif ukoll il-mixtliet u l-imsajġar b'newba qasira li jridu jiġu definiti mill-Istati Membri. Id-definizzjoni qafas ta' "bur permanenti" jenħtieġ li tiġi stipulata b'mod li tippermetti lill-Istati Membri jispeċifikaw aktar kriterji u tippermettihom jinkludu speċijiet għajr il-ħxejjex jew foraġġ erbaċew ieħor li jistgħu jintużaw għar-ragħa***, jipprovdu żona ta' foraġġ għad-dakkara,*** jew li jistgħu jipproduċu għalf għall-annimali, kemm jekk jintuża għall-produzzjoni reali u kemm jekk le. |

*Ġustifikazzjoni*

*Il-protezzjoni tal-bwar permanenti f'ċerti żoni tiddependi fuq prattiki tradizzjonali, peress li bosta mergħat permanenti b'input baxx huma żoni ta' foraġġ essenzjali għad-dakkara.*

**Emenda 6**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (6) Is-sinerġiji bejn il-FAEŻR u Orizzont Ewropa jenħtieġ li jħeġġu lill-FAEŻR biex juża bl-aħjar mod ir-riżultati tar-riċerka u l-innovazzjoni, b'mod partikolari dawk li ġejjin minn proġetti ffinanzjati minn Orizzont Ewropa u s-Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni (EIP) għall-"produttività u ***s-sostenibbiltà fil-qasam agrikolu"***, li jwasslu għall-innovazzjonijiet fis-settur tal-biedja u fiż-żoni rurali. | (6) Is-sinerġiji bejn il-FAEŻR u Orizzont Ewropa jenħtieġ li jħeġġu lill-FAEŻR biex juża bl-aħjar mod ir-riżultati tar-riċerka u l-innovazzjoni, b'mod partikolari dawk li ġejjin minn proġetti ffinanzjati minn Orizzont Ewropa u s-Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni (EIP) għall-"produttività ***agrikola*** u ***sostenibbiltà ambjentali"***, li jwasslu għall-innovazzjonijiet ***li jħallu impatt pożittiv dirett*** fis-settur tal-biedja u fiż-żoni rurali. |

**Emenda 7**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 9**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (9) Fid-dawl tat-titjib ulterjuri tal-prestazzjoni tal-PAK, jenħtieġ li l-appoġġ għall-introjtu jiġi mmirat għall-bdiewa ġenwini. Sabiex jiġi żgurat approċċ komuni fil-livell tal-Unjoni għat-tali mmirar tal-appoġġ, jenħtieġ li tiġi stipulata definizzjoni qafas għal "bidwi ġenwin" li turi l-elementi essenzjali. Fuq il-bażi ta' dan il-qafas, jenħtieġ li fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom l-Istati Membri jiddefinixxu liema bdiewa mhumiex ikkunsidrati ġenwini fuq il-bażi ta' kundizzjonijiet bħal pereżempju t-testijiet tal-introjtu, l-inputs lavorattivi fuq l-azjenda agrikola, l-għanijiet tal-kumpanija u l-inklużjoni fir-reġistri. Jenħtieġ ukoll li din ma tirriżultax f'li ma jkunx jista' jingħata appoġġ lill-bdiewa pluriattivi, li huma attivi fil-biedja iżda li | (9) Fid-dawl tat-titjib ulterjuri tal-prestazzjoni tal-PAK, jenħtieġ li l-appoġġ għall-introjtu jiġi mmirat għall-bdiewa ġenwini. Sabiex jiġi żgurat approċċ komuni fil-livell tal-Unjoni għat-tali mmirar tal-appoġġ, jenħtieġ li tiġi stipulata definizzjoni qafas għal "bidwi ġenwin" li turi l-elementi essenzjali. Fuq il-bażi ta' dan il-qafas, jenħtieġ li fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom l-Istati Membri jiddefinixxu liema bdiewa mhumiex ikkunsidrati ġenwini fuq il-bażi ta' kundizzjonijiet bħal pereżempju t-testijiet tal-introjtu, l-inputs lavorattivi fuq l-azjenda agrikola, l-għanijiet tal-kumpanija u l-inklużjoni fir-reġistri. Jenħtieġ ukoll li din ma tirriżultax f'li ma jkunx jista' jingħata appoġġ lill-bdiewa pluriattivi, li huma attivi fil-biedja ***u li*** |

| | |
|---|---|
| huma impenjati wkoll f'attivitajiet mhux agrikoli barra mill-azjenda agrikola tagħhom, minħabba li l-attivitajiet multipli tagħhom spiss isaħħu lin-nisġa soċjoekonomika taż-żoni rurali. | ***jikkontribwixxu għas-sostenibbiltà tas-settur agrikolu,*** iżda li huma impenjati wkoll f'attivitajiet mhux agrikoli barra mill-azjenda agrikola tagħhom, minħabba li l-attivitajiet multipli tagħhom spiss isaħħu lin-nisġa soċjoekonomika taż-żoni rurali. |

**Emenda 8**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 10**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (10) Sabiex tiġi żgurata l-konsistenza bejn it-tipi ta' interventi ***tal-pagamenti diretti*** u t-tipi ta' interventi tal-iżvilupp rurali meta jkun qed jiġi indirizzat l-objettiv tat-tiġdid ġenerazzjonali, jenħtieġ li tiġi ***stipulata*** definizzjoni qafas fil-livell tal-Unjoni għal "bidwi żagħżugħ" bl-elementi essenzjali. | (10) Sabiex tiġi żgurata l-konsistenza bejn it-tipi ta' interventi ***tal-pagament dirett*** u t-tipi ta' interventi tal-iżvilupp rurali meta jkun qed jiġi indirizzat l-objettiv tat-tiġdid ġenerazzjonali, ***ta' importanza kritika,*** jenħtieġ li tiġi ***stabbilita*** definizzjoni qafas fil-livell tal-Unjoni għal "bidwi żagħżugħ" bl-elementi ***wiesgħa*** essenzjali***, li jenħtieġ li ma tkunx restrittiva ħalli taġevola lill-bdiewa ġodda fl-agrikoltura u tirrifletti r-realtajiet fil-post tal-Istati Membri***. |

*Ġustifikazzjoni*

*L-iskemi ta' appoġġ preċedenti dwar dan is-suġġett kienu restrittivi wisq u wasslu biex il-bdiewa żgħażagħ ġew esklużi mill-appoġġ.*

**Emenda 9**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 10a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(10a) Huwa essenzjali għall-futur tal-Ewropa u tal-pjaneta li b'urġenza l-Unjoni telimina gradwalment l-appoġġ agrikolu għall-bdiewa li ma jsegwux operazzjonijiet ambjentalment u klimatikament sostenibbli.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Europas skattebetalare ska inte sponsra verksamhet som bidrar till klimatet och miljöns förstörelse. Därför är det viktigt att jordbruksfonden och fonden för landsbygdsutveckling belönar de verksamheter som säkrar vår mattillgång på ett ekologiskt hållbart sätt. Planeten står inför en klimatkris, där vi på en europeisk nivå har stora möjligheter att göra skillnad. Samtidigt finns det många lant- och jordbrukare som tar stort ansvar för miljö och klimat - men dom behöver bli fler. Europa ska gå före i både klimat och miljöfrågan och bör därför snarast fasa ut jordbruksstöd till verksamheter som inte bidrar till den målsättningen. Den gemensamma jordbrukspolitiken bör bemöta medborgarnas oro när det gäller hållbar jordbruksproduktion, samtidigt som man tar hänsyn till jordbrukarnas svårigheter att förutsäga produktion och efterfrågan. Därför bör stödet bibehållas, men gå till hållbar produktion.*

**Emenda 10**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 11**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (11) Sabiex tingħata sustanza lill-objettivi tal-PAK kif stabbiliti fl-Artikolu 39 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), kif ukoll biex jiġi żgurat li l-Unjoni tindirizza b'mod xieraq l-aktar sfidi reċenti tagħha, huwa xieraq li jiġi previst sett ta' objettivi ġenerali li jirriflettu l-orjentazzjonijiet mogħtija fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar "Il-Ġejjieni tal-Ikel u tal-Biedja". Jenħtieġ li jiġi definit aktar sett ta' objettivi speċifiċi fil-livell tal-Unjoni u jiġi applikat mill-Istati membri fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom. ***Filwaqt li*** jinstab bilanċ bejn id-dimensjonijiet tal-iżvilupp sostenibbli, ***f'konformità mal-valutazzjoni tal-impatt***, dawn l-objettivi speċifiċi jenħtieġ li jittraduċu l-objettivi ġenerali tal-PAK f'prijoritajiet aktar konkreti u jqisu ***l-leġislazzjoni*** rilevanti tal-Unjoni, b'mod partikolari fir-rigward tal-klima, l-enerġija u l-ambjent. | (11) Sabiex tingħata sustanza lill-objettivi tal-PAK kif stabbiliti fl-Artikolu 39 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), ***filwaqt li tiġi protetta l-komunalità tagħha,*** kif ukoll biex jiġi żgurat li l-Unjoni tindirizza b'mod xieraq l-aktar sfidi reċenti ***tagħha, u l-impenji internazzjonali*** tagħha, huwa xieraq li jiġi previst sett ta' objettivi ġenerali li jirriflettu l-orjentazzjonijiet mogħtija fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar "Il-Ġejjieni tal-Ikel u tal-Biedja". Jenħtieġ li jiġi definit aktar sett ta' objettivi speċifiċi fil-livell tal-Unjoni u jiġi applikat mill-Istati membri fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom. ***Sabiex*** jinstab bilanċ bejn id-dimensjonijiet tal-iżvilupp sostenibbli, ***filwaqt li jinżammu l-prinċipji tal-ġustizzja u l-ugwaljanza***, ***jenħtieġ li l-Istati Membri jintalbu jieħdu azzjoni biex jilħqu l-objettivi speċifiċi kollha.*** Dawn l-objettivi speċifiċi jenħtieġ li jittraduċu l-objettivi ġenerali tal-PAK f'prijoritajiet aktar konkreti u jqisu ***l-leġiżlazzjoni*** |

rilevanti tal-Unjoni, b'mod partikolari fir-rigward tal-klima, l-enerġija***, it-trattament xieraq tal-annimali,*** u l-ambjent.

**Emenda 11**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 12**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (12) PAK aktar ***intelliġenti***, modernizzata u aktar sostenibbli trid tħaddan ir-riċerka u l-innovazzjoni, sabiex isservi lill-multifunzjonalità tas-sistemi tal-agrikoltura, tal-forestrija u tal-ikel tal-Unjoni, filwaqt li tinvesti fl-iżvilupp teknoloġiku u ***fid-diġitalizzazzjoni***, kif ukoll ittejjeb l-aċċess għal għarfien sod, rilevanti u ġdid. | (12) PAK aktar ***agroekoloġika***, modernizzata u aktar sostenibbli trid tħaddan ir-riċerka u l-innovazzjoni, sabiex isservi lill-multifunzjonalità tas-sistemi tal-agrikoltura, tal-forestrija u tal-ikel tal-Unjoni, filwaqt li tinvesti fl-iżvilupp teknoloġiku u ***fi prattiki agroekoloġiċi***, kif ukoll ittejjeb l-aċċess għal ***u l-iskambju ta'*** għarfien sod, rilevanti u ġdid. |

**Emenda 12**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 13a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(13a) Il-prinċipji orizzontali kif stabbiliti fl-Artikolu 3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea ("TUE") u fl-Artikolu 10 tat-TFUE, inklużi l-prinċipji ta' sussidjarjetà u ta' proporzjonalità kif stabbiliti fl-Artikolu 5 tat-TUE jenħtieġ li jiġu rispettati fl-implimentazzjoni tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK. Jenħtieġ li l-Istati Membri u l-Kummissjoni jimmiraw li jeliminaw l-inugwaljanzi u jippromwovu l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa u jintegraw il-perspettiva tal-ugwaljanza bejn is-sessi, kif ukoll jiġġieldu d-diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess, l-oriġini razzjali jew etnika, ir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabbiltà, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali. Jenħtieġ li l-Fondi ma jappoġġawx azzjonijiet li*** |

| | |
|---|---|
| | ***jikkontribwixxu għal kwalunkwe forma ta' segregazzjoni, diskriminazzjoni jew esklużjoni. Jenħtieġ li l-objettivi tal-Fondi jiġu segwiti fil-qafas tal-iżvilupp sostenibbli u f'konformità mal-Konvenzjoni ta' Aarhus u l-promozzjoni tal-Unjoni tal-għan li tippreserva, tipproteġi u ttejjeb il-kwalità tal-ambjent u tiġġieled it-tibdil fil-klima kif stabbilit fl-Artikolu 11 u fl-Artikolu 191(1) tat-TFUE, filwaqt li jiġi applikat il-prinċipju li min iniġġes iħallas.*** |

**Emenda 13**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 13b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(13b) Il-mudell ta' implimentazzjoni jenħtieġ li ma jwassalx għal sitwazzjoni fejn ikollna 27 politika differenti fil-qasam agrikolu nazzjonali, u b'hekk jiġi pperikolat l-ispirtu komuni tal-PAK u jinħolqu distorsjonijiet. Jenħtieġ li jħalli lill-Istati Membri ċertu livell ta' flessibbiltà f'qafas regolatorju komuni b'saħħtu.*** |

**Emenda 14**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 14**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (14) Sabiex jitrawwem settur agrikolu intelliġenti u reżiljenti, il-pagamenti diretti jibqgħu jikkostitwixxu parti essenzjali biex jiġi garantit appoġġ ġust għall-introjtu tal-bdiewa. B'mod simili, l-investimenti fir-ristrutturar, il-modernizzazzjoni, l-innovazzjoni, id-diversifikazzjoni u l-użu ta' teknoloġiji ġodda fl-azjendi agrikoli huma neċessarji biex il-bdiewa jmorru | (14) Sabiex jitrawwem settur agrikolu intelliġenti u reżiljenti, il-pagamenti diretti jibqgħu jikkostitwixxu parti essenzjali biex jiġi garantit appoġġ ġust għall-introjtu tal-bdiewa***, b'enfasi qawwija fuq il-pagamenti mmirati lejn l-ambjent, il-klima, it-trattament xieraq tal-annimali kif ukoll it-titjib tal-kompetittività***. B'mod simili, l-investimenti fir-ristrutturar, il- |

| | |
|---|---|
| aħjar fis-suq. | modernizzazzjoni, l-innovazzjoni, id-diversifikazzjoni u l-użu ta' teknoloġiji ġodda fl-azjendi agrikoli huma neċessarji biex il-bdiewa jmorru aħjar fis-suq. ***Jenħtieġ li tingħata attenzjoni lill-isfidi tas-soċjetà u lit-temi bħalma huma t-tibdil fil-klima, kemm il-mitigazzjoni kif ukoll l-adattament, b'tali mod li jkun ta' benefiċċju għall-bdiewa.*** |

**Emenda 15**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 15**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (15) Fil-kuntest ta' PAK aktar orjentata lejn is-suq, kif deskritt fil-Komunikazzjoni dwar "Il-Ġejjieni tal-Ikel u tal-Biedja", l-espożizzjoni tas-suq, it-tibdil fil-klima u l-frekwenza u s-severità ta' avvenimenti estremi tat-temp assoċjati ma' dan it-tibdil, kif ukoll il-kriżijiet sanitarji u fitosanitarji, jistgħu jwasslu għal riskji ta' volatilità tal-prezzijiet u pressjonijiet dejjem akbar fuq l-introjtu. Għalhekk, għalkemm il-bdiewa huma finalment responsabbli għat-tfassil tal-istrateġiji tagħhom ***fl-azjenda agrikola***, jenħtieġ li jiġi stabbilit qafas sod biex tiġi żgurata ġestjoni xierqa tar-riskju. Għal dan l-għan, l-Istati Membri u l-bdiewa jkunu jistgħu jibbażaw ruħhom fuq pjattaforma fil-livell tal-Unjoni għall-ġestjoni tar-riskju biex jibnu l-kapaċitajiet tagħhom sabiex jipprovdu lill-bdiewa strumenti finanzjarji xierqa għall-investimenti u aċċess għall-kapital operatorju, it-taħriġ, it-trasferiment ***tal-għarifen*** u l-pariri. | (15) Fil-kuntest ta' PAK aktar orjentata lejn is-suq, kif deskritt fil-Komunikazzjoni dwar "Il-Ġejjieni tal-Ikel u tal-Biedja", l-espożizzjoni tas-suq, ***l-assenza ta' klawsoli ta' reċiproċità fil-ftehimiet kummerċjali ma' pajjiżi terzi,*** it-tibdil fil-klima u l-frekwenza u s-severità ta' avvenimenti estremi tat-temp assoċjati ma' dan it-tibdil, kif ukoll il-kriżijiet sanitarji u fitosanitarji, jistgħu jwasslu għal riskji ta' volatilità tal-prezzijiet u pressjonijiet dejjem akbar fuq l-introjtu. Għalhekk, għalkemm il-bdiewa huma finalment responsabbli għat-tfassil tal-istrateġiji tagħhom ***u għat-titjib tar-reżiljenza tal-azjendi agrikoli tagħhom***, jenħtieġ li jiġi stabbilit qafas sod biex tiġi żgurata ġestjoni xierqa tar-riskju. Għal dan l-għan, l-Istati Membri u l-bdiewa jkunu jistgħu jibbażaw ruħhom fuq pjattaforma fil-livell tal-Unjoni għall-ġestjoni tar-riskju biex jibnu l-kapaċitajiet tagħhom sabiex jipprovdu lill-bdiewa strumenti finanzjarji xierqa għall-investimenti u aċċess għall-kapital operatorju, it-taħriġ, it-trasferiment ***tal-għarfien*** u l-pariri. |

**Emenda 16**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 16**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (16) ***It-tisħiħ tal-kura għall-ambjent*** u tal-azzjoni klimatika u l-kontribuzzjoni għall-kisba tal-objettivi relatati mal-ambjent u l-klima tal-Unjoni hija prijorità għolja ħafna fil-ġejjieni tal-agrikoltura u l-forestrija tal-Unjoni. Għalhekk jenħtieġ li l-arkitettura tal-PAK tirrifletti ambizzjoni akbar fir-rigward ta' dawn l-objettivi. Skont il-mudell ta' implimentazzjoni, jenħtieġ li l-azzjoni meħuda biex jiġu indirizzati d-degradazzjoni tal-ambjent u t-tibdil fil-klima tkun immexxija mir-riżultati u jenħtieġ li, għal dan l-iskop, l-Artikolu 11 tat-TFUE jitqies bħala obbligu ta' riżultat. | (16) ***L-appoġġ u t-titjib tal-protezzjoni tal-ambjent, il-bijodiversità*** u ***d-diversità ġenetika fis-sistema agrikola, kif ukoll*** tal-azzjoni klimatika u l-kontribuzzjoni għall-kisba tal-objettivi relatati mal-ambjent u l-klima tal-Unjoni hija prijorità għolja ħafna fil-ġejjieni tal-agrikoltura u l-forestrija tal-Unjoni. Għalhekk jenħtieġ li l-arkitettura tal-PAK tirrifletti ambizzjoni akbar fir-rigward ta' dawn l-objettivi. Skont il-mudell ta' implimentazzjoni, jenħtieġ li l-azzjoni meħuda biex jiġu indirizzati d-degradazzjoni tal-ambjent u t-tibdil fil-klima tkun immexxija mir-riżultati u jenħtieġ li, għal dan l-iskop, l-Artikolu 11 tat-TFUE jitqies bħala obbligu ta' riżultat. |
| Billi ħafna żoni rurali fl-Unjoni jbatu minn problemi strutturali bħal nuqqas ta' opportunitajiet ta' xogħol attraenti, nuqqasijiet ta' ħiliet, nuqqas ta' investiment fil-konnettività, fl-infrastruttura u fis-servizzi essenzjali, kif ukoll eżodu taż-żgħażagħ, huwa fundamentali li tissaħħaħ in-nisġa soċjoekonomika f'dawk l-oqsma, b'mod konformi mal-Cork 2.0. Id-dikjarazzjoni, b'mod partikolari permezz tal-ħolqien tal-impjiegi u t-tiġdid ġenerazzjonali, billi l-impjiegi u t-tkabbir tal-Kummissjoni jinġiebu fiż-żoni rurali, bil-promozzjoni tal-inklużjoni soċjali, it-tiġdid ġenerazzjonali u l-iżvilupp ta' "rħula Intelliġenti" fil-kampanja Ewropea. Kif indikat fil-Komunikazzjoni dwar "Il-Ġejjieni tal-Ikel u tal-Biedja", il-ktajjen ta' valur rurali ġodda bħal pereżempju l-enerġija rinnovabbli, il-bijoekonomija emerġenti, l-ekonomija ċirkolari u l-ekoturiżmu jistgħu joffru potenzjal tajjeb għat-tkabbir u għall-impjiegi fiż-żoni rurali. F'dan il-kuntest, l-istrumenti finanzjarji u l-użu tal-garanzija InvestEU jistgħu jkollhom rwol kruċjali biex jiġi żgurat aċċess għall-finanzjament u biex | Billi ħafna żoni rurali fl-Unjoni jbatu minn problemi strutturali bħal nuqqas ta' opportunitajiet ta' xogħol attraenti, nuqqasijiet ta' ħiliet, nuqqas ta' investiment fil-konnettività, fl-infrastruttura u fis-servizzi essenzjali, kif ukoll eżodu taż-żgħażagħ, huwa fundamentali li tissaħħaħ in-nisġa soċjoekonomika f'dawk l-oqsma, b'mod konformi mal-Cork 2.0. Id-dikjarazzjoni, b'mod partikolari permezz tal-ħolqien tal-impjiegi u t-tiġdid ġenerazzjonali, billi l-impjiegi u t-tkabbir tal-Kummissjoni jinġiebu fiż-żoni rurali, bil-promozzjoni tal-inklużjoni soċjali, it-tiġdid ġenerazzjonali, ***żieda fl-integrazzjoni tan-nisa fl-ekonomija rurali,*** u l-iżvilupp ta' "rħula Intelliġenti" fil-kampanja Ewropea. Kif indikat fil-Komunikazzjoni dwar "Il-Ġejjieni tal-Ikel u tal-Biedja", il-ktajjen ta' valur rurali ġodda bħal pereżempju l-enerġija rinnovabbli, il-bijoekonomija emerġenti, l-ekonomija ċirkolari u l-ekoturiżmu jistgħu joffru potenzjal tajjeb għat-tkabbir u għall-impjiegi fiż-żoni rurali***, filwaqt li jiġu ppreservati r-riżorsi naturali***. F'dan il-kuntest, l-istrumenti finanzjarji u l-użu tal- |

| | |
|---|---|
| tissaħħaħ il-kapaċità tat-tkabbir tal-azjendi agrikoli u tal-intrapriżi. Hemm il-potenzjal għal opportunitajiet ta' xogħol fiż-żoni rurali għaċ-ċittadini ta' pajjiż terz residenti legalment, u b'hekk tiġi promossa l-integrazzjoni soċjali u ekonomika tagħhom speċjalment fil-qafas tal-istrateġiji ta' Żvilupp Lokali Mmexxija mill-Komunità. | garanzija InvestEU jistgħu jkollhom rwol kruċjali biex jiġi żgurat aċċess għall-finanzjament u biex tissaħħaħ il-kapaċità tat-tkabbir tal-azjendi agrikoli u tal-intrapriżi. Hemm il-potenzjal għal opportunitajiet ta' xogħol fiż-żoni rurali għaċ-ċittadini ta' pajjiż terz residenti legalment, u b'hekk tiġi promossa l-integrazzjoni soċjali u ekonomika tagħhom speċjalment fil-qafas tal-istrateġiji ta' Żvilupp Lokali Mmexxija mill-Komunità. |

**Emenda 17**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 17**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (17) Jenħtieġ li l-PAK tkompli tiżgura s-sigurtà tal-ikel, li jenħtieġ li tinftiehem bħala aċċess għal ikel biżżejjed, sikur u nutrittiv f'kull ħin. Barra minn hekk, jenħtieġ li tkompli tgħin biex tittejjeb ir-reazzjoni tal-agrikoltura tal-Unjoni għal talbiet soċjetali ġodda fl-ikel u s-saħħa, inkluż il-produzzjoni agrikola sostenibbli, nutrizzjoni aktar tajba għas-saħħa, il-ħela tal-ikel u ***l-benessri*** tal-annimali. Jenħtieġ li l-PAK tkompli tippromwovi l-produzzjoni b'karatteristiċi speċifiċi u ta' valur, filwaqt li fl-istess ħin tgħin lill-bdiewa biex jaġġustaw b'mod proattiv il-produzzjoni tagħhom skont is-sinjali tas-suq u l-ħtiġijiet tal-konsumaturi. | (17) Jenħtieġ li l-PAK tkompli tiżgura s-sigurtà tal-ikel, li jenħtieġ li tinftiehem bħala aċċess għal ikel biżżejjed, sikur***, tajjeb għas-saħħa*** u nutrittiv f'kull ħin. Barra minn hekk, jenħtieġ li tkompli tgħin biex tittejjeb ir-reazzjoni tal-agrikoltura tal-Unjoni għal talbiet soċjetali ġodda fl-ikel u s-saħħa, inkluż il-produzzjoni agrikola sostenibbli, nutrizzjoni aktar tajba għas-saħħa, il-ħela tal-ikel u ***t-trattament xieraq*** tal-annimali. Jenħtieġ li l-PAK tkompli tippromwovi l-produzzjoni ***sostenibbli*** b'karatteristiċi speċifiċi u ta' valur, filwaqt li fl-istess ħin tgħin lill-bdiewa biex jaġġustaw b'mod proattiv il-produzzjoni tagħhom skont is-sinjali tas-suq u l-ħtiġijiet tal-konsumaturi. |

**Emenda 18**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 17a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(17a) F'konformità mal-impenn għall-Aġenda 2030 u l-Ftehim ta' Pariġi, u mal-*** |

***konklużjonijiet tal-Valutazzjoni Internazzjonali tal-Għarfien, Xjenzi u Teknoloġiji Agrikoli għall-Iżvilupp, kif ukoll mar-rakkomandazzjonijiet tar-Rapporteur Speċjali tan-NU dwar id-dritt għall-ikel, l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha jenħtieġ li jwettqu tranżizzjoni lejn sistema tal-ikel u tal-agrikoltura Ewropea sostenibbli. Il-perkors għal din it-tranżizzjoni jenħtieġ li jiffoka fuq li jippromwovi prattiki agrikoli diversifikati, sostenibbli u reżiljenti, li jikkontribwixxu għall-ħarsien u għat-titjib tar-riżorsi naturali, isaħħu l-ekosistemi u li jadattaw u jimmitigaw it-tibdil fil-klima, bl-aġġustament tal-produzzjoni tal-bhejjem għal kapaċitajiet tat-trasport ekoloġiċi, bil-minimizzazzjoni tad-dipendenza fuq inputs mhux sostenibbli inklużi l-enerġiji fossili u bit-titjib progressiv tal-bijodiversità u l-kwalità tal-ħamrija.***

**Emenda 19**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 17b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(17b) Filwaqt li l-Pjan ta' Azzjoni Ewropew "Saħħa Waħda" kontra r-reżistenza għall-antimikrobiċi jqis it-tilqim bħala intervent kosteffikaċi tas-saħħa pubblika biex tiġi miġġielda l-AMR, l-ispiża relattivament għolja tad-dijanjożi, tal-alternattivi antimikrobjali u tat-tilqim meta mqabbla ma' antibijotiċi konvenzjonali tippreżenta ostakolu biex tiżdied ir-rata tat-tilqim tal-annimali.*** |

**Emenda 20**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 17c (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(17c) Sabiex jintlaħqu l-objettivi ambjentali tal-PAK iżda anke l-eżiġenzi tas-soċjetà f'termini ta' titjib fis-sikurezza tal-ikel, jenħtieġ li promoss l-użu ta' prodotti fertilizzanti b'livelli baxxi ħafna ta' metalli tqal.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Ir-Regolament tal-UE dwar il-fertilizzanti li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1069/2009 u Nru 1107/2009 li ġie adottat dan l-aħħar għandu jinkludi diversi dispożizzjonijiet dwar it-tikkettar fir-rigward tal-metalli tqal bħall-kadmju u l-arseniku, b'mod partikolari fil-fosfati. It-tikkettar se jippermetti lill-bdiewa jkollhom għarfien sħiħ dwar l-ammont tal-kontaminanti li jinsabu fil-prodotti fertilizzanti li jużaw. Tali dispożizzjonijiet dwar it-tikkettar jenħtieġ li jippromwovu agrikoltura aktar sostenibbli f'konformità mal-objettivi tal-ekoloġizzazzjoni tal-PAK u l-promozzjoni ta' standards ta' kwalità għolja fl-UE.*

**Emenda 21**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 21**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (21) Abbażi tas-sistema preċendenti ta' kundizzjonalità implimentata sal-2020, is-sistema tal-kundizzjonalità ġdid torbot il-ħlas sħiħ tal-appoġġ tal-PAK mal-konformità tal-benefiċjarji ma' standards bażiċi li jirrigwardaw l-ambjent, it-tibdil fil-klima, is-saħħa pubblika, is-saħħa tal-annimali, is-saħħa tal-pjanti u ***l-benessri*** tal-annimali. L-istandards bażiċi jinkludu f'forma simplifikata lista ta' rekwiżiti statutorji ta' ġestjoni (SMRs) u standards ta' kundizzjonijiet agrikoli u ambjentali tajba tal-art (KAAT). Dawn l-istandards bażiċi jenħtieġ li jqisu aħjar l-isfidi ambjentali u klimatiċi u l-arkitettura ambjentali l-ġdida tal-PAK, u b'hekk jagħtu livell ogħla ta' ambizzjoni ambjentali u klimatika kif ħabbret il-Kummissjoni dwar "Il-Ġejjieni tal-Ikel u tal-Biedja" u l-Qafas Finanzjarju | (21) Abbażi tas-sistema preċendenti ta' kundizzjonalità implimentata sal-2020, is-sistema tal-kundizzjonalità ġdid torbot il-ħlas sħiħ tal-appoġġ tal-PAK mal-konformità tal-benefiċjarji ma' standards bażiċi li jirrigwardaw l-ambjent, it-tibdil fil-klima, is-saħħa pubblika, is-saħħa tal-annimali, is-saħħa tal-pjanti u ***t-trattament xieraq*** tal-annimali. L-istandards bażiċi jinkludu f'forma simplifikata lista ta' rekwiżiti statutorji ta' ġestjoni (SMRs) u standards ta' kundizzjonijiet agrikoli u ambjentali tajba tal-art (KAAT). Dawn l-istandards bażiċi jenħtieġ li jqisu aħjar l-isfidi ambjentali u klimatiċi u l-arkitettura ambjentali l-ġdida tal-PAK, u b'hekk jagħtu livell ogħla ta' ambizzjoni ambjentali u klimatika kif ħabbret il-Kummissjoni dwar "Il-Ġejjieni tal-Ikel u |

| | |
|---|---|
| Pluriennali (QFP). Il-kundizzjonalità għandha l-għan li tikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' agrikoltura sostenibbli b'għarfien aħjar min-naħa tal-benefiċjarji dwar il-ħtieġa li jiġu rispettati dawk l-istandards bażiċi. Għandha l-għan ukoll li l-PAK issir aktar kompatibbli mal-aspettattivi tas-soċjetà permezz tat-titjib tal-konsistenza tal-politika mal-objettivi dwar l-ambjent, is-saħħa pubblika, is-saħħa tal-annimali, is-saħħa tal-pjanti u ***l-benessri*** tal-annimali. Jenħtieġ li l-kundizzjonalità tifforma parti integrali tal-arkitettura ambjentali tal-PAK, bħala parti mil-linja bażi għal impenji ambjentali u klimatiċi aktar ambizzjużi, u jenħtieġ li tkun applikata b'mod komprensiv fl-Unjoni kollha. Għal dawk il-bdiewa li ma jikkonformawx ma' dawk ir-rekwiżiti, jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li jiġu applikati penali proporzjonali, effettivi u dissważivi f'konformità mar-[Regolament Orizzontali] | tal-Biedja" u l-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP). Il-kundizzjonalità għandha l-għan li tikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' agrikoltura sostenibbli b'għarfien aħjar min-naħa tal-benefiċjarji dwar il-ħtieġa li jiġu rispettati dawk l-istandards bażiċi. ***Jenħtieġ ukoll li l-benefiċjarji jiġu kkumpensati kif xieraq biex jissodisfaw dawn l-istandards.*** Għandha l-għan ukoll li l-PAK issir aktar kompatibbli mal-aspettattivi tas-soċjetà permezz tat-titjib tal-konsistenza tal-politika mal-objettivi dwar l-ambjent, is-saħħa pubblika, is-saħħa tal-annimali, is-saħħa tal-pjanti u ***t-trattament xieraq*** tal-annimali. Jenħtieġ li l-kundizzjonalità tifforma parti integrali tal-arkitettura ambjentali tal-PAK, bħala parti mil-linja bażi għal impenji ambjentali u klimatiċi aktar ambizzjusżi, u jenħtieġ li tkun applikata b'mod komprensiv fl-Unjoni kollha. Għal dawk il-bdiewa li ma jikkonformawx ma' dawk ir-rekwiżiti, jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li jiġu applikati penali proporzjonali, effettivi u dissważivi f'konformità mar-[Regolament Orizzontali] |

**Emenda 22**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 22**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (22) Il-qafas tal-istandards tal-KAAT għandu l-għan li jikkontribwixxi għall-mitigazzjoni u l-adattament għat-tibdil fil-klima, l-indirizzar tal-isfidi tal-ilma, il-protezzjoni u l-kwalità tal-ħamrija u l-protezzjoni u l-kwalità tal-bijodiversità. Il-qafas irid jissaħħaħ sabiex iqis b'mod partikolari l-prattiki stabbiliti sal-2020 taħt l-ekoloġizzazzjoni tal-pagamenti diretti, il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-ħtieġa li tittejjeb is-sostenibbiltà tal-azjendi agrikoli, u b'mod partikolari l-ġestjoni tan-nutrijenti. | (22) Il-qafas tal-istandards tal-KAAT għandu l-għan li jikkontribwixxi għall-mitigazzjoni u l-adattament għat-tibdil fil-klima, l-indirizzar tal-isfidi tal-ilma, il-protezzjoni u l-kwalità tal-ħamrija u l-protezzjoni u l-kwalità tal-bijodiversità. Il-qafas irid jissaħħaħ sabiex iqis b'mod partikolari l-prattiki stabbiliti sal-2020 taħt l-ekoloġizzazzjoni tal-pagamenti diretti, il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-ħtieġa li tittejjeb is-sostenibbiltà tal-azjendi agrikoli, u b'mod partikolari l-ġestjoni tan-nutrijenti |

Huwa rikonoxxut li kull KAAT tikkontribwixxi għal objettivi multipli. Sabiex jiġi implimentat il-qafas, jenħtieġ li l-Istati Membri jiddefinixxu standard nazzjonali għal kull wieħed mill-istandards stabbiliti fil-livell tal-Unjoni filwaqt li iqisu l-karatteristiċi speċifiċi taż-żona kkonċernata, inkluż il-kundizzjonijiet tal-ħamrija u tal-klima, il-kundizzjonijiet eżistenti tal-biedja, l-użu tal-art, in-newba, il-prattiki tal-biedja u l-istrutturi tal-azjendi agrikoli. Barra minn hekk l-Istati Membri jistgħu wkoll jiddefinixxu standards nazzjonali oħra relatati mal-objettivi ewlenin stipulati fl-Anness III sabiex itejbu r-riżultati ambjentali u klimatiċi tal-qafas KAAT. Bħala pati mill-qafas KAAT, sabiex tiġi appoġġata l-prestazzjoni agronomika u ambjentali tal-azjendi agrikoli, se jiġu stabbiliti pjanijiet ta' ġestjoni tan-nutrijenti bl-għajnuna ta' Għodda għas-Sostenibbiltà tal-Azjendi Agrikoli elettronika apposta magħmula disponibbli mill-Istati Membri lill-bdiewa individwali. L-għodda jenħtieġ li tipprovdi appoġġ għad-deċiżjonijiet meħuda fl-azjendi agrikoli li jibda minn funzjonalitajiet minimi għall-ġestjoni tan-nutrijenti. Jenħtieġ li interoperabbiltà u modularità mifruxa jiżguraw il-possibbiltà li jiżdiedu applikazzjonijiet elettroniċi oħra fl-azjendi agrikoli u għall-governanza elettronika. Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi bejn il-bdiewa u fl-Unjoni kollha, il-Kummissjoni tista' tipprovdi appoġġ lill-Istati Membri fit-tfassil tal-Għodda kif ukoll fil-ħażna tad-data u fis-servizzi tal-ipproċessar meħtieġa.

***u t-tnaqqis tal-input tas-sustanzi kimiċi***. Huwa rikonoxxut li kull KAAT tikkontribwixxi għal objettivi multipli. Sabiex jiġi implimentat il-qafas, jenħtieġ li l-Istati Membri jiddefinixxu standard nazzjonali għal kull wieħed mill-istandards stabbiliti fil-livell tal-Unjoni filwaqt li iqisu l-karatteristiċi speċifiċi taż-żona kkonċernata, inkluż il-kundizzjonijiet tal-ħamrija u tal-klima, il-kundizzjonijiet eżistenti tal-biedja, l-użu tal-art, in-newba, il-prattiki tal-biedja u l-istrutturi tal-azjendi agrikoli. Barra minn hekk l-Istati Membri jistgħu wkoll jiddefinixxu standards nazzjonali oħra relatati mal-objettivi ewlenin stipulati fl-Anness III sabiex itejbu r-riżultati ambjentali u klimatiċi tal-qafas KAAT. Bħala pati mill-qafas KAAT, sabiex tiġi appoġġata l-prestazzjoni agronomika u ambjentali tal-azjendi agrikoli, se jiġu stabbiliti pjanijiet ta' ġestjoni tan-nutrijenti ***u tnaqqis tal-input*** bl-għajnuna ta' Għodda għas-Sostenibbiltà tal-Azjendi Agrikoli elettronika apposta magħmula disponibbli mill-Istati Membri lill-bdiewa individwali. ***L-użu ta' pjan ta' ġestjoni tan-nutrijenti jenħtieġ li jqis id-daqs u l-intensità tal-azjenda agrikola.*** L-għodda jenħtieġ li tipprovdi appoġġ għad-deċiżjonijiet meħuda fl-azjendi agrikoli li jibda minn funzjonalitajiet minimi għall-ġestjoni tan-nutrijenti ***u t-tnaqqis tal-input u t-titjib tal-kwalità tal-ħamrija***. Jenħtieġ li interoperabbiltà u modularità mifruxa jiżguraw il-possibbiltà li jiżdiedu applikazzjonijiet elettroniċi oħra fl-azjendi agrikoli u għall-governanza elettronika. Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi bejn il-bdiewa u fl-Unjoni kollha, il-Kummissjoni tista' tipprovdi appoġġ lill-Istati Membri fit-tfassil tal-Għodda kif ukoll fil-ħażna tad-data u fis-servizzi tal-ipproċessar meħtieġa.

**Emenda 23**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 22a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(22a) Filwaqt li l-prodotti tal-plastik agrikoli jikkostitwixxu perċentwal baxx tal-ammont globali tal-plastik użat u l-iskart tal-plastik iġġenerat, l-użu tagħhom huwa kkonċentrat ġeografikament. Barra minn hekk, il-kategoriji tal-prodotti tal-plastik agrikoli għandhom kompożizzjoni omoġena ħafna, li twassal biex il-fluss tal-iskart isir siewi ħafna għar-riċiklatur. Fil-proposta tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK jenħtieġ li tiġi indirizzata l-problema tal-iskart tal-plastik agrikolu u jenħtieġ li sal-2023, il-Kummissjoni Ewropea tintroduċi, kif xieraq, standard KAAT ġdid għal kundizzjoni tal-art agrikola u ambjentali tajba dwar l-iskart tal-plastik bħala element ġdid ta' kundizzjonalità mtejba fuq terminu medju. Skont ir-rekwiżit il-ġdid tal-kundizzjonalità, il-bdiewa jkunu obbligati jużaw impriża ta' ġestjoni tal-iskart awtorizzata biex jorganizzaw il-ġbir u r-riċiklaġġ tal-plastik, u jżommu evidenza li l-iskart tal-plastik ġie ttrattat b'mod korrett.*** |

**Emenda 24**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 23**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (23) L-SMRs iridu jkunu implimentati bis-sħiħ mill-Istati Membri sabiex isiru operattivi fil-livell tal-azjendi agrikoli u sabiex jiġi żgurat it-trattament ugwali tal-bdiewa. Sabiex tiġi żgurata l-konsistenza tar-regoli dwar il-kundizzjonalità fit-tisħiħ tas-sostenibbiltà tal-politika, jenħtieġ li l-SMRs jinkludu l-leġiżlazzjoni kollha tal-Unjoni dwar l-ambjent, is-saħħa pubblika, is-saħħa tal-annimali, is-saħħa tal-pjanti u ***l-benessri*** tal-annimali li l- | (23) L-SMRs iridu jkunu implimentati bis-sħiħ mill-Istati Membri sabiex isiru operattivi fil-livell tal-azjendi agrikoli u sabiex jiġi żgurat it-trattament ugwali tal-bdiewa. Sabiex tiġi żgurata l-konsistenza tar-regoli dwar il-kundizzjonalità fit-tisħiħ tas-sostenibbiltà tal-politika, jenħtieġ li l-SMRs jinkludu l-leġiżlazzjoni kollha tal-Unjoni dwar l-ambjent, is-saħħa pubblika, is-saħħa tal-annimali, is-saħħa tal-pjanti u ***t-trattament xieraq*** tal-annimali li l- |

implimentazzjoni tagħha fil-livell nazzjonali timplika obbligi preċiżi għall-bdiewa individwali, inkluż obbligi skont id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE[11] u d-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[12] jew id-Direttiva tal-Kunsill 91/676/KEE.[13] Sabiex issegwi d-dikjarazzjoni konġunta magħmula mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill kif mehmuża mar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill,[14] id-dispożizzjonijiet rilevanti tad-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[15] u d-Direttiva 2009/128/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[16] huma inklużi bħala SMRs fil-kamp ta' applikazzjoni tal-kundizzjonalità u l-lista tal-istandards tal-KAAT hija adatta kif meħtieġ.

implimentazzjoni tagħha fil-livell nazzjonali timplika obbligi preċiżi għall-bdiewa individwali, inkluż obbligi skont id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE[11] u d-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[12] jew id-Direttiva tal-Kunsill 91/676/KEE.[13] Sabiex issegwi d-dikjarazzjoni konġunta magħmula mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill kif mehmuża mar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill,[14] id-dispożizzjonijiet rilevanti tad-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[15] u d-Direttiva 2009/128/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[16] huma inklużi bħala SMRs fil-kamp ta' applikazzjoni tal-kundizzjonalità***, kif ukoll fid-Direttiva [Id-Direttiva XXX tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tnaqqis tal-impatt ta' ċerti prodotti tal-plastik fuq l-ambjent] u fir-Regolament (UE) 2019/6 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[16a]*** u l-lista tal-istandards tal-KAAT hija adatta kif meħtieġ.

[11] Id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal- habitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa (ĠU L 206, 22.7.1992, p. 7).

[12] Id-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi (ĠU L 20, 26.1.2010, p. 7).

[13] Id-Direttiva tal-Kunsill 91/676/KEE tat-12 ta' Diċembru 1991 dwar il-protezzjoni tal-ilma kontra t-tniġġis ikkawżat min-nitrati minn sorsi agrikoli (ĠU L 375, 31.12.1991, p. 1):

[14] Ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 352/78, (KE) Nru 165/94, (KE) Nru 2799/98, (KE) Nru

[11] Id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal- habitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa (ĠU L 206, 22.7.1992, p. 7).

[12] Id-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi (ĠU L 20, 26.1.2010, p. 7).

[13] Id-Direttiva tal-Kunsill 91/676/KEE tat-12 ta' Diċembru 1991 dwar il-protezzjoni tal-ilma kontra t-tniġġis ikkawżat min-nitrati minn sorsi agrikoli (ĠU L 375, 31.12.1991, p. 1):

[14] Ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 352/78, (KE) Nru 165/94, (KE) Nru 2799/98, (KE) Nru

| | |
|---|---|
| 814/2000, (KE) Nru 1290/2005 u (KE) Nru 485/2008 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 549). | 814/2000, (KE) Nru 1290/2005 u (KE) Nru 485/2008 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 549). |
| [15] Id-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2000 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma (ĠU L 327, 22.12.2000, p. 1). | [15] Id-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2000 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma (ĠU L 327, 22.12.2000, p. 1). |
| [16] Id-Direttiva 2009/128/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja biex jinkiseb użu sostenibbli tal-pestiċidi (ĠU L 309, 24.11.2009, p. 71). | [16] Id-Direttiva 2009/128/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja biex jinkiseb użu sostenibbli tal-pestiċidi (ĠU L 309, 24.11.2009, p. 71). |
| | ***[16a] Regolament (UE) 2019/6 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar prodotti mediċinali veterinarji u li jħassar id-Direttiva 2001/82/KE (ĠU L 4, 7.1.2019, p. 43).*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Is-sidien tal-annimali jew id-detenturi tal-annimali huma obbligati li jżommu rekords ta' prodotti mediċinali li jiġu applikati lilhom. Ir-Regolament jgħid ukoll li "Il-prodotti mediċinali antimikrobiċi ma għandhomx jiġu applikati sistematikament..". Il-mandat tal-UE dwar id-Direttiva SUP f'dan l-istadju (trilogi) jipproponi projbizzjoni fuq il-prodotti ossodegradabbli, bħal dawk li attwalment għadhom qed jintużaw fl-agrikoltura (pereżempju riti tal-mulch). Għas-saħħa tal-ħamrija tagħna, huwa kruċjali li dan jiġi implimentat u kkontrollat b'mod tajjeb (jekk ikun meħtieġ, imbagħad bħala KAAT u mhux SMR).*

**Emenda 25**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 24**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (24) Jenħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu sistemi konsultattivi għall-azjendi agrikoli bl-iskop li jittejbu l-ġestjoni sostenibbli u l-prestazzjoni ġenerali tal-azjendi agrikoli u tan-negozji rurali, filwaqt li jkopru d-dimensjonijiet ekonomiċi, ambjentali u soċjali u biex jiġi identifikat it-titjib meħtieġ fir-rigward tal- | (24) Jenħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu ***u jiżguraw l-aċċess għal*** sistemi konsultattivi għall-azjendi agrikoli bl-iskop li jittejbu l-ġestjoni sostenibbli u l-prestazzjoni ġenerali tal-azjendi agrikoli u tan-negozji rurali, filwaqt li jkopru d-dimensjonijiet ekonomiċi, ambjentali u soċjali u biex jiġi identifikat it-titjib |

| | |
|---|---|
| miżuri kollha fil-livell tal-azjendi agrikoli previsti fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK. Jenħtieġ li dawn is-sistemi konsultattivi għall-azjendi agrikoli jgħinu lill-bdiewa u lil benefiċjarji oħra tal-appoġġ tal-PAK biex isiru aktar konxji tar-relazzjoni bejn il-ġestjoni tal-azjenda agrikola u l-ġestjoni tal-art minn naħa, u ċerti standards, rekwiżiti u informazzjoni inkluż dawk ambjentali u klimatiċi, min-naħa l-oħra. Il-lista ta' dawn tal-aħħar tinkludi standards li japplikaw għall-bdiewa u għal benefiċjarji oħra tal-PAK jew li huma neċessarji għalihom u li huma stabbiliti fil-Pjan Strateġiku tal-PAK, kif ukoll dawk li jirriżultaw mil-leġiżlazzjoni dwar l-ilma, dwar l-użu sostenibbli tal-pestiċidi, kif ukoll l-inizjattivi għall-ġlieda kontra r-reżistenza għall-antimikrobiċi u l-ġestjoni ***tar-riskji***. Sabiex tissaħħaħ il-kwalità u l-effettività tal-pariri, jenħtieġ li l-Istati Membri jintegraw il-konsulenti fis-Sistemi tal-Għarfien u tal-Innovazzjoni Agrikoli (AKIS), sabiex ikunu jistgħu jagħtu informazzjoni teknoloġika u xjentifika aġġornata żviluppata mir-riċerka u l-innovazzjoni. | meħtieġ fir-rigward tal-miżuri kollha fil-livell tal-azjendi agrikoli previsti fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK. Jenħtieġ li dawn is-sistemi konsultattivi għall-azjendi agrikoli jgħinu lill-bdiewa u lil benefiċjarji oħra tal-appoġġ tal-PAK biex isiru aktar konxji tar-relazzjoni bejn il-ġestjoni tal-azjenda agrikola u l-ġestjoni tal-art minn naħa, u ċerti standards, rekwiżiti u informazzjoni inkluż dawk ambjentali u klimatiċi ***kif ukoll dwar it-trattament xieraq tal-annimali***, min-naħa l-oħra. Il-lista ta' dawn tal-aħħar tinkludi standards li japplikaw għall-bdiewa u għal benefiċjarji oħra tal-PAK jew li huma neċessarji għalihom u li huma stabbiliti fil-Pjan Strateġiku tal-PAK, kif ukoll dawk li jirriżultaw mil-leġiżlazzjoni dwar l-ilma, dwar l-użu sostenibbli tal-pestiċidi, kif ukoll l-inizjattivi għall-ġlieda kontra r-reżistenza għall-antimikrobiċi***, il-ġestjoni tar-riskji,*** u ***biex tiġi promossa*** l-ġestjoni ***sostenibbli tan-nutrijenti, u t-tnaqqis tal-input***. Sabiex tissaħħaħ il-kwalità u l-effettività tal-pariri, jenħtieġ li l-Istati Membri jintegraw il-konsulenti fis-Sistemi tal-Għarfien u tal-Innovazzjoni Agrikoli (AKIS), sabiex ikunu jistgħu jagħtu informazzjoni teknoloġika u xjentifika aġġornata żviluppata mir-riċerka u l-innovazzjoni. |

**Emenda 26**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 24a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(24a) Sabiex jiġi żgurat li l-bdiewa fl-Unjoni jingħataw pariri ta' kwalità għolja, il-Kummissjoni jenħtieġ li tiddefinixxi standards minimi fir-rigward tas-servizzi ta' konsulenza għall-azjendi agrikoli, f'termini tal-kwalità u tal-kopertura territorjali tal-pariri li jingħataw. Qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan*** |

| | |
|---|---|
| | ***ir-Regolament u għall-finijiet tal-kontroll tal-kwalità, il-Kummissjoni jenħtieġ li takkredita s-servizzi ta' konsulenza għall-azjendi agrikoli kollha. Fil-każijiet fejn din tikkonkludi li servizz konsultattiv għall-azjendi agrikoli ma jissodisfax l-istandards minimi, il-Kummissjoni jenħtieġ li tinnotifika lill-Istat Membru kkonċernat bil-miktub u titolbu jieħu azzjoni ta' rimedju.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Il-bdiewa jeħtieġ li jiksbu tipi ġodda ta' ħiliet u għarfien sabiex jadottaw prattiki agrikoli ġodda u aktar sostenibbli, li spiss ikunu aktar kumplessi minn dawk li jeżistu bħalissa. Għalhekk, l-għoti ta' servizzi ta' konsulenza għall-azjendi agrikoli (FAS) ta' kwalità għolja qed isir dejjem aktar importanti. Madankollu, bħalissa jidher li l-PAK ma għandhiex sistema reali biex tikkontrolla l-kwalità tal-FAS, li l-kapaċità tagħhom biex jgħinu lill-bdiewa tvarja ħafna bejn l-Istati Membri.*

**Emenda 27**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 25**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (25) Sabiex tiġi żgurata distribuzzjoni aktar ġusta tal-appoġġ għall-introjtu, l-ammonti tal-pagamenti diretti 'l fuq minn ċertu limitu massimu jenħtieġ li ***jitnaqqsu*** u l-prodott jenħtieġ li ***jew jintużaw għall-pagamenti diretti diżakkoppjati u bi*** prijorità ***għall-appoġġ għall-introjtu ridistributtiv komplementarju għas-sostenibbiltà***, jew jiġi trasferit lill-FAEŻR***. Sabiex jiġu evitati effetti negattivi fuq l-impjieg, jenħtieġ li titqies il-manodopera meta jiġi applikat il-mekkaniżmu.*** | (25) Sabiex tiġi żgurata distribuzzjoni aktar ġusta tal-appoġġ għall-introjtu, l-ammonti tal-pagamenti diretti 'l fuq minn ċertu limitu massimu jenħtieġ li ***jiġu limitati*** u l-prodott jenħtieġ li ***jintuża, bħala*** prijorità***, għal skemi favur il-klima u l-ambjent***, jew jiġi trasferit lill-FAEŻR***, u jintuża għal pagamenti diretti diżakkoppjati għall-appoġġ għall-introjtu ridistributtiv komplementarju għas-sostenibbiltà;*** |

**Emenda 28**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 28**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (28) L-azjendi agrikoli żgħar jibqgħu l-qofol tal-agrikoltura tal-Unjoni minħabba li għandhom rwol vitali fl-appoġġ tal-impjiegi rurali u jikkontribwixxu ***għall-iżvilupp*** territorjali. Sabiex tiġi promossa distribuzzjoni aktar ibbilanċjata tal-appoġġ u sabiex jitnaqqas il-piż amministrattiv għall-benefiċjarji ta' ammonti żgħar, jenħtieġ li l-Istati Membri jkollhom l-għażla li joffru lill-bdiewa żgħar il-possibbiltà li jissosstitwixxu l-pagamenti diretti l-oħra billi jipprovdu pagament ta' somma f'daqqa għall-eqreb numru sħiħ għall-bdiewa żgħar. | (28) L-azjendi agrikoli żgħar jibqgħu l-qofol tal-agrikoltura tal-Unjoni minħabba li għandhom rwol vitali fl-appoġġ tal-impjiegi rurali***, b'mod partikolari fiż-żoni żvantaġġati u periferali,*** u jikkontribwixxu ***għal żvilupp*** territorjali ***bbilanċjat***. Sabiex tiġi promossa distribuzzjoni aktar ibbilanċjata tal-appoġġ u sabiex jitnaqqas il-piż amministrattiv għall-benefiċjarji ta' ammonti żgħar, jenħtieġ li l-Istati Membri jkollhom l-għażla li joffru lill-bdiewa żgħar il-possibbiltà li jissosstitwixxu l-pagamenti diretti l-oħra billi jipprovdu pagament ta' somma f'daqqa għall-eqreb numru sħiħ għall-bdiewa żgħar. |

*Ġustifikazzjoni*

*L-azjendi agrikoli żgħar li jinsabu f'żoni periferali u żvantaġġati qed jiffaċċjaw theddida partikolari.*

**Emenda 29**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 30a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(30a) Il-biedja organika qed tiżviluppa f'bosta pajjiżi Ewropej u għandha rekord ippruvat li tipprovdi beni pubbliċi, tippreserva s-servizzi tal-ekosistema u r-riżorsi naturali, tnaqqas l-inputs, tattira lill-bdiewa żgħażagħ u lin-nisa b'mod partikolari, toħloq impjiegi, tesperimenta b'mudelli ta' negozju ġodda, tissodisfa l-eżiġenzi tas-soċjetà, u tagħti spinta liż-żoni rurali. Madankollu, iż-żieda fid-domanda għal prodotti organiċi tkompli tisboq it-tkabbir fil-produzzjoni. L-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li l-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom jinkludu objettivi li jżidu s-sehem ta' art agrikola*** |

| | |
|---|---|
| | ***b'ġestjoni organika sabiex tiġi ssodisfata d-domanda dejjem akbar għal prodotti organiċi, u tiġi żviluppata l-katina tal-provvista organika kollha. L-Istati Membri jistgħu jiffinanzjaw il-konverżjoni u l-manutenzjoni organiċi permezz ta' miżuri għall-iżvilupp rurali jew ekoskemi, jew permezz ta' taħlita tat-tnejn li huma, u jenħtieġ li jiżguraw li l-baġits allokati jkunu fuq l-istess livell tat-tkabbir mistenni fil-produzzjoni organika.*** |

**Emenda 30**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 31**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (31) Jenħtieġ li l-PAK tiżgura li l-Istati Membri jtejbu r-riżultati ambjentali billi jirrispettaw il-ħtiġijiet lokali u ċ-ċirkostanzi reali tal-bdiewa. Taħt ***il-pagament*** diretti fil-Pjan Strateġiku tal-PAK, jenħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu Ekoskemi volontarji għall-bdiewa li jenħtieġ li jkunu koordinati bis-sħiħ mal-interventi rilevanti l-oħra. Dawn jenħtieġ li jiġu definiti mill-Istati Membri bħala pagament li jingħata jew għall-inċentivar u r-rimunerazzjoni tal-provvista ta' oġġetti pubbliċi mill-prattiki agrikoli ta' benefiċċju għall-ambjent u għall-klima jew bħala kumpens għall-introduzzjoni ta' dawn il-prattiki. Fiż-żewġ każijiet jenħtieġ li l-għan tagħhom ikun li tissaħħaħ il-prestazzjoni ambjentali u klimatika tal-PAK u konsegwentement jenħtieġ li jkunu maħsuba li jmorru lil hinn mir-rekwiżiti obbligatorji diġà preskritti mis-sistema ta' kundizzjonalità. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jistabbilixxu ekoskemi għall-prattiki agrikoli bħal pereżempju l-ġestjoni msaħħa tal-bur permanenti u l-karatteristiċi tal-pajsaġġ, u l-biedja organika. Dawn l-iskemi jistgħu wkoll jinkludu "skemi ta' livell ta' dħul" li tista' tkun kundizzjoni | (31) Jenħtieġ li l-PAK tiżgura li l-Istati Membri jtejbu r-riżultati ambjentali billi jirrispettaw il-ħtiġijiet lokali u ċ-ċirkostanzi reali tal-bdiewa. Taħt ***il-pagamenti*** diretti fil-Pjan Strateġiku tal-PAK, jenħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu***, abbażi ta' lista ta' prattiki agrikoli ta' benefiċċju għall-klima u l-ambjent stabbilita mill-Kummissjoni,*** Ekoskemi volontarji għall-bdiewa li jenħtieġ li jkunu koordinati bis-sħiħ mal-interventi rilevanti l-oħra. Dawn jenħtieġ li jiġu definiti mill-Istati Membri bħala pagament li jingħata jew għall-inċentivar u r-rimunerazzjoni tal-provvista ta' oġġetti pubbliċi mill-prattiki agrikoli ta' benefiċċju għall-ambjent u għall-klima jew bħala kumpens għall-introduzzjoni ta' dawn il-prattiki. Fiż-żewġ każijiet jenħtieġ li l-għan tagħhom ikun li tissaħħaħ il-prestazzjoni ambjentali u klimatika tal-PAK u konsegwentement jenħtieġ li jkunu maħsuba li jmorru lil hinn mir-rekwiżiti obbligatorji diġà preskritti mis-sistema ta' kundizzjonalità. L-Istati Membri ***jenħtieġ li jwarrbu ċertu perċentwal tal-allokazzjoni tal-pagamenti diretti tagħhom għall-ekoskemi. L-Istati Membri*** jistgħu |

biex jittieħdu impenji tal-iżvilupp rurali aktar ambizzjużi. | jiddeċiedu li jistabbilixxu ekoskemi għall-prattiki agrikoli bħal pereżempju l-ġestjoni msaħħa tal-bur permanenti u l-karatteristiċi tal-pajsaġġ ***permanenti***, ***is-sistemi ta' ċertifikazzjoni ambjentali*** u l-biedja organika. Dawn l-iskemi jistgħu wkoll jinkludu "skemi ta' livell ta' dħul" li tista' tkun kundizzjoni biex jittieħdu impenji tal-iżvilupp rurali aktar ambizzjużi.

**Emenda 31**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 32**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (32) Jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jużaw parti mill-limitu massimu finanzjarju tagħhom disponibbli għall-pagamenti diretti għall-csabiex itejbu l-kompetittività, is-sostenibbiltà u/jew il-kwalità f'ċerti setturi u produzzjonijiet li huma partikolarment importanti għal raġunijiet soċjali, ekonomiċi ***jew*** ambjentali u li jgħaddu minn ċerti diffikultajiet. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu wkoll jużaw parti addizzjonali tal-limitu massimu finanzjarju tagħhom disponibbli għall-pagamenti diretti biex jagħtu l-appoġġ akkoppjat għall-introjtu speċifikament għall-appoġġ tal-produzzjoni tal-għelejjel tal-proteina sabiex jitnaqqas id-defiċit tal-Unjoni f'dan ir-rigward. | (32) Jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jużaw parti mill-limitu massimu finanzjarju tagħhom disponibbli għall-pagamenti diretti għall-csabiex itejbu l-kompetittività, is-sostenibbiltà u/jew il-kwalità f'ċerti setturi u produzzjonijiet li huma partikolarment importanti għal raġunijiet soċjali, ekonomiċi***,*** ambjentali ***jew għal raġunijiet li jaffettwaw it-trattament xieraq tal-annimali*** u li jgħaddu minn ċerti diffikultajiet. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu wkoll jużaw parti addizzjonali tal-limitu massimu finanzjarju tagħhom disponibbli għall-pagamenti diretti biex jagħtu l-appoġġ akkoppjat għall-introjtu speċifikament għall-appoġġ tal-produzzjoni tal-għelejjel tal-proteina sabiex jitnaqqas id-defiċit tal-Unjoni f'dan ir-rigward. |

**Emenda 32**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 37**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (37) Għall-interventi għall-iżvilupp | (37) Għall-interventi għall-iżvilupp |

| | |
|---|---|
| rurali, il-prinċipji huma definiti fil-livell tal-Unjoni, b'mod partikolari fir-rigward tar-rekwiżiti bażiċi biex l-Istati Membri japplikaw il-kriterji ta' għażla. Madankollu, jenħtieġ li l-Istati Membri jkollhom diskrezzjoni wiesgħa biex jiddefinixxu kundizzjonijiet speċifiċi skont il-ħtiġijiet tagħhom. It-tipi ta' interventi għall-iżvilupp rurali jinkludu pagamenti għall-impenji ambjentali, klimatiċi u ta' ġestjoni oħrajn li l-Istati Membri jenħtieġ li jappoġġaw fit-territorji tagħhom kollha, skont il-ħtiġijiet speċifiċi nazzjonali, reġjonali jew lokali tagħhom. Jenħtieġ li l-Istati Membri jagħtu pagamenti lill-bdiewa u maniġers tal-art oħrajn li, fuq bażi volontarja, jieħdu impenji ta' ġestjoni li jikkontribwixxu għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u ***l-adattament*** għalih u għall-protezzjoni u t-titjib tal-ambjent inkluż il-kwalità u l-kwantità tal-ilma, il-kwalità tal-arja, il-ħamrija, il-biodiversity u s-servizzi tal-ekosistema inkluż impenji volontarji fin-Natura 2000 u appoġġ għad-diversità ġenetika. L-appoġġ taħt il-pagamenti għall-impenji ta' ġestjoni jista' wkoll jingħata fil-forma ta' approċċi mmexxija lokalment, integrati jew kooperattivi u interventi bbażati fuq ir-riżultati. | rurali, il-prinċipji huma definiti fil-livell tal-Unjoni, b'mod partikolari fir-rigward tar-rekwiżiti bażiċi biex l-Istati Membri japplikaw il-kriterji ta' għażla. Madankollu, jenħtieġ li l-Istati Membri jkollhom diskrezzjoni wiesgħa biex jiddefinixxu kundizzjonijiet speċifiċi skont il-ħtiġijiet tagħhom. It-tipi ta' interventi għall-iżvilupp rurali jinkludu pagamenti għall-impenji ambjentali, klimatiċi u ta' ġestjoni oħrajn li l-Istati Membri jenħtieġ li jappoġġaw fit-territorji tagħhom kollha, skont il-ħtiġijiet speċifiċi nazzjonali, reġjonali jew lokali tagħhom. Jenħtieġ li l-Istati Membri jagħtu pagamenti lill-bdiewa u ***lil*** maniġers tal-art oħrajn li, fuq bażi volontarja, jieħdu impenji ta' ġestjoni li jikkontribwixxu għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u ***għall-adattament*** għalih u għall-protezzjoni u t-titjib tal-ambjent inkluż il-kwalità u l-kwantità tal-ilma, il-kwalità tal-arja, il-ħamrija, il-biodiversity u s-servizzi tal-ekosistema inkluż impenji volontarji fin-Natura 2000***, iż-Żoni b'Valur Naturali Għoli*** u appoġġ għad-diversità ġenetika. L-appoġġ taħt il-pagamenti għall-impenji ta' ġestjoni jista' wkoll jingħata fil-forma ta' approċċi mmexxija lokalment, integrati jew kooperattivi u interventi bbażati fuq ir-riżultati. |

**Emenda 33**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 38**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (38) L-appoġġ għall-impenji tal-ġestjoni jistgħu jinkludu primjums tal-bieda organika għall-manutenzjoni tal-art organika u l-konverżjoni tagħha; il-pagamenti għal tipi oħra ta' interventi li jappoġġaw sistemi ta' produzzjoni li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent ***bħall-agroekoloġija***, ***l-agrikoltura ta' konservazzjoni u l-produzzjoni*** integrata; | (38) L-appoġġ għall-impenji tal-ġestjoni jistgħu jinkludu primjums tal-bieda organika għall-manutenzjoni tal-art organika u l-konverżjoni tagħha; il-pagamenti għal tipi oħra ta' interventi li jappoġġaw sistemi ta' produzzjoni li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent ***bħall-biedja b'Valur Naturali Għoli***, ***l-agroekoloġija, il-produzzjoni*** integrata ***u l-biedja diġitali*** |

| | |
|---|---|
| is-servizzi forestali ambjentali u klimatiċi u l-konservazzjoni tal-foresti; il-primjums għall-foresti u l-istabbiliment tas-sistemi tal-agroforestrija; ***il-benessri*** tal-annimali; il-konservazzjoni, l-użu sostenibbli u l-iżvilupp tar-riżorsi ġenetiċi. L-Istati Membri jistgħu jiżviluppaw skemi oħrajn taħt dan it-tip ta' interventi fuq il-bażi tal-ħtiġijiet tagħhom. Jenħtieġ li dan it-tip ta' pagamenti jkopri biss l-ispejjeż addizzjonali u l-introjtu mitluf li jirriżultaw mill-impenji li jmorru lil hinn mil-linja bażi tal-istandards u r-rekwiżiti obbligatorji stabbiliti fid-dritt tal-Unjoni u fil-liġi nazzjonali, kif ukoll il-kundizzjonalità, kif stabbilit fil-Pjan Strateġiku tal-PAK. L-impenji relatati ma' dan it-tip ta' interventi jistgħu jittieħdu għal perjodu annwali jew pluriennali prestabbilit u jistgħu jmorru lil hinn minn seba' snin fejn dan ikun debitament ġustifikat. | ***u bi preċiżjoni li hi ta' benefiċċju għall-ambjent***; is-servizzi forestali ambjentali u klimatiċi u l-konservazzjoni tal-foresti; il-primjums għall-foresti u l-istabbiliment tas-sistemi tal-agroforestrija; ***It-trattament xieraq tal-annimali u s-saħħa*** tal-annimali; il-konservazzjoni, l-użu sostenibbli u l-iżvilupp tar-riżorsi ġenetiċi ***u l-bijodiversità***. L-Istati Membri jistgħu jiżviluppaw skemi oħrajn taħt dan it-tip ta' interventi fuq il-bażi tal-ħtiġijiet tagħhom. Jenħtieġ li dan it-tip ta' pagamenti jkopri biss l-ispejjeż addizzjonali u l-introjtu mitluf li jirriżultaw mill-impenji li jmorru lil hinn mil-linja bażi tal-istandards u r-rekwiżiti obbligatorji stabbiliti fid-dritt tal-Unjoni u fil-liġi nazzjonali, kif ukoll il-kundizzjonalità, kif stabbilit fil-Pjan Strateġiku tal-PAK. L-impenji relatati ma' dan it-tip ta' interventi jistgħu jittieħdu għal perjodu annwali jew pluriennali prestabbilit u jistgħu jmorru lil hinn minn seba' snin fejn dan ikun debitament ġustifikat. |

**Emenda 34**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 39**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (39) Jenħtieġ li l-miżuri tal-forestrija jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-Foresti tal-Unjoni, u jkunu bbażati fuq il-programmi tal-foresti nazzjonali jew subnazzjonali jew strumenti ekwivalenti tal-Istati Membri, li jenħtieġ li jibnu fuq l-impenji li jirriżultaw mir-Regolament dwar l-inklużjoni tal-emissjonijiet u l-assorbimenti ta' gassijiet serra mill-użu tal-art, mit-tibdil fl-użu tal-art u mill-forestrija [ir-Regolament LULUCF] u dawk li ttieħdu fil-Konferenzi Ministerjali dwar il-Protezzjoni tal-Foresti fl-Ewropa. Jenħtieġ li l-interventi jiġu bbażati fuq il-pjanijiet ta' ġestjoni tal- | (39) Jenħtieġ li l-miżuri tal-forestrija jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-Foresti tal-Unjoni, u jkunu bbażati fuq il-programmi tal-foresti nazzjonali jew subnazzjonali jew strumenti ekwivalenti tal-Istati Membri, li jenħtieġ li jibnu fuq l-impenji li jirriżultaw mir-Regolament dwar l-inklużjoni tal-emissjonijiet u l-assorbimenti ta' gassijiet serra mill-użu tal-art, mit-tibdil fl-użu tal-art u mill-forestrija [ir-Regolament LULUCF] u dawk li ttieħdu fil-Konferenzi Ministerjali dwar il-Protezzjoni tal-Foresti fl-Ewropa. Jenħtieġ li l-interventi jiġu bbażati fuq il-pjanijiet ta' ġestjoni tal- |

foresti jew strumenti ekwivalenti u jistgħu jinkludu l-iżvilupp taż-żoni tal-foresti u l-ġestjoni sostenibbli tal-foresti, inkluż l-afforestazzjoni tal-art u l-ħolqien u r-riġenerazzjoni tas-sistemi agroforestali; il-protezzjoni, ir-restawr u t-titjib tar-riżorsi tal-foresti, filwaqt li jitqiesu l-ħtiġijiet tal-adattament; l-investimenti biex jiġu garantiti u msaħħa l-konservazzjoni u reżiljenza tal-foresti, u l-provvista ta' servizzi dwar il-klima u l-ekosistema tal-foresti; u miżuri u investimenti għall-appoġġ tal-enerġija rinnovabbli u tal-bijoekonomija.

foresti ***sostenibbli*** jew strumenti ekwivalenti ***li jipprovdu s-sekwestru effikaċi tal-karbonju mill-atmosfera filwaqt li tittejjeb il-bijodiversità*** u jistgħu jinkludu l-iżvilupp taż-żoni tal-foresti u l-ġestjoni sostenibbli tal-foresti, inkluż l-afforestazzjoni tal-art***, il-prevenzjoni ta' nirien*** u l-ħolqien u r-riġenerazzjoni tas-sistemi agroforestali; il-protezzjoni, ir-restawr u t-titjib tar-riżorsi tal-foresti, filwaqt li jitqiesu l-ħtiġijiet tal-adattament; l-investimenti biex jiġu garantiti u msaħħa l-konservazzjoni u reżiljenza tal-foresti, u l-provvista ta' servizzi dwar il-klima u l-ekosistema tal-foresti; u miżuri u investimenti għall-appoġġ tal-enerġija rinnovabbli u tal-bijoekonomija.

**Emenda 35**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 40**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (40) Sabiex jiġi żgurat introjtu ġust u settur agrikolu reżiljenti fit-territorju kollu tal-Unjoni, l-Istati Membri jistgħu jagħtu appoġġ lill-bdiewa f'żoni li qed jiffaċċjaw restrizzjonijiet naturali u restrizzjonijiet oħra speċifiċi għaż-żona. Fir-rigward tal-pagamenti għall-ANC, id-deżinjazzjoni tal-politika ta' Żvilupp Rurali 2014–2020 jenħtieġ li tkompli tapplika. Biex il-PAK tagħti valur miżjud imsaħħaħ tal-Unjoni fuq l-ambjent u rinforza s-sinerġiji tagħha mal-finanzjament tal-investimenti fin-natura u l-bijodiversità, huwa meħtieġ li jkun hemm miżura separata li l-mira tagħha tkun li l-benefiċjarji jiġu kkumpensati għall-iżvantaġġi relatati mal-implimentazzjoni tan-Natura 2000 u tad-Direttivi Qafas dwar l-Ilma. Għalhekk jenħtieġ li jibqa' jingħata l-appoġġ lill-bdiewa u lid-detenturi tal-foresti biex ikunu jistgħu jiġu indirizzati l-iżvantaġġi speċifiċi li jirriżultaw mill- | (40) Sabiex jiġi żgurat introjtu ġust u settur agrikolu reżiljenti fit-territorju kollu tal-Unjoni, l-Istati Membri jistgħu jagħtu appoġġ lill-bdiewa f'żoni li qed jiffaċċjaw restrizzjonijiet naturali u restrizzjonijiet oħra speċifiċi għaż-żona. Fir-rigward tal-pagamenti għall-ANC, id-deżinjazzjoni tal-politika ta' Żvilupp Rurali 2014–2020 jenħtieġ li tkompli tapplika. Biex il-PAK tagħti valur miżjud imsaħħaħ tal-Unjoni fuq l-ambjent u rinforza s-sinerġiji tagħha mal-finanzjament tal-investimenti fin-natura u l-bijodiversità, huwa meħtieġ li jkun hemm miżura separata li l-mira tagħha tkun li l-benefiċjarji jiġu kkumpensati għall-iżvantaġġi relatati mal-implimentazzjoni tan-Natura 2000 u tad-Direttivi Qafas dwar l-Ilma. Għalhekk jenħtieġ li jibqa' jingħata l-appoġġ lill-bdiewa u lid-detenturi tal-foresti biex ikunu jistgħu jiġu indirizzati l-iżvantaġġi speċifiċi li jirriżultaw mill- |

| | |
|---|---|
| implimentazzjoni tad-Direttiva 2009/147/KE u d-Direttiva 92/43/KEE u sabiex jikkontribwixxi għall-ġestjoni effettiva tas-siti tan-Natura 2000. Jenħtieġ li l-appoġġ ikun disponibbli wkoll għall-bdiewa biex jgħinhom jindirizzaw l-iżvantaġġi fiż-żoni tal-baċiri idrografiċi li jirriżultaw mill-implimentazzjoni tad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma. L-appoġġ jenħtieġ li jkun marbut ma' rekwiżiti speċifiċi deskritti fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK li jmorru lil hinn mill-istandards u r-rekwiżiti obbligatorji rilevanti. Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw ukoll li l-pagamenti lill-bdiewa ma jwasslux għal finanzjament doppju mal-ekoskemi. Barra minn hekk, jenħtieġ li jitqiesu l-ħtiġijiet speċjali taż-żoni tan-Natura 2000 mill-Istati Membri fit-tfassil kumplessiv tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom. | implimentazzjoni tad-Direttiva 2009/147/KE u d-Direttiva 92/43/KEE u sabiex jikkontribwixxi għall-ġestjoni effettiva tas-siti tan-Natura 2000. Jenħtieġ li l-appoġġ ikun disponibbli wkoll għall-bdiewa biex jgħinhom jindirizzaw l-iżvantaġġi fiż-żoni tal-baċiri idrografiċi li jirriżultaw mill-implimentazzjoni tad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma. L-appoġġ jenħtieġ li jkun marbut ma' rekwiżiti speċifiċi deskritti fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK li jmorru lil hinn mill-istandards u r-rekwiżiti obbligatorji rilevanti. Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw ukoll li l-pagamenti lill-bdiewa ma jwasslux għal finanzjament doppju mal-ekoskemi***, filwaqt li fl-istess ħin jippermettu biżżejjed flessibbiltà fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK biex tiġi ffaċilitata l-komplementarjetà bejn interventi differenti***. Barra minn hekk, jenħtieġ li jitqiesu l-ħtiġijiet speċjali taż-żoni tan-Natura 2000 mill-Istati Membri fit-tfassil kumplessiv tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom. |

**Emenda 36**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 41**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (41) Jenħtieġ li l-objettivi tal-PAK jiġu segwiti permezz ta' appoġġ għall-investimenti, produttivi kif ukoll mhux produttivi, fuq l-azjenda agrikola u barra minnha. Investimenti bħal dawn jistgħu jikkonċernaw, inter alia, l-infrastrutturi relatati mal-iżvilupp, il-modernizzazzjoni jew l-adattament għat-tibdil fil-klima tal-agrikoltura u tal-forestrija, inkluż l-aċċess għall-art tal-azjendi agrikoli u l-art tal-foresti, il-konsolidazzjoni u t-titjib tal-art, il-prattiki agroforestali u l-provvista u l-iffrankar tal-enerġija u tal-ilma. Sabiex tiġi żgurata aħjar il-konsistenza tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK mal-objettivi tal-Unjoni, | (41) Jenħtieġ li l-objettivi tal-PAK jiġu segwiti permezz ta' appoġġ għall-investimenti, produttivi kif ukoll mhux produttivi, fuq l-azjenda agrikola u barra minnha. Investimenti bħal dawn jistgħu jikkonċernaw, inter alia, l-infrastrutturi relatati mal-iżvilupp, il-modernizzazzjoni jew l-adattament għat-tibdil fil-klima tal-agrikoltura u tal-forestrija, inkluż l-aċċess għall-art tal-azjendi agrikoli u l-art tal-foresti, il-konsolidazzjoni u t-titjib tal-art, il-prattiki agroforestali u l-provvista u l-iffrankar tal-enerġija u tal-ilma. Sabiex tiġi żgurata aħjar il-konsistenza tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK mal-objettivi tal-Unjoni, |

kif ukoll kundizzjonijiet ekwi bejn l-Istati Membri, lista negattiva ta' suġġetti ta' investiment hija inkluża f'dan ir-Regolament. | kif ukoll kundizzjonijiet ekwi bejn l-Istati Membri, lista negattiva ta' suġġetti ta' investiment hija inkluża f'dan ir-Regolament.

**Emenda 37**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 44**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (44) Fid-dawl tal-ħtieġa li jiġu żgurati għodod xierqa għall-ġestjoni tar-riskju, jenħtieġ li jinżammu ***l-primjums tal-assigurazzjoni u*** l-fondi mutwi, iffinanzjati ***mill-FAEŻR***. Il-kategorija tal-fondi mutwi tinkludi kemm dawk marbutin mat-telf tal-produzzjoni, kif ukoll l-għodod ta' stabbilizzazzjoni tal-introjtu speċifiċi għal kull settur, marbuta mat-telf fl-introjtu. | (44) Fid-dawl tal-ħtieġa li jiġu żgurati għodod xierqa għall-ġestjoni tar-riskju ***f'setturi speċifiċi***, jenħtieġ li jinżammu l-fondi mutwi, iffinanzjati ***mill-FAEG***. Il-kategorija tal-fondi mutwi tinkludi kemm dawk marbutin mat-telf tal-produzzjoni, kif ukoll l-għodod ta' stabbilizzazzjoni tal-introjtu speċifiċi għal kull settur, marbuta mat-telf fl-introjtu. |

*Ġustifikazzjoni*

*L-ebda premju mill-ġestjoni tar-riskju*

**Emenda 38**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 45**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (45) Jenħtieġ li l-appoġġ jippermetti l-istabbiliment u l-implimentazzjoni tal-kooperazzjoni bejn mill-inqas żewġ entitajiet fid-dawl tal-kisba tal-objettivi tal-PAK. L-appoġġ jista' jinkludi l-aspetti kollha ta' kooperazzjoni bħal din, bħal pereżempju t-twaqqif ta' skemi ta' kwalità; azzjoni ambjentali u klimatika kollettiva; il-promozzjoni ta' katina ta' provvista qasira u swieq lokali; proġetti pilota; Il-proġetti tal-Grupp Operattiv fi ħdan il-proġetti ta' żvilupp lokali tal-EIP għall- | (45) Jenħtieġ li l-appoġġ jippermetti l-istabbiliment u l-implimentazzjoni tal-kooperazzjoni bejn mill-inqas żewġ entitajiet fid-dawl tal-kisba tal-objettivi tal-PAK. L-appoġġ jista' jinkludi l-aspetti kollha ta' kooperazzjoni bħal din, bħal pereżempju t-twaqqif ***u l-manutenzjoni*** ta' skemi ta' kwalità; azzjoni ambjentali u klimatika kollettiva; il-promozzjoni ta' katina ta' provvista qasira u swieq lokali; proġetti pilota; Il-proġetti tal-Grupp Operattiv fi ħdan il-proġetti ta' żvilupp |

| | |
|---|---|
| produttività u s-sostenibbiltà fil-qasam agrikolu, l-Irħula Intelliġenti, il-klabbs tax-xerrejja u l-assoċjazzjonijiet għall-użu kollettiv tal-makkinarju agrikolu (machinery rings); sħubijiet tal-azjendi agrikoli; pjanijiet tal-ġestjoni tal-foresti; netwerks u raggruppamenti; biedja soċjali; agrikultura appoġġata mill-komunità; azzjonijiet fil-kamp ta' applikazzjoni tal-LEADER; u t-twaqqif ta' gruppi ta' produtturi u organizzazzjonijiet ta' produtturi, kif ukoll forom oħra ta' kooperazzjoni li jitqiesu meħtieġa biex jinkisbu l-objettivi speċifiċi tal-PAK. | lokali tal-EIP għall-produttività u s-sostenibbiltà fil-qasam agrikolu, l-Irħula Intelliġenti, il-klabbs tax-xerrejja u l-assoċjazzjonijiet għall-użu kollettiv tal-makkinarju agrikolu (machinery rings); sħubijiet tal-azjendi agrikoli; pjanijiet tal-ġestjoni tal-foresti***, inkluża l-agroforestrija***; netwerks u raggruppamenti; biedja soċjali; agrikultura appoġġata mill-komunità; azzjonijiet fil-kamp ta' applikazzjoni tal-LEADER; u t-twaqqif ta' gruppi ta' produtturi u organizzazzjonijiet ta' produtturi, kif ukoll forom oħra ta' kooperazzjoni li jitqiesu meħtieġa biex jinkisbu l-objettivi speċifiċi tal-PAK. |

**Emenda 39**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 48**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (48) L-appoġġ għall-pagamenti diretti skont il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK jenħtieġ li jingħata fil-limitu tal-allokazzjonijiet nazzjonali li jridu jiġu stabbiliti f'dan ir-Regolament. Dawn l-allokazzjonijiet nazzjonali jenħtieġ li jirriflettu kontinwazzjoni tal-bidliet fejn l-allokazzjonijiet lill-Istati Membri bl-aktar livell baxx ta' appoġġ għal kull ettaru jiżdiedu b'mod gradwali biex jagħlqu 50 % tad-diskrepanza lejn 90 % tal-medja tal-Unjoni. Sabiex jitqies il-mekkaniżmu tat-tnaqqis tal-pagamenti u l-użu tal-prodott tiegħu fl-Istat Membru, l-allokazzjonijiet finanzjarji indikattivi totali kull sena fil-Pjan Strateġiku tal-PAK ta' Stat Membru jenħtieġ li jkun jista' jaqbeż l-allokazzjoni nazzjonali. | (48) ***Il-FAEG jenħtieġ li ma jipprovdix appoġġ għall-attivitajiet li jagħmlu ħsara lill-ambjent, jew li ma jkunux konsistenti mal-objettivi relatati mal-klima u l-ambjent.*** L-appoġġ għall-pagamenti diretti skont il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK jenħtieġ li jingħata fil-limitu tal-allokazzjonijiet nazzjonali li jridu jiġu stabbiliti f'dan ir-Regolament. Dawn l-allokazzjonijiet nazzjonali jenħtieġ li jirriflettu kontinwazzjoni tal-bidliet fejn l-allokazzjonijiet lill-Istati Membri bl-aktar livell baxx ta' appoġġ għal kull ettaru jiżdiedu b'mod gradwali biex jagħlqu 50 % tad-diskrepanza lejn 90 % tal-medja tal-Unjoni. Sabiex jitqies il-mekkaniżmu tat-tnaqqis tal-pagamenti u l-użu tal-prodott tiegħu fl-Istat Membru, l-allokazzjonijiet finanzjarji indikattivi totali kull sena fil-Pjan Strateġiku tal-PAK ta' Stat Membru jenħtieġ li jkun jista' jaqbeż l-allokazzjoni nazzjonali. |

**Emenda 40**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 50**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (50) Jenħtieġ li l-FAEŻR ma jipprovdix appoġġ għall-investimenti li jagħmlu ħsara lill-ambjent. Għalhekk huwa neċessarju li f'dan ir-Regolament jiġi previst għadd ta' regoli ta' esklużjoni, kif ukoll il-possibbiltà li jiġu żviluppati aktar dawn il-garanziji f'atti delegati. B'mod partikolari, jenħtieġ li l-FAEŻR ma jiffinanzjax l-investimenti fl-irrigazzjoni li ma jikkontribwixxux lejn il-kisba, jew il-presevazzjoni tal-istatus tajjeb tal-korp tal-ilma jew korpi tal-ilma assoċjati u l-investimenti fl-afforestazzjoni li mhumiex konsistenti mal-objettivi klimatiċi u ambjentali f'konformità mal-prinċipji tal-ġestjoni sostenibbli tal-foresti. | (50) Jenħtieġ li l-FAEŻR ma jipprovdix appoġġ għall-investimenti li jagħmlu ħsara lill-ambjent ***jew li ma jkunux konsistenti mal-objettivi relatati mal-klima, l-ambjent, it-trattament xieraq tal-annimali u l-bijodiversità. Jenħtieġ li jiġu enfasizzati l-investimenti li jiġġeneraw benefiċċji kemm ekonomiċi kif ukoll ambjentali.*** Għalhekk huwa neċessarju li f'dan ir-Regolament jiġi previst għadd ta' regoli ta' esklużjoni ***aktar speċifiċi***, kif ukoll il-possibbiltà li jiġu żviluppati aktar dawn il-garanziji f'atti delegati. B'mod partikolari, jenħtieġ li l-FAEŻR ma jiffinanzjax l-investimenti fl-irrigazzjoni li ma jikkontribwixxux lejn il-kisba, jew il-presevazzjoni tal-istatus tajjeb tal-korp tal-ilma jew korpi tal-ilma assoċjati u l-investimenti fl-afforestazzjoni li mhumiex konsistenti mal-objettivi klimatiċi u ambjentali f'konformità mal-prinċipji tal-ġestjoni sostenibbli tal-foresti. ***L-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li l-awtoritajiet jaqdu rwol attiv fl-ekoloġija u l-ġestjoni tan-nirien fil-foresti fi kwalunkwe azzjoni ta' afforestazzjoni jew riforestazzjoni u jsaħħu r-rwol tal-miżuri preventivi mhux vinkolanti u tal-ġestjoni tal-użu tal-art.*** |

**Emenda 41**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 51**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (51) Għall-iskop li jiġi żgurat finanzjament xieraq għal ċerti prijoritajiet, jenħtieġ li jiġu stabbiliti regoli dwar l- | (51) Għall-iskop li jiġi żgurat finanzjament xieraq għal ċerti prijoritajiet, jenħtieġ li jiġu stabbiliti regoli dwar l- |

| | |
|---|---|
| allokazzjonijiet finanzjarji minimi għal dawn il-prijoritajiet għall-appoġġ taħt l-FAEŻR. Biex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi bejn il-bdiewa, jenħtieġ li tiġi stabbilita wkoll allokazzjoni minima għall-appoġġ akkoppjat taħt il-pagamenti diretti. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu wkoll jużaw parti addizzjonali tal-limitu massimu finanzjarju tagħhom disponibbli għall-pagamenti diretti biex jagħtu l-appoġġ akkoppjat għall-introjtu speċifikament għat-titjib tal-kompetittività, tas-sostenibbiltà u/jew tal-kwalità tal-produzzjoni tal-għelejjel tal-proteini. | allokazzjonijiet finanzjarji minimi għal dawn il-prijoritajiet għall-appoġġ taħt l-FAEŻR. Biex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi bejn il-bdiewa, jenħtieġ li tiġi stabbilita wkoll allokazzjoni minima għall-appoġġ akkoppjat taħt il-pagamenti diretti. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu wkoll jużaw parti addizzjonali tal-limitu massimu finanzjarju tagħhom disponibbli għall-pagamenti diretti biex jagħtu l-appoġġ akkoppjat għall-introjtu speċifikament għat-titjib tal-kompetittività, tas-sostenibbiltà u/jew tal-kwalità tal-produzzjoni ***sabiex titnaqqas id-dipendenza mill-importazzjonijiet*** tal-għelejjel tal-proteini. |

**Emenda 42**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 52**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (52) Filwaqt li tiġi riflessa l-importanza tal-indirizzar tat-tibdil fil-klima f'konformità mal-impenji tal-Unjoni biex timplimenta l-Ftehim ta' Pariġi, u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti, dan il-Programm se ***tikkontriwbixxi*** biex tiġi simplifikata l-azzjoni klimatika fil-politiki tal-Unjoni u biex tinkiseb mira ġenerali ta' ***25*** % tan-nefqa tal-baġit tal-UE li tappoġġa l-objettivi klimatiċi. L-azzjonijiet taħt ***il-PAK huma mistennija*** li jikkontribwixxu għal 40 % tal-pakkett finanzjarju ġenerali tal-PAK għall-objettivi klimatiċi. L-azzjonijiet rilevanti se jiġu identifikati matul it-tħejjija u l-implimentazzjoni tal-Programm, u jerġgħu jiġu vvalutati fil-kuntest tal-evalwazzjonijiet u l-proċessi ta' rieżami rilevanti. | (52) Filwaqt li tiġi riflessa l-importanza tal-indirizzar tat-tibdil fil-klima f'konformità mal-impenji tal-Unjoni biex timplimenta l-Ftehim ta' Pariġi, u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti, dan il-Programm se ***jikkontribwixxi*** biex tiġi simplifikata l-azzjoni klimatika ***u jiġu eliminati gradwalment is-sussidju ta' ħsara għall-ambjent*** fil-politiki tal-Unjoni u biex tinkiseb mira ġenerali ta' ***mill-inqas 30*** % tan-nefqa tal-baġit tal-UE li tappoġġa l-objettivi klimatiċi. L-azzjonijiet taħt ***il-FEŻR jenħtieġ*** li jikkontribwixxu għal ***mill-inqas*** 40 % tal-pakkett finanzjarju ġenerali tal-PAK għall-objettivi klimatiċi. L-azzjonijiet rilevanti se jiġu identifikati matul it-tħejjija u l-implimentazzjoni tal-Programm, u jerġgħu jiġu vvalutati fil-kuntest tal-evalwazzjonijiet u l-proċessi ta' rieżami rilevanti. |

**Emenda 43**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 52a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(52a) Fid-dawl tal-importanza tal-ġlieda kontra t-telf tal-bijodiversità skont l-impenji tal-Unjoni għall-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU, dan il-programm se jgħin biex il-politiki tal-bijodiversità jiġu integrati fil-politika tal-Unjoni, b'mod partikolari fir-rigward tal-art agrikola u l-ħabitats, u biex jiġu pprovduti EUR 15-il biljun fis-sena f'fondi tal-PAK sabiex jiġu appoġġati l-għanijiet tal-bijodiversità, li kull sena għandhom jiġu ssupplimentati b'EUR 5 biljun mir-riżorsi tal-Istati Membri. B'mod partikolari, dan il-finanzjament għandu jappoġġa miżuri għall-konservazzjoni tal-bijodiversità kif imsemmi fl-Artikolu 28 u miżuri għall-konservazzjoni tal-bijodiversità msemmija fl-Artikoli 65 u 67.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Il-waqfien tat-telf tal-bijodiversità*

Emenda 44

**Proposta għal regolament**
**Premessa 58a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(58a) Il-bażi tal-għarfien eżistenti, f'termini tal-kwantità u l-kwalità tal-informazzjoni disponibbli, tvarja b'mod konsiderevoli għall-finijiet tal-monitoraġġ tal-objettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 6 ta' din il-proposta. Għal xi objettivi speċifiċi, b'mod partikolari għall-monitoraġġ tal-bijodiversità, attwalment il-bażi tal-għarfien hija dgħajfa jew*** |

***mhijiex adatta biżżejjed biex jinħolqu indikaturi tal-impatt sodi, bħal dawk għad-dakkara u l-bijodiversità tal-għelejjel. L-objettivi u l-indikaturi speċifiċi li ġew stabbiliti għall-Unjoni fl-intier tagħha fl-Artikolu 6 u fl-Anness 1 rispettivament jenħtieġ li jkunu bbażati fuq bażi tal-għarfien u metodoloġiji kondiviżi jew komparabbli fl-Istati Membri kollha. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tidentifika oqsma fejn jeżistu diskrepanzi fl-għarfien jew fejn il-bażi tal-għarfien mhijiex adatta biżżejjed biex jiġi mmonitorjat l-impatt tal-PAK. Din jenħtieġ li tuża l-baġit tal-Unjoni biex tipprovdi rispons komuni għall-ostakoli relatati mal-għarfien u l-monitoraġġ fir-rigward tal-objettivi u l-indikaturi speċifiċi kollha inklużi fl-Artikolu 6. Jenħtieġ li tfassal rapport dwar din il-kwistjoni sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2020 u jenħtieġ li tagħmel is-sejbiet tiegħu disponibbli għall-pubbliku.***

**Emenda 45**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 59**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (59) Jenħtieġ li din l-istrateġija tenfasizza l-komplementarjetà kemm bejn l-għodod tal-PAK kif ukoll ***mal-politiki l-oħra*** tal-Unjoni. B'mod partikolari, kull Pjan Strateġiku tal-PAK jenħtieġ li jqis il-leġiżlazzjonijiet dwar l-ambjent u l-klima ***fejn xieraq***, u jenħtieġ li jiġu deskritti l-pjanijiet nazzjonali li jirriżultaw minn din il-leġiżlazzjoni bħala parti mill-analiżi tas-sitwazzjoni attwali (analiżi "SWOT"). Huwa xieraq li jiġu elenkati l-istrumenti leġiżlattivi li jenħtieġ li jiġu msemmija b'mod speċifiku fil-Pjan Strateġiku tal-PAK. | (59) Jenħtieġ li din l-istrateġija tenfasizza l-komplementarjetà kemm bejn l-għodod tal-PAK kif ukoll ***ma' politiki oħra*** tal-Unjoni***, inkluża l-koeżjoni***. B'mod partikolari, kull Pjan Strateġiku tal-PAK jenħtieġ li jqis il-leġiżlazzjonijiet dwar l-ambjent u l-klima***, l-impenji tal-Unjoni għall-Koerenza tal-Politiki għall-Iżvilupp***, u jenħtieġ li jiġu deskritti l-pjanijiet nazzjonali li jirriżultaw minn din il-leġiżlazzjoni bħala parti mill-analiżi tas-sitwazzjoni attwali (analiżi "SWOT"). Huwa xieraq li jiġu elenkati l-istrumenti leġiżlattivi li jenħtieġ li jiġu msemmija b'mod speċifiku fil-Pjan Strateġiku tal- |

PAK.

**Emenda 46**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 63**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (63) Meta titqies l-importanza ***tal-objettiv*** ġenerali li jiġi modernizzat is-settur agrikolu, u fid-dawl tan-natura trasversali tiegħu, huwa xieraq li fil-Pjan Strateġiku tal-PAK tagħhom l-Istati Membri jinkludu deskrizzjoni dedikata tal-kontribut li se jagħti dan il-Pjan lil ***dan l-objettiv***. | (63) Meta titqies l-importanza ***tal-objettivi*** ġenerali ***li tiżdied ir-reżiljenza ambjentali, li tittejjeb il-pożizzjoni tal-produtturi primarji fil-katina alimentari u*** li jiġi modernizzat is-settur agrikolu, u fid-dawl tan-natura trasversali tiegħu, huwa xieraq li fil-Pjan Strateġiku tal-PAK tagħhom l-Istati Membri jinkludu deskrizzjoni dedikata tal-kontribut li se jagħti dan il-Pjan lil ***dawn l-objettivi***. |

*Ġustifikazzjoni*

*L-agrikoltura trid ittejjeb ir-riżultati ambjentali tagħha u trid ittejjeb l-pożizzjoni tal-prodotti primarji qabel il-mira tal-immodernizzar.*

**Emenda 47**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 68a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(68a) L-ilma huwa fattur ta' produzzjoni indispensabbli għall-agrikoltura. L-isfida tal-ġestjoni tal-ilma hija għalhekk kruċjali u jenħtieġ li l-ilma jiġi mmaniġġjat aħjar. Barra minn hekk, it-tibdil fil-klima se jkollu impatti qawwija fuq ir-riżorsi tal-ilma b'perjodi ta' nixfa aktar frekwenti u intensivi, u b'perjodi ta' xita qawwija. Il-ħażna tal-ilma matul il-ħarifa u x-xitwa hija soluzzjoni sensibbli. Barra minn hekk, il-korpi tal-ilma jgħinu biex jinħolqu ambjenti li jiffavorixxu bijodiversità diversifikata. Dawn*** |

| | |
|---|---|
| | ***jagħmluha wkoll possibbli li tiġi kkonservata l-ħamrija ħajja u li jinżammu livelli adegwati ta' ilma fix-xmajjar, li jippromwovu l-ħajja akkwatika.*** |

**Emenda 48**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 69**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (69) Jenħtieġ li jkun hemm Awtorità ta' Ġestjoni responsabbli għall-ġestjoni u għall-implimentazzjoni ta' kull Pjan Strateġiku tal-PAK. Il-kompiti ***tagħha*** jenħtieġ li jkunu speċifikati f'dan ir-Regolament. Jenħtieġ li l-Awtorità ta' Ġestjoni tkun tista' tiddelega parti mill-kompiti tagħha filwaqt li żżomm ir-responsabbiltà għall-effiċjenza u l-korrettezza tal-ġestjoni. Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li fil-Ġestjoni u l-Implimentazzjoni tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK, jiġu protetti l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, skont ir-[Regolament, (UE, Euratom) X] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [ir-Regolament Finanzjarju l-ġdid] u r-Regolament (UE) X tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [ir-Regolament Orizzontali l-ġdid]. | (69) Jenħtieġ li jkun hemm Awtorità ta' Ġestjoni responsabbli għall-ġestjoni u għall-implimentazzjoni ta' kull Pjan Strateġiku tal-PAK. ***Madankollu, meta elementi relatati mal-politika ta' żvilupp rurali jiġu reġjonalizzati, jenħtieġ li l-Istati Membri jkollhom il-possibbiltà li jistabbilixxu awtoritajiet ta' ġestjoni reġjonali.*** Il-kompiti ***tagħhom*** jenħtieġ li jkunu speċifikati f'dan ir-Regolament. Jenħtieġ li l-Awtorità ta' Ġestjoni tkun tista' tiddelega parti mill-kompiti tagħha filwaqt li żżomm ir-responsabbiltà għall-effiċjenza u l-korrettezza tal-ġestjoni. Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li fil-Ġestjoni u l-Implimentazzjoni tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK, jiġu protetti l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, skont ir-[Regolament, (UE, Euratom) X] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [ir-Regolament Finanzjarju l-ġdid] u r-Regolament (UE) X tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [ir-Regolament Orizzontali l-ġdid]. |

**Emenda 49**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 71**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (71) Jenħtieġ li l-FAEŻR, permezz ta' assistenza teknika u fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni, jappoġġa l-azzjonijiet | (71) Jenħtieġ li l-FAEŻR, permezz ta' assistenza teknika u fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni, jappoġġa l-azzjonijiet |

| | |
|---|---|
| relatati mat-twettiq tal-kompiti msemmija fl-[Artikolu 7 tar-Regolament Orizzontali]. Tista' tiġi pprovduta wkoll assistenza teknika, fuq l-inizjattiva tal-Istati Membri, biex jitlestew il-kompiti meħtieġa għall-amministrazzjoni u l-implimentazzjoni effettivi tal-appoġġ fir-rigward tal-Pjan Strateġiku tal-PAK. Żieda tal-assistenza teknika fuq l-inizjattiva tal-Istati Membri hija disponibbli biss għal Malta. | relatati mat-twettiq tal-kompiti msemmija fl-[Artikolu 7 tar-Regolament Orizzontali]***, inkluż it-titjib tal-kwantità u tal-kwalità tad-data ta' referenza disponibbli għall-monitoraġġ tal-objettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 6 u r-rilevanza u l-preċiżjoni tal-indikaturi korrispondenti stabbiliti fl-Anness I***. Tista' tiġi pprovduta wkoll assistenza teknika, fuq l-inizjattiva tal-Istati Membri, biex jitlestew il-kompiti meħtieġa għall-amministrazzjoni u l-implimentazzjoni effettivi tal-appoġġ fir-rigward tal-Pjan Strateġiku tal-PAK. Żieda tal-assistenza teknika fuq l-inizjattiva tal-Istati Membri hija disponibbli biss għal Malta. |

*Ġustifikazzjoni*

*Il-Mudell ta' Implimentazzjoni Ġdid huwa bbażat fuq il-prinċipju ta' "fondi pubbliċi bi skambju għar-riżultati". Dan jimplika fokus akbar fuq ir-riżultati tal-monitoraġġ minn qabel. Attwalment, id-data ta' referenza meħtieġa għal monitoraġġ effettiv u konsistenti tar-riżultati ma teżistix. Għalhekk, jenħtieġ li f'din il-proposta l-Kummissjoni tkun tista' tuża l-baġit tal-assistenza teknika biex telimina d-diskrepanzi li jeżistu fid-data ta' referenza disponibbli u l-indikaturi korrispondenti.*

**Emenda 50**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 74**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (74) L-orjentazzjoni lejn ir-riżultati li jġib miegħu l-mudell ta' implimentazzjoni teħtieġ qafas ta' prestazzjoni b'saħħtu, b'mod partikolari minħabba li l-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK jikkontribwixxu għal objettivi ġenerali wiesgħa għal politiki oħrajn ġestiti b'mod konġunt. Politika bbażata fuq il-prestazzjoni timplika valutazzjoni annwali u pluriennali fuq il-bażi ta' outputs magħżulin, indikaturi tar-riżultati u tal-impatti, kif definit fil-qafas. Għal dan l-għan, jenħtieġ li jingħażel sett limitat u mmirat ta' indikaturi b'mod li | (74) L-orjentazzjoni lejn ir-riżultati li jġib miegħu l-mudell ta' implimentazzjoni teħtieġ qafas ta' prestazzjoni b'saħħtu, b'mod partikolari minħabba li l-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK jikkontribwixxu għal objettivi ġenerali wiesgħa għal politiki oħrajn ġestiti b'mod konġunt. Politika bbażata fuq il-prestazzjoni timplika valutazzjoni annwali u pluriennali fuq il-bażi ta' outputs magħżulin, indikaturi tar-riżultati u tal-impatti, kif definit fil-qafas. Għal dan l-għan, jenħtieġ li jingħażel sett limitat u mmirat ta' indikaturi b'mod li |

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| jirrifletti kemm jista' jkun jekk l-intervent appoġġat jikkontribwixxix għall-kisba tal-objettivi ppjanati. L-indikaturi tar-riżultati u tal-output li jirrigwardaw l-objettivi relatati mal-klima u mal-ambjent ***jistgħu*** jinkludu interventi stabbiliti fi strumenti nazzjonali għall-ippjanar ambjentali u klimatiku li jirriżultaw mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni. | jirrifletti kemm jista' jkun jekk l-intervent appoġġat jikkontribwixxix għall-kisba tal-objettivi ppjanati. L-indikaturi tar-riżultati u tal-output li jirrigwardaw l-objettivi relatati mal-klima u mal-ambjent***, bħall-kwalità u l-kwantità tal-ilma, jenħtieġ li*** jinkludu interventi stabbiliti fi strumenti nazzjonali għall-ippjanar ambjentali u klimatiku li jirriżultaw mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni. |

**Emenda 51**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 83**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (83) Sabiex tiġi garantita ċertezza legali, jiġu protetti d-drittijiet tal-bdiewa u jiġi garantit funzjonament bla xkiel, koerenti u effiċjenti tat-tipi ta' interventi fil-forma ta' pagamenti diretti, jenħtieġ li s-setgħa li jiġu adottati ċerti atti tiġi delegata lill-Kummissjoni fir-rigward tar-regoli li jagħmlu l-għoti ta' pagamenti soġġett għall-użu ta' żerriegħa ċertifikata ta' ċerti varjetajiet ta' qanneb u l-proċedura għad-determinazzjoni tal-varjetajiet ta' qanneb u l-verifika tal-kontenut ta' tetraidrokannabinol tagħhom; ir-regoli għall-kundizzjoni agrikola u ambjentali tajba u ċerti elementi relatati fir-rigward tar-rekwiżiti ta' eliġibbiltà; u l-kontenut tad-dikjarazzjoni u r-rekwiżiti għall-attivazzjoni tal-intitolamenti għall-pagament; aktar regoli dwar l-ekoskemi; il-miżuri biex jiġi evitat li l-benefiċjarji tal-appoġġ akkoppjat għall-introjtu li jbatu minn żbilanċi strutturali tas-suq f'settur, inkluż id-deċiżjoni li t-tali appoġġ jista' jkompli jitħallas sal-2027 fuq il-bażi tal-unitajiet ta' produzzjoni li għalihom ingħata f'perjodu referenzjarju fl-imgħoddi; ir-regoli u l-kundizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni tal-art u tal-varjetajiet għall-iskopijiet tal-pagament speċifiku | (83) Sabiex tiġi garantita ċertezza legali, jiġu protetti d-drittijiet tal-bdiewa u jiġi garantit funzjonament bla xkiel, koerenti u effiċjenti tat-tipi ta' interventi fil-forma ta' pagamenti diretti, jenħtieġ li s-setgħa li jiġu adottati ċerti atti tiġi delegata lill-Kummissjoni fir-rigward tar-regoli li jagħmlu l-għoti ta' pagamenti soġġett għall-użu ta' żerriegħa ċertifikata ta' ċerti varjetajiet ta' qanneb u l-proċedura għad-determinazzjoni tal-varjetajiet ta' qanneb u l-verifika tal-kontenut ta' tetraidrokannabinol tagħhom; ir-regoli għall-kundizzjoni agrikola u ambjentali tajba u ċerti elementi relatati fir-rigward tar-rekwiżiti ta' eliġibbiltà; u l-kontenut tad-dikjarazzjoni u r-rekwiżiti għall-attivazzjoni tal-intitolamenti għall-pagament; aktar regoli dwar l-ekoskemi***, inkluż il-ħolqien ta' lista ta' prattiki agrikoli li huma ta' benefiċċju għall-klima u għall-ambjent***; il-miżuri biex jiġi evitat li l-benefiċjarji tal-appoġġ akkoppjat għall-introjtu li jbatu minn żbilanċi strutturali tas-suq f'settur, inkluż id-deċiżjoni li t-tali appoġġ jista' jkompli jitħallas sal-2027 fuq il-bażi tal-unitajiet ta' produzzjoni li għalihom ingħata f'perjodu referenzjarju fl-imgħoddi; ir-regoli u l- |

għall-għelejjel għall-qoton u r-regoli għall-għoti ta' dak il-pagament.

kundizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni tal-art u tal-varjetajiet għall-iskopijiet tal-pagament speċifiku għall-għelejjel għall-qoton u r-regoli għall-għoti ta' dak il-pagament.

**Emenda 52**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 87**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (87) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament u biex tiġi evitata kompetizzjoni inġusta jew diskriminazzjoni bejn il-bdiewa, jenħtieġ li s-setgħat ta' implimentazzjoni jiġu delegati lill-Kummissjoni rigward l-iffissar ta' żoni ta' referenza għall-appoġġ għaż-żerriegħa taż-żejt, ir-regoli għall-awtorizzazzjoni tal-art u l-varjetajiet għall-finijiet tal-pagament speċifiku għall-għelejjel għall-qoton u n-notifiki relatati, il-kalkolu tat-tnaqqis meta ***l-erja*** eliġibbli tal-qoton taqbeż ***l-erja*** bażi, l-assistenza finanzjarja mill-Unjoni għad-distillazzjoni tal-prodotti sekondarji tal-produzzjoni tal-inbid, it-tqassim annwali għal kull Stat Membru tal-ammont totali tal-appoġġ tal-Unjoni għat-tipi ta' interventi għall-iżvilupp rurali, ir-regoli dwar il-preżentazzjoni tal-elementi li jridu jiġu inklużi fil-Pjan Strateġiku tal-PAK, ir-regoli dwar il-proċedura u l-limiti ta' żmien għall-approvazzjoni tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK u l-preżentazzjoni u l-approvazzjoni tar-rekwiżiti għall-emenda tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK, il-kundizzjonijiet uniformi għall-applikazzjoni tar-rekwiżiti dwar l-informazzjoni u r-reklamar relatati mal-possibbiltajiet offruti mill-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK, ir-regoli relatati mal-qafas ta' monitoraġġ u ta' evalwazzjoni tal-prestazzjoni, ir-regoli għall-preżentazzjoni tal-kontenut tar-rapport annwali dwar il- | (87) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament u biex tiġi evitata kompetizzjoni inġusta jew diskriminazzjoni bejn il-bdiewa, jenħtieġ li s-setgħat ta' implimentazzjoni jiġu delegati lill-Kummissjoni rigward l-iffissar ta' żoni ta' referenza għall-appoġġ għaż-żerriegħa taż-żejt, ir-regoli għall-awtorizzazzjoni tal-art u l-varjetajiet għall-finijiet tal-pagament speċifiku għall-għelejjel għall-qoton u n-notifiki relatati, il-kalkolu tat-tnaqqis meta ***ż-żona*** eliġibbli tal-qoton taqbeż ***iż-żona*** bażi, l-assistenza finanzjarja mill-Unjoni għad-distillazzjoni tal-prodotti sekondarji ***tal-produzzjoni tal-inbid, kif ukoll il-metanizzazzjoni u l-ikkompostjar tar-residwi*** tal-produzzjoni tal-inbid, it-tqassim annwali għal kull Stat Membru tal-ammont totali tal-appoġġ tal-Unjoni għat-tipi ta' interventi għall-iżvilupp rurali, ir-regoli dwar il-preżentazzjoni tal-elementi li jridu jiġu inklużi fil-Pjan Strateġiku tal-PAK, ir-regoli dwar il-proċedura u l-limiti ta' żmien għall-approvazzjoni tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK u l-preżentazzjoni u l-approvazzjoni tar-rekwiżiti għall-emenda tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK, il-kundizzjonijiet uniformi għall-applikazzjoni tar-rekwiżiti dwar l-informazzjoni u r-reklamar relatati mal-possibbiltajiet offruti mill-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK, ir-regoli relatati mal-qafas ta' monitoraġġ u ta' evalwazzjoni tal- |

| | |
|---|---|
| prestazzjoni, ir-regoli dwar l-informazzjoni li trid tinbagħat lill-Istati Membri għall-valutazzjoni tal-prestazzjoni mill-Kummissjoni u r-regoli dwar il-ħtiġijiet tad-data u s-sinerġiji bejn is-sorsi potenzjali tad-data, u l-arranġamenti li jiżguraw approċċ konsistenti għad-detereminazzjoni tal-attribuzzjoni tal-bonus ta' prestazzjoni lill-Istati Membri. Jenħtieġ li dawn is-setgħat ikunu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.[22] | prestazzjoni, ir-regoli għall-preżentazzjoni tal-kontenut tar-rapport annwali dwar il-prestazzjoni, ir-regoli dwar l-informazzjoni li trid tinbagħat lill-Istati Membri għall-valutazzjoni tal-prestazzjoni mill-Kummissjoni u r-regoli dwar il-ħtiġijiet tad-data u s-sinerġiji bejn is-sorsi potenzjali tad-data, u l-arranġamenti li jiżguraw approċċ konsistenti għad-detereminazzjoni tal-attribuzzjoni tal-bonus ta' prestazzjoni lill-Istati Membri. Jenħtieġ li dawn is-setgħat ikunu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.[22] |
| [22] Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13). | [22] Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13). |

**Emenda 53**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ba) "densità tal-bhejjem" tfisser il-piż totali tal-annimali li jkunu jinsabu f'dar fl-istess ħin għal kull metru kwadru ta' żona li tista' tintuża;*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Id-densità tal-bhejjem tista' tintuża bħala parametru f'interventi relatati mat-trattament xieraq tal-annimali u mas-saħħa tal-annimali, u għalhekk jeħtieġ li tiġi ddefinita f'dan ir-Regolament.*

**Emenda 54**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt bb (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(bb) "operazzjoni tal-għalf tal-annimali kkonċentrata" tfisser azjenda tal-bhejjem li trabbi l-annimali b'densità ogħla minn dik permessa mir-riżorsi taż-żona u dawk naturali, jew il-kapaċità tat-trasport tal-azjenda, jew fil-każ ta' bhejjem u ruminanti, fejn l-annimali ma jkollhomx aċċess biex jirgħu jew ma jkollhomx l-ammont xieraq ta' ettari ta' foraġġ ta' sostenn biex jiġu sostnuti r-ragħa jew il-foraġġ ibbażati fuq mergħat jew bwar;*** |

**Emenda 55**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt e**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (e) "fond mutwu" tfisser skema akkreditata mill-Istat Membru skont il-liġi nazzjonali tiegħu għall-bdiewa affiljati biex jassiguraw lilhom infushom, fejn il-pagamenti kumpensatorji jsiru lill-bdiewa affiljati li jesperjenzaw telf ***ekonomiku.*** | (e) "fond mutwu" tfisser skema akkreditata mill-Istat Membru skont il-liġi nazzjonali tiegħu għall-bdiewa affiljati biex jassiguraw lilhom infushom, fejn il-pagamenti kumpensatorji jsiru lill-bdiewa affiljati li jesperjenzaw telf ***tal-produzzjoni u li jkunu jistgħu juru li ħadu l-miżuri ta' prekawzjoni minn qabel;*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Il-fond mutwu jenħtieġ li jikkumpensa biss it-telf jekk il-bidwi jkun jista' juri li ħa l-miżuri ta' prekawzjoni minn qabel. Jenħtieġ li jingħataw il-pagamenti għat-telf tal-produzzjoni. Tipi oħra ta' telf jenħtieġ li ma jitħallsux mill-fond mutwu.*

**Emenda 56**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt i**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| (i) "miri" tfisser valuri miftiehma minn qabel li jridu jinkisbu fi tmiem il-perjodu b'rabta mal-indikaturi tar-riżultati inklużi f'objettiv speċifiku; | (i) "miri" tfisser valuri miftiehma minn qabel li jridu jinkisbu fi tmiem il-perjodu b'rabta mal-indikaturi tar-riżultati ***u tal-impatt*** inklużi f'objettiv speċifiku; |

**Emenda 57**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt ia (ġdid)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***(ia) "koerenza tal-politiki għall-iżvilupp" tfisser li l-Unjoni għandha, f'konformità mal-Artikolu 208 tat-TFUE, tqis l-objettivi ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp fil-politiki li hija timplimenta, u, fl-ilħuq tal-objettivi ta' politika domestika tagħha, din għandha tevita miżuri ta' politika negattivi li jaffettwaw b'mod negattiv l-objettivi għall-iżvilupp tal-Unjoni;*** |

**Emenda 58**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt ja (ġdid)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***(ja) "kompatibbiltà mal-ambjent u mal-bijodiversità" tfisser proċess strutturat tal-iżgurar tal-applikazzjoni effettiva ta' għodod biex jiġu evitati impatti dannużi tal-infiq tal-Unjoni u biex jiġu mmassimizzati l-benefiċċji tiegħu fuq l-istat tal-ambjent u tal-bijodiversità tal-Unjoni, abbażi tal-"Qafas Komuni għall-Kompatibilità tal-Baġit tal-UE mal-Bijodiversità" tal-Kummissjoni, u f'konformità mar-regoli u l-gwida nazzjonali, fejn disponibbli, jew l-istandards rikonoxxuti*** |

| | |
|---|---|
| | ***internazzjonalment;*** |

**Emenda 59**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 - paragrafu 1 – punt - jb (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(jb) "reżiljenza għat-tibdil fil-klima" tfisser proċess biex ikun żgurat li l-infrastruttura hija reżiljenti għall-impatti negattivi tal-klima f'konformità mal-gwida u mar-regoli nazzjonali, meta disponibbli, jew ma' standards rikonoxxuti internazzjonalment.*** |

**Emenda 60**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 1 – punti a u b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Artikolu 4 | Artikolu 4 |
| Definizzjonijiet li jridu jiġu formulati fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK | Definizzjonijiet li jridu jiġu formulati fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK |
| 1. Fil-Pjan Strateġiku tal-PAK tagħhom l-Istati Membri għandhom jipprovdu d-definizzjonijiet tal-attività agrikola, iż-żona agrikola, l-ettaru eliġibbli, bidwi ġenwin u bidwi żagħżugħ: | 1. Fil-Pjan Strateġiku tal-PAK tagħhom l-Istati Membri għandhom jipprovdu d-definizzjonijiet tal-attività agrikola, iż-żona agrikola, l-ettaru eliġibbli, bidwi ġenwin u bidwi żagħżugħ: |
| (a) "attività agrikola" għandha tiġi definita b'mod li tinkludi kemm il-produzzjoni tal-prodotti agrikoli elenkati fl-Anness I tat-TFUE, inkluż il-qoton u l-imsajġar b'newba qasira, u ż-żamma taż-żona agrikola fi stat li jagħmilha tajba għar-ragħa jew għall-kultivazzjoni, mingħajr azzjoni ta' tħejjija li tmur lil hinn mill-metodi u l-makkinarji agrikoli tas-soltu; | (a) "attività agrikola" għandha tiġi definita b'mod li tinkludi kemm il-produzzjoni tal-prodotti agrikoli elenkati fl-Anness I tat-TFUE, inkluż il-qoton u l-imsajġar b'newba qasira, u ż-żamma taż-żona agrikola fi stat li jagħmilha tajba għar-ragħa jew għall-kultivazzjoni, mingħajr azzjoni ta' tħejjija li tmur lil hinn mill-metodi u l-makkinarji agrikoli tas-soltu ***inkluża l-agroforestrija***; |
| (b) "żona agrikola" għandha tiġi definita b'mod li tkun magħmula mir-raba' | (b) "żona agrikola" għandha tiġi definita b'mod li tkun magħmula mir-raba' |

li jinħadem, l-għelejjel permanenti u l-bur permanenti. It-termini "raba' li jinħadem", "għelejjel permanenti" u "bur permanenti" għandhom jiġu speċifikati aktar mill-Istati Membri fil-qafas li ġej:

(i) "raba' li jinħadem" għandha tkun l-art ikkultivata għall-produzzjoni tal-għelejjel jew iż-żoni disponibbli għall-produzzjoni tal-għelejjel iżda li tkun art mistrieħa, u għandha tinkludi ż-żoni mwarrba skont l-Artikoli 22, 23 u 24 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1257/1999[1], l-Artikolu 39 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005[2], l-Artikolu 28 tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013 jew l-Artikolu 65 ta' dan ir-Regolament;

(ii) "għelejjel permanenti" għandha tkun għelejjel li ma jitnewbux ħlief bur permanenti u mergħat permanenti li jokkupaw l-art għal ħames snin jew iżjed, u jagħtu ħsad ripetut, inklużi l-mixtliet u l-imsajġar b'newba qasira;

(iii) "bur permanenti u mergħa permanenti" (li flimkien jissejħu "bur permanenti") għandha tiġi definita bħala art li ***ma tkunx inkluża fin-newba tal-azjenda għal ħames snin jew aktar, li*** tintuża biex jitkabbar il-ħaxix jew foraġġ erbaċeju ieħor b'mod naturali (li jinżergħu waħedhom) jew permezz tal-kultivazzjoni (jinżergħu bl-idejn). ***Tista'*** tinkludi speċijiet oħra bħal pereżempju l-arbuxelli u/jew is-siġar li jistgħu jintużaw għar-ragħa jew għall-produzzjoni tal-għalf tal-annimali;

li jinħadem, l-għelejjel permanenti u l-bur permanenti. ***Il-karatteristiċi tal-pajsaġġ jistgħu jiġu inklużi bħala komponenti taż-żona agrikola.*** It-termini "raba' li jinħadem", "għelejjel permanenti" u "bur permanenti" għandhom jiġu speċifikati aktar mill-Istati Membri fil-qafas li ġej:

(i) "raba' li jinħadem" għandha tkun l-art ikkultivata għall-produzzjoni tal-għelejjel jew iż-żoni disponibbli għall-produzzjoni tal-għelejjel iżda li tkun art mistrieħa, u ***tista' tinkludi taħlita ta' għelejjel ma' siġar u/jew arbuxelli biex tiġi formata sistemi tal-agroforestrija silvikulturali, u*** għandha tinkludi ż-żoni mwarrba skont l-Artikoli 22, 23 u 24 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1257/1999[1], l-Artikolu 39 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005[2], l-Artikolu 28 tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013 jew l-Artikolu 65 ta' dan ir-Regolament;

(ii) "għelejjel permanenti" għandha tkun għelejjel li ma jitnewbux ħlief bur permanenti u mergħat permanenti li jokkupaw l-art għal ħames snin jew iżjed, u jagħtu ħsad ripetut, inklużi l-mixtliet***, u jekk l-Istati Membri jipprevedu dan, meta dawn ikunu f'kontenituri tal-pjanti b'folja tal-plastik*** u l-imsajġar b'newba qasira;

(iii) "bur permanenti u mergħa permanenti" (li flimkien jissejħu "bur permanenti") għandha tiġi definita bħala art li tintuża biex jitkabbar il-ħaxix jew foraġġ erbaċeju ieħor b'mod naturali (li jinżergħu waħedhom) jew permezz tal-kultivazzjoni (jinżergħu bl-idejn) ***u li ma ġietx inkluża fin-newba tal-għelejjel tal-azjenda għal ħames snin jew aktar kif ukoll li ma ġietx maħruta għal ħames snin jew aktar. Id-definizzjoni għandha*** tinkludi speċijiet oħra bħal pereżempju l-arbuxelli u/jew is-siġar li jistgħu jintużaw għar-ragħa ***u speċijiet oħra bħal arbuxelli u/***jew ***siġar*** għall-produzzjoni tal-għalf tal-annimali***, dment li l-ħaxix u foraġġ***

| | |
|---|---|
| | ***erbaċew ieħor jibqgħu predominanti***; |
| | ***(iiia) "bur temporanju" għandha tiġi ddefinita bħala ħaxix jew speċijiet erbaċej li jitkabbru f'raba' li jinħadem għal inqas minn ħames snin konsekuttivi, jew għal aktar minn ħames snin fejn iseħħu l-ħrit u t-tiżrigħ mill-ġdid. Din ma għandhiex titqies fir-rigward tal-assorbiment tal-karbonju jew il-miri għall-klima.*** |
| | ***L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu wkoll li jikkunsidraw dawn li ġejjin bħala mergħat permanenti:*** |
| | ***a) art li tista' tintuża għar-ragħa u li tifforma parti minn prattiki lokali stabbiliti fejn il-ħaxix u foraġġ erbaċeju ieħor ma jkunux tradizzjonalment predominanti fiż-żoni tar-ragħa; u/jew*** |
| | ***(b) art li tista' tintuża għar-ragħa fejn il-ħaxix u foraġġ erbaċeju ieħor ma jkunux predominanti jew ma jkunux jeżistu fiż-żoni tar-ragħa;*** |
| [1] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1257/1999 tas-17 ta' Mejju 1999 dwar is-sostenn għal żvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Gwida u Garanzija (FAEGG) u jemenda u jħassar ċerti Regolamenti (ĠU L 160, 26.6.1999, p. 80). | [1] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1257/1999 tas-17 ta' Mejju 1999 dwar is-sostenn għal żvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Gwida u Garanzija (FAEGG) u jemenda u jħassar ċerti Regolamenti (ĠU L 160, 26.6.1999, p. 80). |
| [2] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005 tal-20 ta' Settembru 2005 dwar appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) (ĠU L 277, 21.10.2005, p. 1). | [2] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005 tal-20 ta' Settembru 2005 dwar appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) (ĠU L 277, 21.10.2005, p. 1). |

**Emenda 61**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Artikolu 5 | Artikolu 5 |

| | |
|---|---|
| Objettivi ġenerali | Objettivi ġenerali |
| L-appoġġ mill-FAEG u mill-FAEŻR għandu jkollu l-għan li jtejjeb aktar l-iżvilupp sostenibbli tal-biedja, tal-ikel u taż-żoni rurali u għandu jikkontribwixxi biex jintlaħqu l-objettivi ġenerali li ġejjin: | L-appoġġ mill-FAEG u mill-FAEŻR għandu jkollu l-għan li jtejjeb aktar l-iżvilupp sostenibbli tal-biedja, tal-ikel u taż-żoni rurali***, ikun koerenti mal-objettivi tal-Unjoni relatati mal-ambjent u mal-klima*** u għandu jikkontribwixxi biex jintlaħqu l-objettivi ġenerali li ġejjin: |
| (a) li jitrawwem settur agrikolu intelliġenti, reżiljenti u diversifikat li jiżgura s-sigurtà tal-ikel; | (a) li jitrawwem settur agrikolu ***inklużiv,*** intelliġenti, reżiljenti u diversifikat li jiżgura s-sigurtà tal-ikel ***sostenibbli u fit-tul***; |
| (b) li ***jissaħħu l-ħarsien*** ambjentali ***u*** l-azzjoni klimatika u ***jingħata kontribut lill-objettivi*** tal-Unjoni relatati mal-ambjent u mal-klima; | (b) li ***jiġu appoġġati u mtejba l-protezzjoni*** ambjentali***,*** l-azzjoni klimatika u ***l-bijodiversità; li jintlaħqu l-objettivi*** tal-Unjoni relatati mal-ambjent u mal-klima; |
| (c) li tissaħħaħ in-nisġa soċjoekonomika ***taż-żoni*** rurali. | (c) li tissaħħaħ in-nisġa soċjoekonomika ***kemm għan-nisa kif ukoll għall-irġiel f'żoni*** rurali***, li jinkiseb żvilupp territorjali bbilanċjat tal-ekonomiji rurali u li jsir kontribut għal u jinħolqu u jinżammmu l-impjiegi, filwaqt li jiġu osservati l-prinċipji ta' ġustizzja u ugwaljanza***. |
| Dawk l-objettivi għandhom jiġu kkomplementati mill-objettiv trasversali tal-modernizzazzjoni tas-settur billi ***jitrawmu*** u jiġu kondiviżi l-għarfien, l-innovazzjoni u d-diġitalizzazzjoni fl-agrikoltura u fiż-żoni rurali, u jitħeġġeġ l-użu tagħhom. | Dawk l-objettivi għandhom jiġu kkomplementati mill-objettiv trasversali tal-modernizzazzjoni tas-settur billi ***jitrawwem l-iżvilupp sostenibbli*** u jiġu kondiviżi l-għarfien, l-innovazzjoni u d-diġitalizzazzjoni fl-agrikoltura u fiż-żoni rurali, u jitħeġġeġ l-użu tagħhom. |
| | ***Dawn l-objettivi għandhom jintlaħqu filwaqt li tiġi mmirata konverġenza esterna bejn l-Istati Membri.*** |

**Emenda 62**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Artikolu 6 | Artikolu 6 |

| | |
|---|---|
| Objettivi speċifiċi | Objettivi speċifiċi |
| 1. Il-kisba tal-objettivi ġenerali għandha tiġi segwita permezz tal-objettivi speċifiċi li ġejjin: | 1. Il-kisba tal-objettivi ġenerali għandha tiġi segwita permezz tal-objettivi speċifiċi li ġejjin: |
| (a) jiġu appoġġati l-introjtu vijabbli tal-azjendi agrikoli u r-reżiljenza tagħhom fl-Unjoni kollha biex tissaħħaħ is-sigurtà tal-ikel; | (a) jiġu appoġġati l-introjtu vijabbli tal-azjendi agrikoli u r-reżiljenza ***agrikola*** tagħhom fl-Unjoni kollha biex tissaħħaħ is-sigurtà tal-ikel ***fit-tul, u b'hekk tiġi evitata l-produzzjoni żejda***; |
| (b) tissaħħaħ l-orjentazzjoni ***lejn is-suq*** u tiżdied il-kompetittività inkluż permezz ta' aktar enfasi fuq ir-riċerka, it-teknoloġija u d-diġitalizzazzjoni; | (b) tissaħħaħ l-orjentazzjoni ***tas-suq lokali, nazzjonali u Ewropew*** u tiżdied ***is-sostenibbiltà ambjentali,*** il-kompetittività ***fit-tul,*** inkluż permezz ta' aktar enfasi fuq ir-riċerka, ***l-investiment,*** it-teknoloġija u d-diġitalizzazzjoni ***f'loġika ta' ekonomija ċirkolari***; |
| (c) tittejjeb il-pożizzjoni tal-bdiewa fil-katina tal-valur; | (c) tittejjeb il-pożizzjoni tal-bdiewa fil-katina tal-valur***, filwaqt li jiġu promossi l-ktajjen tal-provvista qosra***; |
| (d) jingħata kontribut lill-mitigazzjoni u l-adattament għat-tibdil fil-klima, ***kif ukoll lill-enerġija sostenibbli***; | (d) jingħata kontribut lill-mitigazzjoni u l-adattament għat-tibdil fil-klima, ***b'mod partikolari billi jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra mis-settur agrikolu u tal-ikel, inkluż permezz tat-titjib tat-tneħħija u s-sekwestru tal-karbonju fil-ħamrija, f'konformità mal-Ftehim ta' Pariġi***; |
| (e) ***jitrawwem l-iżvilupp*** sostenibbli ***u l-ġestjoni effiċjenti tar-riżorsi naturali bħall-ilma***, ***il-ħamrija u l-arja***; | (e) ***jingħata kontribut lill-protezzjoni u t-titjib tal-kwalità tal-arja u tal-ilma, filwaqt li jitnaqqas l-użu tal-pestiċidi u l-antibijotiċi***, ***u jiġi promoss użu aktar*** sostenibbli ***tal-ilma u jsir kontribut għall-protezzjoni u t-titjib tal-ħamrija***; |
| (f) ***jingħata kontribut lill-protezzjoni tal-bijodiversità,*** jissaħħu s-servizzi tal-ekosistema ***u jiġu preservati l-ħabitats*** u l-pajsaġġi; | (f) jissaħħu s-servizzi tal-ekosistema ***inkluż f'żoni rurali, u jitwaqqaf u jitreġġa' lura t-telf tal-bijodiversità, inklużi d-dakkara; sabiex isir kontribut għall-konservazzjoni, il-preservazzjoni u t-titjib tal-ħabitats, is-sistemi ta' biedja b'Valur Naturali Għoli, l-ispeċijiet,*** u l-pajsaġġi; |
| (g) jiġu attirati bdiewa żgħażagħ u jiġi ffaċilitat l-iżvilupp tan-negozju ***fiż-żoni*** rurali; | (g) jiġu attirati bdiewa żgħażagħ u ***min jidħol ġdid fil-biedja, b'mod speċjali fiż-żoni l-inqas popolati, tiġi promossa l-ugwaljanza bejn is-sessi u*** jiġi ffaċilitat l- |

| | |
|---|---|
| | iżvilupp tan-negozju ***sostenibbli f'żoni*** rurali; |
| (h) jiġu promossi l-impjiegi, it-tkabbir, l-inklużjoni soċjali u l-iżvilupp lokali ***fiż-żoni*** rurali, inkluż il-bijoekonomija u l-forestrija sostenibbli; | (h) jiġu promossi l-impjiegi, it-tkabbir, l-inklużjoni soċjali***, l-ugwaljanza bejn is-sessi*** u l-iżvilupp lokali ***u tan-negozju f'żoni*** rurali, ***bħal żoni b'restrizzjonijiet naturali*** inkluż il-bijoekonomija ***sostenibbli, l-ekonomija ċirkolari, u l-agrikoltura*** u l-forestrija sostenibbli***, sabiex tinkiseb il-koeżjoni soċjali u territorjali***; |
| (i) tittejjeb ir-reazzjoni tal-agrikoltura ***tal-UE*** għad-domandi soċjetali għall-ikel u għas-saħħa, inkluż ikel sikur, nutrittiv u sostenibbli, ***il-ħela*** tal-ikel, kif ukoll ***il-benessri*** tal-annimali. | (i) tittejjeb ir-reazzjoni tal-agrikoltura ***tal-Unjoni*** għad-domandi soċjetali għall-ikel u għas-saħħa, inkluż ikel sikur, nutrittiv u sostenibbli, ***il-biedja b'input baxx u l-agrikoltura organika, it-tnaqqis tal-ħela*** tal-ikel, kif ukoll ***il-prevenzjoni tar-reżistenza għall-antimikrobiċi u t-titjib tat-trattament xieraq*** tal-annimali. |
| 2. Meta jsegwu l-objettivi speċifiċi l-Istati Membri għandhom jiżguraw is-simplifikazzjoni u l-prestazzjoni tal-appoġġ tal-PAK. | 2. Meta jsegwu l-objettivi speċifiċi l-Istati Membri għandhom jiżguraw is-simplifikazzjoni u l-prestazzjoni tal-appoġġ tal-PAK. |
| | ***2a. L-Istati Membri għandhom jindikaw il-kontribuzzjoni rispettiva tagħhom għall-objettivi kif stabbilit f'dan l-Artikolu, u jipproponu miri nazzjonali skont dan. L-objettivi ġenerali u speċifiċi, il-miżuri ta' appoġġ u l-miri nazzjonali għandhom ikunu koerenti mal-leġiżlazzjoni stabbilita fl-Anness XI u kumplimentari għaliha. F'konformità mal-proċedura deskritta fil-Kapitolu III tat-Titolu V, il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-interventi u l-kontribuzzjonijiet rispettivi ppjanati mill-Istati Membri huma biżżejjed biex jippermettu li jintlaħqu l-objettivi tal-Unjoni fil-leġiżlazzjoni rilevanti stabbilita fl-Anness XI.*** |

**Emenda 63**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 7**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| Artikolu 7 | Artikolu 7 |
| Indikaturi | Indikaturi |
| 1. Il-kisba tal-objettivi msemmija fl-Artikoli 5 u 6(1) għandha tiġi vvalutata fuq il-bażi ta' indikaturi komuni relatati mal-output, mar-riżultat u mal-impatt. Is-sett ta' indikaturi komuni għandu jinkludi | 1. Il-kisba tal-objettivi msemmija fl-Artikoli 5 u 6(1) għandha tiġi vvalutata fuq il-bażi ta' indikaturi komuni relatati mal-output, mar-riżultat u mal-impatt. Is-sett ta' indikaturi komuni għandu jinkludi |
| (a) l-indikaturi tal-output relatati mal-output imwettaq tal-interventi appoġġati | (a) l-indikaturi tal-output relatati mal-output imwettaq tal-interventi appoġġati |
| (b) l-indikaturi tar-riżultati relatati mal-objettivi speċifiċi kkonċernati u li ntużaw għall-istabbiliment ta' stadji importanti u miri kwantifikati b'rabta ma' dawn l-objettivi speċifiċi fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK u li jivvalutaw il-progress lejn il-miri. L-indikaturi rigward l-objettivi relatati mal-klima u mal-ambjent ***jistgħu jkopru*** l-interventi inklużi fi strumenti nazzjonali rilevanti għall-ippjanar ambjentali u klimatiku li jirriżultaw mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni elenkata fl-Anness XI; | (b) l-indikaturi tar-riżultati relatati mal-objettivi speċifiċi kkonċernati u li ntużaw għall-istabbiliment ta' stadji importanti u miri kwantifikati b'rabta ma' dawn l-objettivi speċifiċi fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK u li jivvalutaw il-progress lejn il-miri. L-indikaturi rigward l-objettivi relatati mal-klima u mal-ambjent ***għandhom ikopru, fejn applikabbli,*** l-interventi inklużi fi strumenti nazzjonali rilevanti għall-ippjanar ambjentali u klimatiku li jirriżultaw mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni elenkata fl-Anness XI; |
| (c) l-indikaturi tal-impatt relatati mal-objettivi stabbiliti fl-Artikoli 5 u 6(1) u li jintużaw fil-kuntest tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK u ***tal-PAK;*** | (c) l-indikaturi tal-impatt relatati mal-objettivi stabbiliti fl-Artikoli 5 u 6(1) u li jintużaw ***biex appoġġaw l-istabbiliment ta' miri ta' prestazzjoni kwantifikati fir-rigward tal-objettivi speċifiċi*** fil-kuntest tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK u ***l-valutazzjoni tal-progress li sar lejn il-miri u l-PAK.*** |
| L-indikaturi komuni tal-output, tar-riżultati u tal-impatti huma stabbiliti fl-Anness I. | L-indikaturi komuni tal-output, tar-riżultati u tal-impatti huma stabbiliti fl-Anness I. |
| 2. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 138 li jemendaw l-Anness I biex jiġu adattati l-indikaturi komuni tal-output, tar-riżultati u tal-impatti biex titqies l-esperjenza bl-applikazzjoni tagħhom u, fejn meħtieġ, biex jiżdiedu indikaturi oħrajn ġodda. | 2. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 138 li jemendaw l-Anness I biex jiġu adattati l-indikaturi komuni tal-output, tar-riżultati u tal-impatti biex ***jittejjeb il-qafas ta' prestazzjoni taħt il-Kapitolu I tat-Titolu VI u biex*** titqies l-esperjenza bl-applikazzjoni tagħhom u, fejn meħtieġ, biex ***jiġu modifikati jew*** jiżdiedu indikaturi |

oħrajn ġodda.

***2a. Il-Kummissjoni għandha twettaq valutazzjoni interim dwar l-effikaċja, l-effiċjenza, ir-rilevanza, il-koerenza tal-output, ir-riżultati u l-indikaturi tal-impatt fl-Anness I, f'koordinazzjoni mal-valutazzjoni tal-prestazzjoni tal-pjan ta' evalwazzjoni pluriennali kif stipulat fl-Artikolu 127. Ir-riżultati għandhom ikunu parti mill-valutazzjoni tal-impatt u mill-proposti għall-ipprogrammar tal-PAK li huwa mistenni li jibda fl-2028.***

**Emenda 64**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***L-Istati Membri għandhom jiżguraw l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ugwaljanza bejn is-sessi matul it-tħejjija, l-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni tal-interventi, bil-għan li tiġi promossa l-ugwaljanza bejn is-sessi u tiġi miġġielda d-diskriminazzjoni.*** |

**Emenda 65**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 9a*** |
| | ***Żvilupp sostenibbli*** |
| | ***L-objettivi tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK għandhom jiġu segwiti f'konformità mal-prinċipju tal-iżvilupp sostenibbli u mal-għan li l-kwalità tal-ambjent tiġi ppreservata, imħarsa u mtejba kif stabbilit fl-Artikolu 11 u fl-Artikolu 191(1) tat-TFUE, filwaqt li jitqies il-prinċipju li min*** |

***iniġġes iħallas. L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jiżguraw li r-rekwiżiti tal-protezzjoni ambjentali, l-effiċjenza tar-riżorsi, il-mitigazzjoni u l-adattament għat-tibdil fil-klima, il-bijodiversità, ir-reżiljenza għad-diżastri, u l-mitigazzjoni u l-prevenzjoni tar-riskji jiġu promossi fit-tħejjija u fl-implimentazzjoni tal-objettivi speċifiċi tal-PAK. L-interventi għandhom jiġu ppjanati u mwettqa f'konformità mal-prinċipju tal-koerenza tal-politiki għall-iżvilupp kif stabbilit fl-Artikolu 208 tat-TFUE. Din il-konsistenza strateġika għandha tiġi kkontrollata mill-Kummissjoni f'konformità mal-proċedura deskritta fil-Kapitolu III tat-Titolu V.***

**Emenda 66**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 9b*** |
| | ***Konformità mal-Ftehim ta' Pariġi*** |
| | ***1. L-objettivi tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK għandhom jiġu segwiti f'konformità mal-Ftehim ta' Pariġi, u bil-għan li jintlaħqu l-objettivi globali stabbiliti fil-Ftehim ta' Pariġi u l-impenji deskritti fil-Kontributi Stabbiliti fil-Livell Nazzjonali tal-Unjoni u tal-Istati Membri.*** |
| | ***2. Il-PAK għandu jkollha l-għan li tnaqqas l-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra tas-settur tal-agrikoltura u tal-ikel fl-Unjoni bi 30 % sal-2027.*** |
| | ***3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-Pjanijiet Strateġiċi tagħhom huma konformi mal-miri nazzjonali fit-tul diġà stabbiliti li huma stipulati fl-atti leġiżattivi jew li jirriżultaw minnhom imsemmija fl-Anness XI u mal-objettivi stipulati fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu.*** |

***4. Qabel ma tadotta l-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK, il-Kummissjoni għandha tiżgura li t-taħlita tal-miri u tal-miżuri kollha tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK se tippermetti li jintlaħqu l-objettivi klimatiċi stabbiliti f'dan l-Artikolu.***

***5. Sabiex jinżammu kundizzjonijiet ekwi madwar l-Unjoni, il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-miri u l-miżuri nazzjonali relatati mal-klima ta' kull Stat Membru huma simili.***

**Emenda 67**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 10a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 10a*** |
| | ***Dimensjoni globali tal-PAK*** |
| | ***1. F'konformità mal-Artikolu 208 tat-TFUE, l-Unjoni u l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-objettivi ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp jitqiesu fl-interventi kollha tal-PAK, u li jiġu rrispettati d-Dritt għall-Ikel kif ukoll id-Dritt għall-Iżvilupp.*** |
| | ***2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK jikkontribwixxu sal-estent massimu possibbli għall-ilħuq f'waqtu tal-għanijiet stabbiliti fl-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli, b'mod partikolari l-SDG 2, l-SDG 10, l-SDG 12, u l- SDG 13, kif ukoll fil-Ftehim ta' Pariġi. Għalhekk, l-interventi tal-PAK għandhom:*** |
| | ***(i) jikkontribwixxu għall-iżvilupp ta' agrikoltura diversifikata u sostenibbli u prattiki agroekoloġiċi reżiljenti kemm fl-Unjoni kif ukoll fil-pajjiżi sħab;*** |
| | ***(ii) jikkontribwixxu għaż-żamma tad-diversità ġenetika taż-żrieragħ, il-pjanti kkultivati, l-annimali tal-azjenda agrikola*** |

| | |
|---|---|
| | ***jew iddomestikati u l-ispeċijiet selvaġġi relatati tagħhom, fl-Unjoni u fil-pajjiżi sħab;*** |
| | ***(iii) jikkontribwixxu biex jiġi sfruttat il-potenzjal tal-bdiewa fuq skala żgħira, tal-intrapriżi agrikoli żgħar, b'mod partikolari tal-bdiewa nisa, tal-popli indiġeni attivi fil-produzzjoni agrikola u r-raħħala, kemm fl-Unjoni kif ukoll fil-pajjiżi sħab;*** |
| | ***(iv) jikkontribwixxu għall-iżvilupp ta' sistemi tal-ikel lokali u swieq domestiċi u reġjonali kemm fl-Unjoni kif ukoll fil-pajjiżi sħab, bil-għan li titnaqqas id-dipendenza fuq l-importazzjonijiet tal-ikel u jitqassru l-ktajjen alimentari;*** |
| | ***(v) itemmu l-prattiki kummerċjali li jfixklu l-kummerċ globali fis-swieq agrikoli;*** |
| | ***(vi) jintegraw bis-sħiħ miżuri relatati mal-mitigazzjoni u l-adattament għat-tibdil fil-klima;*** |
| | ***(vii) jirrispettaw il-prinċipju ta' "Il-klima l-ewwel, il-kummerċ it-tieni"*** |
| | ***3. Il-konformità tal-PAK mal-Koerenza tal-Politiki għall-Iżvilupp għandha tiġi vvalutata fuq bażi regolari, fost l-oħrajn, billi tintuża data mill-mekkaniżmu ta' monitoraġġ stabbilit fl-Artikolu 119a. Il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew dwar ir-riżultati tal-valutazzjoni u r-rispons ta' politika tal-Unjoni.*** |

**Emenda 68**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 11**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Artikolu 11 | Artikolu 11 |
| Prinċipju u kamp ta' applikazzjoni | Prinċipju u kamp ta' applikazzjoni |

| | |
|---|---|
| 1. Fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom, l-Istati Membri għandhom jinkludu sistema ta' kundizzjonalità, li taħtha ***għandha tiġi imposta penali amministrattiva fuq il-benefiċjarji*** li jirċievu pagamenti diretti skont ***il-Kapitolu*** II ta' dan it-Titolu jew il-primjums annwali skont l-Artikoli 65, 66 u 67***, u li*** ma jikkonformawx mar-rekwiżiti statutorji ta' ġestjoni skont id-dritt tal-Unjoni u l-istandards għall-kundizzjoni agrikola u ambjentali tajba tal-art stabbiliti fil-Pjan Strateġiku tal-PAK ***kif elenkati fl-Anness III***, relatati mal-oqsma speċifiċi li ġejjin: | 1. Fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom, l-Istati Membri għandhom jinkludu sistema ta' kundizzjonalità, li taħtha ***l-benefiċjarji*** li jirċievu pagamenti diretti skont ***il-Kapitoli*** II ***u III*** ta' dan it-Titolu jew il-primjums annwali skont l-Artikoli 65, 66 u 67 ***għandhom ikunu soġġetti għal penali amministrattiva jekk*** ma jikkonformawx***, fejn applikabbli,*** mar-rekwiżiti statutorji ta' ġestjoni skont id-dritt tal-Unjoni u l-istandards għall-kundizzjoni agrikola u ambjentali tajba tal-art ***kif elenkati fl-Anness III,*** stabbiliti fil-Pjan Strateġiku tal-PAK, relatati mal-oqsma speċifiċi li ġejjin: |
| (a) il-klima u l-ambjent; | (a) il-klima u l-ambjent***, inklużi s-servizzi tal-ilma, l-arja, il-ħamrija, il-bijodiversità u l-ekosistema***; |
| (b) is-saħħa pubblika, is-saħħa tal-annimali u s-saħħa tal-pjanti; | (b) is-saħħa pubblika, is-saħħa tal-annimali u s-saħħa tal-pjanti; |
| (c) ***il-benessri*** tal-annimali. | (c) ***it-trattament xieraq*** tal-annimali. |
| 2. Ir-regoli dwar ***il-penali*** amministrattivi li jridu jiġu inklużi fil-Pjan Strateġiku tal-PAK għandhom jirrispettaw ir-rekwiżiti stabbiliti fil-Kapitolu IV tat-Titolu IV tar-Regolament (UE) [ir-Regolament Orizzontali]. | 2. Ir-regoli dwar ***sistema effikaċi u disważiva tal-penali*** amministrattivi li jridu jiġu inklużi fil-Pjan Strateġiku tal-PAK għandhom jirrispettaw ir-rekwiżiti stabbiliti fil-Kapitolu IV tat-Titolu IV tar-Regolament (UE) [ir-Regolament Orizzontali]. |
| 3. L-atti legali msemmija fl-Anness III b'rabta mar-rekwiżiti statutorji ta' ġestjoni għandhom japplikaw fil-verżjoni li tkun applikabbli u, fil-każ tad-Direttivi, kif implimentati mill-Istati Membri. | 3. L-atti legali msemmija fl-Anness III b'rabta mar-rekwiżiti statutorji ta' ġestjoni għandhom japplikaw fil-verżjoni li tkun applikabbli u, fil-każ tad-Direttivi, kif implimentati mill-Istati Membri. |
| 4. Għall-finijiet ta' din it-Taqsima, "rekwiżit statutorju ta' ġestjoni" tfisser kull rekwiżit individwali statutorju ta' ġestjoni skont id-dritt tal-Unjoni msemmi fl-Anness III f'att legali speċifiku, li jvarja fis-sustanza minn kwalunkwe rekwiżit ieħor tal-istess att. | 4. Għall-finijiet ta' din it-Taqsima, "rekwiżit statutorju ta' ġestjoni" tfisser kull rekwiżit individwali statutorju ta' ġestjoni skont id-dritt tal-Unjoni msemmi fl-Anness III f'att legali speċifiku, li jvarja fis-sustanza minn kwalunkwe rekwiżit ieħor tal-istess att. |

**Emenda 69**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 12**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Artikolu 12 | Artikolu 12 |
| Obbligi tal-Istati Membri relatati mal-kundizzjoni agrikola u ambjentali tajba | Obbligi tal-Istati Membri relatati mal-kundizzjoni agrikola u ambjentali tajba |
| 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li ż-żoni agrikoli kollha, inkluża l-art li ma tkunx għadha tintuża għal skopijiet ta' produzzjoni, tinżamm f'kundizzjoni agrikola u ambjentali tajba. L-Istati Membri għandhom jiddefinixxu, fuq il-livell nazzjonali jew reġjonali, l-istandards minimi għall-benefiċjarji għall-kundizzjoni agrikola u ambjentali tajba tal-art f'konformità mal-objettiv ewlieni tal-istandards kif imsemmi fl-Anness III, ***billi jqisu*** l-karatteristiċi speċifiċi taż-żoni kkonċernati, inklużi l-ħamrija u l-kundizzjoni klimatika, is-sistemi eżistenti tal-biedja, l-użu ***tal-artijiet***, in-newba, il-prattiki tal-biedja u l-istrutturi tal-azjendi agrikoli. | 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li ż-żoni agrikoli kollha, inkluża l-art li ma tkunx għadha tintuża għal skopijiet ta' produzzjoni, tinżamm f'kundizzjoni agrikola u ambjentali tajba. L-Istati Membri għandhom jiddefinixxu, ***f'konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati rilevanti,*** fuq il-livell nazzjonali jew reġjonali, l-istandards minimi għall-benefiċjarji għall-kundizzjoni agrikola u ambjentali tajba tal-art f'konformità mal-objettiv ewlieni tal-istandards kif imsemmi fl-Anness III, ***u b'mod koerenti u kumplimentari għal-leġiżlazzjoni stabbilita fl-Anness XI. L-Istati Membri għandhom iqisu*** l-karatteristiċi speċifiċi taż-żoni kkonċernati, inklużi l-ħamrija u l-kundizzjoni klimatika, ***bil-ħsieb li jintlaħqu l-objettivi speċifiċi fil-punti (d), (e), (f) u (i) tal-Artikolu 6(1),*** is-sistemi eżistenti tal-biedja, l-użu ***tal-art***, in-newba, il-prattiki tal-biedja u l-istrutturi tal-azjendi agrikoli. |
| 2. ***Fir-rigward*** tal-objettivi ewlenin stipulati fl-Anness III, l-Istati Membri jistgħu jippreskrivu standards addizzjonali minbarra dawk stipulati f'dak l-Anness skont dawn l-objettivi ewlenin. ***Madankollu, l-Istati Membri ma għandhomx jiddefinixxu standards minimi għal objettivi ewlenin għajr l-objettivi ewlenin stipulati fl-Anness III.*** | 2. ***L-Istati Membri ma għandhomx jiddefinixxu standards minimi għal objettivi ewlenin għajr l-objettivi ewlenin stipulati fl-Anness III. Madankollu, fir-rigward*** tal-objettivi ewlenin stipulati fl-Anness III, l-Istati Membri jistgħu jippreskrivu standards addizzjonali minbarra dawk stipulati f'dak l-Anness skont dawn l-objettivi ewlenin. |
| | ***2 a. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-istandard definit mill-Istati Membri skont il-proċedura stipulata fl-Artikolu 106, filwaqt li tqis l-effiċjenza meħtieġa tal-istandard u l-eżistenza ta' alternattivi.*** |
| 3. L-Istati Membri għandhom | 3. L-Istati Membri għandhom |

| | |
|---|---|
| jistabbilixxu sistema li tipprovdi l-Għodda għas-Sostenibbiltà tal-Azjendi Agrikoli għan-Nutrijenti ***msemmija*** fl-Anness III, bil-kontenut u l-funzjonalitajiet minimi kif definit hemmhekk, lill-benefiċjarji li se jużaw l-Għodda. | jistabbilixxu sistema li tipprovdi l-Għodda għas-Sostenibbiltà tal-Azjendi Agrikoli għan-Nutrijenti ***u għat-Tnaqqis tal-Input imsemmija*** fl-Anness III, bil-kontenut u l-funzjonalitajiet minimi kif definit hemmhekk, lill-benefiċjarji li se jużaw l-Għodda. ***Sabiex jiġi żgurat użu effiċjenti u l-implimentazzjoni ta' dan l-Istrument, il-Kummissjoni għandha tipprovdi perjodu ta' tranżizzjoni adegwat għall-Istati Membri.*** |
| Il-Kummissjoni tista' tappoġġa lill-Istati Membri fit-tfassil ta' dik l-Għodda kif ukoll fir-rekwiżiti tas-servizzi ta' ħżin tad-data u tal-ipproċessar tad-data. | Il-Kummissjoni tista' tappoġġa lill-Istati Membri fit-tfassil ta' dik l-Għodda kif ukoll fir-rekwiżiti tas-servizzi ta' ħżin tad-data u tal-ipproċessar tad-data. |
| 4. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 138 li jissupplimentaw dan ir-Regolament b'regoli għall-kundizzjoni agrikola u ambjentali tajba, inkluż l-istabbiliment tal-elementi tas-sistema tal-proporzjon ta' bur permanenti, ***is-sena ta' referenza u r-rata ta' konverżjoni skont il-KAAT 1 kif imsemmi fl-Anness III,*** il-format u l-elementi u l-funzjonalitajiet minimi addizzjonali tal-Għodda għas-Sostenibbiltà tal-Azjendi Agrikoli għan-Nutrijenti. | 4. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 138 li jissupplimentaw dan ir-Regolament b'regoli għall-kundizzjoni agrikola u ambjentali tajba, inkluż l-istabbiliment tal-elementi tas-sistema tal-proporzjon ta' bur permanenti, il-format u l-elementi u l-funzjonalitajiet minimi addizzjonali tal-Għodda għas-Sostenibbiltà tal-Azjendi Agrikoli għan-Nutrijenti ***u għat-Tnaqqis tal-Input***. |
| | ***Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 138 li jissupplimentaw dan ir-Regolament b'regoli għall-kundizzjoni agrikola u ambjentali tajba f'każijiet ta' force majeure, inklużi diżastri naturali, epidemiji u mard tal-pjanti.*** |

**Emenda 70**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 13**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Artikolu 13 | Artikolu 13 |
| Servizzi ***konsultattivi*** għall-azjendi agrikoli | Servizzi ***ta' konsulenza*** għall-azjendi agrikoli |

| | |
|---|---|
| 1. Fil-Pjan Strateġiku tal-PAK, l-Istati Membri għandhom jinkludu sistema għall-provvista ta' servizzi għall-għoti ta' pariri lill-bdiewa u lil benefiċjarji oħrajn tal-appoġġ tal-PAK dwar il-ġestjoni tal-art u l-ġestjoni tal-azjenda agrikola ("servizzi ta' konsulenza għall-azjendi agrikoli"). | 1. Fil-Pjan Strateġiku tal-PAK, l-Istati Membri għandhom jinkludu sistema għall-provvista ta' servizzi għall-għoti ta' pariri lill-bdiewa u lil benefiċjarji oħrajn tal-appoġġ tal-PAK dwar il-ġestjoni tal-art u l-ġestjoni tal-azjenda agrikola***, inkluż, fejn applikabbli, id-detenturi tal-foresti*** ("servizzi ta' konsulenza għall-azjendi agrikoli"). |
| 2. Is-servizzi ***konsultattivi*** għall-azjendi agrikoli għandhom ikopru d-dimensjonijiet ekonomiċi, ambjentali u soċjali u ***jagħtu*** informazzjoni teknoloġika u xjentifika aġġornata żviluppata mir-riċerka u l-innovazzjoni. Dawn għandhom jiġu integrati fis-servizzi interrelatati ta' konsulenti għall-azjendi agrikoli, riċerkaturi, organizzazzjoijiet tal-bdiewa u partijiet ikkonċernati oħra li jiffurmaw is-Sistemi tal-Għarfien u tal-Innovazzjoni Agrikoli (AKIS). | 2. Is-servizzi ***ta' konsulenza*** għall-azjendi agrikoli għandhom ikopru d-dimensjonijiet ekonomiċi, ambjentali u soċjali u ***jiffaċilitaw l-akkwist tal-ħiliet u l-għarfien meħtieġa għal produzzjoni sostenibbli u b'input baxx bl-użu ta'*** informazzjoni teknoloġika u xjentifika aġġornata żviluppata mir-riċerka u l-innovazzjoni. Dawn għandhom jiġu integrati fis-servizzi interrelatati ta' konsulenti għall-azjendi agrikoli, riċerkaturi, organizzazzjoijiet tal-bdiewa u partijiet ikkonċernati oħra li jiffurmaw is-Sistemi tal-Għarfien u tal-Innovazzjoni Agrikoli (AKIS). |
| 3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-parir mogħti lil-azjendi agrikoli jkun imparzjali u li l-konsulenti ma jkollhom l-ebda kunflitt ta' interess. | 3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-parir mogħti lil-azjendi agrikoli jkun imparzjali u li l-konsulenti ma jkollhom l-ebda kunflitt ta' interess***, kif ukoll li s-servizzi ta' konsulenza għall-azjendi agrikoli jkunu adattati għad-diversità tal-azjendi agrikoli u l-modi ta' produzzjoni***. |
| | ***3a. Il-Kummissjoni għandha tiddefinixxi l-istandards minimi għas-servizzi ta' konsulenza għall-azjendi agrikoli, f'termini tal-kwalità, tal-indipendenza u tal-kopertura territorjali tal-parir ipprovdut.*** |
| 4. Is-sistemi konsultattivi għall-azjendi agrikoli għandhom ikopru mill-inqas dan li ġej: | 4. Is-sistemi konsultattivi għall-azjendi agrikoli għandhom ikopru mill-inqas dan li ġej: |
| (a) ir-rekwiżiti, il-kundizzjonijiet u l-impenji ta' ġestjoni kollha li japplikaw għall-bdiewa u għall-benefiċjarji l-oħra stabbiliti fil-Pjan Strateġiku tal-PAK, inkluż ir-rekwiżiti u l-istandards taħt il- | (a) ir-rekwiżiti, il-kundizzjonijiet u l-impenji ta' ġestjoni kollha li japplikaw għall-bdiewa u għall-benefiċjarji l-oħra stabbiliti fil-Pjan Strateġiku tal-PAK, inkluż ir-rekwiżiti u l-istandards taħt il- |

| | |
|---|---|
| kundizzjonalità u l-kundizzjonijiet għall-iskemi ta' appoġġ kif ukoll informazzjoni dwar l-istrumenti finanzjarji u l-pjanijiet ta' negozju stabbiliti fil-Pjan Strateġiku tal-PAK; | kundizzjonalità u l-kundizzjonijiet għall-iskemi ta' appoġġ kif ukoll informazzjoni dwar l-istrumenti finanzjarji u l-pjanijiet ta' negozju stabbiliti fil-Pjan Strateġiku tal-PAK; |
| (b) ir-rekwiżiti kif definiti mill-Istati Membri għall-implimentazzjoni tad-Direttiva 2000/60/KE, id-Direttiva 92/43/KEE, id-Direttiva 2009/147/KE, id-Direttiva 2008/50/KE, id-Direttiva (UE) 2016/2284, ir-Regolament (UE) 2016/2031, ir-Regolament (UE) 2016/429, ***l-Artikolu 55 tar-Regolament*** (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[30] ***u d-Direttiva*** 2009/128/KE; | (b) ir-rekwiżiti kif definiti mill-Istati Membri għall-implimentazzjoni tad-Direttiva 2000/60/KE, id-Direttiva 92/43/KEE, id-Direttiva 2009/147/KE, id-Direttiva 2008/50/KE, id-Direttiva (UE) 2016/2284, ir-Regolament (UE) 2016/2031, ***ir-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) 2013/485, 2018/783, 2018/784 u 2018/785,*** ir-Regolament (UE) 2016/429, ***ir-Regolament*** (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[30]***, id-Direttiva*** 2009/128/KE***, id-Direttiva 98/58/KE, id-Direttiva 1999/74/KE, id-Direttiva 2007/43/KE, id-Direttiva 2008/119/KE, id-Direttiva 2008/120/KE, ir-Regolament (KE) 2008/543 u r-Regolament (KE) Nru 1/2005, filwaqt li jħeġġu t-tranżizzjoni lejn prattiki agroekoloġiċi***; |
| | ***(ba) tranżizzjoni lejn u l-manutenzjoni ta' prattiki agroekoloġiċi, inkluża l-agroforestrija;*** |
| | ***(bb) l-Għodda għas-Sostenibbiltà tal-Azjendi Agrikoli għan-Nutrijenti u t-Tnaqqis tal-Input imsemmija fl-Artikolu 12(3);*** |
| (c) il-prattiki tal-azjendi agrikoli li jipprevjenu l-iżvilupp tar-reżistenza għall-antimikrobiċi kif stabbilit fil-Komunikazzjoni "Pjan ta' Azzjoni Saħħa Waħda Ewropew kontra r-Reżistenza Antimikrobika"[31]; | (c) il-prattiki tal-azjendi agrikoli li jipprevjenu l-iżvilupp tar-reżistenza għall-antimikrobiċi kif stabbilit fil-Komunikazzjoni "Pjan ta' Azzjoni Saħħa Waħda Ewropew kontra r-Reżistenza Antimikrobika"[31]; |
| (d) il-ġestjoni tar-riskju kif imsemmi fl-Artikolu 70; | (d) il-ġestjoni tar-riskju kif imsemmi fl-Artikolu 70; |
| (e) l-appoġġ għall-innovazzjoni b'mod partikolari għat-tħejjija u għall- | (e) l-appoġġ għall-innovazzjoni b'mod partikolari għat-tħejjija u għall- |

| | |
|---|---|
| implimentazzjoni tal-proġetti tal-Grupp Operattiv tas-Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni għall-produttività u s-sostenibbiltà fil-qasam agrikolu kif imsemmi fl-Artikolu 114 | implimentazzjoni tal-proġetti tal-Grupp Operattiv tas-Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni għall-produttività u s-sostenibbiltà fil-qasam agrikolu kif imsemmi fl-Artikolu 114 |
| (f) l-iżvilupp ta' teknoloġiji diġitali fl-agrikoltura u fiż-żoni rurali kif imsemmi fl-Artikolu 102(b). | (f) l-iżvilupp ta' teknoloġiji diġitali fl-agrikoltura u fiż-żoni rurali kif imsemmi fl-Artikolu 102(b). |
| | ***(fa) appoġġ u assistenza għall-bdiewa żgħażagħ u min jidħol ġdid matul il-ħames snin wara t-tnedija tan-negozju tagħhom;*** |
| | ***(fb) it-twaqqif u l-iżvilupp ta' organizzazzjonijiet tal-produtturi.*** |
| [30] Ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 79/117/KEE u 91/414/KEE (ĠU L 309, 24.11.2009, p. 1). | [30] Ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 79/117/KEE u 91/414/KEE (ĠU L 309, 24.11.2009, p. 1). |
| [31] "Pjan ta' Azzjoni Saħħa Waħda Ewropew kontra r-Reżistenza Antimikrobika (RAM) (COM(2017) 339 final). | [31] "Pjan ta' Azzjoni Saħħa Waħda Ewropew kontra r-Reżistenza Antimikrobika (RAM) (COM(2017) 339 final). |

**Emenda 71**

**Proposta għal regolament**
**Titolu 3 – Kapitolu 1 – Taqsima 3a (ġdida) – Artikolu 13a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Taqsima 3a*** |
| | ***Biedja organika*** |
| | ***Artikolu 13a*** |
| | ***Biedja Organika*** |
| | ***L-agrikoltura organika, kif definita fir-Regolament (UE) 2018/848tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1a], hija sistema ta'*** |

***biedja ċċertifikata li tista' tikkontribwixxi favur diversi objettivi speċifiċi tal-PAK kif stipulat fl-Artikolu 6(1) ta' dan ir-Regolament. Fid-dawl tal-benefiċċji tal-biedja organika, kif ukoll tad-domanda li qiegħda tikber għaliha u li qed tkompli tisboq iż-żieda fil-produzzjoni, l-Istati Membri għandhom jivvalutaw il-livell ta' appoġġ meħtieġ għall-art agrikola mmaniġġjata skont iċ-ċertifikazzjoni organika. L-Istati Membri għandhom jinkludu fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom analiżi tal-produzzjoni tas-settur organiku, tad-domanda mistennija, u tal-potenzjal tagħha li tissodisfa l-objettivi tal-PAK, u għandhom jistabbilixxu objettivi sabiex iżidu s-sehem tal-art agrikola skont il-ġestjoni organika kif ukoll sabiex jiżviluppaw il-katina ta' provvista organika sħiħa. Fuq il-bażi ta' din il-valutazzjoni, l-Istati Membri għandhom jiddeterminaw il-livell xieraq ta' appoġġ għall-konverżjoni u għall-manutenzjoni organiċi, jew permezz ta' miżuri għall-iżvilupp rurali fl-Artikolu 65 jew permezz ta' ekoskemi fl-Artikolu 28, jew permezz ta' taħlita tat-tnejn, u għandhom jiżguraw li l-baġits allokati jlaħħqu mat-tkabbir mistenni fil-produzzjoni organika.***

___________________

***[1a] Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2018/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 (ĠU L 150, 14.6.2018, p. 1).***

**Emenda 72**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 14**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Artikolu 14 | Artikolu 14 |
| Tipi ta' interventi fil-forma ta' pagamenti diretti | Tipi ta' interventi fil-forma ta' pagamenti diretti |
| 1. It-tipi ta' interventi taħt dan il-Kapitolu jistgħu jieħdu l-forma ta' pagamenti diretti akkoppjati u diżakkoppjati; | 1. It-tipi ta' interventi taħt dan il-Kapitolu jistgħu jieħdu l-forma ta' pagamenti diretti akkoppjati u diżakkoppjati; |
| 2. Il-pagamenti diretti diżakkoppjati għandhom ikunu dawn li ġejjin: | 2. Il-pagamenti diretti diżakkoppjati għandhom ikunu dawn li ġejjin: |
| (a) l-appoġġ għall-introjtu bażiku għas-sostenibbiltà; | (a) l-appoġġ għall-introjtu bażiku għas-sostenibbiltà; |
| (b) l-appoġġ għall-introjtu ridistributtiv komplementarju għas-sostenibbiltà; | (b) l-appoġġ għall-introjtu ridistributtiv komplementarju għas-sostenibbiltà; |
| (c) l-appoġġ għall-introjtu komplementarju għall-bdiewa żgħażagħ; | (c) l-appoġġ għall-introjtu komplementarju għall-bdiewa żgħażagħ; |
| (d) l-iskemi għall-klima u għall-ambjent. | (d) l-iskemi għall-klima u għall-ambjent. |
| 3. Il-pagamenti diretti akkoppjati għandhom ikunu dawn li ġejjin: | 3. Il-pagamenti diretti akkoppjati għandhom ikunu dawn li ġejjin: |
| (a) l-appoġġ għall-introjtu akkoppjat; | (a) l-appoġġ għall-introjtu akkoppjat; |
| (b) il-pagament speċifiku għall-għelejjel għall-qoton. | (b) il-pagament speċifiku għall-għelejjel għall-qoton. |

**Emenda 73**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 14a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 14a*** |
| | ***Il-kategoriji li ġejjin ta' benefiċjarji mhumiex eliġibbli għall-pagamenti ta' appoġġ għall-introjtu permezz tal-FAEG:*** |
| | ***(a) il-politiċi nazzjonali jew reġjonali jew l-impjegati maċ-ċivil b'responsabbiltà diretta jew indiretta għall-ippjanar, għall-ġestjoni jew għas-superviżjoni tad-*** |

| | |
|---|---|
| | ***distribuzzjoni tas-sussidji tal-PAK;*** |
| | ***(b) il-membri tal-familja tal-persuni msemmija fil-punt (a).*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Fid-dawl tal-problemi mifruxa ta' kunflitt ta' interess, ma jkunx sew li l-ministri tal-agrikoltura, il-funzjonarji, il-membri tal-kumitati agrikoli tal-parlamenti jew il-familja tagħhom jieħdu deċiżjonijiet dwar l-appoġġ għall-introjtu.*

**Emenda 74**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 15**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Artikolu 15 | Artikolu 15 |
| Tnaqqis tal-pagamenti | Tnaqqis tal-pagamenti |
| 1. L-Istati Membri għandhom ***inaqqsu*** l-ammont tal-pagamenti diretti li jridu jingħataw lil bidwi skont dan il-Kapitolu għal sena kalendarja speċifika ***li jaqbżu s-EUR 60 000 kif ġej***. | 1. L-Istati Membri għandhom ***jillimitaw*** l-ammont tal-pagamenti diretti li jridu jingħataw lil bidwi skont dan il-Kapitolu għal sena kalendarja speċifika ***għal EUR 80 000***. |
| ***(a) b'mill-inqas 25 % għall-firxa bejn EUR 60 000 u EUR 75 000;*** | |
| ***(b) b'mill-inqas 50 % għall-firxa bejn EUR 75 000 u EUR 90 000;*** | |
| ***(c) b'mill-inqas 75 % għall-firxa bejn EUR 90 000 u EUR 100 000;*** | |
| ***(d) b'100 % għall-ammont li jaqbeż EUR 100 000.*** | |
| 2. Qabel ma japplikaw il-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom inaqqsu mill-ammont tal-pagamenti diretti li jridu jingħataw lil bidwi skont dan il-Kapitolu f'sena kalendarja speċifika***:*** | 2. Qabel ma japplikaw il-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom inaqqsu mill-ammont tal-pagamenti diretti li jridu jingħataw lil bidwi skont dan il-Kapitolu f'sena kalendarja speċifika ***il-pagamenti mogħtija għal skemi favur il-klima u l-ambjent skont l-Artikolu 28.*** |
| ***(a) is-salarji marbuta ma' attività agrikola ddikjarata mill-bidwi, inkluż it-taxxi u l-kontribuzzjonijiet soċjali relatati*** | |

***mal-impjiegi; kif ukoll***

***(b) l-ispiża ekwivalenti ta' xogħol regolari u mhux imħallas marbut ma' attività agrikola pprattikata minn persuni li jaħdmu fl-azjenda agrikola kkonċernata li ma jirċevux salarju, jew li jirċievu inqas rimunerazzjoni mill-ammont normalment imħallas għas-servizzi mogħtija, iżda jiġu ppremjati permezz tar-riżultat ekonomiku tan-negozju agrikolu.***

***Sabiex jikkalkulaw l-ammonti msemmija fil-punti a) u b), l-Istati Membri għandhom jużaw is-salarji standard medji marbuta ma' attività agrikola fil-livell nazzjonali jew reġjonali mmultiplikati bin-numru ta' unitajiet annwali ta' xogħol iddikjarati mill-bidwi kkonċernat.***

| | |
|---|---|
| 3. Il-prodott stmat tat-tnaqqis tal-pagamenti għandu jintuża prinċipalment biex jikkontribwixxi għall-finanzjament ***tal-appoġġ għall-introjtu ridistributtiv komplementarju għas-sostenibbiltà*** u wara ***għall-finanzjament*** ta' interventi ***oħra li jappartjenu għall-pagamenti diretti diżakkoppjati***. | 3. Il-prodott stmat tat-tnaqqis tal-pagamenti għandu jintuża prinċipalment biex jikkontribwixxi għall-finanzjament ***tal-iskemi favur il-klima u l-ambjent*** u wara ***għat-tipi*** ta' interventi ***taħt il-FAEŻR kif speċifikat fil-Kapitolu IV permezz ta' trasferiment. Trasferiment lill-FAEŻR bħal dan għandu jkun parti mit-tabelli finanzjarji tal-Pjan Strateġiku tal-PAK u jista' jiġi rieżaminat fl-2023 skont l-Artikolu 90. Dan ma għandux ikun soġġett għal-limiti massimi għat-trasferimenti ta' fondi mill-FAEG għall-FAEŻR stabbiliti fl-Artikolu 90.*** |
| L-Istati Membri jistgħu wkoll jużaw il-prodott kollu jew parti minnu biex jiffinanzjaw ***it-tipi ta' interventi taħt l-FAEŻR kif speċifikat fil-Kapitolu IV permezz ta' trasferiment. Trasferiment lill-FAEŻR bħal dan għandu jkun parti mit-tabelli finanzjarji tal-Pjan Strateġiku tal-PAK u jista' jiġi rieżaminat fl-2023 skont l-Artikolu 90. Dan ma għandux ikun soġġett għal-limiti massimi għat-trasferimenti ta' fondi mill-FAEG għall-FAEŻR stabbiliti fl-Artikolu 90.*** | L-Istati Membri jistgħu wkoll jużaw il-prodott kollu jew parti minnu biex jiffinanzjaw ***l-appoġġ għall-introjtu ridistributtiv komplementarju għas-sostenibbiltà jew biex jiffinanzjaw interventi oħra li jappartjenu għall-pagamenti diretti diżakkoppjati***. |
| 4. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 138 li jissupplementaw dan ir-Regolament | 4. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 138 li jissupplementaw dan ir-Regolament |

| | |
|---|---|
| b'regoli li jistabbilixxu bażi armonizzata għall-kalkolu tat-tnaqqis tal-pagamenti stabbilit fil-paragrafu 1 sabiex tiġi żgurata distribuzzjoni korretta tal-fondi lill-benefiċjarji intitolati. | b'regoli li jistabbilixxu bażi armonizzata għall-kalkolu tat-tnaqqis tal-pagamenti stabbilit fil-paragrafu 1 sabiex tiġi żgurata distribuzzjoni korretta tal-fondi lill-benefiċjarji intitolati. |

**Emenda 75**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 17 – paragrafu 3a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3a. L-appoġġ stabbilit fis-Subtaqsima 2 fl-ebda ċirkostanza m'għandu jibbenefika lil sistemi ta' produzzjoni b'impatt negattiv fuq l-ambjent jew fuq pajjiżi terzi jew ma jkunx konformi mal-atti leġiżlattivi msemmija fl-Anness XI.*** |

**Emenda 76**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 17 – paragrafu 3b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3b. L-appoġġ skont din is-subtaqsima ma għandux jintuża biex jiffinanzja operazzjonijiet ikkonċentrati ta' tagħlif tal-annimali.*** |

**Emenda 77**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 18 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***2. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jiddistingwu l-ammont tal-appoġġ għall-introjtu bażiku għal kull ettaru fost il-gruppi ta' territorji differenti li jiffaċċjaw kundizzjonijiet soċjoekonomiċi jew*** | ***imħassar*** |

***agronomiċi simili.***

*Ġustifikazzjoni*

*Aħna rridu PAK ġusta fi ħdan l-Istati Membri kif ukoll bejn l-Istati Membri. Minkejja l-mod li bih inkiteb, dan il-punt jippermetti lill-Istati Membri jkomplu l-preġudizzju tagħhom lejn kultivazzjoni tar-raba' fil-pjanuri, filwaqt li jiddiskrimina kontra bdiewa attivi li jipprovdu beni pubbliċi f'kundizzjonijiet kultant diffiċli f'żoni mhux ikkultivati jew ta' użu mħallat fl-għoli, li spiss jikkoinċidu ma' agrikoltura ta' valur naturali għoli.*

**Emenda 78**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 20**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Artikolu 20 | Artikolu 20 |
| Valur tal-intitolamenti għal pagament u konverġenza | Valur tal-intitolamenti għal pagament u konverġenza |
| 1. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw il-valur unitarju għall-intitolamenti għal pagament qabel il-konverġenza skont dan l-Artikolu billi jaġġustaw il-valur tal-intitolamenti għal pagament b'mod proporzjonali għall-valur tagħhom kif stabbilit skont ir-Regolament (UE) Nru 1307/2013 għas-sena tat-talba 2020 u l-pagament relatat għall-prattiki agrikoli li huma ta' benefiċċju għall-klima u għall-ambjent previsti fil-Kapitolu III tat-Titolu III ta' dak ir-Regolament għas-sena tat-talba 2020. | 1. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw il-valur unitarju għall-intitolamenti għal pagament qabel il-konverġenza skont dan l-Artikolu billi jaġġustaw il-valur tal-intitolamenti għal pagament b'mod proporzjonali għall-valur tagħhom kif stabbilit skont ir-Regolament (UE) Nru 1307/2013 għas-sena tat-talba 2020 u l-pagament relatat għall-prattiki agrikoli li huma ta' benefiċċju għall-klima u għall-ambjent previsti fil-Kapitolu III tat-Titolu III ta' dak ir-Regolament għas-sena tat-talba 2020. |
| 2. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jiddistingwu l-valur tal-intitolamenti għal pagament skont l-Artikolu 18(2). | 2. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jiddistingwu l-valur tal-intitolamenti għal pagament skont l-Artikolu 18(2). |
| 3. Sal-aktar tard is-sena tat-talba 2026, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu livell massimu għall-valur tal-intitolamenti għal pagament għall-Istat Membru jew għal kull grupp ta' territorji definit skont l-Artikolu 18(2). | 3. Sal-aktar tard is-sena tat-talba 2026, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu livell massimu għall-valur tal-intitolamenti għal pagament għall-Istat Membru jew għal kull grupp ta' territorji definit skont l-Artikolu 18(2). |
| 4. Meta l-valur tal-intitolamenti għal pagament kif determinat skont il- | 4. Meta l-valur tal-intitolamenti għal pagament kif determinat skont il- |

paragrafu 1 ma jkunx uniformi fi Stati Membru jew fi grupp ta' territorji kif definit skont l-Artikolu 18(2), l-Istati Membri għandhom jiżguraw konverġenza tal-valur tal-intitolamenti għal pagament lejn valur unitarju uniformi l-aktar tard sas-sena tat-talba 2026.

5. Għall-finijiet tal-paragrafu 4, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li, l-aktar tard għas-sena tat-talba 2026, l-intitolamenti għal pagament kollha jkollhom valur ta' mill-inqas 75 % tal-ammont unitarju medju ppjanat għall-appoġġ għall-introjtu bażiku għas-sena tat-talba 2026 kif stabbilit fil-Pjan Strateġiku tal-PAK trażmess skont l-Artikolu 106(1) għall-Istat Membru jew għat-territorji kif definit skont l-Artikolu 18(2).

6. L-Istati Membri għandhom jiffinanzjaw iż-żidiet fil-valur tal-intitolamenti għal pagament meħtieġa biex jikkonformaw mal-paragrafi 4 u 5 billi jużaw kwalunkwe prodott possibbli li jirriżulta mill-applikazzjoni tal-paragrafu 3, u, fejn meħtieġ, billi jnaqqsu d-differenza bejn il-valur unitarju tal-intitolamenti għal pagament determinat skont il-paragrafu 1 u l-ammont unitarju medju ppjanat għall-appoġġ għall-introjtu bażiku għas-sena tat-talba 2026 kif stabbilit fil-Pjan Strateġiku tal-PAK trażmess skont l-Artikolu 106(1) għall-Istat Membru jew għat-territorji kif definit skont l-Artikolu 18(2).

L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li japplikaw it-tnaqqis lill-intitolamenti għal pagament kollha jew parti minnhom b'valur determinat skont il-paragrafu 1 li jaqbeż l-ammont unitarju medju ppjanat għall-appoġġ għall-introjtu bażiku għas-sena ta' talba 2026, kif stabbilit fil-Pjan Strateġiku tal-PAK trażmess skont l-Artikolu 106(1) għall-Istat Membru jew għat-territorji kif definit skont l-Artikolu 18(2).

7. It-tnaqqis imsemmi fil-paragrafu 6 għandu jkun ibbażat fuq kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji. Mingħajr

paragrafu 1 ma jkunx uniformi fi Stati Membru jew fi grupp ta' territorji kif definit skont l-Artikolu 18(2), l-Istati Membri għandhom jiżguraw konverġenza tal-valur tal-intitolamenti għal pagament lejn valur unitarju uniformi l-aktar tard sas-sena tat-talba 2026.

5. Għall-finijiet tal-paragrafu 4, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li, l-aktar tard għas-sena tat-talba 2026, l-intitolamenti għal pagament kollha jkollhom valur ta' mill-inqas 75 % tal-ammont unitarju medju ppjanat għall-appoġġ għall-introjtu bażiku għas-sena tat-talba 2026 kif stabbilit fil-Pjan Strateġiku tal-PAK trażmess skont l-Artikolu 106(1) għall-Istat Membru jew għat-territorji kif definit skont l-Artikolu 18(2).

6. L-Istati Membri għandhom jiffinanzjaw iż-żidiet fil-valur tal-intitolamenti għal pagament meħtieġa biex jikkonformaw mal-paragrafi 4 u 5 billi jużaw kwalunkwe prodott possibbli li jirriżulta mill-applikazzjoni tal-paragrafu 3, u, fejn meħtieġ, billi jnaqqsu d-differenza bejn il-valur unitarju tal-intitolamenti għal pagament determinat skont il-paragrafu 1 u l-ammont unitarju medju ppjanat għall-appoġġ għall-introjtu bażiku għas-sena tat-talba 2026 kif stabbilit fil-Pjan Strateġiku tal-PAK trażmess skont l-Artikolu 106(1) għall-Istat Membru jew għat-territorji kif definit skont l-Artikolu 18(2).

L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li japplikaw it-tnaqqis lill-intitolamenti għal pagament kollha jew parti minnhom b'valur determinat skont il-paragrafu 1 li jaqbeż l-ammont unitarju medju ppjanat għall-appoġġ għall-introjtu bażiku għas-sena ta' talba 2026, kif stabbilit fil-Pjan Strateġiku tal-PAK trażmess skont l-Artikolu 106(1) għall-Istat Membru jew għat-territorji kif definit skont l-Artikolu 18(2).

7. It-tnaqqis imsemmi fil-paragrafu 6 għandu jkun ibbażat fuq kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji. Mingħajr

| | |
|---|---|
| preġudizzju għas-sett minimu skont il-paragrafu 5, it-tali kriterji jistgħu jinkludu l-iffissar ta' tnaqqis massimu li ma jistax ikun aktar baxx minn 30 %. | preġudizzju għas-sett minimu skont il-paragrafu 5, it-tali kriterji jistgħu jinkludu l-iffissar ta' tnaqqis massimu li ma jistax ikun aktar baxx minn 30 %. |

**Emenda 79**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 22 – paragrafu 4 – punt ba (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ba) Fil-każijiet imsemmija fis-subparagrafi (a) u (b), l-Istati Membri jistgħu jagħtu prijorità lin-nisa bl-għan li jilħqu l-objettiv imsemmi fil-punt (h) tal-Artikolu 6(1).*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Iż-żieda fil-parteċipazzjoni tan-nisa fl-attività ekonomika għandha tiġi promossa bħala parti mill-objettivi speċifiċi li għandhom jintużaw biex jintlaħqu l-objettivi ġenerali.*

**Emenda 80**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 26**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Artikolu 26 | Artikolu 26 |
| Appoġġ għall-introjtu ridistributtiv komplementarju għas-sostenibbiltà | Appoġġ għall-introjtu ridistributtiv komplementarju għas-sostenibbiltà |
| 1. L-Istati Membri għandhom jipprevedu appoġġ għall-introjtu ridistributtiv komplementarju għas-sostenibbiltà ("appoġġ għall-introjtu ridistributtiv") bil-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u kif speċifikat aktar fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom. | 1. L-Istati Membri għandhom jipprevedu appoġġ għall-introjtu ridistributtiv komplementarju għas-sostenibbiltà ("appoġġ għall-introjtu ridistributtiv") bil-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u kif speċifikat aktar fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom. |
| 2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw distribuzzjoni mill-ġdid tal-appoġġ mill-azjendi agrikoli kbar għal dawk żgħar jew medji billi jipprevedu | 2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw distribuzzjoni mill-ġdid tal-appoġġ mill-azjendi agrikoli kbar għal dawk żgħar jew medji billi jipprevedu |

| | |
|---|---|
| appoġġ għall-introjtu ridistributtiv fil-forma ta' pagament diżakkoppjat annwali għal kull ettaru eliġibbli lill-bdiewa li huma intitolati għal pagament taħt l-appoġġ għall-introjtu bażiku msemmi fl-Artikolu 17. | appoġġ għall-introjtu ridistributtiv fil-forma ta' pagament diżakkoppjat annwali għal kull ettaru eliġibbli lill-bdiewa li huma intitolati għal pagament taħt l-appoġġ għall-introjtu bażiku msemmi fl-Artikolu 17. |
| 3. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu ammont għal kull ettaru jew ammonti differenti għal firxiet differenti ta' ettari, kif ukoll in-numru massimu ta' ettari għal kull bidwi li għalih għandu jitħallas l-appoġġ għall-introjtu ridistributtiv. | 3. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu ammont għal kull ettaru jew ammonti differenti għal firxiet differenti ta' ettari, kif ukoll in-numru massimu ta' ettari għal kull bidwi li għalih għandu jitħallas l-appoġġ għall-introjtu ridistributtiv. |
| 4. L-ammont għal kull ettaru ppjanat għal sena tat-talba partikolari ma għandux jaqbeż l-ammont medju nazzjonali tal-pagamenti diretti għal kull ettaru għal dik is-sena tat-talba. | 4. L-ammont għal kull ettaru ppjanat għal sena tat-talba partikolari ma għandux jaqbeż l-ammont medju nazzjonali tal-pagamenti diretti għal kull ettaru għal dik is-sena tat-talba. |
| 5. L-ammont medju nazzjonali tal-pagamenti diretti għal kull ettaru huwa definit bħala l-proporzjon tal-limitu massimu nazzjonali għall-pagamenti diretti għal sena tat-talba partikolari kif stabbiliti fl-Anness IV u l-outputs ippjanati totali għall-appoġġ għall-introjtu bażiku għad-dħul għas-sena tat-talba għal sena tat-talba partikolari, espress f'numru ta' ettari. | 5. L-ammont medju nazzjonali tal-pagamenti diretti għal kull ettaru huwa definit bħala l-proporzjon tal-limitu massimu nazzjonali għall-pagamenti diretti għal sena tat-talba partikolari kif stabbiliti fl-Anness IV u l-outputs ippjanati totali għall-appoġġ għall-introjtu bażiku għad-dħul għas-sena tat-talba għal sena tat-talba partikolari, espress f'numru ta' ettari. |

**Emenda 81**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 27 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Bħala parti mill-obbligi tagħhom biex jikkontribwixxu għall-objettiv speċifiku "nattiraw il-bdiewa ***żgħażagħ u niffaċilitaw l-iżvilupp tan-negozju fiż-żoni rurali"*** stabbilit fil-punt (g) tal-Artikolu 6(1) u biex jiddedikaw mill-inqas ***2*** % tal-allokazzjonijiet tagħhom tal-pagamenti diretti għal dan l-objettiv skont l-Artikolu 86(4), l-Istati Membri jistgħu jipprovdu appoġġ għall-introjtu komplementarju għall-bdiewa żgħażagħ li | 2. Bħala parti mill-obbligi tagħhom biex jikkontribwixxu għall-objettiv speċifiku "nattiraw il-bdiewa ***żgħażagħ"*** stabbilit fil-punt (g) tal-Artikolu 6(1) u biex jiddedikaw mill-inqas ***4*** % tal-allokazzjonijiet tagħhom tal-pagamenti diretti għal dan l-objettiv skont l-Artikolu 86(4), l-Istati Membri jistgħu jipprovdu appoġġ għall-introjtu komplementarju għall-bdiewa żgħażagħ li huma intitolati għal pagament taħt l- |

| | |
|---|---|
| ***għadhom kif twaqqfu għall-ewwel darba u l****i* huma intitolati għal pagament taħt l-appoġġ għall-introjtu bażiku kif imsemmi fl-Artikolu 17. | appoġġ għall-introjtu bażiku kif imsemmi fl-Artikolu 17***u li għadhom kif twaqqfu għall-ewwel darba jew li twaqqfu fil-ħames snin ta' qabel l-ewwel preżentazzjoni tal-applikazzjoni għal pagament għall-bdiewa żgħażagħ, bil-kundizzjoni li dawn il-pagamenti jintużaw għall-produzzjoni sostenibbli u li l-introjtu/assi finanzjarji ma jaqbżux il-limitu stabbilit fl-Artikolu 15****.*** |
| | ***B'deroga mill-ewwel subparagrafu, il-bdiewa żgħażagħ li fl-aħħar sena ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) 1307/2013 ikunu rċevew l-appoġġ imsemmi fl-Artikolu 50 ta' dak ir-Regolament jistgħu jirċievu l-appoġġ imsemmi f'dan l-Artikolu għall-perjodu massimu msemmi fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Il-bdiewa żgħażagħ li ma għandhomx bżonn il-flus, jew li jużawhom għall-finijiet ta' intensifikazzjoni b'mod li jmur kontra l-objettivi tal-Artikoli 5 u 6, ma għandhomx jingħataw flus il-kontribwenti.*

**Emenda 82**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 28**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Artikolu 28 | Artikolu 28 |
| Skemi għall-klima u għall-ambjent | Skemi għall-klima u għall-ambjent |
| 1. L-Istati Membri għandhom jipprevedu appoġġ għall-iskemi volontarji għall-klima u għall-ambjent ("ekoskemi") bil-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u kif speċifikat aktar fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom. | 1. L-Istati Membri għandhom ***jistabbilixxu u*** jipprevedu appoġġ ***u jistabbilixxu sehem finanzjarju minimu ta' tal-inqas 30% mill-allokazzjonijiet nazzjonali rispettivi tagħhom kif stabbilit fl-Anness IV*** għall-iskemi volontarji għall-klima u għall-ambjent ("ekoskemi") bil-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u kif speċifikat aktar fil-Pjanijiet Strateġiċi |

| | |
|---|---|
| | tal-PAK tagħhom. |
| 2. Taħt dan it-tip ta' intervent l-Istati Membri għandhom jappoġġaw lill-bdiewa ġenwini li jieħdu impenji biex josservaw, fuq ettari eliġibbli, il-prattiki agrikoli li huma ta' benefiċċju għall-klima u għall-ambjent. | 2. Taħt dan it-tip ta' intervent l-Istati Membri għandhom jappoġġaw lill-bdiewa ġenwini ***jew lill-gruppi ta' bdiewa*** li jieħdu impenji biex josservaw, ***iżommu u jippromwovu,*** fuq ettari eliġibbli, il-prattiki ***u s-sistemi*** agrikoli li huma ta' benefiċċju għall-klima u għall-ambjent. |
| 3. ***L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu*** l-lista ta' prattiki agrikoli ***li huma*** ta' benefiċċju għall-klima u għall-ambjent. | 3. ***Il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati skont l-Artikolu 138 li jissupplimenta dan ir-Regolament billi tistabbilixxi*** l-lista ***tal-Unjoni*** ta' prattiki agrikoli ta' benefiċċju għall-klima u għall-ambjent, ***filwaqt li tqis il-kundizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu***. |
| | ***L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu listi nazzjonali komplementari ta' prattiki agrikoli li huma ta' benefiċċju għall-klima u l-ambjent billi jagħżlu mil-lista tal-Unjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu. L-Istati Membri għandhom jipprijoritizzaw skemi li jipprovdu kobenefiċċji, jippromwovu sinerġiji u jenfasizzaw approċċ integrat.*** |
| | ***Il-Kummissjoni għandha tipprovdi l-gwida neċessarja lill-Istati Membri meta jkunu qed ifasslu l-listi nazzjonali, f'koordinazzjoni man-Netwerks Nazzjonali u Ewropej tal-Politika Agrikola Komuni kif stipulat fl-Artikolu 113, sabiex tiffaċilita l-iskambju tal-aħjar prattiki, sabiex ittejjeb il-bażi ta' għarfien u s-soluzzjonijiet għall-ilħuq tal-objettivi ambjentali u relatati mal-klima speċifiċi stabbiliti fil-punti (d), (e), u (f) tal-Artikolu 6(1). Għandha tingħata attenzjoni speċjali lir-replika potenzjali tal-miżuri u l-iskemi mfassla għall-kuntesti jew għar-restrizzjonijiet lokali, reġjonali u/jew ambjentali speċifiċi.*** |
| | ***F'każijiet debitament ġustifikati, skemi supplimentari li mhumiex stabbiliti fil-lista tal-Unjoni jistgħu jiġu inklużi f'listi nazzjonali, bl-approvazzjoni tal-Kummissjoni skont il-proċedura stabbilita*** |

| | |
|---|---|
| | ***fl-Artikoli 106 u 107.*** |
| | ***Meta jabbozzaw il-listi, il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jiżguraw, fil-proċess imsemmi fil-Kapitolu III tat-Titolu V, li l-listi huma prodotti bħala sforz konġunt bejn l-awtoritajiet agrikoli u ambjentali, f'konsultazzjoni mal-esperti.*** |
| | ***Il-Kummissjoni għandha tivvaluta kull sena jew sentjen il-listi nazzjonali, filwaqt li tqis l-effiċjenza meħtieġa, l-eżistenza ta' alternattivi u l-kontribut tal-iskemi għall-objettivi speċifiċi relatati mal-ambjent u mal-klima stipulati fil-punti (d), (e) u (f) tal-Artikolu 6(1). Il-valutazzjonijiet għandhom ikunu disponibbli pubblikament u f'każijiet ta' valutazzjonijiet ta' inadegwatezza/negattivi, l-Istati Membri għandhom jipproponu listi u skemi nazzjonali emendati skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 107.*** |
| 4. Dawk il-prattiki għandhom jitfasslu biex jissodisfaw wieħed jew aktar mill-objettivi speċifiċi relatati mal-ambjent u mal-klima stipulati fil-punti (d), (e) u (f) tal-Artikolu 6(1). | 4. Dawk il-prattiki għandhom jitfasslu biex jissodisfaw wieħed jew aktar mill-objettivi speċifiċi relatati mal-ambjent u mal-klima stipulati fil-punti (d), (e) u (f) tal-Artikolu 6(1)***, u, b'rabta mal-objettiv (f), għandha tingħata importanza lill-biedja b'valur naturali għoli u l-biedja ta' Natura 2000***. |
| 5. Taħt dan it-tip ta' interventi, l-Istati Membri għandhom jipprovdu biss pagamenti li jkopru l-impenji li: | 5. Taħt dan it-tip ta' interventi, l-Istati Membri għandhom jipprovdu biss pagamenti li jkopru l-impenji li: |
| (a) imorru lil hinn mir-rekwiżiti statutorji ta' ġestjoni rilevanti u l-istandards ta' kundizzjoni agrikola u ambjentali tajba stabbiliti fit-Taqsima 2 tal-Kapitolu I ta' dan it-Titolu; | (a) imorru lil hinn mir-rekwiżiti statutorji ta' ġestjoni rilevanti u l-istandards ta' kundizzjoni agrikola u ambjentali tajba stabbiliti fit-Taqsima 2 tal-Kapitolu I ta' dan it-Titolu ***u l-Anness III***; |
| (b) ***jmorru*** lil hinn mir-rekwiżiti minimi għall-użu tal-fertilizzanti u l-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, ***il-benessri*** tal-annimali, kif ukoll kull rekwiżit obbligatorju stabbilit mill-liġi nazzjonali u mid-dritt tal-Unjoni; | (b) ***imorru*** lil hinn mir-rekwiżiti minimi għall-użu tal-fertilizzanti u l-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, ***it-trattament xieraq*** tal-annimali, kif ukoll kull rekwiżit obbligatorju stabbilit mill-liġi nazzjonali u mid-dritt tal-Unjoni; |
| (c) imorru lil hinn mill-kundizzjonijiet stabbiliti għaż-żamma taż-żona agrikola | (c) imorru lil hinn mill-kundizzjonijiet stabbiliti għaż-żamma taż-żona agrikola |

| | |
|---|---|
| skont il-punt (a) tal-Artikolu 4(1); | skont il-punt (a) tal-Artikolu 4(1); |
| (d) huma differenti ***mill-impenji*** li fir-rigward tagħhom jingħataw il-pagamenti skont l-Artikolu 65. | (d) huma differenti ***minn jew komplementari għall-impenji*** li fir-rigward tagħhom jingħataw il-pagamenti skont l-Artikolu 65. |
| 6. L-appoġġ għall-ekoskemi għandu jieħu l-forma ta' pagament annwali għal kull ettaru eliġibbli u għandu jingħata jew: | 6. L-appoġġ għall-ekoskemi għandu jieħu l-forma ta' pagament annwali għal kull ettaru ***jew azjenda*** eliġibbli u għandu jingħata jew: |
| (a) bħala pagamenti addizzjonali għall-appoġġ għall-introjtu bażiku kif stabbilit fis-Subtaqsima 2 ta' din it-Taqsima; or | (a) bħala pagamenti addizzjonali għall-appoġġ għall-introjtu bażiku kif stabbilit fis-Subtaqsima 2 ta' din it-Taqsima; or |
| (b) bħala pagamenti li jikkumpensaw lill-benefiċjarji għall-ispejjeż addizzjonali mġarrba kollha jew parti minnhom u l-introjtu mitluf bħala riżultat tal-impenji, kif stabbilit skont l-Artikolu 65. | (b) bħala pagamenti li jikkumpensaw lill-benefiċjarji għall-ispejjeż addizzjonali mġarrba kollha jew parti minnhom u l-introjtu mitluf bħala riżultat tal-impenji, kif stabbilit skont l-Artikolu 65. |
| | ***6a. L-Istati Membri jistgħu jitolbu l-parteċipazzjoni obbligatorja ta' ekoskemi speċifiċi f'żoni b'valur naturali għoli jew fejn ġustifikat sabiex jissodisfaw wieħed jew aktar mill-objettivi ambjentali u relatati mal-klima speċifiċi stabbiliti fil-punti (d), (e) u (f) tal-Artikolu 6(1).*** |
| | ***6b. L-Istati Membri għandhom jeskludu l-ekoskemi minn tnaqqis potenzjali ta' pagamenti kif stipulat fl-Artikolu 15 jew livelli massimi ta' finanzjament.*** |
| 7. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-interventi skont dan l-Artikolu jkunu konsistenti ma' dawk mogħtija skont l-Artikolu 65. | 7. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-interventi skont dan l-Artikolu jkunu konsistenti ma' dawk mogħtija skont l-Artikolu 65. |
| 8. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 138 li jissuplimentaw dan ir-Regolament b'regoli oħra dwar l-ekoskemi. | 8. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 138 li jissuplimentaw dan ir-Regolament b'regoli oħra dwar l-ekoskemi. |

**Emenda 83**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 28a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 28a*** |
| | ***Restrizzjonijiet naturali jew restrizzjonijiet speċifiċi oħrajn taż-żona*** |
| | ***1. L-Istati Membri jistgħu jagħtu pagamenti għar-restrizzjonijiet naturali jew restrizzjonijiet speċifiċi oħrajn taż-żona bil-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u kif speċifikati aktar fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom bl-għan li jikkontribwixxu għall-kisba tal-objettivi speċifiċi msemmija fl-Artikolu 6(1).*** |
| | ***2. Dawk il-pagamenti għandhom jingħataw lill-bdiewa ġenwini fir-rigward taż-żoni identifikati skont l-Artikolu 32 tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013.*** |
| | ***3. L-Istati Membri jistgħu jagħtu biss pagamenti taħt dan it-tip ta' interventi sabiex jikkumpensaw lill-benefiċjarji għall-ispejjeż addizzjonali kollha jew parti minnhom u għall-introjtu mitluf relatati mar-restrizzjonijiet naturali jew ir-restrizzjonijiet oħra speċifiċi għaż-żona, taż-żona kkonċernata.*** |
| | ***4. L-ispejjeż addizzjonali u l-introjtu mitluf kif imsemmi fil-paragrafu 3 għandhom jiġu kkalkulati fir-rigward tar-restrizzjonijiet naturali jew ir-restrizzjonijiet speċifiċi għaż-żona, bi tqabbil ma' żoni li mhumiex affettwati minn restrizzjonijiet naturali jew restrizzjonijiet oħra speċifiċi għaż-żona.*** |
| | ***5. Il-pagamenti għandhom jingħataw kull sena għal kull ettaru taż-żona.*** |
| | ***6. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu perċentwal minimu u massimu tal-kontribuzzjoni totali tal-FAEG għall-interventi msemmija f'dan l-Artikolu. In-nefqa bi prezzijiet kostanti m'għandhiex tiddevja aktar minn 20 % min-nefqa msemmija fl-Artikolu 31 tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Il-fatt li dan l-Artikolu jitmexxa fil-pilastru I jwassal biex isiru disponibbli aktar flus fil-pilastru II għall-azzjonijiet ambjentali u klimatiċi.*

**Emenda 84**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 29 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. L-appoġġ għall-introjtu akkoppjat għandu jieħu l-forma ta' pagament annwali għal kull ettaru jew għal kull annimal. | 3. L-appoġġ għall-introjtu akkoppjat għandu jieħu l-forma ta' pagament annwali għal kull ettaru jew għal kull annimal ***li jista' jiġi llimitat mill-Istati Membri biex tiġi żgurata distribuzzjoni aħjar tal-appoġġ***. |

**Emenda 85**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 29 – paragrafu 3a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3a. Il-Kummissjoni għandha tiżgura, f'konformità mal-Kapitolu III tat-Titolu V, li appoġġ akkoppjat għall-bhejjem għandu jingħata biss lil azjendi agrikoli li jibqgħu f'densità massima definita tal-merħliet tal-bhejjem għal baċir tax-xmara partikolari kif definit fid-Direttiva 2000/60/KE.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Peress li l-appoġġ għall-introjtu akkoppjat ħafna drabi jappoġġa l-produzzjoni intensiva tal-bhejjem għal-laħam u l-prodotti tal-ħalib, u sabiex jiġu mmitigati l-effetti negattivi ta' produzzjoni żejda, b'mod partikolari fuq il-klima iżda anke fuq l-introjti tal-azjendi agrikoli, l-appoġġ għandu jingħata biss lill-azjendi agrikoli li ma jaqbżux id-densitajiet tal-merħliet u jgħin lill-bdiewa jwettqu tranżizzjoni lejn mudelli ta' produzzjoni aktar iddiversifikati. Din is-*

*salvagwardja għandha wkoll l-għan li tevita l-produzzjoni żejda. Id-densitajiet massimi tal-merħliet jistgħu jiġu mfassla għal speċifiċitajiet reġjonali abbażi tal-pjanijiet ta' ġestjoni tal-baċir tax-xmara tad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma.*

**Emenda 86**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 29 – paragrafu 3b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3b. Meta Stat Membru jipproponi appoġġ akkoppjat volontarju fil-Pjan Strateġiku tal-PAK tiegħu kif previst fl-Artikolu 106, il-Kummissjoni għandha tiżgura li:*** |
| | ***(a) l-għajnuna tissodisfa l-prinċipju "li ma ssir l-ebda ħsara";*** |
| | ***(b) hemm ħtieġa jew benefiċċju ambjentali jew soċjali ċari, iġġustifikati b'evidenza li tista' tiġi kkwantifikata b'mod empiriku u li tista' tiġi vverifikata b'mod indipendenti;*** |
| | ***(c) l-appoġġ jintuża biex jissodisfa l-ħtiġijiet ta' sigurtà tal-ikel tal-Unjoni u ma joħloqx tfixkil tas-swieq interni jew internazzjonali;*** |
| | ***(d) l-għoti tal-appoġġ għall-introjtu akkoppjat ma jwassalx għal eżiti tal-kummerċ li jħallu impatt negattiv fuq l-investiment, il-produzzjoni u l-iżvilupp tal-ipproċessar fis-settur agroalimentari f'pajjiżi sħab fil-fażi tal-iżvilupp;*** |
| | ***(e) l-appoġġ akkoppjat volontarju ma jingħatax għal swieq li jinsabu fi kriżi minħabba produzzjoni żejda jew provvista żejda;*** |
| | ***(f) l-appoġġ għall-produzzjoni tal-bhejjem jingħata biss għal densitajiet tal-popolazzjoni baxxi fi ħdan il-limiti tal-kapaċitajiet tat-trasport ekoloġiċi tal-baċiri tax-xmara kkonċernati skont id-Direttiva Qafas 2000/60/KE, u huwa marbut ma' żoni suffiċjenti ta' foraġġ jew*** |

***ragħa li għandhom jinżammu mingħajr inputs esterni.***

***Meta l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punti (a) sa (f) huma ssodisfati, il-Kummissjoni tista' tapprova jew, f'koordinazzjoni ma' dak l-Istat Membru, kif deskritt fl-Artikoli 115 u 116 ta' dan ir-Regolament, taġġusta l-varjabbli proposti minn dak l-Istat Membru.***

*Ġustifikazzjoni*

*L-appoġġ għall-introjtu akkoppjat jenħtieġ li jkun soġġett għar-rispett ta' kriterji ta' sostenibbiltà stretti peress li dan joħloq tfixkil kemm fis-suq intern tal-UE kif ukoll estern, filwaqt li jċaqlaq il-produzzjoni lejn xi Stati Membri (SM) kemm minn SM oħra jew minn pajjiżi terzi.*

**Emenda 87**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 30 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-appoġġ għall-introjtu akkoppjat jista' biss jingħata lis-setturi u lill-produzzjonijiet li ġejjin jew tipi speċifiċi ta' biedja fihom fejn dawn ikunu importanti għal raġunijiet ekonomiċi, soċjali jew ambjentali: ċereali, żrieragħ taż-żjut, għelejjel li fihom il-proteini, legumi tal-qamħ, kittien, qanneb, ross, ġewż, patata tal-lamtu, ħalib u prodotti tal-ħalib, żrieragħ, laħam tan-nagħaġ u laħam tal-mogħoż, ċanga u vitella, żejt taż-żebbuġa, dud tal-ħarir, foraġġ niexef, ħops, ***pitravi,*** kannamiela u ċikwejra, frott u ħxejjex***, msajġar b'newba qasira u għelejjel oħra mhux tal-ikel, esklużi s-siġar, li jintużaw għall-produzzjoni tal-prodotti li għandhom il-potenzjal li jissosstitwixxu l-materjali fossili***. | L-appoġġ għall-introjtu akkoppjat jista' biss jingħata lis-setturi u lill-produzzjonijiet li ġejjin jew tipi speċifiċi ta' biedja fihom***, li jmorru lil hinn mill-istandards legali minimi għat-trattament xieraq tal-annimali jew l-ambjent, jew*** fejn dawn ikunu importanti għal raġunijiet ekonomiċi, soċjali jew ambjentali***, u l-ħtieġa tagħhom tkun iġġustifikata skont il-proċedura deskritta fil-Kapitolu III tat-Titolu V b'evidenza li tista' tiġi kkwantifikata b'mod empiriku u li tista' tiġi vverifikata b'mod indipendenti***: ċereali, żrieragħ taż-żjut, għelejjel li fihom il-proteini, legumi tal-qamħ, kittien, qanneb, ross, ġewż, patata tal-lamtu, ħalib u prodotti tal-ħalib, żrieragħ, laħam tan-nagħaġ u laħam tal-mogħoż, ċanga u vitella, żejt taż-żebbuġa, dud tal-ħarir, foraġġ niexef, ħops, kannamiela u ċikwejra, frott u ħxejjex. |

*Ġustifikazzjoni*

*Coupled income support should be conditional to the respect of strict sustainability criteria since it creates distortions both in the internal EU market and externally, displacing production to some member states (MS) either from other MS or from third countries. Agrofuels shall not be granted coupled support because of their doubtful climate efficiency. Coupled income support to the sugar beet sector artificially stimulates overproduction, which in turn drives down prices for the producers across the Union and creates market distortions both inside and outside of the Union (see recent research by Wageningen Economic Research).*

**Emenda 88**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 31 – paragrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. Il-benefiċjarji għandhom ikunu eliġibbli biss għal pagamenti akkoppjati jekk l-istandards tal-produzzjoni tagħhom ikunu ogħla mill-istandards ambjentali u tat-trattament xieraq tal-annimali minimi rilevanti fis-seħħ.*** |

**Emenda 89**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 31 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. ***Fejn l-appoġġ*** għall-introjtu akkoppjat ***jikkonċerna l-annimali bovini u/jew in-nagħaġ u l-mogħoż, l-Istati Membri għandhom jiddefinixxu bħala kundizzjonijiet għall-eliġibbiltà għall-appoġġ ir-rekwiżiti li l-annimali jiġu identifikati u rreġistrati skont ir-Regolament (KE) Nru 1760/2000 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[32] jew ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 21/2004[33] rispettivament. Madankollu, mingħajr preġudizzju għal kundizzjonijiet tal-eliġibbiltà applikabbli oħra, l-annimali*** | 2. ***L-appoġġ*** għall-introjtu akkoppjat ***jista' jingħata biss jekk:*** |

***bovini jew in-nagħaġ u l-mogħoż għandhom jitqiesu bħala eliġibbli għall-appoġġ sakemm ir-rekwiżiti ta' identifikazzjoni u reġistrazzjoni jkunu ġew issodisfati sa ċertu data fis-sena tat-talba kkonċernata li għandha tiġi stabbilita mill-Istati Membri.***

***(a) l-Istat Membru juri li huwa l-unika opzjoni li fadal, b'mod partikolari rigward sistemi pastorali fejn skemi ambjentali jew pagamenti diżakkoppjati jistgħu jkunu diffiċli li jitwasslu minħabba mergħat komuni tar-ragħa jew transumanza***

***(b) l-Istat Membru juri l-kopertura tal-ispejjeż addizzjonali effettivament imġarrba u l-introjtu mitluf sabiex jiġu ssodisfati l-objettivi speċifiċi (d), (e) u (f) tal-Artikolu 6(1).***

[32] Ir-Regolament (KE) Nru 1760/2000 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Lulju 2000 li jistabbilixxi sistema għall-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-bhejjem tal-ifrat u dwar it-tikkettjar tal-laħam taċ-ċanga u tal-prodotti tal-laħam taċ-ċanga u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 820/97 (ĠU L 204, 11.8.2000, p. 1).

[33] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 21/2004 tas-17 ta' Diċembru 2003 li jistabbilixxi sistema għall-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-annimali ovini u kaprini u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1782/2003 u d-Direttivi 92/102/KEE u 64/432/KEE (ĠU L 5, 9.1.2004, p. 8).

[32] Ir-Regolament (KE) Nru 1760/2000 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Lulju 2000 li jistabbilixxi sistema għall-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-bhejjem tal-ifrat u dwar it-tikkettjar tal-laħam taċ-ċanga u tal-prodotti tal-laħam taċ-ċanga u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 820/97 (ĠU L 204, 11.8.2000, p. 1).

[33] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 21/2004 tas-17 ta' Diċembru 2003 li jistabbilixxi sistema għall-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-annimali ovini u kaprini u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1782/2003 u d-Direttivi 92/102/KEE u 64/432/KEE (ĠU L 5, 9.1.2004, p. 8).

**Emenda 90**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 31 – paragrafu 2 – subparagrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***Mingħajr preġudizzju għall-ewwel subparagrafu, l-appoġġ ma għandux*** |

| | |
|---|---|
| | ***jingħata għal produzzjoni intensiva tal-annimali. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati b'mod konformi mal-Artikolu 138 li jissupplimenta dan ir-Regolament billi jiddefinixxi sistemi ta' produzzjoni intensiva tal-annimali ineliġibbli għal appoġġ akkoppjat li effettivament jeskludu mill-appoġġ lill-annimali tal-ħalib u annimali bovini jew lin-nagħaġ u l-mogħoż fejn ikun hemm diskrepanza bejn in-numru ta' ettari eliġibbli u n-numru tal-annimali. Din id-dispożizzjoni se tqis il-prattiki ta' xogħol ta' rgħajja jew transumanza.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Already in the Special Report No 11/2012 it reads that without explicit and sufficient targeting provisions coupled aid may have the effect of subsidising more intensive animal farming methods. This did not improve and this model should change with the next reform. It is extensive animal farming, linked to traditional practice, high-nature value ecosystems, and possibly even fire prevention herding, that is threatened, and rural areas where this is practised. Intensive systems are not worth preserving, for either social, environmental or animal welfare point of view and public support should not serve to maintain them in existence.*

**Emenda 91**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 31 – paragrafu 2a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2a. Meta l-appoġġ għall-introjtu akkoppjat jikkonċerna lill-annimali bovini jew lin-nagħaġ u l-mogħoż, l-Istati Membri jistgħu jappoġġaw biss lill-annimali mrobbija f'sistema tar-ragħa magħlufa l-ħaxix, ibbażata fuq il-mergħat u b'riżultati ambjentali jew tat-trattament xieraq tal-annimali sinifikattivament ogħla.*** |

**Emenda 92**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 31 - paragrafu 2b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2b. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jiżguraw, permezz tal-proċedura deskritta fit-Titolu V ta' dan ir-Regolament, li l-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK jinkludu dispożizzjonijiet biex jiġi żgurat li sal-aħħar tal-perjodu ta' programmazzjoni tal-pjan strateġiku, id-densità totali tal-merħliet tal-bhejjem għal kull Stat Membru ma taqbiżx il-0.7 unità ta' bhejjem għal kull ettaru.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Huwa importanti li jkun hemm bilanċ bejn il-produzzjoni tal-annimali u tal-pjanti. Hemm preċedent fil-PAK, peress li d-densitajiet tal-bhejjem ġew speċifikati għal deċennju mill-2003 'il quddiem. Skont l-Eurostat, id-densità totali medja u attwali tal-merħliet tal-bhejjem bejn l-Istati Membri hija ta' 0.75 LU/ha.*

**Emenda 93**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 31 - paragrafu 2c (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2c. Operazzjonijiet tal-għalf tal-annimali kkonċentrati ma għandhomx ikunu eliġibbli għall-appoġġ akkoppjat.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Huwa imperattiv li tiġi bbilanċjata mill-ġdid il-produzzjoni tal-annimali u l-pjanti billi jiġi żgurat li l-popolazzjoni tal-bhejjem għal kull azjenda agrikola ma taqbiżx iż-żona bażi tal-mergħat permanenti jew tal-foraġġ tal-bwar temporanji tagħha, fil-każ, pereżempju, ta' ruminanti. Dan jillimita l-produzzjoni strutturali żejda u t-tniġġis ambjentali minn nutrijenti żejda u jnaqqas l-impatti fuq il-klima.*

**Emenda 94**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 31a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 31a*** |
| | ***Monitoraġġ*** |
| | ***Bħala parti mill-monitoraġġ tal-koerenza tal-politiki għall-iżvilupp kif deskritt fl-Artikolu 119, l-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jimmonitorjaw l-għajnuna bħala appoġġ akkoppjat mogħtija. Jekk jinsabu effetti negattivi, l-appoġġ akkoppjat għas-settur inkwistjoni għandu jitwaqqaf jew jitnaqqas b'mod gradwali kif xieraq, biex jiġu sodisfati l-kundizzjonijiet ta' hawn fuq.*** |
| | ***Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tniedi djalogi mal-pajjiżi sħab fil-fażi tal-iżvilupp fejn it-tnedija tal-appoġġ akkoppjat tħalli impatt negattiv fuq l-iżvilupp tas-settur agroalimentari lokali, bl-għan li jittieħdu miżuri ta' rimedju (inkluż fi ħdan il-qafas tal-politika kummerċjali tal-Unjoni) biex jiġu mmitigati l-effetti negattivi li qed jiġu esperjenzati.*** |
| | ***Fejn meħtieġ, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 138, fejn tissupplimenta dan ir-Regolament b'miżuri li għandhom jiġu adottati mill-Istati Membri meta jniedu appoġġ għall-introjtu akkoppjat, bl-għan li jiġu eliminati l-effetti negattivi fuq l-iżvilupp tas-settur agroalimentari f'pajjiżi sħab.*** |

**Emenda 95**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 35 - paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Il-pagament speċifiku għall-għelejjel għall-qoton għandu jingħata għal kull ettaru ta' ***erja*** eliġibbli ta' qoton. ***L-erja*** għandha tkun eliġibbli biss jekk tkun tinsab fuq art agrikola awtorizzata mill-Istat Membru għall-produzzjoni tal-qoton, tinżera' b'varjetajiet awtorizzati mill-Istat Membru u fil-fatt tinħasad f'kundizzjonijiet normali ta' tkabbir. | 1. Il-pagament speċifiku għall-għelejjel għall-qoton għandu jingħata għal kull ettaru ta' ***żona*** eliġibbli ta' qoton. ***Iż-żona*** għandha tkun eliġibbli biss jekk tkun tinsab fuq art agrikola awtorizzata mill-Istat Membru għall-produzzjoni tal-qoton, tinżera' b'varjetajiet awtorizzati mill-Istat Membru u fil-fatt tinħasad f'kundizzjonijiet normali ta' tkabbir. ***Is-sistema fardgħalla tal-qoton għandha tiġi eskluża.*** |

**Emenda 96**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 39 – paragrafu 1 – punt ea (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ea) is-settur tal-għelejjel tal-legumi;*** |

**Emenda 97**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 39 – paragrafu 1 – punt f**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (f) setturi oħrajn imsemmijin fil-punti (a) sa (h), (k), (m), (o) ***sa (t)*** u (w) tal-Artikolu 1(2) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013. | (f) setturi oħrajn imsemmijin fil-punti (a) sa (h), (k), (m), (o)***, (p), (r), (s)*** u (w) tal-Artikolu 1(2) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013. |

*Ġustifikazzjoni*

*Tneħħi (q) laħam tal-majjal u (t) laħam tat-tjur mil-lista, li qatt ma kienu sussidjati taħt il-PAK, u jintużaw għal operazzjonijiet tal-għalf tal-annimali intensivi jew ikkonċentrati.*

**Emenda 98**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 42**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Artikolu 42 | Artikolu 42 |
| Objettivi fis-settur tal-frott u l-ħaxix | Objettivi fis-settur tal-frott u l-ħaxix |
| Għandhom jiġu segwiti l-objettivi li ġejjin fis-settur tal-frott u l-ħaxix: | ***Minkejja l-Artikoli 5 u 6 dwar objettivi globali,*** għandhom jiġu segwiti l-objettivi li ġejjin fis-settur tal-frott u l-ħaxix: |
| (a) l-ippjanar tal-produzzjoni, l-aġġustament tal-produzzjoni għad-domanda, b'mod partikolari f'termini ta' kwalità u kwantità, l-ottimizzazzjoni tal-ispejjeż tal-produzzjoni u r-redditi fuq l-investiment u l-istabbilizzazzjoni tal-prezzijiet tal-produtturi; dawk l-objettivi huma relatati mal-objettivi speċifiċi stabbiliti fil-punti (a), (b), (c) u (i) tal-Artikolu 6(1); | (a) l-ippjanar tal-produzzjoni, l-aġġustament tal-produzzjoni għad-domanda, b'mod partikolari f'termini ta' kwalità u kwantità, l-ottimizzazzjoni tal-ispejjeż tal-produzzjoni u r-redditi fuq l-investiment u l-istabbilizzazzjoni tal-prezzijiet tal-produtturi; dawk l-objettivi huma relatati mal-objettivi speċifiċi stabbiliti fil-punti (a), (b), (c) u (i) tal-Artikolu 6(1); |
| (b) il-konċentrazzjoni tal-provvista u t-tqegħid fis-suq tal-prodotti tas-settur tal-frott u l-ħaxix, inkluż permezz tal-kummerċjalizzazzjoni diretta; dawk l-objettivi huma relatati mal-objettivi speċifiċi stabbiliti fil-punti (a) u (c) tal-Artikolu 6(1); | (b) il-konċentrazzjoni tal-provvista u t-tqegħid fis-suq tal-prodotti tas-settur tal-frott u l-ħaxix, inkluż permezz tal-kummerċjalizzazzjoni diretta; dawk l-objettivi huma relatati mal-objettivi speċifiċi stabbiliti fil-punti (a) u (c) tal-Artikolu 6(1); |
| (c) ir-riċerka u l-iżvilupp ta' metodi ta' produzzjoni sostenibbli, inkluż ir-reżiljenza ***għall-organiżmi ta' ħsara***, ta' prattiki innovattivi li jsaħħu l-kompetittività ekonomika u l-iżviluppi tas-suq; dawk l-objettivi huma relatati mal-objettivi speċifiċi stabbiliti fil-punti (a), (c) u (i) tal-Artikolu 6(1); | (c) ir-riċerka u l-iżvilupp ta' metodi ta' produzzjoni sostenibbli, inkluż ir-reżiljenza ***għall-pesti***, ta' prattiki innovattivi li jsaħħu l-kompetittività ekonomika u l-iżviluppi tas-suq; dawk l-objettivi huma relatati mal-objettivi speċifiċi stabbiliti fil-punti (a), (c) u (i) tal-Artikolu 6(1); |
| (d) l-iżvilupp, l-implimentazzjoni u l-promozzjoni ta' metodi ta' produzzjoni li jirrispettaw l-ambjent, prattiki ta' kultivazzjoni u tekniki ta' produzzjoni ambjentalment sani, l-użu sostenibbli tar-riżorsi naturali b'mod partikolari l-protezzjoni tal-ilma, tal-ħamrija u riżorsi naturali oħra; dawk l-objettivi huma relatati mal-objettivi speċifiċi stabbiliti fil-punti (e) u (f) tal-Artikolu 6(1); | (d) l-iżvilupp, l-implimentazzjoni u l-promozzjoni ta' metodi ta' produzzjoni li jirrispettaw l-ambjent, prattiki ta' kultivazzjoni u tekniki ta' produzzjoni ambjentalment sani, l-użu sostenibbli tar-riżorsi naturali b'mod partikolari l-protezzjoni tal-ilma, tal-ħamrija u riżorsi naturali oħra; dawk l-objettivi huma relatati mal-objettivi speċifiċi stabbiliti fil-punti (e) u (f) tal-Artikolu 6(1); |
| (e) il-kontribuzzjoni għall-mitigazzjoni u l-adattament għat-tibdil fil-klima, kif | (e) il-kontribuzzjoni għall-mitigazzjoni u l-adattament għat-tibdil fil-klima, kif |

| | |
|---|---|
| stabbilit fil-punt (d) tal-Artikolu 6(1); | stabbilit fil-punt (d) tal-Artikolu 6(1); |
| (f) it-tisħiħ tal-valur kummerċjali u tal-kwalità tal-prodotti, inkluż it-titjib tal-kwalità tal-prodotti u l-iżvilupp ta' prodotti b'Denominazzjoni tal-Oriġini Protetta, b'Indikazzjoni Ġeografika Protetta jew koperti bi skemi ta' kwalità nazzjonali; dawk l-objettivi huma relatati mal-objettiv speċifiku stabbilit fil-punti (b) tal-Artikolu 6(1); | (f) it-tisħiħ tal-valur kummerċjali***, tad-diversità*** u tal-kwalità tal-prodotti, inkluż it-titjib tal-kwalità tal-prodotti u l-iżvilupp ta' prodotti b'Denominazzjoni tal-Oriġini Protetta, b'Indikazzjoni Ġeografika Protetta jew koperti bi skemi ta' kwalità nazzjonali; dawk l-objettivi huma relatati mal-objettiv speċifiku stabbilit fil-punti (b) tal-Artikolu 6(1); |
| (g) il-promozzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti tas-settur tal-frott u l-ħaxix, fil-forma friska jew ipproċessata; dawk l-objettivi huma relatati mal-objettivi speċifiċi stabbiliti fil-punti (b) u (c) tal-Artikolu 6(1); | (g) il-promozzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti tas-settur tal-frott u l-ħaxix, fil-forma friska jew ipproċessata; dawk l-objettivi huma relatati mal-objettivi speċifiċi stabbiliti fil-punti (b) u (c) tal-Artikolu 6(1); |
| (h) iż-żieda fil-konsum tal-prodotti tas-settur tal-frott u l-ħaxix, fil-forma friska jew ipproċessata; dawk l-objettivi huma relatati mal-objettiv speċifiku stabbilit fil-punti (i) tal-Artikolu 6; | (h) iż-żieda fil-konsum tal-prodotti tas-settur tal-frott u l-ħaxix, fil-forma friska jew ipproċessata; dawk l-objettivi huma relatati mal-objettiv speċifiku stabbilit fil-punti (i) tal-Artikolu 6; |
| (i) il-prevenzjoni tal-kriżijiet u l-ġestjoni tar-riskju, bl-għan li jiġu evitati l-kriżijiet u jiġu indirizzati dawn il-kriżijiet fis-swieq tal-frott u l-ħaxix; dawk l-objettivi huma relatati mal-objettivi speċifiċi stabbiliti fil-punti (a), (b) u (c) tal-Artikolu 6(1). | (i) il-prevenzjoni tal-kriżijiet u l-ġestjoni tar-riskju, bl-għan li jiġu evitati l-kriżijiet u jiġu indirizzati dawn il-kriżijiet fis-swieq tal-frott u l-ħaxix; dawk l-objettivi huma relatati mal-objettivi speċifiċi stabbiliti fil-punti (a), (b) u (c) tal-Artikolu 6(1). |

**Emenda 99**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 43**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Artikolu 43 | Artikolu 43 |
| Tipi ta' intervent fis-settur tal-frott u l-ħaxix | Tipi ta' intervent fis-settur tal-frott u l-ħaxix |
| 1. Fir-rigward tal-objettivi msemmijin fil-punti (a) sa (h) tal-Artikolu 42, l-Istati Membri għandhom jagħżlu fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom ***tip*** ta' intervent ***wieħed*** jew aktar minn dawn li ġejjin***:*** | 1. Fir-rigward tal-objettivi msemmijin fil-punti (a) sa (h) tal-Artikolu 42, l-Istati Membri għandhom jagħżlu fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom ***tliet tipi*** ta' intervent jew aktar minn dawn li ġejjin |

| | |
|---|---|
| (a) investimenti f'assi tanġibbli u intanġibbli, b'mod partikolari ffokati fuq l-iffrankar tal-ilma, l-iffrankar tal-enerġija, l-imballaġġ ekoloġiku u ***t-tnaqqis tal-iskart***; | (a) investimenti f'assi tanġibbli u intanġibbli, b'mod partikolari ffokati fuq l-iffrankar tal-ilma, l-iffrankar tal-enerġija, l-imballaġġ ekoloġiku***, it-tnaqqis tal-iskart*** u ***l-monitoraġġ tal-produzzjoni***; |
| (b) ir-riċerka u l-produzzjoni sperimentali, b'mod partikolari ffokati fuq l-iffrankar tal-ilma, l-iffrankar tal-enerġija, l-imballaġġ ekoloġiku, it-tnaqqis tal-iskart, ir-reżiljenza ***għall-organiżmi ta' ħsara***, it-tnaqqis tar-riskji u l-impatti tal-użu tal-pestiċidi, il-prevenzjoni ta' ħsara kkawżata minn avvenimenti klimatiċi avversi u t-tisħiħ tal-użu tal-varjetajiet ta' frott u ħaxix adattati għall-kundizzjonijiet klimatiċi li jinbidlu; | (b) ir-riċerka u l-produzzjoni sperimentali, b'mod partikolari ffokati fuq l-iffrankar tal-ilma, l-iffrankar tal-enerġija, l-imballaġġ ekoloġiku, it-tnaqqis tal-iskart, ir-reżiljenza ***għall-pesti***, it-tnaqqis tar-riskji u l-impatti tal-użu tal-pestiċidi, il-prevenzjoni ta' ħsara kkawżata minn avvenimenti klimatiċi avversi u t-tisħiħ tal-użu tal-varjetajiet ta' frott u ħaxix adattati għall-kundizzjonijiet klimatiċi li jinbidlu; |
| (c) il-produzzjoni organika; | (c) il-produzzjoni organika; |
| (d) il-produzzjoni integrata; | (d) il-produzzjoni integrata***, il-promozzjoni, l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' metodi ta' produzzjoni li jirrispettaw l-ambjent, prattiki ta' kultivazzjoni u tekniki ta' produzzjoni ambjentalment sani, l-użu sostenibbli tar-riżorsi naturali b'mod partikolari l-protezzjoni tal-ilma, tal-ħamrija u riżorsi naturali oħra, filwaqt li titnaqqas id-dipendenza fuq is-sustanzi kimiċi***; |
| (e) l-azzjonijiet biex tiġi konservata l-ħamrija u biex jissaħħaħ l-karbonju fil-ħamrija; | (e) l-azzjonijiet biex tiġi konservata l-ħamrija u biex jissaħħaħ l-karbonju fil-ħamrija; |
| (f) l-azzjonijiet għall-ħolqien u għaż-żamma tal-ħabitats favorevoli għall-bijodiversità jew għaż-żamma tal-pajsaġġ f'kundizzjoni tajba, inkluża l-konservazzjoni tal-karatteristiċi storiċi; | (f) l-azzjonijiet għall-ħolqien u għaż-żamma tal-ħabitats favorevoli għall-bijodiversità jew għaż-żamma tal-pajsaġġ f'kundizzjoni tajba, inkluża l-konservazzjoni tal-karatteristiċi storiċi; |
| (g) l-azzjonijiet għall-iffrankar tal-enerġija, għat-titjib tal-effiċjenza fl-enerġija u għaż-żieda tal-użu tal-enerġija rinnovabbli; | (g) l-azzjonijiet għall-iffrankar tal-enerġija, għat-titjib tal-effiċjenza fl-enerġija u għaż-żieda tal-użu tal-enerġija rinnovabbli; |
| (h) l-azzjonijiet li jtejbu r-reżiljenza ***għall-organiżmi ta' ħsara***; | (h) l-azzjonijiet li jtejbu r-reżiljenza ***tal-għelejjel sostenibbli kontra l-pesti bil-promozzjoni tal-Ġestjoni Integrata tal-Pesti (IPM)***; |

| | |
|---|---|
| (i) l-azzjonijiet li jtejbu l-użu u l-ġestjoni tal-ilma, inkluż l-iffrankar u l-iskular tal-ilma; | (i) l-azzjonijiet li jtejbu l-użu u l-ġestjoni tal-ilma, inkluż l-iffrankar u l-iskular tal-ilma; |
| (j) l-azzjonijiet u l-miżuri biex titnaqqs il-produzzjoni tal-iskart u titjieb il-ġestjoni tal-iskart; | (j) l-azzjonijiet u l-miżuri biex titnaqqs il-produzzjoni tal-iskart u titjieb il-ġestjoni tal-iskart; |
| (k) l-azzjonijiet biex tiżdied is-sostenibbiltà u l-effiċjenza tat-trasport u tal-ħżin tal-prodotti tas-settur tal-frott u l-ħaxix; | (k) l-azzjonijiet biex tiżdied is-sostenibbiltà u l-effiċjenza tat-trasport u tal-ħżin tal-prodotti tas-settur tal-frott u l-ħaxix; |
| (l) l-azzjonijiet għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima, għall-adattament għat-tibdil fil-klima u biex jiżdied l-użu tal-enerġija rinnovabbli; | (l) l-azzjonijiet għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima, għall-adattament għat-tibdil fil-klima u biex jiżdied l-użu tal-enerġija rinnovabbli; |
| (m) l-implimentazzjoni ta' skemi ta' kwalità tal-Unjoni u nazzjonali; | (m) l-implimentazzjoni ta' skemi ta' kwalità tal-Unjoni u nazzjonali; |
| (n) il-promozzjoni u l-komunikazzjoni, inklużi azzjonijiet u attivitajiet li jimmiraw għad-diversifikazzjoni u l-konsolidazzjoni tas-swieq tal-frott u l-ħaxix u għall-informazzjoni dwar il-vantaġġi tal-konsum tal-frott u l-ħaxix għas-saħħa; | (n) il-promozzjoni u l-komunikazzjoni, inklużi azzjonijiet u attivitajiet li jimmiraw għad-diversifikazzjoni u l-konsolidazzjoni tas-swieq tal-frott u l-ħaxix u għall-informazzjoni dwar il-vantaġġi tal-konsum tal-frott u l-ħaxix għas-saħħa; |
| (o) is-servizzi ***konsultattivi*** u l-assistenza teknika, b'mod partikolari dwar it-tekniki sostenibbli għall-kontroll ***tal-organiżmi ta' ħsara***, l-użu sostenibbli tal-pestiċidi l-adattament u l-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima; | (o) is-servizzi ***ta' konsulenza*** u l-assistenza teknika, b'mod partikolari dwar ***iż-żamma u ż-żieda fil-kwalità ta' prodott, it-titjib fil-kundizzjonijiet tal-kummerċjalizzazzjoni, l-agroekoloġija,*** it-tekniki sostenibbli għall-kontroll ***tal-pesti***, l-użu sostenibbli tal-pestiċidi l-adattament u l-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima; |
| (p) it-taħriġ u l-iskambju tal-aħjar prattiki b'mod partikolari dwar it-tekniki sostenibbli għall-kontroll ***tal-organiżmi ta' ħsara***, l-użu sostenibbli tal-pestiċidi u l-kontribuzzjoni għall-adattament u għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima. | (p) it-taħriġ u l-iskambju tal-aħjar prattiki b'mod partikolari dwar it-tekniki sostenibbli għall-kontroll ***tal-pesti***, l-użu sostenibbli tal-pestiċidi ***li jnaqqsu d-dipendenza agrokimika*** u l-kontribuzzjoni għall-adattament u għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima. |
| 2. Fir-rigward tal-objettiv imsemmi fil-punt (i) tal-Artikolu 42, l-Istati Membri għandhom jagħżlu fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom tip ta' intervent wieħed jew aktar minn dawn li ġejjin: | 2. Fir-rigward tal-objettiv imsemmi fil-punt (i) tal-Artikolu 42, l-Istati Membri għandhom jagħżlu fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom tip ta' intervent wieħed jew aktar minn dawn li ġejjin: |
| (a) l-istabbiliment u/jew il-mili mill-ġdid tal-fondi mutwi mill- | (a) l-istabbiliment u/jew il-mili mill-ġdid tal-fondi mutwi mill- |

organizzazzjonijiet tal-produtturi u mill-assoċjazzjonijiet tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi rikonoxxuti skont ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013;

(b) l-investimenti f'assi tanġibbli u intanġibbli li jagħmlu l-ġestjoni tal-volumi mqiegħda fis-suq aktar effiċjenti;

(c) it-taħwil mill-ġdid ta' msaġar fejn meħtieġ wara li jkun nqalgħub'mod obbligatorju minħabba raġunijiet ta' saħħa jew fitosanitarji fuq istruzzjoni tal-awtorità kompetenti tal-Istat Membru;

(d) l-irtirar mis-suq għad-distribuzzjoni ħielsa jew għal destinazzjonijiet oħra;

(e) il-ħsad ekoloġiku li jikkonsisti mil-ħsad totali f'żona partikolari ta' prodotti mhux misjura u mhux imqiegħda fis-suq li ma tkunx saritilhom ħsara qabel il-ħsad ekoloġiku, kemm minħabba raġunijiet klimatiċi, minħabba mard jew affarijiet oħra;

(f) in-nuqqas ta' ħsad ta' frott u ħaxix li jikkonsisti fit-tmiem taċ-ċiklu ta' produzzjoni attwali ***fl-erja*** kkonċernata fejn il-prodott ikun żviluppat sew u jkun ta' kwalità tajba, ġusta u kummerċjabbli, eskluża l-qerda ta' prodotti minħabba avveniment klimatiku jew mard;

(g) l-assigurazzjoni tal-ħsad li tikkontribwixxi għas-salvagwardja tal-introjti tal-produtturi meta jkun hemm telf bħala konsegwenza ta' diżastri naturali, avvenimenti klimatiċi avversi, mard jew infestazzjonijiet ***mill-organiżmi ta' ħsara*** u fl-istess ħin tiżgura li l-benefiċjarji jieħdu l-miżuri meħtieġa ta' prevenzjoni tar-riskju;

(h) l-ikkowċjar lill-organizzazzjonijiet tal-produtturi u lill-assoċjazzjonijiet tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi skont ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 jew lil produtturi individwali;

(i) ***l-implimentazzjoni*** u l-ġestjoni ta' protokolli fitosanitarji ta' pajjiżi terzi fit-territorju tal-Unjoni biex jiġi ffaċilitat l-

organizzazzjonijiet tal-produtturi u mill-assoċjazzjonijiet tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi rikonoxxuti skont ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013;

(b) l-investimenti f'assi tanġibbli u intanġibbli li jagħmlu l-ġestjoni tal-volumi mqiegħda fis-suq aktar effiċjenti;

(c) it-taħwil mill-ġdid ta' msaġar fejn meħtieġ wara li jkun nqalgħub'mod obbligatorju minħabba raġunijiet ta' saħħa jew fitosanitarji fuq istruzzjoni tal-awtorità kompetenti tal-Istat Membru;

(d) l-irtirar mis-suq għad-distribuzzjoni ħielsa jew għal destinazzjonijiet oħra;

(e) il-ħsad ekoloġiku li jikkonsisti mil-ħsad totali f'żona partikolari ta' prodotti mhux misjura u mhux imqiegħda fis-suq li ma tkunx saritilhom ħsara qabel il-ħsad ekoloġiku, kemm minħabba raġunijiet klimatiċi, minħabba mard jew affarijiet oħra;

(f) in-nuqqas ta' ħsad ta' frott u ħaxix li jikkonsisti fit-tmiem taċ-ċiklu ta' produzzjoni attwali ***fiż-żona*** kkonċernata fejn il-prodott ikun żviluppat sew u jkun ta' kwalità tajba, ġusta u kummerċjabbli, eskluża l-qerda ta' prodotti minħabba avveniment klimatiku jew mard;

(g) l-assigurazzjoni tal-ħsad li tikkontribwixxi għas-salvagwardja tal-introjti tal-produtturi meta jkun hemm telf bħala konsegwenza ta' diżastri naturali, avvenimenti klimatiċi avversi, mard jew infestazzjonijiet ***mill-pesti*** u fl-istess ħin tiżgura li l-benefiċjarji jieħdu l-miżuri meħtieġa ta' prevenzjoni tar-riskju;

(h) l-ikkowċjar lill-organizzazzjonijiet tal-produtturi u lill-assoċjazzjonijiet tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi skont ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 jew lil produtturi individwali;

(i) ***in-negozjati, l-implimentazzjoni*** u l-ġestjoni ta' protokolli fitosanitarji ta' pajjiżi terzi fit-territorju tal-Unjoni biex jiġi

| | |
|---|---|
| aċċess għas-swieq ta' pajjiżi terzi; | ffaċilitat l-aċċess għas-swieq ta' pajjiżi terzi; |
| (j) l-implimentazzjoni ta' skemi ta' kwalità tal-Unjoni u nazzjonali; | (j) l-implimentazzjoni ta' skemi ta' kwalità tal-Unjoni u nazzjonali; |
| (k) is-servizzi ***konsultattivi*** u l-assistenza teknika, b'mod partikolari rigward tekniki sostenibbli għall-kontroll ***tal-organiżmi ta' ħsara*** u l-użu sostenibbli tal-pestiċidi. | (k) is-servizzi ***ta' konsulenza*** u l-assistenza teknika, b'mod partikolari rigward tekniki sostenibbli għall-kontroll ***tal-pesti, l-implimentazzjoni tal-ġestjoni integrata tal-pesti*** u l-użu sostenibbli tal-pestiċidi. |
| 3. Fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom l-Istati Membri għandhom jiddefinixxu l-interventi li jikkorrispondu għat-tipi ta' intervent magħżula skont il-paragrafi 1 u 2. | 3. Fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom l-Istati Membri għandhom jiddefinixxu l-interventi li jikkorrispondu għat-tipi ta' intervent magħżula skont il-paragrafi 1 u 2. |

**Emenda 100**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 48 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri għandhom isegwu ***mill-inqas wieħed mill-objettivi*** speċifiċi msemmija fl-Artikolu 6(1) fis-settur tal-apikultura. | ***Minkejja r-rispett tal-Artikoli 5 u 6 dwar objettivi globali,*** l-Istati Membri għandhom isegwu ***l-objettivi*** speċifiċi msemmija fl-Artikolu 6(1) fis-settur tal-apikultura. |

**Emenda 101**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 49**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Artikolu 49 | Artikolu 49 |
| Tipi ta' intervent fis-settur tal-apikultura u l-assistenza finanzjarja mill-Unjoni | Tipi ta' intervent fis-settur tal-apikultura u l-assistenza finanzjarja mill-Unjoni |
| 1. L-Istati Membri għandhom jagħżlu fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom għal kull objettiv speċifiku stabbilit fl-Artikolu 6(1) tip ta' intervent wieħed jew aktar minn dawn li ġejjin fis-settur tal- | 1. L-Istati Membri għandhom jagħżlu fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom għal kull objettiv speċifiku stabbilit fl-Artikolu 6(1) tip ta' intervent wieħed jew aktar minn dawn li ġejjin fis-settur tal- |

apikultura:

(a) assistenza teknika għal min irabbi n-naħal u għall-organizzazzjonijiet ta' persuni li jrabbu n-naħal;

(b) azzjonijiet għall-ġlieda kontra l-organiżmi invażivi tal-kaxxi tan-naħal u l-mard, b'mod partikolarment il-varroasi;

(c) azzjonijiet għar-razzjonalizzazzjoni tat-transumanza;

(d) azzjonijiet għall-appoġġ tal-laboratorji għall-analiżi tal-prodotti tal-apikultura;

(e) ir-ripopolazzjoni tal-kaxxi tan-naħal fl-Unjoni;

(f) il-kooperazzjoni ma' korpi speċjalizzati għall-implimentazzjoni ta' programmi ta' riċerka fil-qasam tat-trobbija tan-naħal u l-prodotti tal-apikultura;

(g) azzjonijiet ta' monitoraġġ tas-suq;

(h) azzjonijiet għat-titjib tal-kwalità tal-prodotti.

2. Fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom l-Istati Membri għandhom jissostanzjaw l-għażla tal-objettivi speċifiċi u t-tipi ta' intervent. Fi ħdan it-tipi ta' intervent magħżula, l-Istati Membri għandhom jiddefinixxu l-interventi.

3. Fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu l-finanzjament ipprovdut minnhom għat-tipi ta' intervent magħżula fil- Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom.

4. L-assistenza finanzjarja mill-Unjoni għall-interventi imsemmijin fil-paragrafu 2 għandha tkun massimu ta' 50 % tan-nefqa. Il-parti li jifdal tan-nefqa għandha tiġġarrab mill-Istati Membri.

5. Meta jfasslu l-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom l-Istati Membri għandhom jitolbu l-parir tar-rappreżentanti tal-organizzazzjonijiet fil-qasam tat-trobbija tan-naħal.

apikultura:

(a) assistenza teknika għal min irabbi n-naħal u għall-organizzazzjonijiet ta' persuni li jrabbu n-naħal;

(b) azzjonijiet għall-ġlieda kontra l-organiżmi invażivi tal-kaxxi tan-naħal u l-mard, b'mod partikolarment il-varroasi;

(c) azzjonijiet għar-razzjonalizzazzjoni tat-transumanza;

(d) azzjonijiet għall-appoġġ tal-laboratorji għall-analiżi tal-prodotti tal-apikultura;

(e) ir-ripopolazzjoni tal-kaxxi tan-naħal fl-Unjoni;

(f) il-kooperazzjoni ma' korpi speċjalizzati għall-implimentazzjoni ta' programmi ta' riċerka fil-qasam tat-trobbija tan-naħal u l-prodotti tal-apikultura;

(g) azzjonijiet ta' monitoraġġ tas-suq;

(h) azzjonijiet għat-titjib tal-kwalità tal-prodotti.

2. Fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom l-Istati Membri għandhom jissostanzjaw l-għażla tal-objettivi speċifiċi u t-tipi ta' intervent. Fi ħdan it-tipi ta' intervent magħżula, l-Istati Membri għandhom jiddefinixxu l-interventi.

3. Fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu l-finanzjament ipprovdut minnhom għat-tipi ta' intervent magħżula fil- Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom.

4. L-assistenza finanzjarja mill-Unjoni għall-interventi imsemmijin fil-paragrafu 2 għandha tkun massimu ta' 50 % tan-nefqa. Il-parti li jifdal tan-nefqa għandha tiġġarrab mill-Istati Membri.

5. Meta jfasslu l-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom l-Istati Membri għandhom jitolbu l-parir tar-rappreżentanti tal-organizzazzjonijiet fil-qasam tat-trobbija tan-naħal.

| | |
|---|---|
| 6. Kull sena, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bin-numru ta' kaxxi tan-naħal fit-territorju tagħhom. | 6. Kull sena, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bin-numru ta' kaxxi tan-naħal fit-territorju tagħhom. |

**Emenda 102**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 51**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Artikolu 51 | Artikolu 51 |
| Objettivi fis-settur tal-inbid | Objettivi fis-settur tal-inbid |
| L-Istati Membri għandhom isegwu objettiv wieħed jew aktar minn dawn li ġejjin fis-settur tal-inbid: | ***Minkejja l-Artikoli 5 u 6 dwar l-objettivi ġenerali,*** l-Istati Membri għandhom isegwu ***l-objettivi (a) u (ia) li ġejjin u*** objettiv wieħed jew aktar minn dawn ***l-objettivi (b) sa (i)*** li ġejjin fis-settur tal-inbid: |
| (a) it-titjib tal-kompetittività tal-produtturi tal-inbid fl-Unjoni inkluż il-kontribuzzjoni għat-titjib tas-sistemi ta' produzzjoni sostenibbli u t-tnaqqis tal-impatt ambjentali tas-settur tal-inbid tal-Unjoni; dawk l-objettivi huma relatati mal-objettivi speċifiċi stabbiliti fil-punti (b) sa (f) u (h) tal-Artikolu 6(1); | (a) it-titjib tal-kompetittività tal-produtturi tal-inbid fl-Unjoni inkluż il-kontribuzzjoni għat-titjib tas-sistemi ta' produzzjoni sostenibbli u t-tnaqqis tal-impatt ambjentali tas-settur tal-inbid tal-Unjoni***. Dan jinkludi l-implimentazzjoni ta' metodu ta' produzzjoni li jirrispettaw l-ambjent, prattiki ta' kultivazzjoni u tekniki ta' produzzjoni ambjentalment sani, l-użu sostenibbli tar-riżorsi naturali, filwaqt li titnaqqas id-dipendenza fuq il-pestiċidi***; dawk l-objettivi huma relatati mal-objettivi speċifiċi stabbiliti fil-punti (b) sa (f) u (h) tal-Artikolu 6(1); |
| (b) it-titjib tal-prestazzjoni tal-intrapriżi tal-inbid tal-Unjoni u l-adattament tagħhom għad-domandi tas-suq, kif ukoll iż-żieda tal-kompetittività tagħhom fir-rigward tal-produzzjoni u tal-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti tad-dwieli, inkluż l-iffrankar fl-enerġija, l-effiċjenza fl-enerġija dinjija u l-proċessi sostenibbli; dawk l-objettivi huma relatati mal-objettivi speċifiċi stabbiliti fil-punti (a) sa (e), (g) u (h) tal-Artikolu 6(1); | (b) it-titjib tal-prestazzjoni tal-intrapriżi tal-inbid tal-Unjoni u l-adattament tagħhom għad-domandi tas-suq, kif ukoll iż-żieda tal-kompetittività tagħhom ***fit-tul*** fir-rigward tal-produzzjoni u tal-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti tad-dwieli, inkluż l-iffrankar fl-enerġija, l-effiċjenza fl-enerġija dinjija u l-proċessi sostenibbli; dawk l-objettivi huma relatati mal-objettivi speċifiċi stabbiliti fil-punti (a) sa (e), (g) u (h) tal-Artikolu 6(1); |

| | |
|---|---|
| (c) il-kontribuzzjoni għar-restawr tal-bilanċ tal-provvista u d-domanda fis-suq tal-inbid tal-Unjoni sabiex jiġu evitati l-kriżijiet fis-suq; dak l-objettiv huwa relatat mal-objettiv speċifiku stabbilit fil-punt (a) tal-Artikolu 6(1); | (c) il-kontribuzzjoni għar-restawr tal-bilanċ tal-provvista u d-domanda fis-suq tal-inbid tal-Unjoni sabiex jiġu evitati l-kriżijiet fis-suq; dak l-objettiv huwa relatat mal-objettiv speċifiku stabbilit fil-punt (a) tal-Artikolu 6(1); |
| (d) il-kontribuzzjoni għas-salvagwardja tal-introjti tal-produtturi tal-inbid tal-Unjoni meta jkunu ġarrbu telf bħala konsegwenza ta' diżastri naturali, avvenimenti klimatiċi avversi, mard jew infestazzjonijiet mill-organiżmi ta' ħsara; dak l-objettiv huwa relatat mal-objettiv stabbilit fil-punt (a) tal-Artikolu 6(1); | (d) il-kontribuzzjoni għas-salvagwardja tal-introjti tal-produtturi tal-inbid tal-Unjoni meta jkunu ġarrbu telf bħala konsegwenza ta' diżastri naturali, avvenimenti klimatiċi avversi, mard jew infestazzjonijiet mill-organiżmi ta' ħsara; dak l-objettiv huwa relatat mal-objettiv stabbilit fil-punt (a) tal-Artikolu 6(1); |
| (e) iż-żieda tal-kummerċjabbiltà u l-kompetittività tal-prodotti tad-dwieli tal-Unjoni, b'mod partikolari permezz tal-iżvilupp ta' prodotti, proċessi u teknoloġiji innovattivi u billi jiżdied il-valur fi kwalunkwe stadju tal-katina ta' provvista, inkluż element ta' trasferiment tal-għarfien; dak l-objettiv huwa relatat mal-objettivi speċifiċi stabbiliti fil-punti (a), (b), (c), (e) u (i) tal-Artikolu 6(1); | (e) iż-żieda tal-kummerċjabbiltà u l-kompetittività tal-prodotti tad-dwieli tal-Unjoni, b'mod partikolari permezz tal-iżvilupp ta' prodotti, proċessi u teknoloġiji innovattivi u billi jiżdied il-valur fi kwalunkwe stadju tal-katina ta' provvista, inkluż element ta' trasferiment tal-għarfien; dak l-objettiv huwa relatat mal-objettivi speċifiċi stabbiliti fil-punti (a), (b), (c), (e) u (i) tal-Artikolu 6(1); |
| (f) l-użu tal-prodotti sekondarji tal-produzzjoni tal-inbid għall-iskopijiet industrijali u tal-enerġija li jiżgura l-kwalità tal-inbid tal-Unjoni filwaqt li jitħares l-ambjent; dak l-objettiv huwa relatat mal-objettivi speċifiċi stabbiliti fil-punti (d) u (e) tal-Artikolu 6(1); | (f) l-użu tal-prodotti sekondarji ***u r-residwi*** tal-produzzjoni tal-inbid għall-iskopijiet industrijali u tal-enerġija li jiżgura l-kwalità tal-inbid tal-Unjoni filwaqt li jitħares l-ambjent; dak l-objettiv huwa relatat mal-objettivi speċifiċi stabbiliti fil-punti (d) u (e) tal-Artikolu 6(1); |
| (g) il-kontribuzzjoni għas-sensibilizzazzjoni tal-konsumaturi dwar il-konsum responsabbli tal-inbid ***u dwar l-iskemi ta' kwalità tal-Unjoni għall-inbid***; dak l-objettiv huwa relatat mal-objettivi speċifiċi stabbiliti fil-punti (b) u (i) tal-Artikolu 6(1); | (g) il-kontribuzzjoni għas-sensibilizzazzjoni tal-konsumaturi dwar il-konsum responsabbli tal-inbid; dak l-objettiv huwa relatat mal-objettivi speċifiċi stabbiliti fil-punti (b) u (i) tal-Artikolu 6(1); |
| ***(h) it-titjib tal-kompetittività tal-prodotti tad-dwieli tal-Unjoni fil-pajjiżi terzi; dak l-objettiv huwa relatat mal-objettivi stabbiliti fil-punti (b) u (h) tal-Artikolu 6(1);*** | |
| (i) il-kontribuzzjoni għaż-żieda tar- | (i) il-kontribuzzjoni għaż-żieda tar- |

| | |
|---|---|
| reżiljenza tal-produtturi kontra l-fluttwazzjonijiet tas-suq; dak l-objettiv huwa relatat mal-objettivi stabbiliti fil-punt (a) tal-Artikolu 6(1); | reżiljenza tal-produtturi kontra l-fluttwazzjonijiet tas-suq; dak l-objettiv huwa relatat mal-objettivi stabbiliti fil-punt (a) tal-Artikolu 6(1); |
| | ***(ia) jingħata kontribut lill-mitigazzjoni u l-adattament għat-tibdil fil-klima; dan l-objettiv huwa relatat mal-objettivi speċifiċi stabbilit fil-punt (d) tal-Artikolu 6(1).*** |

**Emenda 103**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 52 - paragrafu 1 - parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Għal kull objettiv magħżul minn fost dawk stabbiliti fl-Artikolu 51, l-Istati Membri għandhom jagħżlu fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom ***tip*** ta' intervent ***wieħed*** jew aktar minn dawn li ġejjin: | 1. Għal kull objettiv magħżul minn fost dawk stabbiliti fl-Artikolu 51, l-Istati Membri għandhom jagħżlu fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom ***żewġ tipi*** ta' intervent jew aktar minn dawn li ġejjin: |

**Emenda 104**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 52 – paragrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) ir-ristrutturar u l-konverżjoni tal-vinji, inkluż it-tħawwil mill-ġdid ta' vinji fejn meħtieġ wara l-qlugħ obbligatorju tad-dwieli għal raġunijiet ta' saħħa jew fitosanitarji fuq istruzzjoni tal-awtorità kompetenti tal-Istat Membru, iżda eskluż it-tiġdid normali tal-vinji li jikkonsisti mit-tħawwil mill-ġdid tal-istess roqgħa art bl-istess varjetà ta' għeneb u bl-istess sistema ta' kultivazzjoni tad-dwieli, meta d-dwieli jkunu waslu fi tmiem il-ħajja naturali tagħhom; | (a) ir-ristrutturar u l-konverżjoni tal-vinji, inkluż ***it-tisħiħ tad-diversità ġenetika tal-vinji, kif ukoll id-diversità bijoloġika strutturali u mhux tal-għelejjel biex jiġu prevenuti pajsaġġi ta' sistemi fardgħalla, il-kura tal-ħamrija inkluża l-kopertura veġetali u l-kontroll tal-ħaxix ħażin ħieles mill-pestiċidi,*** it-tħawwil mill-ġdid ta' vinji fejn meħtieġ wara l-qlugħ obbligatorju tad-dwieli għal raġunijiet ta' saħħa jew fitosanitarji fuq istruzzjoni tal-awtorità kompetenti tal-Istat Membru***, jew wara l-qlugħ volontarju għat-tħawwil għal raġunijiet ta' adattament għat-tibdil fil-klima***, iżda eskluż it-tiġdid normali tal- |

| | |
|---|---|
| | vinji li jikkonsisti mit-tħawwil mill-ġdid tal-istess roqgħa art bl-istess varjetà ta' għeneb u bl-istess sistema ta' kultivazzjoni tad-dwieli, meta d-dwieli jkunu waslu fi tmiem il-ħajja naturali tagħhom; |

*Ġustifikazzjoni*

*Din l-emenda għandha l-għan li tintroduċi fl-azzjonijiet tar-ristrutturar tal-vinji l-possibbiltà ta' finanzjament tal-qlugħ volontarju għat-tħawwil mill-ġdid għal raġunijiet tal-adattament għat-tibdil fil-klima.*

**Emenda 105**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 52 – paragrafu 1 – punt d**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (d) l-assigurazzjoni tal-ħsad kontra telf fl-introjtu bħala konsegwenza tal-avvenimenti klimatiċi avversi assimilati ma' diżastri naturali, avvenimenti klimatiċi avversi, annimali, mard tal-pjanti jew infestazzjonijiet ***mill-organiżmi ta' ħsara***; | (d) l-assigurazzjoni tal-ħsad kontra telf fl-introjtu bħala konsegwenza tal-avvenimenti klimatiċi avversi assimilati ma' diżastri naturali, avvenimenti klimatiċi avversi, annimali, mard tal-pjanti jew infestazzjonijiet ***mill-pesti; ma għandha tingħata l-ebda assigurazzjoni sakemm il-produtturi ma jiħdux miżuri b'mod attiv biex jimminimizzaw dawn ir-riskji;*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Il-ġestjoni tar-riskju u l-assigurazzjoni għar-riskju, ma jridux jiffossilizzaw prattiki tal-biedja irresponsabbli u skaduti, inkella dan jirriżulta f'infiq żejjed enormi minn fondi għall-iżvilupp rurali dejjem aktar limitati. It-tibdil fil-klima u avvenimenti tat-temp estremi assoċjati diġà ilhom realtà għal kważi deċennju, għalhekk kwalunkwe politika li tħares 'il quddiem u li hija effiċjenti finanzjarjament jew fl-użu tar-riżorsi tinkoraġġixxi l-ippjanar ta' din l-eventwalità. Pjuttost, il-PAK għandha tipprovdi l-appoġġ għall-bdiewa biex jadattaw għal dawk l-effetti tat-tibdil fil-klima u effetti oħra, iffinanzjati permezz ta' partijiet oħra ta' skemi ta' żvilupp rurali u ekoloġiċi.*

**Emenda 106**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 52 – paragrafu 1 – punt g**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(g) azzjonijiet ta' informazzjoni dwar l-inbejjed tal-Unjoni mwettqa fl-Istati Membri li jinkoraġġixxu l-konsum responsabbli tal-inbid jew li jippromwovu l-iskemi ta' kwalità tal-Unjoni li jkopru d-Denominazzjonijiet ta' Oriġini u l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi;*** | ***imħassar*** |

*Ġustifikazzjoni*

*L-opzjoni li jiġu ffinanzjati miżuri għall-promozzjoni tal-inbid kemm fis-suq intern kif ukoll fil-pajjiżi terzi jenħtieġ li tintemm bħala mezz kif jiġu eliminati b'mod gradwali sussidji inkompatibbli tas-saħħa u kif jiġi żgurat l-użu effiċjenti tal-flus pubbliċi, kif ukoll biex jiġi implimentat il-prinċipju tal-koerenza tal-politiki għall-iżvilupp (PCD).*

**Emenda 107**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 52 – paragrafu 1 – punt h**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(h) il-promozzjoni mwettqa mill-pajjiżi terzi, li tikkonsisti f'waħda jew aktar minn dawn li ġejjin:*** <br> ***(i) azzjonijiet ta' relazzjonijiet pubbliċi, promozzjoni jew reklamar, b'mod partikolari li jenfasizzaw l-istandards għoljin tal-prodotti tal-Unjoni, l-aktar f'termini ta' kwalità, sikurezza tal-ikel jew l-ambjent;*** <br> ***(ii) parteċipazzjoni f'avvenimenti, fieri jew eżibizzjonijiet ta' importanza internazzjonali;*** <br> ***(iii) kampanji ta' informazzjoni, b'mod partikolari dwar l-iskemi ta' kwalità tal-Unjoni li jkopru d-Denominazzjonijiet ta' Oriġini, l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi u l-produzzjoni organika;*** <br> ***(iv) studji ta' swieq ġodda, meħtieġa għat-tkabbir tas-swieq disponibbli;*** | ***imħassar*** |

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***(v) l-istudji sabiex jiġu evalwati r-riżultati tal-miżuri ta' informazzjoni u promozzjoni;*** |
| | ***(vi) it-tħejjija ta' fajls tekniċi, inkluż it-testijiet u l-valutazzjonijiet tal-laboratorji, dwar il-prattiki enoloġiċi, ir-regoli fitosanitarji u tal-iġjene, kif ukoll rekwiżiti oħra ta' pajjiżi terzi għall-importazzjoni tal-prodotti tas-settur tal-inbid, biex jiġi ffaċilitat l-aċċess għas-swieq ta' pajjiżi terzi;*** |

*Ġustifikazzjoni*

*F'perjodu fejn qed jitnaqqas il-finanzjament PAK, jenħtieġ li l-PAK ma tissussidjax il-promozzjoni f'pajjiżi terzi. Il-fatt li d-ditti tax-Xampanja, inklużi kumpaniji multinazzjonali kbar li ma għandhomx bżonn il-flus, huma fost l-akbar benefiċjarji tal-PAK fi Franza, minħabba kampanji ta' promozzjoni sussidjati mill-UE, qajjem ħafna kritika. Jeħtieġ li ntemmu dawn il-prattiki u nwaqqfu kampanji ta' promozzjoni ta' finanzjament.*

**Emenda** 108

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 52 – paragrafu 1 – punt ia (ġdid)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***(ia) azzjonijiet biex jittejbu l-użu u l-ġestjoni tal-ilma, inklużi l-konservazzjoni u l-iskular tal-ilma;*** |

**Emenda 109**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 52 – paragrafu 1- punt ib (ġdid)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***(ib) biedja organika;*** |

**Emenda 110**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 52 – paragrafu 1 – punt ic (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***(ic) azzjonijiet oħra, inklużi azzjonijiet għal:*** |
| | ***(i) il-konservazzjoni tal-ħamrija u t-tisħiħ tal-karbonju fil-ħamrija;*** |
| | ***(ii) il-ħolqien jew il-preservazzjoni ta' ħabitats favorevoli għall-bijodiversità jew il-manutezjoni taż-żona naturali, inkluża l-konservazzjoni tal-karatteristiċi storiċi tagħha;*** |
| | ***(iii) it-titjib tar-reżiljenza għall-pesti u l-mard tal-vinji;*** |
| | ***(iv) it-tnaqqis tal-ġenerazzjoni tal-iskart u t-titjib tal-ġestjoni tal-iskart.*** |

**Emenda 111**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 53 - paragrafu 4 - parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| 4. L-assistenza finanzjarja mill-Unjoni għall-assigurazzjoni tal-ħsad ***msemmija*** fil-punt (d) tal-Artikolu 52(1) ma għandhiex taqbeż: | 4. L-assistenza finanzjarja mill-Unjoni għall-assigurazzjoni tal-ħsad ***imsemmija*** fil-punt (d) tal-Artikolu 52(1) ***għandha titħallas biss għal produtturi li jwettqu miżuri li jimminimizzaw jew jeliminaw b'mod attiv riskji (bħall-protezzjoni tal-ħamrija, iż-żieda tal-ħamrija tal-wiċċ, iż-żieda fid-diversità strutturali bijoloġika u ġenetika fil-pajsaġġ kultivat), u*** ma għandhiex taqbeż: |

**Emenda 112**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 53 – paragrafu 4 – punt b – punt i**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| (i) telf imsemmi fil-punt (a) u kontra telf ikkawżat minn avvenimenti klimatiċi | (i) telf inevitabbli msemmi fil-punt (a) u kontra telf ikkawżat minn avvenimenti |

| | |
|---|---|
| avversi; | klimatiċi avversi; |

Ġustifikazzjoni

*Il-ġestjoni tar-riskju u l-assigurazzjoni għar-riskju, ma jridux jiffossilizzaw prattiki tal-biedja irresponsabbli u skaduti, inkella dan jirriżulta f'infiq żejjed enormi minn fondi għall-iżvilupp rurali dejjem aktar limitati. It-tibdil fil-klima u avvenimenti tat-temp estremi assoċjati diġà ilhom realtà għal kważi deċennju, għalhekk kwalunkwe politika li tħares 'il quddiem u li hija effiċjenti finanzjarjament jew fl-użu tar-riżorsi tinkoraġġixxi l-ippjanar ta' din l-eventwalità. Pjuttost, il-PAK għandha tipprovdi l-appoġġ għall-bdiewa biex jadattaw għal dawk l-effetti tat-tibdil fil-klima u effetti oħra, iffinanzjati permezz ta' partijiet oħra ta' żvilupp rurali u skemi ekoloġiċi.*

**Emenda 113**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 53 – paragrafu 4 – punt b – punt ii**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (ii) telf ***ikkawżat*** minn annimali, mard tal-pjanti jew infestazzjonijiet ***tal-organiżmi*** ta' ***ħsara***. | (ii) telf ***inevitabbli kkawżat*** minn annimali, mard tal-pjanti jew infestazzjonijiet ta' ***pesti***. |

**Emenda 114**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 53 – paragrafu 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. L-assistenza finanzjarja mill-Unjoni għall-azzjonijiet ta' informazzjoni u għall-promozzjoni msemmija fil-punti (g) u (h) tal-Artikolu 52(1) ma għandhiex taqbeż ***il-50*** % tan-nefqa eliġibbli. | 6. L-assistenza finanzjarja mill-Unjoni għall-azzjonijiet ta' informazzjoni u għall-promozzjoni msemmija fil-punti (g) u (h) tal-Artikolu 52(1) ma għandhiex taqbeż ***l-20*** % tan-nefqa eliġibbli. |

Ġustifikazzjoni

*F'perjodu fejn qed jitnaqqas il-finanzjament PAK, id-ditti tax-Xampanja, inklużi kumpaniji multinazzjonali li ma għandhomx bżonn il-flus, huma fost l-akbar benefiċjarji tal-PAK fi Franza (pereżempju), minħabba li huma benefiċjarji ta' kampanji ta' promozzjoni sussidjati mill-UE. Dan mhuwiex aċċettabbli, għalhekk il-finanzjament tal-UE għal din il-miżuri jrid jitnaqqas sabiex ikun jista' jintuża fejn ikun verament meħtieġ il-finanzjament.*

**Emenda 115**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 54 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom, l-Istati Membri kkonċernati għandhom jistabbilixxu ***perċentwal*** minimu ta' nefqa għall-azzjonijiet immirati lejn il-protezzjoni tal-ambjent, l-adattament għat-tibdil fil-klima, it-titjib tas-sostenibbiltà tas-sistemi u l-proċessi tal-produzzjoni, it-tnaqqis tal-impatt ambjentali tas-settur tal-inbid tal-Unjoni, l-iffrankar tal-enerġija u t-titjib fl-effiċjenza enerġetika fis-settur tal-inbid. | 4. Fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom, l-Istati Membri kkonċernati għandhom jistabbilixxu minimu ta' nefqa ***ta' 20 %*** għall-azzjonijiet immirati lejn il-protezzjoni tal-ambjent, l-adattament għat-tibdil fil-klima, it-titjib tas-sostenibbiltà tas-sistemi u l-proċessi tal-produzzjoni, it-tnaqqis tal-impatt ambjentali tas-settur tal-inbid tal-Unjoni, l-iffrankar tal-enerġija u t-titjib fl-effiċjenza enerġetika fis-settur tal-inbid. |

Ġustifikazzjoni

*Dan il-perċentwal, allokat għall-azzjonijiet relatati mal-ambjent u rilevanti għall-klima elenkati, huwa l-istess bħal taħt interventi tal-frott u tal-ħaxix.*

**Emenda 116**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 54 – paragrafu 4a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***4a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-ammont annwali totali riċevut minn benefiċjarju aħħari wieħed għal interventi fis-settur tal-inbid ma jaqbiżx EUR 200 000.*** |

Ġustifikazzjoni

*Il-fatt li diversi ditti tax-Xampanja ta' proprjetà tal-istess kumpanija multinazzjonali rċevew diversi miljun ta' Euro fil-perjodu ta' programmazzjoni kontinwu qajjem rabja fi Franza. Għandhom jiġu stabbiliti limiti ċari.*

**Emenda 117**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 54 – paragrafu 4b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***4b. L-appoġġ għandu jkun soġġett għal rekwiżiti ambjentali u tal-bijodiversità li jmorru lil hinn mill-istandards minimi, b'fokus partikolari fuq iż-żamma ta' karatteristiċi tal-pajsaġġ u l-implimentazzjoni ta' prattiki ta' ġestjoni ta' benefiċċju għall-bijodiversità.*** |

**Emenda 118**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 55 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Fil-Pjan Strateġiku tal-PAK tiegħu, l-Istat Membru msemmi fl-Artikolu 82(3) għandu jiddefinixxi ***tip*** ta' intervent ***wieħed*** jew aktar minn dawk imsemmija fl-Artikolu 60 biex isegwi l-objettivi magħżula kif stipulat fil-paragrafu 1. Fi ħdan it-tipi ta' intervent magħżula l-Istati Membri għandhom jiddefinixxu l-interventi. Fil-Pjan Strateġiku tal-PAK tiegħu, l-Istat Membru msemmi fl-Artikolu 82(3) għandu jissostanzja l-għażla tal-objettivi, tat-tipi ta' intervent u tal-interventi biex jissodisfa dawk l-objettivi. | 2. Fil-Pjan Strateġiku tal-PAK tiegħu, l-Istat Membru msemmi fl-Artikolu 82(3) għandu jiddefinixxi ***żewġ tipi*** ta' intervent jew aktar minn dawk imsemmija fl-Artikolu 60 biex isegwi l-objettivi magħżula kif stipulat fil-paragrafu 1. Fi ħdan it-tipi ta' intervent magħżula l-Istati Membri għandhom jiddefinixxu l-interventi. Fil-Pjan Strateġiku tal-PAK tiegħu, l-Istat Membru msemmi fl-Artikolu 82(3) għandu jissostanzja l-għażla tal-objettivi, tat-tipi ta' intervent u tal-interventi biex jissodisfa dawk l-objettivi. |

**Emenda 119**

**Proposta għal regolament**
Artikolu 56

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Artikolu 56 | Artikolu 56 |
| ***Objettivi*** fis-settur ***taż-żejt*** taż-żebbuġa u | Objettivi fis-settur ***taż-żejt*** taż-żebbuġa u |

| | |
|---|---|
| ***taz-żebbuġ*** tal-mejda | ***taż-żebbuġ*** tal-mejda |
| ***L-Istat Membru msemmi*** fl-Artikolu 82(4) ***għandu jsegwi objettiv*** wieħed jew aktar ***minn dawn*** li ġejjin fis-settur ***taz-żejt*** taż-żebbuġa u ***taz-żebbuġ*** tal-mejda: | ***Minkejja l-Artikoli 5 u 6 dwar l-objettivi globali, l-Istati Membri msemmija*** fl-Artikolu 82(4) ***għandhom jsegwu l-objettiv (c) li ġej u jistgħu jfittxu li jiksbu*** wieħed jew aktar ***mill-objettivi*** li ġejjin fis-settur ***taż-żejt*** taż-żebbuġa u ***taż-żebbuġ*** tal-mejda: |
| (a) it-tisħiħ tal-organizzazzjoni u l-ġestjoni tal-produzzjoni ***taz-żejt*** taż-żebbuġa u ***taz-żebbuġ*** tal-mejda; dak l-objettiv huwa relatat mal-objettivi speċifiċi stabbiliti fil-punti (a) u (b) tal-Artikolu 6(1); | (a) it-tisħiħ tal-organizzazzjoni u l-ġestjoni tal-produzzjoni ***taż-żejt*** taż-żebbuġa u ***taż-żebbuġ*** tal-mejda; dak l-objettiv huwa relatat mal-objettivi speċifiċi stabbiliti fil-punti (a) u (b) tal-Artikolu 6(1); |
| (b) it-titjib tal-kompetittività fuq perjodu medju u twil ***taz-żejt*** taż-żebbuġa u ***taz-żebbuġ*** tal-mejda, b'mod partikolari permezz tal-modernizzazzjoni; dak l-objettiv huwa relatat mal-objettiv speċifiku stabbilit fil-punt (c) tal-Artikolu 6(1); | (b) it-titjib tal-kompetittività fuq perjodu medju u twil ***taż-żejt*** taż-żebbuġa u ***taż-żebbuġ*** tal-mejda, b'mod partikolari permezz tal-modernizzazzjoni; dak l-objettiv huwa relatat mal-objettiv speċifiku stabbilit fil-punt (c) tal-Artikolu 6(1); |
| (c) it-tnaqqis tal-impatt ambjentali tal-azzjoni klimatika mill-kultivazzjoni taż-żebbuġ ***u l-kontribut għaliha***; dawk l-objettivi huma relatati mal-objettivi speċifiċi stabbiliti fil-punti (d) u (e) tal-Artikolu 6(1); | (c) it-tnaqqis tal-impatt ambjentali tal-azzjoni klimatika ***u l-kontribut għaliha, l-adattament u l-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima*** mill-kultivazzjoni taż-żebbuġ ***inkluż bil-promozzjoni tax-xenarji polikulturali, li jsaħħu l-kura tal-ħamrija***; dawk l-objettivi huma relatati mal-objettivi speċifiċi stabbiliti fil-punti (d)u (e), ***u (f)*** tal-Artikolu 6(1); |
| (d) it-titjib tal-kwalità ***taz-żejt*** taż-żebbuġa u ***taz-żebbuġ*** tal-mejda; dak l-objettiv huwa relatat mal-objettiv speċifiku stabbilit fil-punt (f) tal-Artikolu 6(1); | (d) it-titjib tal-kwalità ***taż-żejt*** taż-żebbuġa u ***taż-żebbuġ*** tal-mejda; dak l-objettiv huwa relatat mal-objettiv speċifiku stabbilit fil-punt (f) tal-Artikolu 6(1); |
| (e) ir-riċerka u l-iżvilupp ta' metodi ta' produzzjoni sostenibbli, inkluż ***ir-reżiljenza għall-organiżmi ta' ħsara***, ta' prattiki innovattivi li jsaħħu l-kompetittività ekonomika u l-iżviluppi tas-suq; dak l-objettiv huwa relatat mal-objettivi speċifiċi stabbiliti fil-punti (a), (c) u (i) tal-Artikolu 6(1); | (e) ir-riċerka u l-iżvilupp ta' metodi ta' produzzjoni sostenibbli, inkluż ***l-approċċi tas-sistema għall-ġestjoni tal-pesti, il-ġestjoni integrata tal-pesti, iż-żamma u l-irkupru tal-bijodiversità, ir-reżiljenza tal-agroekosistema,*** ta' prattiki innovattivi li jsaħħu l-kompetittività ekonomika u ***jqawwu*** l-iżviluppi tas-suq; dak l-objettiv huwa relatat mal-objettivi speċifiċi stabbiliti fil-punti (a), (c) u (i) tal-Artikolu 6(1); |
| (f) il-prevenzjoni u l-ġestjoni tal- | (f) il-prevenzjoni u l-ġestjoni tal- |

| | |
|---|---|
| kriżijiet, bl-għan li tittejjeb ir-reżiljenza ***għall-organiżmi ta' ħsara***, u li jiġu evitati u indirizzati l-kriżijiet fis-swieq ***taz-żejt*** taż-żebbuġa u ***taz-żebbuġ*** tal-mejda; dak l-objettiv huwa relatat mal-objettiv speċifiku stabbiliti fil-punt (h) tal-Artikolu 6(1). | kriżijiet, bl-għan li tittejjeb ir-reżiljenza ***għall-pesti***, u li jiġu evitati u indirizzati l-kriżijiet fis-swieq ***taż-żejt*** taż-żebbuġa u ***taż-żebbuġ*** tal-mejda; dak l-objettiv huwa relatat mal-objettiv speċifiku stabbiliti fil-punt (h) tal-Artikolu 6(1). |
| | ***(fa) il-protezzjoni u t-tisħiħ tal-bijodiversità u s-servizzi tal-ekosistema inkluża ż-żamma tal-ħamrija.*** |

**Emenda 120**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 57 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Sabiex jiġu segwiti l-objettivi msemmija fl-Artikolu 56, fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom l-Istati Membri msemmija fl-Artikolu 82(4) għandhom jagħżlu ***tip*** ta' intervent ***wieħed*** jew aktar minn dawk imsemmija fl-Artikolu 60. Fi ħdan it-tipi ta' intervent magħżula, l-Istati Membri għandhom jiddefinixxu l-interventi. | 1. Sabiex jiġu segwiti l-objettivi msemmija fl-Artikolu 56, fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom l-Istati Membri msemmija fl-Artikolu 82(4) għandhom jagħżlu ***żewġ tipi*** ta' intervent jew aktar minn dawk imsemmija fl-Artikolu 60. Fi ħdan it-tipi ta' intervent magħżula, l-Istati Membri għandhom jiddefinixxu l-interventi. |

**Emenda 121**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 58a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***TAQSIMA 6a*** |
| | ***IS-SETTUR TAL-GĦELEJJEL TAL-LEGUMI*** |
| | ***Artikolu 58a*** |
| | ***Objettivi tas-settur tal-għelejjel tal-legumi*** |
| | ***Minkejja r-rispett tal-Artikoli 5 u 6 dwar objettivi globali, l-Istati Membri għandhom isegwu l-objettiv li ġejjin fis-settur tal-għelejjel tal-legumi:*** |

*(a) L-iskema għandha żżid il-produzzjoni u l-konsum sostenibbli tal-legumi madwar l-Unjoni, biex tiżdied l-awtosuffiċjenza tal-ikel u tal-għalf skont il-miri stabbiliti fl-Anness I.*

*(b) L-għelejjel tal-legumi li jitkabbru fir-raba' appoġġati mill-pagament għandhom ikunu parti minn newba tal-għelejjel ta' mill-inqas erba' snin, jew minn taħlita ta' speċijiet fi bwar temporanji fir-raba' li jinħadem. Din għandha tkun kompatibbli mal-iskemi għall-klima u għall-ambjent ("ekoskemi") fl-Artikolu 28, li skontu newbiet ta' erba' snin jew aktar jistgħu jiġu ppremjati. L-iskema tista' tippremja wkoll kultivazzjoni assoċjata jew imħallta eż. b'silla sottoterranja li mhijiex ippremjata b'mod ieħor taħt miżuri oħra.*

*(c) Ragħa bbażata fuq mergħat b'diversità kbira ta' speċijiet jew ħsad ta' mergħa b'diversità kbira ta' speċijiet għall-foraġġ fuq mergħa permanenti b'mod ġenwin li fiha speċijiet tal-legumi fil-medda ta' ħaxix irqiq jistgħu jiġu ssussidjati wkoll, bil-kundizzjoni li ma jsirx ħrit mill-ġdid u tiżrigħ mill-ġdid ("refreshing").*

*(d) Il-kultivazzjoni monokulturali jew kontinwa ta' għelejjel tal-legumi ma għandhiex tiġi appoġġata minn dawn il-pagamenti.*

*(e) It-tnaqqis tad-dipendenza fuq it-taħlita ta' għalf ikkonċentrata li fiha sojja, b'mod speċjali sojja importata li toriġina minn art li reċentement ġiet iddeforestata jew ikkonvertita, f'konformità mal-SDG 15, mal-wegħda tal-Unjoni dwar żero deforestazzjoni u mal-impenji eżistenti tal-kumpaniji privati dwar żero deforestazzjoni.*

*(f) L-għeluq taċ-ċirkwiti ta' ċiklaġġ tan-nutrijenti u r-restrizzjoni tagħhom għal skali ta' baċiri lokali u reġjonali tax-xmara f'konformità mad-Direttiva 2000/60/KE.*

*(g) L-ispinta lis-swieq lokali u reġjonali*

| | |
|---|---|
| | ***fl-ikel u fl-għalf tal-annimali u varjetajiet taż-żerriegħa b'input baxx adattati lokalment.*** |
| | ***Il-miżuri ffinanzjati f'dan is-settur għandhom ikunu koerenti mal-impenji u l-leġiżlazzjoni klimatiċi u ambjentali tal-Unjoni, u ma jikkawżawx bidla diretta jew indiretta fl-użu tal-art, filwaqt li jkollhom impatt ġenwinament pożittiv fuq l-emissjonijiet ta' gassijiet serra globali skont GLOBIOM (Mudell ta' Ġestjoni tal-Bijosfera Globali).*** |

**Emenda 122**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 58b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 58b*** |
| | ***Tipi ta' interventi*** |
| | ***Fir-rigward tal-objettivi msemmija fl-Artikolu 58a l-Istati Membri għandhom jagħżlu fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom tip ta' intervent wieħed jew aktar minn dawn li ġejjin:*** |
| | ***(a) investimenti f'assi tanġibbli u intanġibbli; ir-riċerka u l-produzzjoni sperimentali, kif ukoll azzjonijiet oħra, inkluż azzjonijiet ta':*** |
| | ***(i) konservazzjoni tal-ħamrija, inkluż it-tisħiħ genwin u ppruvat tal-karbonju tal-ħamrija mingħajr dipendenza sistemika fuq il-pestiċidi;*** |
| | ***(ii) żieda fl-effiċjenza fl-użu u l-ġestjoni tal-ilma, inkluż l-iffrankar tal-ilma;*** |
| | ***(iii) promozzjoni tal-użu ta' varjetajiet u prattiki ta' ġestjoni adattati għal kundizzjonijiet tat-tibdil fil-klima li qed jinbidlu;*** |
| | ***(iv) titjib fil-prattiki ta' ġestjoni biex tiżdied ir-reżiljenza tal-għelejjel għall-*** |

| | |
|---|---|
| | ***pesti u t-tnaqqis fis-suxxettibbiltà għall-pesti;*** |
| | ***(v) tnaqqis fl-użu tal-pestiċidi u d-dipendenza fuqhom;*** |
| | ***(vi) ħolqien u ż-żamma ta' ħabitats agrikoli favorevoli għall-bijodiversità, mingħajr l-użu tal-pestiċidi;*** |
| | ***(b) servizzi ta' konsulenza u ta' assistenza teknika, b'mod partikolari rigward l-adattament u l-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima, anke rigward is-selezzjoni mill-bidwi tal-aktar newba tal-għelejjel xierqa.*** |
| | ***(c) taħriġ, inkluż l-ikkowċjar u l-iskambju tal-aħjar prattiki;*** |
| | ***(d) produzzjoni u t-tekniki organiċi;*** |
| | ***(e) azzjonijiet biex tiżdied is-sostenibbiltà u l-effiċjenza tat-trasport u tal-ħżin tal-prodotti;*** |

**Emenda 123**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 59**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Artikolu 59 | Artikolu 59 |
| Objettivi f'setturi oħrajn | Objettivi f'setturi oħrajn |
| L-Istati Membri għandhom isegwu ***objettiv wieħed jew aktar minn dawn*** li ***ġejjin fis-setturi l-oħrajn*** imsemmijin fil-punt (f) tal-Artikolu 39: | ***Minkejja l-Artikoli 5 u 6 dwar objettivi globali,*** l-Istati Membri għandhom isegwu ***l-objettivi (d) u (e) li ġejjin u jistgħu jfittxu*** li ***jiksbu wieħed jew aktar objettivi f'setturi oħrajn*** imsemmijin fil-punt (f) tal-Artikolu 39: |
| (a) l-ippjanar tal-produzzjoni, l-aġġustament tal-produzzjoni għad-domanda, b'mod partikolari f'termini ta' kwalità u kwantità, l-ottimizzazzjoni tal-ispejjeż tal-produzzjoni u r-redditi fuq l-investiment u l-istabbilizzazzjoni tal-prezzijiet tal-produtturi; dawk l-objettivi huma relatati mal-objettivi speċifiċi stabbiliti fil-punti (a), (b), (c) u (i) tal- | (a) l-ippjanar tal-produzzjoni, l-aġġustament tal-produzzjoni għad-domanda, b'mod partikolari f'termini ta' ***diversità ta'*** kwalità u kwantità, l-ottimizzazzjoni tal-ispejjeż tal-produzzjoni u r-redditi fuq l-investiment u l-istabbilizzazzjoni tal-prezzijiet tal-produtturi; dawk l-objettivi huma relatati mal-objettivi speċifiċi stabbiliti fil-punti |

| | |
|---|---|
| Artikolu 6(1); | (a), (b), (c) u (i) tal-Artikolu 6(1); |
| (b) il-konċentrazzjoni tal-provvista u t-tqegħid fis-suq tal-prodotti kkonċernati; dawk l-objettivi huma relatati mal-objettivi speċifiċi stabbiliti fil-punti (a) u (c) tal-Artikolu 6(1); | (b) il-konċentrazzjoni tal-provvista u t-tqegħid fis-suq tal-prodotti kkonċernati; dawk l-objettivi huma relatati mal-objettivi speċifiċi stabbiliti fil-punti (a) u (c) tal-Artikolu 6(1); |
| (c) ir-riċerka u l-iżvilupp ta' metodi ta' produzzjoni sostenibbli, inkluż ir-reżiljenza ***għall-organiżmi ta' ħsara***, ***ta' prattiki*** innovattivi u tekniki ta' produzzjoni li jsaħħu l-kompetittività ekonomika u l-iżviluppi tas-suq; dawk l-objettivi huma relatati mal-objettivi speċifiċi stabbiliti fil-punti (a), (c) u (i) tal-Artikolu 6(1); | (c) ir-riċerka u l-iżvilupp ta' metodi ta' produzzjoni sostenibbli, inkluż ***l-agroforestrija,*** ir-reżiljenza***, għall-pesti, il-kura tal-ħamrija***, ***inkluża l-kopertura veġetattiva, kif ukoll il-prattiki*** innovattivi u tekniki ta' produzzjoni li jsaħħu l-kompetittività ekonomika u ***jqawwu*** l-iżviluppi tas-suq ***fuq il-perjodu twil***; dawk l-objettivi huma relatati mal-objettivi speċifiċi stabbiliti fil-punti (a), (c) u (i) tal-Artikolu 6(1); |
| (d) il-promozzjoni, l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' metodi ta' produzzjoni li jirrispettaw l-ambjent, l-istandards ***tal-benessri*** tal-annimali, prattiki ta' kultivazzjoni u ***tekniki ta' produzzjoni*** ambjentalment sani ***u reżiljenti għall-organiżmi*** ta' ***ħsara***, l-użu u l-ġestjoni ambjentalment sani tal-prodotti sekondarji u tal-iskart, l-użu sostenibbli tar-riżorsi naturali b'mod partikolari l-protezzjoni tal-ilma, tal-ħamrija u riżorsi naturali oħra; dawk l-objettivi huma relatati mal-objettivi speċifiċi stabbiliti fil-punti (e) u (f) tal-Artikolu 6(1); | (d) il-promozzjoni, l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' metodi ta' produzzjoni li jirrispettaw l-ambjent, l-istandards ***tat-trattament xieraq*** tal-annimali, prattiki ta' kultivazzjoni ***reżiljenti għall-pesti*** u ***l-mard li jkunu*** ambjentalment sani***, inkluż billi tiġi mħeġġa l-Ġestjoni Integrata tal-Pesti, it-tekniki*** ta' ***produzzjoni u l-metodi ta' produzzjoni, il-miżuri li jtejbu l-bijosigurtà tal-annimali u r-reżiljenza tal-annimali għall-mard, filwaqt li jitnaqqas l-użu tal-antibijotiċi***, l-użu u l-ġestjoni ambjentalment sani tal-prodotti sekondarji u tal-iskart, ***ir-restawr u*** l-użu sostenibbli tar-riżorsi naturali b'mod partikolari l-protezzjoni tal-ilma, tal-ħamrija u riżorsi naturali oħra***, it-tnaqqis fl-emissjonijiet u l-effiċjenza enerġetika***; dawk l-objettivi huma relatati mal-objettivi speċifiċi stabbiliti fil-punti (e) u (f) tal-Artikolu 6(1); |
| (e) il-kontribuzzjoni għall-mitigazzjoni u l-adattament għat-tibdil fil-klima, kif stabbilit fil-punt (d) tal-Artikolu 6(1); | (e) il-kontribuzzjoni għall-mitigazzjoni u l-adattament għat-tibdil fil-klima, kif stabbilit fil-punt (d) tal-Artikolu 6(1); |
| (f) it-tisħiħ tal-valur kummerċjali u tal-kwalità tal-prodotti, inkluż it-titjib tal-kwalità tal-prodotti u l-iżvilupp ta' prodotti b'Denominazzjoni tal-Oriġini Protetta, b'Indikazzjoni Ġeografika Protetta jew | (f) it-tisħiħ tal-valur kummerċjali u tal-kwalità tal-prodotti, inkluż it-titjib tal-kwalità tal-prodotti u l-iżvilupp ta' prodotti b'Denominazzjoni tal-Oriġini Protetta, b'Indikazzjoni Ġeografika Protetta jew |

| | |
|---|---|
| koperti bi skemi ta' kwalità nazzjonali; dawk l-objettivi huma relatati mal-objettiv speċifiku stabbilit fil-punti (b) tal-Artikolu 6(1); | koperti bi skemi ta' kwalità nazzjonali; dawk l-objettivi huma relatati mal-objettiv speċifiku stabbilit fil-punti (b) tal-Artikolu 6(1); |
| ***(g) il-promozzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti f'settur wieħed jew aktar minn dawk imsemmija fil-punt (f) tal-Artikolu 40; dawk l-objettivi huma relatati mal-objettivi speċifiċi stabbiliti fil-punti (b) u (c) tal-Artikolu 6(1);*** | |
| (h) il-prevenzjoni u l-ġestjoni tar-riskju, bl-għan li jiġu evitati u indirizzati l-kriżijiet fis-swieq f'settur wieħed jew aktar minn dawk imsemmija fil-punt (f) tal-Artikolu 39; dawk l-objettivi huma relatati mal-objettivi speċifiċi stabbiliti fil-punti (a), (b) u (c) ***tal- Artikolu*** 6(1). | (h) il-prevenzjoni u l-ġestjoni tar-riskju, bl-għan li jiġu evitati u indirizzati l-kriżijiet fis-swieq f'settur wieħed jew aktar minn dawk imsemmija fil-punt (f) tal-Artikolu 39; dawk l-objettivi huma relatati mal-objettivi speċifiċi stabbiliti fil-punti (a), (b) u (c) ***tal-Artikolu*** 6(1). |

Emenda 124

**Proposta għal regolament**
Artikolu 60

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Artikolu 60 | Artikolu 60 |
| Tipi ta' intervent | Tipi ta' intervent |
| 1. Fir-rigward tal-objettivi msemmijin fil-punti (a) sa (g) tal-Artikolu 59, l-Istati Membri għandhom jagħżlu fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom ***tip*** ta' intervent ***wieħed*** jew aktar minn dawn li ġejjin: | 1. Fir-rigward tal-objettivi msemmijin fil-punti (a) sa (g) tal-Artikolu 59, l-Istati Membri għandhom jagħżlu fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom ***żewġ tipi*** ta' intervent jew aktar minn dawn li ġejjin: |
| (a) investimenti f'assi tanġibbli u intanġibbli; ir-riċerka u l-produzzjoni sperimentali, kif ukoll azzjonijiet oħra, inkluż azzjonijiet ***għal***: | (a) investimenti f'assi tanġibbli u intanġibbli; ir-riċerka u l-produzzjoni sperimentali, kif ukoll azzjonijiet oħra, inkluż azzjonijiet ta': |
| (i) ***il-konservazzjoni*** tal-ħamrija, inkluż it-tisħiħ tal-karbonju fil-ħamrija; | (i) ***konservazzjoni tal-ħamrija u l-bini mill-ġdid tal-fertilità u l-istruttura*** tal-ħamrija, inkluż it-tisħiħ ***tal-kapaċitajiet tas-sekwestru*** tal-karbonju fil-ħamrija ***u t-tnaqqis ta' kontaminanti fil-prodotti fertilizzanti***; |
| (ii) ***it-titjib*** tal-użu u l-ġestjoni tal-ilma, | (ii) ***titjib*** tal-użu u l-ġestjoni tal-ilma, |

| | |
|---|---|
| inkluż l-iffrankar u l-iskular tal-ilma; | inkluż l-iffrankar u l-iskular tal-ilma; |
| (iii) ***il-prevenzjoni*** tal-ħsara kkawżata minn avvenimenti klimatiċi avversi u l-promozzjoni tal-użu tal-varjetajiet u tal-prattiki ta' ġestjoni adattati għall-kundizzjonijiet klimatiċi li jinbidlu; | (iii) ***prevenzjoni*** tal-ħsara kkawżata minn avvenimenti klimatiċi avversi u l-promozzjoni tal-użu tal-varjetajiet u tal-prattiki ta' ġestjoni adattati għall-kundizzjonijiet klimatiċi li jinbidlu; |
| (iv) ***l-iffrankar*** tal-enerġija u ż-żieda fl-effiċjenza tal-enerġija; | (iv) ***iffrankar*** tal-enerġija u ż-żieda fl-effiċjenza tal-enerġija; |
| (v) ***l-imballaġġ*** ekoloġiku***;*** | (v) ***tnaqqis tal-iskart permezz ta' inqas imballaġġ u imballaġġ*** ekoloġiku |
| (vi) ***is-saħħa*** u ***l-benessri*** tal-annimali; | (vi) ***saħħa*** u ***t-trattament xieraq*** tal-annimali***, inkluż il-ġestjoni sostenibbli u l-prevenzjoni ta' mard tropikali u żoonotiku***; |
| (vii) ***it-tnaqqis*** tal-produzzjoni tal-iskart u t-titjib tal-użu u ***tal-ġestjoni*** tal-prodotti sekondarji u tal-iskart; | (vii) ***tnaqqis tal-produzzjoni ta' emissjonijiet u*** tal-produzzjoni tal-iskart u t-titjib tal-użu u ***l-ġestjoni*** tal-prodotti sekondarji u tal-iskart; |
| (viii) ***it-titjib*** tar-reżiljenza ***għall-organiżmi*** ta' ***ħsara***; | (viii) ***titjib*** tar-reżiljenza ***tal-għelejjel għall-pesti bil-promozzjoni tal-Ġestjoni Integrata tal-Pesti, inkluż prattiki xierqa*** ta' ***ġestjoni u kultivazzjoni***; |
| (ix) ***it-tnaqqis tar-riskji u l-impatti*** tal-użu tal-pestiċidi; | (ix) ***tnaqqis sinifikati*** tal-użu tal-pestiċidi; |
| | ***titjib tar-reżiljenza tal-annimali għall-mard u tnaqqis fl-użu tal-antibijotiċi;*** |
| (xi) ***il-ħolqien*** u ***ż-żamma*** tal-ħabitats favorevoli għall-bijodiversità; | (xi) ***ħolqien*** u ***żamma*** tal-ħabitats favorevoli għall-bijodiversità; |
| (b) ***is-servizzi*** konsultattivi u ***l-assistenza*** teknika, b'mod partikolari ***fir-rigward tal-adattament għat-tibdil*** fil-klima u ***l-mitigazzjoni tiegħu***; | (b) ***servizzi ta' konsulenza*** u ***ta' assistenza*** teknika, b'mod partikolari ***rigward il-kwalità tal-produzzjoni, il-bijodiversità u l-ambjent, il-mitigazzjoni tat-tibdil*** fil-klima u ***l-adattament għalih; u l-ġlieda kontra l-pesti u l-mard tal-annimali***; |
| (c) ***it-taħriġ*** inkluż l-ikkowċjar u l-iskambju tal-aħjar prattiki; | (c) ***taħriġ,*** inkluż l-ikkowċjar u l-iskambju tal-aħjar prattiki ***b'mod partikolari dwar il-biedja organika, il-korsijiet ta' tfassil tal-permakultura, u l-prattiki ta' tisħiħ tal-karbonju***; |
| (d) ***il-produzzjoni*** organika; | (d) ***produzzjoni*** organika; |

| | |
|---|---|
| (e) ***l-azzjonijiet*** biex jiżdiedu s-sostenibbiltà u l-effiċjenza tat-trasport u tal-ħżin tal-prodotti ta' settur wieħed jew aktar minn dawk imsemmija fil-punt (f) tal-Artikolu 40. | (e) ***azzjonijiet*** biex jiżdiedu s-sostenibbiltà u l-effiċjenza tat-trasport u tal-ħżin tal-prodotti ta' settur wieħed jew aktar minn dawk imsemmija fil-punt (f) tal-Artikolu 40. |
| ***(f) il-promozzjoni, il-komunikazzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni inkluż azzjonijiet u attivitajiet immirati b'mod partikolari lejn is-sensibilizzazzjoni tal-konsumaturi dwar l-iskemi ta' kwalità tal-Unjoni u l-importanza tad-dieti tajbin għas-saħħa, u lejn id-diversifikazzjoni tas-swieq;*** | |
| (g) ***l-implimentazzjoni*** ta' skemi ta' kwalità tal-Unjoni u nazzjonali; | (g) ***implimentazzjoni*** ta' skemi ta' kwalità tal-Unjoni u nazzjonali; |
| (h) ***l-implimentazzjoni*** ta' sistemi ta' traċċabbiltà u ċertifikazzjoni, b'mod partikolari l-monitoraġġ tal-kwalità tal-prodotti mibjugħa lill-konsumaturi finali. | (h) ***implimentazzjoni*** ta' sistemi ta' traċċabbiltà u ċertifikazzjoni, b'mod partikolari l-monitoraġġ tal-kwalità tal-prodotti mibjugħa lill-konsumaturi finali. |
| 2. Fir-rigward tal-objettiv imsemmi fil-punt (h) tal-Artikolu 59, fil-Pjan Strateġiku tal-PAK tagħhom l-Istati Membri għandhom jagħżlu tip ta' intervent wieħed jew aktar minn dawn li ġejjin: | 2. Fir-rigward tal-objettiv imsemmi fil-punt (h) tal-Artikolu 59, fil-Pjan Strateġiku tal-PAK tagħhom l-Istati Membri għandhom jagħżlu tip ta' intervent wieħed jew aktar minn dawn li ġejjin: |
| (a) l-istabbiliment u/jew il-mili mill-ġdid tal-fondi mutwi mill-organizzazzjonijiet tal-produtturi rikonoxxuti skont ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013; | (a) l-istabbiliment u/jew il-mili mill-ġdid tal-fondi mutwi mill-organizzazzjonijiet tal-produtturi rikonoxxuti skont ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013; |
| (b) l-investimenti f'assi tanġibbli u intanġibbli li jagħmlu l-ġestjoni tal-volumi mqiegħda fis-suq aktar effiċjenti; | (b) l-investimenti f'assi tanġibbli u intanġibbli li jagħmlu l-ġestjoni tal-volumi mqiegħda fis-suq aktar effiċjenti; |
| (c) il-ħżin kollettiv tal-prodotti magħmula mill-organizzazzjoni tal-produtturi jew mill-membri tal-organizzazzjoni tal-produtturi; | (c) il-ħżin kollettiv tal-prodotti magħmula mill-organizzazzjoni tal-produtturi jew mill-membri tal-organizzazzjoni tal-produtturi; |
| (d) it-tħawwil mill-ġdid ta' msaġar fejn meħtieġ wara li s-siġar jinqalgħu b'mod obbligatorju għal raġunijiet ta' saħħa jew fitosanitarji fuq istruzzjoni tal-awtorità kompetenti tal-Istat Membru jew għall-adattament għat-tibdil fil-klima; | (d) it-tħawwil mill-ġdid ta' msaġar ***jew imsaġar taż-żebbuġ*** fejn meħtieġ wara li s-siġar jinqalgħu b'mod obbligatorju għal raġunijiet ta' saħħa jew fitosanitarji fuq istruzzjoni tal-awtorità kompetenti tal-Istat Membru jew għall-adattament għat-tibdil fil-klima; |
| (e) l-irtirar mis-suq għad-distribuzzjoni | (e) l-irtirar mis-suq għad-distribuzzjoni |

ħielsa jew għal destinazzjonijiet oħra;

(f) il-ħsad ekoloġiku li jikkonsisti mil-ħsad totali f'żona partikolari ta' prodotti mhux misjura u mhux imqiegħda fis-suq li ma tkunx saritilhom ħsara qabel il-ħsad ekoloġiku, kemm minħabba raġunijiet klimatiċi, minħabba mard jew affarijiet oħra;

(g) in-nuqqas ta' ħsad li jikkonsisti fit-tmiem taċ-ċiklu ta' produzzjoni attwali ***fl-erja*** kkonċernata fejn il-prodott ikun żviluppat sew u jkun ta' kwalità tajba, ġusta u kummerċjabbli, eskluża l-qerda ta' prodotti minħabba avveniment klimatiku jew mard;

(h) l-assigurazzjoni tal-ħsad u tal-produzzjoni li tikkontribwixxi għas-salvagwardja tal-introjti tal-produtturi meta jkun hemm telf bħala konsegwenza ta' diżastri naturali, avvenimenti klimatiċi avversi, mard jew infestazzjonijiet ***mill-organiżmi ta' ħsara*** u fl-istess ħin tiżgura li l-benefiċjarji jieħdu l-miżuri meħtieġa ta' prevenzjoni tar-riskju.

3. Fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom l-Istati Membri għandhom jagħżlu s-setturi li fihom jimplimentaw it-tipi ta' intervent stipulati f'dan l-Artikolu Għal kull settur għandhom jagħżlu objettiv wieħed jew aktar minn fost dawk stabbiliti fl-Artikolu 59 u t-tipi ta' intervent kif stipulat fil-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu. Għal kull tip ta' intervent, l-Istati Membri għandhom jiddefinixxu l-interventi. L-Istati Membri għandhom jissostanzjaw l-għażla tas-setturi, tal-objettivi u tat-tipi ta' intervent u tal-interventi.

ħielsa jew għal destinazzjonijiet oħra;

(f) il-ħsad ekoloġiku li jikkonsisti mil-ħsad totali f'żona partikolari ta' prodotti mhux misjura u mhux imqiegħda fis-suq li ma tkunx saritilhom ħsara qabel il-ħsad ekoloġiku, kemm minħabba raġunijiet klimatiċi, minħabba mard jew affarijiet oħra;

(g) in-nuqqas ta' ħsad li jikkonsisti fit-tmiem taċ-ċiklu ta' produzzjoni attwali ***fiż-żona*** kkonċernata fejn il-prodott ikun żviluppat sew u jkun ta' kwalità tajba, ġusta u kummerċjabbli, eskluża l-qerda ta' prodotti minħabba avveniment klimatiku jew mard;

(h) l-assigurazzjoni tal-ħsad u tal-produzzjoni li tikkontribwixxi għas-salvagwardja tal-introjti tal-produtturi meta jkun hemm telf bħala konsegwenza ta' diżastri naturali, avvenimenti klimatiċi avversi, mard jew infestazzjonijiet ***mill-pesti*** u fl-istess ħin tiżgura li l-benefiċjarji ***kollha*** jieħdu l-miżuri meħtieġa ta' prevenzjoni tar-riskju. ***Ma għandha tingħata l-ebda assigurazzjoni sakemm il-produtturi ma jiħdux, b'mod attiv, miżuri biex jimminimizzaw ir-riskji tagħhom;***

3. Fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom l-Istati Membri għandhom jagħżlu s-setturi li fihom jimplimentaw it-tipi ta' intervent stipulati f'dan l-Artikolu Għal kull settur għandhom jagħżlu objettiv wieħed jew aktar minn fost dawk stabbiliti fl-Artikolu 59 u t-tipi ta' intervent kif stipulat fil-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu. Għal kull tip ta' intervent, l-Istati Membri għandhom jiddefinixxu l-interventi. L-Istati Membri għandhom jissostanzjaw l-għażla tas-setturi, tal-objettivi u tat-tipi ta' intervent u tal-interventi.

**Emenda 125**

**Proposta għal regolament**

Artikolu 64

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Artikolu 64 | Artikolu 64 |
| Tipi ta' interventi għall-iżvilupp rurali | Tipi ta' interventi għall-iżvilupp rurali |
| It-tipi ta' interventi taħt dan il-Kapitolu għandhom ikunu dawn li ġejjin: | It-tipi ta' interventi taħt dan il-Kapitolu għandhom ikunu dawn li ġejjin: |
| (a) impenji għall-ġestjoni ambjentali, klimatika u oħrajn; | (a) impenji għall-ġestjoni ambjentali, klimatika u oħrajn ***li jibbenefikaw l-ambjent***; |
| (b) restrizzjonijiet naturali u restrizzjonijiet speċifiċi oħrajn tar-reġjun; | (b) restrizzjonijiet naturali u restrizzjonijiet speċifiċi oħrajn tar-reġjun; |
| (c) żvantaġġi speċifiċi għaż-żona li jirriżultaw minn ċerti rekwiżiti obbligatorji; | (c) żvantaġġi speċifiċi għaż-żona li jirriżultaw minn ċerti rekwiżiti obbligatorji; |
| (d) investimenti; | (d) investimenti; |
| (e) l-installazzjoni tal-bdiewa żgħażagħ u ***l-bidu tan-negozji rurali***; | (e) l-installazzjoni tal-bdiewa żgħażagħ***, il-bidu tan-negozji rurali*** u ***l-iżvilupp tan-negozju sostenibbli***; |
| (f) l-għodod għall-ġestjoni tar-riskju; | (f) l-għodod għall-ġestjoni tar-riskju; |
| (g) il-kooperazzjoni, | (g) il-kooperazzjoni, |
| (h) l-iskambju tal-għarfien u l-informazzjoni. | (h) l-iskambju tal-għarfien u l-informazzjoni. |

**Emenda 126**

**Proposta għal regolament**
Artikolu 65

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Artikolu 65 | Artikolu 65 |
| Impenji għall-ġestjoni ambjentali, klimatika u oħrajn | impenji għall-ġestjoni ambjentali, klimatika u oħrajn ***li jibbenefikaw l-ambjent;*** |
| 1. L-Istati Membri jistgħu jagħtu pagamenti għall-impenji għall-ġestjoni ambjentali, klimatika u oħrajn bil-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u kif speċifikat aktar fil-Pjanijiet Strateġiċi | 1. L-Istati Membri jistgħu jagħtu pagamenti għall-impenji għall-ġestjoni ambjentali, klimatika u oħrajn ***li jibbenefikaw l-ambjent*** bil-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u kif speċifikat aktar fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK |

| | |
|---|---|
| tal-PAK tagħhom. | tagħhom. |
| 2. Fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom, l-Istati Membri għandhom jinkludu impenji agroambjentali klimatiċi. | 2. Fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom, l-Istati Membri għandhom jinkludu impenji agroambjentali klimatiċi ***skont l-Artikolu 6(1)(d), (e) u (f). Bi qbil mat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 86(2), mill-inqas 40% tal-fondi mill-FAEŻR huma allokati għal dawn l-impenji.*** |
| 3. L-Istati Membri jistgħu ***jagħmlu l-appoġġ*** taħt dan it-tip ta' interventi disponibbli fit-territorji tagħhom kollha, skont il-ħtiġijiet speċifiċi nazzjonali, reġjonali jew lokali tagħhom. | 3. L-Istati Membri jistgħu ***joffru appoġġ*** taħt dan it-tip ta' interventi disponibbli fit-territorji tagħhom kollha, skont il-ħtiġijiet speċifiċi nazzjonali, reġjonali jew lokali tagħhom. |
| 4. L-Istati Membri għandhom jagħtu pagamenti biss lill-bdiewa u lil benefiċjarji oħra li, fuq bażi volontarja, jieħdu impenji ***ta' ġestjoni*** li jitqiesu ta' benefiċċju għall-kisba tal-objettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 6(1). | 4. L-Istati Membri għandhom jagħtu pagamenti biss lill-bdiewa ***jew lil gruppi ta' bdiewa,*** u lil benefiċjarji oħra li, fuq bażi volontarja, jieħdu impenji li jitqiesu ta' benefiċċju ***u li huma mmirati*** għall-kisba tal-objettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 6(1)***(d), (e) u (f) jew li jsaħħu t-trattament xieraq tal-annimali***. |
| 5. Taħt dan it-tip ta' interventi, l-Istati Membri għandhom jipprovdu biss pagamenti li jkopru l-impenji li: | 5. Taħt dan it-tip ta' interventi, ***għal żoni agrikoli,*** l-Istati Membri għandhom jipprovdu biss pagamenti li jkopru l-impenji ***li ma jirriżultawx f'finanzjament doppju li fir-rigward tiegħu jingħataw pagamenti skont dan ir-Regolament u*** li: |
| (a) imorru lil hinn mir-rekwiżiti statutorji ta' ġestjoni rilevanti u l-istandards ta' kundizzjoni agrikola u ambjentali tajba stabbiliti fit-Taqsima 2 tal-Kapitolu I ta' dan it-Titolu; | (a) imorru lil hinn mir-rekwiżiti statutorji ta' ġestjoni rilevanti u l-istandards ta' kundizzjoni agrikola u ambjentali tajba stabbiliti fit-Taqsima 2 tal-Kapitolu I ta' dan it-Titolu; |
| (b) imorru lil hinn mir-rekwiżiti minimi għall-użu tal-fertilizzanti u l-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, ***il-benessri*** tal-annimali, kif ukoll kull rekwiżit obbligatorju stabbilit mill-liġi nazzjonali u mid-dritt tal-Unjoni; | (b) imorru lil hinn mir-rekwiżiti minimi għall-użu tal-fertilizzanti u l-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, ***it-trattament xieraq*** tal-annimali, kif ukoll kull rekwiżit obbligatorju stabbilit mill-liġi nazzjonali u mid-dritt tal-Unjoni; |
| (c) imorru lil hinn mill-kundizzjonijiet stabbiliti għaż-żamma taż-żona agrikola skont il-punt (a) tal-Artikolu 4(1); | (c) imorru lil hinn mill-kundizzjonijiet stabbiliti għaż-żamma taż-żona agrikola skont il-punt (a) tal-Artikolu 4(1); |
| (d) huma differenti ***mill-impenji*** li fir-rigward tagħhom jingħataw il-pagamenti skont l-Artikolu 28. | (d) huma differenti ***minn jew komplementari għall-impenji*** li fir-rigward tagħhom jingħataw il-pagamenti skont l- |

| | |
|---|---|
| | Artikolu 28. |
| 6. L-Istati Membri għandhom jikkumpensaw lill-benefiċjarji għall-ispejjeż imġarrba u l-introjtu mitluf minħabba l-impenji meħuda. Fejn meħtieġ, dawn jistgħu jkopru ukoll l-ispejjeż tat-tranżazzjoni. Fil-każijiet debitament ġustifikati, l-Istati Membri jistgħu jagħtu appoġġ bħala rata fissa jew bħala pagament ta' darba għal kull unità. Il-pagamenti għandhom jingħataw darba fis-sena. | 6. L-Istati Membri għandhom jikkumpensaw lill-benefiċjarji għall-ispejjeż imġarrba u l-introjtu mitluf minħabba l-impenji meħuda. ***L-Istati Membri jistgħu jżidu l-kumpens b'bonus addizzjonali għat-twassil ta' oġġetti pubbliċi, bħala inċentiv, abbażi ta' kriterji mhux diskriminatorji u l-indikaturi stabbiliti skont dan ir-Regolament, sabiex jiġi offrut inċentiv effettiv għal din il-parteċipazzjoni.*** Fejn meħtieġ, dawn jistgħu jkopru ukoll l-ispejjeż tat-tranżazzjoni. Fil-każijiet debitament ġustifikati, l-Istati Membri jistgħu jagħtu appoġġ bħala rata fissa jew bħala pagament ta' darba għal kull unità. Il-pagamenti għandhom jingħataw darba fis-sena. |
| 7. L-Istati Membri jistgħu jippromwovu u jappoġġaw l-iskemi kollettivi u l-iskemi ta' pagamenti bbażati fuq ir-riżultati sabiex iħeġġu lill-bdiewa jsaħħu b'mod sinifikanti l-kwalità tal-ambjent fuq skala akbar u b'mod li jista' jitkejjel. | 7. L-Istati Membri jistgħu jippromwovu u jappoġġaw l-iskemi kollettivi u l-iskemi ta' pagamenti bbażati fuq ir-riżultati sabiex iħeġġu lill-bdiewa ***jew lil gruppi ta' bdiewa*** jsaħħu b'mod sinifikanti l-kwalità tal-ambjent fuq skala akbar u b'mod li jista' jitkejjel. |
| 8. L-impenji għandhom jittieħdu għal perjodu ta' minn ħames sa seba' snin. Madankollu, fejn ikun meħtieġ biex jinkisbu jew jinżammu ċerti benefiċċji ambjentali mixtieqa, l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu perjodu itwal fil-Pjan Strateġiku tal-PAK għal tipi ta' impenji partikolari, inkluż billi tiġi prevista l-estensjoni annwali tagħhom wara t-terminazzjoni tal-perjodu inizjali. F'każijiet eċċezzjonali u debitament ġustifikati, u għal impenji ġodda li jittieħdu eżatt wara l-impenn imwettaq fil-perjodu inizjali, l-Istati Membri jistgħu jiddeterminaw perjodu iqsar fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom. | 8. L-impenji għandhom jittieħdu għal perjodu ta' minn ħames sa seba' snin. Madankollu, fejn ikun meħtieġ biex jinkisbu jew jinżammu ċerti benefiċċji ambjentali mixtieqa, l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu perjodu itwal fil-Pjan Strateġiku tal-PAK għal tipi ta' impenji partikolari, inkluż billi tiġi prevista l-estensjoni annwali tagħhom wara t-terminazzjoni tal-perjodu inizjali. F'każijiet eċċezzjonali u debitament ġustifikati, u għal impenji ġodda li jittieħdu eżatt wara l-impenn imwettaq fil-perjodu inizjali, l-Istati Membri jistgħu jiddeterminaw perjodu iqsar fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom. |
| 9. Meta l-appoġġ taħt dan it-tip ta' interventi jingħata lill-impenji agroambjentali klimatiċi, lill-impenji għall-konverżjoni jew għaż-żamma tal-prattiki u l-metodi tal-biedja organika kif definiti fir- | 9. Meta l-appoġġ taħt dan it-tip ta' interventi jingħata lill-impenji agroambjentali klimatiċi, lill-impenji għall-konverżjoni jew għaż-żamma tal-prattiki u l-metodi tal-biedja organika kif definiti fir- |

| | |
|---|---|
| Regolament (KE) Nru 834/2007 ***u lis-servizzi ambjentali u klimatiċi tal-foresti***, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu pagament għal kull ettaru. | Regolament (KE) Nru 834/2007, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu pagament għal kull ettaru ***jew azjenda***. |
| | ***9a. Fir-rigward tal-għajnuna għall-biedja organika skont dan l-Artikolu, il-pagamenti għandhom isiru lil bdiewa ġenwini kif definit fil-punt (d) tal-Artikolu 4(1).*** |
| 10. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-persuni li jkunu qed iwettqu operazzjonijiet taħt dan it-tip ta' interventi jkollhom aċċess għall-għarfien u għall-informazzjoni meħtieġa biex jiġu implimentati tali operazzjonijiet. | 10. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-persuni li jkunu qed iwettqu operazzjonijiet taħt dan it-tip ta' interventi jkollhom aċċess għall-għarfien u għall-informazzjoni meħtieġa biex jiġu implimentati tali operazzjonijiet. |
| 11. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-interventi skont dan l-Artikolu jkunu konsistenti ma' dawk mogħtija skont l-Artikolu 28. | 11. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-interventi skont dan l-Artikolu jkunu konsistenti ma' dawk mogħtija skont l-Artikolu 28. |

**Emenda 127**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 66**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Artikolu 66*** | ***imħassar*** |
| ***Restrizzjonijiet naturali jew restrizzjonijiet speċifiċi oħrajn taż-żona*** | |
| ***1. L-Istati Membri jistgħu jagħtu pagamenti għar-restrizzjonijiet naturali jew restrizzjonijiet speċifiċi oħrajn taż-żona bil-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u kif speċifikati aktar fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom bl-għan li jikkontribwixxu għall-kisba tal-objettivi speċifiċi msemmija fl-Artikolu 6(1).*** | |
| ***2. Dawn il-pagamenti għandhom jingħataw lill-bdiewa ġenwini fir-rigward taż-żoni deżinjati skont l-Artikolu 32 tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013.*** | |
| ***3. L-Istati Membri jistgħu biss jagħtu pagamenti taħt dan it-tip ta' interventi*** | |

***sabiex jikkumpensaw lill-benefiċjarji għall-ispejjeż addizzjonali kollha jew parti minnhom u għall-introjtu mitluf relatati mar-restrizzjonijiet naturali jew ir-restrizzjonijiet speċifiċi oħrajn taż-żona kkonċernata.***

***4. L-ispejjeż addizzjonali u l-introjtu mitluf kif imsemmi fil-paragrafu 3 għandhom jiġu kkalkulati fir-rigward tar-restrizzjonijiet naturali jew ir-restrizzjonijiet speċifiċi għaż-żona, bi tqabbil ma' żoni li mhumiex affettwati minn restrizzjonijiet naturali jew restrizzjonijiet oħra speċifiċi għaż-żona.***

***5. Il-pagamenti għandhom jingħataw kull sena għal kull ettaru taż-żona.***

Ġustifikazzjoni

*Tmexxa fil-pilastru I (l-Artikolu 28a ġdid)*

**Emenda 128**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 67**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Artikolu 67 | Artikolu 67 |
| Żvantaġġi speċifiċi għaż-żona li jirriżultaw minn ċerti rekwiżiti obbligatorji | Żvantaġġi speċifiċi għaż-żona li jirriżultaw minn ċerti rekwiżiti obbligatorji |
| 1. L-Istati Membri jistgħu jagħtu pagamenti għall-iżvantaġġi speċifiċi għaż-żona imposti minn rekwiżiti li jirriżultaw mill-implimentazzjoni tad-Direttivi 92/43/KEE u 2009/147/KE jew id-Direttiva 2000/60/KE bil-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u kif speċifikati aktar fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom bl-għan li jikkontribwixxu għall-kisba tal-objettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 6(1). | 1. L-Istati Membri jistgħu jagħtu pagamenti għall-iżvantaġġi speċifiċi għaż-żona imposti minn rekwiżiti li jirriżultaw mill-implimentazzjoni tad-Direttivi 92/43/KEE u 2009/147/KE jew id-Direttiva 2000/60/KE bil-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u kif speċifikati aktar fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom bl-għan li jikkontribwixxu għall-kisba tal-objettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 6(1). |
| 2. Dawn il-pagamenti jistgħu jingħataw lil-bdiewa, lid-detenturi ***tal-*** | 2. Dawn il-pagamenti jistgħu jingħataw lil-bdiewa, ***lil gruppi ta' bdiewa,*** |

| | |
|---|---|
| ***foresti*** u maniġers tal-art oħra fir-rigward taż-żoni bi żvantaġġi msemmija fil-paragrafu 1. | lid-detenturi ***ta' foresti*** u ***lil gruppi ta' detenturi ta' foresti. F'każijiet debitament ġustifikati, jistgħu jingħataw ukoll lil*** maniġers tal-art oħra fir-rigward taż-żoni bi żvantaġġi msemmija fil-paragrafu 1. |
| 3. Meta jiddefinixxu ż-żoni bi żvantaġġi l-Istati Membri jistgħu jinkludu ż-żoni li ġejjin: | 3. Meta jiddefinixxu ż-żoni bi żvantaġġi l-Istati Membri jistgħu jinkludu ż-żoni li ġejjin: |
| (a) żoni agrikoli u tal-foresti tan-Natura 2000 identifikati skont id-Direttivi 92/43/KEE u 2009/147/KE; | (a) żoni agrikoli u tal-foresti tan-Natura 2000 identifikati skont id-Direttivi 92/43/KEE u 2009/147/KE; |
| (b) żoni oħra delimitati ta' protezzjoni tan-natura b'restrizzjonijiet ambjentali applikabbli għall-biedja jew għall-foresti li jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tal-Artikolu 10 tad-Direttiva 92/43/KEE, dment li dawn iż-żoni ma jaqbżux 5 % taż-żoni deżinjati tan-Natura 2000 koperti bil-kamp ta' applikazzjoni territorjali ta' kull Pjan Strateġiku tal-PAK; | (b) żoni oħra delimitati ta' protezzjoni tan-natura b'restrizzjonijiet ambjentali applikabbli għall-biedja jew għall-foresti li jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tal-Artikolu 10 tad-Direttiva 92/43/KEE, dment li dawn iż-żoni ma jaqbżux ***il-***5 % taż-żoni deżinjati tan-Natura 2000 koperti bil-kamp ta' applikazzjoni territorjali ta' kull Pjan Strateġiku tal-PAK; |
| (c) żoni agrikoli inklużi fil-pjanijiet ta' ġestjoni tal-baċiri idrografiċi skont id-Direttiva 2000/60/KE. | (c) żoni agrikoli inklużi fil-pjanijiet ta' ġestjoni tal-baċiri idrografiċi skont id-Direttiva 2000/60/KE. |
| | ***(ca) Żoni b'Valur Naturali Għoli li jaqgħu 'l barra mill-ambitu taż-żoni msemmija fil-punti (a), (b) u (c).*** |
| 4. L-Istati Membri jistgħu biss jagħtu pagamenti taħt dan it-tip ta' interventi sabiex jikkumpensaw lill-benefiċjarji għall-ispejjeż addizzjonali kollha jew parti minnhom u għall-introjtu mitluf relatati mal-iżvantaġġi speċifiċi għaż-żona kkonċernata. | 4. L-Istati Membri jistgħu biss jagħtu pagamenti taħt dan it-tip ta' interventi sabiex jikkumpensaw lill-benefiċjarji għall-ispejjeż addizzjonali kollha jew parti minnhom u għall-introjtu mitluf relatati mal-iżvantaġġi speċifiċi għaż-żona kkonċernata. |
| 5. L-ispejjeż addizzjonali u l-introjtu mitluf kif imsemmi fil-paragrafu 4 għandhom jiġu ikkalkulati: | 5. L-ispejjeż addizzjonali u l-introjtu mitluf kif imsemmi fil-paragrafu 4 għandhom jiġu ikkalkulati: |
| (a) fir-rigward tar-restrizzjonijiet li jirriżultaw mid-Direttivi 92/43/KEE u 2009/147/KE, b'rabta mal-iżvantaġġi li jirriżultaw mir-rekwiżiti li jmorru lil hinn mill-istandards rilevanti ta' kundizzjoni agrikola u ambjentali tajba stabbiliti fit-Taqsima 2 tal-Kapitolu 1 ta' dan it-Titolu ta' dan ir-Regolament kif ukoll il- | (a) fir-rigward tar-restrizzjonijiet li jirriżultaw mid-Direttivi 92/43/KEE u 2009/147/KE, b'rabta mal-iżvantaġġi li jirriżultaw mir-rekwiżiti li jmorru lil hinn mill-istandards rilevanti ta' kundizzjoni agrikola u ambjentali tajba stabbiliti fit-Taqsima 2 tal-Kapitolu 1 ta' dan it-Titolu ta' dan ir-Regolament kif ukoll il- |

| | |
|---|---|
| kundizzjonijiet stabbiliti għaż-żamma taż-żona agrikola f'konformità mal-punt (a) tal-Artikolu 4(1) ta' dan ir-Regolament; | kundizzjonijiet stabbiliti għaż-żamma taż-żona agrikola f'konformità mal-punt (a) tal-Artikolu 4(1) ta' dan ir-Regolament; |
| (b) fir-rigward tar-restrizzjonijiet li jirriżultaw mid-Direttiva 2000/60/KE, b'rabta mal-iżvantaġġi li jirriżultaw mir-rekwiżiti li jmorru lil hinn mir-rekwiżiti statutorji rilevanti ta' ġestjoni, għajr għall-SMR ***2*** kif imsemmi fl-Anness III, u mill-istandards ta' kundizzjoni agrikola u ambjentali tajba stabbiliti fit-Taqsima 2 tal-Kapitolu I ta' dan it-Titolu kif ukoll il-kundizzjonijiet stabbiliti għaż-żamma taż-żona agrikola f'konformità mal-punt (a) tal-Artikolu 4(1) ta' dan ir-Regolament. | (b) fir-rigward tar-restrizzjonijiet li jirriżultaw mid-Direttiva 2000/60/KE, b'rabta mal-iżvantaġġi li jirriżultaw mir-rekwiżiti li jmorru lil hinn mir-rekwiżiti statutorji rilevanti ta' ġestjoni, għajr għall-SMR ***1*** kif imsemmi fl-Anness III, u mill-istandards ta' kundizzjoni agrikola u ambjentali tajba stabbiliti fit-Taqsima 2 tal-Kapitolu I ta' dan it-Titolu kif ukoll il-kundizzjonijiet stabbiliti għaż-żamma taż-żona agrikola f'konformità mal-punt (a) tal-Artikolu 4(1) ta' dan ir-Regolament. |
| 6. Il-pagamenti għandhom jingħataw kull sena għal kull ettaru taż-żona. | 6. Il-pagamenti għandhom jingħataw kull sena għal kull ettaru taż-żona. |

**Emenda 129**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 68**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Artikolu 68 | Artikolu 68 |
| Investimenti | Investimenti |
| 1. L-Istati Membri jistgħu jagħtu appoġġ għall-investimenti bil-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u kif speċifikat aktar fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom. | 1. L-Istati Membri jistgħu jagħtu appoġġ għall-investimenti bil-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u kif speċifikat aktar fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom. |
| 2. L-Istati Membri jistgħu biss jagħtu appoġġ taħt dan it-tip ta' interventi għall-investimenti tanġibbli u/jew intanġibbli, li jikkontribwixxu għall-kisba tal-objettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 6. L-appoġġ lis-settur tal-forestrija għandu jkun ibbażat fuq pjan ta' ġestjoni tal-foresti jew strument ekwivalenti. | 2. L-Istati Membri jistgħu biss jagħtu appoġġ taħt dan it-tip ta' interventi għall-investimenti tanġibbli u/jew intanġibbli, li jikkontribwixxu għall-kisba tal-objettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 6***, u li juru biċ-ċar li ma jaffettwawx l-ambjent***. L-appoġġ lis-settur tal-forestrija għandu jkun ibbażat fuq pjan ta' ġestjoni tal-foresti jew strument ekwivalenti. |
| 3. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu lista ta' investimenti u kategoriji ta' nefqa mhux eliġibbli, inkluż | 3. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu lista ta' investimenti u kategoriji ta' nefqa mhux eliġibbli, inkluż |

| | |
|---|---|
| mill-inqas dawn li ġejjin: | mill-inqas dawn li ġejjin: |
| (a) ix-xiri ta' drittijiet għall-produzzjoni agrikola; | (a) ix-xiri ta' drittijiet għall-produzzjoni agrikola; |
| (b) ix-xiri ta' intitolamenti għal pagament; | (b) ix-xiri ta' intitolamenti għal pagament; |
| (c) ix-xiri ta' art għajr ix-xiri tal-art għall-konservazzjoni ambjentali jew l-art mixtrija minn bdiewa żgħażagħ permezz tal-użu ta' strumenti finanzjarji; | (c) ix-xiri ta' art għajr ix-xiri tal-art għall-konservazzjoni ambjentali jew l-art mixtrija minn bdiewa żgħażagħ permezz tal-użu ta' strumenti finanzjarji; |
| (d) ix-xiri ta' annimali, pjanti annwali u t-tħawwil tagħhom għajr għall-iskop ta' restawr tal-potenzjal agrikolu jew forestali wara diżastru naturali u avvenimenti katastrofiċi; | (d) ix-xiri ta' annimali, pjanti annwali u t-tħawwil tagħhom għajr għall-iskop ta' restawr tal-potenzjal agrikolu jew forestali wara diżastru naturali u avvenimenti katastrofiċi ***u għall-iskop ta' protezzjoni tal-merħliet kontra l-predaturi, u l-użu ta' annimali minflok il-magni fuq territorju diffiċli għall-protezzjoni tal-ambjent***; |
| (e) ir-rata tal-imgħax fuq id-dejn, ħlief fir-rigward ta' għotjiet mogħtija fil-forma ta' sussidju għar-rata tal-imgħax jew sussidju għat-tariffa ta' garanzija; | (e) ir-rata tal-imgħax fuq id-dejn, ħlief fir-rigward ta' għotjiet mogħtija fil-forma ta' sussidju għar-rata tal-imgħax jew sussidju għat-tariffa ta' garanzija; |
| (f) l-investimenti fl-irrigazzjoni li ma jkunux konsistenti mal-kisba ***ta' status*** tajjeb tal-korpi tal-ilma, kif stabbilit fl-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2000/60/KE, inkluż l-espansjoni tal-irrigazzjoni li taffettwa l-korpi tal-ilma li l-istatus tagħhom ikun ġie definit bħala inqas minn tajjeb fil-pjan ***ta' ġestjoni*** tal-baċiri idrografiċi rilevanti. | (f) l-investimenti fl-irrigazzjoni li ma ***jwasslux għal tnaqqis nett tal-ilma użat għall-irrigazzjoni f'dik iż-żona ta' qbid u li ma jkunux marbuta b'mod evidenti mat-tnaqqis tar-riskju tan-nixfa u li ma*** jkunux konsistenti mal-kisba ***ta'status*** tajjeb tal-korpi tal-ilma, kif stabbilit fl-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2000/60/KE, inkluż l-espansjoni tal-irrigazzjoni li taffettwa l-korpi tal-ilma li l-istatus tagħhom ikun ġie definit bħala inqas minn tajjeb fil-pjan ***ta'ġestjoni*** tal-baċiri idrografiċi rilevanti. |
| (g) l-investimenti f'infrastrutturi kbar li ma jkunux parti mill-istrateġiji ta' żvilupp lokali; | (g) l-investimenti f'infrastrutturi kbar li ma jkunux parti mill-istrateġiji ta' żvilupp lokali; |
| (h) l-investimenti fl-afforestazzjoni li ma jkunux konsistenti mal-objettivi klimatiċi u ambjentali f'konformità mal-prinċipji tal-ġestjoni sostenibbli tal-foresti, kif żviluppati fil-Linji Gwida Pan-Ewropej għall-Afforestazzjoni u għar-Riforestazzjoni. | (h) l-investimenti fl-afforestazzjoni ***u fir-restawr tal-foresta*** li ma jkunux konsistenti mal-objettivi klimatiċi u ambjentali f'konformità mal-prinċipji tal-ġestjoni sostenibbli tal-foresti, kif żviluppati fil-Linji Gwida Pan-Ewropej għall-Afforestazzjoni u għar-Riforestazzjoni. |

| | |
|---|---|
| | ***(ha) l-investimenti fl-operazzjonijiet konċentrati ta' tmigħ tal-annimali u fl-infrastruttura li ma jikkonformawx mar-rakkomandazzjonijiet għall-benessri tajjeb tal-annimali, u mal-prinċipji inklużi fid-Direttiva tal-Kunsill 98/58/KE.*** |
| | ***(hb) l-investimenti fi prodotti bijoenerġetiċi li ma jissodisfawx il-kriterji tas-sostenibbiltà stabbiliti fid-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1a].*** |
| Il-punti (a), (b), (d) u (g) tal-ewwel subparagrafu ma għandhomx japplikaw fejn jiġi provdut appoġġ permezz ta' strumenti finanzjarji. | Il-punti (a), (b), u (g) tal-ewwel subparagrafu ma għandhomx japplikaw fejn jiġi provdut appoġġ permezz ta' strumenti finanzjarji. |
| 4. L-Istati Membri għandhom jillimitaw l-appoġġ għar-rata massima ta' 75 % tal-ispejjeż eliġibbli. | 4. L-Istati Membri għandhom jillimitaw l-appoġġ għar-rata massima ta' 75 % tal-ispejjeż eliġibbli. |
| Ir-rata massima tal-appoġġ tista' tiġi miżjuda għall-investimenti li ġejjin: | Ir-rata massima tal-appoġġ tista' tiġi miżjuda għall-investimenti li ġejjin: |
| (a) ***investimenti għall-afforestazzjoni*** u ***mhux produttivi*** marbuta mal-objettivi speċifiċi relatati mal-ambjent u mal-klima stabbiliti fil-punti (d), (e) u (f) tal-Artikolu 6(1); | (a) ***riġenerazzjoni ta' sistemi agroforestali*** u ***investimenti għall-afforestazzjoni*** marbuta mal-objettivi speċifiċi relatati mal-ambjent u mal-klima stabbiliti fil-punti (d), (e) u (f) tal-Artikolu 6(1); |
| (b) investimenti fis-servizzi bażiċi fiż-żoni rurali; | (b) investimenti fis-servizzi bażiċi fiż-żoni rurali; |
| (c) investimenti fir-restawr tal-potenzjal agrikolu jew forestali wara diżastri naturali jew avvenimenti katastrofiċi u investimenti f'azzjonijiet preventivi xierqa fil-foresti u fl-ambjent rurali. | (c) investimenti fir-restawr tal-potenzjal agrikolu jew forestali wara ***nirien u*** diżastri naturali jew avvenimenti katastrofiċi ***oħrajn*** u investimenti f'azzjonijiet preventivi xierqa fil-foresti u fl-ambjent rurali. |
| | ***[1a] Id-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 82).*** |

**Emenda 130**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 69 – titolu**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Installazzjoni tal-bdiewa żgħażagħ ***u l-bidu*** tan-negozji rurali | Installazzjoni tal-bdiewa żgħażagħ***, il-bidu*** tan-negozji rurali u ***l-iżvilupp tan-negozji sostenibbli;*** |

**Emenda 131**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 69 – paragrafu 2a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-interventi msemmija f'dan l-Artikolu jkunu mqassma b'tali mod li jikkontribwixxi biex tinkiseb l-ugwaljanza bejn il-ġeneri fiż-żoni rurali.*** |

**Emenda 132**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 70**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Artikolu 70 | Artikolu 70 |
| Għodod għall-ġestjoni tar-riskju | Għodod għall-ġestjoni tar-riskju |
| 1. L-Istati Membri għandhom jagħtu appoġġ għall-għodod għall-ġestjoni tar-riskju bil-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u kif speċifikat aktar fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom. | 1. L-Istati Membri għandhom jagħtu appoġġ għall-għodod għall-ġestjoni tar-riskju bil-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u kif speċifikat aktar fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom. |
| 2. L-Istati Membri għandhom jagħtu appoġġ taħt dan it-tip ta' interventi sabiex jippromwovu l-għodod għall-ġestjoni tar-riskju, li jgħinu lill-bdiewa ġenwini jiġġestixxu r-riskji tal-produzzjoni u tal-introjtu marbuta mal-attività agrikola tagħhom li jmorru lil hinn mill-kontroll | 2. L-Istati Membri għandhom jagħtu appoġġ taħt dan it-tip ta' interventi sabiex jippromwovu l-għodod għall-ġestjoni tar-riskju, li jgħinu lill-bdiewa ġenwini jiġġestixxu r-riskji tal-produzzjoni u tal-introjtu marbuta mal-attività agrikola tagħhom li jmorru lil hinn mill-kontroll |

| | |
|---|---|
| tagħhom u li jikkontribwixxu għall-kisba tal-objettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 6. | tagħhom u li jikkontribwixxu għall-kisba tal-objettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 6. |
| 3. B'mod partikolari, l-Istati Membri jistgħu jagħtu l-appoġġ li ġej: | 3. B'mod partikolari, l-Istati Membri jistgħu jagħtu l-appoġġ li ġej: |
| (a) kontribuzzjonijiet finanzjarji bħala primjums għal skemi ta' assigurazzjoni; | (a) kontribuzzjonijiet finanzjarji bħala primjums għal skemi ta' assigurazzjoni; |
| (b) kontribuzzjonijiet finanzjarji għall-fondi mutwi, inkluż l-ispiża amministrattiva tal-istabbiliment; | (b) kontribuzzjonijiet finanzjarji għall-fondi mutwi, inkluż l-ispiża amministrattiva tal-istabbiliment; |
| 4. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu l-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà li ġejjin: | 4. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu l-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà li ġejjin: |
| (a) it-tipi u l-kopertura tal-iskemi ta' assigurazzjoni u tal-fondi mutwi eliġibbli; | (a) it-tipi u l-kopertura tal-iskemi ta' assigurazzjoni u tal-fondi mutwi eliġibbli; |
| (b) il-metodoloġija għall-kalkolu tat-telf u l-fatturi ta' attivazzjoni għall-kumpens; | (b) il-metodoloġija għall-kalkolu tat-telf u l-fatturi ta' attivazzjoni għall-kumpens; |
| (c) ir-regoli għall-kostituzzjoni u l-ġestjoni tal-fondi mutwi. | (c) ir-regoli għall-kostituzzjoni u l-ġestjoni tal-fondi mutwi. |
| 5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-appoġġ jingħata biss biex jiġi kopert it-telf ta' mill-inqas 20 % tal-produzzjoni annwali medja jew tal-introjtu annwali medju tal-bidwi fil-perjodu preċedenti ta' tliet snin jew medja ta' tliet snin ibbażat fuq il-perjodu preċedenti ta' ħames snin esklużi l-ogħla entrata u dik l-aktar baxxa. | 5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-appoġġ jingħata biss biex jiġi kopert it-telf ta' mill-inqas 20 % tal-produzzjoni annwali medja jew tal-introjtu annwali medju tal-bidwi fil-perjodu preċedenti ta' tliet snin jew medja ta' tliet snin ibbażat fuq il-perjodu preċedenti ta' ħames snin esklużi l-ogħla entrata u dik l-aktar baxxa. |
| 6. L-Istati Membri għandhom jillimitaw l-appoġġ għar-rata massima ta' 70 % tal-ispejjeż eliġibbli. | 6. L-Istati Membri għandhom jillimitaw l-appoġġ għar-rata massima ta' 70 % tal-ispejjeż eliġibbli. |
| 7. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jiġi evitat il-kumpens żejjed b'konsegwenza tal-kombinazzjoni tal-interventi skont dan l-Artikolu ma' skemi għall-ġestjoni tar-riskju pubbliċi jew privati oħrajn. | 7. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jiġi evitat il-kumpens żejjed b'konsegwenza tal-kombinazzjoni tal-interventi skont dan l-Artikolu ma' skemi għall-ġestjoni tar-riskju pubbliċi jew privati oħrajn. |

**Emenda 133**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 71**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Artikolu 71 | Artikolu 71 |
| Kooperazzjoni | Kooperazzjoni |
| 1. L-Istati Membri jistgħu jagħtu appoġġ għall-kooperazzjoni bil-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u kif speċifikat aktar fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom biex iħejju u jimplimentaw il-proġetti tal-Grupp Operattiv tas-Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni għall-produttività u s-sostenibbiltà fil-qasam agrikolu kif imsemmi fl-Artikolu 114 u l-LEADER, imsejjaħ żvilupp lokali mmexxi mill-komunità fl-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) [ir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni] u biex jippromwovu l-iskemi ta' kwalità, l-organizzazzjonijiet tal-produtturi jew il-gruppi tal-produtturi jew forom oħra ta' kooperazzjoni. | 1. L-Istati Membri jistgħu jagħtu appoġġ għall-kooperazzjoni bil-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u kif speċifikat aktar fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom biex iħejju u jimplimentaw il-proġetti tal-Grupp Operattiv tas-Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni għall-produttività u s-sostenibbiltà fil-qasam agrikolu kif imsemmi fl-Artikolu 114 u l-LEADER, imsejjaħ żvilupp lokali mmexxi mill-komunità fl-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) [ir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni] u biex jippromwovu l-iskemi ta' kwalità, l-organizzazzjonijiet tal-produtturi jew il-gruppi tal-produtturi jew forom oħra ta' kooperazzjoni. |
| 2. L-Istati Membri jistgħu biss jagħtu appoġġ taħt dan it-tip ta' interventi biex jippromwovu forom ta' kooperazzjoni li tinvolvi mill-inqas żewġ entitajiet u li tikkontribwixxi għall-kisba tal-objettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 6. | 2. L-Istati Membri jistgħu biss jagħtu appoġġ taħt dan it-tip ta' interventi biex jippromwovu forom ta' kooperazzjoni li tinvolvi mill-inqas żewġ entitajiet u li tikkontribwixxi għall-kisba tal-objettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 6. |
| 3. Taħt dan it-tip ta' interventi l-Istati Membri jistgħu jkopru l-ispejjeż relatati mal-aspetti kollha tal-kooperazzjoni. | 3. Taħt dan it-tip ta' interventi l-Istati Membri jistgħu jkopru l-ispejjeż relatati mal-aspetti kollha tal-kooperazzjoni. |
| 4. L-Istati Membri jistgħu jagħtu l-appoġġ bħala ammont ġenerali li jkopri l-ispiża tal-kooperazzjoni u l-ispiża tal-proġetti u l-operazzjoni implimentati jew jistgħu jkopru biss l-ispiża tal-koordinazzjoni u jużaw il-fondi minn tipi oħra ta' intervent, strumenti ta' appoġġ nazzjonali jew tal-Unjoni għall-implimentazzjoni tal-proġetti. | 4. L-Istati Membri jistgħu jagħtu l-appoġġ bħala ammont ġenerali li jkopri l-ispiża tal-kooperazzjoni u l-ispiża tal-proġetti u l-operazzjoni implimentati jew jistgħu jkopru biss l-ispiża tal-koordinazzjoni u jużaw il-fondi minn tipi oħra ta' intervent, strumenti ta' appoġġ nazzjonali jew tal-Unjoni għall-implimentazzjoni tal-proġetti. |
| 5. Meta l-appoġġ jitħallas bħala ammont ġenerali, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li jiġu rispettati r- | 5. Meta l-appoġġ jitħallas bħala ammont ġenerali, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li jiġu rispettati r- |

| | |
|---|---|
| regoli u r-rekwiżiti tal-Unjoni li jikkonċernaw azzjonijiet simili koperti taħt tipi oħra ta' interventi. Dan il-paragrafu ma japplikax għal-LEADER, imsejjaħ bħala żvilupp lokali mmexxi mill-komunità fl-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) [ir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni]. | regoli u r-rekwiżiti tal-Unjoni li jikkonċernaw azzjonijiet simili koperti taħt tipi oħra ta' interventi. Dan il-paragrafu ma japplikax għal-LEADER, imsejjaħ bħala żvilupp lokali mmexxi mill-komunità fl-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) [ir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni]. |
| 6. L-Istati Membri ma għandhomx jappoġġaw permezz ta' dan it-tip ta' interventi l-kooperazzjoni li tinvolvi biss il-korpi ta' riċerka. | 6. L-Istati Membri ma għandhomx jappoġġaw permezz ta' dan it-tip ta' interventi l-kooperazzjoni li tinvolvi biss il-korpi ta' riċerka. |
| 7. Fil-każ ta' kooperazzjoni fil-kuntest tas-suċċessjoni tal-azjendi agrikoli, l-Istati Membri jistgħu jagħtu appoġġ biss lill-bdiewa li jkunu laħqu l-età tal-pensjoni kif stabbilit fil-leġiżlazzjoni nazzjonali. | 7. Fil-każ ta' kooperazzjoni fil-kuntest tas-suċċessjoni tal-azjendi agrikoli ***u bl-għan ulterjuri li jkun imħeġġeġ it-tiġdid ġenerazzjonali fil-livell tal-azjendi agrikoli***, l-Istati Membri jistgħu jagħtu appoġġ biss lill-bdiewa li jkunu laħqu l-età tal-pensjoni kif stabbilit fil-leġiżlazzjoni nazzjonali. |
| 8. L-Istati Membri għandhom jillimitaw l-appoġġ għal massimu ta' seba' snin għajr għall-azzjonijiet ambjentali u klimatiċi kollettivi f'każijiet debitament ġustifikati biex jinkisbu l-objettivi speċifiċi relatati mal-ambjent u mal-klima msemmija fil-punti (d), (e) u (f) tal-Artikolu 6(1). | 8. L-Istati Membri għandhom jillimitaw l-appoġġ għal massimu ta' seba' snin għajr għall-azzjonijiet ambjentali u klimatiċi kollettivi f'każijiet debitament ġustifikati biex jinkisbu l-objettivi speċifiċi relatati mal-ambjent u mal-klima msemmija fil-punti (d), (e) u (f) tal-Artikolu 6(1). ***L-Istati Membri ma għandhomx jappoġġaw interventi li jkollhom effetti negattivi għall-ambjent.*** |
| | ***8a. L-Inizjattiva LEADER, deskritta bħala żvilupp lokali mmexxi mill-komunità msemmija fil-paragrafu 1, għandha tipprevedi l-involviment attiv u primarju tal-azjendi agrikoli u/jew tal-forestrija.*** |

**Emenda 134**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 72 - paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri jistgħu jagħtu | 1. L-Istati Membri jistgħu jagħtu |

| | |
|---|---|
| appoġġ għall-iskambju tal-għarfien agrikolu, forestali u tan-negozju rurali u l-informazzjoni dwarhom bil-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u kif speċifikat aktar fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom. | appoġġ għall-iskambju tal-għarfien agrikolu, ***agroforestali,*** forestali u tan-negozju rurali u l-informazzjoni dwarhom bil-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u kif speċifikat aktar fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom. |

**Emenda 135**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 73 – paragrafu 1 – subparagrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Fl-għażla tal-operazzjonijiet, l-awtoritajiet ta' ġestjoni għandhom jiżguraw il-verifika tal-interventi ppjanati għall-klima, għall-ambjent u għall-bijodiversità.*** |

**Emenda 136**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 86**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Artikolu 86 | Artikolu 86 |
| Allokazzjonijiet finanzjarji minimi u massimi | Allokazzjonijiet finanzjarji minimi u massimi |
| 1. Mill-inqas 5 % tal-kontribuzzjoni totali tal-FAEŻR lill-Pjan Strateġiku tal-PAK kif stabbilit fl-Anness IX għandu jkun riżervat lil-LEADER, imsejjaħ żvilupp lokali mmexxi mill-komunità fl-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) [RDK]. | 1. Mill-inqas 5 % tal-kontribuzzjoni totali tal-FAEŻR lill-Pjan Strateġiku tal-PAK kif stabbilit fl-Anness IX għandu jkun riżervat lil-LEADER, imsejjaħ żvilupp lokali mmexxi mill-komunità fl-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) [RDK]. |
| 2. Mill-inqas ***30*** % tal-kontribuzzjoni totali tal-FAEŻR lill-Pjan Strateġiku tal-PAK kif stabbilit fl-Anness IX għandu jkun riżervat għall-interventi li jindirizzaw l-objettivi speċifiċi relatati mal-ambjent u mal-klima stabbiliti fil-punti (d), (e) u (f) tal-Artikolu 6(1) ta' dan ir-Regolament, bl-eċċezzjoni tal-interventi bbażati fuq l-Artikolu 66. | 2. Mill-inqas ***40*** % tal-kontribuzzjoni totali tal-FAEŻR lill-Pjan Strateġiku tal-PAK kif stabbilit fl-Anness IX għandu jkun riżervat għall-interventi li jindirizzaw l-objettivi speċifiċi relatati mal-ambjent u mal-klima stabbiliti fil-punti (d), (e) u (f) tal-Artikolu 6(1) ta' dan ir-Regolament, bl-eċċezzjoni tal-interventi bbażati fuq l-Artikolu 66. ***Mill-inqas 30% tal-*** |

***kontribuzzjoni totali tal-FAEG għall-Pjan Strateġiku tal-PAK kif stipulat fl-Anness IV għandha tkun riżervata għal skemi għall-klima u l-ambjent kif deskritt fl-Artikolu 28.***

***Kull Stat Membru għandu jistabbilixxi ammont minimu li jikkontribwixxi għall-objettiv speċifiku msemmi fl-Artikolu 6(1)(f). Dan għandu jiġi kkalkolat abbażi tal-analiżi SWOT u l-identifikazzjoni tal-ħtiġijiet relatati mal-ispeċijiet u l-ħabitats ta' prijorità fil-qafas ta' azzjoni ta' prijorità skont id-Direttiva 92/43/KEE u d-Direttiva 2009/147/KE. L-ammont għandu jintuża għall-miżuri deskritti fl-Artikolu 65, l-Artikolu 67 u l-Artikolu 68(4)(a) ta' dan ir-Regolament u biex jintuża l-appoġġ għall-proġetti strateġiċi dwar in-natura fil-qafas [tar-Regolament LIFE] bi qbil mal-paragrafu 7 ta' dan l-Artikolu.***

| | |
|---|---|
| L-ewwel subparagrafu ma japplikax għar-reġjuni ultraperiferiċi. | L-ewwel subparagrafu ma japplikax għar-reġjuni ultraperiferiċi. |
| 3. Massimu ta' 4 % tal-kontribuzzjoni totali tal-FAEŻR lill-Pjan Strateġiku tal-PAK kif stabbilit fl-Anness IX jista' jintuża biex jiffinanzja l-azzjonijiet tal-assistenza teknika fuq l-inizjattiva tal-Istati Membri msemmija fl-Artikolu 112. | 3. Massimu ta' 4 % tal-kontribuzzjoni totali tal-FAEŻR lill-Pjan Strateġiku tal-PAK kif stabbilit fl-Anness IX jista' jintuża biex jiffinanzja l-azzjonijiet tal-assistenza teknika fuq l-inizjattiva tal-Istati Membri msemmija fl-Artikolu 112. |
| Il-kontribuzzjoni mill-FAEŻR tista' tiżdied sa 6 % għall-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK meta l-ammont totali ta' appoġġ tal-Unjoni għall-iżvilupp rurali jkun sa EUR 90 miljun. | Il-kontribuzzjoni mill-FAEŻR tista' tiżdied sa 6 % għall-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK meta l-ammont totali ta' appoġġ tal-Unjoni għall-iżvilupp rurali jkun sa EUR 90 miljun. |
| L-assistenza teknika għandha tiġi rimborżata bħala rata fissa skont l-Artikolu 125(1)(e) tar-Regolament (UE/Euratom .../...[ir-Regolament Finanzjarju l-ġdid] fil-qafas tal-pagamenti interim skont l-Artikolu 30 tar-Regolament (UE) [ir-Regolament Orizzontali]. Din ir-rata fissa għandha tirrappreżenta l-perċentwal stabbilit fil-Pjan Strateġiku tal-PAK għall-assistenza teknika tan-nefqa | L-assistenza teknika għandha tiġi rimborżata bħala rata fissa skont l-Artikolu 125(1)(e) tar-Regolament (UE/Euratom .../...[ir-Regolament Finanzjarju l-ġdid] fil-qafas tal-pagamenti interim skont l-Artikolu 30 tar-Regolament (UE) [ir-Regolament Orizzontali]. Din ir-rata fissa għandha tirrappreżenta l-perċentwal stabbilit fil-Pjan Strateġiku tal-PAK għall-assistenza teknika tan-nefqa |

| | |
|---|---|
| totali ddikjarata. | totali ddikjarata. |
| 4. Għal kull Stat Membru l-ammont minimu stabbilit fl-Anness X għandu jkun riżervat għall-kontribut lejn l-objettiv speċifiku "Nattiraw il-bdiewa żgħażagħ u niffaċilitaw l-iżvilupp tan-negozju" stabbilit fil-punt (g) tal-Artikolu 6(1). Fuq il-bażi tal-analiżi tas-sitwazzjoni f'termini ta' qawwiet, dgħufijiet, opportunitajiet u theddid ("l-analiżi SWOT") u l-identifikazzjoni tal-ħtiġijiet li jridu jiġu indirizzati, l-ammont għandu jintuża għat-tipi ta' interventi li ġejjin: | 4. Għal kull Stat Membru l-ammont minimu stabbilit fl-Anness X għandu jkun riżervat għall-kontribut lejn l-objettiv speċifiku "Nattiraw il-bdiewa żgħażagħ u niffaċilitaw l-iżvilupp tan-negozju" stabbilit fil-punt (g) tal-Artikolu 6(1). Fuq il-bażi tal-analiżi tas-sitwazzjoni f'termini ta' qawwiet, dgħufijiet, opportunitajiet u theddid ("l-analiżi SWOT") u l-identifikazzjoni tal-ħtiġijiet li jridu jiġu indirizzati, l-ammont għandu jintuża għat-tipi ta' interventi li ġejjin: |
| (a) l-Appoġġ għall-Introjtu Komplementarju għall-Bdiewa Żgħażagħ kif stipulat fl-Artikolu 27; | (a) l-Appoġġ għall-Introjtu Komplementarju għall-Bdiewa Żgħażagħ kif stipulat fl-Artikolu 27; |
| (b) l-installazzjoni tal-bdiewa żgħażagħ imsemmija fl-Artikolu 69; | (b) l-installazzjoni tal-bdiewa żgħażagħ imsemmija fl-Artikolu 69; |
| 5. L-allokazzjonijiet finanzjarji indikattivi għall-interventi tal-appoġġ għall-introjtu akkoppjat imsemmija fis-Subtaqsima 1 tat-Taqsima 2 tal-Kapitolu II tat-Titolu III, għandha tkun limitata għal massimu ta' 10 % tal-ammont stabbilit fl-Anness VII. | 5. L-allokazzjonijiet finanzjarji indikattivi għall-interventi tal-appoġġ għall-introjtu akkoppjat imsemmija fis-Subtaqsima 1 tat-Taqsima 2 tal-Kapitolu II tat-Titolu III, għandha tkun limitata għal massimu ta' 10 % tal-ammont stabbilit fl-Anness VII. |
| B'deroga mill-ewwel subparagrafu, l-Istati Membri li skont l-Artikolu 53(4) tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013 użaw aktar minn 13 % tal-limitu massimu nazzjonali annwali tagħhom stabbilit fl-Anness II ta' dak ir-Regolament għall-iskop ta' appoġġ akkoppjat volontarju, jistgħu jiddeċiedu li jużaw aktar minn 10 % tal-ammont stabbilit fl-Anness VII għall-iskop tal-appoġġ għall-introjtu akkoppjat. Il-perċentwali li jirriżulta ma għandux jaqbeż il-perċentwal approvat mill-Kummissjoni għall-appoġġ akkoppjat volontarju fir-rigward tas-sena tat-talba 2018. | B'deroga mill-ewwel subparagrafu, l-Istati Membri li skont l-Artikolu 53(4) tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013 użaw aktar minn 13 % tal-limitu massimu nazzjonali annwali tagħhom stabbilit fl-Anness II ta' dak ir-Regolament għall-iskop ta' appoġġ akkoppjat volontarju, jistgħu jiddeċiedu li jużaw aktar minn 10 % tal-ammont stabbilit fl-Anness VII għall-iskop tal-appoġġ għall-introjtu akkoppjat. Il-perċentwali li jirriżulta ma għandux jaqbeż il-perċentwal approvat mill-Kummissjoni għall-appoġġ akkoppjat volontarju fir-rigward tas-sena tat-talba 2018. |
| Il-perċentwal ***imseemi*** fl-ewwel subparagrafu jista' jiġi miżjud b'massimu ta' 2 %, sakemm l-ammont li jikkorrispondi għall-perċentwali li jaqbeż l-10 % jiġi allokat għall-appoġġ għall-għelejjel tal-proteini taħt is-Subtaqsima 1 tat-Taqsima 2 | Il-perċentwal ***imsemmi*** fl-ewwel subparagrafu jista' jiġi miżjud b'massimu ta' 2 %, sakemm l-ammont li jikkorrispondi għall-perċentwali li jaqbeż l-10 % jiġi allokat għall-appoġġ għall-għelejjel tal-proteini taħt is-Subtaqsima 1 tat-Taqsima 2 |

| | |
|---|---|
| tal-Kapitolu II tat-Titolu III. | tal-Kapitolu II tat-Titolu III. |
| L-ammont inkluż fil-Pjan Strateġiku tal-PAK approvat li jirriżulta mill-applikazzjoni tal-ewwel u t-tieni subparagrafi għandu jkun vinkolanti. | L-ammont inkluż fil-Pjan Strateġiku tal-PAK approvat li jirriżulta mill-applikazzjoni tal-ewwel u t-tieni subparagrafi għandu jkun vinkolanti. |
| 6. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) [ir-Regolament Orizzontali], l-ammont massimu li jista' jingħata fi Stat Membru qabel l-applikazzjoni tal-Artikolu 15 ta' dan ir-Regolament skont is-Subtaqsima 1 tat-Taqsima 2 tal-Kapitolu II tat-Titolu III ta' dan ir-Regolament fir-rigward ta' sena kalendarja ma għandux jaqbeż l-ammonti stabbiliti fil-Pjan Strateġiku tal-PAK skont il-paragrafu 6. | 6. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) [ir-Regolament Orizzontali], l-ammont massimu li jista' jingħata fi Stat Membru qabel l-applikazzjoni tal-Artikolu 15 ta' dan ir-Regolament skont is-Subtaqsima 1 tat-Taqsima 2 tal-Kapitolu II tat-Titolu III ta' dan ir-Regolament fir-rigward ta' sena kalendarja ma għandux jaqbeż l-ammonti stabbiliti fil-Pjan Strateġiku tal-PAK skont il-paragrafu 6. |
| 7. Fil-Pjan Strateġiku tal-PAK tagħhom l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jużaw ċertu sehem tal-allokazzjoni mill-FAEŻR bħala ingranaġġ għall-appoġġ u biex itejbu l-Proġetti Strateġiċi tan-Natura integrati kif definit fir-[Regolament LIFE] u biex jiffinanzjaw l-azzjonijiet fir-rigward tal-mobbiltà għat-tagħlim transnazzjonali tal-persuni fil-qasam tal-iżvilupp agrikolu u rurali b'attenzjoni fuq il-bdiewa żgħażagħ, skont ir-[Regolament Erasmus]. | 7. Fil-Pjan Strateġiku tal-PAK tagħhom l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jużaw ċertu sehem tal-allokazzjoni mill-FAEŻR bħala ingranaġġ għall-appoġġ u biex itejbu l-Proġetti Strateġiċi tan-Natura integrati kif definit fir-[Regolament LIFE] u biex jiffinanzjaw l-azzjonijiet fir-rigward tal-mobbiltà għat-tagħlim transnazzjonali tal-persuni fil-qasam tal-iżvilupp agrikolu u rurali b'attenzjoni fuq il-bdiewa żgħażagħ, skont ir-[Regolament Erasmus]. |

**Emenda 137**

**Proposta għal regolament**
Artikolu 87

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Artikolu 87 | Artikolu 87 |
| ***It-traċċar*** tan-nefqa relatata mal-klima | ***Traċċar*** tan-nefqa relatata ***mal-ambjent u*** mal-klima |
| 1. Abbażi tal-informazzjoni provduta mill-Istati Membri, il-Kummissjoni għandha tevalwa l-kontribut tal-politika għall-objettivi tat-tibdil fil-klima bl-użu ta' metodoloġija sempliċi u komuni. | 1. Abbażi tal-informazzjoni provduta mill-Istati Membri, il-Kummissjoni għandha tevalwa l-kontribut tal-politika għall-objettivi ***ambjentali u*** tat-tibdil fil-klima bl-użu ta' metodoloġija sempliċi***, xierqa, preċiża*** u komuni. ***Il-Kummissjoni għandha tirrapporta regolarment dwar il-*** |

***progress lejn l-integrazzjoni kemm tal-azzjoni tal-ambjent u tal-azzjoni klimatika, inkluż l-ammont tan-nefqa. Is-sejbiet għandhom jiġu ppreżentati fir-reviżjoni tas-sena annwali kif stabbilit fl-Artikolu 122.***

| | |
|---|---|
| 2. Il-kontribut lejn il-mira tan-nefqa għandu jiġi stmat permezz tal-applikazzjoni ta' ***piżijiet*** speċifiċi differenzjati fuq il-bażi ta' jekk l-appoġġ ***jagħmilx*** kontribut sinifikanti jew moderat lejn l-objettivi tat-tibdil fil-klima. Dawn ***il-piżijiet*** għandhom ikunu kif ġej: | 2. Il-kontribut lejn il-mira tan-nefqa għandu jiġi stmat permezz tal-applikazzjoni ta' ***ponderazzjonijiet*** speċifiċi differenzjati fuq il-bażi ta' jekk l-appoġġ ***joffrix*** kontribut sinifikanti jew moderat lejn l-objettivi ***ambjentali u*** tat-tibdil fil-klima ***u huwiex ikkomplementat mis-sistema tal-Unjoni tal-indikaturi tal-klima***. Dawn ***il-ponderazzjonijiet*** għandhom ikunu kif ġej: |
| (a) ***40*** % għan-nefqa taħt l-Appoġġ għall-Introjtu Bażiku għas-Sostenibbiltà u l-Appoġġ għall-Introjtu Komplementari msemmija fit-Titolu III, il-Kapitolu II, it-Taqsima II, is-Subtaqsimiet 2 u 3; | (a) ***30*** % għan-nefqa taħt l-Appoġġ għall-Introjtu Bażiku għas-Sostenibbiltà u l-Appoġġ għall-Introjtu Komplementari msemmija fit-Titolu III, il-Kapitolu II, it-Taqsima II, is-Subtaqsimiet 2 u 3; |
| (b) 100 % għan-nefqa taħt l-iskemi għall-klima u għall-ambjent imsemmija fit-Titolu III, il-Kapitolu II, it-Taqsima II, is-Subtaqsima 4; | (b) 100 % għan-nefqa taħt l-iskemi għall-klima u għall-ambjent imsemmija fit-Titolu III, il-Kapitolu II, it-Taqsima II, is-Subtaqsima 4; |
| (c) 100 % għan-nefqa għall-interventi msemmija fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 86(2); | (c) 100 % għan-nefqa għall-interventi msemmija fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 86(2); |
| (d) 40 % għan-nefqa għar-restrizzjonijiet naturali jew speċifiċi għaż-żona msemmija fl-Artikolu 66. | (d) 40 % għan-nefqa għar-restrizzjonijiet naturali jew speċifiċi għaż-żona msemmija fl-Artikolu 66. |
| | ***Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 138 li jissuplimentaw dan ir-Regolament b'metodoloġiji li jintraċċaw l-integrazzjoni u l-evalwazzjoni tal-istima tan-nefqa ddedikata għall-objettivi ambjentali, inkluż għall-bijodiversità. Il-Kummissjoni għandha tadotta l-ponderazzjonijiet speċifiċi dwar in-nefqa tat-tibdil fil-klima biex tqis il-metodoloġiji ġodda u d-differenzjazzjoni dwar in-nefqa ambjentali*** |

**Emenda 138**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 88 - paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Fil-Pjan Strateġiku tal-PAK tagħhom, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu allokazzjoni finanzjarja indikattiva għal kull intervent. Għal kull intervent, il-multiplikazzjoni tal-ammont unitarju ppjanat, mingħajr l-applikazzjoni tal-perċentwal tal-varjazzjoni msemmi fl-Artikolu 89, u l-outputs ippjanati, għandha tkun ugwali għal din l-allokazzjoni finanzjarja indikattiva. | 1. Fil-Pjan Strateġiku tal-PAK tagħhom, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu allokazzjoni finanzjarja indikattiva għal kull intervent, f'koerenza mal-Artikoli 28(1) u 86(2). Għal kull intervent, il-multiplikazzjoni tal-ammont unitarju ppjanat, mingħajr l-applikazzjoni tal-perċentwal tal-varjazzjoni msemmi fl-Artikolu 89, u l-outputs ippjanati, għandha tkun ugwali għal din l-allokazzjoni finanzjarja indikattiva. |

**Emenda 139**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 89 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) il-pagamenti diretti diżakkoppjati u l-appoġġ għall-introjtu akkoppjat imsemmija fil-Kapitolu II tat-Titolu III; | (a) il-pagamenti diretti diżakkoppjati, ħlief għal skemi għall-klima u għall-ambjent kif stabbilit fl-Artikolu 28, u l-appoġġ għall-introjtu akkoppjat imsemmija fil-Kapitolu II tat-Titolu III; |

**Emenda 140**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 90**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Artikolu 90 | Artikolu 90 |
| Flessibbiltà bejn l-allokazzjonijiet tal-pagamenti diretti u l-allokazzjonijiet mill-FAEŻR | Flessibbiltà bejn l-allokazzjonijiet tal-pagamenti diretti u l-allokazzjonijiet mill-FAEŻR |
| 1. Bħala parti mill-proposta tagħhom għall-Pjan Strateġiku tal-PAK imsemmija | 1. Bħala parti mill-proposta tagħhom għall-Pjan Strateġiku tal-PAK imsemmija |

| | |
|---|---|
| fl-Artikolu 106(1), l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jittrasferixxu: | fl-Artikolu 106(1), l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jittrasferixxu: |
| (a) sa 15 % tal-allokazzjoni tal-pagamenti diretti tal-Istati Membri stabbilita fl-Anness IV wara tnaqqis tal-allokazzjoni għall-qoton stabbiliti fl-Anness VI għas-snin kalendarji 2021 sa 2026 lill-allokazzjoni tal-Istat Membru għall-FAEŻR fis-snin finanzjarji 2022 – 2027; ***or*** | (a) sa 15 % tal-allokazzjoni tal-pagamenti diretti tal-Istati Membri stabbilita fl-Anness IV wara tnaqqis tal-allokazzjoni għall-qoton stabbiliti fl-Anness VI għas-snin kalendarji 2021 sa 2026 lill-allokazzjoni tal-Istat Membru għall-FAEŻR fis-snin finanzjarji 2022 – 2027; |
| ***(b) sa 15 % tal-allokazzjoni għall-FAEŻR tal-Istat Membru fis-snin finanzjarji 2022 – 2027 lill-allokazzjoni tal-pagamenti diretti tal-Istat Membru stabbilita fl-Anness IV għas-snin kalendarji 2021 sa 2026.*** | |
| Il-perċentwal ta' trasferiment mill-allokazzjoni tal-pagamenti diretti tal-Istat Membru lill-allokazzjoni tiegħu għall-FAEŻR imsemmi fl-ewwel subparagrafu jista' jiżdied ***bi***: | Il-perċentwal ta' trasferiment mill-allokazzjoni tal-pagamenti diretti tal-Istat Membru lill-allokazzjoni tiegħu għall-FAEŻR imsemmi fl-ewwel subparagrafu jista' jiżdied ***ulterjorment***: |
| (a) sa ***15 punti*** perċentwali dejjem jekk l-Istati Membri jużaw iż-żieda korrispondenti għall-interventi ffinanzjati mill-FAEŻR li jindirizzaw l-objettivi speċifiċi relatati mal-ambjent u mal-klima msemmija fil-punti (d), (e) u (f) tal-Artikolu 6(1); | (a) sa ***15-il punt*** perċentwali dejjem jekk l-Istati Membri jużaw iż-żieda korrispondenti għall-interventi ffinanzjati mill-FAEŻR li jindirizzaw l-objettivi speċifiċi relatati mal-ambjent u mal-klima msemmija fil-punti (d), (e) u (f) tal-Artikolu 6(1); |
| (b) sa 2 punti perċentwali dejjem jekk l-Istati Membri jużaw iż-żieda korrispondenti skont il-punt (b) tal-Artikolu 86(***5***). | (b) sa 2 punti perċentwali dejjem jekk l-Istati Membri jużaw iż-żieda korrispondenti skont il-punt (b) tal-Artikolu 86(***4***). |
| 2. Id-deċiżjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom jistabbilixxu l-perċentwal imsemmi fil-paragrafu 1, li jista' jvarja skont is-sena kalendarja. | 2. Id-deċiżjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom jistabbilixxu l-perċentwal imsemmi fil-paragrafu 1, li jista' jvarja skont is-sena kalendarja. |
| 3. Fl-2023, l-Istati Membri jistgħu jirrieżaminaw id-deċiżjonijiet tagħhom imsemmija fil-paragrafu 1 bħala parti minn talba għal emenda tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom, imsemmija fl-Artikolu 107. | 3. Fl-2023, l-Istati Membri jistgħu jirrieżaminaw id-deċiżjonijiet tagħhom imsemmija fil-paragrafu 1 bħala parti minn talba għal emenda tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom, imsemmija fl-Artikolu 107. |

**Emenda 141**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 91 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Fuq il-bażi tal-analiżi SWOT imsemmija fl-Artikolu 103(2) u ***valutazzjoni*** tal-ħtiġijiet imsemmija fl-Artikolu 96, fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu strateġija ***tal-intervent*** kif imsemmi fl-Artikolu 97 li fiha għandhom jiġu stabbiliti miri kwantitattivi u stadji importanti għall-kisba tal-objettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 6. Il-miri għandhom jiġu definiti bl-użu ta' sett komuni ta' indikaturi tar-riżultati stabbilit fl-Anness I. | Fuq il-bażi tal-analiżi SWOT imsemmija fl-Artikolu 103(2) u ***tal-valutazzjoni*** tal-ħtiġijiet imsemmija fl-Artikolu 96, fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu strateġija ***ta' intervent*** kif imsemmi fl-Artikolu 97 li fiha għandhom jiġu stabbiliti miri kwantitattivi u stadji importanti għall-kisba tal-objettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 6. Il-miri għandhom jiġu definiti bl-użu ta' sett komuni ta' indikaturi tar-riżultati ***u tal-impatt*** stabbilit fl-Anness I. |

**Emenda 142**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 92**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Artikolu 92 | Artikolu 92 |
| Aktar ambizzjoni fir-rigward tal-objettivi relatati mal-ambjent u ***mal-klima*** | Aktar ambizzjoni fir-rigward tal-objettivi relatati mal-ambjent***, mal-klima*** u ***mat-trattament xieraq tal-annimali*** |
| 1. Permezz tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom u b'mod partikolari permezz tal-elementi tal-istrateġija ***tal-interventi msemmija*** fil-punt (a) tal-Artikolu 97(2), l-Istati Membri għandhom ***jimmiraw li*** jwettqu kontribut ġenerali akbar għall-kisba ***tal-objettivi*** speċifiċi relatati mal-ambjent u ***mal-klima*** stipulati fil-punti (d), (e) u ***(f)*** tal-Artikolu 6(1) b'paragun mal-kontribut ġenerali li jkun sar għall-kisba tal-objettiv stipulat fil-punt (b) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 110(2) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 permezz tal-appoġġ taħt il-FAEG u l-FAEŻR fil-perjodu mill-2014 sal-2020. | 1. Permezz tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom u b'mod partikolari permezz tal-elementi tal-istrateġija ***ta' intervent imsemmija*** fil-punt (a) tal-Artikolu 97(2), l-Istati Membri għandhom jwettqu kontribut ġenerali akbar għall-kisba ***ta' kull wieħed mill-objettivi*** speċifiċi relatati mal-ambjent***, il-klima*** u ***t-trattament xieraq tal-annimali kif*** stipulati fil-punti (d), (e)***, (f)*** u ***(i)*** tal-Artikolu 6(1) b'paragun mal-kontribut ġenerali li jkun sar għall-kisba tal-objettiv stipulat fil-punt (b) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 110(2) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 permezz tal-appoġġ taħt il-FAEG u l-FAEŻR fil- |

perjodu mill-2014 sal-2020.

***1a. Il-pagamenti għall-konverżjoni organika u l-manutenzjoni fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK taħt l-Artikoli 28 u 65 għandhom jaqbżu l-pagamenti totali magħmula qabel l-2021 taħt l-Iżvilupp Rurali lil bdiewa organiċi, ikkalkulati bħala medja annwali bl-użu ta' prezzijiet kostanti.***

| | |
|---|---|
| 2. Fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom, l-Istati Membri għandhom jispjegaw, fuq ***il-bażi tal-informazzjoni disponibbli***, ***kif għandhom l-intenzjoni*** jiksbu l-kontribut ġenerali akbar stabbilit fil-paragrafu 1. Dik l-ispjegazzjoni għandha tkun ibbażata fuq informazzjoni rilevanti bħal pereżempju l-elementi msemmija fil-punti (a) sa (f) tal-Artikolu 95(1) u ***fil-punt*** (b) tal-Artikolu 95(2). | 2. Fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom, l-Istati Membri għandhom jispjegaw, ***abbażi tal-aktar informazzjoni riċenti u affidabbli, l-impatt*** fuq ***l-ambjent u l-klima li biħsiebhom jiksbu fil-perjodu 2021-2027***, ***u kif biħsiebhom*** jiksbu l-kontribut ġenerali akbar stabbilit fil-paragrafu 1***, inkluż billi jiżguraw li l-objettivi tagħhom stabbiliti abbażi tal-indikaturi tal-impatt imsemmija fl-Artikolu 91(1) se jirrappreżentaw titjib tas-sitwazzjoni kurrenti***. Dik l-ispjegazzjoni għandha tkun ibbażata fuq informazzjoni rilevanti bħal pereżempju ***fuq*** l-elementi msemmija fil-punti (a) sa (f) tal-Artikolu 95(1) u ***fil-punti (a) u*** (b) tal-Artikolu 95(2). |

**Emenda 143**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 94**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Artikolu 94 | Artikolu 94 |
| Rekwiżiti proċedurali ***rekwiżiti proċedurali*** | Rekwiżiti proċedurali |
| 1. L-Istati Membri għandhom ifasslu l-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK fuq il-bażi ta' proċeduri trasparenti, skont il-qafas istituzzjonali u legali tagħhom. | 1. L-Istati Membri għandhom ifasslu l-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK fuq il-bażi ta' proċeduri trasparenti, skont il-qafas istituzzjonali u legali tagħhom. |
| | ***1a. L-Istati Membri għandhom jippubblikaw il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK u l-annessi relatati magħhom, kemm fl-istadju tal-abbozz kif ukoll wara l-*** |

| | |
|---|---|
| | ***approvazzjoni tagħhom.*** |
| 2. Il-korp tal-Istat Membru responsabbli għat-tfassil tal-Pjan Strateġiku tal-PAK għandu jiżgura li l-awtoritajiet kompetenti għall-ambjent u l-klima jkunu involuti effettivament fit-tfassil tal-aspetti ambjentali u klimatiċi tal-Pjan. | 2. Il-korp tal-Istat Membru responsabbli għat-tfassil tal-Pjan Strateġiku tal-PAK għandu jiżgura li l-awtoritajiet kompetenti għall-ambjent u l-klima jkunu involuti effettivament ***u inklussivament*** fit-tfassil tal-aspetti ambjentali u klimatiċi tal-Pjan. |
| 3. Kull Stat Membru għandu jorganizza sħubija mal-awtoritajiet kompetenti reġjonali u lokali. Is-sħubija għandha tinkludi mill-inqas is-sħab li ġejjin: | 3. Kull Stat Membru għandu jorganizza sħubija mal-awtoritajiet kompetenti reġjonali u lokali. Is-sħubija għandha tinkludi mill-inqas is-sħab li ġejjin: |
| (a) l-awtoritajiet pubbliċi rilevanti; | (a) l-awtoritajiet pubbliċi rilevanti; |
| (b) is-sħab ekonomiċi u soċjali; | (b) is-sħab ekonomiċi***, ambjentali*** u soċjali; |
| (c) il-korpi rilevanti li jirrappreżentaw is-soċjetà ċivili u fejn rilevanti ***l-korpi*** responsabbli għall-promozzjoni tal-inklużjoni soċjali, id-drittijiet fundamentali, l-ugwaljanza bejn ***is-sessi*** u n-nondiskriminazzjoni. | (c) il-korpi rilevanti li jirrappreżentaw is-soċjetà ċivili u fejn rilevanti***, il-korpi*** responsabbli għall-promozzjoni tal-inklużjoni soċjali, id-drittijiet fundamentali, ***is-saħħa pubblika,*** l-ugwaljanza bejn ***il-ġeneri*** u n-nondiskriminazzjoni. |
| L-Istati Membri għandhom jinvolvu lil dawk is-sħab ***fit-tħejjija*** tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK. | ***Kull wieħed mis-sħab imsemmi fil-punt (b) għandu jkollu rappreżentanza ugwali u għandha tkun żgurata rappreżentanza bbilanċjata bejn (b) u (c).*** L-Istati Membri għandhom jinvolvu lil dawk is-sħab ***matul it-tħejjija u l-implimentazzjoni kollha*** tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK***, inkluż permezz tal-parteċipazzjoni fil-kumitati ta' monitoraġġ skont l-Artikolu 111***. |
| 4. L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jikkooperaw sabiex jiżguraw koordinazzjoni effettiva fl-implimentazzjoni tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK, b'kunsiderazzjoni tal-prinċipji ta' proporzjonalità u ta' ġestjoni kondiviża. | 4. L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jikkooperaw sabiex jiżguraw koordinazzjoni effettiva fl-implimentazzjoni tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK, b'kunsiderazzjoni tal-prinċipji ta' proporzjonalità u ta' ġestjoni kondiviża. |

**Emenda 144**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 96 – paragrafu 1 – punt aa (ġdid)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***(aa) sommarju tal-valuri kurrenti u fil-mira għall-indikaturi tal-impatt;*** |

**Emenda 145**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 96 – paragrafu 1a (ġdid)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***Fejn, abbażi tal-informazzjoni pprovduta skont il-punti (a) - (e) tal-ewwel paragrafu, se jiġu identifikati oqsma fejn l-informazzjoni bażika jew l-informazzjoni dwar l-indikaturi tal-kuntest hija nieqsa jew mhijiex biżżejjed għall-finijiet li tipprovdi deskrizzjoni sħiħa tas-sitwazzjoni kurrenti fir-rigward tal-objettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 6, l-Istati Membri għandhom jindirizzaw din il-konklużjoni fi ħdan il-qafas tal-Pjan Strateġiku tal-PAK tagħhom, jew permezz ta' strumenti oħra u jiddeskrivu l-miżuri proposti fil-Pjan Strateġiku tal-PAK.*** |

**Emenda 146**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 96 – paragrafu 2a (ġdid)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***Għall-objettiv speċifiku msemmi fil-punt (i) għall-Artikolu 6(1), il-valutazzjoni għandha tqis il-konformità mal-atti leġiżlattivi msemmija fl-Anness XIa.*** |

Ġustifikazzjoni

*L-Artikolu 6(1), il-punt (i) huwa l-objettiv li jikkonċerna t-talbiet tas-soċjetà, li waħda minnhom hija l-benesseri tal-annimali. L-Anness XIa jelenka l-leġiżlazzjoni eżistenti dwar il-benesseri tal-annimali.*

**Emenda 147**

**Proposta għal regolament**
Artikolu 96 – paragrafu 3

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri għandhom jużaw l-aktar data reċenti u affidabbli għal din il-valutazzjoni. | L-Istati Membri għandhom jużaw l-aktar data reċenti u affidabbli għal din il-valutazzjoni, inkluża informazzjoni aġġornata dwar kwalunkwe stadju tal-proċedura ta' ksur, u każijiet magħluqa reċentement, relatati ma' dawn il-pjanijiet ambjentali u klimatiċi li effettivament jittrasponu l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni. ***Sabiex jikkontribwixxu għall-objettivi tal-Unjoni, f'każ ta' ksur, il-miżuri proposti mill-pjan li huwa soġġett għal ksur jenħtieġ li ma jiġux ikkunsidrati mill-valutazzjoni tal-ħtiġijiet u m'għandhomx jiġu approvati għall-finanzjament.*** |

**Emenda 148**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 97**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Artikolu 97 | Artikolu 97 |
| Strateġija tal-interventi | Strateġija tal-interventi |
| 1. L-istrateġija tal-interventi msemmija fil-punt (b) tal-Artikolu 95(1) ***għandha tistabbilixxi***, għal kull objettiv speċifiku msemmi fl-Artikolu 6(1) u indirizzat fil-Pjan Strateġiku tal-PAK: | 1. L-istrateġija tal-interventi msemmija fil-punt (b) tal-Artikolu 95(1), għal kull objettiv speċifiku msemmi fl-Artikolu 6(1) u indirizzat fil-Pjan Strateġiku tal-PAK***, għandha tistabbilixxi***: |
| (a) miri għal kull indikatur tar-riżultati speċifiku rilevanti komuni u l-istadji importanti relatati tal-Pjan Strateġiku tal-PAK fejn rilevanti. Il-valur ta' dawn il-miri għandu jiġi ġustifikat fid-dawl tal-valutazzjoni tal-ħtiġijiet imsemmija fl-Artikolu 96. Fir-rigward tal-objettivi speċifiċi stabbiliti fil-punti (d), (e) u (f) tal- | (a) miri għal kull indikatur tar-riżultati ***u tal-impatt*** speċifiku rilevanti komuni u l-istadji importanti relatati tal-Pjan Strateġiku tal-PAK fejn rilevanti. Il-valur ta' dawn il-miri għandu jiġi ġustifikat fid-dawl tal-valutazzjoni tal-ħtiġijiet imsemmija fl-Artikolu 96. Fir-rigward tal-objettivi speċifiċi stabbiliti fil-punti (d), (e) |

Artikolu 6(1), il-miri għandhom jiġu derivati mill-elementi tal-ispjegazzjoni mogħtija fil-punti (a) u (b) tal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu;

(b) l-interventi, fuq il-bażi tat-tipi ta' intervent definiti fit-Titolu III, ħlief il-pagament speċifiku għall-għelejjel għall-qoton stipulat fis-Subtaqsima 2 tat-Taqsima 3 tal-Kapitolu II ta' dak it-Titolu, għandhom jitfasslu biex jindirizzaw is-sitwazzjoni speċifika fiż-żona kkonċernata, wara loġika ta' intervent siewja, appoġġata mill-evalwazzjoni ex ante msemmija fl-Artikolu 125, l-analiżi SWOT imsemmija fl-Artikolu 103(2) u l-valutazzjoni tal-ħtiġijiet imsemmija fl-Artikolu 96;

(c) l-elementi li juru kif l-interventi jippermettu l-ksib tal-miri u kif inhuma koerenti u kompatibbli b'mod reċiproku;

(d) l-elementi li juru li l-allokazzjoni tar-riżorsi finanzjarji lill-interventi tal-Pjan Strateġiku tal-PAK hija ġġustifikata u xierqa biex jinkisbu l-miri stabbiliti, u hija konsistenti mal-pjan finanzjarju kif imsemmi fl-Artikolu 100.

2. L-istrateġija tal-interventi għandha tipprovdi wkoll l-elementi li ġejjin, li juru l-konsistenza tal-istrateġija u l-komplementarjetà tal-interventi fl-objettivi speċifiċi kollha stabbiliti fl-Artikolu 6(1):

(a) ħarsa ġenerali lejn l-arkitettura ambjentali u klimatika tal-Pjan Strateġiku tal-PAK li tiddeskrivi l-komplementarjetà u l-kundizzjonijiet bażi bejn il-kundizzjonalità u l-interventi differenti li jindirizzaw l-objettivi speċifiċi relatati mal-ambjent u mal-klima msemmija fil-punti (d), (e) u (f) tal-Artikolu 6(1), kif ukoll il-mod biex jinkiseb il-kontribut globali akbar stabbilit fl-Artikolu 92;

(b) spjegazzjoni ta' kif l-arkitettura tal-ambjent u tal-klima tal-Pjan Strateġiku tal-PAK hija maħsuba biex tikkontribwixxi għall-miri nazzjonali fuq żmien twil diġà stabbiliti, deskritti jew li jirriżultaw mill-

u (f) tal-Artikolu 6(1), il-miri għandhom jiġu derivati mill-elementi tal-ispjegazzjoni mogħtija fil-punti (a) u (b) tal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu;

(b) l-interventi, fuq il-bażi tat-tipi ta' intervent definiti fit-Titolu III, ħlief il-pagament speċifiku għall-għelejjel għall-qoton stipulat fis-Subtaqsima 2 tat-Taqsima 3 tal-Kapitolu II ta' dak it-Titolu, għandhom jitfasslu biex jindirizzaw is-sitwazzjoni speċifika fiż-żona kkonċernata, wara loġika ta' intervent siewja, appoġġata mill-evalwazzjoni ex ante msemmija fl-Artikolu 125, l-analiżi SWOT imsemmija fl-Artikolu 103(2) u l-valutazzjoni tal-ħtiġijiet imsemmija fl-Artikolu 96;

(c) l-elementi li juru kif l-interventi jippermettu l-ksib tal-miri u kif inhuma koerenti u kompatibbli b'mod reċiproku;

(d) l-elementi li juru li l-allokazzjoni tar-riżorsi finanzjarji lill-interventi tal-Pjan Strateġiku tal-PAK hija ġġustifikata u xierqa biex jinkisbu l-miri stabbiliti, u hija konsistenti mal-pjan finanzjarju kif imsemmi fl-Artikolu 100.

2. L-istrateġija tal-interventi għandha tipprovdi wkoll l-elementi li ġejjin, li juru l-konsistenza tal-istrateġija u l-komplementarjetà tal-interventi fl-objettivi speċifiċi kollha stabbiliti fl-Artikolu 6(1):

(a) ħarsa ġenerali lejn l-arkitettura ambjentali u klimatika tal-Pjan Strateġiku tal-PAK li tiddeskrivi l-komplementarjetà u l-kundizzjonijiet bażi bejn il-kundizzjonalità u l-interventi differenti li jindirizzaw l-objettivi speċifiċi relatati mal-ambjent u mal-klima msemmija fil-punti (d), (e) u (f) tal-Artikolu 6(1), kif ukoll il-mod biex jinkiseb il-kontribut globali akbar stabbilit fl-Artikolu 92;

(b) spjegazzjoni ta' kif l-arkitettura tal-ambjent u tal-klima tal-Pjan Strateġiku tal-PAK hija maħsuba biex tikkontribwixxi għall-miri nazzjonali fuq żmien twil diġà stabbiliti, deskritti jew li jirriżultaw mill-

| | |
|---|---|
| istrumenti leġiżlattivi msemmija fl-Anness XI; | istrumenti leġiżlattivi msemmija fl-Anness XI; |
| | ***(ba) ħarsa ġenerali lejn il-miżuri mmirati lejn it-titjib tat-trattament xieraq tal-annimali;*** |
| (c) fir-rigward tal-objettiv speċifiku "nattiraw il-bdiewa żgħażagħ u niffaċilitaw l-iżvilupp tan-negozju" stabbilit fil-punt (g) tal-Artikolu 6(1), għandhom jiġu ppreżentati ħarsa ġenerali tal-interventi rilevanti tal-Pjan Strateġiku tal-PAK u l-kundizzjonijiet speċifiċi bħal pereżempju dawk speċifikati fl-Artikoli 22(4), 27, 69 u 71(7). B'mod partikolari, l-Istati Membri għandhom jirreferu għall-Artikolu 86(5) meta jippreżentaw il-pjan finanzjarju fir-rigward tat-tipi ta' interventi msemmija fl-Artikoli 27 u 69. Il-ħarsa ġenerali għandha wkoll tispjega l-interazzjoni mal-istrumenti nazzjonali bil-ħsieb li tittejjeb il-konsistenza bejn l-azzjonijiet tal-Unjoni u nazzjonali f'dan il-qasam. | (c) fir-rigward tal-objettiv speċifiku "nattiraw il-bdiewa żgħażagħ u niffaċilitaw l-iżvilupp tan-negozju" stabbilit fil-punt (g) tal-Artikolu 6(1), għandhom jiġu ppreżentati ħarsa ġenerali tal-interventi rilevanti tal-Pjan Strateġiku tal-PAK u l-kundizzjonijiet speċifiċi bħal pereżempju dawk speċifikati fl-Artikoli 22(4), 27, 69 u 71(7). B'mod partikolari, l-Istati Membri għandhom jirreferu għall-Artikolu 86(5) meta jippreżentaw il-pjan finanzjarju fir-rigward tat-tipi ta' interventi msemmija fl-Artikoli 27 u 69. Il-ħarsa ġenerali għandha wkoll tispjega l-interazzjoni mal-istrumenti nazzjonali bil-ħsieb li tittejjeb il-konsistenza bejn l-azzjonijiet tal-Unjoni u nazzjonali f'dan il-qasam. |
| (d) ħarsa ġenerali lejn l-interventi relatati mas-settur, inkluż l-appoġġ għall-introjtu akkoppjat kif imsemmi fis-Subtaqsima 1 tat-Taqsima 3 tal-Kapitolu II tat-Titolu III u l-interventi settorjali msemmija fil-Kapitolu III tat-Titolu III, filwaqt li jipprovdu ġustifikazzjoni għall-immirar tas-setturi kkonċernati, il-lista ta' interventi għal kull settur, il-komplementarjetà tagħhom, kif ukoll il-miri addizzjonali speċifiċi possibbli relatati mal-interventi bbażati fuq it-tipi ta' interventi settorjali msemmija fil-Kapitolu III tat-Titolu III; | (d) ħarsa ġenerali lejn l-interventi relatati mas-settur, inkluż l-appoġġ għall-introjtu akkoppjat kif imsemmi fis-Subtaqsima 1 tat-Taqsima 3 tal-Kapitolu II tat-Titolu III u l-interventi settorjali msemmija fil-Kapitolu III tat-Titolu III, filwaqt li jipprovdu ġustifikazzjoni għall-immirar tas-setturi kkonċernati, il-lista ta' interventi għal kull settur, il-komplementarjetà tagħhom, kif ukoll il-miri addizzjonali speċifiċi possibbli relatati mal-interventi bbażati fuq it-tipi ta' interventi settorjali msemmija fil-Kapitolu III tat-Titolu III; |
| (e) spjegazzjoni ta' liema interventi se jikkontribwixxu għall-iżgurar ta' approċċ koerenti u integrat għall-ġestjoni tar-riskju; | (e) spjegazzjoni ta' liema interventi se jikkontribwixxu għall-iżgurar ta' approċċ koerenti u integrat għall-ġestjoni tar-riskju; |
| | ***(ea) spjegazzjoni ta' kif il-Pjan Strateġiku tal-PAK jiżgura l-integrazzjoni tal-ġeneri u jikkontribwixxi għall-objettiv li tinkiseb l-ugwaljanza bejn il-ġeneri;*** |
| (f) deskrizzjoni tal-interazzjoni bejn l-interventi nazzjonali u reġjonali, inkluż id- | (f) deskrizzjoni tal-interazzjoni bejn l-interventi nazzjonali u reġjonali, inkluż id- |

| | |
|---|---|
| distribuzzjoni tal-allokazzjoni finanzjarji għal kull intervent u għal kull fond. | distribuzzjoni tal-allokazzjoni finanzjarji għal kull intervent u għal kull fond. |

**Emenda 149**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 98 – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ba) spjegazzjoni ta' kif il-Pjan Strateġiku tal-PAK se jappoġġa l-agrikoltura organika, sabiex tikkontribwixxi għall-allinjament tal-produzzjoni mad-domanda dejjem tikber għal prodotti agrikoli organiċi, kif stipulat fl-Artikolu 13a.*** |

**Emenda 150**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 98 – paragrafu 1 – punt d – punt iii**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (iii) ħarsa ġenerali lejn il-koordinazzjoni, id-demarkazzjoni u l-komplementarjetajiet bejn l-FAEŻR ***u*** fondi oħra tal-Unjoni li huma attivi fiż-żoni rurali; | (iii) ħarsa ġenerali lejn il-koordinazzjoni, id-demarkazzjoni u l-komplementarjetajiet bejn l-FAEŻR***, il-FAEG, u wkoll bejn*** fondi oħra tal-Unjoni li huma attivi fiż-żoni rurali; |

Emenda 151

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 100 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Il-pjan tal-mira msemmi fil-punt (e) tal-Artikolu 95(1) għandu jikkonsisti f'tabella rikapitulattiva li turi l-miri kif imsemmi fil-punt (a) tal-Artikolu 97(1), li tindika t-tqassim fi stadji importanti ***annwali***. | 1. Il-pjan tal-mira msemmi fil-punt (e) tal-Artikolu 95(1) għandu jikkonsisti f'tabella rikapitulattiva li turi l-miri kif imsemmi fil-punt (a) tal-Artikolu 97(1), li tindika t-tqassim fi stadji importanti ***biennali***. |

Ġustifikazzjoni

*Stadji importanti biennali jkunu preferibbli, billi jagħmluha eħfef għall-amministrazzjonijiet tal-Istati Membri. Xi miri jeħtieġu wkoll aktar żmien biex jintlaħqu u l-progress jista' jidher biss fuq perjodu itwal ta' żmien.*

**Emenda 152**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 102 – paragrafu 1 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Id-deskrizzjoni tal-elementi li jiżguraw il-modernizzazzjoni tal-PAK imsemmija fil-punt (g) tal-Artikolu 95(1) għandha tenfasizza l-elementi tal-Pjan Strateġiku tal-PAK li jappoġġaw il-modernizzazzjoni tas-settur agrikolu u ***tal-KAP*** u għandha tinkludi b'mod partikolari: | Id-deskrizzjoni tal-elementi li jiżguraw il-modernizzazzjoni tal-PAK imsemmija fil-punt (g) tal-Artikolu 95(1) għandha tenfasizza l-elementi tal-Pjan Strateġiku tal-PAK li jappoġġaw il-modernizzazzjoni tas-settur agrikolu u ***tal-PAK biex jilqgħu għal sfidi ġodda, inkluża t-tranżizzjoni lejn is-sostenibbiltà,*** u għandha tinkludi b'mod partikolari: |

Ġustifikazzjoni

*Il-modernizzazzjoni mhijiex għan fiha nfisha: l-għan ġenerali, kif il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar ir-riforma tal-PAK iddikjarat bosta drabi, huwa bidla fundamentali biex tintlaħaq is-sostenibbiltà, tirrispondi għal sfidi ġodda, eċċ.*

**Emenda 153**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 102 – paragrafu 1 – punt a – punt iia (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(iia) koerenza mal-kisba tal-miri ta' żvilupp sostenibbli u mal-ftehimiet internazzjonali dwar il-klima*** |

Ġustifikazzjoni

*Il-modernizzazzjoni mhijiex għan fiha nfisha: l-għan ġenerali, kif il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar ir-riforma tal-PAK iddikjarat bosta drabi, huwa li ssir bidla fundamentali biex tintlaħaq is-sostenibbiltà, tingħata risposta għal sfidi ġodda, eċċ.*

**Emenda 154**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 103 – paragrafu 2 – subparagrafu 4 a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Għall-objettiv speċifiku stabbilit fil-punt (i) tal-Artikolu 6(1), l-analiżi SWOT għandha tirreferi għall-atti leġiżlattivi msemmija fl-Anness XIa.*** |

Ġustifikazzjoni

*L-Anness jirreferi għas-sikurezza tal-ikel u t-trattament xieraq tal-annimali.*

**Emenda 155**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 106 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK proposti fuq ***il-bażi*** tal-kompletezza tal-pjanijiet, il-konsistenza u l-koerenza mal-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni, ma' dan ir-Regolament u mad-dispożizzjonijiet adottati skontu u skont ir-Regolament Orizzontali, ***il-kontribut*** effettiv tagħhom għall-objettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 6(1), l-impatt fuq il-funzjonament xieraq tas-suq intern u d-distorsjoni tal-kompetizzjoni, il-livell ta' piż amministrattiv fuq il-benefiċjarji u l-amministrazzjoni. Il-valutazzjoni għandha tindirizza, b'mod partikolari, l-adegwatezza tal-istrateġija tal-Pjan Strateġiku tal-PAK, l-objettivi speċifiċi korrispondenti, il-miri, l-interventi u l-allokazzjoni tar-riżorsi baġitarji biex jiġu ssodisfati l-objettivi speċifiċi tal-Pjan Strateġiku tal-PAK permezz tas-sett ta' interventi propost fuq il-bażi tal-analiżi SWOT u l-evalwazzjoni | 2. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK proposti fuq ***kriterji ċari u oġġettivi, inklużi l-bażi*** tal-kompletezza tal-pjanijiet, il-konsistenza u l-koerenza mal-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni, ma' dan ir-Regolament u mad-dispożizzjonijiet adottati skontu u skont ir-Regolament Orizzontali, ***il-kisba potenzjali ta' kontribut*** effettiv tagħhom għall-objettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 6(1)***, il-koerenza u l-konformità mal-leġiżlazzjoni stipulata fl-Anness XI***, l-impatt fuq il-funzjonament xieraq tas-suq intern u d-distorsjoni tal-kompetizzjoni, il-livell ta' piż amministrattiv fuq il-benefiċjarji u l-amministrazzjoni. Il-valutazzjoni għandha tindirizza, b'mod partikolari, l-adegwatezza tal-istrateġija tal-Pjan Strateġiku tal-PAK, l-objettivi speċifiċi korrispondenti, il-miri, l-interventi u l-allokazzjoni tar-riżorsi baġitarji biex jiġu ssodisfati l-objettivi speċifiċi tal-Pjan |

| | |
|---|---|
| ex ante. | Strateġiku tal-PAK permezz tas-sett ta' interventi propost fuq il-bażi tal-analiżi SWOT u l-evalwazzjoni *ex ante*. |

**Emenda 156**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 106 – paragrafu 5 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-approvazzjoni ta' kull Pjan Strateġiku tal-PAK għandha ssir ***l-aktar*** tard ***tmien*** xhur wara l-preżentazzjoni tiegħu mill-Istat Membru kkonċernat. | L-approvazzjoni ta' kull Pjan Strateġiku tal-PAK għandha ssir ***sa mhux aktar*** tard ***minn sitt*** xhur wara l-preżentazzjoni tiegħu mill-Istat Membru kkonċernat. |

Ġustifikazzjoni

*Il-Kummissjoni ma għandhiex tingħata aktar ħin għall-approvazzjoni milli għandhom l-Istati Membri għall-preparazzjoni tal-pjan strateġiku.*

**Emenda 157**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 106 – paragrafu 5 – subparagrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***L-approvazzjoni ma għandhiex tkopri l-informazzjoni msemmija fil-punt (c) tal-Artikolu 101 u fl-Annessi I sa IV tal-Pjan Strateġiku tal-PAK imsemmija fil-punti (a) sa (d) tal-Artikolu 95(2).*** | ***imħassar*** |

**Emenda 158**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 106 – paragrafu 5 – subparagrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***F'każijiet debitament ġustifikati, l-Istat Membru jista' jitlob lill-Kummissjoni biex tapprova Pjan Strateġiku tal-PAK li ma*** | ***imħassar*** |

***fihx l-elementi kollha. F'dak il-każ, l-Istat Membru kkonċernat għandu jindika l-partijiet tal-Pjan Strateġiku tal-PAK li huma nieqsa u jipprovdi miri indikattivi u pjanijiet finanzjarji kif imsemmi fl-Artikolu 100 għall-Pjan Strateġiku tal-PAK sħiħ sabiex juri l-konsistenza u l-koerenza ġenerali tal-Pjan. L-elementi nieqsa tal-Pjan Strateġiku tal-PAK għandhom jiġu ppreżentati lill-Kummissjoni f'emenda tal-pjan skont l-Artikolu 107.***

Ġustifikazzjoni

*L-approvazzjoni ta' pjanijiet mhux lesti twassal għal tnaqqis fl-ambizzjoni. Dan mhuwiex konformi mal-prinċipji ta' ġestjoni finanzjarja tajba, speċjalment f'mudell ta' provvista "bbażat fuq ir-riżultat".*

**Emenda 159**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 106 – paragrafu 6 a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***6a. Il-Kummissjoni għandha tikkomunika l-evalwazzjonijiet tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK, akkumpanjati mill-osservazzjonijiet tagħha, lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni.*** |

**Emenda 160**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 107 - paragrafu 10 a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***10a. Sa mhux aktar tard minn sitt xhur wara l-approvazzjoni tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK kollha, il-Kummissjoni għandha tibgħat lill-Parlament Ewropew*** |

***u lill-Kunsill rapport komparattiv tal-Pjanijiet Strateġiċi differenti tal-Istati Membri, inkluża l-għażla ta' interventi u l-ammonti finanzjarji mwettqa bil-ħsieb li jinkisbu l-objettivi tal-Unjoni.***

**Emenda 161**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 110 – paragrafu 2 - punt ka (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ka) jingħata aċċess għall-informazzjoni kollha dwar it-tfassil, l-emendar u l-approvazzjoni tal-pjan strateġiku tal-PAK, kif ukoll għall-informazzjoni kollha pprovduta lill-kumitat ta' monitoraġġ, inklużi l-konsultazzjonijiet mwettqa u r-riżultat tagħhom, lill-organizzazzjonijiet ikkonċernati li jirrappreżentaw l-interessi ekonomiċi u soċjali u l-organizzazzjonijiet nongovernattivi kkonċernati.*** |

**Emenda 162**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 111 – paragrafu 2 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istat Membru għandu jiddeċiedi dwar il-kompożizzjoni tal-Kumitat ta' Monitoraġġ u għandu jiżgura rappreżentanza bbilanċjata tal-awtoritajiet pubbliċi u ***l-korpi*** intermedjarji rilevanti u tar-rappreżentanti tas-sħab imsemmijin fl-Artikolu 94(3). | L-Istat Membru għandu jiddeċiedi dwar il-kompożizzjoni tal-Kumitat ta' Monitoraġġ***, b'attenzjoni xierqa għall-prevenzjoni tal-kunflitti tal-interess,*** u għandu jiżgura rappreżentanza bbilanċjata tal-awtoritajiet pubbliċi u ***tal-korpi*** intermedjarji rilevanti u tar-rappreżentanti tas-sħab imsemmijin fl-Artikolu 94(3***) li huma rilevanti għall-implimentazzjoni tal-objettivi kollha taħt l-Artikolu 6(1***). |

Ġustifikazzjoni

*L-awtoritajiet kompetenti u partijiet ikkonċernati rilevanti mill-oqsma kollha koperti mill-*

*objettivi speċifiċi tal-PAK fl-Artikolu 6(1), inkluża s-saħħa, għandhom ikunu involuti b'mod effettiv fid-diversi stadji ta' preparazzjoni, implimentazzjoni, monitoraġġ u evalwazzjoni tal-pjanijiet strateġiċi tal-PAK. Li jkun żgurat l-użu ta' evidenza ta' kwalità tajba u l-prevenzjoni ta' kunflitti ta' interess huwa parti integrali mill-iżgurar ta' politika effettiva.*

**Emenda 163**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 111 – paragrafu 3 – punt ba (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ba) kwistjonijiet marbuta mal-kwalità u kwantità tad-data u tal-indikaturi disponibbli għall-monitoraġġ tar-riżultati u l-prestazzjoni;*** |

Ġustifikazzjoni

*Il-Kumitat tal-Monitoraġġ għandu jikkunsidra jekk hemmx oqsma fejn id-data ta' referenza hija nieqsa jew mhijiex biżżejjed għall-monitoraġġ tar-riżultati u l-prestazzjoni, u oqsma li għalihom l-indikaturi jeħtieġ li jitjiebu.*

**Emenda 164**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 114 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. L-għan tal-EIP għandu jkun li jistimola l-innovazzjoni u jtejjeb l-iskambju tal-għarfien. | 2. L-għan tal-EIP għandu jkun li jistimola l-innovazzjoni u jtejjeb l-iskambju tal-għarfien. ***L-innovazzjoni f'dan ir-rigward għandha tikkontribwixxi għall-iżvilupp tal-kompetittività, tal-prestazzjoni u tas-sostenibbiltà ambjentali, b'mod partikolari għall-iżvilupp ta' prattiki ta' biedja sostenibbli fl-oqsma tal-klima, l-ilma, il-ħamrija, il-bijodiversità u l-iskart.*** |

**Emenda 165**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 114 – paragrafu 4 – subparagrafu 1 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) tippromwovi t-traspożizzjoni iżjed mgħaġġla u iżjed mifruxa ta' soluzzjonijiet innovattivi fil-prattika; and | (c) tippromwovi t-traspożizzjoni iżjed mgħaġġla u iżjed mifruxa ta' soluzzjonijiet innovattivi***, inklużi soluzzjonijiet agroekoloġiċi,*** fil-prattika; and |

**Emenda 166**

**Proposta għal regolament**
Artikolu 115 – paragrafu 3 – punt ba (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ba) il-koerenza tal-miżuri stabbiliti fil-pjan mal-objettivi tal-politika tal-iżvilupp tal-Unjoni.*** |

Ġustifikazzjoni

*Il-koerenza tal-politika għall-iżvilupp hija meħtieġa skont l-Artikolu 208 tat-TFUE.*

**Emenda 167**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 116 – paragrafu 1 – punt e**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (e) jappoġġa proċess ta' tagħlim komuni relatat mal-monitoraġġ u l-evalwazzjoni. | (e) jappoġġa proċess ta' tagħlim komuni relatat mal-monitoraġġ u l-evalwazzjoni***, li jidentifika oqsma fejn id-data ta' referenza hija nieqsa jew mhijiex biżżejjed u li għaliha jistgħu jkunu żviluppati indikaturi aktar rilevanti u preċiżi***. |

Ġustifikazzjoni

*Huwa importanti li jkunu identifikati oqsma fejn id-data ta' referenza hija nieqsa jew mhijiex*

*biżżejjed għall-monitoraġġ u li għaliha l-indikaturi jeħtieġ li jittejbu.*

**Emenda 168**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 121 - paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Sal-15 ta' Frar 2023 u l-15 ta' Frar ta' kull sena ***sussegwenti*** sal-2030, ***din l-aħħar sena inkluża***, l-Istati Membri għandhom jippreżentaw rapport ***annwali*** dwar il-prestazzjoni lill-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-Pjan Strateġiku tal-PAK ***fis-sena finanzjarja*** preċedenti. Ir-rapport sottomess fl-2023 għandu jkopri s-snin finanzjarji 2021 u 2022. Għall-pagamenti diretti kif imsemmi fil-Kapitolu II tat-Titolu III, ir-rapport għandu jkopri s-sena finanzjarja 2022 biss. | 1. Sal-15 ta' Frar 2023 u l-15 ta' Frar ta' kull sena ***alternanti*** sal-2030, ***inkluż l-2030***, l-Istati Membri għandhom jippreżentaw rapport ***biennali*** dwar il-prestazzjoni lill-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-Pjan Strateġiku tal-PAK ***fis-sentejn finanzjarji*** preċedenti. Ir-rapport sottomess fl-2023 għandu jkopri s-snin finanzjarji 2021 u 2022. Għall-pagamenti diretti kif imsemmi fil-Kapitolu II tat-Titolu III, ir-rapport għandu jkopri s-sena finanzjarja 2022 biss. |

Ġustifikazzjoni

*Rapportar biennali huwa ppreferut u aktar faċli għal amministrazzjonijiet tal-Istati Membri.*

**Emenda 169**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 121 – paragrafu 4 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Ir-rapporti annwali dwar il-prestazzjoni għandhom jagħtu informazzjoni kwalitattiva u kwantitattiva dwar l-implimentazzjoni tal-Pjan Strateġiku tal-PAK b'referenza għad-data finanzjarja, l-indikaturi tal-output u tar-riżultati u skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 118. Għandhom ukoll jinkludu informazzjoni dwar l-outputs ***imwettqa***, in-nefqa mwettqa, ir-riżultati mwettqa u d-distanza għall-miri rispettivi. | Ir-rapporti annwali dwar il-prestazzjoni għandhom jagħtu informazzjoni kwalitattiva u kwantitattiva dwar l-implimentazzjoni tal-Pjan Strateġiku tal-PAK b'referenza għad-data finanzjarja, l-indikaturi tal-output, tar-riżultati u ***tal-impatt*** u skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 118. Għandhom ukoll jinkludu informazzjoni dwar l-outputs ***u l-impatti mwettqa***, in-nefqa mwettqa, ir-riżultati mwettqa u d-distanza għall-miri rispettivi. |

**Emenda 170**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 122 - paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Kull sena ***l-Istati Membri għandhom jorganizzaw*** laqgħa ta' rieżami ***mal-Kummissjoni***, li ***għandu jkollha presidenza konġunta jew*** tiġi ppreseduta mill-Kummissjoni, li ssir mhux qabel xahrejn wara s-sottomissjoni tar-rapport annwali dwar il-prestazzjoni. | 1. Kull sena ***l-Kummissjoni għandha torganizza*** laqgħa ta' rieżami ***mal-Istati Membri***, li ***għandha*** tiġi ppreseduta mill-Kummissjoni, li ssir mhux qabel xahrejn wara s-sottomissjoni tar-rapport annwali dwar il-prestazzjoni. |

**Emenda 171**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 122 - paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Il-laqgħa ta' rieżami annwali għandu jkollha l-għan li teżamina l-prestazzjoni ta' kull pjan, inkluż il-progress li jkun sar lejn il-kisba tal-miri stabbiliti, kwalunkwe kwistjoni li taffettwa l-prestazzjoni u l-azzjonijiet fl-imgħoddi u futuri li jridu jittieħdu biex jindirizzawhom. | 2. Il-laqgħa ta' rieżami annwali għandu jkollha l-għan li teżamina l-prestazzjoni ta' kull pjan, inkluż il-progress li jkun sar lejn il-kisba tal-miri stabbiliti ***u tal-objettivi ambjentali u tal-klima globali tal-Unjoni***, kwalunkwe kwistjoni li taffettwa l-prestazzjoni u l-azzjonijiet fl-imgħoddi u futuri li jridu jittieħdu biex jindirizzawhom. |

**Emenda 172**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 122 – paragrafu 2a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2a. Il-Kummissjoni għandha tikkomunika s-sommarji tal-laqgħat ta' reviżjoni annwali flimkien mal-osservazzjonijiet tagħha, lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat*** |

| | |
|---|---|
| | ***Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni.*** |

**Emenda 173**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 123**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Artikolu 123 | Artikolu 123 |
| Bonus għall-prestazzjoni | Bonus għall-prestazzjoni |
| 1. Jista' jiġi attribwit bonus lill-Istati Membri fis-sena 2026 biex tiġi ppremjata l-prestazzjoni sodisfaċenti fir-rigward tal-miri ambjentali u klimatiċi sakemm l-Istat Membru kkonċernat ikun ssodisfa l-kundizzjoni stabbilita fl-Artikolu 124(1). | 1. Jista' jiġi attribwit bonus lill-Istati Membri fis-sena 2026 biex tiġi ppremjata l-prestazzjoni sodisfaċenti fir-rigward tal-miri ambjentali u klimatiċi sakemm l-Istat Membru kkonċernat ikun ssodisfa l-kundizzjoni stabbilita fl-Artikolu 124(1). |
| 2. Il-bonus għall-prestazzjoni għandu jkun ugwali għal 5 % tal-ammont għal kull Stat Membru għas-sena finanzjarja 2027 kif stabbilit fl-Anness IX. | 2. Il-bonus għall-prestazzjoni għandu jkun ugwali għal 5 % tal-ammont għal kull Stat Membru għas-sena finanzjarja 2027 kif stabbilit fl-Anness IX. |
| Ir-riżorsi trasferiti bejn il-FAEG u l-FAEŻR skont l-Artikoli 15 u 90 huma esklużi fil-kalkolu tal-bonus għall-prestazzjoni. | Ir-riżorsi trasferiti bejn il-FAEG u l-FAEŻR skont l-Artikoli 15 u 90 huma esklużi fil-kalkolu tal-bonus għall-prestazzjoni. |

**Emenda 174**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 124**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Artikolu 124 | Artikolu 124 |
| Attribuzzjoni tal-bonus għall-prestazzjoni | Attribuzzjoni tal-bonus għall-prestazzjoni |
| 1. Abbażi tar-rieżami tal-prestazzjoni tas-sena 2026, il-bonus għall-prestazzjoni miżmum mill-allokazzjoni ta' Stat Membru skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 123 għandu jiġi attribwit lil dan l-Istat Membru jekk l-indikaturi tar-riżultati applikati għall-objettivi speċifiċi relatati mal- | 1. Abbażi tar-rieżami tal-prestazzjoni tas-sena 2026, il-bonus għall-prestazzjoni miżmum mill-allokazzjoni ta' Stat Membru skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 123 għandu jiġi attribwit lil dan l-Istat Membru jekk l-indikaturi tar-riżultati applikati għall-objettivi speċifiċi relatati mal- |

ambjent u mal-klima stabbiliti fil-punti (d), (e) u (f) tal-Artikolu 6(1) fil-Pjan Strateġiku tal-PAK tiegħu jkunu kisbu mill-inqas 90 % tal-valur immirat tagħhom għas-sena 2025.

2. Fi żmien xahrejn mill-wasla tar-rapport annwali dwar il-prestazzjoni fis-sena 2026, il-Kummissjoni għandha tadotta att ta' implimentazzjoni mingħajr ma tapplika l-proċedura ta' Kumitat imsemmi fl-Artikolu 139 biex tiddeċiedi għal kull Stat Membru jekk il-Pjanijiet Strateġiċi rispettivi jkunux kisbu l-valuri mmirati msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

3. Meta l-valuri fil-mira msemmija fil-paragrafu 1 jintlaħqu, l-ammont tal-bonus għall-prestazzjoni għandu jingħata mill-Kummissjoni lill-Istati Membri kkonċernati u jitqies li jkun allokat definittivament għas-sena finanzjarja 2027 abbażi tad-deċiżjoni msemmija fil-paragrafu 2.

4. Meta l-valuri fil-mira msemmija fil-paragrafu 1 ma jintlaħqux, l-impenji għas-sena finanzjarja 2027 li jirrigwardaw l-ammont tal-bonus għall-prestazzjoni tal-Istati Membri kkonċernati ma għandux jingħata mill-Kummissjoni.

5. Meta jiġi attribwit il-bonus għall-prestazzjoni, il-Kummissjoni tista' tqis il-każijiet ta' force majeure u l-kriżijiet soċjoekonomiċi serji li jimpedixxu l-kisba tal-istadji importanti rilevanti.

6. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu l-arranġamenti dettaljati biex ikun żgurat approċċ konsistenti għad-determinazzjoni tal-attribuzzjoni tal-bonus għall-prestazzjoni lill-Istati Membri. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 139(2).

ambjent u mal-klima stabbiliti fil-punti (d), (e) u (f) tal-Artikolu 6(1) fil-Pjan Strateġiku tal-PAK tiegħu jkunu kisbu mill-inqas 90 % tal-valur immirat tagħhom għas-sena 2025.

2. Fi żmien xahrejn mill-wasla tar-rapport annwali dwar il-prestazzjoni fis-sena 2026, il-Kummissjoni għandha tadotta att ta' implimentazzjoni mingħajr ma tapplika l-proċedura ta' Kumitat imsemmi fl-Artikolu 139 biex tiddeċiedi għal kull Stat Membru jekk il-Pjanijiet Strateġiċi rispettivi jkunux kisbu l-valuri mmirati msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

3. Meta l-valuri fil-mira msemmija fil-paragrafu 1 jintlaħqu, l-ammont tal-bonus għall-prestazzjoni għandu jingħata mill-Kummissjoni lill-Istati Membri kkonċernati u jitqies li jkun allokat definittivament għas-sena finanzjarja 2027 abbażi tad-deċiżjoni msemmija fil-paragrafu 2.

4. Meta l-valuri fil-mira msemmija fil-paragrafu 1 ma jintlaħqux, l-impenji għas-sena finanzjarja 2027 li jirrigwardaw l-ammont tal-bonus għall-prestazzjoni tal-Istati Membri kkonċernati ma għandux jingħata mill-Kummissjoni.

5. Meta jiġi attribwit il-bonus għall-prestazzjoni, il-Kummissjoni tista' tqis il-każijiet ta' force majeure u l-kriżijiet soċjoekonomiċi serji li jimpedixxu l-kisba tal-istadji importanti rilevanti.

6. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu l-arranġamenti dettaljati biex ikun żgurat approċċ konsistenti għad-determinazzjoni tal-attribuzzjoni tal-bonus għall-prestazzjoni lill-Istati Membri. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 139(2).

**Emenda 175**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 127 - paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjoni interim biex teżamina l-effettività, l-effiċjenza, ir-rilevanza, il-koerenza u l-valur miżjud tal-Unjoni tal-FAEG u tal-FAEŻR sa tmiem it-tielet sena wara l-bidu tal-implimentazzjoni tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK, filwaqt li tqis l-indikaturi stabbiliti fl-Anness I. Il-Kummissjoni tista' tuża l-informazzjoni rilevanti kollha diġà disponibbli skont l-Artikolu [128] tar-[Regolament Finanzjarju l-Ġdid]. | 2. Il-Kummissjoni għandha twettaq ***u tippubblika*** evalwazzjoni interim biex teżamina l-effettività, l-effiċjenza, ir-rilevanza, il-koerenza u l-valur miżjud tal-Unjoni tal-FAEG u tal-FAEŻR sa tmiem it-tielet sena wara l-bidu tal-implimentazzjoni tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK, filwaqt li tqis l-indikaturi stabbiliti fl-Anness I. Il-Kummissjoni tista' tuża l-informazzjoni rilevanti kollha diġà disponibbli skont l-Artikolu [128] tar-[Regolament Finanzjarju l-Ġdid]. ***Din għandha tkun ikkomplementata b'rapport ta' evalwazzjoni esterna u indipendenti li jkopri l-effettività, l-effiċjenza, l-implimentazzjoni, il-komplementarjetà, ir-riżultati u l-impatti tal-FAEG u l-FAEŻR.*** |

**Emenda 176**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 127 - paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjoni ex post biex teżamina l-effettività, l-effiċjenza, ir-rilevanza, il-koerenza u l-valur miżjud tal-Unjoni tal-FAEG u tal-FAEŻR. | 3. Sal-aħħar tal-perjodu kopert minn dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha twettaq u tagħmel disponibbli pubblikament evalwazzjoni ex post biex teżamina l-effettività, l-effiċjenza, ir-rilevanza, il-koerenza u l-valur miżjud tal-Unjoni tal-FAEG u tal-FAEŻR. ***Dan għandu jkun ikkomplementat b'rapport ta' evalwazzjoni ex post esterna u indipendeti li jkopri l-effettività, l-effiċjenza, l-implimentazzjoni, il-komplementarjetà, ir-riżultati u l-impatti tal-FAEG u l-FAEŻR.*** |

**Emenda 177**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 129 - paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri għandhom jagħtu lill-Kummissjoni l-informazzjoni kollha meħtieġa li tippermettiha twettaq il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-PAK. | 1. L-Istati Membri għandhom jagħtu lill-Kummissjoni l-informazzjoni jew data kollha meħtieġa li tippermettiha twettaq il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-PAK. ***L-għoti ta' fondi tal-PAK għandu jiddependi fuq il-provvista mill-Istati Membri ta' din l-informazzjoni u data.*** |

Ġustifikazzjoni

*L-Istati Membri għandhom jiġbru data fil-livell ta' benefiċjarju individwali sabiex iwettqu l-kontroll previst fil-PAK. It-trasferiment ta' din id-data lill-Kummissjoni Ewropea huwa l-aktar mod faċli u kosteffettiv sabiex tingħabar informazzjoni għal skopijiet ta' sorveljanza u evalwazzjoni, li tippermetti lill-UE sabiex turi l-prestazzjoni tal-politika tagħha stess.*

**Emenda 178**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 129 - paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Ir-reġistri amministrattivi eżistenti bħall-SIAK, l-LPIS, ir-reġistri tal-annimali u tad-dwieli għandhom jinżammu. L-SIAK u l-LPIS għandhom jiġu żviluppati aktar biex jissodisfaw aħjar il-ħtiġijiet statistiċi tal-PAK. Id-data mir-reġistri amministrattivi għandha tintuża kemm jista' jkun għall-finijiet statistiċi, b'kooperazzjoni mal-awtoritajiet tal-istatistika fl-Istati Membri u mal-Eurostat. | 3. Ir-reġistri amministrattivi eżistenti bħall-SIAK, l-LPIS, ir-reġistri tal-annimali u tad-dwieli għandhom jinżammu. L-SIAK u l-LPIS għandhom jiġu żviluppati aktar biex jissodisfaw aħjar il-ħtiġijiet statistiċi tal-PAK. Id-data mir-reġistri amministrattivi għandha tintuża kemm jista' jkun għall-finijiet statistiċi ***u għall-monitoraġġ tal-konformità***, b'kooperazzjoni mal-awtoritajiet tal-istatistika fl-Istati Membri u mal-Eurostat. |

**Emenda 179**

**Proposta għal regolament**

**Anness I – Tabella 1– ringiela 3**

| Test propost mill-Kummissjoni | | |
|---|---|---|
| It-tkattir tal-għarfien, tal-innovazzjoni u tad-diġitalizzazzjoni fl-agrikoltura u fiż-żoni rurali u t-tħeġġiġ tal-użu tagħhom | I.1 Il-kondiviżjoni tal-għarfien u tal-innovazzjoni: Is-sehem mill-baġit tal-PAK għall-kondiviżjoni tal-għarfien u tal-innovazzjoni | R.1 It-titjib tal-prestazzjoni permezz tal-għarfien u tal-innovazzjoni: Is-sehem tal-bdiewa li jirċievu appoġġ għal pariri, taħriġ, skambju ta' għarfien, jew il-parteċipazzjoni fi gruppi operattivi biex itejbu l-prestazzjoni ekonomika, ambjentali, klimatika u tal-effiċjenza tar-riżorsi. |
| | | R.2 Kollegament tas-sistemi tal-pariri u tal-għarfien: għadd ta' konsulenti integrati fl-AKIS (imqabbel mal-għadd totali ta' bdiewa) |
| | | R.3 Id-diġitalizzazzjoni tal-agrikoltura: Is-sehem ta' bdiewa li jibbenefikaw minn appoġġ għal teknoloġija agrikola ta' preċiżjoni permezz tal-PAK |

| Emenda | | |
|---|---|---|
| It-tkattir tal-għarfien, tal-innovazzjoni u tad-diġitalizzazzjoni fl-agrikoltura u fiż-żoni rurali u t-tħeġġiġ tal-użu tagħhom | I.1 Il-kondiviżjoni tal-għarfien u tal-innovazzjoni: Is-sehem mill-baġit tal-PAK għall-kondiviżjoni tal-għarfien u tal-innovazzjoni | R.1 It-titjib tal-prestazzjoni permezz tal-għarfien u tal-innovazzjoni: Is-sehem tal-bdiewa li jirċievu appoġġ għal pariri, taħriġ, skambju ta' għarfien, jew il-parteċipazzjoni fi gruppi operattivi biex itejbu l-prestazzjoni ekonomika, ambjentali, klimatika u tal-effiċjenza tar-riżorsi ***sostenibbli***. |

| | | |
|---|---|---|
| | | R.2 Kollegament tas-sistemi tal-pariri u tal-għarfien: għadd ta' konsulenti integrati fl-AKIS (imqabbel mal-għadd totali ta' bdiewa)<br>***R.2 Għarfien u pariri dwar il-kontroll naturali tal-pesti mingħajr l-użu tal-pestiċidi: l-għadd ta' konsulenti indipendenti li jagħtu pariri dwar l-IPM u l-użu tagħha, is-sistemi b'input baxx u t-tekniki alternattivi għall-inputs kimiċi;***<br>R.3 Id-diġitalizzazzjoni tal-agrikoltura: Is-sehem ta' bdiewa li jibbenefikaw minn appoġġ għal teknoloġija agrikola ***li tista' tnaqqas l-użu tal-inputs, issaħħaħ is-sostenibbiltà u l-prestazzjoni ambjentali*** permezz tal-PAK |

**Emenda 180**

**Proposta għal regolament**
**Anness I – Tabella 1− ringiela 4**

| | *Test propost mill-Kummissjoni* | |
|---|---|---|
| L-appoġġ għall-introjtu vijabbli tal-azjendi agrikoli u r-reżiljenza tagħhom fl-Unjoni kollha biex tissaħħaħ is-sigurtà tal-ikel | I.2 Tnaqqis tal-inugwaljanzi fl-introjtu: L-evoluzzjoni tal-introjtu agrikolu meta mqabbel mal-ekonomija ġenerali | R.4 Kollegament tal-appoġġ għall-introjtu mal-istandards u l-prattika tajba: Is-sehem ***tal-erja*** agrikola użata kopert mill-appoġġ għall-introjtu u soġġett għal kundizzjonalità |
| | I.3 Tnaqqis tal-varjabbiltà tal-introjtu tal-azjendi agrikoli: Evoluzzjoni tal- | R.5 Ġestjoni tar-Riskju: Is-sehem tal-azjendi agrikoli b'għodod għall- |

| | | |
|---|---|---|
| | introjtu agrikolu | ġestjoni tar-riskju tal-PAK |
| | I.4 Appoġġ għall-introjtu vijabbli tal-azjendi agrikoli: L-evoluzzjoni tal-livell tal-introjtu agrikolu skont is-settur (meta mqabbel mal-medja fl-agrikoltura) | R.6 Ridistribuzzjoni lill-azjendi agrikoli iżgħar: Appoġġ addizzjonali b'perċentwal għal kull ettaru għall-azjendi agrikoli eliġibbli iżgħar mid-daqs medju tal-azjendi agrikoli (imqabbla mal-medja) |
| | I.5 Kontribut għall-bilanċ territorjali: L-evoluzzjoni tal-introjtu agrikolu f'żoni b'restrizzjonijiet naturali (imqabbel mal-medja) | R.7 Tisħiħ tal-appoġġ għall-azjendi agrikoli f'żoni bi ħtiġijiet speċifiċi: Perċentwal tal-appoġġ addizzjonali għal kull ettaru f'żoni bi ħtiġijiet akbar (imqabbla mal-medja) |

*Emenda*

| | | |
|---|---|---|
| L-appoġġ għall-introjtu vijabbli tal-azjendi agrikoli u r-reżiljenza tagħhom fl-Unjoni kollha biex tissaħħaħ is-sigurtà tal-ikel | I.2 Tnaqqis tal-inugwaljanzi fl-introjtu: L-evoluzzjoni tal-introjtu agrikolu meta mqabbel mal-ekonomija ġenerali | R.4 Kollegament tal-appoġġ għall-introjtu mal-istandards u l-prattika tajba: Is-sehem ***taż-żona*** agrikola użata kopert mill-appoġġ għall-introjtu u soġġett għal kundizzjonalità |
| | I.3 Tnaqqis tal-varjabbiltà tal-introjtu tal-azjendi agrikoli: Evoluzzjoni tal-introjtu agrikolu | R.5 Ġestjoni tar-Riskju: Is-sehem tal-azjendi agrikoli b'għodod għall-ġestjoni tar-riskju tal-PAK |
| | I.4 Appoġġ għall-introjtu vijabbli tal-azjendi agrikoli: L-evoluzzjoni tal-livell tal-introjtu agrikolu skont is-settur (meta mqabbel mal-medja fl-agrikoltura) | R.6 Ridistribuzzjoni lill-azjendi agrikoli iżgħar: Appoġġ addizzjonali b'perċentwal għal kull ettaru għall-azjendi agrikoli eliġibbli iżgħar mid-daqs medju tal-azjendi agrikoli (imqabbla mal-medja) |
| | I.5 Kontribut għall-bilanċ territorjali: L-evoluzzjoni tal-introjtu agrikolu f'żoni | R.7 Tisħiħ tal-appoġġ għall-azjendi agrikoli f'żoni bi ħtiġijiet speċifiċi: |

| | | |
|---|---|---|
| | b'restrizzjonijiet naturali (imqabbel mal-medja) | Perċentwal tal-appoġġ addizzjonali għal kull ettaru f'żoni bi ħtiġijiet akbar (imqabbla mal-medja) |

**Emenda 181**

**Proposta għal regolament**
**Anness I – Tabella 1– ringiela 5**

| | *Test propost mill-Kummissjoni* | |
|---|---|---|
| ***tissaħħaħ*** l-orjentazzjoni lejn is-suq u tiżdied il-kompetittività inkluż permezz ta' aktar enfasi fuq ir-riċerka, it-teknoloġija u d-diġitalizzazzjoni; | I.6 Żieda fil-produttività tal-azjendi agrikoli: Produttività totali tal-fatturi | R.8 Immirar tal-azjendi agrikoli f'setturi fid-diffikultà: Is-sehem ta' bdiewa li jibbenefikaw minn appoġġ akkoppjat għat-titjib tal-kompetittività, tas-sostenibbiltà jew tal-kwalità |
| | I.7 Sfruttament tal-potenzjal tal-kummerċ agroalimentari: L-importazzjonijiet u l-esportazzjonijiet tal-kummerċ agroalimentari | R.9 Modernizzazzjoni tal-azjendi agrikoli: Is-sehem tal-bdiewa li jirċievu appoġġ ta' investiment biex jirristrutturaw u jimmodernizzaw, inkluż biex tittejjeb l-effiċjenza tar-riżorsi |

| | *Emenda* | |
|---|---|---|
| ***Tissaħħaħ*** l-orjentazzjoni lejn is-suq u tiżdied il-kompetittività inkluż permezz ta' aktar enfasi fuq ir-riċerka, it-teknoloġija u d-diġitalizzazzjoni; | I.6 Żieda fil-produttività tal-azjendi agrikoli: Produttività totali tal-fatturi | R.8 Immirar tal-azjendi agrikoli f'setturi fid-diffikultà: Is-sehem ta' bdiewa li jibbenefikaw minn appoġġ akkoppjat għat-titjib tal-kompetittività, tas-sostenibbiltà jew tal-kwalità |
| | ***I.6a Diversifikazzjoni u bilanċ tas-setturi tal-produzzjoni fejn fattibbli: is-sehem taż-żona agrikola*** | |

| | | |
|---|---|---|
| | ***reġjonali użata għal kull settur tal-produzzjoni.*** | |
| | I.7 Sfruttament tal-potenzjal tal-kummerċ agroalimentari: L-importazzjonijiet u l-esportazzjonijiet tal-kummerċ agroalimentari | R.9 Modernizzazzjoni tal-azjendi agrikoli: Is-sehem tal-bdiewa li jirċievu appoġġ ta' investiment biex jirristrutturaw u jimmodernizzaw, inkluż biex tittejjeb l-effiċjenza tar-riżorsi |

**Emenda 182**

**Proposta għal regolament**
**Anness I – Tabella 1– ringiela 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | | |
|---|---|---|
| Titjib tal-pożizzjoni tal-bdiewa fil-katina tal-valur | I.8 Titjib tal-pożizzjoni tal-bdiewa fil-katina tal-valur: Il-valur miżjud għall-produtturi primarji fil-katina alimentari | R.10 Organizzazzjoni aħjar tal-katina tal-provvista: Is-sehem tal-bdiewa li jipparteċipaw fi Gruppi tal-Produtturi, Organizzazzjonijiet tal-Produtturi, swieq lokali, ċirkwiti tal-katina tal-provvista qasira u skemi tal-kwalità |
| | | R.11 Konċentrazzjoni tal-provvista: Is-sehem tal-valur tal-produzzjoni kummerċjalizzata minn Organizzazzjonijiet tal-Produtturi bi programmi operattivi |

| *Emenda* | | |
|---|---|---|
| Titjib tal-pożizzjoni tal-bdiewa fil-katina tal-valur | I.8 Titjib tal-pożizzjoni tal-bdiewa fil-katina tal-valur: Il-valur miżjud għall-produtturi primarji fil-katina alimentari | R.10 Organizzazzjoni aħjar tal-katina tal-provvista: Is-sehem tal-bdiewa ***u tal-SMEs*** li jipparteċipaw fi Gruppi tal-Produtturi, Organizzazzjonijiet tal-Produtturi, swieq lokali, |

| | | |
|---|---|---|
| | | ċirkwiti tal-katina tal-provvista qasira u skemi tal-kwalità |
| | | R.11 Konċentrazzjoni tal-provvista: Is-sehem tal-valur tal-produzzjoni kummerċjalizzata minn Organizzazzjonijiet tal-Produtturi bi programmi operattivi |

**Emenda 183**

**Proposta għal regolament**
**Anness I – Tabella 1– ringiela 7**

| | *Test propost mill-Kummissjoni* | |
|---|---|---|
| Kontribut għall-mitigazzjoni u l-adattament għat-tibdil fil-klima, kif ukoll għall-enerġija sostenibbli | I.9 Titjib tar-reżiljenza tal-azjendi agrikoli: Indiċi | R.12 Adattament għat-tibdil fil-klima: Is-sehem ta' art agrikola b'impenji biex jittejjeb l-adattament għall-klima |
| | I.10 Kontribut għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima: Tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra mill-agrikoltura | R.13 Tnaqqis tal-emissjonijiet fis-settur tal-bhejjem: Is-sehem ta' unitajiet ta' bhejjem li għandhom appoġġ biex inaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra u/jew l-ammonijaka, inkluż il-ġestjoni tad-demel |
| | I.11 Titjib tas-sekwestru tal-karbonju: Żieda fil-karbonju organiku fil-ħamrija | R.14 Il-ħżin tal-karbonju fil-ħamrija u l-bijomassa: Is-sehem tal-art agrikola b'impenji biex tnaqqas l-emissjonijiet, iżżomm u/jew ittejjeb il-ħżin tal-karbonju (bur permanenti, art agrikola fit-torbiera, fil-foresti, eċċ) |
| | I.12 ***Żieda*** tal-enerġija sostenibbli fl-agrikoltura: | R.15 Enerġija ekoloġika mill-agrikoltura u l- |

| | | |
|---|---|---|
| | Produzzjoni ta' enerġija rinnovabbli mill-agrikoltura u l-forestrija | forestrija: Investimenti fil-kapaċità tal-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli, inkluż dik b'bażi bijoloġika (MW) |
| | | R.16 Titjib tal-effiċjenza fl-enerġija: L-iffrankar enerġetiku fl-agrikoltura |
| | | R.17 Art afforestata: ***L-erja*** appoġġata għall-afforestazzjoni u l-ħolqien ta' msaġar, inkluż l-agrosilvikultura |

*Emenda*

| | | |
|---|---|---|
| Kontribut għall-mitigazzjoni u l-adattament għat-tibdil fil-klima, kif ukoll għall-enerġija sostenibbli | I.9 Titjib tar-reżiljenza tal-azjendi agrikoli: Indiċi | R.12 Adattament għat-tibdil fil-klima: Is-sehem ta' art agrikola b'impenji biex jittejjeb l-adattament għall-klima |
| | ***I.9a Titjib tar-reżiljenza b'diversità ġenetika msaħħa: L-Indiċi tal-Agrobijodiversità, li jkejjel id-diversità tal-varjetajiet fi ħdan l-ispeċijiet tal-għelejjel u bejniethom.*** | ***R.12a Titjib tar-reżiljenza b'diversità ġenetika msaħħa: is-sehem ta' art agrikola fejn jintużaw prattiki u għażliet li huma ta' benefiċċju għall-agrobijodiversità*** |
| | I.10 Kontribut għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima: Tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra mill-agrikoltura | R.13 Tnaqqis tal-emissjonijiet fis-settur tal-bhejjem: Is-sehem ta' unitajiet ta' bhejjem li għandhom appoġġ biex inaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra u/jew l-ammonijaka, inkluż il-ġestjoni tad-demel |
| | I.11 Titjib tas-sekwestru tal-karbonju: Żieda fil-karbonju organiku fil-ħamrija | R.14 Il-ħżin tal-karbonju fil-ħamrija u l-bijomassa: Is-sehem tal-art agrikola b'impenji biex tnaqqas l-emissjonijiet, iżżomm u/jew ittejjeb il-ħżin tal-karbonju (bur |

| | |
|---|---|
| | permanenti***, għelejjel permanenti b'kopertura veġetali permanenti***, art agrikola fit-torbiera, fil-foresti, eċċ) |
| I.12 ***Garanzija tal-produzzjoni u l-użu*** tal-enerġija sostenibbli fl-agrikoltura: Produzzjoni ***u użu*** ta' enerġija rinnovabbli mill-agrikoltura u l-forestrija***, li juru assorbiment nett tal-karbonju u iffrankar nett fuq il-gassijiet b'effett ta' serra mingħajr bdil dirett jew indirett fl-użu tal-art*** | R.15 Enerġija ekoloġika mill-agrikoltura u l-forestrija: Investimenti fil-kapaċità tal-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli, inkluż dik b'bażi bijoloġika (MW) |
| | ***R.15a L-iżgurar ta' bijofjuwils mill-agrikoltura u l-forestrija li jkunu effettivi u sostenibbli: investimenti mingħajr rabta diretta jew indiretta mat-tibdil fl-użu tal-art*** |
| | ***R.15b Tnaqqis tal-emissjonijiet mill-użu tal-fertilizzanti: Is-sehem tal-art agrikola b'impenji ta' ġestjoni biex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra mill-użu tal-fertilizzanti.*** |
| | R.16 Titjib tal-effiċjenza fl-enerġija: L-iffrankar enerġetiku fl-agrikoltura |
| | R 17 Art afforestata: ***Iż-żona*** appoġġata għall-afforestazzjoni u l-ħolqien ta' msaġar, inkluż l-agrosilvikultura |

**Emenda 184**

**Proposta għal regolament**
**Anness I – Tabella 1– ringiela 8**

| | *Test propost mill-Kummissjoni* | |
|---|---|---|
| Trawwim tal-iżvilupp sostenibbli u ġestjoni effiċjenti tar-riżorsi naturali bħall-ilma, il-ħamrija u l-arja | I.13 Tnaqqis tal-erożjoni tal-ħamrija: Perċentwal ta' art b'erożjoni moderata u gravi fuq l-art agrikola | R.18 Titjib tal-ħamrija: Is-sehem tal-art agrikola b'impenji ta' ġestjoni b'benefiċċju għall-ġestjoni tal-ħamrija |
| | I.14 Titjib tal-kwalità tal-arja: Tnaqqis tal-emissjoni tal-ammonijaka mill-agrikoltura | R.19 Titjib tal-kwalità tal-arja: Is-sehem ta' art agrikola b'impenji għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-ammonijaka |
| | I.15 Titjib tal-kwalità tal-ilma: Il-bilanċ tan-nutrijenti gross fuq l-art agrikola | R.20 Protezzjoni tal-kwalità tal-ilma: Is-sehem tal-art agrikola b'impenji ta' ġestjoni għall-kwalità tal-ilma |
| | I.16 Tnaqqis tat-tnixxija tan-nutrijenti: In-nitrati fl-ilma ta' taħt l-art - Il-perċentwal tal-istazzjonijiet tal-ilma ta' taħt l-art b'konċentrazzjoni ta' nitroġenu ogħla minn 50 mg/l skont id-Direttiva dwar in-Nitrati | R.21 Ġestjoni sostenibbli tan-nutrijenti: Is-sehem ta' art agrikola b'impenji biex ittejjeb il-ġestjoni tan-nutrijenti |
| | I.17 Tnaqqis tal-pressjoni fuq ir-riżorsi tal-ilma: L-Indiċi Aġġornat tal-Konsum tal-Ilma (Water Exploitation Index Plus, WEI+) | R.22 Użu sostenibbli tal-ilma: Is-sehem ta' art irrigata b'impenji biex jittejjeb il-bilanċ tal-ilma |
| | | R.23 Prestazzjoni marbuta mal-ambjent/il-klima permezz ta' investiment: Is-sehem ta' bdiewa b'appoġġ f'investimenti relatati mal-kura tal-ambjent jew tal-klima |
| | | R.24 Prestazzjoni ambjentali/klimatika |

| | | |
|---|---|---|
| | | permezz tal-għarfien: Is-sehem tal-bdiewa li jirċievu appoġġ għal pariri/taħriġ marbuta mal-prestazzjoni ambjentali/klimatika |
| | *Emenda* | |
| Trawwim tal-iżvilupp sostenibbli u ġestjoni effiċjenti tar-riżorsi naturali bħall-ilma, il-ħamrija u l-arja | I.13 Tnaqqis tal-erożjoni tal-ħamrija ***u ż-żieda tar-reżiljenza tagħha kontra kundizzjonijiet estremi tat-temp***: Perċentwal ta' art b'erożjoni moderata u gravi fuq l-art agrikola | R.18 Titjib tal-ħamrija ***u ż-żieda tar-reżiljenza tagħha kontra kundizzjonijiet estremi tat-temp***: Is-sehem tal-art agrikola b'impenji ta' ġestjoni b'benefiċċju għall-ġestjoni tal-ħamrija |
| | ***I.13a Bini tal-ħamrija tal-wiċċ u żieda tal-kapaċità għaż-żamma tal-ilma u tan-nutrijenti: Perċentwal ta' ħumus fil-ħamrija tal-wiċċ*** | ***R.18a Żvilupp ta' agrikoltura organika: Is-sehem tal-art agrikola f'pagamenti biex issir konverżjoni għal jew jinżammu prattiki tal-biedja organika*** |
| | | ***R.18b: Saħħa tal-ħamrija: L-abbundanza u d-diversità tal-bijota tal-ħamrija*** |
| | I.14 Titjib tal-kwalità tal-arja: Tnaqqis tal-emissjoni tal-ammonijaka mill-agrikoltura | R.19 Titjib tal-kwalità tal-arja: Is-sehem ta' art agrikola b'impenji għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-ammonijaka***, kif stipulat fost l-oħrajn fil-Programmi Nazzjonali għall-Kontroll tat-Tniġġis tal-Arja taħt id-Direttiva (UE) 2016/2284***. |
| | I.15 Titjib tal-kwalità tal-ilma: Il-bilanċ tan-nutrijenti gross fuq l-art agrikola | R.20 Protezzjoni tal-kwalità tal-ilma: Is-sehem tal-art agrikola b'impenji ta' ġestjoni għall-kwalità tal-ilma |
| | I.16 Tnaqqis tat-tnixxija tan-nutrijenti: In-nitrati fl-ilma ta' taħt l-art - Il- | R.21 Ġestjoni sostenibbli tan-nutrijenti: Is-sehem ta' art agrikola b'impenji biex |

| | |
|---|---|
| perċentwal tal-istazzjonijiet tal-ilma ta' taħt l-art b'konċentrazzjoni ta' nitroġenu ogħla minn 50 mg/l skont id-Direttiva dwar in-Nitrati | ittejjeb il-ġestjoni tan-nutrijenti |
| I.17 Tnaqqis tal-pressjoni fuq ir-riżorsi tal-ilma: L-Indiċi Aġġornat tal-Konsum tal-Ilma (Water Exploitation Index Plus, WEI+) | R.22 Użu sostenibbli tal-ilma: Is-sehem ta' art irrigata b'impenji biex jittejjeb il-bilanċ tal-ilma***, inklużi miżuri biex jitnaqqsu l-erożjoni tal-ħamrija, il-kejl tal-ilma u biex tiżdied il-kapaċità taż-żamma tal-ilma fil-ħamrija, f'konformità mal-Programmi ta' Miżuri fil-Pjanijiet ta' Mmaniġġjar tal-Baċiri Idrografiċi*** |
| ***I.17a Tnaqqis tat-tnixxija tal-pestiċidi fl-ilma ta' taħt l-art u fl-ilmijiet tal-wiċċ: perċentwal ta' korpi tal-ilma ta' taħt l-art li għandhom status fqir (abbażi tal-istandards ta' kwalità għall-pestiċidi individwali u totali stipulati fid-Direttiva 2006/118/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1a]) u perċentwal ta' korpi ta' ilma tal-wiċċ fejn jinqabżu l-istandards ta' kwalità ambjentali stipulati fid-Direttiva 2008/105/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1b] jew mill-Istati Membri rigward il-pestiċidi użati fl-agrikoltura li huma sustanzi prijoritarji jew inkwinanti speċifiċi*** | ***R 22a: It-tnaqqis tal-impatt ambjentali tat-trobbija tal-bhejjem: densità ta' bhejjem għal kull baċir idrografiku, reġjun jew livell ta' Stat Membru*** |

***għall-baċiri idrografiċi, rispettivament***

R.23 Prestazzjoni marbuta mal-ambjent/il-klima permezz ta' investiment: Is-sehem ta' bdiewa b'appoġġ f'investimenti relatati mal-kura tal-ambjent jew tal-klima

R.24 Prestazzjoni ambjentali/klimatika permezz tal-għarfien: Is-sehem tal-bdiewa li jirċievu appoġġ għal pariri/taħriġ marbuta mal-prestazzjoni ambjentali/klimatika

***R.24a Tnaqqis tat-tnixxija tal-pestiċidi: Is-sehem tal-art agrikola kkonċernata minn azzjonijiet speċifiċi appoġġati li jirriżultaw fit-tnaqqis tat-tnixxija tal-pestiċidi fl-ilma ta' taħt l-art jew fl-ilmijiet tal-wiċċ***

***R.24b Protezzjoni tal-ħamrija permezz tan-newba tal-għelejjel: Is-sehem tar-raba' li jinħadem fejn tiġi applikata n-newba tal-għelejjel inkluż komponent tal-legumi;***

______

***[1a] Id-Direttiva 2006/118/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar il-protezzjoni tal-ilma ta' taħt l-art kontra t-tniġġis u d-deterjorament (ĠU L 372, 27.12.2006, p. 19);***

***[1b] Id-Direttiva 2008/105/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar standards ta' kwalità ambjentali fil-qasam tal-politika tal-ilma, li temenda u sussegwentement tħassar id-Direttivi tal-Kunsill 82/176/KEE, 83/513/KEE, 84/156/KEE, 84/491/KEE, 86/280/KEE u li temenda d-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 348, 24.12.2008, p. 84).***

**Emenda 185**

**Proposta għal regolament**
**Anness I – Tabella 1– ringiela 9**

*Test propost mill-Kummissjoni*

| | | |
|---|---|---|
| ***Kontribut għall-protezzjoni tal-bijodiversità, tisħiħ tas-servizzi*** tal-ekosistema ***u preservazzjoni*** tal-ħabitats u l-pajsaġġi | I.18 Żieda fil-popolazzjonijiet tal-għasafar tar-raba' agrikola: L-indiċi tal-għasafar tal-art agrikola | R.25 Appoġġ għall-ġestjoni sostenibbli tal-foresti: Is-sehem tal-art forestali b'impenji ta' ġestjoni għall-appoġġ tal-ħarsien u l-ġestjoni tal-foresti. |
| | I.19 Titjib tal-protezzjoni tal-bijodiversità: Il-perċentwali ta' speċijiet u ħabitats ta' interess Komunitarju marbuta mal-agrikoltura b'xejra stabbli jew pożittiva | R.26 Protezzjoni tal-ekosistemi forestali: Is-sehem tal-art forestali b'impenji ta' ġestjoni għall-appoġġ tal-pajsaġġ, tal-bijodiversità u tas-servizzi tal-ekosistema. |
| | I.20 Titjib fil-provvediment tas-servizzi tal-ekosistema: is-sehem ta' ***erja*** agrikola użata koperta b'karatteristiċi tal-pajsaġġ | R.27 Preservazzjoni tal-ħabitats u tal-ispeċijiet: Sehem tal-art agrikola b'impenji ta' ġestjoni li jappoġġaw il-konservazzjoni jew ir-restawr tal-bijodiversità |
| | | R.28 Appoġġ ta' Natura 2000: ***Erja*** fis-siti tan-Natura 2000 b'impenji għall-protezzjoni, il-manutenzjoni u r-restawr |
| | | R.29 Preservazzjoni tal-karatteristiċi tal-pajsaġġ: Sehem ta' art agrikola b'impenji għall-ġestjoni tal-karatteristiċi tal-pajsaġġ, inkluż ir-ringieli ta' sġajriet |

*Emenda*

| | | |
|---|---|---|
| ***Jitwaqqaf u jitreġġa' lura t-telf ta' bijodiversità, jissaħħu s-servizzi*** tal-ekosistema, ***il-*** | I.18 Żieda fil-popolazzjonijiet tal-għasafar tar-raba' agrikola: L-indiċi tal- | R.25 Appoġġ għall-ġestjoni sostenibbli tal-foresti: Is-sehem tal-art forestali b'impenji ta' |

| | | |
|---|---|---|
| ***preservazzjoni*** tal-ħabitats u l-pajsaġġi ***u jissaħħu s-sistemi ta' biedja ta' Valur Naturali Għoli*** | għasafar tal-art agrikola | ġestjoni għall-appoġġ tal-ħarsien u l-ġestjoni tal-foresti. |
| | I.19 Titjib tal-protezzjoni tal-bijodiversità: Il-perċentwali ta' speċijiet u ħabitats ta' interess Komunitarju marbuta mal-agrikoltura b'xejra stabbli jew pożittiva | R.26 Protezzjoni tal-ekosistemi forestali: Is-sehem tal-art forestali b'impenji ta' ġestjoni għall-appoġġ tal-pajsaġġ, tal-bijodiversità u tas-servizzi tal-ekosistema. |
| | I.20 Titjib fil-provvediment tas-servizzi tal-ekosistema: is-sehem ta' ***erja*** agrikola użata koperta b'karatteristiċi tal-pajsaġġ | R.27 Preservazzjoni tal-ħabitats u tal-ispeċijiet: Sehem tal-art agrikola b'impenji ta' ġestjoni li jappoġġaw il-konservazzjoni jew ir-restawr tal-bijodiversità |
| | ***I.20a Treġġigħ lura tat-tnaqqis tad-dakkara: Indikatur tad-dakkara, inklużi n-naħal u l-friefet.*** | |
| | | ***R.27a Tisħiħ tad-diversità ġenetika: L-Indiċi tal-Agrobijodiversità, li jkejjel id-diversità tal-varjetajiet fi ħdan l-ispeċijiet tal-għelejjel u bejniethom.*** |
| | | R.28 Appoġġ ta' Natura 2000: ***Żona*** fis-siti tan-Natura 2000 b'impenji għall-protezzjoni, il-manutenzjoni u r-restawr |
| | | R.29 Preservazzjoni tal-karatteristiċi tal-pajsaġġ: Sehem ta' art agrikola b'impenji għall-ġestjoni tal-karatteristiċi tal-pajsaġġ, inkluż ir-ringieli ta' sġajriet |
| | | ***R.29a Trawwim ta' biedja b'valur naturali għoli: Is-sehem tal-art agrikola*** |

| | | |
|---|---|---|
| | | ***b'impenji ta' ġestjoni biex jiġi ġġenerat valur naturali għoli.*** |

**Emenda 186**

**Proposta għal regolament**
**Anness I – Tabella 1– ringiela 10**

| | *Test propost mill-Kummissjoni* | |
|---|---|---|
| Jiġu attirati l-bdiewa żgħażagħ u jiġi ffaċilitat l-iżvilupp tan-negozju fiż-żoni rurali | 1.21 Attrazzjoni ta' bdiewa żgħażagħ: Evoluzzjoni tal-għadd ta' bdiewa ġodda | R.30 Tiġdid ġenerazzjonali: Għadd ta' bdiewa żgħażagħ li qed jistabbilixxu azjenda agrikola b'appoġġ mill-PAK |

| | *Emenda* | |
|---|---|---|
| Jiġu attirati l-bdiewa żgħażagħ u jiġi ffaċilitat l-iżvilupp tan-negozju fiż-żoni rurali | 1.21 Attrazzjoni ta' bdiewa żgħażagħ: Evoluzzjoni tal-għadd ta' bdiewa ġodda | R.30 Tiġdid ġenerazzjonali: Għadd ta' bdiewa żgħażagħ li qed jistabbilixxu azjenda agrikola b'appoġġ mill-PAK |

**Emenda 187**

**Proposta għal regolament**
**Anness I – Tabella 1– ringiela 11**

| | *Test propost mill-Kummissjoni* | |
|---|---|---|
| Promozzjoni tal-impjiegi, it-tkabbir, l-inklużjoni soċjali u l-iżvilupp lokali fiż-żoni rurali, inkluż il-bijoekonomija u l-forestrija sostenibbli | I.22 Kontribut għall-impjiegi fiż-żoni rurali: Evoluzzjoni tar-rata tal-impjiegi fiż-żoni predominantement rurali | R.31 ***It-tkabbir u l-impjiegi*** fiż-żoni rurali: Impjiegi ġodda fi proġetti appoġġati |
| | I.23 Kontribut għat-tkabbir fiż-żoni rurali: Evoluzzjoni tal-PDG per capita fiż-żoni predominantement rurali | R.32 Żvilupp tal-bijoekonomija rurali: L-għadd ta' negozji tal-bijoekonomija żviluppati bl-appoġġ |

| | | |
|---|---|---|
| | 1.24 PAK ***iktar*** ġusta: Titjib tad-distribuzzjoni tal-appoġġ tal-PAK | R.33 Diġitalizzazzjoni tal-ekonomija rurali: ***Popolazzjoni*** rurali koperta minn strateġija appoġġata tal-Irħula Intelliġenti |
| | I.25 ***Il-promozzjoni*** tal-inklużjoni rurali: Evoluzzjoni tal-indiċi tal-faqar fiż-żoni rurali | R.34 Nikkollegaw l-Ewropa rurali: Sehem tal-popolazzjoni rurali li tibbenefika minn aċċess imtejjeb għas-servizzi u l-infrastruttura permezz ta' appoġġ tal-PAK |
| | | R.35 ***Il-promozzjoni*** tal-inklużjoni soċjali: Għadd ta' persuni minn gruppi minoritarji u/jew vulnerabbli li jibbenefikaw minn proġetti appoġġati tal-inklużjoni soċjali |

*Emenda*

| | | |
|---|---|---|
| Promozzjoni tal-impjiegi, it-tkabbir, l-inklużjoni soċjali u l-iżvilupp lokali fiż-żoni rurali, inkluż il-bijoekonomija u l-forestrija sostenibbli | I.22 Kontribut għall-impjiegi fiż-żoni rurali: Evoluzzjoni tar-rata tal-impjiegi fiż-żoni predominantement rurali | R.31 ***Tkabbir u impjiegi*** fiż-żoni rurali: Impjiegi ġodda fi proġetti appoġġati |
| | I.23 Kontribut għat-tkabbir fiż-żoni rurali: Evoluzzjoni tal-PDG per capita fiż-żoni predominantement rurali | R.32 Żvilupp tal-bijoekonomija rurali: L-għadd ta' negozji tal-bijoekonomija żviluppati bl-appoġġ |
| | 1.24 PAK ***aktar*** ġusta: Titjib tad-distribuzzjoni tal-appoġġ tal-PAK | R.33 Diġitalizzazzjoni tal-ekonomija rurali: ***Is-sehem tal-popolazzjoni*** rurali koperta minn strateġija appoġġata tal-Irħula Intelliġenti |
| | I.25 ***Promozzjoni*** tal-inklużjoni rurali: Evoluzzjoni tal-indiċi tal-faqar fiż-żoni rurali | R.34 Nikkollegaw l-Ewropa rurali: Sehem tal-popolazzjoni rurali li tibbenefika minn aċċess imtejjeb għas-servizzi u l- |

| | | |
|---|---|---|
| | | infrastruttura permezz ta' appoġġ tal-PAK |
| | | R.35 ***Promozzjoni*** tal-inklużjoni soċjali: Għadd ta' persuni minn gruppi minoritarji u/jew vulnerabbli li jibbenefikaw minn proġetti appoġġati tal-inklużjoni soċjali |

**Emenda 188**

**Proposta għal regolament**
**Anness I – Tabella 1– ringiela 12**

| | *Test propost mill-Kummissjoni* | |
|---|---|---|
| Titjib tar-reazzjoni tal-agrikoltura tal-UE għad-domandi soċjetali għall-ikel u għas-saħħa, inkluż ikel sikur, nutrittiv u sostenibbli, kif ukoll ***il-benessri*** tal-annimali. | I.26 Limitazzjoni tal-użu tal-antibijotiċi fl-agrikoltura: il-bejgħ/l-użu fl-annimali li jipproduċu l-ikel | R.36 Limitazzjoni tal-użu tal-antibijotiċi: Sehem mill-unitajiet ta' bhejjem ikkonċernati minn azzjonijiet appoġġati biex jiġi limitat l-użu tal-antibijotiċi (prevenzjoni/tnaqqis) |
| | I.27 Użu sostenibbli tal-pestiċidi: ***Tnaqqis tar-riskji u l-impatti*** tal-pestiċidi** | R.37 Użu sostenibbli tal-pestiċidi: Sehem mill-art agrikola kkonċernata minn azzjonijiet speċifiċi appoġġati li jwasslu għall-użu ***sostenibbli*** tal-pestiċidi ***sabiex jitnaqqsu r-riskji u l-impatti tal-pestiċidi*** |
| | ***1***.28 Risposta għad-domanda tal-konsumaturi għal ikel ta' kwalità: Valur tal-produzzjoni taħt l-iskemi ta' kwalità tal-UE (inkluż l-ikel organiku) | R.38 Titjib ***tal-benessri*** tal-annimali: Sehem mill-unitajiet ta' bhejjem kopert minn azzjoni appoġġata għat-titjib ***tal-benessri*** tal-annimali |

** Id-Direttiva dwar l-użu sostenibbli tal-pestiċidi

*Emenda*

| | | |
|---|---|---|
| Titjib tar-reazzjoni tal-agrikoltura tal-UE għad-domandi soċjetali għall-ikel u għas-saħħa, inkluż ikel sikur, nutrittiv u sostenibbli, kif ukoll ***it-trattament xieraq*** tal-annimali. | I.26 Limitazzjoni tal-użu tal-antibijotiċi fl-agrikoltura: il-bejgħ/l-użu fl-annimali li jipproduċu l-ikel | R.36 Limitazzjoni tal-użu tal-antibijotiċi: Sehem mill-unitajiet ta' bhejjem ikkonċernati minn azzjonijiet appoġġati biex jiġi limitat l-użu tal-antibijotiċi (prevenzjoni/tnaqqis) |
| | ***I.26a Użu sostenibbli ta' prodotti veterinarji fil-bhejjem: Il-bejgħ u l-użu ta' prodotti veterinarji fl-annimali li jipproduċu l-ikel*** | ***R.36a Użu sostenibbli ta' prodotti veterinarji: Sehem ta' bhejjem affettwati minn miżuri ta' appoġġ biex jiġi limitat l-użu ta' prodotti veterinarji (prevenzjoni/tnaqqis) biex jitnaqqsu r-riskji u l-effetti ħżiena ta' dawn il-prodotti*** |
| | I.27 Użu sostenibbli tal-pestiċidi: ***Dipendenza mnaqqsa fuq l-użu*** tal-pestiċidi** | R.37 Użu sostenibbli tal-pestiċidi: Sehem mill-art agrikola kkonċernata minn azzjonijiet speċifiċi appoġġati li jwasslu ***għal tnaqqis tad-dipendenza*** fuq l-użu tal-pestiċidi |
| | | ***R.37a Tnaqqis tad-dipendenza fuq il-pestiċidi: il-volumi ta' pestiċidi mibjugħa u użati (statistika dwar il-pestiċidi).*** |
| | ***I***.28 Risposta għad-domanda tal-konsumaturi għal ikel ta' kwalità: Valur tal-produzzjoni taħt l-iskemi ta' kwalità tal-UE (inkluż l-ikel organiku) | R.38 Titjib ***tat-trattament xieraq*** tal-annimali: Sehem mill-unitajiet ta' bhejjem kopert minn azzjoni appoġġata għat-titjib ***tat-trattament xieraq*** tal-annimali |
| | ***I.28a Tnaqqis tan-nuqqas ta' konformità mal-leġiżlazzjoni disponibbli dwar it-trattament xieraq tal-annimali (Ir-*** | ***R.38a Tnaqqis tad-densità tal-bhejjem: numru ta' unitajiet ta' bhejjem għal kull żona*** |

| | | |
|---|---|---|
| | ***Regolament tal-Kunsill Nru 1099/2009, Id-Direttiva tal-Kunsill 2007/43/KE, Id-Direttiva tal-Kunsill 1999/74/AE) għal kull annimal fl-Istat Membru*** | ***agrikola*** |
| | ***I.28b Kejl tad-densità tal-annimali skont l-ispeċijiet fl-Istat Membru*** | |

__________________

** Id-Direttiva dwar l-użu sostenibbli tal-pestiċidi

**Emenda 189**

**Proposta għal regolament**
**Anness I – tabella 2**

| | *Test propost mill-Kummissjoni* |
|---|---|
| Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni għall-għarfien u l-innovazzjoni fil-qasam agrikolu (EIP)** | O.1 Għadd ta' gruppi operattivi tal-EIP |
| | O.2 Għadd ta' konsulenti li jistabbilixxu jew jipparteċipaw fi gruppi operattivi tal-EIP |
| Appoġġ tal-PAK | O.3 Għadd ta' benefiċjarji tal-appoġġ tal-PAK |
| Appoġġ dirett diżakkoppjat | O.4 Għadd ta' ettari għall-pagamenti diretti diżakkoppjati |
| | O.5 Għadd ta' benefiċjarji għall-pagamenti diretti diżakkoppjati |
| | O.6 ***L-għadd*** ta' ettari soġġett għal aktar appoġġ għall-introjtu għall-bdiewa żgħażagħ |
| | O.7 ***L-għadd*** ta' benefiċjarji soġġett għal aktar appoġġ għall-introjtu għall-bdiewa żgħażagħ |
| Għodod għall-ġestjoni tar-riskju | O.8 Għadd ta' bdiewa koperti minn strumenti appoġġati għall-ġestjoni tar-riskju |
| Appoġġ akkoppjat | O.9 ***L-għadd*** ta' ettari li jibbenefika minn appoġġ akkoppjat |
| | O.10 ***L-għadd*** ta' ettari li jibbenefika minn appoġġ akkoppjat |
| Pagamenti għal restrizzjonijiet naturali u | O.11 ***L-għadd*** ta' ettari li jirċievu pagament supplimentari ta' żona b'restrizzjonijiet naturali (3 kategoriji) |

| | |
|---|---|
| restrizzjonijiet speċifiċi oħrajn tar-reġjun | |
| | O.12 ***L-għadd*** ta' ettari li jirċievu appoġġ taħt Natura 2000 jew id-Direttiva Qafas dwar l-Ilma |
| Pagamenti għall-impenji tal-ġestjoni (ambjent-klima, riżorsi ġenetiċi, benessri tal-annimali) | O.13 ***L-għadd*** ta' ettari (agrikoli) koperti minn impenji tal-ambjent/klima li jmorru lil hinn mir-rekwiżiti mandatorji |
| | O.14 ***L-għadd*** ta' ettari (forestrija) koperti minn impenji tal-ambjent/klima li jmorru lil hinn mir-rekwiżiti mandatorji |
| | O.15 ***L-għadd*** ta' ettari b'appoġġ għall-biedja organika |
| | O.16 Għadd ta' unitajiet ta' bhejjem koperti b'appoġġ għal miżuri ***tal-benessri*** tal-annimali, tas-saħħa jew ta' bijosigurtà ***ikbar***. |
| | O.17 ***L-għadd*** ta' proġetti li jappoġġaw ir-riżorsi ġenetiċi |
| Investimenti | O.18 Għadd ta' investimenti produttivi fl-azjendi agrikoli appoġġati |
| | O.19 Għadd ta' infrastrutturi lokali appoġġati |
| | O.20 Għadd ta' investimenti mhux produttivi appoġġati |
| | O.21 Għadd ta' investimenti produttivi mhux fl-azjendi agrikoli |
| Għotjiet għall-installazzjoni | O.22 Għadd ta' bdiewa li jirċievu għotjiet għall-installazzjoni |
| | O.23 Għadd ta' imprendituri rurali li jirċievu għotjiet għall-installazzjoni |
| Kooperazzjoni | O.24 Għadd ta' gruppi/organizzazzjonijiet tal-produtturi appoġġati |
| | O.25 Għadd ta' bdiewa li jirċievu appoġġ biex jipparteċipaw fl-iskemi tal-kwalità tal-UE |
| | O.26 Għadd ta' proġetti ta' tiġdid ġenerazzjonali (bdiewa żgħażagħ/mhux żgħażagħ) |
| | O.27 Għadd ta' strateġiji lokali ta' żvilupp (LEADER) |
| | O.28 Għadd ta' gruppi oħrajn ta' kooperazzjoni (minbarra l-EIP rrappurtati taħt O.1) |
| Skambju tal-għarfien u l-informazzjoni | O.29 Għadd ta' bdiewa li tħarrġu jew ingħataw pariri |
| | O.30 Għadd ta' persuni li mhumiex bdiewa li tħarrġu jew ingħataw pariri |
| Indikaturi orizzontali | O.31 ***L-għadd*** ta' ettari bi prattiki ambjentali (l-indikatur ta' sinteżi ***fl-erja*** fiżika koperta bil-kundizzjonalità, l-ELS, l-AECM, |

| | |
|---|---|
| | miżuri tal-forestrija, il-biedja organika) |
| | O.32 Għadd ta' ettari soġġetti għall-kundizzjonalità (imqassam skont il-prattika GAEP) |
| Programmi settorjali | O.33 Għadd ta' organizzazzjoni tal-produtturi li waqqfu fond/programm operattiv |
| | O.34 Għadd ta' azzjonijiet ta' promozzjoni u informazzjoni, u monitoraġġ tas-suq |
| | O.35 Għadd ta' azzjonijiet għall-preservazzjoni/titjib tat-trobbija tan-naħal |

______________________

** L-appoġġ lill-Gruppi operattivi taħt l-EIP jaqa' taħt id-dispożizzjonijiet tal-kooperazzjoni.

*Emenda*

| | |
|---|---|
| Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni għall-għarfien u l-innovazzjoni fil-qasam agrikolu (EIP)** | O.1 Għadd ta' gruppi operattivi tal-EIP |
| | O.2 Għadd ta' konsulenti li jistabbilixxu jew jipparteċipaw fi gruppi operattivi tal-EIP |
| Appoġġ tal-PAK | O.3 Għadd ta' benefiċjarji tal-appoġġ tal-PAK |
| Appoġġ dirett diżakkoppjat | O.4 Għadd ta' ettari għall-pagamenti diretti diżakkoppjati |
| | O.5 Għadd ta' benefiċjarji għall-pagamenti diretti diżakkoppjati |
| | O.6 ***Għadd*** ta' ettari soġġett għal aktar appoġġ għall-introjtu għall-bdiewa żgħażagħ |
| | O.7 ***Għadd*** ta' benefiċjarji soġġett għal aktar appoġġ għall-introjtu għall-bdiewa żgħażagħ |
| Għodod għall-ġestjoni tar-riskju | O.8 Għadd ta' bdiewa koperti minn strumenti appoġġati għall-ġestjoni tar-riskju |
| Appoġġ akkoppjat | O.9 ***Għadd*** ta' ettari li jibbenefika minn appoġġ akkoppjat |
| | O.10 ***Għadd*** ta' ettari li jibbenefika minn appoġġ akkoppjat |
| Pagamenti għal restrizzjonijiet naturali u restrizzjonijiet speċifiċi oħrajn tar-reġjun | O.11 ***Għadd*** ta' ettari li jirċievu pagament supplimentari ta' żona b'restrizzjonijiet naturali (3 kategoriji) |
| | O.12 ***Għadd*** ta' ettari li jirċievu appoġġ taħt Natura 2000 jew id-Direttiva Qafas dwar l-Ilma |
| Pagamenti għall-impenji tal-ġestjoni (ambjent- | O.13 ***Għadd*** ta' ettari (agrikoli) koperti minn impenji tal- |

| | |
|---|---|
| klima, riżorsi ġenetiċi, ***trattament xieraq*** tal-annimali) | ambjent/klima li jmorru lil hinn mir-rekwiżiti mandatorji |
| | O.14 ***Għadd*** ta' ettari (forestrija) koperti minn impenji tal-ambjent/klima li jmorru lil hinn mir-rekwiżiti mandatorji |
| | O.15 ***Għadd*** ta' ettari b'appoġġ għall-biedja organika |
| | O.16 Għadd ta' unitajiet ta' bhejjem koperti b'appoġġ għal miżuri ***tat-trattament xieraq*** tal-annimali, tas-saħħa jew ta' bijosigurtà ***akbar***. |
| | O.17 ***Għadd*** ta' proġetti li jappoġġaw ir-riżorsi ġenetiċi |
| Investimenti | O.18 Għadd ta' investimenti produttivi fl-azjendi agrikoli appoġġati |
| | O.19 Għadd ta' infrastrutturi lokali appoġġati |
| | O.20 Għadd ta' investimenti mhux produttivi appoġġati |
| | O.21 Għadd ta' investimenti produttivi mhux fl-azjendi agrikoli |
| Għotjiet għall-installazzjoni | O.22 Għadd ta' bdiewa li jirċievu għotjiet għall-installazzjoni |
| | O.23 Għadd ta' imprendituri rurali li jirċievu għotjiet għall-installazzjoni |
| Kooperazzjoni | O.24 Għadd ta' gruppi/organizzazzjonijiet tal-produtturi appoġġati |
| | O.25 Għadd ta' bdiewa li jirċievu appoġġ biex jipparteċipaw fl-iskemi tal-kwalità tal-UE |
| | O.26 Għadd ta' proġetti ta' tiġdid ġenerazzjonali (bdiewa żgħażagħ/mhux żgħażagħ) |
| | O.27 Għadd ta' strateġiji lokali ta' żvilupp (LEADER) |
| | O.28 Għadd ta' gruppi oħrajn ta' kooperazzjoni (minbarra l-EIP rrappurtati taħt O.1) |
| Skambju tal-għarfien u l-informazzjoni | O.29 Għadd ta' bdiewa li tħarrġu jew ingħataw pariri |
| | O.30 Għadd ta' persuni li mhumiex bdiewa li tħarrġu jew ingħataw pariri |
| Indikaturi orizzontali | O.31 ***Għadd*** ta' ettari bi prattiki ambjentali (l-indikatur ta' sinteżi ***fiż-żona*** fiżika koperta bil-kundizzjonalità, l-ELS, l-AECM, miżuri tal-forestrija, il-biedja organika) |
| | O.32 Għadd ta' ettari soġġetti għall-kundizzjonalità (imqassam skont il-prattika GAEP) |
| Programmi settorjali | O.33 Għadd ta' organizzazzjoni tal-produtturi li waqqfu fond/programm operattiv |

O.34 Għadd ta' azzjonijiet ta' promozzjoni u informazzjoni, u monitoraġġ tas-suq

O.35 Għadd ta' azzjonijiet għall-preservazzjoni/titjib tat-trobbija tan-naħal

---

** L-appoġġ lill-Gruppi operattivi taħt l-EIP jaqa' taħt id-dispożizzjonijiet tal-kooperazzjoni.

**Emenda 190**

**Proposta għal regolament**
**Anness III – Tabella 1 – kolonna 2 – ringiela 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

| | | | |
|---|---|---|---|
| It-tibdil fil-klima | KAAT 1 | Il-manutenzjoni ta' bwar permanenti abbażi ta' proporzjon ta' bwar permanenti maż-żona agrikola | Miżura ta' salvagwardja kontra l-konverżjoni għal użi agrikoli oħra biex tiġi ppreservata l-ħażna tal-karbonju |
| (it-tnaqqis tiegħu u l-adattament għalih) | KAAT 2 | Il-protezzjoni ***xierqa*** tal-art mistagħdra u tat-torbiera | Il-protezzjoni tal-ħamrija b'livell għoli ta' karbonju |
| | KAAT 3 | Projbizzjoni fuq il-ħruq tal-qasbija fir-raba' tal-ħrit, ħlief għal raġunijiet fitosanitarji | Il-manutenzjoni tal-materja organika fil-ħamrija |

*Emenda*

| | | | |
|---|---|---|---|
| It-tibdil fil-klima | KAAT 1 | Il-manutenzjoni ta' bwar permanenti abbażi ta' proporzjon ta' bwar permanenti maż-żona agrikola ***u r-rata ta' konverżjoni għar-raba' li jinħadem. Dan il-proporzjon jenħtieġ li ma jonqosx b'aktar minn 5 % meta mqabbel ma' proporzjon ekwivalenti li huwa stabbilit mill-Istati*** | Miżura ta' salvagwardja kontra l-konverżjoni għal użi agrikoli oħra biex tiġi ppreservata l-ħażna tal-karbonju |

| | | | |
|---|---|---|---|
| | | ***Membri għas-sena ta' referenza 2013.*** | |
| (it-tnaqqis tiegħu u l-adattament għalih) | KAAT 2 | Il-protezzjoni ***effettiva*** tal-art mistagħdra u tat-torbiera | Il-protezzjoni tal-ħamrija b'livell għoli ta' karbonju |
| | KAAT 3 | Projbizzjoni fuq il-ħruq tal-qasbija fir-raba' tal-ħrit, ħlief għal raġunijiet fitosanitarji | Il-manutenzjoni tal-materja organika fil-ħamrija***, it-tnaqqis tat-tniġġis tal-arja*** |
| | ***KAAT 3 a:*** | ***Id-densità massima tal-bhejjem.*** | ***l-ebda qbiż tal-limitu ta' 0.7 unitajiet ta' bhejjem għal kull ettaru f'art agrikola*** |

**Emenda 191**

**Proposta għal regolament**
**Anness III – Tabella 1 – kolonna 2 – ringiela 3**

| | | *Test propost mill-Kummissjoni* |
|---|---|---|
| L-ilma | SMR 1 | Id-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2000 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma: |
| | | l-Artikolu 11(3)(e) u l-Artikolu 11(3)(h) rigward ir-rekwiżiti obbligatorji għall-kontroll tas-sorsi diffużi tat-tniġġis bil-fosfati |
| | SMR 2 | Id-Direttiva tal-Kunsill 91/676/KEE tat-12 ta' Diċembru 1991 dwar il-protezzjoni tal-ilma kontra t-tniġġis ikkawżat min-nitrati minn sorsi agrikoli (ĠU L 375, |

| | | | |
|---|---|---|---|
| | | 31.12.1991, p. 1):<br>l-Artikoli 4 u 5 | |
| | KAAT 4 | Stabbiliment ta' strixxi marġinali matul il-mogħdijiet tal-ilma [1] | Il-protezzjoni tal-mogħdijiet tax-xmajjar mit-tniġġis u mit-tnixxijiet |
| | KAAT 5 | L-użu tal-Għodda tas-Sostenibbiltà tal-Azjendi Agrikoli għan-Nutrijenti[2] | Il-ġestjoni sostenibbli tan-nutrijenti |

---

1 Il-biċċiet art ta' lqugħ tal-KAAT iridu jirrispettaw, kemm ġewwa kif ukoll barra ż-żoni vulnerabbli deżinjati skont l-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 91/676/KEE, tal-inqas ir-rekwiżiti relatati mal-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni fuq l-art ta' fertilizzanti ħdejn mogħdijiet tal-ilma, imsemmija fil-punt A.4 tal-Anness II tad-Direttiva 91/676/KEE, li jridu jiġu applikati skont il-programmi ta' azzjoni tal-Istati Membri stabbiliti fl-Artikolu 5(4) tad-Direttiva 91/676/KEE

2 L-Għodda għanda tipprovdi tal-inqas l-elementi u l-funzjonalitajiet li ġejjin:

a) Elementi

• L-informazzjoni relevanti tal-azjenda agrikola abbażi tal-LPIS u tal-IACS;

• L-informazzjoni mill-kampjunar tal-ħamrija, fuq skala spazjali u temporali xierqa;

• L-informazzjoni dwar il-prattiki ta' ġestjoni rilevanti, l-għelejjel li tkabbru fil-passat u l-miri għall-produzzjoni;

• L-indikazzjonijiet dwar il-limiti legali u r-rekwiżiti relevanti għall-ġestjoni tan-nutrijenti fl-azjenda agrikola;

• Il-baġit sħiħ tan-nutrijenti.

b) Funzjonalitajiet

• L-integrazzjoni awtomatika tad-data minn diversi sorsi (LPIS u IACS, data ġġenerata mill-bdiewa, analiżijiet tal-ħamrija, eċċ.) kemm jista' jkun, biex tiġi evitata d-duplikazzjoni tal-input tad-data;

• Hija permessa l-komunikazzjoni reċiproka bejn il-PA/ATS u l-bdiewa;

• Il-modularità u l-possibbiltà li jiġu appoġġati ***iktar*** objettivi tas-sostenibbiltà (eż. il-ġestjoni tal-emissjonijiet, il-ġestjoni tal-ilma)

• Ir-rispett tal-prinċipji tal-interoperabbiltà, tal-ftuħ u tal-użu mill-ġdid fir-rigward tad-data tal-UE;

• Garanziji għas-sigurtà u tal-privatezza tad-data f'konformità mal-aħjar standards attwali.

*Emenda*

| | | | |
|---|---|---|---|
| L-ilma | SMR 1 | l-Artikolu 11(3)(e), l-Artikolu 11(3)(h)***, l-*** | |

| | | |
|---|---|---|
| | ***Artikolu 11(3)(j), u l-Artikolu 11(3)(k)*** rigward ir-rekwiżiti obbligatorji għall-kontroll tas-sorsi diffużi tat-tniġġis bil-fosfati | |
| SMR 2 | Id-Direttiva tal-Kunsill 91/676/KEE tat-12 ta' Diċembru 1991 dwar il-protezzjoni tal-ilma kontra t-tniġġis ikkawżat min-nitrati minn sorsi agrikoli (ĠU L 375, 31.12.1991, p. 1):<br><br>l-Artikoli 4 u 5 | |
| KAAT 4 | Stabbiliment ta' biċċiet ta' art ta' lqugħ tul il-bitħa tal-ilma[1] ***b'wisa' minimu ta' 3 m u li fuqhom ma jistgħux jintużaw l-ebda fertilizzanti jew prodotti ta' protezzjoni tal-pjanti*** | Il-protezzjoni tal-mogħdijiet tax-xmajjar, ***tal-pollinaturi, tal-provvisti tal-ilma u tal-ispeċijiet jew tal-ekosistemi akkwatiċi*** mit-tniġġis, ***mit-tossiċità*** u mit-tnixxijiet |
| KAAT 5 | L-użu tal-Għodda tas-Sostenibbiltà tal-Azjendi Agrikoli għan-Nutrijenti[2] ***u t-tnaqqis tal-input*** | Il-ġestjoni sostenibbli tan-nutrijenti***, il-pestiċidi u l-prodotti veterinarji, skont id-daqs u l-intensità tal-azjenda agrikola*** |

[1] Il-biċċiet art ta' lqugħ tal-KAAT iridu jirrispettaw, kemm ġewwa kif ukoll barra ż-żoni vulnerabbli deżinjati skont l-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 91/676/KEE, tal-inqas ir-rekwiżiti relatati mal-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni fuq l-art ta' fertilizzanti ħdejn mogħdijiet tal-ilma, imsemmija fil-punt A.4 tal-Anness II tad-Direttiva 91/676/KEE, li jridu jiġu applikati skont il-programmi ta' azzjoni tal-Istati Membri stabbiliti fl-Artikolu 5(4) tad-Direttiva 91/676/KEE

[2] L-Għodda għanda tipprovdi tal-inqas l-elementi u l-funzjonalitajiet li ġejjin:

a) Elementi

- L-informazzjoni relevanti tal-azjenda agrikola abbażi tal-LPIS u tal-IACS;
- L-informazzjoni mill-kampjunar tal-ħamrija, fuq skala spazjali u temporali xierqa;
- L-informazzjoni dwar il-prattiki ta' ġestjoni rilevanti, l-għelejjel li tkabbru fil-passat u l-miri għall-produzzjoni;
- L-indikazzjonijiet dwar il-limiti legali u r-rekwiżiti relevanti għall-ġestjoni tan-

nutrijenti fl-azjenda agrikola;

• Il-baġit sħiħ tan-nutrijenti.

b) Funzjonalitajiet

• L-integrazzjoni awtomatika tad-data minn diversi sorsi (LPIS u IACS, data ġġenerata mill-bdiewa, analiżijiet tal-ħamrija, eċċ.) kemm jista' jkun, biex tiġi evitata d-duplikazzjoni tal-input tad-data;

• Hija permessa l-komunikazzjoni reċiproka bejn il-PA/ATS u l-bdiewa;

• Il-modularità u l-possibbiltà li jiġu appoġġati ***aktar*** objettivi tas-sostenibbiltà (eż. il-ġestjoni tal-emissjonijiet, il-ġestjoni tal-ilma)

• Ir-rispett tal-prinċipji tal-interoperabbiltà, tal-ftuħ u tal-użu mill-ġdid fir-rigward tad-data tal-UE;

• Garanziji għas-sigurtà u tal-privatezza tad-data f'konformità mal-aħjar standards attwali.

**Emenda 192**

**Proposta għal regolament**
**Anness III – Tabella 1 – kolonna 2 – ringiela 4**

*Test propost mill-Kummissjoni*

| | | | |
|---|---|---|---|
| Il-ħamrija | KAAT 6 | Il-ġestjoni tal-ħdim tar-raba' li tnaqqas ir-riskju tad-degradazzjoni tal-ħamrija, inkluż il-kunsiderazzjoni tal-inklinazzjoni | Ġestjoni minima ta' artijiet li tirrifletti kondizzjonijiet speċifiċi għas-siti biex tiġi limitata l-erożjoni |
| (protezzjoni u kwalità) | KAAT 7 | L-ebda ħamrija għerja fil-biċċa l-kbira tal-perjodu(i) sensittiv(i) | ***Il-protezzjoni*** tal-ħamrija ***fix-xitwa*** |
| | KAAT 8 | Rotazzjoni ***tal-uċuħ tar-raba'*** | Il-preservazzjoni tal-potenzjal tal-ħamrija |

*Emenda*

| | | | |
|---|---|---|---|
| Il-ħamrija | KAAT 6 | Il-ġestjoni ***xierqa*** tal-ħdim tar-raba' ***u tal-ħamrija*** li tnaqqas ir-riskju tad-degradazzjoni tal-ħamrija, inkluż il-kunsiderazzjoni tal-inklinazzjoni | Ġestjoni minima ta' artijiet li tirrifletti l-kondizzjonijiet speċifiċi tas-siti biex tiġi limitata l-erożjoni u biex tiġi ppreservata l-ħażna tal-karbonju |
| (protezzjoni u | KAAT 7 | L-ebda ħamrija għerja fil-biċċa l-kbira tal-perjodu(i) | ***Il-protezzjoni fiżika*** tal-ħamrija ***kontra l-erożjoni*** |

| | | | |
|---|---|---|---|
| kwalità) | | sensittiv(i) | ***u ż-żamma tal-ħamrija, filwaqt li jitqiesu l-prattiki tradizzjonali*** |
| | KAAT 8 | In-newba ***tal-għelejjel ta' mill-inqas erba' snin inkluż komponent tal-legumi*** | Il-preservazzjoni tal-potenzjal tal-ħamrija |

**Emenda 193**

**Proposta għal regolament**
Anness III – Tabella 1 – kolonna 2 – ringiela 5

| | | *Test propost mill-Kummissjoni* | |
|---|---|---|---|
| Il-bijodiversità u l-pajsaġġ | SMR 3 | Id-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi (ĠU L 20, 26.1.2010, p. 7). | |
| (protezzjoni u kwalità) | | Artikolu 3(1), Artikolu 3(2)(b), Artikolu 4 (1), (2) u (4) | |
| | SMR 4 | Id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-ħabitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa (ĠU L 206, 22.7.1992, p. 7) | |
| | | Artikolu 6(1) u (2) | |
| | KAAT 9 | Is-sehem minimu miż-żona agrikola ddedikata għal karatteristiċi jew żoni mhux produttivi | Il-manutenzjoni tal-karatteristiċi u ***tal-erja mhux produttivi*** biex titjieb il-bijodiversità fl-azjenda agrikola. |
| | | Iż-żamma tal-karatteristiċi tal-pajsaġġi | |
| | | Projbizzjoni fuq il-qtugħ tal-isġajriet u tas-siġar waqt l-istaġun tat-tgħammir u tat-trobbija tal-frieħ tal- | |

| | | | |
|---|---|---|---|
| | | għasafar<br><br>Bħala opzjoni, miżuri biex jiġu evitati speċijiet ta' pjanti invażivi | |
| | KAAT 10 | Projbizzjoni fuq il-konverżjoni jew il-ħrit tal-bwar permanenti f'siti ta' Natura 2000 | Il-protezzjoni tal-ħabitats u tal-ispeċijiet |

*Emenda*

| | | | |
|---|---|---|---|
| Il-bijodiversità u l-pajsaġġ<br><br>(protezzjoni u kwalità) | SMR 3 | Id-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi (ĠU L 20, 26.1.2010, p. 7).<br><br>L-Artikolu 3(1), l-Artikolu 3(2)(b), l-Artikolu 4(1), (2) u (4) ***u l-Artikolu 5(a), (b) u (d)*** | |
| | SMR 4 | Id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-ħabitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa (ĠU L 206, 22.7.1992, p. 7)<br><br>***l-Artikolu 2, l-Artikolu 3(3),*** l-Artikolu 6(1)u (2), ***l-Artikolu 12(1), l-Artikolu 13(1)*** | |
| | KAAT 9 | Sehem minimu ***ta' 7 %*** miż-żona agrikola ddedikata għal karatteristiċi jew żoni mhux produttivi ***fejn ma jintużawx pestiċidi u fertilizzanti***<br><br>Iż-żamma tal-karatteristiċi tal-pajsaġġi<br><br>Projbizzjoni fuq il-qtugħ tal-isġajriet u tas-siġar waqt | Il-manutenzjoni tal-karatteristiċi u ***taż-żona mhux produttiva*** biex titjieb il-bijodiversità fl-azjenda agrikola, ***inklużi l-bijodiversità funzjonali u l-ispeċijiet ta' benefiċċju.*** |

| | | | |
|---|---|---|---|
| | | l-istaġun tat-tgħammir u tat-trobbija tal-frieħ tal-għasafar<br>Bħala opzjoni, miżuri biex jiġu evitati speċijiet ta' pjanti invażivi | |
| | KAAT 10 | Projbizzjoni fuq il-konverżjoni jew il-ħrit tal-bwar permanenti f'siti ta' Natura 2000 | Il-protezzjoni tal-ħabitats u tal-ispeċijiet***, l-assorbiment tal-karbonju*** |

**Emenda 194**

**Proposta għal regolament**
**Anness III – Tabella 1 – kolonna 2 – ringiela 6**

| | | *Test propost mill-Kummissjoni* |
|---|---|---|
| Sigurtà tal-ikel | SMR 5 | Ir-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabbilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel, ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1.<br>l-Artikoli 14 u 15, l-Artikolu 17(1) u l-Artikoli 18, 19 u 20 |
| | SMR 6 | Id-Direttiva tal-Kunsill 96/22/KE tad-29 ta' April 1996 li tikkonċerna l-projbizzjoni tal-użu fl-istockfarming ta' ċerti sustanzi li jkollhom azzjoni ormonika u tyrostatika u ta' beta-agonists, u li tħassar id-Direttivi 81/602/KEE, 88/146/KEE u 88/299/KEE |

| | | |
|---|---|---|
| | | (ĠU L 125, 23.5.1996, p. 3)<br>Artikolu 3(a), (b), (d) u (e) u Artikoli 4, 5 u 7 |

[3] Kif implimentat b'mod partikolari minn:

— l-Artikolu 14 tar-Regolament (KE) Nru 470/2009 u l-Anness tar-Regolament (KE) Nru 37/2010,

— Ir-Regolament (KE) Nru 852/2004: l-Artikolu 4(1) u l-Anness I parti A (II 4 (g, h, j), 5 (f, h), 6; III 8 (a, b, d, e), 9 (a, c)),

— Ir-Regolament (KE) Nru 853/2004: L-Artikolu 3(1) u l-Anness III it-Taqsima IX il-Kapitolu 1 (I-1 b, c, d, e; I-2 a (i, ii, iii), b (i, ii), c; I-3; I-4; I-5; II-A 1, 2, 3, 4; II-B 1 (a, d), 2, 4 (a, b)), l-Anness III it-Taqsima X il-Kapitolu 1 (1),

— Ir-Regolament (KE) Nru 183/2005: l-Artikolu 5(1) u l-Anness I, il-parti A (I-4 e, g; II-2 a, b, e), l-Artikolu 5(5) u l-Anness III (taħt l-intestatura "TMIGĦ", il-punt 1. intitolat "Ħażna", l-ewwel u l-aħħar sentenza, u l-punt 2. intitolat "Distribuzzjoni", it-tielet sentenza), l-Artikolu 5(6), u

— Ir-Regolament (KE) Nru 396/2005: Artikolu 18

*Emenda*

| | | |
|---|---|---|
| Sigurtà tal-ikel | SMR 5 | Ir-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabbilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel, ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1.<br>l-Artikoli 14 u 15, l-Artikolu 17(1) u l-Artikoli 18, 19 u 20 |
| | SMR 6 | Id-Direttiva tal-Kunsill 96/22/KE tad-29 ta' April 1996 li tikkonċerna l-projbizzjoni tal-użu fl-istockfarming ta' ċerti sustanzi li jkollhom azzjoni ormonika u tyrostatika u ta' beta- |

| | | |
|---|---|---|
| | | agonists, u li tħassar id-Direttivi 81/602/KEE, 88/146/KEE u 88/299/KEE (ĠU L 125, 23.5.1996, p. 3)<br>Artikolu 3(a), (b), (d) u (e) u Artikoli 4, 5 u 7 |
| | ***SMR 6a:*** | ***Regolament (UE) 2019/6 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar prodotti mediċinali veterinarji u li jħassar id-Direttiva 2001/82/KE (ĠU L 4, 7.1.2019, p. 43).;***<br>***l-Artikoli 107 u 108*** |

[3] Kif implimentat b'mod partikolari minn:

— l-Artikolu 14 tar-Regolament (KE) Nru 470/2009 u l-Anness tar-Regolament (KE) Nru 37/2010,

— Ir-Regolament (KE) Nru 852/2004: l-Artikolu 4(1) u l-Anness I parti A (II 4 (g, h, j), 5 (f, h), 6; III 8 (a, b, d, e), 9 (a, c)),

— Ir-Regolament (KE) Nru 853/2004: L-Artikolu 3(1) u l-Anness III it-Taqsima IX il-Kapitolu 1 (I-1 b, c, d, e; I-2 a (i, ii, iii), b (i, ii), c; I-3; I-4; I-5; II-A 1, 2, 3, 4; II-B 1 (a, d), 2, 4 (a, b)), l-Anness III it-Taqsima X il-Kapitolu 1 (1),

— Ir-Regolament (KE) Nru 183/2005: l-Artikolu 5(1) u l-Anness I, il-parti A (I-4 e, g; II-2 a, b, e), l-Artikolu 5(5) u l-Anness III (taħt l-intestatura "TMIGĦ", il-punt 1. intitolat "Ħażna", l-ewwel u l-aħħar sentenza, u l-punt 2. intitolat "Distribuzzjoni", it-tielet sentenza), l-Artikolu 5(6), u

— Ir-Regolament (KE) Nru 396/2005: Artikolu 18

**Emenda 195**
**Proposta għal regolament**
Anness III – Tabella 1 – kolonna 2 – ringiela 7

| | | *Test propost mill-Kummissjoni* |
|---|---|---|
| L-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tal- | SMR 7 | Id-Direttiva tal-Kunsill 2008/71/KE tal-15 ta' Lulju 2008 dwar l-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-ħnieżer (ĠU L 213, 8.8.2005, p. |

| | | |
|---|---|---|
| annimali | | 31):<br>l-Artikoli 3, 4 u 5 |
| | SMR 8 | Ir-Regolament (KE) Nru 1760/2000 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Lulju 2000 li jistabbilixxi sistema għall-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-bhejjem tal-ifrat u dwar it-tikkettjar tal-laħam taċ-ċanga u tal-prodotti tal-laħam taċ-ċanga u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 820/97 (ĠU L 204, 11.8.2000, p. 1).<br>l-Artikoli 4 u 7 |
| | SMR 9 | Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 21/2004 tas-17 ta' Diċembru 2003 li jistabbilixxi sistema għall-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-annimali ovini u kaprini u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1782/2003 u d-Direttiva 92/102/KEE u 64/432/KEE (ĠU L 5, 9.1.2004, p. 8):<br>l-Artikoli 3, 4 u 5 |

*Emenda*

| | | |
|---|---|---|
| L-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-annimali | SMR 7 | Id-Direttiva tal-Kunsill 2008/71/KE tal-15 ta' Lulju 2008 dwar l-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-ħnieżer (ĠU L 213, 8.8.2005, p. 31):<br>l-Artikoli 3, 4 u 5 |
| | SMR 8 | Ir-Regolament (KE) Nru 1760/2000 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Lulju 2000 li jistabbilixxi sistema għall- |

| | | |
|---|---|---|
| | | identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-bhejjem tal-ifrat u dwar it-tikkettjar tal-laħam taċ-ċanga u tal-prodotti tal-laħam taċ-ċanga u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 820/97 (ĠU L 204, 11.8.2000, p. 1).<br>l-Artikoli 4 u 7 |
| | SMR 9 | Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 21/2004 tas-17 ta' Diċembru 2003 li jistabbilixxi sistema għall-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-annimali ovini u kaprini u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1782/2003 u d-Direttiva 92/102/KEE u 64/432/KEE (ĠU L 5, 9.1.2004, p. 8):<br>l-Artikoli 3, 4 u 5 |

**Emenda 196Proposta għal regolament**Anness III – Tabella 1 – kolonna 2 – ringiela 8

*Test propost mill-Kummissjoni*

| | | |
|---|---|---|
| Il-mard tal-annimali | SMR 10 | Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 999/2001 tat-22 ta' Mejju 2001 li jistabblixxi regoli għall-prevenzjoni, kontroll u eradikazzjoni ta' ċertu enċefalopatija sponġiformi li tinxtered (ĠU L 147, 31.5.2001, p. 1); (Edizzjoni Speċjali bil-Malti: Kapitolu 3 Vol. 32 p. 289).<br>Artikoli 7, 11, 12, 13 u 15 |
| | SMR 11 | Ir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament |

| | | |
|---|---|---|
| | | Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar il-mard trasmissibbli tal-annimali (ĠU L 84, 31.3.2016, p. 1)<br><br>l-Artikolu 18(1), limitat għall-marda tal-ilsien u d-dwiefer, il-marda vexxikulari tal-ħnieżer u l-marda tal-ilsien blu. |

*Emenda*

| | | |
|---|---|---|
| Il-mard tal-annimali | SMR 10 | Regolament (KE) Nru 999/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2001 li jistabbilixxi regoli għall-prevenzjoni, il-kontroll u l-eradikazzjoni ta' ċerti enċefalopatiji sponġiformi li jinxterdu (ĠU L 147, 31.5.2001, p. 1):<br><br>Artikoli 7, 11, 12, 13 u 15 |
| | SMR 11 | Ir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar il-mard trasmissibbli tal-annimali (ĠU L 84, 31.3.2016, p. 1)<br><br>l-Artikolu 18(1), limitat għall-marda tal-ilsien u d-dwiefer, il-marda vexxikulari tal-ħnieżer u l-marda tal-ilsien blu. |

**Emenda 197**

**Proposta għal regolament**
**Anness III – Tabella 1 – kolonna 2 – ringiela 9**

*Test propost mill-Kummissjoni*

| | | |
|---|---|---|
| Prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti | SMR 12 | Ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 79/117/KEE u 91/414/KEE (ĠU L 309, 24.11.2009, p. 1).<br>l-Artikolu 55, l-ewwel u t-tieni sentenza |
| | SMR 13 | Id-Direttiva 2009/128/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja biex jinkiseb użu sostenibbli tal-pestiċidi (ĠU L 309, 24.11.2009, p. 71).<br>l-Artikolu 5(2) u l-Artikolu 8(1) sa (5)<br>L-Artikolu 12 fir-rigward tar-restrizzjonijiet dwar l-użu tal-pestiċidi fiż-żoni protetti definiti fuq il-bażi tad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma u l-leġiżlazzjoni tan-Natura 2000.<br>L-Artikolu 13(1) u (3) dwar l-immaniġġar u l-ħżin tal-pestiċidi u ir-rimi tal-fdalijiet. |

*Emenda*

| | | |
|---|---|---|
| Prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti | SMR 12 | Ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 79/117/KEE u |

| | | |
|---|---|---|
| | | 91/414/KEE (ĠU L 309, 24.11.2009, p. 1). |
| | | l-Artikolu 55, l-ewwel u t-tieni sentenza |
| | | ***Artikolu 67*** |
| | SMR 13 | Id-Direttiva 2009/128/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja biex jinkiseb użu sostenibbli tal-pestiċidi (ĠU L 309, 24.11.2009, p. 71). |
| | | l-Artikolu 5(2) u l-Artikolu 8(1) sa (5) |
| | | L-Artikolu 12 fir-rigward tar-restrizzjonijiet dwar l-użu tal-pestiċidi fiż-żoni protetti definiti fuq il-bażi tad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma u l-leġiżlazzjoni tan-Natura 2000. |
| | | L-Artikolu 13(1) u (3) dwar l-immaniġġar u l-ħżin tal-pestiċidi u ir-rimi tal-fdalijiet. |
| | | ***Artikolu 14*** |

**Emenda 198**

**Proposta għal regolament**
Anness III – Tabella 1 – kolonna 2 – ringiela 10

*Test propost mill-Kummissjoni*

| | | |
|---|---|---|
| Il-benesseri tal-annimali | SMR 14 | Id-Direttiva tal-Kunsill 2008/119/KE tat-18 ta' Diċembru 2008 li tistabbilixxi standards minimi għall-protezzjoni tal-għoġġiela (ĠU L 10, 15.1.2009, p. 7). |

| | | |
|---|---|---|
| | | l-Artikoli 3 u 4 |
| | SMR 15 | Id-Direttiva tal-Kunsill 2008/120/KE tat-18 ta' Diċembru 2008 li tistabbilixxi standards minimi għall-protezzjoni tal-majjali (ĠU L 47, 18.2.2009, p. 5). |
| | | l-Artikolu 3 u l-Artikolu 4 |
| | SMR 16 | Id-Direttiva tal-Kunsill 98/58/KE tal-20 ta' Lulju 1998 dwar il-ħarsien ta' annimali miżmuma għal skopijiet ta' biedja (ĠU L 221, 8.8.1998, p. 23). |
| | | Artikolu 4 |
| | | *Emenda* |
| Il-benesseri tal-annimali | ***KAAT 10 a:*** | ***L-annimali għandhom ikunu jistgħu jimteddu, iqumu bilwieqfa, jestendu d-dirgħajhom u riġlejhom u jduru fuqhom infushom*** |
| | SMR 14 | Id-Direttiva tal-Kunsill 2008/119/KE tat-18 ta' Diċembru 2008 li tistabbilixxi standards minimi għall-protezzjoni tal-għoġġiela (ĠU L 10, 15.1.2009, p. 7). |
| | | l-Artikoli 3 u 4 |
| | SMR 15 | Id-Direttiva tal-Kunsill 2008/120/KE tat-18 ta' Diċembru 2008 li tistabbilixxi standards minimi għall-protezzjoni tal-majjali (ĠU L 47, 18.2.2009, p. 5). |
| | | l-Artikolu 3 u l-Artikolu 4 |
| | SMR 16 | Id-Direttiva tal-Kunsill 98/58/KE tal-20 ta' Lulju 1998 dwar il-ħarsien ta' annimali miżmuma għal |

| | |
|---|---|
| | skopijiet ta' biedja (ĠU L 221, 8.8.1998, p. 23). |
| *SMR 16a :* | ***Regolament (KE) Nru 1099/2009 tal-Kunsill tal-24 ta' Settembru 2009 dwar il-protezzjoni tal-annimali waqt il-qatla (ĠU L 303, 18.11.2009, p. 1).*** <br> ***l-Artikoli 3 u 4*** |
| *SMR 16b :* | ***Id-Direttiva tal-Kunsill 2007/43/KE tat-28 ta' Ġunju 2007 li tistabbilixxi regoli minimi għall-protezzjoni tat-tiġieġ miżmuma għall-produzzjoni tal-laħam (ĠU L 182, 12.7.2007, p. 19)*** <br> ***Artikolu 3*** |
| *SMR 16c :* | ***Id-Direttiva tal-Kunsill 1999/74/KE tad-19 ta' Lulju 1991 li tistabilixxi standards minimi għall-ħarsien ta' tiġieġ li jbid (ĠU L 203, 3.8.1999, p. 53):*** <br> ***Artikolu 3*** |
| *SMR 16d :* | ***Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 tat-22 ta' Diċembru 2004 dwar il-protezzjoni tal-annimali waqt it-trasport u operazzjonijiet relatati u li jemenda d-Direttivi 64/432/KEE u 93/119/KE u r-Regolament (KE) Nru 1255/97 (ĠU L 3, 5.1.2005, p. 1).*** <br> ***Artikolu 3*** |

**Emenda 199**

**Proposta għal regolament**
Anness XI

*Test propost mill-Kummissjoni*

Anness XI

Leġiżlazzjoni tal-UE dwar l-ambjent u l-klima li l-pjanijiet strateġiċi tal-pak tal-istati membri ***jridu*** jikkontribwixxu għall-objettivi tagħhom skont l-Artikoli 96, 97 u 103:

- Id-Direttiva 2009/147/KE tal-parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi;

- Id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-ħabitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa;

- Id-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2000 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma;

- Id-Direttiva tal-Kunsill 91/676/KEE tat-12 ta' Diċembru 1991 dwar il-protezzjoni tal-ilma kontra t-tniġġis ikkawżat min-nitrati minn sorsi agrikoli;

- Id-Direttiva 2008/50/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kwalità tal-arja fl-ambjent u arja iktar nadifa għall-Ewropa;

- Id-Direttiva (UE) 2016/2284 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2016 dwar it-tnaqqis tal-emissjonijiet nazzjonali ta' ċerti inkwinanti atmosferiċi, li temenda d-Direttiva 2003/35/KE u li tħassar id-Direttiva 2001/81/KE;

- [Ir-Regolament XXXX tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-inklużjoni tal-emissjonijiet u l-assorbimenti ta' gassijiet serra minn użu tal-art, it-tibdil fl-użu tal-art u l-forestrija fil-qafas għall-klima u l-enerġija għall-2030 u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar mekkaniżmu għall-monitoraġġ u r-rapportar ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra u għar-rapportar ta' informazzjoni oħra relatata mat-tibdil fil-klima];

- [Ir-Regolament XXX tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tnaqqis annwali vinkolanti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-Istati Membri mill-2021 sal-2030 għal Unjoni tal-Enerġija reżiljenti u biex jiġu onorati l-impenji skont il-Ftehim ta' Pariġi u r-Regolament emendatorju - Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar mekkaniżmu għall-monitoraġġ u r-rapportar ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra u għar-rapportar ta' informazzjoni oħra relatata mat-tibdil fil-klima];

- Id-Direttiva 2009/28/KE dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli;

- [Id-Direttiva XXX tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2012/27/UE dwar l-effiċjenza fl-enerġija];

- [Ir-Regolament XXXX tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija, li jemenda d-Direttiva 94/22/KE, id-Direttiva 98/70/KE, id-Direttiva 2009/31/KE, ir-Regolament (KE) Nru 663/2009, ir-Regolament (KE) Nru 715/2009, id-Direttiva 2009/73/KE, id-Direttiva tal-Kunsill 2009/119/KE, id-Direttiva 2010/31/UE, id-Direttiva 2012/27/UE, id-Direttiva 2013/30/UE u d-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2015/652 u li

jħassar ir-Regolament (UE) Nru 525/2013];

- Id-Direttiva 2009/128/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja biex jinkiseb użu sostenibbli tal-pestiċidi;

*Emenda*

Anness XI

Leġiżlazzjoni tal-UE dwar l-ambjent u l-klima li l-pjanijiet strateġiċi tal-pak tal-istati membri ***jenħtieġ li*** jikkontribwixxu għall-objettivi tagħhom skont l-Artikoli 96, 97 u 103:

- Id-Direttiva 2009/147/KE tal-parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi;

- Id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-ħabitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa;

- Id-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2000 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma;

- Id-Direttiva tal-Kunsill 91/676/KEE tat-12 ta' Diċembru 1991 dwar il-protezzjoni tal-ilma kontra t-tniġġis ikkawżat min-nitrati minn sorsi agrikoli;

- Id-Direttiva 2008/50/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kwalità tal-arja fl-ambjent u arja iktar nadifa għall-Ewropa;

- Id-Direttiva (UE) 2016/2284 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2016 dwar it-tnaqqis tal-emissjonijiet nazzjonali ta' ċerti inkwinanti atmosferiċi, li temenda d-Direttiva 2003/35/KE u li tħassar id-Direttiva 2001/81/KE;

- [Ir-Regolament XXXX tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-inklużjoni tal-emissjonijiet u l-assorbimenti ta' gassijiet serra minn użu tal-art, it-tibdil fl-użu tal-art u l-forestrija fil-qafas għall-klima u l-enerġija għall-2030 u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar mekkaniżmu għall-monitoraġġ u r-rapportar ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra u għar-rapportar ta' informazzjoni oħra relatata mat-tibdil fil-klima];

- [Ir-Regolament XXX tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tnaqqis annwali vinkolanti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-Istati Membri mill-2021 sal-2030 għal Unjoni tal-Enerġija reżiljenti u biex jiġu onorati l-impenji skont il-Ftehim ta' Pariġi u r-Regolament emendatorju - Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar mekkaniżmu għall-monitoraġġ u r-rapportar ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra u għar-rapportar ta' informazzjoni oħra relatata mat-tibdil fil-klima];

- Id-Direttiva 2009/28/KE dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli;

- [Id-Direttiva XXX tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2012/27/UE dwar l-effiċjenza fl-enerġija];

- [Ir-Regolament XXXX tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija, li jemenda d-Direttiva 94/22/KE, id-Direttiva 98/70/KE, id-Direttiva 2009/31/KE, ir-Regolament (KE) Nru 663/2009, ir-Regolament (KE) Nru 715/2009, id-Direttiva 2009/73/KE, id-Direttiva tal-Kunsill 2009/119/KE, id-Direttiva 2010/31/UE, id-Direttiva 2012/27/UE, id-Direttiva 2013/30/UE u d-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2015/652 u li

jħassar ir-Regolament (UE) Nru 525/2013];

- Id-Direttiva 2009/128/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja biex jinkiseb użu sostenibbli tal-pestiċidi;

***- Ir-Regolament (UE) XX/XX tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-rekwiżiti minimi għall-użu mill-ġdid tal-ilma.***

***- Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 79/117/KEE u 91/414/KEE.***

**Emenda 200**

**Proposta għal regolament**
**Anness XIa (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***ANNESS XIa*** |
| | ***IL-LEĠIŻLAZZJONI TAL-UE DWAR IT-TRATTAMENT XIERAQ TAL-ANNIMALI LI L-PJANIJIET STRATEĠIĊI TAL-PAK TAL-ISTATI MEMBRI JENĦTIEĠ LI JIKKONTRIBWIXXU GĦALL-OBJETTIVI TAGĦHA SKONT L-ARTIKOLI 96, 97 U 103:*** |
| | ***- Id-Direttiva tal-Kunsill 98/58/KE tal-20 ta' Lulju 1998 dwar il-ħarsien ta' annimali miżmuma għal skopijiet ta' biedja*** |
| | ***- Id-Direttiva tal-Kunsill 1999/74/KE tad-19 ta' Lulju 1999 li tistabbilixxi standards minimi għall-ħarsien ta' tiġieġ li jbid*** |
| | ***- Id-Direttiva tal-Kunsill 2007/43/KE tat-28 ta' Ġunju 2007 li tistabbilixxi regoli minimi għall-protezzjoni tat-tiġieġ miżmuma għall-produzzjoni tal-laħam*** |
| | ***- Id-Direttiva tal-Kunsill 2008/119/KE tat-18 ta' Diċembru 2008 li tistabbilixxi standards minimi għall-protezzjoni tal-għoġiela;*** |
| | ***- Id-Direttiva tal-Kunsill 2008/120/KE tat-18 ta' Diċembru 2008 li tistabbilixxi standards minimi għall-protezzjoni tal-*** |

***majjali;***

***- Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 543/2008 tas-16 ta' Ġunju 2008 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-istandards għat-tqegħid fis-suq tal-laħam tat-tjur;***

***- Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 1/2005 tat-22 ta' Diċembru 2004 dwar il-protezzjoni ta' l-annimali waqt it-trasport u operazzjonijiet relatati u li temenda d-Direttivi 64/432/KEE u 93/119/KE u r-Regolament (KE) Nru 1255/97***

***- Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1099/2009 tal-24 ta' Settembru 2009 dwar il-protezzjoni tal-annimali waqt il-qatla;***

***- Regolament (UE) 2019/6 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar prodotti mediċinali veterinarji u li jħassar id-Direttiva 2001/82/KE***

***- Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-manifattura, it-tqegħid fis-suq u l-użu ta' għalf medikat, li jemenda r-Regolament (KE) Nru 183/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 90/167/KEE***

***- Ir-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2017 dwar il-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra mwettqa biex jiżguraw l-applikazzjoni tal-liġi tal-ikel u tal-għalf, ta' regoli dwar is-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali, dwar is-saħħa tal-pjanti u dwar prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti;***

**Emenda 201**

**Proposta għal regolament**

**Anness XII – tabella – ringiela 5**

*Test propost mill-Kummissjoni*

| | |
|---|---|
| Tikkontribwixxi għall-mitigazzjoni u l-adattament għat-tibdil fil-klima, kif ukoll għall-enerġija sostenibbli; | R.14 Il-ħżin tal-karbonju fil-ħamrija u l-bijomassa: Is-sehem tal-art agrikola b'impenji biex tnaqqas l-emissjonijiet, iżżomm u/jew ittejjeb il-ħżin tal-karbonju (bur permanenti, art agrikola fit-torbiera, fil-foresti, eċċ) |

*Emenda*

| | |
|---|---|
| Tikkontribwixxi għall-mitigazzjoni u l-adattament għat-tibdil fil-klima, kif ukoll għall-enerġija sostenibbli; | R.14 Il-ħżin tal-karbonju fil-ħamrija u l-bijomassa: Is-sehem tal-art agrikola b'impenji biex tnaqqas l-emissjonijiet, iżżomm u/jew ittejjeb il-ħżin tal-karbonju (bur permanenti, ***għelejjel permanenti***, art agrikola fit-torbiera, fil-foresti, eċċ) |

# PROĊEDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| | |
|---|---|
| **Titolu** | L-istabbiliment ta' regoli dwar l-appoġġ għall-pjanijiet strateġiċi li jridu jitfasslu mill-Istati Membri taħt il-Politika Agrikola Komuni (il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK) u ffinanzjati mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) |
| **Referenzi** | COM(2018)0392 – C8-0248/2018 – 2018/0216(COD) |
| **Kumitat responsabbli**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | AGRI<br>11.6.2018 |
| **Opinjoni mogħtija minn**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | ENVI<br>11.6.2018 |
| **Kumitati assoċjati - data tat-tħabbir fis-seduta plenarja** | 5.7.2018 |
| **Rapporteur għal opinjoni**<br>Data tal-ħatra | Giovanni La Via<br>3.7.2018 |
| **Eżami fil-kumitat** | 6.12.2018 |
| **Data tal-adozzjoni** | 14.2.2019 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 42<br>–: 14<br>0: 3 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Marco Affronte, Margrete Auken, Catherine Bearder, Biljana Borzan, Paul Brannen, Soledad Cabezón Ruiz, Nessa Childers, Birgit Collin-Langen, Miriam Dalli, Seb Dance, Angélique Delahaye, Bas Eickhout, José Inácio Faria, Francesc Gambús, Elisabetta Gardini, Arne Gericke, Jens Gieseke, Julie Girling, Sylvie Goddyn, Françoise Grossetête, Andrzej Grzyb, Jytte Guteland, Karin Kadenbach, Kateřina Konečná, Urszula Krupa, Giovanni La Via, Peter Liese, Jiří Maštálka, Joëlle Mélin, Susanne Melior, Rory Palmer, Massimo Paolucci, Gilles Pargneaux, Bolesław G. Piecha, Frédérique Ries, Michèle Rivasi, Annie Schreijer-Pierik, Ivica Tolić, Nils Torvalds, Adina-Ioana Vălean, Jadwiga Wiśniewska, Damiano Zoffoli |
| **Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali** | Eleonora Evi, Christophe Hansen, Martin Häusling, Merja Kyllönen, Alojz Peterle, Carolina Punset, Bart Staes, Babette Winter |
| **Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali** | Heinz K. Becker, Edward Czesak, Sophia in 't Veld, Jude Kirton-Darling, Arndt Kohn, Dietmar Köster, Olle Ludvigsson, Stanisław Ożóg, José Ignacio Salafranca Sánchez-Neyra |

## VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| 42 | + |
|---|---|
| ALDE : | Catherine Bearder, Carolina Punset, Frédérique Ries, Nils Torvalds, Sophia in 't Veld |
| EFDD/ | Eleonora Evi |
| GUE/NGL : | Merja Kyllönen |
| PPE: | Birgit Collin Langen, Angélique Delahaye, José Inácio Faria, Francesc Gambús, Andrzej Grzyb, Giovanni La Via, Peter Liese, Alojz Peterle, José Ignacio Salafranca Sánchez-Neyra, Ivica Tolić, Adina Ioana Vălean |
| S&D: | Biljana Borzan, Paul Brannen, Soledad Cabezón Ruiz, Nessa Childers, Miriam Dalli, Seb Dance, Jytte Guteland, Karin Kadenbach, Jude Kirton-Darling, Arndt Kohn, Dietmar Köster, Olle Ludvigsson, Susanne Melior, Rory Palmer, Massimo Paolucci, Gilles Pargneaux, Babette Winter, Damiano Zoffoli |
| VERTS/ALE: | Marco Affronte, Margrete Auken, Bas Eickhout, Martin Häusling, Michèle Rivasi, Bart Staes |

| 14 | - |
|---|---|
| ECR : | Edward Czesak, Arne Gericke, Urszula Krupa, Stanisław Ożóg, Bolesław G. Piecha, Jadwiga Wiśniewska |
| GUE/NGL: | Kateřina Konečná, Jiří Maštálka |
| PPE: | Elisabetta Gardini, Jens Gieseke, Julie Girling, Françoise Grossetête, Christophe Hansen, Annie Schreijer-Pierik |

| 3 | 0 |
|---|---|
| EFDD : | Sylvie Goddyn |
| ENF : | Joëlle Mélin |
| PPE : | Heinz K. Becker |

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni

12.2.2019

## OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-IŻVILUPP

għall-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi regoli dwar l-appoġġ għall-pjanijiet strateġiċi li jridu jitfasslu mill-Istati Membri taħt il-Politika Agrikola Komuni (il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK) u ffinanzjati mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1305/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament (UE) Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill
(COM(2018)0392 – C8-0248/2018 – 2018/0216(COD))

Rapporteur għal opinjoni:Maria Heubuch

## ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

L-obbligu tal-UE li tirrispetta l-Koerenza tal-Politiki għall-Iżvilupp huwa kkodifikat fl-Artikolu 208 tat-Trattat ta' Lisbona, fejn l-UE tieħu l-impenn li tqis l-objettivi għall-iżvilupp fil-politiki kollha li possibbilment jaffettwaw lill-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp u li tevita kontradizzjonijiet bejn il-politiki. Is-sigurtà tal-ikel u l-agrikoltura sostenibbli huma oqsma ta' prijorità tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp tal-UE. Il-qafas ta' politika rilevanti tal-UE[1] (2010) jenfasizza l-importanza tal-Koerenza tal-Politiki għall-Iżvilupp (PCD) għas-sigurtà tal-ikel globali u jindividwa l-Politika Agrikola Komuni (PAK) tal-UE. Filwaqt li l-inkoerenza tal-PAK mal-objettivi għall-iżvilupp naqset matul is-snin, b'mod speċjali peress li l-Ftehim tad-WTO dwar l-Agrikoltura obbliga lill-UE tnaqqas l-appoġġ pubbliku li jfixkel il-kummerċ għall-agrikoltura u telimina gradwalment is-sussidji fuq l-esportazzjonijiet, għad hemm problemi ta' inkoerenza:

- Sussidji għall-produzzjoni agrikola fl-UE li jiskattaw żieda fl-esportazzjonijiet jew l-importazzjonijiet ta' ċerti oġġetti lejn jew minn pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp (eż. Appoġġ Akkoppjat Volontarju għall-prodotti meqjusa sensittivi għall-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp);

- Miżuri ta' appoġġ tas-suq li jiskattaw żieda fl-esportazzjonijiet ta' ċerti oġġetti lejn pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp (eż. sostenn għall-ħżin għat-trab tal-ħalib xkumat fl-UE li, minħabba

[1] Il-Kummissjoni Ewropea, Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew: Qafas ta' politika tal-UE biex jgħin lill-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp jindirizzaw l-isfidi fil-qasam tas-sigurtà tal-ikel. COM(2010)127 final. Brussell, KE, 31 ta' Marzu 2010.

produzzjoni żejda, jiġi esportat lejn pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp bi prezzijiet baxxi ferm);

- Effetti negattivi fuq il-klima jew produzzjoni agrikola intensiva fl-użu tar-riżorsi (eż. l-emissjonijiet ta' gassijiet serra tas-settur tal-bhejjem tal-UE jaggravaw it-tibdil fil-klima u jikkontribwixxu għal tnaqqis fil-ħsad f'reġjuni tropikali u subtropikali).

Dan ir-regolament jiddefinixxi l-objettivi u l-istrumenti tal-PAK, filwaqt li jipproponi "mudell ta' implimentazzjoni" ġdid li jagħti lill-Istati Membri tal-UE aktar responsabbiltà fl-ifformar tal-PAK. Ftit li xejn hemm tibdil fis-sustanza, minbarra l-kamp ta' applikazzjoni addizzjonali għal ambizzjoni mnaqqsa, peress li l-Istati Membri jistabbilixxu l-miri speċifiċi tagħhom stess. Ir-rapporteur jiddispjaċiha li l-proposta leġiżlattiva għall-proposta tal-PAK ma tissodisfax it-talba tal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli, li titlob tranżizzjoni sostanzjali għal sistemi sostenibbli tal-produzzjoni tal-ikel, li timxi minn biedja b'input għoli u intensiva fl-użu tar-riżorsi għal prattiki agroekoloġiċi sal-2030.

Analiżi tal-proposta wriet li peress li l-Kummissjoni qiegħda tipproponi kontinwità sinifikanti f'termini tal-kontenut tal-PAK, jew "żamma tal-istatus quo", il-politika jibqa' jkollha riperkussjonijiet negattivi fuq l-iżvilupp wara l-2021:

- Il-proposta tal-Kummissjoni hija akkumpanjata minn valutazzjoni tal-impatt b'kapitolu qasir dwar il-PCD u dan ma jserraħx moħħ ir-rapporteur li l-obbligu tat-TFUE huwa osservat: dwar il-kummerċ din tiddikjara li "bħalissa aktar minn 90 % tal-appoġġ dirett ma jfixkilx il-kummerċ", li b'mod impliċitu dan jirrikonoxxi li ftit anqas minn 10 % tal-appoġġ dirett għadu jfixkel il-kummerċ.

- Il-paragrafu dwar l-użu eċċezzjonali ta' miżuri ta' appoġġ tas-suq huwa qasir ħafna u ma janalizzax l-effetti fuq l-iżvilupp. Imkien ma jissemmew l-effetti klimatiċi negattivi possibbli tal-PAK fuq l-iżvilupp, minkejja li l-agrikoltura tammonta għal 11 % tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra.

Peress li abbozz ta' regolament ma jiżvelax kif l-UE u l-Istati Membri tagħha se jiżguraw PCD u lanqas kif se jimmonitorjaw l-impatt tal-PAK fuq l-iżvilupp, ir-rapporteur tipproponi li r-regolament huwa emendat kif ġej:

- Impenn akbar għal PCD bl-introduzzjoni tal-PCD bħala objettiv speċifiku u ż-żieda ta' "kapitolu dwar l-iżvilupp".

- Il-monitoraġġ tal-impatti tal-PAK fuq l-iżvilupp bl-estensjoni tal-qafas ta' monitoraġġ u l-introduzzjoni ta' mekkaniżmu ta' lmenti.

- L-iżgurar li s-sussidji, inkluż l-Appoġġ għall-Introjtu Akkoppjat, ma jagħmlux ħsara bl-introduzzjoni ta' sett ta' salvagwardji.

- Id-definizzjoni ta' standards ambjentali minimi li l-benefiċjarji ta' pagamenti diretti jeħtiġilhom isegwu.

- L-espansjoni tal-appoġġ għall-għelejjel tal-legumi biex jitnaqqsu l-importazzjonijiet tas-sojja għall-għalf tal-annimali.

- Il-limitazzjoni tal-effetti negattivi ekoloġiċi u fuq il-klima; traċċar aħjar tan-nefqa fuq l-azzjoni klimatika.

## EMENDI

Il-Kumitat għall-Iżvilupp jistieden lill-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jieħu inkunsiderazzjoni l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

**Emenda 1**

**Proposta għal Regolament**
**Kunsiderazzjoni 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 42 u l-Artikolu 43(2) tiegħu, | Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u b'mod partikolari l-Artikolu 42**,** l-Artikolu 43(2) u ***l-Artikolu 208*** tiegħu, |

**Emenda 2**

**Proposta għal Regolament**
**Premessa 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (1) Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni intitolata "Il-Ġejjieni tal-Ikel u tal-Biedja" tad-29 ta' Novembru 2017 tistabbilixxi l-isfidi, l-objettivi u l-orjentazzjonijiet għall-Politika Agrikola Komuni ("PAK") wara l-2020. Dawn l-objettivi jinkludu, inter alia, il-ħtieġa li l-PAK tkun immexxija aktar mir-riżultati, ***li jissaħħu*** l-modernizzazzjoni u s-sostenibbiltà, inkluż is-sostenibbiltà ekonomika, soċjali, ambjentali u klimatika tal-agrikoltura, tal-forestrija u taż-żoni rurali ***u li*** tgħin biex jitnaqqas il-piż amministrattiv relatat mal- | (1) Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni intitolata "Il-Ġejjieni tal-Ikel u tal-Biedja" tad-29 ta' Novembru 2017 tistabbilixxi l-isfidi, l-objettivi u l-orjentazzjonijiet għall-Politika Agrikola Komuni ("PAK") ***u s-sigurtà tal-ikel*** wara l-2020. Dawn l-objettivi jinkludu, inter alia, il-ħtieġa li l-PAK tkun immexxija aktar mir-riżultati, ***toħloq ikel tajjeb għas-saħħa, issaħħaħ*** l-modernizzazzjoni u s-sostenibbiltà, inkluż is-sostenibbiltà ekonomika, soċjali, ambjentali u klimatika tal-agrikoltura, tal-forestrija u taż-żoni rurali***, tnaqqas id-diskrepanzi fl-iżvilupp bejn iż-żoni*** |

leġiżlazzjoni tal-Unjoni għall-benefiċjarji.

***differenti u*** tgħin biex jitnaqqas il-piż amministrattiv relatat mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni għall-benefiċjarji. ***Din il-Komunikazzjoni tisħaq ukoll fuq id-dimensjoni globali tal-PAK u tiddikjara l-impenn tal-Unjoni biex tissaħħaħ il-koerenza tal-politiki għall-iżvilupp sostenibbli (PCSD).***

**Emenda 3**

**Proposta għal Regolament**
**Premessa 1a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(1a) Sabiex jiġu indirizzati d-dimensjoni globali u l-implikazzjonijiet tal-PAK, jenħtieġ li l-Kummissjoni tiżgura l-koerenza u l-kontinwità mal-politiki u l-istrumenti esterni l-oħra tal-Unjoni, b'mod partikolari fil-kooperazzjoni għall-iżvilupp u fil-kummerċ. L-impenn tal-Unjoni għall-koerenza tal-politiki għall-iżvilupp jirrikjedi li jitqiesu l-objettivi u l-prinċipji tal-iżvilupp meta jitfasslu l-politiki agrikoli, speċjalment biex jiġi żgurat li jkunu konformi mal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli u mal-Ftehim ta' Pariġi.*** |

**Emenda 4**

**Proposta għal Regolament**
**Premessa 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (2) Peress li hemm il-ħtieġa li l-PAK ittejjeb ir-rispons tagħha għall-isfidi u għall-opportunitajiet hekk kif jimmanifestaw ruħhom fil-livell tal-Unjoni, fil-livell internazzjonali, nazzjonali, reġjonali, lokali u fil-livell tal-azjendi agrikoli, huwa meħtieġ li tiġi ssimplifikata | (2) Peress li hemm il-ħtieġa li l-PAK ittejjeb ir-rispons tagħha għall-isfidi***, bħaż-żieda fil-konċentrazzjoni tal-art agrikola,*** u għall-opportunitajiet hekk kif jimmanifestaw ruħhom fil-livell tal-Unjoni, fil-livell internazzjonali, nazzjonali, reġjonali, lokali u fil-livell tal-azjendi |

| | |
|---|---|
| l-governanza tal-PAK u jitjieb ir-rendiment tagħha tal-objettivi tal-Unjoni u li jitnaqqas b'mod sinifikanti l-piż amministrattiv. Fil-PAK ibbażata fuq il-prestazzjoni ("il-mudell ta' implimentazzjoni"), l-Unjoni jenħtieġ tistabbilixxi l-parametri bażiċi ta' politika bħal pereżempju l-objettivi tal-PAK u rekwiżiti bażiċi, filwaqt li l-Istati Membri jenħtieġ jerfgħu responsabbiltà akbar għal kif jilħqu l-objettivi u kif jiksbu l-miri. Is-sussidjarjetà msaħħa tippermetti li jitqiesu aħjar il-kundizzjonijiet u l-bżonnijiet lokali, u jitfasslu apposta l-appoġġ biex jiġi massimizzat il-kontribut għall-objettivi tal-Unjoni. | agrikoli, huwa meħtieġ li tiġi ssimplifikata l-governanza tal-PAK u jitjieb ir-rendiment tagħha tal-objettivi tal-Unjoni u li jitnaqqas b'mod sinifikanti l-piż amministrattiv. Fil-PAK ibbażata fuq il-prestazzjoni ("il-mudell ta' implimentazzjoni"), l-Unjoni jenħtieġ tistabbilixxi l-parametri bażiċi ta' politika bħal pereżempju l-objettivi tal-PAK u rekwiżiti bażiċi, filwaqt li l-Istati Membri jenħtieġ jerfgħu responsabbiltà akbar għal kif jilħqu l-objettivi u kif jiksbu l-miri. Is-sussidjarjetà msaħħa tippermetti li jitqiesu aħjar il-kundizzjonijiet u l-bżonnijiet lokali, u jitfasslu apposta l-appoġġ biex jiġi massimizzat il-kontribut għall-objettivi tal-Unjoni ***inklużi l-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli u l-Ftehim ta' Pariġi*. *Dan huwa possibbli biss jekk il-miri jkunu ambizzjużi u sistema ta' monitoraġġ tiżgura li l-PAK tikkontribwixxi għall-protezzjoni tal-ambjent, il-bijodiversità, il-benesseri tal-annimali u l-ġustizzja soċjali kemm fil-livell tal-Unjoni kif ukoll f'dak globali.*** |

**Emenda 5**

**Proposta għal Regolament**
**Premessa 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (6) Is-sinerġiji bejn il-FAEŻR u Orizzont Ewropa jenħtieġ li jħeġġu lill-FAEŻR biex juża bl-aħjar mod ir-riżultati tar-riċerka u l-innovazzjoni, b'mod partikolari dawk li ġejjin minn proġetti ffinanzjati minn Orizzont Ewropa u s-Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni (EIP) għall-"produttività u s-sostenibbiltà fil-qasam agrikolu", li jwasslu għall-innovazzjonijiet fis-settur tal-biedja u fiż-żoni rurali. | (6) Is-sinerġiji bejn il-FAEŻR u Orizzont Ewropa jenħtieġ li jħeġġu lill-FAEŻR biex juża bl-aħjar mod ir-riżultati tar-riċerka u l-innovazzjoni, b'mod partikolari dawk li ġejjin minn proġetti ffinanzjati minn Orizzont Ewropa u s-Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni (EIP) għall-"produttività u s-sostenibbiltà fil-qasam agrikolu", li jwasslu għall-innovazzjonijiet fis-settur tal-biedja u fiż-żoni rurali ***fl-ambitu tal-SDGs*. *F'dan il-kuntest, minbarra l-Għan 2 (ebda ġuħ), għanijiet oħra li huma partikolarment importanti huma l-Għan 5 (ugwaljanza*** |

| | |
|---|---|
| | ***bejn il-ġeneri), l-Għan 12 (produzzjoni u konsum responsabbli), l-Għan 13 (azzjoni klimatika) u l-Għan 15 (ħajja fuq l-art). Fejn xieraq, ir-riżultati tar-riċerka u tal-innovazzjoni għandhom jiġu kondiviżi mal-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp fil-qafas tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp tal-Unjoni sabiex jiġi promoss l-iżvilupp sostenibbli.*** |

**Emenda 6**

**Proposta għal Regolament**
**Premessa 11**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (11) Sabiex tingħata sustanza lill-objettivi tal-PAK kif stabbiliti fl-Artikolu 39 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), kif ukoll biex jiġi żgurat li l-Unjoni tindirizza b'mod xieraq l-aktar sfidi reċenti tagħha, huwa xieraq li jiġi previst sett ta' objettivi ġenerali li jirriflettu l-orjentazzjonijiet mogħtija fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar "Il-Ġejjieni tal-Ikel u tal-Biedja". Jenħtieġ li jiġi definit aktar sett ta' objettivi speċifiċi fil-livell tal-Unjoni u jiġi applikat mill-Istati membri fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom. ***Filwaqt*** li ***jinstab bilanċ bejn id-dimensjonijiet*** tal-iżvilupp sostenibbli, ***f'konformità mal-valutazzjoni tal-impatt, dawn l-objettivi speċifiċi jenħtieġ li jittraduċu*** l-objettivi ***ġenerali*** tal-PAK ***f'prijoritajiet*** aktar konkreti u jqisu ***l-leġislazzjoni*** rilevanti tal-Unjoni, ***b'mod*** partikolari fir-rigward tal-klima, l-enerġija u l-ambjent. | (11) Sabiex tingħata sustanza lill-objettivi tal-PAK kif stabbiliti fl-Artikolu 39 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), kif ukoll biex jiġi żgurat li l-Unjoni tindirizza b'mod xieraq l-aktar sfidi reċenti tagħha, huwa xieraq li jiġi previst sett ta' objettivi ġenerali li jirriflettu l-orjentazzjonijiet mogħtija fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar "Il-Ġejjieni tal-Ikel u tal-Biedja". Jenħtieġ li jiġi definit aktar sett ta' objettivi speċifiċi fil-livell tal-Unjoni u jiġi applikat mill-Istati membri fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom. ***Dawn l-objettivi speċifiċi jenħtieġ*** li ***jilħqu d-diversi dimensjonijiet*** tal-iżvilupp sostenibbli, ***filwaqt li fl-istess waqt jwasslu biex*** l-objettivi ***speċifiċi*** tal-PAK ***jirriżultaw f'prijoritajiet*** aktar konkreti u jqisu ***l-leġiżlazzjoni*** rilevanti tal-Unjoni, ***b'mod*** partikolari fir-rigward tal-klima, l-enerġija u l-ambjent. |

**Emenda 7**

**Proposta għal Regolament**

**Premessa 11a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(11 a) Fid-dawl tar-rwol tal-Unjoni bħala esportatur u importatur ewlieni, il-PAK għandha rwol kemm fis-swieq agrikoli domestiċi iżda wkoll f'dawk internazzjonali, u b'hekk taffettwa l-għajxien ta' bdiewa fuq skala żgħira u r-reżiljenza ta' komunitajiet rurali u ekosistemi.*** |

**Emenda 8**

**Proposta għal Regolament**
**Premessa 11b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(11 b) Fl-ambitu tal-Komunikazzjoni dwar "Il-Ġejjieni tal-Ikel u tal-Biedja", jenħtieġ li l-PAK tqis l-Artikoli 3 u 21 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) u l-Artikolu 208 tat-TFUE. L-iżgurar tal-Koerenza tal-Politiki għall-Iżvilupp (PCD) jinkludi r-rispett tal-prinċipju "tagħmilx ħsara" billi jiġi evitat il-ħolqien ta' esternalitajiet negattivi (eż. permezz tad-deforestazzjoni jew dumping dannuż), bir-rispett tal-Kunsens Ewropew għall-Iżvilupp u l-impenn tiegħu li jintlaħqu l-objettivi stabbiliti fl-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli kif ukoll id-Dritt għall-Iżvilupp kif definit fid-Dikjarazzjoni dwar id-Dritt għall-Iżvilupp[1a]*** |
| | ***[1a] adottata permezz tar-Riżoluzzjoni 41/128 tal-Assemblea Ġenerali tal-4 ta' Diċembru 1986.*** |

**Emenda 9**

**Proposta għal Regolament**
**Premessa 12**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (12) PAK aktar intelliġenti, modernizzata u aktar sostenibbli trid tħaddan ir-riċerka u l-innovazzjoni, sabiex isservi lill-multifunzjonalità tas-sistemi tal-agrikoltura, tal-forestrija u tal-ikel tal-Unjoni, filwaqt li tinvesti fl-iżvilupp teknoloġiku u ***fid-diġitalizzazzjoni, kif ukoll*** ittejjeb l-aċċess għal għarfien sod, rilevanti u ġdid. | (12) PAK aktar intelliġenti, modernizzata u aktar sostenibbli trid tħaddan ir-riċerka u l-innovazzjoni, sabiex ***tipproduċi ikel aktar tajjeb għas-saħħa, b'mod partikolari billi progressivament il-biedja tkun ħielsa mill-pestiċidi, tnaqqas il-faqar,*** isservi lill-multifunzjonalità tas-sistemi tal-agrikoltura, tal-forestrija u tal-ikel tal-Unjoni, filwaqt li tinvesti fl-iżvilupp teknoloġiku***, fid-diġitalizzazzjoni*** u ***fi prattiki agroekoloġiċi,*** ittejjeb l-aċċess għal għarfien sod, rilevanti u ġdid ***filwaqt li toħloq opportunitajiet għall-bdiewa sabiex ikollhom skambju ta' informazzjoni għall-benefiċċju tal-komunitajiet rurali u s-settur agrikolu madwar id-dinja. Jenħtieġ li, b'mod partikolari, il-perspettiva tal-ġeneru u l-emanċipazzjoni tan-nisa jiġi inklużi fil-PAK u jenħtieġ li l-Istati Membri jiżviluppaw sottoprogrammi fil-Pjan Strateġiku li jappoġġja l-bdiewa nisa jużaw strumenti finanzjarji u jaġġornaw l-għarfien u l-ħiliet tagħhom.*** |

**Emenda 10**

**Proposta għal Regolament**
**Premessa 13**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (13) Filwaqt li fil-mudell ta' implimentazzjoni tal-PAK jenħtieġ li l-Unjoni tistabbilixxi l-objettivi tal-Unjoni u tiddefinixxi t-tipi ta' interventi kif ukoll ir-rekwiżiti bażiċi tal-Unjoni applikabbli għall-Istati Membri, dawn tal-aħħar jenħtieġ li jkunu responsabbli għat-trasformazzjoni ta' dak il-qafas tal-Unjoni f'arranġamenti ta' appoġġ applikabbli lill- | (13) Filwaqt li fil-mudell ta' implimentazzjoni tal-PAK jenħtieġ li l-Unjoni tistabbilixxi l-objettivi tal-Unjoni u tiddefinixxi t-tipi ta' interventi kif ukoll ir-rekwiżiti bażiċi tal-Unjoni applikabbli għall-Istati Membri, dawn tal-aħħar jenħtieġ li jkunu responsabbli għat-trasformazzjoni ta' dak il-qafas tal-Unjoni f'arranġamenti ta' appoġġ applikabbli lill- |

| | |
|---|---|
| benefiċjarji. F'dak il-kuntest, jenħtieġ li l-Istati Membri jaġixxu b'mod konformi mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, mal-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni u jiżguraw li l-qafas legali għall-għoti tal-appoġġ tal-Unjoni lill-benefiċjarji jkun ibbażat fuq il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom u jkunu konformi mal-prinċipji u mar-rekwiżiti stabbiliti taħt dan ir-Regolament u [ir-Regolament Orizzontali]. | benefiċjarji. F'dak il-kuntest, jenħtieġ li l-Istati Membri jaġixxu b'mod konformi mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, mal-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni, ***mal-obbligu tal-Unjoni li tiżgura Koerenza tal-Politiki għall-Iżvilupp fit-tnedija tal-istrumenti ta' appoġġ tal-PAK, mal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli*** u jiżguraw li l-qafas legali għall-għoti tal-appoġġ tal-Unjoni lill-benefiċjarji jkun ibbażat fuq il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom u jkunu konformi mal-prinċipji u mar-rekwiżiti stabbiliti taħt dan ir-Regolament u [ir-Regolament Orizzontali]. |

**Emenda 11**

**Proposta għal Regolament**
**Premessa 14**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (14) Sabiex jitrawwem settur agrikolu intelliġenti u reżiljenti, il-pagamenti diretti jibqgħu jikkostitwixxu parti essenzjali biex jiġi garantit appoġġ ġust għall-introjtu tal-bdiewa. B'mod simili, l-investimenti fir-ristrutturar, il-modernizzazzjoni, l-innovazzjoni, id-diversifikazzjoni u l-użu ta' teknoloġiji ġodda fl-azjendi agrikoli huma neċessarji biex il-bdiewa jmorru aħjar fis-suq. | (14) Sabiex jitrawwem settur agrikolu intelliġenti u reżiljenti, il-pagamenti diretti jibqgħu jikkostitwixxu parti essenzjali biex jiġi garantit appoġġ ġust għall-introjtu tal-bdiewa. B'mod simili, l-investimenti fir-ristrutturar, il-modernizzazzjoni, l-innovazzjoni, id-diversifikazzjoni u l-użu ta' teknoloġiji ġodda fl-azjendi agrikoli huma neċessarji biex il-bdiewa jmorru aħjar fis-suq. ***Barra minn hekk, jenħtieġ li l-istrateġiji ta' investiment tal-Unjoni jinkoraġġixxu investimenti responsabbli f'agrikoltura sostenibbli b'attenzjoni partikolari għall-ipproċessar u ż-żieda fil-valur.*** |

**Emenda 12**

**Proposta għal Regolament**
**Premessa 15**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|

| | |
|---|---|
| (15) Fil-kuntest ta' PAK aktar orjentata lejn is-suq, kif deskritt fil-Komunikazzjoni dwar "Il-Ġejjieni tal-Ikel u tal-Biedja", l-espożizzjoni tas-suq, it-tibdil fil-klima u l-frekwenza u s-severità ta' avvenimenti estremi tat-temp assoċjati ma' dan it-tibdil, kif ukoll il-kriżijiet sanitarji u fitosanitarji, jistgħu jwasslu għal riskji ta' volatilità tal-prezzijiet u pressjonijiet dejjem akbar fuq l-introjtu. Għalhekk, għalkemm il-bdiewa huma finalment responsabbli għat-tfassil tal-istrateġiji tagħhom fl-azjenda agrikola, jenħtieġ li jiġi stabbilit qafas sod biex tiġi żgurata ġestjoni ***xierqa tar-riskju***. Għal dan l-għan, l-Istati Membri u l-bdiewa jkunu jistgħu jibbażaw ruħhom fuq pjattaforma fil-livell tal-Unjoni għall-ġestjoni tar-riskju biex jibnu l-kapaċitajiet tagħhom sabiex jipprovdu lill-bdiewa strumenti finanzjarji xierqa għall-investimenti u aċċess għall-kapital operatorju, it-taħriġ, it-trasferiment ***tal-għarifen*** u l-pariri. | (15) Fil-kuntest ta' PAK aktar orjentata lejn is-suq ***Ewropew***, kif deskritt fil-Komunikazzjoni dwar "Il-Ġejjieni tal-Ikel u tal-Biedja", l-espożizzjoni tas-suq, it-tibdil fil-klima u l-frekwenza u s-severità ta' avvenimenti estremi tat-temp assoċjati ma' dan it-tibdil, kif ukoll il-kriżijiet sanitarji u fitosanitarji, jistgħu jwasslu għal riskji ta' volatilità tal-prezzijiet u pressjonijiet dejjem akbar fuq l-introjtu. Għalhekk, għalkemm il-bdiewa huma finalment responsabbli għat-tfassil tal-istrateġiji tagħhom fl-azjenda agrikola, jenħtieġ li jiġi stabbilit qafas sod ***għar-regolamentazzjoni tas-suq u*** biex tiġi żgurata ġestjoni ***tar-riskju adegwata fir-rigward tar-riski tas-saħħa u tal-klima filwaqt li jiġu evitati l-perikli u l-problemi ta' mudelli oħrajn użati madwar id-dinja kollha***. Għal dan l-għan, l-Istati Membri u l-bdiewa jkunu jistgħu jibbażaw ruħhom fuq pjattaforma fil-livell tal-Unjoni għall-ġestjoni tar-riskju biex jibnu l-kapaċitajiet tagħhom sabiex jipprovdu lill-bdiewa strumenti finanzjarji xierqa għall-investimenti u aċċess għall-kapital operatorju, it-taħriġ, it-trasferiment ***tal-għarfien*** u l-pariri. |

**Emenda 13**

**Proposta għal Regolament**
**Premessa 16**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (16) It-tisħiħ tal-kura għall-ambjent u tal-azzjoni klimatika u l-kontribuzzjoni għall-kisba tal-objettivi relatati mal-ambjent u l-klima tal-Unjoni hija prijorità għolja ħafna fil-ġejjieni tal-agrikoltura u l-forestrija tal-Unjoni. Għalhekk jenħtieġ li l-arkitettura tal-PAK tirrifletti ambizzjoni akbar ***fir-rigward ta'*** dawn l-objettivi. Skont il-mudell ta' implimentazzjoni, jenħtieġ li l-azzjoni meħuda biex jiġu indirizzati d-degradazzjoni tal-ambjent u t- | (16) It-tisħiħ tal-kura għall-ambjent u tal-azzjoni klimatika u l-kontribuzzjoni għall-kisba tal-objettivi relatati mal-ambjent u l-klima tal-Unjoni hija prijorità għolja ħafna fil-ġejjieni tal-agrikoltura u l-forestrija tal-Unjoni. Għalhekk jenħtieġ li l-arkitettura tal-PAK tirrifletti ambizzjoni akbar ***u jenħtieġ li jsir aktar progress dwarha sabiex tilħaq*** dawn l-objettivi ***u tqiegħed il-biedja bħala tema ċentrali fil-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima***. Skont il- |

tibdil fil-klima tkun immexxija mir-riżultati u jenħtieġ li, għal dan l-iskop, l-Artikolu 11 tat-TFUE jitqies bħala obbligu ta' riżultat.

mudell ta' implimentazzjoni, jenħtieġ li l-azzjoni meħuda biex jiġu indirizzati d-degradazzjoni tal-ambjent u t-tibdil fil-klima tkun immexxija mir-riżultati u jenħtieġ li, għal dan l-iskop, l-Artikolu 11 tat-TFUE jitqies bħala obbligu ta' riżultat. Billi ħafna żoni rurali fl-Unjoni jbatu minn problemi strutturali bħal nuqqas ta' opportunitajiet ta' xogħol attraenti, nuqqasijiet ta' ħiliet, nuqqas ta' investiment fil-konnettività, fl-infrastruttura u fis-servizzi essenzjali, kif ukoll eżodu taż-żgħażagħ, huwa fundamentali li tissaħħaħ in-nisġa soċjoekonomika f'dawk l-oqsma, b'mod konformi mal-Cork 2.0. Id-dikjarazzjoni, b'mod partikolari permezz tal-ħolqien tal-impjiegi***, inkluż f'pajjiżi terzi fejn il-popolazzjoni tagħhom qiegħda tikber,*** u t-tiġdid ġenerazzjonali, billi l-impjiegi u t-tkabbir tal-Kummissjoni jinġiebu fiż-żoni rurali, bil-promozzjoni tal-inklużjoni soċjali, it-tiġdid ġenerazzjonali u l-iżvilupp ta' "rħula Intelliġenti" fil-kampanja Ewropea. Kif indikat fil-Komunikazzjoni dwar "Il-Ġejjieni tal-Ikel u tal-Biedja", il-ktajjen ta' valur rurali ġodda bħal pereżempju l-enerġija rinnovabbli, il-bijoekonomija emerġenti, l-ekonomija ċirkolari u l-ekoturiżmu jistgħu joffru potenzjal tajjeb għat-tkabbir u għall-impjiegi fiż-żoni rurali. F'dan il-kuntest, l-istrumenti finanzjarji u l-użu tal-garanzija InvestEU jistgħu jkollhom rwol kruċjali biex jiġi żgurat aċċess għall-finanzjament u biex tissaħħaħ il-kapaċità tat-tkabbir tal-azjendi agrikoli u tal-intrapriżi. Hemm il-potenzjal għal opportunitajiet ta' xogħol fiż-żoni rurali għaċ-ċittadini ta' pajjiż terz residenti legalment, u b'hekk tiġi promossa l-integrazzjoni soċjali u ekonomika tagħhom speċjalment fil-qafas tal-istrateġiji ta' Żvilupp Lokali Mmexxija mill-Komunità.

Billi ħafna żoni rurali fl-Unjoni jbatu minn problemi strutturali bħal nuqqas ta' opportunitajiet ta' xogħol attraenti, nuqqasijiet ta' ħiliet, nuqqas ta' investiment

fil-konnettività, fl-infrastruttura u fis-servizzi essenzjali, kif ukoll eżodu taż-żgħażagħ, huwa fundamentali li tissaħħaħ in-nisġa soċjoekonomika f'dawk l-oqsma, b'mod konformi mal-Cork 2.0. Id-dikjarazzjoni, b'mod partikolari permezz tal-ħolqien tal-impjiegi u t-tiġdid ġenerazzjonali, billi l-impjiegi u t-tkabbir tal-Kummissjoni jinġiebu fiż-żoni rurali, bil-promozzjoni tal-inklużjoni soċjali, it-tiġdid ġenerazzjonali u l-iżvilupp ta' "rħula Intelliġenti" fil-kampanja Ewropea. Kif indikat fil-Komunikazzjoni dwar "Il-Ġejjieni tal-Ikel u tal-Biedja", il-ktajjen ta' valur rurali ġodda bħal pereżempju l-enerġija rinnovabbli, il-bijoekonomija emerġenti, l-ekonomija ċirkolari u l-ekoturiżmu jistgħu joffru potenzjal tajjeb għat-tkabbir u għall-impjiegi fiż-żoni rurali. F'dan il-kuntest, l-istrumenti finanzjarji u l-użu tal-garanzija InvestEU jistgħu jkollhom rwol kruċjali biex jiġi żgurat aċċess għall-finanzjament u biex tissaħħaħ il-kapaċità tat-tkabbir tal-azjendi agrikoli u tal-intrapriżi. Hemm il-potenzjal għal opportunitajiet ta' xogħol fiż-żoni rurali għaċ-ċittadini ta' pajjiż terz residenti legalment, u b'hekk tiġi promossa l-integrazzjoni soċjali u ekonomika tagħhom speċjalment fil-qafas tal-istrateġiji ta' Żvilupp Lokali Mmexxija mill-Komunità.

**Emenda 14**

**Proposta għal Regolament**
**Premessa 17**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (17) Jenħtieġ li l-PAK tkompli tiżgura s-sigurtà tal-ikel, li jenħtieġ li tinftiehem bħala aċċess għal ikel biżżejjed, sikur u nutrittiv f'kull ħin. Barra minn hekk, jenħtieġ li tkompli tgħin biex tittejjeb ir-reazzjoni tal-agrikoltura tal-Unjoni għal talbiet soċjetali ġodda fl-ikel u s-saħħa, inkluż il-produzzjoni agrikola sostenibbli, | (17) Jenħtieġ li l-PAK tkompli tiżgura s-sigurtà tal-ikel ***għall-Unjoni***, li jenħtieġ li tinftiehem bħala aċċess għal ikel biżżejjed, sikur u nutrittiv f'kull ħin ***u li żżid il-produzzjoni tal-proteini mill-ħxejjex fl-Unjoni.*** Barra minn hekk, jenħtieġ li tkompli tgħin biex tittejjeb ir-reazzjoni tal-agrikoltura tal-Unjoni għal talbiet soċjetali |

| | |
|---|---|
| nutrizzjoni aktar tajba għas-saħħa, il-ħela tal-ikel u l-benessri tal-annimali. Jenħtieġ li l-PAK tkompli tippromwovi l-produzzjoni b'karatteristiċi speċifiċi u ta' valur, filwaqt li fl-istess ħin tgħin lill-bdiewa biex jaġġustaw b'mod proattiv il-produzzjoni tagħhom skont is-sinjali tas-suq u l-ħtiġijiet tal-konsumaturi. | ġodda fl-ikel u s-saħħa, inkluż il-produzzjoni agrikola sostenibbli, nutrizzjoni aktar tajba għas-saħħa, ***it-tnaqqis tal-ħela*** tal-ikel u ***t-titjib tal-benessri*** tal-annimali. Jenħtieġ li l-PAK tkompli tippromwovi l-produzzjoni b'karatteristiċi speċifiċi u ta' valur, filwaqt li fl-istess ħin tgħin lill-bdiewa biex jaġġustaw b'mod proattiv il-produzzjoni tagħhom skont is-sinjali tas-suq u l-ħtiġijiet tal-konsumaturi ***kif ukoll permezz ta' aċċess għall-art bi prezzijiet raġonevoli, inkoraġġiment lill-bdiewa żgħażagħ sabiex jistabbilixxu negozji u promozzjoni ta' ktajjen tal-provvista qosra u xiri lokali. Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li l-bdiewa jingħataw appoġġ finanzjarju sabiex jiksbu ħiliet ġodda li jkunu jeħtieġu sabiex jadattaw il-produzzjoni tagħhom biex jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-konsumatur li qegħdin jinbidlu u jiġi protett l-għajxien fil-komunitajiet rurali madwar id-dinja. Mingħajr preġudizzju għan-natura tagħha bħala politika interna tal-Unjoni, l-integrazzjoni fattwali tal-PAK fl-ekonomija dinjija jenħtieġ li titqies kemm fir-rigward tal-opportunitajiet kif ukoll fir-rigward tar-responsabbiltà li jirriżultaw minnha għall-Unjoni u għas-sħab globali tagħha. Fir-rigward tal-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp, jenħtieġ li l-Koerenza tal-Politiki għall-Iżvilupp (PCD) tkun il-linja gwida għall-Unjoni u l-Istati Membri tagħha.*** |

**Emenda 15**

**Proposta għal Regolament**
**Premessa 17 a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(17 a) Biex jirriaffermaw l-impenn tagħhom għall-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) tal-Aġenda 2030 u l-Ftehim ta' Pariġi, l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha jenħtieġ li jwettqu*** |

***tranżizzjoni lejn sistema tal-ikel u tal-agrikoltura Ewropea ġdida f'konformità man-natura trasformattiva tal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli u l-Ftehim ta' Pariġi, abbażi tal-konklużjonijiet tal-Valutazzjoni Internazzjonali tal-Għarfien, Xjenzi u Teknoloġiji Agrikoli għall-Iżvilupp u r-rakkomandazzjonijiet tar-Rapporteur Speċjali tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-dritt għall-ikel. Għaldaqstant dan għandu jinkludi l-promozzjoni ta' agrikoltura diversifikata u sostenibbli u prattiki agrikoli reżiljenti li jgħinu biex jipproteġu u jtejbu r-riżorsi naturali, isaħħu l-ekosistemi u l-kapaċità tagħhom li jadattaw u jtaffu t-tibdil fil-klima. Għaldaqstant, jenħtieġ li l-miżuri meħuda taħt dan ir-regolament ma jipperikolawx il-produzzjoni tal-ikel u l-kapaċità tal-ipproċessar u s-sigurtà tal-ikel fit-tul ta' pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp, b'mod partikolari l-Pajjiżi l-Anqas Żviluppati (LDCs).***

**Emenda 16**

**Proposta għal Regolament**
**Premessa 17 b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(17 b) Jenħtieġ li l-Unjoni tgħin biex tiġi żgurata sigurtà tal-ikel globali bil-minimizzazzjoni tad-dipendenza ta' pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp fuq importazzjonijiet tal-ikel u bit-tisħiħ tar-reżiljenza tagħhom għal xokkijiet esterni marbuta, pereżempju, mal-volatilità tal-prezzijiet ta' prodotti bażiċi agrikoli jew diżastri naturali. Għalhekk, jenħtieġ li l-PAK il-ġdida tikkontribwixxi għall-isfruttar tal-potenzjal ta' bdiewa żgħar u impriżi agrikoli żgħar fil-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp, bl-għan li tiżdied u tiġi ddiversifikata l-produzzjoni tal-ikel tagħhom sabiex jirrispondu għal swieq*** |

| | |
|---|---|
| | ***domestiċi u reġjonali.*** |

**Emenda 17**

**Proposta għal Regolament**
**Premessa 20 a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(20a) Bil-għan li jintlaħqu l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) tan-NU, b'mod partikolari l-Għan 1 (ebda faqar) u l-Għan 2 (ebda ġuħ), kif ukoll sabiex tiġi garantita l-koerenza tal-politika għall-iżvilupp f'konformità mal-Artikolu 208 tat-TFUE u sabiex jintlaħqu r-rekwiżiti tal-Kunsens Ewropew dwar l-Iżvilupp, jenħtieġ li l-PAK tappoġġja azjendi agrikoli sostenibbli tal-familja fil-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp sabiex tiggarantixxi s-sigurtà tal-ikel lokali u tissielet l-abbandun tal-art rurali. Għaldaqstant, jenħtieġ li l-prodotti agrikoli tal-UE ma jiġux esportati bi prezzijiet li ma jkoprux l-ispejjeż tal-produzzjoni.*** |

**Emenda 18**

**Proposta għal Regolament**
**Premessa 21**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (21) Abbażi tas-sistema ***preċendenti*** ta' kundizzjonalità implimentata sal-2020, is-sistema tal-kundizzjonalità ġdid torbot il-ħlas sħiħ tal-appoġġ tal-PAK mal-konformità tal-benefiċjarji ma' standards bażiċi li jirrigwardaw l-ambjent, it-tibdil fil-klima, is-saħħa pubblika, is-saħħa tal-annimali, is-saħħa tal-pjanti u l-benessri tal-annimali. L-istandards bażiċi jinkludu f'forma simplifikata lista ta' rekwiżiti statutorji ta' ġestjoni (SMRs) u standards ta' kundizzjonijiet agrikoli u ambjentali tajba tal-art (KAAT). Dawn l-istandards bażiċi | (21) Abbażi tas-sistema ***preċedenti*** ta' kundizzjonalità implimentata sal-2020, is-sistema tal-kundizzjonalità ġdid torbot il-ħlas sħiħ tal-appoġġ tal-PAK mal-konformità tal-benefiċjarji ma' standards bażiċi li jirrigwardaw l-ambjent, it-tibdil fil-klima, is-saħħa pubblika, is-saħħa tal-annimali, is-saħħa tal-pjanti u l-benessri tal-annimali. L-istandards bażiċi jinkludu f'forma simplifikata lista ta' rekwiżiti statutorji ta' ġestjoni (SMRs) u standards ta' kundizzjonijiet agrikoli u ambjentali tajba tal-art (KAAT). Dawn l-istandards bażiċi |

| | |
|---|---|
| jenħtieġ li jqisu aħjar l-isfidi ambjentali u klimatiċi u l-arkitettura ambjentali l-ġdida tal-PAK, u b'hekk jagħtu livell ogħla ta' ambizzjoni ambjentali u klimatika kif ħabbret il-Kummissjoni dwar "Il-Ġejjieni tal-Ikel u tal-Biedja" u l-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP). Il-kundizzjonalità għandha l-għan li tikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' agrikoltura sostenibbli b'għarfien aħjar min-naħa tal-benefiċjarji dwar il-ħtieġa li jiġu rispettati dawk l-istandards bażiċi. Għandha l-għan ukoll li l-PAK issir aktar kompatibbli mal-aspettattivi tas-soċjetà permezz tat-titjib tal-konsistenza tal-politika mal-objettivi dwar l-ambjent, is-saħħa pubblika, is-saħħa tal-annimali, is-saħħa tal-pjanti u l-benessri tal-annimali. Jenħtieġ li l-kundizzjonalità tifforma parti integrali tal-arkitettura ambjentali tal-PAK, bħala parti mil-linja bażi għal impenji ambjentali u klimatiċi aktar ambizzjużi, u jenħtieġ li tkun applikata b'mod komprensiv fl-Unjoni kollha. Għal dawk il-bdiewa li ma jikkonformawx ma' dawk ir-rekwiżiti, jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li jiġu applikati penali proporzjonali, effettivi u dissważivi f'konformità mar-[Regolament Orizzontali]. | jenħtieġ li jqisu aħjar l-isfidi ambjentali u klimatiċi u l-arkitettura ambjentali l-ġdida tal-PAK, u b'hekk jagħtu livell ogħla ta' ambizzjoni ambjentali u klimatika kif ħabbret il-Kummissjoni dwar "Il-Ġejjieni tal-Ikel u tal-Biedja" u l-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP). ***Jenħtieġ li l-PCD titqies fit-tfassil, implimentazzjoni u valutazzjoni tar-rekwiżiti u l-istandards imsemmija hawn fuq.*** Il-kundizzjonalità għandha l-għan li tikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' agrikoltura sostenibbli b'għarfien aħjar min-naħa tal-benefiċjarji dwar il-ħtieġa li jiġu rispettati dawk l-istandards bażiċi. Għandha l-għan ukoll li l-PAK issir aktar kompatibbli mal-aspettattivi tas-soċjetà permezz tat-titjib tal-konsistenza tal-politika mal-objettivi dwar l-ambjent, is-saħħa pubblika, is-saħħa tal-annimali, is-saħħa tal-pjanti u l-benessri tal-annimali. Jenħtieġ li l-kundizzjonalità tifforma parti integrali tal-arkitettura ambjentali tal-PAK, bħala parti mil-linja bażi għal impenji ambjentali u klimatiċi aktar ambizzjużi, u jenħtieġ li tkun applikata b'mod komprensiv fl-Unjoni kollha. Għal dawk il-bdiewa li ma jikkonformawx ma' dawk ir-rekwiżiti, jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li jiġu applikati penali proporzjonali, effettivi u dissważivi f'konformità mar-[Regolament Orizzontali]. |

**Emenda 19**

**Proposta għal Regolament**
**Premessa 24**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (24) Jenħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu sistemi konsultattivi għall-azjendi agrikoli bl-iskop li jittejbu l-ġestjoni sostenibbli u l-prestazzjoni ġenerali tal-azjendi agrikoli u tan-negozji rurali, filwaqt li jkopru d-dimensjonijiet ekonomiċi, ambjentali u soċjali u biex jiġi | (24) Jenħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu sistemi konsultattivi għall-azjendi agrikoli bl-iskop li jittejbu l-ġestjoni sostenibbli u l-prestazzjoni ġenerali tal-azjendi agrikoli u tan-negozji rurali, filwaqt li jkopru d-dimensjonijiet ekonomiċi, ambjentali u soċjali u biex jiġi |

| | |
|---|---|
| identifikat it-titjib meħtieġ fir-rigward tal-miżuri kollha fil-livell tal-azjendi agrikoli previsti fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK. Jenħtieġ li dawn is-sistemi konsultattivi għall-azjendi agrikoli jgħinu lill-bdiewa u lil benefiċjarji oħra tal-appoġġ tal-PAK biex isiru aktar konxji tar-relazzjoni bejn il-ġestjoni tal-azjenda agrikola u l-ġestjoni tal-art minn naħa, u ċerti standards, rekwiżiti u informazzjoni inkluż dawk ambjentali u klimatiċi, min-naħa l-oħra. Il-lista ta' dawn tal-aħħar tinkludi standards li japplikaw għall-bdiewa u għal benefiċjarji oħra tal-PAK jew li huma neċessarji għalihom u li huma stabbiliti fil-Pjan Strateġiku tal-PAK, kif ukoll dawk li jirriżultaw mil-leġiżlazzjoni dwar l-ilma, dwar l-użu sostenibbli tal-pestiċidi, kif ukoll l-inizjattivi għall-ġlieda kontra r-reżistenza għall-antimikrobiċi u l-ġestjoni tar-riskji. Sabiex tissaħħaħ il-kwalità u l-effettività tal-pariri, jenħtieġ li l-Istati Membri jintegraw il-konsulenti fis-Sistemi tal-Għarfien u tal-Innovazzjoni Agrikoli (AKIS), sabiex ikunu jistgħu jagħtu informazzjoni teknoloġika u xjentifika aġġornata żviluppata mir-riċerka u l-innovazzjoni. | identifikat it-titjib meħtieġ fir-rigward tal-miżuri kollha fil-livell tal-azjendi agrikoli previsti fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK. Jenħtieġ li dawn is-sistemi konsultattivi għall-azjendi agrikoli jgħinu lill-bdiewa u lil benefiċjarji oħra tal-appoġġ tal-PAK biex isiru aktar konxji tar-relazzjoni bejn il-ġestjoni tal-azjenda agrikola u l-ġestjoni tal-art minn naħa, u ċerti standards, rekwiżiti u informazzjoni inkluż dawk ambjentali u klimatiċi, min-naħa l-oħra. Il-lista ta' dawn tal-aħħar tinkludi standards li japplikaw għall-bdiewa u għal benefiċjarji oħra tal-PAK jew li huma neċessarji għalihom u li huma stabbiliti fil-Pjan Strateġiku tal-PAK, kif ukoll dawk li jirriżultaw mil-leġiżlazzjoni dwar l-ilma, dwar l-użu sostenibbli tal-pestiċidi, kif ukoll l-inizjattivi għall-ġlieda kontra r-reżistenza għall-antimikrobiċi u l-ġestjoni tar-riskji. Sabiex tissaħħaħ il-kwalità u l-effettività tal-pariri, jenħtieġ li l-Istati Membri jintegraw il-konsulenti fis-Sistemi tal-Għarfien u tal-Innovazzjoni Agrikoli (AKIS), sabiex ikunu jistgħu jagħtu informazzjoni teknoloġika u xjentifika aġġornata żviluppata mir-riċerka u l-innovazzjoni. ***Jenħtieġ li l-konsulenti jitħarrġu wkoll biex jagħtu fehim aħjar tad-dimensjoni globali tal-PAK.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Mhux kull bidwi huwa involut direttament fil-kummerċ internazzjonali u jaf lanqas ikun konxju tal-interkonnessjonijiet tal-kummerċ internazzjonali jew tal-impatti globali fuq l-ambjent u l-klima. Is-servizzi ta' konsulenza għall-azjendi agrikoli jipprovdu l-possibbiltà ta' sensibilizzazzjoni u integrazzjoni ulterjuri tas-settur privat fl-isforzi komuni tal-UE biex tindirizza l-isfidi fil-livell internazzjonali.*

**Emenda 20**

**Proposta għal Regolament**
**Premessa 31**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (31) Jenħtieġ li l-PAK tiżgura li l-Istati | (31) Jenħtieġ li l-PAK tiżgura li l-Istati |

| | |
|---|---|
| Membri jtejbu r-riżultati ambjentali billi jirrispettaw il-ħtiġijiet lokali u ċ-ċirkostanzi reali tal-bdiewa. Taħt il-pagament diretti fil-Pjan Strateġiku tal-PAK, jenħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu Ekoskemi volontarji għall-bdiewa li jenħtieġ li jkunu koordinati bis-sħiħ mal-interventi rilevanti l-oħra. Dawn jenħtieġ li jiġu definiti mill-Istati Membri bħala pagament li jingħata jew għall-inċentivar u r-rimunerazzjoni tal-provvista ta' oġġetti pubbliċi mill-prattiki agrikoli ta' benefiċċju għall-ambjent u għall-klima jew bħala kumpens għall-introduzzjoni ta' dawn il-prattiki. Fiż-żewġ każijiet jenħtieġ li l-għan tagħhom ikun li tissaħħaħ il-prestazzjoni ambjentali u klimatika tal-PAK u konsegwentement jenħtieġ li jkunu maħsuba li jmorru lil hinn mir-rekwiżiti obbligatorji diġà preskritti mis-sistema ta' kundizzjonalità. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jistabbilixxu ekoskemi ***għall-prattiki*** agrikoli bħal pereżempju l-ġestjoni msaħħa tal-bur permanenti u l-karatteristiċi tal-pajsaġġ, u l-biedja organika. Dawn l-iskemi jistgħu wkoll jinkludu "skemi ta' livell ta' dħul" li tista' tkun kundizzjoni biex jittieħdu impenji tal-iżvilupp rurali aktar ambizzjużi. | Membri jtejbu r-riżultati ambjentali billi jirrispettaw il-ħtiġijiet lokali u ċ-ċirkostanzi reali tal-bdiewa. Taħt il-pagament diretti fil-Pjan Strateġiku tal-PAK, jenħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu Ekoskemi volontarji għall-bdiewa li jenħtieġ li jkunu koordinati bis-sħiħ mal-interventi rilevanti l-oħra. Dawn jenħtieġ li jiġu definiti mill-Istati Membri bħala pagament li jingħata jew għall-inċentivar u r-rimunerazzjoni tal-provvista ta' oġġetti pubbliċi mill-prattiki agrikoli ta' benefiċċju għall-ambjent u għall-klima jew bħala kumpens għall-introduzzjoni ta' dawn il-prattiki. Fiż-żewġ każijiet jenħtieġ li l-għan tagħhom ikun li tissaħħaħ il-prestazzjoni ambjentali u klimatika tal-PAK u konsegwentement jenħtieġ li jkunu maħsuba li jmorru lil hinn mir-rekwiżiti obbligatorji diġà preskritti mis-sistema ta' kundizzjonalità. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jistabbilixxu ekoskemi ***biex jiġu promossi l-mudelli ta' produzzjoni ta' benefiċċju għall-ambjent u l-promozzjoni ta' kull tip ta' prattiki*** agrikoli bħal pereżempju***, fost miżuri oħra,*** il-ġestjoni msaħħa tal-bur permanenti u l-karatteristiċi tal-pajsaġġ, u l-biedja organika. Dawn l-iskemi jistgħu wkoll jinkludu "skemi ta' livell ta' dħul" li tista' tkun kundizzjoni biex jittieħdu impenji tal-iżvilupp rurali aktar ambizzjużi. |

**Emenda 21**

**Proposta għal Regolament**
**Premessa 32**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (32) Jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jużaw parti mill-limitu massimu finanzjarju tagħhom disponibbli għall-pagamenti diretti ***għall-csabiex*** itejbu l-kompetittività, is-sostenibbiltà u/jew il-kwalità f'ċerti setturi u produzzjonijiet li | (32) Jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jużaw parti mill-limitu massimu finanzjarju tagħhom disponibbli għall-pagamenti diretti ***għall-appoġġ għall-introjtu akkoppjat sabiex*** itejbu l-kompetittività, is-sostenibbiltà u/jew il- |

huma partikolarment importanti għal raġunijiet soċjali, ekonomiċi jew ambjentali u li jgħaddu minn ċerti diffikultajiet. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu wkoll jużaw parti addizzjonali tal-limitu massimu finanzjarju tagħhom disponibbli għall-pagamenti diretti biex jagħtu l-appoġġ akkoppjat għall-introjtu speċifikament għall-appoġġ tal-produzzjoni tal-għelejjel tal-proteina sabiex jitnaqqas id-defiċit tal-Unjoni f'dan ir-rigward.

kwalità f'ċerti setturi u produzzjonijiet li huma partikolarment importanti għal raġunijiet soċjali, ekonomiċi jew ambjentali u li jgħaddu minn ċerti diffikultajiet. ***Jenħtieġ li l-appoġġ għall-introjtu akkoppjat ikun motivat minn ħtieġa jew benefiċċju ambjentali jew soċjoekonomiku ċar jew jenħtieġ li jingħata għal metodi ta' produzzjoni li jmorru lil hinn mill-istandards stabbiliti fis-sistema ta' kundizzjonalità. Jenħtieġ li l-Istati Membri jispjegaw b'mod ċar fil-pjan strateġiku tagħhom ir-raġuni għala l-għoti ta' għajnuna akkoppjata ser iżid il-valur għal sforzi li bihom jistgħu jiġu segwiti objettivi ekonomiċi, soċjali jew ambjentali u r-raġuni għala objettivi bħal dawn ma jistgħux jintlaħqu permezz ta' miżuri ta' żvilupp rurali. Skont Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli u l-Ftehim ta' Pariġi, jenħtieġ li l-appoġġ għall-introjtu akkoppjat ma jkollux effetti negattivi fuq il-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp u jenħtieġ li ma joħloqx distorsjonijiet fis-suq intern u internazzjonali.*** Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu wkoll jużaw parti addizzjonali tal-limitu massimu finanzjarju tagħhom disponibbli għall-pagamenti diretti biex jagħtu l-appoġġ akkoppjat għall-introjtu, speċifikament għall-appoġġ tal-produzzjoni tal-għelejjel tal-proteina, sabiex jitnaqqas id-defiċit tal-Unjoni f'dan ir-rigward ***u b'hekk titnaqqas id-dipendenza fuq għalf tal-annimali importat, partikolarment il-prodotti tas-sojja u taż-żejt tal-palm li jintensifikaw id-deforestazzjoni, il-ħtif tal-art, it-telfien tal-bijodiversità u ċ-ċaqliq sfurzat ta' komunitajiet. Jekk l-għelejjel tal-proteina jiġu importati minn pajjiżi terzi jenħtieġ li dawn jiġu ċċertifikati mill-Unjoni li dawn ġew prodotti b'mod sostenibbli. Jenħtieġ li l-pagamenti mogħtija għall-appoġġ tal-produzzjoni tal-legumi jkunu konsistenti mas-suġġerimenti li l-Kummissjoni Ewropea għamlet fir-Rapport tagħha lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew dwar l-***

| | |
|---|---|
| | ***iżvilupp tal-proteini veġetali fl-Unjoni Ewropea. Jenħtieġ li l-importazzjoni tal-proteini veġetali fl-Unjoni tiġi promossa permezz tal-introduzzjoni ta' pjan ta' azzjoni komprensiv bħala parti minn strateġija dwar il-legumi madwar l-Unjoni kollha li tkun maħsuba għat-tnaqqis tad-dipendenza tal-importazzjonijiet fuq is-sojja u l-għalf tal-annimali minn pajjiżi terzi.*** |

**Emenda 22**

**Proposta għal Regolament**
**Premessa 32 a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(32a) Meta jitqies l-iżvilupp kontinwu tad-diġitalizzazzjoni fis-settur agrikolu, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jiżviluppaw sottoprogramm għall-aġġornament tal-ħiliet diġitali f'żoni rurali u jkunu jistgħu jieħdu miżuri ulterjuri biex inaqqsu d-distakk diġitali bejn il-ġeneri billi jiffaċilitaw l-aċċess tan-nisa f'żoni rurali għat-tagħlim tul il-ħajja, għat-taħriġ vokazzjonali u dak professjonali.*** |

**Emenda 23**

**Proposta għal Regolament**
**Premessa 33**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (33) Jenħtieġ li tiġi żgurata l-konformità tal-appoġġ ***akkoppjat*** għall-introjtu mal-impenji internazzjonali tal-Unjoni. Dan jinkludi b'mod partikolari r-rekwiżiti tal-Memorandum ta' Qbil bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Istati Uniti ***tal-Amerika*** fuq iż-żerriegħa taż-żejt fi ħdan il-qafas tal-GATT[17], kif applikabbli wara bidliet fiż-żona bażi separata tal-UE għaż- | (33) Jenħtieġ li tiġi żgurata l-konformità tal-appoġġ għall-introjtu ***akkoppjat*** mal-impenji internazzjonali tal-Unjoni ***u mad-dispożizzjonijiet ġenerali dwar l-azzjoni esterna tagħha***. Dan jinkludi b'mod partikolari r-rekwiżiti tal-Memorandum ta' Qbil bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Istati Uniti ***tal-Amerka*** fuq iż-żerriegħa taż-żejt fi ħdan il-qafas tal- |

| | |
|---|---|
| żerriegħa taż-żejt wara bidliet fil-kompożizzjoni tal-UE. Jenħtieġ li l-Kummissjoni jkollha s-setgħa li tadotta atti ta' implimentazzjoni għall-iskop li jiġu stipulati regoli dettaljati f'dan ir-rigward. | GATT[17], kif applikabbli wara bidliet fiż-żona bażi separata tal-UE għaż-żerriegħa taż-żejt wara bidliet fil-kompożizzjoni tal-UE. Jenħtieġ li l-Kummissjoni jkollha s-setgħa li tadotta atti ta' implimentazzjoni għall-iskop li jiġu stipulati regoli dettaljati f'dan ir-rigward. |
| [17] Memorandum of Understanding between the Economic Community and the United States of America on oil seeds under GATT (ĠU L 147, 18.06.1993). | [17] Memorandum of Understanding between the Economic Community and the United States of America on oil seeds under GATT (ĠU L 147, 18.06.1993). |

**Emenda 24**

**Proposta għal Regolament**
**Premessa 33 a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(33 a) Sabiex jiġi żgurat li l-interventi jkunu f'konformità mal-impenn tal-Unjoni lejn il-PCD jenħtieġ li jiġi previst monitoraġġ kontinwu u komprensiv. Jenħtieġ li l-valutazzjoni tal-effetti esterni tal-PAK titwettaq b'mod sistematiku, jiġifieri bl-għajnuna tal-indikaturi tal-SDG. Abbażi ta' dan, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa tadotta atti delegati b'regoli li jiddefinixxu miżuri adegwati li jirregolaw il-monitoraġġ. F'dan il-kuntest, jenħtieġ li l-Kummissjoni telabora l-mandat tal-osservatorji tas-suq tal-UE sabiex jinkludi l-monitoraġġ tad-dimensjoni globali tal-PAK, b'mod partikolari l-importazzjonijiet u l-esportazzjonijiet lejn u mill-Pajjiżi l-Anqas Żviluppati. Jenħtieġ li tingħata attenzjoni partikolari lill-prodotti meqjusa sensittivi mill-pajjiżi sħab u lill-prodotti li ġejjin minn dawk is-setturi fejn jingħataw il-pagamenti akkoppjati tal-PAK u fejn jitnedew il-miżuri ta' ġestjoni ta' kriżijiet tal-PAK. Jenħtieġ li meta s-sistema ta' twissija bikrija tindika ksur ta' obbligu*** |

| | |
|---|---|
| | ***tal-PCD, din tagħti bidu għal djalogi ma' pajjiżi sħab li qegħdin fil-fażi tal-iżvilupp fejn tipproponi miżuri adegwati sabiex jindirizzaw il-kwistjonijiet ta' tħassib.*** |

**Emenda 25**

**Proposta għal Regolament**
**Premessa 34 a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(34 a) Sabiex tiġi żgurata l-konformità tal-appoġġ akkoppjat għall-introjtu fis-settur tal-qoton mal-obbligi internazzjonali tal-Unjoni dwar il-Koerenza tal-Politiki għall-Iżvilupp, l-Istati Membri li jniedu tali appoġġ jenħtieġ li jimmonitorjaw il-konsegwenzi tiegħu fuq il-produzzjoni u l-kummerċ u jirrapportaw lill-Kummissjoni, bl-għan li jiffaċilitaw il-monitoraġġ tal-Kummissjoni tal-impatt tal-appoġġ akkoppjat tal-qoton fuq il-produzzjoni tal-qoton fil-pajjiżi sħab fil-fażi tal-iżvilupp, b'mod partikolari fuq is-sigurtà tal-ikel.*** |

**Emenda 26**

**Proposta għal Regolament**
**Premessa 36 a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(36 a) Jenħtieġ li tiġi introdotta skema għas-settur tal-għelejjel tal-legumi, bi tliet għanijiet. L-ewwel nett, it-tnaqqis tad-dipendenza fuq it-taħlita ta' għalf ikkonċentrata li fiha sojja, b'mod speċjali sojja importata li toriġina minn art li reċentement ġiet iddeforestata jew ikkonvertita, f'konformità mal-SDG 15, mal-wegħda tal-Unjoni dwar żero deforestazzjoni u mal-impenji eżistenti tal-kumpaniji privati dwar żero deforestazzjoni. It-tieni, l-għeluq taċ-*** |

| | |
|---|---|
| | ***ċirkwiti ta' ċiklaġġ tan-nutrijenti u r-restrizzjoni tagħhom għal skali ta' baċiri lokali u reġjonali tax-xmara f'konformità mad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma. It-tielet, l-ispinta lis-swieq lokali u reġjonali fl-ikel u fl-għalf tal-annimali u varjetajiet taż-żerriegħa b'input baxx adattati lokalment. Jenħtieġ li l-kultivazzjoni b'sistema fardgħalla jew kontinwa ta' għelejjel tal-legumi ma tiġix appoġġata minn dawn il-pagamenti.*** |

**Emenda 27**

**Proposta għal Regolament**
**Premessa 41**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (41) Jenħtieġ li l-objettivi tal-PAK jiġu segwiti permezz ta' appoġġ għall-investimenti, produttivi kif ukoll mhux produttivi, fuq l-azjenda agrikola u barra minnha. Investimenti bħal dawn jistgħu jikkonċernaw, inter alia, l-infrastrutturi relatati mal-iżvilupp, il-modernizzazzjoni jew l-adattament għat-tibdil fil-klima tal-agrikoltura u tal-forestrija, inkluż l-aċċess għall-art tal-azjendi agrikoli u l-art tal-foresti, il-konsolidazzjoni u t-titjib tal-art, il-prattiki agroforestali u l-provvista u l-iffrankar tal-enerġija u tal-ilma. Sabiex tiġi żgurata aħjar il-konsistenza tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK mal-objettivi tal-Unjoni, kif ukoll kundizzjonijiet ekwi bejn l-Istati Membri, lista negattiva ta' suġġetti ta' investiment hija inkluża f'dan ir-Regolament. | (41) Jenħtieġ li l-objettivi tal-PAK jiġu segwiti permezz ta' appoġġ għall-investimenti, produttivi kif ukoll mhux produttivi, fuq l-azjenda agrikola u barra minnha. Investimenti bħal dawn jistgħu jikkonċernaw, inter alia, l-infrastrutturi relatati mal-iżvilupp, il-modernizzazzjoni jew l-adattament għat-tibdil fil-klima tal-agrikoltura u tal-forestrija, inkluż l-aċċess għall-art tal-azjendi agrikoli u l-art tal-foresti, il-konsolidazzjoni u t-titjib tal-art, il-prattiki agroforestali u l-provvista u l-iffrankar tal-enerġija u tal-ilma. Sabiex tiġi żgurata aħjar il-konsistenza tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK mal-objettivi tal-Unjoni, kif ukoll kundizzjonijiet ekwi bejn l-Istati Membri, lista negattiva ta' suġġetti ta' investiment hija inkluża f'dan ir-Regolament. ***Fid-dawl tar-rapporti, l-istrateġiji u l-mekkaniżmu tal-Unjoni, bħall-Pjan ta' Investiment Estern tagħha u l-Alleanza Afrika-Ewropea għal Investiment u Impjiegi Sostenibbli flimkien mar-rapport li jmiss tat-Task Force dwar l-Afrika Rurali, jenħtieġ li l-bdiewa jiġu mħeġġa wkoll biex jinvestu b'mod responsabbli fil-pajjiżi fil-fażi tal-*** |

| | |
|---|---|
| | ***iżvilupp.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Bl-għoti ta' gwida u garanziji li jgħinu jkopru r-riskji potenzjali, l-UE u l-Istati Membri tagħha jistgħu joffru, b'mod effettiv, inċentivi lill-bdiewa sabiex dawn jinvestu b'mod responsabbli f'pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp. Il-bdiewa għandu jkollhom l-opportunità li jibbilanċjaw l-aspetti negattivi potenzjali tal-appoġġ tal-PAK b'investimenti bħal dawn.*

**Emenda 28**

**Proposta għal Regolament**
**Premessa 46**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (46) Il-Komunikazzjoni dwar "Il-Ġejjieni tal-Ikel u tal-Biedja" issemmi l-iskambju tal-għarfien u l-enfasi fuq l-innovazzjoni bħala objettiv ***trażversali*** għall-PAK il-ġdida. Il-PAK jenħtieġ li tkompli tappoġġa il-mudell ta' innovazzjoni interattiva, li jsaħħaħ il-kollaborazzjoni bejn l-atturi biex isir l-aħjar użu tat-tipi ta' għarfien ***komplementarji*** bl-għan li jixxerrdu s-soluzzjonijiet prattiċi. Is-servizzi konsultattivi tal-azjendi agrikoli jenħtieġ li jissaħħu fi ħdan l-AKIS. Il-Pjan Strateġiku tal-PAK jenħtieġ li jipprovdi informazzjoni dwar kif is-servizzi konsultattivi, ir-riċerka u ***n-netwerksrurali*** se jaħdmu flimkien. Kull Stat Membru jew reġjun, kif xieraq, jista' jiffinanzja għadd ta' azzjonijiet li jimmiraw lejn l-iskambju tal-għarfien u l-innovazzjoni, bl-użu tat-tipi ta' interventi żviluppati f'dan ir-Regolament. | (46) Il-Komunikazzjoni dwar "Il-Ġejjieni tal-Ikel u tal-Biedja" issemmi l-iskambju tal-għarfien u l-enfasi fuq l-innovazzjoni bħala objettiv ***trasversali*** għall-PAK il-ġdida. Il-PAK jenħtieġ li tkompli tappoġġja il-mudell ta' innovazzjoni interattiva, li jsaħħaħ il-kollaborazzjoni bejn l-atturi biex isir l-aħjar użu tat-tipi ta' għarfien ***komplementari*** bl-għan li jixxerrdu s-soluzzjonijiet prattiċi. Is-servizzi konsultattivi tal-azjendi agrikoli jenħtieġ li jissaħħu fi ħdan l-AKIS. Il-Pjan Strateġiku tal-PAK jenħtieġ li jipprovdi informazzjoni dwar kif is-servizzi konsultattivi, ir-riċerka u ***n-netwerks rurali*** se jaħdmu flimkien. ***Jenħtieġ li jiġi previst skambju mal-esperti fil-qasam tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp sabiex jiġi ffaċilitat it-trasferiment tal-għarfien u tal-aħjar prattiki lill-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp.*** Kull Stat Membru jew reġjun, kif xieraq, jista' jiffinanzja għadd ta' azzjonijiet li jimmiraw lejn l-iskambju tal-għarfien u l-innovazzjoni, bl-użu tat-tipi ta' interventi żviluppati f'dan ir-Regolament. |

**Emenda 29**

**Proposta għal Regolament**
**Premessa 51**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (51) Għall-iskop li jiġi żgurat finanzjament xieraq għal ċerti prijoritajiet, jenħtieġ li jiġu stabbiliti regoli dwar l-allokazzjonijiet finanzjarji minimi għal dawn il-prijoritajiet għall-appoġġ taħt l-FAEŻR. Biex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi bejn il-bdiewa, jenħtieġ li tiġi stabbilita wkoll allokazzjoni minima għall-appoġġ akkoppjat taħt il-pagamenti diretti. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu wkoll jużaw parti addizzjonali tal-limitu massimu finanzjarju tagħhom disponibbli għall-pagamenti diretti biex jagħtu l-appoġġ akkoppjat għall-introjtu speċifikament għat-titjib tal-kompetittività, tas-sostenibbiltà u/jew tal-kwalità tal-produzzjoni tal-għelejjel tal-proteini. | (51) Għall-iskop li jiġi żgurat finanzjament xieraq għal ċerti prijoritajiet, jenħtieġ li jiġu stabbiliti regoli dwar l-allokazzjonijiet finanzjarji minimi għal dawn il-prijoritajiet għall-appoġġ taħt l-FAEŻR. Biex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi bejn il-bdiewa, ***kemm ġewwa kif ukoll barra mill-Unjoni,*** jenħtieġ li tiġi stabbilita wkoll allokazzjoni minima għall-appoġġ akkoppjat taħt il-pagamenti diretti. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu wkoll jużaw parti addizzjonali tal-limitu massimu finanzjarju tagħhom disponibbli għall-pagamenti diretti biex jagħtu l-appoġġ akkoppjat għall-introjtu speċifikament għat-titjib tal-kompetittività, tas-sostenibbiltà u/jew tal-kwalità tal-produzzjoni tal-għelejjel tal-proteini***, sabiex titnaqqas l-importazzjoni minn pajjiżi terzi***. |

**Emenda 30**

**Proposta għal Regolament**
**Premessa 55**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (55) ***Sabeix*** tiġi żgurata natura strateġika ċara ta' dawn il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK, u biex jiġu ffaċilitati r-rabtiet ma' politiki oħra tal-Unjoni, u b'mod partikolari ma' miri nazzjonali stabbiliti fit-tul li jirriżultaw mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni jew mill-ftehimiet internazzjonali bħal dawk relatati mat-tibdil fil-klima, mal-foresti, mal-bijodiversità u ***mal-ilma***, huwa xieraq li jenħtieġ li jkun hemm Pjan Strateġiku tal-PAK wieħed għal kull Stat Membru. | (55) ***Sabiex*** tiġi żgurata natura strateġika ċara ta' dawn il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK, u biex jiġu ffaċilitati r-rabtiet ma' politiki oħra tal-Unjoni, u b'mod partikolari ma' miri nazzjonali stabbiliti fit-tul li jirriżultaw mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni jew mill-ftehimiet internazzjonali bħal dawk relatati mat-tibdil fil-klima, mal-foresti, mal-bijodiversità***, mal-ilma*** u ***mal-koerenza tal-politiki għall-iżvilupp (PCD)***, huwa xieraq li jenħtieġ li jkun hemm Pjan Strateġiku tal-PAK wieħed għal kull Stat |

| | |
|---|---|
| | Membru. |

**Emenda 31**

**Proposta għal Regolament**
**Premessa 57**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (57) Sabiex jiġi żgurat li l-istabbiliment tal-miri mill-Istati Membri u li t-tfassil tal-interventi huwa xieraq u li jimmassimizza l-kontribut tal-objettivi tal-PAK, huwa meħtieġ li l-istrateġija tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tiġi bbażata fuq analiżi minn qabel tal-kuntesti lokali u valutazzjoni tal-ħtiġijiet b'rabta mal-objettivi tal-PAK. | (57) Sabiex jiġi żgurat li l-istabbiliment tal-miri mill-Istati Membri u li t-tfassil tal-interventi huwa xieraq u li jimmassimizza l-kontribut tal-objettivi tal-PAK, huwa meħtieġ li l-istrateġija tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tiġi bbażata fuq analiżi minn qabel tal-kuntesti lokali u valutazzjoni tal-ħtiġijiet b'rabta mal-objettivi tal-PAK. ***F'dan ir-rigward, jenħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu wkoll dettalji dwar kif jindirizzaw problemi bħall-abbandun tal-art, il-konċentrazzjoni tas-sjieda tal-art, id-deżertifikazzjoni, il-kwalità tal-ilma jew it-telf tal-bijodiversità, li lkoll għandhom ukoll impatt globali.*** |

**Emenda 32**

**Proposta għal Regolament**
**Premessa 58**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (58) Jenħtieġ li l-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK ikollhom l-għan li jiżguraw koerenza msaħħa fost il-bosta għodod tal-PAK, peress li jenħtieġ li jkopru t-tipi ta' interventi fil-forma ta' pagamenti diretti, it-tipi ta' interventi settorjali u t-tipi ta' interventi għall-iżvilupp rurali. Jenħtieġ ukoll li jiżguraw u juru l-allinjament u l-adegwatezza tal-għażliet li jkunu għamlu l-Istati Membri għall-prijoritajiet u l-objettivi tal-Unjoni. Għalhekk huwa xieraq li jkun fihom strateġija ta' intervent orjentata lejn ir-riżultati u strutturata fuq l- | (58) Jenħtieġ li l-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK ikollhom l-għan li jiżguraw koerenza msaħħa fost il-bosta għodod tal-PAK ***u d-dimensjoni esterna tagħha***, peress li jenħtieġ li jkopru t-tipi ta' interventi fil-forma ta' pagamenti diretti, it-tipi ta' interventi settorjali u t-tipi ta' interventi għall-iżvilupp rurali. Jenħtieġ ukoll li jiżguraw u juru l-allinjament u l-adegwatezza tal-għażliet li jkunu għamlu l-Istati Membri għall-prijoritajiet u l-objettivi tal-Unjoni. Għalhekk huwa xieraq li jkun fihom strateġija ta' intervent |

| | |
|---|---|
| objettivi speċifiċi tal-PAK, inkluż miri kwantifikati b'rabta ma' dawn l-objettivi. Sabiex ikun jista' jsir monitoraġġ tagħhom fuq bażi annwali, huwa xieraq li dawn il-miri jkunu bbażati fuq l-indikaturi tar-riżultati. | orjentata lejn ir-riżultati u strutturata fuq l-objettivi speċifiċi tal-PAK, inkluż miri kwantifikati b'rabta ma' dawn l-objettivi. Sabiex ikun jista' jsir monitoraġġ tagħhom fuq bażi annwali, huwa xieraq li dawn il-miri jkunu bbażati fuq l-indikaturi tar-riżultati. |

**Emenda 33**

**Proposta għal Regolament**
**Premessa 59**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (59) Jenħtieġ li din l-istrateġija tenfasizza l-komplementarjetà kemm bejn l-għodod tal-PAK kif ukoll mal-politiki l-oħra tal-Unjoni. B'mod partikolari, kull Pjan Strateġiku tal-PAK jenħtieġ li jqis il-leġiżlazzjonijiet dwar l-ambjent u l-klima fejn xieraq, u jenħtieġ li jiġu deskritti l-pjanijiet nazzjonali li jirriżultaw minn din il-leġiżlazzjoni bħala parti mill-analiżi tas-sitwazzjoni attwali (analiżi "SWOT"). Huwa xieraq li jiġu elenkati l-istrumenti leġiżlattivi li jenħtieġ li jiġu msemmija b'mod speċifiku fil-Pjan Strateġiku tal-PAK. | (59) Jenħtieġ li din l-istrateġija tenfasizza l-komplementarjetà kemm bejn l-għodod tal-PAK kif ukoll mal-politiki l-oħra tal-Unjoni. B'mod partikolari, kull Pjan Strateġiku tal-PAK jenħtieġ li jqis il-leġislazzjonijiet dwar l-ambjent u l-klima fejn xieraq, u jenħtieġ li jiġu deskritti ***l-impenji tal-Unjoni għall-koerenza tal-politiki għall-iżvilupp u*** l-pjanijiet nazzjonali li jirriżultaw minn din il-leġiżlazzjoni bħala parti mill-analiżi tas-sitwazzjoni attwali (analiżi "SWOT"). Huwa xieraq li jiġu elenkati l-istrumenti leġiżlattivi li jenħtieġ li jiġu msemmija b'mod speċifiku fil-Pjan Strateġiku tal-PAK. |

**Emenda 34**

**Proposta għal Regolament**
**Premessa 70**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (70) Skont il-prinċipju tal-ġestjoni konġunta, il-Kummissjoni hija assistita mill-kumitati ffurmati mir-rappreżentanti tal-Istati Membri fl-implimentazzjoni tal-PAK. Biex tiġi simplifikata s-sistema u l-pożizzjoni tal-Istati Membri, Kumitat ta' Ġestjoni wieħed huwa stabbilit għall- | (70) Skont il-prinċipju tal-ġestjoni konġunta, il-Kummissjoni hija assistita mill-kumitati ffurmati mir-rappreżentanti tal-Istati Membri fl-implimentazzjoni tal-PAK. Biex tiġi simplifikata s-sistema u l-pożizzjoni tal-Istati Membri, Kumitat ta' Ġestjoni wieħed huwa stabbilit għall- |

| | |
|---|---|
| implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, li jgħaqqad il-Kumitat għall-"Iżvilupp Rurali" mal-Kumitat għall-"Pagamenti Diretti", li kienu ġew stabbiliti fil-perjodu tal-ipprogrammar 2014-2020. Ir-responsabbiltà tal-assistenza lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK hija maqsuma bejn l-Awtorità ta' Ġestjoni u l-Kumitat ta' Monitoraġġ tagħha. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tkun assistita wkoll mill-Kumitat tal-"Politika Agrikola Komuni", skont id-dispożizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament. | implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, li jgħaqqad il-Kumitat għall-"Iżvilupp Rurali" mal-Kumitat għall-"Pagamenti Diretti", li kienu ġew stabbiliti fil-perjodu tal-ipprogrammar 2014-2020. Ir-responsabbiltà tal-assistenza lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK hija maqsuma bejn l-Awtorità ta' Ġestjoni u l-Kumitat ta' Monitoraġġ tagħha. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tkun assistita wkoll mill-Kumitat tal-"Politika Agrikola Komuni" ***u jenħtieġ li tirrapporta lill-Kumitat għall-Iżvilupp tal-Parlament Ewropew*** skont id-dispożizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament. |

**Emenda 35**

**Proposta għal Regolament**
**Premessa 72**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (72) F'kuntest fejn l-Istati Membri se jkollhom ħafna aktar flessibbiltà u sussidjarjetà fit-tfassil tal-interventi, in-netwerks huma għodda ewlenija għat-tmexxija u l-orjentazzjoni tal-politika u biex jiġu żgurati attenzjoni u kapaċità biżżejjed fl-Istati Membri. Jenħtieġ li netwerk uniku jiżgura koordinazzjoni aħjar bejn l-attivitajiet tan-networking fil-livell tal-Unjoni u fil-livell nazzjonali u reġjonali. In-netwerks tal-PAK Ewropew u nazzjonali ***jissosstitwixxu*** n-Netwerk Ewropew attwali għall-Iżvilupp Rurali, in-netwerk tal-EIP "għall-produttività u s-sostenibbiltà fil-qasam agrikolu" u n-Netwerks Rurali Nazzjonali, fil-forma ta' pjattaforma li tipprovdi għal aktar skambju ta' għarfien sabiex jintwerew aħjar ir-riżultati u l-valur miżjud tal-politika fil-livell Ewropew, b'mod partikolari l-politika Orizzont Ewropa. Fl-istess perspettiva tat-titjib tal-iskambju tal-għarfien u l-innovazzjoni, qed jiġi stabbilit EIP "għall- | (72) F'kuntest fejn l-Istati Membri se jkollhom ħafna aktar flessibbiltà u sussidjarjetà fit-tfassil tal-interventi, in-netwerks huma għodda ewlenija għat-tmexxija u l-orjentazzjoni tal-politika u biex jiġu żgurati attenzjoni u kapaċità biżżejjed fl-Istati Membri. Jenħtieġ li netwerk uniku jiżgura koordinazzjoni aħjar bejn l-attivitajiet tan-networking fil-livell tal-Unjoni u fil-livell nazzjonali u reġjonali. In-netwerks tal-PAK Ewropew u nazzjonali ***jissostitwixxu*** n-Netwerk Ewropew attwali għall-Iżvilupp Rurali, in-netwerk tal-EIP "għall-produttività u s-sostenibbiltà fil-qasam agrikolu" u n-Netwerks Rurali Nazzjonali, fil-forma ta' pjattaforma li tipprovdi għal aktar skambju ta' għarfien sabiex jintwerew aħjar ir-riżultati u l-valur miżjud tal-politika fil-livell Ewropew, b'mod partikolari l-politika Orizzont Ewropa. Fl-istess perspettiva tat-titjib tal-iskambju tal-għarfien u l-innovazzjoni, qed jiġi stabbilit EIP "għall- |

| | |
|---|---|
| produttività u s-sostenibbiltà fil-qasam agrikolu", li jimplimenta l-mudell ta' innovazzjoni interattiv skont il-metodoloġija deskritta f'dan ir-Regolament. | produttività u s-sostenibbiltà fil-qasam agrikolu", li jimplimenta l-mudell ta' innovazzjoni interattiv skont il-metodoloġija deskritta f'dan ir-Regolament. ***Jenħtieġ li jiġi previst skambju mal-esperti fil-qasam tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp għas-sensibilizzazzjoni u l-iffaċilitar tat-trasferiment tal-għarfien u tal-aħjar prattiki.*** |

**Emenda 36**

**Proposta għal Regolament**
**Premessa 74**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (74) L-orjentazzjoni lejn ir-riżultati li jġib miegħu l-mudell ta' implimentazzjoni teħtieġ qafas ta' prestazzjoni b'saħħtu, b'mod partikolari minħabba li l-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK jikkontribwixxu għal objettivi ġenerali wiesgħa għal politiki oħrajn ġestiti b'mod konġunt. Politika bbażata fuq il-prestazzjoni timplika valutazzjoni annwali u pluriennali fuq il-bażi ta' outputs magħżulin, indikaturi tar-riżultati u tal-impatti, kif definit fil-qafas għall-monitoraġġ u għall-evalwazzjoni tal-prestazzjoni. Għal dan l-għan, jenħtieġ li jingħażel sett limitat u mmirat ta' indikaturi b'mod li jirrifletti kemm jista' jkun jekk l-intervent appoġġat jikkontribwixxix għall-kisba tal-objettivi ppjanati. L-indikaturi tar-riżultati u tal-output li jirrigwardaw l-objettivi relatati mal-klima u mal-ambjent jistgħu jinkludu interventi stabbiliti fi strumenti nazzjonali għall-ippjanar ambjentali u klimatiku li jirriżultaw mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni. | (74) L-orjentazzjoni lejn ir-riżultati li jġib miegħu l-mudell ta' implimentazzjoni teħtieġ qafas ta' prestazzjoni b'saħħtu, b'mod partikolari minħabba li l-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK jikkontribwixxu għal objettivi ġenerali wiesgħa għal politiki oħrajn ġestiti b'mod konġunt. Politika bbażata fuq il-prestazzjoni timplika valutazzjoni annwali u pluriennali fuq il-bażi ta' outputs magħżulin, indikaturi tar-riżultati u tal-impatti, kif definit fil-qafas għall-monitoraġġ u għall-evalwazzjoni tal-prestazzjoni. Għal dan l-għan, jenħtieġ li jingħażel sett limitat u mmirat ta' indikaturi b'mod li jirrifletti kemm jista' jkun jekk l-intervent appoġġat jikkontribwixxix għall-kisba tal-objettivi ppjanati. L-indikaturi tar-riżultati u tal-output li jirrigwardaw l-objettivi relatati mal-klima u mal-ambjent jistgħu jinkludu interventi stabbiliti fi strumenti nazzjonali għall-ippjanar ambjentali u klimatiku li jirriżultaw mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni. ***Jenħtieġ ukoll li l-valutazzjoni dwar jekk intlaħqux l-objettivi tal-PAK issir abbażi ta' indikaturi relatati mal-impatt tal-PAK fuq l-objettivi tal-iżvilupp tal-Unjoni u fuq il-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp.*** |

**Emenda 37**

**Proposta għal Regolament**
**Premessa 75**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (75) Bħala parti mill-qafas ta' monitoraġġ u ta' evalwazzjoni tal-prestazzjoni, jenħtieġ li l-Istati Membri jimmonitorjaw u jirrappurtaw il-progress li sar lill-Kummissjoni kull sena. L-informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri hija l-bażi li fuqha jenħtieġ li l-Kummissjoni tirrapporta dwar il-progress lejn il-kisba tal-objettivi speċifiċi fil-perjodu tal-ipprogrammar kollu bl-użu ta' sett ewlieni ta' indikaturi għal dan l-iskop. | (75) Bħala parti mill-qafas ta' monitoraġġ u ta' evalwazzjoni tal-prestazzjoni, jenħtieġ li l-Istati Membri jimmonitorjaw u jirrappurtaw il-progress li sar lill-Kummissjoni kull sena. L-informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri hija l-bażi li fuqha jenħtieġ li l-Kummissjoni tirrapporta dwar il-progress lejn il-kisba tal-objettivi speċifiċi fil-perjodu tal-ipprogrammar kollu bl-użu ta' sett ewlieni ta' indikaturi għal dan l-iskop. ***Bl-użu ta' data mill-Istati Membri, jenħtieġ li l-Kummissjoni tippubblika l-Impronta Ekoloġika tal-produzzjoni u l-konsum agroalimentari fl-Unjoni kull sena.*** |

**Emenda 38**

**Proposta għal Regolament**
**Premessa 75 a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(75a) Jenħtieġ li s-sistema ta' monitoraġġ tal-PAK tiġi kkomplementata minn sistema indipendenti fi ħdan l-Unjoni li tirċievi lmenti minn persuni jew komunitajiet affettwati mill-PAK. Jenħtieġ li jiġi rikonoxxut ir-rwol importanti tal-Kumitat għall-Iżvilupp tal-Parlament u tar-Rapporteur permanenti tiegħu dwar il-PCD.*** |

**Emenda 39**

**Proposta għal Regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt i a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(i a) "koerenza tal-politiki għall-iżvilupp" tfisser l-obbligu għall-Unjoni li tqis l-objettivi ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp fil-politiki li hija timplimenta, u, fl-ilħuq tal-objettivi ta' politika domestika tagħha, l-obbligu tagħha li tevita miżuri politiċi negattivi li jaffettwaw b'mod negattiv l-objettivi għall-iżvilupp tal-Unjoni;*** |

**Emenda 40**

**Proposta għal Regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt j a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(j a) "sigurtà tal-ikel" tfisser id-dritt tal-persuni għal ikel tajjeb għas-saħħa u xieraq għall-kultura prodott permezz ta' metodi ekoloġikament sodi u sostenibbli, u d-dritt tal-persuni li jiddefinixxu s-sistemi tal-ikel u agrikoli tagħhom stess.*** |

**Emenda 41**

**Proposta għal Regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) li ***jitrawwem settur agrikolu intelliġenti***, reżiljenti u ***diversifikat*** li ***jiżgura*** s-sigurtà tal-ikel; | (a) li ***titrawwem produzzjoni agrikola dejjiema, inklużiva***, reżiljenti***, sostenibbli*** u ***diversifikata*** li ***tiżgura*** s-sigurtà tal-ikel ***sostenibbli, deċentralizzata u fit-tul, filwaqt li tiġi evitata produzzjoni żejda u tiġi żgurata Koerenza tal-Politiki għall-Iżvilupp***; |

**Emenda 42**

**Proposta għal Regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) li jissaħħu l-ħarsien ambjentali u l-azzjoni klimatika u ***jingħata kontribut lill-objettivi*** tal-Unjoni relatati mal-ambjent u mal-klima; | (b) li jissaħħu l-ħarsien ambjentali***, il-bijodiversità*** u l-azzjoni klimatika u ***jintlaħqu l-objettivi kollha*** tal-Unjoni relatati mal-ambjent u mal-klima ***rilevanti għall-agrikoltura***; |

**Emenda 43**

**Proposta għal Regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) li tissaħħaħ in-nisġa soċjoekonomika taż-żoni rurali. | (c) li ***jinkiseb żvilupp territorjali bbilanċjat tal-ekonomiji u l-komunitajiet rurali, filwaqt li*** tissaħħaħ in-nisġa soċjoekonomika taż-żoni rurali. |

**Emenda 44**

**Proposta għal Regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Dawk l-objettivi għandhom jiġu ***kkomplementati mill-objettiv*** trasversali ***tal-modernizzazzjoni tas-settur billi*** jitrawmu u jiġu kondiviżi l-għarfien, ***l-innovazzjoni*** u ***d-diġitalizzazzjoni*** fl-agrikoltura u fiż-żoni rurali, u jitħeġġeġ l-użu tagħhom. | Dawk l-objettivi għandhom jiġu ***implimentati b'mod li se jiżgura l-ilħuq tal-objettivi*** trasversali ***tal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli u l-obbligi skont il-Ftehim ta' Pariġi. Fejn iwassal għal dawn l-għanijiet, ir-regolament jimmira li*** jitrawmu u jiġu kondiviżi l-għarfien, ***it-tekniki*** u ***l-għodod*** fl-agrikoltura u fiż-żoni rurali, u jitħeġġeġ l-użu tagħhom***, u tiġi żgurata tranżizzjoni għall-iżvilupp sostenibbli msemmi fl-Artikolu 11 tat-TFUE***. |

**Emenda 45**

**Proposta għal Regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) jiġu appoġġati l-introjtu vijabbli tal-azjendi agrikoli u r-reżiljenza tagħhom fl-Unjoni kollha biex ***tissaħħaħ is-sigurtà*** tal-ikel; | (a) jiġu appoġġjati l-introjtu vijabbli tal-azjendi agrikoli u r-reżiljenza tagħhom fl-Unjoni kollha biex ***tiġi żgurata s-sigurtà*** tal-ikel ***fit-tul, filwaqt li jiġu evitati prattiki ta' dumping dannuż***; |

**Emenda 46**

**Proposta għal Regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) tissaħħaħ l-orjentazzjoni lejn is-suq u tiżdied il-kompetittività inkluż permezz ta' aktar enfasi fuq ir-riċerka, it-teknoloġija u d-diġitalizzazzjoni; | (b) tissaħħaħ l-orjentazzjoni lejn is-suq ***bil-promozzjoni ta' ktajjen tal-provvista qosra u prodotti b'valur miżjud bħal dawk li joriġinaw minn biedja organika*** u tiżdied il-kompetittività inkluż permezz ta' aktar enfasi fuq ***it-tagħlim bejn il-pari,*** ir-riċerka, it-teknoloġija u d-diġitalizzazzjoni;***;*** |

**Emenda 47**

**Proposta għal Regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt d**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (d) jingħata kontribut lill-mitigazzjoni u l-adattament għat-tibdil fil-klima***, kif ukoll lill-enerġija sostenibbli***; | (d) jingħata kontribut lill-mitigazzjoni u l-adattament għat-tibdil fil-klima ***billi jitnaqqsu b'mod sinifikanti l-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-agrikoltura f'konformità mal-Ftehim ta' Pariġi u mal-miri għall-klima tal-Unjoni***; |

**Emenda 48**

**Proposta għal Regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt h**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (h) jiġu promossi l-impjiegi, it-tkabbir, l-inklużjoni soċjali ***u*** l-iżvilupp lokali fiż-żoni rurali, inkluż ***il-bijoekonomija*** u l-forestrija sostenibbli; | (h) jiġu promossi l-impjiegi, it-tkabbir ***inklużiv u sostenibbli, id-diversifikazzjoni tal-attivitajiet u tal-introjtu, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri***, l-inklużjoni soċjali***, il-ġlieda kontra l-faqar,*** l-iżvilupp lokali fiż-żoni rurali, inkluż il-forestrija sostenibbli, u ***jitjiebu s-servizzi pubbliċi bażiċi filwaqt li tiġi promossa l-koeżjoni soċjali u territorjali***; |

**Emenda 49**

**Proposta għal Regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt i**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (i) tittejjeb ir-reazzjoni tal-agrikoltura tal-UE għad-domandi soċjetali għall-ikel u għas-saħħa, inkluż ikel sikur, nutrittiv u sostenibbli, il-ħela tal-ikel, kif ukoll il-benessri tal-annimali. | (i) tittejjeb ir-reazzjoni tal-agrikoltura tal-UE għad-domandi soċjetali għall-ikel u għas-saħħa, inkluż ikel sikur, nutrittiv***, ta' kwalità għolja*** u sostenibbli, il-ħela tal-ikel, kif ukoll ***is-sostenibbiltà ambjentali u t-titjib*** tal-benessri tal-annimali ***filwaqt li tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli***. |

**Emenda 50**

**Proposta għal Regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt i a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(i a) Koerenza tal-Politiki għall-Iżvilupp (PCD): jitqiesu sistematikament l-objettivi ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp*** |

| | |
|---|---|
| | ***u jiġu evitati impatti esterni negattivi tal-politiki tal-Unjoni fuq il-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp u l-popolazzjonijiet tagħhom.*** |

**Emenda 51**

**Proposta għal Regolament**
**Artikolu 6 a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 6a*** |
| | ***Il-miri tal-Unjoni u tal-Istati Membri*** |
| | ***1. F'konformità mal-objettivi stabbiliti fl-Artikoli 5 u 6 tar-Regolament, il-Pjanijiet Strateġiċi kkombinati tal-PAK għandhom iwasslu għal:*** |
| | ***(a) żieda netta fl-għadd ta' bdiewa, il-ħaddiema agrikoli u l-impjiegi assoċjati fiż-żoni rurali*** |
| | ***(b) tnaqqis sinifikanti tal-Gassijiet b'Effett ta' Serra marbuta mas-Settur Agrikolu sal-2027*** |
| | ***(c) waqfien u treġġigħ lura tat-telfien tal-bijodiversità*** |
| | ***(d) waqfien u treġġigħ lura tat-tixrid tar-reżistenza għall-antimikrobiċi*** |
| | ***(e) waqfien u treġġigħ lura tat-telf tad-dakkara, tal-għasafar u tal-insetti*** |
| | ***(f) żieda tad-diversità ġenetika kemm fi ħdan kif ukoll bejn l-għelejjel u l-annimali*** |
| | ***(g) tnaqqis tal-esportazzjonijiet ta' annimali ħajjin*** |
| | ***(h) tnaqqis tat-tniġġis tal-arja u tal-ilma minħabba s-settur agrikolu*** |
| | ***(i) żamma u żieda tal-wiċċ tal-bwar permanenti*** |
| | ***(j) tnaqqis tal-użu tal-pestiċidi, f'konformità mad-Direttiva 2009/128/KE*** |
| | ***2. Fl-abbozz tal-Pjanijiet Strateġiċi*** |

| | |
|---|---|
| | ***tagħhom, l-Istati Membri għandhom jindikaw kif beħsiebhom jikkontribwixxu għal dawn il-miri u jipproponu miri nazzjonali preċiżi.*** |
| | ***3. F'konformità mal-proċedura deskritta fil-Kapitolu III tat-titolu V, il-Kummissjoni għandha tiżgura li t-taħlita tal-miri nazzjonali ser tippermetti li tintlaħaq il-mira tal-Unjoni stabbilita fil-paragrafu 1 u li l-interventi maħsuba mill-Istati Membri huma biżżejjed biex jintlaħqu l-miri nazzjonali tagħhom. Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi, il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-Istati Membri adottaw miri nazzjonali simili.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Id-definizzjoni ta' miri minimi fl-Unjoni kollha hija meħtieġa biex jiġi żgurat li jintlaħqu l-objettivi ġenerali ta' dan ir-Regolament.*

**Emenda 52**

**Proposta għal Regolament**
**Artikolu 9 a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 9 a*** |
| | ***Koerenza tal-politiki għall-iżvilupp*** |
| | ***1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-interventi jkunu konformi mal-impenn tal-Unjoni għall-Koerenza tal-Politiki għall-Iżvilupp (PCD), id-Dritt għall-Iżvilupp u d-Dritt għall-Ikel.*** |
| | ***2. L-interventi tal-Istati Membri għandhom jikkontribwixxu biex jintlaħqu l-għanijiet stabbiliti fl-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli, b'mod partikolari SDG 2, SDG 10, SDG 12 u SDG 13. Għaldaqstant, il-PAK għandha*** |
| | ***(i) tikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' agrikoltura diversifikata u sostenibbli u prattiki agroekoloġiċi reżiljenti kemm fl-*** |

***Unjoni kif ukoll fil-pajjiżi sħab;***

***(ii) tikkontribwixxi għaż-żamma tad-diversità ġenetika taż-żrieragħ, il-pjanti kkultivati, l-annimali tal-azjenda agrikola jew iddomestikati u l-ispeċijiet selvaġġi relatati tagħhom, fl-Unjoni u fil-pajjiżi sħab;***

***(iii) tikkontribwixxi biex, kemm fl-Unjoni kif ukoll fil-pajjiżi sħab, jintuża l-potenzjal tal-bdiewa fuq skala żgħira, tal-intrapriżi agrikoli żgħar, b'mod partikolari tal-bdiewa nisa, tal-popli indiġeni attivi fil-produzzjoni agrikola u tar-raħħala;***

***(iv) tikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' sistemi tal-ikel lokali u ta' swieq domestiċi u reġjonali, kemm fl-Unjoni kif ukoll fil-pajjiżi sħab, bil-għan li titnaqqas id-dipendenza fuq l-importazzjonijiet tal-ikel u jitqassru l-ktajjen alimentari;***

***(v) ittemm il-prattiki kummerċjali li jfixklu l-kummerċ globali fis-swieq agrikoli;***

***(vi) tintegra bis-sħiħ miżuri relatati mal-mitigazzjoni u l-adattament għat-tibdil fil-klima;***

***(vii) tirrispetta l-Ftehim ta' Pariġi dwar it-tibdil fil-klima; ir-regoli relatati mal-kummerċ agrikolu m'għandhomx ixekklu l-użu sostenibbli ta' riżorsi jew miri multilaterali għall-klima.***

***3. L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jimmonitorjaw l-implimentazzjoni tal-PAK u jiżguraw li l-pjanijiet strateġiċi tal-PAK jevitaw impatt negattiv fuq is-swieq agrikoli lokali u l-produtturi lokali fil-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp. Id-dispożizzjonijiet għall-monitoraġġ huma stabbiliti fl-Artikolu 119a.***

**Emenda 53**

**Proposta għal Regolament**
**Artikolu 9 b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 9 b*** |
| | ***Konformità mal-Ftehim ta' Pariġi*** |
| | ***1. L-objettivi tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK għandhom jiġu segwiti f'konformità mal-Ftehim ta' Pariġi, u bl-għan li jintlaħqu l-objettivi globali stabbiliti fil-Ftehim u l-impenji deskritti fil-Kontributi Stabbiliti fil-Livell Nazzjonali tal-Unjoni u tal-Istati Membri.*** |
| | ***2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-pjanijiet Strateġiċi tagħhom huma konformi mal-miri nazzjonali fit-tul diġà stabbiliti li huma stipulati fi jew li ġejjin mill-istrumenti leġislattivi msemmija fl-Anness XI u mal-objettivi stipulati fil-paragrafu 2.*** |
| | ***3. Il-Kummissjoni għandha tiżgura, qabel ma tapprova l-Pjanijiet Strateġiċi, li dawn se jirrispettaw l-objettivi stipulati f'dan l-Artikolu.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*L-Istati Membri għandhom jiżviluppaw għodod biex jissoġġettaw fondi tal-UE għal standards li jeżaminaw biss tħassib ambjentali. L-indirizzar tax-xejriet tal-produzzjoni (li maż-żmien jista' jkollhom impatt fuq ix-xejra tal-konsum) huwa neċessità biex jiġi żgurat li l-Unjoni kollha kemm hija ma tistituzzjonalizzax il-produzzjoni żejda (bħalma huwa l-każ sa issa).*

**Emenda 54**

**Proposta għal Regolament**
**Artikolu 13 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Is-servizzi konsultattivi għall-azjendi agrikoli għandhom ikopru d-dimensjonijiet ekonomiċi, ambjentali u soċjali u jagħtu informazzjoni teknoloġika | 2. Is-servizzi konsultattivi għall-azjendi agrikoli għandhom ikopru d-dimensjonijiet ekonomiċi, ambjentali u soċjali u jagħtu informazzjoni teknoloġika |

| | |
|---|---|
| u xjentifika aġġornata żviluppata mir-riċerka u l-innovazzjoni. Dawn għandhom jiġu integrati fis-servizzi interrelatati ta' konsulenti għall-azjendi agrikoli, riċerkaturi, ***organizzazzjoijiet*** tal-bdiewa u partijiet ikkonċernati oħra li jiffurmaw is-Sistemi tal-Għarfien u tal-Innovazzjoni Agrikoli (AKIS). | u xjentifika aġġornata żviluppata mir-riċerka u l-innovazzjoni. Dawn għandhom jiġu integrati fis-servizzi interrelatati ta' konsulenti għall-azjendi agrikoli, riċerkaturi, ***organizzazzjonijiet*** tal-bdiewa u partijiet ikkonċernati oħra li jiffurmaw is-Sistemi tal-Għarfien u tal-Innovazzjoni Agrikoli (AKIS). ***L-esperti fil-qasam tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp għandu jkunilhom possibbli li jkollhom skambju kontinwu mas-sistema AKIS sabiex jiġi ffaċilitat it-trasferiment tal-għarfien u tal-aħjar prattiki lejn il-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp.*** |

**Emenda 55**

**Proposta għal Regolament**
**Artikolu 13 – paragrafu 4 – punt f a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(f a) il-prattiki ta' biedja sostenibbli, li tgħin fiż-żamma tal-ekosistemi, li jsaħħu l-kapaċità għall-adattament għat-tibdil fil-klima u li jtejbu b'mod progressiv il-kwalità tal-art u tal-ħamrija, f'konformità mal-miri tal-SDG2.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Il-provvista ta' taħriġ lill-bdiewa u lill-benefiċjarji tal-fondi tal-PAK matul l-implimentazzjoni tal-miri tal-SDG2 jidħol fi ħdan il-qafas tal-impenn tal-Unjoni li tindirizza l-kwistjonijiet tal-klima u l-Aġenda 2030.*

**Emenda 56**

**Proposta għal Regolament**
**Artikolu 13 – paragrafu 4 a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***4a. Il-konsulenti għandhom jitħarrġu biex jagħtu fehim aħjar tal-impatt globali tal-PAK.*** |

**Emenda 57**

**Proposta għal Regolament**
**Artikolu 14 – paragrafu 7 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) l-appoġġ għall-introjtu akkoppjat; | (a) l-appoġġ għall-introjtu akkoppjat***, fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tar-rekwiżiti tad-WTO għall-eliminazzjoni ta' appoġġ li jfixkel il-kummerċ;*** |

**Emenda 58**

**Proposta għal Regolament**
**Artikolu 28 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri għandhom ***jipprevedu*** appoġġ għall-iskemi ***volontarji*** għall-klima u għall-ambjent ("ekoskemi") bil-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u kif speċifikat aktar fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom. | 1. L-Istati Membri għandhom ***iżidu b'mod gradwali*** appoġġ għall-iskemi ***obbligatorji*** għall-klima u għall-ambjent ("ekoskemi") bil-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u kif speċifikat aktar fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom. |

**Emenda 59**

**Proposta għal Regolament**
**Artikolu 28 – paragrafu 3 a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3a. Meta jabbozzaw il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom l-Istati Membri għandhom jagħtu prijorità lis-sistemi ta' biedja li jwasslu diversi benefiċċji b'mod effettiv għall-kisba tal-objettivi tal-Artikolu 6.1, bħall-ġestjoni msaħħa tal-mergħat permanenti, tal-karatteristiċi tal-pajsaġġ, u tal-biedja organika.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Jeħtieġ li jiġi definit aħjar il-kamp ta' applikazzjoni tal-miżuri li ser jiġu appoġġjati fl-ambitu tal-ekoskemi. L-Istati Membri għandu jkollhom il-flessibbiltà li jagħżlu prattiki li huma tassew adattati għat-territorju tagħhom iżda jagħtu prijorità lill-appoġġ tas-sistemi tal-biedja magħmula minn bosta prattiki tal-biedja sabiex jiġi mmassimizzat l-effett tal-ekoskemi fuq il-klima u fuq l-ambjent. Barra minn hekk, bl-appoġġ ta' sistemi ta' ċertifikazzjoni eżistenti, l-Istati Membri jistgħu jiżguraw li l-amministrazzjoni ta' ekoskemi tkun waħda aktar sempliċi.*

**Emenda 60**

**Proposta għal Regolament**
**Artikolu 29 – paragrafu 3 a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3a. Meta Stat Membru jipproponi appoġġ akkoppjat volontarju fil-pjan strateġiku tiegħu kif previst fl-Artikolu 106, il-Kummissjoni għandha tiżgura li:*** |
| | ***(a) l-għajnuna tissodisfa l-prinċipju li ma ssir l-ebda ħsara;*** |
| | ***(b) hemm ħtieġa jew benefiċċju ambjentali jew soċjali ċari, iġġustifikati b'evidenza li tista' tiġi kkwantifikata b'mod empiriku u li tista' tiġi vverifikata b'mod indipendenti;*** |
| | ***(c) l-appoġġ jintuża biex jissodisfa l-ħtiġijiet ta' sigurtà tal-ikel tal-Unjoni u ma joħloqx tfixkil tas-swieq interni jew internazzjonali;*** |
| | ***(d) l-għoti tal-appoġġ għall-introjtu akkoppjat ma jwassalx għal eżiti tal-kummerċ li jħallu impatt negattiv fuq l-investiment, il-produzzjoni u l-iżvilupp tal-ipproċessar fis-settur agroalimentari f'pajjiżi sħab fil-fażi tal-iżvilupp;*** |
| | ***(e) l-appoġġ akkoppjat volontarju ma jingħatax għal swieq li jinsabu fi kriżi minħabba produzzjoni żejda jew provvista żejda;*** |

**Emenda 61**

**Proposta għal Regolament**
**Artikolu 29 – paragrafu 3 b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3b. Fejn meħtieġ, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 138, fejn tissupplimenta dan ir-Regolament b'miżuri li għandhom jiġu adottati mill-Istati Membri meta jniedu appoġġ għall-introjtu akkoppjat, sabiex jiġu eliminati l-effetti avversi fuq il-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp.*** |

**Emenda 62**

**Proposta għal Regolament**
**Artikolu 30 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-appoġġ għall-introjtu akkoppjat jista' biss jingħata lis-setturi u lill-produzzjonijiet li ġejjin jew tipi speċifiċi ta' biedja fihom fejn dawn ikunu importanti għal raġunijiet ekonomiċi, soċjali jew ambjentali: ċereali, żrieragħ taż-żjut, għelejjel li fihom il-proteini, legumi tal-qamħ, kittien, qanneb, ross, ġewż, ***patata tal-lamtu, ħalib u prodotti tal-ħalib,*** żrieragħ, laħam tan-nagħaġ u laħam tal-mogħoż, ***ċanga u vitella,*** żejt taż-żebbuġa, dud tal-ħarir, foraġġ niexef, ħops, ***pitravi, kannamiela u*** ċikwejra, frott u ħxejjex, msajġar b'newba qasira ***u għelejjel oħra mhux tal-ikel, esklużi s-siġar, li jintużaw għall-produzzjoni tal-prodotti li għandhom il-potenzjal li jissosstitwixxu l-materjali fossili***. | L-appoġġ għall-introjtu akkoppjat jista' biss jingħata lis-setturi u lill-produzzjonijiet li ġejjin jew tipi speċifiċi ta' biedja fihom***, inkluż il-biedja organika, li jmorru lil hinn mill-istandards stabbiliti fis-sistema ta' kundizzjonalità, jew*** fejn dawn ikunu importanti għal raġunijiet ekonomiċi, soċjali jew ambjentali: ċereali, żrieragħ taż-żjut, għelejjel li fihom il-proteini, legumi tal-qamħ, ***legumi tal-foraġġ,*** kittien, qanneb, ross, ġewż, żrieragħ, laħam tan-nagħaġ u laħam tal-mogħoż, żejt taż-żebbuġa, dud tal-ħarir, foraġġ niexef, ħops, ċikwejra, frott u ħxejjex, ***u*** msajġar b'newba qasira. |

**Emenda 63**

**Proposta għal Regolament**
**Artikolu 58 a (ġdid)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***Artikolu 58a*** |
| | ***Is-settur tal-għelejjel tal-legumi*** |
| | ***Objettivi tas-settur tal-għelejjel tal-legumi*** |
| | ***L-Istati Membri għandhom isegwu l-objettivi li ġejjin fis-settur tal-għelejjel tal-legumi:*** |
| | ***(a) L-iskema għandha żżid il-produzzjoni u l-konsum sostenibbli tal-legumi madwar l-Unjoni, biex tiżdied l-awtosuffiċjenza skont il-miri stabbiliti fl-Anness I;*** |
| | ***(b) L-għelejjel tal-legumi li jitkabbru fir-raba' appoġġjati mill-assistenza finanzjarja tal-Unjoni għandhom ikunu parti minn newba tal-għelejjel ta' mill-anqas tliet snin, jew minn taħlita ta' speċijiet fi bwar temporanji fir-raba'. Din in-newba għandha tkun kompatibbli mal-iskemi għall-klima u għall-ambjent ("ekoskemi") fl-Artikolu 28, li skontu newbiet ta' erba' snin jew aktar jistgħu jiġu ppremjati. L-iskema tista' tippremja wkoll kultivazzjoni assoċjata jew imħallta li mhijiex ippremjata b'mod ieħor taħt miżuri oħra;*** |
| | ***(c) Ragħa bbażata fuq bwar ta' bwar b'diversità kbira ta' speċijiet jew ħsad ta' mergħa b'diversità kbira ta' speċijiet għall-foraġġ fuq bur permanenti li fih speċijiet tal-legumi fil-medda ta' ħaxix irqiq jistgħu jiġu ssussidjati wkoll, bil-kundizzjoni li ma jsirx ħrit mill-ġdid u tiżrigħ mill-ġdid;*** |
| | ***(d) Il-miżuri msemmija f'dan l-Artikolu għandhom ikunu koerenti mal-impenji u l-leġiżlazzjoni klimatiċi u ambjentali tal-Unjoni, u ma jikkawżawx bidla diretta jew indiretta fl-użu tal-art, filwaqt li jkollhom impatt ġenwinament pożittiv fuq l-emissjonijiet ta' gassijiet serra globali skont il-Mudell ta' Ġestjoni tal-Bijosfera Globali [GLOBIOM].*** |

| | |
|---|---|
| | ***(e) Il-kultivazzjoni b'sistema fardgħalla jew kontinwa ta' għelejjel tal-legumi m'għandhiex tiġi appoġġata minn dawn il-pagamenti.*** |
| | ***(f) It-tnaqqis tad-dipendenza fuq it-taħlita ta' għalf ikkonċentrata li fiha sojja, b'mod speċjali sojja importata li toriġina minn art li reċentement ġiet iddeforestata jew ikkonvertita, f'konformità mal-SDG 15, mal-wegħda tal-UE dwar żero deforestazzjoni u mal-impenji eżistenti tal-kumpaniji privati dwar żero deforestazzjoni.*** |
| | ***(g) L-għeluq taċ-ċirkwiti ta' ċiklaġġ tan-nutrijenti u r-restrizzjoni tagħhom għal skali ta' baċiri lokali u reġjonali tax-xmara f'konformità mad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma.*** |
| | ***(h) L-ispinta lis-swieq lokali u reġjonali fl-ikel u fl-għalf tal-annimali u varjetajiet taż-żerriegħa b'input baxx adattati lokalment.*** |

**Emenda 64**

**Proposta għal Regolament**
**Artikolu 68 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt h a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(h a) investimenti fil-produzzjoni tal-bijoenerġija li ma jkunux konformi mal-kriterji ta' sostenibbiltà stabbiliti fid-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli, inkluż il-limitazzjoni ta' ċerti tipi ta' komoditajiet.*** |

**Emenda 65**

**Proposta għal Regolament**
**Artikolu 70 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri għandhom jagħtu | 1. L-Istati Membri għandhom jagħtu |

| | |
|---|---|
| appoġġ għall-għodod għall-ġestjoni tar-riskju bil-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u kif speċifikat aktar fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom. | appoġġ għall-għodod għall-ġestjoni tar-riskju bil-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u kif speċifikat aktar fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom***, filwaqt li jqisu l-impatt negattiv possibbli fuq l-investiment, il-produzzjoni u l-iżvilupp tal-ipproċessar fis-settur agroalimentari f'pajjiżi sħab fil-fażi tal-iżvilupp***. |

**Emenda 66**

**Proposta għal Regolament**
**Artikolu 86 – paragrafu 5 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-allokazzjonijiet finanzjarji indikattivi għall-interventi tal-appoġġ għall-introjtu akkoppjat imsemmija fis-Subtaqsima 1 tat-Taqsima 2 tal-Kapitolu II tat-Titolu III, għandha tkun limitata għal massimu ta' ***10 %*** tal-ammont stabbilit fl-Anness VII. | L-allokazzjonijiet finanzjarji indikattivi għall-interventi tal-appoġġ għall-introjtu akkoppjat imsemmija fis-Subtaqsima 1 tat-Taqsima 2 tal-Kapitolu II tat-Titolu III, għandha tkun limitata għal massimu ta' ***5%*** tal-ammont stabbilit fl-Anness VII. |

**Emenda 67**

**Proposta għal Regolament**
**Artikolu 87 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Abbażi tal-informazzjoni provduta mill-Istati Membri, il-Kummissjoni għandha tevalwa l-kontribut tal-politika għall-objettivi tat-tibdil fil-klima bl-użu ta' metodoloġija sempliċi u komuni. | 1. Abbażi tal-informazzjoni provduta mill-Istati Membri, il-Kummissjoni għandha tevalwa l-kontribut tal-politika għall-objettivi tat-tibdil fil-klima bl-użu ta' metodoloġija sempliċi***, preċiża*** u komuni. |

**Emenda 68**

**Proposta għal Regolament**
**Artikolu 87 – paragrafu 1 a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1 a. Għandhom jitwettqu studji xjentifiċi indipendenti biex jiġi*** |

***ddeterminat il-kontribut għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra jew is-sekwestru ta' gassijiet serra tal-attivitajiet differenti implimentati mill-Istati Membri.***

**Emenda 69**

**Proposta għal Regolament**
**Artikolu 87 – paragrafu 1 b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1 b. Abbażi ta' dawn l-istudji, il-Kummissjoni għandha tipproponi metodoloġija ta' traċċar, li tiżgura li:*** |
| | ***(a) in-nefqiet allokati għall-attivitajiet li jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għat-tnaqqis u s-sekwestru tal-emissjonijiet biss jingħaddu bħala nefqa relatata mal-klima;*** |
| | ***(b) il-perċentwal ta' kull nefqa li titqies bħala nefqa relatata mal-klima jkun proporzjonali għall-impatt pożittiv reali tal-attività fuq l-emissjonijiet jew is-sekwestru ta' gassijiet serra;*** |
| | ***(c) in-nefqiet allokati għall-attivitajiet li jkollhom impatt negattiv fuq l-emissjonijiet jew is-sekwestru ta' gassijiet serra jitnaqqsu min-nefqa totali relatata mal-klima, bl-użu ta' metodoloġiji simili.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Fir-rapport tagħha li jikkonċerna l-proposti tal-Kummissjoni dwar il-PAK, il-Qorti Ewropea tal-Awdituri sejħet il-kontribut stmat tal-PAK lejn l-objettivi tat-tibdil fil-klima bħala "mhux realistiku". Dan il-kontribut irid jiġi kkalkolat intervent b'intervent, abbażi tal-impatt reali tal-attivitajiet, imkejjel minn studji xjentifiċi rrieżaminati mill-pari.*

**Emenda 70**

**Proposta għal Regolament**
**Artikolu 94 – paragrafu 2 a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2 a. Il-korp tal-Istat Membru responsabbli għat-tfassil tal-Pjan Strateġiku tal-PAK għandu jiżgura li l-awtoritajiet kompetenti għall-kooperazzjoni għall-iżvilupp jiġu involuti b'mod effettiv fit-tfassil u fil-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-Pjan Strateġiku tal-PAK sabiex jiġi integrat fil-politika ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp tal-Istat Membru u tal-Unjoni.*** |

**Emenda 71**

**Proposta għal Regolament**
**Artikolu 94 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) is-sħab ekonomiċi u soċjali; | (b) is-sħab ekonomiċi***, ambjentali*** u soċjali; |

**Emenda 72**

**Proposta għal Regolament**
**Artikolu 94 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) il-korpi rilevanti li jirrappreżentaw is-soċjetà ċivili u fejn rilevanti l-korpi responsabbli għall-promozzjoni tal-inklużjoni soċjali, id-drittijiet fundamentali, l-ugwaljanza bejn is-sessi u n-nondiskriminazzjoni. | (c) il-korpi rilevanti li jirrappreżentaw ***l-interessi tas-soċjetà*** ċivili***, bħall-NGOs,*** u fejn rilevanti l-korpi responsabbli għall-promozzjoni tal-inklużjoni soċjali, id-drittijiet fundamentali, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u n-nondiskriminazzjoni. |

**Emenda 73**

**Proposta għal Regolament**
**Artikolu 94 – paragrafu 3 – subparagrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri għandhom jinvolvu lil dawk is-sħab fit-tħejjija tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK. | L-Istati Membri għandhom jinvolvu lil dawk is-sħab fit-tħejjija tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK. ***Is-sħab minn pajjiżi terzi għandhom jiġu mistiedna jipparteċipaw fit-tħejjija tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK.*** |

**Emenda 74**

**Proposta għal Regolament**
**Artikolu 96 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Għall-objettivi ambjentali u klimatiċi speċifiċi ***msemija*** fil-punti (d), (e) u (f) tal-Artikolu 6(1), il-valutazzjoni għandha tqis il-pjanijiet ambjentali u klimatiċi nazzjonali li jirriżultaw mill-istrumenti leġiżlattivi msemmija fl-Anness XI. | Għall-objettivi ambjentali u klimatiċi speċifiċi ***msemmija*** fil-punti (d), (e) u (f) tal-Artikolu 6(1), il-valutazzjoni għandha tqis il-pjanijiet ambjentali u klimatiċi nazzjonali li jirriżultaw mill-istrumenti leġiżlattivi msemmija fl-Anness XI***, l-objettivi tal-Ftehim ta' Pariġi u l-objettiv li l-emissjonijiet ta' gassijiet serra tal-UE marbuta mal-agrikoltura jitnaqqsu b'mod sinifikanti sal-2027***. |

**Emenda 75**

**Proposta għal Regolament**
**Artikolu 97 – paragrafu 2 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) spjegazzjoni ta' kif l-arkitettura tal-ambjent u tal-klima tal-Pjan Strateġiku tal-PAK hija maħsuba biex tikkontribwixxi għall-miri nazzjonali fuq żmien twil diġà stabbiliti, deskritti jew li jirriżultaw mill-istrumenti leġiżlattivi msemmija fl-Anness XI; | (b) spjegazzjoni ta' kif l-arkitettura tal-ambjent u tal-klima tal-Pjan Strateġiku tal-PAK hija maħsuba biex tikkontribwixxi għall-miri nazzjonali fuq żmien twil diġà stabbiliti, deskritti jew li jirriżultaw mill-istrumenti leġiżlattivi msemmija fl-Anness XI***, l-objettivi tal-Ftehim ta' Pariġi u l-objettiv li l-emissjonijiet ta' gassijiet serra tal-UE marbuta mal-agrikoltura jitnaqqsu b'mod sinifikanti sal-2027***; |

**Emenda 76**

**Proposta għal Regolament**
**Artikolu 102 – paragrafu 1 – punt a – punt ii**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (ii) deskrizzjoni ta' kif is-servizzi konsultattivi kif imsemmija fl-Artikolu 13, ir-riċerka u n-netwerks tal-PAK se jaħdmu flimkien fil-qafas tal-AKIS, ***u*** kif is-servizzi konsultattivi u tal-appoġġ għall-innovazzjoni huma provduti; | (ii) deskrizzjoni ta' kif is-servizzi konsultattivi kif imsemmija fl-Artikolu 13, ir-riċerka u n-netwerks tal-PAK ser jaħdmu flimkien fil-qafas tal-AKIS, kif is-servizzi konsultattivi u tal-appoġġ għall-innovazzjoni huma provduti ***u kif l-esperti fil-qasam tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp għandu jkunilhom possibbli li jkollhom skambju kontinwu mal-AKIS***; |

**Emenda 77**

**Proposta għal Regolament**
**Artikolu 106 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK proposti fuq il-bażi tal-kompletezza tal-pjanijiet, il-konsistenza u l-koerenza mal-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni, ma' dan ir-Regolament u mad-dispożizzjonijiet adottati skontu u skont ir-Regolament Orizzontali, il-kontribut effettiv tagħhom għall-objettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 6(1), l-impatt fuq il-funzjonament xieraq tas-suq intern u d-distorsjoni tal-kompetizzjoni, il-livell ta' piż amministrattiv fuq il-benefiċjarji u l-amministrazzjoni. Il-valutazzjoni għandha tindirizza, b'mod partikolari, l-adegwatezza tal-istrateġija tal-Pjan Strateġiku tal-PAK, l-objettivi speċifiċi korrispondenti, il-miri, l-interventi u l-allokazzjoni tar-riżorsi baġitarji biex jiġu ssodisfati l-objettivi speċifiċi tal-Pjan Strateġiku tal-PAK permezz tas-sett ta' interventi propost fuq il-bażi tal-analiżi SWOT u l-evalwazzjoni ex ante. | 2. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK proposti fuq il-bażi tal-kompletezza tal-pjanijiet, il-konsistenza u l-koerenza mal-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni, ***inkluż l-Artikolu 208 tat-TFUE***, ma' dan ir-Regolament u mad-dispożizzjonijiet adottati skontu u skont ir-Regolament Orizzontali, il-kontribut effettiv tagħhom għall-objettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 6(1), l-impatt fuq il-funzjonament xieraq tas-suq intern u d-distorsjoni tal-kompetizzjoni, ***il-konformità mal-miri nazzjonali fit-tul diġà stabbiliti li huma stipulati fi jew li ġejjin mill-istrumenti leġiżlattivi msemmija fl-Anness XI ta' dan ir-Regolament,*** il-livell ta' piż amministrattiv fuq il-benefiċjarji u l-amministrazzjoni ***u b'liema mod il-kontribuzzjonijiet tal-awtoritajiet kompetenti u ta' partijiet ikkonċernati oħra jitqiesu f'konformità mal-Artikolu 94***. Il-valutazzjoni għandha |

tindirizza, b'mod partikolari, l-adegwatezza tal-istrateġija tal-Pjan Strateġiku tal-PAK, l-objettivi speċifiċi korrispondenti, il-miri, l-interventi u l-allokazzjoni tar-riżorsi baġitarji biex jiġu ssodisfati l-objettivi speċifiċi tal-Pjan Strateġiku tal-PAK permezz tas-sett ta' interventi propost fuq il-bażi tal-analiżi SWOT u l-evalwazzjoni ex ante.

*Ġustifikazzjoni*

*L-Artikolu 208 tat-TFUE jobbliga lill-UE "tieħu inkunsiderazzjoni l-objettivi ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp fl-implimentazzjoni tal-politika li x'aktarx tolqot lill-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp".*

**Emenda 78**

**Proposta għal Regolament**
**Artikolu 111 – paragrafu 2 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istat Membru għandu jiddeċiedi dwar il-kompożizzjoni tal-Kumitat ta' Monitoraġġ u għandu jiżgura rappreżentanza bbilanċjata tal-awtoritajiet pubbliċi u l-korpi intermedjarji rilevanti u tar-rappreżentanti tas-sħab imsemmijin fl-Artikolu 94(3). | L-Istat Membru għandu jiddeċiedi dwar il-kompożizzjoni tal-Kumitat ta' Monitoraġġ u għandu jiżgura rappreżentanza bbilanċjata tal-awtoritajiet pubbliċi u l-korpi intermedjarji rilevanti u tar-rappreżentanti tas-sħab imsemmijin fl-Artikolu 94(3). ***L-Artikoli 94(2) u l-Artikolu 94(2a) għandhom jitqiesu kif dovut.*** |

**Emenda 79**

**Proposta għal Regolament**
**Artikolu 111 – paragrafu 3 – punt f**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (f) il-bini tal-kapaċità amministrattiva għall-awtoritajiet ***pubbliċi*** u għall-benefiċjarji, fejn rilevanti. | (f) il-bini tal-kapaċità amministrattiva għall-awtoritajiet u għall-benefiċjarji***, għas-soċjetà ċivili u għall-korpi, kif imsemmi fl-Artikolu 94***, fejn rilevanti. |

**Emenda 80**

**Proposta għal Regolament**
**Artikolu 113 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Kull Stat Membru għandu jistabbilixxi Netwerk nazzjonali tal-Politika Agrikola Komuni (netwerk nazzjonali tal-PAK) għan-netwerking tal-organizzazzjonijiet u l-amministrazzjonijiet, tal-konsulenti, tar-riċerkaturi u atturi oħra tal-innovazzjoni fil-qasam tal-agrikoltura u l-iżvilupp rurali fil-livell nazzjonali l-aktar tard 12-il xahar wara l-approvazzjoni tal-Pjan Strateġiku tal-PAK mill-Kummissjoni. | 1. Kull Stat Membru għandu jistabbilixxi Netwerk nazzjonali tal-Politika Agrikola Komuni (netwerk nazzjonali tal-PAK) għan-netwerking tal-organizzazzjonijiet u l-amministrazzjonijiet, tal-konsulenti, tar-riċerkaturi u atturi oħra tal-innovazzjoni fil-qasam tal-agrikoltura u l-iżvilupp rurali fil-livell nazzjonali l-aktar tard 12-il xahar wara l-approvazzjoni tal-Pjan Strateġiku tal-PAK mill-Kummissjoni. ***L-iskambju mal-esperti fil-qasam tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp għandu jiġi previst għas-sensibilizzazzjoni u l-iffaċilitar tat-trasferiment tal-għarfien u tal-aħjar prattiki.*** |

**Emenda 81**

**Proposta għal Regolament**
**Artikolu 115 – paragrafu 3 – punt b a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(b a) il-konsistenza tal-miżuri stabbiliti fil-pjan mal-objettivi tal-politika tal-iżvilupp tal-Unjoni.*** |

**Emenda 82**

**Proposta għal Regolament**
**Artikolu 119 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Awtorità ta' Ġestjoni u l-Kumitat ta' Monitoraġġ għandhom ***jimmonitorajaw*** l-implimentazzjoni tal-Pjan Strateġiku tal-PAK u l-progress li jkun sar lejn il-kisba | L-Awtorità ta' Ġestjoni u l-Kumitat ta' Monitoraġġ għandhom ***jimmonitorjaw*** l-implimentazzjoni tal-Pjan Strateġiku tal-PAK u l-progress li jkun sar lejn il-kisba |

| | |
|---|---|
| tal-miri tal-Pjan Strateġiku tal-PAK fuq il-bażi tal-indikaturi tal-output u tar-riżultati. | tal-miri tal-Pjan Strateġiku tal-PAK fuq il-bażi tal-indikaturi tal-output u tar-riżultati. ***Bl-użu ta' data mill-Istati Membri, il-Kummissjoni jeħtiġilha tippubblika l-Impronta Ekoloġika tal-produzzjoni u l-konsum agroalimentari fl-UE kull sena.*** |

**Emenda 83**

**Proposta għal Regolament**
**Artikolu 119 a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 119 a*** |
| | ***Monitoraġġ tal-Koerenza tal-Politiki għall-Iżvilupp u sistema indipendenti biex jintlaqgħu l-ilmenti*** |
| | ***1. Il-kisba tal-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 6(3) għandha tiġi analizzata, immonitorjata u vvalutata wkoll abbażi ta' indikaturi tal-SDGs relatati mal-impatt tal-PAK, il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK u l-interventi msejsa fuq l-objettivi tal-iżvilupp tal-Unjoni u fuq il-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp.*** |
| | ***2. L-Unjoni u l-Istati Membri tagħha għandhom jespandu l-mandat tal-osservatorji tas-suq tal-UE u jiżviluppaw qafas metodoloġiku għall-monitoraġġ tal-impatt tal-PAK fuq il-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp, b'mod partikolari f'żoni li ġew identifikati bħala sensittivi mill-pajjiż sieħeb, u/jew fuq prodotti minn setturi fejn jingħataw pagamenti akkoppjati u fejn ingħata bidu għal miżuri ta' ġestjoni tal-kriżijiet.*** |
| | ***3. Il-valutazzjoni għandha tibni wkoll fuq l-evidenza pprovduta mill-gvernijiet, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u partijiet ikkonċernati oħra fil-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp li huma sħab kummerċjali tal-Unjoni.*** |

| | |
|---|---|
| | ***4. Il-Kummissjoni għandha tibgħat rapport annwali lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew fejn tenfasizza r-riżultati tal-valutazzjoni, l-evidenza li waslitilha u r-rispons ta' politika tal-Unjoni.*** |
| | ***5. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 138 li jissupplimentaw dan ir-Regolament b'regoli li jiddefinixxu miżuri adegwati għall-analiżi, monitoraġġ u valutazzjoni tal-impatt tal-PAK, il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK u l-interventi appoġġjati fl-objettivi tal-iżvilupp tal-Unjoni u fil-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp, filwaqt li jitqiesu l-inizjattivi internazzjonali rilevanti, b'mod partikolari dawk tar-Rapporteur Speċjali tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Dritt għall-Ikel, il-FAO, u l-Kumitat għas-Sigurtà tal-Ikel.*** |
| | ***6. Is-sistema ta' Monitoraġġ tal-PAK għandha tiġi kkomplementata minn sistema indipendenti fi ħdan l-Unjoni li tirċievi lmenti minn persuni jew komunitajiet affettwati mill-PAK. L-ilmenti għandhom jaslu għand ir-Rapporteur Permanenti tal-Parlament dwar il-PCD u għand l-Uffiċjal tas-Seduta tad-Direttorat Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali. Tista' titressaq evidenza minn ilmentatur jew partijiet terzi.*** |

**Emenda 84**

**Proposta għal Regolament**
**Artikolu 119 b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 119b*** |
| | ***Salvagwardja soċjali*** |
| | ***Salvagwardja soċjali għandha tkun disponibbli għall-gruppi jew il-pajjiżi*** |

| | |
|---|---|
| | ***affettwati f'każ ta' impatt negattiv tal-PAK fuq is-sigurtà tal-ikel fit-tul u diffikultajiet serji kkawżati lill-bdiewa b'azjenda agrikola żgħira.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*The impact of different CAP instruments on agricultural development in developing countries depends on factors such as world market prices, trade regimes, production capacities and policy choices in the partner countries. Hence, regular assessment is required to receive evidence from within the partner countries and to take into account international developments in this area. A social safeguard clause may be based on the precedent of Article 25(2b) of the European Partnership Agreement Cariforum-EU, which states that a safeguard measure may be taken when a product is being imported into the territory of the other Party in such increased quantities and under such conditions as to cause or threaten to cause disturbances in a sector of the economy, particularly where these disturbances produce major social problems*

**Emenda 85**

**Proposta għal Regolament**
**Artikolu 121 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Sal-15 ta' Frar 2023 u l-15 ta' Frar ta' kull sena sussegwenti sal-2030, din l-aħħar sena inkluża, l-Istati Membri għandhom jippreżentaw rapport annwali dwar il-prestazzjoni lill-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-Pjan Strateġiku tal-PAK fis-sena finanzjarja preċedenti. Ir-rapport sottomess fl-2023 għandu jkopri s-snin finanzjarji 2021 u 2022. Għall-pagamenti diretti kif imsemmi fil-Kapitolu II tat-Titolu III, ir-rapport għandu jkopri s-sena finanzjarja 2022 biss. | 1. Sal-15 ta' Frar 2023 u l-15 ta' Frar ta' kull sena sussegwenti sal-2030, din l-aħħar sena inkluża, l-Istati Membri għandhom jippreżentaw rapport annwali dwar il-prestazzjoni lill-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-Pjan Strateġiku tal-PAK fis-sena finanzjarja preċedenti ***filwaqt li jitqiesu l-effetti interni u esterni tiegħu***. Ir-rapport sottomess fl-2023 għandu jkopri s-snin finanzjarji 2021 u 2022. Għall-pagamenti diretti kif imsemmi fil-Kapitolu II tat-Titolu III, ir-rapport għandu jkopri s-sena finanzjarja 2022 biss. |

*Ġustifikazzjoni*

*L-Artikolu 208 tat-TFUE jobbliga lill-UE "tiegħu inkunsiderazzjoni l-objettivi ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp fl-implimentazzjoni tal-politika li x'aktarx tolqot lill-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp".*

**Emenda 86**

**Proposta għal Regolament**
**Artikolu 138 – paragrafu 2**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| 2. Is-setgħa li jiġu adottati l-atti delegati msemmija fl-Artikoli 4, 7, 12, 15, 23, 28, 32, 35, 36, 37, 41, 50,78, 81, 104 u 141 għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' seba' snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega tas-setgħa mhux aktar tard minn disa' xhur qabel it-tmiem tal-perjodu ta' seba' snin. Id-delega ta' setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perjodi ta' żmien identiċi, ħlief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għal dik l-estensjoni mhux aktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu. | 2. Is-setgħa li jiġu adottati l-atti delegati msemmija fl-Artikoli 4, 7, 12, 15, 23, 28***, 29***, 32, 35, 36, 37, 41, 50,78, 81, 104***, 119a*** u 141 għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' seba' snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega tas-setgħa mhux aktar tard minn disa' xhur qabel it-tmiem tal-perjodu ta' seba' snin. Id-delega ta' setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perjodi ta' żmien identiċi, ħlief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għal dik l-estensjoni mhux aktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu. |

**Emenda 87**

**Proposta għal Regolament**
**Artikolu 138 – paragrafu 3**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| 3. Id-delega tas-setgħat imsemmija fl-Artikoli 4, 7, 12, 15, 23, 28, 32, 35, 36, 37, 41, 50, 78, 81, 104 u 141 tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħat speċifikati f'dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni* Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fiha. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li diġà jkun fis-seħħ. | 3. Id-delega tas-setgħat imsemmija fl-Artikoli 4, 7, 12, 15, 23, 28***, 29***, 32, 35, 36, 37, 41, 50, 78, 81, 104***, 119a*** u 141 tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħat speċifikati f'dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni* Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fiha. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li diġà jkun fis-seħħ. |

**Emenda 88**

**Proposta għal Regolament**

**Artikolu 138 – paragrafu 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. Att delegat adottat skont l-Artikoli 4, 7, 12, 15, 23, 28, 32, 35, 36, 37, 41, 50, 78, 81, 104 u 141 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk la l-Parlament Ewropew u lanqas il-Kunsill ma jkunu esprimew xi oġġezzjoni f'perjodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, kemm il-Parlament Ewropew kif ukoll il-Kunsill ikunu infurmaw lill-Kummissjoni li ma għandhomx oġġezzjonijiet. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill. | 6. Att delegat adottat skont l-Artikoli 4, 7, 12, 15, 23, 28***, 29***, 32, 35, 36, 37, 41, 50, 78, 81, 104***, 119a*** u 141 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk la l-Parlament Ewropew u lanqas il-Kunsill ma jkunu esprimew xi oġġezzjoni f'perjodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, kemm il-Parlament Ewropew kif ukoll il-Kunsill ikunu infurmaw lill-Kummissjoni li ma għandhomx oġġezzjonijiet. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill. |

## PROĊEDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| | |
|---|---|
| **Titolu** | L-istabbiliment ta’ regoli dwar l-appoġġ għall-pjanijiet strateġiċi li jridu jitfasslu mill-Istati Membri taħt il-Politika Agrikola Komuni (il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK) u ffinanzjati mill-Fond Agrikolu Ewropew ta’ Garanzija (FAEG) u mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) |
| **Referenzi** | COM(2018)0392 – C8-0248/2018 – 2018/0216(COD) |
| **Kumitat responsabbli**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | AGRI<br>11.6.2018 |
| **Opinjoni mogħtija minn**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | DEVE<br>5.7.2018 |
| **Rapporteur għal opinjoni**<br>Data tal-ħatra | Maria Heubuch<br>11.7.2018 |
| **Eżami fil-kumitat** | 19.11.2018 |
| **Data tal-adozzjoni** | 7.2.2019 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 20<br>–: 0<br>0: 2 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Beatriz Becerra Basterrechea, Ignazio Corrao, Charles Goerens, Maria Heubuch, György Hölvényi, Arne Lietz, Linda McAvan, Norbert Neuser, Elly Schlein, Bogusław Sonik, Mirja Vehkaperä, Anna Záborská |
| **Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali** | Stefan Gehrold, Bernd Lucke, Judith Sargentini |
| **Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali** | Asim Ademov, Czesław Hoc, Monika Hohlmeier, John Howarth, Tom Vandenkendelaere, Josef Weidenholzer, Bogdan Andrzej Zdrojewski |

## VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| 20 | + |
|---|---|
| ALDE | Beatriz Becerra Basterrechea, Charles Goerens, Mirja Vehkaperä |
| EFDD | Ignazio Corrao |
| PPE | Asim Ademov, Stefan Gehrold, Monika Hohlmeier, György Hölvényi, Bogusław Sonik, Tom Vandenkendelaere, Anna Záborská, Bogdan Andrzej Zdrojewski |
| S&D | John Howarth, Arne Lietz, Linda McAvan, Norbert Neuser, Elly Schlein, Josef Weidenholzer |
| VERTS/ALE | Maria Heubuch, Judith Sargentini |

| 0 | - |
|---|---|
| | |

| 2 | 0 |
|---|---|
| ECR | Czesław Hoc, Bernd Lucke |

It-tifsira tas-simboli:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni

21.11.2018

## OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-BAĠITS

għall-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi regoli dwar l-appoġġ għall-pjanijiet strateġiċi li jridu jitfasslu mill-Istati Membri taħt il-Politika Agrikola Komuni (il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK) u ffinanzjati mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1305/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament (UE) Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill
(COM(2018)0392 – C8-0248/2018 – 2018/0216(COD))

Rapporteur għal opinjoni:Nedzhmi Ali

## EMENDI

Il-Kumitat għall-Baġits jistieden lill-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali, bħala l-kumitat responsabbli, biex jieħu inkunsiderazzjoni l-emendi li ġejjin:

**Emenda 1**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 1a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(1 a) Fi ħdan il-Qafas Finanzjarju Pluriennali għall-2021-2027, parti sinifikanti tal-baġit tal-Unjoni jenħtieġ li tkompli tkun iddedikata lill-agrikoltura, li hija politika komuni ta' importanza strateġika. Għalhekk, il-pakkett finanzjarju għall-PAK għandu jkun ta' EUR 383.255 biljun fi prezzijiet tal-2018 (EUR 431.946 biljun fi prezzijiet attwali).*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Konformement mad-deċiżjoni tal-Konferenza tal-Presidenti tat-13 ta' Settembru 2018, l-emenda ta' kompromess tirrifletti l-aktar tqassim reċenti tal-QFP skont il-programm kif propost u adottat mir-Rapporteurs tal-QFP dwar ir-rapport interim dwar il-proposta għal regolament tal-Kunsill dwar il-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021-2027 – il-pożizzjoni tal-Parlament bil-ħsieb ta' ftehim.*

**Emenda 2**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 1b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(1b) Fl-14 ta' Marzu u fit-30 ta' Mejju 2018, il-Parlament Ewropew saħaq fir-riżoluzzjoni tiegħu dwar il-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) għall-perjodu 2021-2027 dwar l-importanza tal-prinċipji orizzontali li jenħtieġ li jkunu l-bażi tal-QFP 2021-2027 u l-politiki kollha relatati tal-Unjoni. F'dan il-kuntest, il-Parlament sostna mill-ġdid il-pożizzjoni tiegħu li l-Unjoni jeħtiġilha twettaq l-impenn tagħha li tkun minn ta' quddiem fl-implimentazzjoni tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDG) tan-Nazzjonijiet Uniti, u ddeplora n-nuqqas ta' impenn ċar u viżibbli f'dawk il-proposti. Għalhekk, il-Parlament talab biex l-SDG jiġu integrati fil-politiki u l-inizjattivi kollha tal-Unjoni tal-QFP li jmiss. Huwa enfasizza wkoll li l-eliminazzjoni tad-diskriminazzjoni hija essenzjali biex l-Unjoni tirrispetta l-impenji tagħha favur Ewropa inklużiva u għalhekk talab impenji fir-rigward tal-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri u tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri fil-politiki u l-inizjattivi kollha tal-Unjoni fil-QFP li jmiss. Fir-riżoluzzjoni tiegħu, il-Parlament saħaq li wara l-Ftehim ta' Pariġi, in-nefqa orizzontali relatata mal-klima għandha tiżdied b'mod sinifikanti meta mqabbla mal-QFP attwali u għandha tilħaq 30 % mill-aktar fis*** |

*possibbli u sa mhux aktar tard mill-2027.*

**Emenda 3**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 1c (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(1c) Fir-riżoluzzjoni tiegħu tat-30 ta' Mejju 2018 dwar il-qafas finanzjarju pluriennali u r-riżorsi proprji għall-2021-2027, il-Parlament Ewropew iddeplora l-fatt li l-proposta tal-Kummissjoni tat-2 ta' Mejju 2018 dwar il-QFP 2021-2027 wasslet direttament għal tnaqqis ta' 15 % fil-livell tal-politika agrikola komuni, u stqarr li kien partikolarment kontra kwalunkwe tnaqqis radikali li jista' jippreġudika n-natura u l-objettivi nfushom ta' din il-politika. F'dan il-kuntest ressaq id-dubji tiegħu dwar il-proposta li l-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali jitnaqqas drastikament b'aktar minn 25 %;*** |

**Emenda 4**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (2) Peress li hemm il-ħtieġa li l-PAK ittejjeb ir-rispons tagħha għall-isfidi u għall-opportunitajiet hekk kif jimmanifestaw ruħhom fil-livell tal-Unjoni, fil-livell internazzjonali, nazzjonali, reġjonali, lokali u fil-livell tal-azjendi agrikoli, huwa meħtieġ li tiġi ssimplifikata l-governanza tal-PAK u jitjieb ir-rendiment tagħha tal-objettivi tal-Unjoni u li jitnaqqas b'mod sinifikanti l-piż amministrattiv. Fil-PAK ibbażata fuq il-prestazzjoni ("il-mudell ta' implimentazzjoni"), l-Unjoni jenħtieġ tistabbilixxi l-parametri bażiċi ta' | (2) Peress li hemm il-ħtieġa li l-PAK ittejjeb ir-rispons tagħha għall-isfidi u għall-opportunitajiet hekk kif jimmanifestaw ruħhom fil-livell tal-Unjoni, fil-livell internazzjonali, nazzjonali, reġjonali, lokali u fil-livell tal-azjendi agrikoli, huwa meħtieġ li tiġi ssimplifikata l-governanza tal-PAK u jitjieb ir-rendiment tagħha tal-objettivi tal-Unjoni u li jitnaqqas b'mod sinifikanti l-piż amministrattiv. Fil-PAK ibbażata fuq il-prestazzjoni ("il-mudell ta' implimentazzjoni"), l-Unjoni jenħtieġ tistabbilixxi l-parametri bażiċi ta' |

| | |
|---|---|
| politika bħal pereżempju l-objettivi tal-PAK u rekwiżiti bażiċi, filwaqt li l-Istati Membri jenħtieġ jerfgħu responsabbiltà akbar għal kif jilħqu l-objettivi u kif jiksbu l-miri. Is-sussidjarjetà msaħħa tippermetti li jitqiesu aħjar il-kundizzjonijiet u l-bżonnijiet lokali, u jitfassal apposta l-appoġġ biex jiġi massimizzat il-kontribut għall-objettivi tal-Unjoni. | politika bħal pereżempju l-objettivi tal-PAK u rekwiżiti bażiċi, filwaqt li l-Istati Membri jenħtieġ jerfgħu responsabbiltà akbar għal kif jilħqu l-objettivi u kif jiksbu l-miri. Is-sussidjarjetà msaħħa tippermetti li jitqiesu aħjar il-kundizzjonijiet u l-bżonnijiet lokali, u jitfassal apposta l-appoġġ biex jiġi massimizzat il-kontribut għall-objettivi tal-Unjoni. ***Il-PAK għandha tikkontribwixxi wkoll għall-issodisfar tal-impenn tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha li jilħqu l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli.*** |

**Emenda 5**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 5a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(5 a) L-enfasi tal-futur tal-biedja għandha ssir fuq il-produzzjoni ta' ikel ta' kwalità għolja, peress li dan huwa l-vantaġġ kompetittiv tal-Ewropa. L-istandards tal-Unjoni għandhom jinżammu u jissaħħu fejn fattibbli, u għandhom ikunu previsti miżuri li jżidu aktar il-produttività u l-kompetittività fit-tul tas-settur tal-produzzjoni tal-ikel, u li jintroduċu teknoloġiji ġodda u użu aktar effiċjenti tar-riżorsi, u b'hekk isaħħu r-rwol tal-Unjoni bħala mexxej dinji.*** |

**Emenda 6**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (6) Is-sinerġiji bejn il-FAEŻR u Orizzont Ewropa jenħtieġ li jħeġġu lill-FAEŻR biex juża bl-aħjar mod ir-riżultati tar-riċerka u l-innovazzjoni, b'mod partikolari dawk li ġejjin minn proġetti ffinanzjati minn | (6) Is-sinerġiji bejn il-FAEŻR u Orizzont Ewropa***, politiki tal-Unjoni u impenji internazzjonali oħrajn*** jenħtieġ li jħeġġu lill-FAEŻR biex juża bl-aħjar mod ir-riżultati tar-riċerka u l-innovazzjoni, b'mod |

| | |
|---|---|
| Orizzont Ewropa u s-Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni (EIP) għall-"produttività u s-sostenibbiltà fil-qasam agrikolu", li jwasslu għall-innovazzjonijiet fis-settur tal-biedja u fiż-żoni rurali. | partikolari dawk li ġejjin minn proġetti ffinanzjati minn Orizzont Ewropa u s-Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni (EIP) għall-"produttività u s-sostenibbiltà fil-qasam agrikolu", li jwasslu għall-innovazzjonijiet fis-settur tal-biedja u fiż-żoni rurali. |

**Emenda 7**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 7a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(7 a) Sabiex tiġi żgurata distribuzzjoni ġusta tal-pagamenti diretti bejn l-Istati Membri u biex jingħalqu l-lakuni bejn ir-reġjuni differenti tal-Unjoni, għandhom jitqiesu l-indiċijiet soċjoekonomiċi u l-kostijiet tal-produzzjoni affidabbli. F'dan ir-rigward huwa kruċjali li jiġu żgurati kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni ugwali għall-bdiewa kollha fl-Unjoni, filwaqt li jitqiesu l-vulnerabbiltajiet u l-ispeċifiċitajiet tal-ekonomiji fuq skala żgħira, kif ukoll li jiġu implimentati miżuri sabiex tittaffa l-volatilità tal-prezzijiet.*** |

**Emenda 8**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 11a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(11a) Biex jintlaħqu l-objettivi klimatiċi tal-Unjoni, jenħtieġ li l-miri tal-azzjoni klimatika b'mod ġenerali jkunu minn tal-inqas 25 % tan-nefqiet tal-baġit tal-UE li jappoġġaw l-objettivi tal-klima matul il-perjodu tal-QFP 2021-2027, u mira annwali ta' 30 % mill-aktar fis possibbli u mhux aktar tard mill-2027. Sabiex jiġu indirizzati r-rakkomandazzjonijiet tal-*** |

| | |
|---|---|
| | ***Qorti Ewropea tal-Awdituri, jenħtieġ li jiġu stabbiliti miri obbligatorji ta' azzjoni klimatika fil-leġiżlazzjonijiet speċifiċi dwar il-programmi u se tkun meħtieġa allokazzjoni ex ante fil-proċessi kollha ta' programmazzjoni u ppjanar pjuttost minn kontabbiltà ex post. Il-mekkaniżmi tal-integrazzjoni klimatika u tal-protezzjoni kontra t-tibdil fil-klima jenħtieġ li jiġu unifikati permezz tar-riforma, it-twessigħ u ċ-ċentralizzazzjoni tas-sistema ta' Indikaturi ta' Rio, sabiex issir distinzjoni bejn il-mitigazzjoni u l-adattament, u wkoll bejn is-setturi. u permezz ta' valutazzjonijiet li jaghtu prijorità lill-Effiċjenza Enerġetika matul l-ippjanar tal-investiment fl-infrastruttura, kif stabbilit fir-Regolament dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija, kif ukoll kriterji ċari ta' esklużjoni. L-oqfsa ta' prestazzjoni jenħtieġ li jkunu bbażati fuq indikaturi tal-produzzjoni u tar-riżultati adegwati u elaborati, li juru l-livell ta' ambizzjoni u li jpoġġu r-riżultati f'perspettiva ta' ħtiġijiet, objettivi u opportunitajiet nazzjonali.*** |

**Emenda 9**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 42**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (42) Fid-dawl tal-ħtieġa li tiġi ***indirizzata*** d-diskrepanza tal-investiment fis-settur agrikolu tal-Unjoni u sabiex jitjieb l-aċċess għall-istrumenti finanzjarji għall-gruppi prijoritarji, b'mod partikolari l-bdiewa żgħażagħ u l-bdiewa ġodda bi profili ta' riskju ogħla, jenħtieġ li jitħeġġeġ l-użu tal-garanzija InvestEU u l-kombinament tal-għotjiet u tal-istrumenti finanzjarji. Peress li l-użu tal-istrumenti finanzjarji fl-Istati Membri kollha jvarja b'mod konsiderevoli bħala riżultat tad-differenza f'termini tal-aċċess għall-finanzi, l-iżvilupp tas-settur | (42) Fid-dawl tal-ħtieġa li tiġi ***indirizzata*** d-diskrepanza tal-investiment fis-settur agrikolu tal-Unjoni u sabiex jitjieb l-aċċess għall-istrumenti finanzjarji għall-gruppi prijoritarji, b'mod partikolari l-bdiewa żgħażagħ***, in-nisa*** u l-bdiewa ġodda bi profili ta' riskju ogħla, jenħtieġ li jitħeġġeġ l-użu tal-garanzija InvestEU u l-kombinament tal-għotjiet u tal-istrumenti finanzjarji. Peress li l-użu tal-istrumenti finanzjarji fl-Istati Membri kollha jvarja b'mod konsiderevoli bħala riżultat tad-differenza f'termini tal-aċċess għall-finanzi, |

| | |
|---|---|
| bankarju, il-preżenza ta' kapital ta' riskju, il-familjarità tal-amministrazzjonijiet pubbliċi u l-firxa potenzjali ta' benefiċjarji, jenħtieġ li fil-Pjan Strateġiku tal-PAK l-Istati Membri jistabbilixxu miri xierqa, benefiċjarji u kundizzjonijiet preferenzjali, u regoli ta' eliġibbiltà oħra possibbli. | l-iżvilupp tas-settur bankarju, il-preżenza ta' kapital ta' riskju, il-familjarità tal-amministrazzjonijiet pubbliċi u l-firxa potenzjali ta' benefiċjarji, jenħtieġ li fil-Pjan Strateġiku tal-PAK l-Istati Membri jistabbilixxu miri xierqa, benefiċjarji u kundizzjonijiet preferenzjali, u regoli ta' eliġibbiltà oħra possibbli. |

**Emenda 10**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 52**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (52) Filwaqt li tiġi riflessa l-importanza tal-indirizzar tat-tibdil fil-klima f'konformità mal-impenji tal-Unjoni biex timplimenta l-Ftehim ta' Pariġi, u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti, dan il-Programm se tikkontriwbixxi biex tiġi simplifikata l-azzjoni klimatika fil-politiki tal-Unjoni u biex tinkiseb mira ġenerali ta' 25% tan-nefqa tal-baġit tal-UE li tappoġġa l-objettivi klimatiċi. L-azzjonijiet taħt il-PAK huma mistennija li jikkontribwixxu għal ***40*** % tal-pakkett finanzjarju ġenerali tal-PAK għall-objettivi klimatiċi. L-azzjonijiet rilevanti se jiġu identifikati matul it-tħejjija u l-implimentazzjoni tal-Programm, u jerġgħu jiġu vvalutati fil-kuntest tal-evalwazzjonijiet u l-proċessi ta' rieżami rilevanti. | (52) Filwaqt li tiġi riflessa l-importanza tal-indirizzar tat-tibdil fil-klima f'konformità mal-impenji tal-Unjoni biex timplimenta l-Ftehim ta' Pariġi, u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti, dan il-Programm se tikkontriwbixxi biex tiġi simplifikata l-azzjoni klimatika fil-politiki tal-Unjoni u biex tinkiseb mira ġenerali ta' ***mill-inqas*** 25% tan-nefqa tal-baġit tal-UE li tappoġġa l-objettivi klimatiċi.***matul il-perjodu tal-QFP 2021-2027, u mira annwali ta' 30 % malajr kemm jista' jkun u mhux aktar tard mill-2027.*** L-azzjonijiet taħt il-PAK huma mistennija li jikkontribwixxu għal ***45*** % tal-pakkett finanzjarju ġenerali tal-PAK għall-objettivi klimatiċi. L-azzjonijiet rilevanti se jiġu identifikati matul it-tħejjija u l-implimentazzjoni tal-Programm, u jerġgħu jiġu vvalutati fil-kuntest tal-evalwazzjonijiet u l-proċessi ta' rieżami rilevanti. |

**Emenda 11**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 55a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|

***(55a) Il-mudell ta' implimentazzjoni l-ġdid m'għandux jiddubita l-integrità tas-suq uniku jew in-natura storikament Ewropea tal-PAK, li għandha tibqa' politika verament komuni, bl-iżgurar ta' approċċ Ewropew u kundizzjonijiet ekwi.***

**Emenda 12**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 79a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(79a) Wara l-2020, il-PAK trid tappoġġa lill-bdiewa b'mod iktar effiċjenti, sabiex tiġi indirizzata l-volatilità tal-prezzijiet u l-introjtu.*** |

**Emenda 13**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 80a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(80a) Ftehimiet kummerċjali ffirmati ma' pajjiżi minn barra l-UE marbutin mas-settur agrikolu jenħtieġ li jipprevedu arranġamenti u jkun fihom klawżoli ta' salvagwardja biex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi għall-bdiewa fl-UE u dawk mhux fl-UE u jiġu protetti l-konsumaturi.*** |

**Emenda 14**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Il-Kapitolu III tat-Titolu II, il-Kapitolu II tat-Titolu III u l-Artikoli 41 u 43 tar-Regolament (UE) [ir-Regolament | 2. Il-Kapitolu III tat-Titolu II, il-Kapitolu II tat-Titolu III u l-Artikoli 41 u 43 tar-Regolament (UE) [ir-Regolament |

| | |
|---|---|
| dwar Dispożizzjonijiet Komuni] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[26] għandhom japplikaw għall-appoġġ iffinanzjat mill-FAEŻR skont dan ir-Regolament. | dwar Dispożizzjonijiet Komuni] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[26] għandhom japplikaw għall-appoġġ iffinanzjat mill-FAEŻR skont dan ir-Regolament***, sabiex tiġi żgurata l-kontinwità bejn il-fondi strutturali u l-pjanijiet strateġiċi***. |
| ___________________ | ___________________ |
| [26] Ir-Regolament (UE) […/…] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' [data] [titolu sħiħ] (ĠU L ). | [26] Ir-Regolament (UE) […/…] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' [data] [titolu sħiħ] (ĠU L ). |

**Emenda 15**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 - paragrafu 1 - parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-appoġġ mill-FAEG u mill-FAEŻR għandu jkollu l-għan li jtejjeb aktar l-iżvilupp sostenibbli tal-biedja, tal-ikel u taż-żoni rurali u għandu jikkontribwixxi biex jintlaħqu l-objettivi ġenerali li ġejjin: | ***Il-PAK għandha tibqa' politika komuni tal-Unjoni u għandha tkun iffinanzjata b'mod adegwat sabiex tilħaq l-għanijiet tagħha u tikseb l-ambizzjonijiet ta' PAK riveduta u effiċjenti.*** L-appoġġ mill-FAEG u mill-FAEŻR għandu jkollu l-għan li jtejjeb aktar l-iżvilupp sostenibbli tal-biedja, tal-ikel u taż-żoni rurali u għandu jikkontribwixxi biex jintlaħqu l-objettivi ġenerali li ġejjin: |

**Emenda 16**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 - paragrafu 1 - punt g**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (g) ***jiġu attirati*** bdiewa żgħażagħ u jiġi ffaċilitat l-iżvilupp tan-negozju fiż-żoni rurali; | (g) ***jiżdiedu l-appoġġ għall-irziezet tal-familja, l-attraenza għan-nisa u*** bdiewa żgħażagħ u jiġi ffaċilitat l-iżvilupp tan-negozju fiż-żoni rurali; |

**Emenda 17**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt h**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (h) jiġu promossi l-impjiegi, it-tkabbir, l-inklużjoni soċjali u l-iżvilupp lokali fiż-żoni rurali, inkluż il-bijoekonomija u l-forestrija sostenibbli; | (h) jiġu promossi l-impjiegi, it-tkabbir, l-inklużjoni soċjali u l-iżvilupp lokali fiż-żoni rurali, ***remoti, ristretti naturalment u muntanjużi,*** inkluż il-bijoekonomija u l-forestrija sostenibbli; |

**Emenda 18**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt h**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (h) jiġu promossi l-impjiegi, it-tkabbir, l-inklużjoni soċjali u l-iżvilupp lokali fiż-żoni rurali, inkluż il-bijoekonomija u l-forestrija sostenibbli; | (h) jiġu promossi l-impjiegi, it-tkabbir, l-inklużjoni soċjali***, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, in-nondiskriminazzjoni*** u l-iżvilupp lokali fiż-żoni rurali, inkluż il-bijoekonomija u l-forestrija sostenibbli; |

**Emenda 19**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Meta jsegwu l-objettivi speċifiċi l-Istati Membri għandhom jiżguraw is-simplifikazzjoni u l-prestazzjoni tal-appoġġ tal-PAK. | 2. Meta jsegwu l-objettivi speċifiċi l-Istati Membri għandhom jiżguraw is-simplifikazzjoni u l-prestazzjoni tal-appoġġ tal-PAK. ***Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-funzjonijiet ta' kontroll u ta' verifika finanzjarji u tal-prestazzjoni jitwettqu bl-istess standards ta' livell għoli ta' titjib kontinwu fl-Istati Membri kollha fir-rispett sħiħ tal-prinċipji ta' sussidjarjetà u ta' flessibbiltà;*** |

**Emenda 20**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 7 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-kisba tal-objettivi msemmija fl-Artikoli 5 u 6(1) għandha tiġi vvalutata fuq il-bażi ta' indikaturi komuni relatati mal-output, mar-riżultat u mal-impatt. Is-sett ta' indikaturi komuni għandu jinkludi: | Il-kisba tal-objettivi msemmija fl-Artikoli 5 u 6(1) għandha tiġi vvalutata ***bl-implimentazzjoni ta' approċċ ibbażat fuq ir-riżultati*** fuq il-bażi ta' indikaturi komuni relatati mal-output, mar-riżultat u mal-impatt. Is-sett ta' indikaturi komuni għandu jinkludi: |

**Emenda 21**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 22 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Kull Stat Membru li jiddeċiedi li jagħti l-appoġġ għall-introjtu bażiku fuq il-bażi tal-intitolamenti għal pagament għandu jamministra riżerva nazzjonali. | 1. Kull Stat Membru li jiddeċiedi li jagħti l-appoġġ għall-introjtu bażiku fuq il-bażi tal-intitolamenti għal pagament għandu jamministra riżerva nazzjonali ***skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali***. |

**Emenda 22**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 79 – paragrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1 a. L-ammont totali tal-appoġġ tal-Unjoni għat-tipi ta' interventi għall-FAEG skont dan ir-Regolament għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2021 sal-31 ta' Diċembru 2027 għandu jkun EUR 286.543 biljun fil-prezzijiet tal-2018 (EUR 322.948 biljun fil-prezzijiet kurrenti).*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Konformement mad-deċiżjoni tal-Konferenza tal-Presidenti tat-13 ta' Settembru 2018, l-emenda ta' kompromess tirrifletti l-aktar tqassim reċenti tal-QFP skont il-programm kif propost u adottat mir-Rapporteurs tal-QFP dwar ir-rapport interim dwar il-proposta għal regolament tal-Kunsill dwar il-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021-2027 – il-pożizzjoni tal-Parlament bil-ħsieb ta' ftehim.*

**Emenda 23**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 79 – paragrafu 2a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***2 a. L-ammont totali tal-appoġġ tal-Unjoni għat-tipi ta' interventi għall-FAEŻR skont dan ir-Regolament għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2021 sal-31 ta' Diċembru 2027 għandu jkun EUR 96.712 biljun fil-prezzijiet tal-2018 (EUR 108.999 biljun fil-prezzijiet kurrenti).*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Konformement mad-deċiżjoni tal-Konferenza tal-Presidenti tat-13 ta' Settembru 2018, l-emenda ta' kompromess tirrifletti l-aktar tqassim reċenti tal-QFP skont il-programm kif propost u adottat mir-Rapporteurs tal-QFP dwar ir-rapport interim dwar il-proposta għal regolament tal-Kunsill dwar il-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021-2027 – il-pożizzjoni tal-Parlament bil-ħsieb ta' ftehim.*

.

**Emenda 24**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 83 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| ***1. L-ammont totali tal-appoġġ tal-Unjoni għat-tipi ta' interventi għall-iżvilupp rurali skont dan ir-Regolament għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2021 sal-*** | ***imħassar*** |

***31 ta' Diċembru 2027 għandu jkun EUR 78 811 miljun fil-prezzijiet kurrenti skont il-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2021 sa 2027[38].***

______________

***[38] Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027 Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat u lill-Kumitat tar-Reġjuni, COM(2018)322 final.***

**Emenda 25**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 83 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. 0,25 % tar-riżorsi msemmija ***fil-paragrafu 1*** għandhom ikunu ddedikati lill-finanzjament tal-attivitajiet tal-assistenza teknika fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni msemmija fl-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) [ir-Regolament Orizzontali], inkluż in-Netwerk Ewropew għall-Politika Agrikola Komuni msemmi fl-Artikolu 113(2) ta' dan ir-Regolament u s-Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni għall-produttività u s-sostenibbiltà fil-qasam agrikolu imsemmija fl-Artikolu 114 ta' dan ir-Regolament. Dawk l-attivitajiet jistgħu jirrigwardaw perjodi preċedenti u sussegwenti tal-Pjan Strateġiku tal-PAK. | 2. 0,25 % tar-riżorsi msemmija ***fl-Artikolu 79(3)*** għandhom ikunu ddedikati lill-finanzjament tal-attivitajiet tal-assistenza teknika fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni msemmija fl-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) [ir-Regolament Orizzontali], inkluż in-Netwerk Ewropew għall-Politika Agrikola Komuni msemmi fl-Artikolu 113(2) ta' dan ir-Regolament u s-Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni għall-produttività u s-sostenibbiltà fil-qasam agrikolu imsemmija fl-Artikolu 114 ta' dan ir-Regolament. Dawk l-attivitajiet jistgħu jirrigwardaw perjodi preċedenti u sussegwenti tal-Pjan Strateġiku tal-PAK. |

**Emenda 26**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 91 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Fuq il-bażi tal-analiżi SWOT imsemmija | Fuq il-bażi tal-analiżi ***tal-preġji, dgħufijiet,*** |

| | |
|---|---|
| fl-Artikolu 103(2) u valutazzjoni tal-ħtiġijiet imsemmija fl-Artikolu 96, fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu strateġija tal-intervent kif imsemmi fl-Artikolu 97 li fiha għandhom jiġu stabbiliti miri kwantitattivi u stadji importanti għall-kisba tal-objettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 6. Il-miri għandhom jiġu definiti bl-użu ta' sett komuni ta' indikaturi tar-riżultati stabbilit fl-Anness I. | ***opportunitajiet u theddid (***SWOT***)*** imsemmija fl-Artikolu 103(2) u valutazzjoni tal-ħtiġijiet imsemmija fl-Artikolu 96, fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu strateġija tal-intervent kif imsemmi fl-Artikolu 97 li fiha għandhom jiġu stabbiliti miri kwantitattivi u stadji importanti għall-kisba tal-objettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 6. Il-miri għandhom jiġu definiti bl-użu ta' sett komuni ta' indikaturi tar-riżultati stabbilit fl-Anness I. |

**Emenda 27**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 127 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjoni interim biex teżamina l-effettività, l-effiċjenza, ir-rilevanza, il-koerenza u l-valur miżjud tal-Unjoni tal-FAEG u tal-FAEŻR sa tmiem it-tielet sena wara l-bidu tal-implimentazzjoni tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK, filwaqt li tqis l-indikaturi stabbiliti fl-Anness I. Il-Kummissjoni tista' tuża l-informazzjoni rilevanti kollha diġà disponibbli skont l-Artikolu [128] tar-[Regolament Finanzjarju l-Ġdid]. | 2. Il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjoni interim biex teżamina l-effettività, l-effiċjenza, ir-rilevanza, il-koerenza u l-valur miżjud tal-Unjoni tal-FAEG u tal-FAEŻR***, kif ukoll l-użu mill-Istati Membri ta' trasferimenti bejn pagamenti diretti u allokazzjonijiet tal-FAEŻR skont l-Artikolu 90 ta' dan ir-Regolament,*** sa tmiem it-tielet sena wara l-bidu tal-implimentazzjoni tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK, filwaqt li tqis l-indikaturi stabbiliti fl-Anness I. Il-Kummissjoni tista' tuża l-informazzjoni rilevanti kollha diġà disponibbli skont l-Artikolu [128] tar-[Regolament Finanzjarju l-Ġdid]. |

**Emenda 28**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 127 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjoni ex post biex teżamina l- | 3. Il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjoni ex post biex teżamina l- |

| | |
|---|---|
| effettività, l-effiċjenza, ir-rilevanza, il-koerenza u l-valur miżjud tal-Unjoni tal-FAEG u tal-FAEŻR. | effettività, l-effiċjenza, ir-rilevanza, il-koerenza u l-valur miżjud tal-Unjoni tal-FAEG u tal-FAEŻR***, kif ukoll l-użu mill-Istati Membri ta' trasferimenti bejn pagamenti diretti u allokazzjonijiet tal-FAEŻR skont l-Artikolu 90 ta' dan ir-Regolament***. |

## PROĊEDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| | |
|---|---|
| **Titolu** | L-istabbiliment ta' regoli dwar l-appoġġ għall-pjanijiet strateġiċi li jridu jitfasslu mill-Istati Membri taħt il-Politika Agrikola Komuni (il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK) u ffinanzjati mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) |
| **Referenzi** | COM(2018)0392 – C8-0248/2018 – 2018/0216(COD) |
| **Kumitat responsabbli**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | AGRI<br>11.6.2018 |
| **Opinjoni mogħtija minn**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | BUDG<br>11.6.2018 |
| **Rapporteur għal opinjoni**<br>Data tal-ħatra | Nedzhmi Ali<br>11.7.2018 |
| **Eżami fil-kumitat** | 26.9.2018 |
| **Data tal-adozzjoni** | 21.11.2018 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 27<br>–: 4<br>0: 2 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Nedzhmi Ali, Jean Arthuis, Lefteris Christoforou, Gérard Deprez, Manuel dos Santos, André Elissen, José Manuel Fernandes, Eider Gardiazabal Rubial, Ingeborg Gräßle, Iris Hoffmann, Monika Hohlmeier, John Howarth, Bernd Kölmel, Zbigniew Kuźmiuk, Vladimír Maňka, Jan Olbrycht, Răzvan Popa, Petri Sarvamaa, Jordi Solé, Patricija Šulin, Eleftherios Synadinos, Indrek Tarand, Isabelle Thomas, Inese Vaidere, Monika Vana, Daniele Viotti, Tiemo Wölken, Stanisław Żółtek |
| **Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali** | Karine Gloanec Maurin, Giovanni La Via, Ivana Maletić, Andrey Novakov, Tomáš Zdechovský |

## VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| 27 | + |
|---|---|
| ALDE | Nedzhmi Ali, Jean Arthuis, Gérard Deprez |
| ECR | Zbigniew Kuźmiuk |
| PPE | Lefteris Christoforou, José Manuel Fernandes, Ingeborg Gräßle, Monika Hohlmeier, Giovanni La Via, Ivana Maletić, Andrey Novakov, Jan Olbrycht, Petri Sarvamaa, Patricija Šulin, Inese Vaidere, Tomáš Zdechovský |
| S&D | Eider Gardiazabal Rubial, Karine Gloanec Maurin, Iris Hoffmann, John Howarth, Vladimír Maňka, Răzvan Popa, Manuel dos Santos, Isabelle Thomas, Daniele Viotti, Tiemo Wölken |
| VERTS/ALE | Indrek Tarand |

| 4 | - |
|---|---|
| ECR | Bernd Kölmel |
| ENF | André Elissen, Stanisław Żółtek |
| NI | Eleftherios Synadinos |

| 2 | 0 |
|---|---|
| VERTS/ALE | Jordi Solé, Monika Vana |

Key to symbols:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni

30.1.2019

## OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-KONTROLL TAL-BAĠIT

għall-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi regoli dwar l-appoġġ għall-pjanijiet strateġiċi li jridu jitfasslu mill-Istati Membri taħt il-Politika Agrikola Komuni (il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK) u ffinanzjati mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR)
(COM(2018)0392 – C8-0248/2018 – 2018/0216(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Joachim Zeller

## ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Il-Kumitat CONT jilqa' pożittivament l-objettivi tal-Kummissjoni li, rigward il-PAK, timxi minn mudell ibbażat fuq il-konformità lejn mudell ibbażat fuq il-prestazzjoni. Madankollu, kif il-Qorti Ewropea tal-Awdituri rrimarkat fl-Opinjoni nru 7/2018 tagħha, il-proposta ma fihiex l-elementi meħtieġa ta' sistema ta' prestazzjoni effettiva. "In-nuqqas ta' objettivi ċari, speċifiċi u kkwantifikati fil-livell tal-UE joħloq inċertezza dwar kif il-Kummissjoni tivvaluta l-pjanijiet strateġiċi tal-PAK tal-Istati Membri. Dan ifisser ukoll li l-ilħuq tal-objettivi tal-UE ma jistax jitkejjel" (Opinjoni tal-QEA nru 7/2018, paragrafu 8).

Barra minn hekk, jesprimi dispjaċir għall-fatt li l-qafas propost jinċentiva l-prestazzjoni b'mod relattivament limitat. Il-miri jafu ma jintlaħqux b'marġni notevoli, u l-impatt fuq il-finanzjamenti tal-UE jkun limitat. Prestazzjoni ta' suċċess tista', l-aktar l-aktar, tiġġenera "bonus għall-prestazzjoni" marġinali.

Skont il-Qorti, jeħtieġ li jkun hemm dawn l-elementi li ġejjin:

– objettivi ċari, speċifiċi u kkwantifikati fil-livell tal-UE li t-twettiq tagħhom ikun jista' jitkejjel;
– miżuri li jkunu marbuta b'mod ċar mal-objettivi;
– ġabra kompletament żviluppata ta' indikaturi tal-output, tar-riżultati u tal-impatti;
– rekwiżiti għall-Istati Membri biex jiġbru statistika affidabbli u komparabbli dwar l-introjtu disponibbli tal-azjendi agrikoli;
– kriterji trasparenti għall-valutazzjoni tal-kontenut u tal-kwalità tal-pjanijiet strateġiċi tal-

PAK;

– pagamenti bbażati fuq il-prestazzjoni għall-Istati Membri.

## EMENDI

Il-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit jistieden lill-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jieħu inkunsiderazzjoni l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

**Emenda 1**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (2) Peress li hemm il-ħtieġa li l-PAK ittejjeb ir-rispons tagħha għall-isfidi u għall-opportunitajiet hekk kif jimmanifestaw ruħhom fil-livell tal-Unjoni, fil-livell internazzjonali, nazzjonali, reġjonali, lokali u fil-livell tal-azjendi agrikoli, huwa meħtieġ li tiġi ssimplifikata l-governanza tal-PAK u jitjieb ir-rendiment tagħha tal-objettivi tal-Unjoni u li jitnaqqas b'mod sinifikanti l-piż amministrattiv. Fil-PAK ibbażata fuq il-prestazzjoni ("il-mudell ta' implimentazzjoni"), l-Unjoni jenħtieġ tistabbilixxi l-parametri bażiċi ta' politika bħal pereżempju l-objettivi tal-PAK u rekwiżiti bażiċi, filwaqt li l-Istati Membri jenħtieġ jerfgħu responsabbiltà akbar għal kif jilħqu l-objettivi u kif jiksbu l-miri. Is-sussidjarjetà msaħħa tippermetti li jitqiesu aħjar il-kundizzjonijiet u l-bżonnijiet lokali, u jitfasslu apposta l-appoġġ biex jiġi massimizzat il-kontribut għall-objettivi tal-Unjoni. | (2) Peress li hemm il-ħtieġa li l-PAK ittejjeb ir-rispons tagħha għall-isfidi u għall-opportunitajiet hekk kif jimmanifestaw ruħhom fil-livell tal-Unjoni, fil-livell internazzjonali, nazzjonali, reġjonali, lokali u fil-livell tal-azjendi agrikoli, huwa meħtieġ li tiġi ssimplifikata l-governanza tal-PAK u jitjieb ir-rendiment tagħha tal-objettivi tal-Unjoni u li jitnaqqas b'mod sinifikanti l-piż amministrattiv***, partikolarment għall-benefiċjarji finali***. Fil-PAK ibbażata fuq il-prestazzjoni ("il-mudell ta' implimentazzjoni"), l-Unjoni jenħtieġ tistabbilixxi l-parametri bażiċi ta' politika bħal pereżempju l-objettivi tal-PAK u rekwiżiti bażiċi, filwaqt li l-Istati Membri jenħtieġ jerfgħu responsabbiltà akbar għal kif jilħqu l-objettivi u kif jiksbu l-miri. Is-sussidjarjetà msaħħa***, barra milli tiżgura li n-natura komuni tal-PAK ma tkunx kompromessa,*** tippermetti li jitqiesu aħjar il-kundizzjonijiet u l-bżonnijiet lokali, u jitfasslu apposta l-appoġġ biex jiġi massimizzat il-kontribut għall-objettivi tal-Unjoni. |

**Emenda 2**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (5) Sabiex jinżammu l-elementi essenzjali fl-Unjoni kollha biex tiġi żgurata l-komparabbiltà bejn id-deċiżjonijiet tal-Istati Membri, iżda mingħajr ma jiġu limitati l-Istati Membri fl-ilħuq tal-objettivi tal-Unjoni, jenħtieġ li tiġi ***stipulata*** definizzjoni qafas għal "żona agrikola". Jenħtieġ li d-definizzjonijiet qafas relatati għal "raba' li jinħadem", "għelejjel permanenti" u "bur permanenti" jiġu ***stipulati*** b'mod wiesa' biex l-Istati Membri jkunu jistgħu jispeċifikaw aktar id-definizzjonijiet skont il-kundizzjonijiet lokali tagħhom. Id-definizzjoni qafas għal "raba' li jinħadem" jenħtieġ li tiġi ***stipulata*** b'mod li tippermetti lill-Istati Membri jkopru forom differenti ta' produzzjoni, inkluż sistemi bħal pereżempju l-agroforestrija u r-raba' b'arbuxelli u siġar u li teħtieġ l-inklużjoni ta' żoni ta' art mistrieħa sabiex tiġi żgurata n-natura diżakkoppjata tal-interventi. Jenħtieġ li d-definizzjoni qafas ta' "għelejjel permanenti" tinkludi ż-żoni li realment jintużaw għall-produzzjoni u dawk li ma jintużawx għall-produzzjoni, kif ukoll il-mixtliet u l-imsajġar b'newba qasira li jridu jiġu definiti mill-Istati Membri. Id-definizzjoni qafas ta' "bur permanenti" jenħtieġ li tiġi ***stipulata*** b'mod li tippermetti lill-Istati Membri jispeċifikaw aktar kriterji u tippermettihom jinkludu speċijiet għajr il-ħxejjex jew foraġġ ***erbaċew*** ieħor li jistgħu jintużaw għar-ragħa jew li jistgħu jipproduċu għalf ***għall-annimali***, kemm jekk jintuża għall-produzzjoni reali u kemm jekk le. | (5) Sabiex jinżammu l-elementi essenzjali fl-Unjoni kollha biex tiġi żgurata l-komparabbiltà bejn id-deċiżjonijiet tal-Istati Membri, iżda mingħajr ma jiġu limitati l-Istati Membri fl-ilħuq tal-objettivi tal-Unjoni, jenħtieġ li tiġi ***stabbilita*** definizzjoni qafas għal "żona agrikola". Jenħtieġ li d-definizzjonijiet qafas relatati għal "raba' li jinħadem", "għelejjel permanenti" u "bur permanenti" jiġu ***stabbiliti*** b'mod wiesa' biex l-Istati Membri jkunu jistgħu jispeċifikaw aktar id-definizzjonijiet skont il-kundizzjonijiet lokali tagħhom. Id-definizzjoni qafas għal "raba' li jinħadem" jenħtieġ li tiġi ***stabbilita*** b'mod li tippermetti lill-Istati Membri jkopru forom differenti ta' produzzjoni, inkluż sistemi bħal pereżempju l-agroforestrija u r-raba' b'arbuxelli u siġar u li teħtieġ l-inklużjoni ta' żoni ta' art mistrieħa sabiex tiġi żgurata n-natura diżakkoppjata tal-interventi. Jenħtieġ li d-definizzjoni qafas ta' "għelejjel permanenti" tinkludi ż-żoni li realment jintużaw għall-produzzjoni u dawk li ma jintużawx għall-produzzjoni, kif ukoll il-mixtliet u l-imsajġar b'newba qasira li jridu jiġu definiti mill-Istati Membri. Id-definizzjoni qafas ta' "bur permanenti" jenħtieġ li tiġi ***stabbilita*** b'mod li tippermetti lill-Istati Membri jispeċifikaw aktar kriterji u tippermettihom jinkludu speċijiet għajr il-ħxejjex jew foraġġ ***erbaċeu*** ieħor li jistgħu jintużaw għar-ragħa***, joffru erja ta' foraġġ għad-dakkara,*** jew li jistgħu jipproduċu għalf, kemm jekk jintuża għall-produzzjoni reali u kemm jekk le. |

**Emenda 3**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 9**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (9) Fid-dawl tat-titjib ulterjuri tal-prestazzjoni tal-PAK, jenħtieġ li l-appoġġ għall-introjtu jiġi mmirat għall-bdiewa ***ġenwini***. Sabiex jiġi żgurat approċċ komuni fil-livell tal-Unjoni għat-tali mmirar tal-appoġġ, jenħtieġ li tiġi ***stipulata*** definizzjoni qafas għal ***"bidwi ġenwin"*** li turi l-elementi essenzjali. Fuq il-bażi ta' dan il-qafas, jenħtieġ li fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom l-Istati Membri jiddefinixxu liema bdiewa ***mhumiex ikkunsidrati ġenwini fuq il-bażi ta' kundizzjonijiet bħal pereżempju t-testijiet tal-introjtu, l-inputs lavorattivi fuq l-azjenda agrikola***, ***l-għanijiet tal-kumpanija u l-inklużjoni fir-reġistri.*** Jenħtieġ ***ukoll*** li din ma tirriżultax f'li ma jkunx jista' jingħata appoġġ lill-bdiewa pluriattivi, li huma attivi fil-biedja iżda li huma impenjati wkoll f'attivitajiet mhux agrikoli barra mill-azjenda agrikola tagħhom, minħabba li l-attivitajiet multipli tagħhom spiss isaħħu lin-nisġa soċjoekonomika taż-żoni rurali. | (9) Fid-dawl tat-titjib ulterjuri tal-prestazzjoni tal-PAK, jenħtieġ li l-appoġġ għall-introjtu jiġi mmirat għall-bdiewa ***li jeżerċitaw attività agrikola fuq l-artijiet agrikoli tal-azjenda tagħhom***. Sabiex jiġi żgurat approċċ komuni fil-livell tal-Unjoni għat-tali mmirar tal-appoġġ, jenħtieġ li tiġi ***stabbilita*** definizzjoni qafas għal ***"bidwi"*** li turi l-elementi essenzjali ***kif ukoll definizzjoni ċara ta' "bidwi" għall-finijiet biex tiġi stabbilita l-eliġibbiltà għall-appoġġ***. Fuq il-bażi ta' dan il-qafas, jenħtieġ li fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom l-Istati Membri jiddefinixxu liema bdiewa ***huma eliġibbli għall-appoġġ; billi d-direzzjoni politika tal-iżvilupp rurali inkoraġġiet lill-bdiewa jiddiversifikaw l-attivitajiet tagħhom lil hinn mill-azjenda***, jenħtieġ li din ma tirriżultax f'li ma jkunx jista' jingħata appoġġ lill-bdiewa pluriattivi, li huma attivi fil-biedja iżda li huma impenjati wkoll f'attivitajiet mhux agrikoli barra mill-azjenda agrikola tagħhom, minħabba li l-attivitajiet multipli tagħhom spiss isaħħu lin-nisġa soċjoekonomika taż-żoni rurali. |

*Ġustifikazzjoni*

*Jenħtieġ li d-definizzjoni ta' bidwi tkun stabbilita fil-livell tal-UE bil-għan li tkun stabbilita l-eliġibbiltà għall-pagamenti biex ikunu garantiti kundizzjonijiet ta' parità. Jenħtieġ li l-użu tat-terminu "bidwi" ma jkunx limitat b'termini li jqiegħdu f'dubju l-leġittimità tagħhom. It-tħassir tat-terminu "ġenwin" tapplika għat-test kollu kemm hu.*

**Emenda 4**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 10**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (10) Sabiex tiġi żgurata l-konsistenza | (10) Sabiex tiġi żgurata l-konsistenza |

| | |
|---|---|
| bejn it-tipi ta' interventi ***tal-pagamenti diretti*** u t-tipi ta' interventi tal-iżvilupp rurali meta jkun qed jiġi indirizzat l-objettiv tat-tiġdid ġenerazzjonali, jenħtieġ li tiġi ***stipulata*** definizzjoni qafas fil-livell tal-Unjoni għal "bidwi żagħżugħ" bl-elementi essenzjali. | bejn it-tipi ta' interventi ***tal-pagament dirett*** u t-tipi ta' interventi tal-iżvilupp rurali meta jkun qed jiġi indirizzat l-objettiv tat-tiġdid ġenerazzjonali, ***ta' importanza kritika,*** jenħtieġ li tiġi ***stabbilita*** definizzjoni qafas fil-livell tal-Unjoni għal "bidwi żagħżugħ" bl-elementi ***wiesgħa*** essenzjali***, li jenħtieġ li ma tkunx restrittiva ħalli taġevola lill-bdiewa ġodda fl-agrikoltura u tirrifletti r-realtajiet fil-post tal-Istati Membri***. |

*Ġustifikazzjoni*

*L-iskemi ta' appoġġ preċedenti f'dan l-ambitu kienu wisq restrittivi u kkawżaw l-esklużjoni tal-bdiewa żgħażagħ mill-appoġġ.*

**Emenda 5**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 12**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (12) PAK aktar intelliġenti, modernizzata u aktar sostenibbli trid tħaddan ir-riċerka u l-innovazzjoni, sabiex isservi lill-multifunzjonalità tas-sistemi tal-agrikoltura, tal-forestrija u tal-ikel tal-Unjoni, filwaqt li tinvesti fl-iżvilupp teknoloġiku u fid-diġitalizzazzjoni, kif ukoll ittejjeb l-aċċess għal għarfien sod, rilevanti u ġdid. | (12) PAK aktar intelliġenti, modernizzata u aktar sostenibbli trid tħaddan ir-riċerka u l-innovazzjoni, sabiex isservi lill-multifunzjonalità tas-sistemi tal-agrikoltura, ***tal-agroforestrija,*** tal-forestrija u tal-ikel tal-Unjoni, filwaqt li tinvesti fl-iżvilupp teknoloġiku u fid-diġitalizzazzjoni, kif ukoll ittejjeb l-aċċess għal għarfien sod, rilevanti u ġdid. |

**Emenda 6**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 14**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (14) Sabiex jitrawwem settur agrikolu intelliġenti u reżiljenti, il-pagamenti diretti jibqgħu jikkostitwixxu parti essenzjali biex jiġi garantit appoġġ ***ġust*** għall-introjtu tal-bdiewa. B'mod simili, l-investimenti fir- | (14) Sabiex jitrawwem settur agrikolu intelliġenti u reżiljenti, il-pagamenti diretti ***li jkunu kredibbli, ekwi u ġusti*** jibqgħu jikkostitwixxu parti essenzjali biex jiġi garantit appoġġ għall-introjtu tal-bdiewa. |

| | |
|---|---|
| ristrutturar, il-modernizzazzjoni, l-innovazzjoni, id-diversifikazzjoni u l-użu ta' teknoloġiji ġodda fl-azjendi agrikoli huma neċessarji biex il-bdiewa jmorru aħjar fis-suq. | B'mod simili, l-investimenti fir-ristrutturar***, it-tisħiħ tal-pożizzjoni tal-bidwi fil-katina tal-ikel***, il-modernizzazzjoni, l-innovazzjoni, id-diversifikazzjoni u l-użu ta' teknoloġiji ġodda fl-azjendi agrikoli huma neċessarji biex il-bdiewa jmorru aħjar fis-suq. |

*Ġustifikazzjoni*

*Il-pagamenti tal-PAK iridu jkunu ekwi u ġusti biex jiggarantixxu appoġġ pubbliku u kontinwu.*

**Emenda 7**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 26**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (26) Jenħtieġ li l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni tipprevedi li l-Istati Membri jistabbilixxu rekwiżiti f'termini ta' erja minima għall-għotja ta' pagamenti diżakkoppjati fil-Pjan Strateġiku tal-PAK tagħhom. It-tali rekwiżiti jenħtieġ li jirrelataw mal-ħtieġa li jiġi evitat il-piż amministrattiv eċċessiv ikkawżat mill-ġestjoni ta' bosta pagamenti ta' ammonti żgħar u mal-ħtieġa li jiġi żgurat kontribut effettiv tal-appoġġ lejn l-objettivi tal-PAK li għalih jikkontribwixxu l-pagamenti diretti diżakkoppjati. Sabiex jiġi garantit livell minimu ta' appoġġ għall-introjtu agrikolu għall-bdiewa ġenwini kollha, kif ukoll għall-konformità mal-objettiv tat-Trattat biex jiġi żgurat standard ta' għajxien ġust għall-komunità agrikola, jenħtieġ li jiġi stabbilit pagament diżakkoppjat annwali abbażi tal-erja bħala t-tip ta' intervent "Appoġġ għall-Introjtu Bażiku għas-Sostenibbiltà". Sabiex jissaħħaħ l-immirar aħjar ta' dan l-appoġġ, l-ammonti ta' pagament jistgħu jkunu differenzjati, għal kull grupp ta' territorji, fuq il-bażi tal-kundizzjonijiet soċjoekonomiċi u/jew argronomiċi. Biex jiġu evitati effetti ta' xkiel għall-introjtu tal- | (26) Jenħtieġ li l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni tipprevedi li l-Istati Membri jistabbilixxu rekwiżiti f'termini ta' erja minima għall-għotja ta' pagamenti diżakkoppjati fil-Pjan Strateġiku tal-PAK tagħhom. It-tali rekwiżiti jenħtieġ li jirrelataw mal-ħtieġa li jiġi evitat il-piż amministrattiv eċċessiv ikkawżat mill-ġestjoni ta' bosta pagamenti ta' ammonti żgħar u mal-ħtieġa li jiġi żgurat kontribut effettiv tal-appoġġ lejn l-objettivi tal-PAK li għalih jikkontribwixxu l-pagamenti diretti diżakkoppjati. Sabiex jiġi garantit livell minimu ta' appoġġ għall-introjtu agrikolu għall-bdiewa ġenwini kollha, kif ukoll għall-konformità mal-objettiv tat-Trattat biex jiġi żgurat standard ta' għajxien ġust għall-komunità agrikola, jenħtieġ li jiġi stabbilit pagament diżakkoppjat annwali abbażi tal-erja bħala t-tip ta' intervent "Appoġġ għall-Introjtu Bażiku għas-Sostenibbiltà". Sabiex jissaħħaħ l-immirar aħjar ta' dan l-appoġġ, l-ammonti ta' pagament jistgħu jkunu differenzjati, għal kull grupp ta' territorji, fuq il-bażi tal-kundizzjonijiet soċjoekonomiċi u/jew argronomiċi. Biex jiġu evitati effetti ta' xkiel għall-introjtu tal- |

| | |
|---|---|
| bdiewa, l-Istati Membri jistgħu jagħżlu li jimplimentaw l-appoġġ għall-introjtu bażiku għas-sostenibbiltà abbażi tal-intitolamenti għall-pagamenti. F'dan il-każ, jenħtieġ li l-valur tal-intitolamenti għall-pagamenti qabel kwalunkwe konverġenza jkun propozjonali għall-valur tagħhom kif stabbilit taħt l-iskemi ta' pagament bażiku skont ir-Regolament (UE) Nru 1307/2013, filwaqt li jitqiesu wkoll l-pagament għal prattiki agrikoli ta' benefiċċju għall-klima u l-ambjent. Jenħtieġ li l-Istati Membri jiksbu aktar konverġenza wkoll sabiex ***ikomplu*** jimxu progressivament ***lil hinn mill-valuri storiċi***. | bdiewa, l-Istati Membri jistgħu jagħżlu li jimplimentaw l-appoġġ għall-introjtu bażiku għas-sostenibbiltà abbażi tal-intitolamenti għall-pagamenti. F'dan il-każ, jenħtieġ li l-valur tal-intitolamenti għall-pagamenti qabel kwalunkwe konverġenza jkun propozjonali għall-valur tagħhom kif stabbilit taħt l-iskemi ta' pagament bażiku skont ir-Regolament (UE) Nru 1307/2013, filwaqt li jitqiesu wkoll l-pagament għal prattiki agrikoli ta' benefiċċju għall-klima u l-ambjent. Jenħtieġ li l-Istati Membri jiksbu aktar konverġenza wkoll sabiex jimxu progressivament ***lejn il-konverġenza totali sal-2026***. |

*Ġustifikazzjoni*

*Biex ikun żgurat trattament indaqs tal-bdiewa f'konformità mal-Karta Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem Fundamentali, ma għadux iġġustifikat li tħallas lill-bdiewa għall-attività agrikola abbażi tas-snin ta' referenza 2000-2002.*

**Emenda 8**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 42**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (42) Fid-dawl tal-ħtieġa li tiġi ***indirzzata*** d-diskrepanza tal-investiment fis-settur agrikolu tal-Unjoni u sabiex jitjieb l-aċċess għall-istrumenti finanzjarji għall-gruppi prijoritarji, b'mod partikolari l-bdiewa żgħażagħ u l-bdiewa ġodda bi profili ta' riskju ogħla, jenħtieġ li ***jitħeġġeġ*** l-użu tal-garanzija ***InvestEU*** u l-kombinament tal-għotjiet u tal-istrumenti finanzjarji. Peress li l-użu tal-istrumenti finanzjarji fl-Istati Membri kollha jvarja b'mod konsiderevoli bħala riżultat tad-differenza f'termini tal-aċċess għall-finanzi, l-iżvilupp tas-settur bankarju, il-preżenza ta' kapital ta' riskju, il-familjarità tal-amministrazzjonijiet pubbliċi u l-firxa potenzjali ta' benefiċjarji, jenħtieġ li fil-Pjan Strateġiku tal-PAK l-Istati Membri jistabbilixxu miri xierqa, | (42) Fid-dawl tal-ħtieġa li tiġi ***indirizzata*** d-diskrepanza tal-investiment fis-settur agrikolu tal-Unjoni u sabiex jitjieb l-aċċess għall-istrumenti finanzjarji għall-gruppi prijoritarji, b'mod partikolari l-bdiewa żgħażagħ u l-bdiewa ġodda bi profili ta' riskju ogħla, jenħtieġ li ***jkunu disponibbli*** l-użu tal-garanzija ***Invest EU*** u l-kombinament tal-għotjiet u tal-istrumenti finanzjarji***, filwaqt li jiġu rispettati n-normi tat-teħid prudenti b'self u jiġi skoraġġit l-għoti insostenibbli b'self***. Peress li l-użu tal-istrumenti finanzjarji fl-Istati Membri kollha jvarja b'mod konsiderevoli bħala riżultat tad-differenza f'termini tal-aċċess għall-finanzi, l-iżvilupp tas-settur bankarju, il-preżenza ta' kapital ta' riskju, il-familjarità tal- |

| | |
|---|---|
| benefiċjarji u kundizzjonijiet preferenzjali, u regoli ta' eliġibbiltà oħra possibbli. | amministrazzjonijiet pubbliċi u l-firxa potenzjali ta' benefiċjarji, jenħtieġ li fil-Pjan Strateġiku tal-PAK l-Istati Membri jistabbilixxu miri xierqa, benefiċjarji u kundizzjonijiet preferenzjali, u regoli ta' eliġibbiltà oħra possibbli. |

**Emenda 9**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) "attività agrikola" għandha tiġi definita b'mod li tinkludi kemm il-produzzjoni ***tal-prodotti agrikoli elenkati*** fl-Anness I tat-TFUE, inkluż il-qoton u l-imsajġar b'newba qasira, u ż-żamma taż-żona agrikola fi stat li jagħmilha tajba għar-ragħa jew għall-kultivazzjoni, mingħajr azzjoni ta' tħejjija li tmur lil hinn mill-metodi u l-makkinarji agrikoli tas-soltu; | (a) "attività agrikola" għandha tiġi definita b'mod li tinkludi kemm il-produzzjoni ***tal-merkanzija agrikola elenkata*** fl-Anness I tat-TFUE***, barra mill-produzzjoni ta' beni pubbliċi u servizzi ekosistemiċi tal-erja agrikola***, inkluż il-qoton u l-imsajġar b'newba qasira, u ż-żamma taż-żona agrikola fi stat li jagħmilha tajba għar-ragħa jew għall-kultivazzjoni, mingħajr azzjoni ta' tħejjija li tmur lil hinn mill-metodi u l-makkinarji agrikoli tas-soltu; |

*Ġustifikazzjoni*

*Il-produzzjoni agrikola hija ħafna usa' mill-produzzjoni ta' prodotti bażiċi.*

**Emenda 10**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt b – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) "żona agrikola" għandha tiġi definita b'mod li tkun magħmula mir-raba' li jinħadem, l-għelejjel permanenti u ***l-bur permanenti***. It-termini "raba' li jinħadem", "għelejjel permanenti" u ***"bur permanenti"*** għandhom jiġu speċifikati aktar mill-Istati Membri fil-qafas li ġej: | (b) "żona agrikola" għandha tiġi definita b'mod li tkun magħmula mir-raba' li jinħadem, l-għelejjel permanenti***, il-bur permanenti*** u ***s-sistemi agroforestali***. It-termini "raba' li jinħadem", "għelejjel permanenti"***, "bur permanenti"*** u ***"sistemi agroforestali"*** għandhom jiġu speċifikati aktar mill-Istati Membri fil-qafas li ġej: |

*Ġustifikazzjoni*

*Jenħtieġ li l-agroforestrija tkun integrata fil-politika agrikola u mqiegħda fl-istess livell ta' użi tal-art oħrajn.*

**Emenda 11**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt b – punt ii**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (ii) "għelejjel permanenti" għandha tkun għelejjel li ma jitnewbux ħlief bur permanenti u mergħat permanenti li jokkupaw l-art għal ħames snin jew iżjed, u jagħtu ħsad ripetut, inklużi ***l-mixtliet*** u l-imsajġar b'newba qasira; | (ii) "għelejjel permanenti" għandha tkun għelejjel li ma jitnewbux ħlief bur permanenti u mergħat permanenti li jokkupaw l-art għal ħames snin jew iżjed, u jagħtu ħsad ripetut, inklużi ***s-sistemi agroforestali, il-mixtliet*** u l-imsajġar b'newba qasira; |

**Emenda 12**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt b – punt iii**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (iii) "bur permanenti u mergħa permanenti" (li flimkien jissejħu "bur permanenti") għandha tiġi definita bħala art li ma tkunx inkluża fin-newba tal-azjenda għal ħames snin jew aktar, li tintuża biex jitkabbar il-ħaxix jew foraġġ ***erbaċeju*** ieħor b'mod naturali (li jinżergħu waħedhom) jew permezz tal-kultivazzjoni (jinżergħu ***bl-idejn***). ***Tista' tinkludi speċijiet oħra bħal pereżempju l-arbuxelli*** u/jew ***is-siġar*** li jistgħu jintużaw għar-ragħa jew għall-produzzjoni ***tal-għalf tal-annimali;*** | (iii) "bur permanenti u mergħa permanenti" (li flimkien jissejħu "bur permanenti") għandha tiġi definita bħala art li ma tkunx inkluża fin-newba tal-azjenda għal ħames snin jew aktar, li tintuża biex jitkabbar il-ħaxix jew foraġġ ***erbaċeu*** ieħor b'mod naturali (li jinżergħu waħedhom) jew permezz tal-kultivazzjoni (***li*** jinżergħu). ***Id-definizzjoni qafas ta' "bur permanenti" jenħtieġ li tiġi stabbilita b'mod li tippermetti lill-Istati Membri jispeċifikaw aktar kriterji*** u ***tippermettihom jinkludu speċijiet għajr il-ħxejjex*** jew ***foraġġ erbaċeu ieħor*** li jistgħu jintużaw għar-ragħa jew ***li jistgħu jipproduċu għalf, erja ta' foraġġ għad-dakkara, kemm jekk jintuża*** għall-produzzjoni ***reali kif ukoll jekk le.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Id-definizzjoni ta' mergħa permanenti trid tkun biżżejjed wiesgħa li tqis is-sitwazzjoni differenti tad-diversi użi tal-erja ta' foraġġ fl-Istati Membri.*

**Emenda 13**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt b – punt iiia (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(iiia) "Sistemi agroforestali" għandha tkun sistemi tal-użu tal-art li fihom is-siġar jitkabbru flimkien mal-agrikoltura fuq l-istess art;*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Jenħtieġ li l-agroforestrija tkun integrata fil-politika agrikola u mqiegħda fl-istess livell ta' użi tal-art oħrajn.*

**Emenda 14**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 7 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 138 li jemendaw l-Anness I biex jiġu adattati l-indikaturi komuni tal-output, tar-riżultati u tal-impatti biex titqies l-esperjenza bl-applikazzjoni tagħhom u, fejn meħtieġ, biex jiżdiedu indikaturi oħrajn ġodda. | 2. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 138 li jemendaw l-Anness I biex jiġu adattati l-indikaturi komuni tal-output, tar-riżultati u tal-impatti biex titqies l-esperjenza bl-applikazzjoni tagħhom***, il-kummenti li għamlet il-Qorti Ewropea tal-Awdituri fl-opinjoni nru 7/2018 tagħha, Anness I,*** u, fejn meħtieġ, biex jiżdiedu indikaturi oħrajn ġodda. |

*Ġustifikazzjoni*

*Kif affermat il-Qorti Ewropea tal-Awdituri, il-proposta tal-Kummissjoni ma fihiex l-elementi meħtieġa ta' sistema ta' prestazzjoni effettiva, u, b'mod partikolari, ġabra konsistenti ta' indikaturi tal-output, tar-riżultati u tal-impatti.*

**Emenda 15**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 13 – paragrafu 4 – punt fa (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***(fa) l-użu tal-aħjar prattiki agroforestali kemm fuq l-art agrikola kif ukoll fuq dik forestali;*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Il-prattiki agroforestali għandhom bosta vantaġġi għall-ambjent u jsaħħu r-reżiljenza tal-azjendi agrikoli.*

**Emenda 16**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 15 – paragrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| ***(a) b'mill-inqas 25 % għall-firxa bejn EUR 60 000 u EUR 75 000;*** | ***imħassar*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Id-degressjoni/l-iffissar ta' limiti fir-rigward tal-pagamenti diretti jwasslu għal inċentivi irregolari li ma jappoġġawx l-iżvilupp strutturali tal-azjendi agrikoli. Id-degressjoni tal-pagamenti diretti ogħla minn EUR 60 000 ma tkunx tolqot biss lill-unitajiet estremament kbar, iżda wkoll lil dawk ta' daqs medju li ppruvaw jinvestu u jikbru. Jekk implimentati, il-limiti massimi proposti fl-Artikolu 15 jafu barra minn hekk joħolqu inċentivi biex l-azjendi agrikoli jinqasmu b'modi li ma jistgħux jitqiesu xierqa. Il-kalkolu tas-salarji u tal-kontribuzzjonijiet relatati jkun jikkaġuna piż amministrattiv kemm għall-bdiewa kif ukoll għall-Istati Membri. Hemm bżonn semplifikazzjoni.*

**Emenda 17**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 15 – paragrafu 1 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| ***(b) b'mill-inqas 50 % għall-firxa bejn EUR 75 000 u EUR 90 000;*** | ***imħassar*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Id-degressjoni/l-iffissar ta' limiti fir-rigward tal-pagamenti diretti jwasslu għal inċentivi irregolari li ma jappoġġawx l-iżvilupp strutturali tal-azjendi agrikoli. Id-degressjoni tal-pagamenti diretti ogħla minn EUR 60 000 ma tkunx tolqot biss lill-unitajiet estremament kbar, iżda wkoll lil dawk ta' daqs medju li ppruvaw jinvestu u jikbru. Jekk implimentati, il-limiti massimi proposti fl-Artikolu 15 jafu barra minn hekk joħolqu inċentivi biex l-azjendi agrikoli jinqasmu b'modi li ma jistgħux jitqiesu xierqa. Il-kalkolu tas-salarji u tal-kontribuzzjonijiet relatati jkun jikkaġuna piż amministrattiv kemm għall-bdiewa kif ukoll għall-Istati Membri. Hemm bżonn semplifikazzjoni.*

**Emenda 18**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 15 – paragrafu 1 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(c) b'mill-inqas 75 % għall-firxa bejn EUR 90 000 u EUR 100 000;*** | ***imħassar*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Id-degressjoni/l-iffissar ta' limiti fir-rigward tal-pagamenti diretti jwasslu għal inċentivi irregolari li ma jappoġġawx l-iżvilupp strutturali tal-azjendi agrikoli. Id-degressjoni tal-pagamenti diretti ogħla minn EUR 60 000 ma tkunx tolqot biss lill-unitajiet estremament kbar, iżda wkoll lil dawk ta' daqs medju li ppruvaw jinvestu u jikbru. Jekk implimentati, il-limiti massimi proposti fl-Artikolu 15 jafu barra minn hekk joħolqu inċentivi biex l-azjendi agrikoli jinqasmu b'modi li ma jistgħux jitqiesu xierqa. Il-kalkolu tas-salarji u tal-kontribuzzjonijiet relatati jkun jikkaġuna piż amministrattiv kemm għall-bdiewa kif ukoll għall-Istati Membri. Hemm bżonn semplifikazzjoni.*

**Emenda 19**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 15 – paragrafu 1 – punt d**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(d) b'100 % għall-ammont li jaqbeż EUR 100 000.*** | ***imħassar*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Id-degressjoni/l-iffissar ta' limiti fir-rigward tal-pagamenti diretti jwasslu għal inċentivi irregolari li ma jappoġġawx l-iżvilupp strutturali tal-azjendi agrikoli. Id-degressjoni tal-pagamenti diretti ogħla minn EUR 60 000 ma tkunx tolqot biss lill-unitajiet estremament*

*kbar, iżda wkoll lil dawk ta' daqs medju li ppruvaw jinvestu u jikbru. Jekk implimentati, il-limiti massimi proposti fl-Artikolu 15 jafu barra minn hekk joħolqu inċentivi biex l-azjendi agrikoli jinqasmu b'modi li ma jistgħux jitqiesu xierqa. Il-kalkolu tas-salarji u tal-kontribuzzjonijiet relatati jkun jikkaġuna piż amministrattiv kemm għall-bdiewa kif ukoll għall-Istati Membri. Hemm bżonn semplifikazzjoni.*

**Emenda 20**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 15 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***2. Qabel ma japplikaw il-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom inaqqsu mill-ammont tal-pagamenti diretti li jridu jingħataw lil bidwi skont dan il-Kapitolu f'sena kalendarja speċifika:*** | ***imħassar*** |
| ***(a) is-salarji marbuta ma' attività agrikola ddikjarata mill-bidwi, inkluż it-taxxi u l-kontribuzzjonijiet soċjali relatati mal-impjiegi; u*** | |
| ***(b) l-ispiża ekwivalenti ta' xogħol regolari u mhux imħallas marbut ma' attività agrikola pprattikata minn persuni li jaħdmu fl-azjenda agrikola kkonċernata li ma jirċevux salarju, jew li jirċievu inqas rimunerazzjoni mill-ammont normalment imħallas għas-servizzi mogħtija, iżda jiġu ppremjati permezz tar-riżultat ekonomiku tan-negozju agrikolu.*** | |
| ***Sabiex jikkalkulaw l-ammonti msemmija fil-punti a) u b), l-Istati Membri għandhom jużaw is-salarji standard medji marbuta ma' attività agrikola fil-livell nazzjonali jew reġjonali mmultiplikati bin-numru ta' unitajiet annwali ta' xogħol iddikjarati mill-bidwi kkonċernat.*** | |

*Ġustifikazzjoni*

*Ir-rapporteur jilqa' favorevolment il-proposta tal-Kummissjoni rigward il-limiti massimi u r-ridistribuzzjoni tal-pagamenti diretti, iżda jibża' li l-possibbiltà li jitnaqqsu l-kostijiet tas-salarji, inklużi dawk għax-xogħol mhux imħallas, mill-ammont tal-pagamenti diretti*

*kkunsidrati għall-finijiet tal-limiti massimi, tkun tillimita l-impatt tal-miżura.*

*Il-kumpensazzjoni tas-salarji qabel l-applikazzjoni tal-limiti massimi mhijiex ġustifikata, peress li l-pagamenti attwali huma marbuta mal-attività storika, li ma għandha l-ebda rabta mal-attività agrikola attwali.*

**Emenda 21**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 15 – paragrafu 3 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-prodott stmat tat-tnaqqis tal-pagamenti għandu jintuża ***prinċipalment*** biex jikkontribwixxi għall-finanzjament tal-appoġġ għall-introjtu ridistributtiv ***komplementarju*** għas-sostenibbiltà ***u wara għall-finanzjament ta' interventi oħra li jappartjenu għall-pagamenti diretti diżakkoppjati***. | Il-prodott stmat tat-tnaqqis tal-pagamenti għandu jintuża biex jikkontribwixxi għall-finanzjament tal-appoġġ għall-introjtu ridistributtiv ***komplementari*** għas-sostenibbiltà. |

*Ġustifikazzjoni*

*Il-prodott mill-iffissar ta' limiti mill-pilastri I jenħtieġ li jibqa' fi ħdan il-pilastru 1 biex jintuża bħala pagament ridistributtiv.*

**Emenda 22**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 26 – paragrafu 5a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***5a. L-Istati Membri għandhom jiġbru statistika affidabbli u komparabbli dwar l-introjtu disponibbli tal-azjendi agrikoli u jieħdu kont tas-sorsi tal-introjtu apparti l-biedja;*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Kif affermat il-Qorti Ewropea tal-Awdituri, id-data ppubblikata dwar l-introjtu tal-bdiewa mhijiex biżżejjed biex "tappoġġa d-dikjarazzjoni li l-unitajiet domestiċi ta' azjendi agrikoli, meqjusa fl-intier tagħhom, jeħtieġu appoġġ sinifikanti biex jiksbu standard ġust tal-għajxien".*

**Emenda 23**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 27 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri ***jistgħu*** jipprevedu appoġġ għall-introjtu ***komplementarju*** għall-bdiewa żgħażagħ bil-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u kif speċifikat aktar fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom. | 1. L-Istati Membri ***għandhom*** jipprevedu appoġġ għall-introjtu ***komplementari*** għall-bdiewa żgħażagħ ***u għall-bdiewa ġodda*** bil-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u kif speċifikat aktar fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom. |

**Emenda 24**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 27 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Bħala parti mill-obbligi tagħhom biex jikkontribwixxu għall-objettiv speċifiku "nattiraw il-bdiewa żgħażagħ u niffaċilitaw l-iżvilupp tan-negozju fiż-żoni rurali" stabbilit fil-punt (g) tal-Artikolu 6(1) u biex jiddedikaw mill-inqas 2 % tal-allokazzjonijiet tagħhom tal-pagamenti diretti għal dan l-objettiv skont l-Artikolu 86(4), l-Istati Membri ***jistgħu*** jipprovdu appoġġ għall-introjtu ***komplementarju*** għall-bdiewa żgħażagħ li għadhom kif twaqqfu għall-ewwel darba u li huma intitolati għal pagament taħt l-appoġġ għall-introjtu bażiku kif imsemmi fl-Artikolu 17. | 2. Bħala parti mill-obbligi tagħhom biex jikkontribwixxu għall-objettiv speċifiku "nattiraw il-bdiewa żgħażagħ u niffaċilitaw l-iżvilupp tan-negozju fiż-żoni rurali" stabbilit fil-punt (g) tal-Artikolu 6(1) u biex jiddedikaw mill-inqas 2 % tal-allokazzjonijiet tagħhom tal-pagamenti diretti għal dan l-objettiv skont l-Artikolu 86(4), l-Istati Membri ***għandhom*** jipprovdu appoġġ għall-introjtu ***komplementari*** għall-bdiewa żgħażagħ li għadhom kif twaqqfu għall-ewwel darba u li huma intitolati għal pagament taħt l-appoġġ għall-introjtu bażiku kif imsemmi fl-Artikolu 17. |

*Ġustifikazzjoni*

*Kif affermat il-Qorti Ewropea tal-Awdituri, l-ebda Stat Membru ma jista' jikkonkludi li huma meħtieġa sforzi ulterjuri għall-promozzjoni tat-tiġdid ġenerazzjonali.*

**Emenda 25**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 28 – paragrafu 6 – punt a**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| (a) bħala pagamenti addizzjonali għall-appoġġ għall-introjtu bażiku kif stabbilit fis-Subtaqsima 2 ta' din it-Taqsima; ***jew*** | (a) bħala pagamenti addizzjonali għall-appoġġ għall-introjtu bażiku kif stabbilit fis-Subtaqsima 2 ta' din it-Taqsima; |

**Emenda 26**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 43 – paragrafu 1 – punt d**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| (d) ***il-produzzjoni*** integrata; | (d) ***l-agroforestrija u s-sistemi ta' produzzjoni*** integrata; |

*Ġustifikazzjoni*

*L-agroforestrija għandha bosta vantaġġi f'sistema ta' produzzjoni integrata.*

**Emenda 27**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 43 – paragrafu 1 – punt k**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| (k) l-azzjonijiet biex tiżdied is-sostenibbiltà u l-effiċjenza tat-trasport u tal-ħżin tal-prodotti tas-settur tal-frott u l-ħaxix; | (k) l-azzjonijiet biex tiżdied is-sostenibbiltà u l-effiċjenza tat-trasport***, permezz tal-promozzjoni tal-katini tal-provvista qosra,*** u tal-ħżin tal-prodotti tas-settur tal-frott u l-ħaxix; |

**Emenda 28**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 49 – paragrafu 1 – punt aa (ġdid)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***(aa) azzjonijiet għaż-żieda tal-erja ta' foraġġ għad-dakkara;*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Id-dakkara huma essenzjali għall-agrikoltura u attwalment huma mhedda.*

**Emenda 29**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 50 – paragrafu 1 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) definizzjoni ta' kaxxa tan-naħal u l-metodi għall-kalkolu tan-numru ta' kaxxi tan-naħal; | (b) definizzjoni ta' kaxxa tan-naħal u l-metodi għall-kalkolu tan-numru ta' kaxxi tan-naħal ***meqjus ekwivalenti għal unità ta' bhejjem***; |

*Ġustifikazzjoni*

*Jeħtieġ li jiġu introdotti azzjonijiet biex isostnu u jikkwantifikaw l-apikultura.*

**Emenda 30**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 59 – paragrafu 1 – punt d**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (d) il-promozzjoni, l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' metodi ta' produzzjoni li jirrispettaw l-ambjent, l-istandards tal-benessri tal-annimali, prattiki ta' kultivazzjoni u ***tekniki*** ta' produzzjoni ambjentalment sani u reżiljenti għall-organiżmi ta' ħsara, l-użu u l-ġestjoni ambjentalment sani tal-prodotti sekondarji u tal-iskart, l-użu sostenibbli tar-riżorsi naturali b'mod partikolari l-protezzjoni tal-ilma, tal-ħamrija u riżorsi naturali oħra; dawk l-objettivi huma relatati mal-objettivi speċifiċi stabbiliti fil-punti (e) u (f) tal-Artikolu 6(1); | (d) il-promozzjoni, l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' metodi ta' produzzjoni li jirrispettaw l-ambjent, l-istandards tal-benessri tal-annimali, prattiki ta' kultivazzjoni***, tekniki*** u ***metodi*** ta' produzzjoni ambjentalment sani u reżiljenti għall-organiżmi ta' ħsara, ***inkluża l-inkorporazzjoni tax-xnien u għelejjel oħra li jiffissaw n-nitroġenu,*** l-użu u l-ġestjoni ambjentalment sani tal-prodotti sekondarji u tal-iskart***, fir-rispett tal-"prinċipju tal-prossimità"***, l-użu sostenibbli tar-riżorsi naturali b'mod partikolari l-protezzjoni tal-ilma, tal-ħamrija u riżorsi naturali oħra; dawk l-objettivi huma relatati mal-objettivi speċifiċi stabbiliti fil-punti (e) u (f) tal-Artikolu 6(1); |

*Ġustifikazzjoni*

*L-għelejjel li jiffissaw in-nitroġenu għandhom bosta benefiċċji, fosthom li jnaqqsu l-użu tan-nitroġenu artifiċjali u jtejbu l-istruttura tal-ħamrija.*

**Emenda 31**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 59 – paragrafu 1 – punt h**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (h) ***il-prevenzjoni*** u ***l-ġestjoni*** tar-riskju, bl-għan li jiġu evitati u indirizzati l-kriżijiet fis-swieq f'settur wieħed jew aktar minn dawk imsemmija fil-punt (f) tal-Artikolu 39; dawk l-objettivi huma relatati mal-objettivi speċifiċi stabbiliti fil-punti (a), (b) u (c) tal-Artikolu 6(1). | (h) ***l-istrateġiji proattivi ta' mitigazzjoni*** u ***prevenzjoni*** tar-riskju ***flimkien mal-ġestjoni tar-riskji***, bl-għan li jiġu evitati u indirizzati l-kriżijiet fis-swieq f'settur wieħed jew aktar minn dawk imsemmija fil-punt (f) tal-Artikolu 39; dawk l-objettivi huma relatati mal-objettivi speċifiċi stabbiliti fil-punti (a), (b) u (c) tal-Artikolu 6(1). |

*Ġustifikazzjoni*

*Il-mitigazzjoni u l-prevenzjoni tar-riskju jistgħu jqumu anqas flus lill-bdiewa, iżda jenħtieġ li jkunu fuq l-istess livell tal-ġestjoni tar-riskju.*

**Emenda 32**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 60 – paragrafu 1 – punt a – punt i**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (i) il-konservazzjoni tal-ħamrija, inkluż it-tisħiħ tal-karbonju fil-ħamrija; | (i) il-konservazzjoni tal-ħamrija ***u r-rikostituzzjoni tal-fertilità u tal-istruttura tal-ħamrija***, inkluż it-tisħiħ ***tal-kapaċitajiet ta' sekwestru*** tal-karbonju fil-ħamrija; |

*Ġustifikazzjoni*

*Struttura korretta tal-ħamrija żżid il-fertilità tal-ħamrija, li tnaqqas il-bżonn ta' fertilizzanti artifiċjali.*

**Emenda 33**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 64 – paragrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) ***impenji għall-ġestjoni*** ambjentali, ***klimatika*** u ***oħrajn***; | (a) ***l-inkoraġġiment tas-sostenibbiltà*** ambjentali, ***ta' miżuri għall-mitigazzjoni u l-adattament tal-klima, fosthom il-protezzjoni xierqa tal-art mistagħdra*** u ***tal-ħamrija organika flimkien ma' impenji għall-ġestjoni li jkunu ta' ġid għall-ambjent***; |

*Ġustifikazzjoni*

*Huwa importanti li jitħeġġeġ il-ħarsien tal-ambjent u jkunu sostnuti b'mod adegwat il-miżuri mmirati għal dan l-iskop.*

**Emenda 34**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 64 – paragrafu 1 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) żvantaġġi speċifiċi għaż-żona li jirriżultaw minn ċerti rekwiżiti obbligatorji; | (c) żvantaġġi speċifiċi għaż-żona li jirriżultaw minn ċerti rekwiżiti obbligatorji***, inkluża l-implimentazzjoni tad-Direttivi 92/43/KEE u 2009/147/KE***; |

*Ġustifikazzjoni*

*Huwa importanti li jkunu rikonoxxuti l-impenji onerużi għall-konformità mad-Direttivi dwar l-għasafar u l-ħabitats.*

**Emenda 35**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 64 – paragrafu 1 – punt f**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (f) l-għodod ***għall-ġestjoni*** tar-riskju; | (f) l-għodod ***għall-mitigazzjoni, il-prevenzjoni u l-ġestjoni*** tar-riskju; |

*Ġustifikazzjoni*

*Il-mitigazzjoni u l-prevenzjoni tar-riskju jistgħu jqumu anqas flus lill-bdiewa, iżda jenħtieġ li jkunu fuq l-istess livell tal-ġestjoni tar-riskju.*

**Emenda 36**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 65 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri jistgħu jagħtu pagamenti ***għall-impenji għall-ġestjoni ambjentali***, ***klimatika*** u oħrajn bil-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u kif speċifikat aktar fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom. | 1. L-Istati Membri jistgħu jagħtu pagamenti ***biex jinċentivaw il-prattiki ekosostenibbli***, ***il-miżuri ta' mitigazzjoni*** u ***adattament għat-tibdil fil-klima u għall-impenji għall-ġestjoni*** oħrajn ***li jkunu ta' ġid għall-ambjent*** bil-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u kif speċifikat aktar fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom. |

*Ġustifikazzjoni*

*Jeħtieġ li jkunu inċentivati l-prattiki li lill-bidwi jikkawżawlu spejjeż sabiex dan tal-aħħar ikun jista' jimplimentahom.*

**Emenda 37**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 65 – paragrafu 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. L-Istati Membri għandhom jikkumpensaw lill-benefiċjarji għall-ispejjeż imġarrba u l-introjtu mitluf minħabba l-impenji meħuda. Fejn meħtieġ, dawn jistgħu jkopru ukoll l-ispejjeż tat-tranżazzjoni. Fil-każijiet debitament ġustifikati, l-Istati Membri jistgħu jagħtu ***appoġġ*** bħala rata fissa jew bħala pagament ta' darba għal kull unità. Il-pagamenti għandhom jingħataw darba fis-sena. | 6. L-Istati Membri għandhom jikkumpensaw lill-benefiċjarji għall-ispejjeż imġarrba u l-introjtu mitluf minħabba l-impenji meħuda. Fejn meħtieġ, dawn jistgħu jkopru ukoll l-ispejjeż tat-tranżazzjoni. Fil-każijiet debitament ġustifikati, l-Istati Membri jistgħu jagħtu ***pagamenti bil-quddiem biex jinċentivaw l-adozzjoni ta' miżuri innovattivi u l-appoġġ jista' jingħata*** bħala rata fissa jew bħala pagament ta' darba għal kull unità. Il-pagamenti għandhom jingħataw darba fis- |

| | |
|---|---|
| | sena. |

**Emenda 38**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 65 – paragrafu 9**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 9. Meta l-appoġġ taħt dan it-tip ta' interventi jingħata lill-impenji agroambjentali klimatiċi, lill-impenji għall-konverżjoni jew għaż-żamma tal-prattiki u l-metodi tal-biedja organika kif definiti fir-Regolament (KE) Nru 834/2007 u lis-servizzi ambjentali u klimatiċi tal-foresti, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu pagament għal kull ettaru. | 9. Meta l-appoġġ taħt dan it-tip ta' interventi jingħata lill-impenji agroambjentali klimatiċi, lill-impenji għall-konverżjoni jew għaż-żamma tal-prattiki u l-metodi tal-biedja organika kif definiti fir-Regolament (KE) Nru 834/2007 u ***l-ħolqien u r-riġenerazzjoni tas-sistemi agroforestali u*** lis-servizzi ambjentali u klimatiċi tal-foresti, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu pagament għal kull ettaru. |

*Ġustifikazzjoni*

*L-istudju taċ-Ċentru tar-Riċerka Konġunta (JRC) u studji oħrajn urew il-valur ambjentali u ta' mitigazzjoni tal-klima tal-agroforestrija u l-importanza tagħha hija inkluża fil-premessi 5, 38, 39, 41. Madankollu, l-"agroforestrija" ma tissemma speċifikament fl-ebda artikolu. Il-formulazzjoni użata hija meħuda direttament mill-premessa 39.*

**Emenda 39**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 66 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. L-Istati Membri jistgħu biss jagħtu pagamenti taħt dan it-tip ta' interventi sabiex jikkumpensaw lill-benefiċjarji għall-ispejjeż addizzjonali kollha jew parti minnhom u għall-introjtu mitluf relatati mar-restrizzjonijiet naturali jew ir-restrizzjonijiet speċifiċi oħrajn taż-żona kkonċernata. | 3. ***Meta fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom l-Istati Membri jidentifikaw diversi livelli ta' restrizzjonijiet, jistgħu jiddeċiedu li jiddifferenzjaw l-ammont tal-appoġġ għal kull ettaru mogħti lill-benefiċjarji; il-kumpensazzjoni għandha tkun proporzjonali għall-intensità tar-restrizzjonijiet identifikati.*** L-Istati Membri jistgħu biss jagħtu pagamenti taħt dan it-tip ta' interventi sabiex |

| | |
|---|---|
| | jikkumpensaw lill-benefiċjarji għall-ispejjeż addizzjonali kollha jew parti minnhom u għall-introjtu mitluf relatati mar-restrizzjonijiet naturali jew ir-restrizzjonijiet speċifiċi oħrajn taż-żona kkonċernata. ***L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kalkoli rilevanti huma adegwati, preċiżi u determinati minn qabel abbażi ta' metodu ta' kalkolu ġust, ekwu u verifikabbli.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Jenħtieġ li jkun hemm livelli jew faxex ta' pagament varji, biex jirriflettu l-intensità tal-iżvantaġġi jew tar-restrizzjonijiet identifikati, u l-metodoloġija użata għall-kalkolu tagħhom jenħtieġ li tkun ċara u trasparenti.*

**Emenda 40**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 66 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. L-ispejjeż addizzjonali u l-introjtu mitluf kif imsemmi fil-paragrafu 3 għandhom jiġu kkalkulati fir-rigward tar-restrizzjonijiet naturali jew ir-restrizzjonijiet speċifiċi għaż-żona, bi tqabbil ma' żoni li mhumiex affettwati minn restrizzjonijiet naturali jew restrizzjonijiet oħra speċifiċi għaż-żona. | 4. L-ispejjeż addizzjonali u l-introjtu mitluf kif imsemmi fil-paragrafu 3 għandhom jiġu kkalkulati fir-rigward tar-restrizzjonijiet naturali jew ir-restrizzjonijiet speċifiċi għaż-żona, bi tqabbil ma' żoni li mhumiex affettwati minn restrizzjonijiet naturali jew restrizzjonijiet oħra speċifiċi għaż-żona***, u l-metodu ta' kalkolu użat għandu jkun trasparenti, adegwat u verifikabbli***. |

*Ġustifikazzjoni*

*Il-kalkolu tal-livelli ta' pagament jenħtieġ li jkun ċar, trasparenti u verifikabbli.*

**Emenda 41**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 68 – paragrafu 4 – subparagrafu 2 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|

| | |
|---|---|
| (a) ***investimenti għall-afforestazzjoni*** u mhux produttivi marbuta mal-objettivi speċifiċi relatati mal-ambjent u mal-klima stabbiliti fil-punti (d), (e) u (f) tal-Artikolu 6(1); | (a) ***ħolqien ta' sistemi agroforestali, afforestazzjoni*** u ***investimenti*** mhux produttivi marbuta mal-objettivi speċifiċi relatati mal-ambjent u mal-klima stabbiliti fil-punti (d), (e) u (f) tal-Artikolu 6(1); |

*Ġustifikazzjoni*

*Is-sistemi agroforestali għandhom bosta vantaġġi għall-ambjent u jżidu r-reżiljenza tal-azjendi agrikoli. L-istabbiliment u l-manutenzjoni taż-żoni agroforestali mhumiex "afforestazzjoni", peress li l-art tibqa' normalment "agrikola" fis-sistema SIAK/LPIS. Il-kostijiet tal-protezzjoni tas-siġar individwali kontra l-annimali jistgħu jkunu għoljin u l-inklużjoni tal-"agroforestrija" f'dan l-Artikolu tippermetti li l-100 % tal-kostijiet ikunu eliġibbli għall-assistenza.*

**Emenda 42**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 70 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri ***għandhom*** jagħtu appoġġ għall-għodod għall-ġestjoni tar-riskju bil-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u kif speċifikat aktar fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom. | 1. L-Istati Membri ***jistgħu*** jagħtu appoġġ għall-għodod għall-ġestjoni tar-riskju bil-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u kif speċifikat aktar fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom***; jenħtieġ, madankollu, li jiġu appoġġati u inkoraġġiti l-istrateġiji ta' mitigazzjoni tar-riskju li jsaħħu r-reżiljenza tal-azjendi agrikoli u jnaqqsu l-espożizzjoni għall-instabbiltà tal-introjtu***. |

*Ġustifikazzjoni*

*Il-mitigazzjoni u l-prevenzjoni ta' sitwazzjonijiet ta' kriżi jenħtieġ li jkunu inkoraġġiti u jkunu fuq l-istess livell tal-ġestjoni tar-riskju.*

**Emenda 43**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 70 – paragrafu 3 – punt aa (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(aa) kontribuzzjonijiet finanzjarji għal*** |

| | |
|---|---|
| | ***miżuri li jsaħħu r-reżiljenza tal-azjendi agrikoli, inkluż, fost oħrajn, strateġiji ta' diversifikazzjoni tal-għelejjel u sistemi agroforestali;*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Is-sistemi agroforestali u l-istrateġiji ta' diversifikazzjoni tal-għelejjel jistgħu jsaħħu r-reżiljenza tal-azjendi agrikoli.*

**Emenda 44**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 72 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri jistgħu jagħtu appoġġ għall-iskambju tal-għarfien agrikolu, forestali u ***tan-negozju*** rurali u l-informazzjoni dwarhom bil-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u kif speċifikat aktar fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom. | 1. L-Istati Membri jistgħu jagħtu appoġġ għall-iskambju tal-għarfien agrikolu, ***agroforestali,*** forestali u rurali u l-informazzjoni dwarhom bil-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u kif speċifikat aktar fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom. |

**Emenda 45**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 73 – paragrafu 1 – subparagrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri ***jistgħu jiddeċiedu li ma japplikawx il-kriterji*** ta' għażla għall-interventi ta' investiment li jimmiraw b'mod ċar l-iskopijiet ambjentali jew li jitwettqu b'rabta mal-attivitajiet ta' restawr. | L-Istati Membri ***għandhom, barra minn hekk, japplikaw l-kriterji*** ta' għażla għall-interventi ta' investiment li jimmiraw b'mod ċar l-iskopijiet ambjentali jew li jitwettqu b'rabta mal-attivitajiet ta' restawr. |

*Ġustifikazzjoni*

*Il-kriterji ta' għażla ambjentali jridu jkunu applikati dejjem biex jiġu garantiti kundizzjonijiet ta' parità.*

**Emenda 46**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 73 – paragrafu 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. L-operazzjonijiet ma għandhomx jintgħażlu għall-appoġġ meta jkunu ***tlestew fiżikament jew ikunu*** ġew ***implimentati bis-sħiħ*** qabel ma l-applikazzjoni għall-finanzjament taħt il-Pjan Strateġiku tal-PAK titressaq lill-Awtorità ta' Ġestjoni, irrispettivament minn jekk il-pagament relatata kollha jkunux saru. | 5. L-operazzjonijiet ma għandhomx jintgħażlu għall-appoġġ meta jkunu ġew ***mibdija*** qabel ma l-applikazzjoni għall-finanzjament taħt il-Pjan Strateġiku tal-PAK titressaq lill-Awtorità ta' Ġestjoni, irrispettivament minn jekk il-pagament relatata kollha jkunux saru. |

*Ġustifikazzjoni*

*Bil-maqlub għal dak li jiġri bħalissa, il-proposta kieku tippermetti l-finanzjament ta' proġetti mibdija qabel id-data tal-applikazzjoni. Dan kieku jżid ir-riskju ta' effett deadweight.*

**Emenda 47**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 87 – paragrafu 2 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) ***40*** % ***għan-nefqa taħt l-Appoġġ għall-Introjtu Bażiku għas-Sostenibbiltà u l-Appoġġ għall-Introjtu Komplementari msemmija fit-Titolu III, il-Kapitolu II, it-Taqsima II, is-Subtaqsimiet 2 u 3***; | (a) ***100*** % ***għall-appoġġ fil-forma ta' pagamenti diretti maħsuba għaż-żoni li fihom il-bdiewa japplikaw effettivament prattiki għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima***; |

*Ġustifikazzjoni*

*Minflok ma tintuża l-ponderazzjoni ta' 40 % għall-appoġġ fil-forma ta' pagamenti diretti – li l-Qorti tqis irrealistika – mod aktar affidabbli biex tiġi stmata l-kontribuzzjoni jkun li din il-ponderazzjoni tintuża biss għall-appoġġ fil-forma ta' pagamenti diretti li jkun maħsub għal żoni fejn il-bdiewa realment japplikaw prattiki biex jimmitigaw it-tibdil fil-klima (pereżempju, il-protezzjoni ta' artijiet mistagħdra u ta' torbiera).*

**Emenda 48**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 97 – paragrafu 1 – punt a**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| (a) ***miri*** għal kull indikatur tar-riżultati ***speċifiku rilevanti*** komuni ***u l-istadji importanti relatati*** tal-Pjan Strateġiku tal-PAK ***fejn rilevanti***. Il-valur ta' dawn il-miri għandu jiġi ġustifikat fid-dawl tal-valutazzjoni tal-ħtiġijiet imsemmija fl-Artikolu 96. Fir-rigward tal-objettivi speċifiċi stabbiliti fil-punti (d), (e) u (f) tal-Artikolu 6(1), il-miri għandhom jiġu derivati mill-elementi tal-ispjegazzjoni mogħtija fil-punti (a) u (b) tal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu; | (a) ***is-sitwazzjoni bażi u l-miri*** għal kull indikatur tar-riżultati ***u tal-impatt*** komuni ***jew speċifiku*** tal-Pjan Strateġiku tal-PAK ***u l-istadji importanti relatati***. Il-valur ta' dawn il-miri għandu jiġi ġustifikat fid-dawl tal-valutazzjoni tal-ħtiġijiet imsemmija fl-Artikolu 96. Fir-rigward tal-objettivi speċifiċi stabbiliti fil-punti (d), (e) u (f) tal-Artikolu 6(1), il-miri għandhom jiġu derivati mill-elementi tal-ispjegazzjoni mogħtija fil-punti (a) u (b) tal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu; |

*Ġustifikazzjoni*

*Biex il-Kummissjoni titħalla tivvaluta kemm huma ambizzjużi l-miri, jenħtieġ li l-Istati Membri ifornu dokumentazzjoni li turi s-sitwazzjoni bażi. Il-Kummissjoni tivvaluta dawn il-miri u l-ġustifikazzjoni tagħhom fil-kors tal-approvazzjoni tal-pjanijiet strateġiċi tal-PAK.*

**Emenda 49**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 120 – paragrafu 1**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni dwar il-kontenut tal-qafas ta' prestazzjoni. It-tali atti għandhom jinkludu l-lista ta' indikaturi tal-kuntest, indikaturi oħra meħtieġa għall-monitoraġġ u għall-evalwazzjoni xierqa tal-politika, il-metodi għall-kalkolu tal-indikaturi u d-dispożizzjonijiet meħtieġa għall-garanzija tal-preċiżjoni u tal-affidabbiltà tad-data miġbura mill-Istati Membri. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 139(2). | Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni dwar il-kontenut tal-qafas ta' prestazzjoni ***wara konsultazzjoni mal-Qorti Ewropea tal-Awdituri***. It-tali atti għandhom jinkludu l-lista ta' indikaturi tal-kuntest, indikaturi oħra meħtieġa għall-monitoraġġ u għall-evalwazzjoni xierqa tal-politika, il-metodi għall-kalkolu tal-indikaturi u d-dispożizzjonijiet meħtieġa għall-garanzija tal-preċiżjoni u tal-affidabbiltà tad-data miġbura mill-Istati Membri. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 139(2). |

*Ġustifikazzjoni*
*Kif affermat il-Qorti Ewropea tal-Awdituri, il-proposta tal-Kummissjoni ma fihiex l-elementi meħtieġa ta' sistema ta' prestazzjoni effettiva, u, b'mod partikolari, ġabra konsistenti ta'*

*indikaturi tal-output, tar-riżultati u tal-impatti.*

## PROĊEDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| | |
|---|---|
| **Titolu** | L-istabbiliment ta' regoli dwar l-appoġġ għall-pjanijiet strateġiċi li jridu jitfasslu mill-Istati Membri taħt il-Politika Agrikola Komuni (il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK) u ffinanzjati mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) |
| **Referenzi** | COM(2018)0392 – C8-0248/2018 – 2018/0216(COD) |
| **Kumitat responsabbli**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | AGRI<br>11.6.2018 |
| **Opinjoni mogħtija minn**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | CONT<br>11.6.2018 |
| **Rapporteur għal opinjoni**<br>Data tal-ħatra | Joachim Zeller<br>5.7.2018 |
| **Data tal-adozzjoni** | 29.1.2019 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 17<br>–: 1<br>0: 1 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Nedzhmi Ali, Inés Ayala Sender, Zigmantas Balčytis, Jonathan Bullock, Luke Ming Flanagan, Ingeborg Gräßle, Jean-François Jalkh, Bogusław Liberadzki, Georgi Pirinski, José Ignacio Salafranca Sánchez-Neyra, Claudia Schmidt, Bart Staes, Indrek Tarand, Derek Vaughan, Tomáš Zdechovský |
| **Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali** | Karin Kadenbach, Andrey Novakov, Miroslav Poche, Patricija Šulin |

## VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| 17 | + |
|---|---|
| ALDE | Nedzhmi Ali |
| GUE/NGL | Luke Ming Flanagan |
| PPE | Ingeborg Gräßle, Andrey Novakov, José Ignacio Salafranca Sánchez-Neyra, Claudia Schmidt, Patricija Šulin, Tomáš Zdechovský |
| S&D | Inés Ayala Sender, Zigmantas Balčytis, Karin Kadenbach, Bogusław Liberadzki, Georgi Pirinski, Miroslav Poche, Derek Vaughan |
| VERTS/ALE | Bart Staes, Indrek Tarand |

| 1 | - |
|---|---|
| EFDD | Jonathan Bullock |

| 1 | 0 |
|---|---|
| ENF | Jean-François Jalkh |

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni

8.3.2019

## OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-IŻVILUPP REĠJONALI

għall-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi regoli dwar l-appoġġ għall-pjanijiet strateġiċi li jridu jitfasslu mill-Istati Membri taħt il-Politika Agrikola Komuni (il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK) u ffinanzjati mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1305/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament (UE) Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill
(COM(2018)0392 – C8-0248/2018 – 2018/0216(COD))

Rapporteur għal opinjoni:Bronis Ropė

## ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Fl-1 ta' Ġunju 2018, il-Kummissjoni ppreżentat il-proposti leġiżlattivi dwar il-Politika Agrikola Komuni (PAK) lil hinn mill-2020.  Hija ta' importanza partikolari l-proposta li tistabbilixxi regoli dwar l-appoġġ għall-pjanijiet strateġiċi li jridu jitfasslu mill-Istati Membri taħt il-PAK u ffinanzjati mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR), l-hekk imsejjħa proposta għall-"Pjan Strateġiku tal-PAK".

Il-Kumitat REGI ħatar lis-Sur Bronis Ropė bħala rapporteur għall-Opinjoni tal-Kumitat REGI dwar dan id-dossier importanti u s-Sur Ropė qed jipproponi dawn l-emendi ewlenin li ġejjin għall-proposta tal-Kummissjoni:

1. **Rwol prominenti għall-FAEŻR fil-PAK**: L-allokazzjonijiet baġitarji għall-FAEŻR ma għandhomx jitnaqqsu, peress li l-ħtieġa għall-appoġġ għadha għolja wkoll fid-dawl tal-indirizzar tal-isfidi eżistenti u ġodda fiż-żoni rurali. Barra minn hekk, ir-rati ta' kontribuzzjoni tal-FAEŻR għandhom ikunu ogħla u s-sehem tal-FAEŻR għal-LEADER għandu jiżdied.

2. **Li tinżamm rabta mill-qrib bejn il-FAEŻR u l-Politika ta' Koeżjoni (PK)**: Ir-rapporteur jenfasizza li l-FAEŻR jikkontribwixxi b'mod sinifikanti għall-koeżjoni ekonomika u soċjali, b'mod partikolari f'żoni rurali, u għandu dimensjoni territorjali importanti. Huwa għalhekk jirrakkomanda li l-infiq tal-FAEŻR ikompli jkun sinkronizzat mal-politika ta' koeżjoni (PK), bil-għan li jiġu faċilitati approċċi integrati għaż-żoni rurali u li jiġu semplifikati l-proċeduri għall-benefiċjarji, sabiex il-komunitajiet ikunu jistgħu jirrikorru għal sorsi differenti tal-UE sabiex jottimizzaw l-opportunitajiet ta' finanzjament u jinvestu f'żoni rurali. Din ir-rabta hija meħtieġa sabiex jiġu massimizzati s-sinerġiji u l-komplementarjetajiet bejn diversi fondi taħt

ġestjoni kondiviża. Skont ir-rapporteur, dan huwa essenzjali sabiex jiġu indirizzati l-isfidi speċifiċi li jiffaċċjaw iż-żoni rurali tal-UE. Għal din ir-raġuni, ir-rapporteur jipproponi li l-PK u l-proposta għal Pjan Strateġiku tal-PAK isiru aktar koerenti ma' xulxin f'termini ta' ċerti prinċipji orizzontali (eż. is-sħubija, l-iżvilupp sostenibbli, in-nondiskriminazzjoni) u objettivi territorjali.

3. **Li titħassar il-possibbiltà li jintuża l-FAEŻR implimentat permezz tal-InvestEU**: ir-rapporteur huwa kontra l-proposta tal-Kummissjoni li tippermetti li l-FAEŻR jiġi implimentat permezz tal-InvestEU.

4. **L-infiq għall-azzjoni klimatika għandu jissaħħaħ:** Skont ir-rapporteur l-infiq għall-azzjoni klimatika għandu jirrappreżenta mill-inqas 30 % tal-baġit tal-UE, f'konformità mal-pożizzjoni tal-Parlament, u ċerti fondi għandhom jikkontribwixxu aktar.

## EMENDI

Il-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali jistieden lill-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali, bħala l-kumitat responsabbli, biex jieħu inkunsiderazzjoni l-emendi li ġejjin:

**Emenda 1**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (2) Peress li hemm il-ħtieġa li l-PAK ittejjeb ir-rispons tagħha għall-isfidi u għall-opportunitajiet hekk kif jimmanifestaw ruħhom fil-livell tal-Unjoni, fil-livell internazzjonali, nazzjonali, reġjonali, lokali u fil-livell tal-azjendi agrikoli, huwa meħtieġ li ***tiġi ssimplifikata l-governanza*** tal-PAK u jitjieb ir-rendiment tagħha tal-objettivi tal-Unjoni u li jitnaqqas b'mod sinifikanti l-piż amministrattiv. Fil-PAK ibbażata fuq il-prestazzjoni ("il-mudell ta' implimentazzjoni"), l-Unjoni jenħtieġ tistabbilixxi l-parametri bażiċi ta' politika bħal pereżempju l-objettivi tal-PAK u rekwiżiti bażiċi, filwaqt li l-Istati Membri jenħtieġ jerfgħu responsabbiltà akbar għal kif jilħqu l-objettivi u kif jiksbu l-miri. Is- | (2) Peress li hemm il-ħtieġa li l-PAK ittejjeb ir-rispons tagħha għall-isfidi ***li qed jikbru, bħaż-żieda fid-disparitajiet reġjonali u soċjali u t-tibdil fil-klima,*** u għall-opportunitajiet hekk kif jimmanifestaw ruħhom fil-livell tal-Unjoni, fil-livell internazzjonali, nazzjonali, reġjonali, ***rurali,*** lokali u fil-livell tal-azjendi agrikoli, huwa meħtieġ li ***tittejjeb il-governanza*** tal-PAK u jitjieb ir-rendiment tagħha tal-objettivi tal-Unjoni u li jitnaqqas b'mod sinifikanti l-piż amministrattiv. Fil-PAK ibbażata fuq il-prestazzjoni ("il-mudell ta' implimentazzjoni"), ***b'finanzjament immirat ukoll lejn il-produttività u l-kwalità,*** l-Unjoni jenħtieġ tistabbilixxi l-parametri bażiċi ta' politika bħal |

sussidjarjetà msaħħa tippermetti li jitqiesu aħjar il-kundizzjonijiet u l-bżonnijiet lokali, u jitfasslu apposta l-appoġġ biex jiġi massimizzat il-kontribut għall-objettivi tal-Unjoni.

pereżempju l-objettivi tal-PAK***, inkluż l-iżvilupp rurali,*** u rekwiżiti bażiċi, filwaqt li l-Istati Membri jenħtieġ ***li*** jerfgħu responsabbiltà akbar għal kif jilħqu l-objettivi ***komuni*** u kif jiksbu l-miri ***komuni tal-UE, nazzjonali u reġjonali***. Is-sussidjarjetà msaħħa tippermetti li jitqiesu aħjar il-kundizzjonijiet u l-bżonnijiet lokali, u jitfasslu apposta l-appoġġ biex jiġi massimizzat il-kontribut għall-objettivi tal-Unjoni. ***Sabiex jiġi żgurat li tiġi evitata r-rinazzjonalizzazzjoni tal-PAK, jenħtieġ li jiġi inkluż sett ta' dispożizzjonijiet tal-Unjoni Ewropea b'saħħithom li jkunu mfassla biex jipprevjenu d-distorsjoni tal-kompetizzjoni u jiżguraw trattament mhux diskriminatorju għal kulħadd fit-territorju kollu tal-Unjoni Ewropea.***

**Emenda 2**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (3) ***L-użu ta' definizzjonijiet komuni stabbiliti bis-sħiħ fil-livell tal-Unjoni kkawża xi diffikultajiet għall-Istati Membri biex jindirizzaw l-ispeċifiċitajiet tagħhom stess fil-livell nazzjonali, reġjonali u lokali. Għalhekk jenħtieġ*** li l-Istati Membri jingħataw il-flessibbiltà biex jispeċifikaw ċerti definizzjonijiet fil-Pjan Strateġiku tal-PAK tagħhom. Madankollu, sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi, irid jiġi stabbilit qafas fil-livell tal-Unjoni li jikkostitwixxi l-elementi essenzjali meħtieġa li jridu jiġu inklużi f'dawk id-definizzjonijiet ("id-definizzjonijiet qafas"). | (3) ***Jenħtieġ*** li l-Istati Membri jingħataw il-flessibbiltà biex jispeċifikaw ċerti definizzjonijiet fil-Pjan Strateġiku tal-PAK tagħhom. Madankollu, sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi, irid jiġi stabbilit qafas fil-livell tal-Unjoni li jikkostitwixxi l-elementi essenzjali ***komuni*** meħtieġa li jridu jiġu inklużi f'dawk id-definizzjonijiet ("id-definizzjonijiet qafas"). |

**Emenda 3**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (6) Is-sinerġiji bejn il-FAEŻR u Orizzont Ewropa jenħtieġ li jħeġġu lill-FAEŻR biex juża bl-aħjar mod ir-riżultati tar-riċerka u l-innovazzjoni, b'mod partikolari dawk li ġejjin minn proġetti ffinanzjati minn Orizzont Ewropa u s-Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni (EIP) għall-"produttività u s-sostenibbiltà fil-qasam agrikolu", li jwasslu għall-innovazzjonijiet fis-settur tal-biedja u fiż-żoni rurali. | (6) Is-sinerġiji bejn il-FAEŻR u Orizzont Ewropa jenħtieġ li jħeġġu lill-FAEŻR biex juża bl-aħjar mod ir-riżultati tar-riċerka u l-innovazzjoni, b'mod partikolari dawk li ġejjin minn proġetti ffinanzjati minn Orizzont Ewropa u s-Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni (EIP) għall-"produttività u s-sostenibbiltà fil-qasam agrikolu", li jwasslu għall-innovazzjonijiet ***li jkollhom impatt pożittiv*** fis-settur tal-biedja u fiż-żoni rurali. |

**Emenda 4**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 9**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (9) Fid-dawl tat-titjib ulterjuri tal-prestazzjoni tal-PAK, jenħtieġ li l-appoġġ għall-introjtu jiġi mmirat għall-bdiewa ġenwini. Sabiex jiġi żgurat approċċ komuni fil-livell tal-Unjoni għat-tali mmirar tal-appoġġ, jenħtieġ li tiġi stipulata definizzjoni qafas għal "bidwi ġenwin" li turi l-elementi ***essenzjali***. Fuq il-bażi ta' dan il-qafas, jenħtieġ li fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom l-Istati Membri jiddefinixxu liema bdiewa mhumiex ikkunsidrati ġenwini fuq il-bażi ta' kundizzjonijiet bħal pereżempju t-testijiet tal-introjtu, l-inputs lavorattivi fuq l-azjenda agrikola, l-għanijiet tal-kumpanija u l-inklużjoni fir-reġistri. Jenħtieġ ***ukoll*** li ***din*** ma ***tirriżultax f'li ma jkunx jista' jingħata*** appoġġ lill-bdiewa pluriattivi, li huma attivi fil-biedja iżda li huma impenjati wkoll f'attivitajiet mhux agrikoli barra mill-azjenda agrikola tagħhom, minħabba li l-attivitajiet multipli tagħhom spiss isaħħu ***lin-nisġa*** soċjoekonomika taż-żoni rurali. | (9) Fid-dawl tat-titjib ulterjuri tal-prestazzjoni tal-PAK, jenħtieġ li l-appoġġ għall-introjtu jiġi mmirat għall-bdiewa ġenwini. Sabiex jiġi żgurat approċċ komuni fil-livell tal-Unjoni għat-tali mmirar tal-appoġġ, jenħtieġ li tiġi stipulata definizzjoni qafas għal "bidwi ġenwin" li turi l-elementi ***komuni***. Fuq il-bażi ta' dan il-qafas, jenħtieġ li fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom l-Istati Membri jiddefinixxu liema bdiewa mhumiex ikkunsidrati ***bdiewa*** ġenwini fuq il-bażi ta' kundizzjonijiet bħal pereżempju t-testijiet tal-introjtu, l-inputs lavorattivi fuq l-azjenda agrikola, l-għanijiet tal-kumpanija u l-inklużjoni fir-reġistri. Jenħtieġ li ma ***jiġix eskluż*** appoġġ lill-bdiewa pluriattivi, li huma attivi fil-biedja iżda li huma impenjati wkoll f'attivitajiet mhux agrikoli barra mill-azjenda agrikola tagħhom, minħabba li l-attivitajiet multipli tagħhom spiss isaħħu ***n-nisġa*** soċjoekonomika taż-żoni rurali. ***Id-definizzjoni qafas trid, fi kwalunkwe każ, tikkontribwixxi biex tippreżerva l-mudell tal-biedja tal-familja li teżisti fl-Unjoni Ewropea u tkun ibbażata fuq attività agrikola kredibbli.*** |

**Emenda 5**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 11**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (11) Sabiex ***tingħata sustanza lill-objettivi*** tal-PAK kif stabbiliti fl-Artikolu 39 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), kif ukoll biex jiġi żgurat li l-Unjoni tindirizza b'mod xieraq l-aktar sfidi reċenti tagħha, huwa xieraq li jiġi previst sett ta' objettivi ġenerali li jirriflettu l-orjentazzjonijiet mogħtija fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar "Il-Ġejjieni tal-Ikel u tal-Biedja". Jenħtieġ li jiġi definit aktar sett ta' objettivi speċifiċi fil-livell tal-Unjoni u jiġi applikat mill-Istati membri fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom. Filwaqt li jinstab bilanċ bejn id-dimensjonijiet tal-iżvilupp sostenibbli, f'konformità mal-valutazzjoni tal-impatt, dawn l-objettivi speċifiċi jenħtieġ li jittradući l-objettivi ġenerali tal-PAK f'prijoritajiet aktar konkreti u jqisu ***l-leġislazzjoni*** rilevanti tal-Unjoni, b'mod partikolari fir-rigward tal-klima, l-enerġija u l-ambjent. | (11) Sabiex ***jintlaħqu l-objettivi*** tal-PAK kif stabbiliti fl-Artikolu 39 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), kif ukoll biex jiġi żgurat li l-Unjoni tindirizza b'mod xieraq l-aktar sfidi reċenti tagħha, huwa xieraq li jiġi previst sett ta' objettivi ġenerali li jirriflettu l-orjentazzjonijiet mogħtija fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar "Il-Ġejjieni tal-Ikel u tal-Biedja"***. Attenzjoni xierqa jenħtieġ li tingħata lill-effetti tal-politika agrikola tal-UE dwar il-pajjiżi terzi bil-ħsieb tal-promozzjoni tal-iżvilupp sostenibbli kemm fl-Unjoni kif ukoll barra minnha.*** Jenħtieġ li jiġi definit aktar sett ta' objettivi speċifiċi fil-livell tal-Unjoni u jiġi applikat ***u milħuq*** mill-Istati Membri fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom. Filwaqt li jinstab bilanċ bejn id-dimensjonijiet tal-iżvilupp sostenibbli, f'konformità mal-valutazzjoni tal-impatt, dawn l-objettivi speċifiċi jenħtieġ li jittradući l-objettivi ġenerali tal-PAK f'prijoritajiet aktar konkreti***, b'konċentrazzjoni fuq iż-żoni depopolati,*** u jqisu ***l-leġiżlazzjoni*** rilevanti tal-Unjoni, b'mod partikolari fir-rigward tal-klima, ***il-bijodiversità, kemm selvaġġa kif ukoll agrikola, il-protezzjoni tal-ilma, is-saħħa pubblika, l-impjiegi,*** l-enerġija ***rinnovabbli, il-benessri tal-annimali*** u l-ambjent. |

**Emenda 6**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 11a (ġdida)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***(11a) Il-PAK trid tikkunsidra espressament il-politika tal-ugwaljanza tal-Unjoni Ewropea, b'attenzjoni partikolari għall-ħtieġa li tippromwovi l-parteċipazzjoni tan-nisa fl-iżvilupp tan-nisġa soċjoekonomika taż-żoni rurali. Dan ir-Regolament jenħtieġ li jikkontribwixxi biex il-ħidma tan-nisa ssir aktar viżibbli, u għalhekk jenħtieġ li jitqies fid-dawl tal-objettivi speċifiċi li l-Istati Membri se jindirizzaw fil-pjanijiet strateġiċi tagħhom.*** |

**Emenda 7**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 12**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| (12) PAK aktar intelliġenti, modernizzata u aktar sostenibbli trid tħaddan ir-riċerka u l-innovazzjoni, sabiex isservi lill-multifunzjonalità tas-sistemi tal-agrikoltura, tal-forestrija u ***tal-ikel*** tal-Unjoni, ***filwaqt li*** tinvesti fl-iżvilupp teknoloġiku u fid-diġitalizzazzjoni, kif ukoll ittejjeb l-aċċess għal għarfien sod, rilevanti u ġdid. | (12) PAK aktar intelliġenti, modernizzata u aktar sostenibbli trid tħaddan ir-riċerka u l-innovazzjoni, sabiex isservi lill-multifunzjonalità tas-sistemi tal-agrikoltura, tal-forestrija***, tal-ikel*** u ***tal-Irħula Intelliġenti*** tal-Unjoni, ***billi*** tinvesti fl-iżvilupp teknoloġiku u fid-diġitalizzazzjoni, kif ukoll ittejjeb l-aċċess għal għarfien ***imparzjali,*** sod, rilevanti u ġdid. |

**Emenda 8**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 13a (ġdida)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***(13a) Il-prinċipji orizzontali stabbiliti fl-Artikolu 3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea ("TUE") u fl-Artikolu 10 tat-TFUE, inklużi l-prinċipji ta' sussidjarjetà u ta' proporzjonalità kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-TUE jenħtieġ li jiġu rispettati fl-implimentazzjoni tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK. Jenħtieġ li l-Istati*** |

***Membri u l-Kummissjoni jirrispettaw ukoll l-obbligi tal-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabbiltà tan-NU u jiżguraw l-aċċessibbiltà f'konformità mal-Artikolu 9 tagħha u skont il-liġi tal-Unjoni li tarmonizza r-rekwiżiti tal-aċċessibbiltà għall-prodotti u s-servizzi. Jenħtieġ li l-Istati Membri u l-Kummissjoni jimmiraw biex jeliminaw l-inugwaljanzi u jippromwovu l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa u jintegraw il-perspettiva tal-ġeneru, kif ukoll jikkumbattu d-diskriminazzjoni fuq il-bażi tas-sess, l-oriġini razzjali jew etnika, ir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabbiltà, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali. Jenħtieġ li l-Fondi ma jappoġġawx azzjonijiet li jikkontribwixxu għal kwalunkwe forma ta' segregazzjoni, diskriminazzjoni jew esklużjoni. Jenħtieġ li l-objettivi tal-Fondi jiġu segwiti fil-qafas tal-iżvilupp sostenibbli u f'konformità mal-Konvenzjoni ta' Aarhus u l-promozzjoni tal-Unjoni tal-għan li tippreserva, tipproteġi u ttejjeb il-kwalità tal-ambjent u tiġġieled kontra t-tibdil fil-klima kif stabbilit fl-Artikolu 11 u fl-Artikolu 191(1) tat-TFUE, filwaqt li jitqies il-prinċipju li min iniġġes iħallas.***

**Emenda 9**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 13ab (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(13b) L-objettivi tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK jenħtieġ li jintrabtu ma' dawk fil-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. Sabiex jinkiseb futur aħjar u aktar sostenibbli għal kulħadd, huwa meħtieġ li l-appoġġ jiġi ffukat fuq l-Aġenda għall-Iżvilupp Sostenibbli tal-2030 globali u rikonoxxuta internazzjonalment tan-Nazzjonijiet Uniti u li jsir kontribut għall-*** |

| | |
|---|---|
| | ***Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) u għall-miri tagħhom stabbiliti sal-2030. L-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw il-konsistenza, il-koerenza u s-sinerġiji mal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u mal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli, filwaqt li jqisu l-isfidi lokali.*** |

**Emenda 10**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 15**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (15) Fil-kuntest ta' PAK aktar orjentata lejn is-suq, kif deskritt fil-Komunikazzjoni dwar "Il-Ġejjieni tal-Ikel u tal-Biedja", l-espożizzjoni tas-suq, it-tibdil fil-klima u l-frekwenza u s-severità ta' avvenimenti estremi tat-temp assoċjati ma' dan it-tibdil, kif ukoll il-kriżijiet sanitarji u fitosanitarji, jistgħu jwasslu għal riskji ta' volatilità tal-prezzijiet u pressjonijiet dejjem akbar fuq l-introjtu. Għalhekk, għalkemm il-bdiewa huma finalment responsabbli għat-tfassil tal-istrateġiji tagħhom fl-azjenda agrikola, jenħtieġ li jiġi stabbilit qafas sod biex tiġi żgurata ġestjoni xierqa tar-riskju. Għal dan l-għan, l-Istati Membri u l-bdiewa jkunu jistgħu jibbażaw ruħhom fuq pjattaforma fil-livell tal-Unjoni għall-ġestjoni tar-riskju biex jibnu l-kapaċitajiet tagħhom sabiex jipprovdu lill-bdiewa strumenti finanzjarji xierqa għall-investimenti u aċċess ***għall-kapital operatorju***, it-taħriġ, it-trasferiment ***tal-għarifen*** u l-pariri. | (15) Fil-kuntest ta' PAK aktar orjentata lejn is-suq, kif deskritt fil-Komunikazzjoni dwar "Il-Ġejjieni tal-Ikel u tal-Biedja", l-espożizzjoni tas-suq, ***il-ftehimiet kummerċjali ma' pajjiżi terzi,*** it-tibdil fil-klima u l-frekwenza u s-severità ta' avvenimenti estremi tat-temp assoċjati ma' dan it-tibdil, kif ukoll il-kriżijiet sanitarji u fitosanitarji, jistgħu jwasslu għal riskji ta' volatilità tal-prezzijiet u pressjonijiet dejjem akbar fuq l-introjtu. ***L-inugwaljanzi fil-katina alimentari, prinċipalment għad-detriment tas-settur primarju, li hija l-ħolqa l-aktar dgħajfa, jaffettwaw ukoll b'mod negattiv l-introjtu tal-produtturi.*** Għalhekk, għalkemm il-bdiewa huma finalment responsabbli għat-tfassil tal-istrateġiji tagħhom fl-azjenda agrikola, jenħtieġ li jiġi stabbilit qafas sod biex tiġi żgurata ġestjoni xierqa tar-riskju. Għal dan l-għan, l-Istati Membri u l-bdiewa jkunu jistgħu jibbażaw ruħhom fuq pjattaforma fil-livell tal-Unjoni għall-ġestjoni tar-riskju biex jibnu l-kapaċitajiet tagħhom sabiex jipprovdu lill-bdiewa strumenti finanzjarji xierqa għall-investimenti u aċċess ***għall-likwidità operatorja***, it-taħriġ, it-trasferiment ***tal-għarfien*** u l-pariri. |

**Emenda 11**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 16**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (16) It-tisħiħ ***tal-kura għall-ambjent*** u tal-azzjoni klimatika u ***l-kontribuzzjoni*** għall-kisba tal-objettivi relatati mal-ambjent u ***l-klima*** tal-Unjoni hija prijorità għolja ħafna fil-ġejjieni tal-agrikoltura u ***l-forestrija*** tal-Unjoni. Għalhekk jenħtieġ li l-arkitettura tal-PAK tirrifletti ambizzjoni akbar fir-rigward ta' dawn l-objettivi. Skont il-mudell ta' implimentazzjoni, jenħtieġ li l-azzjoni meħuda biex jiġu indirizzati d-degradazzjoni tal-ambjent u t-tibdil fil-klima tkun immexxija mir-riżultati u jenħtieġ li, għal dan l-iskop, l-Artikolu 11 tat-TFUE jitqies bħala obbligu ta' riżultat. Billi ħafna żoni rurali fl-Unjoni jbatu minn problemi strutturali bħal nuqqas ta' ***opportunitajiet*** ta' ***xogħol*** attraenti, nuqqasijiet ta' ħiliet, nuqqas ta' investiment fil-konnettività, fl-infrastruttura u fis-servizzi essenzjali, kif ukoll eżodu taż-żgħażagħ, huwa fundamentali li tissaħħaħ in-nisġa soċjoekonomika f'dawk l-oqsma, b'mod konformi mal-Cork 2.0. Id-dikjarazzjoni, b'mod partikolari permezz tal-ħolqien tal-impjiegi u t-tiġdid ġenerazzjonali, billi l-impjiegi u t-tkabbir tal-Kummissjoni jinġiebu fiż-żoni rurali, bil-promozzjoni tal-inklużjoni soċjali, it-tiġdid ġenerazzjonali, u l-iżvilupp ta' ***"rħula*** Intelliġenti" fil-kampanja Ewropea. Kif indikat fil-Komunikazzjoni dwar "Il-Ġejjieni tal-Ikel u tal-Biedja", il-ktajjen ta' valur rurali ġodda bħal pereżempju l-enerġija rinnovabbli, il-bijoekonomija emerġenti, l-ekonomija ċirkolari u l-ekoturiżmu jistgħu joffru ***potenzjal*** tajjeb ***għat-tkabbir*** u għall-impjiegi fiż-żoni rurali. F'dan il-kuntest, ***l-istrumenti finanzjarji u l-użu tal-garanzija InvestEU jistgħu jkollhom rwol kruċjali*** biex jiġi żgurat aċċess għall-finanzjament u biex tissaħħaħ il-kapaċità tat-tkabbir tal-azjendi agrikoli u tal-intrapriżi. Hemm il-potenzjal għal opportunitajiet ta' xogħol fiż-żoni | (16) It-tisħiħ ***tal-ħarsien tal-ambjent, tal-preservazzjoni tal-bijodiversità*** u ***tad-diversità ġenetika fis-sistema agrikola kif ukoll*** tal-azzjoni klimatika u ***l-kontribut*** għall-kisba tal-objettivi relatati mal-ambjent u ***mal-klima*** tal-Unjoni hija prijorità għolja ħafna fil-ġejjieni tal-agrikoltura***, tal-forestrija*** u ***tal-iżvilupp rurali*** tal-Unjoni. Għalhekk jenħtieġ li l-arkitettura tal-PAK tirrifletti ambizzjoni akbar fir-rigward ta' dawn l-objettivi. Skont il-mudell ta' implimentazzjoni, jenħtieġ li l-azzjoni meħuda biex jiġu indirizzati d-degradazzjoni tal-ambjent u t-tibdil fil-klima ***u jiġu evitati okkorrenzi ulterjuri tagħhom*** tkun immexxija mir-riżultati u jenħtieġ li, għal dan l-iskop, l-Artikolu 11 tat-TFUE jitqies bħala obbligu ta' riżultat. Billi ħafna żoni rurali fl-Unjoni jbatu minn problemi strutturali ***u żvantaġġi*** bħal nuqqas ta' ***aċċess għas-swieq u tnaqqis fir-rendiment mill-investiment fir-reġjuni rurali, nuqqas*** ta' ***opportunitajiet tax-xogħol, tal-edukazzjoni u tat-taħriġ*** attraenti, nuqqasijiet ta' ħiliet, nuqqas ta' investiment fil-konnettività, fl-infrastruttura u fis-servizzi essenzjali, kif ukoll eżodu taż-żgħażagħ, huwa fundamentali li tissaħħaħ in-nisġa soċjoekonomika f'dawk l-oqsma, b'mod konformi mal-Cork 2.0. Id-dikjarazzjoni, b'mod partikolari permezz tal-ħolqien tal-impjiegi u t-tiġdid ġenerazzjonali, billi l-impjiegi u t-tkabbir tal-Kummissjoni jinġiebu fiż-żoni rurali, bil-promozzjoni tal-inklużjoni soċjali, it-tiġdid ġenerazzjonali, u l-iżvilupp ta' ***"Irħula*** Intelliġenti" fil-kampanja Ewropea. Kif indikat fil-Komunikazzjoni dwar "Il-Ġejjieni tal-Ikel u tal-Biedja", il-ktajjen ta' valur rurali ġodda bħal pereżempju l-enerġija rinnovabbli, ***is-sistemi tal-ikel agroekoloġiċi, l-infrastruttura deċentralizzata għall-ipproċessar u l-*** |

rurali għaċ-ċittadini ta' pajjiż terz residenti legalment, u b'hekk tiġi promossa l-integrazzjoni soċjali u ekonomika tagħhom speċjalment fil-qafas tal-istrateġiji ta' Żvilupp Lokali Mmexxija mill-Komunità.

***kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti agrikoli,*** il-bijoekonomija emerġenti, l-ekonomija ċirkolari u l-ekoturiżmu jistgħu joffru ***tkabbir*** tajjeb u ***potenzjal*** għall-impjiegi fiż-żoni rurali. F'dan il-kuntest, ***ir-rwol komplementari tal-istrumenti finanzjarji jenħtieġ li jittejjeb*** biex jiġi żgurat aċċess għall-finanzjament u biex tissaħħaħ il-kapaċità tat-tkabbir tal-azjendi agrikoli u tal-intrapriżi ***rurali***. Hemm il-potenzjal għal opportunitajiet ta' xogħol fiż-żoni rurali għaċ-ċittadini ta' pajjiż terz residenti legalment, u b'hekk tiġi promossa l-integrazzjoni soċjali u ekonomika tagħhom speċjalment fil-qafas tal-istrateġiji ta' Żvilupp Lokali Mmexxija mill-Komunità.

**Emenda 12**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 19a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(19a) Jenħtieġ li l-Istati Membri joqogħdu lura milli jżidu regoli li jikkumplikaw l-użu tal-FAEG u tal-FAEŻR għall-benefiċjarji.*** |

**Emenda 13**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 21**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (21) Abbażi tas-sistema preċendenti ta' kundizzjonalità implimentata sal-2020, is-sistema tal-kundizzjonalità ***ġdid*** torbot il-ħlas sħiħ tal-appoġġ tal-PAK mal-konformità tal-benefiċjarji ma' standards bażiċi li jirrigwardaw l-ambjent, it-tibdil fil-klima, is-saħħa pubblika, is-saħħa tal-annimali, is-saħħa tal-pjanti u l-benessri tal-annimali. L-istandards bażiċi jinkludu | (21) Abbażi tas-sistema preċendenti ta' kundizzjonalità implimentata sal-2020, is-sistema tal-kundizzjonalità ***ġdida*** torbot il-ħlas sħiħ tal-appoġġ tal-PAK mal-konformità tal-benefiċjarji ma' standards bażiċi li jirrigwardaw l-ambjent, it-tibdil fil-klima, is-saħħa pubblika, is-saħħa tal-annimali, is-saħħa tal-pjanti u l-benessri tal-annimali. L-istandards bażiċi jinkludu |

| | |
|---|---|
| f'forma simplifikata lista ta' rekwiżiti statutorji ta' ġestjoni (SMRs) u standards ta' kundizzjonijiet agrikoli u ambjentali tajba tal-art (KAAT). Dawn l-istandards bażiċi jenħtieġ li jqisu aħjar l-isfidi ambjentali u klimatiċi u l-arkitettura ambjentali l-ġdida tal-PAK, u b'hekk jagħtu livell ogħla ta' ambizzjoni ambjentali u klimatika kif ħabbret il-Kummissjoni dwar "Il-Ġejjieni tal-Ikel u tal-Biedja" u l-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP). Il-kundizzjonalità għandha l-għan li tikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' agrikoltura sostenibbli ***b'għarfien*** aħjar min-naħa tal-benefiċjarji dwar il-ħtieġa li jiġu rispettati dawk l-istandards bażiċi. Għandha l-għan ukoll li l-PAK issir aktar kompatibbli mal-aspettattivi tas-soċjetà permezz tat-titjib tal-konsistenza tal-politika mal-objettivi dwar l-ambjent, is-saħħa pubblika, is-saħħa tal-annimali, is-saħħa tal-pjanti u l-benessri tal-annimali. Jenħtieġ li l-kundizzjonalità tifforma parti integrali tal-arkitettura ambjentali tal-PAK, bħala parti mil-linja bażi għal impenji ambjentali u klimatiċi aktar ambizzjużi, u jenħtieġ li tkun applikata b'mod komprensiv fl-Unjoni kollha. Għal dawk il-bdiewa li ma jikkonformawx ma' dawk ir-rekwiżiti, jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li jiġu applikati ***penali*** proporzjonali, effettivi u dissważivi f'konformità mar-[Regolament Orizzontali] | f'forma simplifikata lista ta' rekwiżiti statutorji ta' ġestjoni (SMRs) u standards ta' kundizzjonijiet agrikoli u ambjentali tajba tal-art (KAAT). Dawn l-istandards bażiċi jenħtieġ li jqisu aħjar l-isfidi ambjentali u klimatiċi u l-arkitettura ambjentali l-ġdida tal-PAK, u b'hekk jagħtu livell ogħla ta' ambizzjoni ambjentali u klimatika kif ħabbret il-Kummissjoni ***fil-Komunikazzjonijiet tagħha*** dwar "Il-Ġejjieni tal-Ikel u tal-Biedja" u l-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP). Il-kundizzjonalità għandha l-għan li tikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' agrikoltura sostenibbli ***permezz ta' għarfien*** aħjar min-naħa tal-benefiċjarji dwar il-ħtieġa li jiġu rispettati dawk l-istandards bażiċi. Għandha l-għan ukoll li l-PAK issir aktar kompatibbli mal-aspettattivi tas-soċjetà permezz tat-titjib tal-konsistenza tal-politika mal-objettivi dwar l-ambjent, is-saħħa pubblika, is-saħħa tal-annimali, is-saħħa tal-pjanti u l-benessri tal-annimali. ***Jenħtieġ ukoll li l-benefiċjarji jiġu kumpensati kif xieraq għall-issodisfar ta' dawn l-istandards. Jenħtieġ*** li l-kundizzjonalità tifforma parti integrali tal-arkitettura ambjentali tal-PAK, bħala parti mil-linja bażi għal impenji ambjentali u klimatiċi aktar ambizzjużi, u jenħtieġ li tkun applikata b'mod komprensiv fl-Unjoni kollha. ***Peress li r-rekwiżiti għall-konformità ma' dawn l-istandards japplikaw b'mod ugwali għall-Istati Membri kollha, jenħtieġ li jkun żgurat li l-pagamenti fir-rigward ta' dawn l-istandards ikunu konverġenti mill-aktar fis possibbli.*** Għal dawk il-bdiewa li ma jikkonformawx ma' dawk ir-rekwiżiti, jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li jiġu applikati ***pieni*** proporzjonali, effettivi u dissważivi f'konformità mar-[*Regolament Orizzontali*] |

**Emenda 14**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 30**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (30) Il-ħolqien u l-iżvilupp ta' attività ekonomika ġdida fis-settur agrikolu minn bdiewa żgħażagħ hija finanzjarjament ta' sfida u tikkostitwixxi element li jenħtieġ li jitqies fl-allokazzjoni u fil-mira tal-pagamenti diretti. Dan l-iżvilupp huwa essenzjali għall-kompetittività tas-settur agrikolu fl-Unjoni, u, għal din ir-raġuni, l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu Appoġġ għall-Introjtu ***Komplementarju*** għall-Bdiewa Żgħażagħ***. Dan it-tip*** ta' ***interventi jenħtieġ li jiġi stabbilit biex jipprovdi introjtu addizzjonali lill-bdiewa żgħażagħ wara t-twaqqif inizjali***. | (30) Il-ħolqien u l-iżvilupp ta' attività ekonomika ġdida fis-settur agrikolu minn bdiewa żgħażagħ ***u ġodda*** hija finanzjarjament ta' sfida u tikkostitwixxi element li jenħtieġ li jitqies fl-allokazzjoni u fil-mira tal-pagamenti diretti. Dan l-iżvilupp huwa essenzjali għall-kompetittività tas-settur agrikolu fl-Unjoni, u, għal din ir-raġuni, l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu appoġġ għall-introjtu ***komplementari*** għall-bdiewa żgħażagħ ***u appoġġ għall-bidu*** ta' ***negozju għal azjendi agrikoli u intrapriżi rurali oħra***. |

**Emenda 15**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 30a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(30a) Minħabba t-tixjiħ qawwi tal-popolazzjoni agrikola, li jhedded li jiggrava d-depopolazzjoni rurali, u fid-dawl tal-ħtieġa urġenti li l-bdiewa ġodda jiġu inċentivati jingħaqdu mas-settur, huwa attwalment raġonevoli li l-Istati Membri jingħataw il-possibbiltà li jżidu l-limitu tal-età minn 40 sa 45 sena bħala r-rekwiżit prinċipali ta' eliġibbiltà għal għajnuna speċifika lil bdiewa żgħażagħ, dment li dan ikun meħtieġ skont l-analiżi ta' qawwiet, dgħufijiet, opportunitajiet u theddid (analiżi SWOT – Strengths, Weaknesses, Opportunities and Threats).*** |

**Emenda 16**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 32**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (32) Jenħtieġ li l-Istati Membri ***jkunu jistgħu*** jużaw parti mill-limitu massimu finanzjarju tagħhom disponibbli għall-pagamenti diretti ***għall-csabiex*** itejbu l-kompetittività, is-sostenibbiltà u***/jew il-kwalità*** f'ċerti setturi u produzzjonijiet li huma partikolarment importanti għal raġunijiet soċjali, ekonomiċi jew ambjentali u li jgħaddu minn ċerti diffikultajiet. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu wkoll jużaw parti addizzjonali tal-limitu massimu finanzjarju tagħhom disponibbli għall-pagamenti diretti biex jagħtu l-appoġġ akkoppjat għall-introjtu speċifikament għall-appoġġ tal-produzzjoni tal-għelejjel tal-proteina sabiex jitnaqqas id-defiċit tal-Unjoni f'dan ir-rigward. | (32) Jenħtieġ li l-Istati Membri ***jitħallew*** jużaw parti mill-limitu massimu finanzjarju tagħhom disponibbli għall-pagamenti diretti ***sabiex*** itejbu l-kompetittività, is-sostenibbiltà u ***l-kwalità*** f'ċerti setturi u produzzjonijiet***, b'mod partikolari fis-setturi tat-trobbija tal-bhejjem u setturi speċjali tal-produzzjoni tal-għelejjel,*** li huma partikolarment importanti għal raġunijiet soċjali, ekonomiċi jew ambjentali u li jgħaddu minn ċerti diffikultajiet***, u meta strumenti oħra ma jkunux biżżejjed jew ma jkunux jeżistu. Jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu liberi li jagħżlu liema setturi se jibbenefikaw minn dan***. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu wkoll jużaw parti addizzjonali tal-limitu massimu finanzjarju tagħhom disponibbli għall-pagamenti diretti biex jagħtu l-appoġġ akkoppjat għall-introjtu speċifikament għall-appoġġ tal-produzzjoni tal-għelejjel tal-proteina sabiex jitnaqqas id-defiċit tal-Unjoni f'dan ir-rigward. |

*Ġustifikazzjoni*

*F'xi Stati Membri, jidher li mingħajr appoġġ akkoppjat għall-introjtu, il-bdiewa qed jitilqu mis-setturi tat-trobbija tal-bhejjem u tal-għelejjel speċjali u mexjin lejn l-għelejjel ekonomikament l-aktar profitabbli, bħaċ-ċereali jew iż-żerriegħa tal-kolza. Sabiex iħeġġeġ il-produzzjoni ta' għelejjel speċjali u t-trobbija tal-bhejjem u jkollu impatt pożittiv fuq l-impjiegi u l-ambjent, l-appoġġ akkoppjat għall-introjtu se jkompli japplika u l-finanzjament għal dan l-appoġġ għandu jiżdied.*

**Emenda 17**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 37**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (37) Għall-interventi għall-iżvilupp rurali, il-prinċipji huma definiti fil-livell tal-Unjoni, b'mod partikolari fir-rigward tar-rekwiżiti bażiċi biex l-Istati Membri japplikaw il-kriterji ta' għażla. Madankollu, | (37) Għall-interventi għall-iżvilupp rurali, il-prinċipji huma definiti fil-livell tal-Unjoni, b'mod partikolari fir-rigward tar-rekwiżiti bażiċi biex l-Istati Membri japplikaw il-kriterji ta' għażla. Madankollu, |

| | |
|---|---|
| jenħtieġ li l-Istati Membri jkollhom diskrezzjoni wiesgħa biex jiddefinixxu kundizzjonijiet speċifiċi skont il-ħtiġijiet tagħhom. It-tipi ta' interventi għall-iżvilupp rurali jinkludu pagamenti għall-impenji ambjentali, klimatiċi u ta' ġestjoni oħrajn li l-Istati Membri jenħtieġ li jappoġġaw fit-territorji tagħhom kollha, skont il-ħtiġijiet speċifiċi nazzjonali, reġjonali jew lokali tagħhom. Jenħtieġ li l-Istati Membri jagħtu pagamenti lill-bdiewa u maniġers tal-art oħrajn li, fuq bażi volontarja, jieħdu impenji ta' ġestjoni li jikkontribwixxu għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih u għall-protezzjoni u t-titjib tal-ambjent inkluż il-kwalità u l-kwantità tal-ilma, il-kwalità tal-arja, il-ħamrija, il-biodiversity u s-servizzi tal-ekosistema inkluż impenji volontarji fin-Natura 2000 u appoġġ għad-diversità ġenetika. L-appoġġ taħt il-pagamenti għall-impenji ta' ġestjoni jista' wkoll jingħata fil-forma ta' approċċi mmexxija lokalment, integrati jew kooperattivi u interventi bbażati fuq ir-riżultati. | jenħtieġ li l-Istati Membri jkollhom diskrezzjoni wiesgħa biex jiddefinixxu kundizzjonijiet speċifiċi skont il-ħtiġijiet tagħhom. It-tipi ta' interventi għall-iżvilupp rurali jinkludu pagamenti għall-impenji ambjentali, klimatiċi u ta' ġestjoni oħrajn li l-Istati Membri jenħtieġ li jappoġġaw fit-territorji tagħhom kollha, skont il-ħtiġijiet speċifiċi nazzjonali, reġjonali***, filwaqt li jitqiesu reġjuni li kienu ġew legalment formalizzati u attwalment viġenti,*** jew lokali tagħhom. Jenħtieġ li l-Istati Membri jagħtu pagamenti lill-bdiewa u ***lil*** maniġers tal-art oħrajn li, fuq bażi volontarja, jieħdu impenji ta' ġestjoni li jikkontribwixxu għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih u għall-protezzjoni u t-titjib tal-ambjent inkluż il-kwalità u l-kwantità tal-ilma, il-kwalità tal-arja, il-ħamrija, il-biodiversity u s-servizzi tal-ekosistema inkluż impenji volontarji fin-Natura 2000 u appoġġ għad-diversità ġenetika. L-appoġġ taħt il-pagamenti għall-impenji ta' ġestjoni jista' wkoll jingħata fil-forma ta' approċċi mmexxija lokalment, integrati jew kooperattivi u interventi bbażati fuq ir-riżultati. |

**Emenda 18**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 39**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (39) Jenħtieġ li l-miżuri tal-forestrija jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-Foresti tal-Unjoni, u jkunu bbażati fuq il-programmi tal-foresti nazzjonali jew ***subnazzjonali*** jew strumenti ekwivalenti tal-Istati Membri, li jenħtieġ li jibnu fuq l-impenji li jirriżultaw mir-Regolament dwar l-inklużjoni tal-emissjonijiet u l-assorbimenti ta' gassijiet serra mill-użu tal-art, mit-tibdil fl-użu tal-art u mill-forestrija [ir- | (39) Jenħtieġ li l-miżuri tal-forestrija jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-Foresti tal-Unjoni, u jkunu bbażati fuq il-programmi tal-foresti nazzjonali jew ***sottonazzjonali*** jew strumenti ekwivalenti tal-Istati Membri, li jenħtieġ li jibnu fuq l-impenji li jirriżultaw mir-Regolament dwar l-inklużjoni tal-emissjonijiet u l-assorbimenti ta' gassijiet serra mill-użu tal-art, mit-tibdil fl-użu tal-art u mill-forestrija [ir- |

Regolament LULUCF] u dawk li ttieħdu fil-Konferenzi Ministerjali dwar il-Protezzjoni tal-Foresti fl-Ewropa. Jenħtieġ li l-interventi jiġu bbażati fuq il-pjanijiet ta' ġestjoni tal-foresti jew strumenti ekwivalenti u jistgħu jinkludu l-iżvilupp taż-żoni tal-foresti u l-ġestjoni sostenibbli tal-foresti, inkluż l-afforestazzjoni tal-art u l-ħolqien u r-riġenerazzjoni tas-sistemi agroforestali; il-protezzjoni, ir-restawr u t-titjib tar-riżorsi tal-foresti, filwaqt li jitqiesu l-ħtiġijiet tal-adattament; l-investimenti biex jiġu garantiti u msaħħa l-konservazzjoni u ***reżiljenza*** tal-foresti, u l-provvista ta' servizzi dwar il-klima u l-ekosistema tal-foresti; u miżuri u investimenti għall-appoġġ tal-enerġija rinnovabbli u tal-bijoekonomija.

Regolament LULUCF] u dawk li ttieħdu fil-Konferenzi Ministerjali dwar il-Protezzjoni tal-Foresti fl-Ewropa. Jenħtieġ li l-interventi jiġu bbażati fuq il-pjanijiet ta' ġestjoni tal-foresti jew strumenti ekwivalenti u jistgħu jinkludu l-iżvilupp taż-żoni tal-foresti u l-ġestjoni sostenibbli tal-foresti, inkluż l-afforestazzjoni tal-art***, il-prevenzjoni tan-nirien*** u l-ħolqien u r-riġenerazzjoni tas-sistemi agroforestali; il-protezzjoni, ir-restawr u t-titjib tar-riżorsi tal-foresti, filwaqt li jitqiesu l-ħtiġijiet tal-adattament; l-investimenti biex jiġu garantiti u msaħħa l-konservazzjoni***, id-diversifikazzjoni*** u ***r-reżiljenza*** tal-foresti, u l-provvista ta' servizzi dwar il-klima u l-ekosistema tal-foresti; u miżuri u investimenti għall-appoġġ tal-enerġija rinnovabbli u tal-bijoekonomija.

**Emenda 19**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 40**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (40) Sabiex jiġi żgurat introjtu ġust u settur agrikolu reżiljenti fit-territorju kollu tal-Unjoni, l-Istati Membri ***jstgħu*** jagħtu appoġġ lill-bdiewa f'żoni li qed jiffaċċjaw restrizzjonijiet naturali u restrizzjonijiet oħra speċifiċi għaż-żona. Fir-rigward tal-pagamenti għall-ANC, id-deżinjazzjoni tal-politika ta' Żvilupp Rurali 2014–2020 jenħtieġ li tkompli tapplika. Biex il-PAK tagħti valur miżjud imsaħħaħ tal-Unjoni fuq l-ambjent u ***rinforza s-sinerġiji*** tagħha mal-finanzjament tal-investimenti fin-natura u l-bijodiversità, huwa meħtieġ li jkun hemm miżura separata li l-mira tagħha tkun li l-benefiċjarji jiġu kkumpensati għall-iżvantaġġi relatati mal-implimentazzjoni tan-Natura 2000 u tad-Direttivi Qafas dwar l-Ilma. Għalhekk jenħtieġ li jibqa' jingħata l-appoġġ lill-bdiewa u lid-detenturi tal-foresti biex ikunu jistgħu jiġu indirizzati l-iżvantaġġi | (40) Sabiex jiġi żgurat introjtu ġust u settur agrikolu reżiljenti fit-territorju kollu tal-Unjoni, l-Istati Membri ***jistgħu*** jagħtu appoġġ lill-bdiewa f'żoni li qed jiffaċċjaw restrizzjonijiet naturali u restrizzjonijiet oħra speċifiċi għaż-żona ***ekonomiċi jew soċjali***. Fir-rigward tal-pagamenti għall-ANC, id-deżinjazzjoni tal-politika ta' Żvilupp Rurali 2014–2020 jenħtieġ li tkompli tapplika. Biex il-PAK tagħti valur miżjud imsaħħaħ tal-Unjoni fuq l-ambjent u ***ssaħħaħ is-sinerġiji*** tagħha mal-finanzjament tal-investimenti fin-natura u l-bijodiversità, huwa meħtieġ li jkun hemm miżura separata li l-mira tagħha tkun li l-benefiċjarji jiġu kkumpensati għall-iżvantaġġi relatati mal-implimentazzjoni tan-Natura 2000 u tad-Direttivi Qafas dwar l-Ilma. Għalhekk jenħtieġ li jibqa' jingħata l-appoġġ lill-bdiewa u lid-detenturi tal-foresti biex ikunu jistgħu jiġu indirizzati l- |

| | |
|---|---|
| speċifiċi li jirriżultaw mill-implimentazzjoni tad-Direttiva 2009/147/KE u d-Direttiva 92/43/KEE u sabiex jikkontribwixxi għall-ġestjoni effettiva tas-siti tan-Natura 2000. Jenħtieġ li l-appoġġ ikun disponibbli wkoll għall-bdiewa biex jgħinhom jindirizzaw l-iżvantaġġi fiż-żoni tal-baċiri idrografiċi li jirriżultaw mill-implimentazzjoni tad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma. L-appoġġ jenħtieġ li jkun marbut ma' rekwiżiti speċifiċi deskritti fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK li jmorru lil hinn mill-istandards u r-rekwiżiti obbligatorji rilevanti. Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw ukoll li l-pagamenti lill-bdiewa ma jwasslux għal finanzjament doppju mal-ekoskemi. Barra minn hekk, jenħtieġ li jitqiesu l-ħtiġijiet speċjali taż-żoni tan-Natura 2000 mill-Istati Membri fit-tfassil kumplessiv tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom. | iżvantaġġi speċifiċi li jirriżultaw mill-implimentazzjoni tad-Direttiva 2009/147/KE u d-Direttiva 92/43/KEE u sabiex jikkontribwixxi għall-ġestjoni effettiva tas-siti tan-Natura 2000. Jenħtieġ li l-appoġġ ikun disponibbli wkoll għall-bdiewa biex jgħinhom jindirizzaw l-iżvantaġġi fiż-żoni tal-baċiri idrografiċi li jirriżultaw mill-implimentazzjoni tad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma. L-appoġġ jenħtieġ li jkun marbut ma' rekwiżiti speċifiċi deskritti fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK li jmorru lil hinn mill-istandards u r-rekwiżiti obbligatorji rilevanti. Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw ukoll li l-pagamenti lill-bdiewa ma jwasslux għal finanzjament doppju mal-ekoskemi. Barra minn hekk, jenħtieġ li jitqiesu l-ħtiġijiet speċjali taż-żoni tan-Natura 2000 mill-Istati Membri fit-tfassil kumplessiv tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom. |

**Emenda 20**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 42**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (42) Fid-dawl tal-ħtieġa li tiġi ***indirizzata*** d-diskrepanza tal-investiment fis-settur agrikolu tal-Unjoni u sabiex jitjieb l-aċċess għall-istrumenti finanzjarji għall-gruppi prijoritarji, b'mod partikolari l-bdiewa żgħażagħ u l-bdiewa ġodda bi profili ta' riskju ogħla, jenħtieġ li ***jitħeġġeġ l-użu tal-garanzija InvestEU u l-kombinament*** tal-għotjiet u tal-istrumenti finanzjarji. Peress li l-użu tal-istrumenti finanzjarji fl-Istati Membri kollha jvarja b'mod konsiderevoli bħala riżultat tad-differenza f'termini tal-aċċess għall-finanzi, l-iżvilupp tas-settur bankarju, il-preżenza ta' kapital ta' riskju, il-familjarità tal-amministrazzjonijiet pubbliċi u l-firxa potenzjali ta' benefiċjarji, jenħtieġ li fil-Pjan Strateġiku tal-PAK l- | (42) Fid-dawl tal-ħtieġa li tiġi ***indirizzata*** d-diskrepanza tal-investiment fis-settur agrikolu tal-Unjoni u sabiex jitjieb l-aċċess għall-istrumenti finanzjarji għall-gruppi prijoritarji, b'mod partikolari l-bdiewa żgħażagħ u l-bdiewa ġodda bi profili ta' riskju ogħla, jenħtieġ li ***tittejjeb il-komplementarjetà*** tal-għotjiet u tal-istrumenti finanzjarji. Peress li l-użu tal-istrumenti finanzjarji fl-Istati Membri kollha jvarja b'mod konsiderevoli bħala riżultat tad-differenza f'termini tal-aċċess għall-finanzi, l-iżvilupp tas-settur bankarju, il-preżenza ta' kapital ta' riskju, il-familjarità tal-amministrazzjonijiet pubbliċi u l-firxa potenzjali ta' benefiċjarji, jenħtieġ li fil-Pjan Strateġiku tal-PAK l- |

| | |
|---|---|
| Istati Membri jistabbilixxu miri xierqa, benefiċjarji u kundizzjonijiet preferenzjali, u regoli ta' eliġibbiltà oħra possibbli. | Istati Membri jistabbilixxu miri xierqa, benefiċjarji u kundizzjonijiet preferenzjali, u regoli ta' eliġibbiltà oħra possibbli. |

**Emenda 21**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 43**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (43) Il-bdiewa żgħażagħ u l-bdiewa ġodda għadhom qed ***jaffaċċjaw*** ostakoli sinifikanti rigward l-aċċess għall-art, prezzijiet għoljin u l-aċċess għall-kreditu. In-negozji tagħhom huma aktar mhedda mill-volatilità tal-prezzijiet (kemm għall-inputs kif ukoll għall-prodotti) u l-ħtiġijiet tagħhom f'termini ta' taħriġ fil-ħiliet intraprenditorjali u ta' ġestjoni tar-riskju huma għoljin. Għalhekk huwa essenzjali li jitkompla l-appoġġ ***għat-twaqqif*** ta' negozji u ta' azjendi agrikoli ġodda. Jenħtieġ li l-Istati Membri jipprevedu approċċ strateġiku u jidentifikaw sett ċar u koerenti ta' interventi għat-tiġdid ġenerazzjonali taħt l-objettiv speċifiku ***ddedkat*** għal din il-kwistjoni. Għal dan l-għan, fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom, l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu kundizzjonijiet preferenzjali għall-istrumenti finanzjarji għall-bdiewa żgħażagħ u l-bdiewa ġodda, u jenħtieġ li fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom jinkludu d-delimitazzjoni ta' mill-inqas ammont li jikkorrispondi għal 2 % tal-pakkett tal-pagamenti diretti annwali. Jenħtieġ li tiġi stabbilita żieda tal-ammont massimu tal-għajnuna għall-installazzjoni ta' bdiewa żgħażagħ ***u*** negozji ġodda rurali, sa EUR 100 000, li ***tista' tiġi aċċessata*** wkoll permezz tal-forma ta' appoġġ bi strument finanzjarju jew flimkien magħha. | (43) Il-bdiewa żgħażagħ u l-bdiewa ġodda għadhom qed ***jiffaċċjaw*** ostakoli sinifikanti rigward l-aċċess għall-art, prezzijiet għoljin u l-aċċess għall-kreditu. In-negozji tagħhom huma aktar mhedda mill-volatilità tal-prezzijiet (kemm għall-inputs kif ukoll għall-prodotti) u l-ħtiġijiet tagħhom f'termini ta' taħriġ fil-ħiliet intraprenditorjali u ta' ġestjoni tar-riskju huma għoljin. Għalhekk huwa essenzjali li jitkompla l-appoġġ ***għall-istabbiliment*** ta' negozji u ta' azjendi agrikoli ġodda. Jenħtieġ li l-Istati Membri jipprevedu approċċ strateġiku u jidentifikaw sett ċar u koerenti ta' interventi għat-tiġdid ġenerazzjonali taħt l-objettiv speċifiku ***ddedikat*** għal din il-kwistjoni. Għal dan l-għan, fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom, l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu kundizzjonijiet preferenzjali għall-istrumenti finanzjarji għall-bdiewa żgħażagħ u l-bdiewa ġodda, u jenħtieġ li fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom jinkludu d-delimitazzjoni ta' mill-inqas ammont li jikkorrispondi għal 2 % tal-pakkett tal-pagamenti diretti annwali. Jenħtieġ li tiġi stabbilita żieda tal-ammont massimu tal-għajnuna għall-installazzjoni ta' bdiewa żgħażagħ***, bdiewa ġodda,*** negozji ***rurali*** ġodda ***u t-tkabbir ta' intrapriżi*** rurali ***mikro u żgħar***, sa EUR 100 000, li ***jista' jsir aċċess għaliha*** wkoll permezz tal-forma ta' appoġġ bi strument finanzjarju jew flimkien magħha. |

**Emenda 22**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 45**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (45) Jenħtieġ li l-appoġġ jippermetti l-istabbiliment u l-implimentazzjoni tal-kooperazzjoni bejn mill-inqas żewġ entitajiet fid-dawl tal-kisba tal-objettivi tal-PAK. L-appoġġ jista' jinkludi l-aspetti kollha ta' kooperazzjoni bħal din, bħal pereżempju t-twaqqif ta' skemi ta' kwalità; azzjoni ambjentali u klimatika kollettiva; il-promozzjoni ta' katina ta' provvista qasira u swieq lokali; proġetti pilota; Il-proġetti tal-Grupp Operattiv fi ħdan il-proġetti ta' żvilupp lokali tal-EIP għall-produttività u s-sostenibbiltà fil-qasam agrikolu, l-Irħula Intelliġenti, il-klabbs tax-xerrejja u l-assoċjazzjonijiet għall-użu kollettiv tal-makkinarju agrikolu (machinery rings); sħubijiet tal-azjendi agrikoli; pjanijiet tal-ġestjoni tal-foresti; netwerks u raggruppamenti; biedja soċjali; agrikultura appoġġata mill-komunità; azzjonijiet fil-kamp ta' applikazzjoni tal-LEADER; u ***t-twaqqif*** ta' gruppi ta' produtturi u organizzazzjonijiet ta' produtturi, kif ukoll forom oħra ta' kooperazzjoni li jitqiesu meħtieġa biex jinkisbu l-objettivi speċifiċi tal-PAK. | (45) Jenħtieġ li l-appoġġ jippermetti l-istabbiliment u l-implimentazzjoni tal-kooperazzjoni bejn mill-inqas żewġ entitajiet fid-dawl tal-kisba tal-objettivi tal-PAK. L-appoġġ jista' jinkludi l-aspetti kollha ta' kooperazzjoni bħal din, bħal pereżempju t-twaqqif ta' skemi ta' kwalità; azzjoni ambjentali u klimatika kollettiva; il-promozzjoni ta' katina ta' provvista qasira u swieq lokali; ***l-iżvilupp ta' marki tradizzjonali lokali u reġjonali;*** proġetti pilota; Il-proġetti tal-Grupp Operattiv fi ħdan il-proġetti ta' żvilupp lokali tal-EIP għall-produttività u s-sostenibbiltà fil-qasam agrikolu, l-Irħula Intelliġenti, il-klabbs tax-xerrejja u l-assoċjazzjonijiet għall-użu kollettiv tal-makkinarju agrikolu (machinery rings); sħubijiet tal-azjendi agrikoli; pjanijiet tal-ġestjoni tal-foresti; netwerks u raggruppamenti; biedja soċjali; agrikultura appoġġata mill-komunità; azzjonijiet fil-kamp ta' applikazzjoni tal-LEADER; u ***l-istabbiliment*** ta' gruppi ta' produtturi u organizzazzjonijiet ta' produtturi, kif ukoll forom oħra ta' kooperazzjoni li jitqiesu meħtieġa biex jinkisbu l-objettivi speċifiċi tal-PAK. |

**Emenda 23**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 45a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(45a) Sabiex tiġi żgurata l-effikaċja tal-proġetti mibdija mill-komunitajiet lokali, kif ukoll l-użu effiċjenti tal-finanzjament allokat, jenħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu fir-regoli finanzjarji li l-ispejjeż għall-ġestjoni finanzjarja u*** |

| | |
|---|---|
| | ***amministrattiva tal-operazzjonijiet, implimentati mill-komunitajiet rurali lokali u minn atturi lokali oħrajn simili bil-għan li jiġu segwiti l-istrateġiji msemmija fl-Artikolu 25(2)(c) tar-Regolament (UE) [Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni], ikunu rikonoxxuti bħala eliġibbli għall-finanzjament tal-UE.*** |

**Emenda 24**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 45b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(45b) Sabiex b'mod konkret jippromwovu d-diġitalizzazzjoni u l-innovazzjoni, jiffaċilitaw l-iżvilupp tan-negozju, l-inklużjoni soċjali u l-impjiegi f'żoni rurali, kif ukoll l-iżvilupp ta' provvista ta' enerġija intelliġenti u sostenibbli fiż-żoni rurali, jenħtieġ li l-Istati Membri jiżviluppaw u jimplimentaw l-Istrateġiji għall-Irħula Intelliġenti fi ħdan il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom. Għal użu aktar effiċjenti tal-fondi strutturali kollha, involuti f'żoni rurali (FAEŻR, FEŻR, FSE+ u FEMS), jenħtieġ li din l-istrateġija tiġi eżegwita permezz tal-iżvilupp lokali mmexxi mill-Komunità kif stabbilit fir-Regolament (UE) ... [Ir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni l-ġdid]. Għal din ir-raġuni l-appoġġ finanzjarju tal-FAEŻR għal strateġiji ta' modernizzazzjoni, inkluża l-Istrateġija għall-Irħula Intelliġenti kif stabbilit fil-Pjan Strateġiku tal-PAK tal-Istat Membru, jenħtieġ li jkun stabbilit għal mill-inqas 5 % tal-fondi tal-FAEŻR.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*L-Irħula Intelliġenti għandhom ikunu fuq quddiem nett tal-futur tal-iżvilupp rurali, għalhekk riżorsi tal-FAEŻR suffiċjenti għandhom jiġu allokati għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-Istrateġiji għall-Irħula Intelliġenti fi ħdan il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tal-Istati Membri. Riżorsi minn fondi strutturali oħra għandhom ukoll jiġu pprovduti għal dan il-fini peress li*

*dan jgħin biex iż-żoni rurali tal-UE jinżammu ħajjin.*

**Emenda 25**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 46**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (46) Il-Komunikazzjoni dwar "Il-Ġejjieni tal-Ikel u tal-Biedja" issemmi l-iskambju tal-għarfien u l-enfasi fuq l-innovazzjoni bħala objettiv trażversali għall-PAK il-ġdida. Il-PAK jenħtieġ li tkompli tappoġġa ***il-mudell*** ta' innovazzjoni interattiva, li jsaħħaħ il-kollaborazzjoni bejn l-atturi biex isir l-aħjar użu tat-tipi ta' għarfien ***komplementarji*** bl-għan li jixxerrdu ***s-soluzzjonijiet*** prattiċi. Is-servizzi konsultattivi tal-azjendi agrikoli jenħtieġ li jissaħħu fi ħdan l-AKIS. Il-Pjan Strateġiku tal-PAK jenħtieġ li jipprovdi informazzjoni dwar kif is-servizzi konsultattivi, ir-riċerka u ***n-netwerksrurali*** se jaħdmu flimkien. Kull Stat Membru jew reġjun, kif xieraq, jista' jiffinanzja għadd ta' azzjonijiet li jimmiraw lejn l-iskambju tal-għarfien u l-innovazzjoni, bl-użu tat-tipi ta' interventi żviluppati f'dan ir-Regolament. | (46) Il-Komunikazzjoni dwar "Il-Ġejjieni tal-Ikel u tal-Biedja" issemmi l-iskambju tal-għarfien u l-enfasi fuq l-innovazzjoni bħala objettiv trażversali għall-PAK il-ġdida. Il-PAK jenħtieġ li tkompli tappoġġa ***l-mudell*** ta' innovazzjoni interattiva, li jsaħħaħ il-kollaborazzjoni bejn l-atturi biex isir l-aħjar użu tat-tipi ta' għarfien ***komplementari*** bl-għan li jixxerrdu ***soluzzjonijiet*** prattiċi. Is-servizzi konsultattivi tal-azjendi agrikoli jenħtieġ li jissaħħu fi ħdan l-AKIS. Il-Pjan Strateġiku tal-PAK jenħtieġ li jipprovdi informazzjoni dwar kif is-servizzi konsultattivi, ir-riċerka u ***n-netwerks rurali*** se jaħdmu flimkien. Kull Stat Membru jew reġjun, ***inklużi r-reġjuni li ġew formalizzati legalment u huma attwalment viġenti,*** kif xieraq, jista' jiffinanzja għadd ta' azzjonijiet li jimmiraw lejn l-iskambju tal-għarfien u l-innovazzjoni, bl-użu tat-tipi ta' interventi żviluppati f'dan ir-Regolament ***u billi jiġi garantit il-finanzjament għall-aċċess għat-teknoloġija l-aktar avvanzata***. |

**Emenda 26**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 48**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (48) ***L-appoġġ*** għall-pagamenti diretti skont il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK jenħtieġ li jingħata fil-limitu tal-allokazzjonijiet nazzjonali li jridu jiġu stabbiliti f'dan ir-Regolament. Dawn l- | (48) ***Huwa essenzjali li jiġi indikat li l-proċess ta' konverġenza jenħtieġ li jitlesta gradwalment malajr kemm jista' jkun sabiex tiġi żgurata kemm il-kompetizzjoni ġusta fost l-Istati Membri u kif ukoll biex*** |

| | |
|---|---|
| allokazzjonijiet nazzjonali jenħtieġ li jirriflettu kontinwazzjoni tal-bidliet ***fejn*** l-allokazzjonijiet lill-Istati Membri bl-aktar livell baxx ta' appoġġ għal kull ettaru jiżdiedu b'mod gradwali biex ***jagħlqu 50 % tad-diskrepanza*** lejn ***90 % tal-medja*** tal-Unjoni. Sabiex jitqies il-mekkaniżmu tat-tnaqqis tal-pagamenti u l-użu tal-prodott tiegħu fl-Istat Membru, l-allokazzjonijiet finanzjarji indikattivi totali kull sena fil-Pjan Strateġiku tal-PAK ta' Stat Membru jenħtieġ li jkun jista' jaqbeż l-allokazzjoni nazzjonali. | ***jiġi sostnut il-prinċipju tal-ugwaljanza madwar l-UE kollha. L-appoġġ*** għall-pagamenti diretti skont il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK jenħtieġ li jingħata fil-limitu tal-allokazzjonijiet nazzjonali li jridu jiġu stabbiliti f'dan ir-Regolament. Dawn l-allokazzjonijiet nazzjonali jenħtieġ li jirriflettu kontinwazzjoni tal-bidliet ***li permezz tagħhom*** l-allokazzjonijiet lill-Istati Membri bl-aktar livell baxx ta' appoġġ għal kull ettaru jiżdiedu b'mod gradwali biex ***jeliminaw id-diskrepanza*** lejn ***il-medja*** tal-Unjoni. Sabiex jitqies il-mekkaniżmu tat-tnaqqis tal-pagamenti u l-użu tal-prodott tiegħu fl-Istat Membru, l-allokazzjonijiet finanzjarji indikattivi totali kull sena fil-Pjan Strateġiku tal-PAK ta' Stat Membru jenħtieġ li jkun jista' jaqbeż l-allokazzjoni nazzjonali. |

**Emenda 27**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 49a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(49a) Jenħtieġ li jiġu stabbiliti kriterji oġġettivi għall-kategorizzazzjoni tar-reġjuni u ż-żoni fil-livell tal-Unjoni għall-appoġġ mill-FAEŻR. Għal dan il-għan, l-identifikazzjoni tar-reġjuni u taż-żoni fil-livell tal-Unjoni jenħtieġ li tkun ibbażata fuq is-sistema komuni ta' klassifikazzjoni tar-reġjuni stabbilita mir-Regolament (KE) Nru 1059/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2016/2066[1a]. Jenħtieġ li jintużaw l-aħħar klassifikazzjonijiet u l-aħħar data biex jiġi żgurat appoġġ adegwat, b'mod partikolari biex jiġu indirizzati reġjuni li jkunu baqgħu lura u d-disparitajiet interreġjonali ġo Stat Membru.*** |

***[1a] Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/2066 tal-21 ta' Novembru 2016***

***li jemenda l-annessi tar-Regolament (KE) Nru 1059/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' klassifikazzjoni komuni ta' unitajiet territorjali għall-istatistika (NUTS) (ĠU L 322, 29.11.2014, p. 1-61).***

**Emenda 28**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 52**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (52) Filwaqt li tiġi riflessa l-importanza tal-indirizzar tat-tibdil fil-klima f'konformità mal-impenji tal-Unjoni biex timplimenta l-Ftehim ta' Pariġi***,*** u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti, dan il-Programm se ***tikkontriwbixxi*** biex tiġi simplifikata l-azzjoni klimatika fil-politiki tal-Unjoni u biex tinkiseb mira ġenerali ta' ***25*** % tan-nefqa tal-baġit tal-UE li tappoġġa l-objettivi klimatiċi. ***L-azzjonijiet taħt il-PAK huma mistennija li*** jikkontribwixxu għal 40 % tal-pakkett finanzjarju ġenerali tal-PAK għall-objettivi klimatiċi. L-azzjonijiet rilevanti se jiġu identifikati matul it-tħejjija u l-implimentazzjoni tal-Programm, u jerġgħu jiġu vvalutati fil-kuntest tal-evalwazzjonijiet u l-proċessi ta' rieżami rilevanti. | (52) Filwaqt li tiġi riflessa l-importanza ***u l-urġenza*** tal-indirizzar tat-tibdil fil-klima f'konformità mal-impenji tal-Unjoni biex timplimenta l-Ftehim ta' Pariġi u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti, dan il-Programm se ***jikkontribwixxi*** biex tiġi simplifikata l-azzjoni klimatika fil-politiki tal-Unjoni***, biex jintlaħaq it-tnaqqis tal-emissjonijiet tas-CO2 b'45 fil-mija sal-2030 meta mqabbel mal-2010 u tintlaħaq newtralità f'termini ta' emissjonijiet tal-karbonju sal-2050*** u biex tinkiseb mira ġenerali ta' ***mill-inqas 30***% tan-nefqa tal-baġit tal-UE li tappoġġa l-objettivi klimatiċi. ***Huwa mistenni li l-azzjonijiet taħt il-PAK*** jikkontribwixxu għal 40 % tal-pakkett finanzjarju ġenerali tal-PAK għall-objettivi klimatiċi. L-azzjonijiet rilevanti se jiġu identifikati matul it-tħejjija u l-implimentazzjoni tal-Programm, u jerġgħu jiġu vvalutati fil-kuntest tal-evalwazzjonijiet u l-proċessi ta' rieżami rilevanti. |

**Emenda 29**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 55**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|

| | |
|---|---|
| (55) ***Sabeix*** tiġi żgurata natura strateġika ċara ta' dawn il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK, u biex jiġu ffaċilitati r-rabtiet ma' politiki oħra tal-Unjoni, u b'mod partikolari ma' miri nazzjonali stabbiliti fit-tul li jirriżultaw mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni jew mill-ftehimiet internazzjonali bħal dawk relatati mat-tibdil fil-klima, mal-foresti, mal-bijodiversità u mal-ilma, huwa xieraq li jenħtieġ li jkun hemm Pjan Strateġiku tal-PAK wieħed għal kull Stat Membru. | (55) ***Sabiex*** tiġi żgurata natura strateġika ċara ta' dawn il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK, u biex jiġu ffaċilitati r-rabtiet ma' politiki oħra tal-Unjoni, u b'mod partikolari ma' miri nazzjonali stabbiliti fit-tul li jirriżultaw mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni jew mill-ftehimiet internazzjonali bħal dawk relatati mat-tibdil fil-klima, mal-foresti, mal-bijodiversità u mal-ilma, huwa xieraq li jenħtieġ li jkun hemm Pjan Strateġiku tal-PAK wieħed għal kull Stat Membru. ***Filwaqt li titqies l-istruttura amministrattiva tal-Istati Membri, jenħtieġ li l-Pjan Strateġiku, fejn xieraq, jinkludi miżuri reġjonalizzati għall-iżvilupp rurali.*** |

**Emenda 30**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 60**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (60) Meta jitqies li jenħtieġ li tingħata flessibbiltà lill-Istati Membri fir-rigward tal-għażla tal-parti li tiddelega ***tal-implimentazzjoni*** tal-Pjan Strateġiku tal-PAK fil-livell reġjonali ***fuq il-bażi*** ta' ***qafas*** nazzjonali, sabiex tiġi ffaċilitata l-koordinazzjoni fost ir-reġjuni fl-indirizzar ta' sfidi man-nazzjon kollu, huwa xieraq li l-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK jipprovdu deskrizzjoni tal-interazzjoni bejn l-interventi nazzjonali u reġjonali. | (60) Meta jitqies li jenħtieġ li tingħata flessibbiltà lill-Istati Membri fir-rigward tal-għażla tal-parti li tiddelega ***tat-tfassil u l-implimentazzjoni*** tal-Pjan Strateġiku tal-PAK fil-livell reġjonali ***permezz tal-Programmi*** ta' ***Intervent Reġjonali f'konformità mal-qafas*** nazzjonali, sabiex tiġi ffaċilitata l-koordinazzjoni fost ir-reġjuni fl-indirizzar ta' sfidi man-nazzjon kollu, huwa xieraq li l-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK jipprovdu deskrizzjoni tal-interazzjoni bejn l-interventi nazzjonali u reġjonali***, billi l-identifikazzjoni tar-reġjuni fl-Istati Membri jenħtieġ li tkun ibbażata fuq is-sistema komuni ta' klassifikazzjoni tar-reġjuni stabbilita mir-Regolament (KE) Nru 1059/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, kif emendat mir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 2016/2066***. |

**Emenda 31**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 64**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (64) Fid-dawl tat-tħassib relatat mal-piż amministrattiv taħt ġestjoni kondiviża, jenħtieġ li s-simplifikazzjoni tkun ukoll soġġetta għal attenzjoni ***partikolari*** fil-Pjan Strateġiku tal-PAK. | (64) Fid-dawl tat-tħassib relatat mal-piż amministrattiv taħt ġestjoni kondiviża, jenħtieġ li s-simplifikazzjoni***, kemm fil-livell tal-Unjoni kif ukoll fil-livell tal-Istati Membri,*** tkun ukoll soġġetta għal attenzjoni ***speċifika*** fil-Pjan Strateġiku tal-PAK. ***Jenħtieġ li l-Kummissjoni tassisti lill-Istati Membri sabiex jiġi evitat piż amministrattiv sproporzjonat fuqhom.*** |

**Emenda 32**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 71**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (71) Jenħtieġ li l-FAEŻR, permezz ta' assistenza teknika u fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni, jappoġġa l-azzjonijiet relatati mat-twettiq tal-kompiti msemmija fl-[Artikolu 7 tar-Regolament Orizzontali]. Tista' tiġi pprovduta wkoll assistenza teknika, fuq l-inizjattiva tal-Istati Membri, biex jitlestew il-kompiti meħtieġa għall-amministrazzjoni u l-implimentazzjoni effettivi tal-appoġġ fir-rigward tal-Pjan Strateġiku tal-PAK. Żieda tal-assistenza teknika fuq l-inizjattiva tal-Istati Membri hija disponibbli biss għal Malta. | (71) Jenħtieġ li l-FAEŻR, permezz ta' assistenza teknika u fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni, jappoġġa l-azzjonijiet relatati mat-twettiq tal-kompiti msemmija fl-[Artikolu 7 tar-Regolament Orizzontali]. Tista' tiġi pprovduta wkoll assistenza teknika, fuq l-inizjattiva tal-Istati Membri, biex jitlestew il-kompiti meħtieġa għall-amministrazzjoni u l-implimentazzjoni effettivi tal-appoġġ fir-rigward tal-Pjan Strateġiku tal-PAK. ***L-ammont globali għall-appoġġ mill-FAEŻR għall-assistenza teknika jenħtieġ li jiżdied għal 5 % tal-allokazzjoni finanzjarja għall-FAEŻR.*** Żieda tal-assistenza teknika fuq l-inizjattiva tal-Istati Membri hija disponibbli biss għal Malta. |

**Emenda 33**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 73a (ġdida)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***(73a) Il-Qorti tal-Awdituri, fl-opinjoni tagħha Nru 7/2018 tal-25.10.2018, tistabbilixxi li t-tranżizzjoni lejn sistema bbażata fuq il-prestazzjoni tirrikjedi l-identifikazzjoni tal-ħtiġijiet abbażi ta' evidenza soda flimkien mal-obbligu tal-Istati Membri li jiġbru statistika affidabbli u komparabbli. Objettivi tal-UE ċari, speċifiċi u kwantifikati li għalihom tista' titkejjel il-kisba jenħtieġ li jkunu sostnuti minn sett kompletament żviluppat ta' indikaturi sinifikanti tal-output, tar-riżultati u tal-impatt.*** |

**Emenda 34**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 75a (ġdida)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***(75a) Mudell tal-implimentazzjoni bbażat fuq il-prestazzjoni, li jinkludi valutazzjoni bbażata fuq il-prestazzjoni, jenħtieġ li ma jneħħix il-ħtieġa li wieħed jivverifika l-legalità u r-regolarità tan-nefqa.*** |

**Emenda 35**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 92a (ġdida)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***(92a) Ir-reġjuni insulari tal-Unjoni Ewropea jippreżentaw diffikultajiet speċifiċi fl-eżerċizzju tal-attivitajiet agrikoli u l-iżvilupp taż-żoni rurali. Huwa xieraq li ssir valutazzjoni tal-impatt tal-Politika Agrikola Komuni f'dawn ir-reġjuni bil-ħsieb li jiġu adattati l-pjanijiet strateġiċi li jqisu il-karatteristiċi speċifiċi tagħhom.*** |

**Emenda 36**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK li jridu jitfasslu mill-Istati membri, l-istabbiliment tal-miri, id-definizzjoni tal-interventi u l-allokazzjoni tar-riżorsi finanzjarji, f'konformità mal-objettivi speċifiċi u l-ħtiġijiet identifikati; | (c) il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK li jridu jitfasslu mill-Istati membri, ***meta jkun applikabbli, flimkien mar-reġjuni,*** l-istabbiliment tal-miri, id-definizzjoni tal-interventi u l-allokazzjoni tar-riżorsi finanzjarji, f'konformità mal-objettivi speċifiċi u l-ħtiġijiet identifikati; |

**Emenda 37**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Il-Kapitolu ***III tat-Titolu II, il-Kapitolu*** II tat-Titolu III ***u*** l-Artikoli 41 u ***43*** tar-Regolament (UE) [ir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[26] għandhom japplikaw għall-appoġġ iffinanzjat mill-FAEŻR skont dan ir-Regolament. | 2. Il-Kapitolu II tat-Titolu III***,*** l-Artikoli 41***, 43*** u ***60*** tar-Regolament (UE) [ir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[26] għandhom japplikaw għall-appoġġ iffinanzjat mill-FAEŻR skont dan ir-Regolament. |
| [26] Ir-Regolament (UE) […/…] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' [data] [titolu sħiħ] (ĠU L ). | [26] Ir-Regolament (UE) […/…] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' [data] [titolu sħiħ] (ĠU L ). |

**Emenda 38**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt ja (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ja) "reżistenza tal-ambjent u tal-bijodiversità" tfisser proċess strutturat tal-iżgurar tal-applikazzjoni effettiva ta' għodod biex jiġu evitati impatti dannużi*** |

| | |
|---|---|
| | ***għall-infiq tal-UE u biex jiġu massimizzati l-benefiċċji tiegħu fuq l-istat tal-ambjent u l-bijodiversità tal-UE, abbażi tal-"Qafas Komuni tal-Baġit tal-UE għar-Reżistenza tal-Bijodiversità", u f'konformità mar-regoli u mal-gwida nazzjonali, meta disponibbli, jew ma' standards rikonoxxuti internazzjonalment;*** |

**Emenda 39**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt jb (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(jb) "reżistenza għat-tibdil fil-klima" tfisser proċess biex ikun żgurat li l-infrastruttura hija reżiljenti għall-impatti negattivi tal-klima f'konformità mal-gwida u mar-regoli nazzjonali, meta disponibbli, jew ma' standards rikonoxxuti internazzjonalment;*** |

**Emenda 40**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt jc (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(jc) "biedja urbana" tfisser attività agrikola f'żona urbana.*** |

**Emenda 41**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 1 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Fil-Pjan Strateġiku tal-PAK tagħhom l-Istati Membri għandhom | 1. Fil-Pjan Strateġiku tal-PAK tagħhom l-Istati Membri***, meta jkun*** |

jipprovdu d-definizzjonijiet tal-attività agrikola, iż-żona agrikola, l-ettaru eliġibbli, ***bidwi*** ġenwin u ***bidwi*** żagħżugħ:

***xieraq, f'kollaborazzjoni mar-reġjuni, mill-inqas*** għandhom jipprovdu d-definizzjonijiet tal-attività agrikola, iż-żona agrikola, l-ettaru eliġibbli, ***il-bidwi*** ġenwin u ***l-bidwi*** żagħżugħ ***u ġdid fuq il-bażi li ġejja***:

**Emenda 42**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt b – punt iii**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(iii) "bur permanenti u mergħa permanenti" (li flimkien jissejħu "bur permanenti") għandha tiġi definita bħala art li ma tkunx inkluża fin-newba tal-azjenda għal ħames snin jew aktar, li tintuża biex jitkabbar il-ħaxix jew foraġġ erbaċeju ieħor b'mod naturali (li jinżergħu waħedhom) jew permezz tal-kultivazzjoni (jinżergħu bl-idejn)***. Tista' tinkludi speċijiet oħra bħal pereżempju l-arbuxelli*** u/jew is-siġar li jistgħu jintużaw għar-ragħa jew għall-produzzjoni tal-għalf ***tal-annimali***;

*Emenda*

(iii) "bur permanenti u mergħa permanenti" (li flimkien jissejħu "bur permanenti") għandha tiġi definita bħala art li ma tkunx inkluża fin-newba ***tal-għelejjel*** tal-azjenda għal ħames snin jew aktar, ***u meta l-Istati Membri hekk jiddeċiedu, li ma tkunx inħadmet għal mill-inqas ħames snin; u*** li tintuża biex jitkabbar il-ħaxix jew foraġġ erbaċeju ieħor b'mod naturali (li jinżergħu waħedhom) jew permezz tal-kultivazzjoni (jinżergħu bl-idejn) ***inkluż is-silvipastoraliżmu bl-arbuxelli*** u/jew is-siġar li jistgħu jintużaw għar-ragħa jew għall-produzzjoni tal-għalf ***tal-bhejjem***;

**Emenda 43**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt c – parti introduttorja**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(c) għall-iskop tat-tipi ta' interventi fil-forma ta' pagamenti diretti, "ettaru eliġibbli" għandha tiġi definita b'mod li tinkludi kull żona agrikola tal-azjenda:

*Emenda*

(c) għall-iskop tat-tipi ta' interventi fil-forma ta' pagamenti diretti, "ettaru eliġibbli" għandha tiġi definita b'mod li tinkludi kull żona agrikola tal-azjenda ***u li tagħti d-drittijiet ta' użu xierqa***:

**Emenda 44**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt c – subparagrafu 1 – subpunt ii – inċiż 3a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***- għall-fini li jiġi applikat "ettaru eliġibbli" għall-biedja urbana, is-superfiċi li trid tiġi kkunsidrata għandha tkun ikkalkulata fuq il-bażi tas-superfiċi ekwivalenti meħtieġa fir-reġjun fejn issir il-kultivazzjoni, biex tipproduċi l-volum medju annwali għall-għelejjel f'dak il-każ;*** |

**Emenda 45**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt d**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (d) "bdiewa ġenwini" għandha tkun definita b'mod li jiġi żgurat li l-ebda appoġġ ma jingħata lil dawk li l-attività agrikola tagħhom tifforma parti insinifikanti biss tal-attivitajiet ekonomiċi tagħhom jew li l-attività ta' negozju ewlenija tagħhom mhijiex agrikola, filwaqt li ma jiġux esklużi mill-appoġġ il-bdiewa pluriattivi. Id-definizzjoni għandha tippermetti li jiġi determinat liema bdiewa mhumiex ikkunsidrati bdiewa ġenwini fuq il-bażi ta' kundizzjonijiet bħal pereżempju t-testijiet tal-introjtu***,*** l-inputs lavorattivi fuq l-azjenda agrikola***, l-għanijiet tal-kumpanija u/jew l-inklużjoni fir-reġistri***. | (d) "bdiewa ġenwini" għandha tkun definita ***mill-Istati Membri*** b'mod li jiġi żgurat li l-ebda appoġġ ma jingħata lil dawk li l-attività agrikola tagħhom tifforma parti insinifikanti biss tal-attivitajiet ekonomiċi tagħhom jew li l-attività ta' negozju ewlenija tagħhom mhijiex agrikola, filwaqt li ma jiġux esklużi mill-appoġġ il-bdiewa pluriattivi. Id-definizzjoni għandha tippermetti li jiġi determinat liema bdiewa mhumiex ikkunsidrati bdiewa ġenwini fuq il-bażi ta' ***ċerti*** kundizzjonijiet bħal pereżempju t-testijiet tal-introjtu ***jew*** l-inputs lavorattivi fuq l-azjenda agrikola. |

**Emenda 46**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt ea (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ea) "bidwi ġdid" għandha tiġi definita b'mod li tinkludi:*** |
| | ***(i) il-kundizzjonijiet biex wieħed ikun*** |

| | |
|---|---|
| | ***"il-kap tal-azjenda";*** |
| | ***(ii) it-taħriġ xieraq u/jew ħiliet xierqa.*** |

**Emenda 47**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 1 – subparagrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Id-definizzjoni ta' "bidwi ġdid" għandha teskludi lil dawk li jissodisfaw id-definizzjoni fil-punt (e).*** |

**Emenda 48**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 1 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-appoġġ mill-FAEG u mill-FAEŻR għandu jkollu l-għan li jtejjeb aktar l-iżvilupp sostenibbli tal-biedja, tal-ikel u taż-żoni rurali u għandu jikkontribwixxi biex jintlaħqu l-objettivi ġenerali li ġejjin: | L-appoġġ mill-FAEG u mill-FAEŻR għandu jkollu l-għan li jtejjeb aktar l-iżvilupp sostenibbli tal-biedja, ***tal-produzzjoni*** tal-ikel u taż-żoni rurali***, f'konformità mal-objettivi rilevanti tat-Trattat,*** u għandu jikkontribwixxi biex jintlaħqu l-objettivi ġenerali li ġejjin: |

**Emenda 49**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) li jitrawwem settur agrikolu intelliġenti, reżiljenti u diversifikat li jiżgura s-sigurtà tal-ikel; | (a) li jitrawwem settur agrikolu intelliġenti, reżiljenti u diversifikat li jiżgura s-sigurtà tal-ikel ***sostenibbli, deċentralizzata u fit-tul u s-sikurezza tal-ikel, filwaqt li tiġi evitata l-produzzjoni eċċessiva***; |

**Emenda 50**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) li jissaħħu l-ħarsien ambjentali u l-azzjoni klimatika u jingħata kontribut lill-objettivi tal-Unjoni relatati mal-ambjent u mal-klima; | (b) li jissaħħu l-ħarsien ambjentali***, il-bijodiversità*** u l-azzjoni klimatika u jingħata kontribut lill-objettivi tal-Unjoni relatati mal-ambjent u mal-klima; |

**Emenda 51**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) li ***tissaħħaħ in-nisġa soċjoekonomika taż-żoni*** rurali**.** | (c) li ***jsir sforz għal żvilupp territorjali bilanċjat tal-ekonomiji u l-komunitajiet*** rurali ***inkluż il-ħolqien u ż-żamma tal-impjiegi billi ssir enfasi fuq l-insegwiment ta' standard ta' għajxien ġust u l-prevenzjoni tad-depopolazzjoni rurali;*** |

**Emenda 52**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt ca (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ca) tingħata spinta lill-attraenza tal-ambjent rurali.*** |

**Emenda 53**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) jiġu appoġġati l-introjtu vijabbli tal-azjendi agrikoli u r-reżiljenza tagħhom fl-Unjoni kollha biex ***tissaħħaħ is-sigurtà*** tal-ikel; | (a) jiġu appoġġati l-introjtu vijabbli tal-azjendi agrikoli u r-reżiljenza tagħhom fl-Unjoni kollha***, filwaqt li titreġġa' lura x-xejra tat-telf tal-bdiewa u tal-istrutturi tal-biedja,*** biex ***tiġi żgurata s-sigurtà*** tal-ikel |

| | |
|---|---|
| | ***fit-tul u jiġu żgurati provvisti ta' għalf u tal-ikel ta' kwalità għolja***; |

**Emenda 54**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt aa (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(aa) tinkiseb gradwalment konverġenza esterna sħiħa bejn l-Istati Membri;*** |

**Emenda 55**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) tissaħħaħ l-orjentazzjoni lejn ***is-suq*** u tiżdied il-kompetittività inkluż permezz ta' aktar ***enfasi*** fuq ir-riċerka, ***it-teknoloġija*** u d-diġitalizzazzjoni; | (b) tissaħħaħ l-orjentazzjoni ***tas-suq*** lejn ***swieq differenti li jinkludu swieq lokali jew reġjonali,*** u tiżdied il-kompetittività inkluż permezz ta' aktar ***konċentrazzjoni*** fuq ir-riċerka, ***it-tixrid ta' forom sostenibbli ta' produzzjonijiet, tekniki, għodod*** u d-diġitalizzazzjoni ***kif ukoll aċċess imtejjeb għat-teknoloġija l-aktar avvanzata***; |

**Emenda 56**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt d**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (d) jingħata kontribut lill-mitigazzjoni u ***l-adattament*** għat-tibdil fil-klima***, kif ukoll lill-enerġija sostenibbli***; | (d) jingħata kontribut ***lit-tnaqqis tal-gassijiet serra,*** lill-mitigazzjoni u ***lill-adattament*** għat-tibdil fil-klima; |

**Emenda 57**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt e**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| (e) jitrawwem l-iżvilupp sostenibbli u l-ġestjoni effiċjenti tar-riżorsi naturali bħall-ilma, il-ħamrija u l-arja; | (e) jitrawwem l-iżvilupp sostenibbli u l-ġestjoni effiċjenti***, il-protezzjoni u t-titjib*** tar-riżorsi naturali bħall-ilma, il-ħamrija u l-arja; |

**Emenda 58**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt f**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| (f) jingħata kontribut lill-protezzjoni tal-bijodiversità, jissaħħu s-servizzi tal-ekosistema u jiġu preservati l-ħabitats u l-pajsaġġi; | (f) jingħata kontribut lill-protezzjoni tal-bijodiversità, jissaħħu s-servizzi tal-ekosistema***, b'mod speċjali l-ħamrija,*** u jiġu preservati l-ħabitats u l-pajsaġġi; |

**Emenda 59**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt g**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| (g) ***jiġu*** attirati bdiewa żgħażagħ u jiġi ffaċilitat l-iżvilupp tan-negozju fiż-żoni rurali; | (g) ***jittejjeb it-tiġdid ġenerazzjonali u jiġu*** attirati bdiewa żgħażagħ ***u ġodda*** u jiġi ffaċilitat l-iżvilupp tan-negozju fiż-żoni rurali; |

**Emenda 60**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt ga (ġdid)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***(ga) jiġu appoġġati opportunitajiet indaqs fiż-żoni rurali permezz ta' miżuri speċifiċi li jappoġġaw u jirrikonoxxu l-ħidma tan-nisa fl-agrikoltura, fit-trobbija tal-annimali, fl-artiġjanat, fit-turiżmu u fis-servizzi lokali f'żoni rurali;*** |

**Emenda 61**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt h**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (h) jiġu promossi l-impjiegi, it-tkabbir, l-inklużjoni soċjali u l-iżvilupp lokali fiż-żoni rurali, inkluż il-bijoekonomija u l-forestrija sostenibbli; | (h) jiġu promossi l-impjiegi ***diċenti, id-diversifikazzjoni tal-attivitajiet***, it-tkabbir, l-inklużjoni soċjali u l-iżvilupp lokali fiż-żoni rurali, inkluż il-bijoekonomija u l-forestrija sostenibbli; |

**Emenda 62**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt ia (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ia) jitnaqqsu l-faqar u l-esklużjoni fiż-żoni rurali;*** |

**Emenda 63**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt ib (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ib) jittejbu s-servizzi u l-infrastrutturi bażiċi fiż-żoni rurali;*** |

**Emenda 64**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. ***Meta jsegwu*** l-objettivi speċifiċi l-Istati Membri għandhom jiżguraw ***is-simplifikazzjoni u l-prestazzjoni*** tal-appoġġ tal-PAK. | 2. ***Bil-għan li jintlaħqu*** l-objettivi speċifiċi***, il-Kummissjoni u*** l-Istati Membri għandhom jiżguraw ***li l-piż amministrattiv*** tal-appoġġ tal-PAK ***jitnaqqas kemm jista'*** |

*jkun*.

**Emenda 65**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 7 – paragrafu 1 – subparagrafu 2a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***L-Istati Membri jistgħu jissupplimentaw l-indikaturi tal-output u l-indikaturi tar-riżultati stabbiliti fl-Anness I permezz ta' tqassim aktar dettaljat tagħhom, sabiex jaġġustawhom għall-karatteristiċi partikolari tal-pjanijiet strateġiċi nazzjonali u reġjonali tagħhom.*** |

**Emenda 66**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 7 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***2. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 138 li jemendaw l-Anness I biex jiġu adattati l-indikaturi komuni tal-output, tar-riżultati u tal-impatti biex titqies l-esperjenza bl-applikazzjoni tagħhom u, fejn meħtieġ, biex jiżdiedu indikaturi oħrajn ġodda.*** | ***imħassar*** |

*Ġustifikazzjoni*

*L-indikaturi għandhom ikunu sempliċi, proporzjonali u rilevanti għall-miri tal-PAK. L-indikaturi tar-riżultati ta' politika miksuba għandhom ikunu ċari għall-Istati Membri mill-mument li jiġi maqbul ir-regolament. Li dawn jiġu emendati permezz ta' atti delegati ma jkun la kosteffiċjenti u lanqas f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà.*

**Emenda 67**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 8 − paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri għandhom isegwu l-objettivi stabbiliti fit-Titolu II billi jispeċifikaw l-interventi bbażati fuq it-tipi ta' interventi stabbiliti fil-Kapitoli II, III u IV ta' dan it-Titolu ***skont ir-rekwiżiti*** komuni stabbiliti f'dan il-Kapitolu. | L-Istati Membri ***u, meta jkun xieraq, ir-reġjuni*** għandhom isegwu l-objettivi stabbiliti fit-Titolu II billi jispeċifikaw l-interventi bbażati fuq it-tipi ta' interventi stabbiliti fil-Kapitoli II, III u IV ta' dan it-Titolu ***f'konformità mar-rekwiżiti*** komuni stabbiliti f'dan il-Kapitolu. ***Ir-reġjuni għandhom ikunu jistgħu jispeċifikaw l-interventi stabbiliti fil-Kapitolu IV taħt il-Programmi ta' Intervent Reġjonali stipulati fl-Artikolu 95a.*** |

**Emenda 68**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri għandhom ifasslu l-interventi tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom f'konformità mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u l-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni. | L-Istati Membri***, meta jkun applikabbli, f'kollaborazzjoni mar-reġjuni,*** għandhom ifasslu l-interventi tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom f'konformità mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u l-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni. |

**Emenda 69**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 9a*** |
| | ***Promozzjoni tal-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa u n-nondiskriminazzjoni*** |
| | ***L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jiżguraw li l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa u l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ugwaljanza bejn is-sessi jiġu meqjusa u promossi tul it-tħejjija u l-implimentazzjoni tal-pjanijiet strateġiċi tal-PAK, inkluż fir-rigward tal-*** |

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***monitoraġġ, ir-rappurtar u l-evalwazzjoni. L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jieħdu l-passi xierqa sabiex jipprevjenu kwalunkwe diskriminazzjoni abbażi ta' sess, ta' oriġini razzjali jew etnika, ta' reliġjon jew twemmin, ta' diżabbiltà, ta' età jew ta' orjentazzjoni sesswali matul it-tħejjija u l-implimentazzjoni tal-pjanijiet strateġiċi tal-PAK. B'mod partikolari, l-aċċessibbiltà għal persuni b'diżabbiltà għandha titqies matul it-tħejjija u l-implimentazzjoni tal-pjanijiet strateġiċi tal-PAK.*** |

**Emenda 70**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 9b*** |
| | ***Żvilupp sostenibbli*** |
| | ***L-objettivi tal-pjanijiet strateġiċi tal-PAK għandhom jiġu segwiti f'konformità mal-prinċipju tal-iżvilupp sostenibbli u mal-promozzjoni tal-Unjoni tal-għan tal-preservazzjoni, tal-ħarsien u tat-titjib tal-kwalità tal-ambjent, kif stabbilit fl-Artikolu 11 u fl-Artikolu 191(1) tat-TFUE, filwaqt li jitqies il-prinċipju ta' min iniġġeż iħallas. L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jiżguraw li r-rekwiżiti tal-ħarsien ambjentali, l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija, il-mitigazzjoni u l-adattament tat-tibdil fil-klima, il-bijodiversità, ir-reżiljenza għad-diżastri u l-prevenzjoni u l-ġestjoni tar-riskju jiġu promossi fit-tħejjija u fl-implimentazzjoni tal-objettivi speċifiċi tal-PAK. L-interventi għandhom ikunu ppjanati u mwettqa f'konformità mal-prinċipju tal-koerenza tal-politika għall-iżvilupp kif stabbilit fl-Artikolu 208 tat-TFUE.*** |

**Emenda 71**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 11 – paragrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) il-klima u l-ambjent; | (a) il-klima***, il-bijodiversità*** u l-ambjent; |

**Emenda 72**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 11 – paragrafu 1 – punt ca (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ca) ir-rispett għad-drittijiet soċjali tal-impjegati agrikoli.*** |

**Emenda 73**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 12 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li ż-żoni agrikoli kollha, inkluża l-art li ma tkunx għadha tintuża għal skopijiet ta' produzzjoni, tinżamm f'kundizzjoni agrikola u ambjentali tajba. ***L-Istati Membri*** għandhom ***jiddefinixxu***, fuq il-livell nazzjonali ***jew reġjonali***, l-istandards minimi għall-benefiċjarji għall-kundizzjoni agrikola u ambjentali tajba tal-art f'konformità mal-objettiv ewlieni tal-istandards kif imsemmi fl-Anness III, billi jqisu ***l-karatteristiċi*** speċifiċi ***taż-żoni kkonċernati, inklużi l-ħamrija u l-kundizzjoni klimatika***, ***is-sistemi*** eżistenti tal-biedja, l-użu tal-artijiet, in-newba, il-prattiki tal-biedja u l-istrutturi tal-azjendi agrikoli. | 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li ż-żoni agrikoli kollha, inkluża l-art li ma tkunx għadha tintuża għal skopijiet ta' produzzjoni, tinżamm f'kundizzjoni agrikola u ambjentali tajba. ***B'dak l-għan f'moħħhom, huma*** għandhom***, b'mod partikolari jfittxu li jistabbilixxu***, fuq il-livell nazzjonali***, reġjonali – u meta jkun xieraq, sottoreġjonali***, l-istandards minimi għall-benefiċjarji għall-kundizzjoni agrikola u ambjentali tajba tal-art f'konformità mal-objettiv ewlieni tal-istandards kif imsemmi fl-Anness III, billi jqisu ***l-kundizzjonijiet*** speċifiċi ***tal-ħamrija u tal-klima taż-żoni kkonċernati***, ***bħas-sistemi*** eżistenti tal-biedja, l-użu tal-artijiet, in-newba ***tal-għelejjel***, il-prattiki tal-biedja u l-istrutturi |

tal-azjendi agrikoli.

**Emenda 74**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 13 – paragrafu 4 – punt fa (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(fa) l-istabbiliment tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi u l-appoġġ għall-iżvilupp tagħhom.*** |

**Emenda 75**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 13 – paragrafu 4 – punt fb (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(fb) id-diversifikazzjoni u l-iżvilupp tal-katini tal-provvista deċentralizzati tal-ikel u tal-biedja.*** |

**Emenda 76**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 13 – paragrafu 4 – punt fc (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(fc) l-Għodda għas-Sostenibbiltà tal-Azjendi Agrikoli għan-Nutrijenti. L-għodda trid tipprovdi tal-inqas l-elementi u l-funzjonalitajiet li ġejjin:*** |
| | ***a) Elementi*** |
| | ***– L-informazzjoni rilevanti tal-azjenda agrikola abbażi tal-LPIS u tas-SIAK;*** |
| | ***– L-informazzjoni mill-kampjunar tal-ħamrija, fuq skala spazjali u temporali xierqa;*** |

| | |
|---|---|
| | ***– L-informazzjoni dwar il-prattiki ta' ġestjoni rilevanti, l-għelejjel li tkabbru fil-passat u l-miri għar-rendiment;*** |
| | ***– L-indikazzjonijiet dwar il-limiti u r-rekwiżiti legali rilevanti għall-ġestjoni tan-nutrijenti fl-azjenda agrikola;*** |
| | ***– Baġit sħiħ tan-nutrijenti.*** |
| | ***b) Funzjonalitajiet*** |
| | ***– L-integrazzjoni awtomatika tad-data minn diversi sorsi (LPIS u SIAK, data ġġenerata mill-bdiewa, analiżijiet tal-ħamrija, eċċ.) kemm jista' jkun, biex tiġi evitata d-duplikazzjoni tal-input tad-data;*** |
| | ***– Hija permessa l-komunikazzjoni reċiproka bejn il-PA/AĠ u l-bdiewa;*** |
| | ***– Il-modularità u l-possibbiltà li jiġu appoġġati aktar objettivi tas-sostenibbiltà (eż. il-ġestjoni tal-emissjonijiet, il-ġestjoni tal-ilma)*** |
| | ***– Ir-rispett tal-prinċipji tal-interoperabbiltà, tal-ftuħ u tal-użu mill-ġdid fir-rigward tad-data tal-UE;*** |
| | ***– Garanziji għas-sigurtà u għall-privatezza tad-data f'konformità mal-aħjar standards attwali.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*L-elementi u l-funzjonalitajiet tal-Għodda għas-Sostenibbiltà tal-Azjendi Agrikoli għan-Nutrijenti għandhom jiġu inklużi fl-att bażiku.*

**Emenda 77**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 15 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri għandhom inaqqsu l-ammont tal-pagamenti diretti li jridu jingħataw lil bidwi skont dan il-Kapitolu għal sena kalendarja speċifika li jaqbżu s-EUR 60 000 ***kif ġej***. | 1. L-Istati Membri għandhom inaqqsu l-ammont tal-pagamenti diretti li jridu jingħataw lil bidwi skont dan il-Kapitolu għal sena kalendarja speċifika li jaqbżu s-EUR 60 000. |

***(a) b'mill-inqas 25 % għall-firxa bejn EUR 60 000 u EUR 75 000;***

***(b) b'mill-inqas 50 % għall-firxa bejn EUR 75 000 u EUR 90 000;***

***(c) b'mill-inqas 75 % għall-firxa bejn EUR 90 000 u EUR 100 000;***

***(d) b'100 % għall-ammont li jaqbeż EUR 100 000.***

*Ġustifikazzjoni*

*Id-degressjoni/l-iffissar ta' limiti fir-rigward tal-pagamenti diretti jwasslu għal inċentivi irregolari li ma jappoġġawx l-iżvilupp strutturali tal-azjendi agrikoli. Id-degressjoni tal-pagamenti diretti ogħla minn EUR 60 000 ma tkunx tolqot biss lill-unitajiet estremament kbar, iżda wkoll lil dawk ta' daqs medju li ppruvaw jinvestu u jikbru. Jekk implimentati, il-limiti massimi proposti fl-Artikolu 15 jistgħu joħolqu wkoll inċentivi biex l-azjendi agrikoli jinqasmu b'modi li ma jistgħux jitqiesu xierqa. Il-kalkolu tas-salarji u tal-kontribuzzjonijiet relatati jkun jikkawża piż amministrattiv kemm fuq il-bdiewa kif ukoll fuq l-Istati Membri. Hemm bżonn semplifikazzjoni.*

**Emenda 78**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 15 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) is-salarji marbuta ***ma' attività agrikola ddikjarata*** mill-bidwi, inkluż it-taxxi u l-kontribuzzjonijiet soċjali relatati mal-impjiegi; and | (a) is-salarji marbuta ***mal-attivitajiet agrikoli u mal-attivitajiet relatati dikjarati*** mill-bidwi, inkluż it-taxxi u l-kontribuzzjonijiet soċjali relatati mal-impjiegi; u |

**Emenda 79**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 15 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) l-ispiża ekwivalenti ta' xogħol regolari u mhux imħallas marbut ma' ***attività agrikola pprattikata*** minn persuni li jaħdmu fl-azjenda agrikola kkonċernata li ma jirċevux salarju, jew li jirċievu inqas | (b) l-ispiża ekwivalenti ta' xogħol regolari u mhux imħallas marbut ma' ***attivitajiet agrikoli u ma' attivitajiet relatati prattikati*** minn persuni li jaħdmu fl-azjenda agrikola kkonċernata li ma |

| | |
|---|---|
| rimunerazzjoni mill-ammont normalment imħallas għas-servizzi mogħtija, iżda jiġu ppremjati permezz tar-riżultat ekonomiku tan-negozju agrikolu. | jirċevux salarju, jew li jirċievu inqas rimunerazzjoni mill-ammont normalment imħallas għas-servizzi mogħtija, iżda jiġu ppremjati permezz tar-riżultat ekonomiku tan-negozju agrikolu. |

**Emenda 80**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 15 – paragrafu 2 – subparagrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Sabiex jikkalkulaw l-ammonti msemmija fil-punti a) u b), l-Istati Membri għandhom jużaw ***is-salarji standard medji*** marbuta ma' attività agrikola fil-livell nazzjonali jew reġjonali mmultiplikati bin-numru ta' unitajiet annwali ta' xogħol iddikjarati mill-bidwi kkonċernat. | Sabiex jikkalkulaw l-ammonti msemmija fil-punti a) u b), l-Istati Membri għandhom jużaw ***l-ispiża reali tax-xogħol u s-salarji*** marbuta ma' attività agrikola ***jew ma' attività relatata*** fil-livell nazzjonali jew reġjonali mmultiplikati bin-numru ta' unitajiet annwali ta' xogħol iddikjarati mill-bidwi kkonċernat. |

**Emenda 81**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 15 – paragrafu 3a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3a. L-ebda vantaġġ li jikkonsisti fl-evitar tat-tnaqqis tal-pagamenti ma għandu jingħata lil dawk il-bdiewa li dwarhom jiġi stabbilit li jkunu ħolqu artifiċjalment il-kundizzjonijiet biex jevitaw l-effetti ta' dan l-Artikolu.*** |

**Emenda 82**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 15 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 138 li jissupplementaw dan ir-Regolament | 4. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 138 li jissupplementaw dan ir-Regolament |

| | |
|---|---|
| b'regoli li jistabbilixxu bażi armonizzata għall-kalkolu tat-tnaqqis tal-pagamenti stabbilit fil-paragrafu 1 ***sabiex tiġi żgurata distribuzzjoni korretta tal-fondi lill-benefiċjarji intitolati***. | b'regoli li jistabbilixxu bażi armonizzata għall-kalkolu tat-tnaqqis tal-pagamenti stabbilit fil-paragrafu 1. |

**Emenda 83**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 16 – paragrafu 2 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu livell limitu tal-erja u jagħtu pagamenti diretti diżakkoppjati biss lill-bdiewa ġenwini li l-erja eliġibbli tal-azjenda tagħhom li għaliha qed jintalbu l-pagamenti diretti diżakkoppjati taqbeż dan il-limitu tal-erja. | L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu livell limitu tal-erja u jagħtu pagamenti diretti diżakkoppjati biss lill-bdiewa ġenwini li l-erja eliġibbli tal-azjenda tagħhom li għaliha ***jkunu*** qed jintalbu l-pagamenti diretti diżakkoppjati taqbeż dan il-limitu tal-erja ***. Dan il-limitu għandu jipprovdi valuri speċifiċi għall-biedja urbana.*** |

**Emenda 84**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 22 – paragrafu 4 – punt ba (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ba) bdiewa oħra, identifikati abbażi ta' kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji, li, skont il-valutazzjoni tal-ħtiġijiet deskritti fl-Artikolu 96, huma aktar vulnerabbli jew rilevanti għall-ilħuq tal-objettivi speċifiċi stipulati fl-Artikolu 6, b'attenzjoni partikolari għall-inklużjoni tan-nisa fil-biedja bħala kriterju ta' prijoritizzazzjoni.*** |

**Emenda 85**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 25 – paragrafu 1**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| L-Istati Membri jistgħu jagħtu pagamenti lill-bdiewa żgħar kif definit mill-Istati Membri permezz ta' somma f'daqqa ***għall-eqreb numru sħiħ***, li ***tissosstitwixxi*** l-pagamenti diretti taħt din it-Taqsima u t-Taqsima 3 ta' dan il-Kapitolu. L-Istati Membri għandhom ifasslu l-intervent korrispondenti fil-Pjan Strateġiku tal-PAK bħala wieħed fakultattiv għall-bdiewa. | L-Istati Membri jistgħu jagħtu pagamenti lill-bdiewa żgħar kif definit mill-Istati Membri permezz ta' somma f'daqqa ***jew ammont għal kull ettaru***, li ***jissosstitwixxu*** l-pagamenti diretti taħt din it-Taqsima u t-Taqsima 3 ta' dan il-Kapitolu. L-Istati Membri għandhom ifasslu l-intervent korrispondenti fil-Pjan Strateġiku tal-PAK bħala wieħed fakultattiv għall-bdiewa. |

**Emenda 86**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 27 – paragrafu 1**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri jistgħu jipprevedu appoġġ għall-introjtu ***komplementarju*** għall-bdiewa żgħażagħ bil-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u kif speċifikat aktar fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom. | 1. L-Istati Membri jistgħu jipprevedu appoġġ għall-introjtu ***komplementari*** għall-bdiewa żgħażagħ***, definit skont il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 4(1)(d),*** bil-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u kif speċifikat aktar fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom. |

**Emenda 87**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 27 – paragrafu 2**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| 2. Bħala parti mill-obbligi tagħhom biex jikkontribwixxu għall-objettiv speċifiku "nattiraw il-bdiewa żgħażagħ u niffaċilitaw l-iżvilupp tan-negozju fiż-żoni rurali" stabbilit fil-punt (g) tal-Artikolu 6(1) u biex jiddedikaw mill-inqas 2 % tal-allokazzjonijiet tagħhom ***tal-pagamenti*** diretti għal dan l-objettiv skont l-Artikolu 86(4), l-Istati Membri jistgħu jipprovdu appoġġ għall-introjtu ***komplementarju*** għall-bdiewa żgħażagħ ***li għadhom kif twaqqfu għall-ewwel darba u*** | 2. Bħala parti mill-obbligi tagħhom biex jikkontribwixxu għall-objettiv speċifiku "nattiraw il-bdiewa żgħażagħ u ***ġodda u*** niffaċilitaw l-iżvilupp tan-negozju fiż-żoni rurali" stabbilit fil-punt (g) tal-Artikolu 6(1) u biex jiddedikaw mill-inqas 2 % tal-allokazzjonijiet tagħhom ***għall-pagamenti*** diretti għal dan l-objettiv skont l-Artikolu 86(4), l-Istati Membri jistgħu jipprovdu appoġġ għall-introjtu ***komplementari*** għall-bdiewa żgħażagħ li huma intitolati għal pagament taħt l- |

| | |
|---|---|
| li huma intitolati għal pagament taħt l-appoġġ għall-introjtu bażiku kif imsemmi fl-Artikolu 17. | appoġġ għall-introjtu bażiku kif imsemmi fl-Artikolu 17. |

**Emenda 88**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 27 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. L-appoġġ għall-introjtu ***komplementarju*** għall-bdiewa żgħażagħ għandu jieħu l-forma ta' pagament diżakkoppjat annwali għal kull ettaru eliġibbli. | 3. L-appoġġ għall-introjtu ***komplementari*** għall-bdiewa żgħażagħ għandu ***jingħata għal perjodu massimu ta' seba' snin u għandu*** jieħu l-forma ta' pagament diżakkoppjat annwali għal kull ettaru eliġibbli***; dan jista' jiġi kkalkulat fuq bażi nazzjonali jew f'konformità mat-territorji definiti fl-Artikolu 18(2)***. |

**Emenda 89**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 27 – paragrafu 3a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3a. L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu dispożizzjonijiet speċifiċi relatati mal-bdiewa żgħażagħ li jappartjenu għall-organizzazzjonijiet tal-produtturi jew għall-kooperattivi sabiex ma jitilfux l-appoġġ f'konformità ma' dan l-Artikolu meta jingħaqdu ma' tali entitajiet.*** |

**Emenda 90**

**Proposta għal regolament**
**Titolu 3 – kapitolu 2 – taqsima 2 – sottotaqsima 4 – titolu**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Skemi għall-klima u għall-ambjent | Skemi għall-klima***, għall-bijodiversità*** u għall-ambjent |

**Emenda 91**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 28 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri ***għandhom*** jipprevedu appoġġ għall-iskemi volontarji għall-klima u għall-ambjent ("ekoskemi") ***bil-kundizzjonijiet*** stabbiliti f'dan l-Artikolu u kif speċifikat aktar fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom. | 1. L-Istati Membri ***jistgħu*** jipprevedu appoġġ għall-iskemi volontarji għall-klima u għall-ambjent ("ekoskemi") ***skont il-kundizzjonijiet*** stabbiliti f'dan l-Artikolu u kif speċifikat aktar fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom. |

**Emenda 92**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 28 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Taħt dan it-tip ta' intervent l-Istati Membri għandhom jappoġġaw lill-bdiewa ġenwini li jieħdu impenji biex josservaw, fuq ettari eliġibbli, il-prattiki agrikoli li huma ta' benefiċċju għall-klima u għall-ambjent. | 2. Taħt dan it-tip ta' intervent l-Istati Membri għandhom jappoġġaw lill-bdiewa ġenwini li jieħdu impenji biex josservaw, fuq ettari eliġibbli, il-prattiki agrikoli li huma ta' benefiċċju għall-klima***, għall-bijodiversità, kemm selvaġġa kif ukoll agrikola,*** u għall-ambjent. |

**Emenda 93**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 28 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. ***L-Istati*** Membri għandhom jistabbilixxu l-lista ta' prattiki agrikoli li huma ta' benefiċċju għall-klima u għall-ambjent. | 3. ***Għall-fini tal-għoti ta' appoġġ skont dan l-Artikolu, l-Istati*** Membri***, meta jkun xieraq, f'kollaborazzjoni mar-reġjuni,*** għandhom jistabbilixxu l-lista ta' prattiki agrikoli li huma ta' benefiċċju għall-klima u għall-ambjent. ***Dawk il-prattiki għandhom jitfasslu biex jissodisfaw wieħed jew aktar mill-objettivi speċifiċi relatati mal-ambjent u mal-klima*** |

| | |
|---|---|
| | ***stipulati fil-punti (d), (e) u (f) tal-Artikolu 6(1).*** |

**Emenda 94**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 28 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***4. Dawk il-prattiki għandhom jitfasslu biex jissodisfaw wieħed jew aktar mill-objettivi speċifiċi relatati mal-ambjent u mal-klima stipulati fil-punti (d), (e) u (f) tal-Artikolu 6(1).*** | ***imħassar*** |

**Emenda 95**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 28 – paragrafu 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 7. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-interventi skont dan l-Artikolu jkunu konsistenti ma' dawk mogħtija skont l-Artikolu 65. | 7. L-Istati Membri***, meta jkun xieraq, f'kollaborazzjoni mar-reġjuni,*** għandhom jiżguraw li l-interventi skont dan l-Artikolu jkunu konsistenti ma' dawk mogħtija skont l-Artikolu 65. |

**Emenda 96**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 28 – paragrafu 8**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***8. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 138 li jissuplimentaw dan ir-Regolament b'regoli oħra dwar l-ekoskemi.*** | ***imħassar*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Jenħtieġ li r-regoli neċessarji kollha jkunu stabbiliti fir-regolament bażiku. Dan ikun importanti peress li d-deċiżjonijiet dwar dawn il-kwistjonijiet għandhom isiru fil-livell tal-*

*Kunsill u tal-Parlament. Barra minn hekk, meta jitħejjew il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK, għandhom ikunu magħrufa r-regoli rilevanti kollha tal-UE.*

**Emenda 97**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 60 – paragrafu 1 – punt a – punt i**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (i) il-konservazzjoni tal-ħamrija, inkluż it-tisħiħ tal-karbonju fil-ħamrija; | (i) il-konservazzjoni tal-ħamrija, inkluż it-tisħiħ ***tal-abbiltà tal-ħamrija li żżomm l-ilma u ż-żieda tal-kontenut*** tal-karbonju fil-ħamrija; |

**Emenda 98**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 60 – paragrafu 1 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) is-servizzi konsultattivi u l-assistenza teknika, b'mod partikolari fir-rigward tal-adattament għat-tibdil fil-klima ***u l-mitigazzjoni tiegħu***; | (b) is-servizzi konsultattivi u l-assistenza teknika, b'mod partikolari fir-rigward tal-adattament għat-tibdil fil-klima; |

**Emenda 99**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 60 – paragrafu 1 – punt f**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (f) il-promozzjoni, il-komunikazzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni inkluż azzjonijiet u attivitajiet immirati b'mod partikolari lejn is-sensibilizzazzjoni tal-konsumaturi dwar l-iskemi ta' kwalità tal-Unjoni u l-importanza tad-dieti tajbin għas-saħħa, u lejn id-diversifikazzjoni ***tas-swieq***; | (f) il-promozzjoni, il-komunikazzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni inkluż azzjonijiet u attivitajiet immirati b'mod partikolari lejn is-sensibilizzazzjoni tal-konsumaturi dwar l-iskemi ta' kwalità tal-Unjoni u l-importanza tad-dieti tajbin għas-saħħa, u lejn id-diversifikazzjoni ***tal-attivitajiet agrikoli, inkluża l-produzzjoni ta' prodotti agrikoli b'karatteristiċi lokali u reġjonali, u attivitajiet relatati mal-biedja bħall-agrituriżmu u l-forestrija***; |

**Emenda 100**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 64 – paragrafu 1 – punt d**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (d) investimenti; | (d) investimenti***, b'mod partikolari fl-infrastruttura rurali***; |

**Emenda 101**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 64 – paragrafu 1 – punt e**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (e) l-installazzjoni tal-bdiewa żgħażagħ u ***l-bidu tan-negozji*** rurali; | (e) l-installazzjoni tal-bdiewa żgħażagħ***, bdiewa ġodda, negozji rurali li għadhom jibdew*** u ***skalar ta' intrapriżi*** rurali ***mikro u żgħar***; |

**Emenda 102**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 64 – paragrafu 1 – punt ea (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ea) appoġġ għan-nisa fiż-żoni rurali;*** |

**Emenda 103**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 64 – paragrafu 1 – punt ha (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ha) żvilupp tal-Istrateġija għall-Irħula Intelliġenti;*** |

**Emenda 104**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 67 – paragrafu 3 – punt ca (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ca) żoni muntanjużi u żoni oħra li huma żvantaġġati f'termini ta' altitudni, inklinazzjoni, faqar tal-ħamrija, klima jew fatturi oħra.*** |

**Emenda 105**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 67 – paragrafu 5a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***5a. żoni iżolati jew relattivament inaċċessibbli*** |

**Emenda 106**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 68 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu lista ta' investimenti u kategoriji ta' nefqa mhux eliġibbli, inkluż mill-inqas dawn li ġejjin: | L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu lista ***mhux eżawrijenti*** ta' investimenti u kategoriji ta' nefqa mhux eliġibbli, inkluż mill-inqas dawn li ġejjin: |

*Ġustifikazzjoni*

*Se jkun ta' sfida li titfassal lista komprensiva ta' investimenti ineliġibbli. Kull investiment li mhuwiex fil-lista huwa aċċettabbli? Ikun aktar għaqli li titfassal lista direzzjonali ta' investimenti ineliġibbli.*

**Emenda 107**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 68 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) ix-xiri ta' art għajr ix-xiri tal-art għall-konservazzjoni ambjentali jew l-art mixtrija minn bdiewa żgħażagħ permezz tal-użu ta' strumenti finanzjarji; | (c) ix-xiri ta' art ***għal ammont li jaqbeż 10 % tal-ispiża eliġibbli totali għall-operazzjoni kkonċernata*** għajr ix-xiri tal-art għall-konservazzjoni ambjentali***,*** jew l-art mixtrija minn bdiewa żgħażagħ ***jew ġodda*** permezz tal-użu ta' strumenti finanzjarji; |

**Emenda 108**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 68 – paragrafu 4 – subparagrafu 2 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) investimenti fis-servizzi bażiċi fiż-żoni rurali; | (b) investimenti fis-servizzi bażiċi ***pubbliċi u privati*** fiż-żoni rurali ***inkluż fid-diġitalizzazzjoni***; |

**Emenda 109**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 68 – paragrafu 4 – subparagrafu 2 – punt ca (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ca) investimenti appoġġati permezz ta' strateġiji ta' żvilupp lokali mmexxija mill-komunità definiti fl-Artikolu 26 [ir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni].*** |

**Emenda 110**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 68 – paragrafu 4 – subparagrafu 2 – punt cb (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(cb) investimenti li jsiru minn bdiewa żgħażagħ;*** |

**Emenda 111**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 68 – paragrafu 4 – subparagrafu 2 – punt cc (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(cc) investimenti agrikoli f'żoni b'limitazzjonijiet naturali jew limitazzjonijiet oħrajn speċifiċi għaż-żona.*** |

**Emenda 112**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 69 – titolu**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Installazzjoni tal-bdiewa żgħażagħ u ***l-bidu tan-negozji*** rurali | Installazzjoni tal-bdiewa żgħażagħ***, bdiewa ġodda, skemi ta' rtirar bikri, negozji rurali li għadhom jibdew*** u ***skalar ta' intrapriżi*** rurali ***mikro u żgħar;*** |

**Emenda 113**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 69 − paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri jistgħu jagħtu appoġġ għall-installazzjoni tal-bdiewa żgħażagħ u ***l-bidu tan-negozji*** rurali bil-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u kif speċifikat aktar fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom bl-għan li jikkontribwixxu għall-kisba ***tal-objettivi*** speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 6. | 1. L-Istati Membri jistgħu jagħtu appoġġ għall-installazzjoni tal-bdiewa żgħażagħ***, tal-bdiewa ġodda, tal-iskemi ta' rtirar bikri, tal-bidu tan-negozji rurali*** u ***l-iskalar ta' intrapriżi*** rurali ***mikro u żgħar li joħolqu u jsostnu l-impjiegi*** bil-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u kif speċifikat aktar fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom bl-għan li jikkontribwixxu għall-kisba ***ta' wieħed jew aktar mill-objettivi*** speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 6. |

**Emenda 114**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 69 – paragrafu 2 – punt aa (ġdid)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***(aa) l-installazzjoni ta' bdiewa ġodda;*** |

**Emenda 115**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 69 – paragrafu 2 – punt ab (ġdid)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***(ab) L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu dispożizzjonijiet speċifiċi għall-bdiewa żgħażagħ li jingħaqdu ma' organizzazzjonijiet tal-produtturi jew ma' strutturi kooperattivi bil-għan li ma jitilfux l-għajnuna għall-istabbiliment. Tali dispożizzjonijiet għandhom jirrispettaw il-prinċipju tal-proporzjonalità u jidentifikaw il-parteċipazzjoni tal-bidwi żagħżugħ fl-organizzazzjoni tal-produtturi jew fl-istruttura ta' kooperazzjoni.*** |

**Emenda 116**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 69 – paragrafu 2 – punt b**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| (b) fil-bidu ***tan-negozju*** rurali ***marbut*** mal-agrikoltura u ***l-forestrija*** jew ***fid-diversifikazzjoni*** tal-introjtu tal-unitajiet domestiċi agrikoli; | (b) fil-bidu ***ta' negozju*** rurali ***u l-iskalar tal-intrapriżi rurali mikro u żgħar marbuta*** mal-agrikoltura***, il-bijoekonomija forestali, l-ekonomija ċirkolari, it-turiżmu*** u ***setturi oħra f'żoni rurali*** jew ***id-diversifikazzjoni*** tal-introjtu tal-unitajiet domestiċi agrikoli; |

**Emenda 117**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 69 – paragrafu 2 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) fil-bidu tan-negozju ta' attivitajiet mhux agrikoli fiż-żoni rurali li jkunu parti minn strateġiji ta' żvilupp lokali. | (c) fil-bidu tan-negozju ***u l-iskalar tal-intrapriżi rurali mikro u żgħar*** ta' attivitajiet mhux agrikoli fiż-żoni rurali li jkunu parti minn strateġiji ta' żvilupp lokali ***min-naħa ta' bdiewa li jiddiversifikaw l-attivitajiet tagħhom, kif ukoll intrapriżi mikro u żgħar u persuni fiżiċi minn żoni rurali***. |

**Emenda 118**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 69 – paragrafu 2 – punt ca (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ca) skemi ta' rtirar bikri għall-bdiewa.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Sabiex jitħaffef il-proċess ta' tiġdid ġenerazzjonali fost il-bdiewa, l-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jagħtu appoġġ taħt dan l-intervent anke għal skemi ta' rtirar bikri għall-bdiewa li jkunu qed jittrasferixxu l-azjenda tagħhom lill-bdiewa żgħażagħ.*

**Emenda 119**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 69 – paragrafu 4a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***4a. L-Istati Membri jistgħu jagħtu sa terz tal-ammont mill-punt preċedenti għall-iskemi ta' rtirar bikri għall-bdiewa, kif speċifikat aktar fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Għal tiġdid ġenerazzjonali aktar rapidu, l-Istati Membri għandu jkollhom il-possibbiltà li jistabbilixxu skemi ta' rtirar bikri, li għandhom ikunu parzjalment finanzjati mill-appoġġ finanzjarju għall-bdiewa żgħażagħ.*

**Emenda 120**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 70 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri ***għandhom*** jagħtu appoġġ għall-għodod għall-ġestjoni tar-riskju bil-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u kif speċifikat aktar fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom. | 1. L-Istati Membri ***jistgħu*** jagħtu appoġġ għall-għodod għall-ġestjoni tar-riskju bil-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u kif speċifikat aktar fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom. |

**Emenda 121**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 70 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. L-Istati Membri ***għandhom*** jagħtu appoġġ taħt dan it-tip ta' interventi sabiex jippromwovu l-għodod għall-ġestjoni tar-riskju, li jgħinu lill-bdiewa ġenwini jiġġestixxu r-riskji tal-produzzjoni u tal-introjtu marbuta mal-attività agrikola tagħhom li ***jmorru*** lil hinn mill-kontroll tagħhom u li jikkontribwixxu għall-kisba tal-objettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 6. | 2. L-Istati Membri ***jistgħu*** jagħtu appoġġ taħt dan it-tip ta' interventi sabiex jippromwovu l-għodod għall-ġestjoni tar-riskju, li jgħinu lill-bdiewa ġenwini jiġġestixxu r-riskji tal-produzzjoni u tal-introjtu marbuta mal-attività agrikola tagħhom li ***ma jkunux previsti*** lil hinn mill-kontroll tagħhom u li jikkontribwixxu għall-kisba tal-objettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 6. |

**Emenda 122**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 70 – paragrafu 4 – punt ca (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ca) flus pubbliċi għandhom jingħataw għal primjum tal-assigurazzjoni biss jekk benefiċjarju jimpenja ruħu li jimplimenta miżuri ta' mitigazzjoni biex jimminimizza (l-esponiment għal) ir-riskju tiegħu.*** |

**Emenda 123**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 70 – paragrafu 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-appoġġ jingħata biss biex jiġi kopert it-telf ta' mill-inqas 20 % tal-produzzjoni annwali medja jew tal-introjtu annwali medju tal-bidwi fil-perjodu preċedenti ta' tliet snin jew medja ta' tliet snin ibbażat fuq il-perjodu preċedenti ta' ħames snin esklużi l-ogħla entrata u dik l-aktar baxxa. | 5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-appoġġ jingħata biss ***meta l-mitigazzjoni tar-riskju jew il-miżuri ta' minimizzazzjoni tar-riskju jkunu ttieħdu u*** biex jiġi kopert it-telf ta' mill-inqas 20 % tal-produzzjoni annwali medja jew tal-introjtu annwali medju tal-bidwi fil-perjodu preċedenti ta' tliet snin jew medja ta' tliet snin ibbażat fuq il-perjodu preċedenti ta' ħames snin esklużi l-ogħla entrata u dik l-aktar baxxa. |

**Emenda 124**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 72a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 72a*** |
| | ***Żvilupp tal-Istrateġija għall-Irħula Intelliġenti*** |
| | ***1. Sabiex jiġu promossi d-diġitalizzazzjoni u l-innovazzjoni, jiġu faċilitati l-iżvilupp tan-negozju, l-inklużjoni soċjali u l-impjiegi fiż-żoni rurali, l-Istati Membri għandhom jiżviluppaw u jimplimentaw l-Istrateġija għall-Irħula Intelliġenti fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom, filwaqt li jqisu t-tipi ta' interventi stabbiliti fil-punti (a), (b), (d), (e), (g) u (h) tal-Artikolu 64 u l-elementi li jiżguraw il-modernizzazzjoni u l-istrateġiji kif stabbilit fl-Artikolu 102.*** |
| | ***2. Minbarra t-tipi ta' interventi stabbiliti fil-punt preċedenti, l-Istati Membri jridu jieħdu ħsieb partikolari tal-miżuri, billi jindirizzaw il-kwistjonijiet li*** |

| | |
|---|---|
| | ***ġejjin fiż-żoni rurali:*** |
| | ***a) id-diġitalizzazzjoni tal-ekonomija rurali;*** |
| | ***b) l-agrikoltura ta' preċiżjoni;*** |
| | ***c) l-iżvilupp ta' pjattaformi diġitali;*** |
| | ***d) il-mobbiltà rurali;*** |
| | ***e) l-innovazzjoni soċjali;*** |
| | ***f) l-iżvilupp ta' sistemi intelliġenti tal-enerġija, grids u ħżin fil-livell lokali, kif ukoll l-appoġġ tal-iżvilupp tal-kooperattivi tal-enerġija;*** |
| | ***3. L-Istati Membri għandhom jieħdu nota partikolari tal-koordinazzjoni bejn il-FAEŻR u Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej oħra, kif stabbilit fil-punt (iii) tal-Artikolu 98(d).*** |
| | ***4. L-Istati Membri jistgħu jinkludu l-Istrateġija għall-Irħula Intelliġenti tagħhom fl-istrateġiji integrati ta' żvilupp lokali mmexxi mill-Komunità kif stabbilit fl-Artikolu 25(c) tar-Regolament (UE) 2018/xxxx [ir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni l-ġdid].*** |

*Ġustifikazzjoni*

*L-Irħula Intelliġenti għandhom ikunu fuq quddiem nett tal-futur tal-iżvilupp rurali, għalhekk riżorsi tal-FAEŻR suffiċjenti għandhom jiġu allokati għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-Istrateġiji għall-Irħula Intelliġenti fi ħdan il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tal-Istati Membri. Riżorsi minn fondi strutturali oħra għandhom ukoll jiġu pprovduti għal dan il-fini peress li dan jgħin biex iż-żoni rurali tal-UE jinżammu ħajjin.*

**Emenda 125**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 73 – paragrafu 1 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Awtorità ta' Ġestjoni tal-Pjan Strateġiku tal-PAK, jew korpi intermedji deżinjati oħra, ***għandha tiddefinixxi*** l-kriterji ta' għażla għall-interventi li huma relatati mat-tipi ta' interventi li ġejjin: l-investimenti, l- | L-Awtorità ta' Ġestjoni tal-Pjan Strateġiku tal-PAK ***nazzjonali, u meta jkun applikabbli, reġjonali***, jew korpi intermedji deżinjati oħra, ***għandhom jiddefinixxu*** l-kriterji ta' għażla għall- |

| | |
|---|---|
| installazzjoni tal-bdiewa żgħażagħ ***u l-bidu*** tan-negozju rurali, il-kooperazzjoni, l-iskambju tal-għarfien u l-informazzjoni, wara konsultazzjoni mal-Kumitat għall-Monitoraġġ imsemmi fl-Artikolu 111. Il-kriterji ta' għażla għandu jkollhom l-għan li jiżguraw it-trattament ugwali tal-applikanti, l-użu aħjar tar-riżorsi finanzjarji u l-immirar tal-appoġġ skont l-iskop tal-interventi. | interventi li huma relatati mat-tipi ta' interventi li ġejjin: l-investimenti, l-installazzjoni tal-bdiewa żgħażagħ***, bdiewa ġodda, il-bidu*** tan-negozju rurali ***u l-iskalar tal-intrapriżi rurali mikro u żgħar***, il-kooperazzjoni, l-iskambju tal-għarfien u l-informazzjoni, ***miżuri speċifiċi favur in-nisa fiż-żoni rurali,*** wara konsultazzjoni mal-Kumitat għall-Monitoraġġ imsemmi fl-Artikolu 111. Il-kriterji ta' għażla għandu jkollhom l-għan li jiżguraw it-trattament ugwali tal-applikanti, l-użu aħjar tar-riżorsi finanzjarji u l-immirar tal-appoġġ skont l-iskop tal-interventi. ***Il-benefiċjarji se jintgħażlu abbażi ta' sejħiet għal proposti, bl-applikazzjoni ta' kriterji ekonomiċi, soċjali u ambjentali effettivi.*** |

**Emenda 126**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 73 – paragrafu 1 – subparagrafu 2a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Fl-għażla tal-operazzjonijiet, l-awtoritajiet ta' ġestjoni għandhom jiżguraw ir-reżistenza għat-tibdil fil-klima, ir-reżiljenza tal-ambjent u tal-bijodiversità fl-interventi ppjanati.*** |

**Emenda 127**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 73 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Il-kriterji ta' għażla ma jistgħux jiġu definiti għall-operazzjonijiet li jkunu ***rċevew ċertifikazzjoni tas-Siġill ta' Eċċellenza taħt l-Orizzont 2020 jew Orizzont Ewropa jew ikunu*** ntgħażlu taħt il-Life +, bil-kundizzjoni li tali operazzjonijiet ikunu konsistenti mal-Pjan Strateġiku tal-PAK. | 4. Il-kriterji ta' għażla ma jistgħux jiġu definiti għall-operazzjonijiet li jkunu ntgħażlu taħt il-Life +, bil-kundizzjoni li tali operazzjonijiet ikunu konsistenti mal-Pjan Strateġiku tal-PAK. |

**Emenda 128**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 75**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***[...]*** | ***imħassar*** |

**Emenda 129**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 83 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-ammont totali tal-appoġġ tal-Unjoni għat-tipi ta' interventi għall-iżvilupp rurali skont dan ir-Regolament għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2021 sal-31 ta' Diċembru 2027 għandu jkun EUR ***78 811*** miljun fil-prezzijiet ***kurrenti*** skont il-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2021 sa 2027[38] . | 1. L-ammont totali tal-appoġġ tal-Unjoni għat-tipi ta' interventi għall-iżvilupp rurali skont dan ir-Regolament għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2021 sal-31 ta' Diċembru 2027 għandu jkun ***ta'*** EUR ***96 712-il*** miljun fil-prezzijiet ***tal-2018*** skont il-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2021 sa 2027[38]. |
| [38] Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027 Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat u lill-Kumitat tar-Reġjuni, COM(2018)322 final. | [38] Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027 Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat u lill-Kumitat tar-Reġjuni, COM(2018)322 final. |

**Emenda 130**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 85 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|

| | |
|---|---|
| 1. Il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK għandhom jistabbilixxu ***rata ta' kontribuzzjoni unika mill-FAEŻR*** applikabbli ***għall-interventi*** kollha. | 1. Il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK għandhom jistabbilixxu ***l-kontribuzzjoni mill-FAEŻR għall-appoġġ tar-rata*** applikabbli ***tal-interventi*** kollha ***fir-reġjuni kollha li jikkorrispondu għal-livell 2 tal-klassifikazzjoni komuni ta' unitajiet territorjali għall-istatistika (reġjuni "NUTS livell 2") stabbilita mir-Regolament (KE) Nru 1059/2003, kif emendat mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2016/2066***. |

**Emenda 131**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 85 – paragrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. Ir-riżorsi mill-FAEŻR għandhom jiġu allokati fost it-tliet kategoriji ta' reġjuni tal-livell 2 ta' NUTS li ġejjin:*** |
| | ***(a) reġjuni anqas żviluppati, li l-PDG per capita tagħhom huwa inqas minn 75 % tal-medja tal-PDG tal-UE-27 ("reġjuni inqas żviluppati");*** |
| | ***(b) reġjuni ta' tranżizzjoni, li l-PDG per capita tagħhom huwa bejn 75 % u 100 % tal-medja tal-PDG tal-UE-27 ("reġjuni ta' tranżizzjoni");*** |
| | ***(c) reġjuni aktar żviluppati, li l-PDG per capita tagħhom huwa aktar minn 100 % tal-medja tal-PDG tal-UE-27 ("reġjuni aktar żviluppati").*** |

**Emenda 132**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 85 – paragrafu 1b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1b. Il-klassifikazzjoni tar-reġjuni taħt waħda mit-tliet kategoriji ta' reġjuni*** |

| | |
|---|---|
| | ***għandha tkun determinata fuq il-bażi ta' kif il-PDG per capita ta' kull reġjun, imkejjel permezz tal-istandards tal-kapaċità tal-akkwist u kkalkolat fuq il-bażi taċ-ċifri tal-Unjoni għall-perjodu 2014-2016, jew fir-rigward tar-Regolament (KE) Nru 1059/2003 kif emendat mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2016/2066, jirrelata mal-medja tal-PDG tal-UE-27 għall-istess perjodu ta' referenza.*** |

**Emenda 133**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 85 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) ***70*** % tan-nefqa pubblika eliġibbli fir-reġjuni ultraperiferiċi u fil-Gżejjer Minuri tal-Eġew skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 229/2013; | (a) ***85***% tan-nefqa pubblika eliġibbli fir-reġjuni ultraperiferiċi u fil-Gżejjer Minuri tal-Eġew skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 229/2013; |

**Emenda 134**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 85 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) ***70*** % ***tan-nefqa pubblika eliġibbli fir-reġjuni*** inqas żviluppati; | (b) ***85***% ***għar-reġjuni*** inqas żviluppati; |

**Emenda 135**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 85 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) 65 % ***tan-nefqa eliġibbli għall-*** | (c) 65% ***għar-reġjuni ta' tranżizzjoni***; |

*pagamenti taħt l-Artikolu 66*;

**Emenda 136**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 85 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt d**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (d) ***43*** % ***tan-nefqa pubblika eliġibbli fir-reġjuni l-oħra***. | (d) ***50***% ***għar-reġjuni aktar żviluppati***. |

**Emenda 137**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 85 – paragrafu 2 – subparagrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Mingħajr preġudizzju għas-subparagrafu 1, ir-rata massima tal-kontribuzzjoni tal-FAEŻR għaż-żoni eliġibbli għall-pagamenti skont l-Artikolu 66 li ma tkunx koperta mill-punti a), b) u c) għandha tkun ta' 65 % tan-nefqa eliġibbli.*** |

**Emenda 138**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 85 – paragrafu 3 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) ***80*** % għall-impenji ta' ġestjoni msemmija fl-Artikolu 65 ta' dan ir-Regolament, għall-pagamenti skont l-Artikolu 67 ta' dan ir-Regolament, għall-investimenti mhux produttivi msemmija fl-Artikolu 68 ta' dan ir-Regolament, għall-appoġġ għas-Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni skont l-Artikolu 71 ta' dan ir-Regolament u għal-LEADER, imsejjaħ | (a) ***85*** % għall-impenji ta' ġestjoni msemmija fl-Artikolu 65 ta' dan ir-Regolament, għall-pagamenti skont l-Artikolu 67 ta' dan ir-Regolament, għall-investimenti mhux produttivi msemmija fl-Artikolu 68 ta' dan ir-Regolament, għall-appoġġ għas-Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni skont l-Artikolu 71 ta' dan ir-Regolament u għal-LEADER, imsejjaħ |

| | |
|---|---|
| żvilupp lokali mmexxi mill-komunità fl-Artikolu 25 tar-Regolament (EU) [ir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni]; | żvilupp lokali mmexxi mill-komunità fl-Artikolu 25 tar-Regolament (EU) [ir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni]; |

**Emenda 139**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 86 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Mill-inqas ***5*** % tal-kontribuzzjoni totali tal-FAEŻR lill-Pjan Strateġiku tal-PAK kif stabbilit fl-Anness IX għandu jkun riżervat lil-LEADER, imsejjaħ żvilupp lokali mmexxi mill-komunità fl-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) [ir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni]. | 1. Mill-inqas ***10*** % tal-kontribuzzjoni totali tal-FAEŻR lill-Pjan Strateġiku tal-PAK kif stabbilit fl-Anness IX għandu jkun riżervat lil-LEADER, imsejjaħ żvilupp lokali mmexxi mill-komunità fl-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) [ir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni]. |

**Emenda 140**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 86 – paragrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. Mill-inqas 5 % tal-kontribuzzjoni totali tal-FAEŻR lill-Pjan Strateġiku tal-PAK kif stabbilit fl-Anness IX għandu jkun riżervat għall-elementi li jiżguraw il-modernizzazzjoni tal-PAK kif stabbilit fl-Artikolu 102(a) u l-istrateġiji stabbiliti fl-Artikoli 102(b).*** |

*Ġustifikazzjoni*

*5 % tal-kontribuzzjoni tal-FAEŻR għandha tiġi allokata għal strateġiji, li se jiżguraw il-modernizzazzjoni tal-istrateġiji tas-settur agroalimentari u għall-Irħula Intelliġenti.*

**Emenda 141**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 86 – paragrafu 2 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Mill-inqas 30 % tal-kontribuzzjoni totali tal-FAEŻR lill-Pjan Strateġiku tal-PAK kif stabbilit fl-Anness IX għandu jkun riżervat ***għall-interventi*** li ***jindirizzaw*** l-objettivi speċifiċi relatati mal-ambjent u mal-klima stabbiliti fil-punti (d), (e) u (f) tal-Artikolu 6(1) ta' dan ir-Regolament***, bl-eċċezzjoni tal-interventi bbażati fuq l-Artikolu 66***. | Mill-inqas 30 % tal-kontribuzzjoni totali tal-FAEŻR lill-Pjan Strateġiku tal-PAK kif stabbilit fl-Anness IX għandu jkun riżervat ***għal kull tip ta' intervent*** li ***jindirizza*** l-objettivi speċifiċi relatati mal-ambjent u mal-klima stabbiliti fil-punti (d), (e) u (f) tal-Artikolu 6(1) ta' dan ir-Regolament. |

*Ġustifikazzjoni*

*Support for areas with natural constraints is excluded in the proposal from the EAFRD contribution earmarked for interventions addressing specific environmental and climate objectives. This exclusion is unacceptable. The Rural Development Programme makes it possible to make payments to farmers in areas where, for example, they are facing difficult climatic conditions. These payments mitigate the risks associated with land abandonment, desertification, biodiversity loss and loss of valuable rural areas. The establishment of areas is based on the criteria laid down in rural development legislation.*

**Emenda 142**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 86 – paragrafu 3 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Massimu ta' ***4*** % tal-kontribuzzjoni totali tal-FAEŻR lill-Pjan Strateġiku tal-PAK kif stabbilit fl-Anness IX jista' jintuża biex jiffinanzja l-azzjonijiet tal-assistenza teknika fuq l-inizjattiva tal-Istati Membri msemmija fl-Artikolu 112. | Massimu ta' ***5*** % tal-kontribuzzjoni totali tal-FAEŻR lill-Pjan Strateġiku tal-PAK kif stabbilit fl-Anness IX jista' jintuża biex jiffinanzja l-azzjonijiet tal-assistenza teknika fuq l-inizjattiva tal-Istati Membri msemmija fl-Artikolu 112. |

*Ġustifikazzjoni*

*Minħabba l-għadd akbar ta' obbligi għas-servizzi konsultattivi għall-azjendi agrikoli, il-kontribuzzjoni għall-assistenza teknika għandha tiżdied.*

**Emenda 143**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 86 – paragrafu 4 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Għal kull Stat Membru l-ammont minimu stabbilit fl-Anness X għandu jkun riżervat għall-kontribut lejn l-objettiv speċifiku "Nattiraw il-bdiewa żgħażagħ u niffaċilitaw l-iżvilupp tan-negozju" stabbilit fil-punt (g) tal-Artikolu 6(1). Fuq il-bażi tal-analiżi tas-sitwazzjoni f'termini ta' qawwiet, dgħufijiet, opportunitajiet u theddid ("l-analiżi SWOT") u l-identifikazzjoni tal-ħtiġijiet li jridu jiġu indirizzati, l-ammont għandu jintuża għat-tipi ta' interventi li ġejjin: | 4. Għal kull Stat Membru l-ammont minimu stabbilit fl-Anness X għandu jkun riżervat għall-kontribut lejn l-objettiv speċifiku "Nattiraw il-bdiewa żgħażagħ ***u ġodda*** u niffaċilitaw l-iżvilupp tan-negozju" stabbilit fil-punt (g) tal-Artikolu 6(1). Fuq il-bażi tal-analiżi tas-sitwazzjoni f'termini ta' qawwiet, dgħufijiet, opportunitajiet u theddid ("l-analiżi SWOT") u l-identifikazzjoni tal-ħtiġijiet li jridu jiġu indirizzati, l-ammont għandu jintuża għat-tipi ta' interventi li ġejjin: |

**Emenda 144**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 86 – paragrafu 4 – punt aa (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(aa) Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-ewwel subparagrafu, Stat Membru ma jistax jagħti allokazzjoni għal bdiewa żgħażagħ li hija aktar baxxa mill-allokazzjoni medja annwali mogħtija għall-istess fini fil-perjodu 2014–2020.*** |

**Emenda 145**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 86 – paragrafu 4a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***4a. Mill-inqas 70 % tal-ammonti stabbiliti fl-Anness VII jridu jiġu allokati għall-appoġġ bażiku għall-introjtu għas-sostenibbiltà kif imsemmi fis-Subtaqsima 1 tat-Taqsima 2 tal-Kapitolu II tat-Titolu III.*** |

**Emenda 146**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 86 – paragrafu 5 – subparagrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***B'deroga mill-ewwel subparagrafu, l-Istati Membri li skont l-Artikolu 53(4) tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013 użaw aktar minn 13 % tal-limitu massimu nazzjonali annwali tagħhom stabbilit fl-Anness II ta' dak ir-Regolament għall-iskop ta' appoġġ akkoppjat volontarju, jistgħu jiddeċiedu li jużaw aktar minn 10 % tal-ammont stabbilit fl-Anness VII għall-iskop tal-appoġġ għall-introjtu akkoppjat. Il-perċentwali li jirriżulta ma għandux jaqbeż il-perċentwal approvat mill-Kummissjoni għall-appoġġ akkoppjat volontarju fir-rigward tas-sena tat-talba 2018.*** | ***imħassar*** |

**Emenda 147**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 86 – paragrafu 5 – subparagrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-perċentwal ***imseemi*** fl-ewwel subparagrafu jista' jiġi miżjud b'massimu ta' ***2*** %, ***sakemm*** l-ammont li jikkorrispondi għall-perċentwali li jaqbeż ***l-10*** % jiġi allokat għall-appoġġ għall-għelejjel tal-proteini taħt is-Subtaqsima 1 tat-Taqsima ***2*** tal-Kapitolu II tat-Titolu III. | Il-perċentwal ***imsemmi*** fl-ewwel subparagrafu jista' jiġi miżjud b'massimu ta' ***4*** %, ***dment li*** l-ammont li jikkorrispondi għall-perċentwali li jaqbeż ***is-16***% jiġi allokat għall-appoġġ għall-għelejjel tal-proteini taħt is-Subtaqsima 1 tat-Taqsima ***3*** tal-Kapitolu II tat-Titolu III. |

**Emenda 148**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 86 – paragrafu 7a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***7a. L-allokazzjoni finanzjarja tal-FAEŻR għandha tipprevedi ammont*** |

| | |
|---|---|
| | ***addizzjonali speċifiku fiż-żoni rurali b'livelli baxxi ta' popolazzjoni.*** |

**Emenda 149**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 88 − paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Fil-Pjan Strateġiku tal-PAK tagħhom, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu allokazzjoni finanzjarja indikattiva għal kull intervent. Għal kull intervent, il-multiplikazzjoni tal-ammont unitarju ppjanat, mingħajr l-applikazzjoni tal-perċentwal tal-varjazzjoni msemmi fl-Artikolu 89, u l-outputs ippjanati, għandha tkun ugwali għal din l-allokazzjoni finanzjarja indikattiva. | 1. Fil-Pjan Strateġiku tal-PAK tagħhom, l-Istati Membri***, u r-reġjuni meta jkun applikabbli,*** għandhom jistabbilixxu allokazzjoni finanzjarja indikattiva għal kull intervent. Għal kull intervent, il-multiplikazzjoni tal-ammont unitarju ppjanat, mingħajr l-applikazzjoni tal-perċentwal tal-varjazzjoni msemmi fl-Artikolu 89, u l-outputs ippjanati, għandha tkun ugwali għal din l-allokazzjoni finanzjarja indikattiva. |

**Emenda 150**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 90 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Bħala parti mill-proposta tagħhom għall-Pjan Strateġiku tal-PAK imsemmija fl-Artikolu 106(1), l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jittrasferixxu: | Bħala parti mill-proposta tagħhom għall-Pjan Strateġiku tal-PAK imsemmija fl-Artikolu 106(1), l-Istati Membri***, u r-reġjuni meta jkun applikabbli,*** jistgħu jiddeċiedu li jittrasferixxu: |

**Emenda 151**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 91 − paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu l-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK skont dan ir-Regolament biex jimplimentaw l-appoġġ | L-Istati Membri***, flimkien mar-reġjuni meta dan ikun applikabbli,*** għandhom jistabbilixxu l-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK |

| | |
|---|---|
| mill-Unjoni ***ffinanzjat*** mill-FAEG u mill-FAEŻR għall-kisba tal-objettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 6. | skont dan ir-Regolament biex jimplimentaw l-appoġġ mill-Unjoni ***finanzjat*** mill-FAEG u mill-FAEŻR għall-kisba tal-objettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 6. |

**Emenda 152**

**Proposta għal regolamen**
**Artikolu 91 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Fuq il-bażi tal-analiżi SWOT imsemmija fl-Artikolu 103(2) u valutazzjoni tal-ħtiġijiet imsemmija fl-Artikolu 96, fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu strateġija tal-intervent kif imsemmi fl-Artikolu 97 li fiha għandhom jiġu stabbiliti miri kwantitattivi u stadji importanti għall-kisba tal-objettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 6. Il-miri għandhom jiġu definiti bl-użu ta' sett komuni ta' indikaturi tar-riżultati stabbilit fl-Anness I. | Fuq il-bażi tal-analiżi SWOT imsemmija fl-Artikolu 103(2) u valutazzjoni tal-ħtiġijiet imsemmija fl-Artikolu 96, fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK l-Istati Membri***, u r-reġjuni meta dan ikun applikabbli,*** għandhom jistabbilixxu strateġija tal-intervent kif imsemmi fl-Artikolu 97 li fiha għandhom jiġu stabbiliti miri kwantitattivi u stadji importanti għall-kisba tal-objettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 6. Il-miri għandhom jiġu definiti bl-użu ta' sett komuni ta' indikaturi tar-riżultati stabbilit fl-Anness I. |

**Emenda 153**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 93 − paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Kull Stat Membru għandu jistabbilixxi Pjan Strateġiku tal-PAK uniku għat-territorju kollu tiegħu. | Kull Stat Membru***, f'kooperazzjoni mar-reġjuni meta dan ikun applikabbli,*** għandu jistabbilixxi Pjan Strateġiku tal-PAK uniku għat-territorju kollu tiegħu. |

**Emenda 154**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 93 – paragrafu 2**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| Meta l-elementi tal-Pjan Strateġiku tal-PAK jiġu stabbiliti fil-livell reġjonali, l-Istat Membru għandu jiżgura l-koerenza u l-konsistenza mal-elementi ***tal-Pjan Strateġiku*** tal-PAK ***stabbilit fil-livell nazzjonali***. | Meta l-elementi tal-Pjan Strateġiku tal-PAK jiġu stabbiliti ***u implimentati*** fil-livell reġjonali, ***permezz tal-Programmi ta' Intervent Reġjonali,*** l-Istat Membru għandu jiżgura l-koerenza u l-konsistenza mal-elementi ***tal-Pjanijiet Strateġiċi*** tal-PAK. |

**Emenda 155**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 94 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt c**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| (c) il-korpi rilevanti li jirrappreżentaw ***is-soċjetà*** ċivili ***u fejn rilevanti*** l-korpi responsabbli għall-promozzjoni tal-inklużjoni soċjali, ***id-drittijiet*** fundamentali, ***l-ugwaljanza*** bejn is-sessi u ***n-nondiskriminazzjoni***. | (c) il-korpi rilevanti li jirrappreżentaw ***lis-soċjetà*** ċivili***, is-sħab ambjentali, u*** l-korpi responsabbli għall-promozzjoni tal-inklużjoni soċjali, ***tad-drittijiet*** fundamentali, ***tad-drittijiet tal-persuni b'diżabbiltà, tal-ugwaljanza*** bejn is-sessi u ***tan-nondiskriminazzjoni***. |

**Emenda 156**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 94 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt ca (ġdid)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***(ca) Gruppi ta' Azzjoni Lokali jew aġenziji oħra ta' żvilupp sottoreġjonali li huma kapaċi jużaw fondi taħt l-intervent ta' LEADER.*** |

**Emenda 157**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 94 – paragrafu 3 – subparagrafu 2**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| L-Istati Membri għandhom jinvolvu lil dawk is-sħab fit-tħejjija tal-Pjanijiet | L-Istati Membri għandhom jinvolvu lil dawk is-sħab ***b'mod ugwali*** fit-tħejjija ***u fl-*** |

| | |
|---|---|
| Strateġiċi tal-PAK. | ***implimentazzjoni*** tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK. |

**Emenda 158**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 94 – paragrafu 3 – subparagrafu 2a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***L-organizzazzjoni u l-implimentazzjoni tas-sħubija għandhom isiru f'konformità mar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 240/2014.*** |

**Emenda 159**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 94 – paragrafu 3a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3a. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi punt ta' kuntatt għas-sħab biex tiżgura li dawk ikun jista' jkollhom aċċess dirett għall-Kummissjoni.*** |

**Emenda 160**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 94 – paragrafu 4a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***4a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw ġestjoni finanzjarja xierqa u użu effiċjenti u effikaċi tar-riżorsi tal-UE. Huma għandhom jipprevjenu kwalunkwe irregolarità jew l-użu ineffiċjenti tar-riżorsi tal-UE. L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jaħdmu flimkien biex jiddefendu l-interessi finanzjarji tal-UE u biex jiżguraw li jkun hemm konformità mal-liġijiet kontra l-kunflitti*** |

|  |  |
|---|---|
|  | ***ta' interessi. Huma għandhom jieħdu miżuri preventivi kontra l-frodi, il-korruzzjoni u kwalunkwe attività illeċita oħra u jieħdu miżuri biex jipprevjenu milli jirriżultaw sitwazzjonijiet ta' kunflitt ta' interessi.*** |

**Emenda 161**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 95 – paragrafu 1 – punt d**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (d) deskrizzjoni tal-interventi tal-pagamenti diretti, settorjali u ***tal-iżvilupp rurali*** speċifikati fl-istrateġija; | (d) deskrizzjoni tal-interventi tal-pagamenti diretti, settorjali u ***rurali u tal-iżvilupp*** speċifikati fl-istrateġija ***u, fil-każ ta' ġestjoni u implimentazzjoni reġjonalizzati, referenza diretta għall-Programm tal-Awditjar Reġjonali inerenti kif stabbilit fl-Artikolu 95(2)(f)***; |

**Emenda 162**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 95 – paragrafu 1 – punt e**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (e) mira u pjanijiet finanzjarji; | (e) mira u pjanijiet finanzjarji***, inkluż il-miri u l-pjanijiet finanzjarji fil-Programmi ta' Intervent Reġjonali meta dan ikun applikabbli***; |

**Emenda 163**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 95 – paragrafu 1 – punt h**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (h) ***deskrizzjoni tal-elementi*** relatati mas-simplifikazzjoni u ***t-tnaqqis*** tal-piż amministrattiv għall-benefiċjarji finali. | (h) ***sett ta' miżuri*** relatati mas-simplifikazzjoni***, mal-flessibbiltà tal-programm ta' finanzjament*** u ***mat-tnaqqis*** tal-piż amministrattiv għall-benefiċjarji finali. |

**Emenda 164**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 95 – paragrafu 1 – punt ha (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***(ha) deskrizzjoni tal-istruttura għat-twassil tal-programm ta' żvilupp rurali, inkluża d-devoluzzjoni tat-teħid dettaljat ta' deċiżjonijiet lill-Gruppi ta' Azzjoni Lokali jew aġenziji oħra ta' żvilupp sottoreġjonali li huma awtorizzati jużaw fondi taħt l-intervent LEADER.*** |

**Emenda 165**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 95 – paragrafu 2 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| (c) l-Anness III dwar il-konsultazzjoni tas-sħab; | (c) l-Anness III dwar il-konsultazzjoni tas-sħab ***u dokumentazzjoni tal-kummenti ppreżentati mis-sħab u jekk dawn il-kummenti jkunux ġew ikkunsidrati u kif ikunu ġew ikkunsidrati mill-awtorità ta' ġestjoni***; |

**Emenda 166**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 95 – paragrafu 2 – punt ea (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***(ea) l-Anness VI dwar il-Programmi ta' Intervent Reġjonali.*** |

**Emenda 167**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 95a (ġdid)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
| --- | --- |
| | ***Artikolu 95a*** |
| | ***Programmi ta' Intervent Reġjonali*** |
| | ***Kull Programm ta' Intervent Reġjonali għandu jinkludi mill-inqas t-taqsimiet li ġejjin:*** |
| | ***(a) sintesi tal-analiżi SWOT;*** |
| | ***(b) sintesi tal-valutazzjoni tal-ħtiġijiet;*** |
| | ***(c) strateġija tal-interventi;*** |
| | ***(d) deskrizzjoni operattiva tal-interventi ġestiti u implimentati fil-livell reġjonali b'mod konsistenti mal-pjan strateġiku nazzjonali kif stabbilit fl-Artikolu 99. B'mod aktar speċifiku, kull intervent speċifikat fl-istrateġija taħt l-Artikolu 95a(c) għandu jinkludi l-elementi li ġejjin:*** |
| | ***i. id-deskrizzjoni tal-assistenza;*** |
| | ***ii. il-kundizzjonijiet tal-eliġibbiltà;*** |
| | ***iii. ir-rata ta' appoġġ;*** |
| | ***iv. il-kalkolu tal-ammont tal-unità tal-appoġġ;*** |
| | ***v. il-pjan finanzjarju;*** |
| | ***vi. l-indikaturi tar-riżultat;*** |
| | ***vii. il-miri;*** |
| | ***viii. rapport dwar l-ilħiq tal-miri;*** |
| | ***(e) il-qafas finanzjarju pluriennali*** |
| | ***(f) deskrizzjoni tas-sistema ta' governanza u koordinazzjoni.*** |

**Emenda 168**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 96 – paragrafu 1 – punt aa (ġdid)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
| --- | --- |
| | ***(aa) analiżi tal-awtosuffiċjenza tal-Istati Membri fir-rigward tal-prodotti agrikoli;*** |

**Emenda 169**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 97 – paragrafu 2 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) fir-rigward tal-objettiv speċifiku "nattiraw il-bdiewa żgħażagħ u niffaċilitaw l-iżvilupp ***tan-negozju"*** stabbilit fil-punt (g) tal-Artikolu 6(1), għandhom jiġu ppreżentati ħarsa ġenerali tal-interventi rilevanti tal-Pjan Strateġiku tal-PAK u l-kundizzjonijiet speċifiċi bħal pereżempju dawk speċifikati fl-Artikoli 22(4), 27, 69 u 71(7). B'mod partikolari, l-Istati Membri għandhom jirreferu għall-Artikolu 86(5) meta jippreżentaw il-pjan finanzjarju fir-rigward tat-tipi ta' interventi msemmija fl-Artikoli 27 u 69. Il-ħarsa ġenerali għandha wkoll tispjega l-interazzjoni mal-istrumenti nazzjonali bil-ħsieb li tittejjeb il-konsistenza bejn l-azzjonijiet tal-Unjoni u nazzjonali f'dan il-qasam. | (c) fir-rigward tal-objettiv speċifiku "nattiraw il-bdiewa żgħażagħ u ***ġodda u*** niffaċilitaw l-iżvilupp ***tan-negozju tagħhom"*** stabbilit fil-punt (g) tal-Artikolu 6(1), għandhom jiġu ppreżentati ħarsa ġenerali tal-interventi rilevanti tal-Pjan Strateġiku tal-PAK u l-kundizzjonijiet speċifiċi bħal pereżempju dawk speċifikati fl-Artikoli 22(4), 27, 69 u 71(7). B'mod partikolari, l-Istati Membri għandhom jirreferu għall-Artikolu 86(5) meta jippreżentaw il-pjan finanzjarju fir-rigward tat-tipi ta' interventi msemmija fl-Artikoli 27 u 69. Il-ħarsa ġenerali għandha wkoll tispjega l-interazzjoni mal-istrumenti nazzjonali bil-ħsieb li tittejjeb il-konsistenza bejn l-azzjonijiet tal-Unjoni u nazzjonali f'dan il-qasam. |

**Emenda 170**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 97 – paragrafu 2 – punt f**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (f) deskrizzjoni tal-interazzjoni bejn l-interventi nazzjonali u reġjonali, inkluż id-distribuzzjoni tal-allokazzjoni finanzjarji għal kull intervent u għal kull fond. | *(Ma taffettwax il-verżjoni Maltija.)* |

**Emenda 171**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 102 – paragrafu 1 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) ***deskrizzjoni tal-istrateġija*** għall- | (b) ***strateġiji*** għall-iżvilupp tat- |

| | |
|---|---|
| iżvilupp tat-teknoloġiji diġitali fl-agrikoltura u fiż-żoni rurali u għall-użu ta' dawn it-teknoloġiji għat-titjib tal-effettività u l-effiċjenza tal-interventi tal-Pjan Strateġiku tal-PAK. | teknoloġiji diġitali fl-agrikoltura u fiż-żoni rurali***, fl-Irħula Intelliġenti*** u għall-użu ta' dawn it-teknoloġiji għat-titjib tal-effettività u l-effiċjenza tal-interventi tal-Pjan Strateġiku tal-PAK. |

**Emenda 172**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 103 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. L-Anness III tal-Pjan Strateġiku tal-PAK imsemmi fil-punt (c) tal-Artikolu 95(2) għandu jinkludi l-eżiti tal-konsultazzjoni tas-sħab u deskrizzjoni qasira ta' kif twettqet il-konsultazzjoni. | 3. L-Anness III tal-Pjan Strateġiku tal-PAK imsemmi fil-punt (c) tal-Artikolu 95(2) għandu jinkludi l-eżiti tal-konsultazzjoni tas-sħab u deskrizzjoni qasira ta' kif twettqet il-konsultazzjoni. ***Għandu jinkludi wkoll dokumentazzjoni tal-kummenti ppreżentati mis-sħab u jekk dawn il-kummenti jkunux ġew ikkunsidrati mill-awtorità ta' ġestjoni u kif ikunu ġew ikkunsidrati u l-ġustifikazzjoni tagħha għalihom.*** |

**Emenda 173**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 103 – paragrafu 5a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***5a. L-Anness VI tal-Pjan Strateġiku tal-PAK imsemmi fl-Artikolu 95(2)(f) għandu jinkludi l-Programmi ta' Intervent Reġjonali stabbiliti fl-Artikolu 95a.*** |

**Emenda 174**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 106 – paragrafu 3 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Skont ir-riżultati tal-valutazzjoni | Skont ir-riżultati tal-valutazzjoni |

| | |
|---|---|
| msemmija fil-paragrafu 2, il-Kummissjoni tista' tindirizza osservazzjonijiet lill-Istati Membri fi żmien tliet xhur mid-data tal-preżentazzjoni tal-Pjan Strateġiku tal-PAK. | msemmija fil-paragrafu 2, il-Kummissjoni tista' tindirizza osservazzjonijiet lill-Istati Membri***, u meta jkun applikabbli, lill-awtoritajiet ta' ġestjoni reġjonali,*** fi żmien tliet xhur mid-data tal-preżentazzjoni tal-Pjan Strateġiku tal-PAK. |

**Emenda 175**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 106 – paragrafu 3 – subparagrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istat Membru għandu jipprovdi lill-Kummissjoni ***bl-informazzjoni*** addizzjonali kollha meħtieġa u, ***fejn*** xieraq, jirrevedi l-pjan propost. | ***Il-Kummissjoni għandha tipprovdi lill-Istat Membru lista tal-informazzjoni speċifika meħtieġa għall-evalwazzjoni tal-approvazzjoni tal-pjan.*** L-Istat Membru***, u meta jkun applikabbli, ir-reġjuni,*** għandu jipprovdi lill-Kummissjoni ***l-informazzjoni*** addizzjonali kollha meħtieġa u, ***meta mitlub u meta jkun*** xieraq, jirrevedi l-pjan propost. ***Jekk il-Kummissjoni tqis li t-tagħrif ipprovdut mill-Istat Membru ma jkunx biżżejjed, il-Kummissjoni għandha tipprovdi raġunijiet għad-deċiżjoni.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Il-qafas li jifforma l-bażi tal-valutazzjoni tal-Kummissjoni biex jiġu approvati l-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK ("lista ta' kontroll") għandu jkun disponibbli għall-Istati Membri biex jiġu ffaċilitati l-ippjanar u l-approvazzjoni. Il-kontenut tal-frażi "l-informazzjoni addizzjonali kollha meħtieġa" għandu jiġi ċċarat u l-Kummissjoni għandu jkollha r-responsabbiltà li tagħti raġunijiet lill-Istati Membri għaliex l-informazzjoni pprovduta titqies insuffiċjenti.*

**Emenda 176**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 106 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Il-Kummissjoni għandha tapprova l-Pjan Strateġiku tal-PAK propost ***sakemm*** l-informazzjoni meħtieġa tkun ġiet sottomessa u ***sakemm il-Kummissjoni*** tkun | 4. Il-Kummissjoni għandha tapprova l-Pjan Strateġiku tal-PAK propost ***dment li*** l-informazzjoni meħtieġa tkun ġiet sottomessa u ***l-Kummissjoni*** tkun |

| | |
|---|---|
| sodisfatta li l-Pjan ***huwa*** kompatibbli mal-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni, ***ir-rekwiżiti*** stabbiliti f'dan ir-Regolament, ***id-dispożizzjonijiet*** adottati skontu u fir-Regolament (UE) [ir-Regolament Orizzontali]. | sodisfatta li l-Pjan ***ikun*** kompatibbli mal-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni, ***mar-regoli finanzjarji tal-UE, mar-rekwiżiti*** stabbiliti f'dan ir-Regolament, ***mad-dispożizzjonijiet*** adottati skontu u fir-Regolament (UE) [ir-Regolament Orizzontali]. |

**Emenda 177**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 107 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri jistgħu jippreżentaw lill-Kummissjoni talbiet biex jemendaw il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom. | 1. L-Istati Membri jistgħu jippreżentaw lill-Kummissjoni talbiet biex jemendaw il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom***; meta jkun xieraq, l-awtoritajiet ta' ġestjoni reġjonali jistgħu wkoll jissottomettu lill-Kummissjoni talbiet għal emendi fil-programmi ta' intervent reġjonali kif stabbilit fl-Artikolu 95a***. |

**Emenda 178**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 110 – paragrafu 1 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri għandhom jaħtru Awtorità ta' Ġestjoni għall-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom. | L-Istati Membri għandhom jaħtru Awtorità ta' Ġestjoni għall-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom***, u awtorità ta' ġestjoni reġjonali għal kull Programm ta' Intervent Reġjonali fil-qafas tal-pjanijiet strateġiċi nazzjonali, jekk dan ikun applikabbli. F'dak il-każ, l-awtorità ta' ġestjoni nazzjonali għandha taħtar korp nazzjonali ta' koordinazzjoni għall-FAEŻR li jiżgura l-applikazzjoni uniformi tar-regoli tal-Unjoni Ewropea, li jiżgura konsistenza mal-elementi tal-pjan strateġiku stabbiliti fil-livell nazzjonali, skont it-tieni subparagrafu tal-*** |

**Emenda 179**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 110 – paragrafu 1 – subparagrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri għandhom jiżguraw li s-sistema ta' ġestjoni u ta' kontroll rilevanti tkun ġiet stabbilita b'tali mod li tiżgura allokazzjoni u separazzjoni ċari tal-funzjonijiet bejn ***l-Awtorità*** ta' Ġestjoni u korpi oħra. L-Istati Membri għandhom ikunu responsabbli mill-iżgurar li s-sistema taħdem b'mod effettiv matul il-perjodu tal-Pjan Strateġiku tal-PAK. | L-Istati Membri għandhom jiżguraw li s-sistema ta' ġestjoni u ta' kontroll rilevanti tkun ġiet stabbilita b'tali mod li tiżgura allokazzjoni u separazzjoni ċari tal-funzjonijiet bejn ***l-Awtoritajiet*** ta' Ġestjoni u korpi oħra. L-Istati Membri għandhom ikunu responsabbli mill-iżgurar li s-sistema taħdem b'mod effettiv matul il-perjodu tal-Pjan Strateġiku tal-PAK. |

**Emenda 180**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 110 – paragrafu 2 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. ***L-Awtorità*** ta' Ġestjoni ***għandha tkun*** responsabbli għall-ġestjoni u għall-implimentazzjoni tal-Pjan Strateġiku tal-PAK b'mod effiċjenti, effettiv u korrett. B'mod partikolari ***għandha tiżgura*** li: | 2. ***L-Awtoritajiet*** ta' Ġestjoni ***għandhom ikunu*** responsabbli għall-ġestjoni u għall-implimentazzjoni tal-Pjan Strateġiku tal-PAK b'mod effiċjenti, effettiv u korrett. B'mod partikolari***, huma għandhom jiżguraw*** li: |

**Emenda 181**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 110 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. L-Istat Membru jew ***l-Awtorità*** ta' Ġestjoni jistgħu jaħtru korp intermedjarju wieħed jew aktar li jinkludi lill-awtoritajiet lokali, il-korpi għall-iżvilupp reġjonali jew l-organizzazzjonijiet mhux governattivi, biex iwettqu l-ġestjoni u l- | 3. L-Istat Membru jew ***l-Awtoritajiet*** ta' Ġestjoni jistgħu jaħtru korp intermedjarju wieħed jew aktar li jinkludi lill-awtoritajiet ***u l-organizzazzjonijiet*** lokali, il-korpi għall-iżvilupp reġjonali jew l-organizzazzjonijiet mhux governattivi, |

| | |
|---|---|
| implimentazzjoni tal-interventi tal-Pjan Strateġiku tal-PAK. | biex iwettqu l-ġestjoni u l-implimentazzjoni tal-interventi tal-Pjan Strateġiku tal-PAK. |

**Emenda 182**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 110 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Meta parti mill-kompiti tagħha jiġu delegati lil korp ieħor, l-Awtorità ta' Ġestjoni għandha żżomm responsabbiltà sħiħa għall-effiċjenza u l-korrettezza tal-ġestjoni u tal-implimentazzjoni ta' dawk il-kompiti. L-Awtorità ta' Ġestjoni għandha tiżgura li jkunu fis-seħħ dispożizzjonijiet xierqa li jippermettu lill-korp l-ieħor jikseb id-data u l-informazzjoni kollha meħtieġa għall-eżekuzzjoni ta' dawk il-kompiti. | 4. Meta parti mill-kompiti tagħha jiġu delegati lil korp ieħor, l-Awtorità ta' Ġestjoni ***kompetenti*** għandha żżomm responsabbiltà sħiħa għall-effiċjenza u l-korrettezza tal-ġestjoni u tal-implimentazzjoni ta' dawk il-kompiti. L-Awtorità ta' Ġestjoni ***kompetenti*** għandha tiżgura li jkunu fis-seħħ dispożizzjonijiet xierqa li jippermettu lill-korp l-ieħor jikseb id-data u l-informazzjoni kollha meħtieġa għall-eżekuzzjoni ta' dawk il-kompiti. |

**Emenda 183**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 111 – paragrafu 1 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istat Membru għandu ***jwaqqaf*** kumitat biex jimmonitorja l-implimentazzjoni tal-Pjan Strateġiku tal-PAK ("il-Kumitat ta' Monitoraġġ") qabel is-sottomissjoni tal-Pjan Strateġiku tal-PAK. | L-Istat Membru għandu ***jistabbilixxi*** kumitat biex jimmonitorja l-implimentazzjoni tal-Pjan Strateġiku tal-PAK ("il-Kumitat ta' Monitoraġġ") qabel is-sottomissjoni tal-Pjan Strateġiku tal-PAK ***u, meta jkun xieraq, ir-reġjuni, għandhom jistabbilixxu kumitat biex jimmonitorja l-implimentazzjoni tal-Programmi ta' Intervent Reġjonali ("il-Kumitat ta' Monitoraġġ Reġjonali")***. |

**Emenda 184**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 111 – paragrafu 1 – subparagrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-Kumitat ta' Monitoraġġ għandu jiltaqa' mill-inqas darba fis-sena u għandu jirrieżamina l-kwistjonijiet kollha li jaffettwaw il-progress tal-Pjan Strateġiku tal-PAK lejn il-kisba tal-miri ***tiegħu***. | Il-Kumitat ta' Monitoraġġ għandu jiltaqa' mill-inqas darba fis-sena u għandu jirrieżamina l-kwistjonijiet kollha li jaffettwaw il-progress tal-Pjan Strateġiku tal-PAK***, u meta jkun applikabbli, tal-Programmi ta' Intervent Reġjonali,*** lejn il-kisba tal-miri ***tagħhom***. |

**Emenda 185**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 111 – paragrafu 1 – subparagrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istat Membru ***għandu jippubblika r-regoli*** tal-proċeduri tal-Kumitat ta' Monitoraġġ u d-data u l-informazzjoni kollha kondiviża mal-Kumitat ta' Monitoraġġ biss. | L-Istat Membru***, u meta jkun applikabbli, ir-reġjuni, għandhom jippubblikaw ir-regoli*** tal-proċeduri tal-Kumitat***/i*** ta' Monitoraġġ u d-data u l-informazzjoni kollha kondiviża mal-Kumitat***/i*** ta' Monitoraġġ biss. |

**Emenda 186**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 111 – paragrafu 1 – subparagrafu 4a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Is-sħubija tal-Kumitat ta' Monitoraġġ għandu jinkludi rappreżentanti tan-netwerk nazzjonali tal-Gruppi ta' Azzjoni Lokali jew aġenziji oħra ta' żvilupp sottoreġjonali li qegħdin jużaw fondi taħt l-intervent LEADER.*** |

**Emenda 187**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 111 – paragrafu 2 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istat Membru ***għandu jiddeċiedi*** dwar il- | L-Istat Membru***, u meta jkun applikabbli,*** |

| | |
|---|---|
| kompożizzjoni ***tal-Kumitat*** ta' Monitoraġġ u ***għandu jiżgura*** rappreżentanza ***bbilanċjata*** tal-awtoritajiet pubbliċi u l-korpi intermedjarji rilevanti u tar-rappreżentanti tas-sħab imsemmijin fl-Artikolu 94(3). | ***ir-reġjuni, għandhom jiddeċiedu*** dwar il-kompożizzjoni ***tal-Kumitati*** ta' Monitoraġġ u ***għandhom jiżguraw*** rappreżentanza ***bilanċjata*** tal-awtoritajiet pubbliċi u l-korpi intermedjarji rilevanti u tar-rappreżentanti tas-sħab imsemmijin fl-Artikolu 94(3). |

**Emenda 188**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 111 – paragrafu 2 – subparagrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Kull membru ***tal-Kumitat*** ta' Monitoraġġ għandu jkollu vot. | Kull membru ***tal-kumitati*** ta' monitoraġġ għandu jkollu vot. |

**Emenda 189**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 111 – paragrafu 2 – subparagrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istat Membru ***għandu jippubblika l-lista*** tal-membri tal-Kumitat ta' Monitoraġġ online. | L-Istat Membru***, u meta jkun applikabbli, ir-reġjuni, għandhom jippubblikaw il-lista*** tal-membri tal-Kumitat ta' Monitoraġġ online. |

**Emenda 190**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 111 – paragrafu 3 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. ***Il-Kumitat*** ta' Monitoraġġ ***għandu*** jeżamina b'mod partikolari: | 3. ***F'konformità mal-kamp ta' applikazzjoni territorjali tiegħu, il-Kumitat*** ta' Monitoraġġ ***jista'*** jeżamina b'mod partikolari: |

**Emenda 191**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 111 – paragrafu 3 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) il-progress fl-implimentazzjoni tal-Pjan Strateġiku tal-PAK u fil-kisba tal-istadji importanti u tal-miri; | (a) il-progress fl-implimentazzjoni tal-Pjan Strateġiku tal-PAK u***, meta jkun xieraq, il-Programmi ta' Intervent Reġjonali,*** fil-kisba tal-istadji importanti u tal-miri; |

**Emenda 192**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 111 – paragrafu 3 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) kwalunkwe kwistjoni li taffettwa l-prestazzjoni tal-Pjan Strateġiku tal-PAK u l-azzjonijiet meħuda biex jiġu indirizzati dawn il-kwistjonijiet; | (b) kwalunkwe kwistjoni li taffettwa l-prestazzjoni tal-Pjan Strateġiku tal-PAK***, u meta jkun xieraq il-Programmi ta' Intervent Reġjonali,*** u l-azzjonijiet meħuda biex jiġu indirizzati dawn il-kwistjonijiet; |

**Emenda 193**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 111 – paragrafu 4 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. ***Il-Kumitat*** ta' Monitoraġġ għandu ***jagħti*** l-opinjoni tiegħu dwar: | 4. ***F'konformità mal-kamp ta' applikazzjoni territorjali tiegħu, il-Kumitat*** ta' Monitoraġġ għandu ***joħroġ*** l-opinjoni tiegħu dwar: |

**Emenda 194**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 111 – paragrafu 4 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) l-abbozz tal-Pjan Strateġiku tal-PAK; | (a) l-abbozz tal-Pjan Strateġiku tal-PAK***, inkluż meta jkun applikabbli, l-Anness VI dwar il-Programmi ta' Intervent Reġjonali***; |

**Emenda 195**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 111 – paragrafu 4 – punt e**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (e) kwalunkwe proposta ***mill-awtorità*** ta' ġestjoni għall-emenda tal-Pjan Strateġiku tal-PAK. | (e) kwalunkwe proposta ***mill-awtoritajiet*** ta' ġestjoni għall-emenda tal-Pjan Strateġiku tal-PAK***, u meta jkun xieraq, il-Programmi ta' Intervent Reġjonali***. |

**Emenda 196**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 112 − paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Fuq l-inizjattiva ta' Stat Membru, ***l-FAEŻR*** jista' jappoġġa azzjonijiet li huma meħtieġa għall-amministrazzjoni u l-implimentazzjoni effettivi tal-appoġġ b'relazzjoni mal-Pjan Strateġiku tal-PAK, inkluż l-istabbiliment u l-operat tan-netwerks nazzjonali tal-PAK imsemmija fl-Artikolu 113(1). L-azzjonijiet imsemmijin f'dan il-paragrafu jistgħu jikkonċernaw perjodi tal-Pjan Strateġiku tal-PAK preċedenti u sussegwenti. | 1. Fuq l-inizjattiva ta' Stat Membru, ***u meta jkun applikabbli, tar-reġjuni, il-FAEŻR*** jista' jappoġġa azzjonijiet li huma meħtieġa għall-amministrazzjoni u l-implimentazzjoni effettivi tal-appoġġ b'relazzjoni mal-Pjan Strateġiku tal-PAK, inkluż ***għall-Gruppi ta' Azzjoni Lokali u*** l-istabbiliment u l-operat tan-netwerks nazzjonali tal-PAK imsemmija fl-Artikolu 113(1). L-azzjonijiet imsemmijin f'dan il-paragrafu jistgħu jikkonċernaw perjodi tal-Pjan Strateġiku tal-PAK preċedenti u sussegwenti. |

**Emenda 197**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 113 – paragrafu 3 – punt fa (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(fa) jappoġġaw il-bini tal-kapaċità ta' Gruppi ta' Azzjoni Lokali u ta' dak il-persunal tal-Awtoritajiet ta' Ġestjoni u tal-Aġenziji tal-Pagamenti li jittrattaw ir-*** |

| | |
|---|---|
| | ***relazzjoni mal-Gruppi ta' Azzjoni Lokali; u jappoġġaw il-kooperazzjoni interreġjonali u transnazzjonali bejn il-Gruppi ta' Azzjoni Lokali, inklużi Gruppi bħal dawn li jinsabu fil-pajjiżi Kandidati, Assoċjati jew tal-Viċinat tal-UE.*** |

**Emenda 198**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 115 − paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri ***għandhom jistabbilixxu qafas*** ta' ***prestazzjoni li għandu jippermetti r-rappurtar***, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-prestazzjoni tal-Pjan Strateġiku tal-PAK matul l-implimentazzjoni tiegħu. | 1. L-Istati Membri***, u, għall-Programmi ta' Intervent Reġjonali stabbiliti fl-Artikolu 95, l-awtoritajiet*** ta' ***ġestjoni reġjonali, għandhom jiżviluppaw qafas ta' prestazzjoni għar-rappurtar***, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-prestazzjoni tal-Pjan Strateġiku tal-PAK matul l-implimentazzjoni tiegħu. |

**Emenda 199**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 115 – paragrafu 3 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) il-kontenut tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK; | (a) il-kontenut ***tal-abbozz*** tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK***, inkluż meta jkun applikabbli, il-Programmi ta' Intervent Reġjonali***; |

**Emenda 200**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 118 − paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-benefiċjarji tal-appoġġ taħt l-interventi tal-Pjan Strateġiku tal-PAK u l-gruppi ta' azzjoni lokali għandhom jimpenjaw | L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-benefiċjarji tal-appoġġ taħt l-interventi tal-Pjan Strateġiku tal-PAK u l-gruppi ta' azzjoni lokali għandhom jimpenjaw |

| | |
|---|---|
| ruħhom li jipprovdu l-informazzjoni kollha meħtieġa ***lill-Awtorità*** ta' Ġestjoni jew korpi oħra delegati biex iwettqu funzjonijiet f'isimha, għall-finijiet tal-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-Pjan Strateġiku tal-PAK. | ruħhom li jipprovdu l-informazzjoni kollha meħtieġa ***lill-Awtoritajiet*** ta' Ġestjoni jew korpi oħra delegati biex iwettqu funzjonijiet f'isimha, għall-finijiet tal-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-Pjan Strateġiku tal-PAK. |

**Emenda 201**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 119 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***L-Awtorità*** ta' Ġestjoni u ***l-Kumitat*** ta' Monitoraġġ għandhom ***jimmonitorajaw*** l-implimentazzjoni tal-Pjan Strateġiku tal-PAK u l-progress li jkun sar lejn il-kisba tal-miri tal-Pjan Strateġiku tal-PAK fuq il-bażi tal-indikaturi tal-output u tar-riżultati. | ***L-Awtoritajiet*** ta' Ġestjoni u ***l-Kumitati*** ta' Monitoraġġ għandhom ***jimmonitorjaw*** l-implimentazzjoni tal-Pjan Strateġiku tal-PAK***, u meta jkun applikabbli, tal-Programmi ta' Intervent Reġjonali,*** u l-progress li jkun sar lejn il-kisba tal-miri tal-Pjan Strateġiku tal-PAK fuq il-bażi tal-indikaturi tal-output u tar-riżultati. |

**Emenda 202**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 122 − paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Kull sena l-Istati Membri għandhom jorganizzaw laqgħa ta' rieżami mal-Kummissjoni, li għandu jkollha presidenza konġunta jew tiġi ppreseduta mill-Kummissjoni, li ssir mhux qabel xahrejn wara s-sottomissjoni tar-rapport annwali dwar il-prestazzjoni. | 1. Kull sena l-Istati Membri***, u meta jkun applikabbli, ir-reġjuni,*** għandhom jorganizzaw laqgħa ta' rieżami mal-Kummissjoni, li għandu jkollha presidenza konġunta jew tiġi ppreseduta mill-Kummissjoni, li ssir mhux qabel xahrejn wara s-sottomissjoni tar-rapport annwali dwar il-prestazzjoni. |

**Emenda 203**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 125 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|

| | |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri għandhom iwettqu evalwazzjonijiet ex ante biex itejbu l-kwalità tat-tfassil tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom. | 1. L-Istati Membri***, u meta jkun applikabbli, ir-reġjuni,*** għandhom iwettqu evalwazzjonijiet *ex ante* biex itejbu l-kwalità tat-tfassil tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom. |

**Emenda 204**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 125 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. L-evalwazzjoni ex ante għandha titwettaq taħt ir-responsabbiltà ***tal-awtorità*** responsabbli għat-tħejjija tal-Pjan Strateġiku tal-PAK. | 2. L-evalwazzjoni *ex ante* għandha titwettaq taħt ir-responsabbiltà ***tal-awtoritajiet*** responsabbli għat-tħejjija tal-Pjan Strateġiku tal-PAK. |

**Emenda 205**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 125 – paragrafu 3 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) il-kontribut tal-Pjan Strateġiku tal-PAK lill-objettivi speċfiċi tal-PAK, filwaqt li jitqiesu ***l-ħtiġijiet*** nazzjonali ***u*** reġjonali u l-potenzjal għall-iżvilupp kif ukoll it-tagħlimiet meħuda mill-implimentazzjoni tal-PAK f'perjodi ta' programmazzjoni preċedenti; | (a) il-kontribut tal-Pjan Strateġiku tal-PAK lill-objettivi speċfiċi tal-PAK, filwaqt li jitqiesu ***mhux biss il-ħtiġijiet*** nazzjonali ***iżda wkoll il-ħtiġijiet*** reġjonali u ***l-ħtieġa li tingħata għajnuna liż-żoni rurali biex jilħqu*** l-potenzjal għall-iżvilupp***,*** kif ukoll it-tagħlimiet meħuda mill-implimentazzjoni tal-PAK f'perjodi ta' programmazzjoni preċedenti; |

**Emenda 206**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 126 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri għandhom iwettqu evalwazzjonijiet tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK biex tittejjeb il-kwalità tat-tfassil u tal-implimentazzjoni tal-pjanijiet, kif ukoll | 1. L-Istati Membri***, u meta jkun applikabbli, ir-reġjuni,*** għandhom iwettqu evalwazzjonijiet tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK***, inkluż meta jkun applikabbli, tal-*** |

biex jiġu ***vvalutati*** l-effettività, l-effiċjenza, ir-rilevanza, il-koerenza, il-valur miżjud tal-Unjoni u l-impatt tagħhom b'rabta mal-kontribut tagħhom lill-objettivi ġenerali u speċifiċi tal-PAK stabbiliti fl-Artikoli 5 u 6(1).

***Programmi ta' Intervent Reġjonali,*** biex tittejjeb il-kwalità tat-tfassil u tal-implimentazzjoni tal-pjanijiet, kif ukoll biex jiġu ***valutati*** l-effettività, l-effiċjenza, ir-rilevanza, il-koerenza, il-valur miżjud tal-Unjoni u l-impatt tagħhom b'rabta mal-kontribut tagħhom lill-objettivi ġenerali u speċifiċi tal-PAK stabbiliti fl-Artikoli 5 u 6(1).

**Emenda 207**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 126 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. L-Istati Membri għandhom jafdaw l-evalwazzjonijiet ***lil*** esperti funzjonalment indipendenti. | 2. L-Istati Membri***, u meta jkun applikabbli, ir-reġjuni,*** għandhom jafdaw l-evalwazzjonijiet ***f'idejn*** esperti funzjonalment indipendenti. |

**Emenda 208**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 126 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li hemm fis-seħħ proċeduri biex tiġi prodotta u miġbura d-data meħtieġa għall-evalwazzjonijiet. | 3. L-Istati Membri***, u meta jkun applikabbli, ir-reġjuni,*** għandhom jiżguraw li ***jkun*** hemm fis-seħħ proċeduri biex tiġi prodotta u miġbura d-data meħtieġa għall-evalwazzjonijiet. |

**Emenda 209**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 126 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. L-Istati Membri għandhom ikunu responsabbli għall-evalwazzjoni tal-adegwatezza tal-interventi tal-Pjan Strateġiku tal-PAK biex jinkisbu l-objettivi | 4. L-Istati Membri***, u meta jkun applikabbli, ir-reġjuni,*** għandhom ikunu responsabbli għall-evalwazzjoni tal-adegwatezza tal-interventi tal-Pjan |

| | |
|---|---|
| speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 6(1). | Strateġiku tal-PAK biex jinkisbu l-objettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 6(1). |

**Emenda 210**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 126 – paragrafu 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. L-Istati Membri għandhom ifasslu pjan ta' evalwazzjoni li jipprovdi indikazzjonijiet dwar l-attivitajiet ta' evalwazzjoni maħsuba matul il-perjodu ta' implimentazzjoni. | 5. L-Istati Membri***, u meta jkun applikabbli, ir-reġjuni,*** għandhom ifasslu pjan ta' evalwazzjoni li jipprovdi indikazzjonijiet dwar l-attivitajiet ta' evalwazzjoni maħsuba matul il-perjodu ta' implimentazzjoni. |

**Emenda 211**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 126 – paragrafu 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. L-Istati Membri għandhom jissottomettu l-pjan ta' evalwazzjoni lill-Kumitat ta' Monitoraġġ l-aktar tard sena wara l-adozzjoni tal-Pjan Strateġiku tal-PAK. | 6. L-Istati Membri***, u meta jkun applikabbli, ir-reġjuni,*** għandhom jissottomettu l-pjan ta' evalwazzjoni lill-Kumitat ta' Monitoraġġ l-aktar tard sena wara l-adozzjoni tal-Pjan Strateġiku tal-PAK. |

**Emenda 212**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 126 – paragrafu 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 7. ***L-Awtorità*** ta' Ġestjoni ***għandha tkun*** responsabbli għat-tlestija ta' evalwazzjoni komprensiva tal-Pjan Strateġiku tal-PAK sal-31/12/2031. | 7. ***L-Awtoritajiet*** ta' Ġestjoni ***għandhom ikunu*** responsabbli għat-tlestija ta' evalwazzjoni komprensiva tal-Pjan Strateġiku tal-PAK sal-31/12/2031. |

**Emenda 213**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 141a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 141a*** |
| | ***Rapporti*** |
| | ***Il-Kummissjoni Ewropea se tissottometti, sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2025, rapport dwar l-impatt li l-Politika Agrikola Komuni jkun kellha fuq ir-reġjuni insulari separati minbarra dawk imsemmija fl-artikolu 135. Dak ir-rapport għandu jkun akkumpanjat minn proposti għall-emenda tal-pjanijiet strateġiċi biex iqisu l-karatteristiċi partikolari ta' dawk l-oqsma u biex itejbu r-riżultati mistennija f'konformità mal-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 6(1).*** |

**Emenda 214**

**Proposta għal regolament**
**Anness I – kolonna 3 – Indikaturi tar-riżultat – R.3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| R.3 ***Id-diġitalizzazzjoni tal-agrikoltura***: Is-sehem ta' bdiewa li jibbenefikaw minn appoġġ għal teknoloġija agrikola ta' preċiżjoni permezz tal-PAK | R.3 ***L-agrikoltura ta' preċiżjoni***: Is-sehem ta' bdiewa li jibbenefikaw minn appoġġ għal teknoloġija agrikola ta' preċiżjoni ***xierqa*** permezz tal-PAK ***li twassal għat-tnaqqis tad-dipendenza fuq l-input u l-użu tar-riżorsi*** |

**Emenda 215**

**Proposta għal regolament**
**Anness I – kolonna 3 – Indikaturi tar-riżultat – R.6a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***R.6a Iż-żamma u ż-żieda tal-għadd ta' bdiewa: L-għadd ta' benefiċjarji tal-PAK*** |

**Emenda 216**

**Proposta għal regolament**
**Anness I – kolonna 3 – Indikaturi tar-riżultat – R.10**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| R.10 Organizzazzjoni aħjar tal-katina tal-provvista: Is-sehem tal-bdiewa li jipparteċipaw fi Gruppi tal-Produtturi, Organizzazzjonijiet tal-Produtturi, swieq lokali, ċirkwiti tal-katina tal-provvista qasira u skemi tal-kwalità | R.10 Organizzazzjoni aħjar tal-katina tal-provvista: Is-sehem tal-bdiewa li jipparteċipaw fi Gruppi tal-Produtturi, Organizzazzjonijiet tal-Produtturi, swieq lokali, ċirkwiti tal-katina tal-provvista qasira u skemi tal-kwalità***, azzjonijiet ta' kooperazzjoni għall-kondiviżjoni tat-tagħmir eż. għad-diversifikazzjoni tal-għelejjel meħtieġa għar-rotazzjoni inklużi l-legumi*** |

**Emenda 217**

**Proposta għal regolament**
**Anness I – kolonna 2 – Indikaturi tal-impatt – I.13**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| I.13 Tnaqqis tal-erożjoni tal-ħamrija: Perċentwal ta' art b'erożjoni moderata u gravi fuq l-art agrikola | I.13 Tnaqqis tal-erożjoni tal-ħamrija: Perċentwal ta' art b'erożjoni moderata u gravi fuq l-art agrikola***, reżiljenza akbar għall-għargħar*** |

**Emenda 218**

**Proposta għal regolament**
**Anness I – kolonna 2 – Indikaturi tal-impatt – I.13a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***I.13a Il-bini tal-ħamrija tal-wiċċ u ż-żieda tar-reżiljenza tal-ħamrija kontra kundizzjonijiet tat-temp estremi, filwaqt li tissaħħaħ l-umifikazzjoni: Il-perċentwal ta' ħumus fil-ħamrija tal-wiċċ*** |

**Emenda 219**

**Proposta għal regolament**
**Anness I – kolonna 3 – Indikaturi tar-riżultat – R.18**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***R.***18***.*** Titjib tal-ħamrija: Is-sehem tal-art agrikola b'impenji ta' ġestjoni b'benefiċċju għall-ġestjoni tal-ħamrija | R. 18 Titjib tal-ħamrija ***u ż-żieda tar-reżiljenza tagħha kontra kundizzjonijiet estremi tat-temp***: Is-sehem tal-art agrikola b'impenji ta' ġestjoni b'benefiċċju għall-ġestjoni tal-ħamrija***, kif ġie deskritt fil-Linji Gwida Volontarji għal Prattiki Sostenibbli tal-Ġestjoni tal-Ħamrija tal-FAO*** |

**Emenda 220**

**Proposta għal regolament**
**Anness I – kolonna 3 – Indikaturi tar-riżultat – R.18a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***R.18a Is-saħħa tal-ħamrija: L-abbundanza u d-diversità tal-bijota tal-ħamrija*** |

**Emenda 221**

**Proposta għal regolament**
**Anness I – kolonna 3 – Indikaturi tar-riżultat – R.24a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***R. 24a Il-protezzjoni tal-ħamrija: Is-sehem tar-raba' li jinħadem fejn tiġi applikata kultivazzjoni mħallta u l-polikultura bl-użu tal-legumi; is-sehem tar-raba' li jinħadem fejn tiġi applikata n-newba tal-għelejjel inkluż komponent tal-legumi*** |

**Emenda 222**

**Proposta għal regolament**
**Anness I – kolonna 2 – Indikaturi tal-impatt – I.20a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***I.20a Indiċi tad-Dakkara, inklużi n-naħal u l-friefet*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Jeħtieġ li x-xogħol li qed isir bħalissa biex jinħoloq indiċi tad-dakkara jiġi aċċelerat u jingħata prijorità. Il-popolazzjonijiet tad-dakkara selvaġġi naqsu b'mod rapidu f'dawn l-aħħar għexieren ta' snin u bdew juru sinjali li qed iħallu impatt fuq l-output agrikolu. Huwa kruċjali li tingħata prijorità lill-istabbiliment ta' indikaturi ġodda f'dan il-qasam, li jridu jitlestew sal-2021.*

**Emenda 223**

**Proposta għal regolament**
**Anness I – kolonna 3 – Indikaturi tar-riżultat – R.26**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| R.26: Protezzjoni tal-ekosistemi forestali: Is-sehem tal-art forestali b'impenji ta' ġestjoni għall-appoġġ tal-pajsaġġ, tal-bijodiversità u tas-servizzi tal-ekosistema**.** | R.26: Protezzjoni tal-ekosistemi forestali: Is-sehem tal-art forestali b'impenji ta' ġestjoni għall-appoġġ tal-pajsaġġ, tal-bijodiversità u tas-servizzi tal-ekosistema***, f'konformità mar-rekwiżiti tal-istrateġija tal-UE dwar il-bijodiversità*** |

**Emenda 224**

**Proposta għal regolament**
**Anness I – kolonna 3 – Indikaturi tar-riżultat – R.26a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***R. 26a It-titjib tal-bijodiversità tal-azjendi agrikoli: Is-sehem tal-art f'żoni agrikoli dedikata għal karatteristiċi mhux produttivi (KAAT 9) ħielsa mill-pestiċidi*** |

**Emenda 225**

**Proposta għal regolament**
**Anness I – kolonna 3 – Indikaturi tar-riżultat – R.27**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| R.27 Preservazzjoni tal-ħabitats u tal-ispeċijiet: Sehem tal-art agrikola b'impenji ta' ġestjoni li jappoġġaw il-konservazzjoni jew ir-restawr tal-bijodiversità | R.27 Preservazzjoni tal-ħabitats u tal-ispeċijiet: Sehem tal-art agrikola b'impenji ta' ġestjoni li jappoġġaw il-konservazzjoni jew ir-restawr tal-bijodiversità***, li jkopri kemm l-ispeċijiet selvaġġi kif ukoll dawk domestiċi, f'konformità mar-rekwiżiti tal-istrateġija tal-UE dwar il-bijodiversità*** |

**Emenda 226**

**Proposta għal regolament**
**Anness I – kolonna 3 – Indikaturi tar-riżultat – R.27a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***R. 27a L-appoġġ tal-użu sostenibbli tal-bijodiversità tal-għelejjel: Is-sehem tal-erja agrikola utilizzata (EAU) tal-UE fejn tiġi prattikata n-newba tal-għelejjel*** |

**Emenda 227**

**Proposta għal regolament**
**Anness I – kolonna 3 – Indikaturi tar-riżultat – R.29**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| R.29 ***Preservazzjoni*** tal-karatteristiċi tal-pajsaġġ: Sehem ta' art agrikola b'impenji għall-ġestjoni tal-karatteristiċi tal-pajsaġġ, inkluż ir-ringieli ta' sġajriet | R.29 ***Il-preservazzjoni*** tal-karatteristiċi tal-pajsaġġ ***u l-infrastruttura ekoloġika, inklużi s-siġar***: Sehem ta' art agrikola b'impenji għall-ġestjoni tal-karatteristiċi tal-pajsaġġ, inkluż ir-ringieli ta' sġajriet ***u s-siġar.*** |

**Emenda 228**

**Proposta għal regolament**
**Anness I – kolonna 1 – Objettivi speċifiċi tal-UE – ringiela 8**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Jiġu attirati bdiewa żgħażagħ u jiġi ffaċilitat l-iżvilupp tan-negozju fiż-żoni rurali | Jiġu attirati bdiewa żgħażagħ u ***ġodda u*** jiġi ffaċilitat l-iżvilupp tan-negozju fiż-żoni rurali |

**Emenda 229**

**Proposta għal regolament**
**Anness I – kolonna 2 – Indikaturi tal-impatt – I.21**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| I.21 Attrazzjoni ta' bdiewa żgħażagħ: Evoluzzjoni tal-għadd ta' bdiewa ġodda | I.21 Attrazzjoni ta' bdiewa żgħażagħ ***u ġodda***: Evoluzzjoni tal-għadd ta' bdiewa ġodda |

**Emenda 230**

**Proposta għal regolament**
**Anness I – kolonna 3 – Indikaturi tar-riżultat – R.30**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| R. 30 ***Tiġdid ġenerazzjonali:*** Għadd ta' bdiewa żgħażagħ li qed jistabbilixxu azjenda agrikola b'appoġġ mill-PAK | R. 30 Għadd ta' bdiewa żgħażagħ ***u ġodda*** li qed jistabbilixxu azjenda agrikola b'appoġġ mill-PAK |

**Emenda 231**

**Proposta għal regolament**
**Anness I – kolonna 2 – Indikaturi tal-impatt – I.26a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***I.26a Użu sostenibbli ta' prodotti veterinarji fost il-bhejjem: Bejgħ/użu fost*** |

| | |
|---|---|
| | ***l-annimali li jipproduċu l-ikel*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Il-prodotti veterinarji jistgħu jippreżentaw ukoll riskji għas-saħħa u għall-ambjent. Din hija r-raġuni għaliex l-istess regoli u prekawzjonijiet li jintużaw għall-pestiċidi jenħtieġ li jitqiesu għal dawn il-prodotti. Għal aktar informazzjoni, jekk jogħġbok ikkonsulta: https://www.unaf-apiculture.info/IMG/pdf/rapport_pesticideselevageabeilles_vf_final_112018.pdf.*

**Emenda 232**

**Proposta għal regolament**
**Anness I – kolonna 2 – Indikaturi tal-impatt – I.27**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| I.27 Użu sostenibbli tal-pestiċidi: ***Tnaqqis tar-riskji*** u ***l-impatti tal-pestiċidi***** | I.27 Użu sostenibbli tal-pestiċidi: ***It-tnaqqis tal-użu*** u ***tad-dipendenza fuq il-pestiċidi***** |

**Emenda 233**

**Proposta għal regolament**
**Anness I – kolonna 3 – Indikaturi tar-riżultat – R.36a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***R. 36a Użu sostenibbli tal-prodotti veterinarji: It-tnaqqis tal-bejgħ tal-antibijotiċi, is-sehem mill-unitajiet tal-bhejjem koperti minn azzjonijiet appoġġati biex jiġi limitat l-użu tal-prodotti veterinarji.*** |

**Emenda 234**

**Proposta għal regolament**
**Anness I – kolonna 3 – Indikaturi tar-riżultat – R.37**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| R.37 Użu sostenibbli tal-pestiċidi: Sehem | R.37 Użu sostenibbli tal-pestiċidi: Sehem |

| | |
|---|---|
| mill-art agrikola kkonċernata minn azzjonijiet speċifiċi appoġġati li ***jwasslu għall-użu sostenibbli tal-pestiċidi sabiex jitnaqqsu r-riskji*** u ***l-impatti tal-pestiċidi*** | mill-art agrikola kkonċernata minn azzjonijiet speċifiċi appoġġati li ***jnaqqsu l-użu*** u ***d-dipendenza fuq il-pestiċidi*** |

**Emenda 235**

**Proposta għal regolament**
**Anness III – kolonna 4 – Rekwiżiti u standards – ringiela 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Stabbiliment ta' biċċiet art ta' lqugħ matul il-mogħdijiet tal-ilma | Stabbiliment ta' biċċiet art ta' lqugħ matul il-mogħdijiet tal-ilma ***mingħajr l-użu ta' agrokimiċi*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Il-biċċiet art ta' lqugħ huma effettivi biex inaqqsu l-kontaminazzjoni tal-mogħdijiet tal-ilma, iżda jistgħu jintużaw biss biex tiġi promossa l-bijodiversità jekk l-użu tal-pestiċidi jiġi pprojbit.*

**Emenda 236**

**Proposta għal regolament**
**Anness III – kolonna 5 – Objettiv ewlieni tal-istandard – ringiela 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-protezzjoni tal-mogħdijiet tax-xmajjar mit-tniġġis u mit-tnixxijiet | Il-protezzjoni tal-mogħdijiet tax-xmajjar ***u tal-ispeċijiet jew l-ekosistemi akwatiċi*** mit-tniġġis***, mit-tossiċità*** u mit-tnixxijiet |

**Emenda 237**

**Proposta għal regolament**
**Anness III – kolonna 4 – Rekwiżiti u standards – ringiela 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-użu tal-Għodda tas-Sostenibbiltà tal-Azjendi Agrikoli ***għan-Nutrijenti*** | L-użu tal-Għodda tas-Sostenibbiltà tal-Azjendi Agrikoli ***għall-monitoraġġ tal-*** |

| | |
|---|---|
| | ***inputs u l-għodod u biex tiġi monitorjata l-ħajja u l-umifikazzjoni tal-ħamrija*** |

**Emenda 238**

**Proposta għal regolament**
**Anness III – kolonna 4 – Rekwiżiti u standards – ringiela 8**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-ġestjoni tal-ħdim tar-raba' li ***tnaqqas ir-riskju*** tad-degradazzjoni tal-ħamrija, inkluż il-kunsiderazzjoni tal-inklinazzjoni | Il-ġestjoni tal-ħdim tar-raba' li ***tipprevjeni r-riskju*** tad-degradazzjoni tal-ħamrija, inkluż il-kunsiderazzjoni tal-inklinazzjoni ***u li tiżgura l-kapaċità tal-ħamrija li żżomm l-ilma*** |

**Emenda 239**

**Proposta għal regolament**
**Anness III – kolonna 5 – Objettiv ewlieni tal-istandard – ringiela 8**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Ġestjoni minima ta' artijiet li ***tirrifletti l-kondizzjonijiet speċifiċi tas-siti biex tiġi limitata l-erożjoni*** | ***Rekwiżiti ta'*** ġestjoni minima ta' artijiet ***fir-rigward tal-kapaċità tal-ħamrija li żżomm l-ilma,*** li ***jirriflettu l-okkorrenza ta' nixfiet u l-kundizzjonijiet speċifiċi tas-siti*** |

**Emenda 240**

**Proposta għal regolament**
**Anness X – titolu**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| AMMONTI MINIMI RIŻERVATI GĦALL-OBJETTIV "NATTIRAW IL-BDIEWA ŻGĦAŻAGĦ U NIFFAĊILITAW L-IŻVILUPP TAN-NEGOZJI" KIF IMSEMMI FL-ARTIKOLU 86(5) | AMMONTI MINIMI RIŻERVATI GĦALL-OBJETTIV "NATTIRAW IL-BDIEWA ŻGĦAŻAGĦ U ***ĠODDA U*** NIFFAĊILITAW L-IŻVILUPP TAN-NEGOZJI" KIF IMSEMMI FL-ARTIKOLU 86(5) |

**Emenda 241**

**Proposta għal regolament**
**Anness XII – kolonna 1 – Objettivi – ringiela 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-attrazzjoni ta' bdiewa żgħażagħ u l-faċilitazzjoni tal-iżvilupp tan-negozju; | L-attrazzjoni ta' bdiewa żgħażagħ u ***ġodda u*** l-faċilitazzjoni tal-iżvilupp tan-negozju; |

**Emenda 242**

**Proposta għal regolament**
**Anness XII – kolonna 2 – Sett ewlieni ta' indikaturi – ringiela 10**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| R.30 ***Tiġdid ġenerazzjonali:*** Għadd ta' bdiewa żgħażagħ li qed jistabbilixxu azjenda agrikola b'appoġġ mill-PAK | R.30 Għadd ta' bdiewa żgħażagħ ***u ġodda*** li qed jistabbilixxu azjenda agrikola b'appoġġ mill-PAK |

## PROĊEDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| | |
|---|---|
| **Titolu** | Establishing rules on support for strategic plans to be drawn up by Member States under the Common agricultural policy (CAP Strategic Plans) and financed by the European Agricultural Guarantee Fund (EAGF) and by the European Agricultural Fund for Rural Development (EAFRD) |
| **Referenzi** | COM(2018)0392 – C8-0248/2018 – 2018/0216(COD) |
| **Kumitat responsabbli**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | AGRI<br>11.6.2018 |
| **Opinjoni mogħtija minn**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | REGI<br>11.6.2018 |
| **Rapporteur għal opinjoni**<br>Data tal-ħatra | Bronis Ropė<br>20.6.2018 |
| **Eżami fil-kumitat** | 22.11.2018 |
| **Data tal-adozzjoni** | 14.2.2019 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 31<br>–: 0<br>0: 0 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Pascal Arimont, Franc Bogovič, Victor Boştinaru, Mercedes Bresso, Rosa D'Amato, Tamás Deutsch, Iratxe García Pérez, Krzysztof Hetman, Ivan Jakovčić, Sławomir Kłosowski, Constanze Krehl, Louis-Joseph Manscour, Martina Michels, Iskra Mihaylova, Andrey Novakov, Mirosław Piotrowski, Stanislav Polčák, Liliana Rodrigues, Fernando Ruas, Monika Smolková, Ramón Luis Valcárcel Siso, Matthijs van Miltenburg, Lambert van Nistelrooij, Derek Vaughan |
| **Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali** | Martina Anderson, Raffaele Fitto, Elsi Katainen, Ivana Maletić, Bronis Ropė, Davor Škrlec |
| **Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali** | Anna Hedh |

## VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| 31 | + |
|---|---|
| ALDE | Ivan Jakovčić, Elsi Katainen, Iskra Mihaylova, Matthijs van Miltenburg |
| ECR | Raffaele Fitto, Sławomir Kłosowski, Mirosław Piotrowski |
| EFDD | Rosa D'Amato |
| GUE/NGL | Martina Anderson, Martina Michels |
| PPE | Pascal Arimont, Franc Bogovič, Tamás Deutsch, Krzysztof Hetman, Ivana Maletić, Lambert van Nistelrooij, Andrey Novakov, Stanislav Polčák, Fernando Ruas, Ramón Luis Valcárcel Siso |
| S&D | Victor Boştinaru, Mercedes Bresso, Iratxe García Pérez, Anna Hedh, Constanze Krehl, Louis-Joseph Manscour, Liliana Rodrigues, Monika Smolková, Derek Vaughan |
| VERTS/ALE | Bronis Ropė, Davor Škrlec |

| 0 | - |
|---|---|
| | |

| 0 | 0 |
|---|---|
| | |

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni

4.3.2019

# OPINJONI TAL-KUMITAT GĦAD-DRITTIJIET TAN-NISA U L-UGWALJANZA BEJN IS-SESSI

għall-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi regoli dwar l-appoġġ għall-pjanijiet strateġiċi li jridu jitfasslu mill-Istati Membri taħt il-Politika Agrikola Komuni (il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK) u ffinanzjati mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1305/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament (UE) Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill
(COM(2018)0392 – C8-0248/2018 – 2018/0216(COD))

Rapporteur għal opinjoni:Marijana Petir

## ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Il-prinċipju tal-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel għandu jiġi rifless aħjar fid-dispożizzjonijiet tal-PAK, bil-ħsieb li tittejjeb il-parteċipazzjoni tan-nisa fl-iżvilupp soċjoekonomiku taż-żoni rurali u li jiġi żgurat li x-xogħol li jagħmlu n-nisa jkun aktar viżibbli u apprezzat aħjar.

Iż-żoni rurali tal-UE qed iħabbtu wiċċhom ma' problemi strutturali, u għaldaqstant, bil-għan li tiġi ffavorita aktar l-inklużjoni tan-nisa fl-ekonomija rurali, għandna bżonn ktajjen ta' valur rurali ġodda, inklużi, b'mod partikolari, opportunitajiet ġodda marbuta mal-iżvilupp ta' "rħula intelliġenti" fl-Ewropa.

L-intraprenditorija tan-nisa hija pilastru tal-iżvilupp sostenibbli fiż-żoni rurali u għandha tiġi promossa u appoġġata mill-Istati Membri fil-pjanijiet strateġiċi tagħhom. L-Istati Membri għandu jkollhom il-possibbiltà, jekk iqisu li hu neċessarju, li jistabbilixxu kriterji addizzjonali għall-użu tar-riżervi tal-intitolamenti għal pagament bil-għan li jidderiġuhom aktar lejn nisa li għandhom azjendi agrikoli.

Għandha tingħata attenzjoni partikolari lejn it-tiżjid ta' opportunitajiet ta' xogħol għan-nisa. Dan jirrikjedi l-iżvilupp ta' infrastruttura diġitali u servizzi ta' assistenza (għat-tfal u l-anzjani) marbut mal-iżvilupp ta' politiki favur bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata.

Permezz ta' pjanijiet strateġiċi, l-Istati Membri jistgħu joħolqu kundizzjonijiet aktar favorevoli għan-nisa fiż-żoni rurali u b'hekk itejbu l-aċċess tagħhom għall-istrumenti finanzjarji, ir-raba' u l-kreditu.

Is-subprogrammi tematiċi għandhom jitfasslu bil-għan li jsaħħu l-pożizzjoni tan-nisa fiż-żoni rurali.

Il-pjanijiet strateġiċi jistgħu wkoll jipprevedu kriterji addizzjonali għal ċerti tipi ta' interventi, u jista' jingħata sostenn għall-istabbiliment u l-implimentazzjoni ta' subprogrammi tematiċi għat-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa fiż-żoni rurali.

L-Awtorità ta' Ġestjoni tal-Pjan Strateġiku tal-PAK għandha tiddefinixxi l-kriterji tal-għażla għall-interventi bil-għan li tiżgura trattament indaqs għall-applikanti kollha. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jużaw ċertu proporzjon mill-allokazzjonijiet tal-FAEŻR bil-għan li jassistu lill-bdiewa tfajliet u lin-nisa fiż-żoni rurali.

## EMENDI

Il-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi jistieden lill-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jieħu inkunsiderazzjoni l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

**Emenda 1**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 9a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***(9a) L-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel hija prinċipju fundamentali tal-Unjoni Ewropea u l-integrazzjoni ta' kwistjonijiet ta' ugwaljanza bejn is-sessi hija għodda importanti fl-integrazzjoni ta' dan il-prinċipju fil-PAK. F'dan ir-rigward tingħata enfasi partikolari fuq il-promozzjoni tal-parteċipazzjoni tan-nisa fl-iżvilupp soċjoekonomiku taż-żoni rurali, inkluż l-aċċess tagħhom għall-edukazzjoni, it-taħriġ vokazzjonali u professjonali, l-impjiegi u l-protezzjoni soċjali. Id-daqs tal-azjenda agrikola mħaddma min-nisa għandu t-tendenza li jkun iżgħar u x-xogħol imwettaq min-nisa, bħala konjuġi fl-azjendi agrikoli, mhux dejjem huwa rikonoxxut u viżibbli, u dan iħalli impatt fuq l-indipendenza*** |

***ekonomika tagħhom u konsegwentement iwassal għal differenzi bejn il-pagi u l-pensjonijiet tal-irġiel u n-nisa, kif ukoll nuqqas ta' protezzjoni soċjali. Jenħtieġ li dan ir-Regolament jgħin jiżgura li l-ħidma tan-nisa ssir aktar viżibbli, aktar apprezzata u kkunsidrata fil-kuntest tal-objettivi speċifiċi li għandhom jipproponu l-Istati Membri fil-pjanijiet strateġiċi tagħhom. Jenħtieġ li l-ugwaljanza bejn is-sessi kif ukoll il-prinċipji tan-nondiskriminazzjoni jkunu parti integrali tat-tħejjija, l-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni tal-interventi tal-PAK, filwaqt li l-pjanijiet strateġiċi jkunu żviluppati, implimentati, immonitorjati u evalwati b'mod li jkun sensittiv għal kwistjonijiet relatati mas-sessi. F'dan ir-rigward, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-bdiewa nisa u rġiel ikollhom aċċess ugwali għal servizzi ta' konsulenza għall-farms u jħeġġu lin-nisa jieħdu sehem fil-Kumitat ta' Monitoraġġ tal-PAK. Jenħtieġ ukoll li l-Istati Membri jsaħħu l-kapaċità tagħhom fl-integrazzjoni ta' kwistjonijiet ta' ugwaljanza bejn is-sessi u fil-ġbir tad-data diżaggregata skont is-sess.***

**Emenda 2**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 9a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(9a) Sabiex tiġi żgurata l-konsistenza bejn it-tipi ta' interventi tal-pagamenti diretti u t-tipi ta' interventi tal-iżvilupp rurali meta jkun qed jiġi indirizzat l-objettiv li jiġu attirati bdiewa nisa, jenħtieġ li tiġi stipulata definizzjoni qafas fil-livell tal-Unjoni għal "bdiewa nisa" bl-elementi essenzjali.*** |

**Emenda 3**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 15**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (15) Fil-kuntest ta' PAK aktar orjentata lejn is-suq, kif deskritt fil-Komunikazzjoni dwar "Il-Ġejjieni tal-Ikel u tal-Biedja", l-espożizzjoni tas-suq, it-tibdil fil-klima u l-frekwenza u s-severità ta' avvenimenti estremi tat-temp assoċjati ma' dan it-tibdil, kif ukoll il-kriżijiet sanitarji u fitosanitarji, jistgħu jwasslu għal riskji ta' volatilità tal-prezzijiet u pressjonijiet dejjem akbar fuq l-introjtu. Għalhekk, għalkemm il-bdiewa huma finalment responsabbli għat-tfassil tal-istrateġiji tagħhom fl-azjenda agrikola, jenħtieġ li jiġi stabbilit qafas sod biex tiġi żgurata ġestjoni xierqa tar-riskju. Għal dan l-għan, l-Istati Membri u l-bdiewa jkunu jistgħu jibbażaw ruħhom fuq pjattaforma fil-livell tal-Unjoni għall-ġestjoni tar-riskju biex jibnu l-kapaċitajiet tagħhom sabiex jipprovdu lill-bdiewa strumenti finanzjarji xierqa għall-investimenti u aċċess għall-kapital operatorju, it-taħriġ, it-trasferiment ***tal-għarifen*** u l-pariri. | (15) Fil-kuntest ta' PAK aktar orjentata lejn is-suq, kif deskritt fil-Komunikazzjoni dwar "Il-Ġejjieni tal-Ikel u tal-Biedja", l-espożizzjoni tas-suq, it-tibdil fil-klima u l-frekwenza u s-severità ta' avvenimenti estremi tat-temp assoċjati ma' dan it-tibdil, kif ukoll il-kriżijiet sanitarji u fitosanitarji, jistgħu jwasslu għal riskji ta' volatilità tal-prezzijiet u pressjonijiet dejjem akbar fuq l-introjtu. Għalhekk, għalkemm il-bdiewa huma finalment responsabbli għat-tfassil tal-istrateġiji tagħhom fl-azjenda agrikola, jenħtieġ li jiġi stabbilit qafas sod biex tiġi żgurata ġestjoni xierqa tar-riskju. Għal dan l-għan, l-Istati Membri u l-bdiewa jkunu jistgħu jibbażaw ruħhom fuq pjattaforma fil-livell tal-Unjoni għall-ġestjoni tar-riskju biex jibnu l-kapaċitajiet tagħhom sabiex jipprovdu lill-bdiewa strumenti finanzjarji xierqa għall-investimenti u aċċess għall-kapital operatorju, it-taħriġ, it-trasferiment ***tal-għarfien*** u l-pariri. ***Filwaqt li jitqiesu d-disparitajiet li attwalment jeżistu bejn is-sessi, inkluża d-disparità diġitali bejn is-sessi, trid tiġi inkorporata perspettiva tal-ugwaljanza bejn is-sessi u l-Istati Membri jistgħu jiżviluppaw subprogrammi fil-Pjan Strateġiku li jappoġġa l-bdiewa nisa jużaw strumenti finanzjarji u jaġġornaw l-għarfien u l-ħiliet tagħhom.*** |

**Emenda 4**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 16 - paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Billi ħafna żoni rurali fl-Unjoni jbatu minn problemi strutturali bħal nuqqas ta' opportunitajiet ta' xogħol attraenti, | Billi ħafna żoni rurali fl-Unjoni jbatu minn problemi strutturali bħal nuqqas ta' opportunitajiet ta' xogħol attraenti, |

| | |
|---|---|
| nuqqasijiet ta' ħiliet, nuqqas ta' investiment fil-konnettività, fl-infrastruttura u fis-servizzi essenzjali, kif ukoll eżodu taż-żgħażagħ, huwa fundamentali li tissaħħaħ in-nisġa soċjoekonomika f'dawk l-oqsma, b'mod konformi mal-Cork 2.0. Id-dikjarazzjoni, b'mod partikolari permezz tal-ħolqien tal-impjiegi u t-tiġdid ġenerazzjonali, billi l-impjiegi u t-tkabbir tal-Kummissjoni jinġiebu fiż-żoni rurali, bil-promozzjoni tal-inklużjoni soċjali, it-tiġdid ġenerazzjonali, u l-iżvilupp ta' "rħula Intelliġenti" fil-kampanja Ewropea. Kif indikat fil-Komunikazzjoni dwar "Il-Ġejjieni tal-Ikel u tal-Biedja", il-ktajjen ta' valur rurali ġodda bħal pereżempju l-enerġija rinnovabbli, il-bijoekonomija emerġenti, l-ekonomija ċirkolari u l-ekoturiżmu jistgħu joffru potenzjal tajjeb għat-tkabbir u għall-impjiegi fiż-żoni rurali. F'dan il-kuntest, l-istrumenti finanzjarji u l-użu tal-garanzija InvestEU jistgħu jkollhom rwol kruċjali biex jiġi żgurat aċċess għall-finanzjament u biex tissaħħaħ il-kapaċità tat-tkabbir tal-azjendi agrikoli u tal-intrapriżi. Hemm il-potenzjal għal opportunitajiet ta' xogħol fiż-żoni rurali għaċ-ċittadini ta' pajjiż terz residenti legalment, u b'hekk tiġi promossa l-integrazzjoni soċjali u ekonomika tagħhom speċjalment fil-qafas tal-istrateġiji ta' Żvilupp Lokali Mmexxija mill-Komunità. | nuqqasijiet ta' ħiliet, nuqqas ta' investiment fil-konnettività, fl-infrastruttura u fis-servizzi essenzjali, ***partikolarment fis-servizzi tal-indukrar tat-tfal u l-kura fit-tul,*** u kif ukoll eżodu taż-żgħażagħ, huwa fundamentali li tissaħħaħ in-nisġa soċjoekonomika f'dawk l-oqsma, b'mod konformi mal-Cork 2.0. Id-dikjarazzjoni, b'mod partikolari permezz tal-ħolqien tal-impjiegi u t-tiġdid ġenerazzjonali, billi l-impjiegi u t-tkabbir tal-Kummissjoni jinġiebu fiż-żoni rurali, bil-promozzjoni tal-inklużjoni soċjali, it-tiġdid ġenerazzjonali, inklużjoni akbar tan-nisa fl-ekonomija rurali u l-iżvilupp ta' "rħula Intelliġenti" fil-kampanja Ewropea. Kif indikat fil-Komunikazzjoni dwar "Il-Ġejjieni tal-Ikel u tal-Biedja", il-ktajjen ta' valur rurali ġodda bħal pereżempju l-enerġija rinnovabbli, il-bijoekonomija emerġenti, l-ekonomija ċirkolari u l-ekoturiżmu jistgħu joffru potenzjal tajjeb għat-tkabbir u għall-impjiegi fiż-żoni rurali. F'dan il-kuntest, l-istrumenti finanzjarji u l-użu tal-garanzija InvestEU jistgħu jkollhom rwol kruċjali biex jiġi żgurat aċċess għall-finanzjament u biex tissaħħaħ il-kapaċità tat-tkabbir tal-azjendi agrikoli u tal-intrapriżi. Hemm il-potenzjal għal opportunitajiet ta' xogħol fiż-żoni rurali għaċ-ċittadini ta' pajjiż terz residenti legalment, u b'hekk tiġi promossa l-integrazzjoni soċjali u ekonomika tagħhom speċjalment fil-qafas tal-istrateġiji ta' Żvilupp Lokali Mmexxija mill-Komunità. ***Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw opportunitajiet ta' impjieg indaqs bejn in-nisa u l-irġiel u li d-drittijiet fundamentali tagħhom ikunu protetti.*** |

**Emenda 5**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 16 - paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Billi ħafna żoni rurali fl-Unjoni jbatu minn problemi strutturali bħal nuqqas ta' opportunitajiet ta' xogħol attraenti, nuqqasijiet ta' ħiliet, nuqqas ta' investiment fil-konnettività, fl-infrastruttura u fis-servizzi essenzjali, kif ukoll eżodu taż-żgħażagħ, huwa fundamentali li tissaħħaħ in-nisġa soċjoekonomika f'dawk l-oqsma, b'mod konformi mal-Cork 2.0. Id-dikjarazzjoni, b'mod partikolari permezz tal-ħolqien tal-impjiegi u t-tiġdid ġenerazzjonali, billi l-impjiegi u t-tkabbir tal-Kummissjoni jinġiebu fiż-żoni rurali, bil-promozzjoni tal-inklużjoni soċjali, it-tiġdid ġenerazzjonali, u l-iżvilupp ta' "rħula Intelliġenti" fil-kampanja Ewropea. Kif indikat fil-Komunikazzjoni dwar "Il-Ġejjieni tal-Ikel u tal-Biedja", il-ktajjen ta' valur rurali ġodda bħal pereżempju l-enerġija rinnovabbli, il-bijoekonomija emerġenti, l-ekonomija ċirkolari u l-ekoturiżmu jistgħu joffru potenzjal tajjeb għat-tkabbir u għall-impjiegi fiż-żoni rurali. F'dan il-kuntest, l-istrumenti finanzjarji u l-użu tal-garanzija InvestEU jistgħu jkollhom rwol kruċjali biex jiġi żgurat aċċess għall-finanzjament u biex tissaħħaħ il-kapaċità tat-tkabbir tal-azjendi agrikoli u tal-intrapriżi. Hemm il-potenzjal għal opportunitajiet ta' xogħol fiż-żoni rurali għaċ-ċittadini ta' pajjiż terz residenti legalment, u b'hekk tiġi promossa l-integrazzjoni soċjali u ekonomika tagħhom speċjalment fil-qafas tal-istrateġiji ta' Żvilupp Lokali Mmexxija mill-Komunità. | Billi ħafna żoni rurali fl-Unjoni jbatu minn problemi strutturali bħal nuqqas ta' opportunitajiet ta' xogħol attraenti, nuqqasijiet ta' ħiliet, nuqqas ta' investiment fil-konnettività, fl-infrastruttura u fis-servizzi essenzjali, kif ukoll eżodu taż-żgħażagħ, huwa fundamentali li tissaħħaħ in-nisġa soċjoekonomika f'dawk l-oqsma, b'mod konformi mal-Cork 2.0. Id-dikjarazzjoni, b'mod partikolari permezz tal-ħolqien tal-impjiegi u t-tiġdid ġenerazzjonali, billi l-impjiegi u t-tkabbir tal-Kummissjoni jinġiebu fiż-żoni rurali, bil-promozzjoni tal-inklużjoni soċjali, it-tiġdid ġenerazzjonali, inklużjoni akbar tan-nisa fl-ekonomija rurali u l-iżvilupp ta' "rħula Intelliġenti" fil-kampanja Ewropea. Kif indikat fil-Komunikazzjoni dwar "Il-Ġejjieni tal-Ikel u tal-Biedja", il-ktajjen ta' valur rurali ġodda bħal pereżempju l-enerġija rinnovabbli, il-bijoekonomija emerġenti, l-ekonomija ċirkolari u l-ekoturiżmu jistgħu joffru potenzjal tajjeb għat-tkabbir u għall-impjiegi fiż-żoni rurali. F'dan il-kuntest, l-istrumenti finanzjarji u l-użu tal-garanzija InvestEU jistgħu jkollhom rwol kruċjali biex jiġi żgurat aċċess għall-finanzjament u biex tissaħħaħ il-kapaċità tat-tkabbir tal-azjendi agrikoli u tal-intrapriżi. Hemm il-potenzjal għal opportunitajiet ta' xogħol fiż-żoni rurali għaċ-ċittadini ta' pajjiż terz residenti legalment, u b'hekk tiġi promossa l-integrazzjoni soċjali u ekonomika tagħhom speċjalment fil-qafas tal-istrateġiji ta' Żvilupp Lokali Mmexxija mill-Komunità. |

**Emenda 6**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 16a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(16a) Għas-sostenibbiltà soċjoekonomika taż-żoni rurali, il-Kummissjoni Ewropea għandha tivverifika li fil-Pjan Strateġiku tal-PAK l-Istati Membri jiżguraw koerenza bejn l-applikazzjoni tad-Direttiva 2010/41/UE u l-approċċ fit-tul dwar l-użu tal-fondi għall-Iżvilupp Rurali.*** |

**Emenda 7**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 27**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (27) Meta jiġi provdut l-appoġġ dirett diżakkoppjat ibbażat fuq is-sistema tal-intitolamenti għal pagament, jenħtieġ li l-Istati Membri jkomplu jamministraw riżerva jew riżervi nazzjonali għal kull grupp ta' territorji. It-tali riżervi jenħtieġ li jintużaw, bħala kwistjoni ta' prijorità, għall-bdiewa żgħażagħ u l-bdiewa li għadhom jibdew l-attività agrikola tagħhom. Huma meħtieġa wkoll regoli dwar l-użu u t-trasferimenti tal-intitolamenti għal pagament biex jiġi garantit funzjonament bla xkiel tas-sistema. | (27) Meta jiġi provdut l-appoġġ dirett diżakkoppjat ibbażat fuq is-sistema tal-intitolamenti għal pagament, jenħtieġ li l-Istati Membri jkomplu jamministraw riżerva jew riżervi nazzjonali għal kull grupp ta' territorji. It-tali riżervi jenħtieġ li jintużaw, bħala kwistjoni ta' prijorità, għall-bdiewa żgħażagħ***, il-bdiewa nisa*** u l-bdiewa li għadhom jibdew l-attività agrikola tagħhom. ***Sabiex jittejjeb l-involviment tan-nisa fis-settur agrikolu, l-Istati Membri jistgħu jikkunsidraw li jappoġġaw lill-bdiewa żgħażagħ nisa f'dan ir-rigward.*** Huma meħtieġa wkoll regoli dwar l-użu u t-trasferimenti tal-intitolamenti għal pagament biex jiġi garantit funzjonament bla xkiel tas-sistema. |

**Emenda 8**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 30a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(30a) L-intraprenditorija fost in-nisa, mil-lat soċjali, ekonomiku u ambjentali, hija pilastru importanti f'dak li jikkonċerna l-iżvilupp sostenibbli fiż-żoni rurali u jenħtieġ li tiġi promossa, imħeġġa u appoġġata mill-Istati Membri fil-pjanijiet strateġiċi tagħhom. Jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu, jistabbilixxu kriterju addizzjonali għall-użu tar-riżervi tal-intitolamenti għal pagament li jkopru wkoll lin-nisa li għandhom azjendi agrikoli.*** |

**Emenda 9**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 41a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(41a) Meta jinvestu fl-infrastruttura, s-servizzi u l-ksib tal-għarfien u l-ħiliet, jenħtieġ li l-Istati Membri, bħala parti mill-pjanijiet strateġiċi tagħhom, jikkunsidraw il-bini ta' infrastruttura neċessarja li tagħmel parti minn strateġija ta' żvilupp lokali u hija maħsuba apposta wkoll għall-ħtiġijiet tan-nisa fiż-żoni rurali. Jenħtieġ li tali infrastruttura tkun immirata lejn il-provvediment tas-sostenn u l-assistenza meħtieġa għat-titjib tal-pożizzjoni tan-nisa u l-promozzjoni tal-impjieg tagħhom. Bil-għan li titnaqqas id-differenza fil-pagi bejn l-irġiel u n-nisa u jiżdied l-impjieg tan-nisa, jenħtieġ li l-Pjanijiet Strateġiċi tal-Istati Membri jippromwovu l-iżvilupp ta' politiki mmirati lejn il-ksib ta' bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata. L-iżvilupp ta' servizzi ta' assistenza tal-infrastruttura relatata jista' jikkontribwixxi b'mod sinifikanti għal dan il-għan. L-appoġġ għal dan u għal miżuri simili jista' jiġi ffinanzjat taħt is-subprogramm għat-titjib tal-pożizzjoni*** |

| | |
|---|---|
| | ***tan-nisa fiż-żoni rurali, u għal dan il-għan jistgħu jintużaw il-programmi InvestEU u FSE+ f'sinerġija.*** |

**Emenda 10**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 41a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(41a) Meta jitqies l-iżvilupp kontinwu tad-diġitalizzazzjoni fis-settur agrikolu, l-Istati Membri jkunu jistgħu jiżviluppaw subprogramm għall-aġġornament tal-ħiliet diġitali fiż-żoni rurali u jkunu jistgħu jieħdu miżuri ulterjuri biex inaqqsu d-disparitajiet diġitali bejn i-sessi billi jiffaċilitaw l-aċċess tan-nisa fiż-żoni rurali għat-tagħlim tul il-ħajja, għat-taħriġ vokazzjonali u dak professjonali.*** |

**Emenda 11**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 42**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (42) Fid-dawl tal-ħtieġa li tiġi indirzzata d-diskrepanza tal-investiment fis-settur agrikolu tal-Unjoni u sabiex jitjieb l-aċċess għall-istrumenti finanzjarji għall-gruppi prijoritarji, b'mod partikolari l-bdiewa żgħażagħ u l-bdiewa ġodda bi profili ta' riskju ogħla, jenħtieġ li jitħeġġeġ l-użu tal-garanzija InvestEU u l-kombinament tal-għotjiet u tal-istrumenti finanzjarji. Peress li l-użu tal-istrumenti finanzjarji fl-Istati Membri kollha jvarja b'mod konsiderevoli bħala riżultat tad-differenza f'termini tal-aċċess għall-finanzi, l-iżvilupp tas-settur bankarju, il-preżenza ta' kapital ta' riskju, il-familjarità tal-amministrazzjonijiet pubbliċi u l-firxa potenzjali ta' benefiċjarji, jenħtieġ li fil-Pjan Strateġiku tal-PAK l-Istati Membri jistabbilixxu miri xierqa, | (42) Fid-dawl tal-ħtieġa li tiġi indirzzata d-diskrepanza tal-investiment fis-settur agrikolu tal-Unjoni u sabiex jitjieb l-aċċess għall-istrumenti finanzjarji għall-gruppi prijoritarji, b'mod partikolari ***l-bdiewa nisa,*** l-bdiewa żgħażagħ u l-bdiewa ġodda bi profili ta' riskju ogħla, jenħtieġ li jitħeġġeġ l-użu tal-garanzija InvestEU u l-kombinament tal-għotjiet u tal-istrumenti finanzjarji. Peress li l-użu tal-istrumenti finanzjarji fl-Istati Membri kollha jvarja b'mod konsiderevoli bħala riżultat tad-differenza f'termini tal-aċċess għall-finanzi, l-iżvilupp tas-settur bankarju, il-preżenza ta' kapital ta' riskju, il-familjarità tal-amministrazzjonijiet pubbliċi u l-firxa potenzjali ta' benefiċjarji, jenħtieġ li fil-Pjan Strateġiku tal-PAK l-Istati Membri |

| | |
|---|---|
| benefiċjarji u kundizzjonijiet preferenzjali, u regoli ta' eliġibbiltà oħra possibbli. | jistabbilixxu miri xierqa, benefiċjarji u kundizzjonijiet preferenzjali, u regoli ta' eliġibbiltà oħra possibbli. |

**Emenda 12**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 43**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (43) Il-bdiewa żgħażagħ u l-bdiewa ġodda għadhom qed jaffaċċjaw ostakoli sinifikanti rigward l-aċċess għall-art, prezzijiet għoljin u l-aċċess għall-kreditu. In-negozji tagħhom huma aktar mhedda mill-volatilità tal-prezzijiet (kemm għall-inputs kif ukoll għall-prodotti) u l-ħtiġijiet tagħhom f'termini ta' taħriġ fil-ħiliet intraprenditorjali u ta' ġestjoni tar-riskju huma għoljin. Għalhekk huwa essenzjali li jitkompla l-appoġġ għat-twaqqif ta' negozji u ta' azjendi agrikoli ġodda. Jenħtieġ li l-Istati Membri jipprevedu approċċ strateġiku u jidentifikaw sett ċar u koerenti ta' interventi għat-tiġdid ġenerazzjonali taħt l-objettiv speċifiku ***ddedkat*** għal din il-kwistjoni. Għal dan l-għan, fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom, l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu kundizzjonijiet preferenzjali għall-istrumenti finanzjarji għall-bdiewa żgħażagħ u l-bdiewa ġodda, u jenħtieġ li fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom jinkludu d-delimitazzjoni ta' mill-inqas ammont li jikkorrispondi għal 2 % tal-pakkett tal-pagamenti diretti annwali. Jenħtieġ li tiġi stabbilita żieda tal-ammont massimu tal-għajnuna għall-installazzjoni ta' bdiewa żgħażagħ u negozji ġodda rurali, sa EUR 100 000, li tista' tiġi aċċessata wkoll permezz tal-forma ta' appoġġ bi strument finanzjarju jew flimkien magħha. | (43) Il-bdiewa żgħażagħ, ***il-bdiewa nisa*** u l-bdiewa ġodda għadhom qed jaffaċċjaw ostakoli sinifikanti rigward l-aċċess għall-art, prezzijiet għoljin u l-aċċess għall-kreditu. In-negozji tagħhom huma aktar mhedda mill-volatilità tal-prezzijiet (kemm għall-inputs kif ukoll għall-prodotti) u l-ħtiġijiet tagħhom f'termini ta' taħriġ fil-ħiliet intraprenditorjali u ta' ġestjoni tar-riskju huma għoljin. Għalhekk huwa essenzjali li jitkompla l-appoġġ għat-twaqqif ta' negozji u ta' azjendi agrikoli ġodda. Jenħtieġ li l-Istati Membri jipprevedu approċċ strateġiku u jidentifikaw sett ċar u koerenti ta' interventi għat-tiġdid ġenerazzjonali taħt l-objettiv speċifiku ***ddedikat*** għal din il-kwistjoni. Għal dan l-għan, fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom, l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu kundizzjonijiet preferenzjali għall-istrumenti finanzjarji għall-bdiewa żgħażagħ***, il-bdiewa nisa*** u l-bdiewa ġodda, u jenħtieġ li fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom jinkludu d-delimitazzjoni ta' mill-inqas ammont li jikkorrispondi għal 2% tal-pakkett tal-pagamenti diretti annwali. Jenħtieġ li tiġi stabbilita żieda tal-ammont massimu tal-għajnuna għall-installazzjoni ta' bdiewa żgħażagħ u negozji ġodda rurali, sa EUR 100 000, li tista' tiġi aċċessata wkoll permezz tal-forma ta' appoġġ bi strument finanzjarju jew flimkien magħha. |

**Emenda 13**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 43a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(43a) Ir-rikonoxximent tal-importanza ta' edukazzjoni u taħriġ tul il-ħajja għall-bdiewa, inklużi l-edukazzjoni u t-taħriġ għan-nisa fiż-żoni rurali, u b'kont meħud tan-natura dejjem tinbidel tas-suq tax-xogħol, jenħtieġ li jiġu pprovduti programmi ta' taħriġ u taħriġ mill-ġdid bil-għan li jikkontribwixxu fit-tnaqqis tal-qgħad fost in-nisa fiż-żoni rurali u l-eliminazzjoni tad-differenzi fl-introjtu u l-pensjoni bejn in-nisa u l-irġiel.*** |

**Emenda 14**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 43b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(43b) Bil-għan li jiġi promoss il-prinċipju ta' ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel, l-Istati Membri jistgħu, fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK, jistabbilixxu kundizzjonijiet speċifiċi għall-istrumenti finanzjarji marbuta mat-titjib tas-sitwazzjoni tan-nisa fiż-żoni rurali u l-opportunitajiet ta' negozju tagħhom. Jenħtieġ, għaldaqstant, li fejn ikun meħtieġ, jikkunsidraw il-prijoritizzazzjoni tan-nisa fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK, bil-għan, fost l-oħrajn, li jiżguraw aċċess aħjar għar-raba' u l-kreditu, u li jħeġġu l-intraprenditorija tan-nisa, biex b'hekk jikkontribwixxu għal rappreżentanza akbar tan-nisa fiż-żoni rurali fost id-detenturi u l-imprendituri tal-azjendi agrikoli.*** |

**Emenda 15**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 73**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (73) Kull Pjan Strateġiku tal-PAK jenħtieġ li jkun soġġett għal monitoraġġ regolari tal-implimentazzjoni u tal-progress lejn il-miri stabbiliti. Tali qafas ta' prestazzjoni, monitoraġġ u evalwazzjoni tal-PAK jenħtieġ li jiġi stabbilit bl-iskop li jintwera l-progress u jiġu vvalutati l-impatt u l-effiċjenza tal-implimentazzjoni tal-politika. | (73) Kull Pjan Strateġiku tal-PAK jenħtieġ li jkun soġġett għal monitoraġġ regolari tal-implimentazzjoni u tal-progress lejn il-miri stabbiliti. Tali qafas ta' prestazzjoni, monitoraġġ u evalwazzjoni tal-PAK jenħtieġ li jiġi stabbilit bl-iskop li jintwera l-progress u jiġu vvalutati l-impatt u l-effiċjenza tal-implimentazzjoni tal-politika***, kif ukoll tal-impatt tiegħu fuq id-drittijiet fundamentali***. |

**Emenda 16**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 74**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (74) L-orjentazzjoni lejn ir-riżultati li jġib miegħu l-mudell ta' implimentazzjoni teħtieġ qafas ta' prestazzjoni b'saħħtu, b'mod partikolari minħabba li l-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK jikkontribwixxu għal objettivi ġenerali wiesgħa għal politiki oħrajn ġestiti b'mod konġunt. Politika bbażata fuq il-prestazzjoni timplika valutazzjoni annwali u pluriennali fuq il-bażi ta' outputs magħżulin, indikaturi tar-riżultati u tal-impatti, kif definit fil-qafas għall-monitoraġġ u għall-evalwazzjoni tal-prestazzjoni. Għal dan l-għan, jenħtieġ li jingħażel sett limitat u mmirat ta' indikaturi b'mod li jirrifletti kemm jista' jkun jekk l-intervent appoġġat jikkontribwixxix ***għall-kisba*** tal-objettivi ppjanati. L-indikaturi tar-riżultati u tal-output li jirrigwardaw l-objettivi relatati mal-klima u mal-ambjent jistgħu jinkludu interventi stabbiliti fi strumenti nazzjonali għall-ippjanar ambjentali u klimatiku li jirriżultaw mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni. | (74) L-orjentazzjoni lejn ir-riżultati li jġib miegħu l-mudell ta' implimentazzjoni teħtieġ qafas ta' prestazzjoni b'saħħtu, b'mod partikolari minħabba li l-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK jikkontribwixxu għal objettivi ġenerali wiesgħa għal politiki oħrajn ġestiti b'mod konġunt. Politika bbażata fuq il-prestazzjoni timplika valutazzjoni annwali u pluriennali fuq il-bażi ta' outputs magħżulin, indikaturi tar-riżultati u tal-impatti, kif definit fil-qafas għall-monitoraġġ u għall-evalwazzjoni tal-prestazzjoni. Għal dan l-għan, jenħtieġ li jingħażel sett limitat u mmirat ta' indikaturi b'mod li jirrifletti kemm jista' jkun jekk l-intervent appoġġat jikkontribwixxix ***għall-ksib*** tal-objettivi ppjanati. ***Dawn il-valutazzjonijiet, l-indikaturi u l-qafas ta' monitoraġġ u evalwazzjoni tal-prestazzjoni għandhom jiġu żviluppati b'mod li jkun sensittiv għal kwistjonijiet relatati mas-sessi.*** L-indikaturi tar-riżultati u tal-output li jirrigwardaw l-objettivi |

| | |
|---|---|
| | relatati mal-klima u mal-ambjent jistgħu jinkludu interventi stabbiliti fi strumenti nazzjonali għall-ippjanar ambjentali u klimatiku li jirriżultaw mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni. |

**Emenda 17**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 1 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Fil-Pjan Strateġiku tal-PAK tagħhom l-Istati Membri għandhom jipprovdu d-definizzjonijiet tal-attività agrikola, iż-żona agrikola, l-ettaru eliġibbli, bidwi ġenwin u bidwi żagħżugħ: | 1. Fil-Pjan Strateġiku tal-PAK tagħhom l-Istati Membri għandhom jipprovdu d-definizzjonijiet tal-attività agrikola, iż-żona agrikola, l-ettaru eliġibbli, bidwi ġenwin***, bdiewa nisa*** u bidwi żagħżugħ: |

**Emenda 18**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt da (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(da) "bdiewa nisa" għandha tiġi definita b'mod li tinkludi:*** |
| | ***(i) li tkun mara;*** |
| | ***(ii) il-kundizzjonijiet biex wieħed ikun "il-kap tal-azjenda";*** |
| | ***(iii) it-taħriġ xieraq u/jew ħiliet rikjesti.*** |

**Emenda 19**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) li tissaħħaħ in-nisġa soċjoekonomika taż-żoni rurali. | (c) li tissaħħaħ in-nisġa soċjoekonomika taż-żoni rurali***, l-ugwaljanza bejn is-sessi, u t-tisħiħ tal-*** |

| | |
|---|---|
| | ***pożizzjoni tan-nisa fiż-żoni rurali.*** |

**Emenda 20**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt h**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (h) jiġu promossi l-impjiegi, it-tkabbir, l-inklużjoni soċjali u l-iżvilupp lokali fiż-żoni rurali, inkluż il-bijoekonomija u l-forestrija sostenibbli; | (h) jiġu promossi l-impjiegi***, inkluża attenzjoni speċjali għan-nisa, l-avvanz tal-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel u t-titjib tal-parteċipazzjoni tan-nisa f'attivitajiet ekonomiċi, il-promozzjoni tat-tkabbir sostenibbli***, l-inklużjoni soċjali u l-iżvilupp lokali fiż-żoni rurali, inkluż il-bijoekonomija u l-forestrija sostenibbli; |

**Emenda 21**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 7 – paragrafu 1 – subparagrafu 2a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***L-Istati Membri se jkunu jistgħu jżidu indikaturi sensittivi għal kwistjonijiet relatati mas-sessi permezz tad-diżaggregazzjoni tal-indikaturi komuni tal-output, tar-riżultati u tal-impatt, li huma stabbiliti fl-Anness I fid-dettal fil-Pjan Strateġiku tagħhom.*** |

**Emenda 22**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri għandhom ifasslu l-interventi tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom f'konformità mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u l-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni. | L-Istati Membri għandhom ifasslu l-interventi tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom f'konformità mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u l-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni**,** |

| | |
|---|---|
| | ***b'kunsiderazzjoni xierqa għall-prinċipji tal-ugwaljanza bejn is-sessi u n-nondiskriminazzjoni, filwaqt li jiżguraw l-integrazzjoni sħiħa tagħhom tul it-tħejjija, l-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni tal-interventi***. |

**Emenda 23**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 13 – paragrafu 3a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3a. L-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jiżviluppaw subprogrammi fil-Pjan Strateġiku għall-promozzjoni tal-bdiewa żgħażagħ u l-bdiewa nisa aċċess għas-servizzi konsultattivi għall-azjendi agrikoli.*** |

**Emenda 24**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 22 – paragrafu 4 – punt ba (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ba) Fil-każijiet imsemmija fis-subparagrafi (a) u (b), l-Istati Membri jistgħu jikkunsidraw, meta possibbli, li jagħtu prijorità lin-nisa, partikolarment bdiewa nisa li stabbilixxew azjenda għall-ewwel darba, bil-għan li jiksbu l-objettiv imsemmi fil-punt (h) tal-Artikolu 6(1).*** |

**Emenda 25**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 64 – paragrafu 1 – punt ea (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ea) subprogramm tematiku għan-nisa fiż-żoni rurali.*** |

**Emenda 26**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 64 – paragrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***L-Istati Membri jistgħu, fil-Pjanijiet Strateġiċi tagħhom, jipprevedu kriterji addizzjonali għat-tipi ta' intervent imsemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u jqisu li jiżviluppaw indikaturi sensittivi għal kwistjonijiet relatati mas-sessi biex jimmonitorjaw u jevalwaw dawn l-interventi bil-għan li tissaħħaħ il-pożizzjoni tan-nisa fiż-żoni rurali sabiex jinkisbu l-objettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 6(1).*** |

**Emenda 27**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 68 – paragrafu 4 – subparagrafu 2 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) investimenti fis-servizzi bażiċi fiż-żoni rurali; | (b) investimenti fis-servizzi bażiċi fiż-żoni rurali***, inklużi servizzi u infrastruttura tal-indukrar tat-tfal u tal-kura fit-tul***; |

**Emenda 28**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 68b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 68b*** |
| | ***Insedjament tal-bdiewa nisa*** |
| | ***1. L-Istati Membri għandhom jagħtu sostenn favur l-insedjament tal-bdiewa nisa taħt il-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u kif speċifikat aktar fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom bil-*** |

***għan li jikkontribwixxu għall-ksib tal-objettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 6.***

***2. L-Istati Membri jistgħu jagħtu sostenn biss taħt dan it-tip ta' interventi bil-għan li jgħinu fl-insedjament tal-bdiewa nisa li jissodisfaw il-kundizzjonijiet inklużi fid-definizzjoni stabbilita fil-punt (da) tal-Artikolu 4(1);***

***3. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu l-kundizzjonijiet għas-sottomissjoni ta' pjan tan-negozju u għall-kontenut tiegħu.***

***4. L-Istati Membri għandhom jagħtu sostenn fil-forma ta' somom f'daqqa. L-appoġġ għandu jkun limitat għall-ammont massimu ta' EUR 100 000 u jista' jkun kombinat ma' strumenti finanzjarji.***

**Emenda 29**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 69 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu l-kundizzjonijiet għas-sottomissjoni ta' pjan tan-negozju u għall-kontenut tiegħu. | 3. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu l-kundizzjonijiet għas-sottomissjoni ta' pjan tan-negozju u għall-kontenut tiegħu. ***Għandhom jiġu mħeġġa programmi b'enfasi partikolari fuq l-intraprenditorija fost in-nisa.*** |

**Emenda 30**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 69a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 69a*** |
| | ***Subprogramm tematiku għan-nisa fiż-żoni rurali*** |
| | ***1. L-Istati Membri jistgħu jipprovdu sostenn għall-istabbiliment u l-*** |

***implimentazzjoni ta' subprogrammi tematiċi għan-nisa fiż-żoni rurali u biex ikun iktar faċli għan-nisa li jinsedjaw ruħhom bħala bdiewa, biex b'hekk tiġi mħeġġa l-intraprenditorija fost in-nisa f'konformità mat-termini ta' dan l-Artikolu u skont il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom, biex b'hekk jikkontribwixxu għall-ksib tal-objettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 6(1).***

***Tali subprogrammi tematiċi jistgħu jimmiraw li jtejbu l-aċċess tal-bdiewa nisa għall-art, il-kreditu u l-istrumenti finanzjarji, jippromwovu l-prestazzjoni tagħhom u jaġġornaw l-għarfien u l-ħiliet tagħhom permezz tal-edukazzjoni u t-taħriġ, jippromwovu l-impjieg tan-nisa fiż-żoni rurali, iżidu l-parteċipazzjoni tagħhom fi gruppi ta' azzjoni lokali u l-iżvilupp ta' sħubijiet lokali taħt il-programm Leader, jippromwovu l-użu min-naħa tagħhom ta' servizzi ta' konsulenza, u b'hekk jindirizzaw id-differenzi bejn il-pagi u l-pensjonijiet tal-irġiel u tan-nisa, itejbu l-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata u jkomplu jimpedixxu li n-nisa fiż-żoni rurali jiġu esklużi mis-soċjetà.***

***Barra minn hekk, l-Istati Membri jistgħu speċifikament ikopru l-ispejjeż ta' miżuri li jiffaċilitaw l-iskambju ta' prattiki tajba fir-rigward tal-formalizzazzjoni tax-xogħol inviżibbli magħmul minn nisa fiż-żoni rurali, biex b'hekk jiġu żgurati l-kopertura tas-sigurtà soċjali u l-implimentazzjoni prattika tagħhom tad-Direttiva 2010/41/UE.***

**Emenda 31**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 73 – paragrafu 1 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Awtorità ta' Ġestjoni tal-Pjan Strateġiku tal-PAK, jew korpi intermedji deżinjati | L-Awtorità ta' Ġestjoni tal-Pjan Strateġiku tal-PAK, jew korpi intermedji deżinjati |

| | |
|---|---|
| oħra, għandha tiddefinixxi l-kriterji ta' għażla għall-interventi li huma relatati mat-tipi ta' interventi li ġejjin: l-investimenti, l-installazzjoni tal-bdiewa żgħażagħ u l-bidu tan-negozju rurali, il-kooperazzjoni, l-iskambju tal-għarfien u l-informazzjoni, wara konsultazzjoni mal-Kumitat għall-Monitoraġġ imsemmi fl-Artikolu 111. Il-kriterji ta' għażla għandu jkollhom l-għan li jiżguraw it-trattament ugwali tal-applikanti, l-użu aħjar tar-riżorsi finanzjarji u l-immirar tal-appoġġ skont l-iskop tal-interventi. | oħra, għandha tiddefinixxi l-kriterji ta' għażla għall-interventi li huma relatati mat-tipi ta' interventi li ġejjin: l-investimenti, l-installazzjoni tal-bdiewa żgħażagħ u l-bidu tan-negozju rurali, ***subprogramm tematiku għan-nisa fiż-żoni rurali,*** il-kooperazzjoni, l-iskambju tal-għarfien u l-informazzjoni, wara konsultazzjoni mal-Kumitat għall-Monitoraġġ imsemmi fl-Artikolu 111. Il-kriterji ta' għażla għandu jkollhom l-għan li jiżguraw it-trattament ugwali tal-applikanti ***mingħajr ebda forma ta' diskriminazzjoni***, l-użu aħjar tar-riżorsi finanzjarji u l-immirar tal-appoġġ skont l-iskop tal-interventi. |

**Emenda 32**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 86 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Għal kull Stat Membru l-ammont minimu stabbilit fl-Anness X għandu jkun riżervat għall-kontribut lejn l-objettiv speċifiku "Nattiraw il-bdiewa żgħażagħ u niffaċilitaw l-iżvilupp tan-negozju" stabbilit fil-punt (g) tal-Artikolu 6(1). Fuq il-bażi tal-analiżi tas-sitwazzjoni f'termini ta' qawwiet, dgħufijiet, opportunitajiet u theddid ("l-analiżi SWOT") u l-identifikazzjoni tal-ħtiġijiet li jridu jiġu indirizzati, l-ammont għandu jintuża għat-tipi ta' interventi li ġejjin: | 4. Għal kull Stat Membru l-ammont minimu stabbilit fl-Anness X għandu jkun riżervat għall-kontribut lejn l-objettiv speċifiku "Nattiraw il-bdiewa żgħażagħ u niffaċilitaw l-iżvilupp tan-negozju" stabbilit fil-punt (g) tal-Artikolu 6(1). Fuq il-bażi tal-analiżi tas-sitwazzjoni f'termini ta' qawwiet, dgħufijiet, opportunitajiet u theddid ("l-analiżi SWOT")***, b'attenzjoni speċjali għall-prinċipju tal-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel*** u l-identifikazzjoni tal-ħtiġijiet li jridu jiġu indirizzati, l-ammont għandu jintuża għat-tipi ta' interventi li ġejjin: |

**Emenda 33**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 86 – paragrafu 7**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| 7. Fil-Pjan Strateġiku tal-PAK tagħhom l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jużaw ċertu sehem tal-allokazzjoni mill-FAEŻR bħala ingranaġġ għall-appoġġ u biex itejbu l-Proġetti Strateġiċi tan-Natura integrati kif definit fir-[Regolament LIFE] u biex jiffinanzjaw l-azzjonijiet fir-rigward tal-mobbiltà għat-tagħlim transnazzjonali tal-persuni fil-qasam tal-iżvilupp agrikolu u rurali b'attenzjoni fuq il-bdiewa żgħażagħ, skont ir-[Regolament Erasmus]. | 7. Fil-Pjan Strateġiku tal-PAK tagħhom l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jużaw ċertu sehem tal-allokazzjoni mill-FAEŻR bħala ingranaġġ għall-appoġġ u biex itejbu l-Proġetti Strateġiċi tan-Natura integrati kif definit fir-[Regolament LIFE] u biex jiffinanzjaw l-azzjonijiet fir-rigward tal-mobbiltà għat-tagħlim transnazzjonali tal-persuni fil-qasam tal-iżvilupp agrikolu u rurali b'attenzjoni fuq il-bdiewa żgħażagħ, skont ir-[Regolament Erasmus]***, u n-nisa fiż-żoni rurali***. |

**Emenda 34**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 86 – paragrafu 3a (ġdid)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***3a. Għal kull Stat Membru l-ammont minimu stabbilit fl-Anness Xa għandu jkun riżervat biex jikkontribwixxi għall-objettiv tal-"attirar tal-bdiewa nisa". Fuq il-bażi tal-valutazzjoni tal-impatt fir-rigward tas-sessi, l-analiżi tas-sitwazzjoni f'termini tal-punti sodi, id-dgħufijiet, l-opportunitajiet u t-theddid ("l-analiżi SWOT") u l-identifikazzjoni tal-ħtiġijiet li jridu jiġu indirizzati, l-ammont għandu jintuża għat-tip ta' intervent li ġej:*** |
| | ***l-insedjament tal-bdiewa nisa imsemmija fl-Artikolu 68b;*** |

**Emenda 35**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 86 - paragrafu 4 - parti introduttorja**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| 4. Għal kull Stat Membru l-ammont minimu stabbilit fl-Anness X għandu jkun riżervat għall-kontribut lejn l-objettiv speċifiku "Nattiraw il-bdiewa żgħażagħ u niffaċilitaw l-iżvilupp tan-negozju" stabbilit fil-punt (g) tal-Artikolu 6(1). Fuq il-bażi tal-analiżi tas-sitwazzjoni f'termini ta' qawwiet, dgħufijiet, opportunitajiet u theddid ("l-analiżi SWOT") u l-identifikazzjoni tal-ħtiġijiet li jridu jiġu indirizzati, l-ammont għandu jintuża għat-tipi ta' interventi li ġejjin: | 4. Għal kull Stat Membru l-ammont minimu stabbilit fl-Anness X għandu jkun riżervat għall-kontribut lejn l-objettiv speċifiku "Nattiraw il-bdiewa żgħażagħ u niffaċilitaw l-iżvilupp tan-negozju" stabbilit fil-punt (g) tal-Artikolu 6(1). Fuq il-bażi ***tal-valutazzjoni tal-impatt fir-rigward tas-sessi, l-analiżi*** tas-sitwazzjoni f'termini ta' qawwiet, dgħufijiet, opportunitajiet u theddid ("l-analiżi SWOT") u l-identifikazzjoni tal-ħtiġijiet li jridu jiġu indirizzati, l-ammont għandu jintuża għat-tipi ta' interventi li ġejjin: |

**Emenda 36**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 95 – paragrafu 2 – punt aa (ġdid)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***(aa) Anness Ia dwar il-valutazzjoni tal-impatt fir-rigward tas-sessi;*** |

**Emenda 37**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 96 – paragrafu 1 – punt a**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| (a) sommarju tal-analiżi SWOT kif imsemmi fl-Artikolu 103(2); | (a) sommarju tal-analiżi SWOT kif imsemmi fl-Artikolu 103(2)***, fl-analiżi għandha tiġi inkorporata perspettiva tal-ugwaljanza bejn is-sessi***; |

**Emenda 38**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 96 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri għandhom jużaw l-aktar data reċenti u affidabbli għal din il-valutazzjoni. | L-Istati Membri għandhom jużaw l-aktar data reċenti u affidabbli għal din il-valutazzjoni. ***L-Istati Membri għandhom jagħmlu użu minn data diżaggregata skont is-sessi meta jkun meħtieġ.*** |

**Emenda 39**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 97 – paragrafu 2 – punt ea (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ea) Spjegazzjoni dwar liema interventi se jikkontribwixxu biex tinkiseb aktar ugwaljanza bejn is-sessi u biex jiġi promoss l-iżvilupp tan-nisa fiż-żoni rurali;*** |

**Emenda 40**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 103 – paragrafu 2 – subparagrafu 5a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Għall-objettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 6(1), l-analiżi SWOT għandha tiġi żviluppata b'mod li jkun sensittiv għal kwistjonijiet relatati mas-sessi, meta neċessarju.*** |

**Emenda 41**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 106 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK proposti fuq il-bażi tal-kompletezza tal-pjanijiet, il-konsistenza u l-koerenza mal-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni, ma' dan ir- | 2. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK proposti fuq il-bażi tal-kompletezza tal-pjanijiet, il-konsistenza u l-koerenza mal-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni, ma' dan ir- |

| | |
|---|---|
| Regolament u mad-dispożizzjonijiet adottati skontu u skont ir-Regolament Orizzontali, il-kontribut effettiv tagħhom għall-objettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 6(1), l-impatt fuq il-funzjonament xieraq tas-suq intern u d-distorsjoni tal-kompetizzjoni, il-livell ta' piż amministrattiv fuq il-benefiċjarji u l-amministrazzjoni. Il-valutazzjoni għandha tindirizza, b'mod partikolari, l-adegwatezza tal-istrateġija tal-Pjan Strateġiku tal-PAK, l-objettivi speċifiċi korrispondenti, il-miri, l-interventi u l-allokazzjoni tar-riżorsi baġitarji biex jiġu ssodisfati l-objettivi speċifiċi tal-Pjan Strateġiku tal-PAK permezz tas-sett ta' interventi propost fuq il-bażi ***tal-analiżi*** SWOT u l-evalwazzjoni ex ante. | Regolament u mad-dispożizzjonijiet adottati skontu u skont ir-Regolament Orizzontali, il-kontribut effettiv tagħhom għall-objettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 6(1), l-impatt fuq il-funzjonament xieraq tas-suq intern u d-distorsjoni tal-kompetizzjoni, il-livell ta' piż amministrattiv fuq il-benefiċjarji u l-amministrazzjoni. Il-valutazzjoni għandha tindirizza, b'mod partikolari, l-adegwatezza tal-istrateġija tal-Pjan Strateġiku tal-PAK, l-objettivi speċifiċi korrispondenti, il-miri, l-interventi u l-allokazzjoni tar-riżorsi baġitarji biex jiġu ssodisfati l-objettivi speċifiċi tal-Pjan Strateġiku tal-PAK permezz tas-sett ta' interventi propost fuq il-bażi ***tal-valutazzjoni tal-impatt fir-rigward tas-sessi, l-analiżi*** SWOT u l-evalwazzjoni ex ante. |

**Emenda 42**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 110 – paragrafu 2 – punt aa (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(aa) tiġi żgurata l-implimentazzjoni tal-integrazzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi matul it-tħejjija, l-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni tal-interventi tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK;*** |

**Emenda 43**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 111 – paragrafu 2 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istat Membru għandu jiddeċiedi dwar il-kompożizzjoni tal-Kumitat ta' Monitoraġġ u għandu jiżgura rappreżentanza bbilanċjata tal-awtoritajiet pubbliċi u l-korpi intermedjarji rilevanti u tar-rappreżentanti tas-sħab imsemmijin fl- | L-Istat Membru għandu jiddeċiedi dwar il-kompożizzjoni tal-Kumitat ta' Monitoraġġ u għandu jiżgura rappreżentanza bbilanċjata tal-awtoritajiet pubbliċi u l-korpi intermedjarji rilevanti u tar-rappreżentanti tas-sħab imsemmijin fl- |

| | |
|---|---|
| Artikolu 94(3). | Artikolu 94(3)***, inkluż minn tal-inqas rappreżentant wieħed ta' korp rilevanti responsabbli għall-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi*****. L-Istati Membri għandhom jiżguraw aċċess ugwali min-naħa tan-nisa u kif ukoll tal-irġiel għall-Kumitat ta'Monitoraġġ tal-PAK u jħeġġuh jinkludi membri nisa.*** |

**Emenda 44**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 111 – paragrafu 3 – punt da (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(da) l-iżvilupp, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-Pjan Strateġiku tal-PAK bl-użu tal-approċċ ta' integrazzjoni ta' kwistjonijiet ta' ugwaljanza bejn is-sessi.*** |

**Emenda 45**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 113 – paragrafu 3 – punt ca (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ca) l-iskambju tal-aqwa prattiki dwar it-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa fiż-żoni rurali;*** |

**Emenda 46**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 113 – paragrafu 3 – punt ea (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ea) kontribut għall-bini ta' kapaċità għall-amministrazzjonijiet tal-Istati Membri fl-integrazzjoni ta' kwistjonijiet ta' ugwaljanza bejn is-sessi u l-ibbaġitjar skont is-sessi tal-Pjan Strateġiku tal-PAK,*** |

| | |
|---|---|
| | ***il-ġbir u l-użu ta' data diżaggregata skont is-sessi u l-ħolqien ta' pjattaforma għall-partijiet ikkonċernati biex jiskambjaw l-aħjar prattiki dwar it-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa fiż-żoni rurali f'livelli differenti marbuta mal-objettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 6(1);*** |

**Emenda 47**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 115 – paragrafu 2 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) il-ġbir, il-ħżin u t-trażmissjoni tad-data; | (c) il-ġbir, il-ħżin u t-trażmissjoni tad-data***, inkluż il-ġbir ta' data diżaggregata skont is-sess***; |

**Emenda 48**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 115 – paragrafu 2 – punt f**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (f) l-evalwazzjonijiet ex ante, interim u ex post u l-attivitajiet ta' evalwazzjoni l-oħra kollha marbuta mal-Pjan Strateġiku tal-PAK; | (f) l-evalwazzjonijiet ex ante, interim u ex post u l-attivitajiet ta' evalwazzjoni l-oħra kollha marbuta mal-Pjan Strateġiku tal-PAK***, li wkoll għandhom jindirizzaw il-ħtiġijiet tan-nisa fiż-żoni rurali***; |

**Emenda 49**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 116 – paragrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) jivvaluta l-impatt, l-effettività, l-effiċjenza, ir-rilevanza, il-koerenza u l-valur miżjud tal-Unjoni tal-PAK; | (a) jivvaluta l-impatt, l-effettività, l-effiċjenza, ir-rilevanza, il-koerenza u l-valur miżjud tal-Unjoni tal-PAK***, inkluż l-impatt tagħha fuq id-drittijiet fundamentali***; |

**Emenda 50**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 116 – paragrafu 1 – punt d**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (d) jivvaluta l-impatt, l-effettività, l-effiċjenza, ir-rilevanza u l-koerenza tal-interventi tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK; | (d) jivvaluta l-impatt, l-effettività, l-effiċjenza, ir-rilevanza u l-koerenza tal-interventi tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK***, inkluż l-impatt tagħha fuq id-drittijiet fundamentali***; |

**Emenda 51**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 121 – paragrafu 4 – subparagrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Id-data u l-indikaturi għandhom ikunu, fejn rilevanti, definiti u miġbura b'mod diżaggregat skont is-sessi.*** |

**Emenda 52**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 125 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri għandhom iwettqu evalwazzjonijiet ex ante biex itejbu l-kwalità tat-tfassil tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom. | 1. L-Istati Membri għandhom iwettqu evalwazzjonijiet ex ante ***b'mod li jkunu sensittiv għal kwistjonijiet relatati mas-sessi*** biex itejbu l-kwalità tat-tfassil tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom. |

**Emenda 53**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 125 – paragrafu 1a (ġdid)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***1a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-interventi proposti fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK isaħħu l-ugwaljanza bejn is-sessi permezz ta' analiżi sistematika tal-impatt tagħhom fuq it-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa fiż-żoni rurali;*** |

**Emenda 54**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 125 – paragrafu 3 – punt g**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| (g) kemm huma addattati l-proċeduri għall-monitoraġġ tal-Pjan Strateġiku tal-PAK u għall-ġbir tad-data meħtieġa biex jitwettqu l-evalwazzjonijiet; | (g) kemm huma addattati l-proċeduri għall-monitoraġġ tal-Pjan Strateġiku tal-PAK u għall-ġbir tad-data***, inkluża d-data diżaggregata skont is-sessi,*** meħtieġa biex jitwettqu l-evalwazzjonijiet; |

**Emenda 55**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 126 – paragrafu 1**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri għandhom iwettqu evalwazzjonijiet tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK biex tittejjeb il-kwalità tat-tfassil u tal-implimentazzjoni tal-pjanijiet, kif ukoll biex jiġu vvalutati l-effettività, l-effiċjenza, ir-rilevanza, il-koerenza, il-valur miżjud tal-Unjoni u l-impatt tagħhom b'rabta mal-kontribut tagħhom lill-objettivi ġenerali u speċifiċi tal-PAK stabbiliti fl-Artikoli 5 u 6(1). | 1. L-Istati Membri għandhom iwettqu evalwazzjonijiet tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK biex tittejjeb il-kwalità tat-tfassil u tal-implimentazzjoni tal-pjanijiet, kif ukoll biex jiġu vvalutati l-effettività, l-effiċjenza, ir-rilevanza, il-koerenza, il-valur miżjud tal-Unjoni u l-impatt tagħhom b'rabta mal-kontribut tagħhom lill-objettivi ġenerali u speċifiċi tal-PAK stabbiliti fl-Artikoli 5 u 6(1). ***Tali evalwazzjonijiet għandhom jitwettqu b'mod li jkun sensittiv għal kwistjonijiet relatati mas-sessi.*** |

**Emenda 56**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 127 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjoni interim biex teżamina l-effettività, l-effiċjenza, ir-rilevanza, il-koerenza u l-valur miżjud tal-Unjoni tal-FAEG u tal-FAEŻR sa tmiem it-tielet sena wara l-bidu tal-implimentazzjoni tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK, filwaqt li tqis l-indikaturi stabbiliti fl-Anness I. Il-Kummissjoni tista' tuża l-informazzjoni rilevanti kollha diġà disponibbli skont l-Artikolu [128] tar-[Regolament Finanzjarju l-Ġdid]. | 2. Il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjoni interim***, bl-użu ta' data diżaggregata skont is-sess,*** biex teżamina l-effettività, l-effiċjenza, ir-rilevanza, il-koerenza u l-valur miżjud tal-Unjoni tal-FAEG u tal-FAEŻR sa tmiem it-tielet sena wara l-bidu tal-implimentazzjoni tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK, filwaqt li tqis l-indikaturi stabbiliti fl-Anness I. Il-Kummissjoni tista' tuża l-informazzjoni rilevanti kollha diġà disponibbli skont l-Artikolu [128] tar-[Regolament Finanzjarju l-Ġdid]. |

**Emenda 57**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 127 – paragrafu 3a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3 a. Fl-evalwazzjoni interim u l-evalwazzjoni ex post, għandu jintuża approċċ ta' integrazzjoni ta' kwistjonijiet ta' ugwaljanza bejn is-sessi, b'data diżaggregata skont is-sessi, biex jiġu evalwati l-impatti u l-valur miżjud tal-PAK fil-promozzjoni tal-iżvilupp tan-nisa fiż-żoni rurali.*** |

**Emenda 58**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 127 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Fuq il-bażi tal-evidenza pprovduta fl-evalwazzjonijiet dwar il-PAK, inklużi l-evalwazzjonijiet dwar il-Pjanijiet Strateġiċi | 4. Fuq il-bażi tal-evidenza pprovduta fl-evalwazzjonijiet dwar il-PAK, inklużi l-evalwazzjonijiet dwar il-Pjanijiet Strateġiċi |

| | |
|---|---|
| tal-PAK, kif ukoll sorsi rilevanti ta' informazzjoni oħrajn, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport inizjali dwar l-implimentazzjoni ta' dan l-Artikolu, inklużi l-ewwel riżultati dwar il-prestazzjoni tal-PAK, lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill wara t-tlestija tal-evalwazzjoni interim. It-tieni rapport li jinkludi valutazzjoni tal-prestazzjoni tal-PAK għandu jiġi ppreżentat sal-31 ta' Diċembru 2031. | tal-PAK, kif ukoll sorsi rilevanti ta' informazzjoni oħrajn, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport inizjali dwar l-implimentazzjoni ta' dan l-Artikolu, inklużi l-ewwel riżultati dwar il-prestazzjoni tal-PAK, ***b'attenzjoni xierqa għall-prinċipju tal-ugwaljanza bejn is-sessi kif stabbilit fl-objettivi ġenerali fl-Artikolu 5 u l-objettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 6(1),*** lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill wara t-tlestija tal-evalwazzjoni interim. It-tieni rapport li jinkludi valutazzjoni tal-prestazzjoni tal-PAK għandu jiġi ppreżentat sal-31 ta' Diċembru 2031. |

**Emenda 59**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 128 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| F'konformità mar-rekwiżit ta' rappurtar skont l-Artikolu [38(3)(e)(i)] tar-[Regolament Finanzjarju l-Ġdid], il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill l-informazzjoni dwar il-prestazzjoni msemmija f'dak l-Artikolu mkejla permezz tas-sett ewlieni ta' indikaturi stabbilit fl-Anness XII. | F'konformità mar-rekwiżit ta' rappurtar skont l-Artikolu [38(3)(e)(i)] tar-[Regolament Finanzjarju l-Ġdid], il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill l-informazzjoni dwar il-prestazzjoni msemmija f'dak l-Artikolu mkejla permezz tas-sett ewlieni ta' indikaturi stabbilit fl-Anness XII. ***Tali indikaturi stabbiliti fl-Anness XII jistgħu jiġu diżaggregati skont is-sessi bil-għan li tinkiseb ugwaljanza bejn is-sessi fiż-żoni rurali;*** |

**Emenda 60**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 129 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Id-data meħtieġa għall-indikaturi tal-kuntest u tal-impatt għandha ***tiġu*** primarjament minn sorsi ta' data stabbiliti, bħan-Netwerk tad-Data tal-Kontabbiltà Agrikola u l-Eurostat. Meta d-data għal | 2. Id-data meħtieġa għall-indikaturi tal-kuntest u tal-impatt għandha ***tiġi*** primarjament minn sorsi ta' data stabbiliti, bħan-Netwerk tad-Data tal-Kontabbiltà Agrikola***, l-EIGE*** u l-Eurostat. Meta d-data |

dawn l-indikaturi ma tkunx disponibbli jew ma tkunx kompluta, il-lakuni għandhom jiġu indirizzati fil-kuntest tal-Programm Ewropew tal-Istatistika stabbilit skont ir-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[40], il-qafas legali li jirregola n-Netwerk ta' Informazzjoni tal-Kontabbiltà Agrikola jew permezz ta' ftehimiet formali ma' fornituri oħra ta' data bħaċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka u tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent.

---

[40] Ir-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar l-Istatistika Ewropea u li jħassar ir-Regolament (KE, Euratom) Nru 1101/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-trażmissjoni ta' data suġġetta għall-kunfidenzjalità statistika lill-Uffiċċju tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 322/97 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 89/382/KEE, Euratom li tistabbilixxi Kumitat dwar il-Programmi tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 87, 31.3.2009, p. 164).

għal dawn l-indikaturi ma tkunx disponibbli jew ma tkunx kompluta, il-lakuni għandhom jiġu indirizzati fil-kuntest tal-Programm Ewropew tal-Istatistika stabbilit skont ir-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[40], il-qafas legali li jirregola n-Netwerk ta' Informazzjoni tal-Kontabbiltà Agrikola jew permezz ta' ftehimiet formali ma' fornituri oħra ta' data bħaċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka u tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent.

---

[40] Ir-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar l-Istatistika Ewropea u li jħassar ir-Regolament (KE, Euratom) Nru 1101/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-trażmissjoni ta' data suġġetta għall-kunfidenzjalità statistika lill-Uffiċċju tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 322/97 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 89/382/KEE, Euratom li tistabbilixxi Kumitat dwar il-Programmi tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 87, 31.3.2009, p. 164).

**Emenda 61**

**Proposta għal regolament**

**ANNESS I**

**INDIKATURI TAL-IMPATT, TAR-RIŻULTAT U TAL-OUTPUT SKONT L-ARTIKOLU 7**

*Test propost mill-Kummissjoni*

| Objettivi speċifiċi tal-UE | Indikaturi tal-impatt | Indikaturi tar-riżultat (abbażi biss tal-interventi appoġġati mill-PAK) |
|---|---|---|
| **Promozzjoni tal-impjiegi, it-tkabbir, l-inklużjoni soċjali** | **I.22 Kontribut għall-impjiegi fiż-żoni rurali**: Evoluzzjoni tar-rata tal-impjiegi fiż-żoni predominantement rurali | **R.31 Tkabbir u impjiegi fiż-żoni rurali:** Impjiegi ġodda fi proġetti appoġġati |

| Objettivi speċifiċi tal-UE | Indikaturi tal-impatt | Indikaturi tar-riżultat<br>(abbażi biss tal-interventi appoġġati mill-PAK) |
|---|---|---|
| **u l-iżvilupp lokali fiż-żoni rurali, inkluż il-bijoekonomija u l-forestrija sostenibbli** | **I.23 Kontribut għall-impjiegi fiż-żoni rurali**: Evoluzzjoni tal-PDG per capita fiż-żoni predominantement rurali<br>**I.24 PAK iktar ġusta**: Titjib tad-distribuzzjoni tal-appoġġ tal-PAK<br>**I.25 Promozzjoni tal-inklużjoni rurali**: Evoluzzjoni tal-indiċi tal-faqar fiż-żoni rurali | **R.32 Żvilupp tal-bijoekonomija rurali**: L-għadd ta' negozji tal-bijoekonomija żviluppati bl-appoġġ<br><br>**R.33 Diġitalizzazzjoni tal-ekonomija rurali**: Popolazzjoni rurali koperta minn strateġija appoġġata tal-Irħula Intelliġenti<br>**R.34 Nikkollegaw l-Ewropa rurali:** Sehem tal-popolazzjoni rurali li tibbenefika minn aċċess imtejjeb għas-servizzi u l-infrastruttura permezz ta' appoġġ tal-PAK<br>**R.35 Promozzjoni tal-inklużjoni soċjali:** Għadd ta' persuni minn gruppi minoritarji u/jew vulnerabbli li jibbenefikaw minn proġetti appoġġati tal-inklużjoni soċjali |

*Emenda*

| Objettivi speċifiċi tal-UE | Indikaturi tal-impatt | Indikaturi tar-riżultat<br>(abbażi biss tal-interventi appoġġati mill-PAK) |
|---|---|---|
| Il-promozzjoni tal-impjiegi***, inkluża attenzjoni speċjali għan-nisa, l-avvanz tal-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel u t-titjib tal-parteċipazzjoni tan-nisa f'attivitajiet ekonomiċi, il-promozzjoni tat-tkabbir***, l-inklużjoni soċjali u l-iżvilupp lokali fiż-żoni rurali, inkluż il-bijoekonomija u l-forestrija sostenibbli; | **I.21a *Kontribut għat-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa fiż-żoni rurali: L-evoluzzjoni tar-rata tan-nisa li jirċievu l-appoġġ tal-PAK*** | ***R.30 a. In-nisa fl-attivitajiet agrikoli: Jiżdied il-proporzjon ta' nisa li jirċievu sostenn taħt il-PAK, inkluż sostenn mit-tipi kollha ta' Pagament tal-PAK; l-għadd ta' bdiewa nisa li qed jistabbilixxu azjenda agrikola b'sostenn mill-PAK***<br><br>***R30 b. It-tfajliet fiż-żoni rurali. It-tiżjid tal-proporzjon ta' tfajliet li jirċievu sostenn għall-ħolqien ta' negozji jew azjendi agrikoli taħt il-PAK*** |
| | **I.22 Kontribut għall-impjiegi fiż-żoni rurali**: Evoluzzjoni tar-rata tal-impjiegi fiż-żoni predominantement rurali<br><br>***I.22a. Il-kontribut biex tikber ir-rata tal-impjiegi tan-nisa u l-intraprenditorija fost in-nisa fiż-żoni rurali: L-evoluzzjoni tar-rata tal-impjiegi tan-nisa fiż-żoni prinċipalment rurali*** | **R.31 Tkabbir u impjiegi fiż-żoni rurali:** Impjiegi ġodda fi proġetti appoġġati<br><br>***R.31.a It-tiżjid tal-impjieg fost in-nisa fiż-żoni rurali. Il-proporzjon ta' impjieg għan-nisa u l-intraprenditorija fost in-nisa fi proġetti li jirċievu finanzjament mill-PAK*** |
| | **I.23 Kontribut għall-impjiegi fiż-żoni rurali**: Evoluzzjoni tal-PDG per capita fiż-żoni predominantement rurali | **R.32 Żvilupp tal-bijoekonomija rurali**: L-għadd ta' negozji tal-bijoekonomija żviluppati bl-appoġġ |
| | **I.24 PAK iktar ġusta**: Titjib tad-distribuzzjoni tal-appoġġ tal-PAK | **R.33 Diġitalizzazzjoni tal-ekonomija rurali**: Popolazzjoni rurali koperta minn strateġija appoġġata tal-Irħula Intelliġenti |
| | **I.25 Promozzjoni tal-inklużjoni rurali**: Evoluzzjoni tal-indiċi tal-faqar fiż-żoni rurali, ***diżaggregat skont is-sessi*** | **R.34 Nikkollegaw l-Ewropa rurali:** Is-sehem tal-popolazzjoni rurali li tibbenefika minn aċċess imtejjeb għal servizzi u infrastruttura permezz tal-appoġġ tal-PAK ***jista' jinkludi s-sehem tan-nisa fiż-żoni rurali li jirċievu taħriġ vokazzjonali u professjonali, servizzi ta' konsulenza għall-azjendi agrikoli permezz tas-sostenn mill-PAK, u s-sehem tan-nisa li jipparteċipaw fi gruppi ta' azzjoni lokali u shubijiet lokali taħt il-programm Leader***.<br><br>***R.35 Promozzjoni tal-inklużjoni soċjali: Għadd ta' persuni minn gruppi minoritarji u/jew vulnerabbli li jibbenefikaw minn proġetti favur l-inklużjoni soċjali li jkunu ngħataw sostenn, diżaggregati skont is-sessi.*** |

**Emenda 62**

**Proposta għal regolament**
**Anness Xa (ġdid) — Tabella**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***ANNESS Xa***
***AMMONTI MINIMI RIŻERVATI GĦALL-OBJETTIV "NATTIRAW IL-BDIEWA NISA" KIF IMSEMMI FL-ARTIKOLU 86(3a)***

| ***Sena kalendarja*** | ***2021*** | ***2022*** | ***2023*** | ***2024*** | ***2025*** | ***2026*** | ***2027 u s-snin sussegwenti*** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| ***Il-Belġju*** | 9 712 079 | 9 712 079 | 9 712 079 | 9 712 079 | 9 712 079 | 9 712 079 | 9 712 079 |
| ***Il-Bulgarija*** | 15 475 439 | 15 644 780 | 15 814 121 | 15 983 462 | 16 152 803 | 16 322 144 | 16 322 144 |
| ***Ir-Repubblika*** | 16 776 886 | 16 776 886 | 16 776 886 | 16 776 886 | 16 776 886 | 16 776 886 | 16 776 886 |
| ***Id-Danimarka*** | 16 922 490 | 16 922 490 | 16 922 490 | 16 922 490 | 16 922 490 | 16 922 490 | 16 922 490 |
| ***Il-Ġermanja*** | 96 462 159 | 96 462 159 | 96 462 159 | 96 462 159 | 96 462 159 | 96 462 159 | 96 462 159 |
| ***L-Estonja*** | 3 354 430 | 3 453 356 | 3 552 281 | 3 651 206 | 3 750 131 | 3 849 057 | 3 849 057 |
| ***L-Irlanda*** | 23 278 766 | 23 278 766 | 23 278 766 | 23 278 766 | 23 278 766 | 23 278 766 | 23 278 766 |
| ***Il-Greċja*** | 37 120 578 | 37 120 578 | 37 120 578 | 37 120 578 | 37 120 578 | 37 120 578 | 37 120 578 |
| ***Spanja*** | 94 203 434 | 94 346 677 | 94 489 919 | 94 633 162 | 94 776 404 | 94 919 647 | 94 919 647 |
| ***Franza*** | 142 955 739 | 142 955 739 | 142 955 739 | 142 955 739 | 142 955 739 | 142 955 739 | 142 955 739 |
| ***Il-Kroazja*** | 6 886 800 | 7 354 228 | 7 354 228 | 7 354 228 | 7 354 228 | 7 354 228 | 7 354 228 |
| ***L-Italja*** | 71 203 710 | 71 203 710 | 71 203 710 | 71 203 710 | 71 203 710 | 71 203 710 | 71 203 710 |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| ***Ċipru*** | 935 002 | 935 002 | 935 002 | 935 002 | 935 002 | 935 002 | 935 002 |
| ***Il-Latvja*** | 5 992 672 | 6 165 893 | 6 339 113 | 6 512 334 | 6 685 555 | 6 858 775 | 6 858 775 |
| ***Il-Litwanja*** | 10 216 405 | 10 494 645 | 10 772 885 | 11 051 125 | 11 329 365 | 11 607 604 | 11 607 604 |
| ***Il-Lussemburgu*** | 642 620 | 642 620 | 642 620 | 642 620 | 642 620 | 642 620 | 642 620 |
| ***L-Ungerija*** | 24 395 393 | 24 395 393 | 24 395 393 | 24 395 393 | 24 395 393 | 24 395 393 | 24 395 393 |
| ***Malta*** | 90 150 | 90 150 | 90 150 | 90 150 | 90 150 | 90 150 | 90 150 |
| ***In-Netherlands*** | 14 077 407 | 14 077 407 | 14 077 407 | 14 077 407 | 14 077 407 | 14 077 407 | 14 077 407 |
| ***L-Awstrija*** | 13 296 391 | 13 296 391 | 13 296 391 | 13 296 391 | 13 296 391 | 13 296 391 | 13 296 391 |
| ***Il-Polonja*** | 59 459 556 | 60 071 486 | 60 683 415 | 61 295 345 | 61 907 274 | 62 519 203 | 62 519 203 |
| ***Il-Portugall*** | 11 693 003 | 11 865 375 | 12 037 746 | 12 210 118 | 12 382 490 | 12 554 862 | 12 554 862 |
| ***Ir-Rumanija*** | 37 123 452 | 37 664 232 | 38 205 012 | 38 745 792 | 39 286 572 | 39 827 352 | 39 827 352 |
| ***Is-Slovenja*** | 2 581 053 | 2 581 053 | 2 581 053 | 2 581 053 | 2 581 053 | 2 581 053 | 2 581 053 |
| ***Is-Slovakkja*** | 7 676 128 | 7 771 499 | 7 866 870 | 7 962 242 | 8 057 613 | 8 152 985 | 8 152 985 |
| ***Il-Finlandja*** | 10 119 993 | 10 155 679 | 10 191 365 | 10 227 051 | 10 262 736 | 10 298 422 | 10 298 422 |
| ***L-Iżvezja*** | 13 455 218 | 13 459 695 | 13 464 172 | 13 468 649 | 13 473 126 | 13 477 604 | 13 477 604 |

## PROĊEDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| | |
|---|---|
| **Titolu** | L-istabbiliment ta' regoli dwar l-appoġġ għall-pjanijiet strateġiċi li jridu jitfasslu mill-Istati Membri taħt il-Politika Agrikola Komuni (il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK) u ffinanzjati mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) |
| **Referenzi** | COM(2018)0392 – C8-0248/2018 – 2018/0216(COD) |
| **Kumitat responsabbli**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | AGRI<br>11.6.2018 |
| **Opinjoni mogħtija minn**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | FEMM<br>5.7.2018 |
| **Rapporteur għal opinjoni**<br>Data tal-ħatra | Marijana Petir<br>4.9.2018 |
| **Eżami fil-kumitat** | 27.11.2018 |
| **Data tal-adozzjoni** | 26.2.2019 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 26<br>–: 3<br>0: 4 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Daniela Aiuto, Maria Arena, Heinz K. Becker, Malin Björk, Vilija Blinkevičiūtė, Iratxe García Pérez, Arne Gericke, Anna Hedh, Mary Honeyball, Teresa Jiménez-Becerril Barrio, Agnieszka Kozłowska-Rajewicz, Angelika Mlinar, Maria Noichl, Marijana Petir, João Pimenta Lopes, Terry Reintke, Michaela Šojdrová, Ernest Urtasun, Anna Záborská |
| **Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali** | Rosa Estaràs Ferragut, Urszula Krupa, Clare Moody, Branislav Škripek, Marc Tarabella, Mylène Troszczynski, Julie Ward |
| **Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali** | Franc Bogovič, Norbert Erdős, Andrzej Grzyb, Rina Ronja Kari, Maite Pagazaurtundúa Ruiz, Sofia Ribeiro, Bronis Ropė |

## VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| 26 | + |
|---|---|
| ALDE | Angelika Mlinar, Maite Pagazaurtundúa Ruiz |
| EFDD | Daniela Aiuto |
| PPE | Heinz K. Becker, Franc Bogovič, Norbert Erdős, Rosa Estaràs Ferragut, Andrzej Grzyb, Teresa Jiménez-Becerril Barrio, Agnieszka Kozłowska-Rajewicz, Marijana Petir, Sofia Ribeiro, Michaela Šojdrová, Anna Záborská |
| S&D | Maria Arena, Vilija Blinkevičiūtė, Iratxe García Pérez, Anna Hedh, Mary Honeyball, Clare Moody, Maria Noichl, Marc Tarabella, Julie Ward |
| VERTS/ALE | Terry Reintke, Bronis Ropė, Ernest Urtasun |

| 3 | - |
|---|---|
| ECR | Urszula Krupa, Branislav Škripek |
| ENF | Mylène Troszczynski |

| 4 | 0 |
|---|---|
| ECR | Arne Gericke |
| GUE/NGL | Malin Björk, Rina Ronja Kari, João Pimenta Lopes |

It-tifsira tas-simboli:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni

# PROĊEDURA TAL-KUMITAT RESPONSABBLI

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **Titolu** | L-istabbiliment ta' regoli dwar l-appoġġ għall-pjanijiet strateġiċi li jridu jitfasslu mill-Istati Membri taħt il-Politika Agrikola Komuni (il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK) u ffinanzjati mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) | | | |
| **Referenzi** | COM(2018)0392 – C8-0248/2018 – 2018/0216(COD) | | | |
| **Data meta ġiet ippreżentata lill-PE** | 1.6.2018 | | | |
| **Kumitat responsabbli**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | AGRI<br>11.6.2018 | | | |
| **Kumitati mitluba jagħtu opinjoni**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | DEVE<br>5.7.2018 | INTA<br>11.6.2018 | BUDG<br>11.6.2018 | CONT<br>11.6.2018 |
| | ENVI<br>11.6.2018 | ITRE<br>11.6.2018 | REGI<br>11.6.2018 | FEMM<br>5.7.2018 |
| **Opinjoni(jiet) mhux mogħtija**<br>Data tad-deċiżjoni | INTA<br>20.6.2018 | ITRE<br>19.6.2018 | | |
| **Kumitati assoċjati**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | ENVI<br>5.7.2018 | | | |
| **Rapporteurs**<br>Data tal-ħatra | Esther Herranz García<br>4.7.2018 | | | |
| **Data tal-adozzjoni** | 2.4.2019 | | | |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +:<br>–:<br>0: | 27<br>17<br>1 | | |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | John Stuart Agnew, Clara Eugenia Aguilera García, Eric Andrieu, José Bové, Daniel Buda, Nicola Caputo, Matt Carthy, Michel Dantin, Paolo De Castro, Albert Deß, Diane Dodds, Jørn Dohrmann, Herbert Dorfmann, Norbert Erdős, Luke Ming Flanagan, Karine Gloanec Maurin, Martin Häusling, Anja Hazekamp, Esther Herranz García, Jan Huitema, Peter Jahr, Ivan Jakovčić, Jarosław Kalinowski, Zbigniew Kuźmiuk, Norbert Lins, Philippe Loiseau, Mairead McGuinness, Giulia Moi, Ulrike Müller, James Nicholson, Maria Noichl, Marijana Petir, Laurenţiu Rebega, Bronis Ropė, Maria Lidia Senra Rodríguez, Ricardo Serrão Santos, Czesław Adam Siekierski, Tibor Szanyi, Marc Tarabella, Maria Gabriela Zoană, Marco Zullo | | | |
| **Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali** | Franc Bogovič, Maria Heubuch, Sandra Kalniete, Elsi Katainen, Gabriel Mato, Anthea McIntyre, Sofia Ribeiro, Annie Schreijer-Pierik, Vladimir Urutchev, Thomas Waitz | | | |
| **Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali** | Pilar Ayuso, Francesc Gambús, Ana Miranda, Jozo Radoš, Michaela Šojdrová, Lieve Wierinck | | | |
| **Data tat-tressiq** | 23.5.2019 | | | |

## VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI

| 27 | + |
|---|---|
| ALDE | Jan Huitema, Ivan Jakovčić, Elsi Katainen, Ulrike Müller |
| ECR | Zbigniew Kuźmiuk, James Nicholson, Stanisław Ożóg, Laurenţiu Rebega |
| GUE/NGL | Matt Carthy, Luke Ming Flanagan |
| PPE | Daniel Buda, Michel Dantin, Herbert Dorfmann, Norbert Erdős, Esther Herranz García, Peter Jahr, Jarosław Kalinowski, Norbert Lins, Mairead McGuinness, Gabriel Mato, Marijana Petir, Annie Schreijer-Pierik, Czesław Adam Siekierski |
| S&D | Clara Eugenia Aguilera García, Ricardo Serrão Santos, Tibor Szanyi, Maria Gabriela Zoană |

| 17 | - |
|---|---|
| ECR | Jørn Dohrmann |
| EFDD | Marco Zullo |
| ENF | John Stuart Agnew, Jacques Colombier, Philippe Loiseau |
| GUE/NGL | Anja Hazekamp, Maria Lidia Senra Rodríguez |
| PPE | Albert Deß |
| S&D | Eric Andrieu, Nicola Caputo, Paolo De Castro, Karine Gloanec Maurin, Maria Noichl, Marc Tarabella |
| VERTS/ALE | Martin Häusling, Bronis Ropė, Thomas Waitz |

| 1 | 0 |
|---|---|
| NI | Diane Dodds |

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni